ISSN 1725-5104

Ħarġa Speċjali *
1 ta' Awwissu 2007

Il-Ġurnal Uffiċjali
ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Prezz: 82 EUR

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali għandha n-Nru L 200 M.

Nota lill-Qarrejja

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 272	15	(2006/659/KE) 32006D0659	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover	1
	L 273	8	(2006/666/PESK) 32006D0666	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/666/PESK tal-15 ta' Settembru 2006 dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indonežja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonežja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh — AMM) u tal-persunal tagħha	3
	L 274	15	(2006/667/KE; EURATOM) 42006D0667	
			Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-20 ta' Settembru 2006 li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej	7
	L 275	65	(2006/670/PESK) 32006D0670	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/670/PESK tal-5 ta' Ottubru 2006 li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea ġdid għall-Asja Ċentrali	8
	L 275	66	(2006/671/PESK) 32006E0671	
			Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/671/PESK tal-5 ta' Ottubru 2006 li testendi l-validità tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)	9
	L 276	73	(2006/672/KE) 22006D0672	
			Deċiżjoni Nru 1/2006 tal-Kunsill Ta' L-Assoċjazzjoni UE-Marokk tas-26 ta' Settembru 2006 li joħloq SottoKumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokratizzazzjoni u l-Governanza	10
	L 276	109	(2006/675/PESK) 32006D0675	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/675/PESK ta' l-10 ta' Awwissu 2006 dwar kontribut mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)...	14
	L 276	110	(2006/676/PESK) 32006D0676	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/676/PESK ta' l-10 ta' Awwissu 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)	16
	L 279	1	(1491/2006/KE) 32006R1491	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1491/2006 ta' l-10 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw u dwar is-sajd fl-ilmijiet tal-Ginea-Bissaw għall-perjodu bejn is-16 ta' Ġunju 2006 u l-15 ta' Ġunju 2007	21
	L 280	29	(2006/684/KE) 32006D0684	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2006 li temenda l-Anness 2, Skeda A, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar ir-rekwiżiti ta' viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi u passaporti tas-servizz Indonežjani	23

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 282	1	(1515/2006/KE) 32006R1515	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1515/2006 ta' l-10 ta' Ottubru 2006 li jneħħi d-dazju kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonežja u fit-Tajlandja u li jtemm il-proċedimenti fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, wara reviżjonijiet ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) ta' dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajlandja	25
	L 283	1	(1532/2006/KE) 32006R1532	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1532/2006 tat-12 ta' Ottubru 2006 dwar il-kondizzjonijiet għal ċerti kwoti ta' importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja	35
	L 283	40	(2006/688/KE) 32006D0688	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni	37
	L 286	19	(2006/695/KE) 32006D0695	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	41
	L 288	30	(2006/700/KE) 32006D0700	
			Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Settembru 2006 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra	49
	L 290	1	(1562/2006/KE) 32006R1562	
			Regolament tal-Kunsill (KE) NRU 1562/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles	62
	L 290	6	(1563/2006/KE) 32006R1563	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1563/2006 tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros	67
	L 291	11	(2006/702/KE) 32006D0702	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni	72
	L 291	33	(2006/703/KE; EURATOM) 32006D0703	
			Decizjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2006 li taħtar membri Daniżi għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	94
	L 291	43	(2006/708/PESK) 32006E0708	
			Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/708/PESK tas-17 ta' Ottubru 2006 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat ta' Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX	96
	L 293	6	22006X1024(01)	
			Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Gżejjer Solomon	97
	L 294	1	(1582/2006/KE) 32006R1582	
			Regolament tal-Kunsill (KE) NRU 1582/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1907/90, fir-rigward tad-deroga dwar il-ħasil tal-bajd	98

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 294	51	(2006/716/KE) 32006D0716	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provvisorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	99
	L 294	72	(2006/718/PESK) 32006D0718	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/718/PESK tat-23 ta' Ottubru 2006 li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus	107
	L 296	1	(1591/2006/KE) 32006R1591	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1591/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 51/2006 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar bastimenti li jwettqu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-Atlantiku tal-Grigal	116
	L 296	24	(2006/725/PESK) 32006D0725	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/725/PESK tas-17 ta' Ottubru 2006 li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan	118
	L 298	27	(2006/729/PESK; ĠAI) 32006D0729	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/729/PESK/ĠAI tas-16 ta' Ottubru 2006 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti	119
	L 300	1	(1616/2006/KE) 32006R1616	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1616/2006 tat-23 ta' Ottubru 2006 dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija	124
	L 300	5	(1617/2006/KE) 32006R1617	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1617/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1207/2001 fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-introduzzjoni tas-sistema ta' akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja	128
	L 300	45	(2006/734/KE) 32006D0734	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provvisorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	132
	L 300	53	(2006/735/KE) 32006D0735	
			Deċiżjoni tal-kunsill tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	140
	L 308	18	(2006/755/PESK) 32006E0755	
			Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/755/PESK tas-7 ta' Novembru 2006 dwar l-akkoljenza temporanja mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani	141
	L 309	1	(1646/2006/KE) 32006R1646	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1646/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità	142
	L 309	2	(1647/2006/KE) 32006R1647	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1647/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro	143

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 309	9	(2006/756/PESK) 32006D0756	
			Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Darfur/4/2006 ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li taħtar Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan	145
	L 311	1	(1650/2006/KE) 32006R1650	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1650/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jestendi d-dazju definittiv kontra d-*dumping* impost mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni ta' kumarina li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonežja u l-Malażja kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Indonežja jew mill-Malażja kif ukoll jekk le	146
	L 311	6	(1651/2006/KE) 32006R1651	
			Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1651/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jtemm ir-reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli lill-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	151
	L 311	8	(1652/2006/KE) 32006R1652	
			Regolament tal-Kunsill (KE) NRU 1652/2006 tas-7 ta' Novembru 2006 li jtemm ir-reviżjoni fir-rigward ta' esportaturi ġodda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazji definittivi kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri sintetiċi diskontinwi tal-polyesters li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	153
	L 312	45	(2006/768/KE) 32006D0768	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2003/583/KE dwar l-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi li rċieva l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għall-operazzjonijiet magħmula fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, taħt it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt EDF	158
	L 313	15	(2006/773/PESK) 32006E0773	
			Azzjoni konġunta tal-kunsill 2006/773/PESK tat-13 ta' Novembru 2006 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)	160
	L 314	28	(2006/774/KE) 32006D0774	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2006 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex japplikaw rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 28(6), tad-Direttiva 77/388/KEE	161
	L 318	26	22006X1117(01)	
			Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq l-oħra	166
	L 318	43	(2006/787/PESK) 32006E0787	
			Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/787/PESK tat-13 ta' Novembru 2006 li ġġedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan	167
	L 319	37	(2006/789/KE) 32006D0789	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni f'materji ta' assigurazzjoni ta' kreditu, garanziji ta' kreditu u krediti finanzjarji (Verżjoni kodifikata)	168
	L 322	5	(2006/792/KE) 22006D0792	
			Deċiżjoni Nru 2/2006 tal-kunsill ta' assoċjazzjoni ue-ċili tas-16 ta' Ottubru 2006 dwar l-emendament ta' l-Anness I mal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-konsolidazzjoni tal-preferenzi tariffarji mogħtija liċ-Ċili mill-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (GSP)	177

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 322	32	(2006/795/PESK) 32006E0795	
			Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/795/PESK ta' l-20 ta' Novembru 2006 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea	192
	L 324	7	(2006/796/KE) 32006D0796	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar l-avveniment tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2010	196
	L 329	1	(1738/2006/KE) 32006R1738	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1738/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 930/2004 dwar miżuri temporanji ta' deroga dwar it-tfassil fil-lingwa Maltija ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea	197
	L 329	3	(1739/2006/KE) 32006R1739	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1739/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 li jtemm r-reviżjoni parzjali *ad interim* tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli għall-importazzjoni ta' silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa	199
	L 329	76	(2006/807/PESK) 32006D0807	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/807/PESK ta' l-20 ta' Novembru 2006 li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani	201
	L 330	18	(2006/848/KE) 32006D0848	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	202
	L 330	28	(2006/849/KE) 32006D0849	
			Deċizjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2006 li temenda u testendi d-Deċizjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles")	212
	L 330	30	(2006/850/KE) 32006D0850	
			Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2006 li testendi għall-Istati Membri li m'humiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/849/KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles")	214
	L 331	19	(2006/852/KE) 32006D0852	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-Banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awditur estern ta' Banka Slovenije	215
	L 331	21	(2006/853/PESK) 32006D0853	
			Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPOL COPPS/2/2006 tal-21 ta' Novembru 2006 dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)	217
	L 332	1	(1755/2006/KE) 32006R1755	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1755/2006 tat-23 ta' Novembru 2006 dwar l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna	218

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 335	1	(1758/2006/KE) 32006R1758	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1758/2006 tat-22 ta' Mejju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.	239
	L 335	5	(1760/2006/KE; EURATOM) 32006R1760	
			Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1760/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 li jintroduċi, fl-okkażjoni ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej	241
	L 335	38	(2006/862/KE) 32006D0862	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea	242
	L 335	42	(2006/863/KE) 32006D0863	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 2004/793/KE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tat-Togo skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou	246
	L 335	46	(2006/865/PESK) 32006D0865	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/865/PESK tat-28 ta' Novembru 2006 li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)	249
	L 335	47	(2006/866/PESK) 32006D0866	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/866/PESK tat-30 ta' Novembru 2006 li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal- Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)	250
	L 335	48	(2006/867/PESK) 32006E0867	
			Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/867/PESK tat-30 ta' Novembru 2006 li testendi u temenda l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)	251
	L 335	50	(2006/868/PESK) 32006E0868	
			Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/868/PESK tat-30 ta' Novembru 2006 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (RDK) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "Kinshasa")	253
	L 337	21	(2006/117/EURATOM) 32006L0117	
			Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom ta' l-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit	254
	L 337	33	(2006/872/KE) 32006D0872	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2006 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)	266

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 337	43	(2006/873/KE) 32006D0873 Deċiżjoni tal-kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)	276
	L 337	45	(2006/874/KE) 32006D0874 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mar-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M2 jew M3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom ([1])	278
	L 341	31	(2006/882/KE) 32006D0882 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, dwar kwoti tariffarji fuq iz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja jew mill-Komunità	279
	L 343	1	(1801/2006/KE) 32006R1801 Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja	285
	L 346	27	(2006/907/KE) 32006D0907 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2006 li taħtar membru Spanjol tal-Kumitat tar-Reġjuni	345
	L 346	30	(2006/909/KE) 32006D0909 Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tan-Norveġja dwar aġġustamenti fil-preferenzi kummerċjali għall-ġobon li saru fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1])	346
	L 346	33	(2006/910/KE) 32006D0910 Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ…	349
	L 346	67	(2006/913/PESK) 32006E0913 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/913/PESK tas-7 ta' Diċembru 2006 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA") Estenzjoni għall-2007	357
	L 349	47	(2006/914/KE) 32006D0914 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)	359
	L 349	57	(2006/918/PESK) 32006E0918 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/918/PESK tal-11 ta' Diċembru 2006 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u possibbilment f'oqsma oħra fil-Kosovo	363

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 351	19	(2006/921/KE) 32006D0921	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa	365
	L 355	1	(1839/2006/KE) 32006R1839	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1839/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina, konformement ma' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni	367
	L 355	4	(1840/2006/KE) 32006R1840	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1840/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazju definittiv ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li joriġinaw fl-Indja	370
	L 355	91	(2006/930/KE) 32006D0930	
			Deċiżjoni tal-kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea	372
	L 358	51	(2006/942/KE) 32006D0942	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Gujana, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika ta' Surinam, Saint Kitts u Nevis, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika ta' l-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, ir-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006 u ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005/2006	376
	L 360	1	(1870/2006/KE) 32006R1870	
			Regolament tal-kunsill (KE) Nru 1870/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Każakstan	385
	L 360	21	(1871/2006/KE) 32006R1871	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1871/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità u l-Ukrajna	404
	L 360	41	(1872/2006/KE) 32006R1872	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1872/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità u l-Federazzjoni Russa	424
	L 360	61	(1873/2006/KE; EURATOM) 32006R1873	
			Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1873/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal *allowances* għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom	444
	L 365	1	(1909/2006/KE) 32006R1909	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1909/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni li joriġinaw mill-Ġappun	445

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 365	7	(1910/2006/KE) 32006R1910	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1910/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' sistemi tat-telekamera li joriġinaw fil-Ġappun wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96	451
	L 365	26	(1911/2006/KE) 32006R1911	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1911/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96	470
	L 365	86	(2006/978/KE) 32006D0978	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar l-għoti ta' l-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u għal tmexxija tajba wara l-1 ta' Jannar 2007 lir-Repubblika ta' El Salvador	494
	L 365	87	(2006/979/PESK) 32006D0979	
			Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPM/1/2006 tal-5 ta' Diċembru 2006 li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH)	495
	L 365	88	(2006/980/PESK) 32006D0980	
			Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUPT/2/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo	496
	L 367	1	(1941/2006/KE) 32006R1941	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1941/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2007	497
	L 367	18	(1942/2006/KE) 32006R1942	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita	514
	L 367	21	(1943/2006/KE) 32006R1943	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1943/2006 tat-12 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 876/2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta GALILEO	517
	L 367	25	(1945/2006/KE; EURATOM) 32006R1945	
			Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1945/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali li jkunu ntitolati għal, u l-kondizzjonijiet għal, u r-rati ta', *allowances* għal xogħol regolari ta' *stand-by*	519
	L 367	68	(2006/999/KE) 22006D0999	
			Deċiżjoni Nru 2/2006 tal-Kunsill ta' assoċjazzjoni ke-turkija tas-17 ta' Ottubru 2006 li temenda l-Protokoll 1 u 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 dwar ir-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli	520
	L 367	77	(2006/1000/PESK) 32006D1000	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1000/PESK tal-11 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Amerika Latina u l-Karibew	529

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 379	123	(2006/1008/KE) 32006D1008	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2006 li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu	532
	L 379	129	(2006/1011/PESK) 32006E1011	
			Pożizzjoni komuni tal-Kunsill 2006/1011/PESK tal-21 ta' Diċembru 2006 li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu	534
	L 384	8	(2012/2006/KE) 32006R2012	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	536
	L 384	92	(2006/138/KE) 32006L0138	
			Direttiva tal-Kunsill 2006/138/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-arranġamenti għat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi ta' xandir bir-radju u bit-televiżjoni u għal ċerti servizzi pprovduti elettronikament	541
	L 384	98	(2006/1012/KE) 32006D1012	
			Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehim bilaterali fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti	543
	L 386	1	(1889/2006/KE) 32006R1889	
			Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja	549
	L 386	12	(1890/2006/KE) 32006R1890	
			Regolament (KE) Nru 1890/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli, rigward il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2007-2009 u l-kontribuzzjoni massima mill-Komunità għall-Bulgarija u r-Rumanija	560
	L 386	14	(1891/2006/KE) 32006R1891(01)	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1891/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 6/2002 u (KE) Nru 40/94 biex jagħti effett lill-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali	562
	L 386	17	(2006/953/KE) 32006D0953	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provizorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	565
	L 386	28	(2006/954/KE) 32006D0954	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999	576
	L 386	44	(2006/955/KE; EURATOM) 32006D0955	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tar-reġim lingwistiku	592

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 386	45	(2006/956/KE;EURATOM) 32006D0956	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tar-reġim lingwistiku	593
	L 386	46	(2006/957/KE) 32006D0957	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali	584
	L 386	50	(2006/958/KE) 32006D0958	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera	598
	L 386	55	(2006/959/KE) 32006D0959	
			Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, imlaqqgħin fi Ħdan il-Kunsill ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra [1]	603
	L 386	89	(960/2006/ĠAI) 32006F0960	
			Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea	637
	L 410	110	(2006/1004/KE) 32006D1004	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, rispettivament, li jistabbilixxu proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni	649
	L 411	3	(1007/2006/ĠAI) 32006R1988	
			Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1007/ĠAI tal-21 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2001/886/ĠAI dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)	666
	L 411	5	(1989/2006/KE) 32006R1989	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1989/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999	668
	L 411	7	(1990/2006/KE) 32006R1990	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1990/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina"	670
	L 411	15	(2006/1006/KE) 32006D1006	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra	674

[1] Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

Sena	*Referenzi* ĠU Nru			Pagna
2006	L 411	43	(1007/2006/KE) 32006D1007	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1007/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2424/2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)	702
	L 414	1	(2027/2006/KE) 32006R2027	
			Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde	704
	L 414	84	(2006/1015/KE) 32006D1015	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Malażja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru	729
	L 414	95	(2006/1016/KE) 32006D1016	
			Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità	740

32006D0659

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Settembru 2006

li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover

(2006/659/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-Sitt Direttiva tal-Kunsill (77/388/KEE) tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' taxxi fuq it-turnover — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud; bażi uniformi ta' stima [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Permezz ta' ittra rreġistrata mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2005, ir-Renju Unit talab awtorizzazzjoni biex jidderoga mill-Artikolu 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE.

(2) B'konformità ma' l-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Kummissjoni informat lill-Istati Membri l-oħra b'ittra li ġġib id-data tat-26 ta' Ottubru 2005 bit-talba magħmula mir-Renju Unit. B'ittra li ġġib id-data tas-27 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha li kkunsidrat meħtieġa biex tivvaluta t-talba.

(3) Ir-Renju Unit jixtieq jissostitwixxi d-deroga, stipulata fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/356/KEE tal-21 ta' Lulju 1986 li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżuri ta' rata fissa relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud li ma tistax titnaqqas imħallsa fuq l-ispiża tal-fjuwil tal-karozzi tax-xogħol [2], li awtorizzat miżuri ta' simplifikazzjoni speċjali sabiex tiddetermina fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li tikkonċerna l-ispiża tal-fjuwil fil-karozzi tax-xogħol użati parzjalment għal użu privat. Din il-proċedura teħles lill-persuni taxxabbli mill-bżonn li jżommu reġistri dettaljati tal-mili li għamlu sabiex jikkalkulaw, għal kull karozza, l-ammont eżatt ta' VAT li għandu x'jaqsam mas-sewqan privat u ma' dak tal-kumpanija. Bħal din is-sistema, is-sistema proposta l-ġdida se tkun fakultattiva għal persuni taxxabbli.

(4) Is-sistema attwali tissejjes fuq it-tip ta' fjuwil użat u d-daqs tal-magna tal-karozza. Ir-Renju Unit jixtieq jemenda din is-sistema u jibbażaha fuq il-livell ta' emissjonijiet ta' dijossidju tal-karbonju (CO_2) mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjoniiet u l-konsum tal-fjuwil u għalhekk ma' l-ispiża fuq il-fjuwil. Dan ifisser li sistema ta' skala ta' rata fissa msejsa fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 tista' tikseb l-istess għan tat-taxxa fuq l-ispiża tal-fjuwil tal-kumpanija għas-sewqan privat. Fl-istess ħin, ir-Renju Unit jistenna wkoll li jikseb aktar reqqa fid-determinazzjoni ta' l-ispiża għal konsum privat billi jżid, u b'hekk jispeċifika, in-numru tal-meded ta' l-iskala meta mqabbel mal-meded eżistenti.

(5) Dan l-arranġament ippermetta effettivament lir-Renju Unit sabiex jissimplifika l-proċedura għall-ħlas tat-taxxa fuq l-ispiża tal-fjuwil għall-karozzi tax-xogħol u s-sistema proposta, imsejsa fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 se jkollha effett simili. Il-konsum privat għandu jintwera b'aktar reqqa bis-sistema l-ġdida.

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/69/KE (ĠU L 221, 12.8.2006, p. 9).

[2] ĠU L 212, 2.8.1986, p. 35.

(6) L-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata fiż-żmien, sabiex fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba sa dik id-data tista' tintlaħaq valutazzjoni dwar jekk id-deroga tibqax ġustifikata jew le.

(7) Id-Deċiżjoni 86/356/KEE għandha tiġi revokata wara ċertu perjodu iżda f'kwalunkwe każ fid-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jintroduċu l-miżura speċjali, sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn l-awtorizzazzjoni għażżewġ sistemi teżisti fl-istess ħin.

(8) Ir-Renju Unit għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jintroduċu l-miżura speċjali l-ġdida malli jiġu adottati u għandu jiżgura li din il-miżura ma tidħolx fis-seħħ qabel it-30 ta' April 2007.

(9) Id-deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunità li jirriżultaw mill-ġbir tal-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Renju Unit hu awtorizzat, mill-1 ta' Mejju 2007 sal-31 ta' Diċembru 2015, li jiffissa fuq bażi ta' rata fissa l-proporzjon tat-taxxa ta' valur miżjud relatata ma' l-ispiża tal-fjuwil użat għal raġunijiet privati fuq karozzi tax-xogħol.

Artikolu 2

Dan il-proporzjon tat-taxxa msemmi fl-Artikolu 1 għandu jintwera f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tas-CO_2 tat-tip ta' vettura, li jirrifletti l-konsum tal-fjuwil. Ir-Renju Unit għandu jaġġusta dawn l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fin-nefqa medja tal-fjuwil.

Artikolu 3

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għal persuni taxxabbli.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/356/KEE hija revokata fit-30 ta' April 2007.

Ir-Renju Unit għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1 malli dawn jiġu adottati.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

32006D0666

L 273/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 4.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/666/PESK

tal-15 ta' Settembru 2006

dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indonesja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonesja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh — AMM) u tal-persunal tagħha

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/407/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK li tistabbilixxi l-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonesja) (Missjoni ta' Monitoraġġ ta' Aceh — AMM) [1] għal perjodu ieħor ta' tliet xhur sal-15 ta' Settembru 2006.

(2) F'dik id-data l-Kunsill adotta wkoll id-Deċiżjoni 2006/448/PESK [2] dwar l-estensjoni għal 3 xhur, sal-15 ta' Settembru 2006, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indonesja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonesja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh — AMM) u tal-persunal tagħha.

(3) Fil-21 ta' Lulju 2006 l-Gvern ta' l-Indonesja stieden lill-Unjoni Ewropea sabiex testendi l-mandat tal-AMM għal perjodu finali ta' tliet xhur sal-15 ta' Diċembru 2006.

(4) L-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri b'perjodu ta' tliet xhur sal-15 ta' Diċembru 2006 għandha tiġi approvata f'isem l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indonesja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonesja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh — AMM) u tal-persunal tagħha b'perjodu ta' tliet xhur sal-15 ta' Diċembru 2006 hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test ta' l-Iskambju ta' Ittri li jikkostitwixxi l-Ftehim dwar din l-estensjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw l-Iskambju ta' Ittri sabiex l-Unjoni Ewropea tintrabat [3].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

---

[1] ĠU L 158, 10.6.2006, p. 20.
[2] ĠU L 176, 30.6.2006, p. 107.
[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

322006A1004(01)

SKAMBJU TA' ITTRI

dwar l-estensjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Indonežja dwar il-kompiti, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (l-Indonežja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh — AMM) u tal-persunal tagħha

A. *Ittra mill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja*

Ġakarta, 21 ta' Lulju 2006

Eċċellenza,

F'isem il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja, nixtieq nesprimi l-apprezzament tagħna lill-Unjoni Ewropea għall-Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh (AMM) u għar-rwol eċċezzjonali tagħha mill-insedjament tagħha fil-Provinċja ta' Nanggroe Aceh Darussalam (NAD).

Billi s-soluzzjoni paċifika għall-kwistjoni ta' Aceh kisbet wieħed mill-aktar stadji importanti tagħha, jiġifieri l-adozzjoni tal-liġi l-ġdida dwar l-iggvernar ta' Aceh mill-Parlament Indonežjan, il-poplu ta' Aceh issa qed iħejji sabiex jeżerċita d-drittijiet ċivili u politiċi tiegħu, jiġifieri, li jipparteċipa fl-elezzjoni lokali li se tinżamm f'Novembru 2006.

F'dan ir-rigward, għandi l-unur ngħaddilek id-deċiżjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja li jistieden lill-Unjoni Ewropea sabiex testendi għall-aħħar darba l-preżenza tagħha f'NAD għal perjodu mis-16 ta' Settembru 2006 sal-15 ta' Diċembru 2006 jew sa data aktar bikrija wara l-elezzjoni lokali f'NAD li għandha tinżamm fit-22 ta' Novembru 2006. Il-Gvern Indonežjan joffri lill-Eċċellenza Tiegħek diskrezzjoni dwar l-għażla minn dawn id-dati ta' tmiem ta' din l-estensjoni.

Il-ħidmiet ta' l-AMM matul dan il-perjodu se jinkludu l-kompiti ta' l-AMM kif stipulati fl-Artikoli 5.1 u 5.2 paragrafi g. u h. tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja u l-Moviment Aceh Ħieles tal-15 ta' Awwissu 2005.

Matul dan il-perjodu ta' estensjoni finali, l-istatus, il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-AMM se jkunu identiċi għal dawk stipulati fl-Iskambju ta' l-Ittri tagħna rispettivament datati l-14 ta' Settembru 2005 u t-3 ta' Ottubru 2005 li jikkostitwixxu strument li jorbot legalment bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja u l-Unjoni Ewropea.

Jekk il-proposta hawn fuq imsemmija hija aċċettabbli għall-Unjoni Ewropea, għandi l-unur ukoll nipproponi li din l-ittra kif ukoll l-ittra affermattiva tiegħek bħala tweġiba flimkien jikkostitwixxu strument li jorbot legalment bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja u l-Unjoni Ewropea. Dan l-istrument għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2006 u jiġi terminat mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2006. Għall-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonežja dan il-qafas legali huwa bbażat fuq il-Liġi Indonežjana Nru 2 ta' l-1982 datata l-25 ta' Jannar 1982 dwar ir-Ratifika tal-Konvenzjoni dwar Missjoni Speċjali, 1969.

Barra minn hekk, kif miftiehem fil-paragrafu 1.2.7 tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Helsinki li jaqra, "Sorveljanti barranin se jiġu mistiedna jagħmlu monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet f'Aceh", nixtieq ukoll nipproponilek tibgħat sorveljanti ta' l-Unjoni Ewropea għall-elezzjonijiet matul it-tħejjija u fiż-żmien ta' l-elezzjoni lokali f'NAD. L-Indonežja hija lesta tiddiskuti l-iskeda ta' żmien, it-termini ta' referenzi u kwistjonijiet oħra relevanti għall-preżenza ta' tali sorveljanti b'konsultazzjoni sħiħa mal-kummissjoni elettorali lokali kif sar fl-imgħoddi.

Nemmen li l-koperazzjoni kostruttiva li ġiet stabbilita, bil-ħsieb li tkun provduta soluzzjoni paċifika, komprensiva u sostenibbli għall-isfidi tas-sitwazzjoni f'Aceh, fi ħdan il-qafas ta' l-Istat Unitarju tar-Repubblika ta' l-Indoneżja, tista' tkun sostnuta u msaħħa aktar.

Nistenna bil-ħerqa l-konsiderazzjoni pożittiva tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Dr. N. Hassan Wirajuda

B. *Ittra mill-Unjoni Ewropea*

Brussell, 15 ta' Settembru 2006

Eċċellenza,

Għandi l-unur nirreferi għall-ittra tiegħek tal-21 ta' Lulju 2006 li fiha inti twasslilna d-deċiżjoni tal-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonesja li jistieden lill-Unjoni Ewropea testendi għall-aħħar darba l-preżenza tagħha fil-Provinċja ta' Nanggroe Aceh Darussalam (NAD) għal perjodu ta' tliet xhur mis-16 ta' Settembru 2006 sal-15 ta' Diċembru 2006.

Għandi l-pjaċir nikkonfermalek li l-Unjoni Ewropea qablet li tirrispondi b'mod pożittiv għal din l-istedina.

Nikkonferma li, skond it-termini ta' l-Iskambju ta' l-Ittri tagħna rispettivament datati l-14 ta' Settembru 2005 u t-3 ta' Ottubru 2005 li jikkostitwixxu strument li jorbot legalment bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonesja u l-Unjoni Ewropea, dan l-istrument se jiġi estiż sal-15 ta' Diċembru 2006.

Il-ħidma ta' l-AMM matul dan il-perjodu se tinkludi l-kompiti ta' l-AMM kif stipulati fl-Artikoli 5.1 u 5.2 paragrafi g. u h. tal-Memorandum ta' Ftehim bejn il-Gvern ta' l-Indonesja u l-Moviment Aceh Ħieles tal-15 ta' Awwissu 2005.

Għandi l-unur ukoll nikkonferma li l-ittra tiegħek u din l-ittra ta' tweġiba jikkostitwixxu strument li jorbot legalment bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indonesja u l-Unjoni Ewropea. Dan l-istrument għandu jidħol fis-seħħ fis-16 ta' Settembru 2006 u jiġi terminat fil-15 ta' Diċembru 2006.

Ippermettili għal darb'oħra nieħu din l-opportunità sabiex nuri l-apprezzament ta' l-UE għall-progress li sar fil-proċess ta' paċi ta' Aceh u sabiex nafferma mill-ġdid l-impenn kontinwu ta' l-Unjoni Ewropea fl-appoġġ tagħha għall-iżvilupp ta' soluzzjoni paċifika, komprensiva u sostenibbli għall-isfidi li għandu quddiemu Aceh.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Dejjem tiegħek,

Javier Solana

42006D0667

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

ta' l-20 ta' Settembru 2006

li taħtar imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2006/667/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Billi:

Skond l-Artikoli 5 u 7, flimkien ma' l-Artikolu 47 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u konsegwentement għarriżenja tas-Sinjura Verica TRSTENJAK, għandu jinħatar imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej għall-perjodu li fadal tal-mandat tagħha, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2007,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Miro PREK huwa b'dan maħtur imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej mid-data tal-ġurament tiegħu sal-31 ta' Awwissu 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Settembru 2006.

Il-President
E. KOSONEN

32006D0670

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/670/PESK

tal-5 ta' Ottubru 2006

li taħtar Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea ġdid għall-Asja Ċentrali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 18(5) flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Billi,

(1) Fit-28 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/588/PESK [1] li taħtar lis-Sur Ján Kubiš bħala Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Asja Ċentrali, li l-mandat tiegħu ġie estiż sat-28 ta' Frar 2007.

(2) B'ittra datata l-4 ta' Lulju 2006, is-Sur Kubiš ippreżenta r-riżenja tiegħu bħala RSUE, b'effett mill-5 ta' Lulju 2006. Għandu għaldaqstant jinħatar RSUE ġdid għaż-żmien li jifdal tal-mandat.

(3) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi (SĠ/RGħ) irrakkomanda li jinħatar is-Sur Pierre Morel bħala r-RSUE ġdid għall-Asja Ċentrali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Pierre Morel huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea l-ġdid għall-Asja Ċentrali. Huwa għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skond il-mandat stabbilit fl-Azzjoni Konġunta 2005/588/PESK u l-modalitajiet dettaljati li jinsabu fiha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sat-28 ta' Frar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMÄKI

[1] ĠU L 199, 29.7.2005, p. 100. Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2006/118/PESK, 20 ta' Frar 2006 (ĠU L 49, 21.2.2006, p. 7).

32006E0671

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/671/PESK

tal-5 ta' Ottubru 2006

li testendi l-validità tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2004/694/PESK dwar miżuri ulterjuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Ottubru 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK [1] dwar miżuri ulterjuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY), sabiex jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lill-persuni kollha akkużati pubblikament mill-ICTY għal delitti ta' gwerra li mhumiex fil-kustodja tat-Tribunal.

(2) Il-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK tapplika sa l-10 ta' Ottubru 2006.

(3) Il-Kunsill jikkunsidra li jeħtieġ li l-validità tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK tiġi estiża għal 12-il xahar ieħor.

(4) Azzjoni mill-Komunità hija meħtieġa sabiex jiġu implimentati dawn il-miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-validità tal-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK hija permezz ta' dan estiża sa l-10 ta' Ottubru 2007.

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il–President
K. RAJAMÄKI

---

[1] ĠU L 315, 14.10.2004, p. 52. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/484/PESK (ĠU L 189, 12.7.2006, p. 25).

22006D0672

DEĊIŻJONI Nru 1/2006 TAL-KUNSILL TA' L-ASSOĊJAZZJONI UE-MAROKK

tas-26 ta' Settembru 2006

li joħloq SottoKumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokratizzazzjoni u l-Governanza

(2006/672/KE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra [1], hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim" u b'mod partikolari l-Artikolu 84 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-rispett għal u l-promozzjoni tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jifformaw parti integrali u essenzjali mill-qafas li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-imsieħba Mediterranji tagħha.

(2) Minħabba l-importanza tagħhom bħala element essenzjali tal-Ftehim, dawn il-materji se jiġu diskussi bl-attenzjoni debita fid-diversi korpi stabbiliti taħt il-Ftehim.

(3) Il-politika tal-viċinat ta' l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi miri ambizzjużi, ibbażati fuq sens ta' rabta rikonoxxut reċiprokament mal-valuri komuni, li jinkludi demokrazija, l-istat tad-dritt, governanza tajba u rispett għal u promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

(4) Ir-relazzjonijiet ta' l-UE mal-pajjiżi tal-Mediterran tannofsinhar qed isiru iktar kumplessi bħala riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim Ewro-Mediterranji u l-kontinwazzjoni tas-sħubija Ewro-Mediterranja.

(5) Għandu jsir monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tas-sħubija u l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni. Il-kompetenzi ta' l-UE jipprovdu qafas għall-iżvilupp ta' relazzjonijiet u kooperazzjoni mal-pajjiżi Mediterranji b'mod li jieħu in konsiderazzjoni l-ħtieġa li l-Proċess sħiħ ta' Barċellona ikun koerenti u bilanċjat.

(6) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill diġà ddeċidiet li toħloq sottokumitati tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni sabiex jipprovdu qafas istituzzjonali xieraq għall-implimentazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokratizzazzjoni u l-Governanza huwa b'dan stabbilit u r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif stabbiliti fl-Anness, huma b'dan adottati.

Is-Sottokumitat għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, u għandu jirrapporta lilu wara kull laqgħa. Is-Sottokumitat m'għandux setgħa li jieħu deċiżjonijiet. Madankollu huwa jista' jissottometti proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

Kwistjonijiet fi ħdan il-mandat tas-Sottokumitat jistgħu jiġu indirizzati wkoll f'livelli aktar għoljin fid-djalogu politiku bejn l-UE u l-Marokk.

[1] ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jiżgura li s-Sottokumitat jaħdem sew u jinforma lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għaldaqstant.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS

Regoli ta' Proċedura Sottokumitat UE-Marokk Nru 7 Drittijiet tal-Bniedem, Demokratizzazzjoni u Governanza

1. Kompożizzjoni u presidenza

Is-Sottokumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u rappreżentanti tal-Gvern tar-Renju tal-Marokk u għandu jkun ppresedut alternattivament miż-żewġ partijiet.

2. Rwol

Is-Sottokumitat għandu jaħdem taħt l-awtorità tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, u għandu jirrapporta lilu wara kull laqgħa. Is-Sottokumitat m'għandux ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet. Madankollu huwa jista' jagħmel proposti lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

3. Suġġetti

Is-Sottokumitat għandu jeżamina l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-oqsma elenkati hawn taħt. Għal kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni u l-governanza inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Viċinat bejn l-UE-Marokk, is-Sottokumitat għandu jkun is-segwitu tekniku tal-mekkaniżmu prinċipali. Huwa għandu jivvaluta l-progress fuq l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar. Kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu diskussi wkoll. Is-Sottokumitat għandu jivvaluta l-progress u jeżamina xi problemi li jistgħu jinqalgħu fis-setturi elenkati hawn taħt u għandu jissuġġerixxi miżuri li jistgħu jittieħdu.

(a) L-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-demokrazija, inkluż b'mod partikolari: it-tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt; l-indipendenza tal-ġudikatura u l-aċċess għal ġustizzja u modernizzazzjoni tal-ġustizzja.

(b) It-twettiq ta' ratifika u implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-protokolli għal dawk il-konvenzjonijiet. L-implimentazzjoni ta' rapportar ta' obbligi u l-progress f'reviżjoni tar-riżervi.

(ċ) Rinfurzar tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali nazzjonali.

Il-lista ta' hawn fuq mhijiex kompluta u suġġetti rilevanti oħrajn, inkluż kwistjonijiet orizzontali, per eżempju l-istatistika, jistgħu jiżdiedu mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-programm reġjonali.

Is-Sottokumitat jista' jiddiskuti suġġetti relatati ma' qasam wieħed, diversi oqsma jew l-oqsma kollha ta' hawn fuq.

4. Segretarjat

Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tar-Renju tal-Marokk għandhom jaġixxu flimkien bħala segretarji permanenti tas-Sottokumitat.

Il-komunikazzjonijiet kollha dwar is-Sottokumitat għandha tiġi trasmessa lis-segretarji.

5. Laqgħat

Is-Sottokumitat għandu jiltaqa' kull meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu u mill-inqas darba fis-sena. Laqgħa tista' tissejjaħ abbażi ta' talba minn parti jew minn oħra, li titwassal mis-segretarju konċernat, li jgħaddi t-talba lill-parti l-oħra. Meta jirċievi t-talba għal laqgħa tas-Sottokumitat, is-segretarju tal-parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol.

F'każ ta' urġenza partikolari, is-Sottokumitat jista' jissejjaħ fi żmien iqsar jekk iż-żewġ partijiet jaqblu. It-talbiet kollha sabiex jissejħu laqgħat għandhom isiru bil-miktub.

Il-laqgħat tas-Sottokumitat għandhom isiru fid-data u l-post li dwarhom kien hemm qbil miż-żewġ partijiet.

Il-laqgħat jissejħu mis-segretarju fil-kariga bi qbil mal-President. Qabel kull laqgħa, il-President jiġi nformat bil-komposizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni ta' kull parti.

Jekk iż-żewġ partijiet jaqblu, is-Sottokumitat jista' jistieden lil xi esperti għal-laqgħat tiegħu sabiex dawn jipprovdu informazzjoni speċifika.

6. Aġenda tal-laqgħat

It-talbiet kollha għal punti li għandhom jiddaħħlu fl-aġenda tas-Sottokumitat għandhom jingħaddu lis-segretarji.

Aġenda proviżorja għandha titfassal mill-president għal kull laqgħa. Hija għandha tiġi tingħadda mis-segretarju in kariga lill-kontraparti tiegħu sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-bidu ta' kull laqgħa.

Il-punti li għandhom jiddaħħlu fl-aġenda proviżorja għandhom jiġu notifikati lis-segretarji mill-inqas ħmistax-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Dokumentazzjoni relatata għandha tiġi rċevuta miż-żewġ partijiet mill-inqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni każijiet partikolari u/jew urġenti, notifika u forniment ta' dokumentazzjoni iktar tard jistgħu jkunu permessi, dment li ż-żewġ partijiet jaqblu.

L-aġenda għandha tkun adottata mis-Sottokumitat fil-bidu ta' kull laqgħa.

7. Minuti

Il-minuti għandhom jittieħdu u jsir qbil dwarhom miż-żewġ segretarji wara kull laqgħa. Kopja tal-minuti, inkluż il-proposti tas-Sottokumitat, għandhom jiġu jingħaddu mis-segretarji tas-Sottokumitat lis-segretarji u lill-president tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni.

8. Pubbliċità

Sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor, il-laqgħat tas-Sottokumitat m'għandhomx ikunu pubbliċi u l-proċedimenti tiegħu m'għandhomx isiru pubbliċi.

32006D0675

7.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 276/19

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/675/PESK

ta' l-10 ta' Awwissu 2006

dwar kontribut mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 13 (3) tiegħu.

Billi:

(1) Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tat-Trattat u skond l-Artikolu 10(2) ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/319/PESK tas-27 ta' April 2006 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni [1] adotta d-Deċiżjoni MONUC SPT/1/2006 [2] u d-Deċiżjoni SPT/2/2006 [3] fit-30 ta' Mejju 2006.

(2) Fuq rakkomandazzjonijiet dwar kontribut mill-Konfederazzjoni Żvizzera mill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE u tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea, il-kontribut mill-Konfederazzjoni Żvizzera għandu jiġi aċċettat.

(3) Skond l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u l-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-offerta għal kontribut mill-Konfederazzjoni Żvizzera għall-Operazzjoni EUFOR RD Kongo hija b'dan aċċettata.

2. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tkun rappreżentata fil-Kumitat ta' Kontributuri stabbilit bid-Deċiżjoni MONUC SPT/2/2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 116, 29.4.2006, p. 98.
[2] ĠU L 197, 19.7.2006, p. 14.
[3] ĠU L 194, 14.7.2006, p. 31.

32006D0676

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/676/PESK

ta' l-10 ta' Awwissu 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

Billi:

(1) Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK dwar l- operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan- Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l- elezzjoni [1] (Operazzjoni EUFOR RD Kongo).

(2) L-Artikolu 10 (3) ta' dik l-Azzjoni Konġunta jistipula li arranġamenti dettaljati dwar il- parteċipazzjoni ta' Stati terzi għandhom ikunu s-suġġett ta' Ftehim li jiġu konklużi f'konformità ma' l-Artikolu 24 tat-Trattat.

(3) Wara l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill fit-13 ta' Settembru 2004, il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi, innegozjat Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-Operazzjoni EUFOR RD Kongo.

(4) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jkun approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Kongo) huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 116, 29.4.2006, p. 98.

22006A1007(01)

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Congo)

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea lill-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera

Brussell, 10 ta' Awwissu 2006

Għażiż Sinjur,

Nixtieq nirringrazzjak għall-offerta ta' pajjiżek għal kontribut lill-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Congo). L-offerta ser tkun kontribut importanti għall-Operazzjoni u għandi l-pjaċir ngħarrfek li l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li jaċċetta l-offerta ta' l-Iżvizzera għal kontribut lill-Operazzjoni EUFOR RD Congo u li jistieden lil pajjiżek biex ikun rappreżentat fil-Kumitat tal-Kontributuri.

Kif diġà indikat fl-ittra tiegħi tat-28 ta' Lulju 2006, l-Iżvizzera għandha tikkonkludi ftehim ma' l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tagħha fl-Operazzjoni EUFOR RD Congo. Sakemm jiġi konkluż l-Abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-Unjoni Ewropea, qed nipproponi li l-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fl-operazzjoni għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet imniżżlin fl-Anness I għal din l-ittra.

Jekk dawn id-dispożizzjonijiet huma sodisfaċenti għalik, nissuġġerixxi li din l-ittra, inkluż l-Anness I għal din l-ittra, u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera għall-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fl-Operazzjoni EUFOR RD Congo, li għandu jiġi applikat proviżorjament sa mid-data tal-firma tat-tweġiba tiegħek.

Għalhekk, qed nehmeż ukoll fl-Anness II, f'isem l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja ta' pretensjonijiet mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Korteżement nitlob lill-Iżvizzera sabiex tagħmel dikjarazzjoni parallela skond il-mudell imfassal f'dak l-Anness.

Dejjem tiegħek,

Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea



ANNESS I

Dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Congo)

1. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tassoċja ruħha ma' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/319/PESK tas-27 ta' April 2006 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni [1] u ma' kwalunkwe Azzjoni Konġunta jew Deċiżjoni li biha l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jiddeċiedi li jestendi l-operazzjoni militari ta' l-UE, skond dawn l-arranġamenti u kwalunkwe arranġament implimentattiv meħtieġ.

2. Il-kontribut tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-operazzjoni militari ta' l-UE hu mingħajr preġudizzju għall-awtonomija ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

3. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tiżgura li l-forzi u l-persunal tagħha parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE jwettqu l-missjoni tagħhom skond:

— l-Azzjoni Konġunta 2006/319/PESK u emendi sussegwenti eventwali;

— il-Pjan ta' Operazzjoni;

— il-miżuri implementattivi.

4. Il-forzi u l-persunal issekondati għall-operazzjoni mill-Konfederazzjoni Żvizzera għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom u jġibu ruħhom biss bl-interess ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE f'moħħhom.

5. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tinforma lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE fi żmien debitu dwar kwalunkwe bidla fil-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni, inkluż l-irtirar tal-kontribut tagħha.

6. L-istatus tal-forzi u l-persunal ikkontribwiti lill-operazzjoni militari ta' l-UE mill-Konfederazzjoni Żvizzera għandu jkun irregolat mid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi applikabbli għall-EUFOR RD Congo.

7. L-istatus tal-forzi u l-persunal ikkontribwiti lill-kwartieri ġenerali jew lill-elementi ta' kmand li jinsabu barra mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-Gabon għandu jkun irregolat minn arranġamenti bejn il-kwartieri ġenerali u l-elementi ta' kmand konċernati u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

8. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi msemmijin fil-paragrafu 6, il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha teżerċita ġurisdizzjoni fuq il-forzi u l-persunal tagħha parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE.

9. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tkun responsabbli li twieġeb għal kwalunkwe pretensjoni marbuta mal-parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari ta' l-UE, minn jew li tirrigwarda kwalunkwe mill-forzi u l-persunal tagħha. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tkun responsabbli li ġġib kwalunkwe azzjoni, b'mod partikolari legali jew dix-xiplinarja, kontra kwalunkwe mill-forzi u l-persunal tagħha, skond il-liġijiet u regolamenti tagħha.

10. Il-Konfederazzjoni Żvizzera timpenja ruħha li tagħmel dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE, u li tagħmel dan waqt li qed jiġi ffirmat dan il-Ftehim.

11. L-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tiżgura li l-Istati Membri tagħha jagħmlu dikjarazzjoni fir-rigward tar-rinunzja ta' pretensjonijiet, għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-UE, u li din id-dikjarazzjoni tintbagħat waqt li qed jiġi ffirmat dan il-Ftehim.

[1] ĠU L 116, 29.4.2006, p. 98.

12. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tieħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li l-informazzjoni klassifikata ta' l-UE tkun protetta skond ir-regolamenti tas-sigurtà tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li jinsabu fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE tad-19 ta' Marzu 2001 ([1]), u skond gwidi ulterjuri maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE.

Meta l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera jkunu kkonkludew ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim għandhom japplikaw fil-kuntest ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE.

13. Il-persunal kollu li jipparteċipa fl-operazzjoni militari ta' l-UE għandu jibqa' taħt il-kmand sħiħ ta' l-awtoritajiet nazzjonali tiegħu.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jittrasferixxu l-kmand Operattiv u Tattiku u/jew il-kontroll tal-persunal tagħhom lill-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE għandu d-dritt li jiddelega l-awtorità tiegħu.

14. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandu jkollha l-istess drittijiet u obbligi f'termini tat-tmexxija ta' kuljum ta' l-operazzjoni bħall-Istati Membri parteċipanti ta' l-Unjoni Ewropea.

15. Il-Kmandant ta' l-Operazzjoni ta' l-UE jista', wara konsultazzjonijiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera, fi kwalunkwe ħin jitlob l-irtirar tal-kontribut tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

16. Rappreżentant Militari Superjuri (SMR) għandu jinħatar mill-Konfederazzjoni Żvizzera biex jirrappreżenta l-kontinġent nazzjonali tagħha fl-operazzjoni militari ta' l-UE. L-SMR għandu jikkonsulta mal-Kmandant tal-Forza ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet kollha li jolqtu l-operazzjoni u għandu jkun responsabbli għad-dixxiplina ta' kuljum tal-kontinġent.

17. Il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha tassumi l-ispejjeż kollha assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħha fl-operazzjoni sakemm l-ispejjeż m'humiex soġġetti għal finanzjament komuni kif previst fl-istrumenti legali msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dawn l-arranġamenti, kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu biex tamministra l-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni tal-ħidmiet ta' l-UE li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ([2]).

Il-Konfederazzjoni Żvizzera m'għandhiex tikkontribwixxi għall-finanzjament komuni ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE.

18. F'każ ta' mewt, korriment, telf jew dannu lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mill-Istat(i) fejn titwettaq l-operazzjoni, il-Konfederazzjoni Żvizzera għandha, meta r-responsabbiltà tagħha tkun ġiet stabbilita, tħallas kumpens skond il-kondizzjonijiet previsti fid-dispożizzjonijiet dwar l-istatus tal-forzi, kif imsemmi fil-paragrafu 6.

19. Kwalunkwe arranġament tekniku u amministrattiv meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi konkluż bejn is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea/Rappreżentant Ġholi għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-awtorità kompetenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

20. Jekk waħda mill-Partijiet tonqos milli tikkonforma ma' l-obbligi tagħha stabbiliti fid-dispożizzjonijiet preċedenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li ttemm dan il-ftehim billi tagħti avviż ta' xahar wieħed.

21. Kwistjonijiet li jikkonċernaw l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu riżolti b'mezzi diplomatiċi bejn il-Partijiet.

22. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw sakemm idum il-kontribut tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-operazzjoni.

([1]) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2005/952/KE (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 18).

([2]) ĠU L 63, 28.2.2004, p. 68. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/68/PESK (ĠU L 27, 29.1.2005, p. 59).

ANNESS II

Dikjarazzjoni mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

"L-Istati Membri ta' l-UE fl-applikazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/319/PESK tas-27 ta' April 2006 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni ser jagħmlu ħilithom sabiex, safejn is-sistemi legali interni tagħhom jippermettu, jirrinunzjaw kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra l-Konfederazzjoni Żvizzera għal korriment, mewt tal-persunal tagħhom, jew dannu lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkun proprjetà tagħhom u użat mill-operazzjoni militari ta' l-UE jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal mill-Konfederazzjoni Żvizzera fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom b'konnessjoni ma' l-operazzjoni militari ta' l-UE, ħlief fil-każ ta' negligenza serja jew imġiba skorretta volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi li huwa proprjetà tal-Konfederazzjoni Żvizzera, bil-kondizzjoni li l-assi ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief fil-każ ta' negligenza serja jew imġiba skorretta volontarja tal-persunal ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE mill-Konfederazzjoni Żvizzera li uża dawk l-assi."

Dikjarazzjoni mill-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera

"Il-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera jassoċja ruħu ma' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/319/PESK tas-27 ta' April 2006 dwar l-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni ser jagħmel ħiltu sabiex, safejn is-sistema legali interna tiegħu tippermetti, jirrinunzja kemm jista' jkun għal pretensjonijiet kontra kwalunkwe Stat ieħor parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE għal korriment, mewt tal-persunal tiegħu, jew dannu lil, jew telf ta', kwalunkwe assi li jkun proprjetà tiegħu u użat mill-operazzjoni militari ta' l-UE jekk tali korriment, mewt, dannu jew telf:

— kien ikkawżat minn persunal fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu b'konnessjoni ma' l-operazzjoni militari ta' l-UE, ħlief fil-każ ta' negligenza serja jew ta' mġiba skorretta volontarja, jew

— irriżulta mill-użu ta' kwalunkwe assi li huwa proprjetà ta' Stati parteċipanti fl-operazzjoni militari ta' l-UE, bil-kondizzjoni li l-assi ntużaw b'konnessjoni ma' l-operazzjoni u ħlief fil-każ ta' negligenza serja jew ta' mġiba skorretta volontarja ta' persunal ta' l-operazzjoni militari ta' l-UE li uża dawk l-assi."

B. Ittra mill-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera lill-Unjoni Ewropea

Brussell, l-10 ta' Awwissu 2006

Għażiż Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek ta' l-10 ta' Awwissu 2006 u l-Annessi tagħha rigward id-Dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Congo) li taqra kif ġej:

"Nixtieq nirringrazzjak għall-offerta ta' pajjiżek għal kontribut lill-operazzjoni militari ta' l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Missjoni ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC) matul il-proċess ta' l-elezzjoni (Operazzjoni EUFOR RD Congo). L-offerta ser tkun kontribut importanti għall-Operazzjoni u għandi l-pjaċir ngħarfek li l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda li jaċċetta l-offerta ta' l-Iżvizzera għal kontribut lill-Operazzjoni EUFOR RD Congo u li jistieden lil pajjiżek biex ikun rappreżentat fil-Kumitat tal-Kontributuri.

Kif diġà indikat fl-ittra tiegħi tat-28 ta' Lulju 2006, l-Iżvizzera għandha tikkonkludi ftehim ma' l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tagħha fl-Operazzjoni EUFOR RD Congo. Sakemm jiġi konkluż l-Abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fl-operazzjonijiet ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' l-Unjoni Ewropea, qed nipproponi li l-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fl-operazzjoni għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet imniżżlin fl-Anness I għal din l-ittra.

Jekk dawn id-dispożizzjonijiet huma sodisfaċenti għalik, nissuġġerixxi li din l-ittra, inkluż l-Anness I għal din l-ittra, u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera għall-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fl-Operazzjoni EUFOR RD Congo, li għandu jiġi applikat proviżorjament sa mid-data tal-firma tat-tweġiba tiegħek.

"Għalhekk, qed nehmeż ukoll fl-Anness II, f'isem l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja ta' pretensjonijiet mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Korteżement nitlob lill-Iżvizzera sabiex tagħmel dikjarazzjoni parallela skond il-mudell imfassal f'dak l-Anness.

Għandi l-unur nikkonferma, f'isem il-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera, li l-kontenut ta' l-ittra tiegħek u ta' l-Annessi tagħha huma aċċettabbli għall-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera u li l-ittra tiegħek u l-Annessi tagħha, flimkien ma' din it-tweġiba, għandhom jikkostitwixxu l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżvizzera għall-parteċipazzjoni ta' l-Iżvizzera fl-Operazzjoni EUFOR RD Congo, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-firma ta' din it-tweġiba.

Qed nehmeż dikjarazzjoni dwar ir-rinunzja ta' pretensjonijiet mill-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

Dejjem tiegħek,

Għall-Gvern tal-Konfederazzjoni Żvizzera

32006R1491

11.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 279/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1491/2006

ta' l-10 ta' Ottubru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previst fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw u dwar is-sajd fl-ilmijiet tal-Ginea-Bissaw għall-perjodu bejn is-16 ta' Ġunju 2006 u l-15 ta' Ġunju 2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 17 tal-ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw u l-Komunità Ekonomika Ewropea dwar is-sajd fl-ibħra lil hinn mill-kosta tal-Ginea-Bissaw [2], qabel it-tmiem tal-perjodu tal-validità tal-protokoll anness mal-ftehim, il-partijiet kontraenti jinnegozjaw, qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' validità tal-Protokoll anness mal-Ftehim, bil-għan li jiftiehmu bi qbil komuni l-kontenut ta' protokoll għall-perjodu ta' wara, u, jekk dawn ikunu f'lokhom, il-modifiki jew iż-żidiet li għandhom isiru fl-anness.

(2) Il-protokoll preżenti ġie approvat mir-Regolament (KE) Nru 249/2002 [3] u emendat mill-ftehim approvat mir-Regolament (KE) Nru 829/2004 [4]. Il-partijiet kontraenti iddeċidew issa li jestendu l-Protokoll b'perjodu ta' sena, permezz ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, fl-istennija taż-żamma tan-negozjati dwar il-modifiki tal-protokoll li għandu jiġi miftiehem.

(3) Huwa fl-interess tal-Komunità li din l-estensjoni tiġi approvata;

(4) Importanti li jiġi kkonfermat it-tqassim bejn l-Istati Membri ta' l-opportunitajiet tas-sajd fil-qafas tal-Protokoll li qed joqrob lejn tmiemu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Ginea-Bissaw dwar is-sajd fl-ilmijiet tal-Ginea-Bissaw għall-perjodu bejn is-16 ta' Ġunju 2006 u l-15 ta' Ġunju 2007 [5] huwa approvat f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

1. L-opportunitajiet tas-sajd iffissati mill-Protokoll jitqassmu kif ġej bejn l-Istati Membri:

a) is-sajd għall-gambli:

— L-Italja	1 776 Tunnellaġġ Gross Irreġistrat (*GRT*)
— Spanja	1 421 *GRT*
— Il-Portugall	1 066 *GRT*
— Il-Greċja	137 *GRT*

b) is-sajd għall-ħut u ċ-ċefalopodi:

— Spanja	3 143 *GRT*
— L-Italja	786 *GRT*
— Il-Greċja	471 *GRT*

[1] Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 226, 29.8.1980, p. 34. Ftehim kif emendat l-aħħar bil-Protokoll għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2001 sal-15 ta' Ġunju 2006 (ĠU L 19, 22.1.2002, p. 35).

[3] ĠU L 47, 19.2.2002, p. 2.

[4] ĠU L 127, 29.4.2004, p. 25.

[5] ĠU L 200, 22.7.2006, p. 9.

ċ) is-sajd tat-tonn bit-tartarun

— Spanja	20 bastiment
— Franza	19 bastiment
— L-Italja	1 bastiment

d) is-sajd bil-qasab u x-xlief u bil-konzijiet tal-wiċċ

— Spanja	21 bastiment
— Franza	5 bastimenti
— Il-Portugall	4 bastimenti

2. Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jeżawrixxux l-opportunitajiet ta' sajd iffissati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tqis applikazzjonjiet għal liċenzja mingħand kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fil-kuntest ta' dan il-Ftehim għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' kull stokk maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-Ginea-Bissaw skond ir-regoli dettaljati previsti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' qabdiet minn bastimenti tal-ħut tal-Komunità fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra internazzjonali [1].

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 10 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
H. HEINÄLUOMA

[1] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

32006D0684

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ottubru 2006

li temenda l-Anness 2, Skeda A, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar ir-rekwiżiti ta' viża għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi u passaporti tas-servizz Indonežjani

(2006/684/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jirriserva lill-Kunsill il-poteri ta' implimentazzjoni rigward ċerti dispożizzjonijiet dettaljati u proċeduri prattiċi sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viżi [1],

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda,

Billi:

(1) L-Anness 2, Skeda A, ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni fih il-lista ta' pajjiżi li ċ-ċittadini tagħhom m'humiex suġġetti għal rekwiżit ta' viża fi Stat ta' Schengen jew aktar meta jkunu detenturi ta' passaporti diplomatiċi, uffiċjali jew ta' servizz, iżda li jkunu suġġetti għal dan il- rekwiżit meta huma jkunu detenturi ta' passaporti ordinarji.

(2) Il-Belġju, il-Lussemburgu u l-Olanda jixtiequ jeżentaw lid-detenturi ta' passaporti diplomatiċi u passaporti tas-servizz Indonežjani mir-rekwiżiti tal-viża. L-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ.

(3) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun adotta din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(4) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen [2], li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim [3].

(5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jipparteċipax, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jipparteċipa f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [4]; għalhekk ir-Renju Unit ma jipparteċipax fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

[1] ĠU L 116, 26.4.2001, p. 2.

[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[3] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

[4] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tipparteċipax, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tipparteċipa f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([5]); għalhekk l-Irlanda ma tipparteċipax fl-adozzjoni tagħha u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera, dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/849/KE ([6]) u 2004/860/KE ([7]) dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea, u f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim.

(8) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi att li jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen jew li huwa relatat miegħu b'xi mod ieħor fis-sens ta' l-Artikolu 3(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003,

ADOTTA DIN ID-DECIŻJONI:

Artikolu 1

L-Iskeda A ta' l-Anness 2 ma' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni hija b'dan emendata kif ġej:

L-Indonežja għandha tiġi miżjuda u l-ittri "DS" għandhom jiġu inseriti korrispondentement għaliha fil-kolonna "BNL".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il–President
K. RAJAMÄKI

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26.
([3]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.

32006R1515

13.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 282/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1515/2006

ta' l-10 ta' Ottubru 2006

li jneħħi d-dazju kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja u li jtemm il-proċedimenti fir-rigward ta' dawn l-importazzjonijiet, wara reviżjonijiet ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, u li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skond l-Artikolu 11(3) ta' dawn l-importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajlandja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u partikolarment l-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) F'Lulju tas-sena 2000, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1522/2000 [2], impona dazju definittiv kontra d-dumping ta' importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali tal-poliesteri ("fibri prinċipali tal-poliester" jew "PSF") li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali 1".

(2) F'Diċembru tas-sena 2000, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2852/2000 [3], impona dazju definittiv kontra d-dumping ta' importazzjonijiet ta' PSF li joriġinaw fl-Indja u fir-Repubblika tal-Korea. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali 2".

(3) Il-miżuri imposti bir-Regolament (KE) Nru 2852/2000 kienu jikkonsistu f'dazju *ad valorem*, minbarra fil-każ ta' importazzjonijiet minn produttur esportatur Indjan wieħed li minn għandu ġie aċċettat impenn permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/818/KE [4]. Wara reviżjoni interim li kopriet kemm id-dumping kif ukoll id-danni, il-miżuri fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea ġew emendati u mġedda għal ħames snin permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 [5].

2. It-talbiet għal reviżjonijiet

(4) Wara l-pubblikazzjoni ta' żewġ notifiki ta' skadenza pendenti, waħda li tikkonċerna l-miżuri fis-seħħ kontra d-dumping ta' importazzjonijiet ta' PSF li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja [6] u oħra dwar il-miżuri fis-seħħ kontra d-dumping ta' importazzjonijiet ta' PSF li joriġinaw fl-Indja [7], il-Kummissjoni, fit-13 ta' April 2005 u fit-23 ta' Settembru 2005, irċeviet talbiet biex tirrevedi dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(5) Dawn it-talbiet tressqu mill-Comité International de la Rayonne et des Fibres Synthétiques ("CIRFS") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ iktar minn 50 %, tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' PSF. It-talbiet kienu bbażati fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal rikorrenza tal-bejgħ taħt il-prezz u għal ħsara lill-industrija Komunitarja.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 175, 14.7.2000, p. 10.

[3] ĠU L 332, 28.12.2000, p. 17.

[4] ĠU L 332, 28.12.2000, p. 116.

[5] ĠU L 71, 17.3.2005, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1333/2005 (ĠU L 211, 13.8.2005, p. 1).

[6] ĠU C 261, 23.10.2004, p. 2.

[7] ĠU C 130, 27.5.2005, p. 8.

(6) Barra minn hekk, waslet talba għal reviżjoni interim parzjali tar-Regolament (KE) Nru 1522/2000 mingħand Tuntex (Thailand) Public Company Limited ("Tuntex"), produttur ta' PSF fit-Tajlandja suġġett għall-miżuri fis-seħħ kontra d-dumping.

(7) Fit-talba skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, Tuntex ipprovdiet evidenza *prima facie* biex issostni l-affermazzjoni tagħha li, fejn tidħol hi, iċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom kienu stabbiliti l-miżuri issa nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura permanenti. Tuntex ipprovdiet evidenza li turi li paragun tal-valur normali bbażat fuq il-prezzijiet ta' l-ispiża/domestiċi tagħha stess u tal-prezzijiet tagħha ta' l-esportazzjoni lejn is-suq ta' pajjiż terz iwassal għal tnaqqis ta' dumping li huwa inqas b'mod sinifikanti mil-livell tal-miżura preżenti (27,7 %). Għalhekk, Tuntex sostniet li l-impożizzjoni kontinwa ta' miżuri fil-livelli eżistenti, li kienu bbażati fuq il-livell ta' dumping stabbilit qabel, ma kinitx għadha meħtieġa biex tpaċi d-dumping.

(8) Meta stabbiliet, wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' żewġ reviżjonijiet skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u reviżjoni waħda, limitata fl-iskop tagħha għall-eżaminazzjoni ta' dumping, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tat bidu għal dawn it-tliet reviżjonijiet permezz ta' notifiki ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [1].

3. **L-investigazzjonijiet**

(9) Il-Kummissjoni nnotifikat b'mod uffiċjali lill-produtturi fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja, l-importaturi, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fil-Komunità li huma magħrufa li huma kkonċernati, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi kkonċernati, il-CIRFS u l-produtturi Komunitarji magħrufa dwar il-bidu tar-reviżjonijiet ta' skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fin-notifiki ta' bidu.

(10) Il-Kummissjoni uffiċjalment innotifikat lil Tuntex, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, dwar il-bidu tar-reviżjoni interim parzjali. Il-partijiet interessati wkoll ingħataw l-opportunità li jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(11) Minħabba n-numru kbir ta' produtturi Indjani, Indonesjani u Tajlandiżi kif ukoll produtturi Komunitarji mniżżlin fit-talbiet għar-reviżjonijiet ta' skadenza, u n-numru kbir ta' importaturi Komunitarji ta' PSF li huma magħrufa li huma konċernati, kien meqjus xieraq, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jsir eżami dwar jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hux meħtieġ it-teħid ta' kampjuni u, jekk iva, biex jintgħażel kampjun, il-partijiet hawn fuq imsemmija kienu mitluba, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jagħmlu lilhom infushom magħrufa fi żmien 15-il ġurnata mill-bidu tar-reviżjonijiet u biex jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fin-notifiki tal-bidu.

(12) Wara eżami ta' l-informazzjoni mogħtija u minħabba n-numru żgħir ta' produtturi li kkoperaw fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja li wrew ir-rieda li jikkoperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ fir-rigward ta' produtturi f'dawn il-pajjiżi.

(13) L-ebda importatur ma pprovda lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fin-notifiki tal-bidu u, għalhekk, ma kienx meħtieġ it-teħid ta' kampjuni għall-importaturi. Fil-fatt, l-ebda importatur ma' kkopera fir-reviżjonijiet.

(14) Għaxar produtturi Komunitarji mlew il-formola tat-teħid ta' kampjuni u qablu formalment li jkomplu jikkoperaw fl-investigazzjoni. Ħamsa minn dawn l-għaxar kumpaniji, li nstabu li kienu rappreżentattivi ta' l-industrija tal-Komunità skond il-volum tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' PSF fil-Komunità, intgħażlu għall-kampjun. Dan il-kampjun kien jikkostitwixxi l-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' PSF fil-Komunità li seta' b'mod raġonevoli jiġi investigat fiż-żmien disponibbli.

(15) Intbagħtu għalhekk kwestjonarji lill-ħames produtturi Komunitarji tal-kampjun, lill-produtturi fl-Awstralja u lil dawk li kkoperaw ma' l-eżerċizzju tat-teħid ta' kampjuni għal pajjiżhom u lil utenti magħrufa. Il-ħames produtturi Komunitarji li ma kinux parti mill-kampjun ġew mitluba jipprovdu informazzjoni dwar ċerti indikaturi ta' ħsara u jikkummentaw dwar l-impatt tat-tneħħija jew it-tkomplija tal-miżuri kontra d-dumping.

(16) Waslu risposti għall-kwestjonarji minn għand erbgħa mill-ħames produtturi Komunitarji tal-kampjun (għalhekk il-kampjun irrappreżenta 38 % tal-produzzjoni u l-bejgħ fil-Komunità), minn għand produttur wieħed fl-Awstralja, tliet produtturi fl-Indja, erba' produtturi fl-Indonesja, erba' produtturi fit-Tajlandja (li tnejn minnhom għandhom x'jaqsmu ma' xulxin) u tmien utenti. Żewġ assoċjazzjonijiet ta' utenti għamlu xi sottomissjonijiet. Barra minn hekk, erbgħa mill-ħames produtturi Komunitarji li ma kinux parti mill-kampjun taw l-informazzjoni mitluba (għalhekk il-produtturi li kkoperaw kienu jirrappreżentaw 60 % tal-produzzjoni fil-Komunità).

[1] ĠU C 174, 14.7.2005, p. 15; ĠU C 307, 3.12.2005, p. 2; ĠU C 323, 20.12.2005, p. 21.

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li kkunsidrat li kienet meħtieġa għall-analiżi tagħha u wettqet żjarat ta' verifika fil-kwartieri tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Produtturi Komunitarji fil-kampjun

Advansa GmbH, Hamm, il-Ġermanja

Elana, Branch Office of Boryszew S.A., Torun, il-Polonja

La Seda de Barcelona S.A., El Prat de Llobregat, Spanja

Wellman International Limited, Mullagh, l-Irlanda

(b) Produtturi fl-Awstralja

Leading Synthetics Pty Ltd., Campbellfield

(c) Produtturi fl-Indja

Futura Polyesters Limited, Chennai

Indo Rama Synthetics (India) Ltd., Nagpur

Reliance Industries Limited, Mumbai

(d) Produtturi fl-Indonesja

P.T. Global Fiberindo, Tangerang

P.T. Indo-Rama Synthetics Tbk., Jakarta

P.T. Panasia Indosyntec Tbk., Bandung

P.T. Susilia Indah Synthetic Fibers Industries, Tangerang

(e) Produtturi fit-Tajlandja

New World Polyester Co., Ltd., Samutprakarn

Teijin Polyester (Thailand) Limited, Bangkok

Teijin (Thailand) Limited, Bangkok

Tuntex (Thailand) Public Company Limited, Bangkok

(18) Fir-rigward tar-reviżjonijiet ta' skadenza, l-investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni u/jew ir-rikorrenza ta' dumping u ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005 (il-"perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni" jew "RIP"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-istima tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sa l-aħħar ta' l-RIP ("il-perjodu meqjus"). Il-perjodu ta' investigazzjoni użat fir-reviżjoni interim parzjali għall-investigazzjoni ta' dumping huwa l-istess bħall-RIP użat fir-reviżjonijiet ta' skadenza.

B. IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTTI SIMILI

1. Il-prodott konċernat

(19) Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat tikkorrispondi għal dik li ntużat fl-investigazzjonijiet oriġinali msemmija fil-premessi (1) u (2) ta' hawn fuq.

(20) Il-prodott ikkonċernat huwa fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri, mhux imqardxa, mimxuta, jew b'xi mod ieħor ipproċessati għall-għażil li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja, li bħalissa huma kklassifikati ġewwa l-kodiċi NM 5503 20 00. Huwa komunament jissejjaħ fibri sintetiċi tal-poliester jew PSF.

(21) Il-PSF huwa materjal bażiku użat f'diversi stadji tal-proċess tal-manifattura ta' prodotti tessili. Il-PSF jintuża jew għall-għażil, jiġifieri, il-manifattura ta' filamenti għall-produzzjoni tat-tessuti, wara li jitħallat ma' fibri oħra bħall-qoton u s-suf, jew le, jew għal applikazzjonijiet mhux minsuġa bħal mili, jiġifieri l-ippakkjar jew l-ikkuttunar ta' ċerti oġġetti tessili bħal imħaded, *seats* tal-karrozzi u ġgieget.

(22) Il-prodott jinbiegħ f'diversi tipi ta' prodotti li jistgħu jiġu identifikati permezz ta' speċifikazzjonijiet differenti bħal *denier* jew *decitex*, tenaċità, tleqqija u trattament bis-silikon. Min-naħa tal-produzzjoni, tista' ssir distinzjoni bejn PSF verġni, prodotti minn materja prima verġni, u PSF riġenerat, prodott minn poliester riċiklat. Fl-aħħar, il-kwalità tista' tkun ta' l-ewwel grad jew sub-standard.

(23) L-investigazzjoni wriet li t-tipi kollha tal-prodott konċernat kif definit fil-premessa (20) hawn fuq, minkejja xi differenzi f'diversi fatturi kif iddefiniti fil-premessa preċedenti, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użu. Għalhekk, u għall-għan tar-reviżjonijiet preżenti, it-tipi kollha tal-prodott ikkonċernat huma meqjusa bħala prodott wieħed.

2. **Il-prodott simili**

(24) Ir-reviżjonijiet preżenti wrew li l-prodott konċernat u l-PSF prodotti u mibjugħin fis-swieq domestiċi tal-pajjiżi kkonċernati kif ukoll il-PSF iffabbrikat u mibjugħ fil-Komunità mill-produtturi Komunitarji għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użu. Għalhekk, dawn il-prodotti huma meqjusa bħala prodott simili skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. **IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW RIKORRENZA TA' DUMPING**

1. **Rimarki preliminari**

(25) Fir-rigward tar-reviżjonijiet ta' skadenza, skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx qed iseħħ il-bejgħ taħt il-prezz f'dak iż-żmien u jekk l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping.

(26) Matul l-RIP, l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità ta' PSF li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonežja u fit-Tajlandja ("il-pajjiżi konċernati") kienu negliġibbli. Skond l-Eurostat, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu jammontaw biss għal 1 056 tunnellata matul l-RIP (0,1 % tal-konsum Komunitarju), filwaqt li kienu aktar minn 69 000 tunnellata matul il-perjodi ta' investigazzjoni ta' l-investigazzjonijiet oriġinali.

(27) Il-produttui kollha li kkoperaw ma kellhom ebda bejgħ jew kellhom bejgħ negliġibbli ta' esportazzjoni ta' PSF lejn il-Komunità matul l-RIP u, għalhekk, ma setgħu jsiru ebda kalkoli rappreżentattivi ta' dumping sabiex tiġi ddeterminata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping.

(28) Għalhekk, għall-analiżi tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping ittieħed qies, fost l-oħrajn, tal-prezzijiet għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħra.

(29) Minħabba s-sejbiet tar-reviżjonijiet ta' skadenza stabbiliti hawn isfel, ma tqiesx meħtieġ it-twettiq tar-reviżjoni interim mitluba minn Tuntex.

2. **Il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk jitneħħew il-miżuri**

2.1. *L-Awstralja*

Rimarki preliminari

(30) L-uniku produttur ta' PSF fl-Awstralja waqaf jesporta l-PSF lejn is-swieq kollha, inkluża l-Komunità, fl-2003. Il-kumpanija investiet f'linja flessibbli ta' produzzjoni ġdida allegatament sabiex tkopri biss parti reġjonali mis-suq Awstraljan tal-PSF; prinċipalment l-Istat ta' Victoria fejn hija tinsab.

Ir-relazzjoni bejn il-livell tal-prezz domestiku u l-livell tal-prezz fil-Komunità

(31) Billi ma kien hemm ebda esportazzjonijiet lejn kwalunkwe pajjiż matul l-RIP, il-prezzijiet domestiċi fl-Awstralja, li nstabu li kienu qed jagħmlu telf iżda li kienu għola mill-ispiża varjabbli, kienu mqabbla u nstab li kienu ħafna inqas mill-prezz medju tal-produtturi Komunitarji matul l-RIP. Din hija indikazzjoni li l-kumpanija jista' jkollha inċentiv biex terġa' tibda xi esportazzjonijiet lejn il-Komunità li kieku jitneħħew il-miżuri. Madankollu, kif stabbilit fil-premessa (32) hawn isfel, il-kumpanija m'għandhiex il-kapaċità biex terġa tibda l-esportazzjoni ta' volumi sinifikanti lejn il-Komunità.

Il-kapaċità mhux użata u l-ħażniet

(32) Għalkemm l-użu tal-kapaċità tal-produttur Awstraljan ma kienx għoli ħafna matul l-RIP, il-kapaċità żejda disponibbli hija frazzjoni żgħira tal-konsum Komunitarju (ħafna inqas minn 0,5 %). Anki kieku din il-kapaċità żejda kollha kellha tinbiegħ taħt il-prezz lill-Komunità wara t-tneħħija tal-miżuri fis-seħħ, l-effett fuq is-suq Komunitarju jkun minimu. Il-ħażniet mhumiex indikatur sinifikanti fir-rigward tal-PSF prodott fl-Awstralja għax il-prodott jinbiegħ prinċipalment fuq il-bażi ta' ordnijiet mingħand il-klijenti.

(33) Fl-aħħar, huwa mfakkar li l-kumpanija ma esportatx PSF lejn ebda pajjiż terz mill-2003, minkejja l-eżistenza ta' kapaċità żejda simili matul dan il-perjodu. Għalhekk, huwa konkluż li m'hemm ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' esportazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping f'volumi sinifikanti mill-Awstralja lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri eżistenti.

2.2. *L-Indja*

Rimarki preliminari

(34) Tliet produtturi Indjani tal-PSF ikkoperaw fl-investigazzjoni. Tnejn minnhom kellhom xi bejgħ minuri ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP; it-tielet wieħed ma kellux esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Huwa nnotat li wieħed minn dawn il-produtturi li kkoperaw kellu tliet kumpaniji relatati li jipproduċu l-PSF fl-Indja. Madankollu, dawn il-produtturi relatati ma kinux investigati b'mod separat, billi wieħed minnhom biss għamel xi bejgħ dirett — limitat ħafna — ta' PSF matul l-RIP, li kien kollu fis-suq domestiku.

(35) Huwa magħruf li kien hemm għall-inqas produttur wieħed żgħir ta' PSF fl-Indja matul l-RIP, li ma kkooperax fl-investigazzjoni. Għal dawk il-produtturi li ma kkoperawx, kienet analizzata l-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat u minn għejun oħra. Fuq dik il-bażi, instab li l-esportazzjonijiet Indjani ta' PSF lejn il-Komunità minn produtturi Indjani li ma kinux qegħdin jikkooperaw kienu negliġibbli wkoll matul l-RIP. Madankollu, ma kien hemm ebda informazzjoni disponibbli dwar il-kapaċità u l-volumi tal-produzzjoni, il-ħażniet u l-bejgħ fir-rigward tal-kumpanija/kumpaniji li ma kinitx/kinux qed tikkoopera/jikkooperaw. F'dan ir-rigward, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, kien meqjus li s-sejbiet għal kwalunkwe kumpanija li ma kinitx qed tikkoopera kienu jkunu skond dawk stabbiliti għal kumpaniji li kkooperaw.

(36) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet biżżejjed lejn il-Komunità biex issir analiżi rappreżentattiva ta' dumping matul l-RIP u sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx il-probabbiltà li jerġa' jibda l-bejgħ taħt il-prezz jekk jitnewħew il-miżuri, ġie eżaminat l-atteġġament tal-prezz fi swieq oħra ta' l-esportazzjoni tal-produtturi li kienu qed jikkooperaw u l-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tagħhom. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi li kienu qed jikkooperaw imsemmija fil-premessa (17) hawn fuq.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fl-Indja

(37) Id-data mingħand it-tliet produtturi Indjani li kkooperaw uriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi kienu iktar baxxi mill-prezzijiet domestiċi fl-Indja. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali din id-differenza fil-prezz varjat matul l-RIP bejn il-15 % u s-27 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza ta' bejgħ taħt il-prezz fuq esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk jitnewħew mill-miżuri.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fil-Komunità

(38) Instab li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-Komunità kienu fil-medja tagħhom ogħla b'mod konsiderevoli mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tal-produtturi Indjani li kkooperaw lejn pajjiżi terzi oħrajn matul l-RIP. Dan jista' jindika li l-livell tal-prezz prevalenti għall-prodott konċernat fis-suq Komunitarju jista' jagħmel lil dan is-suq attraenti għall-produtturi Indjani. Fuq din il-bażi, tqies li hemm inċentiv ekonomiku biex l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħra jiġu trasferiti lejn is-suq Komunitarju fejn il-prezzijiet huma ogħla fil-każ li jitnewħew il-miżuri fis-seħħ. Madankollu, billi l-prezzijiet fil-Komunità huma konsiderevolment ogħla mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, huwa improbabbli li l-esportazzjoni li tista' ssir lejn il-Komunità tkun magħmula taħt il-prezz jekk jitnewħew il-miżuri.

Il-kapaċità mhux użata u l-ħażniet

(39) Ma kien hemm ebda kapaċità żejda sinifikanti fit-tliet kumpaniji li kkooperaw fl-Indja matul l-RIP. Madankollu, tnejn minn dawn il-produtturi prinċipali kienu diġà qed jimplimentaw investimenti sinifikanti fil-produzzjoni tagħhom ta' PSF, li se jirriżultaw f'żieda aggregata tal-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom ta' 361 000 tunnellata fis-sena matul is-sena 2007. Dawn l-investimenti ntqal li kienu bbażati fuq żviluppi fis-suq Indjan ta' PSF, li huma jallegaw li huwa mistenni jikber ħafna din is-sena u fil-futur qrib. Skond l-informazzjoni disponibbli, id-daqs tas-suq Indjan ta' PSF bħalissa huwa ta' madwar 610 000 tunnellata fis-sena. Huwa nnotat li ż-żjieda fil-kapaċità tal-produzzjoni hawn fuq imsemmija tirrappreżenta iktar minn 50 % tal-kapaċità tal-produzzjoni totali tat-tliet produtturi Indjani li kkooperaw matul l-RIP. Huwa nnotat ukoll li, skond l-informazzjoni disponibbli, kien hemm għall-inqas produttur wieħed ġdid ta' PSF fl-Indja fl-istadju tal-bidu tal-produzzjoni għal dan il-prodott fiż-żmien ta' l-investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, l-ikbar produttur Indjan akkwista reċentement produttur Komunitarju li ma kkooperax ma' l-investigazzjoni. Għalhekk, dan l-esportatur Indjan jista' ma jkollu ebda interess li jesporta kwantitajiet sinifikanti ta' PSF lejn il-Komunità fil-futur. Barra minn hekk, id-data mingħand il-produtturi li kkooperaw turi li l-bejgħ domestiku tagħhom kien qed jiżdied matul il-perjodu meqjus u li se jkompli jiżdied fil-futur. Għalhekk, il-kapaċitajiet il-ġodda se jwieġbu għat-talba domestika li qed tiżdied għalkemm ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun hemm xi kapaċità żejda f'xi ħinijiet.

(40) Il-livelli tal-ħażniet tat-tliet produtturi Indjani m'urew ebda bidla sinifikanti fil-perjodu meqjus. Huwa, madankollu, innotat li l-ħażniet ma jistgħux jitqiesu indikatur sinifikanti fil-każ ta' l-Indja għax il-produzzjoni ta' wieħed mill-produtturi li kkooperaw hija bbażata fuq ordnijiet minn għand il-klijenti u produttur ieħor li kkoopera jiffabbrika kwantitajiet sinifikanti ta' PSF għal użu ristrett.

(41) B'mod ġenerali, huwa meqjus li m'hemm ebda probabbiltà li jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti u li, anki jekk parti mill-kapaċitajiet il-ġodda tal-produzzjoni fl-Indja jispiċċaw fil-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri, mhuwiex probabbli li dawk l-esportazzjonijiet isiru taħt il-prezz (ara l-premessa (38) hawn fuq).

2.3. *L-Indonežja*

Rimarki preliminari

(42) Erba' produtturi Indonežjani ta' PSF ikkoperaw fl-investigazzjoni. Ebda wieħed minn dawn il-produtturi ma kellu kumpaniji relatati li jipproduċu l-PSF fl-Indonežja. Tlieta minnhom kellhom xi bejgħ ta' esportazzjoni minuri lejn il-Komujnità matul l-RIP; ir-raba' wieħed ma kellux esportazzjonijiet lejn il-Komunità.

(43) Huwa magħruf li kien hemm mill-inqas ħames produtturi attivi ta' PSF fl-Indonežja matul l-RIP, li ma kkooperawx fl-investigazzjoni. Għal dawk il-produtturi li ma kkooperawx, kienet analizzata l-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat u minn għejun oħra. Fuq dik il-bażi, nstab li l-esportazzjonijiet Indonežjani ta' PSF lejn il-Komunità minn produtturi Indonežjani li ma kinux qed jikkooperaw kienu negliġibbli wkoll matul l-RIP. Ebda informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar il-kapaċità u l-volumi tal-produzzjoni, il-ħażniet u l-bejgħ ma kienet disponibbli għal dawn il-kumpaniji li ma kkooperawx. F'dan ir-rigward, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, kien meqjus li s-sejbiet għal kwalunkwe kumpanija li kkooperatx ikunu skond dawk stabbiliti għal kumpaniji li kkooperaw. L-eżami ta' jekk ikunx probabbli li jerġa' jseħħ il-bejgħ taħt il-prezz jekk jitneħħew il-miżuri kien għalhekk ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli, jiġifieri l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi li kkooperaw imsemmija fil-premessa (17) hawn fuq.

(44) Sabiex ikun stabbilit jekk huwiex probabbli li jerġa' jseħħ il-bejgħ taħt il-prezz jekk jitneħħew il-miżuri, kien eżaminat l-atteġġament tal-prezz fi swieq oħra ta' l-esportazzjoni tal-produtturi li kkooperaw u l-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet ta' l-esportaturi.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fl-Indonežja

(45) Għal wieħed mill-erba' produtturi Indonežjani li kkooperaw, ma setat tinstab ebda data rrelatata mal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni billi din il-kumpanija ma kienet tesporta ebda PSF matul l-RIP. Id-data li tikkonċerna t-tliet produtturi l-oħra wriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi kienu ġeneralment ftit iktar baxxi mill-prezzijiet domestiċi fl-Indonežja għal tnejn minnhom. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li din id-differenza fil-prezz kienet ta' madwar 4 % fil-medja matul l-RIP. Għat-tielet produttur, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi nstabu ġeneralment ftit għola mill-prezzijiet domestiċi fl-Indonežja. Dan ma jindikax probabbiltà ta' rikorrenza ta' xi bejgħ sinifikanti taħt il-prezz fuq esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fil-Komunità

(46) Instab li l-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-Komunità kienu fil-medja aktar għaljin b'mod konsiderevoli mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi tal-produtturi Indonežjani li kkoperaw matul l-RIP. Dan jista' jindika li l-livell prevalenti tal-prezz tal-prodott konċernat fil-Komunità jista' jagħmel lil dan is-suq attraenti għall-produtturi Indonežjani. Fuq din il-bażi, huwa meqjus li jekk jitneħħew il-miżuri, jkun hemm inċentiv ekonomiku biex esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi jiġu ttrasferiti lejn is-suq Komunitarju fejn il-prezzijiet huma ogħla. Madankollu, billi l-prezzijiet fil-Komunità huma ogħla b'mod konsiderevoli mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, huwa improbabbli li kwalunkwe esportazzjonijiet lejn il-Komunità jsiru taħt il-prezz jekk jitneħħew il-miżuri.

Il-kapaċità mhux użata u l-ħażniet

(47) Ma kien hemm ebda disinn uniformi fejn jidħol l-użu tal-kapaċità tal-produtturi li kkooperaw fl-Indonežja matul l-RIP. Filwaqt li wħud mill-kumpaniji setgħu jużaw kważi l-kapaċità installata kollha tagħhom, oħrajn kellhom kapaċitajiet sinifikanti żejda għad-dispożizzjoni tagħhom. Madankollu, din il-kapaċità żejda b'kollox kienet ta' inqas minn 20 % tal-kapaċità totali tagħhom. L-ebda waħda mill-kumpaniji Indonežjani li kkooperaw ma dehret li kienet qed tippjana xi investimenti sinifikanti sabiex tespandi l-kapaċità tal-produzzjopni ta' PSF fil-futur. Fejn jidħol l-użu tal-kapaċità tal-produtturi Indonežjani li ma kkooperawx, saret stima tal-kapaċità żejda fuq il-bażi ta' infomazzjoni mogħtija mill-kumpaniji li kkooperaw u mill-assoċjazzjoni Indonežjana tal-produtturi ta' PSF. Skond din l-informazzjoni, il-kapaċità installata tal-produtturi li kkooperaw tgħodd għal inqas minn nofs il-kapaċità installata totali tal-produzzjoni ta' PSF fl-Indonežja. Fuq din il-bażi, ġie stmat li l-kapaċità żejda eżistenti tal-produzzjoni fl-Indonežja hija ta' madwar 90 000 tunnellata fil-massimu. Barra minn hekk, id-data mill-produtturi li kkooperaw turi li l-bejgħ domestiku totali kien qed jiżdied matul il-perjodu meqjus u li se jkompli jiżdied fil-futur. Għalhekk, il-kapaċità żejda fl-Indonežja x'aktarx tintuża għal bejgħ domestiku iktar milli għal bejgħ ta' esportazzjoni lejn il-Komunità.

(48) Il-livelli tal-ħażniet għall-erba' produtturi Indonežjani ma wrew ebda bidla sinifikanti fil-perjodu meqjus. Huwa, madankollu, innotat li l-ħażniet ma jistgħux jitqiesu indikatur sinifikanti għax il-produzzjoni ta' PSF hija bbażata l-iktar fuq ordnijiet mill-klijenti u/jew l-użu ristrett.

(49) B'mod ġenerali, huwa meqjus li m'hemm ebda probabbiltà li jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità f'kwantitajiet sinifikanti u li, anki jekk parti mill-kapaċità żejda tal-produzzjoni fl-Indonežja tispiċċa fil-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri, huwa improbabbli għar-raġunijiet stabbiliti fil-premessi (45) u (46) hawn fuq li l-prezzijiet ta' dawn l-esportazzjonijiet ikunu taħt il-prezz.

2.4. *It-Tajlandja*

Rimarki preliminari

(50) Hemm tmien produtturi ta' PSF fit-Tajlandja li l-Kummissjoni taf bihom. Erbgħa minnhom ikkoperaw fl-investigazzjoni preżenti. Wieħed minnhom biss esporta kwantità minuri ta' PSF lejn il-Komunità matul l-RIP.

(51) L-informazzjoni dwar il-ħażniet u l-bejgħ lejn swieq oħra għajr il-Komunità tirreferi biss għall-produtturi li kkooperaw. Kien, madankollu, possibbli li tinkiseb data dwar il-kapaċità tal-produzzjoni fit-Tajlandja mingħand l-Assoċjazzjoni Tajlandiża tal-Fabbrikanti tal-Fibri Sintetiċi u li ssir stima tal-volum tal-produzzjoni tal-produtturi kollha fit-Tajlandja. Din l-istima kienet ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-użu tal-kapaċità tal-produtturi li ma kkoperawx kienet simili għal dak tal-produtturi li kkooperaw. F'dan ir-rigward, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni għall-kuntrarju, kien meqjus li s-sejbiet għall-kumpaniji li ma kkooperawx kienu jkunu skond dawk stabbiliti għall-kumpaniji li kkooperaw.

(52) Sabiex jiġi stabbilit jekk tkunx probabbli r-rikorrenza ta' dumping jekk jitneħħew il-miżuri, ġie eżaminat l-atteġġament tal-prezz tal-produtturi li kkooperaw fi swieq ta' l-esportazzjoni minbarra l-Komunità, il-kapaċità tal-produzzjoni fit-Tajlandja u l-ħażniet tal-produtturi li kkooperaw.

(53) Skond l-Eurostat, il-volumi ta' l-importazzjoni li oriġinaw fit-Tajlandja kienu negliġibbli matul l-RIP.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fit-Tajlandja

(54) Id-data mingħand l-erba' produtturi li kkooperaw turi li l-bejgħ lejn pajjiżi terzi sar bi prezzijiet iktar baxxi minn dawk fis-suq domestiku jew inqas mill-ispiża tal-produzzjoni — id-differenzi jvarjaw b'mod ġenerali minn 10 % sa 15 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza ta' bejgħ taħt il-prezz fl-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezz fil-Komunità

(55) Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mitluba mill-produtturi Tajlandiżi li kkoperaw kienu fil-medja b'mod sinifikanti inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji fil-Komunità, li jista' jindika li l-livell tal-prezz prevalenti tal-PSF fis-suq Komunitarju jista' jagħmel lil dan is-suq attraenti għal produtturi fit-Tajlandja jekk jitneħħew il-miżuri kontra d-dumping. Fuq din il-bażi, huwa meqjus li hemm inċentiv ekonomiku biex l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi jiġu ttrasferiti lejn is-suq Komunitarju fejn il-prezzijiet huma ogħla fil-każ li jitneħħew il-miżuri fis-seħħ kontra d-dumping. Madankollu, billi l-prezzijiet fil-Komunità huma konsiderevolment ogħla mill-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra, huwa improbabbli li xi esportazzjonijiet lejn il-Komunità jsiru bi prezzijiet taħt il-prezz jekk jitneħħew il-miżuri.

Il-kapaċità mhux użata u l-ħażniet

(56) L-użu tal-kapaċità tal-produtturi li kkooperaw kien pjuttost għoli matul il-perjodu meqjus, madwar 92 % fil-medja. F'dan il-livell ta' użu ta' kapaċità, u bis-suppożizzjoni li l-produtturi li ma kkooperawx kellhom livell simili ta' użu tal-kapaċità, il-produtturi fit-Tajlandja kellhom kapaċità żejda ta' mhux aktar minn 50 000 tunnellata matul l-RIP. Għalkemm din il-kapaċità tista' tintuża parzjalment biex jerġa' jinbeda l-bejgħ ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri, meta wieħed jikkunsidra s-sehem importanti tal-bejgħ domestiku u n-numru kbir ta' swieq ta' esportazzjoni forniti mill-produtturi li kkooperaw, huwa improbabbli li jistgħu jispiċċaw xi volumi sinifikanti ta' PSF fis-suq Komunitarju.

(57) Il-ħażniet mhumiex indikatur sinifikanti fir-rigward ta' PSF iffabrikati fit-Tajlandja. Il-produzzjoni hija bbażata l-aktar fuq ordnijiet mingħand il-klijenti u, għalhekk, il-ħażniet jikkonsistu prinċipalment f'PSF li qed jistenna li jiġi ttrasportat bil-baħar lejn xerrejja li diġà huma magħrufa.

(58) B'mod ġenerali, huwa meqjus li m'hemm ebda probabbiltà li jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità f'kwantitajiet sinifikanti u li, anki jekk parti mill-kapaċità żejda tal-produzzjoni fit-Tajlandja tispiċċa fil-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri, huwa improbabbli għar-raġuni stabbilita fil-premessa (55) hawn fuq li dawn l-esportazzjonijiet ikunu ddumpjati.

2.5. *Konklużjoni*

(59) Għall-eżami dwar jekk ikunx probabbli li jerġa' jiġri l-bejgħ taħt il-prezz jekk jitneħħew il-miżuri kontra d-dumping, ġew analizzati l-kapaċitajiet żejda u l-ħażniet mhux użati kif ukoll l-istrateġiji tal-prezz u ta' l-esportazzjoni fi swieq differenti.

(60) L-eżami żvela li, filwaqt li jista' jkun hemm xi kapaċitjiet żejda ta' produzzjoni fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja li jistgħu jwasslu biex jerġgħu jibdew l-esportazzjonijeit lejn il-Komunità jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, m'hemm ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-volum ta' dawn l-esportazzjonijiet se jkun sinifikanti u, aktar importanti, dawn l-esportazzjonijiet mhumiex mistennija jsiru taħt il-prezz kif stabbilit fl-investigazzjonijiet oriġinali.

(61) Għalhekk, billi m'hemm ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' esportazzjonijiet taħt il-prezz li jistgħu jikkawżaw ħsara mill-pajjiżi kkonċernati, m'hemmx bżonn tiġi analizzata l-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara u l-interess tal-Komunità. Il-miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' PSF li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja għandhom għalhekk jitneħħew u l-proċediment għandu jintemm.

D. IR-REVIŻJONI INTERIM PARZJALI LI TIKKONĊERNA LIT-TAJLANDJA

(62) Billi skond il-premessa preċedenti il-miżuri kontra t-Tajlandja għandhom jitneħħew u l-proċediment għandu jintemm, ir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna lil Tuntex għandha tintemm ukoll.

E. L-IŻVELAR

(63) Il-partijiet interessati kienu infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien maħsub li tiġi proposta t-tneħħija tal-miżuri eżistenti kontra l-Awstralja, l-Indja, l-Indonesja u t-Tajlandja u li jintemm il-proċediment. Il-partijiet kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Il-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati u l-utenti fil-Komunità appoġġaw il-konklużjonijiet ta' hawn fuq. Madankollu, CIRFS u ċerti produtturi Komunitarji opponew iżda, b'mod ġenerali, il-kummenti li waslu ma kinux ta' natura li jwasslu għal bidla fil-konklużjoni.

(64) CIRFS u ċerti produtturi Komunitarju sostnew li s-sejbiet tal-Kummissjoni stess dwar il-kapaċità żejda u l-bejgħ taħt il-prezz indikaw b'mod ċar li kien hemm il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping li jagħmel il-ħsara.

(65) Fir-rigward ta' l-uniku produttur Awstraljan, huma qiesu li ma kienx ġie spjegat jekk il-kapaċità tal-produzzjoni li preċedentement kienet tintuża għall-esportazzjoni lejn il-Komunità għadhiex disponibbli, u jekk iva jekk huwiex probabbli li terġa' tibda tintuża jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Huma nnotaw li l-bejgħ fis-suq domestiku kien taħt il-valur normali u, meta wieħed iqis li nstab bejgħ taħt il-prezz li jagħmel ħsara fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità fl-investigazzjoni oriġinali kif ukoll f'investigazzjoni oħra dwar il-PET, prodott relatat mill-qrib mal-PSF, għandu jiġi konkluż li hemm il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping li jagħmel ħsara.

(66) CIRFS u ċerti produtturi Komunitarji kkunsidraw li żieda fil-kapaċità ta' żewġ produtturi prinċipali Indjani bi 361 000 tunnellata fl-2007 u l-eżistenza ta' mill-inqas produttur wieħed ġdid ta' PSF fl-istadju tal-bidu b'kapaċità stmata ta' 180 000 tunnellata jfissru li l-kapaċità totali Indjana se taqbeż it-talba domestika għal PSF b'iktar minn 300 000 tunnellata matul il-perjodu kollu sa l-2010. Dan il-fatt flimkien mal-marġini ta' dumping bejn 15 % u 27 % fuq esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi matul l-RIP, kif ukoll l-ammissjoni tal-Kummissjoni stess li l-livell prevalenti tal-prezz fis-suq Komunitarju jista' jwassal biex dan isir attraenti għall-produtturi Indjani, juri li ftit jista' jkun hemm dubju dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' importazzjonijiet taħt il-prezz li jagħmlu ħsara jekk jitneħħew il-miżuri.

(67) Fir-rigward ta' l-Indonesja, huma enfasizzaw il-fatt li l-Kummissjoni tislet il-konklużjonijiet biss mill-analiżi ta' erba' produtturi li kkooperaw meta s-suq u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi li ma kkooperawx, li skond l-istima tal-Kummissjoni għandhom iktar minn nofs il-kapaċità installata totali fl-Indonesja, hija ħafna agħar. Huma qiesu wkoll li hemm iktar minn 140 000 tunnellata ta' kapaċità żejda, jiġifieri 50 000 tunnellata iktar mill-istima tal-Komunità, u li l-kapaċità żejda se tkun għadha ta' iktar minn 100 000 tunnellata fi żmien diversi snin. Anki d-90 000 tunnellata ta' kapaċità żejda stmata mill-Kummissjoni jagħmluha probabbli li l-produtturi Indonesjani, li diġà għandhom kuntratti kummerċjali fil-Komunità għall-bejgħ ta' filament tal-poliester, iżidu b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Komunità ladarba jitneħħew il-miżuri. Billi l-marġnijiet tagħhom fuq l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi għadhom 'il fuq mill-livelli *de minimis*, l-importazzjonijiet li joriġinaw fl-Indonesja jsiru bi prezzijiet ta' dumping li jagħmlu l-ħsara.

(68) CIRFS u ċerti produtturi Komunitarji nnotaw li l-marġini ta' dumping ta' 10 % sa 15 % fuq esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi minn produtturi Tajlandiżi li kkooperaw, il-kapaċità żejda sinifikanti u l-fatt li l-produtturi Tajlandiżi tal-PSF diġà qed jesportaw filament tessili tal-poliester lejn il-Komunità jindikaw b'mod ċar il-probabbiltà ta' rikorrenza malajr ta' dumping fuq importazzjonijiet li joriġinaw fit-Tajlandja jekk jitneħħew il-miżuri.

(69) Huma sostnew ukoll li pajjiżi bħaċ-Ċina, l-Indja u l-Vjetnam, li sa ftit ilu kienu importaturi netti ta' PSF u swieq importanti ta' l-esportazzjoni għall-pajjiżi konċernati, issa bnew il-kapaċità sal-punt li dalwaqt ikunu esportaturi netti, u b'hekk iqiegħdu aktar pressjoni fuq il-pajjiżi konċernati biex jerġgħu jibdew l-esportazzjoni ta' kwantitajiet sinifikanti lejn il-Komunità bi prezzijiet ta' dumping li jagħmlu l-ħsara.

(70) Fl-aħħar, produttur Komunitarju enfasizza l-importanza strateġika ta' l-industriji tar-reċiklaġġ fi stadju iktar kmieni tal-produzzjoni, li jistgħu ikunu affetwati b'mod negattiv mit-tnaqqis fid-daqs jew anki l-għeluq ta' produtturi Komunitarji tal-PSF.

(71) F'reviżjoni ta' skadenza, is-sejbiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara huma prospettivi u, għalhekk, jinkludu element ta' apprezzament. B'mod ġenerali, il-fatti li jikkonċernaw il-kapaċità u l-użu tal-kapaċità fil-pajjiżi konċernati kif stabbiliti fl-investigazzjoni ma kinux ikkontestati. CIRFS u ċerti produtturi Komunitarji sempliċement għamlu tbassir differenti dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' esportazzjonijiet taħt il-prezz ta' PSF lejn il-Komunità għall-pajjiżi kkonċernati. Hija pprovat issostni t-tbassir tagħha permezz ta' referenzi għal prodotti għajr il-PSF. Madankollu, il-fatt li ċerti produtturi fil-pajjiżi kkonċernati jistgħu jesportaw prodotti oħra lejn il-Komunità, waħdu ma jurix li hemm il-probabbiltà li jerġa' jkun hemm kwantitajiet sinifikanti ta' esportazzjonijiet taħt il-prezz ta' PSF lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri.

(72) Fil-każ preżenti, il-fatt li d-differenza fil-prezz bejn l-esportazzjonijiet mill-Indja, mill-Indonesja u mit-Tajlandja lejn pajjiżi terzi u l-bejgħ domestiku tagħhom matul l-RIP instab li kien inqas b'mod sinifikanti minn dak stabbilit fl-investigazzjonijiet oriġinali fuq l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Komunità huwa indikazzjoni li s-sitwazzjoni tal-prezzijiet fis-swieq inbidlet. Barra minn hekk, il-fatt li l-prezzijiet fil-Komunità huma ħafna ogħla mill-prezzijiet għall-bejgħ lejn pajjiżi terzi jindika li dawn id-differenzi fil-prezz jistgħu anki jkunu inqas, jekk mhux negattivi, kieku kellhom jerġgħu jibdew esportazzjonijiet sinifikanti lejn il-Komunità minn dawn it-tliet pajjiżi. B'hekk, skond iċ-ċirkostanzi preżenti mhuwiex mistenni li jista' jseħħ id-dumping fuq esportazzjonijiet lejn il-Komunità minn dawn il-pajjiżi. Huwa mfakkar li ma kien hemm ebda esportazzjonijiet mill-Awstralja matul l-RIP u, għalhekk, ma jistgħux isiru dawn id-dikjarazzjonijiet għal dan il-pajjiż.

(73) Barra minn hekk, l-użu tal-kapaċità fl-Indja, fl-Indonesja u fit-Tajlandja kien ġeneralment għoli u s-swieq domestiċi tagħhom kienu importanti u f'xi każijiet qed jikbru malajr. Fl-Indja, 90 % tal-bejgħ tal-produtturi li kkoperaw sar fis-suq domestiku matul l-RIP. Fl-Indonesja, l-istess proporzjoni kien ta' 80 %. Fit-Tajlandja, fejn dan il-proporzjon kien ta' madwar 40 %, il-kapaċità żejda stmata kienet żgħira u f'kwalunkwe każ kienet inqas b'mod sinifikanti minn dik fl-Indja u fl-Indonesja. Ma ngħatat ebda evidenza li s-sitwazzjoni tal-produtturi li ma kkoperawx f'dawn il-pajjiżi kienet differenti. Fejn tidħol l-Awstralja, m'hemm ebda indikazzjoni li l-kapaċità l-antika ta' l-uniku produttur tista' terġa tiġi installata faċilment u użata biex jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk jineħħew il-miżuri. Kif diġà ntqal, il-kapaċità eżistenti fl-Awstralja, anki jekk se tintuża kompletament għal esportazzjonijiet lejn il-Komunità, ma tistax tilħaq sehem għola mil-limitu *de minimis* ta' 1 % tas-suq Komunitarju. Huwa, għalhekk, meqjus li m'hemm ebda indikazzjoni li jistgħu jintużaw xi kapaċitajiet żejda biex jerġgħu jibdew esportazzjonijiet sinifikanti lejn il-Komunità jekk jitneħħew il-miżuri.

(74) Fir-rigward ta' l-argument li ċerti pajjiżi terzi bnew kapaċitajiet ġodda u jistgħu inaqqsu jew anki jwaqqfu l-importazzjonijiet fil-futur, u b'hekk iħallu aktar kapaċitajiet żejda għal esportazzjonijet lejn il-Komunità, huwa nnutat li m'hemm ebda indikazzjoni li t-talba għal PSF li qed tikber malajr madwar id-dinja tista' tieqaf fil-futur qrib. F'dan ir-rigward, huwa nnutat ukoll li l-kapaċità eżistenti fil-Komunità tista' tkopri massimu ta' 60 % tat-talba Komunitarja li qed tiżdied fl-RIP. Għalhekk, mhuwiex mistenni li sitwazzjoni ta' kapaċità żejda madwar id-dinja hija imminenti jew li tista' taffetwa lis-suq Komunitarju.

(75) Fl-aħħar, huwa veru li l-industriji tar-reċiklaġġ fi stadju aktar kmieni tal-produzzjoni jistgħu jkunu affettwati b'mod negattiv mit-tnaqqis fid-daqs jew anki l-għeluq ta' produtturi Komunitarji ta' PSF, billi dawn ta' l-aħħar huma l-konsumaturi l-aktar importanti ta' laqx tal-fliexken. Madankollu, din il-konsiderazzjoni hija irrelevanti għad-determinazzjoni dwar il-probabbiltà li jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet taħt il-prezz mill-pajjiżi konċernati. Huwa għalhekk meqjus li l-kummenti ta' CIRFS u ċerti produtturi Komunitarji ma jistgħux ibiddlu l-konklużjoni li m'hemm ebda probabbiltà li jerġgħu jibdew esportazzjonijiet taħt il-prezz ta' kwantitajiet sinifikanti lejn il-Komunità mill-pajjiżi konċernati u, għalhekk, il-miżuri għandhom jitneħħew u l-proċediment għandu jintemm,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-miżuri kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri, mhux imqardxa, mimxuta jew b'xi mod ieħor ipproċessati għall-għażil li joriġinaw fl-Awstralja, fl-Indja, fl-Indonežja u fit-Tajlandja imposti permezz tar-Regolamenti (KE) Nru 1522/2000 u (KE) Nru 2852/2000 huma b'dan imħassrin u l-proċedimenti li jikkonċernaw dawn l-importazzjonijiet huma mitmuma.

Artikolu 2

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-dumping li japplikaw għal importazzjonijiet ta' fibri sintetiċi prinċipali ta' poliesteri, mhux imqardxa, mimxuta jew b'xi mod ieħor ipproċessati għall-għażil li joriġinaw fit-Tajlandja hija b'dan mitmuma.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 10 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
H. HEINÄLUOMA

32006R1532

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1532/2006

tat-12 ta' Ottubru 2006

dwar il-kondizzjonijiet għal ċerti kwoti ta' importazzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Huwa kunsiljabbli li jiġu adottati miżuri li jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet għal ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċanga ta' kwalità għolja.

(2) Ġiet skoperta, minn diskussjonijiet mal-pajjiżi li jesportaw ċanga ta' kwalità għolja fi ħdan il-kwoti tariffarji KE-WTO ta' 11 000 t, 5 000 t u 4 000 t rispettivament, il-ħtieġa li jiġu adattati aħjar il-kondizzjonijiet ta' l-importazzjoni għal dawn il-kwoti.

(3) Sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, huwa kunsiljabbli li jiġu allokati l-kwoti tariffarji relevanti li għalihom l-Arġentina, il-Brażil u l-Urugwaj huma l-forniturі uniċi għall-pajjiż rispettiv.

(4) Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tadotta definizzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu aċċertati minn awdituri u vverifikati aktar faċilment skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 32 [1] tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella sabiex tippermetti l-verifika u l-aċċertament minn awdituri *ex post* tal-konformità mad-definizzjoni, mingħajr ma jinbidlu l-kundizzjonjiet bażiċi ta' l-importazzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kundizzjonijiet għall-kwoti tariffarji KE-WTO ta' 11 000 t, 5 000 t u 4 000 t rispettivament għal-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċanga ta' kwalità għolja tal-kodiċijiet NM 0201 30 00, 0202 30 90, 0206 10 95 u 0206 29 91 għandhom japplikaw kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 12 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S. HUOVINEN

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodott	Numri tariffarji	Kwota u r-rata fi ħdan il-kwota	Termini u kundizzjonijiet oħra
Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini: falda ħoxna u falda rqiqa, friska jew imkessħa	ex 0201 30 00 ex 0206 10 95	11 000 t 20 %	Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, pajjiż fornitur: l-Arġentina L-eliġibbiltà għall-kwota hija suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonjiet Komunitarji relevanti
Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, tal-friża: — Oħra Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini: — Falda ħoxna u falda rqiqa, friska jew imkessħa — Falda ħoxna u falda rqiqa, tal-friża	ex 0201 30 00 ex 0202 30 90 ex 0206 10 95 ex 0206 29 91	5 000 t 20 %	Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, pajjiż fornitur: il-Brażil L-eliġibbiltà għall-kwota hija suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonjiet Komunitarji relevanti
Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, tal-friża: — Oħra Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini: — Falda ħoxna u falda rqiqa, friska jew imkessħa — Falda ħoxna u falda rqiqa, tal-friża	ex 0201 30 00 ex 0202 30 90 ex 0206 10 95 ex 0206 29 91	4 000 t 20 %	Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, pajjiż fornitur: l-Urugwaj L-eliġibbiltà għall-kwota hija suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonjiet Komunitarji relevanti

32006D0688

L 283/40 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ottubru 2006

dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni

(2006/688/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Fl-4 ta' Novembru 2004 il-Kunsill Ewropew endorsja programm pluriennali, magħruf bħala l-programm ta' l-Aja, għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li jagħmel sejħa għall-iżvilupp tat-tieni fażi ta' politika komuni fil-qasam ta' l-asil, il-migrazzjoni, il-viżi u l-fruntieri, li bdiet fl-1 ta' Mejju 2004, ibbażata, *inter alia*, fuq koperazzjoni prattika aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri u skambju ta' informazzjoni mtejjeb.

(2) L-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-asil u l-immigrazzjoni mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam irriżulta f'interdipendenza eqreb bejn il-politika ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma, dan għamel mod li l-ħtieġa għal approċċ aktar koordinat għall-politika nazzjonali tkun essenzjali għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(3) F'konklużjonijiet adottati fil-laqgħa tiegħu ta' l-14 ta' April 2005, il-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għamel sejħa għall-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni reċiproka bejn dawn inkarigati mill-politika dwar il-migrazzjoni u l-asil fl-Istati Membri, ibbażata fuq il-ħtieġa li tiġi kkomunikata l-informazzjoni dwar miżuri kkonsidrati li x'aktarx ikollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha u li tippermetti skambju ta' fehmiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fuq it-talba ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri u jew tal-Kummissjoni.

(4) Il-mekkaniżmu ta' informazzjoni għandu jkun ibbażat fuq is-solidarjetà, it-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u għandu jipprovdi kanal flessibbli, rapidu u mhux burokratiku għall-iskambju ta' informazzjoni u fehmiet dwar miżuri nazzjonali dwar l-asil u l-immigrazzjoni fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea.

(5) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din Deċiżjoni, il-miżuri nazzjonali dwar l-asil u l-immigrazzjoni li x'aktarx ikollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha jistgħu jinkludu intenzjonijiet ta' politika, programmazzjoni għall-perjodu fit-tul, abbozz ta' u leġislazzjoni adottata, deċiżjonijiet finali ta' l-ogħla qrati jew tribunali li japplikaw jew jinterpretaw miżuri ta' dritt nazzjonali u deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw numru sinifikattiv ta' persuni.

(6) Il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni rilevanti għandha sseħħ mhux aktar tard minn meta l-miżuri kkonċernati jsiru disponibbli pubblikament. L-Istati Memri huma madankollu mħeġġa jittrasmettuha malajr kemm jista' jkun.

[1] Opinjoni mogħtija fit-3 ta' Mejju 2006. Għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(7) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u aċċessibbiltà, network ibbażat fuq l-internet għandu jkun element essenzjali tal-mekkaniżmu ta' informazzjoni dwar miżuri nazzjonali fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni.

(8) L-iskambju ta' informazzjoni dwar miżuri nazzjonali permezz ta' network ibbażat fuq l-internet għandu jkun komplementat bil-possibbiltà li jsir skambju ta' fehmiet dwar tali miżuri.

(9) Il-mekkaniżmu ta' informazzjoni stabbilit b'din id-Deċiżjoni għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jitolbu diskussjonijiet ad hoc fil-Kunsill dwar miżuri nazzjonali fi kwalunkwe mument, skond ir-regoli ta' proċedura tal-Kunsill.

(10) Ladarba l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-iskambju sigur ta' informazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-Istati Membri, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għaldaqstant, minħabba l-effetti ta' din id-Deċiżjoni, jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(11) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, innotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(12) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta minnha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-materja regolata u l-kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi mekkaniżmu għall-iskambju reċiproku ta' informazzjoni dwar miżuri nazzjonali fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni li x'aktarx ikollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha.

2. Il-mekkaniżmu msemmi fil-paragrafu 1 jippermetti t-tħejjija ta' skambji ta' fehmiet u dibattiti dwar tali miżuri.

Artikolu 2

Informazzjoni li għandha tiġi preżentata

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra informazzjoni dwar il-miżuri li biħsiebhom jieħdu, jew li ħadu reċentement, fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni, fejn dawn il-miżuri huma disponibbli pubblikament u x'aktarx ikollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha.

Tali informazzjoni għandha tintbagħat malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta ssir disponibbli pubblikament. Dan il-paragrafu huwa suġġett għal kwalunkwe ħtieġa ta' kunfidenzjalità u protezzjoni ta' *data* li jistgħu japplikaw għal miżura partikolari.

Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli sabiex jivvaluta l-probabbiltà li l-miżuri nazzjonali tiegħu ikollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha.

2. L-informazzjoni skond il-paragrafu 1 għandha tiġi kkomunikata permezz tan-network imsemmi fl-Artikolu 3, bl-użu tal-formola ta' rappurtar annessa ma' din id-Deċiżjoni.

3. Il-Kummissjoni jew Stat Membru jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali dwar l-informazzjoni kkomunikata minn Stat Membru ieħor permezz tan-network. F'tali każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali fi żmien xahar.

L-informazzjoni dwar deċiżjonijiet finali ta' l-ogħla Qrati li japplikaw jew jinterpretaw miżuri tal-liġi nazzjonali m'għandhiex tkun is-suġġett ta' talba għal informazzjoni addizzjonali taħt dan il-paragrafu.

4. Il-possibbiltà li tingħata l-informazzjoni addizzjonali msemmija fil-paragrafu 3 tista' wkoll tintuża mill-Istati Membri sabiex jipprovdu informazzjoni dwar miżuri mhux koperti bl-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tal-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

In-network

1. In-network għall-iskambju ta' informazzjoni skond din id-Deċiżjoni għandu jkun ibbażat fuq l-internet.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp u l-ġestjoni tan-network, inkluży l-istruttura u l-kontenut tan-network u l-aċċess għalih. In-network għandu jinkludi miżuri adegwati sabiex jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni, totalment jew parzjalment, fin-network.

3. Għall-istabbiliment prattiku tan-network, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-pjattaforma teknika eżistenti fi ħdan il-qafas Komunitarju tan-network telematiku trans-Ewropew għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' Stati Membri.

4. Għandha tiġi pprovduta funzjonalità speċifika tan-network sabiex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu Stat Membru wieħed jew aktar informazzjoni addizzjonali dwar miżuri kkomunikati, kif indikat fl-Artikolu 2(3), u informazzjoni ohra, kif indikat fl-Artikolu 2(4).

5. L-Istati Membri għandhom jagħżlu punti ta' kuntatt nazzjonali li jkollhom aċċess għan-network u jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwarhom.

6. Fejn meħtieġ għall-iżvilupp tan-network il-Kummissjoni tista' tikkonkludi ftehim ma' Istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea, kif ukoll ma' korpi rregolati mil-liġi pubblika stabbiliti taħt it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej jew stabbiliti fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill kull meta tiġi preżentata talba għal aċċess u meta jingħata aċċess lil tali Istituzzjonijiet u/jew korpi.

Artikolu 4

Skambji ta' fehmiet, ir-rapport ġeneral u diskussjonijiet fil-livell ministerjali

1. Il-Kummissjoni għandha, darba fis-sena, tħejji rapport ġenerali li jqassar l-aktar informazzjoni rilevanti trasmessa mill-Istati Membri. Bil-ħsieb li jitħejja tali rapport u jiġu identifikati kwistjonijiet ta' interess komuni, l-Istati Membri għandhom ikunu assoċjati mal-Kummissjoni għal dan ix-xogħol preparatorju, li jista' jinkludi laqgħat tekniċi tul il-perjodu ta' rappurtar li jikkonsistu minn skambju ta' fehmiet ma' l-esperti ta' l-Istati Membri dwar informazzjoni preżentata taħt l-Artikolu 2.

Ir-rapport ġenerali għandu jiġi preżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jsiru konsultazzjonijiet *ad hoc* fi ħdan il-Kunsill, ir-rapport ġenerali mħejji mill-Kummissjoni għandu jkun il-bażi ta' dibattitu dwar politika dwar l-asil u l-immigrazzjoni fuq livell ministerjali.

Artikolu 5

Valutazzjoni u Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-funzjonament tal-mekkaniżmu sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u regolarment wara dan. Jekk xieraq, il-Kummissjoni għandha tipproponi emendi għaliha.

Artikolu 6

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 7

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMÄKI

ANNESS

Formola ta' rappurtar għal informazzjoni kkomunikata permezz tal-mekkaniżmu ta' informazzjoni reċiproka dwar miżuri ta' l-Istati Membri fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni (l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/688/KE)

Ta' min jiftakar li, taħt it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/688/KE, kull Stat Membru huwa responsabbli mill-evalwazzjoni tal-possibbiltà li l-miżuri nazzjonali tiegħu jkollhom impatt sinifikattiv fuq diversi Stati Membri jew fuq l-Unjoni Ewropea kollha.

1. It-tip ta' miżura li teħtieġ it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni (1) (*)

— Intenzjonijiet ta' politika, programmazzjoni għall-perjodu fit-tul

— Abbozz ta' leġislazzjoni

— Leġislazzjoni adottata

— Deċiżjonijiet finali ta' l-ogħla qrati jew tribunali li japplikaw jew jinterpretaw miżuri tal-liġi nazzjonali jew jipprovdu linji gwida fl-oqsma ta' l-asil u l-immigrazzjoni

— Deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw grupp kbir ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew li jkunu ta' natura ġenerali

— Oħrajn (ispeċifika): _____

2. L-isem sħiħ tal-miżura li teħtieġ it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni (**)

3. Deskrizzjoni qasira tal-miżura li teħtieġ it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni (**)

4. Kummenti u osservazzjonijiet dwar il-miżura kkonċernata (**)

5. Fejn jista' jinstab it-test sħiħ tal-miżura li teħtieġ it-trasmissjoni ta' l-informazzjoni? (2)

(1) Immarka l-kategorija adatta li taħtha jaqa' d-dokument li minnu toriġina t-trasmissjoni ta' l-informazzjoni.
(2) Żid il-link ta' l-Internet kull meta possibbli.
(*) Jekk possibbli u mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tad-data tal-miżura kkonċernata.
(**) L-Istat Membru għandu jittraduċi din l-informazzjoni f'lingwa uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea diversa minn tiegħu.

32006D0695

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Lulju 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/695/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mar-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru konformement mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Suġġett għall-konklużjoni eventwali tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Lulju 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA

22006A1017(01)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Maldivi dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-MALDIVI (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Maldivi')

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ġew iffirmati ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Maldivi li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea t-trasportaturi bl-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti stati terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn l-Istati terzi li jiksbu sehem ta' proprjetà fi trasportaturi bl-ajru liċenzjati konformement mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Maldivi, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, għandhom jinġiebu f'konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Maldivi u sabiex tiġi ppreżervata l-kontinwità ta' tali servizzi ta' l-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi Komunitarja Ewropea t-trasportaturi bl-ajru ma jistgħux, fil-prinċipju, jikkonkludu ftehimiet li jkunu jistgħu jinċidu fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u li jkollhom bħala l-oġġett jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li, fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Maldivi li (i) jeżiġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki konċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti; jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika konċertata bħal dawn; jew (iii) jiddelegaw lil trasportaturi bl-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestringu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti jistgħu jagħmlu ineffettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex xi għan tal-Komunità Ewropea li tinċidi fuq il-bilanċ bejn it-trasportaturi bl-ajru Komunitarji u t-trasportaturi bl-ajru ta' l-Maldivi, jew li tinnegozja l-emendament tad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar servizzi ta' l-ajru li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" għandha tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Ir-referenzi, f'kull ftehim elenkat fl-Anness I, magħmula għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li jkun Parti għal dak il-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

3. Ir-referenzi, f'kull ftehim elenkat fl-Anness I, magħmula għat-trasportaturi bl-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li jkun Parti għal dak il-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għat-trasportaturi bl-ajru jew linji ta' l-ajru nominati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Nomina minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, relattivament għan-nomina ta' trasportatur bl-ajru mill-Istati Membri konċernati, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija mill-Maldivi, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur bl-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi nomina mingħand Stat Membru, il-Maldivi għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u permessi adegwati bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(i) it-trasportatur bl-ajru jkun stabbilit fit-territorju, skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ta' l-Istat Membru nominanti u jkollu Liċenzja ta' Operazzjoni valida konformement mal-liġi Komunitarja Ewropea;

(ii) jiġi eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika relevanti tkun identifikata biċ-ċar fin-nomina; u

(iii) it-trasportatur bl-ajru jkun proprjetà ta', direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, u effettivament kontrollat minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' tali Stati oħra.

3. Il-Maldivi tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur bl-ajru nnominat minn Stat Membru f'każ li:

(i) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju, skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ta' l-Istat Membru nominanti jew ma jkollux Liċenzja ta' Operazzjoni valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea; jew

(ii) ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità ajrunawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fin-nomina; jew

(iii) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx proprjetà ta', u ma jkunx effettivament kontrollat, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini tat-tali Stati oħra.

Fl-eżerċizzju tad-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, il-Maldivi ma għandhiex tiddiskrimina bejn trasportaturi bl-ajru Komunitarji fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

Artikolu 3

Sigurtà

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness II (ċ).

2. Fejn Stat Membru jkun innomina trasportatur bl-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu jkun eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tal-Maldivi taħt id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà tal-ftehim bejn l-Istat Membru li nnomina t-trasportatur bl-ajru u l-Maldivi għandu japplika b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' *standards* ta' sigurtà minn dak l-Istat Membru ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' l-operazzjoni ta' dak it-trasportatur bl-ajru.

Artikolu 4

Tassazzjoni tal-karburant ta' l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness II (d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kuntrarja, xejn f'kull ftehim elenkat fl-Anness II (d) ma għandu jimpedixxi Stat Membru milli jimponi fuq bażi non-diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq karburant fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' trasportatur bl-ajru nominat tal-Maldivi li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Tariffi għat-trasport fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness II (e).

2. It-tariffi li jiġu imposti mit-trasportatur jew trasportaturi bl-ajru nominati mill-Maldivi taħt ftehim elenkat fl-Anness I li jinkludi dispożizzjoni elenkata fl-Anness II (e) għat-trasport kompletament fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għalliġi Komunitarja Ewropea.

Artikolu 6

Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri u l-Maldivi għandhom ikunu bla preġudizzju għar-regoli tal-Partijiet dwar il-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness II (f) għandhom jitħassru u ma jibqgħux fis-seħħ.

Artikolu 7

Annessi ma' dan il-Ftehim

L-Annessi ma' dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integranti minnu.

Artikolu 8

Reviżjoni jew emendament

Il-Partijiet jistgħu, f'kull waqt, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri rispettivi interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet kontraenti jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum taxxahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bittlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Fl-Anness I(b) jinsab indikat ftehim bejn Stat Membru u l-Maldivi li, fil-jum tal-firma ta' dan il-Ftehim, ikun għadu ma daħalx fis-seħħ u li ma jkunx qiegħed jiġi applikat provviżorjament. Dan il-Ftehim japplika għal dak il-ftehim mad-dħul fis-seħħ tiegħu jew ma' l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Artikolu 10

Terminazzjoni

1. Fil-każ li jiġi terminat ftehim elenkat fl-Anness I, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li jirrelataw mal-ftehim konċernat elenkat fl-Anness I għandhom jitterminaw fl-istess waqt.

2. Fil-każ li jiġu terminati l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness I, dan il-Ftehim għandu jittermina fl-istess waqt.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, duplikatament, fil-wieħed u għoxrin jum ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta, fil-lingwi Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u dik Maldiva (Dhivehi).

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen



Por la República de Maldivas
Za Maledivskou republiku
For Republikken Maldiverne
Für die Republik Malediven
Maldiivi Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία των Μαλδιβών
For the Republic of Maldives
Pour la République des Maldives
Per la Repubblica delle Maldive
Maldivu Republikas vārdā
Ma1dyvų Respublikos vardu
A Maldív Köztársaság részéről
Ghar-Repubblika tal-Maldivi
Voor de Republiek der Maldiven
W imieniu Republiki Malediwów
Pela República das Maldivas
Za Maldivskú republiku
Za Republiko Maldivi
Malediivien tasavallan puolesta
För Republiken Maldiverna

ANNESS I

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Maldivi u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qegħdin jiġu applikati provvižorjament:

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern Federali Awstrijakk u l-Gvern tar-Repubblika tal-Maldivi ffirmat f'Malé fl-4 ta' Frar 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Maldivi — Awstrija" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika tal-Maldivi dwar it-trasport bl-ajru ffirmat f'Malé fil-5 ta' Frar 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Maldivi — Franza" fl-Anness II;

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Maldivi ffirmat f'Malé fl-10 ta' Novembru 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Maldivi — Ġermanja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tar-Repubblika tal-Maldivi għal servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, magħmul f'The Hague fid-23 ta' Ġunju 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malidivi — Olanda" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika tal-Maldivi magħmul f'Malé fl-20 ta' Jannar 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Maldivi — Renju Unit" fl-Anness II.

Modifikat mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Malé fis-7 ta' Settembru 2000,

(b) Ftehim dwar is-servizzi bl-ajru inizjalat jew iffirmat bejn il-Maldivi u Stat Membru tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ikun għadu ma daħalx fis-seħħ u ma jkunx qiegħed jiġi applikat provvižorjament:

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern tar-Repubblika tal-Maldivi dwar is-servizzi bl-ajru ffirmat f'Malé fl-20 ta' Jannar 2000, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Maldivi — Italja" fl-Anness II.

ANNESS II

Lista ta' Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I u msemmija fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Ftehim

(a) Nomina minn Stat Membru:

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim Maldivi-Awstrija,

— l-Artikolu 3 tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim Maldivi-Olanda,

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim Maldivi-Renju Unit;

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet jew il-Permessi:

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim Maldivi-Awstrija,

— l-Artikolu 4 tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim Maldivi-Olanda,

— l-Artikolu 5 tal-Ftehim Maldivi-Renju Unit;

(ċ) Sigurtà:

— l-Artikolu 7 tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— l-Artikolu 11 tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 14 tal-Ftehim Maldivi-Olanda;

(d) Tassazzjoni tal-karburant ta' l-avjazzjoni:

— l-Artikolu 7 tal-Ftehim Maldivi-Awstrija,

— l-Artikolu 10 tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Maldivi-Ġermanja,

— l-Artikolu 6 tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 10 tal-Ftehim Maldivi-Olanda,

— l-Artikolu 8 tal-Ftehim Maldivi-Renju Unit;

(e) Tariffi għat-trasport fil-Komunità Ewropea:

— l-Artikolu 11 tal-Ftehim Maldivi-Awstrija,

— l-Artikolu 14 tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Maldivi-Ġermanja,

— l-Artikolu 8 tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 6 tal-Ftehim Maldivi-Olanda,

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Maldivi-Renju Unit;

(f) Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

— l-Artikolu 11 (2-6) tal-Ftehim Maldivi-Awstrija,

— l-Artikolu 14 (3-5) tal-Ftehim Maldivi-Franza,

— l-Artikolu 8 (3 u 6) tal-Ftehim Maldivi-Italja,

— l-Artikolu 6 (2-5) tal-Ftehim Maldivi-Olanda.

ANNESS III

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta l-Iżlanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(ċ) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).

32006D0700

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-1 ta' Settembru 2006

dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

(2006/700/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 133 u 170, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS), hawn aktar 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", mar-Repubblika tal-Korea.

(2) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim inizjalat fit-12 ta' Jannar 2006 għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussel, 1 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

22006A1019(01)

FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI

dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u r-Repubblika tal-Korea min-naħa l-oħra

IL-KOMUNITÀ EWROPEA (hawn aktar 'l quddiem imsejħa l-"Komunità"),

kif ukoll

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem "Stati Membri",

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA, hawn aktar 'l quddiem imsejħa "il-Korea",

min-naħa l-oħra

hawn aktar 'l quddiem imsejħa "il-Partijiet"

JIKKUNSIDRAW l-interessi komuni fl-iżvilupp ta' sistema ċivili globali ta' navigazzjoni bis-satellita, hawn aktar 'l quddiem imsejħa l-"GNSS",

JAGĦRFU l-importanza ta' GALILEO bħala kontribuzzjoni għall-infrastruttura tan-navigazzjoni u ta' l-informazzjoni fl-Ewropa u fil-Korea,

JAGĦRFU l-livell avvanzati ta' navigazzjoni bis-satellita ta' l-Korea,

JIKKUNSIDRAW iż-żieda fl-iżvilupp ta' l-applikazzjonijiet tal-GNSS fil-Korea, fil-Komunità Ewropa u żoni oħra fid-dinja,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan tal-Ftehim

L-għan tal-Ftehim hu li jħeġġeġ, jiffaċilita u jtejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fin-navigazzjoni ċivili globali bis-satellita fl-ambitu tal-kontributi Ewropej u Koreani għal Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan il-Ftehim:

(a) "Awment" tfisser mekkaniżmi reġjonali jew lokali bħas-Sistema Ewropea li tkopri n-Navigazzjoni Ġeostazzjonarja (EGNOS). Dawn il-mekkaniżmi jippermettu lill-utenti tal-GNSS globali li jiksbu prestazzjoni aħjar, bħal iżjed preċiżjoni, disponibilità, integrità u affidabilità.

(b) "GALILEO" tfisser sistema awtonoma ċivili Ewropea tan-navigazzjoni, ta' l-ippożizzjonar u t-*timing* globali permezz tas-satellita taħt il-kontroll ċivili, għall-provvista tas-servizzi GNSS iddisinjati u żviluppati mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha u l-Aġenzija Spazjali Ewropea. It-tħaddim ta' GALILEO jista' jiġi trasferit lejn parti privata. Il-GALILEO jipprevedi li joffri servizzi għal aċċess ħieles, servizzi kummerċjali, servizzi ta' sokkors u servizzi ta' tiftix u salvataġġ minbarra servizz pubbliku rregolat u sikur b'limitazzjoni ta' aċċess biex jiġu ssodisfatti l-esiġenzi ta' l-utenti awtorizzati mis-settur pubbliku.

(c) "Elementi lokali GALILEO" tfisser mekkaniżmi lokali li jipprovdu lill-utenti ta' GALILEO sinjali tan-navigazzjoni u talħin ibbażati fuq satelliti b'informazzjoni supplimentarja għal dik li ġejja mill-kostellazzjoni ewlenija użata. Elementi lokali jistgħu jkunu implimentati għal prestazzjoni mtejba madwar l-ajruporti, portijiet marittimi u f'ambjenti urbani jew oħrajn li jippreżentaw sfida għal raġunijiet ġeografiċi. Il-GALILEO se jipprovdi mudelli ġeneriċi għall-elementi lokali.

(d) "Tagħmir tan-navigazzjoni, ta' l-ippożizzjonar u ttamjar fuq livell globali" tfisser kull tagħmir għall-użu ċivili ddisinjat biex jibgħat, jirċievi, jew jipproċessa sinjali ta' navigazzjoni jew ta' ħin ibbażati fuq satelliti biex jipprovdi servizz, jew biex jopera ma' awment reġjonali.

(e) "Miżura regolatorja" tfisser kull liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, politika jew azzjoni amministrattiva.

(f) "Interoperabilità" tfisser sitwazzjoni, fuq livell ta' l-utent, fejn riċevitur b'sistema dupliċi jista' juża sinjali minn żewġ sistemi flimkien għall-istess prestazzjoni, jew waħda aħjar, ta' meta tintuża sistema waħda biss.

(g) "Proprjetà intellettwali" għandu jkollha t-tifsira li tinstab fl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, li saret fi Stokkolma, fl-14 ta' Lulju 1967.

(h) "Responsabilità" tfisser obbligu legali ta' persuna jew ta' entità ġuridika biex tikkumpensa għad-danni kawżati lill-persuna jew entità ġuridika oħra skond prinċipji u regoli ġuridiċi speċifiċi. Dan l-obbligu jista' jkun stipulat fi ftehim (responsabilità kontrattwali) jew f'norma ġuridika (responsabilità mhux kontrattwali).

(i) "Informazzjoni kklassifikata" hija informazzjoni, li kemm jekk toriġina fil-UE u kemm jekk tasal għand l-Istati Membri, l-pajjiżi li mhumiex fl-UE jew organizzazzjoni internazzjonali, li tirrikjedi protezzjoni minn tikxif mhux awtorizzat, li jista' jagħmel dannu b'xi mod jew ieħor lill-interessi essenzjali, inkluża s-sigurtà nazzjonali, tal-Partijiet jew ta' l-Istati Membri individwali. Il-klassifikazzjoni hija indikata b'marka ta' klassifikazzjoni. Informazzjoni bħal din hija kklassifikata skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli u għandha tkun protetta minn xi telf ta' kunfidenzjalità, integrità jew disponibbilità.

Artikolu 3

Prinċipji ta' kooperazzjoni

Il-Partijiet qablu li japplikaw il-prinċipji li ġejjin lill-attivitajiet ta' kooperazzjoni koperti minn dan il-Ftehim:

1. Benefiċċju reċiproku bbażat fuq bilanċ kumplessiv ta' drittijiet u obbligi, inkluż il-kontributi.

2. Shubija fil-programm GALILEO skond il-proċeduri u r-regoli li jiggvernaw it-tmexxija ta' GALILEO.

3. Opportunitajiet reċiproċi għad-dħul f'attivitajiet ta' kooperazzjoni fil-Komunità Ewropea u fil-proġetti GNSS Koreani għall-użu ċivili.

4. Skambju f'waqtu ta' informazzjoni li tista' tolqot ħażin l-attivitajiet ta' kooperazzjoni.

5. Protezzjoni xierqa tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif imsemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan il-Ftehim.

6. Libertà biex jiġu pprovduti servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita fit-territorji tal-Partijiet.

7. Kummerċ mhux ristrett tal-merkanzija GNSS fit-territorji tal-Partijiet.

Artikolu 4

L-Ambitu ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Is-setturi ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni fin-navigazzjoni u t-*timing* bis-satellita huma dawn li ġejjin: l-ispektrum tar-radju, ir-riċerka xjentifika u t-taħriġ, il-kooperazzjoni industrijali, il-kummerċ u l-iżvilupp tas-suq, l-istandards, iċ-ċertifikazzjoni u l-miżuri regolatorji, l-awmentazzjonijiet, is-sigurtà, l-obbligi fil-liġi u l-irkupru ta' l-ispejjeż il-Partijiet jistgħu jadattaw il-lista fil-paragrafu 1 bid-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Direzzjoni GNSS stabbilit taħt l-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim preżenti ma jinkludix kooperazzjoni bejn il-Partijiet fl-oqsma li ġejjin. Jekk jinftiehem bejn il-Partijiet li se jkun hemm benefiċċji reċiproċi mill-estensjoni tal-kooperazzjoni għal kwalunkwe minn dawn l-oqsma li ġejjin, dan imbagħad jirrikjedi negozjar u konklużjoni ta' Ftehim xierqa bejn il-Partijiet.

2.1. Teknoloġiji sensittivi GALILEO u elementi taħt il-miżuri regolatorji tal-kontroll ta' l-esportazzjoni u non-proliferazzjoni applikabbli fil-Komunità Ewropea jew l-Istati Membri tagħha,

2.2. is-sigurtà ta' informazzjoni u kriptografija GALILEO (INFOSEC),

2.3. l-Arkitettura tas-Sigurtà tas-Sistemi GALILEO (segmenti ta' l-ispazju, ta' l-art u ta' l-utenti),

2.4. L-elementi ta' kontroll tas-sigurtà tas-segmenti globali ta' GALILEO,

2.5. Is-Servizzi Pubbliċi Regolati fit-tifsira, fl-iżvilupp, fl-implimentazzjoni, fl-ittestjar u evalwazzjoni u fil-fażijiet operazzjonali (tmexxija u użu) tagħhom, kif ukoll,

2.6. Fl-iskambju ta' informazzjoni klassifikata dwar in-navigazzjoni bis-satellita u GALILEO,

3. Dan il-Ftehim ma jaffettwax l-istruttura istituzzjonali stabbilita mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità Ewropea għall-finijiet ta' l-operazzjonijiet tal-programm GALILEO. Dan il-Ftehim lanqas ma jaffettwa l-miżuri regolatorji applikabbli li jimplimentaw l-impenji ta' non-proliferazzjoni u kontroll ta' esportazzjonijiet, inkluż il-kontoll ta' trasferimenti intanġibbli ta' teknoloġija, u lanqas ma jaffettwa l-miżuri nazzjonali ta' sigurtà.

Artikolu 5

Forom ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni

1. Suġġett għall-miżuri regolatorji applikabbli tagħhom, il-Partijiet għandhom iġibu 'l quddiem, sakemm jista' jkun, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni skond dan il-Ftehim, bil-ħsieb li jipprovdu opportunitajiet komparabbli għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tagħhom fis-setturi elenkati taħt l-Artikolu 4.

2. Il-Partijiet jaqblu li jwettqu attivitajiet ta' kooperazzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 6 sa 13 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

L-Ispektrum tar-radju

1. Imsejsa fuq is-suċċessi tal-passat fil-qafas ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, il-Partijiet jaqblu li titkompla l-kooperazzjoni u l-appoġġ reċiproku f'oqsma ta' l-ispektrum tar-radju.

2. F'dan il-kuntest il-Partijiet se jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar il-*filings* ta' frekwenza u jippromwovu allokazzjonijiet xierqa ta' frekwenzi għal GALILEO u GNSS Koreani prospettivi inkluża s-Sistema ta' Awmentazzjoni Bbażata fuq is-Satellita sabiex jassiguraw id-disponibilità tas-servizzi ta' GALILEO għall-benefiċċju ta' l-utenti mad-dinja kollha u partikolarment dawk fil-Korea u fil-Komunità.

3. Waqt li jagħrfu l-importanza li jipproteġu l-ispektrum ta' radjonavigazzjoni mix-xkiel u l-interferenza, il-Partijiet għandhom jidentifkaw sorsi ta' interferenza u jfittxu soluzzjonijiet aċċettabbli għat-tnejn biex jikkumbattu intereferenza bħal din.

4. Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat skond l-Artikolu 14, jaħdem biex jiddefinixxi l-mekkaniżmu xieraq immirat biex jiggarantixxi kuntatti effettivi u kollaborazzjoni f'dan is-settur.

5. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem bħala deroga mid-dispożizzjonijiet applikabbli ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, inklużi r-Regolamenti dwar ir-radju ta' l-UIT.

Artikolu 7

Riċerka xjentifika

Il-Partijiet għandhom imexxu 'l quddiem riċerka konġunta fil-qasam tal-GNSS permezz ta' programmi ta' riċerka Ewropej u Koreani, inkluż il-Programm ta' Qafas tal-Komunità Ewropea għar-Riċerka u Żvilupp, il-Programmi ta' Riċerka ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Ministeri u l-aġenziji Koreani li għandhom x'jaqsmu mal-GNSS.

L-attivitajiet konġunti ta' riċerka u taħriġ għandhom jikkontribwixxu għall-ippjanar ta' żviluppi ġejjiena ta' GNSS għal użu ċivili.

Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat, skond l-Artikolu 14, jiddefinixxi l-mekkaniżmu xieraq immirat biex jiggarantixxi kuntatti effettivi u parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka.

Artikolu 8

Kooperazzjoni industrijali

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu u jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn l-industriji taż-żewġ naħat, permezz ta' impriżi konġunti u l-parteċipazzjoni tal-Korea f'assoċjazzjonijiet industrijali relevanti ta' l-Ewropa, kif ukoll il-parteċipazzjoni ta' l-Ewropa fl-assoċjazzjonijiet industrijali rilevanti tal-Korea bil-għan li tissawwar is-sistema GALILEO kif ukoll li jimxi 'l quddiem l-użu u l-iżvilupp ta' l-applikazzjonijiet u tas-servizzi ta' GALILEO.

2. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu grupp konġunt ta' konsulenza dwar il-kooperazzjoni industrijali taħt il-Kumitat ta' Direzzjoni mwaqqaf skond l-Artikolu 14 sabiex jinvestiga u jiggwida l-kooperazzjoni fuq l-iżvilupp tas-satellita u l-manifattura, is-servizzi ta' llanċjar, il-faċilitajiet ta' l-istazzjon fl-art, u l-prodotti ta' applikazzjoni.

3. Biex titħeffef il-kooperazzjoni industrijali l-Partijiet għandhom jagħtu u jassiguraw protezzjoni xierqa u effettiva u nfurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali f'oqsma u setturi relevanti għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' GALILEO/EGNOS, skond l-istandards internazzjonali rilevanti mwaqqfa bil-Ftehim TRIPS u konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom iż-żewġ partijiet huma firmatarji, inklużi l-mezzi effettivi ta' nfurzar ta' dawn l-istandards.

4. L-esportazzjonijiet mill-Korea għall-pajjiżi terzi ta' oġġetti sensittivi u teknoloġiji żviluppati speċifikament u ffinanzjati mill-programm GALILEO, u ddefiniti mill-awtorità ta' sigurtà kompetenti tal-GALILEO biex ikunu taħt il-kontroll ta' esportazzjoni, jkollhom jitressqu mill-Korea għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità tas-sigurtà kompetenti GALILEO. Kull ftehim separat imsemmi fl-Artikolu 4(2) ta' dan il-Ftehim għandu jipprovdi wkoll mekkaniżmu xieraq għall-Partijiet sabiex jirrakomanda elementi potenzjalment suġġetti għall-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

5. Sabiex jagħtu kontribut għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu rabtiet bejn l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ispazju u l-Ministeri u l-aġenziji tal-Korea marbuta mal-GNSS.

Artikolu 9

Kummerċ u żvilupp tas-suq

1. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-kummerċ u l-investiment f'infrastruttura għan-navigazzjoni bis-satellita, f'tagħmir, f'elementi lokali ta' GALILEO u f'applikazzjonijiet fl-Ewropa u Korea.

2. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jgħollu l-livell ta' għarfien pubbliku dwar l-attivitajiet ta' navigazzjoni bis-satellita ta' GALILEO, jidentifikaw ostakli potenzjali għat-tkabbir ta' l-applikazzjoni GNSS u jieħdu miżuri xierqa biex iħeffu dan it-tkabbir.

3. Sabiex jidentifikaw u jirrispondu effettivament għall-ħtiġijiet ta' l-utenti l-Partijiet għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu forum miftuħ għall-utenti tal-GNSS.

4. Il-Ftehim ma jaffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skond il-Ftehim ta' Marrakech li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Artikolu 10

Standards, Ċertifikazzjoni u Miżuri Regolatorji

1. Waqt li jagħrfu l-valur ta' l-istrateġiji kkordinati fl-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni internazzjonali dwar is-servizzi globali ta' navigazzjoni bis-satellita, il-Partijiet flimkien għandhom jappoġġjaw l-iżvilupp ta' l-istandards tal-GALILEO u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom mad-dinja kollha, waqt li jenfasizzaw l-interoperabilità mas-sistemi l-oħra tal-GNSS.

Għan wieħed tal-koordinament huwa li jmexxi 'l quddiem l-użu wiesa' u innovattiv tas-servizzi ta' GALILEO bħala standard dinji ta' navigazzjoni u *timing* għal għanijiet miftuħa, kummerċjali u tas-sikurezza tal-ħajja. Il-Partijiet jaqblu li jippruvaw joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp ta' l-applikazzjonijiet ta' GALILEO.

2. Għalhekk, sabiex l-għanijiet ta' dan il-Ftehim jitmexxew 'il quddiem u jkunu implimentati, il-Partijiet għandhom, kif inhu xieraq, jikkooperaw fuq l-oqsma ta' l-ippożizzjonar, in-navigazzjoni u *timing* bis-satellita li jinqalgħu speċjalment fl-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili, fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u fl-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni.

3. Fuq livell bilaterali l-Partijiet għandhom jassiguraw li miżuri marbuta ma' standards tekniċi, ċertifikazzjoni u rekwiżiti għal-liċenzji u proċeduri dwar il-GNSS ma jkunux ostakli bla bżonn għall-kummerċ. Rekwiżiti nazzjonali għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji, applikabbli u trasparenti.

4. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri regolatorji meħtieġa biex jippermettu l-użu tar-riċevituri tal-GALILEO, is-segmenti fl-art u fl-ispażju fit-territorji taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom. F'dan ir-rigward, il-gvern tar-Repubblika tal-Korea fil-qasam tal-komunikazzjonijiet tar-radju għandu jagħti lill-GALILEO trattament xejn inqas favorevoli minn dak li jingħata lil servizzi oħra bħal dawn.

5. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti Koreani fl-organizzazzjonijiet Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni.

Artikolu 11

Żvilupp tas-servizzi ta' awmentazzjoni mill-art tal-GNSS fuq livell globali u reġjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiddefinixxu u jimplimentaw arkitetturi ta' sistemi mill-art li jippermettu garanzija mill-aħjar ta' integrità ta' GALILEO/EGNOS, preċiżjoni u kontinwità ta' servizzi GALILEO u EGNOS u interoperabilità ma' sistemi oħra tal-GNSS.

2. Għal dan il-għan fuq livell reġjonali l-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-livell reġjonali bl-iskop li jimplimentaw sistemi ta' awmentazzjoni mill-art reġjonali fil-Korea bbażati fuq is-sistema GALILEO. Din is-sistema reġjonali hija prevista biex tipprovdi integrità reġjonali u servizzi mill-iżjed preċiżi ma' dawk ipprovduti mis-sistema GALILEO fuq livell globali. Bħala prekursur, il-Partijiet għandhom mnejn jikkunsidraw l-estensjoni ta' EGNOS fir-reġjuni ta' l-Ażja ta' l-Lvant.

3. Fuq livell lokali l-Partijiet għandhom iħeffu l-iżvilupp ta' elementi lokali ta' GALILEO.

Artikolu 12

Sikurezza

1. Il-Partijiet għandhom jipproteġu s-Sistemi Globali Ċivili ta' Navigazzjoni bis-Satellita kontra atti ta' abbuż, interferenza, xkiel u atti ostili.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu kull pass prattikabbli sabiex jassiguraw il-kwalità, il-kontinwità u s-sikurezza tas-servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita u ta' l-infrastruttura relatata fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

3. Il-Partijiet jagħrfu li l-kooperazzjoni biex jassiguraw is-sigurtà tas-sistema u tas-servizzi ta' GALILEO hija għan komuni importanti.

4. Għalhekk il-Partijiet għandhom jistabbilixxu kanal ta' konsultazzjoni xieraq sabiex jindirizzaw kwistjonijiet dwar is-sigurtà tal-GNSS.

Il-mekkaniżmi u l-proċeduri prattiċi għandhom ikunu definiti bejn l-awtoritajiet tas-sigurtà kompetenti taż-żewġ Partijiet.

Artikolu 13

Responsabbiltà u rkupru ta' l-ispejjeż

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jidefinixxu u jimplimentaw reġim ta' reponsabbilità u arranġamenti ta' rkupru ta' l-ispejjeż sabiex jiffaċilità d-dispożizzjoni tas-servizzi ċivili tal-GNSS.

Artikolu 14

Mekkaniżmu ta' kooperazzjoni

1. Il-koordinament u t-tħaffif ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandhom jitwettqu mill-Gvern tar-repubblika tal-Korea u f'isem il-Korea u mill-Kummissjoni Ewropea f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha.

2. Skond l-għan fl-Artikolu 1, dawn iż-żewġ entitajiet għandhom jistabbilixxu Kumitat ta' Direzzjoni GNSS, minn hawn il-quddiem msejjaħ "il-Kumitat" għall-immaniġjar ta' dan il-Ftehim. Dan il-Kumitat għandu jikkonsisti minn rappreżentanti uffiċjali ta' kull Parti u għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess ibbażat fuq kunsens reċiproku.

Il-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Direzzjoni għandhom jinkludu:

(a) Il-promozzjoni, l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet lill-Partijiet u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet kooperattivi differenti marbuta mal-Ftehim;

(b) l-għoti ta' pariri lill-Partijiet dwar kif jistgħu jġibu l-quddiem il-kooperazzjoni skond il-prinċipji stipulati f'dan il-Ftehim;

(ċ) li jirrevedi l-iffunzjonar u l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan il-Ftehim; kif ukoll

(d) li jiddiskuti l-possibilità li tiġi estiża l-kooperazzjoni għażżoni msemmija fil-Paragrafu 2 ta' l-Artikolu 4.

3. Il-Kumitat għandu, bħala regola ġenerali, jiltaqa' darba fissena. Il-laqgħat għandhom isiru darba fil-Komunità u darba fil-Korea. Laqgħat straordinarji jistgħu jiġu organizzati fuq it-talba ta' kwalunkwe Parti.

L-ispejjeż imġarrba mill-Kumitat jew f'ismu għandhom jitħallsu mill-Parti li rrakkomanda jew ħatar il-membru jew membri tal-Kumitat. L-ispejjeż minbarra dawk għall-ivvjaġġar u għall-alloġġ li huma assoċjati direttament mal-laqgħat tal-Kumitat jitħallsu mill-Parti ta' fejn tkun saret il-laqgħa. Il-Kumitat jista' jistabbilixxi Gruppi ta' Ħidma Tekniċi Konġunti dwar suġġetti speċifiċi fejn il-Partijiet iħossu li dan hu xieraq, bħall-kooperazzjoni u standardizzazzjoni industrijali.

4. Il-Partijiet jilqgħu l-parteċipazzjoni possibbli tal-Korea fl-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS, fi qbil malleġiżlazzjoni Komunitarja Ewropea u l-modalitajiet u l-proċeduri li jiggvernaw parteċipazzjoni bħal din.

Artikolu 15

L-iffinanzjar

1. Kull Parti għandha terfa' l-ispejjeż tar-responsabbilitajiet rispettivi tagħha taħt dan il-Ftehim, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-modalitajiet u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 14(4) ser jinkludu kontribut finanzjarju xieraq lill-programm GALILEO mill-pajjiż mhux ta' l-UE li jiddeċiedi li jipparteċipa fl-Awtorita ta' Sorveljanza.

2. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha raġonevoli skond il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom, sabiex jiġi faċilitat id-dħul u l-permanenza fit-territorju rispettiv tagħhom, u l-ħruġ minnu, ta' persuni, kapital, materjal, *data* u tagħmir involut jew użat f'attivitajiet kooperattivi taħt dan il-Ftehim.

3. Meta skemi speċifiċi ta' kooperazzjoni ta' Parti waħda jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti mill-Parti l-oħra, għotjiet jew kontribuzzjonijiet finanzjarji bħal dawn minn Parti għall-parteċipanti tal-Parti l-oħra b'sostenn għal dawk l-attivitajiet għandhom jingħataw eżenzjoni mit-taxxa u d-dwana skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorji ta' kull Parti fiżżmien li jsiru għotjiet jew kontributi finanzjarji bħal dawn jew forom oħra ta' kontributi.

Artikolu 16

Skambju ta' informazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi u punti ta' inkjesta sabiex jipprovdu għallkonsultazzjonijiet u l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom iħeġġu iktar skambju ta' informazzjoni dwar in-navigazzjoni bis-satellita fost l-istituzzjonijiet u l-intrapriżi taż-żewġ naħat.

Artikolu 17

Konsultazzjoni u soluzzjoni ta' tilwim

1. Il-Partijiet għandhom minnufih jikkonsultaw, fuq talba ta' waħda minnhom, dwar kull kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Kull tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi solvuta minn konsultazzjonijiet ta' ħbiberija bejn il-Partijiet.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm il-Partijiet milli jkollhom rikors għall-proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim taħt il-Ftehim tad-WTO.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ u terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ l-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. In-notifiki għandhom jintbagħtu lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li se jkun id-depożitarju ra' dan il-Ftehim.

2. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim ma taffettwax il-validità u ż-żmien ta' xi arranġamenti li saru taħtu jew xi drittijiet u obbligi speċifiċi li ġġarbu fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat bi ftehim reċiproku bil-miktub bejn il-Partijiet. Kwalunkwe emenda għandha tidħol fis-seħħ l-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara dak li fih il-Partijiet ikunu nnotifikaw id-Depożitarju li lestew il-proċeduri tagħhom meħtieġa għal dan il-għan.

4. Dan il-Ftehim għandu jibqa fis-seħħ għal perjodu ta' ħames snin u għandu jibqa' fis-seħħ minn hemm il-quddiem sakemm ma jintemmx minn wieħed miż-żewġ Partijiet fl-aħħar tal-perjodu inizjali ta' ħames snin jew f'xi żmien ieħor minn hemm 'il quddiem billi tingħata notifika minn qabel lill-Parti l-oħra ta' mill-inqas sitt xhur ta' l-intenzjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim qiegħed isir f'duplikat fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Koreana, u kull test huwa awtentiku.

Pour le Royaume de Belgique
Voor het Koninkrijk België
Für das Königreich Belgien

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

Za Českou republiku

På Kongeriget Danmarks vegne

Für die Bundesrepublik Deutschland

Eesti Vabariigi nimel

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Por el Reino de España

Pour la Republique française

Thar cheani Na hÉireann
For Ireland

Per la Repubblica italiana

Για την Κυπριακή Δημοκρατία,



Latvijas Republikas vārdā

Lietuvos Respublikos vardu

Pour le Grand-Duché de Luxembourg

A Magyar Köztársaság részéről

Ghar-Repubblika ta' Malta

Voor het Koninkrijk der Nederlanden

Für die Republik Osterreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa

Za Republiko Slovenijo

Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
For Republiken Finland

För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per Ia Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vagnar





대한민국을 위하여



32006R1562

20.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 290/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1562/2006

tal-5 ta' Ottubru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Shubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari, l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1708/87 il-Komunità approvat il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar sajd 'il barra mis-Seychelles [2]. Il-Partijiet innegozjaw bil-ħsieb li jissostitwixxu dak il-Ftehim bi Ftehim ta' Shubija fis-settur tas-Sajd.

(2) Bħala segwitu għal dawn in-negozjati, ġie inizjalat Ftehim ta' Shubija fis-settur tas-sajd f'Marzu 2005.

(3) Il-Ftehim ta' Shubija fis-settur tas-sajd jipprevedi t-tisħiħ tal-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd bil-għan li jiggarantixxi li r-riżorsi jiġu konservati u jintużaw b'mod sostenibbli, kif ukoll għal shubija bejn impriżi bil-għan li jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u attivitajiet relatati fl-interess komuni.

(4) Il-Ftehim imsemmi għandu jiġi approvat.

(5) Bħala segwitu għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, ir-Regolament (KEE) Nru 1708/87 isir obsolet. Għal raġunijiet ta' ċarezza għalhekk għandu jiġi mħassar l-imsemmi Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Shubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim" huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità.

Artikolu 3

Regolament (KEE) Nru 1708/87 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMÄKI

---

[1] Opinjoni mogħtija nhar is-6 ta' Settembru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 160, 20.6.1987, p. 1.

22006A1020(01)

FTEHIM TA' SĦUBIJA FIS-SETTUR TAS-SAJD

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità",

u

IR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES,

minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "Seychelles",

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FID-DAWL tar-relazzjonijiet ta' koperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità u s-Seychelles, b'mod partikolari fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Cotonou, kif ukoll ix-xewqa reċiproka tagħhom li jsaħħu dawn ir-relazzjonijiet,

FILWAQT LI JINNUTAW il–Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' kondotta għal sajd responsabbli adottat mill-Konferenza tal-FAO fl-1995,

DETERMINATI li jikkoperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, favur l-iżvilupp ta' sajd responsabbli sabiex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

KONVINTI li din il-koperazzjoni għandha tkun imsejsa fuq il-komplementarjetà ta' l-inizjattivi u l-azzjonijiet imwettqa kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet sabiex jiżguraw il-koerenza tal-politika u s-sinerġija ta' l-isforzi.

DEĊIŻI, għal dawn il-finijiet, li jagħtu bidu għal djalogu dwar id-definizzjoni ta' politika settorali għas-sajd fis-Seychelles, l-identifikazzjoni tal-mezzi adatti li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi ta' din il-politika kif ukoll l-involviment ta' l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili fil-proċess.

ĦERQANA li jistabbilixxu l-metodi u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet ta' sajd tal-bastimenti tal-Komunità fl-ibħra tas-Seychelles, u dawk li jirrigwardaw l-appoġġ mogħti mill-Komunità għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli f'dawn l-istess ibħra,

DEĊIŻI li jikkoperaw ekonomikament aktar mill-qrib fil-qasam ta' l-industrija tas-sajd u f'attivitajiet relatati, permezz tal-ħolqien u ta' l-iżvilupp ta' impriżi konġunti li jinvolvu impriżi miż-żewġ Partijiet.

JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regolamenti u l-proċeduri li jirregolaw:

— il-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd sabiex ikun hemm żvilupp ta' sajd responsabbli fl-ibħra tas-Seychelles sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tas-Seychelles.

— il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għall-ibħra tas-Seychelles;

— il-metodi ta' kontroll tas-sajd fl-ibħra tas-Seychelles sabiex ikunu żgurati l-osservanza tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dik-jarat u mhux regolat;

— l-arranġamenti ta' sħubija bejn impriżi li jfittxu li jiżviluppaw, fl-interess komuni, attivitajiet ekonomiċi fil-qasam tas-sajd u l-attivitajiet relatati.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(a) "awtoritajiet tas-Seychelles" tfisser l-Awtorità tas-Sajd tas-Seychelles;

(b) "awtoritajiet tal-Komunità" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(ċ) "bastiment tal-Komunità" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u rreġistrat fil-Komunità;

(d) "impriża konġunta" tfisser kumpannija kummerċjali kostitwita fis-Seychelles minn sidien jew impriżi nazzjonali tal-Partijiet sabiex jeżerċitaw attivitajiet ta' sajd jew attivitajiet relatati;

(e) "Kumitat Konġunt" tfisser kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u tas-Seychelles li l-funzjonijiet tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Il-prinċipji u l-għanijiet li jispiraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fl-ibħra tas-Seychelles fuq il-bażi li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-flotot preżenti f'dawn l-ibħra, mingħajr preġudizzju għal xi ftehim milħuq bejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-istess reġjun ġeografiku, inkluż xi ftehim ta' reċiproċità fi kwistjoni relatata mas-sajd.

2. Mingħajr preġudizzju għas-sovranità tas-Seychelles, il-Partijiet għandhom jikkoperaw fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika settorali dwar is-sajd fl-ibħra tas-Seychelles u, għal dan il-għan, jagħtu bidu għal djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa. Huma jintrabtu li ma jeħdux miżuri f'dan il-qasam mingħajr ma jikkonsultaw lil xulxin minn qabel.

3. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll fit-twettiq ta' valutazzjonijiet qabel, waqt u wara, kemm b'mod konġunt kif ukoll fuq inizjattiva unilaterali, tal-miżuri, programmi u azzjonijiet li jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw it-twettiq ta' dan il-Ftehim skond l-prinċipji ta' tmexxija ekonomika u soċjali tajba.

5. B'mod partikolari, l-impjieg tal-baħrin tas-Seychelles fuq il-bastimenti tal-Komunità huwa regolat mid-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (*ILO*) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol li japplikaw *ipso jure* fil-qafas tal-kuntratti kkonċernati u l-kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għan-negozjar kollettiv u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fi kwistjonijiet ta' xogħol u professjoni.

Artikolu 4

Koperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Waqt il-perjodu kopert b'dan il-Ftehim, il-Komunità u s-Seychelles għandhom jissorveljaw l-evoluzzjoni tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles; għandha ssir laqgħa xjentifika konġunta kull sena b'dak il-għan, darba fil-Komunità u darba fis-Seychelles.

2. Skond il-konklużjonijiet tal-laqgħa xjentifika annwali u l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fil-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 u, fejn hemm ikun meħtieġ u permezz ta' ftehim komuni, jieħdu miżuri sabiex jiżguraw l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Il-Partijiet hawnhekk jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, jew direttament jew fi ħdan il-Kummissjoni ta' l-Oċean Indjan tat-Tonn (IOTC), sabiex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi fl-Oċean Indjan u jikkoperaw fil-qafas ta' l-attivitajiet relatati ta' riċerka xjentifika.

Artikolu 5

L-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd fl-ibħra tas-Seychelles

1. Is-Seychelles jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Komunità li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' sajd tagħhom skond dan il-Ftehim inklużi l-Protokoll u l-Anness.

2. L-attivitajiet ta' sajd imsemmija f'dan il-Ftehim huma suġġetti għal-liġijiet u regolamenti fis-seħħ fis-Seychelles. L-awtoritajiet tas-Seychelles għandhom jinfurmaw lill-Komunità dwar kull tibdil li jsir fil-leġiżlazzjoni msemmija.

3. Il-Partijiet jassumu r-responsabbiltà fejn tidħol l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll tas-sajd ipprovduti fil-Protokoll. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkoperaw ma' l-awtoritajiet tas-Seychelles għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli.

4. Il-Komunità tintrabat li twettaq id-dispożizzjonijiet kollha adegwati sabiex tiżgura l-osservanza, mill-bastimenti tagħha, tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim kif ukoll tal-leġislazzjoni li tirregola s-sajd fl-ibħra rilevanti taħt il-ġuriżdizzjoni tas-Seychelles.

Artikolu 6

Liċenzji

1. Il-bastimenti tal-Komunità ma' jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles sakemm ma jkollhomx liċenzja għas-sajd maħruġa fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

2. Il-proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sajd għall-bastiment, it-taxxi applikabbli u l-metodu ta' ħlas mis-sid huma stabbiliti fl-Anness tal-Protokoll.

Artikolu 7

Kumpens finanzjarju

1. Il-Komunità għandha tħallas lis-Seychelles kumpens finanzjarju skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Protokoll u l-Anness. Dan il-kumpens uniku huwa ffurmat minn żewġ komponenti relattivi, rispettivament,

a) l-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd fl-ibħra tas-Seychelles, u

b) l-appoġġ finanzjarju mill-Komunità għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra tas-Seychelles.

2. Il-komponent tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun determinat u amministrat fid-dawl ta' l-għanijiet identifikati permezz ta' qbil komuni bejn il-Partijiet skond il-Protokoll, li jrid jintlaħaq fil-kuntest tal-politika settorali tas-sajd fis-Seychelles u ta' programmazzjoni annwali u pluriennali sabiex jiġi implimentat.

3. Il-kumpens finanzjarju mogħti mill-Komunità għandu jitħallas kull sena konformement mal-modalitajiet stabbiliti fil-Protokoll, u suġġett għal dan il-Ftehim u l-Protokoll f'każ li jkun hemm xi tibdil fl-ammont ta' l-ammont tiegħu minħabba:

(a) avvenimenti gravi, barra fenomeni naturali, li jżommu milli jsiru attivitajiet tas-sajd fl-ibħra tas-Seychelles;

(b) tnaqqis, permezz ta' ftehim bejn il-Partijiet, fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Komunità fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' mmaniġġar ta' l-istokkijiet konċernati fejn dan jitqies meħtieġ sabiex ikunu ikkonservati u użati b'mod sostenibbli r-riżorsi skond l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(ċ) żieda, permezz ta' ftehim bejn il-Partijiet, fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Komunità jekk, skond l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, din tkun permissibbli fid-dawl ta' l-istat tar-riżorsi;

(d) valutazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet ta' l-appoġġ finanzjarju mill-Komunità sabiex tkun implimentata l-politika settorali tas-sajd fis-Seychelles fejn dan ikun ġustifikat mir-riżultati tal-programmazzjoni annwali u pluriennali stabbiliti mill-Partijiet;

(e) id-denunzja ta' dan il-Ftehim konformement mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.

(f) is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim konformement mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13.

Artikolu 8

Promozzjoni tal-koperazzjoni bejn operaturi ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ekonomika, kummerċjali, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u s-setturi konnessi miegħu. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkoordinaw id-diversi azzjonijiet li huma prevedibbli f'dan ir-rigward.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-teknika u l-apparat tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-proċeduri industrijali għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjoinijiet adatti għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impriżi tagħhom, fil-materji tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp ta' impriżi u ta' l-investiment.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' impriżi konġunti li jkollhom interess komuni. Il-ħolqien ta' impriżi konġunti fis-Seychelles u t-trasferiment ta' l-bastimenti tal-Komunità lill-impriżi konġunti għandu jikkonforma b'mod sistematiku mal-liġijiet tas-Seychelles u tal-Komunità.

Artikolu 9

Kumitat Konġunt

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat Konġunt inkarigat mill-kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżerċita l-funzjonijiet li ġejjin:

a) jikkontrolla l-eżekuzzjoni, l-interpretazzjoni, u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari d-definizzjoni u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni annwali u pluriennali prevista fl-Artikolu 7(2);

b) jiżgura l-kuntatti meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sajd;

ċ) iservi ta' forum għar-riżoluzzjoni bonarja tal-vertenzi li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

d) jivvaluta mill-ġdid, jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-livell ta' sajd possibbli u, konsegwentement, tal-kumpens finanzjarju;

e) kwalunkwe funzjoni oħra li l-Partijiet jiftiehmu li jagħtuh.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena, darba fis-Seychelles u darba fil-Komunità, u jkun presedut mill-Parti fejn issir il-laqgħa. Għandha ssir laqgħa straordinarja fuq it-talba ta' xi waħda mill-Partijiet.

Artikolu 10

Żona ġeografika li għaliha japplika l-Ftehim

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, fit-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi Trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju tas-Seychelles.

Artikolu 11

Tul

Dan il-Ftehim għandu japplika għal sitt snin mid-data li fiha jidħol fis-seħħ; huwa jista' jiġġedded għal perjodi supplimentari ta' sitt snin, sakemm ma jiġix denunzjat skond l-Artikolu 12.

Artikolu 12

Denunzja

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi denunzjat minn xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' ċirkostanzi gravi relatati ma', fost oħrajn, id-degradazzjoni ta' l-istokkijiet konċernati, id-determinazzjoni ta' tnaqqis fil-livell ta' l-użu ta' l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Komunità, jew in-nuqqas ta' konformità ma' l-impenji assunti mill-Partijiet fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat.

2. Il-Parti konċernata għandha tgħarraf bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tiddenunzja l-Ftehim ta' l-inqas sitt xhur qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali jew kull perjodu supplimentari.

3. Kif tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu ta' qabel għandhom jibdew konsultazzjonijiet mill-Partijiet.

4. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 għassena li fiha ssir effettiva d-denunzja għandu jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*.

Artikolu 13

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' nuqqas ta' ftehim serju fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal avviż mill-parti kkonċernata, bil-miktub, mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni ikollha tidħol fis-seħħ. Mill-ħruġ ta' dan l-avviż, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li jirranġaw bonarjament in-nuqqas ta' ftehim.

2. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju stipulat fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skond it-tul tas-sospensjoni.

Artikolu 14

Protokoll u Anness

Il-Protokoll u l-Anness jiffurmaw partijiet integranti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 15

Ħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan il-Ftehim iħassar u jieħu post il-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar sajd 'il barra mis-Seychelles ta' l-1987 sad-data li fiha jidħol fis-seħħ.

2. Madankollu, il-Protokoll li jiddefinixxi għall-perjodu mit-18 ta' Jannar 2005 sas-17 ta' Jannar 2011 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju li jaħseb għalih dan il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar sajd 'il barra mis-Seychelles jibqa' fis-seħħ waqt il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 tiegħu u jsir parti integranti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 16

Il-lingwi tal-Ftehim u d-dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, imfassal duplikatament biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Eston, bil-Finlandiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku, għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

32006R1563

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1563/2006

tal-5 ta' Ottubru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 37, flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlamant Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Kunsill, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1494/88 [2], approva Ftehim mar-Repubblika Federali Iżlamika tal-Komoros dwar is-sajd lil hinn mix-xtut tal-gżejjer Komoros. Iż-żewġ Partijiet taw bidu għal negozjati bil-ħsieb li jibdlu dan il-Ftehim, skond id-dispożizzjonijiet tiegħu, bi Ftehim ġdid ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd.

(2) Bħala segwitu għal dawn in-negozjati, ġie inizjalat Ftehim ġdid fl-24 ta' Novembru 2004.

(3) Dan il-Ftehim jipprevedi t-tisħiħ tal-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd sabiex jiġu żgurati l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi kif ukoll arranġamenti ta' sħubija bejn impriżi li jkollhom l-għan li jiżviluppaw, fl-interess komuni, attivitajiet ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tas-sajd u attivitajiet relatati.

(4) Il-Ftehim imsemmi għandu jiġi approvat.

(5) Bħala segwitu għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, ir-Regolament (KEE) Nru 1494/88 isir obsolet u għandu jiġi mħassar għal raġunijiet ta' ċarezza,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità.

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 1494/88 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 5 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMÄKI

---

[1] Opinjoni mogħtija fis-6.9.2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 137, 2.6.1988, p. 18.

22006A1020(02)

FTEHIM TA' SĦUBIJA

fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità",

u

L-UNJONI TAL-KOMOROS,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komoros",

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FID-DAWL tar-relazzjonijiet ta' koperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità u l-Komoros, b'mod partikolari fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Cotonou, kif ukoll ix-xewqa reċiproka tagħhom li jsaħħu dawn ir-relazzjonijiet,

FILWAQT LI JINNUTAW il–Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' kondotta għal sajd responsabbli adottat mill-Konferenza tal-FAO fl-1995,

DETERMINATI li jikkoperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, favur l-iżvilupp ta' sajd responsabbli sabiex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar,

KONVINTI li din il-koperazzjoni għandha tkun imsejsa fuq il-komplementarjetà ta' l-inizjattivi u l-azzjonijiet imwettqa kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet sabiex jiżguraw il-koerenza tal-politika u s-sinerġija ta' l-isforzi.

DEĊIŻI, għal dawn il-finijiet, li jagħtu bidu għal djalogu dwar id-definizzjoni ta' politika settorali għas-sajd fil-Komoros, l-identifikazzjoni tal-mezzi adatti li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi ta' din il-politika kif ukoll l-involviment ta' l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili fil-proċess.

ĦERQANA li jistabbilixxu l-metodi u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet ta' sajd tal-bastimenti tal-Komunità fl-ibħra tal-Komoros, u dawk li jirrigwardaw l-appoġġ mogħti mill-Komunità għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli f'dawn l-istess ibħra,

DEĊIŻI li jikkoperaw ekonomikament aktar mill-qrib fil-qasam ta' l-industrija tas-sajd u f'attivitajiet relatati, permezz tal-holqien u ta' l-iżvilupp ta' impriżi konġunti li jinvolvu impriżi miż-żewġ Partijiet.

JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regolamenti u l-proċeduri li jirregolaw:

— il-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd sabiex ikun hemm żvilupp ta' sajd responsabbli fl-ibħra tal-Komoros sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Komoros.

— il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għall-ibħra tal-Komoros;

— il-metodi ta' kontroll tas-sajd fl-ibħra tal-Komoros sabiex ikunu żgurati l-osservanza tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat;

— l-arranġamenti ta' sħubija bejn impriżi li jfittxu li jiżviluppaw, fl-interess komuni, attivitajiet ekonomiċi fil-qasam tas-sajd u l-attivitajiet relatati.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Ghall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

a) "awtoritajiet tal-Komoros" tfisser il-Ministru nkarigat missajd fil-Komoros;

b) "awtoritajiet tal-Komunità" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

ċ) "bastiment tal-Komunità" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u rreġistrat fil-Komunità;

d) "impriża konġunta" tfisser kumpannija kummerċjali kostitwita fil-Komoros minn sidien jew impriżi nazzjonali tal-Partijiet sabiex jeżerċitaw attivitajiet ta' sajd jew attivitajiet relatati;

e) "Kumitat Konġunt" tfisser kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u tal-Komoros li l-funzjonijiet tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Il-prinċipji u l-għanijiet li jispiraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu s-sajd responsabbli fl-ibħra tal-Komoros fuq il-bażi li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn il-flotot preżenti f'dawn l-ibħra, mingħajr preġudizzju għal xi ftehim milħuq bejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw fl-istess reġjun ġeografiku, inkluż xi ftehim ta' reċiproċità fi kwistjoni relatata mas-sajd.

2. Mingħajr preġudizzju għas-sovranità tal-Komoros, il-Partijiet għandhom jikkoperaw fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika settorali dwar is-sajd fl-ibħra tal-Komoros u, għal dan il-għan, jagħtu bidu għal djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa. Huma jintrabtu li ma jeħdux miżuri f'dan il-qasam mingħajr ma jikkonsultaw lil xulxin minn qabel.

3. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll fit-twettiq ta' valutazzjonijiet qabel, waqt u wara, kemm b'mod konġunt kif ukoll fuq inizjattiva unilaterali, tal-miżuri, programmi u azzjonijiet li jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw it-twettiq ta' dan il-Ftehim skond l-prinċipji ta' tmexxija ekonomika u soċjali tajba.

5. B'mod partikolari, l-impjieg tal-baħrin lokali fuq il-bastimenti tal-Komunità huwa regolat mid-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (*ILO*) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol li japplikaw *ipso jure* fil-qafas tal-kuntratti kkonċernati u l-kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għan-negozjar kollettiv u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fi kwistjonijiet ta' xogħol u professjoni.

Artikolu 4

Koperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Kemm idum fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isegwu l-evoluzzjoni ta' l-istat tar-riżorsi fl-ibħra tal-Komoros.

2. Il-Partijiet, skond ir-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan il-Kummissjoni dwar it-Tonn fl-Oċean Indjan (*IOTC*) u fid-dawl ta' l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fil-Kumitat Konġunt imsemmi fl-Artikolu 9 u, fejn hemm ikun meħtieġ u permezz ta' ftehim komuni, jieħdu miżuri sabiex jiżguraw l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, kemm direttament u kemm fi ħdan l-*IOTC*, sabiex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi fl-Oċean Indjan u jikkoperaw fil-qafas ta' l-attivitajiet relatati ta' riċerka xjentifika.

Artikolu 5

L-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd fl-ibħra tal-Komoros

1. Il-Komoros jintrabtu li jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Komunità li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' sajd tagħhom skond dan il-Ftehim inklużi l-Protokoll u l-Anness.

2. L-attivitajiet ta' sajd imsemmija f'dan il-Ftehim huma suġġetti għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-Komoros. L-awtoritajiet tal-Komoros għandhom jinfurmaw lill-Komunità dwar kull tibdil li jsir fil-leġiżlazzjoni msemmija.

3. Il-Partijiet jassumu r-responsabbiltà fejn tidhol l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll tas-sajd ipprovduti fil-Protokoll. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkoperaw ma' l-awtoritajiet tal-Komoros għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli.

4. Il-Komunità tintrabat li twettaq id-dispożizzjonijiet kollha adegwati sabiex tiżgura l-osservanza, mill-bastimenti tagħha, tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim kif ukoll tal-leġislazzjoni li tirregola s-sajd fl-ibħra rilevanti taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Komoros.

Artikolu 6

Liċenzji

1. Il-bastimenti tal-Komunità ma' jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żona tas-sajd tal-Komoros sakemm ma jkollhomx liċenzja għas-sajd maħruġa fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

2. Il-proċedura għall-ħruġ ta' liċenzja tas-sajd għall-bastiment, it-taxxi applikabbli u l-metodu ta' ħlas mis-sid huma stabbiliti fl-Anness tal-Protokoll.

Artikolu 7

Kumpens finanzjarju

Il-Komunità għandha tagħti lill-Komoros kumpens finanzjarju skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Protokoll u l-Anness. Dan il-kumpens uniku huwa ffurmat minn żewġ komponenti relattivi, rispettivament,

a) għall-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd fl-ibħra tal-Komoros, u

b) bħala appoġġ finanzjarju mill-Komunità għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Komoros.

ċ) Il-komponent tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-punt a) tal-paragrafu 1hawn fuq għandu jkun determinat u amministrat fid-dawl ta' l-għanijiet identifikati permezz ta' qbil komuni bejn il-Partijiet skond il-Protokoll, li jrid jintlaħaq fil-kuntest tal-politika settorali tas-sajd fil-Komoros u ta' programmazzjoni annwali u pluriennali sabiex jiġi implimentat.

Artikolu 8

Il-promozzjoni tal-koperazzjoni bejn l-operturi ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u s-setturi konnessi miegħu. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkoordinaw id-diversi azzjonijiet li huma prevedibbli f'dan ir-rigward.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-iskambju tat-tagħrif dwar it-teknika u l-apparat tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-proċeduri industrijali għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex joħolqu l-kundizzjoinijiet adatti għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-impriżi tagħhom, fil-materji tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u l-investiment.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' impriżi konġunti li jkollhom interess komuni. It-trasferiment ta' bastimenti tal-Komunità lejn impriżi konġunti u l-ħolqien ta' impriżi konġunti fil-Komoros għandhom jikkonformaw b'mod sistematiku mal-liġijiet fis-seħħ fil-Komoros u fil-Komunità.

Artikolu 9

Kumitat Konġunt

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat Konġunt inkarigat mill-kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt għandu jeżerċita l-funzjonijiet li ġejjin:

a) jikkontrolla l-eżekuzzjoni, l-interpretazzjoni, u l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari d-definizzjoni u l-valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni annwali u pluriennali prevista fl-Artikolu 7(b);

b) jiżgura l-kuntatti meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sajd;

ċ) iservi ta' forum għar-riżoluzzjoni bonarja tal-vertenzi li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

d) jivvaluta mill-ġdid, jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-livell ta' sajd possibbli u, konsegwentement, tal-kumpens finanzjarju;

e) kwalunkwe funzjoni oħra li l-Partijiet jiftiehmu li jagħtuh.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena, darba fil-Komoros u darba fil-Komunità, u jkun presedut mill-Parti fejn issir il-laqgħa. Għandha ssir laqgħa straordinarja fuq it-talba ta' xi waħda mill-Partijiet.

B'mod partikolari, għandha tiltaqa' mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' kull protokoll sabiex tiddefinixxi l-metodi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Għal dan il-għan għandha tħejji pjan ta' azzjoni li jiddefinixxi preċiżament l-attivitajiet li għandhom jiġu żviluppati u wara dan kalendarju preċiż ta' skadenzi li jkopri l-perjodu ta' kull protokoll.

Artikolu 10

Iż-żona ġeografika ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, fit-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, taħt il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmi Trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju ta' l-Unjoni tal-Komoros.

Artikolu 11

Tul

Dan il-Ftehim għandu japplika għal perjodu ta' seba' (7) snin minn meta jidħol fis-seħħ u jista' jiġġedded għal perjodu supplimentari ta' seba' (7) snin sakemm ma jiġix denunzjat skond l-Artikolu 12.

Artikolu 12

Denunzja

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi denunzjat minn xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' ċirkostanzi gravi relatati ma', fost oħrajn, id-degradazzjoni ta' l-istokkijiet konċernati, id-determinazzjoni ta' tnaqqis fil-livell ta' l-użu ta' l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Komunità, jew in-nuqqas ta' konformità ma' l-impenji assunti mill-Partijiet fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat.

2. Il-Parti konċernata għandha tgħarraf bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tiddenunzja l-Ftehim ta' l-inqas sitt xhur qabel ma jiskadi l-perjodu inizjali jew kull perjodu supplimentari.

3. Kif tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu ta' qabel għandhom jibdew konsultazzjonijiet mill-Partijiet.

4. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 għassena li fiha ssir effettiva d-denunzja għandu jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*.

Artikolu 13

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' nuqqas ta' ftehim serju fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Din is-sospensjoni hija suġġetta għal avviż mill-parti kkonċernata, bil-miktub, mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni tkun sejra tidħol fis-seħħ. Mill-ħruġ ta' dan l-avviż, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li jirranġaw bonarjament in-nuqqas ta' ftehim.

2. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju stipulat fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skond it-tul tas-sospensjoni.

Artikolu 14

Il-Protokoll u l-Anness jiffurmaw partijiet integranti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 15

Tħassir u dispożizzjonijiet tranżitorji

Mad-dħul fis-seħħ tiegħu, dan il-Ftehim iħassar u jieħu post il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Iżlamika tal-Komoros dwar is-sajd lil hinn mix-xtut tal-Komoros, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 1988.

Madankollu, il-Protokoll li jistabbilixxi, għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2010, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju kif ipprovdut fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Iżlamika tal-Komoros dwar is-sajd lil hinn mix-xtut tal-Komoros jibqa' fis-seħħ għall-perjodu stipulat fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 tiegħu u jsir parti integranti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 16

Il-lingwi tal-Ftehim u d-dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, imfassal duplikatament biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Eston, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portuġiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Għarbi, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku, għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

32006D0702

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Ottubru 2006

dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni

(2006/702/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 [1], u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 158 tat-Trattat, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali tagħha, il-Komunità timmira li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp taddiversi reġjuni u l-arretratezza tar-reġjuni jew il-gżejjer l-anqas vantaġġati, inklużi ż-żoni rurali.

(2) Skond l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandhom jiġu stabbiliti linji gwida strateġiċi dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali sabiex jiddefinixxu qafas indikattiv għall-intervent tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Fond ta' Koeżjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Fondi"), b'kont meħud ta' linji politiċi Komunitarji relevanti oħra, bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp bilanċjat, armonjuż u sostenibbli tal-Komunità.

(3) Ir-riżultati tat-tkabbir f'estenzjoni sostanzjali taddisparitajiet reġjonali fil-Komunità, għalkemm xi uħud mill-ifqar partijiet ta' l-Istati Membri l-ġodda għandhom uħud mill-għola rati ta' tkabbir. Għalhekk, it-tkabbir jippreżenta opportunità, li qatt ma ppreżentat ruħha qabel, għal tisħiħ fit-tkabbir u fil-kompetittività fil-Komunità b'mod ġenerali li għandha tiġi riflessa f'dawn il-linji gwida strateġiċi.

(4) Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2005 ikkonferma li l-Komunità għandha tħaddem ir-riżorsi nazzjonali u Komunitarji adatti kollha — kif ukoll il-politika ta' koeżjoni — sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona, li tikkonsisti minn linji gwida integrati, li jinkludu l-linji gwida ta' politika ekonomika wiesgħa u l-linji gwida għall-impjiegi adottati mill-Kunsill.

(5) Fil-kisba ta' l-għanijiet stipulati fit-Trattat, u b'mod partikolari dak tat-trawwim ta' konverġenza ekonomika reali, l-azzjonijiet sostnuti bir-riżorsi limitati disponibbli għallpolitika ta' koeżjoni għandhom ikun kkonċentrati fuq il-promozzjoni ta' tkabbir sostenibbli, tal-kompetittività u ta' l-impjiegi b'kont meħud ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona.

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

(6) L-għan ta' dawn il-linji gwida strateġiċi għalhekk għandhu jkun li jrawmu żieda fil-kontenut strateġiku tal-politika ta' koeżjoni bil-ħsieb li jsaħħu s-sinerġiji ma' l-għanijiet ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona u li jassistu fil-kisba ta' dawn l-għanijiet.

(7) Il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2005 ikkonkluda li kienet meħtieġa żieda fir-responsabbiltà ta' l-għanijiet ta' l-aġenda l-ġdida ta' Liżbona fuq il-post, li tinvolvi atturi reġjonali u lokali u lill-imsieħba soċjali, b'mod partikolari, fiż-żoni fejn hija essenzjali qrubija akbar, bħall-innovazzjoni, l-ekonomija tal-konoxxenza u t-teknoloġiji l-ġodda ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-impjieg, il-kapital uman, l-intraprenditorija, is-sostenn għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-aċċess għall-finanzjament b'riskju tal-kapital. Dawn il-linji gwida strateġiċi jagħrfu l-importanza ta' dan l-involviment.

(8) Dawn il-linji gwida strateġiċi għandhom jagħrfu wkoll li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika ta' koeżjoni tiddipendi mill-istabbiltà makroekonomika u r-riformi strutturali fil-livell nazzjonali flimkien ma' medda ta' kundizzjonijiet oħra li jiffavorixxu l-investimenti, li jinkludu implimentazzjoni effettiva tas-suq intern, riformi amministrattivi, tmexxija tajba, ambjent li jiffavorixxi n-negozju, u d-disponibbiltà ta' ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli.

(9) L-Istati Membri żviluppaw programmi nazzjonali ta' riforma sabiex itejbu l-kondizzjonijiet għat-tkabbir u għall-impjiegi b'kont meħud tal-linji gwida integrati. Dawn il-linji gwida strateġiċi għandhom jagħtu prijorità, għall-Istati Membri u għar-reġjuni, lil dawk iż-żoni ta' investiment sabiex jgħinu jitwettqu l-programmi nazzjonali ta' riforma b'kont meħud tal-bżonnijiet u l-qagħdiet nazzjonali u reġjonali: l-investiment fl-innovazzjoni, l-ekonomija tal-konoxxenza, it-teknoloġiji l-ġodda ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-impjiegi, il-kapital uman, l-intraprenditorija, is-sostenn għall-SMEs jew l-aċċess għall-finanzjament b'riskju tal-kapital.

(10) Il-linji gwida strateġiċi għandhom jieħdu kont tar-rwol tal-politika ta' koeżjoni fit-twettiq ta' linji politiċi Komunitarji oħra konsistenti ma' l-aġenda mġedda ta' Liżbona.

(11) Fil-każ ta' reġjuni u ta' l-Istati Membri eliġibbli għas-sostenn taħt l-objettiv ta' Konverġenza, l-għan għandu jkun li jiġi stimulat il-potenzjal tat-tkabbir, sabiex jinkisbu u jinżammu rati għolja ta' tkabbir, anke t-trattament tad-defiċit fin-*networks* bażiċi ta' l-infrastruttura u t-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva.

(12) Id-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni hija importanti u ż-żoni kollha tal-Komunità għandhom ikollhom il-possibbiltà li jikkontribwixxu għat-tkabbir u għall-impjiegi. Għal dan il-għan, il-linji giwda strateġiċi għandhom jieħdu kont tal-ħtiġijiet ta' l-investiment kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali minħabba r-rwoli rispettivi tagħhom fl-iżvilupp reġjonali u sabiex jippromwovu żvilupp bilanċjat, komunitajiet sostenibbli u l-inklużjoni soċjali.

(13) L-objettiv tal-koperazzjoni territorjali Ewropea għandu rwol importanti fil-garanzija ta' żvilupp bilanċjat u sostenibbli tat-territorju tal-Komunità. Il-linji gwida strateġiċi għandhom jikkontribwixxu għas-suċċess ta' l-objettiv territorjali Ewropew li jiddipendi fuq strateġiji kondiviżi ta' żvilupp tat-territorji konċernati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u fuq in-*networking* speċjalment sabiex ikun żgurat it-trasferiment ta' ideat lejn il-programmi prinċipali ta' koeżjoni nazzjonali u reġjonali.

(14) Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp sostenibbli, il-linji gwida strateġiċi għandhom jirriflettu l-bżonn li jittieħed kont tal-ħarsien u t-titjib ambjentali fit-tħejjija ta l-istrateġiji nazzjonali.

(15) L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali huma prinċipji bażiċi tal-politika ta' koeżjoni u għandhom ikunu integrati fil-livelli kollha ta' l-approċċ strateġiku għall-koeżjoni.

(16) It-tmexxija tajba hija essenzjali fil-livelli kollha għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-politika ta' koeżjoni. Dawn il-linji gwida strateġiċi għandhom jieħdu kont tar-rwol ta' sħubija wiesgħa fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji ta' żvilupp li huwa meħtieġ sabiex jiżgura li jkunu jistgħu jiġu amministrati b'suċċess strateġiji kumplessi ta' koeżjoni u tal-bżonn ta' kwalità u effiċjenza fissettur pubbliku.

(17) Dawn il-linji gwida strateġiċi jirrappreżentaw qafas indikattiv uniku li l-Istati Membri u r-reġjuni huma mistiedna jużaw meta jiżviluppaw programmi nazzjonali u reġjonali, b'mod partikolari sabiex jivvalutaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-għanijiet tal-Komunità relattivament għall-koeżjoni, għat-tkabbir u għall-impjiegi. B'kont meħud ta' dawn il-linji gwida strateġiċi, kull Stat Membru għandu jħejji l-qafas strateġiku nazzjonali ta' referenza u l-programmi operattivi li jirriżultaw,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-linji gwida strateġiċi") kif stipulati fl-Anness huma b'dan adottati bħala qafas indikattiv għall-Istati Membri fit-tħejjija ta' l-oqsfa ta' referenza strateġiċi nazzjonali u l-programmi operattivi għall-perjodu 2007 sa' l-2013.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, 6 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K. RAJAMÄKI

ANNESS

Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, 2007-2013

1. DAĦLA: LINJI GWIDA GĦALL-POLITIKA TA' KOEŻJONI, 2007-2013

Skond il-linji gwida integrati għat-tkabbir u l-impjiegi ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona, il-programmi sostnuti mill-politika ta' koeżjoni għandhom jippruvaw jimmiraw ir-riżorsi lejn it-tliet prijoritajiet li jmiss [1]:

— itejbu l-attrazzjoni ta' l-Istati Membri, tar-reġjuni u ta' l-ibliet billi jtejbu l-aċċessibbiltà, jiżguraw kwalità u livell ta' servizzi adegwati, u jħarsu l-ambjent;

— jinkoraġġixxu l-innovazzjoni, l-intraprenditorija u t-tkabbir ta' l-ekonomija tal-konoxxenza permezz tal-kapaċitajiet tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, li jinkludu t-teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; u

— joħolqu iktar impjiegi, u impjiegi ta' kwalità aħjar, billi jattiraw iktar nies lejn ix-xogħol jew lejn l-attività intraprenditorjali, itejbu l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u jżidu l-investiment fil-kapital uman.

Fl-adozzjoni ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona fil-programmi l-ġodda, qed tinġibed l-attenzjoni fuq dawn il-prinċipji:

L-ewwel, skond il-varar mill-ġdid ta' l-aġenda stess ta' Liżbona, il-politika ta' koeżjoni għandha tiffoka b'mod iktar qawwi fuq il-konoxxenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u fuq il-kapital uman. Għalhekk, l-isforz finanzjarju totali li jsostni lil dawn l-oqsma ta' azzjoni għandu jiżdied b'mod sinifikanti, kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet il-ġodda ta' l-allokazzjonijiet [2]. Barra minn hekk, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom ikunu ispirati mill-aħjar prattika meta din tkun tat riżultati pożittivi li jidhru f'termini ta' tkabbir u impjiegi.

It-tieni, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom isegwu l-għan ta' żvilupp sostenibbli u jistimulaw s-sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. It-tiġdid ta' l-istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi u l-produzzjoni ta' programmi nazzjonali ta' riforma mill-Istati Membri enfasizzaw ir-rwol ta' l-ambjent fit-tkabbir, fil-kompetittività u fl-impjiegi. Il-ħarsien ambjentali jeħtieġ li jitqies fit-tħejjija tal-programmi u l-proġetti sabiex jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli.

It-tielet, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom ifittxu li jiksbu l-għan ta' l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-istadji kollha tal-preparazzjoni u ta' l-implimentazzjoni tal-programmi u tal-proġetti. Dan jista' jsir permezz ta' azzjonijiet speċifiċi li jinkoraġġixxu l-ugwaljanza, kif ukoll billi jittieħed kont bir-reqqa tal-mod kif proġetti oħra u l-amministrazzjoni tal-Fondi jistgħu jolqtu lill-irġiel u lin-nisa.

Ir-raba', l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa sabiex jipprevjenu kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza u oriġini etnika, regliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali tul l-istadji varji ta' implimentazzjoni tal-Fondi. B'mod partikolari, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà hija waħda mill-kriterji li għandhom jiġu rispettati fid-definizzjoni ta' l-operazzjonijiet kofinanzjati mill-Fondi u li tagħha għandu jittieħed kont tul l-istadji varji ta' l-implimentazzjoni.

Fit-taqsimiet li ġejjin huma eżaminati l-aspetti ewlenin ta' kull wieħed minn dawn l-oqsma wesgħin permezz ta' linji gwida speċifiċi taħt kull intestatura. Dawn il-linji gwida aktar dettaljati mhumiex se jkunu kollha relevanti għar-reġjuni kollha. L-iktar taħlita adatta ta' investimenti fl-aħħar mill-aħħar tiddipendi fuq l-analiżi tal-punti qawwija u tal-punti dgħajfin ta' kull Stat Membru u reġjun u taċ-ċirkostanzi speċifiċi nazzjonali u reġjonali. Il-linji gwida pjuttost jirrappreżentaw qafas wieħed li l-Istati Membri u r-reġjuni huma mistiedna jużaw meta jiżviluppaw programmi nazzjonali, reġjonali u lokali, b'mod partikolari bil-ħsieb li jivvalutaw il-kontribuzzjoni tagħhom għall-għanijiet tal-Komunità f'termini ta' koeżjoni, tkabbir u impjiegi.

[1] Komunikazzjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa — "Naħdmu flimkien ghat-tkabbir u ghall-impjiegi — bidu ġdid ghall-Istrateġija ta' Liżbona" COM(2005) 24, 2.2.2005.

[2] L-Artikolu 9 tar-Regolament Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew ghall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999. (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

1.1 **Linja ta' gwida: Sabiex l-Ewropa u r-reġjuni tagħha jsiru postijiet aktar attraenti għall-investiment u għax-xogħol**

Waħda mill-prekondizzjonijiet għat-tkabbir u għall-impjiegi hija li jkun żgurat li l-infrastruttura neċessarja (eż. it-trasport, l-ambjent, l-enerġija) tkun disponibbli għall-impriżi. Infrastruttura moderna u sigura hija fattur importanti fir-rendiment ta' ħafna intrapriżi, li tinċidi fuq l-attrazzjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni. L-investiment fl-infrastruttura f'reġjuni arretrati, b'mod speċjali fl-Istati Membri l-ġodda, se jinkoraġġixxi t-tkabbir u għaldaqstant isaħħaħ il-konverġenza mal-bqija ta' l-Unjoni kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-ħajja. Ir-riżorsi m'għandhomx jiġu biss minn għotjiet iżda anki, fejn possibbli, mis-settur privat u minn self, pereżempju mill-Bank Ewropew għall-Investiment (EIB). Għall-perjodu li jmiss, l-awtoritajiet tal-programm fl-Istati Membri se jkollhom l-opportunità li jagħmlu użu ikbar mill-kompetenza ta' l-EIB sabiex iħejju proġetti xierqa sabiex jingħataw fondi Ewropej taħt l-inizjattiva JASPERS.

1.1.1. *L-espansjoni u t-titjib ta' l-infrastruttura tat-trasport*

Li tkun provduta infrastruttura tat-trasport effiċjenti, flessibbli, mingħajr periklu u nadifa jista' jitqies bħala prerekwiżit neċessarju għall-iżvilupp ekonomiku billi din tinkoraġġixxi l-produttività u għaldaqstant, il-prospetti ta' żvilupp tar-reġjuni konċernati billi tiffaċilita l-moviment tan-nies u ta' l-oġġetti. In-*networks* tat-trasport jinkoraġġixxu l-opportunitajiet għall-kummerċ, waqt li jżidu l-effiċjenza. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport fl-Ewropa kollha (b'mod partikolari l-partijiet relevanti tat-tletin proġett prijoritarju għan-*Networks* Trans-Ewropej tat-Trasport, "il-proġetti Ten-T"), b'attenzjoni partikolari fuq proġetti trans-konfinali, huwa essenzjali sabiex tinkiseb integrazzjoni akbar tas-swieq nazzjonali, b'mod speċjali fi ħdan il-kuntest ta' Unjoni wara t-tkabbir.

L-investiment fl-infrastruttura jeħtieġ li jkun adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi u għal-livell ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjuni u tal-pajjiżi konċernati. Ġeneralment, dawn il-ħtiġijiet huma l-ogħla fir-reġjuni ta' Konverġenza u fil-pajjiżi koperti mill-Fond ta' Koeżjoni. Tipikament, l-investimenti fl-infrastruttura (kif jiġri f'investimenti oħra) juru li r-rati ta' qligħ qed jonqsu 'l fuq minn ċertu livell ta' għoti ta' fondi. Il-qligħ ekonomiku fuq tali investimenti jkun għoli meta l-infrastruttura tkun skarsa u n-*networks* bażiċi ma jkunux tlestew, iżda x'aktarx li jonqos ladarba jkun intlaħaq ċertu livell.

Għalhekk għandu jittieħed kont tal-livell ta' l-iżvilupp ekonomiku reġjonali u ta' l-eżistenza ta' finanzjamenti infrastrutturali kbar. Fir-reġjuni u fil-pajjiżi li huma l-inqas żviluppati, ir-rabtiet internazzjonali u interreġjonali jistgħu joffru qligħ ogħla tul perjodu itwal ta' żmien f'termini ta' żieda fil-kompetittività kummerċjali u wkoll billi jkun faċilitat il-moviment tal-ħaddiema. Min-naħa l-oħra, għal reġjuni b'baži ekonomika mferrxa u ta' daqs żgħir, u b'mudell ta' urbanizzazzjoni bbażat fuq bliet żgħar, il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ta' trasport reġjonali tista' tkun iktar xierqa. F'reġjuni b'*networks* ta' toroq inadegwati, il-fondi għandhom ikunu disponibbli wkoll sabiex jinbnew kollegamenti ta' toroq li jkunu ekonomikament essenzjali. L-isfidi tal-mobbiltà u ta' l-aċċessibbiltà fiż-żoni urbani għandhom jiġu indirizzati, billi jiġu sostnuti sistemi integrati ta' tmexxija u soluzzjonijiet nodfa tat-trasport.

Sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji li jirriżultaw mill-investimenti fit-trasport, l-assistenza mill-Fondi għandha tkun ibbażata fuq numru ta' prinċipji.

L-ewwelnett, għandhom jintużaw kriterji oġġettivi sabiex jiddeterminaw il-livell u n-natura ta' l-investiment infrastrutturali li jkun se jitwettaq. Pereżempju, ir-rati potenzjali ta' qligħ għandhom jiġu kkalkulati skond il-livell ta' żvilupp ekonomiku u n-natura ta' l-attivitajiet ekonomiċi tar-reġjuni konċernati, skond id-densità u l-kwalità prevalenti ta' l-infrastrutturi jew il-grad ta' konġestjoni. Meta jiġu ddeterminati r-rati soċjali tal-qligħ, għandhom jitqiesu wkoll l-implikazzjonijiet ambjentali u soċjali tal-proġetti infrastrutturali prospetttivi.

It-tieni, il-prinċipju ta' sostenibbiltà ambjentali għandu jkun rispettat kemm jista' jkun possibbli, skond il-*White Paper* [1] Għandhom jiġu promossi modi li mhumiex ta' ħsara għall-ambjent. Madankollu, ir-rendiment ambjentali u ġenerali ta' kull mezz ta' trasport għandu jkun perfezzjonat, b'mod partikolari rigward l-użu ta' l-infrastruttura fi ħdan il-modi differenti u bejn mod u ieħor [2].

It-tielet, fir-reġjuni ta' Konverġenza u fil-pajjiżi koperti mill-Fond ta' Koeżjoni għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ferroviji billi jintgħażlu t-taqsimiet ta' prijorità, filwaqt li tkun żgurata l-interoperabbiltà tagħhom fi ħdan il-qafas tas-Sistema Ewropea ta' l-Amministrazzjoni tat-Trasport bil-Ferroviji (ERTMS).

[1] "Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: Żmien ta' deċiżjoni" COM(2001) 370.
[2] "Żomm l-Ewropa mobbli. Mobbiltà sostenibbli ghall-kontinent Ewropew" — COM(2006) 314, 22.6.2006.

Ir-raba', l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu akkumpanjati minn amministrazzjoni xierqa tat-traffiku, b'attenzjoni partikolari għas-sigurtà, skond l-istandards nazzjonali u tal-Komunità. L-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għandhom iqisu l-ħtieġa li tinkiseb qasma modali bbilanċjata (u ċara) li tissodisfa l-ħtiġijiet kemm ekonomiċi kif ukoll ambjentali. L-istrateġiji għandhom jinkludu, pereżempju, sistemi intelliġenti tat-trasport, pjattaformi multi-modali u, b'mod partikolari, teknoloġiji li jkunu użati għall-ERTMS, u għall-Programm ta' Riċerka ATM ta' Spazju ta' l-Ajru Uniku Ewropew (SESAR- għal sistema ta' amministrazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru iktar uniformi fl-Ewropa).

Ibbażati fuq il-prinċipji imsemmija hawn fuq, il-linji gwida għall-azzjoni huma kif ġej:

— L-Istati Membri u r-reġjuni eliġibbli għall-finanzjament taħt l-objettiv ta' Konverġenza [1] jew il-Fond ta' Koeżjoni għandhom jagħtu prijorità xierqa għal dawk it-30 proġett ta' interess Ewropew meta jaqgħu fi ħdan it-territorju tagħhom. Fi ħdan dan il-grupp ta' proġetti, ir-rabtiet trans-konfinali jixirqilhom attenzjoni speċjali. Proġetti T-TEN oħra, u rabtiet strateġiċi tat-trasport, għandhom jirċievu sostenn fejn tippreżenta ruħha ħtieġa qawwija f'termini ta' kontribuzzjoni minnhom għat-tkabbir u għall-kompetittività.

— Se jkun ukoll importanti l-investiment komplementari f'konnesjonijiet sekondarji fil-kuntest ta' strateġija reġjonali u integrata ta' trasport u komunikazzjoni li tkopri ż-żoni urbani u rurali, sabiex ikun żgurat li r-reġjuni jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa min-*networks* il-kbar.

— Is-sostenn għall-infrastruttura tal-ferroviji għandu jfittex li jiżgura iktar aċċess. Il-ħlasijiet marbuta mal-linji tal-ferrovija għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-operaturi indipendenti. Għandhom ikabbru wkoll il-ħolqien ta' *network* interoperattiv fl-UE kollha. Il-konformità u l-applikazzjonijiet ta' l-interoperabbiltà u l-installazzjoni tas-SEATF fuq il-vaguni tal-ferrovija u fuq il-linji għandhom ikunu parti mill-proġetti kollha finanzjati.

— Tingħata spinta lin-*networks* tat-trasport li jkunu sostenibbli ambjentalment, b'mod partikolari fiż-żoni urbani. Din tinkludi faċilitajiet tat-trasport pubbliku (inklużi infrastrutturi tal-*park-and-ride*), pjanijiet dwar il-mobbiltà, toroq anulari, żieda fis-sigurtà tal-postijiet fejn jiltaqgħu it-toroq u fejn ikun ħafif it-traffiku (passaġġi għaċ-ċiklisti, mogħdijiet għan-nies li jmorru bil-mixi). Tinkludi wkoll azzjonijiet li jipprovdu aċċessibbiltà għas-servizzi komuni tat-trasport pubbliku għal ċertu gruppi partikolari (anzjani, persuni b'diżabbiltà) u li jipprovdu *networks* ta' distribuzzjoni għal karburanti alternattivi tal-vetturi. Ir-rotot ta' navigazzjoni interni għandhom jikkontribwixxu wkoll għas-sostenibbiltà tan-*networks*.

— Sabiex tkun garantita l-effiċjenza ottimali ta' l-infrastrutturi tat-trasport għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp reġjonali, għandha tingħata attenzjoni sabiex tittejjeb il-konnettività ta' territorji mdawra bl-art, insulari u l-aktar estremi mal-proġetti TEN-T. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' rabtiet sekondarji, b'attenzjoni partikolari għall-inter-modalità u għat-trasport sostenibbli, għandhom jgħinu. B'mod partikolari, il-portijiet u l-ajruporti għandhom ikunu kollegati ma' l-intern tal-pajjiż tagħhom.

— Għandha tingħata iktar attenzjoni lill-iżvilupp ta' "awtostradi tal-baħar" u lit-trasport bil-baħar tul distanzi qosra bħala alternattiva vijabbli għat-trasport tul distanzi twal fuq it-toroq jew bil-ferrovija.

Meta l-Istati Membri jirċievu sostenn simultanjament kemm mill-Fondi ta' Koeżjoni ki ukoll mill-Fondi Strutturali, fil-programmi għandha ssir distinzjoni bejn it-tipi ta' azzjonijiet finanzjati minn kull wieħed mill-Fondi, bil-Fond ta' Koeżjoni li jkollu ir-rwol ewlieni fis-sostenn għan-*networks* Trans-Ewropej tat-trasport.

Min-naħa tagħhom, il-Fondi Strutturali għandhom ġeneralment jiffokaw fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura marbuta ma' miżuri li jistimulaw it-tkabbir ekonomiku (bħall-iżvilupp tat-turiżmu, it-titjib sabiex tiżdied l-attrazzjoni ta' siti industrijali). Fir-rigward ta' l-infrastruttura tat-toroq, l-investimenti għandhom ikunu konformi ukoll ma' l-għan ġenerali tas-sigurtà fuq it-toroq.

Il-ko-finanzjament mill-Fondi għandu jikkomplementa l-għotjiet mill-baġit għan-*Networks* Trans-Ewropej filwaqt li jevita duplikazzjoni f'termini ta' l-għajnuna Komunitarja. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-ko-ordinaturi bħala mezz sabiex iqassru ż-żmien bejn l-għażla ta' l-ippjanar tan-*network* u l-kostruzzjoni fiżika. L-Istati Membri individualment se jkollhom jiddeterminaw minn qabel l-istrument li huwa l-iktar adatt għall-proġetti ppjanati. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jistgħu jingħaqdu mal-parti tal-garanzija għas-self ta' l-istrumenti tat-TEN-T.

[1] ĠU L 167, 30. 04.2004, p. 1.

1.1.2. *It-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-ħarsien ambjentali u t-tkabbir*

L-investimenti ambjentali jistgħu jagħtu kontribut lill-ekonomija fi tliet modi: jistgħu jiżguraw is-sostenibbiltà tat-tkabbir ekonomiku fuq perjodu twil, inaqqsu l-ispejjeż ambjentali esterni għall-ekonomija (eż. spejjeż ta' saħħa, spejjeż ta' tindif jew ta' irkupru ta' danni) u jistimulaw l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' l-impjiegi. Il-programmi ta' koeżjoni tal-ġejjieni għandhom ifittxu li jsaħħu s-sinerġiji potenzjali bejn il-ħarsien ambjentali u t-tkabbir. Għandhom ikollhom prijorità għolja f'dan il-kuntest il-provvista ta' servizzi ambjentali bħall-provvista ta' ilma nadif, l-infrastrutturi għat-trattament ta' l-iskart u ta' l-ilma tad-dranaġġ, l-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali, id-dekontaminazzzjoni ta' l-art sabiex titħejja għal attivitajiet ekonomiċi ġodda, u l-ħarsien minn ċerti riskji ambjentali (eż. deżertifikazzjoni, nixfiet, nirien u għargħar).

Sabiex jiġu massimizzati l-benefiċċji ekonomiċi u minimizzati l-ispejjeż, għandha tingħata prijorità lill-ġlieda kontra t-tniġġis ambjentali fis-sorsi tiegħu. Fis-settur ta' l-amministrazzjoni ta' l-iskart, dan jimplika attenzjoni ffokata fuq il-prevenzjoni ta' l-iskart, fuq ir-riċiklaġġ u l-bijodegradazzjoni ta' l-iskart li jkunu effettivi għall-ispejjeż magħmula u jgħinu joħolqu l-impjiegi.

L-istrateġiji ta' l-iżvilupp għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni preċedenti tal-ħtiġijiet u tal-kwistjonijiet speċifiċi ffaċċjati mir-reġjuni, fejn ikun possibbli billi jintużaw indikaturi xierqa. Għandhom isiru sforzi sabiex titħeġġeġ l-internalizzazzjoni ta' l-ispejjeż ambjentali esterni, b'sostenn għat-twaqqif u għall-iżvilupp ta' strumenti li jkunu bbażati fis-suq (ara, pereżempju, l-istrumenti proposti fil-Pjan ta' Azzjoni tat-Teknoloġiji Ambjentali). Ta' min jinnota f'dan il-kuntest l-inizjattiva Superviżjoni Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà, li mill-2008 se tipprovdi tagħrif aġġornat ma' l-Ewropa kollha, dwar il-kopertura ta' l-art/l-użu ta' l-art u l-proprjetajiet ta' l-oċean kif ukoll il-mapep ta' l-inċidenti f'każ ta' diżastri u aċċidenti.

Għalhekk, il-linji gwida rakkomandati għall-azzjoni huma dawn li ġejjin:

— L-indirizz tal-ħtiġijiet sinifikanti għall-investiment fl-infrastruttura, b'mod partikolari fir-reġjuni ta' Konverġenza, partikolarment fl-Istati Membri l-ġodda, sabiex dawn ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni ambjentali fl-oqsma ta' l-ilma, ta' l-iskart, u tal-ħarsien tan-natura u ta' l-ispeċi, u tal-bijo-diversità.

— Il-garanzija li jeżistu kondizzjonijiet attraenti għall-impriżi u għall-persunal ta' ħila tagħhom. Dan jista' jkun żgurat billi jitħeġġeġ l-ippjanar ta' l-użu ta' l-art li jnaqqas it-tixrid urban, u billi jkun rijabilitat l-ambjent fiżiku, inkluż l-iżvilupp ta' l-assi naturali u kulturali. L-investimenti f'dan il-qasam għandhom ikunu marbuta direttament ma' l-iżvilupp ta' impriżi innovattivi u li joħolqu l-impjiegi fil-postijiet konċernati.

— Il-promozzjoni, flimkien ma' l-investimenti fl-enerġija u fit-trasport sostenibbli li huma koperti bnadi oħra, ta' investimenti li jikkontribwixxu għall-impenji ta' Kyoto assunti mill-UE.

— It-teħid ta' miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju permezz ta' titjib fl-amministrazzjoni tar-riżorsi naturali, permezz ta' riċerka aktar immirata u użu aħjar ta' l-ICTs, u permezz ta' strateġiji politiċi iktar innovattivi dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Fejn l-Istati Membri jirċievu sostenn kemm mill-Fondi ta' Koeżjoni kif ukoll mill-Fondi Strutturali, fil-programmi għandha ssir distinzjoni ċara bejn it-tipi ta' azzjonijiet finanzjati minn kull wieħed mill-Fondi, rispettivament.

1.1.3. *Ikun indirizzat l-użu intensiv tas-sorsi tradizzjonali ta' l-enerġija fl-Ewropa*

Prijorità relatata hija l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza mill-enerġija tradizzjonali permezz ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u fl-enerġiji rinnovabbli. L-investimenti f'dawn l-oqsma jikkontribwixxu għall-provvista ċerta ta' l-enerġija għal tkabbir ekonomiku tul perjodu twil ta' żmien, waqt li jaġixxu bħala sors ta' innovazzjoni u jipprovdu opportunitajiet għall-esportazzjoni, u li jkunu effettivi f'termini ta' nfiq jekk il-prezzijiet ta' l-enerġija jibqgħu għoljin.

L-investiment f'sorsi tradizzjonali ta' enerġija huwa meħtieġ ukoll, sabiex tkun żgurata provvista ċerta. B'mod partikolari, il-Fondi għandhom jikkonċentraw — fejn ikun hemm evidenza ta' falliment tas-suq u fejn dan ma jmurx kontra l-liberalizzazzjoni tas-suq — fuq it-tlestija tal-konnessjonijiet bejn post u ieħor, b'enfażi speċjali fuq in-*networks* Trans-Ewropej, fuq it-titjib tar-retikolati ta' l-elettriku u fuq it-tlestija u t-titjib tan-*networks* li jwasslu u jqassmu l-gass kif ukoll fejn xieraq fi-reġjuni insulari u estremi.

Il-linji gwida għall-azzjoni taħt dan it-titolu huma dawn li ġejjin:

— Is-sostenn ta' proġetti ta' titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija, pereżempju fil-bini u t-tixrid ta' mudelli ta' żvilupp ta' enerġija b'intensità baxxa.

— Is-sostenn ta' l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji rinnovabbli u alternattivi (bħar-riħ, l-enerġija tax-xemx, l-enerġija tal-bijomassa), anke għat-tisħin u t-tkessiħ, li jistgħu jagħtu vantaġġ lill-UE u għaldaqstant isaħħu l-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Investimenti bħal dawn jikkontribwixxu wkoll għall-għan ta' Liżbona li, sa l-2010, 21 % ta' l-elettriku ikun ġenerat minn sorsi rinnovabbli.

— Konċentrazzjoni ta' investiment fis-sorsi ta' enerġija tradizzjonali sabiex jiġu żviluppati *networks* fejn ikun hemm evidenza ta' falliment tas-suq. Dawn l-investimenti jikkonċernaw l-iktar ir-reġjuni ta' Konverġenza.

1.2. Linja Gwida: It-titjib tal-konoxxenza u ta' l-innovazzjoni għat-tkabbir

L-għanijiet ta' l-Unjoni fir-rigward tat-tkabbir u tal-ħolqien ta' l-impjiegi se jeħtieġu ċaqliq strutturali fl-ekonomija lejn attivitajiet ibbażati fuq il-konoxxenza. Dan jitlob azzjoni fuq numru ta' fronti: li jkunu indirizzati l-livelli baxxi tar-Riċerka u ta' l-Iżvilupp tat-Teknoloġija (RTD), b'mod speċjali fis-settur privat; li titħeġġeġ l-innovazzjoni permezz ta' prodotti, proċessi u servizzi ġodda jew imtejba li jistgħu jlaħħqu mal-kompetizzjoni internazzjonali; li jiżdiedu l-kapaċitàjiet reġjonali u lokali sabiex jiġu ġenerati u assorbiti teknoloġiji ġodda (b'mod partikolari l-ICTs); u li jkun provdut iktar sostenn għat-teħid tar-riskji.

L-infiq fl-RTD bħala persentaġġ tal-GDP qed jiżdied, imma biss b'mod marġinali u, b'1,9 % tal-GDP, għadu ferm lura mill-għan ta' Liżbona li huwa ta' 3 % ([1]). Filwaqt li d-deficit fl-investiment kummerċjali fl-RTD jibqa' sinifikanti, hemm sinjali li l-investiment pubbliku f'dan il-qasam qiegħed ikun ukoll taħt pressjoni. Id-distakk fl-RTD u fl-innovazzjoni fi ħdan u bejn il-pajjiżi, b'mod partikolari meta relatat ma' l-infiq kummerċjali fuq l-RTD, huwa ferm ikbar mid-distakk fid-dħul. Minkejja li twettqet taħlita ta' inizjattivi nazzjonali u Komunitarji, jeħtieġ iktar azzjoni sabiex il-ħtiġijiet kummerċjali jitqabblu mal-provvista ta' l-RTD mill-istituzzjonijiet pubbliċi u privati ta' l-RTD. Qiegħed dejjem jikber id-distakk, fl-innovazzjoni, bejn l-Ewropa u ekonomiji oħra li qegħdin fuq quddiem. Jippersisti wkoll distakk fl-innovazzjoni fl-istess Ewropa, billi l-istess Unjoni ġeneralment ma jirnexxiliex tittrasforma l-konoxxenza u l-iżvilupp teknoloġiku fi prodotti u proċessi kummerċjali. Il-politika ta' koeżjoni tista' tgħin sabiex tindirizza l-problemi ewlenin li qed iwasslu għan-nuqqas ta' rendiment ta' l-Ewropa fil-qasam ta' l-innovazzjoni, li jinkludi sistemi mhux effettivi ta' innovazzjoni, dinamiżmu intraprenditorjali mhux suffiċjenti jew dewmien fl-adozzjoni ta' l-ICT min-naħa ta' l-impriżi.

F'dan il-kuntest, huwa neċessarju li jikbru l-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali ta' l-RTD sabiex jappoġġaw l-investiment fl-infrastruttura ta' l-ICT, u jxerrdu t-teknoloġija u l-konoxxenza permezz ta' trasferiment teknoloġiku xieraq u ta' mekkaniżmi ta' skambju ta' konoxxenza. Tista' titħeġġeġ is-sensibilizzazzjoni tal-kuxjenza pubblika sabiex ikun promoss l-użu aħjar tal-potenzjal eżistenti ta' l-RTD permezz ta' "previżjoni" min-naħa tar-reġjuni u permezz ta' metodi oħra ta' ippjanar strateġiku reġjonali, li jinvolvu djalogu regolari u sistematiku mal-partijiet interessati ewlenin. Huwa wkoll importanti li tikber il-kapaċità min-naħa ta' l-impriżi li jinkorporaw l-RTD, b'mod partikolari l-SMEs, permezz ta' azzjonijiet sabiex jiżvluppaw ħiliet u kompetenzi; sabiex jitħeġġeġ il-ħolqien u l-użu ta' sors akbar ta' talent ta' kwalità għolja fil-qasam tar-riċerka fl-Ewropa; sabiex jiżdied l-investiment pubbliku u privat fl-RTD u fl-innovazzjoni; u sabiex jitħeġġu s-sħubijiet ta' l-RTD fir-reġjuni differenti ta' l-Unjoni. Il-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija, pereżempju, joffru l-potenzjal sabiex jadattaw aħjar il-programmi ta' riċerka għall-bżonnijiet tan-negozju; il-politika ta' koeżjoni jista' jkollha rwol importanti fis-sostenn ta' l-implimentazzjoni ta' l-Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka tagħhom ma' l-Unjoni anke fir-reġjuni l-inqas żviluppati.

([1]) "Investiment fir-riċerka; pjan ta' azzjoni għall-Ewropa" COM(2003) 226, 30.4.2003.

Filwaqt li l-għotjiet diretti jibqgħu importanti, b'mod speċjali fir-reġjuni ta' Konverġenza, hemm il-ħtieġa li l-attenzjoni tkun iffokata fuq il-provvista ta' servizzi kollettivi ta' kummerċ u teknoloġija lil gruppi ta' ditti, sabiex dawn ikunu assistiti sabiex itejbu l-attività innovattiva tagħhom. L-għotjiet diretti lil ditti individwali għandhom ikollhom l-għan li jtejbu l-kapaċità ta' l-RTD u l-innovazzjoni tad-ditta, iktar milli t-tnaqqis temporanju ta' l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha li jiġġeneraw effetti kbar ta' dejn mhux kopert mill-assi. Dan huwa partikolarment importanti fis-setturi tradizzjonali, b'mod partikolari dawk li jkunu esposti għall-kompetizzjoni globali li jeħtieġu sforzi addizzjonali sabiex jibqgħu kompetittivi, kif ukoll fl-SMEs li ta' spiss jirrappreżentaw l-aqwa sors ta' impjiegi fil-livell reġjonali. Fuq kollox, din il-politika jeħtieġ li tkun adattata għall-kondizzjonijiet partikolari ta' kull reġjun, u b'mod partikolari għall-ħtiġijiet ta' l-SMEs. L-istrateġiji nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom ikunu bbażati fuq analiżi komprensiva ta' l-opportunitajiet ta' investiment fl-RTD.

Il-konoxxenza u l-innovazzjoni huma fiċ-ċentru ta' l-isforzi ta' l-Unjoni għall-promozzjoni ta' tkabbir iktar mgħaġġel u għal iktar impjiegi. Żewġ programmi-kwadru relatati huma proposti fuq il-livell ta' l-Unjoni: is-Seba' Programm Kwadru għall-RTD u l-Programm Kwadru għall-Kompetittività u għall-Innovazzjoni (CIP). Is-sinerġija bejn il-politika ta' koeżjoni u dawn l-istrumenti hija essenzjali sabiex il-politika ta' riċerka u l-politika ta' koeżjoni jsaħħu lil xulxin fil-livell reġjonali bl-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali li juru kif din tinkiseb. Il-politika ta' koeżjoni tista' tgħin lir-reġjuni kollha sabiex jibnu l-kapaċità tagħhom fir-riċerka u fl-innovazzjoni, u b'hekk tagħti kontribut għall-parteċipazzjoni effettiva ta' dawk ir-reġjuni fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ta' l-Unjoni b'mod ġenerali. B'mod partikolari, il-politika ta' koeżjoni għandha żewġ rwoli importanti. L-ewwel wieħed huwa dak li tgħin lir-reġjuni jimplimentaw l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni ta' innovazzjoni reġjonali li potenzjalment jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività, kemm fil-livell reġjonali kif ukoll fl-Unjoni kollha; it-tieni rwol huwa dak li tikkontribwixxi sabiex tkabbar il-kapaċità ta' riċerka u innovazzjoni fir-reġjun sa livell fejn dan ikun jista' jieħu sehem fi proġetti ta' riċerka transnazzjonali.

Għalhekk, l-istrateġiji nazzjonali għandhom jikkonċentraw fuq l-investiment fl-RTD, fl-innovazzjoni, fil-kapital uman u fl-intraprenditorija; jiżguraw li dawn l-investimenti jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun u li tkun teżisti l-kapaċità li r-riċerka tinbidel fi prodott li jista' jitqiegħed fuq is-suq, f'innovazzjoni ta' proċessi u servizzi; ikabbru t-trasferiment tat-teknoloġija u l-iskambju tal-konoxxenza; jinkoraġġixxu l-iżvilupp, it-tixrid u l-użu ta' l-ICTs fi ħdan id-ditti, u jiżguraw li l-intrapriżi li lesti li jinvestu f'oġġetti u f'servizzi ta' valur miżjud għoli jkollhom l-aċċess għall-finanzjament. Tali strateġiji għandhom jieħdu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-isperimentazzjoni, sabiex iżidu l-kapaċità ta' intervent tal-politika u l-organizzazzjonijiet intermedji sabiex jistimulaw l-atturi reġjonali u lokali, b'mod partikolari l-SMEs, sabiex jinnovaw.

1.2.1. *It-tkabbir u t-titjib fil-miri ta' l-investiment fl-RTD*

Il-kompetittività ta' l-intrapriżi Ewropej tiddipendi b'mod kruċjali fuq il-kapaċità tagħhom li jġibu konoxxenza ġdida lis-suq kemm jista' jkun malajr. Is-sostenn pubbliku għall-RTD huwa ġustifikat għaliex jeżistu fallimenti tas-suq u jista' jkun ġustifikat ukoll bil-karattru pubbliku ta' ċerti investimenti ta' l-RTD. Barra minn hekk, kwistjonijiet marbuta mal-pussess tar-riżultati tar-riċerka u mal-ħtieġa li jintlaħaq l-livell meħtieġ f'ċertu setturi tar-riċerka jipprovdu ġustifikazzjoni għas-sostenn mill-gvern għall-RTD.

Meta tiġi implimentata l-politika reġjonali, għandha titqies in-natura speċifika ta' l-RTD. B'mod partikolari, l-RTD teħtieġ azzjoni reċiproka mill-qrib bejn dawk involuti sabiex tingħata spinta lill-formazzjoni ta' punti ta' eċċellenza li jkunu meħtieġa sabiex jintlaħqu l-livelli meħtieġa. Il-viċinanza ġeografika, ngħidu aħna permezz ta' gruppi ta' SMEs u ta' punti ta' innovazzjoni madwar l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka, jista' jkollha rwol ewlieni. B'riżultat ta' dan, l-attivitajiet ta' l-RTD bilfors iridu jkunu kkonċentrati fi spazju partikolari filwaqt li trid titrawwem il-kapaċità taż-żoni b'intensità baxxa ta' RTD li jinkorporawhom.

Fl-Istati Membri u fir-reġjuni l-inqas żviluppati, l-RTD għandha tkun żviluppata madwar punti eżistenti ta' eċċellenza u għandu jiġi evitat tixrid żejjed ta' riżorsi f'postijiet differenti. Hawnhekk ukoll, il-Pjattaformi Ewropej tat-Teknoloġija jistgħu jgħinu jiffokaw l-investimenti fuq l-oqsma ta' prijorità għar-riċerka. L-investimenti għandhom jikkomplementaw ukoll il-prijoritajiet stabbiliti fis-Seba' Programm Kwadru u jappoġġaw l-għanijiet ta' l-aġenda mġedda ta' Liżbona. Għandha tingħata prijorità lill-iżvilupp ta' prodotti, servizzi u ħiliet ġodda u kummerċabbli.

L-azzjonijiet fl-RTD għandhom jimxu mal-politika ta' l-RTD ta' l-UE u mal-ħtiġijiet tar-reġjuni konċernati. F'termini ta' metodu, jeħtieġ li jkunu bbażati fuq metodu analitiku sod, bħal pereżempju l-previżjoni; kif ukoll fuq l-użu ta' indikaturi, bħall-privattivi; fuq ir-riżorsi umani fl-RTD; fuq fejn jinsabu l-istituzzjonijiet privati u pubbliċi tar-riċerka; u fuq l-eżistenza ta' gruppi ta' impriżi innovattivi.

Il-linji gwida għall-azzjoni f'dan il-qasam ta' l-RTD jistgħu jkunu identifikati kif ġej:

— It-tisħiħ tal-koperazzjoni fost l-impriżi u bejn l-impriżi u l-istituzzjonijiet pubbliċi tar-riċerka/ta' l-edukazzjoni terzjarja, pereżempju billi jkun appoġġat il-ħolqien ta' gruppi reġjonali u trans-reġjonali ta' eċċellenza.

— Is-sostenn ta' attivitajiet ta' l-RTD fl-SMEs u trasferiment teknoloġiku (sabiex tingħata l-opportunità li l-SMEs ikollhom aċċess għas-servizzi ta' l-RTD fl-istituzzjonijiet ta' riċerka finanzjati pubblikament).

— Is-sostenn ta' inizjattivi trans-konfinali u transnazzjonali mmirati sabiex isaħħu l-kollaborazzjoni fir-riċerka u t-trawwim tal-kapaċità f'oqsma prijoritarji tal-politika ta' riċerka ta' l-UE.

— It-tisħiħ tat-trawwim tal-kapaċità fir-Riċerka u fl-Iżvilupp (l-R&D), li jinkludi l-ICT, l-infrastruttura tar-riċerka u l-kapital uman f'oqsma b'potenzjal sinifikanti ta' tkabbir.

Il-programmi — b'mod partikolari għar-reġjuni eliġibbli taħt l-objettiv tal-Konverġenza — jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' l-infrastruttura ta' l-RTD (inklużi n-*networks* reġjonali għad-*data* ta' veloċità kbira bejn u fi ħdan l-istabbilimenti tar-riċerka), l-infrastruttura ta' l-edukazzjoni, ta' tagħmir u strumenti kemm fl-istituzzjonijiet ta' riċerka finanzjati b'mod pubbliku kif ukoll fl-impriżi, sakemm dawn l-investimenti jkunu marbuta direttament ma' l-għanijiet ta' żvilupp ekonomiku reġjonali. Dan jista' jinkludi infrastruttura ta' riċerka li l-istudji ta' probabbiltà għaliha jkunu ġew finanzjati minn Programmi Kwadru preċedenti. Is-sostenn għall-prijoritajiet tas-Seba' Programm Kwadru għandu jfittex li jiżviluppa l-potenzjal sħiħ taċ-ċentri ta' eċċellenza emerġenti u eżistenti u jkabbar l-investiment fil-kapital uman, b'mod partikolari billi jħarreġ riċerkaturi fil-livell nazzjonali u billi joħloq kondizzjonijiet sabiex jattira lil riċerkaturi li ġew imħarrġa barra mill-pajjiż.

1.2.2. *Il-faċilitazzjoni ta' l-innovazzjoni u l-promozzjoni ta' l-imprenditorjat*

L-innovazzjoni hija r-riżultat ta' proċessi komplessi u li jinteraġixxu, inkluża l-kapaċità ta' l-intrapriżi li jgħaqqdu l-konoxxenza komplementari minksuba mingħand persuni oħra involuti fis-suq, minn organizzazzjonijiet u minn istituzzjonijiet.

L-investimenti fl-innovazzjoni jirrappreżentaw prijorità ewlenija għall-politika ta' koeżjoni skond il-kompetittività u l-programmi ta' impjieg ta' Konverġenza u Reġjonali. Il-ko-finanzjament tagħhom għandu jkun il-prijorità prinċipali fir-reġjuni koperti minn dan ta' l-aħħar, fejn huwa meħtieġ li r-riżorsi finanzjarji limitati jkunu kkonċentrati sabiex jintlaħaq il-livell meħtieġ u jkun ġenerat effett stimulanti.

L-għan ewlieni għandu jkun li jitrawwem ambjent kummerċjali li jagħti spinta lill-produzzjoni, lit-tixrid u użu ta' konoxxenza ġdida min-naħa ta' l-impriżi. Sabiex jinħolqu sistemi ta' innovazzjoni reġjonali effiċjenti, huwa meħtieġ li l-atturi ekonomiċi, soċjali u politiċi jiġu f'kuntatt ma' l-aħjar teknoloġija u prattika tan-negozju fid-dinja, li tmur lilhinn mil-livell nazzjonali jew lokali. F'dan ir-rigward, irid ikun hemm tiftix għal koperazzjoni maċ-Ċentri tat-Trażmissjoni l-Innovazzjoni u ma' l-*Euro-Info-Centres* li huma finanzjati taħt il-programm CIP, b'mod speċjali fil-qasam tat-teknoloġija u t-tixrid ta' l-informazzjoni transnazzjonali.

Huwa meħtieġ li l-kumpanniji li jkunu għadhom fil-bidu, b'mod partikolari dawk marbuta ma' l-RTD ikunu appoġġati bil-għan li jiżviluppaw sħubijiet ma' istituzzjonijiet tar-riċerka bbażati fuq viżjoni tul perjodu twil ta' żmien u fuq direzzjoni ċara tas-suq. Il-politika ta' koeżjoni għandha tfittex li tikkumpensa għall-falliment tas-suq li jfixkel l-innovazzjoni u l-intraprenditorija. L-azzjonijiet għandhom ifittxu li jibnu fuq il-punti eżistenti ta' attività sabiex ikun utilizzat il-potenzjal reġjonali għall-RTD u sabiex jitrawmu n-*networking* u l-koperazzjoni teknoloġika fi ħdan u bejn ir-reġjuni.

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tar-riċerka, is-settur privat u s-settur pubbliku jutilizzaw b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali ta' bejniethom.

F'termini ta' metodu, l-istrateġiji ta' l-iżvilupp ekonomiku għandhom jittejbu permezz tal-ġbir ta' *data* dwar attivitajiet innovattivi eżistenti fir-reġjuni konċernati, pereżempju, dwar kif il-privat jikseb privattiva jew dwar in-natura, l-iskop u l-potenzjal ta' l-iżvilupp ta' gruppi eżistenti ta' attivitajiet innovattivi, inklużi dawk li jinvolvu kemm lill-istituzzjonijiet privati ta' riċerka kif ukoll lil dawk pubbliċi. F'dan ir-rigward, huma wkoll ta' għajnuna l-Istħarriġ dwar l-Innovazzjoni fil-Komunità u l-I*scoreboard* Ewropew ta' l-Innovazzjoni.

Il-linji gwida għall-azzjoni relatati ma' dan it-titolu huma dawn li ġejjin:

— L-innovazzjoni u l-edukazzjoni reġjonali ta' l-RTD ikunu provduti b'mod iktar effiċjenti u aċċessibbli għadditi, b'mod partikolari għall-SMEs, pereżempju, billi jiġu stabbiliti punti ta' eċċellenza, li jġibu flimkien lill-SMEs b'teknoloġiji ta' livell għoli u l-istituzzjonijiet tar-riċerka u t-teknoloġija, jew billi jkunu żviluppati u jinħolqu gruppi reġjonali madwar kumpanniji kbar.

— Il-provvista ta' servizzi ta' sostenn għan-negozju sabiex jippermettu lill-intrapriżi, u b'mod speċjali lill-SMEs, iżidu l-kompetittività u jsiru internazzjonali, b'mod partikolari billi jaħtfu l-opportunitajiet maħluqa mis-Suq Intern. Is-servizzi tan-negozju għandhom jagħtu prijorità lill-utlizzazzjoni tas-sinerġiji (pereżempju it-trasferiment tat-teknoloġija, iż-żoni fejn issir ir-riċerka xjentifika, iċ-ċentri tal-komunikazzjoni ta' l-ICT, l-inkubaturi u servizzi relatati, il-koperazzjoni mal-gruppi) u jagħtu iktar sostenn tradizzjonali fl-oqsma ta' amministrazzjoni, bejgħ, għajnuna teknika, reklutaġġ, u servizzi oħra professjonali u kummerċjali.

— Il-garanzija ta' l-użu sħiħ tal-punti ta' forza Ewropej fil-qasam ta' l-eko-innovazzjonijiet. Flimkien mat-titjib tal-prattika ta' l-SMEs, l-eko-innovazzjonijiet għandhom jitħeġġu permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistemi ta' amministrazzjoni ambjentali. Billi jinvestu issa f'dan il-qasam, l-impriżi ta' l-UE se jkunu f'pożizzjoni ta' saħħa fil-futur qarib meta reġjuni oħra jibdew japprezzaw il-ħtieġa ta' teknoloġiji bħal dawn. Dan huwa qasam b'rabta ċara mal-Programm Kwadru għall-Kompetittività u għall-Innovazzjoni.

— Il-promozzjoni ta' l-intraprenditorija u l-faċilitazzjoni tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' ditti ġodda. Għandha ssir ukoll enfażi fuq il-promozzjoni ta' kumpanniji tat-tip *spin-out* u kumpanniji tat-tip *spin-off* minn istituzzjonijiet ta' riċerka jew ditti li jużaw teknika differenti (pereżempju, is-sensibilizzazzjoni tal-kuxjenza pubblika; il-ħolqien ta' prototipi; it-tagħlim privat u l-għoti ta' sostenn maniġerjali u teknoloġiku lil intraprendituri potenzjali).

Huwa importanti li jkun żgurat li l-kumpanniji, inklużi l-SMEs, jistgħu jagħmlu użu kummerċjali mir-riżultati tar-riċerka.

Is-servizzi tan-negozju għandhom preferibbilment jitwettqu mis-settur privat jew minn organizzazzjonijiet li jinkludu kemm lill-pubbliku kif ukoll lill-privat. Is-servizzi għandhom ikunu ta' l-ogħla livell, disponibbli minnufih, faċli sabiex wieħed ikollu aċċess għalihom u jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' l-SMEs. Il-kwalità tas-servizzi għandha tkun definita u monitorjata u għandu jkun hemm koerenza bejn il-forniturі tas-servizz, eż. billi jiġu stabbiliti sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u *one-stop shops*.

Il-proċeduri amministrattivi spiss huma wisq kumplessi. L-informazzjoni u s-sostenn inizjali għandhom ikunu disponibbli minn *network* ta' *one-stop shops*, li jistgħu jipprovdu kollegament bejn is-settur pubbliku u l-applikant għall-għotja; dan għandu jinkludi l-azzjonijiet differenti li huma ko-finanzjati mill-politika ta' koeżjoni. Dawn il-forniturі għandhom ikollhom kompetenza fil-firxa sħiħa ta' l-għajnuniet ta' l-Istat — b'mod indipendenti mir-responsabbiltajiet nazzjonali u reġjonali — u miri għall-effiċjenza tal-ħidma tagħhom li jkunu monitorjati regolarment.

Fejn iċ-ċirkostanzi jkunu adatti, għandu jkun disponibbli sostenn li jkun magħmul apposta għal kategoriji speċifiċi ta' negozju (eż. kumpanniji li għadhom jibdew jew li ġew trasferiti reċentement) jew għall-intraprendituri (eż. żgħażagħ, nisa, ħaddiema ikbar fl-età, jew dawk li jkunu ġejjin minn komunitajiet ta' minoranza etnika). L-edukazzjoni fl-intraprenditorija għandha tkun ukoll inkoraġġita fl-iskejjel.

1.2.3. *Il-promozzjoni tas-soċjetà ta' l-informazzjoni għal kulħadd*

It-tixrid ta' l-ICT fl-ekonomija ta' l-Unjoni kollha jirrappreżenta lieva ewlenija sabiex jittejbu l-livelli tal-produttività u l-kompetittività tar-reġjuni. It-tixrid ta' l-ICT jinkoraġġixxi wkoll l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-metodi ta' produzzjoni u l-ħolqien ta' negozji u servizzi privati ġodda. It-twettiq effiċjenti u effettiv tas-servizzi pubbliċi — b'mod partikolari l-gvern elettroniku ("gvern elettroniku") u s-servizzi ta' informazzjoni dwar is-saħħa b'mezzi elettroniċi ("saħħa elettronika") — għandu potenzjal sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku u sabiex ikun hemm servizzi ġodda. It-tixrid tat-teknoloġija jista' jikkontribwixxi għal żvilupp reġjonali billi jiffavorixxi l-ħolqien u t-tkabbir ta' punti ta' eċċellenza fl-attivitajiet ta' l-ICT u billi jiżviluppa l-kapaċità ta' kollegament u *networking* fost l-intrapriżi u b'mod partikolari fost l-SMEs. Il-miżuri għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi bil-għan li jiffaċilitaw u jistimulaw l-investiment privat fl-ICT filwaqt li tkun garantita l-kompetizzjoni fis-settur ta' l-ICT.

Il-miżuri tal-politika għandhom għalhekk jiffokaw fuq il-konnettività. Dan jinkludi t-titjib tas-servizzi ta' sostenn ta' l-innovazzjoni għall-SMEs bl-għan partikolari li jiġi inkoraġġit it-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-intrapriżi. Teħtieġ ukoll l-iżvilupp tal-ħiliet meħtieġa fl-ekonomija tal-konoxxenza u sabiex tiżviluppa il-kontenut permezz tat-twettiq ta' applikazzjonijiet u servizzi (bħall-"gvern elettroniku", in-"negozju elettroniku", it-"tagħlim elettroniku" u s-"saħħa elettronika"), li jipprovdu alternattivi interessanti għal mudelli oħra li jwasslu servizz li spiss iġibu magħhom iktar spejjeż. Dan huwa partikolarment relevanti għal żoni remoti u li ftit li xejn ikunu ppopolati kif ukoll għar-reġjuni estremi, il-ġżejjer jew żoni li huma żvantaġġati naturalment. Ovvjament l-użu u l-iżvilupp ta' prodotti u servizzi li jkunu bbażati fuq il-kontenut jista' jaħdem biss jekk l-infrastruttura xierqa tkun disponibbli u tista' tiflaħ għas-servizzi tal-*broadband*. Huwa għalhekk importanti li min-naħa għall-oħra ta' l-Unjoni jkun hemm infrastruttura xierqa tal-komunikazzjoni *broadband* li tkun disponibbli bi prezz aċċessibbli.

Bħala regola ġenerali, l-investiment fl-infrastruttura ta' l-ICT għandu jqis l-iżvilupp teknoloġiku mgħaġġel, ir-rispett tal-prinċipji ta' newtralità teknoloġika u ta' l-aċċess miftuħ. Il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni u ma' l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi hija essenzjali.

Huwa meħtieġ li l-azzjonijiet ikunu bbażati fuq indikaturi tal-kuntest relatati ma' l-istruttura ekonomika eżistenti (li tinkludi l-ispeċjalizzazzjoni industrijali; il-livell ta' l-iżvilupp ekonomiku; il-kwalità tal-kapaċità ta' kollegament ma' l-ICTs u s-sinerġiji potenzjali bejn il-punti reġjonali ta' l-attività ekonomika). L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet reġjonali għandha tqis l-inizjattivi eżistenti ta' l-Unjoni favur l-ICTs, b'mod partikolari l-2010 — Soċjetà Ewropea ta' l-Informazzjoni għat-tkabbir u għall-impjiegi ([1]).

Peress li l-ICTs huma mifruxa fis-setturi kollha ta' l-ekonomija u tas-soċjetà, huwa importanti ħafna li l-Istati Membri u r-reġjuni jiżviluppaw strateġiji kompatibbli ta' soċjetà ta' l-informazzjoni li jiżguraw koerenza u integrazzjoni fost is-setturi, billi jibbilanċjaw il-miżuri ta' provvista u domanda fuq il-bażi tal-kondizzjonijiet lokali meħtieġa, tal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, u ta' sostenn qawwi pubbliku u politiku.

Il-linji gwida għall-azzjoni huma kif ġej:

— Il-garanzija ta' l-użu ta' l-ICTs min-naħa tad-ditti u tal-familji u jitħeġġeġ l-iżvilupp permezz ta' sostenn bilanċjat għall-provvista u għad-domanda ta' prodotti u servizzi kemm pubbliċi kif ukoll privati ta' l-ICT, kif ukoll permezz ta' żieda fl-investiment fil-kapital uman. Dawn l-azzjonijiet għandhom iżidu l-produttività, jagħtu spinta lil ekonomija diġitali miftuħa u l-kompetittiva u lil soċjetà inklussiva (pereżempju, it-titjib fl-aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà u għall-anzjani), u b'hekk jinkoraġġixxu t-tkabbir u l-impjiegi.

— Il-garanzija tad-disponibbiltà ta' l-infrastruttura ta' l-ICT u s-servizzi relatati f'sitwazzjonijiet fejn is-suq jonqos milli jipprovdiha bi prezz aċċessibbli u f'livell adegwat sabiex tappoġġa s-servizzi meħtieġa, b'mod speċjali f'żoni remoti u rurali u fl-Istati Membri l-ġodda.

1.2.4. *It-titjib ta' l-aċċess għall-finanzjament*

Ingredjent ieħor ewlieni għall-promozzjoni tal-konoxxenza u ta' l-innovazzjoni huwa li jkun faċilitat l-aċċess għall-finanzjament. Sabiex jitrawmu t-tkabbir u l-ħolqien ta' l-impjiegi, għandu jkun redditizzju biżżejjed għall-intraprendituri u għall-intrapriżi li jinvestu fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi barra milli jiffokaw l-isforzi tagħhom fuq, pereżempju, attivitajiet maħsuba għall-gwadann mill-kiri.

L-aċċess għall-finanzjament f'dan il-kuntest huwa spiss diffiċili, u għaldaqstant joħloq ostaklu għat-tkabbir u għall-ħolqien ta' l-impjiegi. Huwa importanti li jittejjeb l-aċċess għall-kapital kemm għall-attivitajiet ta' l-RTD kif ukoll għall-intrapriżi li jkunu għadhom jibdew. Jeħtieġ li jkunu żviluppati swieq ta' kapital b'riskju relatati ma' l-attivitajiet ta' innovazzjoni flimkien mat-twaqqif ta' ambjent regolatorju aħjar li jagħmel l-intraprenditorija iktar faċili.

Dawn il-programmi għandhom jitwettqu f'koperazzjoni mill-qrib mal-Fond Ewropew ta' l-Investiment (EIF) taħt l-inizjattiva JEREMIE sabiex ikunu żviluppati r-riżorsi finanzjarji fiż-żoni fejn l-intraprenditorija tkun imfixkla minnuqqasijiet tas-suq minħabba r-riskji kbar assoċjati ma' l-attivitajiet ta' l-RTD. Irid jitqies ukoll l-impatt tas-sostenn tal-gvern għall-ħolqien tan-negozju, sabiex tkun evitata l-preklużjoni ta' l-investiment privat u ta' miżuri li jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni. Il-koordinazzjoni bejn il-fondi għandhom jittejbu.

([1]) COM(2005) 229.

Il-kapital azzjonarju tal-privat u ta' proġetti ta' riskju u l-fondi rotativi għall-kumpanniji li għadhom jibdew għandhom ikollhom rwol essenzjali bħala magna ta' l-intraprenditorija, ta' l-innovazzjoni u tal-ħolqien ta' l-impjiegi; l-istituzzjonijiet tas-settur pubbliku mhux dejjem ikunu adattati sabiex jittieħed xi riskju. Il-prijorità għandha tkun dik li jinħolqu jew jiżdiedu l-forniturі tal-kapital li jitqiegħed f'riskju kbir u tal-garanziji tal-bank, fejn ikun hemm nuqqas tas-suq. Tipikament, dawn se jkunu iktar effettivi jekk jipprovdu pakkett integrat ta' sostenn, li jibda mit-taħriġ li jseħħ qabel il-bidu jew it-tkabbir ta' l-intrapriża.

Fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji, il-linji gwida għall-azzjoni:

— Is-sostenn ta' strumenti mingħajr għotjiet bħal self, finanzjament fis-sod ta' dejn għal dejn subordinat, strumenti konvertibbli (dejn mezzanin) u kapital ta' riskju (eż. kapital allokat għal xi proġett u kapital ta' riskju). L-għotjiet għandhom jintużaw sabiex jinbnew u jinżammu infrastrutturi li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament (eż. uffiċċji ta' trasferiment ta' teknoloġija, inkubaturi, *networks* ta' "business angels" (persuni li jinvestu kapital privat f'kumpannija li għadha kemm bdiet, speċjalment jekk jingħataw lura ishma fil-kumpannija), programmi ta' tħejjija ta' investiment). Għandhom ikunu sostnuti mekkaniżmi ta' garanzija u ta' garanzija reċiproka, b'mod partikolari sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-mikro-kreditu min-naħa ta' l-SMEs. L-EIB u l-EIF jistgħu jipprovdu dħul importanti f'dan ir-rigward.

— L-iżvilupp ta' approċċ integrat li simultanjament isostni l-innovazzjoni, it-trasferiment tiegħu fl-attività l-ġdida kummerċjali u d-disponibbiltà tal-kapital ta' riskju.

— Jintlaħqu ċerti gruppi speċifiċi, pereżempju intraprendituri żgħażagħ jew nisa jew dawk li jkunu ġejjin minn gruppi żvantaġġati.

Huwa partikolarment importanti li ssir ħidma mill-qrib ma' l-EIF fid-dawl tal-kompetenza li dan żviluppa matul numru ta' snin, sabiex l-SMEs jingħataw is-sostenn meħtieġ, filwaqt li simultanjament ikun żviluppat is-suq Ewropew ta' riskju ta' kapital. Dan jista' jinvolvi l-parteċipazzjoni fl-inizjattiva JEREMIE.

1.3. Linja ta' gwida: Atar impjiegi u impjiegi ta' kwalità aħjar

Fit-tnedija mill-ġdid ta' l-istrateġija ta' Liżbona, il-Kunsill Ewropew approva uffiċjalment sett wieħed ta' Linji Gwida li jiġbru flimkien il-Linji Gwida Ġenerali tal-Politika Ekonomika u l-Linji Gwida ta' l-Istrateġija Ewropea dwar l-Impjiegi ([1]), sabiex b'hekk ġiet integrata l-politika makro-ekonomika, dik mikro-ekonomika flimkien mal-politika tax-xogħol għat-tkabbir u għall-impjiegi. Skond l-abbozz tar-regolamenti tal-Fond ([2]), fil-qasam ta' l-impjiegi u tar-riżorsi umani, il-prijoritajiet tal-Linji Gwida Strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni huma dawk ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi ([3]) supplimentati mir-Rakkomandazzjonijiet ta' l-UE dwar l-Impjiegi li jipprovdu prijoritajiet speċifiċi għall-pajjiżi differenti.

It-triq li twassal għal impjieg għal kulħadd u għal iktar produttività tiddipendi minn firxa wiesgħa ta' azzjonijiet, inklużi dawk li diġà ġew diskussi aktar 'il fuq. L-investiment fl-infrastruttura, l-iżvilupp tan-negozju u r-riċerka jtejbu l-opportunitajiet sabiex wieħed isib impjieg, kemm fuq perjodu qasir ta' żmien minħabba l-effett inizjali kif ukoll fuq perjodu itwal ta' żmien minħabba l-effett pożittiv tagħhom fuq il-produttività u l-kompetittività. Sabiex l-impjiegi li jirriżultaw minn dawn l-investimenti jkunu l-akbar numru possibbli u joħolqu impjiegi permanenti ta' kwalità għolja, l-kapital uman għandhu jkun aktar żviluppat u mtejjeb

F'termini ta' żvilupp ta' kapital uman, il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jenfażizzaw tlitt azzjonijiet prijoritarji għall-istrateġiji politiċi ta' l-Istati Membri:

— jiġu attirati u miżmuma iktar nies fl-impjiegi u jiġu modernizzati s-sistemi ta' ħarsien soċjali;

— tittejjeb l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u l-flessibbiltà tas-swieq tax-xogħol;

— jiżdied l-investiment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u snajja' aħjar.

Barra min dawn il-prijoritajiet, għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-investimenti għal effiċjenza aħjar fl-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll lill-infrastrutturi ta' l-edukazzjoni, soċjali, tas-saħħa u kulturali.

([1]) ĠU L 205, 6.8.2005, p. 21.

([2]) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament KE Nru 1784/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

([3]) COM(2005) 141,12.4.2005.

Il-politika ta' koeżjoni għandha tkun iffokata sabiex tindirizza l-isfidi speċifiċi ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi f'kull Stat Membru, billi ssostni azzjonijiet li jaqgħu taħt l-objettivi ta' konverġenza u kompetittività reġjonali u ta' l-impjieg filwaqt li tqis l-ambitu ta' l-attivitajiet definiti fil-qafas leġiżlattiv. Il-firxa ta' azzjonijiet eliġibbli u ta' riżorsi finanzjarji hija ikbar għall-objettiv ta' l-ewwel. Għal ta' l-aħħar, ir-riżorsi ta' l-UE jeħtieġu li jkunu ferm iktar iffokati sabiex jinkiseb impatt sinifikanti.

Il-programmi ta' l-impjiegi u ta' żvilupp tar-riżorsi umani għandhom iqisu l-isfidi u l-prijoritajiet li huma speċifiċi għal kull pajjiż, kif inhu enfażizzat fir-Rakkomandazzjonijiet dwar l-Impjiegi u fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma. Il-programmi, kemm jekk amministrati fil-livell nazzjonali kif ukoll jekk amministrati fil-livell reġjonali, għandhom jindirizzaw effikaċement id-differenzi territorjali u jkunu adatti għaż-żoni differenti.

Fl-aħħar, waħda mill-aspetti l-aktar viżibbli tal-valur Ewropew miżjud fil-perjodu ta' bejn l-2000-2006 tal-Fondi Strutturali kien is-sostenn lill-Istati Membri u lir-reġjuni sabiex jaqsmu l-esperjenzi, u jibnu *networks*, u b'hekk jippromwovu l-innovazzjoni. F'dan il-kuntest, l-esperjenza miksuba permezz ta' l-Inizjattiva Komunitarja EQUAL għandha tiġi kapitalizzata permezz ta' l-ugwaljanza tal-prinċipji li fuqhom inbniet — l-innovazzjoni; it-transnazzjonalità; l-isħubija; u l-ugwaljanza bejn is-sessi.

1.3.1. *L-attrazzjoni u ż-żamma ta' aktar nies fl-impjieg u l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-ħarsien soċjali*

Huma vitali t-twessigħ tal-bażi ta' l-attività ekonomika u t-tiżjid tal-livelli ta' l-impjiegi u t-tnaqqis tal-qgħad sabiex ikun sostnut it-tkabbir ekonomiku, jitħeġġu s-soċjetajiet inklussivi u jkun miġġieled il-faqar. Li tiżdied il-parteċipazzjoni fl-impjiegi huwa speċjalment neċessarju minħabba t-tnaqqis mistenni fil-popolazzjoni ta' l-età tax-xogħol. Fil-qafas tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, il-Linji Gwida għall-azzjoni taħt din l-intestatura huma li ġejjin:

— L-implimentazzjoni ta' strateġiji politiċi ta' l-impjieg maħsuba sabiex jinkiseb impjieg għal kulħadd, sabiex jittejbu l-kwalità u l-produttività fuq il-post tax-xogħol, u sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali.

— Il-promozzjoni ta' l-approċċ taċ-"ċiklu tal-ħajja" lejn ix-xogħol.

— Il-garanzija ta' swieq tax-xogħol inklussivi, it-tiżjid ta' l-attrazzjoni tax-xogħol, u l-ħolqien ta' impjiegi li jrendu għal dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol, inklużi n-nies żvantaġġati u dawk li mhumiex attivi.

— It-titjib tal-modi kif jintlaħqu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol.

L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq identifikazzjoni preċedenti tal-ħtiġijiet permezz ta', pereżempju, l-użu ta' indikaturi nazzjonali u/jew reġjonali relevanti bħall-qgħad u r-rati ta' parteċipazzjoni, ir-rati ta' qgħad fuq perjodu twil ta' żmien, ir-rati tal-popolazzjoni li tkun mhedda mill-faqar u l-livell tad-dħul. Għandha tinġibed l-attenzjoni fuq il-livell lokali, fejn id-differenzi kbar jistgħu ma jiġux perċepiti mill-istatistika tal-livell reġjonali.

Il-preżenza ta' istituzzjonijiet effiċjenti u effettivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari servizzi tax-xogħol li jkunu jistgħu jirrispondu għall-isfidi ta' ristrutturazzjoni ekonomika u soċjali aċċelerata u tat-tixjiħ demografiku, hija essenzjali sabiex ikun sostnut il-forniment tas-servizzi lil dawk li jkunu qed ifittxu x-xogħol, lin-nies qiegħda u lil dawk żvantaġġati, u jistgħu jkunu sostnuti mill-Fondi Strutturali. Dawn l-istituzzjonijiet għandhom rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u sabiex jipprovdu servizzi fuq bażi personalizzata bil-għan li jinkoraġġixxu l-mobbiltà fl-impjiegi u l-mobbiltà ġeografika u sabiex jitqabblu l-provvista u d-domanda fir-rigward tax-xogħol, anke fil-livell lokali. Għandhom jgħinu sabiex ikunu antiċipati n-nuqqasijiet u l-ostakli fis-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet fil-qasam ta' l-impjiegi u tas-snajja'. B'riżultat ta' dan l-amministrazzjoni pożittiva tal-migrazzjoni ekonomika tkun assistita wkoll. L-aċċess faċli, u t-trasparenza, tas-servizzi offruti huma kruċjali. In-*network* EURES għandu rwol ċentrali fiż-żieda tal-mobbiltà ġeografika u ta' l-impjiegi, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali [1].

Prijorità importanti għandha tkun dik li jissaħħu l-miżuri attivi u preventivi tas-suq tax-xogħol sabiex jingħelbu l-ostakli li wieħed jiffaċċja sabiex jidħol, jew jibqa', fis-suq tax-xogħol u sabiex titħeġġeġ l-mobbiltà ta' dawk li jfittxu x-xogħol, għan-nies qiegħda u għal dawk li mhumiex attivi, għall-ħaddiema mdaħħla fiż-żmien kif ukoll għal dawk li jkunu mhedda mill-qgħad, b'attenzjoni partikolari għall-ħaddiema mingħajr sengħa. L-azzjoni għandha tiffoka fuq il-provvista ta' servizzi personalizzati, li jinkludu għajnuna fit-tiftix għax-xogħol, fit-taħriġ u sabiex wieħed isib l-aħjar impjieg għalih u fit-taħriġ sabiex jiġu rranġati l-ħiliet ta' min qiegħed ifittex x-xogħol u l-ħaddiema għall-ħtiġijiet tas-swieq tax-xogħol lokali. Għandu jitqies il-potenzjal kollu għall-ħolqien ta' xogħol indipendenti u ta' negozju, u anki tal-ħiliet ta' l-ICT u tal-konoxxenza tal-qasam diġitali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawn li ġejjin:

[1] Stabbilit fl-1993, l-EURES huwa *network* ta' koperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizzi ta' Impjieg Pubbliċi ta' l-Istati Membri taż-ŻEE (l-Istati Membri ta' l-UE kif ukoll in-Norveġja, l-Islanda u L-Liechtenstein) u organizzazzjonijiet sħab oħra.

— l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew taż-Żgħażagħ, billi jkun faċilitat l-aċċess għax-xogħol għaż-żgħażagħ, billi titħaffef it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol, anke permezz ta' gwida għall-għażla tal-karriera, ta' għajnuna fil-kisba sħiħa ta' l-edukazzjoni, ta' aċċess għal taħriġ apprendistati adatti;

— l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għall-ugwaljanza bejn is-sessi bl-integrazzjoni u b'azzjoni speċifika sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xogħol, sabiex tonqos is-segregazzjoni ta' l-impjiegi u jkunu indirizzati d-differenzi fil-ħlas bejn in-nisa u l-irġiel u l-istereotipi marbuta mas-sess u sabiex jitħeġġu ambjenti tax-xogħol li jiffavorixxu iktar il-familja, u sabiex ma jkunx hemm kunflitti bejn il-ħajja professjonali u dik privata. Għal persuni dipendenti huwa kruċjali li jiġi faċilitat l-aċċess għal servizzi ta' kura għat-tfal u għal servizzi oħra ta' kura, flimkien mat-tfittxija ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istrateġiji politiċi u fil-miżuri, mas-sensibilizzazzjoni tal-kuxjenza pubblika u d-djalogu fost il-partijiet interessati;

— azzjoni speċifika sabiex jissaħħaħ l-aċċess għall-migranti għas-suq tax-xogħol u sabiex tkun faċilitata l-integrazzjoni soċjali tagħhom, permezz tat-taħriġ u tat-tisħiħ tal-kompetenzi miksuba barra mill-pajjiż, ta' gwida personalizzata, ta' taħriġ fl-ilsna, ta' sostenn xieraq għall-intraprenditorija u għas-sensibilizzazzjoni fost min iħaddem u fost il-ħaddiema migranti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, u tat-tisħiħ ta' l-infurzar tar-regoli kontra d-diskriminazzjoni.

Prijorità importanti oħra għandha tkun dik li jkunu żgurati swieq tax-xogħol inklussivi għall-persuni żvantaġġati jew mhedda bl-esklużjoni soċjali, bħal pereżempju dawk li jitilqu kmieni mill-iskola, dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, minoranzi u persuni b'diżabbiltà. Dan jitlob firxa iktar wiesgħa ta' sostenn sabiex jinħolqu toroq li jwasslu għall-integrazzjoni u jiġġieldu d-diskriminazzjoni. L-għan għandu jkun li:

— tittejjeb il-possibbiltà tagħhom li jkunu impjegati billi tikber il-parteċipazzjni fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ, fir-rijabilitazzjoni u fl-inċentivi xierqa u fl-arranġamenti tax-xogħol, kif ukoll fis-sostenn soċjali u s-servizzi ta' kura meħtieġa, anke permezz ta' l-iżvilupp ta' l-ekonomija soċjali;

— tkun miġġielda d-diskriminazzjoni u titħeġġeġ l-aċċettazzjoni tad-diversità fil-post tax-xogħol permezz ta' kampanji ta' taħriġ u ta' sensibilizzazzjoni tal-kuxjenza pubblika li fihom ikunu involuti b'mod sħiħ il-komunitajiet lokali u l-intrapriżi.

1.3.2. *Titjib fl-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u fil-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol*

Fid-dawl tal-pressjoni li dejjem tikber mill-globalizzazzjoni, inklużi l-iskossi ħesrem lill-kummerċ, u minħabba l-introduzzjoni kontinwa ta' teknoloġiji ġodda, l-Ewropa għandha żżid il-kapaċità tagħha sabiex tantiċipa, tagħti bidu u tassorbi l-bidla ekonomika u soċjali. Fil-qafas tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, il-linji gwida għall-azzjoni tħat din l-intestatura huma li ġejjin:

— Il-promozzjoni tal-flessibbiltà flimkien mas-sigurtà ta' l-impjieg, u tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'kont meħud tar-rwol tas-sħab soċjali.

— Il-garanzija ta' żviluppi dwar l-ispejjeż tax-xogħol li jiffavorixxu l-impjiegi u mekkaniżmi fl-iffissar tal-pagi.

L-attenzjoni ewlenija għandha tkun fuq l-azzjonijiet li jinkoraġġixxu l-investiment fir-riżorsi umani min-naħa ta' l-intrapriżi, b'mod speċjali l-SMEs, u min-naħa tal-ħaddiema permezz ta' strateġiji u sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja li jipprovdu lill-impjegati, b'mod partikolari lill-ħaddiema li ma jkunux tas-sengħa u dawk ikbar fl-età, bil-ħiliet neċessarji sabiex jadattaw irwieħhom għall-ekonomija tal-konoxxenza u sabiex itawlu l-ħajja tagħhom tax-xogħol. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil:

— l-iżvilupp ta' strateġiji u sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja inklużi mekkaniżmi bħal fondi reġjonali u settorali, bil-għan li jiżdied l-investiment mill-intrapriżi u tiżdied il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fit-taħriġ;

— l-implimentazzjoni ta' tali strateġiji permezz ta' kontribuzzjonijiet għall-finanzjament ta' l-iskemi u ta' l-attivitajiet ta' taħriġ. Għandha tingħata prijorità lill-intraprenditorija u lill-SMEs, anke lill-faċilitazzjoni ta' l-aċċess tagħhom għal sorsi esterni ta' kompetenza, inġinerija finanzjarja, bħall-istrument JEREMIE u soluzzjonijiet ta' taħriġ — bl-enfażi fuq il-ħiliet relatati ma' l-ICT u ma' l-amministrazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għaż-żieda tal-parteċipazzjoni tal-ħaddiema li ma jkunux tas-sengħa jew li jkunu ikbar fl-età fit-taħriġ u fit-taħriġ mill-ġdid.

Huma partikolarment importanti l-antiċipazzjoni aħjar u l-amministrazzjoni pożittiva tar-ristrutturazzjoni ekonomika, b'mod speċjali b'riżultat tal-bidliet marbuta mal-ftuħ tal-kummerċ. Għandha tingħata attenzjoni għall-ħolqien ta' sistemi ta' monitoraġġ li jinvolvu lis-sħab soċjali, lill-intrapriżi u lill-komunitajiet lokali, sabiex ikunu osservati bir-reqqa l-bidliet soċjo-ekonomiċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u sabiex ikunu valutati t-tendenzi futuri ta' l-ekonomija u tas-swieq tax-xogħol. Għandu jkun hemm sostenn għall-programmi li għandhom l-għan li jimmodernizzaw is-swieq tax-xogħol u jantiċipaw il-bidliet gradwali fl-Unjoni kollha b'mod partikolari f'setturi bħall-agrikoltura, it-tessuti, il-karozzi u l-minjieri, flimkien ma' miżuri attivi sabiex jissaħħaħ il-benesseri ekonomiku tar-reġjuni. Hemm post ukoll għal servizzi speċifiċi għax-xogħol, għat-taħriġ u għas-sostenn tal-ħaddiema fil-kuntest tar-ristrutturazzjoni tal-kumpannija jew tas-settur, bħal pereżempju skemi ta' rispons rapidu fil-każ ta' sensji kollettivi.

Għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-iżvilupp u lit-tixrid tal-konoxxenza dwar forom innovattivi u adattabbli ta' l-organizzazzjoni tax-xogħol sabiex jinkiseb vantaġġ mit-teknoloġiji l-ġodda — inklużi t-*teleworking*, it-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol (pereżempju s-sigurtà industrijali), iż-żieda fil-produttività u l-promozzjoni ta' rikonċiljazzjoni aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja fi ħdan il-familja. Dan jista' jinkludi wkoll is-sensibilizzazzjoni dwar ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-iżvilupp ta' kuxjenza dwar id-drittijiet ta' l-impjieg, l-inizjattivi għall-ħarsien tal-kodiċi tax-xogħol, it-tnaqqis ta' l-ekonomija li ma tidħirx u modi kif xogħol mhux dikjarat jista' jinbidel f'impjieg regolari.

L-imsieħba soċjali għandhom rwol importanti fit-twaqqif ta' mekkaniżmi li jiżguraw il-flessibbiltà tas-suq tax-xogħol. Għalhekk l-Istati Membri għandhom iħeġġu s-sehem ta' l-imsieħba soċjali fl-attivitajiet taħt din il-prijorità. Barra minn hekk, taħt l-objettiv ta' Konverġenza, għandu jiġi allokat ammont xieraq tar-riżorsi tal-Fond Ewropew Soċjali (ESF) għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, li għandu jinkludi taħriġ, miżuri tan-*networking*, it-tisħiħ tad-djalogu soċjali u l-attivitajiet meħudha b'mod konġunt mill-imsieħba soċjali.

1.3.3. *It-tiżjid ta' investiment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni aħjar u ta' ħiliet*

L-Ewropa jeħtiġilha tinvesti iktar fil-kapital uman. Wisq nies ma jidħlux, jew ma jibqgħux, fis-suq tax-xogħol, minħabba nuqqas ta' ħiliet li jinkludu dawk alfabetiċi u numeriċi bażiċi, jew minħabba tlaqqigħ żbaljat bejn il-ħiliet u l-postijiet tax-xogħol. Sabiex jitjieb l-aċċess għall-impjiegi għall-ħaddiema ta' kull età u sabiex jiżdiedu l-livelli ta' produttività u l-kwalità fix-xogħol, hemm il-ħtieġa li jiżdied l-investiment fil-kapital uman u li jkunu żviluppati u implimentati strateġiji nazzjonali effettivi ta' tagħlim tul il-ħajja għall-benefiċċju ta' l-individwi, l-intrapriżi, l-ekonomija u s-soċjetà. Fil-qafas tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, il-linji gwida għall-azzjoni taħt din l-intestatura huma li ġejjin:

— L-espansjoni u t-titijib ta' l-investiment fil-kapital uman.

— L-adozzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ sabiex ikunu sodisfatti rekwiżiti ta' kompetenzi ġodda.

Jeħtieġ li r-riformi fit-taħriġ tas-suq tax-xogħol sabiex ikunu attirati iktar persuni fid-dinja tax-xogħol u sabiex tiżdied l-adattabbiltà tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi jsiru flimkien mar-riformi fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ. F'perjodi preċedenti ta' programmazzjoni, il-Fondi Strutturali investew b'mod sostanzjali fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ. Fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, l-investiment fil-kapital uman għandu jissaħħaħ billi tingħata attenzjoni partikolari għall-għanijiet ta' Liżbona skond il-linji gwida integrati għat-tkabbir u għall-impjiegi. Il-prijoritajiet ġenerali li ġejjin għandhom ikunu indirizzati:

— jitwessgħu u jittejbu l-investimenti fil-kapital uman inkluż l-iżvilupp ta' inċentivi xierqa u ta' mekkaniżmi li jqassmu l-ispejjeż għall-intrapriżi, għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-individwi;

— ikunu sostnuti strateġiji koerenti u komprensivi ta' tagħlim tul il-ħajja, b'attenzjoni partikolari sabiex ikunu indirizzati l-ħiliet meħtieġa għall-ekonomija tal-konoxxenza, inkluż sostenn għall-koperazzjoni u t-twaqqif ta' sħubijiet bejn l-Istati Membri, reġjuni u bliet f'termini ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex ikun faċilitat l-iskambju ta' esperjenzi u ta' prattika tajba, li jinkludu proġetti innovattivi. Għandha tingħata attenzjoni partikolari sabiex ikunu indirizzati l-ħtiġijiet tal-gruppi żvantaġġati;

— ikunu sostnuti t-tfassil u l-introduzzjoni ta' riformi fis-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ bl-użu, fejn ikun relevanti, ta' referenzi u prinċipji komuni Ewropej, b'mod partikolari sabiex tiżdied ir-relevanza tas-suq tax-xogħol ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ;

— jissaħħu r-rabtiet bejn l-universitajiet, iċ-ċentri tar-riċerka u tat-teknoloġija u l-intrapriżi, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' *networking* u ta' azzjonijiet konġunti.

Taħt l-objettiv ta' Konverġenza, ħafna Stati Membri u reġjuni jħabbtu wiċċhom ma' sfidi sinifikanti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ. Ir-riżorsi finanzjarji għandhom ikunu użati sabiex ikunu implimentati r-riformi, li għandhom jindirizzaw il-prijoritajiet speċifiċi li ġejjin:

— ikunu provduti adegwatament edukazzjoni u taħriġ li jkunu attraenti, aċċessibbli u ta' kwalità għolja fil-livelli kollha, inklużi t-titjib tal-kompetenzi u kwalifiki tal-persunal, il-promozzjoni ta' mezzi flessibli ta' tagħlim u għażliet ġodda li jibdew mill-istadju ta' l-iskola jew ta' qabel l-iskola, azzjonijiet sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti n-numru ta' studenti li jitilqu l-iskola kmieni u sabiex jinkisbu rati ogħla fin-numru ta' studenti li jlestu sa l-aħħar l-edukazzjoni sekondarja tagħhom u aċċess imtejjeb għall-edukazzjoni skolastika u pre-skolastika;

— sostenn għall-modernizzazzjoni ta' l-edukazzjoni terzjarja u l-iżvilupp tal-potenzjal uman fir-riċerka u fl-innovazzjoni, permezz ta' studji post-gradwazzjoni, b'taħriġ ulterjuri għar-riċerkaturi, u billi jkunu attirati iktar żgħażagħ fl-istudji xjentifiċi u tekniċi;

— il-promozzjoni tal-kwalità u l-attrazzjoni ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, inklużi l-apprendistati u l-edukazzjoni ta' l-intraprenditorija;

— fejn meħtieġ, tkun żgurata iktar mobbiltà fil-livelli reġjonali, nazzjonali jew transnazzjonali, u li jkunu inkoraġġiti oqfsa u sistemi li jsostnu t-trasparenza u r-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tat-tagħlim nonformali u dak informali;

— investiment fl-infrastruttura ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ inklużi fl-ICTs, fejn tali investimenti ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni ta' riforma u/jew fejn dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti sabiex tiżdied il-kwalità u l-effikaċja tas-sistema edukattiva u tat-taħriġ.

1.3.4. *Il-kapaċità amministrattiva*

Fil-perjodi preċedenti ta' programmazzjoni, il-Fondi, permezz ta' l-assistenza teknika, saħħew il-kapaċità amministrattiva ta' l-Istati Membri u ta' l-awtoritajiet amministrattivi fl-implimentazzjoni tar-regolamenti. Dan se japplika wkoll għall-perjodu mill-2007 sa l-2013.

Aktar mill-amministrazzjoni tal-Fondi u lil hinn minnha, il-kapaċità amministrattiva effettiva ta' l-amministrazzjonijiet pubbliċi u tas-servizzi pubbliċi jiġifieri amministazzjoni intelliġenti, hija kondizzjoni meħtieġa fundamentali għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi. Għaldaqstant, fuq il-linja ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona li titlob leġiżlazzjoni, tfassil u twassil ta' politika aħjar sabiex jinħolqu l-kondizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' l-impjiegi, il-Fondi se jsostnu l-investiment fil-kapital uman u fil-faċilitajiet ta' l-ICT relatati tas-servizzi amministrattivi u pubbliċi fil-livelli territorjali kollha.

Għall-pajjiżi u għar-reġjuni tal-Koeżjoni li jaqgħu taħt l-objettiv ta' Konverġenza, iż-żieda fil-produttività u fil-kwalità fuq il-post tax-xogħol fis-settur privat — b'mod speċjali fl-oqsma ekonomiċi, ta' l-impjiegi, soċjali, edukattivi, tas-saħħa, ambjentali u ġudizzjarji — hija essenzjali sabiex jintlaħqu u jkunu aċċelerati r-riformi, sabiex tiżdied il-produttività u t-tkabbir fl-ekonomija aktar wiesgħa u sabiex jitħeġġu l-koeżjoni soċjali u territorjali u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Fondi Strutturali jista' jkollhom rwol importanti fis-sostenn għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' politika effettiva, li tinvolvi l-partijiet relevanti kollha, f'firxa wiesgħa ta' oqsma.

Għalhekk, il-pajjiżi u r-reġjuni tal-Koeżjoni taħt l-objettiv ta' Konverġenza huma msejħa sabiex jibnu amministrazzjonijiet u servizzi pubbliċi fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. L-azzjonijiet f'dan il-qasam għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru. Għaldaqstant, konformement mal-prinċipju ta' konċentrazzjoni, l-Istati Membri huma mistiedna sabiex iwettqu analiżi komprensiva sabiex jidentifikaw l-oqsma tal-politika li jeħtieġu l-iktar sostenn għall-kapaċità amministrattiva. L-investiment għandu jikkonċentra fuq dawk l-oqsma tal-politika fejn ikun hemm l-ikbar ostakli għall-iżvilupp soċjo-ekonomiku u fuq l-elementi ewlenin tar-riformi amministrattivi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun indirizzata b'mod adegwat il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza fl-amministrazzjonijiet pubbliċi u li jkunu modernizzati s-servizzi pubbliċi. Il-linji gwida għall-azzjoni taħt din l-intestatura huma dawn li ġejjin:

— Is-sostenn tat-tfassil tajjeb tal-politika u tal-programmi, ta' monitoraġġ, ta' valutazzjoni u ta' stimi ta' l-impatt, permezz ta' studji, statistika, perizja, u previżjoni, sostenn għall-koordinament interdipartimentali u djalogu bejn il-korpi pubbliċi u privati relevanti;

— It-tisħiħ ta' l-iżvilupp tal-kapaċitajiet fit-twettiq ta' strateġiji politiċi u ta' programmi, anke fir-rigward tal-ħarsien mill-kriminalità u ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni, b'mod speċjali permezz tad-determinazzjoni ta' ħtiġijiet ta' taħriġ, reviżjoni ta' l-iżvilupp tal-karriera, valutazzjoni, proċeduri ta' verifika soċjali, implimentazzjoni ta' prinċipji marbuta ma' gvern miftuħ, taħriġ għal diretturi u persunal u sostenn speċifiku lil servizzi ewlenin, ispettorati u atturi soċjo-ekonomiċi.

1.3.5. *Għajnuna sabiex tinżamm forza tax-xogħol b'saħħitha*

Fid-dawl ta' l-istruttura demografika ta' l-UE, tal-popolazzjoni li qed tixjiħ u tat-tnaqqis probabbli fil-forza tax-xogħol fis-snin li ġejjin, huwa essenzjali li l-Unjoni tieħu passi sabiex iżżid in-numru tas- snin produttivi ta' xogħol għall-membri tal-forza tax-xogħol tagħha. L-investiment fil-promozzjoni tas-saħħa u tal-prevenzjoni tal-mard se jgħin sabiex tinżamm parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà għall-ikbar numru ta' ħaddiema possibbli, u b'dan il-mod tinżamm il-kontribuzzjoni ekonomika tagħhom u jitnaqqsu l-livelli ta' dipendenza. Dan għandu effett dirett fuq il-produttività u l-kompetittività, u għandu wkoll benefiċċji inċidentali importanti għall-kwalità tal-ħajja b'mod ġenerali.

Bejn ir-reġjuni Ewropej hemm differenzi kbar fl-istat tas-saħħa u fl-aċċess għall-kura tas-saħħa. Huwa għalhekk importanti għall-politika ta' koeżjoni li tikkontribwixxi għall-faċilitajiet ta' kura tas-saħħa, sabiex b'hekk tgħin ħalli jiżdied n-numru ta' snin produttivi ta' xogħol b'mod partikolari fl-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati. It-titjib fis-saħħa tal-Komunità u l-azzjoni preventiva għandhom rwol importanti fit-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi marbuta mas-saħħa. Kura tajba tas-saħħa tirriżulta f'parteċipazzjoni ikbar fis-suq tax-xogħol, ħajja itwal ta' xogħol, iktar produttività u inqas spejjeż soċjali u għall-kura tas-saħħa.

Għall-politika ta' koeżjoni huwa importanti li, b'mod speċjali fir-reġjuni arretrati, ikun hemm kontribut għat-titjib tal-faċilitajiet ta' kura fuq perjodu twil ta' żmien u jkun hemm investiment fit-titjib ta' l-infrastruttura tas-saħħa, b'mod partikolari meta n-nuqqas ta' dawn l-infrastrutturi jew l-iżvilupp mhux suffiċjenti tagħhom jirrappreżenta ostaklu ewlieni għall-iżvilupp ekonomiku. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun indirizzata l-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fis-sistemi tal-kura tas-saħħa permezz ta' investimenti fl-ICT, fil-konoxxenza u fl-innovazzjoni. Il-linji gwida għall-azzjoni taħt din l-intestatura huma dawn li ġejjin:

— Il-prevenzjoni tar-riskji marbuta mas-saħħa sabiex jiżdiedu l-livelli tal-produttività permezz ta' kampanji ġeneriċi ta' informazzjoni dwar is-saħħa u billi jkun żgurat trasferiment ta' konoxxenza u ta' teknoloġija u l-garanzija ta' servizzi tas-saħħa li jkollhom il-ħiliet, il-prodotti u t-tagħmir meħtieġ sabiex jipprevjenu r-riskji u jimminimizzaw il-ħsara potenzjali.

— It-trattament tad-defiċjenzi fl-infrastruttura tas-saħħa u l-promozzjoni ta' provvista effiċjenti ta' servizzi fejn ikun qed jiġi milqut l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni u l-Istati Membri inqas prosperużi. Din l-azzjoni trid tkun ibbażata fuq analiżi bir-reqqa tal-livell ottimali tal-forniment tas-servizzi u tat-teknoloġija adatta, bħal pereżempju t-*telemedicine* u l-potenzjal ta' effiċjenza ekonomika ta' servizzi ta' informazzjoni dwar is-saħħa b'mezzi elettroniċi.

2. ID-DIMENSJONI TERRITORJALI TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI

Waħda mill-karatteristiċi tal-politika ta' koeżjoni — f'kuntrast ma' linji politiċi settorali — tinsab fil-kapaċità tagħha li tadatta ruħha għall-ħtiġijiet u għall-karatteristiċi partikolari ta' l-isfidi u l-opportunitajiet ġeografiċi speċifiċi. Skond il-politika ta' Koeżjoni, il-ġeografija tgħodd. Ghalhekk, meta jkunu qed jiżviluppaw il-programmi tagħhom u jikkonċentraw ir-riżorsi fuq il-prijoritajiet ewlenin, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lil dawn iċ-ċirkostanzi ġeografiċi.

L-inklużjoni tad-dimensjoni territorjali se tgħin tiżviluppa komunitajiet sostenibbli u tipprevjeni l-iżvilupp mhux kostanti fir-reġjuni milli jnaqqas il-potenzjal globali tat-tkabbir. Tali approċċ jeħtieġ ukoll li l-problemi speċifiċi u l-opportunitajiet ta-żoni urbani u rurali jkunu jistgħu jiġu ttrattati kif ukoll dawk tat-territorji partikolari bħaż-żoni trans-konfinali u żoni transnazzjonali usa', jew reġjuni li għandhom żvantaġġi oħra minħabba l-insularità tagħhom, minħabba n-natura remota tagħhom (bħar-reġjuni estremi jew ir-reġjuni ta' l-Artiku), minħabba popolazzjoni skarsa jew minħabba li huma reġjuni muntanjużi. Jista' jkun li jkollhom jiġu indirizzati wkoll ir-restrizzjonijiet ambjentali u demografiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żoni tal-kosti. L-implimentazzjoni b'suċċess ta' l-azzjonijiet għall-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali teħtieġ l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi li jistgħu jgħinu jiggarantixxu trattament ġust għat-territorji kollha abbażi tal-kapaċitajiet individwali tagħhom bħala fattur ta' kompetittività. B'hekk, it-tmexxija tajba hija importanti sabiex id-dimensjoni territorjali tiġi indirizzata b'suċċess.

Tabilħaqq, għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi, il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali għandha tagħmel parti mill-isforzi sabiex it-territorju Ewropew jkollu l-opportunità jikkontribwixxi għall-aġenda tat-tkabbir u l-impjiegi. B'mod aktar speċifiku, dan ifisser li għandha tingħata tifsira differenti lill-koezjoni territorjali, marbuta ma' l-istorja, il-kultura jew il-qagħda istituzzjonali ta' kull Stat Membru.

L-iżvilupp ta' l-isħubiji ta' kwalità għolja huwa essenzjali wkoll, billi jintegra l-atturi tal-livelli kollha, dawk nazzjonali, reġjonali, urbani, rurali u lokali. Is-suċċess fil-qasam tal-koeżjoni territorjali għalhekk jiddipendi fuq strateġija komprensiva li tistabbilixxi l-qafas li fih ikunu segwiti l-għanijiet u l-azzjonijiet speċifiċi.

Fil-qafas tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà jiddelegaw lill-ibliet il-fondi li jindirizzaw il-kwisjonijiet urbani fi ħdan il-programmi l-ġodda. Sabiex jinkisbu l-benefiċċji kollha tas-sħubija, l-ibliet għandhom ikunu involuti tul il-proċess kollu. Dan jista' jinkludi r-responsabbiltà għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-parti sub-delegata tal-programm.

Il-qafas ġdid leġiżlattiv jipprovdi wkoll għal għajnuna speċjali għar-reġjuni estremi sabiex jiġu trattati l-ispejjeż gholjin tad-distanza li jaffaċċjaw. Sfida partikolari se tkun li jiġi żgurat li din l-għajnuna tikkontribwixxi għat-twettiq ta' l-istrateġija tal-programm sħiħ f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għajnuna għall-ħolqien ta' tkabbir sostenibbli u impjiegi.

2.1. Il-kontribuzzjoni ta' l-ibliet għat-tkabbir u għall-impjiegi

Kif spjegat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika ta' koeżjoni u l-ibliet, aktar minn 60 % tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea tgħix f'żoni urbani ta' aktar minn 50 000 abitant [1]. Fl-ibliet, u ġeneralment fiż-żoni urbani, jinsabu l-iżjed l-impjiegi, negozji u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla u huma ewlenin fil-kisba tal-koeżjoni soċjali. L-ibliet Ewropej jiġbdu lil dawk b'ħiliet ta' livell għoli, u b'hekk sikwit jinħoloq ċiklu virtwuż li jistimula l-innovazzjoni u l-kummerċ u jżid l-attrazzjoni tagħhom għal talenti ġodda.

L-ibliet u-żoni urbani jikkonċentraw mhux biss l-opportunitajiet iżda wkoll l-isfidi u għandhom jitqiesu l-problemi speċifiki li ż-żoni urbani jħabbtu wiċċhom magħhom, bħall-qgħad u l-esklużjoni soċjali (inkluża l-problema tal-"fqar li jaħdmu"), ir-rati għoljin, u li jiżdedu, tal-kriminalità, iżjed konġestjoni u l-eżistenza ta' nħawi ta' deprivazzjoni fi ħdan il-limiti tal-belt.

Il-programmi li jiffokaw fuq iż-żoni urbani jistgħu jieħdu bosta suri differenti. L-ewwel nett, hemm azzjonijiet sabiex jippromwovu l-ibliet bħala muturi ta' l-iżvilupp reġjonali. Tali azzjonijiet għandhom jimmiraw it-titjib fil-kompetittività, pereżempju permezz ta' gruppi. L-azzjonijiet sostnuti jinkludu miżuri li jinkoraġġixxu l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' servizzi li jinkludu s-servizzi tal-manifattur. Huwa wkoll importanti li jkun attirat u jinżamm persunal li jkollu ħiliet ta' l-ogħla livell (b'miżuri relatati ma' l-aċċessibbiltà, malforniment ta' servizzi kulturali eċċ).

It-tieni, hemm azzjonijiet li jippromwovu l-koeżjoni interna ġewwa ż-żoni urbani li jippruvaw itejbu l-qagħda tad-distretti fi kriżi. Dan mhux talli jġib benefiċċji diretti għad-distretti nfushom, iżda jgħinhom ibattlu ftit mill-pressjoni bejn it-tifrix eċċessiv ta' subborgi bl-għan ta' kwalità ta' ħajja aħjar.

[1] Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament "Politika ta' Koeżjoni u l-ibliet: il-kontribuzzjoni urbana għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni". COM(2006) 385 finali, 12.7.2006.

F'dan il-kuntest, u speċjalment fl-ibliet industrijali l-qodma, huma importanti dawk il-miżuri li jippruvaw jirrijabilitaw l-ambjent fiżiku, jiżviluppaw mill-ġdid is-siti *brownfield* speċjalment fl-ibliet industrijali l-qodma, u jżommu u jiżviluppaw il-wirt storiku u kulturali b'benefiċċji inċidentali potenzjali għall-iżvilupp tat-turiżmu sabiex jinħolqu bliet aktar attraenti fejn in-nies ikunu jridu jgħixu. Ir-riġenerazzjoni ta' l-ispazji pubbliċi eżistenti u tas-siti industrijali jista' jkollha rwol importanti fil-prevenzjoni tal-proċess ta' ħolqien ta' subborgi u tifrix ta' l-ibliet, bh'ekk tgħin fil-ħolqien ta' l-infrastrutturi neċessarji għal żvilupp ekonomiku sostenibbli. B'mod aktar ġenerali, bit-titjib fl-ippjanar, fit-tfassil u fil-manutenzjoni taż-żoni pubbliċi, l-ibliet jistgħu "jippjanaw l-eliminazzjoni" tal-kriminalità, jgħinu sabiex joħolqu toroq attraenti, ġonna u spazji miftuħa li jkunu protetti jew li jinħassu protetti. Fl-inħawi urbani hemm rabta qawwija bejn id-dimensjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Ambjent urban ta' kwalità għolja jikkontribwixxi wkoll għall-prijorità ta' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona li l-Ewropa ssir post aktar attraenti sabiex tgħix u tinvesti fih ([1]).

It-tielet, hemm azzjonijiet li jippromwovu żvilupp bilanċjat, poliċentriku permezz ta' l-iżvilupp tan-*network* urban fil-livelli nazzjonali u Komunitarji li jinkludi r-rabtiet bejn l-ibliet l-aktar b'saħħithom ekonomikament u żoni urbani oħra li jinkludu l-ibliet iż-żgħar u ta' daqs medju. Dan ser jeħtieġ it-teħid ta' għażliet strateġiċi fl-identifikazzjoni u t-tisħiħ ta' ċentri tat-tkabbir u, ta' l-istess importanza, it-twaqqif tan-*networks* li jorbtuhom kemm f'termini fiżiċi (l-infrastruttura, it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni, eċċ) kif ukoll f'dawk umani (azzjonijiet li jippromwovu l-koperazzjoni eċċ). Billi dawn iċ-ċentri jservu territorji usa', li jinkludu l-*hinterland* rurali immedjat, huma jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli u bilanċjat ta' l-Istati Membri u l-Komunità b'mod ġenerali. Bl-istess mod, iż-żoni rurali jipprovdu servizzi lis-soċjetà aktar mifruxa, pereżempju, fis-sura ta' opportunitajiet rikreattivi u pajsaġġi apprezzati ħafna. Għalhekk għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-interface urban-rurali.

Ibbażati fuq esperjenzi preċedenti, hemm numru ta' prinċipji ewlenin fl-azzjonijiet urbani. L-ewwel nett, l-isħab prinċipali fl-ibliet u fl-awtoritajiet lokali għandhom rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-għanijiet. Kif imsemmi hawn fuq, l-Istati Membri jistgħu jiddelegaw ir-responsabbiltà lill-ibliet għall-iżvilupp urban. Dan hu partikolarment importanti fejn il-prossimità tgħodd, pereżempju, sabiex tirrispondi għall-isfidi ta' natura l-aktar lokali bħall-esklużjoni soċjali jew nuqqas ta' aċċess għal servizzi ewlenin.

It-tieni, it-tħejjija ta' pjan ta' żvilupp għar-riġenerazzjoni ta' l-ibliet mifrux fuq perjodu medju jew perjodu twil ta' żmien huwa ġeneralment prerekwiżit għas-suċċess għax jiżgura l-koerenza ta' l-investimenti u tal-kwalità ambjentali tagħhom. Dan se jgħin ukoll sabiex ikunu żgurati l-impenn u l-parteċipazzjoni tas-settur privat fit-tiġdid urban. B'mod ġenerali, huwa meħtieġ approċċ multi-dixxiplinarju jew integrat. Għal azzjonijiet ibbażati fuq iż-żona, pereżempju, sabiex titħeġġeġ l-inklużjoni soċjali, dan jeħtieġ azzjonijiet li jippruvaw itejbu l-kwalità tal-ħajja (li tinkludi l-ambjent u d-djar) jew il-livell ta' servizzi għaċ-ċittadini jkunu konġunti ma' azzjonijiet li jippromwovu l-iżvilupp ta' attivitajiet ġodda u ħolqien ta' impjieg sabiex jiżguraw il-ġejjieni fuq medda ta' żmien twila taż-żoni konċernati. L-inizjattiva l-ġdida JESSICA hi mfassla sabiex tippromwovi u tiffaċilita l-iżvilupp tal-prodotti ta' l-inġinerija finanzjarja sabiex isostnu l-proġetti inklużi fil-pjanijiet ubani ta' l-iżvilupp.

B'mod ġenerali, is-servizzi u l-programmi integrati ta' sostenn għandhom jiffokaw fuq dawk il-gruppi li l-aktar għandhom bżonn, bħall-immigranti, iż-żgħażagħ u n-nisa. Iċ-ċittadini kollha għandhom jitħeġġu jieħdu sehem kemm fl-ippjanar kif ukoll il-forniment ta' servizzi.

2.2. Sostenn għad-diversifikazzjoni ekonomika taż-żoni rurali, żoni tas-sajd u żoni bi żvantaġġ naturali

Il-politika ta' koeżjoni jista' jkollha rwol importanti wkoll fis-sostenn tar-riġenerazzjoni ekonomika taż-żoni rurali, billi jkunu komplementati l-azzjonijiet sostnuti mill-fond il-ġdid ta' l-iżvilupp rurali (il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali- FAEŻR) ([2]). Dan l-approċċ komplementari għandu jipprova jsostni r-ristrutturazzjoni u d-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija fiż-żoni rurali Ewropej.

Hemm il-ħtieġa li titħeġġeġ is-sinerġija bejn l-istrateġiji politiċi ta' l-iżvilupp rurali, strutturali u ta' l-impjiegi. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sinerġija u l-konsistenza bejn l-azzjonijiet li għandhom ikunu finanzjati mill-ERDF, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-FSE, mill-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) u mill- FAEŻR fuq territorju partikolari u f'qasam partikolari ta' attività. Il-prinċipji ta' gwida ewlenin fir-rigward tal-linja ta' demarkazzjoni u tal-mekkaniżmi ta' koordinament bejn l-azzjonijiet sostnuti mill-Fondi differenti għandhom ikunu definiti fil-livell ta' qafas nazzjonali ta' referenza strateġika/pjan strateġiku nazzjonali.

([1]) L-Istrateġija Tematika dwar l-Ambjent Urban COM(2005) 718 finali.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1685/2005. ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

Għall-politika ta' koeżjoni, l-azzjoni favur iż-żoni rurali jew għaż-żoni b'diżabbiltajiet naturali, li jinkludu r-reġjuni tal-ġżejjer, għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda permezz tad-diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali. Dan jinkludi l-isforzi għas-sostenn tal-fornitment ta' livell minimu ta' aċċess għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali sabiex ikunu attirati ditti u persunal kwalifikat u sabiex tkun limitata l-emigrazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ il-kollegament man-*networks* ewlenin nazzjonali u Ewropej. Barra minn hekk, il-politika ta' koeżjoni għandha tappoġġa l-kapaċità endoġenika tat-territorji rurali bil-promozzjoni, pereżempju, tal-bejgħ ta' prodotti fil-livelli nazzjonali u globali, u bil-promozzjoni ta' l-innovazzjoni tal-proċessi u tal-prodott fl-attivitajiet ekonomiċi eżistenti.

Il-kisba ta' massa kiritika meħtieġa għall-forniment ta' servizzi b'mod effiċjenti — li jinkludu servizzi għal ħaddiema b'saħħithom msemmija hawn fuq — hi sfida partikolari. Il-garanzija ta' aċċess universali għas-servizzi kollha, b'mod partikolari f'żoni b'popolazzjoni skarsa, tista' jinkiseb permezz ta' investiment fiċ-ċentri ta' l-iżvilupp f'żoni rurali (pereżempju f'ibliet żgħar jew ta' daqs medju) u bl-iżvilupp ta' gruppi ekonomiċi msejsa fuq assi lokali flimkien ma' l-użu ta' teknoloġiji ġodda ta' l-informazzjoni.

Bosta reġjuni rurali jiddipendu b'mod esterm fuq it-turiżmu. Dawn ir-reġjuni jeħtieġu metodu integrat imfassal apposta għall-kwalità, li jiffoka fuq is-sodisfazzjon tal-konsumatur u li jkun ibbażat fuq id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' l-iżvilupp sostenibbli. L-azzjonijiet għandhom jieħdu vantaġġ minn, u jfittxu li jżommu, il-kwalitajiet naturali u kulturali li jista' jkollhom benefiċċji inċidentali importanti billi jħarsu u jiżviluppaw l-ambjenti naturali u jsostnu l-investiment fil-bijodiversità. Il-metodu integrat għandu jfittex li jkollu impatt pożittiv fuq is-settur tat-turiżmu, fuq l-ekonomija lokali, fuq il-persuni li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu, fuq il-viżitaturi u fuq il-popolazzjoni lokali, kif ukoll fuq il-wirt naturali u kulturali.

Għal dak li jirrigwarda t-taqsima tas-sajd, ir-ristrutturazzjoni ekonomika taż-żoni mal-kosti li jiddipendu mis-sajd u l-ġżejjer iż-żgħar tkun ta' sikwiet sfida partikolari minħabba raġunijiet ġeografiċi, u l-politika ta' koeżjoni jista' jkollha rwol importanti sabiex tikkomplimenta l-azzjonijiet sostnuti mill-EFF.

2.3. Koperazzjoni

Il-miżuri li jinkoraġġixxu l-koperazzjoni trans-konfinali, transnazzjonali u interreġjonali, li jinkludu l-koperazzjoni marittima fejn xieraq, għandhom jikkomplementaw it-tliet prijoritajiet indikati aktar 'il fuq. Għaldaqstant, il-koperazzjoni aktar mill-qrib fir-reġjuni ta' l-UE għandha tgħin sabiex tħaffef aktar l-iżvilupp ekonomiku u l-kisba ta' livell ogħla fit-tkabbir. Il-fruntieri nazzjonali spiss huma ostaklu għall-iżvilupp tat-territorju Ewropew kollu, u jistgħu jillimitaw il-potenzjal tiegħu għal kompetittività sħiħa. Fil-kuntest tal-koperazzjoni trans-konfinali u tal-koperazzjoni transnazzjonali, it-trasport, l-amministrazzjoni ta' l-ilma u l-ħarsien ta' l-ambjent huma eżempji ċari ta' l-isfidi li jeħtieġu metodu ffokat u integrat li jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jeżaminaw li-possibbiltà li joħolqu Raggruppament Ewropew għall-Koperazzjoni Territorjali sabiex jieħdu rwol ta' l-awtorità li tmexxi għal ċerti programmi ta' koperazzjoni.

2.4. Il-koperazzjoni trans-konfinali

Il-mira tal-koperazzjoni trans-konfinali fl-Ewropa hija dik li jkunu integrati żoni diviżi mill-fruntieri nazzjonali li jħabbtu wiċċhom ma' problemi komuni li jeħtieġu soluzzjonijiet komuni. Sfidi bħal dawn huma ffaċċjati mir-reġjuni kollha ta' l-Unjoni bħala riżultat tal-frammentazzjoni tas-swieq għax-xogħol u l-kapital, in-*networks* ta' l-infrastruttura, il-kapaċità fiskali, u l-istituzzjonijiet.

Għalkemm, il-programmi ta' koperazzjoni għandhom ikunu magħmula apposta skond is-sitwazzjoni partikolari ffaċċjata minn kull wieħed mir-reġjuni li jinsab fuq fruntiera, huwa importanti li jsir sforz sabiex l-għajnuna tkun ikkonċentrata fuq il-prijoritajiet ewlenin bħala sostenn għat-tkabbir u għall-ħolqien ta' l-impjiegi.

Ġeneralment, ir-rakkomandazzjonijiet li japplikaw għall-koperazzjoni trans-konfinali futura mhux dejjem ikunu relevanti minħabba d-diversità kbira tas-sitwazzjonijiet. Fl-istess ħin, fid-dawl ta' l-ostakoli li jinħolqu minħabba l-fruntieri, punt tat-tluq utli huwa t-titjib ta' l-infrastruttura eżistenti tat-trasport u tal-komunikazzjoni u l-iżvilupp, fejn meħtieġ, ta' kollegamenti ġodda. Dawn huma prerekwiżiti sabiex ikunu stabbiliti jew żviluppati kuntatti trans-konfinali.

Il-koperazzjoni trans-konfinali għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kompetittività tar-reġjuni li jinsabu fuq fruntiera. Barra minn hekk, għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ekonomika u soċjali, b'mod speċjali fejn hemm differenzi ekonomiċi kbar fuq kull naħa. L-azzjonijiet jinkludu l-inkoraġġiment tat-trasferiment tal-konoxxenza u ta' *know-how*, l-iżvilupp ta' attivitajiet trans-konfinali ta' negozju, il-potenzjal għall-edukazzjoni/għat-taħriġ u għall-kura tas-saħħa trans-konfinali u l-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol trans-konfinali; u l-amministrazzjoni konġunta tat-theddid għall-ambjent u dak komuni għat-tnejn. Meta diġà jkun hemm il-kondizzjonijiet bażiċi għall-koperazzjoni trans-konfinali, il-politika ta' koeżjoni għandha tiffoka l-għajnuna fuq azzjonijiet li jipprovdu valur miżjud għall-attivitajiet ta' trans-konfinali: pereżempju, li tiżdied il-kompetittività trans-konfinali permezz ta' l-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp; li jkun hemm kollegament bejn in-*networks* intanġibbli (is-servizzi) jew in-*networks* fiżiċi (it-trasport) sabiex tkun imsaħħa l-identità trans-konfinali bħala karatteristika ewlenija taċ-ċittadinanza Ewropea; li titħeġġeġ l-integrazzjoni trans-konfinali tas-suq tax-xogħol; l-amministrazzjoni trans-konfinali ta' l-ilmijiet u l-kontroll ta' l-ġhargħar; tmexxija konġunta ta' riskji naturali u teknoloġiċi.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-isfidi u opportunitajiet li jirriżultaw mill-bidliet fil-fruntieri esterni ta' l-Unjoni wara t-tkabbir. Hawnhekk, hawn il-bżonn li jippromwovu l-azzjonijiet trans-konfinali koerenti li jħeġġu l-attività ekonomika miż-żewġ naħat, u li jneħħu l-ostakoli għall-iżvilupp. Għal dan il-għan, il-politika ta' koeżjoni u l-Istrument il-ġdid għall-Viċinat Ewropew u s-Sħubija u, fejn xieraq, l-Istrument il-ġdid għal qabel l-Adeżjoni, jeħtieġu joħolqu qafas koerenti għal tali azzjonijiet.

2.5. Koperazzjoni transnazzjonali

Fiż-żoni transnazzjonali hemm il-ħtieġa li tiżdied l-integrazzjoni u l-koeżjoni ekonomika u soċjali. Il-programmi ta' koperazzjoni transnazzjonali jfittxu li jżidu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar kwistjonijiet ta' importanza strateġika.

Is-sostenn għandu għalhekk jingħata lill-azzjonijiet li jfittxu li jtejbu l-kollegament fiżiku bejn it-territorji (eż. l-investimenti fi trasport sostenibbli) kif ukoll il-kollegamenti intanġibbli (*networks*, skambji bejn ir-reġjuni u bejn il-partijiet involuti).

L-azzjonijiet kunsidrati jinkludu l-ħolqien ta' rotot Ewropej tat-trasport (b'mod partikolari taqsimiet trans-konfinali) u azzjonijiet sabiex ikunu evitati riskji naturali (p.e. nirien, nixfiet u ġhargħar), l-amministrazzjoni ta' l-ilma fil-livell tal-baċini tax-xmajjar, il-koperazzjoni marittima integrata, il-promozzjoni ta' żvilupp urban sostenibbli u n-*networks* ta' l-R&D/innovazzjoni.

Il-mappa preżenti taż-żoni għall-koperazzjoni transnazzjonali ġiet emendata sabiex tiżgura li dawn joħolqu l-kondizzjonijiet sabiex ikunu implimentati azzjonijiet strutturali bażiċi. Ġew imfassla b'tali mod li jieħdu kont tal-koerenza territorjali u l-kriterji funzjonali ta' natura ġeografika, pereżempju, baċin ta' xmara jew żona tal-kosta komuni, żona muntanjuża komuni maqsuma minn rotta ewlenija ta' trasport. Kriterji oħra, bħal strutturi storiċi jew istituzzjonali, jew koperazzjoni jew Konvenzjonijiet eżistenti, huma relevanti wkoll.

2.6. Il-koperazzjoni interreġjonali

Il-programmi ta' koperazzjoni interreġjonali għandhom jiffokaw fuq l-istrateġija mġedda ta' Lisbona: it-tisħiħ ta' l-innovazzjoni, ta' l-SMEs u ta' l-intraprenditorija, ta' l-ambjent u l-prevenzjoni tar-riskji. Barra minn hekk, se jitħeġġeġ ukoll l-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' l-aħjar prattika fir-rigward ta' l-iżvilupp urban, il-modernizzazzjoni tas-servizzi tas-settur pubbliku (bħas-saħħa u l-iggvernar bl-użu ta' l-ICT) u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' koperazzjoni kif ukoll l-istudji u l-ġbir ta' informazzjoni. Il-koperazzjoni interreġjonali tista' tkun appoġġata wkoll fi ħdan il-programmi għall-konverġenza u għall-kompetittività reġjonali u għall-impjiegi. Barra minn hekk, se jitħeġġeġ ukoll l-iskambju ta' l-esperjenzi u ta' l-aħjar prattika fir-rigward ta' l-iżvilupp urban, ta' l-inklużjoni soċjali, tar-relazzjonijiet bejn l-ibliet u ż-żoni rurali, u ta' l-implimentazzjoni ta' programmi ta' koperazzjoni.

32006D0703

DECIZJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ottubru 2006

li taħtar membri Daniżi għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2006/703/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-mandat tal-membri Daniżi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2006 ([1]). Għalhekk, jaqbel li jiġu maħtura membri Daniżi għal dan il-Kumitat għal perijodu ġdid ta' erba' snin li jibda mill-21 ta' Settembru 2006.

(2) Fil-11 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta l-listi ppreżentati mill-gvern Ċek, Ġermaniż, Estonjan, Spanjol, Franċiż, Latvjan, Litwan, Lussemburgiż, Ungeriż, Malti, Awstrijakk, Sloven u Slovakk kif ukoll il-lista ta' tnejn u għoxrin kandidat ippreżentata mill-Gvern Taljan ([2]).

(3) Fil-15 ta' Settmebru 2006, il-Kunsill adotta l-listi ppreżentati mill-gvern Belġjan, Grieg, Irlandiż, Ċiprijott, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Finlandiż, Sediż u tar-Renju Unit kif ukoll il-lista ta' tnejn u għoxrin kandidat preżentata mill-Gvern Taljan ([3]).

(4) Fit-2 ta' Ottubru 2006, il-Gvern Daniż ippreżenta lista li tinkludi numru ta' kandidati skond il-postijiet li ġew attribwiti lilu mit-Trattati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuni li isimhom jidher fil-lista annessa għal din id-Deċiżjoni huma maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2006 sal-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-21 ta' Settembru 2006.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Ottubru 2006.

Mill-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

([1]) ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.
([2]) ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.
([3]) ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13.

ANNESS

Id-Danimarka

Is-Sinjura Dorthe ANDERSEN
Chefkonsulent, DA

Is-Sur Henrik FALLESEN
Leder af DI's Bruxelles kontor

Is-Sinjura Benedicte FEDERSPIEL
Chefkonsulent, Forbrugerrådet

Is-Sur Peder Munch HANSEN
International konsulent, LO

Is-Sinjura Randi IVERSEN
Forkvinde, Kvinderådet

Is-Sur Søren KARGAARD
International konsulent, FTF

Is-Sinjura Marie-Louise KNUPPERT
LO sekretær

Is-Sur Poul LÜNEBORG
Konsulent, DSI

Is-Sur Leif Erland NIELSEN
Seniorkonsulent, Landbrugsrådet

32006E0708

21.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 291/43

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/708/PESK

tas-17 ta' Ottubru 2006

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat ta' Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ġunju 2006, wara reviżjoni tal-missjoni mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, il-Kunsill qabel li jestendi l-EUJUST LEX għal 18-il xahar ieħor wara l-iskadenza tal-mandat eżistenti, sal-31 ta' Diċembru 2007.

(2) Fl-istess data, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/413/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-Istat ta' Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX ([1]). Dik l-Azzjoni Konġunta tkopri l-ewwel fażi ta' din l-estensjoni sal-31 ta' Ottubru 2006.

(3) Din l-Azzjoni Konġunta għandha tipprovdi l-bażi għat-tieni fażi ta' din l-estensjoni, sal-31 ta' Diċembru 2007.

(4) L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK ([2]) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 11(3) għandu jiġi mibdul b' dan li ġej:

"Minħabba s-sitwazzjoni ta' sigurtà partikolari fl-Iraq, is-servizzi f'Bagdad għandhom jiġu pprovduti permezz tal-kuntratti magħmula mir-Renju Unit mal-kumpanniji li jipprovdu dawn is-servizzi u joħorġu fattura għalihom. Il-baġit ta' l-EUJUST LEX għandu jkopri dawn l-ispejjeż sa mhux aktar minn EUR 2,4 miljun. Ir-Renju Unit għandu, f'konsultazzjoni mal-Kap tal-Missjoni, jirrapporta b' informazzjoni adegwata lill-Kunsill dwar dawn l-ispejjeż."

2. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"Din għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007."

Artikolu 2

L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa addizzjonali relatata mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu jkun EUR 11,2 miljun.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

([1]) ĠU L 163, 15.6.2006, p. 17.
([2]) ĠU L 62, 9.3.2005, p. 37.

22006X1024(01)

Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Shubija bejn il-Komunità Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Gżejjer Solomon [1]

Il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Solomon innotifikaw lil xulxin fit-28 ta' Ġunju u d-9 ta' Ottubru 2006 rispettivament li l-proċeduri ta' adozzjoni tagħhom ġew ikkompletati.

Il-Ftehim għaldaqstant daħal fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2006 skond l-Artikolu 16 tiegħu.

---

[1] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 33.

32006R1582

25.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 294/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1582/2006

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1907/90, fir-rigward tad-deroga dwar il-ħasil tal-bajd

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1990 dwar dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], u partikolarment l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards fit-tqegħid fis-suq tal-bajd [2] jistabbilixxi ċerti kriterji għad-deroga li tippermetti liċ-ċentri ta' imballaġġ ikomplu jaħslu l-bajd sal-31 ta' Diċembru 2006. Ġiet mogħtija deroga lil disa' ċentri ta' imballaġġ fl-Iżvezja u lil ċentru ta' imballaġġ wieħed fl-Olanda.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 ġie mħassar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 tad-19 ta' Ġunju 2006 dwar standards għat-tqegħid fis-suq tal-bajd [3] b'effett mill-1 ta' Lulju 2007. Konsegwentement, il-perjodu tranżizzjonali għall-ħasil tal-bajd għandu jiġi estiż sa dik id-data.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90, id-data "31 ta' Diċembru 2006" għandha tiġi sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2007".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

[2] ĠU L 173, 6.7.1990, p. 5. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1039/2005 (ĠU L 172, 5.7.2005, p. 1).

[3] ĠU L 186, 7.7.2006, p. 1.

32006D0716

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Marzu 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/716/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 80 (2), flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni fil-5 ta'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika ta' l-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru, hawn aktar 'il quddiem imsemmi "il-Ftehim", b'mod konformi mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni li tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru qiegħed hawn jiġi approvat f' isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħżel il-persuna(i) bis-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f'isem il-Komunità soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussel, 27 ta' Marzu 2006.

Ghall-Kunsill

Il-President

H. GORBACH

22006A1025(01)

FTEHIM

bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' l-Albanija u l-Komunità Ewropea dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI TAR-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA

min-naħa waħda, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet")

WAQT LI JINNOTAW li ftehim ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru ġew konklużi bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija li fihom disposizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea.

WAQT LI JINNOTAW li l-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklużiva fir-rigward ta' diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WAQT LI JINNOTAW li taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess bla diskriminazzjoni għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' tali pajjiżi terzi li jiksbu l-proprjetà f'kumpanniji ta' l-ajru liċenzjati b'mod konformi mal-liġi Komunitarja Ewropea,

WAQT LI JIRRIKONOXXU li d-disposizzjonijiet tal-ftehim għal servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità ma' din sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija u biex tiġi ppreservata it-tkomplija ta' tali servizzi ta' l-ajru,

WAQT LI JINNOTAW li mhuwiex skop tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali ta' traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija, biex jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpanniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpanniji ta' l-ajru tar-Repubblika ta' l-Albanija, jew biex jiġu nnegozjati emendi għad-disposizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru li diġà jeżistu li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" għandha tfisser Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull wieħed mill-Ftehim elenkat fl-Anness I liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti għal dak il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma bħala li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull wieħed mill-Ftehim elenkati fl-Anness I għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti għal dak il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma li jirreferu għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru nominat minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Nomina minn Stat Membru

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-disposizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, fir-rigward tan-nomina ta' kumpannija ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi tiegħu mogħtija mir-Repubblika ta' l-Albanija, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tal-kumpanniji ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi n-nomina mingħand Stat Membru, ir-Repubblika ta' l-Albanija għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru hija stabbilita, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju ta' l-Istat Membru li ħatarha, u għandha Liċenzja Operattiva valida b'mod konformi mal-liġi Komunitarja Ewropea;

(ii) il-kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru huwa eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha u l-awtorità aeronawtika relevanti hija identifikata b'mod ċar fin-nomina; u

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru hija proprjetà u ser tkompli tkun proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, ta' Stati Membri u/jew ta' ċittadini ta' Stati Membri, u/jew ta' stati oħra mniżżla fl-Anness III u/jew iċ-ċittadini ta' tali Stati oħra, u ser tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata minn dawn l-Istati u/jew tali ċittadini.

3. Ir-Repubblika ta' l-Albanija tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpannija ta' l-ajru nnominata minn Stat Membru fejn:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru m'hijiex stabbilita, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju ta' l-Istat Membru li nnominaha jew m'għandhiex Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea;

(ii) m'hemmx kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru jew manutenzjoni mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika rilevanti mhix identifikata b'mod ċar fin-nomina; jew

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru mhijiex proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u mhijiex effettivament ikkontrollata minn Stati Membri u/jew iċ-ċittadini ta' Stati Membri, u/jew minn stati oħra mniżżla f'lista fl-Anness III u/jew iċ-ċittadini ta' tali stati oħra.

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika ta' l-Albanija m'għandhiex tiddiskrimina bejn kumpanniji ta' l-ajru tal-Komunità abbażi ta' nazzjonalità.

Artikolu 3

Drittijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll regolatorju

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-artikoli elenkati fl-Anness II (ċ).

2. Fejn Stat Membru nnomina kumpannija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tagħha huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika ta' l-Albanija taħt id-disposizzjonijiet ta' sigurtà tal-Ftehim bejn l-Istat Membru li ħatar il-kumpannija ta' l-ajru u r-Repubblika ta' l-Albanija għandu japplika b'mod ugwali fir-rispett ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-istandards tas-sigurtà minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' dik il-kumpannija ta' l-ajru.

Artikolu 4

Tassazzjoni tal-Karburant għall-Avjazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw id-disposizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II (d).

2. Minkejja kull disposizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-Ftehim elenkati fl-Anness II(d) m'għandu jżomm Stat Membru milli jimponi taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq karburant li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' kumpannija ta' l-ajru nominata tar-Repubblika ta' l-Albanija li topera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Tariffi għat-trasport fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-artikoli elenkati fl-Anness II (e).

2. It-tariffi li ser jiġu ddebitati mill-kumpannija(kumpanniji) ta' l-ajru nominata/i mir-Repubblika ta' l-Albanija taħt ftehim elenkat fl-Anness I li fih disposizzjoni elenkata fl-Anness II (e) għal trasport li jseħħ kollu kemm hu fi ħdan il-Komunità Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal-liġi Komunitarja Ewropea.

Artikolu 6

Annessi mal-Ftehim

L-Annessi ma' dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7

Reviżjoni jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens komuni.

Artikolu 8

Dħul fis-Seħħ u Applikazzjoni Provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu ġew konklużi.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop.

3. Ftehim u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u r-Repubblika ta' l-Albanija li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ma kinux daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness I (b). Dan il-Ftehim għandhu japplika għal tali Ftehim u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

Artikolu 9

Tmiem

1. Fil-każ li Ftehim imniżżel fl-Anness I jintemm, id-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehim mniżżel fl-Anness I ikkonċernat għandhom jintemmu fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-Ftehim kollha mniżżla fl-Anness I jintemmu, dan il-Ftehim għandu jintemm fl-istess ħin.

B'xhieda ta' dan, dawn hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f'Salsburgu b'żewġ kopji, fil-ħames jum ta' Mejju tassena elfejn u sitta, fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u Albaniża.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen
Per Komunitetin Europian

Por el Consejo de Ministros de la República de Albania
Za Radu ministrů Albánské republiky
For Republikken Albaniens ministerråd
Für den Ministerrat der Republik Albanien
Albaania Vabariigi ministrite nõukogu nimel
Για το Υπουργικό Συμβούλιο της Δημοκρατίας της Αλβανίας
For the Council of Ministers of the Republic of Albania
Pour le Conseil des ministres de la République d'Albanie
Per il Consiglio dei Ministri della Repubblica d'Albania
Albānijas Republikas Ministru padomes vārdā
Albanijos Respublikos Ministrų Tarybos vardu
Az Albán Köztársaság Minisztertanácsa részéről
Ghall-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika ta' l-Albanija
Voor de Ministerraad van de Republiek Albanië
W imieniu Rady Ministrów Republiki Albanii
Pelo Conselho de Ministros da República da Albânia
Za Radu ministrov Albánskej republiky
Za Ministrski Svet Republike Albanije
Albanian tasavallan ministerineuvoston puolesta
För Republiken Albaniens ministerråd
Per Keshillin e Ministrave te Republikes se Shqiperise

ANNESS I

Lista tal-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju

— Il-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern Federali Awstrijak u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija ffirmat fi Vjenna fit-18 ta' Marzu 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Awstrija";

— il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar it-Trasport bl-Ajru ffirmat fi Brussel fl-14 ta' Novembru 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Belġju";

Għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Brussel fit-18 ta' Ġunju 2002.

— Il-Ftehim tat-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċekoslovakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' l-Albanija ffirmat f'Tirana fl-20 ta' Mejju 1958, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Repubblika Ċeka" f'Anness II;

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Poplu ta' l-Albanija dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili inizjalat f'Tirana fit-12 ta' Jannar 1989, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Franza";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili ffirmat f'Tirana fit-22 ta' April 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Ġermanja";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Poplu ta' l-Albanija dwar it-Trasport bl-Ajru Ċivili ffirmat f'Tirana fis-16 ta' Lulju 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Greċja";

Kif ukoll il-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Ateni fil-25 ta' Ġunju 1998.

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari Ungeriża u l-Gvern tar-Repubblika Popolari ta' l-Albanija dwar ir-regolament tat-Trasport bl-Ajru Ċivili bejn l-Ungerija u l-Albanija ffirmat f'Budapest fis-16 ta' Jannar 1958, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Ungerija";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern ta' l-Albanija dwar is-Servizzi ta' l-Ajru ffirmat f'Tirana fit-18 ta' Diċembru 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Italja";

— Il-Ftehim bejn ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika ta' l-Albanija dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom iffirmat fl-Aja fil-25 ta' Settembru 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Olanda";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu Pollakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' l-Albanija dwar is-Servizzi ta' l-Ajru ffirmat f'Tirana fit-8 ta' Lulju 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Polonja";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar is-Servizzi ta' l-Ajru Skedati ffirmat f'Ljubljana fl-10 ta' Novembru 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Slovenja";

— Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija dwar is-Servizzi ta' l-Ajru ffirmat f'Londra fit-30 ta' Marzu 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Il-Ftehim Albanija — Renju Unit";

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Londra fl-14 ta' Novembru 2002.

(b) Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

ANNESS II

Lista ta' artikoli fil-Ftehim imniżżla fl-Anness I u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Ħatra minn Stat Membru:

— Artikolu 3 (5) tal-Ftehim Albanija — Awstrija;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Albanija — Ġermanja;

— L-Artikolu 3 (1) u (2), tal-Ftehim Albanija — Greċja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Albanija — Franza;

— L-Artikolu 2 tal-Ftehim Albanija — Ungerija;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Albanija — Italja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Albanija — Olanda;

— L-Artikolu 2 u 3 u l-Anness II punt 1, tal-Ftehim Albanija — Polonja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Slovenja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Albanija — Renju Unit;

(b) Ċaħda, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' Awtorizzazzjonijiet jew Permessi:

— L-Artikolu 4 (1a) tal-Ftehim Albanija — Awstrija;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Albanija — Belġju;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Albanija — Ġermanja;

— L-Artikolu 3 (3) tal-Ftehim Albanija — Greċja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Franza;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Albanija — Italja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Albanija — Olanda;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Albanija — Slovenja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Albanija — Renju Unit;

(ċ) Kontroll regolatorju:

(d) Tassazzjoni tal-Karburant ta' l-Avjazzjoni:

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Awstrija;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Albanija — Belġju;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Albanija — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Albanija — Ġermanja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Greċja;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Albanija — Franza;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Albanija — Italja;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Albanija — Olanda;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Albanija — Polonja;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Albanija — Slovenja;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Albanija — Renju Unit;

(e) Tariffi għat-trasport ġewwa l-Komunità Ewropea:

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Albanija — Awstrija;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Albanija — Belġju;

— L-Artikolu 2 tal-Ftehim Albanija — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Albanija — Ġermanja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Albanija — Greċja;

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim Albanija — Franza;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Albanija — Italja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Albanija — Olanda;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Polonja;

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Albanija — Slovenja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Albanija — Renju Unit.

ANNESS III

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta' l-Islanda (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(ċ) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) Il-Konfederazzjoni Svizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).

32006D0718

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/718/PESK

tat-23 ta' Ottubru 2006

li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK ta' l-10 ta' April 2006 dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-10 ta' April 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, li kkonfermat il-miżuri restrittivi eżistenti kontra persuni responsabbli għall-vjolazzjonijiet ta' standards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali fil-Belarus fid-19 ta' Marzu 2006 u għall-azzjonijiet ripressivi kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika u kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.

(2) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/362/PESK li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, sabiex jimponi l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi kontra l-persuni, kif ukoll kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, imsemmija hawn fuq.

(3) Skond il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, il-Kunsill irriveda l-miżuri restrittivi u ddeċieda, fid-dawl ta' żviluppi reċenti, li għandhom jiġu mmirati aktar individwi responsabbli mill-azzjonijiet ripressivi kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Il-listi li jinsabu fl-Annessi III u IV mal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandhom għaldaqstant jiġu emendati kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Annessi III u IV mal-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK għandhom jinbidlu bit-test li jidher fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

---

[1] ĠU L 101, 11.4.2006, p. 5. Pożizzjoni Komuni kif emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2006/362/PESK (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 45).

ANNESS

"ANNESS III

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1(1)(ċ)

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografijaBjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizzi	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Lukashenko Aleksandr Grigorievich (Lukashenka Alaksandr Ryhoravich)	Лукашенка Аляксандр Рыгоравіч	ЛУКАШЕНКО Александр Григорьевич	30.08.1954.	Nevinyany, distrett ta' Vitebsk,			President
Nevyglas Gennady Nikolaevich (Nievyhlas Hienadz Mikalayevich)	Невыглас Генадзь Мікалаевіч	НЕВЫГЛАС Геннадий Николаевич	11.02.1954.	Parahonsk, distrett ta' Pinsk			Kap ta' l- Amministrazzjoni tal-President
Petkevich Natalya Vladimirovna (Piatkevich Natallia Uladzimirauna)	Пяткевіч Наталля Уладзімірана	ПЕТКЕВИЧ Наталья Владимировна	24.10.1972	Minsk			Deputat Kap ta' l-amministrazzjoni tal-President
Rubinov Anatoly Nikolaevich (Rubinau Anatol Mikalaevich)	Рубіна Анатоль Мікалаевіч	РУБИНОВ Анатолий Николаевич	15.04.1939	Mogilev			Deputat Kap inkarigat mill-medja u l-ideoloġija, PA
Proleskovsky Oleg Vitoldovich Pralaskouski Aleh Vitoldavich	Праляскоски Алег Вітольдавіч	ПРОЛЕСКОВСКИЙ Олег Витольдович	01.10.1963	Zagorsk (Russja, issa Sergijev Posad)			Ajjutant u Kap tad-dipartiment Ideoloġiku Prinċipali, PA
Radkov Aleksandr Mikhailovich (Radzkou Aleksandr Mikhailovich)	Радзько Аляксандр Міхайлавіч	РАДЬКОВ Александр Михайлович	01.07.1951	Votnya, Вотня Быховского района Могилевской области			Ministru ta' l-Edukazzjoni
Rusakevič Vladimir Vasilyievič (Rusakevich Uladzimir Vasiliyevich	Русакевіч Уладзімір Васільевіч	РУСАКЕВИЧ Владимир Васильевич	13.09.1947	Vigonošči, Выгонощи, Брестская область			Ministru ta' l-Informazzjoni
Golovanov Viktor Grigoryevich Halavanau Viktar Ryhoravich,	Галавана Віктар Рыгоравіч	ГОЛОВАНОВ Виктор Григорьевич	1952	Borisov			Ministru tal-Ġustizzja

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografijaBjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizzi	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Zimovsky Alexander Leonidovich (Zimouski Alaksandr Lieanidavich)	Зімоскі Аляксандр Леанідавіч	ЗИМОВСКИЙ Александр Леонидович	10.01.1961	Ġermanja			Membru tal-Kamra Superjuri tal-Parlament; Kap tal-kumpannija teleradio nazzjonali ta' l-istat
Konoplyev Vladimir Nikolaevich (Kanapliou Uladzimir Mikalaevich)	Канаплё Уладзімір Мікалаевіч	КОНОПЛЕВ Владимир Николаевич	03.01.1954	Akulintsy, д. Акулинцы Могилевского района			President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament;
Cherginets Nikolai Ivanovich (Charhiniets Mikalai Ivanavich)	Чаргінец Мікалай Іванавіч	ЧЕРГИНЕЦ Николай Иванович	17.10.1937	Minsk			President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Superjuri
Kostyan Sergey Ivanovich (Kastsian Siarhiei Ivanavich),	Касцян Сяргей Іванавич	КОСТЯН Сергей Иванович	15.01.1941.	Usokhi, distrett ta' Mogilev, Усохи Кличевского района Могилевской области			President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Inferjuri
Orda Mikhail Sergeevich (Orda Mikhail Siarhieevich)	Орда Міхаіл Сяргеевіч	ОРДА Михаил Сергеевич	28.09.1966.	Nevinyany, distrett ta' Grodno, Дятлово Гродненской области			Membru tal-Kamra Superjuri, mexxej tal-BRSM
Lozovik Nikolai Ivanovich (Lazavik Mikalai Ivanavich)	Лазавік Мікалай Іванавіч	ЛОЗОВИК Николай Иванович	18.01.1951	Nevinyany, distrett ta' Minsk, Невиняны Вилейского р-на Минской обл			Deputat tas-CEC
Miklashevich Petr Petrovich (Miklashevich Piotr Piatrovich)	Міклашэвіч Пётр Пятровіч	МИКЛАШЕВИЧ Петр Петрович	1954	Kosuta, distrett ta' Minsk, Косута Минской области			Prosekutur Ġenerali
Slizhevsky Oleg Leonidovich (Slizheuski Aleh Leanidavich)	Сліжэскі Алег Леанідавіч	СЛИЖЕВСКИЙ Олег Леонидович					Kap tad-Diviżjoni ta' l-organizzazzjonijiet Soċjali, partijiet u NGOs, Ministeru tal-Ġustizzja

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografijaBjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizzi	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Khariton Aleksandr (Kharyton Alaksandr)	Харытон Аляксандр	ХАРИТОН Александр					Konsulent tad-Diviżjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Soċjali, Partiti u NGOs tal-Ministeru tal-Ġustizzja.
Smirnov Evgeny Aleksandrovich (Smirnou Yauhien Alaksandravich	Смірно Яген Аляксандравіч	СМИРНОВ Евгений Александрович	15.03.1949.	distrett ta' Ryazan, Russja			L-Ewwel Deputat tal-President tal-Qorti Ekonomika
Reutskaya Nadezhda Zalonva (Ravutskaya Nadzieja Zalauna)	Равуцкая Надзея Залана	РЕУТСКАЯ Надежда Заловна					Imħallef tad-distrett ta' Minsk ta' Moska
Trubnikov Nikolai Alekseevich (Trubnikau Mikalai Alakseevich)	Трубніка Мікалай Аляксеевіч	ТРУБНИКОВ Николай Алексеевич					Imħallef tad-distrett ta' Partizanskiy ta' Minsk
Kupriyanov Nikolai Mikhailovich (Kupryianau Mikalai Mikhailavich)	Купрыяна Мікалай Міхайлавіч	КУПРИЯНОВ Николай Михайлович					Deputat Prosekutur Ġenerali
Sukhorenko Stepan Nikolaevich (Sukharenka Stsiapan Mikalaevich)	Сухарэнка Сцяпан Мікалаевіч	СУХОРЕНКО Степан Николаевич	27.01.1957.	Zdudichi, distrett ta' Mogilev, Здудичи Светлогорского района Гомельской области			President tal-KGB
Dementei Vasily Ivanovich (Dzemiantsiei Vasil Ivanavich)	Дземянцей Васіль Іванавіч	ДЕМЕНТЕЙ Василий Иванович					L-Ewwel Deputat, KGB
Kozik Leonid Petrovich (Kozik Leanid Piatrovich)	Козік Леанід Пятровіч	КОЗИК Леонид Петрович	13.07.1948.	Borisov			Kap tal-Federazzjoni tal-Unions tal-Kummerċ
Koleda Alexandr Mikhailovich (Kalada Alaksandr Mikhailavich)	Каляда Аляксандр Міхайлавіч	КОЛЕДА Александр Михайлович					President tal-Kummissjoni ta' l-Elezzjonijiet ta' l-distrett ta' Brest
Mikhasev Vladimir Ilyich (Mikhasiou Uladzimir Iliich)	Міхасё Уладзімір Ільіч	МИХАСЕВ Владимир Ильич					President tas-CEC tad-distrett ta' Gomel

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografijaBjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizzi	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Luchina Leonid Aleksandrovich	Лучына Леанід Аляксандравіч	ЛУЧИНА Леонид Александрович	18.11.1947	distrett ta' Minsk			President tas-CEC tad-distrett ta' Grodno
Karpenko Igor Vasilievich (Karpenka Ihar Vasilievich)	Карпенка Ігар Васільевіч	КАРПЕНКО Игорь Васильевич	28.04.1964.	Novokuznetsk, Russja Новокузнецк Кемеровской области, Россия			President tas-CEC tal-Belt ta' Minsk
Kurlovich Vladimir Anatolievich (Kurlovich Uladzimir Anatolievich)	Курловіч Уладзімір Анатольевіч	КУРЛОВИЧ Владимир Анатольевич					President tas-CEC tad-distrett ta' Minsk
Metelitsa Nikolai Timofeevich (Miatsielitsa Mikalai Tsimafeevich)	Мяцеліца Мікалай Цімафеевіч	МЕТЕЛИЦА Николай Тимофеевич					President tas-CEC tad-distrett ta' Mogilev
Pishchulenok Mikhail Vasilievich (Pishchulenak Mikhail Vasilievich)	Пішчулёнак Міхаіл Васільевіч	ПИЩУЛЕНОК Михаил Васильевич					President tas-CEC tad-distrettta' Vitebsk
Rybakov Alexei	РЫБАКО Аляксей	РЫБАКОВ Алексей			Ul.Jesenina 31-1-104, Minsk		Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Minsk Moskovsky
Bortnik Sergei Aleksandrovich	БОРТНІК Сяргей Аляксандравіч	БОРТНИК Сергей Александрович	28.05.1953	Minsk	Ul.Surganovo 80-263, Minsk	MP0469554	Prosekutur Pubbliku
Yasinovich Leonid Stanislavovich	ЯСІНОВІЧ Леанід Станіслававіч	ЯСИНОВИЧ Леонид Станиславович	26.11.1961	Buchany, distrett ta' Vitebsk	Ul. Gorovtsa 4-104, Minsk	MP 0515811	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Minsk Tsentralny
Migun Andrei Arkadevich	МІГУН Андрэй Аркадзевіч	МИГУН Андрей Аркадевич	05.02.1978	Minsk	Ul.Goretskovo Maksima 53-16, Minsk	MP1313262	Prosekutur Pubbliku

ANNESS IV

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 1a

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizz	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Lukashenko Aleksandr Grigorievich (Lukashenka Alaksandr Ryhoravich)	Лукашенка Аляксандр Рыгоравіч	ЛУКАШЕНКО Александр Григорьевич	30.08.1954	Kopys, distrett ta' Vitebsk			President
Nevyglas Gennady Nikolaevich (Nievyhlas Hienadz Mikalaevich)	Невыглас Генадзь Мікалаевіч	НЕВЫГЛАС Геннадий Николаевич	11.02.1954	Parahonsk, distrett ta' Pinsk			Kap ta' l-Amministrazzjoni tal-President
Petkevich Natalya Vladimirovna (Piatkevich Natallia Uladzimirauna)	Пяткевіч Наталля Уладзімірана	ПЕТКЕВИЧ Наталья Владимировна	24.10.1972	Minsk			Deputat Kap ta' l-amministrazzjoni tal-President
Rubinov Anatoly Nikolaevich (Rubinau Anatol Mikalaevich)	Рубіна Анатоль Мікалаевіч	РУБИНОВ Анатолий Николаевич	15.04.1939.	Mogilev			Deputat Kap inkarigat mill-medja u l-ideoloġija, PA
Proleskovsky Oleg Vitoldovich Pralaskouski Aleh Vitoldavich,	Праляскоскі Алег Вітольдавіч	ПРОЛЕСКОВСКИЙ Олег Витольдович	01.10.1963	Zagorsk (Russja, issa Sergijev Posad)			Ajjutant u Kap tad-dipartiment Ideoloġiku Prinċipali, PA
Radkov Aleksandr Mikhailovich (Radzkou Alaksandr Mikhailavich)	Радзько Аляксандр Міхайлавіч	РАДЬКОВ Александр Михайлович	01.07.1951	Votnya, Вотня Быховского района Могилевской области			Ministru ta' l-Edukazzjoni
Rusakevich Vladimir Vasilyevich (Rusakevich Uladzimir Vasilievich)	Русакевіч Уладзімір Васільевіч	РУСАКЕВИЧ Владимир Васильевич	13.09.1947	Vygonoshchi, Выгонощи, Брестская область			Ministru ta' l-Informazzjoni
Golovanov Viktor Grigoryevich Halavanau Viktar Ryhoravich,	Галавана Віктар Рыгоравіч	ГОЛОВАНОВ Виктор Григорьевич	1952	Borisov			Ministru tal-Ġustizzja
Zimovsky Alexander Leonidovich (Zimouski Alaksandr Lieanidavich)	Зімоскі Аляксандр Леанідавіч	ЗИМОВСКИЙ Александр Леонидович	10.01.1961	Ġermanja			Membru tal-Kamra Superjuri tal-Parlament; Kap tal-kumpannija teleradju nazzjonali ta' l-Istat

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizz	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Konoplyev Vladimir Nikolaevich (Kanapliou Uladzimir Mikalaevich	Канаплё Уладзімір Мікалаевіч	КОНОПЛЕВ Владимир Николаевич	03.01.1954	Akulintsy, д. Акулинцы Могилевского района			President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament
Cherginets Nikolai Ivanovich (Charhiniets Mikalai Ivanavich),	Чаргінец Мікалай Іванавіч	ЧЕРГИНЕЦ Николай Иванович	17.10.1937	Minsk			President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Superjuri
Kostyan Sergei Ivanovich (Kastsian Siarhiei Ivanavich),	Касцян Сяргей Іванавіч	КОСТЯН Сергей Иванович	15.01.1941	Usokhi, distrett ta' Mogilev, Усохи Кличевского района Могилевской области			President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Kamra Inferjuri
Orda Mikhail Sergeevich (Orda Mikhail Siarhieevich)	Орда Міхаіл Сяргеевіч	ОРДА Михаил Сергеевич	28.09.1966	Dyatlovo, distrett ta' Grodno, Дятлово Гродненской области			Membru tal-Kamra Superjuri, mexxej tal-BRSM
Lozovik Nikolai Ivanovich (Lazavik Mikalai Ivanavich)	Лазавік Мікалай Іванавіч	ЛОЗОВИК Николай Иванович	18.01.1951	Nevinyany, distrett ta' Minsk, Невиняны Вилейского р-на Минской обл			Deputat tas-CEC
Miklashevich Petr Petrovich (Miklashevich Piotr Piatrovich)	Міклашэвіч Пётр Пятровіч	МИКЛАШЕВИЧ Петр Петрович	1954	Kosuta, distrett ta' Minsk, Косута Минской области			Prosekutur Ġenerali
Slizhevsky Oleg Leonidovich (Slizheuski Aleh Leanidavich)	Сліжэскі Алег Леанідавіч	СЛИЖЕВСКИЙ Олег Леонидович					Kap tad-Diviżjoni ta' l-organizzazzjonijiet Soċjali, gruppi u NGOs, Ministeru tal-Ġustizzja
Khariton Aleksandr (Kharyton Alaksandr)	Харытон Аляксандр	ХАРИТОН Александр					Konsulent tad-Diviżjoni ta' l-organizzazzjonijiet Soċjali, gruppi u NGOs tal-Ministeru tal-Ġustizzja
Smirnov Evgeny Aleksandrovich (Smirnou Yauhien Alaksandravich	Смірно Яген Аляксандравіч	СМИРНОВ Евгений Александрович	15.03.1949.	distrett ta' Ryazan, Russja			Prim Deputat tal-President tal-Qorti Ekonomika

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizz	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Reutskaya Nadezhda Zalovna (Ravutskaya Nadzieja Zalauna)	Равуцкая Надзея Залана	РЕУТСКАЯ Надежда Заловна					Mħallef tad-distrett ta' Minsk ta' Moska
Trubnikov Nikolai Alekseevich (Trubnikau Mikalai Alakseevich)	Трубніка Мікалай Аляксеевіч	ТРУБНИКОВ Николай Алексеевич					Mħallef tad-distrett ta' Partizanskiy ta' Minsk
Kupriyanov Nikolai Mikhailovich (Kupryianau Mikalai Mikhailavich)	Купрыяна Мікалай Міхайлавіч	КУПРИЯНОВ Николай Михайлович					Deputat Prosekutur Ġenerali
Sukhorenko Stepan Nikolaevich (Sukharenka Stsiapan Mikalaevich)	Сухарэнка Сцяпан Мікалаевіч	СУХОРЕНКО Степан Николаевич	27.01.1957	Zdudichi, distrett ta' Mogilev, Здудичи Светлогорского района Гомельской области			President tal-KGB
Dementei Vasily Ivanovich (Dzemiantsiei Vasil Ivanavich)	Дземянцей Васіль Іванавіч	ДЕМЕНТЕЙ Василий Иванович					Prim Deputat, KGB
Kozik Leonid Petrovich (Kozik Leanid Piatrovich)	Козік Леанід Пятровіч	КОЗИК Леонид Петрович	13.07.1948	Borisov			Kap tal-Federazzjoni tat-Trade Unions
Koleda Alexandr Mikhailovich (Kalada Alaksandr Mikhailavich)	Каляда Аляксандр Міхайлавіч	КОЛЕДА Александр Михайлович					President tal-Kummissjoni Elettorali tad-distrett ta' Brest
Mikhasev Vladimir Ilyich (Mikhasiou Uladzimir Iliich)	Міхасё Уладзімір Ільіч	МИХАСЕВ Владимир Ильич					President tas-CEC tad-distrett ta' Gomel
Luchina Leonid Aleksandrovich	Лучына Леанід Аляксандравіч	ЛУЧИНА Леонид Александрович	18.11.1947	Distrett ta' Minsk			President tas-CEC tad-distrett ta' Grodno
Karpenko Igor Vasilievich (Karpenka Ihar Vasilievich)	Карпенка Ігар Васільевіч	КАРПЕНКО Игорь Васильевич	28.04.1964	Novokuznetsk, Russja Новокузнецк Кемеровской области, Россия			President tas-CEC tal-Belt ta' Minsk
Kurlovich Vladimir Anatolievich (Kurlovich Uladzimir Anatolievich)	Курловіч Уладзімір Анатольевіч	КУРЛОВИЧ Владимир Анатольевич					President tas-CEC tad-distrett ta' Minsk

Ismijiet (traskrizzjoni bl-Ingliż)	Ismijiet (ortografija Bjelorussa)	Ismijiet (ortografija Russa)	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Indirizz	Numru tal-passaport	Pożizzjoni
Metelitsa Nikolai Timofeevich (Miatsielitsa Mikalai Tsimafeevich)	Мяцеліца Мікалай Цімафеевіч	МЕТЕЛИЦА Николай Тимофеевич					President tas-CEC tad-distrett ta' Mogilev
Pishchulenok Mikhail Vasilievich (Pishchulenak Mikhail Vasilievich)	Пішчулёнак Міхаіл Васільевіч	ПИЩУЛЕНОК Михаил Васильевич					President tas-CEC tad-distrett ta' Vitebsk
Sheyman (Sheiman), Victor Vladimirovich			26.05.1958	Reġjun ta' Grodno			Segretarju ta' l-Istat tal-Kunsill tas-Sigurtà
Pavlichenko (Pavliuchenko), Dmitri (Dmitry) Valeriyevich			1966	Vitebsk			Kap tal-Grupp Speċjali ta' Rispons fil-Ministeru ta' l-Intern (SOBR)
Naumov, Vladimir Vladimïrovich			07.02.1956				Ministru ta' l-Intern
Yermoshina Lydia Mihajlovna			29.01.1953	Slutsk (Reġjun ta' Minsk)			President tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali
Podobed Yuri Nikolaevich			05.03.1962	Slutsk (Reġjun ta' Minsk)			Tenent-Kurunell tal-Milizzja, Unità għal Ġhanijiet Speċjali (OMON), Ministeru għall-Affarijiet Interni
Rybakov Alexei	РЫБАКО Аляксей	РЫБАКОВ Алексей			Ul.Jesenina 31-1-104, Minsk		Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Minsk Moskovsky
Bortnik Sergei Aleksandrovich	БОРТНІК Сяргей Аляксандравіч	БОРТНИК Сергей Александрович	28.05.1953	Minsk	Ul. Surganovo 80-263, Minsk	MP0469554	Prosekutur Pubbliku
Yasinovich Leonid Stanislavovich	ЯСІНОВІЧ Леанід Станіслававіч	ЯСИНОВИЧ Леонид Станиславович	26.11.1961	Buchany, Vitebsk district	Ul. Gorovtsa 4-104, Minsk	MP 0515811	Imħallef tal-Qorti tad-Distrett ta' Minsk Tsentralny
Migun Andrei Arkadevich	МІГУН Андрэй Аркадзевіч	МИГУН Андрей Аркадевич	05.02.1978	Minsk	Ul.Goretskovo Maksima 53-16, Minsk	MP1313262	Prosekutur Pubbliku"

32006R1591

26.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 296/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1591/2006

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 51/2006 fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar bastimenti li jwettqu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-Atlantiku tal-Grigal

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 [2] li jistabbilixxi għall-2006 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet marbuta ma' certi stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, ghall-bastimenti tal-Komunità, fl-ilmijiet fejn huma meħtiega l-limitazzjonijiet tal-qbid.

(2) Il-Kummissjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) ghamlet rakkomandazzjoni fi Frar 2004 fir-rigward ta' bastimenti li wettqu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU). F'Mejju 2006 in-NEAFC ghamlet rakkomandazzjoni sabiex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet fir-rigward tas-sajd IUU, fis-sens li l-bastimenti li ġew konfermati li wettqu sajd IUU m'ghandhomx jithallew jidħlu f'port tal-Komunità. L-implimentazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni fis-sistema legali Komunitarja ghandha tiġi żgurata.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 51/2006 ghandu ghalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-punt 13 ta' l-Anness III mar-Regolament (KE) Nru 51/2006 ghandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"13. Bastimenti li jagħmlu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat fl-Atlantiku tal-Grigal

13.1. Il-Kummissjoni ghandha mingħajr dewmien tinforma lill-Istati Membri dwar bastimenti li jkunu jtajru bnadar ta' pajjiżi li ma jkunux Partijiet Kontraenti ghall-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali Futura fiż-Żoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal (il-Konvenzjoni) li jkunu ġew avvistati jwettqu attivitajiet ta' sajd fiż-Żona Regolatorja tal-Konvenzjoni u li jkunu tniżżlu mill-Kummissjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) fuq lista provviżorja ta' bastimenti preżunti li jkunu qegħdin jimminaw ir-Rakkomandazzjonijiet stabbiliti taħt l-Konvenzjoni. Il-miżuri li ġejjin ghandhom japplikaw ghal dawn il-bastimenti:

(a) bastimenti li jidħlu f'portijiet m'humiex awtorizzati jħottu fuq l-art jew jittrasbordaw fihom u ghandhom jiġu ispezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti. Tali ispezzjonijiet ghandhom jinkludu d-dokumenti tal-bastiment, il-ġurnali ta' abbord, it-tagħmir tas-sajd tal-bastiment, il-qabdiet abbord u affarijiet oħra relatati ma' l-attivitajiet tal-bastiment fiż-Żona Regolatorja tal-Konvenzjoni. L-informazzjoni dwar ir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet ghandha tiġi trasmessa immedjatament lill-Kummissjoni;

(b) bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' appoġġ, bastimenti ta' riforniment ta' karburant, bastimenti-kapijiet ta' skorta, u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'ghandhom bl-ebda mod jghinu l-bastimenti jew jipparteċipaw f'xi trasbord jew f'operazzjonijiet konġunti ta' sajd mal-bastimenti;

(ċ) m'ghandha ssir l-ebda fornitura lill-bastimenti fil-portijiet ta' provvisti, ta' karburant jew ta' servizzi oħra.

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
[2] ĠU L 16, 20.1.2006, p. 1.

13.2. Il-bastimenti li jkunu tniżżlu mill-Kummissjoni tas-Sajd ta' l-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) fuq lista ta' bastimenti konfermati li wettqu sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (bastimenti IUU) huma elenkati fl-Appendiċi 4. Addizzjonalment għall-miżuri msemmija fil-punt 13.1, il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għal dawn il-bastimenti:

(a) il-bastimenti IUU għandhom ikunu projbiti milli jidħlu f'port Komunitarju;

(b) il-bastimenti IUU m'għandhomx ikunu awtorizzati sabiex jistadu fl-ilmijiet Komunitarji u l-kiri tagħhom għandu jkun projbit;

(ċ) l-importazzjoni ta' ħut minn fuq bastimenti IUU għandha tkun projbita;

(d) l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw l-konferiment tal-bandiera tagħhom lil bastimenti IUU u għandhom jinkoraġġixxu importaturi, trasportaturi u setturi oħra konċernati sabiex ma jinnegozjawx u ma jittrasbordawx ħut maqbud minn tali bastimenti.

13.3. Il-Kummissjoni għandha temenda l-lista ta' bastimenti IUU sabiex tkun konformi mal-lista IUU tan-NEAFC malli n-NEAFC tadotta lista IUU ġdida."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

32006D0725

L 296/24 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 26.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/725/PESK

tas-17 ta' Ottubru 2006

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/486/PESK dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad- Darfur fis-Sudan [2], li estendiet il-komponent ċivili tagħha sal-31 ta' Ottubru 2006.

(2) Sa meta ssir it-tranżizzjoni tal-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana għal operazzjoni tan-Nazzjonijiet Magħquda (NU) skond ir-Riżoluzzjoni 1706(2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, il-Kunsill, konformement ma' l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2006/486/PESK, iddeċieda, fid-dawl tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għall-Paċi u s-Siġurtà ta' l-Unjoni Afrikana fl-20 ta' Settembru 2006, li jkompli l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun ta' Darfur fis-Sudan sal-31 ta' Diċembru 2006.

(3) Fir-rigward tal-komponent ċivili, il-Kunsill għandu konsegwentement jiddeċiedi dwar il-finanzjament tal-kontinwazzjoni ta' din l-azzjoni ta' appoġġ. Il-finanzjament għandu wkoll, skond il-ħtieġa, ikopri l-infiq għal xi perjodu addizzjonali eventwalment possibbli qabel il-konsenja lin-NU.

(4) L-azzjoni ta' appoġġ sejra ssir fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiħżien u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-infiq relatat ma' l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK mill-1 ta' Novembru 2006 għandu jkun EUR 1 785 000.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. Iċ-ċittadini ta' stati terzi għandhom ikunu permessi jippreżentaw offerti għal kuntratti.

3. L-infiq għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Novembru 2006.

Artikolu 2

Għandha ssir valutazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali meħtieġa wara t-tmiem ta' l-azzjoni ta' appoġġ mill-UE, liema valutazzjoni għandha ssir mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 17 ta' Ottubru 2006.

Mill-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46.
[2] ĠU L 192, 13.7.2006, p. 30.

32006D0729

27.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 298/27

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/729/PESK/ĠAI

tas-16 ta' Ottubru 2006

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kunsill iddeċieda fis-27 ta' Ġunju 2006 li jawtorizza lill-Presidenza, mgħejuna mill-Kummissjoni, biex tiftaħ negozjati għal Ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (DHS) ta' l-Istati Uniti.

(2) In vista ta' l-Impenji maħruġin fil-11 ta' Mejju 2004 mid-DHS, l-Uffiċċju tad-Dwana u l-Protezzjoni tal-Fruntieri ([1]), l-Istati Uniti jista' jiġi kkunsidrat bħala li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni ta' *data* PNR trasferita mill-Unjoni Ewropea dwar titjiriet ta' passiġġieri lejn u mill-Istati Uniti.

(3) L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-poteri eżistenti tagħhom biex jissospendu flussi ta' *data* lid-DHS sabiex jipproteġu individwi rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom jekk jikkunsidraw li l-ipproċessar ta' *data* PNR mhuwiex skond l-istandards ta' protezzjoni provduti fl-Impenji mogħtijin mid-DHS, jew fejn awtorità kompetenti ta' l-Istati Uniti ddeterminat li d-DHS huwa fi ksur ta' dawk l-istandards, sakemm tkun assigurata konformità ma' dawk l-istandards.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jiġu applikati fuq bażi provvisorja sakemm jidħol fis-seħħ.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għal konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) awtorizzata/i biex t/jiffirma/w il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għal konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Skond il-punt 7 tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom ikunu applikati fuq bażi provvisorja sa mid-data ta' l-iffirmar tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għall-poteri tagħhom li jieħdu azzjoni biex jiżguraw konformità ma' dispożizzjonijiet nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw il-poteri eżistenti tagħhom biex jissospendu flussi ta' *data* lid-DHS sabiex jipproteġu individwi rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn awtorità kompetenti ta' l-Istati Uniti tkun iddeterminat li d-DHS huwa fi ksur ta' l-istandards ta' protezzjoni applikabbli; jew

(b) fejn hemm probabbiltà sostanzjali li l-istandards ta' protezzjoni applikabbli qegħdin jinkisru, hemm motivi raġonevoli biex jitwemmen li d-DHS mhuwiex jieħu jew mhux ser jieħu passi adegwati u f'waqthom biex isolvi l-każ in kwistjoni, it-trasferiment kontinwat joħloq riskju imminenti ta' ħsara gravi lis-suġġetti tad-*data*, u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri konċernati jkunu għamlu sforzi raġonevoli fiċ-ċirkostanzi biex jipprovdu lid-DHS b'avviż u b'opportunità li jirrispondi.

([1]) ĠU L 235, 6.7.2004, p. 15.

2. Is-sospensjoni għandha tieqaf hekk kif l-istandards ta' protezzjoni ikunu assigurati u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jkunu notifikati b'dan.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jinformaw mingħajr dewmien lill-Kunsill u lill-Kummissjoni meta jkunu adottati miżuri skond l-Artikolu 4.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw lil xulxin fil-Kunsill b' kull bidla fl-istandards ta' protezzjoni u b'każijiet fejn l-azzjoni ta' korpi responsabbli biex jiżguraw il-konformità ma' l-istandards ta' protezzjoni applikabbli mid-DHS jonqsu li jiżguraw tali konformità.

3. Jekk il-Kunsill jikkunsidra li l-informazzjoni miġbura skond l-Artikolu 4 u skond il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu tipprovdi evidenza li ma jkunux qed jiġu osservati l-prinċipji bażiċi meħtieġa għal livell adegwat ta' protezzjoni lil persuni naturali, jew li xi korp responsabbli biex jiżgura l-konformità ma' l-istandards ta' protezzjoni applikabbli mid-DHS mhuwiex qiegħed effettivament jaqdi r-rwol tiegħu, id-DHS għandu jkun informat u l-Kunsill għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa bil-hsieb li jissospendi jew itemm il-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

22006A1027(01)

Nota lill-qarrej: "il-verżjonijiet lingwistiċi tal-Ftehim, minbarra l-verżjoni lingwistika Ingliża, għadhom ma ġewx approvati mill-Partijiet. Ladarba dawn il-verżjonijiet lingwistiċi oħrajn ikunu ġew approvati, huma jkunu ugwalment awtentiċi".

FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data tar-reġistru ta' l-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti

L-UNJONI EWROPEA

u

L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA,

WAQT LI JIXTIEQU jipprevjenu u jikkombattu t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali effikaċament bħala mezz biex jipproteġu s-soċjetajiet demokratiċi u l-valuri komuni rispettivi tagħhom,

WAQT LI JIRRIKONOXXU li, sabiex jissalvagwardjaw is-sigurtà pubblika u għal għanijiet ta' infurzar tal-liġi, għandhom jiġu stabbiliti regoli rigward it-trasferiment ta' *data* tal-PNR minn trasportaturi bl-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna (minn hawn 'il quddiem 'DHS'). Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, id-DHS ifisser l-Uffiċċju tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri, (*Bureau of Customs and Border Protection*), l-Immigrazzjoni lejn l-Istati Uniti u Infurzar Doganali (*United States Immigration and Customs Enforcement*) u l-Uffiċċju tas-Segretarju (*Office of the Secretary*) u l-entitajiet li jappoġġawh direttament, iżda ma jinkludix komponenti oħra tad-DHS bħasl ma huma is-Servizzi taċ-Ċittadinanza u l-Immigrazzjoni (*Citizenship and Immigration Services*), l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà tat-Trasport (*Transportation Security Administration*), is-Servizz Sigriet ta' l-Istati Uniti (*United States Secret Service*), il-Gwardja Kostali ta' l-Istati Uniti (*United States Coast Guard*), u l-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni ta' Emerġenzi (*Federal Emergency Management Agency*).

WAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati relatati, u reati serji oħra li n-natura tagħhom hi transnazzjonali, inkluża l-kriminalità organizzata, waqt li jiġu rispettati d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, b' mod partikolari il-privatezza,

WAQT LI JIKKUNSIDRAW l-istatuti u r-regolamenti ta' l-Istati Uniti li jeħtieġu li kull trasportatur bl-ajru li jopera titjiriet tal-passiġġieri minn u lejn l-Istati Uniti jipprovdi lid-DHS b'aċċess eletroniku għal *data* tal- PNR safejn dawn jinġabru u jinżammu fis-sistemi kompjuterizzati ta' prenotazzjoni/kontroll tat-tluq tat-trasportatur bl-ajru (minn hawn 'il quddiem "sistemi ta' prenotazzjoni"),

WAQT LI JIKKUNSIDRAW l-Artikolu 6 (2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, u partikolarment għad-dritt relatat mal-protezzjoni tad-*data* personali,

WAQT LI JIKKUNSIDRAW id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Att dwar is-Sigurtà tat-Transport fl-Avjazzjoni ta' l-2001(*Aviation Transportation Security Act of 2001*), l-Att tas-Sigurtà Interna ta' l-2002 (*Homeland Security Act of 2002*), l-Att dwar ir-Riforma ta' l-Intelligence u l-Prevenzjoni tat-Terroriżmu ta' l-2004 (*Intelligence Reform and Terrorism Prevention Act of 2004*) u l-Ordni Eżekuttiva 13388 rigward il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-gvern ta' l-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,

WAQT LI JIKKUNSIDRAW l-Impenji kif huma pubblikati fir-Reġistru Federali ta' l-Istati Uniti [1] u implimentati mid-DHS,

WAQT LI JINNUTAW li l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li trasportaturi bl-ajru b'sistemi ta' prenotazzjoni li jinsabu fl-Unjoni Ewropea għandhom jirranġaw għal trasmissjoni ta' *data* tal-PNR lid-DHS hekk kif dan ikun teknikament possibbli iżda li, sa meta jsir hekk, l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti għandhom ikunu permessi li jkollhom aċċess dirett għad-*data*, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim,

WAQT LI JAFFERMAW li dan il-Ftehim ma jikkostitwix preċedent għal kull diskussjoni jew negozjati futuri bejn l-Istati Uniti u l-Komunità Ewropea, jew bejn xi waħda mil-Partijiet u kull Stat dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' PNR jew ta' kull għamla oħra ta' *data*,

[1] Vol. 69, Nru 131, p. 41543.

WAQT LI JIKKUNSIDRAW l-impenn taż-żewġ naħat biex jaħdmu flimkien biex tinstab soluzzjoni xierqa u reċiprokament sodisfaċenti, mingħajr dewmien, dwar l-ipproċessar ta' *data* ta' l-Informazzjoni Avvanzata dwar il-Passiġġieri (API) mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti,

WAQT LI JINNOTAW li abbażi ta' dan il-Ftehim, l-UE tikkonferma li mhix ser tfixkel it-trasferiment ta' *data* tal-PNR bejn il-Kanada u l-Istati Uniti u li l-istess prinċipju ser jiġi applikat f' kull ftehim simili dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' *data* tal-PNR.

QABLU KIF ĠEJ:

(1) Abbażi ta' l-implimentazzjoni kontinwa mid-DHS ta' l-Impenji msemmija qabel kif huma interpretati fid-dawl ta' avveniment sussegwenti, l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li trasportaturi ta' l-ajru li joperaw titjiriet tal-passiġġieri fl-ivjaġġar bl-ajru internazzjonali minn u lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika jipproċessaw id-*data* tal-PNR li tinsab fis-sistemi ta' prenotazzjoni tagħhom kif meħtieġ mid-DHS.

(2) Għaldaqstant, id-DHS ikollu aċċess eletroniku għad-*data* tal-PNR mis-sistemi ta' prenotazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea sakemm ikun hemm sistema sodisfaċenti li tippermetti t-trasmissjoni ta' tali *data* mit-trasportaturi ta' l-ajru.

(3) Id-DHS għandu jipproċessa d-*data* tal-PNR li jirċievi u jittratta lis-suġġetti tad-*data* kkonċernati b' dak l-ipproċessar skond il-liġijiet applikabbli u r-rekwiżiti kostituzzjonali ta' l-Istati Uniti, mingħajr diskriminazzjoni illeċita, b'mod partikolari abbażi ta' ċittadinanza u tal-pajjiż ta' residenza.

(4) L-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandha tiġi riveduta konġuntament u regolarment.

(5) Fil-każ li tiġi implimentata fl-Unjoni Ewropea jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha sistema ta' informazzjoni ta' passiġġieri ta' l-ajru, li tirrikjedi li trasportaturi ta' l-ajru jipprovdu lill-awtoritajiet b'aċċess għal *data* tal-PNR għal persuni li l-itinerarju tal-vjaġġ tagħhom jinkludi titjira lejn jew mill-Unjoni Ewropea, id-DHS għandu, sa fejn hu prattikabbli u strettament fuq bażi ta' reċiproċità, jippromwovi attivament il-kooperazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru fil-ġurisdizzjoni tiegħu.

(6) Għall-għan ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, id-DHS hu meqjus li jiżgura livell xieraq ta' protezzjoni għad-*data* tal-PNR trasferita mill-Unjoni Ewropea rigward titjiriet ta' passiġġieri fl-ispazju ta' l-ajru internazzjonali minn u lejn l-Istati Uniti.

(7) Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data meta l-Partijiet skambjaw notifiki li jindikaw li huma kkonkludew il-proċeduri interni tagħhom għal dan il-għan. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-firma. Kull Parti tista' ttemm jew tissospendi dan il-Ftehim f' kull żmien b'notifika preżentata permezz tal-kanali diplomatiċi. It-terminazzjoni għandu jkollha effett tletin (30) ġurnata mid-data tan-notifika ta' terminazzjoni lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim għandu jiskadi fid-data ta' l-applikazzjoni ta' kull ftehim li jissostitwixxih u f'kull każ, mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2007, sakemm ma jiġix estiż b'ftehim bil-miktub reċiproku.

Dan il-Ftehim mhux maħsub biex jidderoga minn jew jemenda leġislazzjoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika jew ta' l-Unjoni Ewropea jew ta' l-Istati Membri tagħha. Dan il-Ftehim ma joħloq jew jikkonferixxi l-ebda dritt jew benefiċċju lil xi persuna jew entità, privata jew pubblika, oħra.

Dan if-Ftehim għandu jiġi mfassal b'żewġ kopji fil-lingwa Ingliża. Għandu jiġi mfassal ukoll biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bit-Taljan u bil-Ungeriż, u l-Partijiet għandhom japprovaw dawn il-verżjonijiet lingwistiċi. La darba approvati, il-verżjonijiet f'dawn il-lingwi għandhom ikunu ugwalment awtentiċi.

Magħmul fil-Lussemburgu, 16 ta' Ottubru 2006 u f'Washington D.C. 19 ta' Ottubru 2006.

Għall-Unjoni Ewropea

E. TUOMIOJA
Ministru għall-Affarjiet Barranin
President tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Għall-Istati Uniti ta' l-Amerika

Is-Segretarju Michael CHERTOFF
Dipartiment tas-Sigurtà Interna

32006R1616

31.10.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 300/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1616/2006

tat-23 ta' Ottubru 2006

dwar ċerti proċeduri sabiex jiġi applikat il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, u sabiex jiġi applikat il-Ftehim Interim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Albanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra (aktar 'il quddiem imsejjaħ "SAA") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fis-12 ta' Ġunju 2006. L-SAA għaddej mill-proċess ta' ratifika.

(2) Fis-12 ta'Ġunju 2006 il-Kunsill ikkonkluda Ftehim Interim dwar kummerċ u affarijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra [1], (aktar 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim Interim") li jipprovdi għad-dħul fis-seħħ kmieni tad-dispożizzjonijiet kummerċjali u relatati mal-kummerċ ta' l-SAA. Dan il-Ftehim Interim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data ta' depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni.

(3) Hu meħtieġ li jiġu stipulati l-proċeduri sabiex jiġu applikati ċerti dispożizzjonijiet kemm ta' l-SAA u tal-Ftehim Interim. Ladarba d-dispożizzjonijiet kummerċjali u dawk relatati mal-kummerċ huma fil-biċċa l-kbira tagħhom identiċi, dan ir-regolament għandu japplika wkoll għall-implimentazzjoni ta' l-SAA wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

(4) L-SAA u l-Ftehim Interim jistipulaw li prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Albanija jistgħu jiġu impurtati fil-Komunità b'dazju doganali mnaqqas, sal-limiti tal-kwoti tat-tariffi. Għalhekk hu meħtieġ li jiġu stipulati disposizzjonijiet li jirregolaw il-ġestjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji.

(5) Fejn isiru meħtieġa miżuri ta' ħarsien tan-negozju dawn għandhom jiġu adottati skond id-dispożizzjonijiet ġenerali stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet [2], Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2603/69 tal-20 ta' Diċembru 1969 li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjonijiet [3], Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [4] jew, skond il-każ ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-ħarsien minn importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea [5].

(6) Fejn Stat Membru jipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' frodi jew nuqqas ta' kooperazzjoni amministrattiva, il-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti għandha tapplika, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar assistenza reċiproka bejn awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u kooperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar id-dwana u l-kwistjonijiet agrikoli [6].

[1] ĠU L 239, 1.9.2006, p. 2.

[2] ĠU L 349, 31.12.1994, p. 53. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2200/2004 (ĠU L 374, 22.12.2004, p. 1).

[3] ĠU L 324, 27.12.1969, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3918/91 (ĠU L 372, 31.12.1991, p. 31).

[4] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[5] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[6] ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

(7) Għall-fini ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni għandha tiġi meħtieġa mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1].

(8) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri implementattivi konferiti fuq il-Kummissjoni [2].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi ċerti proċeduri għall-adozzjoni ta' regoli ddetaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti diposizzjonijiet tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom u r-Repubblika' ta' l-Albanija (aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"SAA"), u tal-Ftehim Interim dwar il-kummerċ u kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra (aktar 'il quddiem imsejjaħ il-'Ftehim Interim').

Artikolu 2

Konċessjonijiet għall-ħut u prodotti tas-sajd

Regoli ddetaljati għall-implimentazzjoni ta' Artikolu 15(1) tal-Ftehim Interim, suċċessivament l-Artikolu 28(1) ta' l-SAA, dwar kwoti tat-tariffi fuq ħut u prodotti tas-sajd, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Tnaqqis tat-Tariffi

1. Suġġetti għal paragrafu 2, ir-rati tad-dazju preferenzjali għandhom jitnaqqsu sa l-ewwel punt deċimali.

2. Fejn ir-riżultat tal-kalkolu tar-rata tad-dazju preferenzjali fl-applikazzjoni ta' paragrafu 1 huwa wieħed milli ġejjin, ir-rata preferenzjali għandha tiġi kkunsidrata bħala eżenzjoni shiħa:

(a) 1 % jew anqas fil-każ ta' dazji skond il-valur, jew

(b) EUR 1 jew anqas għal kull ammont individwali fil-każ ta' dazji speċifiċi.

Artikolu 4

Addattazzjonijiet tekniċi

Emendi u addattazzjonijiet tekniċi għad-dispożizzjonijet adottati skond dan ir-Regolament li jsiru meħtieġa b'tibdil fil-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u fid-suddiviżjonijiet TARIC jew li joħorġu mill-konklużjoni ta' ftehim, protokolli, skambji ta' ittri jew atti oħrajn ġodda jew modifikati bejn il-Komunità u r-Repubblika ta' l-Albanija, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(2) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Klawsola ta' salvagwardja ġenerali

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Komunità teħtieġ tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 38 ta' l-SAA, għandha tiġi adottata skond il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 3285/94, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 38 ta' l-SAA.

Artikolu 6

Klawsola ta' nuqqas

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Komunità teħtieġ tieħu miżura kif previst fl-Artikolu 26 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 39 ta' l-SAA, din għandha tiġi adottata skond il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2603/69.

Artikolu 7

Ċirkostanzi eċċezzjonali u kritiċi

Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jew kritiċi jinqalgħu fit-tifsira ta' l-Artikolu 26(4) tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 39(4) ta' l-SAA, il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri immedjati kif previst fl-Artikolu 26 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu u 39 ta' l-SAA.

Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu d-deċiżjoni f'dan ir-rigward fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill bid-deċiżjoni tagħha.

Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 t'ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi notifika tad-deċiżjoni.

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Il-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahrejn.

Artikolu 8

Klawżola ta' salvagwardja għal prodotti agrikoli u tas-sajd

1. Minkejja l-proċeduri msemmija fl-Artikoli 5 u 6 ta' dan ir-Regolament, fejn il-Komunità teħtieġ tieħu miżura ta' salvagwardja kif provdut fl-Artikolu 38 ta' l-SAA dwar prodotti agrikoli u tas-sajd, il-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, tiddeċiedi dwar il-miżuri meħtieġa wara li, fejn applikabbli, tkun għamlet rikors għall-proċedura ta' riferiment prevista fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Interim u suċċessivament l-Artikolu 38 ta' l-SAA.

Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, hija għandha tieħu deċiżjoni dwarha:

(a) fi żmien tliet ijiem ta' ħidma wara li tirċievi t-talba fejn il-proċedura ta' riferiment prevista fl-Artikolu 25 tal-Ftehim Interim u suċċessivament l-Artikolu 38 ta' l-SAA ma tapplikax; jew

(b) fi żmien tliet ijiem mit-tmiem tal-perijodu ta' tletin jum imsemmi fl-Artikolu 25(5)(a) tal-Ftehimn Interim u suċċessivament l-Artikolu 38(5)(a) ta' l-SAA fejn tapplika l-proċedura ta' riferiment prevista fl-Artikoli 25 tal-Ftehim Interim u suċċessivament l-Artikolu 38 ta' l-SAA.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati Membri bil-miżuri li hi tkun iddeċidiet.

2. Miżuri li dwarhom tkun iddeċidiet il-Kummissjoni skond il-paragrafu 1 jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kwalunkwe Stat Membru fi żmien tliet ijiem ta' ħidma mid-data li fihom ikunu ġew notifikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Huwa jista', filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jemenda jew iħassar il-miżuri in kwistjoni fi żmien xahar wara d-data li fiha jkun ġew riferuti lill-Kunsill.

Artikolu 9

Dumping u Sussidji

Fil-każ ta' prattika li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 24(2) tal-Ftehim Interim mill-Komunità, u suċċessivament l-Artikolu 37(2) ta' l-SAA, l-introduzzjoni ta' miżuri kontra d-dumping u/jew miżuri li jikkumpensaw għandhom jiġu deċiżi skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 384/96 jew ir-Regolament (KE) Nru 2026/97 rispettivament.

Artikolu 10

Kompetizzjoni

1. Fil-każ ta' xi prattika li tista' tiġġustifika l-applikazzjoni mill-Komunità tal-miżuri previsti fl-Artikolu 37 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 71 ta' l-SAA, il-Kummissjoni, wara li teżamina l-każ, fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq talba ta' xi Stat Membru, għandha tiddeċiedi jekk din il-prattika hix kompatibbli mal-Ftehim.

Il-miżuri previsti fl-Artikoli 37(9) tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 71(9) ta' l-SAA, ser jiġu adottati fil-każi ta' għajnuna skond il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2026/97 u f'każi oħrajn skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 133 tat-Trattat.

2. Fil-każ ta' prattika li twassal għall-applikazzjoni ta' miżuri fuq il-Komunità mir-Repubblika ta' l-Albanija, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 37 tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 71 ta' l-SAA, il-Kummissjoni, wara li teżamina l-każ, tiddeċiedi jekk il-prattika hix kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interim, u suċċessivament l-SAA. Fejn ikun meħtieġ, tieħu d-deċizjonijiet xierqa fuq il-bażi ta' kriterji li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81, 82 u 87 tat-Trattat.

Artikolu 11

Frodi jew nuqqas li tkun provduta kooperazzjoni amministrattiva

Fil-każ fejn il-Kummissjoni, abbażi ta' informazzjoni provduta minn xi Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha, issib li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30 tal-Ftehim Interim u suċċessivament fl-Artikolu 43 ta' l-SAA huma sodisfatti, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien indebitu:

(a) tinforma lill-Kunsill;

(b) tinnotifika lill-Kumitat Konġunt, u suċċessivament il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bis-sejba tagħha flimkien ma' informazzjoni oġġettiva, u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni;

Kwalunkwe pubblikazzjoni taħt l-Artikolu 30 (5) tal-Ftehim Interim, u suċċessivament fl-Artikolu 43(5) ta' l-SAA, għandha ssir mill-Kummissjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skond il-proċedura konsultattiva stabbilita fl-Artikolu 12(3) ta' dan ir-Regolament, li tissospendi temporanjament it-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodotti kif previst fl-Artikolu 30(4) tal-Ftehim Interim, u suċċessivament l-Artikolu 43(4) ta' l-SAA.

Artikolu 12

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali stabbilit permezz bl-Artikolu 248a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tlett xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 13

In-Notifika

In-notifika lill-Kumitat Konġunt, u suċċessivament il-Kunsill ta' l-Istabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni u l-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni, rispettivament, kif meħtieġ fil-Ftehim Interim ta' l-SAA għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità.

Artikolu 14

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 23 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

32006R1617

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1617/2006

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1207/2001 fir-rigward tal-konsegwenzi ta' l-introduzzjoni tas-sistema ta' akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2001 [1] dwar proċeduri biex jiffaċilitaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, il-ħruġ ta' dikjarazzjonijiet u forom tal-fattura EUR.2 u l-ħruġ ta' ċerti awtorizzazzjonijiet approvati ta' l-esportatur taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi, jistipula r-regoli maħsuba sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ jew tħejjija korretti ta' provi ta' oriġini f'relazzjoni ma' l-esportazzjonijiet ta' prodotti mill-Komunità fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' ċerti pajjiżi terzi.

(2) Sistema pan-Ewropea ta' akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini ġiet stabbilita fl-1997 bejn il-Komunità, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera (inkluża l-Liechtenstein) u fl-1999 ġiet estiża għat-Turkija. Fl-1 ta' Mejju 2004, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea.

(3) Fil-Laqgħa Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ f'Toledo f'Marzu 2002, il-Ministri qablu dwar l-estensjoni ta' din is-sistema għall-pajjiżi Mediterranji, barra t-Turkija, li jieħdu sehem fis-sħubija Mediterranja, ibbażata fuq id-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja li saret fis-27 u t-28 ta' Novembru 1995. Fil-Laqgħa Ministerjali Ewro-Mediterranja dwar il-Kummerċ, tas-7 ta' Lulju 2003 f'Palermo, il-Ministri, bil-ħsieb li tali estensjoni tiġi permessa, approvaw mudell ġdid pan-Ewro-Mediterranju ta' Protokoll għall-Ftehimiet Ewro-Mediterranji, li jirrigwarda d-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti ta' oriġini" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva. Bħala segwitu għar-riżultati tal-Kumitat Konġunt KE — Gżejjer Faroe/Danimarka tat-28 ta' Novembru 2003, sar qbil li l-Gżejjer Faroe jiġu wkoll inklużi fis-sistema ta' akkumulazzjoni djagonali ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.

(4) Diġà ġew jew sejrin jiġu adottati Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew tal-Kumitat Konġunt rispettiv, li jintroduċu l-Protokoll ġdid pan-Ewro-Mediterranju fil-Ftehimiet Ewro-Mediterranji u fil-Ftehim bejn il-KE u l-Gżejjer Faroe/Danimarka.

(5) L-applikazzjoni ta' dik is-sistema l-ġdida ta' akkumulazzjoni djagonali timplika l-użu ta' tipi ġodda ta' prova ta' oriġini preferenzjali, li jikkonsisti f'ċertifikati EUR-MED ta' moviment u dikjarazzjonijiet EUR-MED tal-fatturi. Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 għandu għalhekk ikopri wkoll dawk it-tipi ta' provi ta' oriġini preferenzjali.

(6) Sabiex tkun tista' ssir determinazzjoni korretta ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodotti u sabiex tkun sostnuta kif jixraq id-determinazzjoni tal-provi ta' oriġini f'dak il-kuntest ġdid, id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi għall-prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali għandha tinkludi dikjarazzjoni addizzjonali li turi jekk tkunx ġiet applikata l-akkumulazzjoni djagonali u ma' liema pajjiżi.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1207/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2001 tal-11 ta' Ġunju 2001 dwar proċeduri sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ jew it-tħejjija fil-Komunità ta' provi ta' oriġini u l-ħruġ ta' ċerti awtorizzazzjonjiet approvati ta' esportaturi taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjizi"

[1] ĠU L 165, 21.6.2001, p. 1.

2) Fl-Artikolu 1, il-punt (a) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-ħruġ jew it-tħejjija fil-Komunità tal-provi ta' oriġini taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi;".

3) L-Artikolu 2(2) għandu jinbidel b' dan li ġej:

"2. Id-dikjarazzjonijiet ta' min jipprovdi għandhom jintużaw mill-esportaturi bħala evidenza, partikolarment sabiex isostnu l-applikazzjoijiet għall-ħruġ jew għat-tħejjija fil-Komunità tal-provi ta' oriġini taħt id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi;".

4) L-Artikolu 10(5) għandu jinbidel b' dan li ġej:

"5. Meta ma jkun hemm l-ebda risposta fi żmien ħames xhur mid-data tat-talba għal verifika jew meta r-risposta ma jkunx fiha informazzjoni biżżejjed sabiex turi l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni għandhom jiddikjaraw bħala invalida l-prova ta' oriġini stabbilita abbażi tad-dokumenti kkonċernati.".

5) L-Anness I għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness I ma' dan ir-Regolament.

6) L-Anness II għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNESS I

"ANNESS I

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi dwar prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi, li t-test tagħha jingħata hawn taħt, għandha titħejja skond in-noti f'qiegħ il-pagna. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li n-noti f'qiegħ il-paġna jerġgħu jinkitbu.

DIKJARAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li l-oġġetti elenkati f'dan id-dokument .....…..….. (1) joriġinaw fi ……..…..….. (2) u jissodisfaw ir-regoli ta' oriġini li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali ma' …..…..…..….. (3).

Niddikjara li (4):

☐ Akkumulazzjoni applikata ma' ..... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

☐ Ebda akkumulazzjoni applikata

Nimpenja ruħi li nqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana kwalunkwe dokument ulterjuri ta' sostenn li jeħtieġu:

..... (5)

..... (6)

..... (7)

(1) Jekk biss xi wħud mill-oġġetti elenkati jkunu kkonċernati, għandhom jiġu indikati jew immarkati b'mod ċar u dan l-immarkar għandu jitniżżel fid-dikjarazzjoni hekk:
'..... elenkat fuq din il-fattura u mmarkat ...joriġina fi....'.

(2) Il-Komunità, il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorju, li minnhom joriġinaw l-oġġetti.

(3) Il-pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju kkonċernat.

(4) Għandha timtela', fejn ikun meħtieġ, biss għal oġġetti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tal-Protokol relevanti dwar l-oriġini, li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.

(5) Il-post u d-data.

(6) L-isem u l-kariga fil-kumpannija.

(7) Firma."

ANNESS II

"ANNESS II

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi għal medda twila ta' żmien dwar prodotti li jkollhom status ta' oriġini preferenzjali

Id-dikjarazzjoni ta' min jipprovdi, li t-test tagħha jingħata hawn taħt, għandha titħejja skond in-noti f'qiegħ il-pagna. Madankollu, mhuwiex meħtieġ li n-noti f'qiegħ il-paġna jerġgħu jinkitbu.

DIKJARAZZJONI

Jiena, hawn taħt iffirmat/a, niddikjara li l-oġġetti deskritti hawn taħt:

..... (1)

..... (2)

li huma pprovduti fuq bażi regolari lil .....…….....….. (3) joriġinaw fi ….....…..…..…. (4) u jissodisfaw ir-regoli ta' oriġini li jirregolaw il-kummerċ preferenzjali ma' ….…..……..…..…..…. (5).

Niddikjara li (6):

☐ Akkumulazzjoni applikata ma' ..... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

☐ Ebda akkumulazzjoni applikata

Din id-dikjarazzjoni hija valida għall-vjeġġi kollha ulterjuri ta' dawn il-prodotti li jintbagħtu minn:
…..…..…..…. sa …..…..…. (7).

Nimpenja ruħi li ninforma .....…..…..…. minnufih jekk din id-dikjarazzjoni ma tibqax valida.

Nimpenja ruħi li nqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana kwalunkwe dokument ulterjuri ta' sostenn li jeħtieġu.

..... (8)

..... (9)

..... (10)

(1) Deskrizzjoni.
(2) L-isem kummerċjali hekk kif użat fuq il-fatturi, eż. Nru tal-mudell.
(3) L-isem tal-kumpannija li lilha huma pprovduti l-oġġetti.
(4) Il-Komunità, il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorju, li minnhom joriġinaw l-oġġetti.
(5) Il-pajjiż, grupp ta' pajjiżi jew territorju kkonċernat.
(6) Għandha timtela', fejn ikun meħtieġ, biss għal oġġetti li għandhom status ta' oriġini preferenzjali fil-kuntest ta' relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali ma' wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tal- Protokol relevanti dwar l-oriġini, li magħhom tapplika l-akkumulazzjoni ta' oriġini pan-Ewro-Mediterranja.
(7) Agħti d-dati. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż it-12-il xahar.
(8) Il-post u d-data
(9) L-isem u l-kariga, l-isem u l-indirizz tal-kumpannija.
(10) Firma."

32006D0734

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Ġunju 2005

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/734/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80, paragrafu 2, flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għal dik id-deċiżjoni.

(3) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data iktar tard, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità, soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħżel il-persuna(i) bis-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f' isem il-Komunità soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 27 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LUX

22006A1031(01)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA (min hawn 'il quddiem imsejħa "'il-Komunità'")

min-naħa l-waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILI

min-naħa l-oħra

(min hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet"),

INNOTAW li ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru ġew konklużi bejn għaxar Stati Membri u r-Repubblika taċ-Ċili li fihom disposizzjonijiet kuntrarji għal-liġi Komunitarja,

INNOTAW li l-Komunità għandha kompetenza esklużiva rigward diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri u pajjiżi terzi,

INNOTAW li taħt il-liġi Komunitarja l-kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess bla diskriminazzjoni għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehim bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi terzi li jipprevedu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' tali pajjiżi terzi li jiksbu drittijiet ta' proprjetà f'kumpanniji ta' l-ajru liċenzjati mill-Istati Membri,

WARA LI GĦARFU li d-disposizzjonijiet tal-ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri u r-Repubblika taċ-Ċili, li huma kuntrarji għal-liġi Komunitarja, jeħtieġ li jsiru għal kollox konformi magħha sabiex tiġi stabbilita bażi legali soda għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċili u biex tibqa' tinżamm il-kontinwità ta' tali servizzi ta' l-ajru,

INNOTAW li mhux l-għan tal-Komunità, bħala parti minn dawn in-negozjati, li żżid il-volum totali ta' traffiku bl-ajru bejn il-Komunità u r-Repubblika taċ-Ċili, li taffettwa l-bilanċ bejn il-kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji u l-kumpanniji ta' l-ajru tar-Repubblika taċ-Ċili, jew li tinnegozja emendi għad-disposizzjonijiet ta' ftehim bilaterali eżistenti dwar servizzi ta' l-ajru li jikkonċernaw drittijiet ta' traffiku,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" għandha tfisser Stati Membri tal-Komunità. "Stati Membri tas-CLAC" għandha tfisser Stati Membri tal-Kummissjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Latino-Amerikana.

2. Referenzi f'kull wieħed mill-ftehim elenkati fl-Anness I għal ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti minn dak il-ftehim għandhom jinftiehmu li jirreferu għal ċittadini ta' l-Istati Membri.

3. Referenzi f'kull wieħed mill-ftehim elenkati fl-Anness I għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti minn dak il-ftehim għandhom jinftiehmu li jirreferu għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru magħżula minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Għażla, Awtorizzazzjoni u Revoka

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 għandhom jieħdu post id-disposizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(1) u (2) rispettivament, rigward l-għażla ta' kumpannija ta' l-ajru mill-Istat Membru konċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilha mir-Repubblika taċ-Ċili, u ċ-ċaħda, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tal-kumpannija ta' l-ajru, rispettivament. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafi 4 u 5 għandhom jieħdu post id-disposizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(1) u (2) rispettivament, rigward l-għażla ta' kumpannija ta' l-ajru mir-Repubblika taċ-Ċili, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilha mill-Istat Membru, u ċ-ċaħda, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tal-kumpannija ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi għażla minn Stat Membru, ir-Repubblika taċ-Ċili għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi dovuti bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(a) il-kumpannija ta' l-ajru hija stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li għażilha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandha Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi Komunitarja;

(b) il-kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru huwa eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha u l-awtorità aeronawtika rilevanti hija identifikata b'mod ċar fl-għażla; u

(ċ) il-kumpannija ta' l-ajru hija l-proprjetà u ser tibqa' l-proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, ta' Stati Membri u/jew ċittadini ta' Stati Membri, jew ta' Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew ċittadini ta' tali Stati oħra, u għandha f'kull ħin tkun effettivament ikkontrollata minn tali Stati u/jew tali ċittadini.

3. Ir-Repubblika taċ-Ċili tista' tiċħad, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpannija ta' l-ajru magħżula minn Stat Membru fejn:

(a) il-kumpannija ta' l-ajru mhix stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li għażilha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew m' għandhiex Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi Komunitarja; jew

(b) il-kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru m'hux eżerċitat jew m'hux miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha, jew l-awtorità aeronawtika rilevanti m'hix identifikata b'mod ċar fl-għażla; jew

(ċ) il-kumpannija ta' l-ajru m'hix il-proprjetà ta', u effettivament ikkontrollata direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju minn, Stati Membru u/jew ċittadini ta' Stati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew ċittadini ta' tali Stati oħra; jew

(d) ir-Repubblika taċ-Ċili tipprova li, bl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' traffiku taħt dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt fi Stat Membru ieħor, il-kumpannija ta' l-ajru tkun qed tevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' traffiku imposti minn ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u dak l-Istat Membru l-ieħor; jew

(e) il-kumpannija ta' l-ajru għandha Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru maħruġ minn Stat Membru u m'hemm ebda ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u dak l-Istat Membru, u d-drittijiet ta' traffiku lejn dak l-Istat Membru ġew miċħuda lill-kumpannija ta' l-ajru magħżula mir-Repubblika taċ-Ċili.

Meta teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, ir-Repubblika taċ-Ċili m' għandhiex tiddiskrimina bejn kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji fuq bażi ta' nazzjonalità.

4. Malli jirċievi għażla mir-Repubblika taċ-Ċili, Stat Membru għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi dovuti bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(a) il-kumpannija ta' l-ajru hija stabbilita fir-Repubblika taċ-Ċili; u

(b) ir-Repubblika taċ-Ċili għandha u żżomm kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru u hija responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha; u

(ċ) il-kumpannija ta' l-ajru hija l-proprjetà ta', u effettivament ikkontrollata direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju minn, Stati Membri tas-CLAC u/jew ċittadini ta' Stati Membri tas-CLAC, sakemm ma ġewx miftiehma disposizzjonijiet aktar favorevoli fil-ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn dak l-Istat Membru u r-Repubblika taċ-Ċili.

5. Stat Membru jista' jiċħad, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjoni jew il-permessi ta' kumpannija ta' l-ajru magħżula mir-Repubblika taċ-Ċili fejn:

(a) il-kumpannija ta' l-ajru m'hix stabbilita fir-Repubblika taċ-Ċili; jew

(b) il-kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru m'hux eżerċitat jew m'hux miżmum mir-Repubblika taċ-Ċili jew ir-Repubblika taċ-Ċili m'hix responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha; jew

(ċ) il-kumpannija ta' l-ajru m'hix il-proprjetà ta', u effettivament ikkontrollata direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju minn, Stati Membri tas-CLAC u/jew ċittadini ta' Stati Membri tas-CLAC, sakemm ma ġewx miftiehma disposizzjonijiet aktar favorevoli fil-ftehim bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn dak l-Istat Membru u r-Repubblika taċ-Ċili; jew

(d) l-Istat Membru jipprova li, bl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' traffiku taħt dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt fi Stat Membru tas-CLAC ieħor, il-kumpannija ta' l-ajru tkun qed tevita restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' traffiku imposti minn ftehim bilaterali bejn l-Istat Membru u dak l-Istat Membru tas-CLAC l-ieħor.

Artikolu 3

Drittijiet dwar il-kontroll regolatorju

1. Paragrafu 2 għandu jikkomplimenta l-artikoli elenkati fl-Anness II(3).

2. Fejn Stat Membru jkun għażel kumpannija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tagħha huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Repubblika taċ-Ċili taħt id-disposizzjonijiet ta' sigurtà tal-ftehim bejn l-Istat Membru li jkun għażel il-kumpannija ta' l-ajru u r-Repubblika taċ-Ċili għandhom japplikaw l-istess rigward l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' standards ta' sigurtà minn dak l-Istat Membru l-ieħor u rigward l-awtorizzazzjoni ta' l-operat ta' dik il-kumpannija ta' l-ajru.

Artikolu 4

Tassazzjoni tal-karburant ta' l-avjazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet fil-paragrafu 2 għandhom jikkomplimentaw id-disposizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(4).

2. Minkejja kull disposizzjoni kuntrarja oħra, xejn minn kull wieħed mill-ftehim elenkati fl-Anness II(4) m' għandu jwaqqaf lill-Istati Membri milli jimponu fuq bażi non-diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, tariffi jew ħlasijiet fuq karburant ipprovdut fit-territorju tiegħu għall-użu minn ajruplan ta' kumpannija ta' l-ajru magħżula tar-Repubblika taċ-Ċili li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

3. Minkejja kull disposizzjoni kuntrarja oħra, xejn minn kull wieħed mill-ftehim elenkati fl-Anness II(4) m'għandu jwaqqaf lir-Repubblika taċ-Ċili milli timponi fuq bażi non-diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, tariffi jew ħlasijiet fuq karburant ipprovdut fit-territorju tagħha għall-użu minn ajruplan ta' kumpannija ta' l-ajru magħżula ta' Stat Membru li jopera bejn punt fit-territorju tar-Repubblika taċ-Ċili u punt ieħor fit-territorju tar-Repubblika taċ-Ċili jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tas-CLAC.

Artikolu 5

Tariffi għat-trasport

1. Paragrafu 2 għandu jikkomplimenta l-artikoli elenkati fl-Anness II(5).

2. It-tariffi li jintalbu mill-kumpannija/i ta' l-ajru magħżul(a) mir-Repubblika taċ-Ċili taħt ftehim elenkat fl-Anness I li fih disposizzjoni elenkata fl-Anness II(5) għat-trasport totalment ġewwa l-Komunità għandhom ikunu soġġetti għal-liġi Komunitarja. Il-liġi Komunitarja hija applikata fuq bażi non-diskriminatorja.

3. It-tariffi li jintalbu mill-kumpannija/i ta' l-ajru magħżul(a) minn Stat Membru taħt ftehim elenkat fl-Anness I li fih disposizzjoni elenkata fl-Anness II(5) għat-trasport bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u Stat Membru ieħor tas-CLAC għandhom ikunu soġġetti għal-liġi Ċilena dwar il-*leadership* tal-prezzijiet u applikati fuq bażi non-diskriminatorja.

Artikolu 6

Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7

Reviżjoni jew emenda

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim bi qbil komuni.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ikunu ġew konklużi.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop.

3. Ftehim u arranġamenti oħra bejn Stati Membri u r-Repubblika taċ-Ċili li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u m'humiex jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness I(2). Dan il-Ftehim għandhu japplika għal tali Ftehim u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

Artikolu 9

Tmiem

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness I jiġi mitmum, id-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li jirrelataw mal-ftehim elenkat fl-Anness I ikkonċernat għandhom jintemmu fl-istess waqt.

2. Fil-każ li l-ftehim kollha elenkati fl-Anness I jiġu mitmuma, dan il-Ftehim għandu jintemm fl-istess waqt.

B'xieHda ta' dan, dawn hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fil-Lussuburgu f'duplikat, f'dan is-sitt jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u ħamsa, bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana u Ungeriża.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen

Por la República de Chile
Za Chilskou republiku
For Republikken Chile
Für die Republik Chile
Tšiili Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Χιλής
For the Republic of Chile
Pour la République du Chili
Per la Repubblica del Cile
Čīles Republikas vārdā
Čilės Respublikos vardu
A Chilei Köztársaság részéről
Għar-Repubblika taċ-Ċili
Voor de Republiek Chili
W imieniu Republiki Chile
Pela República do Chile
Za Čilskú republiku
Za Republiko Čile
Chilen tasavallan puolesta
För Republiken Chile

ANNESS I

Lista ta' ftehim imsemmija fl-Artikolu 1

1. Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u Stati Membri li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod provviżorju

   — Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili u l-Gvern tar-Renju tal-Belġju, iffirmat fi Brussel fit-13 ta' Settembru 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Belġju",

   — Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili, iffirmat f'Kopenħagen fis-27 ta' Ġunju 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Danimarka",

   — Ftehim bejn il-Gvernijiet tar-Repubblika taċ-Ċili u r-Repubblika ta' Franza dwar servizzi ta' l-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Pariġi fis-6 ta' Diċembru 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Franza",

   — Ftehim dwar Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika taċ-Ċili, iffirmat f'Santiago de Chile fit-30 ta' Marzu 1964, kif emendat, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Ġermanja",

   — Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili u l-Gvern tar-Repubblika Taljana, iffirmat f'Ruma fis-27 ta' Frar 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Italja",

   — Ftehim bejn il-Gvern tal-Gran-Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili dwar servizzi ta' l-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Frar 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Lussemburgu",

   — Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika taċ-Ċili, iffirmat f'Santiago de Chile fit-13 ta' Lulju 1962, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Olanda",

   — Abbozz ta' Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u r-Renju ta' l-Olanda għal servizzi ta' l-ajru bejn it-territorji rispettivi tagħhom, inizjalat u mehmuż bħala l-Anness B għall-Minuti Miftiehma tal-Laqgħa ta' Konsultazzjoni Aeronawtika bejn l-Olanda u ċ-Ċili ffirmat f'Santiago de Chile fit-12 ta' April 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz ta' Ftehim Ċili-Olanda",

   — Ftehim bejn il-Gvern taċ-Ċili u l-Gvern ta' Spanja dwar servizzi ta' trasport kummerċjali bl-ajru, iffirmat f'Santiago de Chile fis-17 ta' Diċembru 1974, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Spanja",

   — Ftehim dwar Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili u l-Gvern tar-Renju ta' l-Isvezja, iffirmat f'Kopenħagen fis-27 ta' Ġunju 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Svezja",

   — Ftehim bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar servizzi ta' l-ajru, iffirmat f'Santiago de Chile fis-16 ta' Settembru 1947, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim Ċili-Renju Unit",

   — Abbozz ta' Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Repubblika taċ-Ċili dwar servizzi ta' l-ajru, inizjalat u mehmuż bħala l-Anness B għall-Memorandum ta' Ftehim bejn l-awtoritajiet aeronawtiċi tar-Renju Unit u ċ-Ċili ffirmat f'Santiago de Chile fil-31 ta' Mejju 2000, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit".

2. Ftehim dwar servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika taċ-Ċili u Stati Membri li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod provviżorju.

ANNESS II

Lista ta' artikoli fil-ftehim elenkati fl-Anness I u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

1. Għażla minn Stat Membru:

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Belġju,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Danimarka,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Franza,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Ġermanja,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Italja,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Lussemburgu,

— Artikolu 3 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Olanda,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Spanja,

— Artikolu 3 tal-Ftehim Ċili-Svezja,

— Artikolu 4 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit.

2. Ċaħda, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' Awtorizzazzjonijiet jew Permessi:

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Belġju,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Danimarka,

— Artikolu 5 tal-Ftehim Ċili-Franza,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Ġermanja,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Italja,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Lussemburgu,

— Artikolu V tal-Ftehim Ċili-Olanda,

— Artikolu 4 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Olanda,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Spanja,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Svezja,

— Artikolu 4 tal-Ftehim Ċili-Renju Unit,

— Artikolu 5 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit.

3. Kontroll regolatorju:

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Belġju,

— Artikolu 14 tal-Ftehim Ċili-Danimarka,

— Anness 3 għall-Protokoll bejn l-awtoritajiet aeronawtiċi tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika taċ-Ċili, iffirmat f'Berlin fit-2 ta' April 1998 — kif applikat b'mod provviżorju fil-qafas tal-Ftehim Ġermanja-Ċili,

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Italja,

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Lussemburgu,

— Artikolu 6 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Olanda,

— Artikolu 14 tal-Ftehim Ċili-Svezja,

— Artikolu 14 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit.

4. Tassazzjoni tal-Karburant ta' l-Avjazzjoni:

— Artikolu 9 tal-Ftehim Ċili-Belġju,

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Danimarka,

— Artikolu 10 tal-Ftehim Ċili-Franza,

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Ġermanja,

— Artikolu 9 tal-Ftehim Ċili-Italja,

— Artikolu 15 tal-Ftehim Ċili-Lussemburgu,

— Artikolu III tal-Ftehim Ċili-Olanda,

— Artikolu 15 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Olanda,

— Artikolu 5 tal-Ftehim Ċili-Spanja,

— Artikolu 6 tal-Ftehim Ċili-Svezja,

— Artikolu 8 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit.

5. Tariffi għat-trasport ġewwa l-Komunità Ewropea:

— Artikolu 12 tal-Ftehim Ċili-Belġju,

— Artikolu 10 tal-Ftehim Ċili-Danimarka,

— Artikolu 9 tal-Ftehim Ċili-Franza,

— Artikolu 8 tal-Ftehim Ċili-Ġermanja,

— Artikolu 12 tal-Ftehim Ċili-Italja,

— Artikolu 14 tal-Ftehim Ċili-Lussemburgu,

— Artikolu 14 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Olanda,

— Artikolu 8 tal-Ftehim Ċili-Spanja,

— Artikolu 10 tal-Ftehim Ċili-Svezja,

— Artikolu 9 tal-Ftehim Ċili-Renju Unit,

— Artikolu 7 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Ċili-Renju Unit.

ANNESS III

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2

1. Ir-Repubblika ta' l-Islanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

2. Il-Prinċipalità ta' Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

3. Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

4. Il-Konfederazzjoni Svizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).

32006D0735

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Ġunju 2005

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/735/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80, paragrafu 2, flimkien ma' l-Artikolu 300 (2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tiegħu u l-Artikolu 300 (3), l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003 il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim mar-Repubblika taċ-Ċilì dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għal dik id-deċiżjoni.

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità soġġett għall-possibbiltà li jiġi konkluż f'data aktar tard.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.

ADOTTA DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [1].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħżel il-persuna bis-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Magħmul fil-Lussemburgu, 27 ta' Ġunju 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LUX

[1] Ara paġna 133 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

32006E0755

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/755/PESK

tas-7 ta' Novembru 2006

dwar l-akkoljenza temporanja mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2005/793/PESK [1] dwar l-akkoljenza temporanja mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani, li provdiet għal estensjoni tal-validità tal-permessi nazzjonali tagħhom għad-dħul u l-waqfa fit-territorju ta' l-Istati Membri msemmija fil-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK [2] għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

(2) Abbażi ta' evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK, il-Kunsill iqis li jkun xieraq li l-validità ta' dawk il-permessi għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK għandhom jestendu l-validità tal-permessi nazzjonali għad-dħul u l-waqfa mogħtija skond l-Artikolu 3 ta' dik il-Pożizzjoni Komuni għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jevalwa l-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 80.

[2] ĠU L 138, 28.5.2002, p. 33. Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar bil-Pożizzjoni Komuni 2004/493/PESK (ĠU L 181, 18.5.2004, p. 24).

32006R1646

9.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 309/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1646/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 u l-Artikolu 299(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 639/2004 tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità [2] jippermetti derogi mill-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 1999 li jippreskrivi r-regoli u l-arranġamenti dettaljati rigward l-għajnuna strutturali Komunitarja fis-settur tas-sajd [3] u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [4].

(2) Konsegwentement għall-ftehim politiku li ntlaħaq fil-Kunsill fid-19 ta' Ġunju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, sabiex jittieħed kont tas-sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika partikolari fis-settur tas-sajd fir-reġjuni l-aktar periferiċi, il-perjodu ta' validità tad-derogi previsti fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2006.

(3) Minħabba l-estensjoni tal-perjodu ta' validità tad-deroga prevista fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 639/2004, id-deroga prevista fl-Artikolu 2(5) għandha tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2008 sabiex tippermetti d-dħul fil-flotta tal-kapaċità li bbenefikat mill-għajnuna pubblika għat-tiġdid tal-bastimenti tas-sajd,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 639/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) fl-Artikolu 2(4), "31 ta' Diċembru 2005" għandha tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2006";

2) fl-Artikolu 2(5), "31 ta' Diċembru 2007" għandha tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2008";

3) fl-Artikolu 6, "31 ta' Diċembru 2006" għandha tinbidel bid-data "31 ta' Diċembru 2007".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

---

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 102, 7.4.2004, p. 9.

[3] ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1198/2006 (ĠU L 223, 15.8.2006, p. 1).

[4] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

32006R1647

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1647/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 123(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsulta lill-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [2] jipprovdi għas-sostituzzjoni ta' l-euro mal-muniti ta' l-Istati Membri li jkunu wettqu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-adozzjoni tal-munita unika fiż-żmien meta l-Komunità daħlet fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika monetarja.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2596/2000 [3] emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 biex jipprovdi għas-sostituzzjoni ta' l-euro mal-munita tal-Greċja.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 2169/2005 emenda r-Regolament (KE) Nru 974/98 sabiex iħejji għal introduzzjonijiet sussegwenti ta' l-euro fl-Istati Membri li għadhom ma adottawx l-euro bħala l-munita unika.

(4) Skond l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003, is-Slovenja hija Stat Membru b'deroga fit-tifsira ta' l-Artikolu 122 tat-Trattat.

(5) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2007 [4], is-Slovenja issa tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni tal-munita waħdanija u d-deroga favur is-Slovenja għandha tkun revokata b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.

(6) L-introduzzjoni ta' l-euro fis-Slovenja teħtieġ l-estensjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-introduzzjoni ta' l-euro stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 974/98 għas-Slovenja.

(7) Il-pjan ta' bidla tas-Slovenja jispeċifika li n-noti bankarji u l-muniti ta' l-euro għandhom isiru valuta legali f'dak l-Istat Membru fil-ġurnata ta' l-introduzzjoni ta' l-euro bħala l-munita tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, id-data ta' l-introduzzjoni ta' l-euro u d-data ta' bidla fil-munita għandha tkun l-1 ta' Jannar 2007. M'għandu japplika l-ebda "perjodu ta' tneħħija gradwali".

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 974/98 għandu jiġi emendat għaldaqstant,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 974/98 għandu jiġi emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

---

[1] ĠU C 163, 14.7.2006, p. 10.

[2] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2169/2005 (ĠU L 346, 29.12.2005, p. 1).

[3] ĠU L 300, 29.11.2000, p. 2.

[4] ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25.

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 974/98, il-linja li jmiss għandha tiddaħħal bejn l-entrati għall-Portugall u l-Finlandja.

Stat Membru	Data ta' l-adozzjoni ta' l-euro	Data ta' tibdil	Stat Membru bil-perjodu ta' "tnehhija gradwali"
"Slovenja	1 ta' Jannar 2007	1 ta' Jannar 2007	Le"

32006D0756

9.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 309/9

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ DARFUR/4/2006

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li taħtar Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan

(2006/756/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' sostenn ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea għall-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/468/PESK li ġġedded u tirrivedi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan [2] (EUSR).

(2) L-EUSR, *inter alia*, jiżgura l-koordinazzjoni u l-koerenza tal-kontributi ta' l-Unjoni lill- Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan (AMIS). Konformement ma' l-Artikolu 5(2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK, iċ-Ċellula ta' Koordinazzjoni ta' l-UE f'Addis Ababa (ACC), li taġixxi taħt l-awtorità ta' l-EUSR, u li tinkludi konsulent politiku, konsulent militari u konsulent tal-pulizija, tamministra l-koordinazzjoni ta' kuljum ma' l-atturi rilevanti kollha ta' l-UE u maċ-Ċentru ta' Kontroll Amministrattiv u ta' Maniġġar (ACMC) fil-katina ta' kmand ta' l-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa sabiex jiġi żgurat appoġġ koerenti u f'waqtu mill-UE lill-AMIS.

(3) Il-Konsulent tal-Pulizija għall-EUSR, li huwa wkoll il-Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-koordinazzjoni ta' kuljum ta' l-azzjonijiet ta' sostenn ta' l-UE tal-pulizija. Il-Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija jassumi l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-komponent tal-pulizija ta' l-azzjoni ta' appoġġ u huwa responsabbli għall-persunal u l-kwistjonijiet dixxiplinari.

(4) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi, wara r-rakkomandazzjoni mill-EUSR, ippropona li s-Sur Åke ROGHE jiġi maħtur bħala Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija għall-EUSR.

(5) Konformement ma' l-Artikolu 4 ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sabiex jaħtar il-Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija għall-EUSR,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Åke ROGHE huwa b'dan maħtur Kap tal-Grupp tal-Pulizija ta' l-UE/Konsulent tal-Pulizija għar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea għas-Sudan.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fl-1 ta' Novembru 2006.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
T. TANNER

[1] ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46.
[2] ĠU L 184, 6.7.2006, p. 38.

32006R1650

10.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 311/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1650/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jestendi d-dazju definittiv kontra d-*dumping* impost mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni ta' kumarina li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonesja u l-Malażja kemm jekk dikjarati li joriginaw mill-Indonesja jew mill-Malażja kif ukoll jekk le

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Il-miżuri eżistenti

(1) Wara reviżjoni ta' skadenza, taħt ir-Regolament (KE) Nru 769/2002 [2] ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju definittiv *anti-dumping* ta' EUR 3 479 ġhal kull tunnellata metrika fuq importazzjonijiet ta' kumarina, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00, li joriginaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("RPĊ").

(2) F'Diċembru tal-2004, wara li nstabet prattika ta' evażjoni via l-Indja u t-Tajlandja, il-miżuri ġew estiżi bir-Regolament (EC) Nru 2272/2004 [3] ġhal importazzjonijiet tal-kumarina kkunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk dikjarati li joriginaw mill-Indja jew mit-Tajlandja kif ukoll jekk le.

2. Rikjesta

(3) Fl-13 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni rċeviet talba skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku sabiex tinvestiga l-allegata evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti fuq importazzjonijiet ta' kumarina mill-RPĊ ("it-talba"). It-talba ġiet ippreżentata mill-Kunsill Ewropew ta' l-Industrija Kimika (CEFIC) (l-applikant) f'isem l-uniku produttur fil-Komunità.

(4) It-talba kien fiha prova suffiċjenti, *prima facie*, li kienet saret bidla fl-andament tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri kontra l-evażjoni fuq importazzjonijiet ta' kumarina li joriginaw mill-RPĊ, kif muri minn żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mill-Indonesja jew mill-Malażja.

(5) Din il-bidla fl-andament tal-kummerċ ġiet allegata li tnisslet minn trasbord ta' kumarina li oriġinat mill-RPĊ via l-Indonesja u l-Malażja. Kien allegat ukoll li ma kienx hemm kawża adegwata suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika ġhal dawn il-prattiki ħlief l-eżistenza tal-miżuri *anti-dumping* fuq kumarina li toriġina mill-RPĊ.

(6) Fl-aħħar, l-appikant ippreżenta prova li l-effetti eżistenti tal-miżuri *anti-dumping* fuq il-kumarina li toriġina mill-RPĊ kienu qegħdin jiġu mminati kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll f'termini ta' prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet ta' kumarina mill-Indonesja u mill-Malażja dehru li ħadu post importazzjonijiet mill-RPĊ. Barra minn dan, kien hemm prova suffiċjenti li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet issir bi prezzijiet ferm taħt il-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet ġhall-miżuri eżistenti, u d-*dumping* kien qiegħed isir f'relazzjoni mal-valuri normali preċedentement stabbiliti ġhall-kumarina li toriġina mill-RPĊ.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 123, 9.5.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1854/2003 (ĠU L 272, 23.10.2003, p. 1).

[3] ĠU L 396, 31.12.2004, p. 18.

3. **Inizjazzjoni**

(7) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 499/2006 [1] ("ir-Regolament tal-ftuħ"), il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni ta' l-allegata evażjoni tal-miżuri *anti-dumping* imposti fuq l-importazzjonijiet ta' kumarina li joriġinaw mill-RPĊ mill-importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonežja jew mill-Malażja, kemm jekk dikjarati li oriġinaw mill-Indonežja jew mill-Malażja kif ukoll jekk le u, skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, ordnat lill-awtoritajiet doganali sabiex jirreġistraw importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonežja jew mill-Malażja, kemm jekk dikjarati li oriġinaw mill-Indonežja jew mill-Malażja kif ukoll jekk le, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00 (Kodiċi TARIC 2932 21 00 16).

4. **Investigazzjoni**

(8) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-awtoritajiet ta' l-RPĊ, ta' l-Indonežja u ta' l-Malażja, il-produtturi/esportaturi, l-importaturi fil-Komunità magħrufin li huma konċernati u l-applikant għall-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Kienu ntbagħtu kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fl-RPĊ kif ukoll lill-importaturi fil-Komunità msemmija fit-talba. Ma kienx hemm produtturi magħrufa fl-Indonežja u l-Malażja. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiżżmien stipulat fir-Regolament tal-ftuħ. Il-partijiet kollha ġew infurmati li nuqqas ta' koperazzjoni tista' twassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u s-sejbiet isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

(9) L-ebda produttur jew esportatur fl-RPĊ, fl-Indonežja jew il-Malażja ma ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju. L-awtoritajiet Indonežjani rrispondew li ma kien magħruf l-ebda produttur tal-kumarina fl-Indonežja.

5. **Il-perjodu ta' investigazzjoni**

(10) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu mill-1 ta' Marzu 2005 sat-28 ta' Frar 2006 ("il-PI"). Inġabret *data* mill-2002 sa l-aħħar tal-PI sabiex tiġi investigata l-bidla allegata fl-andament tal-kummerċ.

B. **RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI**

1. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali/livell ta' koperazzjoni**

(a) *Indonežja u Malażja*

(11) L-ebda produtturi jew esportaturi tal-kumarina fl-Indonežja u l-Malażja ma għamlu lilhom infushom magħrufa jew ikkoperaw fl-investigazzjoni. Għalhekk, is-sejbiet fir-rispett ta' esportazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonežja u l-Malażja lejn il-Komunità kellhom isiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli konformement ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni, l-awtoritajiet Indonežjani u l-Malażjani kienu infurmati bil-konsegwenzi tan-nuqqas ta' koperazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku.

(b) *RPĊ*

(12) L-ebda produtturi jew esportaturi Ċiniżi ma kkoperaw fl-investigazzjoni.

(13) Ġie spjegat b'mod ċar lill-kumpanniji magħrufa li n-nuqqas ta' koperazzjoni jista' jwassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

2. **Il-prodott konċernat u prodott simili**

(14) Il-prodott konċernat bl-allegata evażjoni huwa, kif definit fir-Regolament oriġinali, il-kumarina bħalissa klassifikata fil-kodiċi NM ex 2932 21 00. Il-kumarina hija trab kristallin abjad bir-riħa karatteristika ta' qamħ m'ilux maħsud. L-użi prinċipali tagħha huma l-użu bħala aroma kimika u bħala sustanza fissativa fil-preparazzjoni ta' komposti talfwieħa, b'dawn il-komposti jintużaw fil-produzzjoni ta' deterġenti, kosmetiċi u fwejjaħ fini.

(15) Il-kumarina tista' tiġi manifatturata b'żewġ proċessi ta' produzzjoni differenti: il-*Phenol route* li tinvolvi r-reazzjoni Perkin u l-*o-Cresol route* li tinvolvi r-reazzjoni Rasching. Madankollu, il-kumarina prodotta b'dawn iż-żewġ proċessi għandha l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi.

(16) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni bejn il-partijiet fl-Indonežja u l-Malażja, għandu jkun dedott fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli u fin-nuqqas ta' kull prova kuntrarja, li l-kumarina esportata lill-Komunità mill-RPĊ u l-kumarina kkunsinnata mill-Indonežja u l-Malażja għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi u l-istess użi. Għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens tad-definizzjoni ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **Bidla fl-andament tal-kummerċ**

(17) Kif intqal aktar 'il fuq, il-bidla fl-andament tal-kummerċ ġiet allegata li tnisslet minn trasbord ta' kumarina mill-Indonežja u mill-Malażja.

Indonežja

(18) La l-ebda kumpannija Indonežjana ma kkoperat fl-investigazzjoni, l-esportazzjoni mill-Indonežja lejn il-Komunità kellha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Ġiet għalhekk użata *data* ta' l-Eurostat, li kienet tikkostitwixxi l-aktar informazzjoni adatta disponibbli, sabiex jiġi stabbiliti l-prezzijiet ta' esportazzjoni u l-kwantitajiet ta' importazzjonijiet mill-Indonežja.

[1] ĠU L 91, 29.3.2006, p. 3.

(19) Bdew isiru importazzjonijiet sinifikanti mill-Indonesja lejn il-Komunità immedjatament wara l-ftuħ ta' l-investigazzjoni preċedenti ta' l-eważjoni kontra l-Indja u t-Tajlandja, fil-livell ta' 12,5 tunnellata metrika fl-2004, 15-il tunnellata metrika fl-2005 u 10 tunnellati metriċi fil-perjodu ta' l-investigazzjoni (jirrappreżenta 1,7 % tal-konsum ta' l-UE). B'mod parallel, l-esportazzjonijiet Ċiniżi fl-Indonesja żviluppaw minn 57 tunnellata metrika fl-2003 għal 83,8 tunnellata metrika fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(20) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni u ta' kull prova kuntrarja, huwa konkluż li kien hemm bidla fl-andament tal-kummerċ bejn l-RPĊ, l-Indonesja u l-Komunità fl-2004 sa l-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, li tnissel minn trasbord ta' kumarina li toriġina mill-RPĊ vija l-Indonesja

Malażja

(21) La l-ebda kumpannija Malażjana ma kkoperat fl-investigazzjoni, l-esportazzjoni mill-Malażja lejn il-Komunità kellha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Ġiet għalhekk użata data ta' l-Eurostat, li kienet tikkostitwixxi l-aktar informazzjoni adatta disponibbli, sabiex jiġi stabbiliti l-prezzijiet ta' esportazzjoni u l-kwantitajiet ta' importazzjonijiet mill-Malażja.

(22) Bdew isiru importazzjonijiet mill-Malażja lejn il-Komunità fl-2005, u laħqu livell ta' 13-il tunnellata metrika fl-2005 u 23 tunnellata metrika fil-perjodu ta' investigazzjoni (jirrappreżenta 3,9 % tal-konsum ta' l-UE). Fl-istess żmien, l-esportazzjonijiet Ċiniżi fil-Malażja kibru minn 23,6 tunnellata metrika fl-2004 sa 43,76 tunnellata metrika fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(23) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni u ta' kull prova kuntrarja, huwa konkluż li kien hemm bidla fl-andament tal-kummerċ bejn l-RPĊ, il-Malażja u l-Komunità fl-2005 sa l-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni, li tnissel minn trasbord ta' kumarina li toriġina mill-RPĊ via l-Malażja.

4. Insuffiċjenza ta' kawża dovuta jew ta' ġustifikazzjoni ekonomika

Indonesja

(24) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni u ta' kull prova kuntrarja, huwa konkluż li, billi l-importazzjonijiet sinifikanti bdew immedjatament wara l-ftuħ ta' l-investigazzjoni preċedenti ta' l-eważjoni kontra l-Indja u t-Tajlandja, b'mod parallel ma' żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-kumarina lejn l-Indonesja, il-bidla fl-andament tal-kummerċ tnisslet mill-eżistenza ta' miżuri *anti-dumping* milli minn xi kawza dovuta jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti fis-sens ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, huwa wkoll innutat li m'hemmx prova ta' produzzjoni ġenwina tal-kumarina fl-Indonesja.

Malażja

(25) Fin-nuqqas ta' koperazzjoni u ta' kull prova kuntrarja, huwa konkluż li, billi l-importazzjonijiet bdew fl-2005, wara l-estensjoni tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-kumarina kkunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja u li, b'mod parallel, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Malażja żdiedu minn 23,6 tunnellata metrika fl-2004 għal 43,76 tunnellata metrika fl-2005, il-bidla fl-andament tal-kummerċ tnisslet mill-eżistenza ta' miżuri *anti-dumping* milli minn xi kawża dovuta jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti fis-sens ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, huwa wkoll innutat li m'hemmx prova ta' produzzjoni ġenwina tal-kumarina fil-Malażja.

5. Imminati l-effetti rimedjali tad-dazju f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet ta' prodotti simili

Indonesja

(26) Skond l-analiżi ta' l-andament kummerċjali magħmula hawn fuq, instab li bidla fl-andament ta' l-importazzjonijiet tal-Komunità hija marbuta mal-fatt li kien hemm fis-seħħ miżuri ta' l-*anti-dumping* u kontra l-eważjoni. Filwaqt li l-importazzjonijiet dikjarati bħala li joriġinaw mill-Indonesja kienu nieqsa mis-suq Komunitarju sa l-2003, huma ammontaw għal 4 tunnellati metriċi fl-2003, għal 12,5 tunnellati metriċi fl-2004, għal 15-il tunnellata metrika fl-2005 u għal għaxar tunnellati metriċi fil-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrappreżenta 1,7 % tal-konsum Komunitarju.

(27) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mill-Indonesja saru f'livelli ta' prezzijiet aktar baxxi mill-prezz ta' esportazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali u ferm aktar baxxi mill-valur oriġinali normali.

(28) Fuq il-bażi tal-fatturi msemmija hawn fuq, huwa konkluż li l-bidla fl-andament tal-kummerċ, flimkien mal-prezzijiet baxxi b'mod mhux normali ta' l-esportazzjonijiet mill-Indonesja mminaw l-effetti rimedjali tal-miżuri *anti-dumping* kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll f'termini ta' prezzijiet tal-prodotti simili.

Malażja

(29) Abbażi ta' l-analiżi ta' l-andament kummerċjali magħmula hawn fuq, instab li bidla fl-andament tal-kummerċ hija marbuta mal-fatt li kien hemm fis-seħħ miżuri antidumping u kontra l-eważjoni. Għalkemm ma kienx hemm importazzjonijiet ta' kumarina fil-Komunità qabel 2005, dawn ammontaw għal 13-il tunnellata metrika fl-2005 u 23 tunnellata metrika fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(30) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mill-Malażja saru f'livelli ta' prezzijiet aktar baxxi mill-prezz ta' esportazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali u ferm aktar baxxi mill-valur oriġinali normali.

(31) Fuq il-bażi tal-fatturi msemmija hawn fuq, huwa konkluż li l-bidla fl-andament tal-kummerċ, flimkien mal-prezzijiet baxxi b'mod mhux normali ta' l-esportazzjonijiet mill-Indonežja mminaw l-effetti rimedjali tal-miżuri anti-dumping kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll f'termini ta' prezzijiet tal-prodotti simili.

6. Prova ta' dumping b'relazzjoni mal-valuri normali preċedentement stabbiliti għal prodotti simili jew li jixxiebhu

Indonežja

(32) Sabiex jiġi stabbilit jekk jistgħux jinstabu provi ta' dumping fir-rigward ta' esportazzjonijiet tal-kumarina mill-Indonežja lejn il-Komunità matul il-PI, intużat data ta' l-Eurostat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku

(33) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jeħtieġ prova ta' dumping b'relazzjoni mal-valuri normali preċedentement stabbiliti għall-prodotti simili jew li jixxiebhu.

(34) Għall-finijiet ta' paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, ittieħed kont debitu, fil-forma ta' aġġustamenti, tad-differenzi li jinċidu fuq il-prezzijiet u fuq il-paragun tal-prezzijiet. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni, fuq bażi tal-fatti disponibbli, jiġifieri kif jingħad fir-rikjesta, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(35) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun tal-medja ppežata tal-valur normali kif stabbilita fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja ppežata ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul l-investigazzjoni PI, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera dumping għall-importazzjonijiet tal-kumarina lejn il-Komunità mill-Indonežja. Il-marġini tad-dumping li nstab, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 100 %.

Malażja

(36) Sabiex jiġi stabbilit jekk jistgħux jinstabu provi ta' dumping fir-rigward ta' esportazzjonijiet tal-kumarina mill-Malażja lejn il-Komunità matul il-PI, intużat data ta' l-Eurostat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku

(37) Għall-finijiet ta' paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, ittieħed kont debitu, fil-forma ta' aġġustamenti, tad-differenzi li jinċidu fuq il-prezzijiet u fuq il-paragun tal-prezzijiet. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni, fuq bażi tal-fatti disponibbli, jiġifieri kif jingħad fir-rikjesta, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(38) Skond l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-paragun tal-medja ppežata tal-valur normali kif stabbilita fl-investigazzjoni preċedenti u l-medja ppežata ta' prezzijiet ta' l-esportazzjoni matul l-investigazzjoni PI, espress bħala persentaġġ ta' CIF prezzijiet fil-fruntier tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera *dumping* għall-importazzjonijiet tal-kumarina lejn il-Komunità mill-Malażja. Il-marġini tad-*dumping* li nstab, espress bħala persentaġġ tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 100 %.

C. MIŻURI

(39) Minħabba s-sejbiet ta' evażjoni fis-sens ta' l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri eżistenti kontra d-*dumping* imposti fuq importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġinaw mill-RPĊ għandhom jiġu estiżi għall-prodott simili kkunsinnat mill-Indonežja jew il-Malażja, kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Indonežja jew mill-Malażja kif ukoll jekk le.

(40) Id-dazju estiż għandu jkun dak stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament oriġinali.

(41) Skond l-Artikolu 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprevedi li kull miżura estiża għandha tiġi applikata kontra importazzjonijiet reġistrati mid-data tar-reġistrazzjoni, id-dazju *anti-dumping* għandu jinġabar fuq importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indonežja jew mill-Malażja, li daħlu fil-Komunità taħt ir-reġistrazzjoni imposti mir-Regolament tal-ftuħ.

D. TALBIET GĦALL-EŻENZJONI

(42) Għalkemm matul din l-investigazzjoni ebda produttur ġenwin tal-kumarina ma nstab li jeżisti fl-Indonežja jew fil-Malażja jew wera lilu nnifsu lill-Kummissjoni, il-produtturi ġodda li jikkunsidraw li jressqu rikjesta għal eżenzjoni mill-miżura *anti-dumping* estiża skond l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku huma informati li jkunu meħtieġa jimlew kwestjonarju sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tiddetermina jekk tistax tingħata eżenzjoni. Eżenzjoni ta' din ix-xorta tista' tingħata wara li ssir valutazzjoni, per eżempju, tas-sitwazzjoni tas-suq tal-prodott konċernat, tal-kapaċità ta' produzzjoni u ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, ta' akkwisti u ta' bejgħ u tal-probabbiltà li jkun hemm kontinwazzjoni ta' prattika li għaliha jkun hemm insuffiċjenza ta' kawża dovuta jew ta' ġustifikazzjoni ekonomika u ta' prova ta' *dumping*. Normalment il-Kummissjoni tagħmel ukoll ispezzjoni ta' verifika fuq il-post. It-talba tkun trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni minnufih, bl-informazzjoni relevanti kollha, partikolarment kull modifika fl-attivitajiet tal-kumpannija relatata mal-produzzjoni u l-bejgħ.

(43) L-importaturi jistgħu jibbenefikaw xorta waħda mill-miżuri sa fejn l-importazzjonijiet tagħhom ikunu mingħand produtturi esportaturi, li jingħataw eżenzjoni ta' din ix-xorta, u konformement ma' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(44) Meta eżenzjoni tkun ġustifikata, il-Kunsill jemenda dan ir-Regolament kif meħtieġ. Sussegwentement, kull eżenzjoni mogħtija ser tiġi kontrollata mill-Kummissjoni sabiex tiġi assigurata konformità mal-kondizzjonijiet stipulati fiha.

E. **PROĊEDURA**

(45) Il-partijiet interessati ġew infurmati dwar il-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom il-Kunsill kellu l-ħsieb li jestendi l-miżuri definittivi kontra d-*dumping* fis-seħħ u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw u li jinstemgħu. Ma ġew riċevuti l-ebda kummenti li kienu ta' natura li jbiddlu l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju definittiv anti-dumping impost mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 fuq importazzjonijiet tal-kumarina, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-kumarina, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 2932 21 00, kunsinnati mill-Indoneja jew mill-Malażja, kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Indonežja jew mill-Malażja kif ukoll jew le (kodiċi TARIC 2932 21 00 16).

2. Id-dazju estiż permezz tal-paragrafu 1 għandu jinġabar fuq importazzjonijiet reġistrati skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 499/2006 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96.

3. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw dazji doganali.

Artikolu 2

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju estiż permezz ta' l-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom jiġu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta l-applikant. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Direttorat B
Uffiċċju: J-79 05/17
B-1049 Brussell
Fax (32 2) 295 65 05

2. Konformement ma' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, il-Kunsill, jista' jiddeċiedi li jeżenta importazzjonijiet li ma jevadux il-miżuri *anti-dumping* imposti mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 mid-dazju estiż permezz ta' l-Artikolu 1.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li jieqfu mir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet, stabbiliti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 499/2006.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

32006R1651

L 311/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 10.11.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1651/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jtemm ir-reviżjoni parzjali *interim* tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli lill-importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-MIŻURI EŻISTENTI

(1) Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazji definittivi kontra d-*dumping* imposti fuq importazzjonijiet ta' biċikletti li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1524/2000 [2] ("ir-Regolament oriġinali").

2. L-INVESTIGAZZJONI ATTWALI

(2) Fl-10 ta' Jannar 2006, il-Kummissjoni tat bidu permezz ta' avviż pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [3], fuq l-inizjattiva tagħha stess, għal investigazzjoni skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Ir-reviżjoni *interim* hija limitata fl-ambitu għal aspetti ta' *dumping* sa fejn huwa kkonċernat produttur-esportatur tal-biċikletti, Giant China Co. Ltd. ("Giant China" jew 'il-kumpannija).

(3) Kien hemm biżżejjed prova *prima facie* disponibbli għall-Kummissjoni li turi li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri eżistenti ġew stabbiliti nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura permanenti. L-informazzjoni li tiddisponi minnha l-Kummissjoni wriet li l-kumpannija tgawdi minn kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kif muri mill-fatt li hija dehret li tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku.

(4) Għalhekk ingħata bidu għar-reviżjoni parzjali *interim* bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk il-kumpannija toperax taħt kondizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq kif definiti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku jew inkella jekk il-kumpannija tilħaqx ir-rekwiżiti li jkollha stabbilit dazju individwali skond l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku u, jekk dan ikun il-każ, sabiex tiddetermina l-marġini individwali ta' *dumping* tal-kumpannija u jekk jinstab *dumping*, il-livell ta' dazju li għalih għandhom ikunu suġġetti l-importazzjonijiet tagħha fil-Komunità tal-prodott konċernat.

3. IL-PROĊEDURA

(5) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lil Giant China, lill-industrija Komunitarja u lill-awtoritajiet tar-RPĊ dwar il-ftuħ ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jsemmgħu l-fehmiet taghhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ.

(6) Sabiex tippermetti lill-kumpannija biex tippreżenta talba għal trattament ibbażat fuq l-ekonomija tas-suq ("TES") jew trattament individwali ("TI"), il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talba lill-kumpannija u lill-awtoritajiet tar-RPĊ. Wara dan, waslu talbiet għal TES min-naħa ta' Giant China u mill-kumpannija relatata tagħha.

(7) Twettqet żjara ta' verifika fuq il-post f'Giant China u fil-kumpannija relatata tagħha Giant Chengdu Co., Ltd.

4. IL-PRODOTT KONĊERNAT

(8) Il-prodott konċernat, kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament oriġinali, biċikletti u roti oħrajn (inklużi triċikletti mfassla għall-ġarr, iżda eskluži l-uniċikletti), mhux immotorizzati li joriġinaw mir-RPĊ ('il-prodott konċernat'), bħalissa klassifikabbli fi ħdan il-koċiċi tan-NM ex 8712 00 10, 8712 00 30 u ex 8712 00 80.

5. IL-PERJODU TA' INVESTIGAZZJONI

(9) Il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2005 sal-31 ta' Diċembru 2005.

---

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 175, 14.7.2000, p. 39. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1095/2005 (ĠU L 183, 14.7.2005, p. 1).

[3] ĠU C 5, 10.1.2006, p. 2.

6. IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

(10) Matul l-investigazzjoni nstab li l-kumpannija kienet relatata ma' manifattur ieħor tal-prodott konċernat fir-RPĊ, li minkejja dan ma ppreżentax tweġiba għall-formola tat-talba ta' TES fi żmien id-data ta' l-għeluq stipulata fl-avviż ta' ftuħ.

(11) Ta' min jninnota li hija l-prassi konsistenti tal-Kummissjoni li teżamina jekk grupp ta' kumpanniji relatati, bħala entità sħiħa, jilħaqx il-kondizzjonijiet għal TES. Din hija prassi meqjusa bħala meħtieġa sabiex tiġi evitata l-kanalizzazzjoni tal-bejgħ ta' grupp ta' kumpanniji permezz ta' waħda mill-kumpanniji relatati fil-grupp, fil-każ li jiġu imposti l-miżuri. Għalhekk, f'każijiet fejn kumpannija sussidjarja jew kwalunkwe kumpannija oħra relatata tkun produttur u/jew bejjiegħ tal-prodott konċernat, il-kumpanniji kollha bħal din ikollhom jipprovdu tweġiba għall-formola tat-talba tat-TES sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni rigward jekk dawn ukoll jilħqux il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, in-nuqqas ta' dan iwassal għar-riżultat li ma jistax jiġi stabbilit li l-grupp, bħala entità sħiħa, jilħaq il-kondizzjonijiet kollha għat-TES.

(12) Barra minn dan, ma setgħet issir ebda determinazzjoni dwar jekk il-kumpannija tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku minħabba li l-fatti disponibbli ma ppermettewx tali determinazzjoni.

(13) Il-kumpannija kienet infurmata mill-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet ta' hawn fuq. Hija ddikjarat l-intenzjoni tagħha li ma tikkooperax aktar f'dan il-proċediment ta' reviżjoni.

7. IT-TERMINAZZJONI TAL-PROĊEDIMENT

(14) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni milħuqa hija li r-reviżjoni parzjali *interim* dwar l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott konċernat prodott minn Giant China għandha tiġi terminata u l-miżuri deskritti fil-premessa (1) għandhom jinżammu fis-seħħ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-reviżjoni parzjali *interim*, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, rigward il-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' biċikletti prodotti minn Giant China Co. Ltd. u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina taħt ir-Regolament (KE) Nru 1524/2000, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1095/2005, hija b'dan terminata.

2. Il-miżuri kontra d-*dumping* li huma fis-seħħ bħalissa fir-rigward tal-kumpannija Giant China Co. Ltd. huma miżmuma fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

32006R1652

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1652/2006

tas-7 ta' Novembru 2006

li jtemm ir-reviżjoni fir-rigward ta' esportaturi ġodda tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 li jimponi dazji definittivi kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni ta' fibri sintetiċi diskontinwi tal-polyesters li joriġinaw, *inter alia*, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

(1) Il-miżuri li fil-preżent jinsabu fis-seħħ dwar l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' fibri diskontinwi tal-polyester ("FDP") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu ta-Ċina (RPĊ) huma dazji definittivi kontra d-*dumping* imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2005 [2].

2. L-INVESTIGAZZJONI ATTWALI

2.1 It-talba għal reviżjoni

(2) Wara l-impożizzjoni ta' dazji definittivi kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' FDP li joriġinaw mir-RPĊ, il-Kummissjoni rċeviet talba sabiex tagħti bidu għal reviżjoni fir-rigward ta' "esporaturi ġodda" tar-Regolament (KE) Nru 428/2005, skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, mingħand il-kumpannija Ċiniża Huvis Sichuan ('l-applikant').

(3) L-applikant allega li ma esportax il-prodott konċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu ġew ibbażati l-miżuri kontra d-*dumping*, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-31 ta' Diċembru 2003 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali") u li hu ma kellu l-ebda relazzjoni ma' kwalunkwe produttur tal-FDP fir-RPĊ li kien suġġett għall-miżuri fis-seħħ kontra d-*dumping*.

Barra minn hekk, asserixxa li kien beda jesporta l-FDP lejn il-Komunità wara tmiem il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali.

2.2 Il-bidu ta' reviżjoni "esportaturi ġodda"

(4) Il-Kummissjoni eżaminat il-prova *prima facie* mressqa mill-applikant, u kkunsidratha bħala ġustifikazzjoni suffiċjenti sabiex jingħata bidu għal reviżjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, u wara li l-industrija Komunitarja kkonċernata ngħatat l-opportunità li tikkumenta, il-Kummissjoni bdiet, permezz tar-Regolament (KE) Nru 342/2006 [3], reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2005 rigward l-applikant, u bdiet l-investigazzjoni tagħha.

(5) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 342/2006, ġie revokat dazju *antidumping* ta' 49,7 % impost mir-Regolament (KE) Nru 428/2005 fuq importazzjonijiet tal-FDP prodotti, *inter alia*, mill-applikant. Fl-istess waqt, skond l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet doganali ngħataw direttiva sabiex jieħdu passi adegwati sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-FDP prodotti mill-applikant.

2.3 Il-prodott konċernat

(6) Il-prodott konċernat mir-reviżjoni attwali huwa l-istess bħal dak li dwaru saret l-investigazzjoni li kienet wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-FDP li joriġinaw, *inter alia*, fir-RPĊ ("l-investigazzjoni oriġinali"), jiġifieri l-fibri sintetiċi diskontinwi tal-polyesters, mhux imqardxa, mimxuta jew b'xi mod ieħor proċessati, għan-newl li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, attwalment klassifikabbli taħt il-kodiċi NM 5503 20 00.

2.4 Il-partijiet konċernati

(7) Il-Kummissjoni uffiċjalmenti avżat lill-industrija Komunitarja, lill-applikant u lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur li kien ingħata bidu għar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub, u li jinstemgħu.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 71, 17.3.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1333/2005 (ĠU L 211, 13.8.2005, p. 1).

[3] ĠU L 55, 25.2.2006, p. 14.

(8) Is-servizzi tal-Kummissjoni baġħtu lill-applikant wkoll formola ta' talba għal trattament ibbażat fuq l-ekonomija tas-suq ("MET") flimkien ma' kwestjonarju, u rċevew ir-risposti fl-iskadenzi stabbiliti għal dak il-ġħan.

2.5 Il-perjodu ta' investigazzjoni

(9) L-investigazzjoni tad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "IP").

3. IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

3.1 Il-kwalifika bħala "esportatur ġdid"

(10) L-investigazzjoni wriet li l-applikant kien beda l-operat ta' produzzjoni tiegħu f'Ottubru 2004, jiġifieri wara l-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, u matul dan il-perjodu ma esportax il-prodott konċernat. Għaldaqstant ġie konkluż li l-applikant kien jissodisfa r-rekwiżit ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

(11) Madankollu, instab ukoll li l-applikant kien relatat ma' produttur Ċiniż, parzjalment ta' proprjetà Statali, li kien jipproduċi l-prodott konċernat waqt il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, iżda li ma kienx ikkopera fil-proċedura dak iż-żmien. Fid-dawl tal-fatt li l-produttur Ċiniż relatat kien suġġett għad-dazju definitiiv kontra d-*dumping* fis-seħħ, instab li ma kienx sodisfatt il-kriterju tat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, li jistipula li esporatur jew produttur ġdid għandu juri li ma għandu l-ebda rbit ma' kwalunkwe wieħed mill-esportaturi jew produtturi fil-pajjiż ta' esportazzjoni li jkunu suġġetti għal miżuri kontra d-*dumping* fuq il-prodott.

(12) L-applikant ressaq l-argument li l-produttur relatat ma kienx jesporta l-prodott konċernat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali. B'appoġġ għal dan l-argument, l-applikant ipprovda l-kontijiet verifikati tal-produttur relatat għall-perjodu bejn l-2002 u l-2004, li skond l-applikant ma kien fihom l-ebda indikazzjoni li kien sar xi bejgħ ta' esportazzjoni matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali.

(13) Madankollu, il-prova mressqa mill-applikant ma wrietx li l-produttur relatat tassew ma kienx esporta l-prodott konċernat matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali. Fil-fatt, il-kontijiet verifikati indikaw biss li ma kienx hemm esportazzjonijiet ta' prodotti preliminari, mingħajr ma ddefinixxew it-tifsira eżatta ta' prodotti preliminari, jiġifieri partikolarment jekk il-prodott konċernat kienx meqjus bħala "prodott preliminari". F'dan ir-rigward, huwa nnutat ukoll li l-produttur relatat qiegħed jimmafattura wkoll prodotti oħra, minbarra dak konċernat. Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li, ħlief li ressaq il-kontijiet verifikati tiegħu, il-produttur relatat ma kkoperax matul l-investigazzjoni preżenti, u għalhekk l-informazzjoni li ppreżentat din il-kumpannija ma setgħetx tiġi vverifikata. Għaldaqstant, ma kinetx disponibbli prova sabiex turi li l-bejgħ kollu li matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali sar lil klijenti domestiċi, pereżempju kummerċjanti, tassew kien maħsub għas-suq domestiku, u mhux għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Konsegwentement, ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat jekk kienx sar jew le bejgħ ta' esportazzjoni matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali.

(14) Wara li sar l-iżvelar, l-applikant argumenta li l-kjarifiki dwar il-kontijiet verifikati kellhom jintalbu aktar kmieni, u kien x'kien, qabel l-iżvelar. F'dan ir-rigward, huwa nnutat li l-produttur relatat Ċiniż intalab jagħti din l-informazzjoni, ġie mgħarraf bin-nuqqas, u ntalab jikkopera fil-proċediment attwali, li huwa rrifjuta li jagħmel. Għaldaqstant, il-konklużjonjiet rigward din il-kumpannija ntlaħqu abbażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, kwalunkwe talba għal aktar informazzjoni wara l-iskadenzi applikabbli tqieset li tkun barra minn lokha u diskriminatorja fid-dawl tal-prattika normali ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji fir-rigward ta' partiiet li ma jikkoperawx. Huwa nnutat li, kien x'kien, l-applikant ġie mgħarraf bil-konklużjonijiet, u ngħata kull opportunità jikkumenta dwarhom.

(15) Fi kwalunkwe każ, l-argument dwar jekk il-produttur relatat esportax jew le lejn il-Komunità mhuwiex relevanti, minħabba li, kif issemma fuq fil-Premessa (13), u kif deskritt fil-qosor fil-Premessi (18) sa (31) aktar 'l isfel, il-produttur relatat ma kkoperax f'din ir-reviżjoni, u għalhekk il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi jekk il-grupp ekonomiku kkostitwit mill-applikant u l-produttur relatat kienx jissodisfa r-rekwiżiti sabiex jitqies li qed jopera taħt il-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq.

3.2 Trattament ibbażat fuq l-Ekonomija tas-Suq ("MET")

(16) Skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, f'investigazzjonijiet kontra d-*dumping* li jikkonċernaw prodotti li joriġinaw fir-RPĊ, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' l-Artikolu msemmi għal dawk il-produtturi li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fejn jintwera li l-manifattura u l-bejgħ tat-tali prodott isiru fil-kundizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq. Dawn il-kriterji huma ppreżentati fil-qosor hawn taħt:

— id-deċiżjonijiet kummerċjali jsiru b'reazzjoni għas-sinjali tas-suq, mingħajr indħil sinifikanti ta' l-Istat, u l-ispejjeż jirriflettu l-valuri tas-suq,

— l-azjendi jkollhom sett wieħed u ċar ta' reġistrazzjonijiet bażiċi tal-kontabbiltà li jiġu vverifikati indipendentement skond l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà ("IAS") u jiġu applikati għall-finijiet kollha,

— ma jkun hemm l-ebda distorsjoni b'konsegwenza tas-sistema preċedenti li ma kinetx tas-suq,

— il-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà jiggarantixxu l-istabbiltà u ċ-ċertezza ġuridika,

— il-konverżjonijiet tar-rati tal-kambju jitwettqu bir-rata tas-suq.

(17) L-applikant talab il-MET skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, u ġie mistieden jimla formola ta' talba għall-MET.

(18) Kif intqal aktar 'il fuq fil-Premessa (11), l-investigazzjoni żvelat li l-applikant kellu rbit ma' produttur ieħor tal-prodott konċernat fiċ-Ċina. Il-produttur relatat ma meliex formola separata ta' talba għall-MET, minkejja li ġie mistieden jagħmel dan.

(19) Għandha jiġi nnutat li l-Kummissjoni, fil-prattika, konsistentement teżamina jekk grupp ta' kumpanniji relatati, kumplessivament, jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-MET. Dan jitqies li huwa ta' ħtieġa sabiex jiġi evitat li l-bejgħ ta' grupp ta' kumpanniji jiġi inkanalat permezz ta' waħda mill-kumpanniji relatati fi ħdan l-grupp, fil-każ li jiġu imposti xi miżuri. Ghaldaqstant, fil-każijiet fejn kumpannija sussidjarja jew relatata b'xi mod ieħor tkun tipproduċi u/jew tbigħ il-prodott konċernat, il-kumpanniji kollha relatati jkun jeħtiġilhom jippreżentaw formola ta' talba għall-MET sabiex ikun jista' jsir eżami dwar jekk jissodisfawx huma wkoll il-kriterji ta' l-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, jekk ikun hemm nuqqas f'dan ir-rigward, dan iwassal għar-riżultat li ma jkunx jista' jiġi stabbilit li l-grupp, kumplessivament, jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha għall-MET.

(20) Il-Kummissjoni minnufih għarrfet lill-applikant li, finnuqqas ta' risposta min-naħa tal-produttur relatat, ma kinetx fil-qagħda li teżamina jekk il-kumpannija toperax jew le taħt il-kundizzjonijiet ta' l-ekonomija tas-suq.

(21) L-applikant argumenta li ż-żewġ kumpanniji jikkompetu kontra xulxin fis-suq domestiku, u li "ma ghandhomx relazzjonijiet tajba bejniethom". Barra minn hekk, intqal li l-kumpannija relatata rrifjutat li tissottometti kwalunkwe tagħrif kunfidenzjali għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni, minħabba l-biża' li dan ikollu bħala riżultat li l-kompetitur tagħha, jiġifieri l-applikant, jispiċċa jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu fis-suq.

(22) Huwa nnutat li, skond l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, il-produttur relatat seta' jitlob it-trattament kunfidenzjali ta' l-informazzjoni rikjesta sabiex iwarrab kwalunkwe tħassib dwar l-iżvelar ta' tagħrif kummerċjali kunfidenzjali lill-kompetituri. Madankollu, ghażel li ma jissottomettix l-informazzjoni rikjesta, mingħajr ma ghamel talba ghat-trattament kunfidenzjali. Ghalhekk, l-argument ta' l-applikant ma setax jintlaqa'.

(23) L-applikant ressaq ukoll l-argument li d-deċiżjonijiet kummerċjali tiegħu ma jistgħux jiġu influwenzati mill-produttur relatat. Minbarra li dan l-argument ma ġie appoġġat mill-ebda prova, huwa wkoll irrelevanti, minħabb li, kif ġie spjegat aktar 'il fuq, it-trattament tal-MET ma ghandu fl-ebda każ jingħata lill-applikant jekk il-kumpannija relatata miegħu ma timliex il-formola tal-MET u ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tal-MET. Barra minn hekk, anke fil-każ li dan l-argument kellu jiġi eżaminat fis-sustanza tiegħu, huwa nnutat li l-fatti disponibbli fil-każ preżenti kienu jindikaw li, b'kuntrast ma' dak li qal l-applikant, il-produttur relatat kellu influwenza fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet ta' l-applikant, minħabba li kellu membru fil-Bord tad-Diretturi ta' l-applikant. Tabilħaqq, il-produttur relatat jista' jibblokka d-deċiżjonijiet tal-kumpannija rigward emendi lill-istatut ta' assoċjazzjoni, ix-xoljiment ta' l-impriża konġunta, bidliet fil-kapital reġistrat jew l-ghaqda tal-kumpanniji ma' organizzazzjonijiet oħra jew il-frid tagħha minnhom, ilkoll kwistjonijiet li jirrikjedu l-unanimità. Barra minn hekk, l-ghan ta' l-impriża konġunta bejn l-applikant u l-produttur relatat, kif stipulat fil-Kapitolu 5 tal-ftehim ta' l-Impriża Konġunta, kien l-ilħiq ta' "*pożizzjonii kompetittiva fil-kwalità u l-prezz ghassuq dinji*", "*il-produzzjoni u l-bejgħ tal-fibra diskontinwa tal-polyester*" u "*l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti u materja prima relatati mal-fibra diskontinwa tal-polyester*". Dan jindika li ż-żewġ kumpanniji tabilħaqq kellhom jikkoperaw u talanqas jaġġustaw id-deċiżjonijiet tagħhom sabiex jimmassimizzaw il-pożizzjoni tagħhom fis-suq dinji. L-argument ta' l-applikant kellu ghalhekk jiġi rrifjutat.

(24) Wara l-iżvelar, l-applikant tenna li l-produttur relatat Ċiniż kellu biss influwenza żgħira u periferika fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali tiegħu, minħabba li l-qbil tal-produttur relatat huwa rikjest biss ghal deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-eżistenza tal-kumpannija bħala tali, jiġifieri deċiżjonijiet marbuta ma' l-investimenti tal-produttur relatat Ċiniż, filwaqt li d-deċiżjonijiet kummerċjali jittieħdu skond l-istrateġija globali ta' l-azzjonist ewlieni tagħha, fejn il-produttur Ċiniż ma kellu l-ebda influwenza. Barra minn dan, il-produttur relatat Ċiniż ma kienx involut fil-ġestjoni tal-kumpannija.

(25) L-applikant argumenta wkoll li d-deċiżjoni li ma tintlaqax it-talba tiegħu għall-MET għas-sempliċi raġuni tan-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-produttur relatat Ċiniż ma kinetx ġustifikata, minħabba li din ir-relazzjoni tikkostitwixxi biss rekwiżit tekniku, bla relevanza prattika għall-applikant. Tressaq ukoll l-argument li l-kumpannija ma kellhiex rabtiet ma' kwalunkwe wieħed mill-produtturi Ċiniżi esportaturi tal-FDP li huma suġġetti għall-miżuri fis-seħħ kontra d-*dumping*, ġaladarba l-kumpannija relatata ma kinetx esportat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, u għalhekk ma setgħetx tikkopera fl-investigazzjoni oriġinali u titlob dazju individwali.

(26) Kif deskritt aktar 'il fuq fil-premessa (23, il-possibbiltà li l-kumpannija relatata Ċiniża setgħet teżerċita influwenza fuq l-operazzjonijiet kummerċjali ta' l-applikant ma setgħet titqies la żgħira u lanqas periferika. Għall-kuntrarju, din l-influwenza tolqot aspetti kruċjali, kif deskritt fil-Premessa msemmija. Bl-istess mod, minħabba li l-kumpannija relatata Ċiniża ma kkoperatx f'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx tiddetermina jekk din il-kumpannija tassew kinetx esportat lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, kif kien qed jingħad. Il-kummenti pprovduti mill-applikant ma kien fihom l-ebda bażi li fuqha setgħu jiġu riveduti l-konklużjonijiet fil-Premessa (13). Fi kwalunkwe każ, il-fatt li l-kumpannija relatata ma setgħetx titlob għall-MET jew għal TI (Trattament Individwali) matul l-investigazzjoni oriġinali ma jinvalidax il-fatt li hija suġġetta għall-miżuri fis-seħħ, jiġifieri d-dazju resdiwu.

(27) Fl-aħħarnett, fuq bażi aktar ġenerali, ġie sottomess li, qabel ma nbdiet l-investigazzjoni, il-Kummissjoni diġà kienet taf bil-fattur li abbażi tiegħu ttieħdet id-deċiżjoni li t-talba ta' l-applikant għall-MET ma tintlaqax (jiġifieri r-relazzjoni mal-produttur relatat Ċiniż).

(28) F'dan ir-rigward, huwa nnutat li r-raġuni ewlenija għalfejn it-talba ta' l-applikant għall-MET ma ntlaqgħetx, kif deskritt fil-Premessi (13), (23) hawn fuq u (31) aktar 'l isfel, ma kinetx l-eżistenza tal-produttur relatat Ċiniż bħala fiha nnifisha, iżda n-nuqqas ta' koperazzjoni tiegħu, u bħala konsegwenza ta' dan, l-impossibbiltà li jiġi ddeterminat, fost l-oħrajn, sa liema punt l-Istat tassew kellu influwenza fuq id-deċiżjonijiet kummerċjali ta' l-applikant, u jekk il-produttur relatat tassew ma kienx esporta matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali, kif intqal.

(29) Għaldaqstant, l-asserzjonijiet ta' l-applikant ma ntlaqgħux.

(30) Barra minn hekk, ma setgħet issir l-ebda determinazzjoni dwar id-distorsjonijiet possibbli b'konsegwenza tas-sistema preċedenti, li ma kinetx ekonomija tas-suq. Tabilħaqq, il-produttur relatat, li huwa parzjalment proprjetà ta' l-Istat, ikkontribwixxa d-drittijiet għall-użu ta' l-artijiet lill-kapital reġistrat ta' l-applikant. Fin-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-produttur relatat, ma kienx possibbli li jiġi konkluż li ma kien hemm l-ebda distorsjoni bħal dawn.

(31) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, u fin-nuqqas ta' formola b'talba debitament sostanzjata għall-MET mingħand il-produttur relatat ta' l-applikant, il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għal konklużjoni dwar jekk il-grupp ta' kumpanniji, jiġifieri l-applikant u l-produttur relatat tiegħu, jissodisfawx il-kriterji tal-MET.

3.3 **It-trattament individwali (TI)**

(32) Taħt l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku, hemm stabbilit dazju fuq importazzjonijiet minn pajjiż sħiħ, jekk ikun il-każ, għal pajjiżi li jaqgħu taħt dak l-Artikolu, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-kumpanniji jkunu fil-qagħda li juru li jissodisfaw il-kriterji kollha għat-trattament individwali stipulati fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(33) L-applikant, minbarra li talab il-MET, talab ukoll it-TI kemm il-darba ma jingħatax il-MET. Kif deskritt fil-Premessa (11), produttur tal-FDP li parzjalment huwa proprjetà ta' l-Istat għandu relazzjoni ma' l-applikant. Minħabba li l-produttur relatat ma kkoperax ma' l-investigazzjoni preżenti, is-servizzi tal-Kummissjoni ma setgħux jikkonkludu jekk l-indħil ta' l-Istat kienx tali li jippermetti l-evażjoni. Għaldaqstant, ġie konkluż li l-applikant ma setax jingħata t-TI.

(34) L-applikant sostna li, fil-każ preżenti, ma kienx probabbli li sseħħ l-evażjoni, minħabba li ż-żewġ kumpanniji kienu kompetituri, u għalhekk il-produttur relatat qatt ma kien se jaħseb sabiex jinkanala xi parti mill-produzzjoni tiegħu permezz ta' l-applikant, għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(35) Għandu jiġi nnutat li diffiċli tipprevedi l-aġir tal-produttur relatat, ġaladarba ż-żewġ kumpnaiji huma relatati. Barra minn hekk, u kif intqal hawn fuq fil-Premessa (23), l-impriża konġunta bejn iż-żewġ kumpanniji kellha l-għan li timmassimizza l-pożizzjoni fis-suq dinji taż-żewġ kumpanniji. Għaldaqstant, tqies li kien hemm riskju imminenti ta' evażjoni, f'li kumpannija waħda tibbenefika minn marġini aktar baxx tad-*dumping* minn ta' l-oħra. L-applikant ma ressaq l-ebda informazzjoni sabiex juri li riskju tali seta' jiġi suffiċjentement eskluż.

(36) L-applikant ikkontesta d-deċiżjoni li t-talba tiegħu għal TI ma tintlaqax, bl-argument li l-possibbiltà ta' evażjoni kellha tiġi indirizzata permezz tal-ftuħ ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, u li xejn fl-Artikolu 2(7)(ċ) tar-Regolament bażiku ma jobbliga lil kumpanniji fiċ-Ċina juru li ma kenux sejrin jevadu miżuri kontra d-*dumping*.

(37) F'dan ir-rigward, huwa nnutat li t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku huwa ċar dwar il-kundizzjonjiet applikabbli għall-istabbiliment ta' dazju individwali meta jkun japplika l-Artikolu 2(7)(a), li huwa applikabbli fil-każ preżenti ġaladarba ma setax jiġi konkluż li l-applikant jissodisfa l-kriterji ta' l-Artikolu 2(7)(ċ). B'mod partikolari, l-Artikolu 9(5)(e) tar-Regolament bażiku jistipula li l-indħil ta' l-Istat ma għandux ikun tali li jippermetti l-evażjoni. Kif diġà ntqal fil-Premessa (35) hawn fuq, fin-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa ta' waħda mill-kumpanniji relatati, ma kienx possibbli li jiġi konkluż li l-kundizzjonijiet għal TI kienu sodisfatti.

(38) Għaldaqstant, ġie konkluż li l-applikant ma kellux jingħata t-TI.

4. KONKLUŻJONI

(39) L-għan ta' din ir-reviżjoni preżenti kien li jiġi ddeterminat il-marġini individwali tad-*dumping* ta' l-applikant, li allegatament kien differenti mill-marġini residwu attwali applikabbli fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat mir-RPĊ. It-talba saret prinċipalment abbażi ta' l-allegazzjoni li l-applikant kien jissodisfa l-kriterji għall-MET.

(40) Minħabba li l-investigazzjoni tikkonkludi li l-applikant, fin-nuqqas ta' koperazzjoni min-naħa tal-produttur relatat tiegħu, ma kellu jingħata la l-MET u lanqas it-TI, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li l-marġini individwali tad-*dumping* ta' l-applikant tassew kien differenti mill-marġini residwu tad-*dumping* stabbilit mill-investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant, it-talba li ressaq l-applikant ma għandhiex tintlaqa', u r-reviżjoni ta' "esporatur ġdid" għandha tintemm. B'konsegwenza, għandu jinżamm id-dazju residwu kontra d-*dumping* stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri 49,7 %.

5. IMPOSTA RETROATTIVA TAD-DAZJU KONTRA D-DUMPING

(41) Fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' hawn fuq, id-dazju applikabbli kontra d-*dumping* fuq l-applikant għandu jiġi impost retroattivament fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat, li saru suġġetti għar-reġistrazzjoni skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 342/2006.

6. L-IŻVELAR

(42) Il-partjiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq, u ġew mistiedna jagħmlu l-kummenti tagħhom skond l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku. Meta dan kien f'loku, il-kummenti tal-partijiet ġew ikkunsidrati.

(43) Din ir-reviżjoni ma taffettwax id-data li fiha l-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 428/2005, kif emendati mir-regolament (KE) Nru 1333/2005, sejrin jiskadu skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-reviżjoni ta' esportatur ġdid mibdija permezz tar-Regolament (KE) Nru 342/2006 hija b'dan terminata.

2. Id-dazju kontra d-*dumping* li, konformement ma' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 428/2005, japplika għall-"kumpanniji l-oħra kollha" fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'dan huwa impost b'effett mis-26 ta' Frar 2006 fuq importazzjonijiet tal-fibrri diskontinwi tal-polyester li ġew reġistrati skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 342/2006.

3. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li jieqfu jirreġistraw l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, prodotti minn Huvis Sichuna u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

4. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

32006D0768

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Novembru 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2003/583/KE dwar l-allokazzjoni mill-ġdid ta' fondi li rċieva l-Bank Ewropew ta' l-Investiment għall-operazzjonijiet magħmula fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, taħt it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt EDF

(2006/768/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (1),

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern tat-12 ta' Settembru 2000 bejn ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-amministrazzjoni ta' l-għajnuna Komunitarja taħt il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmat f'Cotonu (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji *extra*-Komunitarji li tapplika għalihom ir-Raba' Parti tat-Trattat KE (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni imfassla bi ftehim mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment (EIB),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2003/583/KE (3) tindika li l-ammont globali ta' l-allokazzjoni addizzjonali jkun disponibbli għal perjodu ta' erba' snin mid-data tal-ftuħ tal-kont.

(2) Id-Deċiżjoni 2005/446/KE (4) tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2005, tiffissa l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi tad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) fil-31 ta' Diċembru 2007.

(3) Fid-dawl tad-dewmien fil-preparamenti għall-proċess elettorali kellha tiġi prolongata t-tranżizzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi addizzjonali msemmija fid-Deċiżjoni 2003/583/KE kellha tiġi estiża.

(4) Għalhekk, l-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi addizzjonali previsti fid-Deċiżjoni 2003/583/KE għandha tiġi allinjata ma' l-iskadenza prevista fid-Deċiżjoni 2005/446/KE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tielet sentenza ta' l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2003/583/KE hija b'dan sostitwita bit-test li ġej:

"L-iskadenza ta' l-impenn tal-fondi depożitati f'dan il-kont għandha tkun il-31 ta' Diċembru 2007 konformement mad-Deċiżjoni 2005/446/KE. Mat-tlestija ta' l-operazzjonijiet kollha finanzjati mill-allokazzjoni, il-kont bankarju jingħalaq u kwalunkwe parti li tibqa' mill-fondi għandha tingħata lura lill-Istati Membri. Il-kont jingħalaq mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011."

(1) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif emendat mill-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4).

(2) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

(3) ĠU L 198, 6.8.2003, p. 9.

(4) ĠU L 156, 18.6.2005, p. 19.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum li fih tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

32006E0773

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/773/PESK

tat-13 ta' Novembru 2006

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) [1] għal perijodu ta' 12-il xahar.

(2) L-Arranġament Miftiehem bejn il-Gvern ta' l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana jispeċifika li l-mandat inizjali ta' 12-il xahar tal-missjoni jista' jiġġedded għal perjodu ulterjuri ta' sitt xhur sakemm il-Partijiet kollha ma jiddeċiedux li jtemmu l-Missjoni.

(3) Fil-15 ta' Settembru 2006, il-Kunsill tenna l-impenn kontinwat tiegħu għall-EUBAM Rafah.

(4) Kemm il-parti Palestinjana kif ukoll dik Iżraeljana esprimew l-approvazzjoni tagħhom għall-estensjoni ta' l-EUBAM Rafah, konformement ma' l-Artikolu V ta' l-Arranġament Miftiehem dwar il-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah fuq il-fruntiera bejn Gaża u l-Eġittu.

(5) L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) l-Artikolu 3 għandu jiġi mħassar;

2) l-Artikolu 13(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenzja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-missjoni għandu jkun EUR 1 696 659 għall-2005 u EUR 5 903 341 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sa l-24 ta' Mejju 2007.";

3) it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Din għandha tiskadi fl-24 ta' Mejju 2007.";

4) l-Artikolu 17 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi riveduta sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28.

32006D0774

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Novembru 2006

li tawtorizza lil ċerti Stati Membri biex japplikaw rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 28(6), tad-Direttiva 77/388/KEE

(2006/774/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra s-sitt Direttiva 77/388/KEE tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima [1] (hawn aktar 'il quddiem "id-Direttiva") u b'mod partikolari, l-Artikolu 28(6),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill, b'deċiżjoni unanima fuq l-proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil Stat Membru li jressaq talba skond il-proċedura u taħt il-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva 77/388/KEE, biex japplika rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera.

(2) Is-servizzi kkonċernati għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva min-naħa, u jidhru fl-Anness K ta' l-istess Direttiva, min-naħa l-oħra.

(3) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/185/KE tat-28 ta' Frar 2000 li tawtorizza lill-Istati Membri biex japplikaw rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 28(6), tad-Direttiva 77/388/KEE [2], il-Belġju, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall u r-Renju Unit (fil-każ ta' Isle of Man biss) setgħu japplikaw, sal-31 ta' Diċembru 2005, rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq is-servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera li għalihom kienu ressqu talba.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/18/KE [3] temenda d-Direttiva f'dak li għandu x'jaqsam mar-rati mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT, bil-għan li, minn naħa, jiġi estiż iż-żmien ta' l-applikazzjoni tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2010, u, min-naħa l-oħra, tippermetti lill-Istati Membri li jkunu jixtiequ jieħdu dan il-benefiċċju għall-ewwel darba, li jkollhom il-fakoltà prevista, kif ukoll lil dawk li jixtiequ jemendaw il-lista tas-servizzi li għalihom ikunu applikaw il-miżuri previsti fid-Direttiva, biex ressqu t-talba tagħhom ta' tnaqqis ta' rati lill-Kummissjoni dwar dan.

(5) Bil-għan li l-Istati Membri li ġew awtorizzati bid-Deċiżjoni 2000/185/KE jitħallew ikomplu japplikaw ir-rata mnaqqsa sal-31 ta' Diċembru 2010, u bil-ħsieb li jkun hemm ċarezza ġuridika, ikun jaqbel li l-kontenut ta' din id-deċiżjoni jiġi integrat fid-Deċiżjoni preżenti għal dawk l-Istati Membri li ma emendawx it-talba li ressqu fil-bidu.

(6) Skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, il-Greċja, li diġà għandha l-awtorizzazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2000/185/KE, biex tapplika rata mnaqqsa f'żewġ kategoriji ta' l-Anness K, ressqet talba ġdida bil-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tagħha ta' qabel. Jeħtieġ għalhekk li l-Greċja tingħata awtorizzazzjoni ġdida biex tapplika rata mnaqqsa skond it-talba l-ġdida tagħha.

[1] ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/69/KE (ĠU L 221, 12.8.2006, p. 9).

[2] ĠU L 59, 4.3.2000, p. 10. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/161/KE (ĠU L 52, 21.2.2004, p. 62).

[3] ĠU L 51, 22.2.2006, p. 12.

(7) Ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u l-Finlandja ressqu talba għall-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tat-taxxa tal-VAT fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera skond il-proċedura meħtieġa u taħt il-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva 77/388/KEE.

(8) Barra minhekk ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u l-Polonja, kif ukoll il-Greċja ressqu talba biex tinkiseb l-awtorizzazzjoni biex tiġi applikata, b'mod eċċezzjonali, ir-rata mnaqqsa għas-servizzi fi tliet kategoriji ta' l-Anness K. F'kull wieħed minn dawn l-erba' Stati Membri, it-tnaqqis tar-rata fit-tielet kategorija minn dawk magħżula, għandu jkollu biss impatt ekonomiku insinfikanti.

(9) Sabiex l-Istati Membri konċernati jkunu jistgħu jkomplu japplikaw rati mnaqqsa fuq ċerti servizzi b'intensità għolja ta' mano d'opera kif previst fid-Deċiżjoni 2000/185/KEE, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006.

(10) Din id-Deċiżjoni m'għandux ikollha impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej ġejjin mit-taxxa tal-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Belġju huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1 u 2 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati li għandhom aktar minn ħames snin, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti.

Artikolu 2

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Repubblika Ċeka hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2, 3 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) ħasil tat-twieqi u tindif ta' residenzi privati;

(ċ) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 3

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Greċja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f' punti 1, 2 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati qodma, (mhux mibnija reċentement) ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(ċ) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 4

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, Spanja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) xogħol tal-ġebel fit-tiswija ta' residenzi privati ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) hairdressing.

Artikolu 5

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, Franza hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2, 3 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati li għandhom aktar minn sentejn, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili);

(ċ) ħasil tat-twieqi u tindif ta' residenzi privati.

Artikolu 6

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, l-Italja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 7

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, Ċipru huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) hairdressing.

Artikolu 8

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Latvja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(b) hairdressing.

Artikolu 9

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Lussemburgu huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1, 3 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) hairdressing.

(ċ) ħasil tat-twieqi u tindif ta' residenzi privati.

Artikolu 10

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, l-Ungerija hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1, 2 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(ċ) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 11

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, Malta hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda;

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 12

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, l-Olanda hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1, 2 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) hairdressing;

(ċ) xogħol ta' tibjid u ta' tikħil fir-rinnovament u t-tiswija ta' residenzi privati li għandhom aktar minn ħmistax-il sena, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti.

Artikolu 13

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Polonja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1, 2 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda,

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

(ċ) hairdressing.

Artikolu 14

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il-Portugall huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq iż-żewġ servizzi li ġejjin, previsti f'punti 2 u 4 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

a) rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti;

b) servizzi ta' kura fid-dar (per eżempju, għajnuna fid-dar u kura għat-tfal, anzjani, persuni morda u disabili).

Artikolu 15

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, is-Slovenja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq is-servizz ta' rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti, għas-settur imsemmi fil-punt 2 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija.

Artikolu 16

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel u r-raba subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, il- Finlandja hija awtorizzata tapplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 fuq it-tlett servizzi li ġejjin, previsti f'punti 1 u 5 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija:

(a) servizzi żgħar tat-tiswija:

— tar-roti,

— żraben u oġġetti tal-ġilda;

— ħwejjeġ u bjankerija tad-djar (inklużi x-xogħlijiet ta' tiswija u ta' tibdil);

(b) hairdressing.

Artikolu 17

Skond l-Artikolu 28(6), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 77/388/KEE, ir-Renju Unit huwa awtorizzat japplika rati mnaqqsa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010 għas-servizz ta' rinnovament u tiswija ta' residenzi privati, ħlief għall-materjali li jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-valur tas-servizz mogħti, imsemmi fil-punt 2 ta' l-Anness K tad-Direttiva msemmija, iżda għall-Isle of Man biss.

Artikolu 18

Din id-deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 19

Ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq huma d-destinatarji ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussel, 7 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

22006X1117(01)

Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq l-oħra

Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ u materji relatati mal-kummerċ bejn il-Komunità Ewropea, fuq naħa, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq l-oħra [1], iffirmat fi Brussell fit-12 ta' Ġunju 2006, jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006, skond l-Artikolu 56 tal-Ftehim.

---

[1] ĠU L 239, 1.9.2006, p. 2.

32006E0787

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/787/PESK

tat-13 ta' Novembru 2006

li ġġedded ċerti miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/792/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan ([1]). Dawn il-miżuri jiskadu fl-14 ta' Novembru 2006.

(2) Fid-dawl ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Uzbekistan, il-Kunsill iddeċieda li jġedded il-miżuri restrittivi għal perjodu ta' 12-il xahar r-restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni għal perjodu ta' 6 xhur.

(3) Madankollu, il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħat imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK għandhom jerġgħu jsiru, bil-għan li tinkiseb, permezz tad-djalogu, il-konformità ta' l-Uzbekistan mal-prinċipji tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-istat tad-dritt u għal-libertajiet fundamentali.

(4) Matul dan il-perjodu, il-Kunsill ser jirrivedi l-miżuri fid-dawl ta' kwalunkwe bidla sinifikattiva fis-sitwazzjoni attwali, b'mod partikolari rigward l-elementi deskritti fil-premessa (7) tal-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK.

(5) Hija meħtieġa azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-miżuri disposti fl-Artikoli 1 u 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2005/792/PESK huma b'dan estiżi b'perjodu ta' 12-il xahar u l-miżuri disposti fl-Artikolu 3 għal 6 xhur.

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Għandha tiġi mġedda, jew emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma ġewx milħuqa.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tibda jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

([1]) ĠU L 299, 16.11.2005, p. 72.

32006D0789

18.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 319/37

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2006

dwar proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni f'materji ta' assigurazzjoni ta' kreditu, garanziji ta' kreditu u krediti finanzjarji

(Verżjoni kodifikata)

(2006/789/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 73/391/KEE tat-3 ta' Diċembru 1973 fuq proċeduri ta' konsultazzjoni u informazzjoni f'materji ta' assigurazzjoni ta' kreditu, garanziji ta' kreditu u krediti finanzjarji [3] ġiet emendata [4] b'mod sostanzjali. Huwa kunsiljabbli, bl-iskop taċ-ċarezza u tarrazzjonalità, li l-imsemmija Deċiżjoni tiġi kkodifikata.

(2) B'Deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 1960 [5], il-Kunsill stabbilixxa Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Politika għall-Assigurazzjoni tal-Kreditu, Garanziji tal-Kreditu u Krediti Finanzjarji.

(3) Huwa kunsiljabbli li jsir provvediment għal proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' informazzjoni f'materji ta' assigurazzjoni ta' kreditu, garanziji ta' kreditu u krediti finanzjarji,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna il-proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' informazzjoni f'materji ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu, garanziji tal-kreditu u krediti finanzjarji.

TITOLU I

PROĊEDURA ĠENERALI

TAQSIMA I

Kamp ta' applikazzjoni

Artikolu 2

1. Għandha ssir konsultazzjoni skond il-proċedura stabbilita fit-Taqsima II meta jkun propost — minn Stat, minn kull organizzazzjoni Statali jew kull korp pubbliku ieħor għall-assigurazzjoni tal-kreditu jew tal-finanzi — sabiex jingħataw jew ikunu garantiti, totalment jew parzjalment, krediti ta' esportazzjoni:

(a) marbuta ma' l-esportazzjonijiet tal-merkanzija jew servizzi;

(b) li ma jkunux skond in-normi elenkati fl-Anness I jew li ma jkunux skond kull norma oħra adottata mill-Istati Membri.

2. Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tkun applikabbli:

(a) jekk tikkonċerna krediti tal-fornitur jew krediti finanzjarji;

(b) jekk dawn il-krediti ikunu s-suġġett ta' kuntratti individwali jew ta' arranġamenti globali ta' kreditu kif deskritt fl-Artikolu 3;

(ċ) jekk il-krediti ikunu purament privati jew ikunu mogħtija, totalment jew parzjalment, minn fondi pubbliċi.

3. Krediti mħallta li jikkombinaw fondi pubbliċi u privati u arranġamenti globali ta' kreditu privat flimkien ma' sussidji ta' l-imgħax ta' fondi pubbliċi għandhom għall-finijiet tal proċedura ta' konsultazzjoni jkunu kunsidrati bħala krediti pubbliċi.

Artikolu 3

1. "Arranġament globali ta' kreditu" tfisser kull ftehim jew dikjarazzjoni, f'kull forma li jkunu, fejn l-intenzjoni li jkunu garantiti l-krediti tal-fornitur jew il-krediti finanzjarji jew sabiex jingħataw krediti finanzjarji, sa limitu speċifikat u aċċertabbli, u fir-rigward ta' serje konnessa ta' transazzjonijiet, tiġi mgħarrfa lil pajjiż terz jew lill-esportaturi jew lill-istituzzjonijiet finanzjarji.

[1] ĠU C 226 E, 15.9.2005, p. 43.
[2] ĠU C 302, 7.12.2004, p. 19.
[3] ĠU L 346, 17.12.1973, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.
[4] Ara l-Anness III.
[5] ĠU 66, 27.10.1960, p. 1339.

Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tkun applikabbli għal dawn l-arranġamenti globali ukoll meta n-natura tat-transazzjonijiet ma kinetx speċifikata u l-ebda impenn formali ma jkun sar, mingħajr preġudizzju għad-dritt li tittieħed deċiżjoni fuq kull kuntratt partikolari.

2. Jekk, matul konsultazzjoni dwar l-għoti ta' arranġament globali — kemm jekk pubbliku jew privat fin-natura — Stat Membru jew il-Kummissjoni jitolbu li ssir konsultazzjoni orali u jekk matul din il-konsultazzjoni orali seba' Stati Membri jitolbu li l-kuntratti individwali kollha, jew xi whud minnhom li għandhom jitħallsu minn dan l-arranġament globali, ikunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet minn qabel, il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu applikabbli għal dawn il-kuntratti.

3. Kull Stat Membru li jkun ta arranġament globali għandu, sussegwentement u kull sitt xhur wara, jagħti notifika ta' l-użu li sar ta' tali arranġament.

TAQSIMA II

Proċedura

Artikolu 4

Fil-każ ta' kuntratt individwali, l-Istat Membru li jibda l-konsultazzjonijiet għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-pajjiż tad-destinazzjoni;

(b) il-post fejn saret it-transazzjoni jew, fin-nuqqas ta' dak, l-indirizz ta' l-uffiċċju prinċipali tal-kontraenti fil-pajjiż tad-destinazzjoni;

(ċ) il-karatteristiċi tat-transazzjoni:

(i) in-natura tat-transazzjoni: it-tip ta' materjal u numru approssimattiv ta' oġġetti li ser jiġu forniti,

(ii) il-klassifikazzjoni tal-valur skond l-iskala mogħtija fl-Anness II,

(iii) in-natura, pubblika jew privata, tax-xerrejja jew ta' kull garanti eventwali,

(iv) jekk fir-rigward tat-transazzjoni se ssir sejħa għall-offerti internazzjonali, id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni ta' l-offerti;

(d) il-kondizzjonijiet prinċipali ta' kreditu mitluba mir-riċevent propost;

(e) il-kondizzjonijiet ta' kreditu li jipproponu li joffru l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur:

(i) il-perċentwal pagabbli fuq kreditu;

(ii) it-tul taż-żmien tal-kreditu u meta jibda (eż. kull konsenja, l-aħħar konsenja, kummissjonar);

(iii) ir-rata ta' ħlas lura;

(iv) fejn il-ħlas lura ma jsirx b'rati indaqs f'intervalli regolari bejn il-punt tal-bidu u l-waqfien tal-kreditu, id-dettalji eżatti kif dan għandu jsir (il-perċentwal ta' kull rata u d-data eżatta tal-ħlas);

(v) l-ammont effettiv ta' sussidju ta' l-imgħax, fejn dan ikun differenti minn dak riċevibbli skond is-sistema normali; ir-rata ta' l-imgħax jekk il-kreditu għandu jingħata minn fondi pubbliċi;

(vi) l-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni tal-kreditu, fejn dawn ikunu differenti minn dawk pagabbli skond is-sistema normali;

(vii) l-iskop u l-kondizzjonijiet ta' kull sostenn għan-nefqa lokali;

(f) ir-raġunijiet preċiżi invokati sabiex ma jkunux applikati, jew sabiex ikun hemm xi deroga minn, in-normi previsti fl-Artikolu 2(1). Fejn ikunu jeżistu, iċ-ċirkostanzi li ġejjin għandhom ikunu speċifikati:

(i) kreditu ta' għajnuna;

(ii) kompetizzjoni minn pajjiż terz (bl-indikazzjoni jekk appoġġat jew le);

(iii) transazzjoni addebitabbli lil xi arranġament globali li kienet is-suġġett ta' konsultazzjoni minn qabel.

Artikolu 5

Fil-każ ta' arranġamenti globali ta' kreditu, l-Istat Membru li jibda l-konsultazzjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-pajjiż ta' destinazzjoni;

(b) l-ammont totali involut fl-arranġament globali ta' kreditu;

(ċ) l-iskop tal-kreditu:

(i) jekk magħruf, il-post fejn tkun se ssir it-transazzjoni,

(ii) it-tip tal-materjal li l-fornitura tiegħu tkun kontemplata,

(iii) in-natura, pubblika jew privata, ta' min jissellef u ta' garanti eventwali;

(d) il-kondizzjonijiet ta' kreditu simili għall-informazzjoni prevista taħt il-punt (e) ta' l-Artikolu 4 u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-kuntratti individwali (eż. id-dati ta' skadenza għall-addebitament ta' l-arranġament globali ta' kreditu, il-prezzijiet minimi tal-kuntratt li għandhom jiġu stabbiliti, jekk ikun hemm);

(e) ir-raġunijiet preċiżi invokati sabiex ma jkunux applikati, jew sabiex ikun hemm xi deroga minn, in-normi previsti fl-Artikolu 2(1). Fejn ikunu jeżistu, iċ-ċirkostanzi li ġejjin għandhom ikunu speċifikati:

(i) kreditu ta' għajnuna;

(ii) kompetizzjoni minn pajjiż terz (bl-indikazzjoni jekk appoġġat jew le).

Artikolu 6

L-enumerazzjoni li ġejja għandha tkun osservata meta tiġi trasmessa l-informazzjoni:

(a) kuntratti individwali: ittri li jikkorrispondu għall-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta segwiti b'numru serjali għal kull sena; fejn kuntratt ikun addebitat lil arranġament globali, għandha tkun idikata wkoll l-enumerazzjoni ta' dan l-arranġament globali;

(b) arranġamenti globali ta' kreditu privat: ittra "X" segwita bl-ittri li jikkorrispondu għall-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta u b'numru serjali għal kull sena;

(ċ) krediti pubbliċi jew imħallta: l-ittra "A" segwita bl-ittri li jikkorrispondu għall-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta u b'numru serjali għal kull sena.

Artikolu 7

Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkoordinaw l-attitudinijiet tagħhom fi żmien tajjeb u xieraq, l-informazzjoni prevista taħt l-Artikoli 4 u 5 għandha tintbagħat kemm jista' jkun malajr wara l-bidu ta' l-istudju tal-garanziji jew tal-krediti proposti stess, jew ta' kull deċiżjoni oħra li, skond il-kondizzjonijiet tar-regolamenti nazzjonali jew il-prattika amministrattiva nazzjonali, jikkostitwixxu prerekwiżit għall-eżami sussegwenti ta' dawn il-garanziji jew krediti.

Artikolu 8

Fejn ikun hemm xi bidla fil-fatturi li jiġġustifikaw xi deroga minnormi jew jekk jiġu proposti kondizzjonijiet ġodda bażiċi tal-kreditu li jkunu differenti minn dawk speċifikati fil-bidu mill-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta, għandhom isiru konsultazzjonijiet mill-ġdid taħt referenza riveduta.

Jekk, iżda, il-kondizzjonijiet ġodda proposti ikunu aktar restrittivi, dak l-Istat Membru għandu jkun obbligat biss għall-informazzjoni diretta taħt ir-referenza inizjali.

Artikolu 9

L-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 4 u 5, ir-risposti speċifikati fl-Artikolu 10 u n-notifika msemmija fl-Artikolu 15 għandhom jiġu trasmessi bit-telex lir-riċeventi rispettivament maħtura minn kull Stat Membru, mill-Kummissjoni u mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Kull korrispondenza relattiva għal konsultazzjoni għandha jkollha n-numru ta' din ta' l-aħħar u indikazzjoni tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu:

(a) jindikaw li l-kondizzjonijiet proposti mill-Istati Membri ma jeħtieġux kummenti;

(b) jitolbu dettalji addizzjonali mill-Istati Membri li jkunu qed jikkonsultaw;

(ċ) jagħmlu kummenti u riservi jew jesprimu opinjoni sfavorevoli; tkun biss opinjoni espressa bħala "opinjoni sfavorevoli" li għandha titqies bħala tali;

(d) jitolbu laqgħa konsultattiva.

2. Il-laqgħa konsultattiva għandha ssir awtomatikament fejn it-transazzjoni suġġetta għall-konsultazzjoni tkun ingħatat opinjoni sfavorevoli minn seba' Stati Membri.

3. Ħlief fejn japplika l-Artikolu 13, l-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta għandu jissospendi d-deċiżjoni tiegħu sa l-iskadenza tal-perjodi stabbiliti fl-Artikolu 11, jew, fejn ikollha ssir awtomatikament laqgħa konsultattiva taħt il-paragrafu 2, sa meta ssir tali laqgħa.

Artikolu 11

Il-proċedura prevista fl-Artikolu 10(1) għandha tibda f'perjodu ta' sebat ijiem kalendarji mid-data tal-komunikazzjoni introduttorja mill-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta.

Fejn jiġu indirizzati talbiet għal dettalji addizzjonali lill-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta, mhux aktar tard mill-iskadenza tat-terminu ta' sebat ijiem kalendarji, l-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta għandu jwieġeb mhux aktar tard minn ħamest ijiem kalendarji.

Il-parteċipanti fil-proċedura fuq imsemmija għandhom jingħataw perjodu massimu ta' tlett ijiem tax-xogħol wara r-riċezzjoni ta' dawn id-dettalji addizzjonali sabiex jesprimu l-opinjoni tagħhom.

Artikolu 12

In-nuqqas min-naħa ta' l-Istati Membri konsultati jew tal-Kummissjoni li jirrispondu fil-perjodi stabbiliti fl-Artikolu 11 għandu jitqies nuqqas ta' kummenti kif definit fil-punt (a) ta' l-Artikolu 10(1).

Hekk kif Stat Membru, li jitlob dettalji addizzjonali, jkun innotifika r-riċeventi msemmija fl-Artikolu 9 li ma rċeviex risposta fid-data ta' l-iskadenza tal-perjodu stabbilit fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11, għandha ssir laqgħa konsultattiva awtomatikament u għandu japplika l-Artikolu 10(3).

Artikolu 13

Bħala miżura eċċezzjonali, l-Istat Membru li jkun qed jikkonsulta jista' jieħu deċiżjoni immedjata dwar it-transazzjoni proposta jekk jikkonsidra li dik id-deċiżjoni ma tistax iddum iżjed.

Madankollu, ħlief fil-każ ta' krediti pubbliċi, l-ewwel paragrafu ma japplikax:

(a) fil-każ li d-deċiżjoni sabiex jingħata jew jiġi garantit l-kreditu tkun ibbażata biss fuq kompetizzjoni intra-Komunitarja. Madankollu, il-possibbiltà li tittieħed deċiżjoni minnufih dwar it-transazzjoni għandha tkun permessa taħt kondizzjonijiet li Stat Membru ieħor ikun diġà ddeċieda li jappoġġa;

(b) safejn kull proċedura, stabbilita f'kuntest internazzjonali u li għaliha jkunu Partijiet l-Istati Membri kollha, tipprovdi lill-parteċipanti biss il-possibbiltà, fil-każ ta' urġenza, tat-tnaqqis tal-perjodi normali għar-risposta.

Artikolu 14

Għandhom jinżammu laqgħat konsultattivi fl-okkażjoni ta' kull laqgħa tal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-Politika għall-Assigurazzjoni tal-Kreditu, Garanziji ta' Kreditu u Krediti Finanzjarji stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 1960, jew tas-subgruppi tiegħu. Addizzjonalment, fuq it-talba ta' xi Stat Membru, għandhom jinżammu laqgħat speċjali bejn il-laqgħat tal-Grupp jew tas-subgruppi tiegħu.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lir-riċeventi msemmija fl-Artikolu 9, jekk possibbli erbat ijiem qabel il-laqgħat konsultattivi, il-lista tal-kwistjonijiet li jkollohom il-ħsieb jippreżentaw għad-diskussjoni.

Il-laqgħat konsultattivi għandhom isiru fis-sede tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 15

Fil-każijiet kollha d-deċiżjoni finali meħuda dwar kull transazzjoni għandha tkun mgħarrfa lill-Istati Membri l-oħra. In-notifika ta' din id-deċiżjoni għandha tkun akkumpanjata minn stqarrija tar-raġunijiet għaliex l-Istat Membru ma setax isegwi l-kummenti, ir-riservi jew l-opinjonijiet sfavorevoli espressi mill-imsieħba konsultati.

TITOLU II

PROĊEDURI SPEĊJALI

Artikolu 16

Kull Stat Membru jista' jsaqsi kull Stat Membru ieħor jekk jafx b'xi transazzjoni li sadakinhar ma kinitx is-suġġett ta' konsultazzjoni u, partikolarment bil-kondizzjonijiet ta' kreditu allegati minn xi esportatur jew istituzzjoni finanzjarja. Jekk ma tingħata ebda risposta għal dawn it-talbiet ta' dettalji fi żmien sebat ijiem, l-Istat Membru li jagħmel it-talba jkollu d-dritt jikkonsidra li l-Istat Membru kkonsultat ikun jaf b'din l-affari u li l-kondizzjonijiet ta' kreditu allegati jitqiesu huma meqjusa bħala stabbiliti. L-Istat Membru li jagħmel it-talba jkollu d-dritt li jibda konsultazzjoni skond il-proċedura preskritta skond it-Titolu I, filwaqt li jindika espressament li din tkun motivat minn sitwazzjoni kompetittiva meqjusa bħala stabbilita.

Jekk tkun diġà ġiet mibdija konsultazzjoni minn Stat Membru u Stat Membru ieħor, li jiġi msejjaħ sabiex jappoġġa l-istess transazzjoni, isaqsi l-ewwel Stat dwar il-pożizzjoni finali tiegħu, in-nuqqas ta' risposta għal tali mistoqsija ma' l-iskadenza ta' perjodu ta' ħamest ijiem tax-xogħol għandu jawtorizza l-Istat Membru li jagħmel il-mistoqsija sabiex jikkonsidra li l-Istat Membru mistoqsi jkun appoġġa l-affari taħt il-kondizzjonijiet indikati matul il-konsultazzjoni.

Artikolu 17

Fir-rigward ta' krediti mhux marbuta li ma jikkonformawx mannormi stabbiliti fl-Anness I jew ma' kull norma oħra adottata mill-Istati Membri għandhom, fil-qafas tal-Grupp tal-Politika Koordinata għall-Kreditu ta' l-Assigurazzjoni, Garanziji ta' Kreditu u Krediti Finanzjarji, għandha ssir notifika:

(a) tal-komponenti bażiċi tal-krediti mogħtija matul it-tliet xhur ta' qabel;

(b) ta' l-użu magħmul minn krediti mhux marbuta sa l-ġheluq tas-sena preċedenti.

Artikolu 18

Meta Stat Membru jikkonkludi ma' pajjiż terz ftehim li jirriferi għall-għoti possibbli ta' krediti mingħajr ma jkunu speċifikati kondizzjonijiet preċiżi tagħhom:

(a) fil-każ ta' krediti marbuta, għandu mal-konklużjoni tal-ftehim jikkomunika l-karatterisitiċi ewlenin tiegħu lir-riċeventi msemmija fl-Artikolu 9;

(b) fil-każ ta' krediti mhux marbuta, in-notifikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 17 għandhom japplikaw ugwalment għal dawn il-krediti.

TITOLU III

RAPPORTI PERJODIĊI

Artikolu 19

Il-Grupp tal-Politika Kordinata għall-Assigurazzjoni tal-Kreditu, Garanziji tal-Kreditu u Krediti Finanzjarji għandu jippreżenta rapporti kull sitt xhur dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri previsti fit-Titoli I u II.

Bla preġudizzju għal dawn ir-rapport perjodiċi, għandhom ukoll isiru rapporti supplimentari jekk dawn ikunu meħtieġa minnatura u l-importanza tad-diffikultajiet li jinstabu fl-applikazzjoni tal-proċeduri.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Id-Deċiżjoni 73/391/KEE hija b'dan imħassra.

Ir-referenzi magħmula għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 21

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS I

NORMI KOMUNITARJI LI MA JISTGĦUX JIĠU DEROGATI MINGĦAJR KONSULTAZZJONI

A. Tul ta' krediti

It-tul ta' kull kreditu mogħti, sew jekk ikun kreditu tal-fornitur kif ukoll jekk ikun kreditu finanzjarju, ma għandux jaqbeż ħames snin li jibdew minn dawn il-punti:

1. Oġġetti kapitali li jikkonsistu f'oġġetti individwali li jistgħu jintużaw waħidhom (per eżempju, lokomotivi):

   — id-data medja, jew dati attwali, li fihom ix-xerrej ikollu jieħu pussess fiżiku ta' l-oġġetti f'pajjiżu.

2. Oġġetti kapitali destinati għal impjanti jew fabbriki kompleti fejn il-fornitur ma jkollu l-ebda responsabbiltà relattivament għall-ikkummissjonar:

   — id-data li fiha x-xerrej ikollu jieħu pussess fiżiku tat-totalità ta' l-oġġetti (ħlief għal spare parts) forniti taħt il-kuntratt.

3. Kuntratti ta' kostruzzjoni fejn il-kuntrattur ma jkollu ebda responsabbiltà relattivament għall-ikkummissjonar:

   — id-data li fiha titlesta l-kostruzzjoni.

4. Kuntratti ta' istallazzjoni (jew kostruzzjoni) fejn il-fornitur (jew il-kuntrattur) ikollu responsabbiltà kontrattwali relattivament għall-ikkummissjonar:

   — id-data li fiha l-fornitur (jew il-kuntrattur) ikun lesta l-istallazzjoni (jew il-kostruzzjoni) u t-testijiet preliminari sabiex ikun żgurat li l-oġġett ikun lest sabiex jiħaddem, sew jekk l-istallazzjoni (jew kostruzzjoni) tingħata lix-xerrej f'dak iż-żmien kif ukoll jekk le skond it-termini tal-kuntratt u rrispettivament minn kwalunkwe impenn li l-fornitur (jew kuntrattur) jista' jkun assuma u li jkun għadu jorbtu, relattivament, per eżempju, għall-garanzija tal-funzjonament effettiv jew għat-taħriġ tal-persunal lokali.

5. Fil-każ tal-punti 2, 3 u 4, fejn il-kuntratt jipprevedi l-eżekuzzjoni separata ta' diversi partijiet ta' proġett:

   — id-data tal-bidu ta' kull parti separata, jew id-data medja ta' dak il-bidu jew, fejn il-fornitur ikun daħal f'kuntratt mhux għall-proġett kollu iżda għal parti essenzjali tiegħu, il-bidu adatt għall-proġett globalment.

B. Perċentwal ta' l-ispiża lokali

Fil-każ ta' krediti privati garantiti, il-bilanċ tal-porzjon lokali pagabbli bil-kreditu ma għandux jaqbeż 5 % tal-prezz tal-kuntratt.

Madankollu, ma għandhiex issir konsultazzjoni fil-każ ta' kuntratti li jipprovdu li jsir il-ħlas tal-porzjon lokali, mhux aktar tard minn meta jiskadi perjodu ta' tliet xhur kalkolati mit-tlestija kompleta tax-xogħlijiet jew tal-konsenji.

Għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni ta' din ir-regola:

(a) "bilanċ pagabbli bil-kreditu" tfisser il-bilanċ li jifdal wara li jkunu addebitati kontra l-porzjon lokali l-pagamenti kollha magħmula akkont fir-rigward tal-kuntatt;

(b) "porzjon lokali" tfisser dak il-porzjon tal-prezz tal-kuntratt li jirrappreżenta l-ispiża li l-esportatur jistenna li jħallas fil-post bħala pagamenti lill-impjegati u oħrajn u pagamenti għall-merkanzija u l-materjali;

(ċ) "kuntratt" tfisser kull tip ta' kuntratt (jiġifieri kuntratti ta' fornitura ta' merkanzija, kuntratti ta' xogħol, kuntratti mħallta);

(d) "pagamenti akkont" tfisser is-somom kollha pagabbli bejn meta ssir l-ordni u t-tlestija finali tax-xogħlijiet jew il-konsenji.

C. Kuntratt ta' leasing

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tar-regoli li huma s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, il-kuntratti ta' leasing għandhom ikunu trattati bħala krediti. Fejn it-tul taż-żmen tagħhom ma jkunx espressament ristrett, tali żmien għandu jitqies li jkun iżjed minn ħames snin.

ANNESS II

SKALA TA' VALURI LI GĦANDHOM JINTUŻAW

Kategorija I:	sa 750 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija II:	minn 600 000 sa 1 200 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija III:	minn 1 000 000 sa 2 200 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija IV:	minn 2 000 000 sa 3 200 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija V:	minn 3 000 000 sa 5 000 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija VI:	minn 4 800 000 sa 7 600 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija VII:	minn 7 400 000 sa 11 200 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija VIII:	minn 10 000 000 sa 22 000 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija IX:	minn 20 000 000 sa 44 000 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.
Kategorija X:	iktar minn 40 000 000 drittijiet speċjali ta' ġbid.

ANNESS III

DEĊIŻJONI MĦASSRA BL-EMENDI TAGĦHA

Deċiżjoni tal-Kunsill 73/391/KEE [1]	(ĠU L 346, 17.12.1973, p. 1)
Deċiżjoni tal-Kunsill 76/641/KEE	(ĠU L 223, 16.8.1976, p. 25)

[1] Id-Deċiżjoni 73/391/KEE kienet emendata wkoll mill-atti li ġejjin li mhumiex imħassra:
— l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1985;
— l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994.

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Deċiżjoni 73/391/KEE	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 21
Anness, Artikolu 1, kliem introduttorju	Artikolu 2(1), kliem introduttorju
Anness, Artikolu 1, l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 2(1)(a) u (b)
Anness, Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, kliem introduttorju	Artikolu 2(2), kliem introduttorju
Anness, Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, l-ewwel sa t-tielet inċiżi	Artikolu 2(2)(a) sa (ċ)
Anness, Artikolu 2, it-tieni paragrafu	Artikolu 2(3)
Anness, Artikolu 3	Artikolu 3
Anness, Artikolu 4(a) u (b)	Artikolu 4(a) u (b)
Anness, Artikolu 4(ċ) l-ewwel sa r-raba' inċiżi	Artikolu 4(ċ)(i) sa (iv)
Anness, Artikolu 4(d)	Artikolu 4(d)
Anness, Artikolu 4(e) l-ewwel sa s-seba' inċiżi	Artikolu 4(e)(i) sa (vii)
Anness, Artikolu 4(f)	Artikolu 4(f)(i) sa (iii)
Anness, Artikolu 5(a) u (b)	Artikolu 5(a) u (b)
Anness, Artikolu 5(ċ), l-ewwel sat-tielet inċiżi	Artikolu 5(ċ)(i) sa (iii)
Anness, Artikolu 5(d)	Artikolu 5(d)
Anness, Artikolu 5(e)	Artikolu 5(e)(i) u (ii)
Anness, Artikolu 6, kliem introduttorju	Artikolu 6, kliem introduttorju
Anness, Artikolu 6, l-ewwel sat-tielet inċiżi	Artikolu 6(a) sa (ċ)
Anness, Artikoli 7 sa 9	Artikoli 7 sa 9
Anness, Artikolu 10(1), kliem introduttorju	Artikolu 10(1), kliem introduttorju
Anness, Artikolu 10(1), l-ewwel sar-raba' inċiżi	Artikolu 10(1)(a) sa (d)
Anness, Artikolu 10(2) u (3)	Artikolu 10(2) u (3)
Anness, Artikoli 11 u 12	Artikoli 11 u 12
Anness, Artikolu 13, l-ewwel paragrafu	Artikolu 13, l-ewwel paragrafu
Anness, Artikolu 13, it-tieni paragrafu, kliem introduttorju	Artikolu 13, it-tieni paragrafu, kliem introduttorju
Anness, Artikolu 13, it-tieni paragrafu, l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 13, it-tieni paragrafu, punti (a) u (b)
Anness, Artikoli 14 sa 16	Artikoli 14 sa 16
Anness, Artikolu 17, kliem introduttorju	Artikolu 17, kliem introduttorju
Anness, Artikolu 17, l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 17(a) u (b)
Anness, Artikolu 18, kliem introduttorju	Artikolu 18, kliem introduttorju
Anness, Artikolu 18, l-ewwel u t-tieni inċiżi	Artikolu 18(a) u (b)

Deċiżjoni 73/391/KEE	Din id-Deċiżjoni
Anness, Artikolu 19	Artikolu 19
—	Artikolu 20
Anness 1, punt A	Anness I, punt A
Anness 1, punt B, kliem introduttorju	Anness I, punt B, l-ewwel paragrafu
Anness 1, punt B, l-ewwel inċiż	Anness I, punt B, it-tieni paragrafu
Anness 1, punt B, l-ewwel sar-raba' subinċiżi tat-tieni inċiż	Anness I, punt B, it-tielet paragrafu, (a) sa (d)
Anness 1, punt Ċ	Anness I, punt Ċ
Anness 2	Anness II
—	Anness III
—	Anness IV

22006D0792

DEĊIŻJONI Nru 2/2006 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-ĊILI

tas-16 ta' Ottubru 2006

dwar l-emendament ta' l-Anness I mal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, sabiex jittieħed kont tal-konsolidazzjoni tal-preferenzi tariffarji mogħtija liċ-Ċili mill-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (GSP)

(2006/792/KE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, iffirmat fit-18 ta' Novembru 2002 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 60(5) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi ggarantita ċ-ċarezza, il-prevedibbiltà ekonomika fuq medda twila ta' żmien u ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, il-Partijiet qablu li jikkonsolidaw fil-ftehim bilaterali tagħhom dwar il-kummerċ liberu l-preferenzi tariffarji li fadal mogħtija liċ-Ċili mill-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (GSP) u li għadhom ma ġewx previsti mill-konċessjonijiet tariffarji tal-Komunità elenkati fl-Anness I mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

(2) L-Artikolu 60(5) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet sabiex jaċċelera t-tnaqqis tad-dazji doganali aktar minn kif inhu previst fl-Artikoli 65, 68 u 71, jew inkella sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet ta' aċċess taħt dawk l-Artikoli.

(3) Din id-Deċiżjoni tieħu post it-termini stabbiliti fl-Artikoli 65, 68 u 71 għall-prodotti konċernati.

(4) Huwa mixtieq li tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel mill-GSP għar-reġim ta' kummerċ bilaterali preferenzjali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili billi jkun permess li l-provi ta' l-oriġini tal-GSP (iċ-ċertifikat ta' l-oriġini Formola A jew id-dikjarazzjoni tal-fattura) jiġu preżentati għal ċertu perjodu ta' żmien,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness I mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni huwa b'dan emendat skond id-dispożizzjonijiet disposti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu post it-termini stabbiliti fl-Artikoli 65, 68 u 71 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodotti konċernati.

Artikolu 3

Il-provi ta' l-oriġini maħruġa korrettament fiċ-Ċili fil-qafas ta' l-iskema Komunitarja ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (GSP) għandhom jiġu aċċetati fil-Komunità Ewropea bħala provi validi ta' l-oriġini taħt ir-reġim kummerċjali bilaterali preferenzjali stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sakemm:

(i) il-prova ta' l-oriġini tiġi preżentata fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni;

(ii) il-prova ta' l-oriġini u d-dokumenti tat-trasport inħarġu mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni;

(iii) il-prova ta' l-oriġini tiġi preżentata ma' l-importazzjoni fil-Komunità Ewropea għall-benefiċċju ta' preferenzi tariffarji mogħtija preċedentement taħt il-GSP li huma konsolidati b'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006, jew fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha jekk l-adozzjoni sseħħ wara l-1 ta' Jannar 2006.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Ottubru 2006.

Ghall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni
Il-President
A. FOXLEY

ANNESS

SKEDA TA' ELIMINAZZJONI TARIFFARJA TAL-KOMUNITÀ

(imsemmija fl-Artikoli 60, 65 u 71 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni)

HS heading	Description	Base	Category
0302	Fish, fresh or chilled, excluding fish fillets and other fish meat of heading 0304 – Salmonidae, excluding livers and roes		
0302 69	– – Other – – – Saltwater fish – – – – Hake (*Merluccius* spp., *Urophycis* spp.) – – – – – Hake of the genus *Merluccius*		
0302 69 66	– – – – – – Cape hake (shallow-water hake) (*Merluccius capensis*) and deepwater hake (deepwater Cape hake) (*Merluccius paradoxus*)	11,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4a)
0302 69 67	– – – – – – Southern hake (*Merluccius australis*)	11,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4a)
0302 69 68	– – – – – – Other	11,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4a)
0302 69 69	– – – – – Hake of the genus *Urophycis*	11,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4a)
0305	Fish, dried, salted or in brine; smoked fish, whether or not cooked before or during the smoking process; flours, meals and pellets of fish, fit for human consumption		
0305 30	– Fish fillets, dried, salted or in brine, but not smoked		
0305 30 30	– – Of Pacific salmon (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* and *Oncorhynchus rhodurus*), Atlantic salmon (*Salmo salar*), and Danube salmon (*Hucho hucho*), salted or in brine	11,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4b)
	– Smoked fish, including fillets		
0305 41 00	– – Pacific salmon (*Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus tschawytscha, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus masou* and *Oncorhynchus rhodurus*), Atlantic salmon (*Salmo salar*) and Danube salmon (*Hucho hucho*)	9,50 % ([I]) ([II])	— TQ (4b)
0704	Cabbages, cauliflowers, kohlrabi, kale and similar edible brassicas, fresh or chilled		
ex 0704 10 00	– Cauliflowers and headed broccoli (1/12 to 14/4)	6,1 % ([I])	
ex 0704 10 00	– Cauliflowers and headed broccoli (15/4 to 30/11)	10,1 % ([I])	
0704 90	– Other		
0704 90 10	– – White cabbages and red cabbages	8,5 % ([I])	

HS heading	Description	Base	Category
0705	Lettuce (*Lactuca sativa*) and chicory (*Cichorium* spp.), fresh or chilled – Lettuce		
ex 0705 11 00	– – Cabbage lettuce (head lettuce) (01/12-31/03)	6,9 % ([1])	
ex 0705 11 00	– – Cabbage lettuce (head lettuce) (01/04-30/11)	8,5 % ([1])	
0708	Leguminous vegetables, shelled or unshelled, fresh or chilled		
ex 0708 20 00	– Beans (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.) (1/10 to 30/06)	6,9 % ([1])	
ex 0708 20 00	– Beans (*Vigna* spp., *Phaseolus* spp.) (1/07 to 30/09)	10,1 % ([1])	
0710	Vegetables (uncooked or cooked by steaming or boiling in water), frozen		
0710 40 00	– Sweetcorn	1,6 % + 9,4 EUR/ 100 kg/net eda ([1])	
0711	Vegetables provisionally preserved (for example, by sulphur dioxide gas, in brine, in sulphur water or in other preservative solutions), but unsuitable in that state for immediate consumption – Mushrooms and truffles		
0711 51 00	– – Mushrooms of the genus *Agaricus*	6,1 % + 191 EUR/ 100 kg/net eda ([1])	
0711 90	– Other vegetables; mixtures of vegetables – – Vegetables		
0711 90 30	– – – Sweetcorn	1,6 % + 9,4 EUR/ 100 kg/net eda ([1])	
0714	Manioc, arrowroot, salep, Jerusalem artichokes, sweet potatoes and similar roots and tubers with high starch or inulin content, fresh, chilled, frozen or dried, whether or not sliced or in the form of pellets; sago pith		
0714 20	– Sweet potatoes		
0714 20 90	– – Other	4,4 EUR/ 100 kg/net ([1])	
0811	Fruit and nuts, uncooked or cooked by steaming or boiling in water, frozen, whether or not containing added sugar or other sweetening matter		
0811 20	– Raspberries, blackberries, mulberries, loganberries, black-, white- or redcurrants and gooseberries – – Containing added sugar or other sweetening matter		
0811 20 11	– – – With a sugar content exceeding 13 % by weight	17,3 % + 8,4 EUR/ 100 kg ([1])	
0811 90	– Other – – Containing added sugar or other sweetening matter – – – With a sugar content exceeding 13 % by weight		
0811 90 11	– – – – Tropical fruit and tropical nuts	9,5 % + 5,3 EUR/ 100 kg ([1])	

HS heading	Description	Base	Category
0811 90 19	– – – – Other	17,3 % + 8,4 EUR/ 100 kg ([I])	
1008	Buckwheat, millet and canary seed; other cereals		
1008 90	– Other cereals		
ex 1008 90 90	– – Quinoa	25,9 EUR/ 1 000 kg ([I])	
1604	Prepared or preserved fish; caviar and caviar substitutes prepared from fish eggs – Fish, whole or in pieces, but not minced		
1604 14	– – Tunas, skipjack and bonito (*Sarda* spp.) – – – Tunas and skipjack		
1604 14 11	– – – – In vegetable oil	20,5 % ([I]) ([II])	— TQ(5)
	– – – – Other		
1604 14 16	– – – – – Fillets known as "loins"	20,5 % ([I])	
1604 14 18	– – – – – Other	20,5 % ([I]) ([II])	— TQ(5)
1604 19	– – Other: – – – Fish of the genus *Euthynnus*, other than skipjack (*Euthynnus (Katsuwonus) pelamis*)		
1604 19 31	– – – – Fillets known as "loins"	20,5 % ([I])	—
1604 19 39	– – – – Other	20,5 % ([I]) ([II])	— TQ(5)
1604 20	– Other prepared or preserved fish – – Other		
1604 20 70	– – – Of tunas, skipjack or other fish of the genus *Euthynnus*	20,5 % ([I]) ([II])	— TQ(5)
1702	Other sugars, including chemically pure lactose, maltose, glucose and fructose, in solid form; sugar syrups not containing added flavouring or colouring matter; artificial honey, whether or not mixed with natural honey; caramel		
1702 50 00	– Chemically pure fructose	12,5 % + 50,7 EUR/ 100 kg/net mas ([I])	
1702 90	– Other, including invert sugar and other sugar and sugar syrup blends containing in the dry state 50 % by weight of fructose		
1702 90 10	– – Chemically pure maltose	8,9 % ([I])	
1902	Pasta, whether or not cooked or stuffed (with meat or other substances) or otherwise prepared, such as spaghetti, macaroni, noodles, lasagne, gnocchi, ravioli, cannelloni; couscous, whether or not prepared		
1902 20	– Stuffed pasta, whether or not cooked or otherwise prepared		

HS heading	Description	Base	Category
1902 20 30	– – Containing more than 20 % by weight of sausages and the like, of meat and meat offal of any kind, including fats of any kind or origin	38 EUR/100 kg ([I])	
2001	Vegetables, fruit, nuts and other edible parts of plants, prepared or preserved by vinegar or acetic acid		
2001 90	– Other		
2001 90 30	– – Sweetcorn (*Zea mays* var. *saccharata*)	1,6 % + 9,4 EUR/ 100 kg/net eda ([I])	
2003	Mushrooms and truffles, prepared or preserved otherwise than by vinegar or acetic acid		
2003 10	– Mushrooms of the genus *Agaricus*		
2003 10 20	– – Provisionally preserved, completely cooked	14,9 % + 191 EUR/ 100 kg/net eda ([I]) ([II])	TQ (2d)
2003 10 30	– – Other	14,9 % + 222 EUR/ 100 kg/net eda ([I]) ([II])	TQ (2d)
2004	Other vegetables prepared or preserved otherwise than by vinegar or acetic acid, frozen, other than products of heading 2006		
2004 90	– Other vegetables and mixtures of vegetables		
2004 90 10	– – Sweetcorn (*Zea mays* var. *saccharata*)	1,6 % + 9,4 EUR/ 100 kg/net eda ([I])	
2006 00	Vegetables, fruit, nuts, fruit-peel and other parts of plants, preserved by sugar (drained, glacé or crystallised) – Other – – With a sugar content exceeding 13 % by weight		
2006 00 31	– – – Cherries	16,5 % + 23,9 EUR/ 100 kg ([I])	
2006 00 35	– – – Tropical fruit and tropical nuts	9 % + 15 EUR/ 100 kg ([I])	
2006 00 38	– – – Other	16,5 % + 23,9 EUR/ 100 kg ([I])	
2007	Jams, fruit jellies, marmalades, fruit or nut purée and fruit or nut pastes, obtained by cooking, whether or not containing added sugar or other sweetening matter		
2007 10	– Homogenised preparations		
2007 10 10	– – With a sugar content exceeding 13 % by weight	20,4 % + 4,2 EUR/ 100 kg ([I])	
	– Other		
2007 91	– – Citrus fruit		
2007 91 10	– – – With a sugar content exceeding 30 % by weight	16,5 % + 23 EUR/ 100 kg ([I])	

HS heading	Description	Base	Category
2007 91 30	– – – With a sugar content exceeding 13 % but not exceeding 30 % by weight	16,5 % + 4,2 EUR/ 100 kg (1)	
2007 99	– – Other – – – With a sugar content exceeding 30 % by weight		
2007 99 20	– – – – Chestnut purée and paste	20,5 % + 19,7 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – – Other		
2007 99 31	– – – – – Of cherries	20,5 % + 23 EUR/ 100 kg (1)	
2007 99 33	– – – – – Of strawberries	20,5 % + 23 EUR/ 100 kg (1)	
2007 99 35	– – – – – Of raspberries	20,5 % + 23 EUR/ 100 kg (1)	
2007 99 39	– – – – – Other	20,5 % + 23 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – With a sugar content exceeding 13 % but not exceeding 30 % by weight		
2007 99 55	– – – – Apple purée, including compotes	20,5 % + 4,2 EUR/ 100 kg (1)	
2007 99 57	– – – – Other	20,5 % + 4,2 EUR/ 100 kg (1)	
2008	Fruit, nuts and other edible parts of plants, otherwise prepared or preserved, whether or not containing added sugar or other sweetening matter or spirit, not elsewhere specified or included		
2008 20	– Pineapples – – Containing added spirit – – – In immediate packings of a net content exceeding 1 kg		
2008 20 11	– – – – With a sugar content exceeding 17 % by weight	22,1 % + 2,5 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – In immediate packings of a net content not exceeding 1 kg		
2008 20 31	– – – – With a sugar content exceeding 19 % by weight	22,1 % + 2,5 EUR/ 100 kg (1)	
2008 30	– Citrus fruit – – Containing added spirit – – – With a sugar content exceeding 9 % by weight		
2008 30 19	– – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (1)	
2008 50	– Apricots – – Containing added spirit – – – In immediate packings of a net content exceeding 1 kg – – – – With a sugar content exceeding 13 % by weight		

HS heading	Description	Base	Category
2008 50 19	– – – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I)	
	– – – In immediate packings of a net content not exceeding 1 kg		
2008 50 51	– – – – With a sugar content exceeding 15 % by weight	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I)	
2008 60	– Cherries – – Containing added spirit – – – With a sugar content exceeding 9 % by weight		
2008 60 19	– – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I) (II)	TQ (2e)
2008 80	– Strawberries – – Containing added spirit – – – With a sugar content exceeding 9 % by weight		
2008 80 19	– – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I)	
2008 92	– Other, including mixtures other than those of subheading 2008 19 – – Mixtures – – – Containing added spirit – – – – With a sugar content exceeding 9 % by weight – – – – – Other		
2008 92 16	– – – – – – Of tropical fruit (including mixtures containing 50 % or more by weight of tropical nuts and tropical fruit)	12,5 % + 2,6 EUR/ 100 kg (I)	
2008 92 18	– – – – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I)	
2008 99	– – Other – – – Containing added spirit – – – – Grapes		
2008 99 21	– – – – – With a sugar content exceeding 13 % by weight	22,1 % + 3,8 EUR/ 100 kg (I)	
	– – – – Other: – – – – – With a sugar content exceeding 9 % by weight: – – – – – – Other:		
2008 99 32	– – – – – – – Passion fruit and guavas	12,5 % + 2,6 EUR/ 100 kg (I)	
2008 99 33	– – – – – – – Mangoes, mangosteens, papaws (papayas), tamarinds, cashew apples, lychees, jackfruit, sapodillo plums, carambola and pitahaya	12,5 % + 2,6 EUR/ 100 kg (I)	
2008 99 34	– – – – – – – Other	22,1 % + 4,2 EUR/ 100 kg (I)	

HS heading	Description	Base	Category
2009	Fruit juices (including grape must) and vegetable juices, unfermented and not containing added spirit, whether or not containing added sugar or other sweetening matter – Orange juice		
2009 11	– – Frozen – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 11 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value not exceeding 67		
2009 11 91	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight and with an added sugar content exceeding 30 % by weight	11,7 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 19	– – Other – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 19 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value exceeding 20 but not exceeding 67		
2009 19 91	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight and with an added sugar content exceeding 30 % by weight	11,7 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 29	– – Other: – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 29 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value exceeding 20 but not exceeding 67		
2009 29 91	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight and with an added sugar content exceeding 30 % by weight	8,5 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 39	– – Other: – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 39 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value exceeding 20 but not exceeding 67 – – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight – – – – – Lemon juice		
2009 39 51	– – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	10,9 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	

HS heading	Description	Base	Category
	– – – – – Other citrus fruit juices		
2009 39 91	– – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	10,9 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 49	– Pineapple juice – – Other – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 49 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value exceeding 20 but not exceeding 67 – – – – Other:		
2009 49 91	– – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	11,7 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 61	– Grape juice (including grape must) – – Of a Brix value not exceeding 30		
2009 61 90	– – – Of a value not exceeding EUR 18 per 100 kg net weight	18,9 % + 27 EUR/ hl (1)	
2009 69	– – Other: – – – Of a Brix value exceeding 67:		
2009 69 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 22 per 100 kg net weight	36,5 % + 121 EUR/ hl + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Of a Brix value exceeding 30 but not exceeding 67 – – – – Of a value not exceeding EUR 18 per 100 kg net weight – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight		
2009 69 71	– – – – – – Concentrated	18,9 % + 131 EUR/ hl + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 69 79	– – – – – – Other	18,9 % + 27 EUR/ hl + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 69 90	– – – – – Other	18,9 % + 27 EUR/ hl (1)	
2009 79	– – Other – – – Of a Brix value exceeding 67		
2009 79 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 22 per 100 kg net weight	26,5 % + 18,4 EUR/ 100 kg (1)	

HS heading	Description	Base	Category
	– – – Of a Brix value exceeding 20 but not exceeding 67 – – – – Other		
2009 79 91	– – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	14,5 % + 19,3 EUR/ 100 kg (1)	
2009 80	– Juice of any other single fruit or vegetable – – Of a Brix value exceeding 67 – – – Pear juice		
2009 80 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 22 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Other – – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight		
2009 80 32	– – – – – Juices of passion fruit and guavas	17,5 % + 12,9 EUR/ 100 kg (1)	
2009 80 33	– – – – – Juices of mangoes, mangosteens, papaws (papayas), tamarinds, cashew apples, lychees, jackfruit, sapodillo plums, carambola and pitahaya	17,5 % + 12,9 EUR/ 100 kg (1)	
2009 80 35	– – – – – Other	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – Of a Brix value not exceeding 67: – – – Pear juice: – – – – Other		
2009 80 61	– – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	15,7 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
	– – – Other – – – – Other – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight		
2009 80 83	– – – – – – Juices of passion fruit and guavas	7 % + 12,9 EUR/ 100 kg (1)	
2009 80 84	– – – – – – Juices of mangoes, mangosteens, papaws (papayas), tamarinds, cashew apples, lychees, jackfruit, sapodillo plums, carambola and pitahaya	7 % + 12,9 EUR/ 100 kg (1)	
2009 80 86	– – – – – – Other	13,3 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	
2009 90	– Mixtures of juices – – Of a Brix value exceeding 67 – – – Mixtures of apple and pear juice		
2009 90 11	– – – – Of a value not exceeding EUR 22 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg (1)	

HS heading	Description	Base	Category
	– – – Other		
2009 90 21	– – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight	30,1 % + 20,6 EUR/ 100 kg ([1])	
	– – Of a Brix value not exceeding 67 – – – Mixtures of apple and pear juice		
2009 90 31	– – – – Of a value not exceeding EUR 18 per 100 kg net weight and with an added sugar content exceeding 30 % by weight	16,5 % + 20,6 EUR/ 100 kg ([1])	
	– – – Other – – – – Of a value not exceeding EUR 30 per 100 kg net weight – – – – – Mixtures of citrus fruit juices and pineapple juice		
2009 90 71	– – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight	11,7 % + 20,6 EUR/ 100 kg ([1])	
	– – – – – Other – – – – – – With an added sugar content exceeding 30 % by weight:		
2009 90 92	– – – – – – – Mixtures of juices of tropical fruit	7 % + 12,9 EUR/ 100 kg ([1])	
2009 90 94	– – – – – – – Other	13,3 % + 20,6 EUR/ 100 kg ([1])	
2102	Yeasts (active or inactive); other single-cell micro-organisms, dead (but not including vaccines of heading 3002); prepared baking powders		
2102 10	– Active yeasts		
2102 10 10	– – Culture yeast	7,4 % ([1])	
	– – Bakers' yeast		
2102 10 31	– – – Dried	8,5 % ([1])	
2106	Food preparations not elsewhere specified or included		
2106 90	– Other		
2106 90 10	– – Cheese fondues	24,5 EUR/ 100 kg ([1])	
2106 90 20	– – Compound alcoholic preparations, other than those based on odoriferous substances, of a kind used for the manufacture of beverages	12,1 % ([1])	
	– – Other		
2106 90 92	– – – Containing no milkfats, sucrose, isoglucose, glucose or starch or containing, by weight, less than 1,5 % milkfat, 5 % sucrose or isoglucose, 5 % glucose or starch	8,9 % ([1])	

HS heading	Description	Base	Category
2106 90 98	– – – Other	5,5 % + EA (1)	
2205	Vermouth and other wine of fresh grapes flavoured with plants or aromatic substances		
2205 10	– In containers holding 2 litres or less:		
2205 10 10	– – Of an actual alcoholic strength by volume of 18 % vol or less	7,6 EUR/ hl (1)	
2205 10 90	– – Of an actual alcoholic strength by volume exceeding 18 % vol	0 EUR/% vol/hl + 4,4 EUR/hl (1)	
2205 90	– Other		
2205 90 10	– – Of an actual alcoholic strength by volume of 18 % vol or less	6,3 EUR/hl (1)	
2205 90 90	– – Of an actual alcoholic strength by volume exceeding 18 % vol	0 EUR/% vol/hl (1)	
2206 00	Other fermented beverages (for example, cider, perry, mead); mixtures of fermented beverages and mixtures of fermented beverages and non-alcoholic beverages, not elsewhere specified or included		
2206 00 10	– Piquette	0 % (1)	
	– Other – – Sparkling		
2206 00 31	– – – Cider and perry	13,4 EUR/hl (1)	
2206 00 39	– – – Other	13,4 EUR/hl (1)	
	– – Still, in containers holding – – – 2 litres or less		
2206 00 51	– – – – Cider and perry	5,3 EUR/hl (1)	
2206 00 59	– – – – Other	5,3 EUR/hl (1)	
	– – – More than 2 litres		
2206 00 81	– – – – Cider and perry	4 EUR/hl (1)	
2206 00 89	– – – – Other	4 EUR/hl (1)	
2208	Undenatured ethyl alcohol of an alcoholic strength by volume of less than 80 % vol; spirits, liqueurs and other spirituous beverages		
2208 90	– Other – – Undenatured ethyl alcohol of an alcoholic strength by volume of less than 80 % vol, in containers holding		
2208 90 91	– – – 2 litres or less	0,7 EUR/% vol/hl + 4,4 EUR/hl (1)	
2208 90 99	– – – More than 2 litres	0,7 EUR/% vol/hl (1)	

HS heading	Description	Base	Category
2209 00	Vinegar and substitutes for vinegar obtained from acetic acid – Wine vinegar, in containers holding		
2209 00 11	– – 2 litres or less	4,4 EUR/hl ([1])	
2209 00 19	– – More than 2 litres	3,3 EUR/hl ([1])	
	– Other, in containers holding		
2209 00 91	– – 2 litres or less	3,5 EUR/hl ([1])	
2209 00 99	– – More than 2 litres	2,6 EUR/hl ([1])	
2307 00	Wine lees; argol – Wine lees		
2307 00 19	– – Other	0,0 % ([1])	
2308 00	Vegetable materials and vegetable waste, vegetable residues and by-products, whether or not in the form of pellets, of a kind used in animal feeding, not elsewhere specified or included – Grape marc		
2308 00 19	– – Other	0,0 % ([1])	
2401	Unmanufactured tobacco; tobacco refuse		
2401 10	– Tobacco, not stemmed/stripped – – Flue-cured Virginia type and light air-cured Burley type tobacco (including Burley hybrids); light air-cured Maryland type and fire-cured tobacco		
2401 10 10	– – – Flue-cured Virginia type	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg ([1])	
2401 10 20	– – – Light air-cured Burley type (including Burley hybrids)	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg ([1])	
2401 10 30	– – – Light air-cured Maryland type	6,4 % MAX 24 EUR/100 kg ([1])	
	– – – Fire-cured tobacco		
2401 10 41	– – – – Kentucky type	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg ([1])	
2401 10 49	– – – – Other	6,4 % MAX 24 EUR/100 kg ([1])	
	– – Other		
2401 10 50	– – – Light air-cured tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/100 kg ([1])	
2401 10 60	– – – Sun-cured Oriental type tobacco	7,7 % MAX 56 EUR/100 kg ([1])	
2401 10 70	– – – Dark air-cured tobacco	7,7 % MAX 56 EUR/100 kg ([1])	

HS heading	Description	Base	Category
2401 10 80	– – – Flue-cured tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 10 90	– – – Other tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 20	– Tobacco, partly or wholly stemmed/stripped – – Flue-cured Virginia type and light air-cured Burley type tobacco (including Burley hybrids); light air-cured Maryland type and fire-cured tobacco		
2401 20 10	– – – Flue-cured Virginia type	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg (I)	
2401 20 20	– – – Light air-cured Burley type (including Burley hybrids)	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg (I)	
2401 20 30	– – – Light air-cured Maryland type	6,4 % MAX 24 EUR/ 100 kg (I)	
	– – – Fire-cured tobacco		
2401 20 41	– – – – Kentucky type	14,9 % MAX 24 EUR/100 kg (I)	
2401 20 49	– – – – Other	6,4 % MAX 24 EUR/ 100 kg (I)	
	– – Other		
2401 20 50	– – – Light air-cured tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 20 60	– – – Sun-cured Oriental type tobacco	7,7 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 20 70	– – – Dark air-cured tobacco	7,7 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 20 80	– – – Flue-cured tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 20 90	– – – Other tobacco	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
2401 30 00	– Tobacco refuse	3,9 % MAX 56 EUR/ 100 kg (I)	
3823	Industrial monocarboxylic fatty acids; acid oils from refining; industrial fatty alcohols		
3823 70 00	– Industrial fatty alcohols	0 % (I)	

(I) Dazju doganali applikat fuq l-importazzjoni fil-Komunita' ta' prodotti ġejjin miċ-Ċili. Dan id-dazju jirriżulta mill-konsolidazzjoni fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tad-dazju GSP applikat għaċ-Ċili.

(II) Dan id-dazju doganali japplika biss ghal prodotti ex quota.

32006E0795

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/795/PESK

ta' l-20 ta' Novembru 2006

dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Lulju 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1695 (2006) ("UNSC 1695(2006)") li fiha kkundanna l-illanċjar multiplu mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ("RDPK") ta' missili ballistiċi fil-5 ta' Lulju 2006.

(2) Fl-14 ta' Ottubru 2006 l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1718 (2006), ("UNSCR 1718 (2006)") li fiha kkundanna t-test nukleari pproklamat mir-RDPK fid-9 ta' Ottubru 2006, u esprima t-thassib l-aktar serju tiegħu għall-isfida li tali test ikkostitwixxa għat-Trattat dwar in-Non-Proliferazzjoni ta' l-Armi Nukleari u għall-isforzi internazzjonali mmirati lejn it-tisħiħ tar-reġim globali ta' non-proliferazzjoni ta' l-armi nukleari, u l-periklu li dan ħoloq għall-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun u lil hinn minnu. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għalhekk stabbilixxa li kien hemm theddida ċara għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

(3) Fis-17 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kkundannat bil-qawwa l-ittestjar ta' apparat esplossiv nukleari mir-RDPK u ħeġġeġ lir-RDPK biex tirritorna immedjatament għad-diskussjonijiet bejn Sitt Partijiet, biex tabbanduna l-armi nukleari u l-programmi nukleari eżistenti kollha, u biex tkun konformi ma' l-obbligi tagħha skond it-Trattat tan-Non-Proliferazzjoni ta' l-Armi Nukleari, inkluż li tissottometti l-attivitajiet kollha tagħha għall-verifika mill-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika. Il-Kunsill iddikjara wkoll li hu jimplimenta bisshiħ id-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet ta' l-UNSC rilevanti kollha u notevolment dawk ta' l-UNSCR 1695 (2006) u l-UNSCR 1718 (2006).

(4) L-UNSCR 1718(2006) tipprojbixxi l-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett lir-RDPK minn ċittadini ta' l-Istati Membri jew mit-territorji ta' l-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajrpulani li jtajru l-bandiera tagħhom, ta' ċerti armi konvenzjonali kif definit għall-finijiet tar-reġistru tan-NU dwar l-Armi Konvenzjonali, jew materjal relatat li jinkludi spare parts, jew oġġetti kif stabbilit mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat stabbilit skond il-paragrafu 12 ta' l-UNSCR 1718 (2006) ("il-Kumitat"). Il-Kunsill jikkunsidra li jkun xieraq li jkunu koperti wkoll armi konvenzjonali oħra, inkluż mill-anqas il-merkanzija u t-teknoloġija kollha fuq il-Lista Komuni ta' l-UE ta' Tagħmir Militari.

(5) L-UNSCR 1718 (2006) tipprojbixxi wkoll il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett lir-RDPK minn ċittadini ta' l-Istati Membri jew mit-territorji ta' l-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajrpulani li jtajru l-bandiera tagħhom, ta' oġġetti kif elenkati fid-dokumenti rilevanti tan-NU, li jinkludu partikolarment l-oġġetti li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u tar-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili; u ta' materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija oħra relatati ma' missili nukleari, ballistiċi jew armi oħra ta' programmi tal-qerda tal-massa.

(6) L-UNSCR 1718 (2006) tipprojbixxi wkoll l-għoti ta' taħriġ tekniku, servizzi u assistenza b'relazzjoni ma' l-oġġetti msemmija fil-premessi (4) u (5), li l-projbizzjoni tagħhom għandha tkopri wkoll il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja.

(7) L-UNSCR 1718 (2006) tipprojbixxi wkoll l-akkwist ta' l-oġġetti msemmijin fil-premessi (4) u (5) mir-RDPK.

(8) L-UNSCR 1718 (2006) tipprojbixxi wkoll il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' merkanzija ta' lussu lir-RDPK.

(9) L-UNSCR 1718 (2006) timponi wkoll miżuri għall-prevenzjoni tad-dħul fi, jew tal-passaġġ mit-territorji tagħhom, tal-persuni indikati mill-Kumitat jew mill-Kunsill tas-Sigurtà bħala responsabbli għal-linji politiċi tar-RDPK, inkluż permezz ta' appoġġ jew promozzjoni tagħhom, b'relazzjoni ma' programmi relatati ma' l-armi nukleari, mal-missili ballistiċi u ma' armi oħra tal-qerda tal-massa, flimkien mal-membri tal-familji tagħhom.

(10) L-UNSCR 1718 (2006) timponi wkoll iffriżar ta' fondi, ta' assi finanzjarji oħra u ta' riżorsi ekonomiċi, li huma l-proprjetà diretta jew indiretta tal-persuni jew ta' l-entitajiet nominati mill-Kumitat jew mill-Kunsill tas-Sigurtà jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnhom li qed jintużaw jew li qed jipprovdu sostenn, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti oħra, għall-programmi tar-RDPK relatati ma' l-armi nukleari, ma' armi oħra tal-qerda tal-massa u ma' missili ballistiċi, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom; u l-obbligu li l-ebda fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi ma jsiru disponibbli għal tali persuni jew entitajiet jew għall-benefiċċju tagħhom.

(11) Din il-Pożizzjoni Komuni tista' tiġi emendata jekk il-Kunsill iqis li jkun xieraq li jiġu applikati l-miżuri restrittivi għal persuni, entitajiet jew oġġett addizzjonali, jew għal kategoriji oħra ta' persuni, entitajiet jew oġġetti.

(12) Hi meħtieġa azzjoni mill-Komunità sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett ta' l-oġġetti u t-teknoloġija li ġejjin, inkluż is-*software*, lir-RDPK minn ċittadini ta' l-Istati Membri jew bi transitu fit-territorju ta' l-Istati Membri jew li ġej minnu, jew bl-użu tal-bastimenti jew ta' l-ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, għandu jkun ipprojbit kemm jekk joriġina u kif ukoll jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom:

(a) armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armamenti u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u spare parts għal dan imsemmi qabel, bl-eċċezzjoni ta' vetturi mhux tal-kumbattiment li nbnew jew li ġew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv tal-persunal ta' l-UE u l-Istati Membri tagħha fir-RDPK;

(b) l-oġġetti, il-materjali, it-tagħmir, il-merkanzija u t-teknoloġija kollha kif stabbilit mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat skond il-paragrafu 8(a)(ii) ta' l-UNSCR 1718 (2006), li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati ma' l-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa.

2. Għandu jiġi wkoll ipprojbit li:

(a) jiġi pprovdut taħriġ tekniku, pariri, servizzi, assistenza, jew servizzi ta' sensarija, relatati ma' oġġetti u teknoloġija mniżżlin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-RDPK jew għall-użu tagħha;

(b) tiġi pprovduta assistenza finanzjarja jew ta' finanzjament relatata ma' oġġetti u teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni fuq il-krediti għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-għoti ta' taħriġ tekniku relatat, pariri, servizzi, assistenza, jew servizzi ta' sensarija, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fir-RDPK jew għall-użu tagħha;

(ċ) li wieħed jipparteċipa, konxjament jew intenzjonalment, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu li jevita l-projbizzjoni msemmijin fil-punti (a) u (b).

3. L-akkwist minn ċittadini ta' l-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, ta' oġġetti u teknoloġija imsemmijin fil-paragrafu 1 mir-RDPK għandu wkoll jiġi pprojbit, kemm jekk joriġina u kif ukoll jekk ma joriġinax fit-territorju tar-RDPK.

Artikolu 2

Il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett ta' merkanzija ta' lussu lir-RDPK minn ċittadini ta' l-Istati Membri jew bi transitu fit-territorju ta' l-Istati Membri jew li ġej minnu, jew bl-użu tal-bastimenti jew ta' l-ajruplani li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu pprojbiti kemm jekk joriġinaw u kif ukoll jekk ma joriġinawx fit-territorji tagħhom.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tad-dħul fi jew tal-passaġġ mit-territorji tagħhom, tal-persuni indikati mill-Kumitat jew mill-Kunsill tas-Sigurtà bħala responsabbli għal-linji politiċi tar-RDPK, inkluż permezz ta' appoġġ jew promozzjoni, b'relazzjoni ma' programmi relatati ma' l-armi nukleari, mal-missili ballistiċi u ma' armi oħra tal-qerda tal-massa, flimkien mal-membri tal-familji tagħhom, kif elenkat fl-Anness.

2. Il-paragrafu 1 ma jobbligax lil Stat Membru biex jirrifjuta liċ-ċittadini tiegħu stess id-dħul fit-territorju tiegħu.

3. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn il-Kumitat jiddetermina fuq bażi ta' każ b'każ li tali vjaġġar huwa ġustifikat għal raġunijiet ta' ħtieġa umanitarja, inklużi obbligi reliġjużi, jew fejn il-Kumitat jikkonkludi li eżenzjoni tippromwovi b'xi mod l-objettivi ta' l-UNSCR 1718 (2006).

4. F'każijiet fejn skond il-paragrafu 3, Stat Membru jawtorizza d-dħul fi, jew il-passaġġ mit-territorju tiegħu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-iskop li għalih tkun ingħatat u għall-persuni kkonċernati minnha.

Artikolu 4

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, li huma l-proprjetà, li huma miżmuma jew ikkontrollati, direttament jew indirettament mill-persuni u mill-entitajiet indikati mill-Kumitat jew mill-Kunsill tas-Sigurtà li qed jintużaw jew li qed jipprovdu sostenn, inkluż permezz ta' mezzi illeċiti oħra, għall-programmi tar-RDPK relatati ma' l-armi nukleari, ma' armi oħra tal-qerda tal-massa u ma' missili ballistiċi, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lill-persuni u lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti ħtiġijiet bażiċi, inklużi ħlasijiet għal prodotti ta' l-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, *premiums* ta' assigurazzjoni, u piżijiet ta' utilità pubblika;

(b) maħsuba esklusivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(ċ) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew kontijiet għal servizzi, skond il-liġijiet nazzjonali, għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment normali ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi oħra,

wara n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat dwar l-intenzjoni li jawtorizza, fejn xieraq, l-aċċess għal tali fondi u riżorsi ekonomiċi u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negativa mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mit-tali notifika.

4. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li huma:

(a) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat u b'approvazzjoni minnu; jew

(b) is-suġġett ta' rahan jew sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, f'liema każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dak ir-rahan jew dik is-sentenza bil-kondizzjoni li r-rahan jew is-sentenza kienet imdaħħla qabel id-data ta' l-UNSCR 1718 (2006), u mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat.

5. Il-Paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlas dovut taħt kuntratti, ftehim jew obligi li ġew konklużi jew inqalgħu qabel l-14 ta' Ottubru 2006,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, qligħ ieħor u ħlasijiet bħal dawn ikomplu jkunu soġġetti għall-paragrafu 1.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom, skond l-awtoritajiet u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, jieħdu azzjoni kooperattiva, inkluż permezz ta' l-ispezzjoni ta' tagħbija lejn u mir-RDPK kif meħtieġ, għall-prevenzjoni tat-traffikar illeċitu f'armi nukleari, kimiċi jew bijoloġiċi, missili ballistiċi, tal-mezzi ta' forniment tagħhom, ta' materjali u teknoloġija relatati. F'dan ir-rigward mekkaniżmi għan-non-proliferazzjoni disponibbli setgħu jintużaw għall-assigurazzjoni effettiva ta' spezzjonijiet ta' tagġbija bil-baħar, bl-ajru u fuq l-art.

Artikolu 6

Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-lista mniżżla fl-Anness u jimplimenta kwalunkwe modifika għalihom abbażi tad-determinazzjonijiet magħmula mill-Kumitat jew mill-Kunsill tas-Sigurtà.

Artikolu 7

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi riveduta, jew, jekk meħtieġ, emendata, partikolarment fir-rigward tal-kategoriji ta' persuni, entitajiet jew oġġetti jew persuni, entitajiet jew oġġetti addizzjonali li għandhom ikunu koperti mill-miżuri restrittivi, jew b'kont meħud tar-riżoluzzjonijiet rilevanti ta' l-UNSC.

Artikolu 8

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol b'effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 9

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNESS

Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 3

32006D0796

23.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 324/7

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2006

dwar l-avveniment tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2010

(2006/796/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019 [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 2 il-paragrafu 3 u 4, tagħha,

Wara li kkunsidra r-rapport tal-Panel ta' l-Għażla ta' April 2006 ppreżentat lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 2 il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 1419/1999/KE,

Filwaqt li jikkunsidra li l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE huma sodisfatti għal kollox,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2006,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Essen u Pécs huma magħżula bħala "Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2010" skond l-Artikolu 2 il-paragrafu 1 tad-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 649/2005/KE.

Artikolu 2

Istanbul hija magħżula bħala "Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2010" skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1419/1999/KE.

Artikolu 3

Il-bliet kollha magħżula għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' l-Artikoli 1 u 5 tad-Deċiżjoni 1419/1999/KE.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S. HUOVINEN

[1] ĠU L 166, 1.7.1999, p. 1, kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 649/2005/KE (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 20).

32006R1738

25.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 329/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1738/2006

tat-23 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 930/2004 dwar miżuri temporanji ta' deroga dwar it-tfassil fil-lingwa Maltija ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 290 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea [1] u r-Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika [2], minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regolament Nru 1",

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004 ta' l-1 ta' Mejju 2004 dwar miżuri temporanji ta' deroga dwar it-tfassil fil-lingwa Maltija ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea [3], u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 930/2004, il-Kunsill iddeċieda li, b'deroga mir-Regolament Nru 1 u għal perijodu transitorju ta' tliet snin li jibda mill-1 ta' Mejju 2004, l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni m'għandhomx ikunu marbuta bl-obbligu li jfasslu l-atti kollha bil-Malti u li jippubblikawhom b'dik il-lingwa fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(2) F'dak l-istadju, il-Kunsill qabel, fl-Artikolu 2 tar-Regolament imsemmi, li sa mhux aktar tard minn tletin xahar wara l-adozzjoni tar-Regolament, kellu jirrevedi kif qed jaħdem ir-Regolament u jiddetermina jekk jestendihx għal perijodu ieħor ta' sena.

(3) Sa mill-bidu tal-perijodu transitorju, il-kondizzjonijiet tat-traduzzjoni minn u għall-Malti tjiebu konsiderevolment, tant li l-estensjoni tad-deroga temporanja ma tkunx ġustifikata. Permezz tad-Deċiżjoni ta' l-24 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill iddeċieda għaldaqstant li ma baqax lok għal tali estensjoni. Għalhekk il-perijodu transitorju ser jintemm fit-30 ta' April 2007.

(4) L-Artikolu 3 tar-Regolament imsemmi madankollu jipprevedi li, fi tmiem il-perijodu transitorju, l-atti kollha li si dak id-data jkunu għadhom ma ġewx pubblikati bil-Malti, għandhom jiġu pubblikati wkoll b'din il-lingwa. Madankollu, jidher li hu diffiċli ħafna li l-atti msemmija kollha jkunu jistgħu jiġu tradotti u pubblikati l-għada tat-30 ta' April 2007. Ikun jaqbel għalhekk li l-imsemmi Artikolu 3 jiġi emendat bil-għan li l-istituzzjonijiet jingħataw żmien supplimentari li jippermettilhom li jlaħħqu t-total ta' l-atti li ma jkunux ġew pubblikati bil-Malti fi tmiem il-perijodu transitorju.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 930/2004 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"*Artikolu 3*

L-atti kollha li ma jkunux ġew diġa pubblikati bil-Malti fit-30 ta' April 2007 għandhom jiġu pubblikati f'dik il-lingwa wkoll sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 920/2005 (ĠU L 156, 18.6.2005, p. 3).

[2] ĠU 17, 6.10.1958, p. 401/58. Regolament emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 920/2005.

[3] ĠU L 169, 1.5.2004, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S. HUOVINEN

32006R1739

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1739/2006

tat-23 ta' Novembru 2006

li jtemm r-reviżjoni parzjali *ad interim* tal-miżuri kontra d-*dumping* applikabbli għall-importazzjoni ta' silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

1.1 Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri eżistenti

(1) Bir-Regolament (KE) Nru 2229/2003 [2] kien ġie impost dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet tas-silikon li joriġinaw mir-Russja. Ir-rata tad-dazju definittiv kontra d-*dumping* applikabbli għal importazzjonijiet mill-SKU LLC, Sual-Kremny-Ural, Kamensk, ir-Reġjun Ural, ir-Russja u l-kumpannija relatata tagħha ZAO KREMNY, Irkutsk, ir-Reġjun ta' Irkutsk, ir-Russja, hija ta' 22,7 %. Il-Kummissjoni, bid-Deċiżjoni 2004/445/KE [3], aċċettat l-impenn offrut minn dawk il-kumpanniji.

1.2 Talba għal reviżjoni *ad interim*

(2) Fis-6 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni parzjali ad interim skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku rigward il-miżuri kontra d-dumping applikabbli għal importazzjonijiet tas-silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa.

(3) It-talba saret minn SKU LLC, Sual-Kremny-Ural, Kamensk, ir-Reġjun Ural, ir-Russja u l-kumpannija relatata tagħha ZAO KREMNY, Irkutsk, ir-Reġjun ta' Irkutsk, ir-Russja ("l-applikant") u kienet limitata fl-ambitu għad-determinazzjoni tad-dumping f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant.

(4) It-talba kienet tinkludi prova *prima facie* li ċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri eżistenti ġew stabbiliti nbidlu u li dawn il-bidliet huma ta' natura permanenti.

(5) Il-Kummissjoni, permezz ta' avviż ('avviż ta' bidu') pubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [4], bdiet proċedura ta' analiżi parzjali ad interim tal-miżuri kontra d-dumping applikabbli għal importazzjonijiet tas-silikon, li attwalment huwa kklassifikat fi ħdan il-Kodiċi NM 2804 69 00 u li joriġina mill-*Federazzjoni Russa*.

(6) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi Komunitarji bil-bidu ta' l-investigazzjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet taghhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż ta' bidu u ntbagħtu kwestjonarji lill-applikant.

(7) Il-perjodu ta' l-investigazzjoni ("PI") kien mill-1 ta' April 2005 sal-31 ta' Marzu 2006.

2. L-IRTIRAR TAT-TALBA U T-TERMINAZZJONI TAR-REVIŻJONI *AD INTERIM*

(8) Fid-29 ta' Mejju 2006, jiġifieri qabel il-preżentazzjoni tat-tweġiba għall-kwestjonarju, l-applikant formalment irtira t-talba.

(9) Ġie kkunsidrat jekk ikunx ġustifikat li titkompla l-investigazzjoni *ex-officio* minkejja l-irtirar imsemmi hawn fuq. Madankollu minħabba li t-talba ġiet irtirata fi stadju bikri ta' l-investigazzjoni, ma kienet disponibbli ebda prova relatata mal-PI kurrenti u ma ntlaħqet ebda konklużjoni preliminari f'dan l-istadju li kien jippermetti l-kontinwazzjoni ta' l-investigazzjoni.

(10) L-informazzjoni mogħtija fit-talba ta' l-applikant ma ġabet fid-dawl ebda konsiderazzjoni li turi li t-terminazzjoni tar-reviżjoni ma tkunx fl-interess tal-Komunità.

(11) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-ħsieb li jitwaqqaf il-proċediment preżenti. Parti interessata waħda argumentat li l-applikant kien għadu jesporta l-prodott konċernat bi prezzijiet dumped fil-KE u li għalhekk l-investigazzjoni għandha tkompli. Madankollu għandu jkun innotat li t-terminazzjoni ta' din l-investigazzjoni ma tirriżultax fl-eliminazzjoni tal-miżura kontra d-dumping li hija diġà fis-seħħ sabiex tkun stabbilita mill-ġdid prattika leali ta' kummerċ. Għalhekk, dan l-argument kellu jiġi rifjutat.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 339, 24.12.2003, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 821/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 1).

[3] ĠU L 127, 29.4.2004, p. 114.

[4] ĠU C 82, 5.4.2006, p. 64.

(12) Iż-żewġ partijiet interessati l-oħra ukoll argumentaw favur il-kontinwazzjoni ta' l-investigazzjoni preżenti sabiex jitneħħew il-miżuri, minħabba l-allegata deficjenza fil-fornitura fil-KE. Madankollu, dan l-argument huwa barra l-ambitu ta' din l-investigazzjoni li hija limitata għar-rivalutazzjoni tal-marġini ta' iddampjar ta' esportatur wieħed. Ghalhekk, il-kontinwazzjoni ta' din l-investigazzjoni xorta ma tbiddilx il-livell tal-miżuri li huma suġġetti għalihom esportaturi oħra. Ghalhekk, ma tistax tindirizza l-kwistjoni ta' deficjenza fil-fornitura b'mod mhux diskriminatorju.

(13) Kien ghalhekk konkluż li r-reviżjoni *ad interim* kurrenti ta' miżuri definittivi kontra d-*dumping* applikabbli ghal importazzjonijiet fil-Komunità ta' silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa ghandha tintemm. Il-miżuri kontra d-*dumping* fir-rigward ta' l-applikant li huma fis-seħħ bħalissa ghandhom jinżammu mingħajr ma jiġi milqut il-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-reviżjoni parzjali *ad interim*, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96, fir-rigward ta' miżuri kontra d-*dumping* applikabbli ghal importazzjonijiet tas-silikon li joriġina mill-Federazzjoni Russa bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 2229/2003, hija b'dan mitmuma.

2. Il-miżuri kontra d-*dumping* bħalissa applikabbli fir-rigward ta' SKU LLC, Sual-Kremny-Ural, Kamensk, ir-Reġjun Ural, ir-Russja u ZAO KREMNY, Irkutsk, ir-Reġjun Irkutsk, huma miżmuma applikabbli.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ghandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament ghandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Novembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

32006D0807

L 329/76 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 25.11.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/807/PESK

ta' l-20 ta' Novembru 2006

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Waqt li jikkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/797/PESK, il-Kunsill stabbilixxa Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (minn hawn 'il quddiem "EUPOL COPPS") għal perjodu ta' 3 snin. Il-fażi operattiva ta' l-EUPOL COPPS bdiet fl-1 ta' Jannar 2006.

(2) Skond l-Artikolu 14(2) ta' dik l-Azzjoni Konġunta, il-baġit finali tal-EUPOL COPPS għas-sena 2007 għandu jiġi deċiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-baġit finali tal-EUPOL COPPS għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu jkun ta' EUR 2 800 000.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

32006D0848

L 330/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 28.11.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Lulju 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/848/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru konformement mal-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Suġġett għall-konklużjoni eventwali tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim negozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Lulju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

22006A1128(01)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar ċerti aspetti tas-Servizzi ta' l-Ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda,

u

IR-REPUBBLIKA ORJENTALI TA' L-URUGWAJ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Urugwaj")

min-naħa l-oħra,

(minn hawn 'il quddiem imsejħa 'il-Partijiet')

FILWAQT LI JINNUTAW li ġew iffirmati ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Urugwaj li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet ta' servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea t-trasportaturi bl-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi.

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti stati terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn l-Istati terzi li jiksbu sehem ta' proprjetà fi trasportaturi bl-ajru liċenzjati konformement mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Urugwaj, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, għandhom jinġiebu f'konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj u sabiex tiġi ppreżervata l-kontinwità ta' tali servizzi ta' l-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi Komunitarja Ewropea t-trasportaturi bl-ajru ma jistgħux, fil-prinċipju, jikkonkludu ftehimiet li jkunu jistgħu jinċidu fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u li jkollhom bħala l-oġġett jew l-effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li, fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Urugwaj li (i) jeżiġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki konċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti; jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika konċertata bħal dawn; jew (iii) jiddelegaw lil trasportaturi bl-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti jistgħu jagħmlu ineffettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi,

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex xi għan tal-Komunità Ewropea li tinċidi fuq il-bilanċ bejn it-trasportaturi bl-ajru Komunitarji u t-trasportaturi bl-ajru ta' l-Urugwaj, jew li tinnegozja l-emendament tad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar servizzi ta' l-ajru li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" għandha tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea. "Stati Membri tal-LACAC" għandha tfisser l-Istati Membri tal-Kummissjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili Latino-Amerikana.

2. Ir-referenzi, f'kull ftehim elenkat fl-Anness I, magħmula għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li jkun Parti għal dak il-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri.

3. Ir-referenzi, f'kull ftehim elenkat fl-Anness I, magħmula għat-trasportaturi bl-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li jkun Parti għal dak il-ftehim għandhom jinftiehmu bħala referenzi magħmula għat-trasportaturi bl-ajru jew linji ta' l-ajru nominati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Nomina u Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, relattivament għan-nomina ta' trasportatur bl-ajru mill-Istati Membri konċernati, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija mill-Urugwaj, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur bl-ajru, rispettivament. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness II (a) u (b) rispettivament, relattivament għan-nomina ta' trasportatur bl-ajru mill-Urugwaj, l-awtorizzazzjonijiet u permessi mogħtija mill-Istati Membri, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur bl-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi nomina mingħand Stat Membru, l-Urugwaj għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u permessi adegwati bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(i) it-trasportatur bl-ajru jkun stabbilit fit-territorju, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ta' l-Istat Membru nominanti u jkollu Liċenzja ta' Operazzjoni valida konformement mal-liġi Komunitarja Ewropea;

(ii) jiġi eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika relevanti tkun identifikata biċ-ċar fin-nomina; u

(iii) it-trasportatur bl-ajru jkun proprjetà ta', direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, u effettivament kontrollat minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' tali Stati oħra.

3. L-Urugwaj tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur bl-ajru nnominat minn Stat Membru f'każ li:

(i) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx stabbilit, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju ta' l-Istat Membru nominanti jew ma jkollux Liċenzja ta' Operazzjoni valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea; jew

(ii) ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità ajrunawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fin-nomina; jew

(iii) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx proprjetà ta', u ma jkunx effettivament kontrollat, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, minn Stati Membri u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini tat-tali Stati oħra; jew

(iv) l-Urugwaj turi li, billi teżerċita d-drittijiet tat-traffiku taħt dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi xi punt fi Stat Membru ieħor, il-linja ta' l-ajru tkun qed tevadi r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti mill-ftehim bilaterali bejn l-Urugwaj u dak l-Istat Membru l-ieħor; jew

(v) il-linja ta' l-ajru jkollha Ċertifikat ta' Operatur ta' l-Ajru maħruġ minn Stat Membru u ma jkunx hemm ftehim bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Urugwaj u dak l-Istat Membru, u drittijiet tat-traffiku lejn dak l-Istat Membru jkunu ġew miċħuda lit-trasportatur bl-ajru nominat mill-Urugwaj.

Fl-eżerċizzju tad-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, l-Urugwaj ma għandhiex tiddiskrimina bejn trasportaturi bl-ajru Komunitarji fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

4. Malli jirċievi nomina mill-Urugwaj, Stat Membru għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi adegwati bl-anqas dewmien proċedurali, sakemm:

(i) it-trasportatur bl-ajru jkun stabbilit fit-territorju ta' l-Urugwaj; u

(ii) l-Urugwaj ikollha u żżomm kontroll regolatorju effettiv fuq il-linja ta' l-ajru u tkun responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tagħha ta' Operatur ta' l-Ajru; u

(iii) it-trasportatur bl-ajru jkun proprjetà ta', u effettivament kontrollat, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, minn Stati Membri tal-LACAC u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri tal-LACAC, sakemm ma jkunx sar ftehim dwar dispożizzjonijiet aktar favorevoli fil-ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn dak l-Istat Membru u l-Urugwaj.

5. Stat Membru jista' jirrifjuta, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' trasportatur bl-ajru nnominat mill-Urugwaj fejn:

(i) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx stabbilit fil-Urugwaj; jew

(ii) ma jkunx eżerċitat jew miżmum mill-Urugwaj kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru jew l-Urugwaj ma tkunx responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat tiegħu ta' Operatur ta' l-Ajru; jew

(iii) it-trasportatur bl-ajru ma jkunx proprjetà ta', u ma jkunx effettivament kontrollat, direttament jew permezz ta' sehem azzjonarju maġġoritarju, minn Stati Membri tal-LACAC u/jew minn ċittadini ta' Stati Membri tal-LACAC, sakemm ma jkunx sar ftehim dwar dispożizzjonijiet aktar favorevoli fil-ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn dak l-Istat Membru u l-Urugwaj; jew

(iv) it-trasportatur bl-ajru jkun diġà awtorizzat sabiex jopera skond ftehim bilaterali bejn l-Istat Membru u Stat Membru ieħor tal-LACAC u l-Istat Membru juri li, bl-eżerċizzju taddrittijiet tat-traffiku taħt dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru ieħor tal-LACAC, huwa jevadi restrizzjonijiet fuq drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor.

Artikolu 3

Drittijiet fir-rigward tal-kontroll regolatorju

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness II (ċ).

2. Fejn Stat Membru jkun innomina trasportatur bl-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu jkun eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet ta' l-Urugwaj taħt id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà tal-ftehim bejn l-Istat Membru li nnomina t-trasportatur bl-ajru u l-Urugwaj għandu japplika b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' *standards* ta' sigurtà minn dak l-Istat Membru ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' l-operazzjoni ta' dak it-trasportatur bl-ajru.

Artikolu 4

Tassazzjoni tal-karburant ta' l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-Artikoli elenkati fl-Anness II (d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kuntrarja, xejn f'kull ftehim elenkat fl-Anness II (d) ma għandu jimpedixxi Stat Membru milli jimponi fuq bażi non-diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq karburant fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' trasportatur bl-ajru nominat ta' l-Urugwaj li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

3. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kuntrarja, xejn f'kull ftehim elenkat fl-Anness II (d) ma għandu jimpedixxi l-Urugwaj milli jimponi fuq bażi non-diskriminatorja taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq karburant fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' trasportatur bl-ajru nominat ta' Stat Membru li jopera bejn punt fit-territorju ta' l-Urugwaj u punt ieħor fit-territorju ta' l-Urugwaj jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-LACAC.

Artikolu 5

Tariffi għat-trasport fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness II (e).

2. It-tariffi li jiġu imposti mit-trasportatur jew trasportaturi bl-ajru nominati mill-Urugwaj taħt ftehim elenkat fl-Anness I li jinkludi dispożizzjoni elenkata fl-Anness II (e) għat-trasport kompletament fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għalliġi Komunitarja Ewropea. Il-liġi tal-Komunità Ewropea hija applikata b'mod non-diskriminatorju.

Artikolu 6

Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri u l-Urugwaj ma għandhomx (i) jeżiġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki konċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn impriżi ta' l-ajru fuq ir-rotot relevanti; jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika konċertata bħal dawn; jew (iii) jiddelegaw lil trasportaturi bl-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn impriżi ta' l-ajru fuq ir-rotot relevanti.

2. Id-dispożizzjonijet elenkati fl-Anness II (f) ma għandhomx japplikaw b'mod li jkun inkompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Annessi ma' dan il-Ftehim

L-Annessi ma' dan il-Ftehim jifformaw parti integranti minnu.

Artikolu 8

Reviżjoni jew emendament

Il-Partijiet jistgħu, f'kull waqt, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri rispettivi interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet kontraenti jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum taxxahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bittlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Il-ftehimiet bejn l-Istati Membri u l-Urugwaj li, fil-jum talfirma ta' dan il-Ftehim, ma jkunux għadhom daħlu fis-seħħ u li mhumiex ma jkunux qegħdin jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness I (b). Dan il-Ftehim japplika għal kull Ftehim u arranġament bħal dawn mad-dħul fis-seħħ jew ma' l-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

Artikolu 10

Terminazzjoni

1. Fil-każ li jiġi terminat ftehim elenkat fl-Anness I, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li jirrelataw malftehim konċernat elenkat fl-Anness I għandhom jitterminaw fl-istess waqt.

2. Fil-każ li jiġu terminati l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness I, dan il-Ftehim għandu jittermina fl-istess waqt.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul f' Montevideo duplikatament, fit-tielet jum ta' Novembru, elfejn u sitta, fil-lingwi Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża. F'każ ta' diverġenza, it-test Spanjol għandu jipprevalixxi fuq it-testi bil-lingwi l-oħra.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen

Por la República Oriental del Uruguay
Za Uruguayskou východní republiku
For Den Østlige Republik Uruguay
Für die Republik Östlich des Uruguay
Uruguay Idavabariigi nimel
Για την Ανταολική Δημοκρατία της Ουρουγουάης
For the Oriental Republic of Uruguay
Pour la République Orientale de l'Uruguay
Per la Repubblica orientale dell'Uruguay
Urugvajas Austrumu Republikas vārdā
Urugvajaus Rytų Respublikos vardu
Az Uruguayi Keleti Köztársaság részéről
Ghar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj
Voor de Republiek ten oosten van de Uruguay
W imieniu Wschodniej Republiki Urugwaju
Pela República Oriental doUruguai
Za Uruguajskú východnú republiku
Za Vzhodno republiko Urugvaj
Uruguayn itäisen tasavallan puolesta
För Östliga Republiken Uruguay

ANNESS I

LISTA TA' FTEHIMIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 TA' DAN IL-FTEHIM

(a) Ftehimiet dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Urugwaj u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qegħdin jiġu applikati provvižorjament:

— Ftehim bejn ir-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Montevideo nhar il-31 ta' Awissu 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Ġermanja" fl-Anness II.

Modifikat l-aħħar permezz ta' l-Annotazzjoni Miftiehma magħmula f'Bonn fid-9 ta' Lulju 1997,

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u l-Gvern tar-Renju tal-Belġju dwar servizzi ta' l-ajru, iffirmat f'Montevideo fil-5 ta' Ottubru 1972, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Belġju" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u l-Gvern tar-Renju tad-Danimarka dwar is-servizzi ta' l-ajru, iffirmat f'Montevideo fit-18 ta' Diċembru 1981, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Danimarka" fl-Anness II;

— Ftehim bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj dwar it-trasport kummerċjali bl-ajru, iffirmat f'Montevideo nhar it-13 ta' Awwissu 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Spanja" fl-Anness II.

Modifikat l-aħħar permezz ta' l-Annotazzjoni Miftiehma ffirmata f'Madrid fil-21 ta' Ottubru 2005,

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvernijiet tar-Renju ta' l-Olanda u tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj, iffirmat fl-Aja fil-21 ta' Novembru 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Olanda" fl-Anness II;

— Ftehim bejn ir-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u r-Repubblika Portugiża dwar it-trasport bl-ajru, kif previst fl-Anness II għall-Memorandum ta' Ftehim iffirmat f'Liżbona nhar id-9 ta' Settembru 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Portugall" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, kif previst fl-Anness B ma' l-Annotazzjoni Miftiehma ffirmata f'Londra nhar is-6 ta' Frar 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Renju Unit" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u l-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja dwar is-servizzi ta' l-ajru, iffirmat f'Montevideo fit-18 ta' Diċembru 1981, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Urugwaj — Żvezja." fl-Anness II.

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn l-Urugwaj u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma' daħlux fis-seħħ u li mhumiex qegħdin jiġu applikati provvižorjament

— Abbozz ta' Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj u l-Gvern Federali ta' l-Awtrija dwar it-trasport bl-ajru, kif previst fl-Anness B mal-Protokoll iffirmat f'Montevideo nhar it-28 ta' Frar 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Abbozz ta' Ftehim Urugwaj — Awstrija" fl-Anness II;

— Abbozz ta' Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj, kif previst fl-Anness ma' l-Annotazzjoni Miftiehma ffirmata f'Madrid nhar il-21 ta' Ottubru 2005, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Urugwaj — Spanja" fl-Anness II.

ANNESS II

LISTA TA' ARTIKOLI FIL-FTEHIMIET ELENKATI FL-ANNESS I U MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2 SA 5 TA' DAN IL-FTEHIM

(a) Nomina:

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 3 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Urugwaj — Awstrija,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Belġju,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Danimarka,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 3 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Olanda,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Renju Unit,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Żvezja;

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' Awtorizzazzjonijiet jew Permessi:

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 4 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Urugwaj — Awstrija,

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Urugwaj — Belġju,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Danimarka,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 4 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Urugwaj — Olanda,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Urugwaj — Renju Unit,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Żvezja;

(ċ) Sigurtà:

— L-Anness 3 ma' l-Annotazzjoni Miftiehma ffirmata f'Bonn nhar id-9 ta' Ġunju 1997 — kif applikata provviżorjament fil-qafas tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Urugwaj — Renju Unit;

(d) Tassazzjoni tal-Karburant ta' l-Avjazzjoni:

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 7 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Urugwaj — Awstrija,

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Urugwaj — Belġju,

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Danimarka,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 5 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Rivedut Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Urugwaj — Olanda,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Urugwaj — Renju Unit,

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Żvezja;

(e) Tariffi għat-Trasport fil-Komunità Ewropea:

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 11 ta' l-Abbozz ta' Ftehim Urugwaj — Awstrija,

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Belġju,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Danimarka,

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 12 tal-Ftehim Urugwaj — Olanda,

— L-Artikolu 16 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Urugwaj — Renju Unit,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Żvezja;

(f) Kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni:

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Ġermanja,

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Urugwaj — Awstrija,

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Urugwaj — Belġju,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Danimarka,

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Urugwaj — Spanja,

— L-Artikolu 12 tal-Ftehim Urugwaj — Olanda,

— L-Artikolu 16 tal-Ftehim Urugwaj — Portugall,

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Urugwaj — Żvezja.

ANNESS III

LISTA TA' STATI OĦRA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2 TA' DAN IL-FTEHIM

(a) Ir-Repubblika ta l-Iżlanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera).

32006D0849

DEĊIZJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Novembru 2006

li temenda u testendi d-Deċizjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni tal-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles")

(2006/849/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet sentenza ta' l-Artikolu 123(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Artikolu 13(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/923/KE [2] tipprevedi li sat-30 ta' Ġunju 2005 l-Kummissjoni kella tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jkun indipendenti mill-amministratur tal-programm, li jevalwa r-relevanza, l-effiċjenza u l-effikaċja tal-programm u komunikazzjoni dwar jekk dan il-programm għandux jitkompla u jkun adattat, flimkien ma' proposta xierqa.

(2) Ir-rapport ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 13 ta' dik id-Deċiżjoni ħareġ fit-30 ta' Novembru 2004. Dan ikkonkluda li l-programm laħaq l-objettivi tiegħu u rrakkomanda t-tkomplija tiegħu.

(3) L-ammont finanzjarju ta' referenza, skond it-tifsira tal-punt 38 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda [3] huwa inkluż f'din id-Deċiżjoni għat-tul taż-żmien kollu tal-programm, mingħajr b'hekk ma jiġu affettwati l-poteri ta' l-awtorità baġitarja kif inhuma definiti fit-Trattat.

(4) It-tkomplija tal-programm tirrifletti l-ħtieġa li jibqgħu għaddejjin l-attivitajiet ta' sorveljanza, taħriġ u assistenza teknika meħtieġa għall-appoġġ tal-protezzjoni tal-euro kontra l-iffalsifikar, billi jipprovdu qafas stabbli għall-ippjanar tal-programmi ta' l-Istati Membri, b'mod partikolari tul perijodu li matulu pajjiżi ġodda jadottaw il-munita unika.

(5) F'dan l-ispirtu, fit-8 ta' April 2005 l-Kummissjoni ssottomettiet proposta għat-tkomplija tal-programm "Pericles" [4] sal-31 ta' Diċembru 2011.

(6) Sakemm ikun hemm ftehim finali dwar il-Qafas Finanzjarju tal-Komunità għas-snin 2007-2013, il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-programm Pericles għas-sena 2006.

(7) Fid-dikjarazzjoni tiegħu tat-30 ta' Jannar 2006, il-Kunsill ikkonsidra li l-programm Pericles għandu natura pluriennali u li għandu jiġi estiż sa l-2011. Għal dan l-għan huwa stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-estensjoni tal-programm għall-perjodu li jibda mill-2007, hekk kif jintlaħaq ftehim dwar il-Qafas Finanzjarju għall-2007-2013.

(8) Huwa xieraq li l-programmi Komunitarji jkunu konformi mal-Qafas Finanzjarju tal-Komunità.

(9) Sabiex jiġu evitati soprappożizzjonijiet tiġi żgurata konsistenza u komplimentarjetà ta' azzjonijiet taħt il-programm Pericles, huwa importanti li jiġu żviluppati sinerġiji bejn azzjonijiet iffinanzjati mill-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Europol.

(10) B'konsegwenza, u minħabba l-ħtieġa għal taħriġ u assistenza kontinwi għall-protezzjoni tal-euro, il-programm Pericles għandu jiġi estiz sal-31 ta' Diċembru 2013. Id-Deċiżjoni 2001/923/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni 2001/923/KE hija b'dan emendata hekk:

1. Fl-Artikolu 1(2), l-aħħar sentenza qed tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Għandu jopera mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2013.";

[1] ĠU C 163, 14.7.2006, p. 7.

[2] ĠU L 339, 21.12.2001, p. 50. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/75/KE (ĠU L 36, 8.2.2006, p. 40).

[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

[4] COM(2005) 127 finali.

2. Is-sub-paragrafu li ġej għandu jiżdied fl-aħħar ta' l-Artikolu 6:

"L-ammont ta' referenza finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm ta' azzjoni Komunitarju għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 7 000 000.";

3. L-Artikolu 13(3) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), id-data "30 ta' Ġunju 2005" għandha tiġi sostitwita bi "30 ta' Ġunju 2013".

(b) il-Punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fit-tmiem tal-perijodi inizjali u addizzjonali tal-programm u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2006 u 2014 rispettivament, rapporti dettaljati dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm li jagħtu rendikont, b'mod partikolari, tal-valur miżjud ta' l-assistenza finanzjarja mill-Komunità."

Artikolu 2

Applikabbiltà

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fl-Istati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro [1].

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1647/2006 (ĠU L 309, 9.11.2006, p. 2).

32006D0850

L 330/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 28.11.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Novembru 2006

li testendi għall-Istati Membri li m'humiex parteċipanti l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/849/KE li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro mill-iffalsifikar (il-programm "Pericles")

(2006/850/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Meta adotta d-Deċiżjoni 2006/849/KE [1] l-Kunsill indika li din għandha tapplika fl-Istati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni ta' l-euro [2].

(2) Madankollu, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-persunal kif ukoll il-miżuri ta' assistenza u taħriġ implimentati taħt il-programm Pericles għandhom ikunu uniformi madwar il-Komunità kollha u għalhekk għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex ikun garantit l-istess livell ta' protezzjoni għall-euro fl-Istati Membri fejn l-euro mhuwiex il-munita uffiċjali,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/849/KE għandha tiġi estiża għall-Istati Membri li m'humiex Stati Membri parteċipanti kif definit fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/1998.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

---

[1] Ara paġna 28 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

32006D0852

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Novembru 2006

li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-Banek ċentrali nazzjonali, rigward l-awditur estern ta' Banka Slovenije

(2006/852/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni BĊE/2006/14 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Ottubru 2006 lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije [1],

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema għandhom jiġu verifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Skond l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/495/KE tal-11 ta' Lulju 2006 b'konformità ma' l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni mis-Slovenja tal-munita unika fl-1 ta' Jannar 2007 [2], is-Slovenja issa tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-euro u d-deroga favur is-Slovenja msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 [3]. għandha tiġi abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Wara l-abrogazzjoni tad-deroga għas-Slovenja, il-Kunsill Regolatorju tal-BĊE irrakkomanda li l-Kunsill japprova lil Deloitte & Touche revizija d.o.o. bħala awdituri esterni għall-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2007 u 2008, u li jibda mis-sena finanzjarja 2007.

(4) Huwa xieraq li tiġi segwita r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Regolatorju tal-BĊE u li tiġi emendata d-Deċiżjoni 1999/70/KE [4] kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/70/KE:

"13. Deloitte & Touche revizija d.o.o huma b'dan approvati bħala l-awdituri esterni tal-Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2007 u 2008.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-BĊE.

[1] ĠU C 257, 25.10.2006, p. 19.
[2] ĠU L 195, 15.7.2006, p. 25
[3] ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33).
[4] ĠU L 22, 29.1.1999, p. 69. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/476/KE (ĠU L 188, 11.7.2006, p. 7).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

32006D0853

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPOL COPPS/2/2006

tal-21 ta' Novembru 2006

dwar il-ħatra tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS)

(2006/853/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/797/PESK ta' l-14 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(2) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/707/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar, fuq proposta tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija.

(2) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-ħatra tas-Sur Colin SMITH.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Colin SMITH huwa b'dan maħtur bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), mill-1 ta' Jannar, 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Novembru 2006.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
T. TANNER

[1] ĠU L 300, 17.11.2005, p. 65.

32006R1755

30.11.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 332/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1755/2006

tat-23 ta' Novembru 2006

dwar l-importazzjoni ta' ċerti prodotti ta' l-azzar li joriġinaw mill-Ukrajna

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Lulju 2005, il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukrajna kkonkludew Ftehim dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar [1] (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim"). Il-miżuri meħtieġa ta' implimentazzjoni ġew adottati bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1440/2005 tat-12 ta' Lulju 2005 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mill-Ukrajna u t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 2266/2004 [2].

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1440/2005 jiffissa limiti kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet lejn il-Komunità.

(3) L-awtoritajiet ta' l-Ukrajna ġibdu l-attenzjoni li minn Settembru 2006 il-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa għall-gruppi tal-prodotti SA1, SA3 u SB1 qabżu d-90 % tal-kwantitajiet disponibbli u talbu għall-konsultazzjonijiet kif previst fil-Ftehim. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, iż-żewġ naħat qablu li jżidu l-limiti kwantitattivi għal dawk il-gruppi ta' prodotti għas-sena 2006.

(4) Huwa importanti li l-kwantitajiet addizzjonali jkunu disponibbli malajr kemm jista' jkun. In-negozjar mill-ġdid tal-Ftehim u l-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu kif emendat ikunu jirrikjedu wisq żmien. Huwa għalhekk preferibbli t-teħid ta' miżura awtonoma.

(5) Huwa preferibbli li l-mezzi ta' l-amministrazzjoni ta' dan ir-reġim fi ħdan il-Komunità jkunu identiċi għal dawk adottati għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

(6) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-oriġini tal-prodotti konċernati tkun iċċekkjata u li jiġu stabbiliti metodi adatti ta' kooperazzjoni amministrattiva għal dan il-għan.

(7) Il-prodotti mqiegħda f'żona libera jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen tad-dwana, l-importazzjoni temporanja jew l-ipproċessar attiv (sistema ta' sospensjoni) ma għandhomx jiġu imputati kontra l-limiti stabbiliti għall-prodotti konċernati.

(8) L-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament teħtieġ l-introduzzjoni ta' rekwiżit ta' liċenzja ta' importazzjoni tal-Komunità għad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità tal-prodotti konċernati.

(9) Sabiex jiġi żgurat li dawn il-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' amministrazzjoni li permezz tagħha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħroġux liċenzji ta' importazzjoni qabel ma tinkiseb konferma minn qabel mill-Kummissjoni li l-ammonti adattati jibqgħu disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi konċernati.

(10) Fid-dawl taż-żmien limitat ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, huwa xieraq li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1440/2005, l-importazzjoni fil-Komunità ta' kwantitajiet addizzjonali tal-prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I li joriġinaw mill-Ukrajna għandha tkun awtorizzata sa 52 000 tunnellata metrika, kif jidher fl-Anness V.

[1] ĠU L 232, 8.9.2005, p. 43.
[2] ĠU L 232, 8.9.2005, p. 1.

2. Il-prodotti ta' l-azzar għandha jiġu kklassifikati fi gruppi ta' prodotti kif stipulat fl-Anness I.

3. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti fl-Anness I għandha tkun ibbażata fuq in-nomenklatura magħquda (NM) stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1].

4. L-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi determinata skond ir-regoli li jkun hemm fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 2

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fl-Ukrajna huma suġġetti għal limiti kwantitattivi annwali stipulati fl-Anness V. Il-permess għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fl-Ukrajna għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini, stipulat fl-Anness II, u ta' liċenzja ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet li għalihom jinħarġu liċenzji ta' importazzjoni ma jaqbżu f'ebda mument l-limiti kwantitattivi totali għal kull grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness IV għandhom joħorġu liċenzji ta' importazzjoni biss wara konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi għall-grupp relevanti ta' prodotti fir-rigward tal-pajjiż fornitur, li għalih importatur jew importaturi ppreżentaw applikazzjonijiet lil dawk l-awtoritajiet.

3. L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom jiġu imputati kontra l-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V. Il-ġarr tal-prodotti jitqies li jkun seħħ fid-data li fiha jkunu tgħabbew fuq il-mezz tat-trasport għall-esportazzjoni. Il-ġarr għandu jsir mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

Artikolu 3

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V m'għandhomx japplikaw għall-prodotti mqiegħda f'żona libera jew f'imħażen liberi jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen doganali, l-importazzjoni temporanja jew il-proċessar attiv (sistema ta' sospensjoni).

2. Meta l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jiġu sussegwentement rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, kemm fi stat mhux mibdul kif ukoll wara li jkunu nħadmu jew ġew ipproċessati, għandu japplika l-Artikolu 2(2) u l-prodotti hekk rilaxxati għandhom jiġu imputati kontra l-limiti kwantitattivi relevanti stipulati fl-Anness V.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 (ĠU L 301, 31.10.2006, p. 1).

Artikolu 4

1. Bil-għan li jiġi applikat l-Artikolu 2(2), qabel ma jiġu maħruġa liċenzji ta' importazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness IV għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammonti ta' talbiet għal-liċenzji ta' importazzjoni, bl-appoġġ tal-liċenzji ta' esportazzjoni oriġinali, li jkunu rċevew. B"risposta, il-Kummissjoni għandha tinnotifika jekk l-ammont jew ammonti mitluba ta' kwantitajiet humiex disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġika li fiha jkunu waslu n-notifiki ta' l-Istati Membri (fuq bażi ta' min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki għall-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk f'kull każ jistabbilixxu b'mod ċar il-pajjiżi ta' esportazzjoni, il-kodiċi ta' prodott konċernat, l-ammonti li jridu jiġu importati, in-numru ta' liċenzji għall-esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih huwa maħsub li l-prodotti jitqiegħdu għaċ-ċirkolazzjoni libera.

3. Sa fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-ammont sħiħ indikat fit-talbiet notifikati għal kull grupp ta' prodotti.

4. L-awtoritjiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament wara li jkunu ġew infurmati bi kwalunkwe kwantità li ma tkunx intużat matul iż-żmien li fih il-liċenzja ta' importazzjoni tkun valida. Dawn il-kwantitajiet mhux użati għandhom jiġu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li jkun fadal tal-limiti kwantitattivi totali tal-Komunità għal kull grupp ta' prodotti.

5. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 4 għandhom jiġu kkomunikati elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat maħluq għal dan l-iskop, sakemm għal raġunijiet tekniċi imperattivi jkun meħtieġ li temporanjament jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

6. Il-liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu b'konformità ma' l-Artikoli 12 sa 16.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe kanċellazzjoni ta' liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti li diġà jkunu nħarġu f'każijiet fejn il-liċenzji ta' esportazzjoni korrispondenti jkunu ġew iritirati jew kanċellati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu ġew infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna bl-irtirar jew kanċellazzjoni ta' liċenzja ta' esportazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew importati fil-Komunità, il-kwantitajiet konċernati għandhom jiġu imputati kontra l-limiti kwantitattivi għas-sena li matulha jkun seħħ il-ġarr tal-prodotti.

Artikolu 5

1. Fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet li l-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw mill-Ukrajna jkunu ġew trasbordati, trasportati b'rotta differenti min dik dikjarata jew impurtati diversament fil-Komunità permezz ta' l-evażjoni tal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 u li jkun hemm il-bżonn li jseħħu l-aġġustamenti meħtieġa, għandha titlob li jinfetħu konsultazzjonijiet sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim dwar l-aġġustament meħtieġ tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

2. Sa meta jinkisbu riżultati mill-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Ukrajna li tieħu l-passi prekawzjonarji meħtieġa sabiex tiżgura li l-aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi miftiehma wara dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu isiru.

3. Jekk il-Komunità u l-Ukrajna jonqsu milli jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti u jekk il-Kummissjoni tosserva li jkun hemm prova ċara ta' evażjoni tal-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni għandha tnaqqas minnhom volum ekwivalenti ta' prodotti li joriġinaw mill-Ukrajna.

Artikolu 6

1. Għandha tkun rekwiżita liċenzja ta' esportazzjoni (li għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna) fir-rigward ta' kwalunkwe konsenja ta' prodotti ta' l-azzar suġġett għal-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V sal-livell ta' dawk il-limiti.

2. L-oriġinal tal-liċenzja ta' esportazzjoni għandu jiġi ppreżentat mill-importatur għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' importazzjoni msemmi fl-Artikolu 12.

Artikolu 7

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi għandha tikkonforma mal-kampjun dispost fl-Anness II u għandha tiċċertifika, *inter alia*, li l-kwantità ta' prodotti konċernati ġiet imputata kontra l-limiti kwantitattivi stabbiliti għall-grupp ta' prodotti konċernat.

2. Kull liċenzja ta' esportazzjoni għandha tkopri wieħed biss mill-gruppi ta' prodotti elenkati fl-Anness I.

Artikolu 8

L-esportazzjonijiet għandhom jiġu imputati kontra l-limiti kwantitattivi stabbiliti għas-sena li fiha l-prodotti koperti mil-liċenzja ta' esportazzjoni jkunu nġarru fis-sens ta' l-Artikolu 2(3).

Artikolu 9

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tista' tinkludi kopji addizzjonali b'indikazzjoni xierqa bħala tali. Il-liċenzja ta' esportazzjoni u l-kopji tagħha kif ukoll iċ-ċertifikat ta' l-oriġini u l-kopji tiegħu għandhom jitfasslu bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jimtlew bil-miktub, l-entrati jsiru bil-linka u b'ittri kbar.

3. Il-liċenzji ta' esportazzjoni jew id-dokumenti ekwivalenti għandhom ikunu ta' daqs ta' 210 × 297 mm. Il-karta li tintuża għandha tkun bajda, skond il-qies imsemmi, ma jkollhiex polpa mekkanika, u ma tkunx tiżen inqas minn 25 g/m^2; Kull parti għandha jkollha disinn *guilloche* stampat fl-isfond li jagħmel viżwalment evidenti kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi.

4. L-oriġinal biss għandu jiġi aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità bħala validu għal raġunijiet ta' importazzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Kull liċenzja ta' esportazzjoni jew dokument ekwivalenti għandu jkollu numru ta' serje standardizzat, kemm jekk stampat kif ukoll jekk mhuwiex, li bih dan ikun jista' jiġi identifikat.

6. Dan in-numru serjali għandu jkun kompost mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jidentifikaw l-pajjiż esportatur kif ġej:

UA = Ukrajna

— żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru maħsub bħala l-Istat Membru destinatarju kif ġej:

BE = Belġju
CZ = Repubblika Ċeka
DK = Danimarka
DE = Ġermanja
EE = Estonja
EL = Greċja
ES = Spanja
FR = Franza
IE = Irlanda
IT = Italja
CY = Ċipru
LV = Latvja
LT = Litwanja
LU = Lussemburgu
HU = Ungerija
MT = Malta
NL = Olanda
AT = Awstrija
PL = Polonja
PT = Portugall
SI = Slovenja
SK = Slovakkja
FI = Finlandja
SE = Żvezja
GB = Renju Unit,

— numru b'ċifra waħda li jidentifika s-sena ta' kwota korrispondenti għall-aħħar ċifra fis-sena konċernata, eż. "6" għassena 2006;

— numru b'żewġ ċifri li jidentifika l-uffiċċju li joħroġ il-liċenzja fil-pajjiż ta' esportazzjoni;

— numru b'ħames ċifri li jsegwi b'mod konsekuttiv minn 00 001 sa 99 999 li jkun allokat lill-Istat Membru speċifiku ta' destinazzjoni.

Artikolu 10

Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni tista' tinħareġ wara li jkun seħħ il-ġarr tal-prodotti li għalihom tikkorrispondi. F'dawn il-każijiet għandha jkollha fuqha l-kliem "maħruġa retrospettivament".

Artikolu 11

Fil-każ li liċenzja ta' l-esportazzjoni tinsteraq, tintlef jew tinqered, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu d-dokument sabiex joħorġu kopja abbażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tiegħu.

Il-liċenzja duplikata maħruġa b'dan il-mod għandha jkollha l-kelma "duplikata". Għandha jkollha fuqha d-data tal-liċenzja oriġinali.

Artikolu 12

1. Safejn il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4, tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub ikun disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi konċernati, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzja ta' importazzjoni, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol mill-preżentazzjoni, mill-importatur, ta' l-oriġinal tal-liċenzja ta' esportazzjoni korrispondenti. Din il-preżentazzjoni għandha sseħħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik li fiha l-prodotti koperti mil-liċenzja jkunu nġarru. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru irrispettivament mill-Istat Membru indikat fil-liċenzja ta' esportazzjoni, safejn il-Kummissjoni tkun ikkonfermat, skond l-Artikolu 4, li l-ammont mitlub ikun disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi konċernati.

2. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data li fiha jinħarġu. Fuq talba debitament motivata minn importatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat membru jistgħu jestendu t-tul ta' żmien tal-validità għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx l-erba' xhur.

3. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jitħejjew b'konformità mal-mudell stipulat fl-Anness III u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur sabiex jakkwista liċenzja ta' importazzjoni għandha tikkontjeni:

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-esportatur;

(b) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-importatur;

(ċ) id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti u l-kodiċi TARIC tagħhom;

(d) il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti;

(e) il-pajjiż destinatarju tal-konsenja;

(f) il-grupp korrett tal-prodotti u l-kwantità għall-prodotti konċernati;

(g) il-piż nett skond l-intestatura TARIC;

(h) il-valur c.i.f. tal-prodotti fil-fruntiera tal-Komunità skond l-intestatura TARIC;

(i) jekk il-prodotti konċernati humiex ta' kwalità inferjuri jew ta' kwalità sub-standard;

(j) fejn ikun il-każ, id-data tal-ħlas u tal-konsenja u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt ta' xiri;

(k) id-data u n-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni;

(l) kwalunkwe kodiċi intern użat għal raġunijiet amministrattivi;

(m) id-data u l-firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi m'għandhomx ikunu obbligati jimportaw il-kwantità kollha koperta b'liċenzja ta' importazzjoni f'konsenja waħda.

Artikolu 13

Il-validità tal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandha tkun suġġetta għall-validità ta' liċenzji ta' esportazzjoni u għall-kwantitajiet indikati fil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna li abbażi tagħhom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' importazzjoni.

Artikolu 14

Il-liċenzji ta' importazzjoni jew id-dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 2(2) u mingħajr diskriminazzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe importatur fil-Komunità, ikun fejn ikun il-post ta' l-istabbiliment fil-Komunità, mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħra rekwiżiti taħt ir-regoli attwali.

Artikolu 15

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-Ukrajna għal grupp ta' prodotti partikolari jaqbżu l-limiti kwantitattivi stabbiliti għal dak il-grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-liċenzji fl-Istati Membri għandhom jiġu informati immedjatament sabiex jissospendu l-ħruġ ulterjuri tal-liċenzji ta' l-importazzjoni. F'dan il-każ, għandhom jinfetħu immedjatament il-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw li joħorġu liċenzji ta' importazzjoni għal prodotti li joriġinaw mill-Ukrajna li ma jkunux koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6 sa 11.

Artikolu 16

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għandhom jikkonformaw mal-kampjun tal-liċenzja ta' importazzjoni dispost fl-Anness III.

2. Il-formoli tal-liċenzji ta' importazzjoni u l-estratti minnhom għandhom jiġu mfassla f'żewġ kopji, waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u li ġġib in-numru 1, għandha tinħareġ lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja ta' l-awtorità ta' ħruġ" u li ġġib in-numru 2, għandha tinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenzja. Għal finijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizjonali għall-formola 2.

3. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda mingħajr polpa mekkanika, tajba għall-kitba u li tiżen bejn 55 u 65 g/m^2. Id-daqs tagħha għandu jkun ta' 210 x 297 mm; l-ispazju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun ta' 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier); il-format tal-formoli għandu jiġi segwit b'konformità preċiża. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenzja nnifisha, addizzjonalment għandhom ikollhom disinn *guilloche* stampat bl-aħmar fl-isfond sabiex jikxef kull falsifikazzjoni b'mezzi kimiċi u mekkaniċi.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu jiġu stampati wkoll minn stamperiji nkarigati mill-Istat Membru li fih huma jkunu stabbiliti. F'dan il-każ, għandha tidher referenza għall-inkarigar mill-Istat Membru fuq kull formola. Kull formola għandha ġġib fuqha indikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istamperija jew marka li tippermetti li l-istampatur jiġi identifikat.

5. Mal-ħruġ tagħhom, il-liċenzji ta' importazzjoni jew l-estratti għandhom jingħataw in-numru tal-ħruġ li għandu jiġi stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. In-numru tal-liċenzja ta' importazzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni elettronikament fi ħdan in-*network* integrat stabbilit taħt l-Artikolu 4.

6. Il-liċenzji u l-estratti għandhom jitlestew fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' l-Istat Membru li jkun ħariġhom.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti jridu jindikaw il-grupp korrett li fih jaqgħu l-prodotti ta' l-azzar.

8. Il-marki ta' l-aġenziji li joħorġu l-liċenzji u ta' l-awtoritajiet addebitanti għandhom jiġu applikati permezz ta' timbru. Madankollu, it-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ jista' jiġi sostitwit bl-użu ta' pressa ta' tipa mbuzzata flimkien ma' ittri jew figuri miksuba permezz ta' perforazzjoni jew ta' stampar fuq il-liċenzja. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom jużaw kwalunkwe metodu mhux falsifikabbli sabiex jirrekordjaw il-kwantità allokata b'tali mod li jkun impossibli li jiġu inseriti ċifri jew referenzi.

9. In-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 għandha jkollha kaxxa li fiha l-kwantitajiet jistgħu jitniżżlu mill-awtoritajiet doganali meta jkunu tlestew il-formalitajiet ta' importazzjoni jew mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta jinħareġ estratt. Jekk l-ispazju maħsub għall-addebitamenti fuq il-liċenzja jew estratt minnha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu paġna jew aktar li fuqhom ikun hemm il-kaxex eżatt bħal dawk li hemm fuq wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 tal-liċenzja jew ta' l-estratt. L-awtoritajiet debitanti għandhom iqiegħdu t-timbru tagħhom b'tali mod li nofsu jkun fuq il-liċenzja jew l-estratt minnha u n-nofs l-ieħor ikun fuq il-paġna miżjuda. Jekk ikun hemm aktar minn paġna waħda, għandu jsir timbru ulterjuri bl-istess mod fuq kull paġna u l-paġna ta' qabilha.

10. Il-liċenzji ta' importazzjoni u l-estratti maħruġa, u entrati u approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed għandhom ikollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħad-dokumenti maħruġa, u l-entrati u l-approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jistgħu, fejn dan ikun indispensabbli, jesiġu li l-kontenuti tal-liċenzji jew ta' l-estratti jiġu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 17

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika sat-31 ta' Diċembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

ANNESS I

SA Prodotti ċatti mremblin

SA1. (rombli)

7208 10 00 00
7208 25 00 00
7208 26 00 00
7208 27 00 00
7208 36 00 00
7208 37 00 10
7208 37 00 90
7208 38 00 10
7208 38 00 90
7208 39 00 10
7208 39 00 90

7211 14 00 10
7211 19 00 10

7219 11 00 00
7219 12 10 00
7219 12 90 00
7219 13 10 00
7219 13 90 00
7219 14 10 00
7219 14 90 00

7225 20 00 10
7225 30 10 00
7225 30 90 00

SA3. (prodotti oħra laminati ċatti)

7208 40 00 90
7208 53 90 00
7208 54 00 00
7208 90 80 10
7209 15 00 00
7209 16 10 00
7209 16 90 00
7209 17 10 00
7209 17 90 00
7209 18 10 00
7209 18 91 00
7209 18 99 00
7209 25 00 00
7209 26 10 00
7209 26 90 00
7209 27 10 00
7209 27 90 00
7209 28 10 00
7209 28 90 00
7209 90 80 10
7210 11 00 10
7210 12 20 10
7210 12 80 10
7210 20 00 10
7210 30 00 10
7210 41 00 10
7210 49 00 10
7210 50 00 10
7210 61 00 10

7210 69 00 10
7210 70 10 10
7210 70 80 10
7210 90 30 10
7210 90 40 10
7210 90 80 91
7211 14 00 90
7211 19 00 90
7211 23 20 10
7211 23 30 10
7211 23 30 91
7211 23 80 10
7211 23 80 91
7211 29 00 10
7211 90 80 10
7212 10 10 00
7212 10 90 11
7212 20 00 11
7212 30 00 11
7212 40 20 10
7212 40 20 91
7212 40 80 11
7212 50 20 11
7212 50 30 11
7212 50 40 11
7212 50 61 11
7212 50 69 11
7212 50 90 13
7212 60 00 11
7212 60 00 91
7219 21 10 00
7219 21 90 00
7219 22 10 00
7219 22 90 00
7219 23 00 00
7219 24 00 00
7219 31 00 00
7219 32 10 00

7219 32 90 00
7219 33 10 00
7219 33 90 00
7219 34 10 00
7219 34 90 00
7219 35 10 00
7219 35 90 00
7225 40 12 90
7225 40 90 00

SB Twal

SB1. (travi)

7207 19 80 10
7207 20 80 10
7216 31 10 00

7216 31 90 00
7216 32 11 00
7216 32 19 00
7216 32 91 00
7216 32 99 00
7216 33 10 00
7216 33 90 00

ANNESS II

LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. Nru
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew addebitati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fi (post) ……... fi (data)…… (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. Nru
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew addebitati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fi (post) ……..... fi (data)……..
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. Nru
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti - manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fi (post) ……..…..... fi (data)…….……
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. Nru
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	Fi (post) ……..…..... fi (data)…….……
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ANNESS III

LIĊENZJA GĦALL-IMPORTAZZJONI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

1	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja tad-detentur		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjaratur/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-kunsinna (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
1		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwatità espressa fl-unità ta' kwota
	12. Garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fil-Parti 1 tal-Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-Parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, b'indikazzjoni ta' l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni addizzjonali li għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

LIĊENZJA GĦALL-IMPORTAZZJONI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

2	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja għall-awtorità li toħroġ		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjaratur/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-kunsinna (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
2		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwatità espressa fl-unità ta' kwota
	12. Garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fil-Parti 1 tal-Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-Parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, b'indikazzjoni ta' l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni addizzjonali li għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

LIĊENZJA GĦALL-IMPORTAZZJONI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

1	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja tad-detentur		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjaratur/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-kunsinna (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
1		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwatità espressa fl-unità ta' kwota
	12. Garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fil-Parti 1 tal-Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-Parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, b'indikazzjoni ta' l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni addizzjonali li għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

LIĊENZJA GĦALL-IMPORTAZZJONI FIL-KOMUNITÀ EWROPEA

2	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja għall-awtorità li toħroġ		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjaratur/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-kunsinna (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
2		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwatità espressa fl-unità ta' kwota
	12. Garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Indika l-kwantità disponibbli fil-Parti 1 tal-Kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-Parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, b'indikazzjoni ta' l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni addizzjonali li għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

ANNESS IV

LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES
SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ
LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER
LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN
PÄDEVATE RIIKLIKE ASUTUSTE NIMEKIRI
ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ
LISTA TA' L-AWTORITAJIET NAZZJONALI KOMPETENTI
LISTE DES AUTORITÉS NATIONALES COMPÉTENTES
ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITÀ NAZIONALI
VALSTU KOMPETENTO IESTAŽU SARAKSTS
ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS
AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA
LISTA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI
LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES
LISTA WLAŒCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH
LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES
ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV
SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV
LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA
FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER

BELGIQUE/BELGIË

Service public Fédéral Economie, P.M.E., Classes Moyennes & Energie
Administration du potentiel économique
Service Licences
Rue de Louvain 44
B-1000 Bruxelles
Fax: +32-2-5486570

Federale Overheidsdienst Economie, KMO, Middenstand en Energie
Bestuur Economisch Potentieel
Dienst vergunningen
Leuvenseweg 44
B-1000 Brussel
Fax (32-2) 548 65 70

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
CZ-110 15 Praha 1
Fax: (420) 224 21 21 33

DANMARK

Erhvervs- og Byggestyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Langelinie Allé 17
DK-2100 København Ø
Fax (45) 35 46 60 29

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle
(BAFA) — Referat 421
Frankfurter Straße 29-35
D-65760 Eschborn
Fax: (49-6196) 90 88 00

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
EE-15072 Tallinn
Fax: + 372-6313 660

ΕΛΛΑΔΑ

Υπουργείο Οικονομίας & Οικονομικών
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Φαξ (30) 210 328 60 94

ESPAÑA

Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Subdirección General de Comercio Exterior de Productos Industriales
Paseo de la Castellana 162
E- 28046 Madrid
Fax: + 34-91-349 38 31

FRANCE

Ministère de l'Economie des Finances et de l'Industrie
Direction Générale des Entreprises
Sous-direction des Biens de Consommation
Bureau Textile-Importations
Le Bervil,
12 rue Villiot
F-75572 Paris Cedex 12
Fax: + 33-1-53 44 91 81

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
IE-Dublin 2
Fax: + 353-1-631 25 62

ITALIA

Ministero delle Attivita Produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America 341
I-00144 Roma
Fax: +39-6-59 93 22 35/59 93 26 36

ΚΥΠΡΟΣ

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγής/Εξαγωγής
Οδός Ανδρέα Αραούζου αρ. 6
CY-1421 Λευκωσία
Φαξ (357) 22 37 51 20

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
LV-1519 Rīga
Fax: + 371-728 08 82

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT-01104 Vilnius
Faksas (370-5) 26 23 974

LUXEMBOURG

Ministère de l'économie et du commerce extérieur
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax (352) 46 61 38

MAGYARORSZÁG

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85.
HU-1024 Budapest
Fax: + 36-1-336 73 02

MALTA

Servizzi ta' Kummerċ
Diviżjoni għall-Kummerċ
Lascaris
MT-Valletta CMR 02
Fax: + 356-21-23 19 19

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane/Centrale Dienst voor in-en uitvoer
Postbus 30003
9700 RD Groningen
Nederland
Fax (31-50) 523 22 10

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Aussenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1
A-1011 Wien
Fax: (43-1) 7 11 00-83 86

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki
Plac Trzech Krzyży 3/5
PL-00-507 Warszawa
Fax: (48-22) 693 40 21/693 40 22

PORTUGAL

Ministério das Finanças e da Administração Pública
Direcção-Geral das Alfândegas e dos Impostos
Especiais sobre o Consumo
Rua da Alfândega, 5 r/c
P-1149-006 Lisboa
Fax: (+ 351) 21 881 39 90

SLOVENIJA

Ministrstvo za finance
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Center za TARIC in kvote
Spodnji Plavž 6c
SI-4270 Jesenice
Faks: (386-4) 297 44 72

SLOVENSKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo hospodárstva SR
Odbor licencií
Mierová 19
827 15 Bratislava 212
Slovenská republika
Fax: (421-2) 43 42 39 19

SUOMI/FINLAND

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
Faksi (358-20) 492 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-113 86 Stockholm
Fax (46-8) 30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House — West Precinct
Billingham
UK-TS23 2NF
Fax: + 44-1642-36 42 69

ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI

(tunnellati metriċi)

Prodotti	**Sena 2006**
SA. Prodotti ċatti	
SA1. Kojl	30 000
SA3. Prodotti ċatti oħra	20 000
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	2 000

32006R1758

1.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 335/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1758/2006

tat-22 ta' Mejju 2006

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [1] li jistabbilixxi nomenklatura għall-merkanzija, minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "In-Nomenklatura Magħquda", u li jiffissa r-rati ta' taxxi konvenzjonali tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Bid-Deċiżjoni 2006/862/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea [2], il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, il-Ftehim imsemmi bil-ħsieb li jingħalqu n-negozjati li bdew skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat għaldaqstant,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Parti Tnejn "Skeda ta' dazji doganali" ta' l-Anness I għal Regolament (KEE) Nru 2658/87, għandha tiġi emendata kif jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Mejju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 838/2006 (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 1).

[2] Ara paġna 242 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

Minkejja r-regoli dwar l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kitba li tiddeskrivi l-prodotti għandha tkun ikkunsidrata li ma għandhiex aktar minn valur indikattiv, filwaqt li l-konċessjonijiet qed ikunu determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bl-użu tal-kodiċijiet tan-NM kif dawn jeżistu waqt l-adozzjoni ta' dan ir-regolament. Fejn jiġu indikati kodiċi ex NM, il-konċessjonijiet għandhom ikunu determinati mill-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

F' Parti Tnejn "Skeda ta' dazji doganali" ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ir-rati tad-dazju li ġejjin għandhom japplikaw għall-perijodu indikat:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju
"1511 90 19	Frazzjonijiet solidi ta' żejt tal-palm, kemm jekk raffinat jew le, iżda li mhux kimikament modifikat, f'pakketti ta' > 1kg	Rata applikata ta' 10,0 % (*)
8525 40 99	Kameras tal-vidjoreġistrazzjoni oħrajn għajr dawk li jistgħu biss jirreġistraw il-ħoss u l-immaġni meħuda bil-'kamera' tat-televiżjoni	Implimentata permezz tar-Regolament (KE) 2114/2005

(*) Ir-rata inferjuri applikata indikata hawn fuq ghandha tiġi applikata ghal tliet snin jew sa meta l-implimentazzjoni tar-riżultati tar-Rawnd ta' l-Aġenda ta' Doha ghall-Iżvilupp tilhaq il-livell tariffarju ta' hawn fuq, kwalunkwe minnhom tiġi l-ewwel."

32006R1760

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1760/2006

tat-28 ta' Novembru 2006

li jintroduċi, fl-okkażjoni ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, miżuri temporanji speċjali għar-reklutaġġ ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri [3],

Billi:

(1) Fl-okkażjoni ta' l-adeżjoni li ġejja tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu adottati miżuri temporanji speċjali li jmorru lil hinn mir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (hawn aktar 'il quddiem "Regolamenti tal-Persunal").

(2) Minħabba d-daqsijiet relativi tal-pajjiżi li qed jaderixxu u n-numru ta' nies potenzjalment involuti, dawn il-miżuri, għalkemm temporanji għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu sostanzjali. Il-31 ta' Diċembru 2011 tidher li hija l-aktar data ta' skadenza xierqa f'dan ir-rigward.

(3) Minħabba l-ħtieġa li jkuni jistgħu isiru r-reklutaġġi pjanati mill-aktar fis possibbli wara l-adeżjoni, dan ir-Regolament għandu jiġi adottat qabel id-data ta' l-adeżjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Minkejja t-tieni u t-tielet paragrafi ta' l-Artikolu 4, l-Artikolu 7(1), it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 27 u l-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 29(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-postijiet vakanti jistgħu jimtlew wara d-data ta' l-adeżjoni tal-pajjiżi konċernati, u sal-31 ta' Diċembru 2011, bil-ħatra ta' ċittadini Bulgari u Rumeni, sal-limitu tan-numru ta' postijiet allokati u b' konsiderazzjoni tad-diskussjonijiet baġitarji.

2. Il-ħatriet tal-postijiet isiru:

(a) Għall-gradi kollha, wara d-data ta' l-adeżjoni;

(b) Ħlief għall-uffiċjali għolja, (Diretturi Ġenerali jew l-ekwivalenti tagħhom fi grad AD 16 jew AD 15 u Diretturi jew l-ekwivalenti tagħhom fi grad AD 15 jew AD 14), wara l-kompetizzjonijiet ibbażati kemm fuq kwalifiki kif ukoll fuq testijiet organizzati kif speċifikat fl-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

---

[1] Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2006 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)

[2] Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Lulju 2006.

[3] Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru 2006.

32006D0862

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Mejju 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea

(2006/862/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2004 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, matul l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati dwar Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994. Il-Ftehim imsemmi għandu għalhekk jiġi approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, rigward it-tneħħija ta' konċessjonijiet speċifiċi relatati mat-tneħħija ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea huwa b' dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuz ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b' dan awtorizzat jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim sabiex tkun tintrabat il-Komunità [1].

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Mejju 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL

---

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tkun pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

22006A1201(01)

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Malasja skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 relatat ma' l-emenda tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea

A. *Ittra mill-Komunitajiet Ewropej*

Sinjur,

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Malasja bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Malasja bl-iskop li jkunu magħluqa n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994:

— 1511 90 19 (Frazzjonijiet solidi ta' żejt tal-palm, kemm jekk raffinat jew le, iżda li mhux kimikament modifikat, f'pakketti ta' >1 kg.): Rata applikata aktar baxxa ta' 10,0 %.

— 8525 40 99 (Vidjokameras bi stampa fissa): Rata applikata aktar baxxa ta' 12,5 %.

Ir-rati applikati aktar baxxi indikati hawn fuq għandhom ikunu applikati għal tliet snin.

Id-deskrizzjonijiet tat-tariffi eżatti tal-KE-15 għandhom japplikaw għal-linji ta' tariffi kollha hawn fuq.

Il-KE għandha tinkorpora fl-iskeda CLX tagħha, għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jkun iffirmat, wara li tingħata l-approvazzjoni mill-partijiet b'konformità mal-proċeduri tagħhom.

Ghoddni tiegħek,

F'isem il-Komunità Ewropea

B. *Ittra mill-Malasja*

Sinjur,

B'referenza għall-ittra tiegħek li tiddikjara:

"Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Malasja bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Malasja bl-iskop li jkunu magħluqa n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994:

— 1511 90 19 (Frazzjonijiet solidi ta' żejt tal-palm, kemm jekk raffinat jew le, iżda li mhux kimikament immodifikat >1 kg.): Rata applikata aktar baxxa ta' 10,0 %.

— 8525 40 99 (Vidjokameras bi stampa fissa): Rata applikata aktar baxxa ta' 12,5 %.

Ir-rati applikati aktar baxxi indikati hawn fuq għandhom ikunu applikati għal tliet snin.

Id-deskrizzjonijiet tat-tariffi eżatti tal-KE-15 għandhom japplikaw għal-linji ta' tariffi kollha hawn fuq.

Il-KE għandha tinkorpora fl-iskeda CLX tagħha, għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jkun iffirmat, wara li tingħata l-approvazzjoni mill-partijiet b'konformità mal-proċeduri tagħhom.".

Għandi hawnekk l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi.

Għoddni tiegħek,

F'isem il-Malasja



32006D0863

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2006

li temenda d-Deċiżjoni 2004/793/KE dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tat-Togo skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou

(2006/863/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' l-Istati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minnaħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 [1], u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 [2], u partikolarment l-Artikolu 96 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar miżuri li jridu jittieħdu u proċeduri li jridu jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE [3], u partikolarment l-Artikolu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/793/KE tal-15 ta' Novembru 2004 dwar il-konklużjoni tal-proċedura ta' konsultazzjonijiet mar-Repubblika tat-Togo skond l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou [4], tipprevedi perjodu ta' validità ta' 24 xahar mid-data ta' l-adozzjoni tiegħu għall-monitoraġġ tal-miżuri xierqa.

(2) Il-kriżi politika ta' l-2005 li kien hemm wara l-mewt tal-president Eyadema kienet avveniment mhux mistenni li tefa lura l-kalendarju inizjali għall-implimentazzjoni ta' l-impenji meħuda mill-gvern Togoliż, u li impedixxa l-kisba ta' l-għanijiet iffissati fl-iskadenza inizjali, partikolarment l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet leġislattivi anticipati.

(3) Fit-tmiem ta' dan il-perjodu ta' monitoraġġ twettqu ħafna impenji u l-bqija ta' l-impenji prinċipali wasslu għal inizjattivi konkreti. Madankollu, diversi miżuri importanti fir-rigward ta' l-elementi essenzjali tal-Ftehim ta' Cotonou għadhom iridu jiġu implimentati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-validità tad-Deċiżjoni 2004/793/KE li tikkonkludi l-proċedura ta' konsultazzjoni mar-Repubblika tat-Togo taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou ġiet estiża bi 12-il xahar, sal-15 ta' Novembru 2007. Din għandha tiġi regolarment riveduta kull sitt xhur.

Artikolu 2

Il-miżuri adottati fid-Deċiżjoni 2004/793/KE bħala l-miżuri xierqa previsti fl-Artikolu 96(2)(ċ) tal-Ftehim ta' Cotonou għandhom jiġi modifikati kif speċifikat fl-abbozz ta' l-ittra li tinsab fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

---

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
[2] ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.
[3] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.
[4] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 17.

ANNESS

Għall-attenzjoni tal-Prim Ministru, Kap tal-Gvern tar-Repubblika tat-Togo

Onorevoli Prim Ministru,

L-Unjoni Ewropea tagħti importanza kbira lid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji demokratiċi u ta' l-istat tad-dritt, li fuqhom hija bbażata s-Sħubija ta' l-AKP-UE, jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-Ftehim imsemmi u, konsegwentement, il-bażi tar-relazzjonijiet tagħna.

L-Unjoni Ewropea, fl-2004 ikkunsidrat li s-sitwazzjoni politika fit-Togo kienet tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dawn l-elementi essenzjali u f'April 2004 fetħet konsultazzjonijiet taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim, li matulhom il-Gvern assuma 22 impenn. Dawn il-konsultazzjonijiet wasslu għall-konklużjonijiet li ġew komunikati lill-kap tal-Gvern f'korrispondenza preċedenti fil-15 ta' Novembru 2004.

Il-miżuri xierqa jipprevedu perjodu ta' monitoraġġ ta' 24 xahar li jispiċċa fl-14 ta' Novembru 2006. Matul dan il-perjodu seta' jseħħ djalogu politiku msaħħaħ, karatterizzat fost l-oħrajn b'missjonijiet ta' monitoraġġ konġunti tal-Kunsill u l-Kummissjoni f'Lulju 2005, f'Marzu 2006 u f'Ottubru 2006.

Il-monitoraġġ ta' l-impenji meħuda wera li s-sitwazzjoni tjiebet b'mod konsiderevoli fl-aħħar ta' l-2004, sa meta iddegradat is-sitwazzjoni bl-avvenimenti ta' l-2005 li segwew il-mewt tal-President Eyadema. Minn Ġunju 2005 ġiet introdotta politika ta' ftuħ u r-riżultat attwali juri titjib konsiderevoli u sostenibbli tas-sitwazzjoni, rifless fil-ftehim politiku globali reċenti, li għalih nifirħu lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati Togoliżi kollha.

Fost l-iniżjattivi prinċipali li ttieħdu għall-implimentazzjoni tat-22 impenn, hemm partikolarment:

— iż-żamma ta' djalogu politiku ġenwin inter-Togoliż li ppermetta lill-partijiet kollha li jindirizzaw flimkien il-punti kollha ta' tilwim fil-qafas ta' aġenda miftuħa. Dan id-djalogu wassal għall-iffirmar ta' ftehim politiku mill-parteċipanti kollha fl-20 ta' Awissu li għadda. It-test iffirmat għandu l-għan li joħloq il-bażi ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali sostenibbli u jmur lil hinn mill-impenji meħuda fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea. Minbarra l-kwistjonijiet relatati mal-qafas elettorali u ma' l-impunità, jindirizza wkoll dawk relatati mat-tkomplija tar-riformi kostituzzjonali u ma' l-armata;

— il-ħolqien ta' gvern ta' unjoni nazzjonali li jinkludi membri mill-oppożizzjoni, fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' l-20 ta' Awwissu;

— l-impenn sabiex jitħejjew l-elezzjonijiet leġislattivi li l-organizzazzjoni tagħhom ġiet imħabbra f'Ġunju 2007 mill-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti (CENI);

— l-implimentazzjoni ta' kodiċi ġdid ta' l-Istampa, sforz li sar fil-livell tal-mezzi tax-xandir uffiċjali għal kopertura iktar bilanċjata u l-ewwel rikompożizzjoni ta' l-Awtorità Għolja ta' l-Awdjoviżiv u l-Komunikazzjoni;

— l-adozzjoni ta' programm ta' riforma tal-ġustizzja, il-ħelsien tal-priġunieri politiċi arrestati matul l-avvenimenti ta' l-2005 u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni;

— l-iffirmar fl-10 ta' Lulju 2006 ta' protokoll ta' ftehim mal-Kummissarju l-Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-ftuħ ta' uffiċċju f'Lomé sabiex jassisti lill-Gvern u sabiex isegwi l-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Togo.

Nilqgħu ukoll l-inizjattivi li jiżbqu l-qafas strett tat-22 impenn. Dawn huma miżuri relatati mar-riforma fl-armata, li permezz tagħha jiġu separati l-missjonijiet ta' difiża nazzjonali mill-missjonijiet ta' sigurtà interna, u mill-kwistjoni tar-refuġjati, li fir-riward tagħhom l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija li terġa' tinbena l-fiduċja.

M'hemmx dubbju li l-miżuri meħuda għandhom jgħinu sabiex terġa' tiġi stabbilita d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u li huma passi fir-rispett ta' l-impenji meħuda.

F'dan il-kuntest tar-ristabbiliment tal-fiduċja bejn l-Unjoni Ewropea u t-Togo, aħna nħeġġu li jsir djalogu approfondit dwar is-suġġetti li ġejjin:

— it-tisħiħ tal-progress li sar, li għadu jiġi konfermat fl-elezzjonijiet li jmiss;

— l-implimentazzjoni tal-qafas elettorali aċċettat mill-partijiet kollha u definit fil-Ftehim Politiku Globali, li għandu jwassal għal elezzjonijiet leġislattivi liberi u trasparenti;

— id-definizzjoni ta' qafas ġuridiku li jorganizza l-finanzjament tal-partiti politiċi;

— it-tkomplija tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni;

— ir-riżoluzzjoni tal-kwistjoni ta' miżuri kontra l-impunità, inkluż il-ħolqien ta' Kummissjoni ta' Inkjesta u ta' Kummissjoni għar-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali, u l-garanziji ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem kif stipulat fl-impenn 2.1;

— ir-reviżjoni ta' l-istatuti tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rikompożizzjoni tagħha, kif ukoll it-twaqqif f'Lomé ta' Uffiċċju ta' Kummissjoni Għolja tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Waqt li l-Unjoni Ewropea hija konxja ta' l-iżviluppi pożittivi bħalissa fit-Togo u tal-ħidma li għadha trid issir, iddeċidiet li testendi l-perjodu ta' monitoraġġ tad-Deċiżjoni tal-15 ta' Novembru 2004 għal 36 xahar sabiex l-awtoritajiet Togoliżi jkollhom żmien biżżejjed sabiex iwettqu bis-sħiħ l-impenji li ħadu. Sejrin isiru reviżjonijiet regolari, li magħhom ikunu assoċjati l-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea, għall-inqas kull sitt xhur.

Sabiex jiġi sostnut il-proċess attwali ta' riformi, l-Unjoni Ewropea tħeġġeġ l-adattament tal-miżuri applikabbli.

F'dan il-qafas, il-bilanċi mhux minfuqa tas-sitt u s-seba' EDF għandhom jintużaw skond l-għanijiet stabbiliti fil-miżuri xierqa sabiex jitwettqu l-elezzjonijiet leġislattivi, sabiex tiġi ffinanzjata faċilità teknika ta' kooperazzjoni, maħsuba sabiex, fost l-oħrajn, tappoġġja t-twettiq tat-22 impenn, sabiex jiġi appoġġat programm ta' riforma fis-sistema ġudizzjarja u titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll sabiex jiġi ffinanzjat programm ta' benefiċċji soċjali għal xogħlijiet li jimpjegaw numru kbir ta' ħaddiema.

Bil-qafas elettorali stabbilit u bid-data ta' l-elezzjonijiet iffissata, huwa possibbli li minn hawn 'il quddiem jiġi notifikat id-disa' FED u jiġu implimentati d-disa' FED u l-Qafas ta' Obbligazzjonijiet Reċiproċi għall-Fondi Stabex 1995-1999.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kummissjoni *Għall-Kunsill*

32006D0865

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/865/PESK

tat-28 ta' Novembru 2006

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/824/PESK ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina (BiH) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (2) tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Novembru 2005 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK li tistabbilixxi li l-EUPM għandha titkompla sal-31 ta' Diċembru 2007. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-2007 għandu jiġi deċiż fuq bażi annwali.

(2) Il-mandat ta' l-EUPM ser jiġi implementat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tkun ta' ħsara għall-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju intiż biex ikopri n-nefqa relatata ma' l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK għandu jkun ta' EUR 12 150 000 għall-2007.

2. In-nefqa finanzjata mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ġestit skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni li Ä3.

3. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mill-21 ta' Novembru 2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

[1] ĠU L 307, 25.11.2005, p. 55.

32006D0866

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/866/PESK

tat-30 ta' Novembru 2006

li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal- Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/921/PESK tal-25 ta' Novembru 2002 li testendi l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2005/808/PESK [2] li testendi l-mandat tas-Sinjura Maryse DAVIET bħala Kap ta' Missjoni tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM). Skond din id-Deċiżjoni, il-mandat tagħha jiskadi fl-31 ta' Diċembru 2006.

(2) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/867/PESK li testendi u temenda l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewopea (EUMM) sal-31 ta' Diċembru 2007.

(3) Il-mandat tal-Kap ta' Missjoni ta' l-EUMM għandu għalhekk jiġi estiż ukoll,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sinjura Maryse DAVIET bħala Kap ta' Missjoni ta' l-EUMM huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. HYSSÄLÄ

---

[1] ĠU L 321, 26.11.2002, p. 51. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar bl-Azzjoni Konġunta 2005/807/PESK (ĠU L 303, 22.11.2005, p. 61).

[2] ĠU L 303, 22.11.2005, p. 62.

32006E0867

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/867/PESK

tat-30 ta' Novembru 2006

li testendi u temenda l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea (EUMM)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-25 ta' Novembru 2002, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/921/PESK li testendi l-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewopea ([1]) ("l-EUMM").

(2) Fit-21 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/807/PESK ([2]), li testendi l-mandat tal-EUMM sal-31 ta' Diċembru 2006.

(3) L-EUMM għandha tkompli l-attivitajiet tagħha fil-Balkani tal-Punent b'appoġġ għall-politika ta' l-Unjoni Ewropea għal dak ir-reġjun, b'fokus prinċipali fuq l-iżviluppi ta' politika u ta' sigurtà fil-Kosovo u s-Serbja u ż-żoni fil-viċinat li jistgħu jiġu affettwati minn kwalunkwe żviluppi negattivi fil-Kosovo.

(4) Il-preżenza ta' l-EUMM fl-Albanija għandha tispiċċa sa l-aħħar ta' l-2006.

(5) Il-preżenza ta' l-EUMM fil-Montenegro għandha titnaqqas għal żewġ monituri sa l-aħħar ta' l-2006 u l-preżenza tagħha fil-Montenegro għandha tispiċċa sa nofs l-2007.

(6) L-EUMM fl-intier tagħha għandha tagħlaq sat-tmiem ta' l-2007, u s-Segretarjat tal-Kunsill għandu jippreżenta rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' ħruġ ta' l-EUMM sa nofs l-2007.

(7) Il-mandat ta' l-EUMM għandu għalhekk jiġi estiż u emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

Il-mandat ta' l-EUMM, kif imniżżel fl-Azzjoni Konġunta 2002/921/PESK, huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 2

L-Azzjoni Konġunta 2002/921/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) L-Artikolu 2(2)(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) ssegwi l-iżviluppi politiċi u ta' sigurtà fil-qasam tar-responsabbiltà tagħha, b'fokus partikolari fuq il-Kosovo u s-Serbja, u r-reġjuni fil-viċinat li jistgħu jiġu affettwati minn kwalunkwe żviluppi negattivi fil-Kosovo;"

2) L-Artikolu 3(3), għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għandu jiżgura li l-EUMM tiffunzjona flessibbilment u effiċjentement. F'dak il-kuntest, huwa għandu jeżamina mill-ġdid regolarment il-funzjonijiet u t-territorju ġeografiku kopert mill-EUMM sabiex ikompli jadatta l-organizzazzjoni interna ta' l-EUMM għall-prijoritajiet ta' l-Unjoni fil-Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata b'mod sħiħ. Tenut kont ta' l-għeluq maqbul ta' l-EUMM kollha sa l-aħħar ta' l-2007, sa nofs l-2007 għandu jiġi ppreżentat rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' ħruġ ta' l-EUMM;"

3) It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007."

Artikolu 3

L-ammont finanzjarju ta' referenza intenzjonat biex ikopri n-nefqa relatata ma' l-EUMM bejn l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għandu jkun ta' EUR 2 318 000. Dan l-ammont għandu jkopri wkoll in-nefqa marbuta ma' l-għeluq ta' l-EUMM.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 321, 26.11.2002, p. 51.
([2]) ĠU L 303, 22.11.2005, p. 61.

Artikolu 5

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
L. HYSSÄLÄ

32006E0868

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/868/PESK

tat-30 ta' Novembru 2006

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (RDK) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "Kinshasa")

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (RDK) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA") [1].

(2) Fl-Azzjoni Konġunta 2006/300/PESK kien ipprovdut notevolment li EUPOL "KINSHASA" tiġi temporanjament imsaħħa matul il-proċess elettorali fir-RDK,

(3) It-tisħiħ temporanju ta' EUPOL "KINSHASA" għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2006,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(3) ta' l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK għandu jinbidel b'li ġej:

"3. EUPOL 'KINSHASA' għandha tiġi temporanjament imsaħħa matul il-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, skond id-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 3. Dan it-tisħiħ għandu jtemm fil-31 ta' Diċembru 2006."

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. HYSSÄLÄ

[1] ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta 2006/300/PESK (ĠU L 111, 25.4.2006, p. 12).

32006L0117

5.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 337/21

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2006/117/EURATOM

ta' l-20 ta' Novembru 2006

dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(2) u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni mfassla wara li nkisbet l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi fl-Istati Membri, skond l-Artikolu 31 tat-Trattat, u wara li kkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi:

(1) L-operazzjonijiet involuti fi vjeġġi ta' skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit huma suġġetti għal numru ta' ħtiġijiet taħt strumenti legali Komunitarji u internazzjonali b'mod partikolari rigward it-trasport sigur ta' materjal radjuattiv u l-kondizzjonijiet li taħthom l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit jintremew jew jinħażnu fil-pajjiż ta' destinazzjoni.

(2) Minbarra dawn il-ħtiġijiet, il-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku in ġenerali teħtieġ li l-vjeġġi ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit bejn l-Istati Membri u lejn il-Kommunità u 'l barra minnha jkunu suġġetti għal sistema obbligatorja u komuni ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

(3) Kif ġie dikjarat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2002 dwar it-twaqqif ta' sistemi nazzjonali għas-sorveljanza u għall-kontroll tal-preżenza ta' materjali radjuattivi fir-riċiklaġġ ta' materjali metalliċi fl-Istati Membri [3], huwa importanti li jitnaqqas ir-riskju radjoloġiku li jirriżulta mill-preżenza ta' materjali radjuattivi fost materjali metalliċi destinati għar-riċiklaġġ.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/3/Euratom tat-3 ta' Frar 1992 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv bejn l-Istati Membri u fil- u barra mill-Komunità [4] stabbilixxiet sistema Komunitarja ta' kontroll strett u ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal vjeġġi ta' skart radjuattiv li rriżultat sodisfaċenti. Madankollu, hija teħtieġ li tiġi emendata fid-dawl ta' l-esperjenza sabiex jiġu ċċarati u miżjuda kunċetti u definizzjonijiet, sabiex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet li fil-passat ma ġewx kunsidrati, sabiex tiġi simplifikata l-proċedura eżistenti tat-trasport ta' skart bejn l-Istati Membri u sabiex tiġi garantita l-konsistenza ma' diżpożizzjonijiet Komunitarji u internazzjonali oħrajn, u b'mod partikolari mal-Konvenzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà ta' l-Immaniġġar ta' Kombustibbli Eżawrit u dwar is-Sigurtà ta' l-Immaniġġar ta' Skart Radjuattiv (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni Konġunta"), li magħha il-Komunità aderixxiet fit-2 ta' Jannar 2006.

(5) Fil-qafas tal-Ħames Fażi ta' l-inizjattiva SLIM (*Simpler Legislation for the Internal Market* — Leġiżlazzjoni Aktar Sempliċi għas-Suq Intern), ġie stabbilit grupp ta' ħidma ta' rappreżentanti ta' l-Istat Membri u ta' utenti sabiex jiġi indirizzat numru ta' kwistjonijiet inkwetanti espressi minn utenti tad-Direttiva 92/3/Euratom, filwaqt li tiġi allinjata, għall-finijiet ta' konformità, ma' l-istrumenti u r-regoli internazzjonali attwali.

(6) Il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 92/3/Euratom ġiet applikata fil-prattika biss għal vjeġġi ta' kombustibbli eżawrit li għalih ma jkunx hemm maħsub użu ulterjuri, meqjus għalhekk bħala "skart radjuattiv" għall-finijiet ta' dik id-Direttiva. Mill-aspett radjoloġiku, l-esklużjoni ta' l-applikazzjoni ta' tali proċedura ta' superviżjoni u kontroll lil kombustibbli eżawrit, fejn dan ikun maħsub għar-ripproċessar, mhix ġustifikata. Hu għalhekk xieraq li din id-Direttiva tkopri l-vjeġġi kollha ta' kombustibbli eżawrit, kemm jekk ikun maħsub għar-rimi kif ukoll jekk għar-ripproċessar.

(7) Kull Stat Membru għandu jibqa' responsabbli bis-sħiħ għall-għażla tal-politika proprja tiegħu dwar il-maniġġar ta' l-iskart nukleari u tal-kombustibbli eżawrit li jaqa' fil-ġurisdizzjoni tiegħu, x'uħud bl-għażla tar-ripproċessar tal-kombustibbli eżawrit, oħrajn bil-għan tar-rimi finali ta' kombustibbli eżawrit mingħajr ebda użu ieħor previst. Din id-Direttiva għandha għalhekk tkunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jesportaw il-kombustibbli eżawrit tagħhom għar-ripproċessar u xejn f'din id-Direttiva m'għandu jimplika li Stat Membru ta' destinazzjoni għandu jaċċetta vjeġġi ta' skart radjuattiv u kombustibbli eżawrit għat-trattament jew rimi finali ħlief fil-każ ta' ġarr lura. Kwalunkwe rifjut ta' tali vjeġġi għandu jiġi ġġustifikat abbażi tal-kriterji stabbiliti f'din id-Direttiva.

[1] ĠU C 286, 17.11.2005, p. 34.

[2] Opinjoni mogħtija fil-5 ta' Lulju 2006 (għadha mhijiex ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU C 119, 22.5.2002, p. 7.

[4] ĠU L 35, 12.2.1992, p. 24.

(8) Is-simplifikazzjoni tal-proċedura eżistenti m'għandhiex tfixxkel id-drittijiet eżistenti ta' l-Istati Membri li joġġezjonaw għal, jew li jimponu kondizzjonijiet fir-rigward ta', vjeġġ ta' skart radjuattiv li jeħtieġ il-kunsens tagħhom. L-oġġezzjonijiet m'għandhomx ikunu arbitrarji u għandhom ikunu bbażati fuq diżpożizzjonijiet nazzjonali, Komunitarji jew internazzjonali relevanti. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi taħt il-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari għall-eżerċizzju, minn bastimenti u minn inġenji ta' l-ajru, ta' drittijiet u libertajiet ta' navigazzjoni marittima, fuq xmajjar u ta' l-ajru, kif previst taħt il-liġi internazzjonali.

(9) Il-possibbiltà għal Stat Membru ta' destinazzjoni jew ta' transitu li jirrifjuta l-proċedura awtomatika għall-għotja ta' kunsens għal vjeġġi timponi piż amministrattiv mhux ġustifikat u tiġġenera inċertezza. Il-konferma obbligatorja tarriċevuta ta' l-applikazzjoni mill-awtoritajiet tal-pajjiżi ta' destinazzjoni u ta' transitu, flimkien ma' l-estensjoni tal-perjodu għall-għotja ta' kunsens, għandhom jippermettu li tiġi preżunta l-approvazzjoni taċita b'livell għoli ta' ċertezza.

(10) L-"awtorizzazzjonijiet" għal vjeġġi fis-sens ta' din id-Direttiva m'għandhom jissostitwixxu ebda ħtieġa nazzjonali speċifika għall-vjeġġi bħal liċenzji tat-trasport.

(11) Għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent kontra l-perikli li jirriżultaw minn skart radjuattiv, għandu jittieħed kont tar-riskji li jinħalqu barra mill-Komunità. Fil-każ ta' skart radjuattiv u kombustibbli eżawrit li jħalli l-Komunità, il-pajjiż terz ta' destinazzjoni m'għandhux biss ikun infurmat dwar il-vjeġġ, iżda għandu wkoll jagħti l-kunsens tiegħu għalih.

(12) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jikkoperaw u jaħdmu mill-qrib ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn involuti sabiex jiġi evitat dewmien bla bżonn u sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni bla xkiel tal-proċedura ta' kunsens stabbilita minn din id-Direttiva.

(13) Il-ħtieġa li l-persuna responsabbli għall-vjeġġ tieħu miżuri korrettivi ta' sigurtà fejn meħtieġ fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-vjeġġ m'għandhiex timpedixxi l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi stabbiliti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali.

(14) Il-ħtieġa li d-detentur ikun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-vjeġġ m'għandhiex tippreġudika l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi stabbiliti mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali jew kwalunkwe ftehim kontrattwali bejn id-detentur u kwalunkwe persuna oħra involuta fil-vjeġġ.

(15) Waqt li skart radjuattiv għandu, sakemm ikun kompatibbli mal-maniġġar sigur ta' tali materjal, jintrema fl-Istat li fih kien iġġenerat hu rikonoxxut li l-Istati Membri għandhom jippromwovu ftehim bejniethom sabiex jiffaċilitaw il-maniġġar sigur u effiċjenti ta' l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit mill-Istati Membri li jkunu pproduċuh fi kwantitajiet żgħar u fejn l-istabbiliment ta' faċilitajiet adegwati ma jkunx ġustifikat mill-aspett radjoloġiku.

(16) Meta jkun ġie konkluż arranġament bejn destinatarju f'pajjiż terz u detentur f'pajjiż terz skond l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni Konġunta, l-istess arranġament jista' jintuża għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(17) Għall-finijiet ta din id-Direttiva u fid-dawl ta' l-esperjenza fil-passat hu xieraq li d-dokument standard eżistenti jiġi adattat. Fl-interess taċ-ċarezza, għandu jiġi stabbilit l-obbligu li jiġi stabbilit dokument standard ġdid sad-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, jekk din l-iskadenza ma tiġix rispettata, għandhom jeżistu diżpożizzjonijiet transitorji li jipprovdu għall-użu tad-dokument standard eżistenti. Barra minn hekk, għandhom jeżistu regoli ċari dwar l-użu tal-lingwi li jipprovdu għaċ-ċertezza legali u jevitaw dewmien mhux ġustifikat.

(18) Ir-rappurtar perjodiku mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jipprovdi rendikont ġenerali utli ta' l-awtorizzazzjonijiet mogħtija fil-Komunità u għandu jidentifika d-diffikultajiet li possibbilment jiltaqgħu magħhom fil-prattika l-Istati Membri u s-soluzzjonijiet li ġew applikati.

(19) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku in ġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti [1], tapplika *inter alia* għat-trasport, għall-importazzjoni u għall-esportazzjoni mill-Komunità ta' sostanzi radjuattivi u tipprovdi għal sistema ta' rappurtar u ta' awtorizzazzjoni ta' prattika li tinvolvi r-radjazzjoni jonizzanti. Dawn id-diżpożizzjonijiet huma għalhekk relevanti għall-qasam kopert minn din id-Direttiva.

(20) Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn qabel, huwa meħtieġ, għal raġunijiet ta' ċarezza, li titħassar u tiġi sostitwita d-Direttiva 92/3/Euratom. Din id-Direttiva m'għandhiex tippreġudika l-obbligi ta' l-Istati Membri dwar l-iskadenzi tat-termini perentorji għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttiva mħassra.

[1] ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

(21) Konformement mal-Paragrafu 34 tal-ftehim interisituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet [1] l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex ifasslu, għalihom stess u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li jillustraw, safejn ikun possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u sabiex jagħmluhom pubbliċi,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi sistema Komunitarja ta' superviżjoni u kontroll ta' vjeġġi transkonfinali ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli eżawrit, sabiex tiġi garantita l-protezzjoni adegwata tal-popolazzjoni.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għal vjeġġi transkonifini ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit kull meta:

(a) il-pajjiż ta' oriġini jew il-pajjiż ta' destinazzjoni jew kwalunkwe pajjiż ta' transitu ikun fil-Komunità, u

(b) il-kwantitajiet u l-konċentrazzjoni tal-konsenja jaqbżu l-livelli stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 96/29/Euratom.

3. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal vjeġġi ta' sorsi li m'għadhomx jintużaw lil fornitur jew fabbrikant ta' sorsi radjuattivi jew lil installazzjoni rikonoxxuta.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal vjeġġi ta' materjali radjuattivi rkuprati għal użu ulterjuri permezz ta' ripproċessar.

5. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal vjeġġi transkonfinali ta' skart li jkun fih biss materjal radjuattiv, li jinħalaq b'mod naturali, li ma jirriżultax minn xi prattika.

6. Din id-Direttiva hija bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi taħt id-dritt internazzjonali.

Artikolu 2

Ġarr lura relatat ma' operazzjonijiet ta' proċessar u ripproċessar

Din id-Direttiva m'għandhiex tinċidi fuq id-dritt ta' Stat Membru jew ta' intrapriża fl-Istat Membru li lilhom:

(a) għandu jintbagħat skart radjuattiv għall-proċessar, jew

(b) għandu jintbgħat materjal ieħor bl-iskop li jiġi rkuprat l-iskart radjuattiv,

li jibgħatu lura l-iskart radjuattiv lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu wara t-trattament. Lanqas ma għandha tinċidi fuq id-dritt ta' Stat Membru jew ta' intrapriża f'dak l-Istat Membru li lilhom għandu jintbagħat kombustibbli eżawrit għar-ripproċessar li jibgħatu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu skart radjuattiv irkuprat mill-operazzjoni ta' ripproċessar.

Artikolu 3

Vjeġġi transkonfinali ta' kombustibbli eżawrit għar-ripproċessar

Mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' kull Stat Membru sabiex jiddefinixxi l-politika proprja dwar ir-riċiklaġġ tal-kombustibbli eżawrit, din id-Direttiva m'għandhiex tinċidi fuq id-dritt ta' Stat Membru li jesporta kombustibbli eżawrit għar-ripproċessar, b'kont meħud tal-prinċipji tas-suq nukleari komuni, b'mod partikolari l-moviment liberu tal-merkanzija. Dawk il-vjeġġi u l-esportazzjonijiet għandhom ikunu ssorveljati u kkontrollati skond il-proċeduri stabbiliti f'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Ġarr lura relatat ma' vjeġġi mhux awtorizzati u skart radjuattiv mhux dikjarat

Din id-Direttiva m'għandhiex tinċidi fuq id-dritt ta' Stat Membru sabiex b'mod sigur jibgħat lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu

(a) vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli eżawrit li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva iżda li ma ġewx awtorizzati kf dovut skond din id-Direttiva, u

(b) skart kontaminat bir-radjuattività jew materjal li jkun fih sors radjuattiv fejn dan il-materjal ma jkunx ġie dikjarat bħala skart radjuattiv mill-pajjiż ta' oriġini.

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "skart radjuattiv" tfisser materjal radjuattiv f'forma gassuża, likwida jew solida li għalih ma jkunx previst użu ulterjuri mill-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni, jew minn persuna fiżika jew ġuridika li d-deċiżjoni tagħha tkun aċċettata minn dawn il-pajjiżi, u li jkun kontrollat bħala skart radjuattiv minn korp regolatorju taħt il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni;

2) "kombustibbli eżawrit" tfisser kombustibbli nukleari li ġie rradjat fi u mneħħi permanentement mill-qalba ta' reattur; kombustibbli eżawrit jista' jew jiġi kkunsidrat bħala sors utilizzabbli li jista' jiġi ripproċessat jew li jiġi destinat għal rimi finali mingħajr użu ulterjuri previst u trattat bħala skart radjuattiv;

[1] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

3) "ripproċessar" tfisser proċess jew operazzjoni, li l-iskop tagħha jkun l-estrazzjoni ta' iżotopi radjuattivi mill-kombustibbli eżawrit għal użu ulterjuri;

4) "vjeġġ" tfisser l-operazzjonijiet kollha involuti fl-ispostament ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit mill-pajjiż jew l-Istat Membru ta' oriġini għall-pajjiż jew l-Istat Membru ta' destinazzjoni;

5) "vjeġġ intra-Komunitarju" tfisser vjeġġ li jitwettaq fejn il-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiż ta' destinazzjoni jkunu Stati Membri;

6) "vjeġġ extra-Komunitarju" tfisser vjeġġ li jitwettaq fejn il-pajjiż ta' oriġini u/jew il-pajjiż ta' destinazzjoni jkunu pajjiżi terzi;

7) "rimi" tfisser it-tqegħid ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit f'impjant awtorizzat, mingħajr il-ħsieb li jerġa' jinġabar;

8) "ħżin" tfisser iż-żamma ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit f'impjant li jipprovdi għall-konteniment tiegħu, bil-ħsieb li jerġa' jinġabar;

9) "detentur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, qabel ma twettaq vjeġġ ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit tkun responsabbli taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għal tali materjali u li tippjana li twettaq vjeġġ lil kunsinnatarju;

10) "kunsinnatarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li lilha jiġi mibgħut skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit;

11) "pajjiż jew Stat Membru ta' oriġini" u "pajjiż jew Stat Membru ta' destinazzjoni" rispettivament ifissru kwalunkwe pajjiż jew Stat Membru li minnu ikun ippjanat li jinbeda vjeġġ jew li minnu nbeda vjeġġ, u kwalunkwe pajjiż jew Stat Membru li lejh ikun ppjanat jew iseħħ vjeġġ;

12) "pajjiż jew Stat Membru ta' transitu" tfisser kwalunkwe pajjiż jew Stat Membru divers mill-pajjiż jew mill-Istat Membru ta' oriġini jew mill-pajjiż jew mill-Istat Membru ta' destinazzjoni, li mit-territorju tiegħu ikun ippjanat jew iseħħ vjeġġ;

13) "awtoritajiet kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità li, taħt il-liġi jew ir-regolamenti tal-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu jew ta' destinazzjoni, ikollhom is-setgħa li jimplimentaw is-sistema ta' superviżjoni u ta' kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit;

14) "sors issiġillat" għandha t-tifsira li ngħatatilha mid-Direttiva 96/29/Euratom u tinkludi l-kapsula, fejn applikabbli, li tagħlaq fiha l-materjal radjuattiv bħala parti integrali tas-sors;

15) "sors li m'għadux jintuża" tfisser sors issiġillat li m'għadux jintuża jew mhux maħsub li jintuża għall-prattika li għaliha ngħatat l-awtorizzazzjoni;

16) "installazzjoni rikonoxxuta" tfisser impjant li jinsab fit-territorju ta' pajjiż awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż skond il-liġi nazzjonali għall-ħżin jew għar-rimi fit-tul ta' sorsi ssiġillati jew installazzjoni awtorizzata kif dovut taħt il-liġi nazzjonali għall-ħżin interim ta' sorsi ssiġillati;

17) "applikazzjoni mimlija kif dovut" tfisser id-dokument standard li jikkonforma mal-ħtiġijiet kollha, kif stabbilit skond l-Artikolu 17.

KAPITOLU 2

VJEĠĠI INTRA-KOMUNITARJI

Artikolu 6

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' vjeġġ

1. Detentur li jippjana li jwettaq vjeġġ intra-Komunitarju ta' skart radjuattiv jew ta' kombustibbli eżawrit jew li jirranġa ġhattwettiq ta' tali vjeġġ għandu jippreżenta applikazzjoni mimlija kif dovut għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

2. L-applikazzjoni tista' tintbagħat fir-rigward ta' aktar minn vjeġġ wieħed, sakemm:

(a) l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit li miegħu huwa konness ikollu essenzjalment l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u radjuattivi, u

(b) il-vjeġġi għandhom isiru mill-istess detentur lill-istess kunsinnatarju u jinvolvu l-istess awtoritajiet kompetenti, u

(ċ) fejn vjeġġi jinvolvu transitu minn pajjiżi terzi, tali transitu isir mill-istess stazzjon fil-fruntiera tad-dħul u/jew ħruġ mill-Komunità u mill-istess stazzjon jew stazzjonijiet tal-fruntiera tal-pajjiż jew pajjiżi terzi kkonċernati, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Artikolu 7

Trasmissjoni ta' l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jibagħtu l-applikazzjoni debitament mimlija msemmija fl-Artikolu 6 għall-kunsens lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u ta' l-Istati Membri ta' transitu, jekk ikun il-każ.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri involuti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-informazzjoni kollha rigward vjeġġi koperti minn din id-Direttiva tiġi trattata bl-attenzjoni dovuta u protetta kontra kwalunkwe użu ħażin.

Artikolu 8

Konferma tar-riċevuta u talba għall-informazzjoni

1. Fi żmien 20 jum wara li jirċievu l-applikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u transitu għandhom jivverifikaw li l-applikazzjoni tkun mimlija kif dovut, fis-sens ta' l-Artikolu 5(17).

2. Fil-każ li l-applikazzjoni tkun mimlija kif dovut, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jibagħtu konferma tar-riċevuta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini u jibagħtu kopja tagħha lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati, mhux aktar tard minn 10 ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 20 jum stabbilit fil-paragrafu 1.

3. Fejn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati tikkunsidra li l-applikazzjoni mhix mimlija kif dovut, hija għandha titlob l-informazzjoni nieqsa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini u tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar tali talba. Din it-talba m'għandhiex issir aktar tard mill-iskadenza tal-perjodu stipulat fil-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jittrasmettu l-informazzjoni mitluba lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

Mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data li jirċievu l-informazzjoni nieqsa u wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 20 jum stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jibagħtu konferma tar-riċevuta lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini u jibagħtu kopja tagħha lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kkonċernati.

4. Il-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għall-ħruġ tal-konferma tar-riċevuta jistgħu jitqassru jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' destinazzjoni u ta' transitu jkunu sodisfatti li l-applikazzjoni mtliet kif dovut.

Artikolu 9

Kunsens u rifjut

1. Mhux aktar tard minn xahrejn mid-data tal-konferma tar-riċevuta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini bil-kunsens tagħhom jew bil-kondizzjonijiet li huma jikkunsidraw meħtieġa sabiex jagħtu l-kunsens tagħhom, jew bir-rifjut tagħhom li jagħtu l-kunsens.

Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni jew ta' kwalunkwe Stat Membru ta' transitu jistgħu jitolbu perjodu ulterjuri ta' mhux aktar minn xahar addizzjonalment għall-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu sabiex jgħarrfu bil-pożizzjoni tagħhom.

2. Jekk ma' l-iskadenza tal-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 ma tkun ġiet riċevuta ebda tweġiba mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni u/jew l-Istati Membri ta' transitu intiżi, dawk il-pajjiżi għandhom jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għall-vjeġġ mitlub.

3. Għandhom jingħataw raġunijiet mill-Istati Membri għal kwalunkwe rifjut għall-għoti ta' kunsens, jew għall-kondizzjonijiet marbutin mal-kunsens tagħhom, li għandhom ikunu bbażati:

(a) għall-Istat Membri ta' transitu, fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, Komunitarja jew internazzjonali relevanti applikabbli għat-trasport ta' materjal radjuattiv;

(b) għall-Istat Membru ta' destinazzjoni, fuq il-leġiżlazzjoni relevanti applikabbli għall-immaniġġar ta' l-iskart radjuattiv jew tal-kombustibbli eżawrit jew fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali, Komunitarja jew internazzjonali relevanti applikabbli għat-trasport ta' materjal radjuattiv.

Kwalunkwe kondizzjoni imposta mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kemm jekk ikunu l-pajjiż ta' transitu kif ukoll jekk ikunu l-pajjiż ta' destinazzjoni, ma tistax tkun aktar stretta minn dawk stabbiliti għal vjeġġi simili f'dawk l-Istati Membri.

4. L-Istat jew Stati Membri li jkunu taw kunsens għat-transitu ta' vjeġġ partikolari ma jistgħux jirrifjutaw li jagħtu kunsens għall-ġarr lura fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-kunsens inizjali kien jikkonċerna materjal mibgħut għal għanijiet ta' trattament jew ripproċessar, jekk il-ġarr lura jikkonċerna skart radjuattiv jew prodotti oħrajn ekwivalenti għall-materjal oriġinali wara trattament jew ripproċessar, u l-liġi relevanti kollha tkun osservata,

(b) taħt iċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 12, jekk il-ġarr lura jitwettaq taħt l-istess kondizzjonijiet u bl-istess speċifikazzjonijiet.

5. Id-dewmien mhux ġustifikat u/jew nuqqas ta' koperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor għandhom jiġu rapportati lill-Kummissjoni.

Artikolu 10

Awtorizzazzjoni ta' vjeġġi

1. Jekk ikunu ngħataw il-kunsensi kollha meħtieġa għall-vjeġġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikollhom id-dritt jawtorizzaw lid-detentur sabiex iwettaq il-vjeġġ u għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni u lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ta' transitu kif meħtieġ.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandha bl-ebda mod tinċidi fuq ir-responsabbiltà tad-detentur, tat-trasportaturi, tas-sid, tal-kunsinnatarju jew ta' kwalunkwe persuna oħra fiżika jew ġuridika involuta fil-vjeġġ.

3. Awtorizzazzjoni waħda tista' tkopri aktar minn vjeġġ wieħed, fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2) jiġu sodisfatti.

4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

Meta jkun qed jiġi stabbilit dan il-perjodu ta' validità, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' kwalunkwe kondizzjoni disposta fil-kunsens mogħti mill-Istati Membri ta' destinazzjoni jew ta' transitu.

Artikolu 11

Konferma tar-riċevuta tal-vjeġġ

1. Fi żmien 15-il jum minn meta jirċevih, il-kunsinnatarju għandu jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni konferma tar-riċeżżjoni ta' kull vjeġġ.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jibgħatu kopji tal- konferma tar-riċeżżjoni lill-Istat Membru ta' oriġini u lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ta' transitu.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jibgħatu kopja tal-konferma tar-riċeżżjoni lid-detentur oriġinali.

Artikolu 12

Nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-vjeġġ

1. L-Istat Membru ta' destinazzjoni, ta' oriġini jew ta' transitu jista' jiddeċiedi li l-vjeġġ ma jistax jitwettaq jekk ma jkunx għad hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ skond din id-Direttiva, jew jekk dawn m'humiex konformi ma' l-awtorizzazzjonijiet jew il-kunsensi mogħtija skond din id-Direttiva.

Tali Stat Membru għandu minnufih jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħrajn involuti fil-vjeġġ b'din id-deċiżjoni.

2. Fejn vjeġġ ma jistax jitwettaq jew jekk ma jkunx hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ skond din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jiżguraw li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit in kwistjoni jittieħed lura mid-detentur, sakemm ma jkunx jista' jsir arranġament sigur alternattiv. Dawn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-persuna responsabbli għall-vjeġġ tieħu miżuri korrettivi ta' sigurtà fejn meħtieġ.

3. Il-kunsinnatarju għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw fejn il-vjeġġ ma jistax jitwettaq.

KAPITOLU 3

VJEĠĠI EXTRA-KOMUNITARJI

Artikolu 13

Importazzjonijiet fil-Komunità

1. Meta skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ikollu jidħol fil-Komunità minn pajjiż terz, u l-pajjiż ta' destinazzjoni ikun Stat Membru, il-kunsinnatarju għandu jippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. L-applikazzjoni tista' tintbagħat fir-rigward ta' aktar minn vjeġġ wieħed, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2).

L-applikazzjoni għandha tinkludi prova li l-kunsinnatarju għamel arranġament mad-detentur stabbilit fil-pajjiż terz, u li kien ġie aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz, li jobbliga lid-detentur sabiex jieħu lura l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit f'każ li vjeġġ ma jistax jitwettaq skond din id-Direttiva, kif previst fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jibagħtu l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għall-kunsens lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' transitu, jekk ikun il-każ.

Għandhom japplikaw l-Artikoli 8 u 9.

3. Jekk jkunu ngħataw il-kunsensi kollha meħtieġa għall-vjeġġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom ikollhom id-dritt li jawtorizzaw lil-kunsinnatarju sabiex iwettaq il-vjeġġ u għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ta' oriġini jew ta' transitu kif meħtieġ.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(2), (3) u (4).

4. Fi żmien 15-il jum wara li jkun rċieva l-vjeġġ, il-kunsinnatarju għandu jibgħat lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni konferma tar-riċevuta ta' kull vjeġġ. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni għandhom jibagħtu kopji tal-konferma lill-pajjiż ta' oriġini u lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ta' transitu.

5. L-Istat Membru ta' destinazzjoni jew kwalunkwe Stat Membru ta' transitu jista' jiddeċiedi li l-vjeġġ ma jistax jitwettaq jekk ma jkunx għad hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ skond din id-Direttiva, jew jekk dawn mhumiex konformi ma' l-awtorizzazzjonijiet jew il-kunsensi maħruġa skond din id-Direttiva. Tali Stat Membru għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini b'din id-deċiżjoni.

6. Il-kunsinnatarju għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw fejn il-vjeġġ ma jistax jitwettaq.

Artikolu 14

Transitu li jgħaddi mill-Komunità

1. Fejn skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit ikollu jidħol fil-Komunità minn pajjiż terz u l-pajjiż ta' destinazzjoni mhuwiex Stat Membru, il-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha r-responsabbiltà għall-immaniġġar tal-vjeġġ fl-Istat Membru li mill-post tad-dwana tiegħu ikollu jidħol għall-ewwel darba fil-Komunità l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit ("l-ewwel Stat Membru ta' transitu") għandha tippreżenta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. L-applikazzjoni tista' tintbagħat fir-rigward ta' aktar minn vjeġġ wieħed, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2).

L-applikazzjoni għandha tinkludi prova li l-kunsinnatarju stabbilit fil-pajjiż terz għamel arranġament mad-detentur stabbilit fil-pajjiż terz, u li kien aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz, li jobbliga lil dak id-detentur sabiex jieħu lura l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit f'każ li vjeġġ ma jistax jitwettaq skond din id-Direttiva, kif previst fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru ta' transitu għandhom jibgħatu l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għall-kunsens lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra ta' transitu, jekk ikun il-każ.

L-Artikoli 8 u 9 għandhom japplikaw.

3. Jekk ikunu ngħataw il-kunsensi kollha meħtieġa għall-vjeġġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru ta' transitu għandhom ikollhom id-dritt li jawtorizzaw lill-persuna responsabbli msemmija fil-paragrafu 1 sabiex twettaq il-vjeġġ u għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ieħor ta' transitu jew ta' oriġini kif meħtieġ.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(2), (3) u (4).

4. Il-persuna responsabbli msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru ta' transitu li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit wasal fid-destinazzjoni tiegħu fil-pajjiż terz fi żmien 15-il jum mid-data meta jasal u għandha tindika l-aħħar post tad-dwana fil-Komunità li minnu għadda l-vjeġġ.

In-notifika għandha tkun sostanzjata b'dikjarazzjoni jew ċertifikazzjoni mill-kunsinnatarju li tiddikjara li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit wasal fid-destinazzjoni proprja tiegħu u tindika l-post tad-dwana ta' dħul fil-pajjiż terz.

5. Stat Membru ta' transitu jista' jiddeċiedi li l-vjeġġ ma jistax jitwettaq jekk ma jkunx għad hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ skond din id-Direttiva, jew jekk dawn m'humiex konformi ma' l-awtorizzazzjonijiet jew il-kunsensi maħruġa skond din id-Direttiva. Tali Stat Membru għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini b'din id-deċiżjoni. Il-persuna responsabbli msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż li jirriżultaw fejn il-vjeġġ ma jistax jitwettaq.

Artikolu 15

Esportazzjonijiet 'il barra mill-Komunità

1. Fejn skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit irid jiġi esportat mill-Komunità lejn pajjiż terz, id-detentur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini. L-applikazzjoni tista' tintbagħat fir-rigward ta' aktar minn vjeġġ wieħed, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2).

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom:

(a) jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni dwar il-vjeġġ ippjanat u jitlobu l-kunsens tagħhom; u

(b) jibagħtu l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għall-kunsens lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' transitu, jekk ikun il-każ.

Għandu japplika l-Artikolu 8.

3. Jekk jkunu ngħataw il-kunsensi kollha meħtieġa għall-vjeġġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikollhom id-dritt li jawtorizzaw lid-detentur sabiex iwettaq il-vjeġġ u għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz ta' destinazzjoni u lil kwalunkwe Stat Membru jew pajjiż terz ta' transitu fejn meħtieġ.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(2), (3) u (4).

4. Id-detentur għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit wasal fid-destinazzjoni tiegħu fil-pajjiż terz fi żmien 15-il jum mid-data meta jasal u għandu jindika l-aħħar post tad-dwana fil-Komunità li minnu għadda il-vjeġġ.

In-notifika għandha tkun sostanzjata b'dikjarazzjoni jew ċertifikazzjoni mill-kunsinnatarju li tiddikjara li l-iskart radjuattiv jew il-kombustibbli eżawrit wasal fid-destinazzjoni proprja tiegħu u tindika l-post tad-dwana ta' dħul fil-pajjiż terz.

5. L-Istat Membru ta' oriġini jew kwalunkwe Stat Membru ta' transitu jista' jiddeċiedi li l-vjeġġ ma jistax jitwettaq jekk ma għadx hemm konformità mal-kondizzjonijiet għall-vjeġġ skond din id-Direttiva, jew jekk dawn mhumiex konformi ma' l-awtorizzazzjonijiet jew il-kunsensi maħruġa skond din id-Direttiva. Tali Stat Membru ta' transitu għandu minnufih jinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini b'din id-Deċiżjoni.

Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(2) u (3).

Artikolu 16

Esportazzjonijiet projbiti

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw vjeġġi:

(a) lejn destinazzjoni 'l isfel mil-lattitudni 60° Nofsinhar, jew

(b) lejn Stat li jkun Parti għall-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, (Ftehim ta' Kotonù AKP-KE) li ma jkunx Stat Membru, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2, jew

(ċ) lejn pajjiż terz li, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, skond il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ma jkollux il-kapaċità amministrattiva u teknika u struttura regolatorja għall-immaniġġar sigur ta' l-iskart radjuattiv jew tal-kombustibbli eżawrit, kif dikjarjat fil-Konvenzjoni Konġunta. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont debitu ta' kwalunkwe informazzjoni relevanti minn Stati Membri oħra. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Konsultattiv, kif stabbilit taħt l-Artikolu 21, fuq bażi annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, tistabbilixxi kriterji, b'kont debitu meħud ta', *inter alia*, l-Istandards ta' Sigurtà ta' l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika (IAEA), li jgħinu lill-Istati Membri sabiex jivvalutaw jekk ikunux sodisfatti l-ħtiġijiet għall-esportazzjoni.

KAPITOLU 4

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 17

Użu ta' dokument standard

1. Għandu jintuża dokument standard għall-vjeġġi kollha fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, tistabbilixxi d-dokument standard li għandu jinkludi bħala anness lista tal-ħtiġijiet minimi ta' applikazzjoni mimlija debitament.

Id-dokument standard u l-annessi tiegħu għandhom jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u jsir disponibbli f'forma elettronika mhux aktar tard mill-25 ta' Diċembru 2008. Jekk meħtieġ, għandu jiġi aġġornat skond l-istess proċedura.

3. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha timtela u kwalunkwe dokumentazzjoni u informazzjoni oħra msemmija fl-Artikoli 13, 10, 14 u 15 għandha tiġi fornita f'lingwa aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li lilu tiġi preżentata l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skond din id-Direttiva.

Għandha tiġi fornita mid-detentur, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' destinazzjoni jew transitu, traduzzjoni awtentikata f'lingwa aċċettabbli għalihom.

4. Kawlunkwe ħtieġa addizzjonali għall-awtorizzazzjoni ta' vjeġġ għandha tinthemeż mad-dokument standard.

5. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dokument ieħor ta' akkumpanjament meħtieġ taħt dispożizzjonijiet legali relevanti oħra, id-dokument standard mimli li jiċċertifika l-konformità debita mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni għandu jakkumpanja kull vjeġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi każijiet fejn l-awtorizzazzjoni tkun relatata ma' aktar minn vjeġġ wieħed f'dokument wieħed.

6. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini u ta' destinazzjoni u ta' kwalunkwe pajjiż ta' transitu.

Artikolu 18

Awtoritajiet kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-25 ta' Diċembru 2008 l-isem jew l-ismijiet u l-indirizz jew indirizzi ta' l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa għal komunikazzjoni rapida ma' tali awtoritajiet.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu regolarment lill-Kummissjoni kwalunkwe tibdil lil tali *data*.

Artikolu 19

Trasmissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet għal sistema sigura u effettiva ta' trasmissjoni tad-dokumenti u informazzjoni relatati mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm fis-seħħ pjattaforma ta' komunikazzjoni elettronika sabiex tippubblika

(a) l-isem jew l-ismijiet u l-indirizz jew indirizzi ta' l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru,

(b) il-lingwi aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru u

(ċ) il-kondizzjonijiet ġenerali u l-ħtiġijiet addizzjonali kollha, jekk ikun hemm, meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru sabiex jiġi awtorizzat vjeġġ.

Artikolu 20

Rapporti regolari

1. Sal-25 ta' Diċembru 2011 u kull tliet snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, tistabbilixxi rapport sommarju għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, b'attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 4.

Artikolu 21

Kumitat konsultattiv

1. Fit-twettiq tal-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 16(2), 17(2), 19(1) u fl-Artikolu 20(2) il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' natura konsultattiva magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jressaq quddiem il-Kumittat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'limitu ta' żmien li l-President jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-kwistjoni, jekk meħtieġ billi jittieħed vot.

3. L-opinjoni għandha tiġi rreġistrata fil-minuti. Kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tiġi rreġistrata fil-minuti.

4. Il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Hija għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-mod kif ittieħed kont ta' l-opinjoni tiegħu.

Artikolu 22

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-25 ta' Diċembru 2008. Huma għandhom minnufih jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, dawn il-miżuri għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 23

Tħassir

1. Id-Direttiva 92/3/Euratom hija b'dan revokata b'effett mill-25 ta' Diċembru 2008, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet transitorji

1. Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tkun ġiet debitament approvata minn jew preżentata lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ta' oriġini qabel l-25 ta' Diċembru 2008, id-Direttiva 92/3/Euratom għandha tapplika għall-operazzjonijiet kollha ta' vjeġġi koperti mill-istess awtorizzazzjoni.

2. Meta jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni preżentati qabel l-25 ta' Diċembru 2008, għal aktar minn vjeġġ wieħed ta' skart radjuattiv jew kombustibbli eżawrit lejn pajjiż terz ta' destinazzjoni, l-Istat Membru ta' oriġini għandu jieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha relevanti, u b'mod partikolari:

(a) l-iskeda ta' żmien ippjanata għat-twettiq tal-vjeġġi kollha koperti mill-istess applikazzjoni;

(b) il-ġustifikazzjoni sabiex il-vjeġġi kollha jiġu inklużi fl-istess applikazzjoni;

(ċ) jekk tkunx adegwata l-awtorizzazzjoni ta' numru ta' vjeġġi aktar baxx minn dak kopert mill-applikazzjoni.

3. Sa meta jsir disponibbli d-dokument standard previst fl-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva, id-dokument standard stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/552/Euratom [1] għandu jintuża *mutatis mutandis* għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Artikolu 25

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 26

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

---

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/552/Euratom ta' l-1 ta' Ottubru 1993 li tistabbilixxi d-dokument standard għas-superviżjoni u l-kontroll ta' spedizzjonijiet ta' skart radjuattiv imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 92/3/Euratom (ĠU L 268, 29.10.1993, p. 83).

ANNESS

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 92/3/Euratom	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 5
Artikolu 3	L-ewwel premessa
Artikolu 4(1) l-ewwel sentenza	Artikolu 6(1)
Artikolu 4(1) it-tieni sentenza	Artikolu 7(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 17(1)
Artikolu 4(3)	xejn
Artikolu 5(1)	Artikolu 6(2)
Artikolu 5(2)	Artikolu 10(4)
Artikolu 6(1) l-ewwel subparagrafu	Artikolu 9(1)
Artikolu 6(1) it-tieni subparagrafu	Artikolu 17(1)
Artikolu 6(2)	Artikolu 9(3)
Artikolu 6(3)	Artikolu 9(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 6(4)	Artikolu 9(2)
Artikolu 7(1)	Artikolu 10(1)
Artikolu 7(2)	Artikolu 17(1)
Artikolu 7(3)	Artikolu 10(2)
Artikolu 8	Artikolu 17(5)
Artikolu 9(1), l-ewwel parti tas-sentenza	Artikolu 11(1)
Artikolu 9(1), l-aħħar parti tas-sentenza	Artikolu 17(1)
Artikolu 9(2), l-ewwel sentenza	Artikolu 11(2)
Artikolu 9(2), it-tieni sentenza	Artikolu 11(3)
Artikolu 10(1)	Artikolu 13
Artikolu 10(1), l-aħħar parti ta' l-ewwel sentenza	Artikolu 17(1)
Artikolu 10(2)	Artikolu 14
Artikolu 10(3)	Artikolu 13
Artikolu 11	Artikolu 16(1)
Artikolu 12(1)	Artikolu 15(1)
Artikolu 12(2)	Artikolu 15(3)
Artikolu 12(3)	Artikolu 10(2)
Artikolu 12(4)	Artikolu 17(1)
Artikolu 12(5)	Artikolu 15(4) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 12(6)	Artikolu 15(4) it-tieni subparagrafu

Id-Direttiva 92/3/Euratom	Din id-Direttiva
Artikolu 13	Artikolu 1 (3)
Artikolu 14	Artikolu 2
Artikolu 15(1)	Artikolu 12(2)
Artikolu 15(2)	Artikolu 13(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 16	Artikolu 9(4)
Artikolu 17	Artikolu 18
Artikolu 18	Artikolu 20
Artikolu 19	Artikolu 21
Artikolu 20 (l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi)	Artikolu 17(1)
Artikolu 20, ir-raba' inċiż	Artikolu 16(2)
Artikolu 20, il-ħames inċiż	Artikolu 20(2)
Artikolu 21	Artikolu 22
Artikolu 22	Artikolu 26
	Artikolu 3 (ġdid)
	Artikolu 4 (ġdid)
	Artikolu 8 (ġdid)
	Artikolu 19 (ġdid)
	Artikolu 23 (ġdid)
	Artikolu 24 (ġdid)
	Artikolu 25 (ġdid)

32006D0872

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-17 ta' Novembru 2006

dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)

(2006/872/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra [1], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995.

(2) L-Artikolu 75 tal-Ftehim Ewropew jipprevedi l-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-istandardizzazzjoni u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandha tfittex il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku.

(3) Il-Protokoll għall-Ftehim Ewropew dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali ġie nnegozjat mill-Kummissjoni f'isem il-Komunità.

(4) Suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA) inizjalat fi Brussell fit-18 ta' April 2006 għandu jiġi ffirmat,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu Uniku

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma, f'isem il-Komunità, il-Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA).

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fil-Lussemburgu, 17 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2.

22006A1205(01)

PROTOKOLL

ġhall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U R-RUMANIJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

BILLI r-Rumanija applikat ġhal sħubija fl-Unjoni Ewropea u din is-sħubija timplika l-implimentazzjoni effettiva ta' l-*acquis* tal-Komunità Ewropea,

JAGĦRFU li l-adozzjoni progressiva u l-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja mir-Rumanija tipprovdi l-opportunità li jiġu estiżi ċerti benefiċċji tas-suq intern u li tiġi żgurata l-operazzjoni effettiva f'ċerti setturi qabel l-adeżjoni,

JIKKUNSIDRAW li, fis-setturi koperti minn dan il-Protokoll, il-liġi nazzjonali Rumena sostanzjalment tassimila l-liġi Komunitarja,

JIKKUNSIDRAW l-impenn konġunt tagħhom ġhall-prinċipji tal-moviment ħieles tal-merkanzija u li jippromwovu l-kwalità tal-prodott, sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom u l-protezzjoni ta' l-ambjent, inkluż permezz ta' ġhajnuna teknika u forom oħra ta' koperazzjon bejniethom,

JIXTIEQU jikkonkludu Protokoll ġhall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Ewropew") dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (minn hawn 'il quddiem "dan il-Protokoll") li jipprevedi l-applikazzjoni ta' l-aċċettazzjoni reċiproka tal-prodotti industrijali li jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex jitqieġhdu legalment fis-suq f'wieħed mill-Partijiet u tar-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-Konformità tal-prodotti industrijali li huma suġġetti ġhal-liġi Komunitarja jew nazzjonali, filwaqt li jinnutaw li l-Artikolu 75 tal-Ftehim Ewropew jipprevedi, fejn xieraq, il-konklużjoni ta' ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku,

JINNUTAW ir-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja permezz tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li jagħmel kunsiljabbli l-konsiderazzjoni tal-konklużjoni tal-Ftehim Ewropew parallel ta' Valutazzjoni ta' Konformità bejn ir-Rumanija u dawk il-pajjiżi ekwivalenti ġhal dan il-Protokoll,

IŻOMMU F'MOĦĦHOM l-istatus tal-Partijiet bħal Partijiet Kontraenti ġhall-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, u konxji b'mod partikolari ta' l-obbligi tagħhom taħt il-Ftehim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar Barrieri Tekniċi ġhall-Kummerċ,

QABLU DWAR DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Ġhan

L-ġhan ta' dan il-Protokoll huwa li jiffaċilita l-eliminazzjoni mill-Partijiet ta' barrieri tekniċi ġhall-kummerċ fir-rigward ta' prodotti industrijali. Dan se jintlaħaq permezz ta' l-adozzjoni progressiva u l-implimentazzjoni mir-Rumanija ta' liġi nazzjonali, li hija ekwivalenti ġhal-liġi Komunitarja.

Dan il-Protokoll jipprevedi:

(a) l-aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali, elenkati fl-Annessi dwar aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex jitqieġhdu legalment fis-suq f'wieħed mill-Partijiet;

(b) ir-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' valutazzjoni ta' konformità ta' prodotti industrijali suġġetti ġhal-liġi Komunitarja u ġhal-liġi nazzjonali ekwivalenti Rumena, it-tnejn elenkati fl-Annessi dwar rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' valutazzjoni ta' konformità.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Ġhall-finijiet ta' dan il-Protokoll,

(a) "prodotti industrijali" tfisser prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 9 tal-Ftehim Ewropew u fil-Protokoll 2 tieġhu;

(b) "liġi Komunitarja" tfisser kull att legali u prattika ta' implimentazzjoni tal-Komunità Ewropea applikabbli għal xi sitwazzjoni, riskju jew kategorija partikolari ta' prodotti industrijali, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej;

(ċ) "liġi nazzjonali" tfisser kull att legali u prattika ta' implimentazzjoni li bihom ir-Rumanija tassimila l-liġi Komunitarja kif applikabbli għal sitwazzjoni, riskju jew kategorija partikolari ta' prodotti industrijali.

It-termini użati f'dan il-Protokoll għandhom ikollhom it-tifsira mogħtija fil-liġi Komunitarja u fil-liġi nazzjonali Rumena.

Artikolu 3

Allinjament tal-leġiżlazzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, ir-Rumanija taqbel li tieħu miżuri xierqa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, sabiex iżżomm jew tlesti il-passaġġ għal-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fl-oqsma ta' standardizzazzjoni, metroloġija, akkreditament, valutazzjoni ta' konformità, sorveljanza tas-suq, sigurtà ġenerali tal-prodotti, u responsabbiltà tal-produttur.

Artikolu 4

L-aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali

Il-Partijiet jaqblu li, għall-finijiet ta' l-aċċettazzjoni reċiproka, il-prodotti industrijali elenkati fl-Annessi dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali, li jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex jitqiegħdu legalment fis-suq ta' wieħed mill-Partijiet, jista' jitqiegħed fis-suq tal-Parti l-oħra, minghajr aktar restrizzjonijiet. Dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 36 tal-Ftehim Ewropew.

Artikolu 5

Rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità

Il-Partijiet jaqblu li jirrikonoxxu r-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità mwettqa skond il-liġi Komunitarja jew il-liġi nazzjonali elenkati fl-Annessi dwar ir-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' valutazzjoni ta' konformità. Il-Partijiet m'ghandhomx jeħtieġu li jiġu ripetuti proċeduri, u lanqas m'ghandhom jimponu rekwiżiti addizzjonali, ghall-finijiet ta' l-aċċettazzjoni ta' dik il-konformità.

Artikolu 6

Klawżola ta' salvagwardja

Fejn Parti ssib li prodott industrijali mqiegħed fis-suq fit-territorju tagħha bis-saħħa ta' dan il-Protokoll, u użat skond l-użu li kien maħsub ghalih, jista' jikkomprometti s-sigurtà u s-saħħa ta' l-utenti jew ta' persuni oħra, jew kull interess leġittimu ieħor protett mil-leġiżlazzjoni identifikata fl-Annessi, hija tista' tieħu miżuri xierqa sabiex tirtira tali prodott mis-suq, sabiex tipprojbixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq, li jibda jitħaddem jew li jintuża, jew sabiex tirrestringilu l-moviment ħieles. L-Annessi ghandhom jipprevedu li l-proċedura tiġi applikata f'tali każijiet.

Artikolu 7

Estensjoni tal-kopertura

Hekk kif ir-Rumanija tadotta u timplimenta aktar liġi nazzjonali li tassimila l-liġi Komunitarja, il-Partijiet jistgħu jemendaw l-Annessi jew jikkonkludu oħrajn ġodda, skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 14.

Artikolu 8

Oriġini

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll ghandhom japplikaw ghal prodotti industrijali irrispettivament mill-oriġini tagħhom.

Artikolu 9

L-obbligi tal-Partijiet fir-rigward ta' l-awtoritajiet u l-korpi tagħhom

Il-Partijiet ghandhom jiżguraw li l-awtoritajiet taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom li jkunu responsabbli mill-implimentazzjoni effettiva tal-liġi Komunitarja u dik nazzjonali, ghandhom japplikaw din il-liġi kontinwament. Barra minn hekk, ghandhom jiżguraw li dawn l-awtoritajiet ikollhom il-kapaċità, fejn xieraq, li jinnotifikaw, jissospendu, ineħħu s-sospensjoni u jirtiraw in-notifika tal-korpi, sabiex jiżguraw il-konformità tal-prodotti industrijali mal-liġi Komunitarja jew nazzjonali u sabiex jesiġu l-irtirar tagħhom mis-suq.

Il-Partijiet ghandhom jiżguraw li l-korpi, notifikati taħt il-ġuriżdizzjoni rispettiva tagħhom sabiex jivvalutaw il-konformità relattivament ghar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali speċifikata fl-Annessi, jikkonformaw kontinwament mar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew ta' dik nazzjonali. Barra minn hekk, ghandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawk il-korpi jżommu l-kompetenza meħtieġa sabiex iwettqu l-ħidmiet notifikati bihom.

Artikolu 10

Korpi notifikati

Fil-bidu, il-korpi notifikati ghall-finijiet ta' dan il-Protokoll ghandhom ikunu dawk inklużi fil-listi li fihom ir-Rumanija u l-Komunità skambjaw qabel it-tmiem tal-proċeduri ghad-dħul fis-seħħ.

Konsegwentement, il-proċedura li ġejja għandha tapplika għan-notifika tal-korpi sabiex jivvalutaw il-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali speċifikati fl-Annessi:

(a) Parti għandha tressaq in-notifika tagħha lill-Parti l-oħra bil-miktub;

(b) fuq l-avviż ta' riċezzjoni mill-Parti l-oħra, mogħtija bil-miktub, il-korp għandu jitqies bħala notifikat u kompetenti sabiex jivvaluta l-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija speċifikati fl-Annessi minn dik id-data;

Jekk Parti tiddeċiedi li tirtira n-notifika ta' korp taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, għandha tinforma lill-Parti l-oħra bil-miktub. Il-korp jieqaf jivvaluta l-konformità fir-rigward tar-rekwiżiti msemmija speċifikati fl-Annessi l-aktar tard mid-data ta' l-irtirar tagħha. Madankollu, il-valutazzjonijiet ta' konformità mwettqa qabel dik id-data għandhom jibqgħu validi, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni.

Artikolu 11

Il-verifika tal-korpi notifikati

Kull Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra li tivverifika l-kompetenza teknika u l-konformità ta' korp notifikat taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha. Tali talba għandha tkun ġustifikata sabiex tippermetti l-Parti responsabbli min-notifika sabiex twettaq il-verifika mitluba u tirrapporta minnufih lill-Parti l-oħra. Il-Partijiet jistgħu wkoll flimkien jeżaminaw il-korp, bil-parteċipazzjoni ta' l-awtoritajiet relevanti. Għal dan il-għan, il-Partijiet għandhom jiżguraw il-koperazzjoni sħiħa tal-korpi taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa, u jagħmlu użu mill-mezzi kollha disponibbli meħtieġa, bil-ħsieb li jsolvu kwalunkwe problemi li jinstabu.

Jekk il-problemi ma jistgħux jissolvew għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet, dawn jistgħu jinnotifikaw lill-President tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni bin-nuqqas ta' qbil tagħhom u jagħtu r-raġunijiet tagħhom. Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi dwar l-azzjoni xierqa.

Sakemm ma jiġix, u sa meta jiġi, deċiż mod ieħor mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni, in-notifika tal-korp u r-rikonoxximent tal-kompetenza tiegħu għall-valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' rekwiżiti tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali speċifikati fl-Annessi għandha tkun sospiża parzjalment jew totalment mid-data li fiha n-nuqqas ta' qbil tal-Partijiet ikun ġie notifikat lill-President tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni.

Artikolu 12

L-iskambju ta' l-informazzjoni u l-koperazzjoni

Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni retti u uniformi ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet, l-awtoritajiet tagħhom u l-korpi notifikati tagħhom għandhom:

(a) jiskambjaw l-informazzjoni relevanti kollha dwar l-implimentazzjoni tal-liġi u l-prattika anke, b'mod partikolari, dwar il-proċedura li tiżgura l-konformità tal-korpi notifikati;

(b) jieħdu sehem, kif xieraq, fil-mekkaniżmi relevanti ta' l-informazzjoni, koordinazzjoni u fl-attivitajiet oħra relatati tal-Partijiet;

(ċ) jinkoraġġixxu l-korpi sabiex jikkoperaw bil-ħsieb li jistabbilixxu arranġament ta' rikonoxximent reċiproku fi sfera volontarja.

Artikolu 13

Kunfidenzjalità

Ir-rappreżentanti, esperti u aġenti oħra tal-Partijiet għandhom ikunu meħtieġa, anke wara li jkunu temmew id-doveri tagħhom, li ma jiżvelawx informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll li tkun tat-tip kopert mill-obbligu tas-sigriet professjonali. Din l-informazzjoni ma tistax tintuża għal finijiet għajr għal dawk previsti minn dan il-Protokoll.

Artikolu 14

L-amministrazzjoni tal-Protokoll

Ir-responsabbiltà għall-funzjonament effettiv ta' dan il-Protokoll għandha tkun tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni skond l-Artikolu 106 tal-Ftehim Ewropew. B'mod partikolari, dan għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet rigward:

(a) l-emendament ta' l-Annessi;

(b) it-tiżjid ta' Annessi ġodda;

(ċ) il-ħatra ta' grupp jew gruppi konġunti ta' esperti sabiex jivverifikaw l-kompetenza teknika ta' korp notifikat u l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti;

(d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar emendi proposti jew attwali lil-liġi Komunitarja jew nazzjonali msemmija fl-Annessi;

(e) il-konsiderazzjoni ta' proċeduri ġodda jew addizzjonali ta' valutazzjoni ta' konformità li jaffettwaw settur kopert b'xi Anness;

(f) ir-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata ma' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jista' jiddelega r-responsabilitajiet imsemmija hawn fuq stipulati taħt dan il-Protokoll, skond l-Artikolu 110(2) tal-Ftehim Ewropew.

Artikolu 15

Għajnuna u koperazzjoni tekniċi

Il-Komunità Ewropea tista' tipprovdi koperazzjoni u għajnuna tekniċi lir-Rumanija fejn meħtieġ sabiex issostni l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi ta' dan il-Protokoll

Artikolu 16

Ftehim ma' pajjiżi oħrajn

Kull ftehim dwar il-valutazzjoni tal-konformità konkluż minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma' pajjiż li ma jkunx Parti għal dan il-Protokoll m'ghandux jirriżulta f'obbligu fuq dik il-Parti li taċċetta r-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqa f'dak il-pajjiż terz, sakemm ma jkunx hemm ftehim espliċitu bejn il-Partijiet fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 17

Dhul fis-seħħ

Dan il-Protokoll ghandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw in-noti diplomatiċi li jikkonfermaw it-tlestija tal-proċeduri rispettivi tagħhom ghad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 18

Status tal-Protokoll

Dan il-Protokoll ghandu jifforma parti integrali mill-Ftehim Ewropew.

Dan il-Protokoll huwa mfassal duplikatament fil-lingwi Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Rumena, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

Hecho en Bucarest, el veintisiete de octubre de dos mil seis.

V Bukurešti dne dvacátého sedmého října dva tisíce šest.

Udfærdiget i Bukarest, den syvogtyvende oktober totusind og seks.

Geschehen zu Bukarest am siebenundzwanzigsten Oktober zweitausendsechs.

Koostatud kahe tuhande kuuenda aasta oktoobrikuu kahekümne seitsmendal päeval Bukarestis.

Έγινε στο Βουκουρέστι, στις είκοσι επτά Οκτωβρίου του δύο χιλιάδες έξι.

Done at Bucharest on the twenty-seventh day of October in the year two thousand and six.

Fait à Bucarest, le vingt-sept octobre de l'an deux mille six.

Fatto a Bucarest, addì ventisette ottobre duemilasei.

Bukarestē, divi tūkstoši sestā gada divdesmit septītajā oktobrī

Priimta du tūkstančiai šeštų metų spalio dvidešimt septintą dieną Bukarešte

Kelt Bukarestben, a kétezerhatodik év október havának huszonhetedik napján.

Magħmul f'Bukarest fis-sebgħa u ghoxrin jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u sitta.

Gedaan te Boekarest, de zevenentwintigste oktober tweeduizend zes.

Sporządzono w Bukareszcie, dnia dwudziestego siódmego października dwa tysiące szóstego roku.

Feito em Bucareste, aos vinte e sete dias do mês de Outubro do ano de dois mil e seis.

V Bukurešti dňa dvadsiateho siedmeho októbra dvetisícšesť.

V Bukarešti, sedemindvajsetega oktobra leta dva tisoč šest

Tehty Bukarestissa kahdentenakymmenentenäseitsemäntenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakuusi.

Utfärdat i Bukarest den tjugosjunde oktober år tjugohundrasex.

Întocmit la București în a douăzeci și șaptea zi a lunii octombrie anul două mii șase.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar
Pentru Comunitatea Europeană

Por Rumanía
Za Rumunsko
For Rumænien
Für Rumänien
Rumeenia nimel
Για τη Ρουμανία
For Romania
Pour la Roumanie
Per la Romania
Rumānijas vārdā
Rumunijos vardu
Románia részéről
Għar-Rumanija
Voor Roemenië
W imieniu Rumunii
Pela Roménia
Za Rumunsko
Za Romunijo
Romanian puolesta
För Rumänien
Pentru România



ANNESS

ANNESS

dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' prodotti industrijali

(għar-rekord)

ANNESS

dwar ir-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati tal-valutazzjoni ta' konformità

Werrej

(1) Apparat ta' pressjoni

APPARAT TA' PRESSJONI

TAQSIMA 1

LIĠI NAZZJONALI U KOMUNITARJA

Il-liġi Komunitarja:	Id-Direttiva 97/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' apparat ta' pressjoni
Il-liġi nazzjonali:	Deċiżjoni tal-Gvern Nru 584/2004 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sabiex joħorġu fis-suq l-apparat ta' pressjoni, kif emendata sussegwentement.

TAQSIMA II

L-AWTORITAJIET NOTIFIKANTI

Il-Komunità Ewropea

Il-Belġju:	Ministère des Affaires Economiques/Ministerie van Economische Zaken.
Ir-Repubblika Ċeka:	Úřad pro technickou normalizaci, metrologii a státní zkušebnictví.
Il-Ġermanja:	Bundesministerium für Arbeit und Sozialordnung.
L-Estonja:	Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium.
Il-Greċja:	Υπουργείο Ανάπτυξης. Γενική Γραμματεία Βιομηχανίας (Ministry of Development. General Secretariat of Industry).
Spanja:	Ministerio de Industria, Turismo y Comercio.
Franza:	Ministère de l'emploi et de la solidarité, Direction des relations du travail, Bureau CT 5.
L-Irlanda:	Department of Enterprise and Employment.
L-Italja:	Ministero dell'Industria, del Commercio e dell'Artigianato.
Latvja:	Ekonomikas ministrija.
L-Ungerija:	Gazdasági és Közlekedési Minisztérium.
Malta:	Taħt l-awtorità tal-Gvern Malti: Direttorat ta' l-Affarijiet tal-Konsumatur u Industrijali ta' l-Awtorità Maltija ta' l-Istandards.
L-Awstrija:	Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit.
Il-Polonja:	Ministerstwo Gospodarki, Pracy i Polityki Społecznej.
Slovenja:	Ministrstvo za gospodarstvo.
Ir-Repubblika Slovakka:	Úrad pre normalizáciu, metrológiu a skúšobníctvo Slovenskej republiky.
Il-Finlandja:	Kauppa- ja teollisuusministeriö/Handels- och industriministeriet.
L-Iżvezja:	Taħt l-awtorità tal-Gvern Żvediż: Styrelsen för ackreditering och teknisk kontrol (SWEDAC).
Ir-Renju Unit:	Department of Trade and Industry.
Ir-Rumanija:	Ministerul Economiei si Comertului — Ministry of Economy and Commerce.

TAQSIMA III

KORPI NOTIFIKATI

Il-Komunità Ewropea

Korpi li ġew notifikati mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea skond il-liġi Komunitarja tat-Taqsima I u notifikati lir-Rumanija skond l-Artikolu 10 ta' dan il-Protokoll.

Ir-Rumanija

Korpi li ġew maħtura mir-Rumanija skond il-liġi nazzjonali tar-Rumanija tat-Taqsima I u notifikati lil Komunità Ewropea skond l-Artikolu 10 ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA IV

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI

Klawżola ta' salvagwardja

A. *Klawżola ta' salvagwardja relatata mal-prodotti industrijali:*

1. Fejn Parti tieħu miżura sabiex tinnega aċċess ħieles għas-suq tagħha: għal prodotti industrijali suġġetti għal dan l-Anness li jkollhom il-marka CE;

   jew,

   għal prodotti industrijali suġġetti għal dan l-Anness li jkunu msemmija fl-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 14 tad-Direttiva 97/23/KE korrispondenti għall-Artikoli 10 u 17 rispettivament tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 584/2004, iżda li għalihom il-marka CE ma tkunx meħtieġa;

   għandha tinforma immedjatament lill-Parti l-oħra, u tindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u kif ġiet valutata n-nonkonformità.

2. Il-Partijiet għandhom iqisu l-kwistjoni u l-prova li jkunu ġew informati dwarhom, u għandhom jirrappurtaw lil xulxin ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet tagħhom.

3. Fil-każ ta' qbil, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li tali prodotti ma jitqiegħdux fis-suq.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar ir-riżultat ta' tali investigazzjonijiet il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni li jista' jiddeċiedi li jwettaq perizja.

5. Fejn il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni jsib li l-miżura hija:

   (a) mhux ġustifikata, l-awtorità nazzjonali tal-Parti li ħadet il-miżura għandha tirtiraha;

   (b) ġustifikata, il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw li tali prodotti ma jitqiegħdux fis-suq.

B. *Klawżola ta' salavagwardja relatata ma' l-istandards armonizzati:*

1. Fejn ir-Rumanija tikkunsidra li standard armonizzat imsemmi fil-leġiżlazzjoni definita f'dan l-Anness, ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali ta' tali leġiżlazzjoni, hija għandha tinforma lill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u tagħti r-raġunijiet għal dan.

2. Il-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni għandu jqis il-kwistjoni u jista' jitlob lill-Komunità sabiex tipproċedi skond il-proċedura prevista fil-leġiżlazzjoni Komunitarja identifikata f'dan l-Anness.

3. Il-Komunità għandha żżomm lill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u lill-Parti l-oħra infurmata dwar il-proċedimenti.

4. Ir-riżultat tal-proċedura għandu jiġi notifikat lill-Parti l-oħra.

DIKJARAZZJONI MILL-KOMUNITÀ DWAR L-ATTENDENZA TAR-RAPPREŻENTANTI RUMENI FIL-LAQGĦAT TAL-KUMITAT

Sabiex ikun żgurat ftehim aħjar ta' l-aspetti prattiċi ta' l-applikazzjoni ta' l-*acquis communautaire*, il-Komunità tiddikjara li r-Rumanija hija mistiedna, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin, għal-laqgħat tal-kumitati stabbiliti jew imsemmija fil-liġi Komunitarja dwar apparat ta' pressjoni.

Il-parteċipazzjoni għandha tkun limitata għal-laqgħat jew partijiet minnhom li fihom tiġi diskussa l-applikazzjoni ta' l-*acquis*; ma għandhiex tinvolvi attendenza għal-laqgħat li huma maħsuba għat-tħejjija u għall-għoti ta' opinjonijiet dwar setgħat ta' implimentazzjoni jew ġestjoni delegati lill-Kummissjoni mill-Kunsill.

Din l-istedina tista' tiġi estiża, fuq bażi ta' każ b'każ, għall-gruppi ta' esperti mlaqqgħin mill-Kummissjoni.

32006D0873

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Novembru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA)

(2006/873/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagafu ta' l-Artikolu 300(2) u ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra [1], daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995.

(2) L-Artikolu 75 tal-Ftehim Ewropew jipprevedi l-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-istandardizzazzjoni u tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandha tfittex il-konklużjoni tal-ftehimiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku.

(3) L-Artikolu 110 tal-Ftehim Ewropew jipprevedi li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega kwalunkwe mis-setgħat tiegħu lill-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni.

(4) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 94/907/KE, KEFA, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Ewropew bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn parti l-waħda, u r-Rumanija, mill-parti l-oħra [2] jipprevedi proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Komunità u għall-preżentazzjoni tal-pożizzjoni Komunitarja fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni.

(5) Il-Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA), ġie ffirmat f'Bukarest nhar is-27 ta' Ottubru 2006, f'isem il-Komunità, u għandu jiġi approvat.

(6) Il-proċeduri interni xierqa għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Protokoll.

(7) Jeħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, sabiex tipproponi ċerti emendi tekniċi lil dan il-Protokoll u sabiex tieħu ċerti deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra dwar il-Valutazzjoni tal-Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (PECA) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), kif ukoll id-Dikjarazzjoni annessa miegħu, huma b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Protokoll u tad-Dikjarazzjoni annessa miegħu huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni [3].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jittrasmetti n-nota diplomatika prevista fl-Artikolu 17 tal-Protokoll [4] fir-rigward tad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, għandha:

(a) tagħmel in-notifiki, l-avviżi ta' riċezzjoni, is-sospensjonijiet u l-irtirar ta' korpi, u l-ħatriet ta' grupp jew gruppi konġunti ta' esperti, skond l-Artikoli 10, 11 u l-punt (ċ) ta' l-Artikolu 14 tal-Protokoll;

[1] ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2.

[2] ĠU L 357, 31.12.1994, p. 1.

[3] Ara paġna 33 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

(b) torganizza l-konsultazzjonijiet, l-iskambju ta' informazzjoni, it-talbiet għal verifiki u għall-parteċipazzjoni fil-verifiki, skond l-Artikoli 3, 11, 12 u l-punti (d) u (e) ta' l-Artikolu 14, u t-Taqsimiet III u IV ta' l-Annessi mal-Protokoll.

(ċ) jekk meħtieġ, tirrispondi għat-talbiet skond l-Artikolu 11, it-Taqsimiet III u IV ta' l-Annessi mal-Protokoll.

2. Wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni u, fejn applikabbli, fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni, relattivament għal:

(a) l-emendament ta' l-Annessi skond l-Artikolu 14, il-punt (a) tal-Protokoll;

(b) it-tiżjid ta' Annessi ġodda skond l-Artikolu 14, il-punt (b) tal-Protokoll;

(ċ) kwalunkwe deċiżjonijiet rigward kull nuqqas ta' ftehim dwar ir-riżultati tal-verifiki u s-sospensjonijiet, parzjalment jew totalment, ta' kwalunkwe korp notifikat skond it-tieni u t-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 11 tal-Protokoll;

(d) kwalunkwe miżuri meħuda fl-applikazzjoni tal-klawżoli ta' salvagwardja fit-Taqsima IV ta' l-Annessi mal-Protokoll;

(e) kwalunkwe miżuri li jikkonċernaw il-verifika, is-sospensjoni, jew l-irtirar ta' prodotti industrijali bl-approvazzjoni reċiproka skond l-Artikolu 4 tal-Protokoll.

3. Fil-każijiet l-oħra kollha l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat ta' l-Assoċjazzjoni u, fejn applikabbli, fil-Kumitati ta' l-Assoċjazzjoni, rigward dan il-Protokoll għandhom jiġu determinati mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussel, 20 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

32006D0874

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Novembru 2006

dwar l-adeżjoni tal-Komunità mar-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_2 jew M_3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/874/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijet reċiproċi ta' l-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijet ("Ftehim Rivedut ta' l-1958") [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 3(3) u t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-rekwiżiti standardizzati tar-Regolament Nru 107 dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_2 jew M_3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom għandhom l-għan li jneħħu l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-vetturi bil-mutur bejn il-Partijiet Kontraenti u li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà u protezzjoni fl-operazzjoni tal-vetturi.

(2) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li r-Regolament Nru 107 għandu jsir parti mis-sistema Komunitarja ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

1. Il-Komunità għandha tapplika r-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_2 jew M_3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom.

2. It-test tar-Regolament huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-Regolament Nru 107 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M_2 jew M_3 fir-rigward tal-kostruzzjoni ġenerali tagħhom għandhom isiru parti mis-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip Komunitarja għall-vetturi bil-mutur.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti b'din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

[1] ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78.

32006D0882

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, dwar kwoti tariffarji fuq iz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja jew mill-Komunità

(2006/882/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Frar 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati mar-Repubblika tal-Kroazja biex temenda l-arranġamenti preferenzjali fir-rigward ta' l-importazzjonijiet taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja fil-Komunità skond il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja fuq in-naħa l-oħra [1] approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2005/40/KE, Euratom [2].

(2) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati għal Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Għalhekk, il-Protokoll imsemmi għandu jiġi approvat.

(3) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dak il-Protokoll għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond l-istess proċedura bħal dik prevista fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [3],

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, dwar kwoti tariffarji fuq iz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja lejn il-Komunità (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill permezz ta' dan huwa awtorizzat li jaħtar lill-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll sabiex jorbtu lill-Komunità.

[1] ĠU L 26, 28.1.2005, p. 3.
[2] ĠU L 26, 28.1.2005, p. 1.
[3] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli dettaljati sabiex jiġi implimentat dan il-Protokoll skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Novembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

22006A1207(01)

PROTOKOLL

li jemenda l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, dwar kwoti tariffarji fuq iz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja jew mill-Komunità

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

fuq naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Kroazja",

min-naħa l-oħra,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja, fuq in-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-FSA") kien iffirmat fil-Lussemburgu nhar id-29 ta' Ottubru 2001 u daħal fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 2005.

(2) Seħħew negozjati biex jibdlu l-arranġamenti preferenzjali fil-FSA fir-rigward taz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor li joriġinaw mill-Kroazja jew mill-Komunità.

(3) L-emendi xierqa għall-FSA għandhom jiġu adottati,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-FSA huwa b' dan emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 27 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Komunità għandha tabolixxi l-ħlasijiet u d-dazji tad-dwana li għandhom effett ekwivalenti fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Kroazja, għajr dawk bit-titli Nri 0102, 0201, 0202, 1701, 1702 u 2204 tan-Nomenklatura Magħquda.";

(b) għandu jiżdied il-paragrafu (5) li ġej:

"5. L-Anness IV(h) jistipola ċerti arranġamenti tal-kummerċ li għandhom ikunu applikati għaz-zokkor u l-prodotti taz-zokkor taħt it-titli Nri 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda."

2) Fl-Anness IV, it-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi miżjud bħala l-Anness IV(h).

3) Fit-tabella fl-Anness I tal-Protokoll 3, għandhom jitħassru r-referenzi li ġejjin:

"1702 50 00 — Fruktożju kimikalment pur",

"1702 90 10 — Maltożju kimikalment pur".

Artikolu 2

Il-partijiet għandhom jiltaqgħu fit-tieni nofs ta' l-2008 biex jirrevedu l-effetti ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-FSA.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 5

Dan il-Protokoll qed jitfassal f'żewġ kopji biċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Iżvediż, u l-Kroat, kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

Hecho en Zagreb, el veintiocho de noviembre de dos mil seis.

V Záhřebu dne dvacátého osmého listopadu dva tisíce šest.

Udfærdiget i Zagreb den otteogtyvende november to tusind og seks.

Geschehen zu Zagreb am achtundzwanzigsten November zweitausendundsechs.

Koostatud kahekümne kaheksandal novembril kahe tuhande kuuendal aastal Zagrebis.

Έγινε στο Ζάγκρεμπ στις είκοσι οκτώ Νοεμβρίου δύο χιλιάδες έξι.

Done at Zagreb on the twenty-eighth day of November in the year two thousand and six.

Fait à Zagreb, le vingt-huit novembre deux mille six.

Fatto a Zagabria, addì ventotto novembre duemilasei.

Zagrebā, divi tūkstoši sestā gada divdesmit astotajā novembrī.

Priimta Zagrebe, du tūkstančiai šeštų metų lapkričio dvidešimt aštuntą dieną.

Kelt Zágrábban, a kétezer-hatodik év november havának huszonnyolcadik napján.

Magħmul f'Żagreb fit-tmienja u għoxrin jum ta' Novembru fis-sena elfejn u sitta.

Gedaan te Zagreb, de achtentwintigste november tweeduizend en zes.

Sporządzono w Zagrzebiu dnia dwudziestego ósmego listopada dwa tysiące szóstego roku.

Feito em Zagrebe, aos vinte e oito dias do mês de Novembro do ano de dois mil e seis.

V Záhrebe dvadsiateho ôsmeho novembra dvetisícšesť.

V Zagrebu, dne osemindvajsetega novembra, leta dva tisoč šest.

Tehty Zagrebissa kahdentenakymmenentenäkahdeksantena päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakuusi.

Utfärdat i Zagreb den tjuguåttonde november år tvåtusensex.

Sastavljeno u Zagrebu dana dvadesetosmog studenoga dvije tisuće i šeste godine.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen
Za Europsku zajednicu



Por la República de Croacia
Za Chorvatskou republiku
For Republikken Kroatien
Für die Republik Kroatien
Horvaatia Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία της Κροατίας
For the Republic of Croatia
Pour la République de Croatie
Per la Repubblica di Croazia
Horvātijas Republikas vārdā
Kroatijos Respublikos vardu
A Horvát Köztársaság részéről
Għar-Repubblika tal-Kroazja
Voor de Republiek Kroatië
W imieniu Republiki Chorwacji
Pela República da Croácia
Za Chorvátsku republiku
Za Republiko Hrvaško
Kroatian tasavallan puolesta
För Republiken Kroatien
Za Republiku Hrvatsku

ANNESS

"L-ANNESS IV(h)

imsemmi fl-Artikolu 27(5)

1. Il-Komunità għandha tapplika l-aċċess bla ħlas ta' dazju fuq l-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' prodotti li joriġinaw mill-Kroazja bit-titli 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-limitu ta' kwota tariffarja annwali ta' 180 000 tunnellata (piż nett).

2. Il-Kroazja għandha tapplika l-aċċess bi tnaqqis fil-ħlas ta' dazju fuq l-importazzjonijiet lejn il-Kroazja ta' prodotti li joriġinaw mill-Komunità bit-titli 1701 tan-Nomenklatura Magħquda, fil-limitu ta' kwantità annwali ta' 80 000 tunnellata (piż nett) li għandu japplika biss ladarba l-importazzjonijiet mill-Kroazja fil-Komunità bit-titli 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda jilħqu t-80 000 tunnellata (piż nett). Fuq din il-kwantità, il-Kroazja se tnaqqas il-rata tal-ħlas ta' dazju kif ġej:

   — fl-1 ta' Jannar 2007, id-dazju għandu jitnaqqas għal 75 % tad-dazju bażiku,

   — fl-1 ta' Jannar 2008, id-dazju għandu jitnaqqas għal 70 % tad-dazju bażiku,

   — fl-1 ta' Jannar 2009 u 'l quddiem, id-dazju għandu jitnaqqas għal 50 % tad-dazju bażiku.

3. Il-Komunità hija impenjata li ma thallasx rifużjonijiet għall-esportazzjoni mill-baġit tal-Komunità għaz-zokkor, ix-xiropp u ċerti prodotti taz-zokkor oħra li jaqgħu taħt it-titli 1701 u 1702 tan-Nomenklatura Magħquda meta dawn jiġu esportati fl-istat naturali tagħhom lejn il-Kroazja. Il-Kroazja hija impenjata li ma thallasx rifużjonijiet għall-esportazzjoni għall-esportazzjonijiet taz-zokkor lejn il-Komunità."

32006R1801

8.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 343/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1801/2006

tat-30 ta' Novembru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u (3), l-ewwel paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja nnegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd li jipprovdi lis-sajjieda tal-Komunità b'opportunitajiet ta' sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija".

(2) Huwa fl-interess tal-Komunità li jiġi approvat l-imsemmi Ftehim ta' Sħubija.

(3) Huwa meħtieġ li jiġi definit il-metodu ta' tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim ta' Sħubija huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fl-imsemmi Ftehim ta' Sħubija, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"), għandhom jitqassmu bejn l-Istati Membri kif ġej:

Kategorija ta' sajd	TG jew liċenzji massimi għal kull perjodu tal-liċenzji	Stat Membru	TG, liċenzji jew kwota ta' qabdiet annwali għal kull Stat Membru
Kategorija 1: Bastimenti tas-sajd għal krustaċji ħlief l-awwista u l-granċ	9 440 TG	Spanja	7 183 TG
		L-Italja	1 371 TG
		Il-Portugall	886 TG
Kategorija 2: Skejjen tas-sajd bit-tkarkir u skejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ għas-sajd tal-marlozz iswed	3 600 TG	Spanja	3 600 TG
Kategorija 3: Bastimenti tas-sajd għal speċi demersali ħlief il-marlozz iswed bil-magni minbarra l-iskuna tas-sajd bit-tkarkir	2 324 TG	Spanja	1 500 TG
		Ir-Renju Unit	800 TG
		Malta	24 TG

[1] Opinjoni mogħtija fis-16 ta' Novembru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Kategorija ta' sajd	TG jew liċenzji massimi ghal kull perjodu tal-liċenzji	Stat Membru	TG, liċenzji jew kwota ta' qabdiet annwali ghal kull Stat Membru
Kategorija 4: Skejjen tas-sajd bit-tkarkir bil-friża li jistadu ghal speċi demersali	750 TG	Il-Greċja	750 TG
Kategorija 5: Ċefalopodi	18 600 TG 43 liċenzja	Spanja	39 liċenzja
		L-Italja	4 liċenzji
Kategorija 6: Awwisti	300 TG	Il-Portugall	300 TG
Kategorija 7: Bastimenti bil-friża li jistadu ghat-tonn bit-tartarun	36 liċenzja	Spanja	15-il liċenzja
		Franza	20 liċenzja
		Malta	1 liċenzja
Kategorija 8: Bastimenti ghas-sajd tat-tonn bil-qasab u x-xlief u skejjen ghas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ	31 liċenzja	Spanja	23 liċenzja
		Franza	5 liċenzji
		Il-Portugall	3 liċenzji
Kategorija 9: Skejjen bil-friża ghas-sajd pelaġiku bit-tkarkir	22 liċenzja ghal limitu massimu ta' 440 000 tunnellata	L-Olanda	190 000 tunnellata
		Il-Litwanja	120 500 tunnellata
		Il-Latvja	73 500 tunnellata
		Il-Ġermanja	20 000 tunnellata
		Ir-Renju Unit	10 000 tunnellata
		Il-Portugall	6 000 tunnellata
		Franza	10 000 tunnellata
		Il-Polonja	10 000 tunnellata
Kategorija 10 Sajd ghall-granċ	300 TG	Spanja	300 TG
Kategorija 11 Bastimenti tas-sajd pelaġiku frisk	15 000 TG fix-xahar bhala medja annwali		

2. Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, l-opportunitajiet ta' sajd fil-Katergorija 11 (Bastiment tas-sajd pelaġiku frisk) li ma jiġux utilizzati jistghu jiġu utilizzati mill-Kategorija 9 (Skejjen bil-friża ghas-sajd pelaġiku bit-tkarkir) sa limitu massimu ta' 25 liċenzja fix-xahar.

3. Fir-rigward tal-Kategorija 9, (Skejjen bil-friża ghas-sajd pelaġiku bit-tkarkir), fil-każ fejn it-talbiet ghal liċenzji jaqbżu n-numru massimu awtorizzat ghal perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni ghandha tmexxi bi prijorità t-talbiet ta' bastimenti li l-aktar ikunu utilizzaw liċenzji fl-ahhar ghaxar xhur ta' qabel l-imsemmija talba ta' liċenzja.

4. Fir-rigward tal-Kategorija 11 (Bastimenti tas-sajd pelaġiku frisk), il-Kummissjoni ser tmexxi t-talbiet ghal liċenzji wara li tkun irċeviet pjan tas-sajd annwali li jaghti dettalji tat-talbiet ghal kull bastiment (filwaqt li jippreċiża n-numru ta' TG stipulati ghal kull xahar ta' attività u dan ghax-xhur kollha tas-sena), li jridu jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena li matulha japplika l-pjan tas-sajd.

Fil-każ ta' talba superjuri fil-medja annwali ghal 15 000 TG fix-xahar, l-allokazzjoni ghandha issir skond it-tabella tat-talbiet u l-pjanijiet tas-sajd previsti fil-paragrafu 1.

5. Il-ġestjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd ghandha ssir b'konformità shiha ma' l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1].

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

Jekk it-talbiet ta' liċenzja ta' dawn l-Istati Membri ma jeżawrux l-opportunitajiet ta' sajd iffissati mill-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra talbiet għal liċenzji mill-Istati Membri l-oħra kollha.

Artikolu 3

L-Istati Membri li għandhom bastimenti li jistadu taħt il-qafas regolatorju stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet maqbuda minn kull stokk fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja skond it-termini stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar is-sorveljanza tal-qbid meħuda mid-dgħajjes tas-sajd tal-Komunità f'ibħra ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra miftuħa [1].

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija sabiex tintrabat il-Komunità [2].

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. HYSSÄLÄ

---

[1] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

[2] Ma' dan l-ammont jiżdied it-total tal-kontribuzzjonijiet dovuti missidien tal-bastimenti previsti fil-Kapitolu III ta' l-Anness 1, li l-Mawritanja tirċievi direttament fil-kont previst fil-Kapitolu IV ta' l-Anness 1, u li huwa stmat għal EUR 22 miljun fis-sena.

22006A1208(01)

FTEHIM TA' SĦUBIJA FIS-SETTUR TAS-SAJD

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

IR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Mawritanja",

minn hawn 'l quddiem imsejħin "il-Partijiet",

FID-DAWL tar-relazzjonijiet ta' koperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità u l-Mawritanja, b'mod partikolari fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou li jistabbilixxi relazzjoni ta' koperazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Mawritanja, min-naħa l-oħra, kif ukoll ix-xewqa reċiproka tagħhom li jsaħħu dawn ir-relazzjonijiet,

IFAKKRU li l-Komunità u l-Mawritanja huma firmatarji tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt tal-baħar u li, skond din il-Konvenzjoni, il-Mawritanja waqqfet żona ekonomika esklussiva li twassal sa 200 mil marittimu mill-kosti tagħha, li fiha din teżerċita d-drittijiet sovrani tagħha għall-finijiet ta' l-esplorazzjoni, tal-ħarsien u tal-ġestjoni tar-riżorsi fl-imsemmija żona,

DETERMINATI li jikkoperaw, fl-interess komuni tagħhom, b'mod partikolari abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-Kodiċi tal-kondotta għal sajd responsabbli adottat wara l-Konferenza tal-FAO fl-1995, favur il-promozzjoni ta' sajd responsabbli sabiex jiżgura l-ħarsien fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u, b'mod partikolari t-tisħiħ ta' sistema ta' kontroll fuq l-attivitajiet kollha konnessi mas-sajd, sabiex jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri ta' l-immaniġġjar u l-konservazzjoni ta' dawn ir-riżorsi, kif ukoll il-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar,

KONVINTI li t-twettiq ta' l-objettivi ekonomiċi u soċjali rispettivi tagħhom fil-qasam tas-sajd jissaħħu minn koperazzjoni mill-qrib fl-oqsma xjentifiċi u tekniċi ta' dan is-settur, taħt kondizzjonijiet li jiżguraw il-ħarsien ta' l-istokks tas-sajd u l-isfruttament raġonevoli tagħhom,

KONVINTI li din il-koperazzjoni għandha tkun imsejsa fuq il-komplimentarjetà ta' l-inizjattivi u l-azzjonijiet imwettqa kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet sabiex jiżguraw il-koerenza tal-politika u s-sinerġija ta' l-isforzi,

DEĊIŻI, għal dawn l-għanijiet, li jikkontribwixxu, fil-qafas tal-politika settorjali tas-sajd fil-Mawritanja, sabiex jiffavorixxu l-iżvilupp ta' sħubija sabiex b'mod partikolari ijġu identifikati l-mezzi l-aktar adattati sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi ta' din il-politika kif ukoll l-involviment fil-proċessi ta' l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili,

ĦERQANA li jistabbilixxu t-termini u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet ta' sajd tal-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, u dawk li jirrigwardaw l-appoġġ mogħti mill-Komunità għall-iżvilupp ta' sajd responsabbli f'dawn iż-żoni tas-sajd,

KONXJI mir-rwol li jokkupa s-settur tas-sajd fil-baħar, inklużi l-industriji li għandhom x'jaqsmu miegħu, fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-Mawritanja kif ukoll f'ċerti reġjuni tal-Komunità,

DEĊIŻI li jsegwu koperazzjoni ekonomika aktar mill-qrib fil-qasam ta' l-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati, permezz tat-tnedija u l-iżvilupp ta' l-investimenti li jinvolvu intrapriżi miż-żewġ Partijiet,

QABLU DWAR DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

— il-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd sabiex ikun hemm żvilupp ta' sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja sabiex ikunu żgurati l-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Mawritanja;

— il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja;

— it-termini ta' kontroll tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja sabiex ikunu żgurati l-osservanza tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-effikaċja tal-miżuri ta' konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat;

— is-sħubiji bejn intrapriżi li jfittxu li jiżviluppaw, fl-interess komuni, attivitajiet ekonomiċi relevanti għall-qasam tas-sajd u l-attivitajiet relatati;

— il-kondizzjonijiet ta' ħatt l-art u ta' trasbord tal-qabdiet li jsiru fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja;

— il-kondizzjonijiet tat-tlugħ tal-baħrin abbord tal-bastimenti Komunitarji li jaħdmu taħt dan il-Ftehim fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja.

Artikolu 2

Tifsiriet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, tal-Protokoll u ta' l-Annessi tiegħu, it-termini li ġejjin ifissru:

a) "Żoni tas-sajd tal-Mawritanja": l-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja. L-attività tas-sajd tal-bastimenti Komunitarji stipulata f'dan il-Ftehim m'għandhiex issir ħlief fiż-żoni li fihom is-sajd huwa awtorizzat mil-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja;

b) "Il-Ministeru": il-Ministeru responsabbli mis-Sajd u mill-Ekonomija tal-Baħar tal-Mawritanja;

ċ) "L-Awtoritajiet Komunitarji": il-Kummissjoni Ewropea;

d) "Bastiment Komunitarju": bastiment tas-sajd li għandu bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u rreġistrat fil-Komunità;

e) "Kummissjoni Konġunta": kummissjoni magħmula minn rappreżentanti tal-Komunità u tal-Mawritanja li l-funzjoni tagħhom ser tkun iddettaljata fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim;

f) "Is-Sorveljanza": id-Delegazzjoni tas-Sorveljanza tas-Sajd u tal-Kontroll fil-Baħar (DSPCM);

g) "Id-Delegazzjoni": id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Mawritanja;

h) "Baħrin": il-persunal kollu abbord li jagħmel parti mill-ekwipaġġ u l-kwalifiki l-oħra kollha (uffiċċjali, nies tekniċi, formen, baħrin).

Artikolu 3

Prinċipji u għanijiet li jispiraw dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja abbażi tal-prinċipju li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn id-diversi flotot tas-sajd preżenti f'dawn iż-żoni ta' sajd.

2. Il-Partijiet jintrabtu li josservaw il-prinċipji tad-djaloġu u l-konsultazzjoni preliminari, b'mod partikolari fil-livell ta' l-implimentazzjoni tal-politika settorjali dwar is-sajd, minn naħa waħda, u, minn naħa l-oħra, tal-politika u l-miżuri tal-Komunità li jista' jkollhom impatt fuq il-qasam tas-sajd fil-Mawritanja.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jiżguraw l-Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skond l-prinċipji ta' tmexxija ambjentali, ekonomika u soċjali tajba.

4. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw ukoll fit-twettiq ta' valutazzjonijiet qabel, waqt u wara, tal-miżuri, programmi u azzjonijiet li jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

5. L-impjieg tal-baħrin mill-Mawritanja fuq il-bastimenti tal-Komunità huwa regolat mid-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol li japplikaw bi dritt fil-qafas tal-kuntratti kkonċernati u l-kondizzjonijiet ġenerali tax-xogħol. Dan jirrigwarda, b'mod partikolari, il-libertà ta' l-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt tal-ħaddiema għal negozjar kollettiv u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fi kwistjonijiet ta' xogħol u professjoni.

Artikolu 4

Koperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Matul il-perjodu fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Komunità u l-Mawritanja għandhom jikkoperaw sabiex isegwu ċerti kwistjonijiet relattivi għall-evoluzzjoni ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja. Għal dan il-għan għandu jitwaqqaf kumitat xjentifiku konġunt indipendenti, li jista' jinbeda bi ftehim bejn il-Partijiet li jistiednu partijiet xjentifiċi terzi. It-termini tal-ħidma tal-kumitat xjentifiku konġunt, li għandu jiltaqa' ta' l-anqas darba fis-sena, għandhom jiġu definiti bi ftehim komuni qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Iż-żewġ Partijiet, abbażi tar-riżultati tal-ħidma tal-kumitat xjentifiku konġunt u fid-dawl ta' l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli, għandhom jikkonsultaw flimkien fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta stipulata fl-Artikolu 10 sabiex jadottaw, jekk ikun il-każ u bi qbil, miżuri li jwasslu għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw, kemm direttament u kemm fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, sabiex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi u li jikkoperaw għall-implimentazzjoni tar-riċerki xjentifiċi relatati.

Artikolu 5

Aċċess għall-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd fl-ibħra tal-Mawritanja

1. L-attivitajiet ta' sajd imsemmija f'dan il-Ftehim huma soġġetti għal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti fis-seħħ fil-Mawritanja. Il-Ministeru għandu jinnotofika lill-Komunità dwar kull tibdil li jsir fil-leġiżlazzjoni msemmija. Mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet li l-Partijiet jistgħu jaqblu dwarhom, il-bastimenti tal-Komunità għandhom josservaw dawn il-modifiki fir-regolamenti fi żmien xahar minn meta jiġi nnotifikat dan il-bdil.

2. Il-Mawritanja tintrabat li tawtorizza lill-bastimenti tal-Komunità li jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żoni ta' sajd tagħha skond dan il-Ftehim, inklużi l-Protokoll u l-Anness.

3. Il-Mawritanja għandha tissorvelja l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll tas-sajd stipulati fil-Protokoll. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetanti tal-Mawritanja għat-twettiq ta' dawn il-kontrolli.

4. Il-Komunità tintrabat li twettaq id-dispożizzjonijiet kollha xierqa sabiex tiżgura li l-bastimenti tagħha josservaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kif ukoll il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja li tirregola s-sajd fl-ibħra relevanti taħt il-ġurisdizzjoni tal-Mawritanja, skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet għas-sajd

1. Il-bastimenti tal-Komunità ma' jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja sakemm ma jkollhomx liċenzja għas-sajd maħruġa skond dan il-Ftehim. L-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' sajd mill-bastimenti tal-Komunità jeħtieġ liċenzja, maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti fil-Mawritanja, fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità. It-termini tal-ħruġ tal-liċenzji u tal-ħlas tat-tariffi u l-kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż ta' l-osservazzjoni xjentifika, kif ukoll il-kondizzjonijiet l-oħra għall-eżerċizzju tas-sajd mill-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, huma stipulati fl-Annessi.

2. Fil-każ tal-kategoriji ta' sajd li mhumiex stipulati mill-Protokoll fis-seħħ, kif ukoll għas-sajd għall-esplorazzjoni, dawn il-liċenzji jistgħu jibqgħu jingħataw lill-bastimenti Komunitarji mill-Ministeru. Madankollu, l-għotja ta' dawn il-liċenzji tibqa' tiddependi minn opinjoni favorevoli taż-żewġ Partijiet.

3. Il-Protokoll ta' dan il-Ftehim jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija mill-Mawritanja lill-bastimenti tal-Komunità, fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, kif ukoll il- kumpens finanzjarju maħsub fl-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet kontraenti għandhom jiżguraw l-applikazzjoni kif suppost ta' dawn il-kondizzjonijiet u t-termini permezz ta' koperazzjoni amministrattiva xierqa bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 7

Kumpens finanzjarju

1. Il-Komunità tagħti lill-Mawritanja kumpens finanzjarju skond it-termini u l-kondizzjonijiet stipulati fil-Protokoll u l-Annessi. Dan il-kumpens huwa magħmul minn żewġ elementi relattivi, rispettivament:

a) Kumpens finanzjarju dovut minħabba l-aċċess tal-bastimenti tal-Komunità għaż-żoni ta' sajd tal-Mawritanja u, mingħajr preġudizzju, mal-ħlasijiet dovuti mill-bastimenti tal-Komunità għall-ksib tal-liċenzji;

b) Appoġġ finanzjarju mill-Komunità għall-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali dwar is-sajd imsejsa fuq sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra tal-Mawritanja.

2. L-appoġġ finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1(b) hawn fuq għandu jkun iddeterminat bi qbil komuni u skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll skond l-identifikazzjoni, miż-żewġ Partijiet, ta' l-għanijiet li għandhom jitwettqu fil-qafas tal-politika settorjali dwar is-sajd fil-Mawritanja.

3. Il-kumpens finanzjarju mogħti mill-Komunità jitħallas kull sena skond it-termini stabbiliti fil-Protokoll, u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u tal-Protokoll rigward il-modifika eventwali tat-total tiegħu minħabba:

a) ċirkostanzi mhux normali;

b) it-tnaqqis, bi qbil, ta' l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji fl-applikazzjoni tal-miżuri tal-ġestjoni ta' l-istokks kkonċernati stmati neċessarji għall-konservazzjoni u għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi skond l-aqwa parir xjentifiku disponibbli;

ċ) iż-żieda, bi qbil tal-Partijiet, ta' l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji jekk, skond l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, l-istat tar-riżorsi jippermetti dan;

d) it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14 tiegħu;

e) is-sospenzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 tiegħu jew tal-Protokoll.

Artikolu 8

Promozzjoni tal-koperazzjoni fil-livell ta' l-operaturi ekonomiċi

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u s-setturi konnessi miegħu. Huma għandhom jikkonsultaw flimkien sabiex jikkoordinaw id-diversi azzjonijiet li huma prevedibbli f'dan ir-rigward.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-teknoloġija ta' l-apparat tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-proċeduri industrijali għat-trasformazzjoni tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet għandhom jistinkaw sabiex joħolqu l-kondizzjoinijiet adattati għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tal-Partijiet, fl-oqsma tekniċi, ekonomiċi u kummerċjali, billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tan-negozju u l-investiment.

4. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu, b'mod partikolari, il-promozzjoni ta' l-investimenti b'interess komuni b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja u tal-Komunità.

Artikolu 9

Koperazzjoni amministrattiva

Il-Partijiet kontraenti, ħerqana li jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri ta' l-immaniġġjar u tal-ħarsien tar-riżorsi tas-sajd:

— jiżviluppaw koperazzjoni amministrattiva sabiex jiżguraw li l-bastimenti tagħhom josservaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u r-regolamentazzjoni dwar is-sajd fil-baħar tal-Mawritanja, kull Parti safejn tikkonċerna lilha;

— jikkoperaw sabiex jimpedixxu u jiġġieldu s-sajd illegali, b'mod partikolari permezz ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ta' koperazzjoni amministrattiva mill-qrib.

Artikolu 10

Kummissjoni Konġunta

1. Għandha tinħatar Kummissjoni Konġunta magħmula miżżewġ Partijiet u nkarigata mill-kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-kummissjoni Konġunta għandha teżerċita wkoll il-funzjonijiet li ġejjin:

a) tissorvelja t-twettiq, l-interpretazzjoni u l-operat kif suppost ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim, kif ukoll is-soluzzjoni għan-nuqqas ta' ftehim;

b) tiżgura t-twettiq u tevalwa l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għat-twettiq tal-politika settorjali dwar is-sajd tal-Mawritanja;

c) tiżgura l-komunikazzjoni u l-koperazzjoni meħtieġa dwar kwistjonijiet ta' interess komuni fil-qasam tas-sajd;

d) isservi ta' forum sabiex jissolvew amikevolment il-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tal-Ftehim;

e) tivvaluta mill-ġdid, jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-livelli ta' sajd possibbli u, konsegwentament, il-kumpens finanzjarju;

f) taqdi kull funzjoni oħra li l-Partijiet jaqblu li jinkarigawha li twettaq, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd illegali u l-koperazzjoni amministrattiva;

g) tiffissa t-termini prattiċi tal-koperazzjoni amministrattiva stipulata fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim;

h) issegwi u tivvaluta l-istat tal-koperazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi hekk kif maħsuba fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim u tipproponi, jekk ikun neċessarju, il-mezzi u l-metodi għall-promozzjoni tagħha.

2. Il-Kummissjoni Konġunta għandha tiltaqa' mill-anqas darba fis-sena, darba fil-Mawritanja u darba fil-Komunità, u tkun ippreseduta mill-Parti fejn issir il-laqgħa. Għandha ssir laqgħa straordinarja fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet

Artikolu 11

Żona ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim japplika, min-naħa waħda fit-territorji fejn japplika t-trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, skond il-kondizzjonijiet stipulati mill-imsemmi trattat, u, min-naħa l-oħra, fit-territorju tal-Mawritanja u fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Mawritanja.

Artikolu 12

Perjodu fis-seħħ

Dan il-Ftehim japplika għal perjodu ta' sitt snin minn meta jidħol fis-seħħ; jista' jiġġedded għal perjodi identiċi sakemm ma jiġix terminat skond l-Artikolu 14.

Artikolu 13

Nuqqas ta' qbil

Il-Partijiet kontraenti għandhom jikkonsultaw lil xulxin f'każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil fir-rigward ta' l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 14

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat minn xi waħda mill-Partijiet b'mod partikolari f'ċirkostanzi serji relatati ma', fost oħrajn, id-degradazzjoni ta' l-istokks ikkonċernati, l-għarfien ta' livell ridott ta' l-użu ta' l-opportunitajiet ta' sajd allokati għallbastimenti tal-Komunità, jew in-nuqqas ta' osservanza taddmirijiet tal-Partijiet fil-kwistjoni tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux dikjarat u mhux regolat.

2. Jekk il-Ftehim jiġi terminat minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Parti kkonċernata għandha tavża lill-Parti l-oħra, bil-miktub, dwar l-intenzjoni tagħha li ttemm il-Ftehim mill-anqas sitt xhur qabel it-tmien tal-perjodu inizjali jew ta' kull wieħed mill-perjodi supplementari. Jekk il-Ftehim jiġi terminat għal xi raġuni oħra li mhix imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, iż-żmien tannotifika huwa ta' disa' xhur.

3. Il-ħruġ ta' l-avviż imsemmi fil-paragrafu preċedenti għandu jagħti lok għal konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

4. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju maħsub fl-Artikolu 7 għassena li fiha jiġi terminat il-Ftehim għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis*.

Artikolu 15

Sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tkun sospiża fuq l-inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet f'każ ta' nuqqas ta' ftehim serju fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Din is-sospensjoni hija soġġetta għal avviż mill-Parti kkonċernata, bil-miktub, mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ. Mill-ħruġ ta' dan l-avviż, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw bil-għan li jsolvu in-nuqqas ta' ftehim b'mod bonarju.

2. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju maħsub fl-Artikolu 7 għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skond it-tul tas-sospensjoni, mingħajr preġudizzju għaddispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 7 tal-Protokoll.

Artikolu 16

Protokoll u Annessi

Il-Protokoll, l-Annessi u l-appendiċi tiegħu jiffurmaw parti integrali ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Dispożizzjonijiet finali — Lingwa u dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, ippreparat f'żewġ kopji bl-Għarbi, il-Ġermaniż, l-Ingliż, id-Daniż, l-Ispanjol, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portuġiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Iżvediż, u ċ-Ċek, kull wieħed minn dawn it-testi awtentiku bl-istess mod, jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet iħabbru t-tmiem talproċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

22006A1208(02)

PROTOKOLL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja

Artikolu 1

Perjodu ta' applikazzjoni u l-opportunitajiet għas-sajd

1. Minn Awwissu 2006 u għal perjodu ta' sentejn, l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija skond l-Artikoli 5 u 6 tal-Ftehim huma stabbiliti fit-tabella mehmuża ma' dan il-Protokoll. Dawn l-opportunitajiet huma parti mill-isforz globali ta' sajd li jinstab fl-Anness III definit mill-awtoritajiet tal-Mawritanja abbażi ta' pariri xjentifiċi disponibbli u aġġornati perjodikament

2. Il-paragrafu 1 japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

3. Skond l-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' xi Stat Membru tal-Komunità Ewropea ma jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd fiż-żoni ta' sajd tal-Mawritanja jekk ma jkollhomx liċenzja maħruġa fil-qafas ta' dan il-Protokoll u skond it-termini deskritti fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 2

Kumpens finanzjarju — Metodi ta' ħlas

1. Il-kumpens finanzjarju stipulat fl-Artikolu 7 tal-Ftehim huwa ffissat għas-somma ta' 86 miljun euro fis-sena [1]. Fuq dan l-ammont, total ta' EUR 11-il miljun fis-sena huwa allokat mill-Mawritanja bħala appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-politika nazzjonali dwar is-sajd, hekk kif previst fil-paragrafu 1b ta' l-Artikolu 7 tal-Ftehim, li minnhom, 1 miljun euro fis-sena jingħataw bħala appoġġ għall-Park Nazzjonali tal-*Banc d'Arguin* (PNBA), għall-perjodu stipulat fl-Artikolu 1.

2. Il-paragrafu 1 japplika soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4, 5, 6, 7, 9, 10 u 13 ta' dan il-Protokoll.

3. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju mill-Komunità għandu jsir mhux aktar tard mit-31 ta' Diċembru 2006 għall-ewwel sena u mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu għas-snin ta' wara.

4. Il-kumpens finanzjarju għandu jitħallas f'kont uniku tat-Teżor tar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja miftuħ fil-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, li r-referenzi tiegħu huma kkomunikati mill-Ministeru.

5. B'riserva tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, l-allokazzjoni ta' dan il-kumpens u ta' l-appoġġ lill-PNBA tiġi deċiża fil-qafas tal-Liġi Finanzjarja tal-Mawritanja, u għalhekk taqa' taħt il-kompetenza esklussiva ta' l-Istat tal-Mawritanja.

Artikolu 3

Koperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja abbażi tal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli.

2. Matul il-perjodu fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, iż-żewġ Partijiet għandhom jikkoperaw sabiex japprofondixxu ċerti kwistjonijiet relattivi għall-evoluzzjoni ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja; għal dan il-għan għandha tiġi organizzata laqgħa tal-kumitat xjentifiku konġunt ta' l-anqas darba fis-sena, skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Ftehim. Jistgħu wkoll jiġu organizzati laqgħat oħra ta' dan il-kumitat xjentifiku konġunt fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, u f'każ ta' bżonn iddikjarat fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

3. Iż-żewġ Partijiet, skond il-konklużjonijiet tal-ħidma tal-kumitat xjentifiku konġunt u fid-dawl ta' l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli, għandhom jikkonsultaw flimkien fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta skond l-Artikolu 10 tal-Ftehim sabiex jadottaw, jekk ikun il-każ u bi qbil, miżuri li jwasslu għal ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd.

4. Il-mandat tal-kumitat xjentifiku konġunt jenfasizza b'mod partikolari fuq l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-elaborazzjoni ta' rapport xjentifiku annwali dwar iż-żoni tas-sajd li huma suġġetti għal dan il-Ftehim;

(b) l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programm annwali li jittratta kwistjonijiet xjentifiċi speċifiċi sabiex ikun hemm titjib fl-għarfien ta' l-istat tar-riżorsi u l-evoluzzjoni ta' l-ekosistemi;

(c) l-istudju, skond proċedura approvata minn konsensus fi ħdan il-kumitat, ta' kwistjonijiet xjentifiċi li jinqalgħu matul l-eżekuzzjoni ta' dan il-Ftehim;

[1] Ma' dan l-ammont jiżdied it-total tal-kontribuzzjonijiet dovuti missidien tal-bastimenti previsti fil-Kapitolu III ta' l-Anness 1, li l-Mawritanja tirċievi direttament fil-kont previst fil-Kapitolu IV ta' l-Anness 1, u li huwa stmat għal EUR 22 miljun fis-sena.

(d) it-twettiq, fost l-oħrajn, u fejn ikun hemm bżonn, ta' kampanji ta' sajd espermentali sabiex jiġu determinati l-opportunitajiet ta' sajd u l-possibbiltajiet ta' esplojtazzjoni li jiggarantixxu l-konservazzjoni tar-riżorsi u ta' l-ekosistema tagħhom.

Artikolu 4

Reviżjoni ta' l-opportunitajiet għas-sajd

1. L-opportunitajiet għas-sajd stipulati fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll jistgħu jiżdiedu bi qbil bejn il-Partijiet sakemm, skond il-konklużjonijiet tal-kumitat xjentifiku konġunt stipulat fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 4 tal-Ftehim, din iż-żieda ma tkunx ta' dannu għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-Mawritanja. F'tali każ, il-kumpens finanzjarju stipulat fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll jiżdied proporzjonalment u *pro rata temporis*. Madankollu, is-somma totali tal-kumpens finanzjarju mħallsa mill-Komunità Ewropea ma tistax taqbeż id-doppju tas-somma indikata fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll u dan it-total jibqa' proporzjonali għaż-żieda fl-opportunitajiet ta' sajd.

2. F'każ fejn, min-naħa l-oħra, il-Partijiet jaqblu dwar l-adozzjoni ta' miżuri stipulati fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll li jwasslu għal tnaqqis fl-opportunitajiet ta' sajd stipulati fl-Ewwel Artikolu ta' dan il-Protokoll, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, dan il-kumpens finanzjarju jista' jiġi sospiż mill-Komunità Ewropea f'każ li ma tkun tista' titwettaq l-ebda waħda mill-possibbiltajiet ta' sajd previsti f'dan il-Protokoll.

3. It-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd bejn id-diversi kategoriji ta' bastimenti jista' jkun ukoll soġġett għal reviżjoni bi ftehim bejn il-Partijiet u skond kull rakkomandazzjoni oħra li tista' ssir mill-kumitat xjentifiku konġunt fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-istokks li jistgħu jiġu effettwati minn dan it-tqassim mill-ġdid. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar l-aġġustament korrispondenti fil-kumpens finanzjarju meta jkun ġustifikat mit-tqassim mill-ġdid ta' l-opportunitajiet ta' sajd.

4. Ir-reviżjonijiet ta' l-opportunitajiet ta' sajd previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' hawn fuq, għandhom jiġu deċiżi bi qbil komuni bejn iż-żewġ Partijiet fil-qafas tal-kummissjoni Konġunta prevista fl-Artitoku 10 tal-Ftehim.

Artikolu 5

Sajd sperimentali

1. Il-Partijiet jistgħu jwettqu kampanji ta' sajd sperimentali fiżżoni tas-sajd tal-Mawritanja, skond il-parir tal-kumitat xjentifiku konġunt previst fl-Artikolu 4 tal-Ftehim. Għal dan il-għan, huma jwettqu konsultazzjonijiet fuq it-talba ta' waħda mill-Partijiet u jiddeterminaw, għal kull każ, riżorsi ġodda, kondizzjonijiet u parametri oħra li huma pertinenti.

2. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd sperimentali jingħataw bi prova għal perjodu massimu ta' sitt xhur u skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tal-Ftehim. Huma suġġetti għal ħlas ta' kontribuzzjoni.

3. Meta l-Partijiet jaraw li l-kampanji sperimentali jkunu taw riżultati pożittivi, filwaqt li jirrispettaw il-ħarsien ta' l-ekosistemi u l-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi bijoloġiċi, opportunitajiet ta' sajd ġodda jistgħu jingħataw lill-bastimenti tal-Komunità skond il-proċedura ta' ftehim prevista fl-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll u sat-tmiem ta' dan il-Protokoll u skond l-isforz permess. Il-kumpens finanzjarju għandu jiġi miżjud skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

4. Is-sajd sperimentali jitwettaq f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istitut ta' Riċerki Oċeanografiċi u tas-Sajd tal-Mawritanja (IMROP) (*l'Institut Mauritanien de Recherches Océanographiques et des Pêches*). Għalhekk, l-IMROP jiddeċiedi min ikun parti mill-ekwipaġġ ta' riċerkaturi u osservaturi li jitilgħu abbord, li l-ispejjeż tagħhom iħallashom is-sid tal-bastiment. L-informazzjoni li toħroġ mis-sajd sperimentali hija suġġett ta' rapport ta' l-IMROP li jiġi kkomunikat lill-Ministeru.

5. Il-qabdiet li jsiru matul is-sajd sperimentali huma l-propjetà tas-sid tal-bastiment. Mhux permess li jinqabdu speċi li d-daqs tagħhom mhux regolamentari u dawk li għalihom ir-regoli tal-Mawritanja ma jawtorizzawx is-sajd, iż-żamma abbord u l-bejgħ.

6. Ħlief għal dispożizzjonijiet kontra li jiġu deċiżi bi qbil bejn iż-żewġ Partijiet, il-bastimenti li jaħdmu taħt is-sistema tas-sajd sperimentali iħottu l-qabdiet kollha tagħhom fil-Mawritanja.

Artikolu 6

Il-sehem tal-Ftehim ta' Sħubija fl-implimentazzjoni ta' politika settorjali dwar is-sajd tal-Mawritanja

1. Il-kumpens finanzjarju stipulat fil-paragrafu 1 b) ta' l-Artikolu 7 tal-Ftehim jitla' għal 11-il miljun euro fis-sena skond il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll. Dan il-kumpens finanzjarju għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' l-*Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli tas-Settur tas-Sajd u ta' l-Ekonomija Marittima tal-Mawritanja*, bil-għan li jkun hemm sajd sostenibbli u responsabbli fl-ibħra tagħha, u b'mod partikolari fl-oqsma ta' interventi mħabbra fil-paragrafu 3 hawn taħt u ddettaljati fl-Anness IV kif ukoll fil-PNBA.

2. Il-ġestjoni tas-somma totali li tikkorrispondi għall-appoġġ finanzjarju stipulat fil-paragrafu 1 aktar 'il fuq taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Mawritanja u hija msejsa fuq l-identifikazzjoni, bi qbil bejn il-Partijiet, ta' l-għanijiet li għandhom jitwettqu u l-programmazzjoni relatata.

3. Mingħajr preġudizzju għall-identifikazzjoni, miż-żewġ Partijiet, ta' dawn l-għanijiet u b'konformità mal-prijoritajiet ta' l-*Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli tas-Settur tas-Sajd u ta' l-Ekonomija Marittima tal-Mawritanja* u sabiex tkun żgurata ġestjoni sostenibbli u responsabbli f'dan is-settur, il-Partijiet jaqblu li jiffukaw fuq l-oqsma ta' intervent li ġejjin:

a) F'termini ta' titjib tat-tmexxija fil-qasam tas-sajd:

— l-appoġġ għall-iżvilupp ikkontrollat ta' sajd tradizzjonali u mal-kosta, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjanijiet ta' l-immaniġġjar tas-sajd;

— programmi li jimmiraw għal titjib ta' l-għarfien f'oqsma tas-sajd;

— l-appoġġ għall-ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd;

— il-ħolqien ta' laboratorji adattati fi ħdan l-Istitut tal-Mawritanja għar-Riċerka Oċeanografika u għas-Sajd (IMROP), l-immodernizzar ta' l-istrumenti tagħhom u l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni u ta' analiżi statistika.

b) Fil-livell ta' aċċellerazzjoni tal-proċess ta' integrazzjoni tas-settur tas-sajd fl-ekonomija nazzjonali tal-Mawritanja:

— l-iżvilupp ta' l-infrastrutturi u b'mod partikolari l-infrastrutturi tal-portijiet peremzz tal-programmi ta' investiment bħalma hija r-riabilitazzjoni tal-port ta' Nouadhibou u tas-suq tal-ħut ta' Nouakchott sabiex jitniżżlu l-art il-qabdiet tas-sajd tradizzjonali;

— il-miżuri ta' appoġġ finanzjarju għall-bini mill-ġdid tal-flotta industrijali tal-Mawritanja;

— it-twaqqif ta' programm ta' modernizzazzjoni tal-flotta tas-sajd tradizzjonali bil-għan li jkunu jistgħu jiġu rrispettati n-normi ta' l-iġjene u tas-sikurezza, inkluż inizjattivi bħalma hija s-sostituzzjoni, eventwalment, tal-kenuri ta' l-injam b'kenuri magħmula b'materjali aktar adattati bl-istess metodi ta' konservazzjoni;

— it-twaqqif ta' programmi ta' appoġġ u ta' investiment bil-għan li titjieb is-sorveljanza marittima, bħalma huma l-ħolqien ta' pontijiet għall-irmonk fil-portijiet tas-Sorveljanza u ta' l-IMROP u għat-twaqqif ta' programm ta' taħriġ adattat għat-teknoloġija tas-sorveljanza, b'mod partikolari dawk tal-VMS;

— l-implimentazzjoni ta' programmi u inizjattivi maħsuba sabiex jassiguraw il-promozzjoni tal-prodotti tas-sajd, b'mod partikolari permezz ta' miżuri mmirati għat-titjib tal-kondizzjonijiet iġeniċi u fitosanitarji tal-prodotti li jitniżżlu l-art u jiġu trasformati.

c) Fil-livell ta' rinforzar tal-ħiliet fis-settur u tat-titjib fit-tmexxija:

— it-twaqqif ta' programm ta' taħriġ u ta' appoġġ għat-titjib tas-sikurezza fil-baħar u tas-salvataġġ, b'mod partikolari għal flotta tradizzjonali;

— it-twaqqif ta' programmi ta' appoġġ għas-servizzi tekniċi tal-Ministeru tas-Sajd u ta' l-Ekonomija Marittima kkonċernati mill-ġestjoni tas-settur;

— it-twaqqif ta' pjan ta' azzjoni li jimmira għal titjib fl-effikaċja tas-servizzi involuti fit-tmexxija tas-settur;

— it-twaqqif u t-tisħiħ tas-sistema ta' ġestjoni tal-liċenzji u ta' monitoraġġ tal-bastimenti.

Artikolu 7

It-termini għall-implimentazzjoni ta' l-appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd tal-Mawritanja

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, il-Komunità Ewropea u l-Ministeru jiftiehmu, fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, abbażi ta' l-orjentazzjonijiet definiti fl-Anness IV u minn meta jidħol fis-seħħ il-Protokoll, dwar:

a) l-orjentazzjonijiet annwali u fuq diversi snin li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika dwar is-sajd tal-Mawritanja bil-għan li jinħoloq sajd sostenibbli u responsabbli u, b'mod partikolari, dawk stipulati fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll.

b) il-miri annwali u fuq diversi snin li għandhom jintlaħqu kif ukoll il-kriterji u l-indikaturi li għandhom jintużaw sabiex issir valutazzjoni tar-riżultati miksuba, fuq bażi annwali.

2. Kull tibdil f'dawn il-linji gwida, miri, kriterji u indikaturi għall-valutazzjoni għandu jiġi approvat miż-żewġ Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta.

3. Fir-rigward ta' l-ewwel sena ta' validità ta' dan il-Protokoll, l-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Mawritanja stipulata fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll għandha tkun komunikata lill-Komunità Ewropea ma' l-approvazzjoni, fil-Kummissjoni Konġunta, tal-linjigwida, l-miri u l-kriterji u l-indikaturi għall-valutazzjoni. Kull sena, din l-allokazzjoni għandha tiġi komunikata mill-Ministeru għall-Komunità Ewropea qabel it-30 ta' Settembru tas-sena preċedenti.

4. Il-Ministeru għandu jittrażmetti lid-Delegazzjoni, sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data ta' l-anniversarju ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-riżultati miksuba, kif ukoll dwar diffikultajiet eventwali li jiltaqgħu magħhom.

Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li titlob lill-awtoritajiet tal-Mawritanja kull informazzjoni adizzjonali dwar dawn ir-riżultati sabiex tibda konsultazzjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-Mawritanja fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta stipulata fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, sabiex tadotta l-miżuri korrettivi sabiex tippermetti li jintlaħqu l-miri ffissati.

Artikolu 8

L-integrazzjoni ekonomika ta' l-operaturi tal-Komunità fis-settur tas-sajd fil-Mawritanja

1. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika ta' l-operaturi tal-Komunità fil-qasam tas-sajd kollu tal-Mawritanja.

2. Sabiex jiġi żviluppat il-qasam tal-prodotti friski, bħala inċentiv, il-Mawritanja tagħti, lill-operaturi Komunitarji li jħottu f'portijiet tal-Mawritanja (b'mod partikolari għal skopijiet ta' bejgħ lill-industrija lokali, ta' valorizzazzjoni fil-Mawritanja permezz ta' dawn l-operaturi jew ta' trasportazzjoni bl-art tal-qabdiet li jsiru fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja) tnaqqis tas-somma totali tal-kontribuzzjonijiet, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness 1 ta' dan il-Protokoll u r-regolamenti tal-Mawritanja f'dan il-qasam.

3. Iż-żewg Partijiet jaqblu wkoll li jaħtru grupp ta' konsulenza inkarigat sabiex jidentifika l-fatturi li jżommu lura u l-opportunitajiet jew il-possibbiltajiet ta' appoġġ għall-investiment dirett mill-Komunità fil-qasam tas-sajd fil-Mawritanja u l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex il-kondizzjonijiet li jirregolaw dawn l-investimenti isiru anqas iebsin.

Artikolu 9

Nuqqas ta' ftehim — Sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll

1. Kull nuqqas ta' ftehim bejn il-Partijiet kemm fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, u kemm fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, u jekk ikun hemm il-ħtieġa, għandha ssejjaħ laqgħa straordinarja.

2. L-applikazzjoni tal-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq inizjattiva ta' xi waħda mill-Partijiet meta n-nuqqas ta' ftehim bejn iż-żewġ Partijiet ikun meqjus bħala wieħed serju u l-konsultazzjonijiet li jkunu saru fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta skond l-ewwel paragrafu aktar 'il fuq ma wasslu għal ebda soluzzjoni bonarja.

3. Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll hija soġġetta għal avviż mill-Parti kkonċernata ta' l-intenzjoni tagħha, bil-miktub u mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ.

4. B'deroga għall-proċedura ta' sospenzjoni prevista fil-paragrafi 1, 2 u 3 aktar 'il-fuq, il-Komunità tirriseva d-dritt li tissospendi b'mod immedjat l-applikazzjoni tal-Protokoll fil-każ ta' nuqqas ta' rispett mill-Mawritanja ta' impenji meħuda rigward l-implimentazzjoni tal-Politika Settorjali għas-sajd tagħha. Din is-sospensjoni tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-Mawritanja.

5. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet għandhom ikomplu bil-konsultazzjonijiet sabiex ifittxu riżoluzzjoni bonarja għan-nuqqas ta' qbil bejniethom. Meta tali riżoluzzjoni tinkiseb, il-Protokoll jerġa' jibda japplika mill-ġdid u s-somma tal-kumpens finanzjarju għandha titnaqqas b'mod proporzjonali u *pro rata temporis* skond it-tul ta' żmien li fih l-applikazzjoni tal-Protokoll kienet sospiża.

Artikolu 10

Sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll minħabba nuqqas ta' ħlas

Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, f'każ li l-Komunità Ewropea tonqos li tgħaddi l-ħlasijiet previsti fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) Il-Ministeru għandu jibgħat avviż lill-Kummissjoni Ewropea li jindika n-nuqqas ta' ħlas. Il-Kummissjoni Ewropea għandha twettaq il-verifika xierqa u, jekk ikun meħtieġ, twettaq il-ħlas fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta tirċievi l-avviż.

b) Fin-nuqqas ta' ħlas jew ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' ħlas fiż-żmien stipulat fil-paragrafu a) hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja jkollhom id-dritt li jissospendu l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni Ewropea minnufih.

ċ) Il-Protokoll jibda japplika mill-ġdid meta jitwettaq il-ħlas in kwistjoni.

Artikolu 11

Dispożizzjonjiet applikabbli tal-liġi nazzjonali

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jinstabu fil-Ftehim, l-attivitajiet tal-bastimenti li joperaw skond dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, b'mod partikolari l-ħatt l-art, it-trasbord, l-użu tas-servizzi tal-portijiet, ix-xiri tal-provvisti u kull attività oħra, huma regolati mill-leġiżlazzjoni u r-regolamenti applikabbli fil-Mawritanja.

Artikolu 12

Tul

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu japplikaw għal żmien ta' sentejn li jibdew mill-1 ta' Awwissu 2006. Dawn jistgħu jiġġeddu taċitament darbtejn għal perjodu ta' sentejn sakemm ma jkunx hemm terminazzjoni skond l-Artikolu 13.

Artikolu 13

Terminazzjoni

1. Fil-każ ta' terminazzjoni tal-Protokoll, il-Parti interessata tavża bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm il-Protokoll ta' l-anqas sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu inizjali jew ta' kull perjodu supplementari.

2. Meta jintbagħat l-avviż imsemmi fil-paragrafu preċedenti, jinfetħu l-konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll u l-Annessi tiegħu jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-Ftehim.

Tabella ta' l-opportunitajiet tas-sajd

	Tip ta' sajd										
	Krustaċji			Sajd demersali			Ċefalopodi	Sajd pelaġiku			
	Kategorija 1 Krustaċji minbarra l-awwista u l-granċ	Kategorija 10 Granċijiet	Kategorija 6 Awwisti	Kategorija 2 Skejjen tas-sajd bit-tkarkir u skejjen tas-sajd bil-konzijiet għall-marlozz	Kategorija 3 Demersali ohra li mhux il-marlozz, sajd bil-magni minbarra t-tkarkir	Kategorija 4 Skejjen tas-sajd bit-tkarkir demersali minbarra l-marlozz l-iswed	Kategorija 5 Ċefalopodi	Kategorija 7 Bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun	Kategorija 8 Bastimenti għas-sajd bil-qasab u x-xlief u skejjen tas-sajd bil-konzijiet	Kategorija 9 Skejjen tas-sajd bit-tkarkir bil-friża pelaġiċi (1)	Kategorija 11 Bastimenti tas-sajd pelaġiku frisk (1)
TG massimu għall-perjodutal-liċenzji	9 440 TG	300 TG	300 TG	3 600 TG	2 324 TG	750 TG	18 600 TG 43 bastiment	36 bastiment	31 bastiment	22 liċenzja	15 000 TG fi-xahar bħala medja annwali

(1) Il-possibbiltajiet tas-sajd mhux utilizzati fil-kategorija 11 jistgħu jintużaw fil-kategorija 9 b'limitu massimu ta' 25 liċenzja fix-xahar.

KATEGORIJA TAS-SAJD 1: BASTIMENTI TAS-SAJD GĦAL KRUSTAĊJI ĦLIEF L-AWWISTA U L-GRANĊ

1. Żona tas-sajd

i) fit-tramuntana tal-latitudni 19° 21' 00" N, man-naħa ta' barra taż-żona mmarkatamill-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 40' 00" N	17° 07' 50" W
20° 05' 00" N	17° 07' 50" W
19° 35' 50" N	16° 47' 00" W
19° 28' 00" N	16° 45' 00" W
19° 21' 00" N	16° 45' 00" W

ii) fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N, fil-punent tal-linja tas-6 mili, meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

Meta jiġi adottat il-pjan tal-ġestjoni tal-gambli, it-tqassim taż-żoni preżenti jista' jiġi rivedut bi qbil komuni bejn il-Partijiet.

2. Taġħmir awtorizzat

Tkarkir tal-qiegħ għall-gambli u taġħmir ieħor magħżul

Iż-żewġ Partijiet għandhom iwettqu provi tekniċi sabiex jiddefinixxu sistemi ta' għażla u b'mod partikolari: (i) l-iskali ta' għażla għal tkarkir, (ii) il-magni magħżula minbarra t-tkarkir. L-implimentazzjoni ta' dan it-taġħmir magħżul għandha ssir qabel 31/12/2009, wara evalwazzjoni xjentifika, teknika u ekonomika tar-riżultati ta' dawn il-provi.

L-irduppjar tal-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula li jikkostitwixxu l-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

3. Malja tax-xibka minimu awtorizzata

50 mm

4. Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi

Xahrejn (2 xhur): Settembru u Ottubru.

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, dwar il-possibbiltà li jaġġustaw, li jżidu jew li jnaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar taż-żoni ta' l-għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni ta' riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

5. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

F'każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. **Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

	2006/2007	2007/2008	2008/2009	2009/2010	2010/2011	2011/2012
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji	9 440 TG	9 440 TG	9 440 TG	9 440 TG	9 440 TG	9 440 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	268	280	291	303	315	315

7. **Osservazzjonijiet**

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 2: SKEJJEN TAS-SAJD BIT-TKARKIR (1) U SKEJJEN TAS-SAJD BIL-KONZIJIET TAL-QIEGĦ TAS-SAJD GĦALL-MERLOZZ ISWED

1. **Żona tas-sajd**

1.1 i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 15' 60" N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti il ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 36' 00" N	17° 11' 00" W
20° 36' 00" N	17° 36' 00" W
20° 03' 00" N	17° 36' 00" W
19° 45' 70" N	17° 03' 00" W
19° 29' 00" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 49' 60" W

ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N, sal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent tal-linja tat-18-il mil meqjus mill-marka tal-marea baxxa.

iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-puntent tal-linja tat-12-il mil mill-marka tal-marea baxxa.

1.2 It-tqassim taż-żoni matul il-waqfiet bijoloġiċi tas-sajd għaċ-ċefalopodi huwa kif ġej:

i) Bejn il-Kap l-Abjad u l-Kap Timiris, iż-żona ta' l-esklużjoni hija definita mill-punti li ġejjin:

20° 46' 00" N	17° 03' 00" W
20° 46' 00" N	17° 47' 00" W
20° 03' 00" N	17° 47' 00" W
19° 47' 00" N	17° 14' 00" W
19° 21' 00" N	16° 55' 00" W
19° 15' 60" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 49' 60" W

ii) Fin-nofsinhar tal-Kap Timiris (fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N) u sa Nouakchott (17° 50' 00" N), iż-żona ta' l-esklużjoni hija fil-linja tat-18-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

iii) Fin-nofsinhar ta' Nouakchott (fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 15' 00" N), iż-żona ta' l-esklużjoni hija fil-linja tat-12-il mil mill-marka tal-marea baxxa.

2. Strumenti awtorizzati

— skuna tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ;

— tkarkir tal-qiegħ għall-marlozz.

L-irduppjar tal-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula li jikkostitwixxu l-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

70 mm għal tkarkir.

4. Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi

Iż-żewġ Partijiet jaqblu fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta u abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u miftiehma mill-Kumitat xjentifiku konġunt dwar il-perjodu l-aktar adattat għall-waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi.

5. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) gal kull perjodu ta' liċenzji	3 600 TG	3 600 TG	3 600 TG	3 600 TG	3 600 TG	3 600 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	135	142	148	153	159	159

7. Osservazzjonijiet

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Din il-kategorija teskludi l-iskejjen tas-sajd bit-tkarkir bil-friża.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 3: BASTIMENTI TAS-SAJD TA' L-ISPEĊI DEMERSALI MINBARRA L-MARLOZZ L-ISWED B'TAGĦMIR IEĦOR LI MHUX TKARKIR

1. Żona tas-sajd

1.1 i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 48' 50" N, minn 3 mili, meqjusa mil-linja tal-bażi tal-Kap l-Abjad -Kap Timiris;

ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 48' 50" N u sal-latitudni 19° 21' 00" N, fil-punent tal-longitudni 16° 45' 00" W;

iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N, minn 3 mili meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

1.2 It-tqassim taż-żoni matul il-waqfiet bijoloġiċi tas-sajd għaċ-ċefalopodi huwa kif ġej:

i) Bejn il-Kap l-Abjad u l-Kap Timiris:

20° 46' 00" N	17° 03' 00" W
20° 46' 00" N	17° 47' 00" W
20° 03' 00" N	17° 47' 00" W
19° 47' 00" N	17° 14' 00" W
19° 21' 00" N	16° 55' 00" W
19° 15' 60" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 49' 60" W

ii) Fin-nofsinhar tal-Kap Timiris (fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N) u sa Nouakchott (17° 50' 00" N), iż-żona ta' l-esklużjoni hija l-linja ta' 3 mili meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

iii) Fin-nofsinhar ta' Nouakchott (fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 15' 00" N), iż-żona ta' l-esklużjoni hija l-linja ta' 3 mili meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. Tagħmir awtorizzati

— skejjen tas-sajd bil-konzijiet;

— xibka b'malja fissa li l-karatteristiċi tagħha huma waqgħa massima ta' 7m u tul massimu ta' 100m. Ix-xbieki b'malja magħmula minn ħabel wieħed magħmul minn poliamide mhux permessi, skond il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

— qasba ta' l-idejn;

— nases;

— tartarun għas-sajd tal-lixka.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

120 mm għal xibka b'malja.

16 mm għal xibka għas-sajd bil-lixka ħajja; 20 mm mill-1 ta' Awwissu 2007.

4. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

5. **Tunnellaġġ awtorizzat**

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji	2 324 TG	2 324 TG	2 324 TG	2 324 TG	2 324 TG	2 324 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	233	244	254	264	274	274

6. **Osservazzjonijiet**

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-magna tas-sajd li se tintuża għandha tiġi indikata meta ssir it-talba għal-liċenzja.

It-tartarun mhux se jintuża ħlief għas-sajd tal-lixka li ser jintuża għas-sajd bil-qasba jew fin-nases.

L-użu tan-nassa huwa awtorizzat għal massimu ta' 7 bastimenti ta' tunnellaġġ individwali inferjuri għal 135 TG.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta u abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u miftiehma mill-Kumitat xjentifiku konġunt dwar il-perjodu l-aktar adattat għall-waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi.

KATEGORIJA TAS-SAJD 4: SKEJJEN TAS-SAJD BIT-TKARKIR LI JBIGĦU L-ĦUT BIL-FRIŻA LI JISTADU GĦALL-ISPEĊI DEMERSALI

1. **Żona tas-sajd**

1.1 i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 15' 60" N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 36' 00" N	17° 11' 00" W
20° 36' 00" N	17° 36' 00" W
20° 03' 00" N	17° 36' 00" W
19° 45' 70" N	17° 03' 00" W
19° 29' 00" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 49' 60" W

ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N, sal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent tal-linja tat-18-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent tal-linja tat-12-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. **Tagħmir awtorizzat**

Xibka għat-tkarkir.

L-irduppjar tal-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula li jikkostitwixxu l-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

3. **Malja tax-xibka minima awtorizzata**

70 mm

4. **Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi**

xahrejn (2 xhur): Settembru u Ottubru.

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar ta' żoni ta' għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni tar-riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

5. **Qabdiet inċidentali**

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. **Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji	750 TG	750 TG	750 TG	750 TG	750 TG	750 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	144	150	156	163	169	169

7. **Osservazzjonijiet**

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 5: ĊEFALOPODI

1. **Żona tas-sajd**

Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 15' 60" N, 'il barra ż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 40' 00" N	17° 07' 50" W
19° 57' 00" N	17° 07' 50" W
19° 28' 20" N	16° 48' 00" W
19° 18' 50" N	16° 48' 00" W
19° 18' 50" N	16° 40' 50" W
19° 15' 60" N	16° 38' 00" W

Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N u sal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent ta' 9 mili meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent ta' 6 mili meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. Tagħmir awtorizzat

Tkarkir tal-qiegħ

L-irduppjar tal-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

L-irduppjar tal-ħbula li jikkostitwixxu l-kontenitur bit-tkarkir mhux permess.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

70 mm

4. Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi

Xahrejn (2 xhur): Settembru u Ottubru.

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar ta' żoni ta' għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni ta' riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

5. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji	18 600 TG	18 600 TG	18 600 TG	18 600 TG	18 600 TG	18 600 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	321	335	349	363	377	377

7. Osservazzjonijiet

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

It-tunnellaġġ awtorizzat (TG) jista' jvarja b'massimu ta' 2 %.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 6: AWWISTI

1. Żona tas-sajd

1.1 Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 21' 00" N: 20 mil, meqjusa mil-linja tal-bażi tal-Kap l-Abjad-Kap Timiris.

1.2 Fin-nofsinhar tal-latiduni 19° 21' 00" N: 15-il mil, meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. Tagħmir awtorizzat

Nassa għall-qbid ta' l-awwisti.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

Firxa tax-xibka ta' 50 mm; mill-1 ta' Awwissu 2007, 60 mm.

4. Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi

Xahrejn (2 xhur): Settembru u Ottubru.

Iż-żewġ Partijiet ikunu jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi.

5. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) għal kull perjodu ta' liċenzji	300 TG	300 TG	300 TG	300 TG	300 TG	300 TG
Tariffi f'EUR għal kull TG fis-sena	260	271	283	294	305	305

7. Osservazzjonijiet

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 7: BASTIMENTI BIL-FRIŻA LI JISTADU GĦAT-TONN BIT-TARTARUN

1. Żona tas-sajd

1.1 Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 21' 00" N: 30 mil, meqjusa mil-linja ta' bażi tal-Kap l-Abjad-Kap Timiris;

1.2 Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N: 30 mil, meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. Tagħmir awtorizzat

Tartarun.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

Normi rrakkomandati mill-ICCAT.

4. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

5. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi

Tariffa għal kull tonn maqbud	35 €				
Numru ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd	36				
Ħlas bil-quddiem f'EUR għal kull bastiment fis-sena	1 750 €				

6. Osservazzjonijiet

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 8: BASTIMENTI LI JISTADU GĦAT-TONN BIL-QASAB U X-XLIEF U SKEJJEN TAS-SAJD BIL-KONZIJIET TAL-WIĊĊ

1. Żona tas-sajd

Għall-iskejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ, japplika l-istess tqassim f'żoni bħal dak għal bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun tal-kategorija 7.

Għall-iskejjen li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief, japplika dan it-tqassim f'żoni:

1.1 fit-tramuntana ta' 19° 21' 00" N: 15-il mil, meqjusa mil-linja tal-bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris;

1.2 fin-nofsinhar ta' 19° 21' 00" N: 12-il mil, meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

Żona tas-sajd awtorizzata għas-sajd bil-lixka ħajja:

— Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 48' 50" N, minn 3 mili, meqjusa mil-linja ta' bażi bejn il-Kap l-Abjad-Kap Timiris;

— Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 48' 50" N u sal-latitudni 19° 21' 00" N, fil-punent tal-lonġitudni 16° 45' 00" W;

— Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N, minn 3 mili, maqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. **Strumenti awtorizzati**

Qasba u konz tal-wiċċ.

3. **Qabdiet inċidentali**

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

4. **Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

Numru ta' bastimenti awtorizzati għas-sajd	31					
Bastimenti tas-sajd bil-qasab u x-xlief — tariffa għal kull tonn maqbud	25 €					
Skejjen tas-sajd bil-konzijiet — tariffa għal kull tonn maqbud	35 €					
Ħlas bil-quddiem f'EUR għal kull bastiment fis-sena	2 500 € għall-bastimenti tas-sjd bil-qasab u x-xlief 3 500 € għall-iskejjen tas-sajd bil-konzijiet					

5. **Osservazzjonijiet**

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

(1) Malja tax-xibka minima awtorizzata għas-sajd bil-lixka ħajja: 16-il mm. L-attività tas-sajd bil-lixka għandha tkun limitata għan-numru ta' ġranet fix-xahar li jiġi definit mill-Kummissjoni Konġunta. Il-bidu u t-tmiem ta' dawn l-attivitajiet għandhom jiġu kkomunikati lid-Direzzjoni tas-Sorveljanza.

(2) Fir-rigward tar-rakkomandazzonijiet ta' l-ICCAT u tal-FAO f'dan il-qasam, is-sajd ta' l-ispeċi selaċju *(Cetorhinus maximus)*, great white shark (*Carcharodon carcharias*), sand tiger shark (*Carcharias taurus*) u tope shark (*Galeorhinus galeus*) mhux permess.

(3) Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet 04-10 u 05-05 ta' l-ICCAT li jikkonċernaw il-ħarsien tal-klieb il-baħar maqbuda flimkien maż-żoni tas-sajd immexxija mill-ICCAT.

(4) Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

(5) Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu sabiex jiddeterminaw it-termini prattiċi sabiex ikun permess is-sajd jew il-ġbir ta' l-lixka ħajja neċessarju għall-attivitajiet ta' dawn il-bastimenti ta' din il-kategorija. F'każ fejn dawn l-attivitajiet jitwettqu f'żoni sensittivi jew bi strumenti mhux konvenzjonali, dawn it-termini għandhom jiġu ffissati fuq bażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-IMROP u bi ftehim mas-Sorveljanza.

KATEGORIJA TAS-SAJD 9: SKEJJEN TAS-SAJD BIT-TKARKIR BIL-FRIŻA TAS-SAJD PELAĠIKU

1. Żona tas-sajd

(i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 21' 00" N: 'il barra miż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 36' 00" N	17° 11' 00" W
20° 36' 00" N	17° 24' 10" W
19° 57' 00" N	17° 24' 10" W
19° 45' 70" N	17° 03' 00" W
19° 29' 00" N	16° 51' 50" W
19° 21' 00" N	16° 45' 00" W

(ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N sal-latitudni 17° 50' 00" N sa 13-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

(iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N sal-latitudni 16° 04' 00" N sa 12-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. Tagħmir awtorizzat

Tkarkir pelaġiku.

Il-baskett bit-tkarkir pelaġiku jista' jissaħħaħ min-nassa b'majla tax-xibka minima ta' 400 mm ta' ħabel stirat u minn anelli tal-ħabel spazjati ta' l-anqas metru u nofs (1,5 m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta' wara bit-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn 2 metri mill-fetħa tal-baskett. Ir-rinforz jew l-irduppjar tal-baskett għal kull tagħmir ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ m'għandu jimmira għal speċi oħra ħlief il-pelaġiċi żgħar awtorizzati.

3. Malja tax-xibka minima awtorizzata

40 mm

4. Qabdiet inċidentali

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

5. Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi

Numru ta' bastimenti awtorizzati li jistadu fl-istess ħin 22

Tariffa f'EUR għal kull TG fix-xahar	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) u anqas minn jew ta' 5 000 TG	8	8,1	8,2	8,3	8,4	8,5
Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) huwa ta' 5 000 TG imma anqas minn 7 000 TG	7	7,1	7,2	7,3	7,4	7,5
Bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom (TG) huwa ta' 7 000 TG imma anqas minn 9 500 TG	6	6,1	6,2	6,3	6,4	6,5

It-total tal-qabdiet awtorizzati għall-flotta ta' l-iskejjen tas-sajd bit-tkarkir bil-friża taħt is-sistema ta' liċenzji t'hawn fuq hija llimitata għal 440 000 tunnelata fis-sena. Il-liċenzji mogħtija lil dawn il-bastimenti għandhom jispeċifikaw it-tunnellaġġ ta' referenza b'hekk allokat għal kull wieħed minnhom. Kull darba li jinqabeż dan it-tunnellaġġ ta' referenza jrid isir ħlas supplementari ta' 15 € għal kull tunnellata.

6. **Osservazzjonijiet**

L-opportuniajiet ta' sajd mhux użati mill-kategorija 11 jistgħu jintużaw mill-kategorija 9 sa limitu massimu ta' 25 liċenzja fix-xahar.

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 10: SAJD GĦALL-GRANĊ

1. **Żona tas-sajd**

i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 15' 60″ N, fil-punent tal-linja li tgħaqqad il-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 36' 00" N	17° 11' 00" W
20° 36' 00" N	17° 36' 00" W
20° 03' 00" N	17° 36' 00" W
19° 45' 70" N	17° 03' 00" W
19° 29' 00" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 51' 50" W
19° 15' 60" N	16° 49' 60" W

ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 15' 60" N, sal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent tal-linja tat-18-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N, fil-punent tal-linja tat-12-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. **Tagħmir awtorizzat**

Nassa għall-granċ.

3. **Malja tax-xibka minima awtorizzata**

Nassa tal-ħabel 50 mm; mill-1 ta' Awwissu 2007, 60 mm.

4. **Waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi**

Xahrejn (2 xhur): Settembru u Ottubru.

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jiddeċiedu, bi qbil komuni fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta, abbażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-possibbiltà li jaġġustaw, iżidu jew inaqqsu t-tul ta' dan il-perjodu ta' waqfien mis-sajd għal raġunijiet bijoloġiċi, kif ukoll l-iffissar taż-żoni ta' għeluq spazjo-temporali għall-ħarsien taż-żoni ta' riproduzzjoni u ta' konċentrazzjoni tal-ħut żgħir.

5. **Qabdiet inċidentali**

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali għal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

6. **Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tunnellaġġ awtorizzat (TG) fis-sena	300TG	300TG	300TG	300TG	300TG	300TG
Tariffi f'EUR ghal kull TG fis-sena	260	271	283	294	305	305

7. **Osservazzjonijiet**

It-tariffi huma ffissati ghall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll ghaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-hatt l-art u t-trasbord huma mhegġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

KATEGORIJA TAS-SAJD 11: BASTIMENTI TAS-SAJD PELAĠIKU FRISK

1. **Żona tas-sajd**

(i) Fit-tramuntana tal-latitudni 19° 21' 00" N: 'il barra miż-żona mmarkata mill-punti li ġejjin:

20° 46' 30" N	17° 03' 00" W
20° 36' 00" N	17° 11' 00" W
20° 36' 00" N	17° 24' 10" W
19° 57' 00" N	17° 24' 10" W
19° 45' 70" N	17° 03' 00" W
19° 29' 00" N	16° 51' 50" W
19° 21' 00" N	16° 45' 00" W

(ii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 19° 21' 00" N sal-latitudni 17° 50' 00" N sa 13-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

(iii) Fin-nofsinhar tal-latitudni 17° 50' 00" N sal-latitudni 16° 04' 00" N sa 12-il mil meqjusa mill-marka tal-marea baxxa.

2. **Strument awtorizzat**

Tkarkir pelaġiku u tartarun li jiżżerżaq tas-sajd industrijali.

Il-baskett bit-tkarkir pelaġiku jew semi pelaġiku jista' jissaħħaħ min-nassa ta' malja tax-xibka minima ta' 400 mm ta' malja stirata u minn anelli tal-ħabel spazjati ta' l-anqas metru u nofs (1,5m) minn xulxin, minbarra l-anella li tinsab fuq in-naħa ta' wara bit-tkarkir li ma tistax titpoġġa anqas minn 2 metri mill-fetha tal-baskett. Ir-rinforz jew l-irduppjar tal-baskett ghal kull taghmir ieħor mhux permess, u t-tkarkir fl-ebda każ m'ghandu jimmira ghal speċi oħra ħlief il-pelaġiċi żghar awtorizzati.

3. **Malja tax-xibka minima awtorizzata**

40 mm ghall-iskejjen tas-sajd bit-tkarkir u 20 mm ghall-bastimenti li jistadu bit-tartarun.

4. **Qabdiet inċidentali**

B'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja.

Fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Mawritanja ma tipprevedi l-ebda dispożizzjoni fil-qasam tal-qabdiet inċidentali ghal ċerti speċi, iż-żewġ Partijiet jikkonsultaw fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta sabiex jiddeterminaw il-limitu awtorizzat.

5. **Tunnellaġġ awtorizzat/Tariffi**

Tunnellaġġ awtorizzat	15 000 TG fix-xahar f'medja annwali, ekwivalenti għal 3 liċenzji fix-xahar għall-bastimenti bil-friża tas-sajd pelaġiku tal-kategorija 9. L-għadd fix-xahar f'medja annwali jfisser li l-użu medju fix-xahar sad-data ta' l-għeluq ta' sena mill-Protokoll jikkorrispondi għaċ-ċifri murija hawn fuq, filwaqt li jkun permess it-trasferiment ta' l-opportunitajiet mhux utilizzati matul xahar għax-xahar ta' wara.

	2006/07	2007/08	2008/09	2009/10	2010/11	2011/12
Tariffi f'EUR għal kull TG fix-xahar	7	7	7,2	7,3	7,4	7,5

6. **Osservazzjonijiet**

L-opportunitajiet ta' sajd mhux użati mill-kategorija 11 jistgħu jintużaw mill-kategorija 9 sa limitu massimu ta' 25 liċenzja fix-xahar.

It-tariffi huma ffissati għall-perjodu ta' sentejn minn meta jibda japplika l-Protokoll, kif ukoll għaż-żewġ perjodi ta' tiġdid taċitu previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, jiġifieri total ta' sitt snin.

Il-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd ta' pelaġiċi frisk mhumiex limitati.

Id-dispożizzjonijiet tranżitorji għat-tlugħ abbord tal-baħrin stipulati fl-Anness 1 (il-punt 6 tal-Kapitolu XV).

Il-ħatt l-art u t-trasbord huma mħeġġa skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Protokoll u fl-Anness 1.

ANNESS 1

kondizzjonijiet għat-twettieq ta' l-attività tas-sajd mill-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja

KAPITOLU I

DOKUMENTAZZJONI MEĦTIEĠA GĦALL-APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJa

1. Kull meta ssir l-ewwel talba għal liċenzja għal kull bastiment, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, għandha tissottometti formola ta' talba għal liċenzja lill-Ministeru, mimlija għal kull bastiment li qed jagħmel it-talba għal liċenzja skond il-mudell li jidher fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness. L-informazzjoni dwar l-isem tal-bastiment, it-tunnellaġġ tiegħu f'TG, in-numru tar-reġistrazzjoni esterna tiegħu, il-kodiċi tar-radju tiegħu, il-qawwa tal-mutur tiegħu, it-tul globali tiegħu u l-port fejn huwa rreġistrat, huma konformi għal dawk inklużi fir-reġistru Komunitarju tal-bastimenti tas-sajd.

2. Meta ssir l-ewwel talba, is-sid tal-bastiment irid jinkludi flimkien mat-talba għal liċenzja tiegħu:

   — kopja ċċertifikata mill-Istat Membru taċ-ċertifikat internazzjonali tat-tunnellaġġ li jistabbilixxi t-tunnellaġġ tal-bastiment spjegat f'TG;

   — ritratt bil-kulur riċenti u ċertifikat mill-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li juri l-bastiment mill-ġenb fl-istat attwali tiegħu. Dan ir-ritratt ma għandux ikun izgħar minn 15 ċm b'10 ċm;

3. Kull meta jkun hemm modifika fit-tunnellaġġ ta' bastiment is-sid tal-bastiment konċernat ikun obbligat li jitrażmetti kopja ċċertifikata mill-Istat Membru taċ-ċertifikat tat-tunnellaġġ il-ġdid kif ukoll it-trażmissjoni tad-dokumenti li ġġustifikaw din il-modifika, b'mod partikolari il-kopja tat-talba ppreżentata mis-sid tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, il-kunsens ta' dan l-awtoritajiet u l-analiżi tal-bidliet effettwati.

   Bl-istess mod, għandu jiġi ppreżentat ritratt ġdid iċċertifikat mill-Awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, f'każ ta' bidliet fl-istruttura jew l-aspett esterjuri tal-bastiment.

4. It-talbiet għal liċenzji tas-sajd mhumiex ippreżentati ħlief għal bastimenti li għalihom ġew trażmessi d-dokumenti neċessarji skond il-punti 1, 2 u 3 t'hawn fuq.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAT-TALBA, IL-ĦRUĠ U L-VALIDITÀ TAL-LIĊENZJI

1. *Eliġibbiltà għas-sajd*

1.1. Kull bastiment li jixtieq iwettaq attività ta' sajd fil-qafas ta' dan il-Ftehim irid ikun eliġibbli għall-eżerċizzju tas-sajd fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja.

1.2. Sabiex bastiment ikun eliġibbli, is-sid, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma għandhomx ikunu interdetti mill-attivitajiet tas-sajd fil-Mawritanja. Dawn għandhom ikunu f'qagħda regolari fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tal-Mawritanja fis-sens li jkunu ssodisfaw l-obbligi kollha preċedenti relatati ma' l-attivitajiet ta' sajd tagħhom fil-Mawritanja.

2. *Talbiet għal liċenzji*

2.1. Għal liċenzji applikabbli għall-bastimenti tas-sajd pelaġiku, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tissottometti t-talbiet tal-liċenzji lill-Ministeru ta' l-anqas għaxart ijiem ta' xogħol qabel il-bidu ta' l-operazzjonijiet ta' sajd, flimkien mad-dokumenti li jiġġustifikaw il-karatteristiċi tekniċi.

   Għal kull tip ieħor ta' liċenzji, il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tissottometti kull trimestru lill-Ministeru, il-listi tal-bastimenti għal kull kategorija ta' sajd, li japplikaw sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom ta' sajd fil-limiti ffissati fid-Dokumenti Tekniċi tal-Protokoll, mhux anqas minn xahar qabel id-data tal-bidu tal-validità tal-liċenzji mitluba. Dawn il-listi għandhom jinkludu magħhom provi tal-ħlas. It-talbiet tal-liċenzji li ma jiġux sottomessi fiż-żmien imsemmi hawn fuq ma jiġux milqugħa.

2.2. Dawn il-listi għandhom jindikaw, għal kull kategorija ta' sajd, in-numru ta' bastimenti kif ukoll il-karatteristiċi ta' kull bastiment, inkluż l-istrumenti tas-sajd hekk kif imsemmija fid-Dokument Komunitarju tal-bastimenti tas-sajd, it-total ta' ħlasijiet dovuti maqsuma skond il-kategorija u n-numru ta' baħrin mill-Mawritanja.

2.3. Dokument li jinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja għall-għoti tal-liċenzji tas-sajd, inkluż il-modifiki eventwali ta' l-informazzjoni tal-bastiment, għandu jiġi wkoll mehmuż mat-talba għal liċenzja f'format kompatibbli mas-softwer utilizzat mill-Ministeru.

2.4. It-talbiet għal liċenzji m'humiex permessi ħlief għall-bastimenti eliġibbli u li jkunu kkompletaw il-formalitajiet kollha previsti fil-punti 2.1, 2.2 u 2.3 t'hawn fuq.

2.5 Il-bastimenti li jibbenefikaw mil-liċenzji tas-sajd fil-pajjiżi tas-sottoreġjun jistgħu jsemmu fuq it-talba għal liċenzja, il-pajjiż, l-ispeċi(jiet) u t-tul tal-validità tal-liċenzji tagħhom bil-ħsieb li jiġu faċilitati d-diversi dħul u ħruġ tagħhom fiż-żona tas-sajd.

2.6. L-informazzjoni personali kollha trażmessa fil-qafas tat-talbiet għal liċenzji — u b'mod aktar ġenerali ta' dan il-Ftehim — jistgħu jiġu utilizzati biss fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

3. *Għotja tal-liċenzji*

3.1. Il-Ministeru jagħti l-liċenzji tal-bastimenti, wara li r-rappreżentant tas-sid ikun ippreżenta l-provi tal-ħlas għal kull bastiment (irċevuti stabbiliti mill-Ministeru tat-Teżor tal-Mawritanja), hekk kif speċifikati fil-Kapitolu IV, ta' l-anqas għaxart ijiem qabel il-bidu tal-validità tal-liċenzji. Dan iż-żmien huwa mnaqqas għal ħamest ijiem fil-każ ta' bastimenti pelaġiċi. Il-liċenzji huma disponibbli mingħand is-servizzi tal-Ministeru f'Nouadhibou jew f'Nouakchott.

3.2. Il-liċenzji jsemmu wkoll, it-tul tal-validità, il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment, in-numru tal-baħrin mill-Mawritanja u r-referenzi tal-ħlasijiet kif ukoll il-kondizzjonijiet relattivi għall-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' sajd hekk kif previsti fid-Dokumenti Tekniċi xierqa.

3.3. Il-liċenzji tas-sajd jingħataw biss lill-bastimenti li jkunu wettqu l-fomalitajiet kollha neċessarji għall-għotja tal-liċenzji. Il-bastimenti li jirċievu liċenzja ser jitniżżlu fuq il-lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu li għandha tiġi trażmessa fl-istess ħin lis-Sorveljanza u lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

3.4 It-talbiet tal-liċenzji li ma jingħatawx mill-Ministeru isiru s-suġġett ta' notifika lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni. Jekk ikun il-każ, il-Ministeru jagħti kreditu fuq il-ħlasijiet eventwali li jikkonċernawhom, wara li jkun ingħata l-bilanċ eventwali tal-multi li jkunu għadhom dovuti.

3.5 Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu li jippromwovu d-dħul ta' sistema ta' liċenzja elettronika.

4. *Validità u użu tal-liċenzji*

4.1. Il-liċenzja hija valida biss għall-perjodu kopert mill-ħlas tat-tariffa fil-kondizzjonijiet definiti fid-Dokument Tekniku u ppreċiżati fuq il-liċenzja msemmija.

Il-liċenzji jingħataw għal perjodi ta' 3, 6 jew 12-il xahar. Dawn jistgħu jiġġeddu.

Għall-bastimenti pelaġiċi (il-kategoriji 9 u 11), il-liċenzji jistgħu jkunu ta' kull xahar. Huma jindikaw għall-iskejjen tas-sajd bit-tkarkir pelaġiċi (tal-kategorija 9 biss) il-kwota awtorizzata ghas-sajd ghal kull bastiment (ara l-punt 3 tal-Kapitolu XV). Il-kwota li ma tinqabadx fil-perjodu previst mil-liċenzja tista' tiġi trasferita għal-liċenzja l-ġdida għall-istess bastiment, jew trasferita ghal bastiment ieħor ta' l-istess kategorija.

Biex tkun determinata l-validità tal-liċenzji, issir referenza għall-perjodi annwali definiti kif ġej:

ewwel perjdu	:	mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006
it-tieni perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007
it-tielet perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008
ir-raba' perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009
il-ħames perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010
is-sitt perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011
is-seba' perjodu	:	mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Lulju 2012

L-ebda liċenzja ma tista' tinbeda matul perjodu annwali u tispiċċa matul il-perjodu annwali ta' wara.

4.2. Kull liċenzja tas-sajd tinħareġ f'isem bastiment speċifiku u mhix trasferibbli. Madankollu, f'każ ta' forza maġġuri debitament ikkonfermat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru, u fuq talba tal-Kummissjoni, il-liċenzja ta' bastiment tista' tinbidel, malajr kemm jista' jkun, ma' liċenzja oħra għal bastiment ieħor ta' l-istess kategorija ta' sajd mingħajr ma jinqabeż it-tunellaġġ awtorizzat għal dan.

4.3. Il-liċenzja li trid tinidel tingħata lura mill-intermedjarju tal-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni, lill-Ministeru li joħroġ il-liċenzja l-ġdida.

4.4. L-aġġustamenti komplementari għas-somom imħallsa li jkunu neċessarji f'każ ta' sostituzzjoni tal-liċenzja, isiru qabel ma tingħata l-liċenzja tas-sostituzzjoni.

4.5. Il-liċenzja trid tinżamm fi kwalunkwe ħin abbord tal-bastiment li jibbenefika minnha, u din għandha tiġi ppreżentata, f'każ ta' xi kontroll, lill-awtoritajiet awtorizzati għal dan.

KAPITOLU III

TARIFFI

1. It-tariffi huma kkalkulati għal kull bastiment abbażi tal-limiti ta' kull sena ffissati fid-dokumenti tekniċi tal-Protokoll. Fil-każ ta' liċenzji trimestrali jew semestrali, it-tariffi jiġu kkalkulati *pro rata temporis* u miżjuda bi 3 % jew 2 % rispettivament sabiex ikopru l-ispejjeż rikorrenti għall-ħruġ tal-liċenzji. It-totali tat-tariffi jinkludu kull dritt jew taxxa oħra relattivi għalihom, ħlief it-taxxa parafiskali ([1]) xi taxxi tal-portijiet jew għal għotja ta' servizzi ([2]). Sal-31 ta' Lulju 2008, frazzjoni minn tnejn fil-mija tat-total tat-tariffi li jikkorrispondu għall-ispejjeż ta' osservaturi ser tiħallas f'kont speċifiku bħal dak previst fil-Kapitolu IV ta' dan l-Anness. Wara dan il-perjodu, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet previsti fl-Artikolu 12 tal-Protokoll, għandha ssir allokazzjoni mill-baġit għall-iffinanzjar ta' l-entità marbuta b'ġurament u indipendenti ta' osservaturi xjentifiċi u tal-kontrolluri fil-liġi tal-finanzi, hekk kif previst fl-Anness IV, u ser tissostitwixxi dan il-ħlas maqsum.

2. It-tariffi jiħallsu għal perjodi multipli tat-trimestru, ħlief għal perjodi iqsar previsti minn dan il-Ftehim jew li jirriżultaw mill-applikazzjoni tiegħu li għalihom dawn għandhm jiħallsu *pro rata* tal-validità effettiva tal-liċenzja.

3. Trimestru jikkorrispondi għal wieħed mill-perjodi ta' tliet xhur li jibdew, kull l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Jannar, l-1 ta' April, l-1 ta' Lulju, ħlief għall-ewwel u l-aħħar perjodi tal-Protokoll, fejn dawn ser ikunu rispettivament mill-1/8/2006 sat-30/9/2006 u mill-1/3/2012 sal-31/7/2012.

KAPITOLU IV

TERMINI GĦALL-ĦLAS

1. Il-ħlasijiet isiru f'EUR kif ġej:

a) għat-tariffi;

— bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja

b) għall-ispejjeż relatati ma' l-osservaturi xjentifiċi u t-taxxa parafiskali;

— bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem is-Sorveljanza

([1]) L-iskali għall-bastimenti tas-sajd industrijali, li jiħallsu f'munita lokali, skond id-digriet li jwaqqaf it-taxxa parafiskali, huma dawn li ġejjin:

Kategorija tas-Sajd ghal Krustaċji Ċefalopodi u Demersali		Kategorija tas-Sajd Pelaġiku (żghar u kbar)	
Tunnellaġġ	Total ghal kull trimestru (MRO)	Tunnellaġġ	Total fix-xahar (MRO)
< 99 TG	50 000	< 2 000 TG	50 000
100-200 TG	100 000	– 3 000	150 000
200-400 TG	200 000	3-5 000 TG	500 000
400-600 TG	400 000	5-7 000 TG	750 000
> 600 TG	600 000	7-9 000 TG	1 000 000
		> 9 000 TG	1 300 000

([2]) Iż-żewġ partijiet jiftiehmu biex jevalwaw it-total tat-taxxa parafiskali li ghandha tiġi applikata ghal bastimenti li jistadu ghat-tonn bittartarun.

ċ) għall-multi;

— bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja

d) għall-penali taż-żiediet fil-liċenzja

— bi trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem il-Ministeru

2. It-totali stipulati fil-punt 1 t'hawn fuq huma kkunsidrati bħala effettivament imsarrfa jekk it-Teżor jew il-Ministeru jagħtu konferma ta' dan, abbażi tan-notifiki tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja.

3. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, l-Awtoritajiet tal-Mawritanja għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-lista tal-kontijiet tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja miftuħa barra l-pajjiż, flimkien mad-dettalji sabiex jiffaċilitaw it-trasferimenti internazzjonali (Kodiċi BIC u IBAN).

KAPITOLU V

IL-KOMUNIKAZZJONI TA' L-INFORMAZZJONI RELATTIVA GĦALL-QABDIET

1. It-tul ta' vjaġġ ta' bastiment tal-Komunità huwa definit kif ġej:

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ miż-żona tas-sajd tal-Mawritanja;

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja u trasbord;

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn d-dħul u l-ħruġ fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja u ħatt l-art fil-Mawritanja.

2. *Il-ġurnal tas-sajd*

2.1. Il-kaptani tal-bastimenti huma responsabbli li jirreġistraw kuljum kull ħidma speċifika fil-ġurnal tas-sajd, li l-mudell tiegħu huwa mehmuż ma' l-appendiċi 2 ta' dan l-Anness. Dan id-dokument irid jimtela b'mod korrett u li jinqara, u jiġi ffirmat mill-kaptan tal-bastiment. Għall-bastimenti li qed jistadu speċi li jpassu ħafna għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu XIV ta' dan l-Anness.

2.2. Ġurnal tas-sajd li jkollu informazzjoni nieqsa jew li mhix konformi jitqies daqslikieku ma nżammx.

2.3. Fit-tmiem ta' kull perjodu fuq il-baħar, il-kaptan tal-bastiment għandu jgħaddi l-ġurnal tas-sajd oriġinali lis-Sorveljanza. Fi żmien 15-il jum ta' xogħol, is-sid huwa obbligat li jgħaddi kopja ta' dan il-ġurnal lill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

2.4. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 2.1, 2.2 u 2.3 t'hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd, mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamenti tal-Mawritanja, sakemm is-sid jissodisfa l-obbligi tiegħu.

2.5 Iż-żewġ Partijiet jiftiehmu li jippromwovu t-twaqqif ta' sistema ta' ġurnal tas-sajd elettroniku.

2.6 Għall-bastimenti pelaġiċi (il-kategoriji 9 u 11), il-kontroll tal-qabdiet isir matul il-ħatt l-art, it-trasbord jew fit-tmiem tal-perjodu fuq il-baħar.

3. *Il-ġurnal tas-sajd supplimentari (Dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u tat-trasbord)*

3.1. Matul ħatt l-art jew trasbord, il-kaptani tal-bastimenti huma responsabbli li jimlew b'mod leġibbli u korrett, u li jiffirmaw il-ġurnal tas-sajd supplimentari li l-mudell tiegħu huwa mehmuż fl-Appendiċi 3 ta' dan l-Anness.

3.2. Fl-aħħar ta' kull ħatt l-art, is-sid jgħaddi l-ġurnal tas-sajd supplimentari oriġinali lis-Sorveljanza, flimkien ma' kopja lill-Ministeru, fi żmien li ma jaqbiżx it-30 jum. Fl-istess żmien, kopja għandha tingħadda lill-Awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

3.3. Fit-tmiem ta' kull trasbord awtorizzat, il-kaptan jagħti lura immedjatament l-oriġinal tal-ġurnal tas-sajd supplimentari lis-Sorveljanza, flimkien ma' kopja lill-Ministeru. Fi żmien 15-il jum ta' ħidma, kopja għandha tingħadda lill-Awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru kif ukoll lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

3.4. In-nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 3.1, 3.2 u 3.3 aktar il-fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jwettaq l-obbligi tiegħu.

4. *Dikjarazzjoni tal-qabdiet trimestrali*

4.1. Il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, tgħarraf lill-Ministeru qabel it-tmiem tat-tielet xahar ta' kull trimestru, il-kwantitajiet maqbuda matul it-trimestru preċedenti, mill-bastimenti kollha tal-Komunità.

4.2. L-informazzjoni għandha tingħadda kull xahar u mqassma għal kull tip ta' sajd, għal kull bastiment u għall-ispeċi kollha.

4.3 Din l-informazzjoni hija tingħadda wkoll lill-Ministeru permezz ta' fajl elettroniku stabbilit f'format kompatibbli mas-sistemi ta' softwer użati mill-Ministeru.

5. *Il-kredibilità ta' l-informazzjoni*

L-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti stipulati fil-punti 1, 2, 3 u 4 hawn fuq jirriflettu r-realtà tas-sajd sabiex dawn ikunu jistgħu jikkostitwixxu waħda mill-bażijiet tal-monitoraġġ ta' l-evoluzzjoni tar-riżorsi tas-sajd.

KAPITOLU VI

QABDIET INĊIDENTALI

1. Il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali ffissati fil-fajls tekniċi tal-Protokoll huma ddeterminati, f'kull ħin tas-sajd, skond il-piż totali ħaj tal-qabdiet miżmuma abbord, skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

2. Kull meta jinqabeż il-perċentwali tal-qabdiet inċidentali awtorizzati, ikun hemm sanzjonijiet skond ir-regolamenti tal-Mawritanja, u dan jista' jwassal għal twaqqif definittiv ta' l-attivitajiet kollha tas-sajd fil-Mawritanja għal min jagħmel din il-kontravenzjoni, kif ukoll għall-kaptani tal-bastimenti.

3. Iż-żamma ta' speċi mhux awtorizzati abbord il-vapuri mhix permessa, u għal dan ikun hemm sanzjonijiet skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

KAPITOLU VII

ĦATT L-ART FIL-MAWRITANJA

Il-Partijiet kontraenti, konxji mill-ħtieġa ta' integrazzjoni aħjar għall-iżvilupp konġunt tas-setturi tas-sajd rispettivi tagħhom, qablu li jinkoraġġixxu l-ħatt volontarju u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li ġejjin rigward dan il-ħatt fil-portijiet tal-Mawritanja.

Kondizzjonijiet ġenerali u inċentivi finanzjarji

1. Il-ħatt għandu jsir fil-port ta' Nouadhibou fil-Mawritanja. Is-sid li jħott jagħżel id-data tal-ħatt. Huwa jinforma b'dan lill-awtoritajiet tal-port tal-Mawritanja permezz ta' faks jew ta' posta elettronika, tnejn u sebgħin siegħa qabel il-wasla prevista fil-port, fejn hu għandu jindika l-istima tiegħu tal-kwantità totali li ser tinħatt. L-awtoritajiet tal-port jikkonfermaw lid-destinatarju jew lis-sid, permezz ta' l-istess mezzi u fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa, li l-ħidmiet tal-ħatt ser iseħħu fl-erbgħa u għoxrin siegħa wara li jaslu fil-port.

2. It-tul tal-ħidmiet tal-ħatt m'għandux ikun aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa wara li l-bastiment jasal fil-port.

3. Meta jintemmu l-ħidmiet tal-ħatt, l-awtoritajiet tal-port kompetenti jagħtu ċertifikat tal-ħatt lill-kaptan.

4. Sakemm il-bastiment idum fil-port, il-baħrin sajjieda tiegħu jibbenefikaw minn sistema ta' passaġġ ħieles bit-"tessera tal-baħħara".

5. Il-bastimenti tal-Komunità li jħottu jew iwettqu trasbord fil-Mawritanja jibbenefikaw minn tnaqqis fuq it-tariffa tal-liċenzja għall-perjodu li matulu jseħħ il-ħatt jew it-trasbord. Il-livell ta' tnaqqis huwa ta' 25 % tal-prezz tal-liċenzja għall-bastimenti li jħottu, u ta' 15 % għall-bastimenti li jagħmlu trasbord.

6. Termini ta' l-applikazzjoni: il-kopji taċ-ċertifikat jew ċertifikati tal-ħatt rigward il-ħidmiet effettwati minn bastiment jingħaddew lid-Delegazzjoni. Meta jkun hemm talba ġdida għal-liċenzja mill-istess bastiment id-Delegazzjoni tibgħat l-kopji taċ-ċertifikati lill-Ministeru, flimkien ma' talba għal tnaqqis fit-tariffa għal-liċenzja l-ġdida.

7. Qabel ma jintemm l-ewwel semestru ta' applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Ministeru jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lid-Delegazzjoni:

— il-kondizzjonijiet ġenerali ta' ħatt l-art inkluż l-ispejjeż tal-port;

— il-provvedimenti miftiehma skond ir-regolamentazzjoni Komunitarja applikabbli fil-qasam;

— l-imħażen ikkontrollati mid-Dwana;

— id-daqs massimu u n-numru ta' bastimenti li jistgħu jkollhom aċċess;

— il-kondizzjonijiet u l-ammont ta' ħażna tal-prodotti ffriżati (– 22 °C), imkessħa u friski;

— il-mezzi u l-frekwenza tat-trasport sabiex jiġu trasportati prodotti tas-sajd għal swieq barranin;

— il-kondizzjonijiet u l-prezz medju tal-provvisti (fjuwil, oġġetti ta' l-ikel, eċċ.);

— il-kodiċi tar-radju, in-numri tat-telefon, il-faks u t-teleks kif ukoll il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-uffiċċji ta' l-awtoritajiet tal-port;

— kull informazzjoni oħra li tista' tiffaċilita l-ħidmiet tal-ħatt.

Kondizzjonijiet fiskali u finanzjarji

Il-bastiment Komunitarju li jħott f'Nouadhibou huwa eżenti minn kull dazju jew taxxa b'effett ekwivalenti, minbarra t-taxxi u l-ispejjeż tal-port li, fl-istess kondizzjonijiet, japplikaw għall-bastimenti tal-Mawritanja.

Il-prodott tas-sajd jibbenfika minn sistema ekonomika tad-Dwana skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ tal-Mawritanja. Għalhekk dan huwa eżenti minn kull proċedura u dritt tad-dwana jew taxxa b'effett ekwivalenti meta jidħol fil-port tal-Mawritanja jew l-esportazzjoni tiegħu, u huwa kkunsidrat bħala merkanzija fi "tranżitu temporanju" ("ħażna temporanja").

Is-sid jiddeċiedi d-destinazzjoni tal-produzzjoni tal-bastiment tiegħu. Dan jista' jitbiddel, jinħażen f'sistema taħt il-kontroll tad-Dwana, jinbiegħ fil-Mawritanja jew esportat (f'munita barranija).

Il-bejgħ fil-Mawritanja, maħsuba għas-suq tal-Mawritanja, huwa suġġetti għall-istess taxxi u tnaqqis bħal dawk applikati għall-prodotti tas-sajd tal-Mawritanja.

Il-benefiċċji jistgħu jiġu esportati mingħajr ħlasijiet supplementari (eżenzjoni tad-drittijiet tad-dwana u taxxi b'effett ekwivalenti).

KAPITOLU VIII

TLUGĦ TAL-BAĦRIN MILL-MAWRITANJA

1. Ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun (li jridu bil-fors itellgħu ta' l-anqas baħri mill-Mawritanja għal kull bastiment), il-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief (li jtellgħu ta' bil-fors 3 baħrin mill-Mawritanja għal kull bastiment), u l-bastimenti pelaġiċi tal-kategorija 11 (li għalihom hemm previsti dispożizzjonijiet tranżitorji fil-punt 6 tal-Kapitolu XV ta' dan l-Anness), kull bastiment tal-Komunità huwa obbligat li jtella' abbord, matul kemm idum il-bastiment fuq il-baħar, baħrin mill-Mawritanja, f'ammonti ta' l-anqas ugwali għal:

— 2 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ anqas minn 200 TG;

— 3 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 200 TG u anqas minn 250 TG;

— 4 baħrin kif ukoll uffiċjal jew osservatur għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 250 TG u anqas minn 300 TG;

— 6 baħrin u uffiċjal għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 300 TG u anqas minn 350 TG;

— 7 baħrin u uffiċjal għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 350 TG u anqas minn 500 TG;

— 8 baħrin u uffiċjal għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 500 TG u anqas minn 800 TG;

— għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 800 TG u anqas minn 2 000 TG, numru ta' baħrin ekwivalenti għal 37 % ta' l-ekwipaġġ b'minimu ta' 8 baħrin u 2 uffiċjali;

— għall-bastimenti b'tunnellaġġ ta' daqs jew aktar minn 2 000 TG, numru ta' baħrin ekwivalenti għal 37 % ta' l-ekwipaġġ b'minimu ta' 12-il baħrin u 2 uffiċjali.

1.2 Għall-bastimenti li t-tunnellaġġ tagħhom huwa ta' daqs jew aktar minn 800 TG, in-numru minimu ta' baħrin li għandhom jittellgħu jitnaqqas bi 2 għal kull uffiċjal supplementari li jittella'.

1.3 Is-sidien jistgħu jagħżlu liberament il-baħrin u l-uffiċjali mill-Mawritanja li jridu jtellgħu fuq il-bastimenti tagħhom, konformement mad-dispożizzjonijiet previsti fil-kodiċi tal-flotta tal-merkanzija.

2. Is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu jikkomunikaw l-ismijiet tal-baħrin mill-Mawritanja li jittellgħu abbord il-bastiment konċernat lill-Ministeru, u jindikaw ir-rwol tagħhom fl-ekwipaġġ kif reġistrati.

3. Id-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tax-xogħol, tapplika bi dritt sħiħ għall-baħrin li jittellgħu abbord fuq bastimenti tas-sajd Komunitarji. Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari mal-libertà ta' l-assoċjazzjoni u ma' l-għarfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema, u ma' l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tal-professjonijiet.

4. Il-kuntratti tax-xogħol tal-baħrin tal-Mawritanja, li kopja tagħhom għandha tingħata lil min jiffirmahom, isiru bejn ir-rappreżentant(i) tas-sidien u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom flimkien ma' l-awtorità kompetenti tal-Mawritanja. Dawn il-kuntratti jiggarantixxu lill-baħrin il-benefiċċju ta' sistema ta' sigurtà soċjali li tapplika għalihom, li tinkludi assigurazzjoni f'każ ta' mewt, mard u inċident.

5. Is-sid jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jikkomunika, fi żmien xahrejn wara l-għotja tal-liċenzja, kopja ta' l-imsemmi kuntratt li jkun ittimbrat mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat, direttament lill-Ministeru.

6. Is-salarju tal-baħrin mill-Mawritanja jitħallas mis-sidien. Huwa jiġi ffissat qabel ma jingħataw il-liċenzji, bi qbil komuni bejn is-sidien jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-baħrin mill-Mawritanja konċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom. Madankollu, il-kondizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-baħrin mill-Mawritanja ma jistgħux ikunu inferjuri għal dawk applikabbli għall-ekwipaġġi tal-Mawritanja, u jridu jkunu konformi man-normi ta' l-ILO u fil-każijiet kollha mhux inferjuri għal dawn.

7. Jekk wieħed jew diversi mill-baħrin impjegati abbord ma jiġux fil-ħin iffissat għat-tluq tal-bastiment, dan huwa awtorizzat li jibda l-ħruġ previst wara li jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti tal-port tat-tlugħ bin-nuqqas fin-numru neċessarju tal-baħrin u li jkun aġġorna l-lista ta' l-ekwipaġġ tiegħu. Dawn l-awtoritajiet jinfurmaw lill-Ministeru.

Is-sid huwa responsabbli li jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jassigura ruħu li l-bastiment tiegħu jtella' n-numru ta' baħrin meħtieġa skond dan il-Ftehim, sa l-aktar tard matul il-ħruġ fuq il-baħar li jmiss.

8. Fil-każ li l-baħrin mill-Mawritanja ma jitilgħux abbord għal raġunijiet oħrajn li mhux dawk stipulati fil-punt preċedenti, is-sidien tal-bastimenti Komunitarji konċernati huma obbligati li jħallsu somma totali ta' 20 euro għal kull jum ta' sajd fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja għal kull baħri, fi żmien massimu ta' 3 xhur.

Din is-somma tiġi użata għat-taħriġ ta' baħrin-sajjieda mill-Mawritanja, u tiġi depożitata fil-kont indikat fil-punt 1 b) tal-Kapitolu IV ta' dan l-Anness.

9. Il-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, kull semestru tikkomunika lill-Ministeru l-lista tal-baħrin mill-Mawritanja li jittellgħu abbord il-bastimenti tal-Komunità, fl-1 ta' Jannar u fl-1 ta' Lulju ta' kull sena, fejn tissemma' r-reġistrazzjoni tagħhom fir-reġistru tan-nies tal-baħar u l-indikazzjoni tal-bastimenti li fuqhom dawn ittellgħu.

10. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-punt 7 hawn fuq, jekk is-sidien jibqgħu ma jirrispettawx b'mod ripetut it-tlugħ abbord tan-numru ta' baħrin mill-Mawritanja previst, il-liċenzja tas-sajd tal-bastiment tiġi awtomatikament sospiża sa ma jitwettaq dan l-obbligu.

KAPITOLU IX

SPEZZJONIJIET TEKNIĊI

1. Darba fis-sena, kif ukoll wara xi tibdil fit-tunellaġġ jew fil-kategorija ta' sajd li twassal għall-użu ta' apparat tas-sajd differenti, kull bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jidħlu f'port ta' Nouadhibou jew ta' Nouakchott sabiex issirilhom spezzjoni kif stipulat fir-regolamenti fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet iridu jitwettqu b'mod obbligatorju fi żmien 48 siegħa mill-wasla tal-bastiment fil-port.

   Il-modalitajiet ta' l-ispezzjonijiet tekniċi tal-bastimenti li jistadu għat-tonn, ta' l-iskejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ u l-bastimenti tas-sajd pelaġiku huma stabbiliti fil-Kapitoli XIV u XV ta' dan l-Anness.

2. Meta l-bastiment jinstab li huwa konformi, il-kaptan tal-bastiment jingħata ċertifikat, bl-istess validità bħal-liċenzja, li jiġi mġedded *de facto* għall-bastimenti li jġeddu l-liċenzja tagħhom matul dik is-sena. Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm dejjem abbord.

3. L-ispezzjonijiet tekniċi jservu sabiex jikkontrollaw il-konformità tal-karatteristiċi tekniċi u ta' l-apparat abbord u sabiex jivverifikaw li d-dispożizzjonijiet dwar l-ekwipaġġ mill-Mawritanja ikunu ġew sodisfatti.

4. L-ispejjeż relatati ma' l-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sidien u jiġu stabbiliti skond l-iskeda ffissata mir-regolamenti tal-Mawritanja, u kkomunikati lill-Parti Komunitarja. Dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu aktar mis-somom normalment imħallsa mill-bastimenti l-oħrajn għall-istess servizzi.

5. In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punti 1 u 2 ta' hawn fuq iwassal għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jonora l-obbligi tiegħu.

KAPITOLU X

L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-BASTIMENTI

1. Il-marki ta' l-identifikazzjoni ta' kull bastiment tal-Komunità għandhom ikunu konformi mar-regolamentazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam. Din ir-regolamentazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-Ministeru qabel ma jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll. Kull modifika ta' din trid tiġi nnotifikata lill-Ministeru ta' l-anqas xahar qabel ma tidħol fis-seħħ.

2. Kull bastiment li jaħbi l-marki tiegħu, ismu jew in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu jesponi ruħu għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni fis-seħħ tal-Mawritanja.

KAPITOLU XI

SOSPENSJONI JEW IRTIRAR TAL-LIĊENZJI

Jekk l-awtoritajiet tal-Mawritanja jiddeċiedu li jissospendu jew jirtiraw b'mod definittiv il-liċenzja ta' bastiment tal-Komunità, fl-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll u tar-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, il-kaptan ta' dan il-bastiment għandu jieqaf immedjatament minn kull attività ta' sajd u jerġa' lura mingħajr dewmien fil-port ta' Nouadhibou sabiex jagħti lura l-kopja oriġinali tal-liċenzja lis-Sorveljanza. Meta jitlestew il-formalitajiet neċessarji, il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, bit-tneħħija tas-sospensjoni u tingħata lura l-liċenzja.

KAPITOLU XII

KSUR

1. Kull ksur jiġi penalizzat skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

2. Għall-ksur tas-sajd gravi u gravi ħafna, hekk kif definiti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, il-Ministeru jirriserva d-dritt li jwaqqaf lill-bastimenti, lill-kaptani u, jekk ikun il-każ, lis-sidien implikati fit-twettiq ta' dawn l-infrazzjonijiet, minn kull attività ta' sajd fil-Mawritanja b'mod provviżorju jew b'mod definittiv.

KAPITOLU XIII

MULTI

It-total tal-multa li tingħata lill-bastiment tal-Komunità huwa ddeterminat skond ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja f'limitu li jinkludi ammont minimu u massimu previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja. Dan it-total huwa stabbilit skond il-proċedura prevista fil-punt 3 tal-Kapitolu VI ta' l-Anness II. It-total tal-multa li tingħata huwa mibdul f'EUR mis-Sorveljanza bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali tal-Mawritanja fil-mument ta' l-infrazzjoni, u ż-żewġ ammonti totali huma kkomunikati fl-istess ħin lis-sid u lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

Ir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, kif ukoll il-modifiki ulterjuri tagħha, għandhom jiġu kkomunikati lill-Parti Komunitarja.

KAPITOLU XIV

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI LI JISTADU GĦALL-ISPEĊI LI JPASSU ĦAFNA

(BASTIMENTI LI JISTADU GĦAT-TONN U SKEJJEN TAS-SAJD BIL-KONZIJIET TAL-WIĊĊ)

1. Il-liċenzji għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun, għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief u għall-iskejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ jinħarġu għall-perjodi li jaqblu mas-snin kalendarji ħlief għall-ewwel u l-aħħar sena ta' dan il-Protokoll.

   Il-liċenzja oriġinali trid tinżamm f'kull waqt fuq il-bastiment u għandha tiġi ppreżentata kull meta tintalab mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja, responsabbli mis-sorveljanza. Il-Komunità Ewropea żżomm aġġornat abbozz ta' lista tal-bastimenti li għalihom saret talba għal liċenzja tas-sajd tas-sajd b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtoritajiet tal-Mawritanja għandhom jiġu nnotifkati meta jitwaqqaf dan l-abbozz u wara dan kull darba li jiġi aġġornat. Meta jiġi rċevut dan l-abbozz tal-lista kif ukoll in-notifika tal-ħlas bil-quddiem indirizzat mill-Komunità Ewropea lill-awtoritajiet tal-Mawritanja, il-bastiment jiġi rreġistrat mill-awtorità kompetenti tal-Mawritanja fuq lista tal-bastimenti awtorizzati li jistadu, li tiġi mgħarrfa lill-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll tas-sajd. F'dan il-każ, kopja ta' din il-lista tintbagħat lis-sid, u għandha tinżamm abbord bħala sostituzzjoni tal-liċenzja tas-sajd sakemm ma tintbagħat din ta' l-aħħar.

   Meta jiġu ppreżentati l-provi tal-ħlas bil-quddiem, il-Ministeru jistabilixxi l-liċenzja u jirreġistra l-bastiment konċernat fuq il-lista tal-bastimenti li huma awtorizzati li jistadu li tintbagħat lis-Sorveljanza u lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

2. Qabel ma jirċievi l-liċenzja tiegħu, kull bastiment igħaddi mill-ispezzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni fis-seħħ. Dawn l-ispezzjonijiet jistgħu jseħħu f'port barrani li jrid jiġi miftiehem. L-ispejjeż kollha marbuta ma' din l-ispezzjoni għandhom jitħallsu mis-sid.

3. Il-liċenzji jinħarġu wara li titħallas somma globali, permezz ta' trasferiment f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja, li tikkorrispondi għall-ħlas bil-quddiem indikat fil-formoli tekniċi tal-Protokoll. Din is-somma globali ser tkun stabbilita *pro rata* taż-żmien tal-validità tal-liċenzja għall-ewwel u l-aħħar sena tal-Ftehim [1].

4. Fuq il-bastimenti għandu jinżamm ġurnal ta' abbord, skond il-mudell ICCAT mehmuż fl-Appendiċi 4 ta' dan l-Anness, għal kull perjodu tas-sajd fl-ilmijiet tal-Mawritanja.

   Dan għandu jimtela anke f'każ fejn ma jinqabdux ħut. Għall-perjodi li fihom bastiment imsemmi hawn fuqma jkunx jinstab fl-ilmijiet tal-Mawritanja, dan għandu jimla l-ġurnal ta' abbord stipulat hawn fuq flimkien man-nota "Barra miż-ŻEE tal-Mawritanja".

   Fi żmien 15-il jum ta' xogħol wara li jaslu fil-port tal-ħatt, il-ġurnali ta' abbord stipulati f'dan il-punt jintbagħat lill-Ministeru u lill-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istat Membru.

   In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet previsti hawn fuq iwassal, mingħajr preġudizzju għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, għas-sospensjoni awtomatika tal-liċenzja tas-sajd sa ma s-sid jissodisfa l-obbligi tiegħu.

[1] Iż-żewġ partijiet jaqblu li jevalwaw it-total tat-taxxa parafiskali li għandha tiġi applikata ghall-bastimenti li jistadu ghat-tonn bit-tartarun.

5. Bla ħsara għall-verifiki li tkun tixtieq twettaq il-Mawritanja, il-Kummissjoni permezz tad-Delegazzjoni, qabel il-15 ta' Ġunju ta' kull sena tissottometti lill-Ministeru rendikont tat-tariffi dovuti għas-sena tas-sajd preċedenti abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet stabbiliti minn kull sid u validati mill-istituti xjentifiċi kompetenti għall-verifika ta' l-informazzjoni dwar il-qabdiet fl-istati Membri, bħalma huma l-IRD (*Institut de Recherche pour le Développement*), l-IEO (*Instituto Español de Oceanografia*), l-INIAP (*Instituto Nacional de Investigação Agrária e das Pescas*) u l-IMROP (*Institut Mauritanien de Recherches Océanographiques et des Pêches*).

6. Għall-aħħar sena ta' l-applikazzjoni tal-Ftehim, ir-rendikont tat-tariffi dovuti għas-sena tas-sajd preċedenti jiġi mgħarraf fl-4 xhur wara li jkun skada il-Ftehim.

7. Ir-rendikont finali jintbagħat lis-sidien konċernati, li għandhom 30 jum żmien, li jibdew jgħoddu min-notifika u l-approvazzjoni ta' l-ammonti totali mill-Ministeru, sabiex jonoraw l-obbligi finanzjarji tagħhom ma' l-awtoritajiet kompetenti rispettivi. Il-ħlas f'EUR, maħruġ f'isem it-Teżor tal-Mawritanja f'wieħed mill-kontijiet imsemmija fil-Kapitolu IV, jitwettaq sa mhux aktar tard minn xahar u nofs wara l-imsemmija notifika.

Madankollu, jekk it-tnaqqis definittiv huwa anqas mit-total tal-ħlas bil-quddiem stipulat fil-punt 4, id-differenza korrispondenti ma titħallasx lura lis-sid.

8. B'deroga għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I ta' l-Anness II, il-bastimenti, fit-3 siegħat ta' qabel kull dħul u ħruġ miż-żona, iridu jikkomunikaw direttament lill-awtoritajiet tal-Mawritanja, preferibbilment permezz tal-faks u jekk dan mhux possibbli permezz tar-radju, il-pożizzjoni tagħhom u l-qabdiet li għandhom abord.

In-numru tal-faks u l-frekwenza tar-radju huma kkomunikati mis-Sorveljanza.

Kopja tal-komunikazzjonijiet permezz tal-faks jew tar-reġistrazzjoni tal-komunikazzjonijiet bir-radju għandha tinżamm mill-awtoritajiet tal-Mawritanja u mis-sidien sakemm ma jiġi approvat minn kull waħda miż-żewġ Partijiet ir-rendikont finali tat-tariffi msemmi fil-punt 5.

9. Il-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun, fuq talba ta' l-awtoritajiet tal-Mawritanja u bi qbil komuni mas-sidien konċernati, għandhom itellgħu abbord osservatur xjentifiku għal kull bastiment għal perjodu miftiehem.

KAPITOLU XV

DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD PELAĠIĊI

1. Il-liċenzja oriġinali trid tinżamm f'kull waqt fuq il-bastiment u għandha tiġi ppreżentata kull meta tintalab mill-Awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja. Jekk għal raġunijiet prattiċi, il-kopja oriġinali tal-liċenzja ma setgħetx titwassal fuq il-bastiment immedjatament wara li tkun inħarġet mill-Ministeru, tista' tinżamm abbord kopja jew kopja bil-faks għal perjodu massimu ta' għaxart ijiem.

2. L-ispezzjonijiet tekniċi tal-bastimenti jistgħu jseħħu fl-Ewropa. F'dan il-każ, l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkommodazzjoni ta' żewġ persuni maħtura mill-Ministeru sabiex iwettqu dawn l-ispezzjonijiet għandhom jitħallsu mis-sid.

3. It-totali tat-tariffi jinkludu kull dritt jew taxxa oħra relatati, ħlief għat-taxxa parafiskali, it-taxxi tal-port, jew għall-għotja ta' servizzi.

Għal kull tunnellata li tinqabad aktar mit-tunnellaġġ ta' referenza allokat għal kul bastiment pelaġiku bil-friża tal-kategorija 9, għandu jsir ħlas ta' EUR 15 għal kull tunnellata li jitħallsu lit-Teżor Pubbliku tal-Mawritanja. Rendikonti tal-qabdiet jitħejjew bi qbil komuni fi żmien li jrid jiġi miftiehem bejn il-Partijiet.

Il-prinċipju tal-limitu massimu tal-qabdiet ma japplikax għall-bastimenti pelaġiċi frisk tal-kategorija 11.

Il-ħlas tat-tariffi kif ukoll it-totali addizzjonali eventwali jitħallsu f'wieħed mill-kontijiet barra l-pajjiż tal-Bank Ċentrali tal-Mawritanja, f'isem it-Teżor tal-Mawritanja.

4. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku għandhom jikkomunikaw lis-Sorveljanza l-intenzjoni tad-dħul jew ħruġ tagħhom miż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja. Din il-komunikazzjoni trid issir 12-il siegħa qabel id-dħul, u 36 siegħa qabel il-ħruġ. Meta tingħata n-notifika tal-ħruġ, kull bastiment għandu jagħti wkoll il-volum u l-ispeċi tal-qabdiet miżmuma abbord.

5. Is-sidien għandhom iwettqu d-dispożizzjonijiet utli għat-trasport, għas-spejjeż tagħhom, tal-baħrin u l-osservaturi xjentifiċi mill-Mawritanja.

6. Il-bastimenti pelaġiċi tal-kategorija 11 huma marbuta bid-dispożizzjonijiet li ġejjin f'dak li għandu x'jaqsam mat-tlugħ tal-baħrin:

— matul l-ewwel sitt xhur ta' l-attivitajiet tagħhom fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, il-bastimenti huma eżenti milli jtellgħu abbord baħrin mill-Mawritanja;

— matul is-sitt xhur ta' wara, il-bastimenti għandhom itellgħu abbord 50 % tal-baħrin previsti fil-paragrafu 1 tal-Kapitolu VIII;

Fl-aħħar ta' dawn iż-żewġ perjodi ta' sitt xhur, id-dispożizzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 tal-Kapitolu VIII, japplikaw għall-bastimenti tal-kategorija 11.

Appendiċi 1

Ftehim ta' sajd tal-mawritanja — Komunità Ewropea

Applikazzjoni għal liċenzja tas-sajd

I — APPLIKANT

1. Isem sid il-vapur: .....
2. Isem l-assoċjazzjoni jew ir-rappreżentant tas-sid: .....
3. L-indirizz ta' l-assoċjazzjoni jew tar-rappreżentant tas-sid: .....
4. Telefown: ..... Faks:..... Telex: .....
5. Isem il-kaptan: ..... Nazzjonalità: .....

II — IL-BASTIMENT U L-IDENTIFIKAZZJONI TIEGĦU

1. Isem tal-bastiment: .....
2. Bandiera: .....
3. Numru tar-reġistrazzjoni estern: .....
4. Port ta' reġistrazzjoni: .....
5. Sena u post ta' kostruzzjoni: .....
6. Kodiċi tas-sinjal tar-radju: ..... Frekwenza tas-sinjal tar-radju: .....
7. Tip ta' qoxra (hull): Azzar ☐ Injam ☐ Polijester ☐ Materjal ieħor ☐

III — KARATTERISTIĊI TEKNIĊI TAL-BASTIMENT U T-TAGĦMIR

1. Tul totali: ..... Wisgħa: .....
2. Tunnellaġġ (indikat bħala TG): .....
3. Qawwa tal-magna prinċipali indikata bħala H.P.: ..... Marka: ..... Tip: .....
4. Tip ta' bastiment: ..... Kategorija tas-sajd: .....
5. Tagħmir tas-sajd: .....
6. Numru ta' ekwipaġġ abbord: .....
7. Metodu ta' konservazzjoni abbord: Frisk ☐ Tkessiħ ☐ Imħallat ☐ Friżat ☐
8. Kapaċità ta' friża kull 24 siegħa (f'tunnellati): .....
9. Kapaċità ta' l-istivi: ..... Numru: .....

Magħmula fi ..... nhar .....

Firma ta' l-applikant: .....

Appendiċi 2

Intestatura Nru 1

REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA
ĠURNAL TAS-SAJD

Isem il-bastiment (1) ..... Tluq minn (4) ..... Data (6) Jum Xaha Sena Ħin

Sinjal tar-radju (2) .....

Isem il-kaptan (3) ..... Ritorn (5) ..... Data (6)

Tagħmir tas-sajd (7) Kodiċi tat-tagħmir (8) Malja tax-xibka (9) Qies tat-tagħmir (10)

Firma tal-Kaptarn (11)

Intestatura Nru 2				Intestatura Nru 3 Ingassa l-lista "A" jew "B' mhux użata															Intestatura Nru 4		
Data	Settur statis-tiku	Nurmu ta' sajdiet	Ħin ta' sajd (siegħat)	Stima tal-kwantitajiet maqbuda minn kull speċi: (f'kilogrammi) (16) (jew spjegazzjoni tar-raġunijiet għal waqfien mis-sajd)															Piż Totali tal-Qabdiet	Piż Totali tal-ħut	Piż totali ta' ikel tal-ħut
				Saw-rell A	Sardin	Sardinelli	Inċova	Kavalli	Sabres	Tipi ta' Tonn	Marlozz	Pagru	Klamari	Siċċ	Qarnit	Gambli	Awwist	Ħut ieħor			
(12)	(13)	(14)	(15)	Awwis-ta B	Gamba	Astado	Carabi-neros	Gambli Oħrajn	Alonga	Awwis-ta roża	Krusta-ċeji oħra	Rape	Mar-lozz	Ħut ieħor	Ċefalo-podi varji	Frott tal-baħar varju			(kg) (17)	(kg) (18)	(kg) (19)

Appendiċi 3

REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAWRITANJA
DIKJARAZZJONI TA' ĦATT L-ART/TRASBORD

(A) Isem il-bastiment(1) ..... Tluq minn (4) ..... Data (6) Jum Xaha Sena Ħin

Kodiċi tar-radju (2) .....

Isem il-kaptan (3) ..... Ritorn (5) ..... Data (6) Jum Xaha Sena Ħin

Nazzjonalità	Kodiċi tar-radju	Isem tal-bastiment li qed jirċievi

Firma tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd

INDIKA L-PIŻ F'KILOGRAMMI

Speċi (B)	Kategorija Kummerċjali (C)	Preżentazzjoni (D)	Piż nett (E)	Prezz tal-bejgħ (F)	Munita (G)	Speċi (B)	Kategorija Kummerċjali (C)	Preżentazzjoni (D)	Piż nett (E)	Prezz tal-bejgħ (F)	Munita (G)

Appendiċi 4

ĠURNAL TA' ABBORD TAS-CICTA GĦAS-SAJD TAT-TONN

Isem il-bastiment:	Tunnellaġġ gross:		Xahar	Jum	Sena	Port
Bandiera:	Kapaċità – (TM):	TLUQ tal-bastiment:				
Numru tar-reġistrazzjoni:	Kaptan:					
Sid:	L-għadd ta' l-ekwipaġġ:					
Indirizz:	Data tar-rapport:	RITORN tal-bastiment:				

	Bil-konz
	Lixka ħajja
	Tartarun idur
	Tkarkir
	Outros (Oħrajn)

	(Awtur tar-rapport):	L-għadd ta' jiem fuq il-baħar:		L-gaħħd ta' jiem ta' sajd: L-għadd ta' rimjiet:	.....	Numru tas-sajda:	

Data		Settur		T° ta' wiċċ il-baħar (ºĊ)	Sajda Numru ta' snanar użati	Capturas (Qabdiet)																						Isco usado na pesca (Lixka użata)			
Xahar	Jum	Latitudni N/S	Longitudni E/W			Tonn aħmar *Thunnus thynnus jew maccoyi*		Tonn tax-xewka safra *Thunnus albacares*		(Tonn oħxon b'għajnu kbira) *Thunnus obesus*		(Alonga) *Thunnus alalunga*		(Pixxispad) *Xiphias gladius*		(Marlin) (Makaire abjad) *Tetraptunus audax jew albidus*		(Makaire /Marlin iswed) *Makaira indica*		(Voiliers/ Marlin) *Istiophorus albicane jew platypterus*		Palamit *Katsuwonus pelamis*		(Qabdiet imħallta)		Total ta' kull jum (piż f'kg biss)		Saury	Klamari	Lixka ħajja	(Oħrajn)
						Nru.	Piż kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg				
KWANTITAJIET IMĦATTA (F'KG)																															

Rimarki

1 — Uża folja kull xahar u linja kuljum.

2 — Fit-tmiem ta' kull sajda, ibgħat kopja tal-ġurnal lill-korrispondent iegħek jew lis-CICTA, Calle Corazón de María, 8, 28002 Madrid. Spanja.

3 — "Jum" ifisser il-jum li fiħ jintrama l-konz.

4 — Is-settur tas-sajd jiddetermina l-pożizzjoni tal-bastiment. Aġġusta il-minuti sa l-eqreb figura sħiħa u indika l-grad ta' latitudni u lonġitudni. Qis li jkun hemm indikazzjoni N/S u E/W.

5 — L-aħħar ringiela (Kwantitajiet imħatta) m'għandiex timtela' qabel it-tmiem tas-sajda. Għandu jkun indikat il-piż reali fil-mument tal-ħatt.

6 — L-informazzjoni kollha inkluża hawn hija strettament kunfidenzjali.

ANNESS II

Koperazzjoni fil-qasam tal-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Komunità fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja

KAPITOLU I

DĦUL U ĦRUĠ MIŻ-ŻONA TAS-SAJD TAL-MAWRITANJA

1. Ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn, l-iskejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-wiċċ u l-bastimenti tas-sajd pelaġiku (fejn iż-żmien isegwi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli XIV u XV ta' l-Anness I), il-bastimenti tal-Komunità li jaħdmu fil-qafas ta' dan il-Ftehim iridu jikkomunikaw b'mod obbligatorju:

   a) id-dħul:

      Dawn għandhom jiġu notifikati ta' l-anqas 36 siegħa qabel u trid tingħata l-informazzjoni li ġejja:

      — il-pożizzjoni tal-bastiment waqt il-komunikazzjoni;

      — il-jum, id-data u s-siegħa meta bejn wieħed u ieħor huwa stmat id-dħul fiż-żona ŻEE tal-Mawritanja;

      — il-qabdiet għal kull speċi miżmuma abbord fil-ħin tal-komunikazzjoni, għall-bastimenti li kienu wrew minn qabel li għandhom liċenzja tas-sajd għal żona oħra tas-sajd fis-sottoreġjun. F'dan il-każ, is-Sorveljanza għandha jkollha aċċess għall-ġurnal tas-sajd relattiv għal din iż-żona l-oħra tas-sajd, u ż-żmien tal-kontroll eventwali ma jistax idum aktar miż-żmien previst fil-punt 4 ta' dan il-Kapitolu.

   b) il-ħruġ:

      Dawn iridu jiġi notifikati ta' l-anqas 48 siegħa qabel, u trid tingħata l-informazzjoni li ġejja:

      — il-pożizzjoni tal-bastiment matul il-komunikazzjoni;

      — il-jum, id-data u s-siegħa tal-ħruġ miż-żona ŻEE tal-Mawritanja;

      — il-qabdiet, għal kull speċi, miżmuma abbord fil-ħin tal-komunikazzjoni.

2. Is-sidien għandhom jikkomunikaw lis-Sorveljanza d-dħul u l-ħruġ tal-bastimenti tagħhom miż-ŻEE tal-Mawritanja permezz tal-faks, posta elettronika jew posta li jintbagħtu fuq in-numru tal-faks u l-indirizz murija fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

   Kull modifika tan-numri tal-komunikazzjoni u ta' l-indirizzi għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, fi żmien 15-il jum mid-dħul fis-seħħ tagħha.

3. Sakemm idumu fiż-ŻEE tal-Mawritanja, il-bastimenti Komunitarji għandhom dejjem isegwu l-frekwenzi tas-sejħa internazzjonali (VHF Kanal 16 jew HF 2182).

4. Meta jirċievu l-messaġġi tal-ħruġ miż-żona tas-sajd, l-awtoritajiet tal-Mawritanja jirriżervaw id-dritt li jiddeċiedu li jwettqu kontroll qabel il-ħruġ tal-bastimenti abbażi ta' ġbir ta' kampjuni madwar il-port ta' Nouadhibou jew dak ta' Nouakchott.

   Dawn il-ħidmiet ta' kontroll ma jistgħux idumu aktar minn 3 sigħat.

5. In-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet previsti fil-punti 1 sa 3 hawn fuq iwassal għas-sanzjonijiet li ġejjin:

   a) għall-ewwel darba:

      — il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

      — it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata mit-Teżor;

      — il-bastiment iħallas penali ugwali għall-minimu ta' l-ammont previst mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

   b) għat-tieni darba:

      — il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

      — it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata mit-Teżor;

— il-bastiment iħallas penali ugwali għall-minimu ta' l-ammont previst mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja;

— il-liċenzja tiġi annullata għall-bqija tal-perjodu tal-validità tagħha.

c) għat-tielet darba:

— il-bastiment titbiddillu d-direzzjoni, jekk dan ikun possibbli;

— it-tagħbija abbord tinħatt u tiġi kkonfiskata mit-Teżor;

— il-liċenzja tiġi rtirata b'mod definittiv;

— il-kaptan u l-bastiment ma jitħallewx iwettqu attività fil-Mawritanja.

6. F'każ li l-bastiment li jwettaq il-kontravenzjoni jaħrab, il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni sabiex is-sanzjonijiet previsti fil-punt 5 hawn fuq jistgħu jiġu applikati.

KAPITOLU II

PASSAĠĠ INNOĊENTI

Meta l-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-passaġġ innoċenti u ta' navigazzjoni fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt Marittimu u tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali fil-qasam, dawn għandhom iżommu t-tagħmir tas-sajd kollu merfugħa abbord kif suppost, b'mod li dawn ma jistgħux jintużaw immedjatament.

KAPITOLU III

TRASBORD

1. It-trasbord tal-qabdiet tal-bastimenti tal-Komunità jitwettqu esklussivament madwar il-portijiet tal-Mawritanja u fiż-żoni previsti fl-Appendiċi 5 ta' dan l-Anness.

2. Kull bastiment tal-Komunità li jixtieq iwettaq trasbord tal-qabdiet għandu jissottometti ruħu għall-proċedura prevista fil-punti 3 u 4 hawn fuq.

3. Is-sidien ta' dawn il-bastimenti għandhom jinnotifikaw lis-Sorveljanza, ta' l-anqas 36 siegħa qabel, bil-mezzi ta' komunikazzjoni previsti fil-punt 2 tal-Kapitolu I ta' dan l-Anness, l-informazzjoni li ġejja:

— l-isem tal-bastimenti tas-sajd li jkunu ser iwettqu t-trasbord;

— l-isem tal-bastiment li jkun ser iġorr il-qabda;

— it-tunnellaġġ, għal kull speċi, li jkun ser jiġi trasbordat;

— il-jum, id-data u l-ħin tat-trasbord.

Is-Sorveljanza tikkomunika r-risposta tagħha fi żmien massimu ta' 24 siegħa.

4. It-trasbord jitqies bħala ħruġ miż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja. Il-bastimenti għalhekk għandhom jagħtu lura lis-Sorveljanza, il-kopji oriġinali tal-ġurnal tas-sajd u tal-ġurnal tas-sajd anness u jinnotifikaw bl-intenzjoni tagħhom, kemm sabiex ikomplu s-sajd u kemm sabiex joħorġu miż-żona tas-sajd tal-Mawritanja.

5. Kull ħidma tat-trasbord tal-qabdiet mhux stipulata fil-punti 1 sa 4 hawn fuq mhix permessa fiż-ŻEE tal-Mawritanja. Kull kontravenzjoni għal din id-dispożizzjoni hija soġġett għas-sanzjonijiet previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja fis-seħħ.

6. Il-Parti tal-Mawritanja tirriserva d-dritt li tirrifjuta t-trasbord jekk il-bastiment li jġorr il-qabda jkun wettaq sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux regolamentat kemm ġewwa kif ukoll barra miż-ŻEE tal-Mawritanja.

KAPITOLU IV

SPEZZJONI U KONTROLL

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Komunità, jippermettu u jiffaċilitaw it-tlugħ abbord u t-twettiq tad-dmirijiet ta' kull uffiċjal tal-Mawritanja responsabbli mill-ispezzjoni u mill-kontroll ta' l-attivitajiet tas-sajd.

   Il-preżenza abbord ta' dawn l-uffiċjali m'għandhiex taqbeż iż-żmien neċessarju għat-twettiq tal-ħidma tagħhom.

   Fit-tmiem ta' kull spezzjoni u kontroll, jingħata ċertifikat lill-kaptan tal-bastiment.

2. Il-Parti Komunitarja torbot ruħha li żżomm il-programm speċifiku tal-kontroll fil-portijiet Komunitarji. Dan il-programm jiġi kkomunikat lill-Ministeru, li jirriżerva d-dritt li jitlob li jassisti f'dawn il-kotrolli skond id-dispożizzjonijiet previsti fil-Kapitolu V. Ġabriet tar-rapporti tal-kontrolli mwettqa jintbagħtu perjodikament lill-Ministeru.

KAPITOLU V

SISTEMA TA' OSSERVAZZJONI KONĠUNTA TAL-KONTROLLI FUQ L-ART

Iż-żewġ Partijiet jiddeċiedu li jwaqqfu sistema ta' osservazzjoni Konġunta ta' kontrolli fuq l-art, bil-ħsieb li titjieb l-effikaċja tal-kontroll. Għal dan il-għan, huma għandhom jaħtru rappreżentanti li jassistu fil-ħidmiet tal-kontroll u l-ispezzjonijiet effettwati mis-servizzi nazzjonali tal-kontroll rispettivi u jistgħu jeffettwaw osservazzjonijiet fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Dawn ir-rappreżentanti jrid ikollhom:

— kwalifika professjonali

— esperjenza adegwata fil-qasam tas-sajd, u

— għarfien approfondit tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u ta' dan il-Protokoll.

Meta dawn ir-rappreżentanti jassistu fl-ispezzjonijiet, dawn jitwettqu mis-servizzi nazzjonali tal-kontroll u dawn ir-rappreżentanti ma jistgħux, fuq l-inizjattiva tagħhom, jeżerċitaw drittijiet ta' spezzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali.

Meta dawn ir-rappreżentanti jakkompanjaw lill-uffiċjali nazzjonali, dawn ikollhom aċċess għall-bastimenti, postijiet u dokumenti li huwa suġġetti għall-ispezzjoni mill-uffiċjali, sabiex jiġbru informazzjoni mhux personali neċessarji sabiex iwettqu l-ħidma tagħhom.

Ir-rappreżentanti jakkompanjaw is-servizzi nazzjonali tal-kontroll fiż-żjarat tagħhom fil-portijiet abbord tal-bastimenti mal-moll, iċ-ċentri tal-bejgħ ta' rkanti pubbliċi, fl-imħażen tal-grossista tal-ħut, fl-imħażen bil-friża u lokali oħra li għandhom x'jaqsmu mal-ħatt u l-ħażniet tal-ħut qabel l-ewwel bejgħ fuq it-territorju jew fil-post fejn jitpoġġew fuq is-suq għall-ewwel darba.

Ir-rappreżentanti jippreparaw u jippreżentaw rapport kull 4 xhur rigward il-kontrolli li huma jkunu assistew fihom. Dan ir-rapport jiġi indirizzat lill-awtoritajiet kompetenti. Kopja tingħata minn dawn l-awtoritajiet lill-Parti kontraenti l-oħra.

1. **Implimentazzjoni**

   L-awtorità kompetenti tal-kontroll ta' Parti kontraenti għal kull każ tavża bil-miktub għaxart ijiem bil-quddiem lill-Parti kontraenti l-oħrabl-ispezzjonijiet li din tkun iddeċidiet li ser twettaq fil-port tagħha.

   Il-Parti kontraenti l-oħra tavża ħamest ijiem bil-quddiem, bl-intenzjoni tagħha li tibgħat rappreżentant.

   Il-missjoni tar-rappreżentant m'għandhiex iddum aktar minn 15-il jum.

2. **Kunfidenzjalità**

   Ir-rappreżentant tal-ħidmiet tal-kontroll konġunt għandu jirrispetta l-propjetà u t-tagħmir li jinstabu abbord tal-bastimenti u apparat ieħor, kif ukoll il-kunfidenzjalità ta' kull dokument li hu jkollu aċċess għalihom.

   Ir-rappreżentant għandu jikkomunika r-riżultati tal-ħidmiet tiegħu biss lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu.

3. **Post**

   Dan il-programm japplika għall-portijiet Komunitarji tal-ħatt u għall-portijiet tal-Mawritanja.

4. **Iffinanzjar**

Kull Parti kontraenti għandha tkun responsabbli għall-ispjież kollha tar-rappreżentant tagħha għall-ħidmiet ta' kontroll konġunt inkluż dawk ta' l-ivjaġġar u ta' l-akkomodazzjoni.

KAPITOLU VI

PROĊEDURA FIL-KAŻ TA' TLUGĦ ABBORD U ISPEZZJONI, U APPLIKAZZJONI TAS-SANZJONIJIET

1. **Trażmissjoni ta' l-informazzjoni**

Is-Sorveljanza tinforma lid-Delegazzjoni, fl-iqsar żmien possibbli imma li ma jaqbiżx it-48 siegħa ta' ħidma, b'kull tlugħ abbord u spezzjoni u b'kull applikazzjoni ta' sanzjonijiet għal bastiment tas-sajd tal-Komunità, li jkunu seħħew fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, u, f'każ ta' tlugħ abbord u spezzjoni, titrażmetti rapport qasir taċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li jkunu wasslu għal dan.

2. **Il-minuti tat-tlugħ abbord u l-ispezzjoni.**

Il-minuti tat-tlugħ abbord u l-ispezzjoni huma stabbiliti mis-Sorveljanza b'fedeltà abbażi ta' l-infrazzjonijiet eventwali stabbiliti u rreġistrati fir-rapport tal-vista ppreparat wara l-kontroll tal-bastiment. Dan ir-rapport ta' l-ispezzjoni jrid ikun iffirmat mill-kaptan tal-bastiment li jista' jinkludi fih ir-riżervi tiegħu.

Din il-firma ma tippreġudikax id-drittijiet u l-mezzi ta' difiża li l-kaptani jistgħu jagħmlu użu minnhom f'każ ta' xi infrazzjoni li tiġi attribwita lilu.

Fuq talba tas-Sorveljanza, il-kaptan irid iwassal il-bastiment tiegħu fil-port ta' Nouadhibou. F'każ kuntrarju u wara li tkun waqfet l-infrazzjoni, il-bastiment ikun jista' jkompli bis-sajd tiegħu. Is-sid għandu jikkuntattja mingħajr dewmien lill-Ministeru, sabiex jaslu għal soluzzjoni rigward din l-infrazzjoni. Jekk il-kwistjoni ma tiġix irregolata fi żmien 72 siegħa, is-sid għandu jagħmel depożitu bankarju sabiex ikopri multi eventwali

Jekk il-bastiment titbiddillu r-rotta lejn il-port ta' Nouadhibou, dan għandu jinżamm fil-port sa ma jitlestew il-formalitajiet amministrattivi normali previsti f'każ ta' tlugħ abbord u spezzjoni.

3. **Regolament tat-tlugħ abbord u spezzjoni**

3.1. B'konformità ma' dan il-Protokoll u għar-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, l-infrazzjonijiet jistgħu jiġu regolati kemm bi proċedura ta' kompromess barra l-qorti, u kemm bi proċedura ġudizzjarja.

3.2. F'każ ta' proċedura ta' kompromess, it-total tal-multa applikata jiġi determinat f'limitu li jinkludi minimu u massimu previsti mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja.

3.3. Fil-każ fejn il-kwistjoni ma setgħetx tiġi regolata mill-proċedura ta' kompromess, u li din titkompla quddiem qorti ġudizzjarja kompetenti, trid tiġi depożitata garanzija bankarja f'euro, ugwali għall-valur tal-kambju tal-massimu tal-limitu previst mir-regolamentazzjoni tal-Mawritanja, mis-sid f'bank maħtur mill-Ministeru.

3.4. Il-garanzija bankarja hija rrevokabbli qabel ma joħroġ ir-riżultat tal-proċedura ġudizzjarja. Din issir disponibbli mill-Ministeru wara li tintemm il-proċedura mingħajr kundanna. Bl-istess mod, f'każ ta' kundanna li twassal għal multa inferjuri għall-garanzija depożitata, id-differenza tingħata lura mill-Ministeru.

3.5. Il-bastiment u l-ekwipaġġ tiegħu jitħallew jitlqu mill-port:

— kemm meta jitwettqu l-obbligi li jirriżultaw mill-proċedura ta' kompromess;

— kemm wara d-depożitu tal-garanzija bankarja maħsuba fil-punt 3.3 aktar 'il fuq u li din tiġi aċċettata mill-Ministeru, waqt li tkun mistennija t-tkomplija tal-proċedura ġudizzjarja.

4. **L-osservanza tar-regolamenti**

Kull informazzjoni relattiva għal infrazzjonjiet imwettqa mill-bastimenti Komunitarji huma kkomunikati b'mod regolari lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

KAPITOLU VII

MONITORAĠĠ BIS-SATELLITA TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD

1. Il-bastimenti kollha tas-sajd li jkunu qed jistadu fil-qafas ta' dan il-Ftehim, ser ikunu suġġetti għal monitoraġġ bis-satellita meta jkunu fiż-ŻEE tal-Mawritanja.

2. Għal raġunijiet ta' monitoraġġ bis-satellita, il-koordinati (latitudni u lonġitudni) taż-ŻEE tal-Mawritanja jidhru fl-Appendiċi 4.

3. Il-Partijiet għandhom jipproċedu għal skambju ta' informazzjoni li tikkonċerna l-indirizzi X.25 u l-ispeċifikazzjonijiet utilizzati fil-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' bejn iċ-Ċentri tal-Kontroll tagħhom b'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 5 u 7. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, sa fejn ikun possibbli, l-ismijiet, in-numri tat-telefon u tal-faks u l-indirizzi elettroniċi (Internet jew https) li jistgħu jkunu utli għall-komunikazzjonijiet ġenerali bejn iċ-Ċentri tal-Kontroll. L-informazzjoni li tikkonċerna liċ-Ċentru tal-Kontroll tal-Mawritanja hija indikata fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.

4. Il-pożizzjoni tal-bastimenti hija determinata b'marġini ta' l-iżball inferjuri għal 500m u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %.

5. Meta bastiment li qed jistgħad fil-qafas tal-Ftehim u li jkun suġġett għall-monitoraġġ permezz tas-satellita fit-termini tal-leġiżlazzjoni Komunitarja jerġa' jidħol fiż-ŻEE tal-Mawritanja, ir-rapporti tal-pożizzjoni sussegwenti jiġu kkomunikati immedjatament miċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjoni lis-Sorveljanza (FMC), b'intervalli massimi ta' siegħa (l-identifikazzjoni tal-bastiment, il-lonġitudni, il-latitudni, ir-rotta u l-veloċità). Dawn il-messaġġi jiġu identifikati bħala Rapporti tal-Pożizzjoni.

6. Il-messaġġi stipulati fil-punt 5 jiġu trażmessi permezz ta' mezzi elettroniċi fil-format X.25, jew kull protokoll ieħor sikur. Dawn il-messaġġi jiġu komunikati f'ħin reali, konformement mal-format tat-tabella mehmuża fl-Appendiċi 3.

7. F'każ li l-apparat tal-monitoraġġ permanenti permezz tas-satellita installat abbord tal-bastiment tas-sajd iġarrab xi nuqqas tekniku jew jieqaf bil-ħsara, il-kaptan ta' dan il-bastiment jittrażmetti kemm jista' jkun malajr l-informazzjoni stipulata fil-punt 5 liċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjonitar-reġistrazzjoni u lill-FMC tal-Mawritanja permezz tal-fax. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun neċessarju li jintbagħat Rapport tal-Pożizzjoni globali kull 4 siegħat. Dan ir-rapport tal-pożizzjoni globali għandu jinkludi r-rapporti tal-pożizzjoni hekk kif irreġistrati mill-kaptan tal-bastiment fuq bażi ta' kull siegħa skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt 5. Huwa rrakomandat lis-sidien li bħala prekawzjoni jkollhom żewġ radjijiet abbord.

Iċ-Ċentru tal-Kontroll ta' l-Istat tar-reġistrazzjoni għandu jibgħat immedjatament dawn il-messaġġi lill-FMC tal-Mawritanja. It-tagħmir difettuż għandu jiġi msewwi jew sostitwit fi żmien massimu ta' ħamest ijiem. Meta jgħaddi dan iż-żmien, dan il-bastiment ikollu joħroġ miż-ŻEE tal-Mawritanja jew jidħol f'xi wieħed mill-portijiet tal-Mawritanja.

F'każ ta' problema teknika gravi li teżiġi dewmien supplementari, tista' tingħata deroga għal massimu ta' ħmistax-il jum fuq talba tal-kaptan. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet previsti fil-punt 7 jibqgħu applikabbli u l-bastimenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-bastimenti li jistadu għat-tonn, għandhom jidħlu fil-port sabiex itellgħu abbord osservatur xjentifiku mill-Mawritanja.

8. Iċ-Ċentri tal-Kontroll ta' l-Istati tal-bandiera għandhom jissorveljaw il-moviment tal-bastimenti tagħhom fiż-ŻEE tal-Mawritanja b'perjodiċità ta' siegħa. Fil-każ fejn il-monitoraġġ tal-bastimenti ma jseħħx skond il-kondizzjonijiet stipulati, l-FMC tal-Mawritanja jiġi infurmat b'dan immedjatament, u tapplika l-proċedura stipulata fil-punt 7.

9. Jekk l-FMC tal-Mawritanja jistabbilixxi li l-Istat tar-reġistrazzjoni ma jikkomunikax l-informazzjoni stipulata fil-punt 5, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata immedjatament permezz tad-Delegazzjoni.

10. L-informazzjoni tas-sorveljanza kkomunikati lill-Parti l-oħra, b'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, għandha tkun destinata esklussivament għall-kontroll u s-sorveljanza mill-awtoritajiet tal-Mawritanja tal-flotta Komunitarja li qed tistad fil-qafas ta' dan il-Ftehim. Din l-informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata lill-partijiet oħra fi kwalunkwe każ.

11. L-elementi tas-softwer u l-materjal tat-tagħmir tas-sistema ta' monitoraġġ permezz tas-satellita għandhom ikunu affidabbli u ma jkunu jippermettu l-ebda falsifikazzjoni tal-pożizzjonijiet u ma jkunux jistgħu jiġu manipulati b'mod manwali.

Is-sistema għandha tkun totlament awtomatika u taħdem f'kull mument u indipendentement mill-kondizzjonijiet ta' l-ambjent u tal-klima. M'huwiex permess li tinqered, issir ħsara, titwaqqaf milli taħdem jew ikun hemm interferenza fis-sistema ta' monitoraġġ permezz tas-satellita.

Il-kaptani tal-bastimenti għandhom jassiguraw li:

— l-informazzjoni ma tiġix mibdula;

— l-antenna jew l-antenni marbuta mat-tagħmir ta' monitoraġġ permezz tas-satellita ma jkunux blokkati;

— il-provvista ta' l-elettriku tat-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma tkunx interrotta;

— it-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma jitneħħiex.

12. Il-Partijiet għandhom jaqblu li, fuq talba, jagħmlu skambju ta' l-informazzjoni li tikkonċerna t-tagħmir utilizzat għall-monitoraġġ permezz tas-satellita, sabiex ikun verifikat li kull tagħmir huwa kompatibbli bis-sħiħ ma' l-eżiġenzi tal-Parti l-oħra għall-iskopijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

13. Kull tilwima li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazjzoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija suġġetta għall-konsultazzjoni bejn il-Partijiet fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta stipulata fl-Artikolu 10 tal-Ftehim.

14. F'każ ta' dubju dwar bastiment partikolari, l-FMC tal-Mawritanja għandu jindirizza talba lill-FMC ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni sabiex jittrażmettilu mingħajr dewmien il-pożizzjonijiet ġeografiċi (*polling*) ta' dan il-bastiment matul il-perjodu indikat fit-talba.

15. Iż-żewġ Partijiet, fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 10 tal-Ftehim, jimpenjaw ruħhom li jsibu s-soluzzjonijiet l-aktar adegwati sabiex:

a) Jitneħħew, qabel it-tmiem tas-sena 2006, il-problemi tekniċi kollha suxxettibbli li jaffetwaw l-effikaċja tas-sistema VMS fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja;

b) Jiġu analizzati l-mezzi u l-metodi kollha li jippermettu t-tisħiħ tal-koperazzjoni bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet VMS, u b'mod partikolari għall-inkoraġġiment tat-trażmissjoni simultanja ta' l-informazzjoni mill-bastimenti Ewropej lill-FMC ta' l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni u tas-Sorveljanza.

KAPITOLU VIII

OSSERVATURI XJENTIFIĊI MILL-MAWRITANJA ABBORD IL-BASTIMENTI TAL-KOMUNITÀ

Sistema ta' osservazzjoni hija stabbilita abbord il-bastimenti tal-Komunità.

1. Kull bastiment tal-Komunità li għandu liċenzja fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, itella' abbord osservatur xjentifiku mill-Mawritanja, ħlief għall-bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun li jtellgħu osservatur abbord fuq talba tal-Ministeru. F'kull każ, ma jistax jittella' ħlief osservatur xjentifiku wieħed għal kull bastiment.

Il-Ministeru jikkomunika lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, kull trimestru, qabel ma jingħataw il-liċenzji, il-lista tal-bastimenti magħżula li jtellgħu osservatur xjentifiku.

2. Iż-żmien li l-osservatur xjentifiku jdum abbord huwa ta' vjaġġ. Madankollu, fuq talba espliċita tal-Ministeru, dan it-tlugħ jista' jitwal għal diversi vjaġġi skond it-tul ta' żmien medju tal-vjaġġi maħsuba għal vapur partikolari. Din it-talba ssir mill-Ministeru meta jiġi komunikat l-isem ta' l-osservatur xjentifiku maħtur sabiex jitla' fuq il-vapur konċernat.

Bl-istess mod, f'każ ta' vjaġġ qasir, l-osservatur xjentifiku jista' jerġa' jagħmel vjaġġ ġdid fuq l-istess bastiment.

3. Il-Ministeru jinforma lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni, l-ismijiet ta' l-osservaturi xjentifiċi maħtura, li jkollhom id-dokumenti meħtieġa, ta' l-anqas sebat ijiem ta' ħidma qabel id-data prevista għat-tlugħ tagħhom.

4. L-ispejjeż kollha marbuta ma' l-attivitajiet ta' l-osservaturi xjentifiċi, inkluż is-salarju, remunerazzjoni, kumpens ta' l-osservatur għandhom jitħallsu mill-Ministeru. Fil-każ fejn l-osservatur xjentifiku jittella' jew jitniżżel f'port barrani, l-ispejjeż tal-vjaġġ, kif ukoll il-kumpens ta' kuljum għandhom jitħallsu mis-sid tal-bastiment, sakemm ma l-osservatur jitwassal fuq bastiment jew f'port tal-Mawritanja.

5. Il-kaptani tal-bastimenti magħżula li jilqgħu osservatur xjentifiku abbord għandhom jieħdu l-miżuri kollha sabiex itellgħu abbord u jniżżlu lill-osservatur xjentifiku.

L-osservatur xjentifiku għandu jiġi milqugħ abbord bħala uffiċjal tal-bastiment.

L-osservatur xjentifiku jiddisponi mill-faċilitajiet kollha neċessarji għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu. Il-kaptan għandu jagħtih aċċess għall-mezzi tal-komunikazzjoni neċessarji għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu, għad-dokumenti marbuta direttament għall-attivitajiet ta' sajd tal-bastiment, għall-ġurnal tas-sajd, għall-ġurnal tas-sajd supplementari u għall-ktieb tan-navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment neċessarji sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' osservazzjoni tiegħu.

6. It-tlugħ jew l-inżul ta' l-osservatur xjentifiku għandu jsir ġeneralment fil-portijiet tal-Mawritanja fil-bidu ta' l-ewwel vjeġġ, wara li tkun notifikata l-lista tal-bastimenti maħtura, u din in-notifika għandha ssir għoxrin jum qabel ma jibda l-vjaġġ.

Is-sidien jinfurmaw lill-Ministeru, bil-mezzi tal-komunikazzjoni msemmija fil-Kapitolu ta' dan l-Anness, fi żmiem ħmistax-il jum minn din in-notifika, id-dati u l-portijiet previsti għat-tlugħ ta' l-osservatur xjentifiku.

7. L-osservatur xjentifiku għandu jippreżenta ruħu lill-kaptan tal-bastiment magħżul lejliet id-data stabbilita għat-tlugħ abbord tiegħu. F'każ li l-osservatur xjentifiku ma jippreżentax ruħu, il-kaptan tal-bastiment jinforma lis-Sorveljanza li tipproċedi sabiex tissostitwixxi lill-istess osservatur fis-saġħtejn ta' wara. F'każ kuntrarju, il-bastiment għandu l-jedd jitlaq mill-port b'ċertifikat ta' assenza ta' l-osservatur xjentifiku. Madankollu, il-Ministeru jista' jipproċedi, għal spejjeż tiegħu, li jtella' abbord osservatur xjentifiku ġdid, mingħajr ma jtellef l-attività ta' sajd tal-bastiment.

8. Jekk is-sid tal-bastiment ma josservax xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet t'hawn fuq relattivi għall-osservatur xjentifiku, dan iwassal għal sospensjoni awtomatika tal-liċenzja sa ma s-sid iwettaq l-obbligi tiegħu.

9. L-osservatur xjentifiku għandu jkollu:

— kwalifika professjonali,

— esperjenza adegwata fil-qasam tas-sajd, u

— għarfien approfondit tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u tar-regolamentazzjoni tal-Mawritanja fis-seħħ.

10. L-osservatur xjentifiku jħares li jiġu rrispettati d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll mill-bastimenti tal-Komunità li qed jaħdmu fiż-żona tas-sajd tal-Mawritanja.

Huwa għandu jagħmel rapport ta' dan. B'mod partikolari, hu:

— josserva l-attivitajiet ta' sajd tal-vapuri,

— jivverifika l-pożizzjoni tal-vapuri li qed iwettqu ħidmiet ta' sajd,

— jipproċedi f'ħidmiet ta' ġbir ta' kampjuni bijiloġiċi fil-qafas ta' programmi xjentifiċi,

— jieħu nota tat-tagħmir tas-sajd u tal-malja tax-xbieki utilizzati.

11. Ix-xogħolijiet kollha ta' osservazzjoni huma llimitati għall-attivitajiet tas-sajd u għall-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu rregolati minn dan il-Protokoll.

12. L-osservatur xjentifiku

— jagħmel id-dispożizzjonijiet kollha xierqa sabiex il-kondizzjonijiet tat-tlugħ tiegħu, kif ukoll il-preżenza tiegħu fuq il-vapur, ma jinterrompux u l-anqas itellfu l-ħidmiet tas-sajd,

— juża l-apparat u l-proċeduri tal-miżuri miftiehma sabiex titkejjel il-malja tax-xbieki utilizzati fil-qafas ta' dan il-Ftehim,

— jirrispetta l-propjetà u t-tagħmir li jinstabu fuq il-vapur, kif ukoll il-kunfidenzjalità ta' kull dokument li huwa ta' l-imsemmi vapur.

13. Fit-tmiem tal-perjodu ta' l-osservazzjonji u qabel ma jitlaq minn fuq il-vapur, l-osservatur xjentifiku jagħmel rapport skond il-mudell li jidher fl-Appendiċi 2 ta' dan l-Anness. Huwa jiffirma dan fil-preżenza tal-kaptan li jista' jżid jew jitlob li jiġi miżjuda l-osservazzjonijiet kollha li huwa jqis li huma utli, u jiffirma taħthom. Kopja tar-rapport tingħata lill-kaptan qabel ma l-osservatur xjentifiku jitniżżel l-art.

Ta' kull xahar il-Ministeru jibgħat ir-rapporti tax-xahar ta' qabel bħala informazzjoni lill-Kummissjoni, permezz tad-Delegazzjoni.

KAPITOLU IX

IR-RIMI LURA FIL-BAĦAR

Iż-żewġ Partijiet jeżaminaw il-kwistjoni tar-rimi ta' fdalijiet lura fil-baħar li jsir mill-bastimenti tas-sajd u jistudjaw kif jista' jinstab użu għalihom.

KAPITOLU X

IL-ĠLIEDA KONTRA S-SAJD ILLEGALI

Sabiex jitrażżnu u tkompli l-ġlieda kontra l-attivitajiet ta' sajd illegali fiż-żoni tas-sajd tal-Mawritanja, li jistgħu jagħmlu ħsara lill-politika ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd, iż-żewġ Partijiet jaqblu li jkun hemm skambji regolari ta' informazzjoni dwar dawn l-attivitajiet.

Minbarra l-miżuri li ż-żewġ Partijiet japplikaw abbażi tar-regolamentazzjoni fis-seħħ tagħhom, huma jikkonsultaw bejniethom dwar l-azzjonijiet addizzjonali li għandhom jittieħdu individualment jew flimkien.

Għalhekk, huma jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom speċjalment fil-qasam tal-ġlieda kontra s-sajd illegali.

Appendiċi 1

Ftehim tas-sajd tal-Mawritanja — Komunità Ewropea — Indirizz ta' l-Awtorità tas-sorveljanza

Délégation à la Surveillance des Pêches maritimes (DSPCM)

Indirizz:	Boîte Postale (BP) 260 Nouadhibou
	Mawritania
Numru tat-telefown:	(222) 574 57 01
Faks:	(222) 574 63 12
Posta elettronika:	dspcm@toptechnology.mr

Kuntatti ta' l-fmc tal-Mawritanja

Isem ta' l-FMC:	DSPCM SSN
Tel. SSN:	(222) 574 67 43/574 56 26
Faks SSN:	(222) 574 67 43
Posta elettronika SSN:	dspcm@toptechnology.mr
Indirizz X25:	20803403006315

Appendiċi 2

Rapport ta' l-osservatur xjentifiku

Isem l-osservatur: .....

Bastiment: ..... Nazzjonalità: .....
Numru u port tar-reġistrazzjoni: .....
Karatteristika: ..... tunnellaġġ: ..... TG, qawwa: cv
Liċenzja: ..... Nru: ..... Tip: .....
Isem il-kaptan: ..... Nazzjonalità: .....

Tlugħ ta' l-osservatur: Data: ....., Port: .....
Inżul ta'l -osservatur: Data: ..... , Port: .....

Teknika ta' sajd awtorizzata: .....
Tagħmir użat: .....
Malja tax-xibka u/jew daqs: .....
Żoni tas-sajd frekwentati: .....
Distanza mill-kosta: .....
Numru ta' baħrin mill-Mawritanja abbord: .....
Dikjarazzjoni tad-dħul ...../...../..... u tal-ħruġ ..... / ..... /..... miż-żona tas-sajd

Stima ta' l-osservatur
Produzzjoni globali (kg): ....., iddikjarata fuq JP/JB: .....
Qabdiet inċidentali: speċi ..... Limitu stmat: ..... %
Rimi: Speċi: ..... Kwantità .....(kg): .....

Speċi miżmuma						
Kwantità (kg)						
Speċi miżmuma						
Kwantità (kg)						

Osservazzjonijiet ta' l-osservatur:

Natura ta' l-osservazzjoni	data	pożizzjoni

Osservazzjonijiet ta' l-osservatur (ġenerali): .....
.....
.....

Magħmul fi....., nhar .....

Firma ta' l-osservatur.....

Osservazzjonijiet tal-kaptan .....
.....
.....
Kopja tar-rapport irċevut nhar ..... Kopja tar-rapport irċevut nhar.....

Rapport mgħoddi lil .....
Kwalità: .....

Appendiċi 3

Il-Komunikazzjoni tal-messaġġi VMS fil-Mawritanja

Rapport tal-Pożizzjoni

Informazzjoni	Kodiċi	Obbligatorju/ Mhux obbligatorju	Noti
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Informazzjoni relattiva għas-sistema — indika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Destinatarju	AD	M	Informazzjoni relattiva għall-messaġġ — destinatarju. Kodiċi ISO Alpha 3 tal-pajjiż
Min qed jitrażmetti	FR	M	Informazzjoni relattiva għall-messaġġ — min qed jitrażmetti. Kodiċi ISO Alpha 3 tal-pajjiż
L-Istat tar-reġistrazzjoni	FS	O	
Tip ta' messaġġ	TM	M	Informazzjoni relattiva għall-messaġġ — tip ta' messaġġ "POS"
Kodiċi tas-sinjal tar-radju	RC	M	Informazzjoni relattiva għall-vapur — kodiċi internazzjonali ta' sinjal tar-radju tal-vapur
Numru ta' referenza intern għall-Parti kontraenti	IR	M	Informazzjoni relattiva għall-vapur — numru uniku tal-Parti kontraenti (kodiċi ISO-3 ta' l-Istat tar-reġistrazzjoni segwit min-numru)
Numru tar-reġistrazzjoni estern	XR	M	Informazzjoni relattiva għall-vapur — in-numru li jidher fuq il-ġenb tal-vapur
Latitudni	LA	M	Informazzjoni relattiva għall-pożizzjoni tal-vapur — il-pożizzjoni fi gradi, minuti u sekondi N/S GGMM.m (WGS 84)
Lonġitudni	LO	M	Informazzjoni relattiva għall-pożizzjoni tal-vapur — il-pożizzjoni fi gradi, minuti u sekondi N/S GGMMSS.m (WGS -84)
Kap	CO	M	Ir-rotta tal-vapur fuq skala ta' 360°
Veloċità	SP	M	Il-veloċità tal-vapur f'tużżani ta' mili tal-baħar
Data	DA	M	Informazzjoni relattiva għall-pożizzjoni tal-vapur — id-data tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni TUC (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	M	Informazzjoni relattiva għall-pożizzjoni tal-vapur — il-ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni TUC (SSMM)
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	M	Informazzjoni relattiva għas-sistema — tindika t-tmiem tar-reġistrazzjoni

Sett tal-karattri: ISO 8859.1

Trażmissjoni ta' l-informazzjoni hija strutturata kif ġej:

— linja doppja mmejla (//) u kodiċi li jimmarkaw il-bidu tat-trażmissjoni,

— linja waħda mmejla (/) timmarka s-separazzjoni bejn il-kodiċi u l-informazzjoni.

L-informazzjoni mhux obbligatorja trid tiddaħħal bejn il-bidu u t-tmiem tar-reġistrazzjoni.

Appendiċi 4

Limiti taż-ŻEE tal-Mawritanja

Il-koordinati taż-ŻEE/Protokoll

VMS UE

1 Limitu tal-fruntiera tan-Nofsinhar	Lat. 16° 04' 00" N	Longġ. 19° 58' 00" W
2 Koordinati	Lat. 16° 30' 00" N	Longġ. 19° 54' 00" W
3 Koordinati	Lat. 17° 00' 00" N	Longġ. 19° 47' 00" W
4 Koordinati	Lat. 17° 30' 00" N	Longġ. 19° 33' 00" W
5 Koordinati	Lat. 18° 00' 00" N	Longġ. 19° 29' 00" W
6 Koordinati	Lat. 18° 30' 00" N	Longġ. 19° 28' 00" W
7 Koordinati	Lat. 19° 00' 00" N	Longġ. 19° 43' 00" W
8 Koordinati	Lat. 19° 23' 00" N	Longġ. 20° 01' 00" W
9 Koordinati	Lat. 19° 30' 00" N	Longġ. 20° 04' 00" W
10 Koordinati	Lat. 20° 00' 00" N	Longġ. 20° 14' 30" W
11 Koordinati	Lat. 20° 30' 00" N	Longġ. 20° 25' 30" W
12 Limitu tal-fruntiera tat-Tramuntana	Lat. 20° 46' 00" N	Longġ. 20° 04' 32" W

Appendiċi 5

Il-koordinati taż-żona permessa għat-trasbord fil-port ta' Nouadhibou

(BUOY 2 = N 20° 43′ 6″ W 17° 01′ 8″)

1	Koordinati	Lat. 20° 43′ 6″ N	Longġ. 17° 01′ 4″ W
2	Koordinati	Lat. 20° 43′ 6″ N	Longġ. 16° 58′ 5″ W
3	Koordinati	Lat. 20° 46′ 6″ N	Longġ. 16° 58′ 5″ W
4	Koordinati	Lat. 20° 46′ 7″ N	Longġ. 17° 00′ 4″ W
5	Koordinati	Lat. 20° 45′ 3″ N	Longġ. 17° 00′ 4″ W
6	Koordinati	Lat. 20° 45′ 3″ N	Longġ. 17° 01′ 5″ W

Koordinati taż-żona permessa għat-trasbord fil-port ta' Nouakchott

1	Koordinati	Lat. 18° 01′ 5″ N	Longġ. 16° 07′ W
2	Koordinati	Lat. 18° 01′ 5″ N	Longġ. 16° 03′ 8″ W
3	Koordinati	Lat. 17° 59′ N	Longġ. 16° 07′ W
4	Koordinati	Lat. 17° 59′ N	Longġ. 16° 03′ 8″ W

ANNESS III

SFORZ TA' SAJD GLOBALI (2005)

Kategorija	Tip ta' bastiment	Sforz Totali			
		Nru ta' bastimenti	TG	Kw	Nru ta' jiem sajd
Kategorija 1: Krustaċji ħlief awwisti	Bil-friża	64	17 124	35 601	
	Bis-silġ	2	314	442	
	Total Parzjali	66	17 437	36 043	
Kategorija 2: Skejjen tas-sajd bit-tkarkir u skejjen tas-sajd bil-konzijiet tal-qiegħ — marlozz iswed					
	Bis-silġ	23	6 421	12 143	
Kategorija 3: Demersali minbarra l-marlozz iswed b'apparat li mhux bit-tkarkir					
	Bis-silġ	23	3 083	6 375	
Kategorija 4: Skejjen tas-sajd bit-tkarkir demersali minbarra l-marlozz iswed	Bil-friża	9	2 470	4 946	
Kategorija 5: Ċefalopodi	Bil-friża	150	50 798	97 870	
	Bis-silġ	88	20 081	26 699	
	Total Parzjali	238	70 879	124 569	
Kategorija 6: Awwisti	Bil-friża	0	0	0	
	Bis-silġ	0	0	0	
Kategorija 7-8: Bastimenti li jistadu għat-tonn bit-tartarun — Bastimenti li jistadu għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bil-konzijiet	Bil-friża	54	36 029	57 513	
Kategorija 9: Pelaġiċi	Bil-friża	66	392 993	231 259	
	Bis-silġ	0	0	0	
Kategorija 10: Granċijiet	Bil-friża	4	839	1 236	
	Bis-silġ				
Kategorija 11: Pelaġiċi żgħar friski					
	Bis-silġ	0	0	0	
Total		483	530 151	474 085	

In-numru ta' jiem ta' sajd għal bastimenti li jistadu ghat-tonn mhuwiex maqsum għal kull kategorija.
NB: l-isforz tas-sajd nazzjonali globali ma jikkunsidrax il-bastimenti f'waqfa provviżorja mtawla

ANNESS IV

Direzzjonijiet bl-għan ta' l-elaborazzjoni tar-reġistru ta' l-indikaturi ta' l-objettivi u l-prestazzjoni għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-*Stratégie de développement durable du secteur de la pêche de la Mauritanie* (l-Istrateġija ta' l-iżvilupp sostenibbli fis-settur tas-sajd tal-Mawritanja), sabiex jitnieda sajd sostenibbli u responsabbli fl-ilmijiet tagħha

Assi strateġiċi u għanijiet	Indikaturi
1. **Titjib fit-tmexxija fil-qasam tas-sajd**	
1.1. Żvilupp ikkontrollat tas-sajd tradizzjonali u mal-kosta	Adozzjoni u implimentazzjoni tal-pjan ta' mmaniġġjar għas-sajd tradizzjonali u mal-kosta Numru ta' tlugħ abbord ta' l-APC irreġistrati (f'valur assolut u f'perċentwali) Dokumentazzjoni tal-bastimenti fiż-ŻEE tal-Mawritanja Numru tal-pjanijiet elaborati ta' mmaniġġjar, implimentati u evalwati
1.2. Titjib fl-għarfien fil-qasam tas-sajd	Numru ta' stokks evalwati Numru ta' programmi ta' riċerka Numru ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa u monitoraġġ ta' l-istat tar-riżorsi prinċipali (b'mod partikolari miżuri ta' friżar u ħarsien għall-istokks sfruttati żżejjed) Evalwazzjoni ta' l-isforzi tas-sajd annwali għall-ispeċi li huma suġġetti ta' pjan ta' ġestjoni Sistema ta' ġestjoni ta' l-isforz tas-sajd operazzjonali (twaqqif ta' bażi ta' informazzjoni, strumenti ta' monitoraġġ statistiku, twaqqif ta' netwerks ta' servizzi responsabbli tal-ġestjoni tal-flotta, il-pubblikazzjoni tal-bulettini statistiċi, eċċ.)
1.3. Modernizzazzjoni u tisħiħ tar-riċerka tas-sajd	Possibbiltajiet ta' riċerka ta' l-IMROP imsaħħa (flimkien ma' l-għan 1.2)
2. **Tnaqqis tal-proċess ta' l-integrazzjoni tas-settur tas-sajd fl-ekonomija nazzjonali tal-Mawritanja**	
2.1. Żvilupp ta' l-infrastrutturi, b'mod partikolari l-infrastrutturi tal-port	Il-port ta' Nouadhibou rrinovat u estensjoni tal-port tas-sajd Is-suq tal-ħut tal-port ta' Nouakchott għall-ħatt tal-qabdiet tas-sajd tradizzjonali rrinovat Merkanzija madwar Nouadhibou mneħħija
2.2. Ristrutturazzjoni tal-flotta industrijali tal-Mawritanja	Il-flotta industrijali tal-Mawritanja rristrutturata (studji, pjan ta' azzjoni, strumenti finanzjarji)
2.3. Modernizzar u standardizzartal-flotta tas-sajd tradizzjonali	Numru ta' kenuri ta' l-injam sostitwiti minn kenuri magħmula b'materjal adattat (f'valur assolut u f'%) Numru ta' kenuri mgħammra bi b'sistema ta' refriġirazzjoni bis-silġ Regolamentazzjoni dwar il-kondizzjonijiet minimi ta' l-iġene u sanità applikabbli għall-kenuri u għall-prodotti tagħhom, elaborata u implimentata Żieda fin-numru ta' punti ta' ħatt Tlugħ abbord tradizzjonali u bastimenti tas-sajd mal-kosta standardizzazzjoni sanitarja (numru f'valur assolut u f'perċentwal)

Assi strateġiċi u ghanijiet	Indikaturi
2.4. Titjib fis-sorveljanza marittima	Korpi ta' kontrolluri indipendenti, imwaqqfa u operazzjonali (numru ta' persuni magħżula u mħarrġa) u reġistrazzjoni tal-baġit korrispondenti fil-liġi tal-finanzi u dan qabel it-tmiem ta' l-ewwel perjodu mit-tnejn tal-Protokoll. Numru ta' jiem ta' sorveljanza fil-baħar Numru ta' ispezzjonijiet fil-port u fuq il-baħar Numru ta; ispezzjonijiet mill-ajru Numru ta' bulettini statistiċi ppublikati Limiti ta' kemm ikopri r-radar Limiti ta' kemm tkopri l-VMS tal-flotta kollha Limiti ta' l-użu tal-ġurnal elettronikutas-sajd/il-flotta kollha industrijali u mal-kosta Programm ta' taħriġ adattat għat-tekniki ta' sorveljanza implimentat (numru ta' sigħat ta' taħriġ, numru ta' nies tekniċi mħarrġa, eċċ.)
2.5. Promozzjoni tal-prodotti tas-sajd (kondizzjonijiet sanitarji u fitosanitarji tal-prodotti mħatta u trasformati).	Sistema ta' spezzjoni tal-prodotti tas-sajd adattata u li taħdem Nies involuti konxji tar-regoli ta' l-iġjene (numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ organizzati u numru ta' persuni mħarrġa) Laboratorji għall-analiżi ta' Nouakchott li jaħdmu Suq tal-ħut ta' Nouakchott skond in-normi sanitarji Numru ta' siti mmaniġġjati għall-ħatt l-art u t-trasformazzjoni tradizzjonali Promozzjoni ta' sħubiji tekniċi u kummerċjali ma' l-operaturi privati barranin Proċess ta' ttikkettar ekoloġiku tal-prodotti mill-Mawritanja mnedija
3. **tisħiħ tal-possibbiltajiet fis-settur u tat-titjib tat-tmexxija**	
3.1. Titjib tas-sikurezza fil-baħar u tas-salvataġġ, partikolarmnet għall-flotta tradizzjonali;	Miżuri rakkomandati ta' sikurezza fil-baħar u ta' salvataġġ, b'mod partikolari għall-flotta tradizzjonali, implimentati Jintlaħqu n-normi ISPS Programm ta' taħriġ għat-titjib tas-sikurezza fil-baħar u ta' salvataġġ, b'mod partikolari għall-flotta tradizzjonali elaborat u implimentat Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Flotta tal-merkanzija (digrieti ta' l-applikazzjoni) Pjan nazzjonali ta' salvataġġ fuq il-baħar, Servizz tat-temp marittimu, Inġenji ta' Investigazzjoni-Inċidenti jaħdmu, eċċ.
3.2. Titjib fl-effikaċja tas-servizzi tekniċi tal-Ministeru tas-Sajd u ta' l-Ekonomija Marittima u tas-servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-ġestjoni tas-settur;	Possibbiltajiet amministrattivi msaħħa Programm ta' taħriġ u riċiklaġġ elaborat u applikat (numru ta' aġenti mħarrġa, numru ta' sieġħat ta' taħriġ, eċċ.) Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, konsultazzjoni u koperazzjoni mas-sħab imsaħħa Sistema ta' ġbir ta' informazzjoni u ta' monitoraġġ statistiku tas-sajd tradizzjonali u tal-kosta msaħħa
3.3. Tisħiħ tas-sistema ta' ġestjoni tal-liċenzji u ta' monitoraġġ tal-bastimenti.	Numru ta' sigħat ta' taħriġ għan-nies tekniċi Numru ta' nies tekniċi mħarrġa Tnedija ta' servizzi fuq in-netwerk

32006D0907

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2006

li taħtar membru Spanjol tal-Kumitat tar-Reġjuni

(2006/907/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Post ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara li skada l-mandat tas-Sur Joan Clos i Matheu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Jordi Hereu i Boher, Sindku ta' Barċellona, huwa maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, minflok is-Sur Joan Clos i Matheu, għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 30 Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. HYSSÄLÄ

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.

32006D0909

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tan-Norveġja dwar aġġustamenti fil-preferenzi kummerċjali għall-ġobon li saru fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/909/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 19(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jipprevedi li l-Partijiet kontraenti għandhom jeżaminaw kwalunkwe diffikultà li tista' tirriżulta fil-kummerċ tagħhom tal-prodotti agrikoli u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex ifittxu soluzzjonijiet adegwati.

(2) Ir-Renju tan-Norveġja u l-Komunità Ewropea kellhom konsultazzjonijiet bilaterali, fuq il-bazi ta' l-Artikolu 19(1) imsemmi hawn fuq, li kienu konklużi b'mod sodisfaċenti fis-7 ta' Ġunju 2006, u li rriżultaw fi Ftehim.

(3) Dak il-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aġġustamenti fil-preferenzi kummerċjali għall-ġobon li saru fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LUHTANEN

22006A1209(01)

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar aġġustamenti fil-preferenzi kummerċjali għall-ġobon li saru fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea

A. *Ittra mill-Komunità*

Sinjur,

Għandi l-unur li nirriferi għall-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-aġġustamenti fil-konċessjonijiet preferenzjali għall-ġobon, li saru mit-3 ta' Mejju 2006 sas-7 ta' Ġunju 2006, li twettqu fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Bil-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ bilaterali tal-ġobon, il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ftiehmu li jaġġustaw il-kwoti preferenzjali rispettivi li hemm bħalissa.

B'dan nikkonferma li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet kienu kif ġej:

1. Ir-Renju tan-Norveġja se jżid il-kwota tarrifarja annwali bla dazju fuq l-importazzjonijiet lejn in-Norveġja ta' ġobon li joriġina mill-Komunità Ewropea, b'500 tunnellata metrika. Il-kwantità addizzjonali se tkun allokata lil importaturi eżistenti fuq il-bażi *pro rata* (jiġifieri żieda ta' 12,5 % tal-kwota eżistenti). Il-volum tal-kwota tariffarja addizzjonali se tkun ta' 250 tunnellata metrika fl-2006. Il-kwota addizzjonali se tinfetaħ mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2006.

2. Il-Komunità Ewropea se tgħaqqad iż-żewġ kwoti tarrifarji annwali bla dazju fuq importazzjonijiet fil-Komunità Ewropea ta' ġobon li joriġina min-Norveġja (in-numri tal-kwota 09.4781 u 09.4782). Il-Komunità Ewropea se tapplika l-dispożizzjonijiet normali tagħha dwar l-amministrazzjoni ta' din il-kwota tariffarja magħquda, taħt sistema ta' amministrazzjoni ta' liċenzjar. Il-Komunità Ewropea se timplimenta din l-għaqda mill-1 ta' Jannar 2007, fil-bidu tat-tieni semestru (l-1 ta' Jannar 2007 — it-30 ta' Ġunju 2007), tas-sena ta' amministrazzjoni ta' din il-konċessjoni (l-1 ta' Lulju 2006 — it-30 ta' Ġunju 2007). Fil-każ li l-kwoti eżistenti tal-ġobon ma jintużawx kompletament matul is-semestru bejn l-1 ta' Lulju 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006, isir trasferiment għas-semestru bejn l-1 ta' Jannar 2007 u t-30 ta' Ġunju 2007.

3. Ir-regoli ta' oriġini sabiex jitwettqu l-aġġustamenti msemmija fil-punti 1 u 2 huma stabbiliti fl-Anness IV ma' l-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992. Madankollu, il-paragrafu 2 ma' l-Anness IV għandu jirriferi għal-lista fl-Anness II mal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li għandu jiġi applikat skond l-Anness I ma' l-istess Protokoll, minflok ghal-lista fl-Appendiċi msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Anness IV ma' l-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992.

4. Il-Partijiet jiftiehmu li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-kwoti tariffarji jiġu amministrati b'tali mod li l-importazzjonijiet jistgħu jsiru regolarment u li l-kwantitajiet miftiehma għall-importazzjoni jistgħu effettivament jiġu impurtati.

Dan l-Iskambju ta' Ittri għandu jiġi approvat mill-Partijiet konformement mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Komunità Ewropea taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li l-Gvern tar-Renju tan-Norveġja jaqbel mal-kontenut hawn fuq.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk,

B. *Ittra mir-Renju tan-Norveġja*

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum li tgħid hekk:

"Għandi l-unur li nirriferi għall-konsultazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-aġġustamenti fil-konċessjonijiet preferenzjali għall-ġobon, li saru mit-3 ta' Mejju 2006 sas-7 ta' Ġunju 2006, li twettqu fuq il-bażi ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

Bil-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-kummerċ bilaterali tal-ġobon, il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ftiehmu li jaġġustaw il-kwoti preferenzjali rispettivi li hemm bħalissa.

B'dan nikkonferma li r-riżultati tal-konsultazzjonijiet kienu kif ġej:

1. Ir-Renju tan-Norveġja se jżid il-kwota tarrifarja annwali bla dazju fuq l-importazzjonijiet lejn in-Norveġja ta' ġobon li joriġina mill-Komunità Ewropea, b'500 tunnellata metrika. Il-kwantità addizzjonali se tkun allokata lil importaturi eżistenti fuq il-bażi *pro rata* (jiġifieri żieda ta' 12,5 % tal-kwota eżistenti). Il-volum tal-kwota tariffarja addizzjonali se tkun ta' 250 tunnellata metrika fl-2006. Il-kwota addizzjonali se tinfetaħ mill-aktar fis possibbli, u mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2006.

2. Il-Komunità Ewropea se tgħaqqad iż-żewġ kwoti tarrifarji annwali bla dazju fuq importazzjonijiet fil-Komunità Ewropea ta' ġobon li joriġina min-Norveġja (in-numri tal-kwota 09.4781 u 09.4782). Il-Komunità Ewropea se tapplika l-dispożizzjonijiet normali tagħha dwar l-amministrazzjoni ta' din il-kwota tariffarja magħquda, taħt sistema ta' amministrazzjoni ta' liċenzjar. Il-Komunità Ewropea se timplimenta din l-għaqda mill-1 ta' Jannar 2007, fil-bidu tat-tieni semestru (l-1 ta' Jannar 2007 — it-30 ta' Ġunju 2007), tas-sena ta' amministrazzjoni ta' din il-konċessjoni (l-1 ta' Lulju 2006 — it-30 ta' Ġunju 2007). Fil-każ li l-kwoti eżistenti tal-ġobon ma jintużawx kompletament matul is-semestru bejn l-1 ta' Lulju 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006, isir trasferiment għas-semestru bejn l-1 ta' Jannar 2007 2007 u t-30 ta' Ġunju 2007.

3. Ir-regoli ta' oriġini sabiex jitwettqu l-aġġustamenti msemmija fil-punti 1 u 2 huma stabbiliti fl-Anness IV ma' l-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992. Madankollu, il-paragrafu 2 ma' l-Anness IV għandu jirriferi għal-lista fl-Anness II mal-Protokoll 4 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, li għandu jiġi applikat skond l-Anness I ma' l-istess Protokoll, minflok għal-lista fl-Appendiċi msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Anness IV ma' l-Iskambju ta' Ittri tat-2 ta' Mejju 1992.

4. Il-Partijiet jiftiehmu li jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-kwoti tariffarji jiġu amministrati b'tali mod li l-importazzjonijiet jistgħu jsiru regolarment u li l-kwantitajiet miftiehma għall-importazzjoni jistgħu effettivament jiġu impurtati.

Dan l-Iskambju ta' Ittri għandu jiġi approvat mill-Partijiet konformement mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Komunità Ewropea taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li l-Gvern tar-Renju tan-Norveġja jaqbel mal-kontenut hawn fuq."

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Gvern tan-Norveġja jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk,

32006D0910

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Diċembru 2006

rigward il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

(2006/910/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 149 u 150 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Bid-deċiżjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2005 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u fit-taħriġ vokazzjonali.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika b'konformità mad-direttivi fl-Anness għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

(3) Il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jistennew li jiksbu benefiċċju reċiproku minn din il-kooperazzjoni, li għandha, min-naħa tal-Komunità, tikkomplementa l-programmi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u tipprovdi valur miżjud Ewropew.

(4) Il-Ftehim kien iffirmat f'isem il-Komunità fil-21 ta' Ġunju 2006 suġġett għal possibbiltà tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(5) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ huwa permezz ta' dan approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kumitat Konġunt imsemmija fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandha tikkonsisti f'rappreżentant mill-Kummissjoni assistit minn rappreżentant minn kull Stat Membru.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa biex tagħti n-notifika li jipprovdi għaliha l-Artikolu 12(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
L. LUHTANEN

22006A1209(02)

FTEHIM

Bejn il-Komunità Ewropea u l-istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded programm ta' koperazzjoni fl-edukazzjoni superjuri, fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa waħda, u

L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA,

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem indikati kollettivament bħala "l-Partijiet"),

JINNOTAW li d-Dikjarazzjoni Transatlantika adottata mill-Komunità Ewropea u mill-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem indikati bħala "l-Komunità Ewropea") u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (minn hawn 'il quddiem indikat bħala "l-Istati Uniti") f'Novembru 1990 tagħmel referenza speċifika għat-tisħiħ tal-koperazzjoni reċiproka f'oqsma diversi li direttament jinċidu fuq il-benesseri preżenti u futur taċ-ċittadini tagħhom, bħalma huma skambji u proġetti konġunti fl-edukazzjoni u l-kultura, inklużi l-iskambji akkademiċi u taż-żgħażagħ. JINNOTAW li l-Aġenda Transatlantika l-ġdida adottata fis-*Summit* UE-US f'Diċembru 1995 f'Madrid tirreferi taħt Azzjoni IV — Bini ta' Pontijiet Fuq l-Atlantiku — fil-Ftehim KE/US li jistabbilixxi Programm ta' Koperazzjoni fl-Edukazzjoni u fit-Taħriġ Vokazzjonali bħala katalizzatur potenzjali għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet innovattivi ta' koperazzjoni ta' benefiċċju dirett għall-istudenti u għall-għalliema u jirriferu għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-klassi, billi jagħmlu rabtiet bejn stabbilimenti edukattivi fl-Istati Uniti u dawk fl-Unjoni Ewropea u jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwi, ta' l-istorja u tal-kultura ta' xulxin.

JINNOTAW li l-Konferenza Transatlantika "Pont fuq l-Atlantiku: Rabtiet bejn Poplu u Poplu" ta' l-1997 enfasizzat il-potenzjal għall-koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-qasam ta' l-edukazzjoni informali.

JINNOTAW li fis-*Summit* UE-US ta' Ġunju 2005, il-mexxejja ftiehmu dwar inizjattiva sabiex jiġu msaħħa l-integrazzjoni u t-tkabbir ekonomiċi transatlantiċi, li identifikat il-koperazzjoni fl-edukazzjoni bħala waħda mill-għodod "biex jiżdiedu s-sinerġiji minn naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku hekk kif l-ekonomiji tagħna jsiru dejjem aktar ibbażati fuq it-tagħrif" u impenjaw lilhom infushom sabiex jaħdmu sabiex "iġeddu u jsaħħu l-Ftehim US-UE dwar l-Edukazzjoni Superjuri u t-Taħriġ Vokazzjonali, li jinkludi l-programm Fulbright/Unjoni Ewropea, sabiex jingħataw spinta 'l quddiem il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-iskambji transatlantiċi bejn iċ-ċittadini tagħna".

JIKKUNSIDRAW li l-adozzjoni u l-implementazzjoni tal-Ftehim ta' l-1995 Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li Jistabbilixxi Programm ta' Koperazzjoni fl-Edukazzjoni superjuri, fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u fit-Taħriġ u l-Ftehim ta' l-2000 Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti li jġedded Programm ta' Koperazzjoni fl-Edukazzjoni superjuri, fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u fit-Taħriġ jagħmlu effettivi l-impenji tad-Dikjarazzjoni Transatlantika u jikkostitwixxu eżempji ta' koperazzjoni li jkollha suċċess kbir u li tħalli benefiċċji *vis-à-vis* l-ispejjeż magħmula.

JIRRIKONOXXU l-kontribuzzjoni kruċjali ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tar-riżorsi umani li jkunu kapaċi jipparteċipaw fl-ekonomija dinjija bbażata fuq it-tagħrif.

JIRRIKONOXXU li l-koperazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali għandha tikkomplementa inizjattivi relevanti oħra ta' koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti.

JIRRIKONOXXU l-importanza li tkun assigurata l-komplementarjetà ma' inizjattivi relevanti mwettqa fil-qasam ta' l-edukazzjoni superjuri u ta' taħriġ vokazzjonali minn organizzazzjonijiet internazzjonali attivi f'dawn l-oqsma bħall-OECD, l-UNESCO u l-Kunsill ta' l-Ewropa.

JIRRIKONOXXU li l-Partijiet għandhom interess komuni fil-koperazzjoni fl-edukazzjoni superjuri u fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ.

JISTENNEW li jakkwistaw benefiċċju reċiproku mill-attivitajiet koperattivi fl-edukazzjoni superjuri u fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġu.

JIRRIKONOXXU l-bżonn li jwessgħu l-aċċess għall-attivitajiet appoġġati taħt dan il-Ftehim, b'mod partikolari dawk l-attivitajiet fl-edukazzjoni vokazzjonali u fis-settur tat-taħriġ.

JIXTIEQU jistabbilixxu bażi formali għall-kontinwazzjoni tal-koperazzjoni fl-edukazzjoni superjuri u fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

Dan il-Ftehim iġedded il-Programm ta' Koperazzjoni ta' l-2000 fl-Edukazzjoni Superjuri u fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u fit-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Programm"), oriġinarjament stabbilit taħt il-Ftehim ta' l-1995 Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jistabbilixxi Programm ta' Koperazzjoni fl-Edukazzjoni Superjuri u fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u fit-Taħriġ.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

(1) "Istituzzjoni ta' edukazzjoni superjuri" tfisser kwalunkwe stabbiliment, skond il-liġijiet jew pratki applikabbli, li joffri kwalifiki jew diplomi fil-livell ta' l-edukazzjoni superjuri, irrispettivament mill-isem ta' tali stabbiliment;

(2) "Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ" tfisser kwalunkwe tip ta' entità pubblika, semi-pubblika jew privata, li, irrispettivament mill-isem mogħti lilha, skond il-liġijiet u l-pratki applikabbli, tipproġetta u timplementa edukazzjoni vokazzjonali jew taħriġ, taħriġ vokazzjonali ulterjuri, taħriġ vokazzjonali ta' aġġornament jew taħriġ mill-ġdid;

(3) "Studenti" tfisser dawk il-persuni kollha li jipparteċipaw fit-tagħlim jew f'korsijiet ta' taħriġ jew fi programmi mmexxija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri jew ta' edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ kif definit f'dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Obbjettivi

1. L-obbjettivi ġenerali tal-Programm għandhom ikunu:

(a) Il-promozzjoni ta' ftehim reċiproku bejn il-popli tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Uniti inkluża konoxxenza usa' tal-lingwi, tal-kulturi u ta' l-istituzzjonijiet tagħhom; kif ukoll,

(b) It-titjib fil-kwalità ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani kemm fil-Komunità Ewropea kif ukoll fl-Istati Uniti, inkluż l-akkwist ta' ħiliet meħtieġa *vis-à-vis* l-isfidi li ġġib magħha ekonomija bbażata fuq it-tagħrif.

2. L-obbjettivi speċifiċi tal-Programm għandhom ikunu:

(a) It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni superjuri u tat-taħriġ vokazzjonali;

(b) Kontribut għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri u ta' taħriġ vokazzjonali;

(ċ) Kontribut għall-iżvilupp personali individwali tal-parteċipanti għall-benefiċċju tagħhom stess u bħala mezz sabiex jinkisbu l-obbjettivi ġenerali tal-Programm; kif ukoll;

(d) Kontribut għall-iskambji transatlantiċi bejn iċ-ċittadini ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti.

3. L-obbjettivi operattivi tal-Programm għandhom ikunu:

(a) Appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri u istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jitmexxew 'il quddiem programmi konġunti ta' studju u l-mobbiltà;

(b) It-titjib fil-kwalità tal-mobbiltà transatlantika ta' l-istudenti billi jkunu promossi t-trasparenza, ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju u t-taħriġ, u, fejn ikun il-każ, it-trasferibbiltà ta' krediti;

(ċ) Appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni superjuri u tat-taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jiġu mħeġġa diskussjonijiet u skambju ta' esperjenza dwar kwistjonijiet relatati ma' linji politiċi; kif ukoll

(d) Appoġġ għall-mobbiltà transatlantika bl-għan li jiġi mtejjeb l-apprezzament reċiproku ta' kwistjonijiet relevanti għar-relazzjonijiet UE-US.

Artikolu 4

Prinċipji

Il-koperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandha tkun iggwidata bil-prinċipji li ġejjin:

(1) Rispett shiħ għar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u għall-awtonomija ta' l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni superjuri, ta' l-edukazzjoni vokazzjonali u tat-taħriġ;

(2) Benefiċċji reċiproċi mill-attivitajiet implementati permezz ta' dan il-Ftehim;

(3) Parteċipazzjoni wiesgħa bejn id-diversi Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika; kif ukoll,

(4) Rikonoxximent tad-diversità shiħa kulturali, soċjali, u ekonomika tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Artikolu 5

Azzjonijiet tal-Programm

Il-Programm għandu jiġi segwit permezz ta' l-azzjonijiet deskritti fl-Anness, li jifforma parti integranti ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Kumitat Konġunt

1. Huwa b'dan stabbilit Kumitat Konġunt. Dan għandu jinkludi numru ugwali ta' rappreżentanti minn kull waħda mill-Partijiet.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu:

(a) Ir-reviżjoni ta' l-attivitajiet ta' koperazzjoni previsti taħt dan il-Ftehim; kif ukoll

(b) Il-preżentazzjoni ta' rapport kull sentejn lill-Partijiet dwar il-livell, l-istatus u l-effikaċja ta' l-attivitajiet koperattivi implementati taħt dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kull sentejn jew kif miftiehem bejn il-Partijiet, b'laqgħat ta' din ix-xorta miżmuma alternattivament fil-Komunità Ewropea u fl-Istati Uniti.

4. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jintlaħqu b'kunsens. Għandhom jittieħdu minuti, li jinkludu d-dettalji tad-deċiżjonijiet u l-punti prinċipali, waqt kull laqgħa. Dawn il-Minuti għandhom jiġu approvati minn dawk il-persuni magħżula minn kull naħa sabiex imexxu konġuntament il-laqgħa, u għandhom, flimkien mar-rapport ta' kull sentejn, jiġu mqiegħda għad-dispozzjoni ta' l-uffiċjali, ta' livell Ministerjali, ta' kull Parti.

Artikolu 7

Monitoraġġ u Valutazzjoni

Il-Programm għandu jkun immonitorjat u valutat kif meħtieġ fuq bażi koperattiva. Dan għandu jippermetti, kif meħtieġ, ir-riorjentament ta' l-attivitajiet fid-dawl ta' kwalunkwe ħtieġa jew opportunità li titfaċċa matul l-operat tiegħu.

Artikolu 8

Finanzjament

1. L-attivitajiet taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu suġġetti għad-disponibilità ta' fondi u għal-liġijiet u regolamenti, linji politiċi u programmi applikabbli tal-Komunità Ewropea u ta' l-Istati Uniti. Il-finanzjament għandu jkun, sakemm ikun possibbli, fuq il-bażi ta' ekwivalenza ġenerali ta' fondi bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jipprovaw joffru attivitajiet taħt il-Programm ta' benefiċċju u firxa komparabbli.

2. L-ispejjeż li jsiru mill-Kumitat Konġunt jew f'ismu għandhom jitħallsu mill-Parti li lejha jkunu responsabbli l-membri. L-ispejjeż, minbarra dawk ta' l-ivvjaġġar u ta' sussistenza, li jkunu direttament assoċjati ma' laqgħat tal-Kumitat Konġunt, għandhom jitħallsu mill-Parti ospitanti.

Artikolu 9

Dħul ta' Persunal

Kull Parti għandha taġħmel l-aħjar li tista' sabiex tiffaċilita d-dħul u l-ħruġ fit-territorju taġħha ta' persunal, studenti, materjal u taġħmir tal-Parti l-oħra impenjati jew użati fl-attivitajiet koperattivi taħt dan il-Ftehim.

Artikolu 10

Ftehimiet oħra

Dan il-Ftehim ma għandux jieħu post jew b'mod ieħor jolqot xi ftehim jew attivitajiet oħra mwettqa fl-oqsma koperti bejn kwalunkwe Stat Membru tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Artikolu 11

L-Applikazzjoni Territorjali ta' dan il-Ftehim

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li għalihom japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u taħt il-kundizzjonijiet preskritti f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għall-Istati Uniti.

Artikolu 12

Dħul fis-Seħħ u Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li r-rekwiżiti legali tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim twettqu, skond id-data li tiġi l-aħħar. Dan il-Ftehim jieħu post il-Ftehim ta' l-2000 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti li jġedded il-Programm ta' Koperazzjoni fl-Edukazzjoni Superjuri, fl-Edukazzjoni Vokazzjonali u fit-Taħriġ fl-intier tiegħu.

2. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal tmien snin u jista' jiġi estiż jew emendat permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub.

L-emendi u l-estensjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li r-rekwiżiti tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jipprevedi l-emendament jew l-estensjoni in kwistjoni ġew imwettqa.

3. Dan il-Ftehim jista' jiġi terminat fi kwalunkwe waqt minn kull Parti billi jagħti pre-avviż bil-miktub ta' tnax-il xahar. L-iskadenza jew it-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim ma għandhiex tolqot il-validità jew it-tul ta' żmien ta' kwalunkwe arranġament pre-eżistenti magħmula taħtu.

Artikolu 13

Magħmul fi Vjenna f'dan il-wieħed u għoxrin jum ta' Ġunju 2006, duplikatament bl-Ingliż, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, bit-testi kollha ugwalment awtentiċi. F'każ ta' diskrepanzi, għandha tipprevalixxi l-lingwa Ingliża.

B'XIEHDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif dovut, iffirmaw dan il-Ftehim.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapen

Por los Estados Unidos de América
Za Spojené státy americké
For Amerikas Forenede Stater
Für die Vereinigten Staaten von Amerika
Ameerika Ühendriikide nimel
Για τις Ηνωμένες Πολιτείες της Αμερικής
For the United States of America
Pour les États-Unis d'Amérique
Per gli Stati Uniti d'America
Amerikas Savienoto Valstu vārdā
Jungtinių Amerikos Valstijų vardu
az Amerikai Egyesült Államok részéről
Għall-Istati Uniti ta' l-Amerika
Voor de Verenigde Staten van Amerika
W imieniu Stanów Zjednoczonych Ameryki
Pelos Estados Unidos da América
Za Spojené štáty americké
Za Združene države Amerike
Amerikan yhdysvaltojen puolesta
På Amerikas förenta staters vägnar

ANNESS

AZZJONIJIET

Azzjoni 1 — Proġetti ta' Konsorzji Konġunti bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu sostenn lil istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri u ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali li jifformaw konsorzji KE/SU konġunti bl-għan li jwettqu proġetti konġunti fil-qasam ta' l-edukazzjoni superjuri u ta' l-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali.

2. Kull konsorzju konġunt għandu jkun iffurmat permezz ta' sħubija multilaterali bejn istituzzjonijiet, tal-KE u ta' l-Istati Uniti, ta' edukazzjoni superjuri u ta' taħriġ vokazzjonali.

3. Il-proġetti ta' konsorzji konġunti għandhom normalment jinvolvu l-mobbiltà transatlantika ta' studenti fil-qafas ta' programmi konġunti ta' studju, bl-għan ta' parità fil-flussi f'kull direzzjoni, u għandhom jipprevedu l-preparazzjoni lingwistika u kulturali adegwata.

4. L-awtoritajiet kompetenti fuq kull naħa sejrin jiftiehmu dwar l-oqsma ta' suġġetti eliġibbli għal konsorzji KE/SU konġunti bbażati fuq oqsma prijoritarji li jkunu essenzjali għall-koperazzjoni KE/SU.

Azzjoni 2 — Eċċellenza (segwitu) Proġetti ta' mobbiltà

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu sostenn finanzjarju għall-mobbiltà ta' l-istudenti lejn il-konsorzji konġunti ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri u ta' taħriġ vokazzjonali li jkollhom rekord stabbilit ta' eċċellenza fl-implementazzjoni ta' proġetti konġunti finanzjati mill-Partijiet.

Azzjoni 3 — Miżuri għall-implementazzjoni ta' politika

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu sostenn finanzjarju lil proġetti multilaterali li jinvolvu organizzazzjonijiet attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni superjuri u tat-taħriġ vokazzjonali bl-għan li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni superjuri u tat-taħriġ vokazzjonali. Il-miżuri għall-implementazzjoni ta' politika jistgħu jinkludu studji, konferenzi, *seminars*, gruppi ta' ħidma, eżerċizzji ta' *benchmarking* u jindirizzaw kwistjonijiet orizzontali dwar l-edukazzjoni superjuri u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż ir-rikonoxximent ta' kwalifiki.

Azzjoni 4 — L-Għotjiet "Schuman-Fulbright"

Il-Partijiet għandhom il-ħsieb li jipprovdu boroż ta' studju lil professjonisti bi kwalifiki għolja (inklużi professjonisti fuq taħriġ li jistgħu jkunu qegħdin isegwu studji avvanzati f'universitajiet u skejjel professjonali) li jkunu jixtiequ jsegwu studji jew jieħdu taħriġ, f'oqsma ta' relevanza speċifika għar-relazzjonijiet bejn il-KE u l-Istati Uniti, li jkunu identifikati konġuntament bejn il-Partijiet. Għall-finijiet tal-promozzjoni ta' għotjiet "Schuman-Fulbright" u tas-sostenn ta' riċeventi ta' għotjiet, il-Partijiet jistgħu jipprovdu sostenn finanzjarju lil xi organizzazzjoni li huma jinnominaw konġuntament.

Azzjoni 5 — Assoċjazzjoni ta' *Alumni*

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu sostenn finanzjarju lil Assoċjazzjonijiet ta' *Alumni* li jinvolvu studenti li ppartečipaw fi skambji sostnuti mill-programm ta' koperazzjoni KE/SU fl-edukazzjoni superjuri u taħriġ vokazzjonali. L-Assoċjazzjonijiet ta' *Alumni* jistgħu jkunu mmexxija minn organizzazzjonijiet li l-Partijiet għandhom jinnominaw konġuntament.

L-AMMINISTRAZZJONI TAL-PROGRAMM

L-amministrazzjoni ta' dawn l-Azzjonijiet għandha tkun implementata mill-uffiċjali kompetenti ta' kull Parti. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

1. It-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-preżentazzjoni ta' proposti, inkluża l-preparazzjoni ta' sett komuni ta' linji gwida għall-applikanti.

2. It-twaqqif ta' skeda kronoloġika għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, għall-preżentazzjoni u għall-għażla ta' proposti.

3. Il-provvista ta' informazzjoni dwar il-Programm u dwar l-implementazzjoni tiegħu.

4. Il-ħatra ta' konsulenti akkademiċi u esperti.

5. Rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti dwar liema proġetti għandhom jiġu finanzjati.

6. L-għoti ta' servizz ta' amministrazzjoni finanzjarja; u

7. Il-promozzjoni ta' approċċ koperattiv lejn is-sorveljanza u l-valutazzjoni tal-programmi.

Bħala regola ġenerali, il-Komunità Ewropea sejra tipprovdi sostenn għall-użu mill-imsieħba mill-Komunità Ewropea fil-proġetti; l-Istati Uniti sejjer jipprovdi sostenn għall-użu mill-imsieħba mill-l-Istati Uniti fil-proġetti. Fl-għoti ta' sostenn, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għal għotjiet fissi mogħtija darba, gradatorji ta' spejjeż unitarji u/jew boroż ta' studju.

MIŻURI TA' SOSTENN TEKNIKU

Il-fondi jistgħu jintużaw għall-akkwist tas-servizzi neċessarji għall-implementazzjoni tal-Programm. B'mod partikolari, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għal esperti; jistgħu jorganizzaw *seminars*, *colloquia* jew laqgħat oħra li jkunu jistgħu jiffaċilitaw l-implementazzjoni tal-Programm; u jistgħu iwettqu attivitajiet ta' valutazzjoni, informazzjoni, pubblikazzjoni u disseminazzjoni.

32006E0913

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/913/PESK

tas-7 ta' Diċembru 2006

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) fir-rigward ta' l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA")

Estenzjoni għall-2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 14 u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Kinshasa (DRC) dwar l-Unità tal-Pulizija Integrata (EUPOL "KINSHASA") ([1]).

(2) Bl-Azzjoni Konġunta 2005/822/PESK tal-21 ta' Novembru 2005 ([2]), il-Kunsill emenda u estenda l-mandat ta' l-EUPOL KINSHASA għall-ewwel fażi sat-30 ta' April 2006. Bl-Azzjoni Konġunta 2006/300/PESK tal-21 ta' April 2006, il-Kunsill emenda u estenda l-mandat ta' l-EUPOL Kinshasa għall-ewwel fażi sal-31 ta' Diċembru 2006 ([3]), li b'mod partikolari kien jipprevedi rafforzament temporanju ta' l-EUPOL Kinshasa matul il-proċess elettorali fir-RDK.

(3) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/868/PESK, li estendiet ir-rafforzament temporanju ta' EUPOL "Kinshasa" sal-31 ta' Diċembru 2006.

(4) Il-mandat ġenerali ta' EUPOL Kinshasa għandu jkun adattat u estiż għal perijodu ulterjuri ta' sitt xhur, u r-rafforzament temporanju għandu jkun estiż għal perijodu ulterjuri ta' tliet xhur.

(5) Din l-Azzjoni Konġunta għandha tkun riveduta, jekk ikun hemm bżonn, ladarba l-Kunsill ikun iddeċieda dwar azzjonijiet ta' l-UE fil-futur fil-qasam tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2004/847/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) Artikolu 1 (3) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-EUPOL KINSHASA għandha tiġi temporanjament rafforzata matul il-proċess elettorali u fil-perjodu ta' warajh eżatt fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3. Dan ir-rafforzament għandu jintemm fil-31 ta' Marzu 2007 l-iktar tard."

2) L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Dikjarazzjoni tal-Missjoni

L-Unjoni Ewropea għandha twettaq missjoni tal-pulizija f'Kinshasa (DRC) sabiex tissorvelja, tiggwida u tipprovdi konsulenza għat-twaqqif u t-tmexxija inizjali ta' l-IPU (*Integrated Police Unit*) sabiex jiġi żgurat li l-IPU taġixxi skond it-taħriġ fiċ-Ċentru ta' l-Akkademja u skond l-aħjar prattika internazzjonali f'dan il-qasam. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu ffokati fuq il-linja ta' kmand ta' l-IPU għat-tisħiħ tal-kapaċità tat-tmexxija ta' l-IPU u għas-sorveljanza, l-iggwidar u l-għoti ta' konsulenza lill-Unitajiet operattivi fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħha.

EUPOL 'KINSHASA' għandha tkompli tissorvelja, tiggwida u tipprovdi konsulenza dwar l-iżvilupp ta' l-IPU u għandha tgħin li tiġi żgurata l-integrazzjoni adegwata ta' l-IPU fil-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC). EUPOL 'KINSHASA' għandha ssaħħaħ ukoll il-kapaċità ta' konsulenza tagħha lill-pulizija Kongoliża bil-ħsieb li tiffaċilita l-proċess ta' Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fir-RDK flimkien ta' EUSEC RD CONGO.

([1]) ĠU L 367, 14.12.2004, p. 30. Azzjoni Konġunta kif l-aħħar emendata bl-Azzjoni Konġunta 2006/868/PESK (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 50).

([2]) ĠU L 305, 24.11.2005, p. 44.

([3]) ĠU L 111, 25.4.2006, p. 12.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'KINSHASA' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'KINSHASA' għandha tistabbilixxi, bħala parti integrali ta' l-EUPOL 'KINSHASA' u fil-qafas globali tas-sigurtà għall-elezzjonijiet, element ta' appoġġ għall-koordinament tal-pulizija sabiex tiżgura rispons imsaħħaħ u koordinat ta' l-unitajiet PNC ta' kontroll tal-folol f'Kinshasa, f'każ ta' rvellijiet matul il-perjodu elettorali, b'fokus partikolari fuq l-elezzjoni tal-President tar-RDK. Il-qasam ta' responsabbiltà għandu jkun limitat għal Kinshasa. L-element ta' appoġġ għall-koordinazzjoni tal-pulizija, bħala parti mill-EUPOL 'KINSHASA', ma għandux ikollu setgħat eżekuttivi.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'KINSHASA' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'KINSHASA' għandha jkollha l-awtorità li tuża kontribuzzjonijiet finanzjarji bilaterali dedikati sabiex jinkiseb tagħmir addizzjonali għall-unitajiet ta' kontroll tal-folol tal-PNC f'Kinshasa."

3) L-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

L-Istruttura tal-Missjoni

Il-Missjoni tkun magħmula minn Kwartieri Ġenerali (HQ) u sorveljanti tal-pulizija. Il-HQ ikunu magħmula mill-uffiċċju tal-Kap tal-Missjoni u fergħa ta' appoġġ amministrattiv. Is-sorveljanti IPU, il-*mentors* u l-konsulenti kollha, kif ukoll l-istrutturi, ikunu ko-allokati fil-bażi operattiva ta' l-IPU.

Għall-finijiet tar-rafforzament temporanju ta' l-EUPOL 'KINSHASA' matul il-proċess elettorali, l-EUPOL 'KINSHASA' sejra tinkludi element ta' koordinament dedikat li jkun responsabbli mill-kompiti speċifiċi assenjati lill-missjoni matul dan il-perjodu."

4) Fl-Artikolu 14, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Din għandha tiskadi fil-30 ta' Ġunju 2007".

Artikolu 2

L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub sabiex ikopri l-infiq relatat mal-missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' Ġunju 2007 għandu jkun ammont massimu ta' EUR 2 075 000.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

32006D0914

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Novembru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

(2006/914/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 152 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Waqt li jikkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 dwar it-twaqqif ta' Ċentru Ewropew għal Sorveljar dwar Droga u l-Vizzju tad-Droga [2], jipprovdi, fl-Artikolu 13 tiegħu, li ċ-Ċentru għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi mhux Komunitarji li jaqsmu l-interessi tal-Komunità u dawk ta' l-Istati Membri tagħha fl-għanijiet u fix-xogħol taċ-Ċentru.

(2) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Noverġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga [3] kien iffirmat fid-19 ta' Ottubru 2000 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001. L-Artikolu 5 ta' dak il-Ftehim jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja min-Noverġja għax-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA).

(3) In-Norveġja talbet ir-reviżjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għax-xogħol ta' l-EMCDDA, wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Kummissjoni innegozjat f'isem il-Komunità Ftehim man-Norveġja dwar ir-reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga.

(5) Il-Ftehim, li ġie inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005, għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 36, 12.2.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1651/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

[3] ĠU L 257, 11. 10.2000, p. 24.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jittrasmettu n-nota diplomatika prevista fl-Artikolu 3 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

E. TUOMIOJA

22006A1212(01)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar ir-Reviżjoni ta' l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja prevista fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-Xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)

Il-KOMUNITà EWROPEA (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Komunità"),

minn naħa waħda,

u r-RENJU TAN-NORVEĠJA (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ in-"Norveġja"),

min-naħa l-oħra,

IFAKKRU fil-Ftehim bejn l-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga li kien iffirmat fid-19 ta' Ottubru 2000 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001, u partikolarment fl-Artikolu 5 tiegħu li jistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja għax-xogħol ta' l-EMCDDA;

JIKKUNSIDRAW li n-Norveġja talbet ir-reviżjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha għax-xogħol ta' l-EMCDDA fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea;

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-FTEHIM:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol ta' l-EMCDDA għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

In-Norveġja għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-attivitajiet taċ-Ċentru skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ma' dan il-Ftehim, li għandu jifforma parti integranti minnu.".

Artikolu 2

L-Anness ma' dan il-Ftehim għandu jsir l-Anness mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fix-xogħol ta' l-EMCDDA.

Il-formula disposta fl-Anness għandha tapplika għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja għall-*budget* ta' l-EMCDDA mill-bidu tas-sena li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data ta' riċezzjoni ta' l-aħħar nota diplomatika li tikkonferma li ġew sodisfatti r-rekwiżiti ġuridiċi tal-Parti Kontraenti rispettiva dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

ANNESS

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja

1. Sabiex jittieħed kont tat-tkabbir eventwalment possibbli ta' l-Unjoni Ewropea fil-futur u sabiex jiġu evitati aġġustamenti ulterjuri, il-formula għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tan-Norveġja sejra tkun kif ġej:

   L-ammont tas-sussidju Komunitarju, eskluż il-finanzjament Reitox/ (In-numru ta' Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea + 1) – 10 %.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja min-Norveġja m'għandhiex tkun anqas minn EUR 271 000 (skond il-prezzijiet ta' l-2004) irrispettivament min-numru ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-ispiża tat-tkabbir għal kull pajjiż kif ġie stmat mill-EMCDDA fl-2001. Dak l-ammont ikun suġġett għal aġġustament tekniku kull sena, ibbażat fuq ix-xejriet tal-prezzijiet u fuq id-dħul gross nazzjonali (*GNI*) fl-Unjoni Ewropea.

32006E0918

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/918/PESK

tal-11 ta' Diċembru 2006

li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u possibbilment f'oqsma oħra fil-Kosovo

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-10 ta' April 2006 l-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK [1] li tistabbilixxi Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni, eventwalment possibbli, ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u possibbilment f'oqsma oħra fil-Kosovo. Din l-Azzjoni Konġunta tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(2) Fil-11 ta' Ottubru 2006 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-EUPT Kosovo jiġi estiż u qabel li l-mandat ta' l-EUPT Kosovo għandu jiġi adattat.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK għandha tiġi estiża u emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1 (2), l-ewwel inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— li jmexxi 'l quddiem l-ippjanar u jieħu azzjoni biex jiżgura tranżizzjoni mingħajr xkiel bejn kompiti magħżula ta' l-UNMIK u operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat ta' dritt u f'oqsma li jistgħu jiġu identifikati mill-Kunsill fil-kuntest tal-proċess dwar l-istatus futur."

(2) L-Artikolu 2(5) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' l-operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi futura possibbli fir-rigward tal-mezzi ta' appoġġ meħtieġa minnha, inkluż it-tagħmir kollu, is-servizzi u l-post u t-tfassil ta' termini ta' referenza relatati jew speċifikazzjonijiet tekniċi. Il-proposta ta' azzjonijiet biex jiġu akkwistati it-tagħmir, is-servizzi u l-postijiet meħtieġa u jikkonkludi dawk l-azzjonijiet, b'kont meħud tal-possibilità li jieħu f'idejh it-tagħmir, il-postijiet u l-materjali adattati minn sorsi disponibbli, inkluż il-UNMIK, fejn huwa rilevanti, fattibbli u kost-effiċjenti. It-tnedija ta' proċeduri għal sejħa għal offerti u l-għotja ta' kuntratti għandhom isiru fejn xieraq skond il-klawsola suspensiva u/jew kuntratti qafas.

Ir-reklutaġġ ta' persunal li jkun jikkostitwixxi l-qalba ta' operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi futura possibbli tal-PESD, bil-ħsieb ta' insedjament rapidu.

Il-ħruġ ta' pjan ta' insedjament għall-operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi futura possibbli ta' l-UE."

(3) L-Artikolu 4 (7) għandu jitħassar.

(4) L-Artikolu 9 (1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata ma' l-EUPT Kosovo mill-10 ta' April 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 għandu jkun EUR 3 005 000.

L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata ma' l-EUPT Kosovo mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Mejju 2007 għandu jkun EUR 10 545 000."

(5) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma' l-Artikolu 9:

"6. F'każijiet debitament sostanzjati, partikolarment fir-rigward ta' forniturі li joffru termini partikolarment vantaġġużi, il-Kummissjoni tista' tagħmel eċċezzjoni għar-regoli ta' oriġini applikabbli għall-akkwist."

[1] ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19.

(6) L-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Reviżjoni

Sal-15 ta' April 2007, il-Kunsill għandu jivvaluta jekk l-EUPT Kosovo għandux ikompli wara l-31 ta' Marzu 2007, b'kont meħud tal-htieġa ta' transizzjoni bla xkiel għal operazzjoni possibbli ta' l-UE ta' l-immaniġġar ta' kriżi fil-Kosovo."

(7) L-Artikolu 15 (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għandha tiskadi fil-31 ta' Mejju 2007 jew fid-data tat-tnedija ta' l-operazzjoni ta' maniġġar ta' kriżi, liema minn-hom tiġi l-ewwel.".

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

32006D0921

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2006

dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa

(2006/921/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-appoġġ għall-Missjoni Temporanja tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo (UNMIK) u għall-Uffiċċju tar-Rappreżentant Ġholi fil-Bożnja u l-Ħerżegovina (OHR) [1] u l-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa (PS), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Ġunju 1999 il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, flimkien mal-parteċipanti fil-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa, qablu li jwaqqfu Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Patt ta' Stabbiltà".

(2) L-Artikolu 1(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1080/2000 jipprovdi għall-Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà li jinħatar fuq bażi annwali.

(3) Jeħtieġ li jkun stabbilit, flimkien mal-ħatra, mandat għall-Koordinatur Speċjali. L-esperjenza wriet li l-mandat stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (KE) Nru 2005/912 tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar il-ħatra ta' Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa [2] għall-2006 hu adatt. Flimkien mal-konklużjonijiet tal-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa li, fit-30 ta' Mejju 2006 f'Belgrad, approva pjan ta' tranżizzjoni għall-pussess reġjonali u f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2006, il-mandat għandu jagħmel enfasi speċjali fuq din it-tranżizzjoni.

(4) Hu xieraq li jkunu stabbiliti linji ċari tar-responsabbiltà kif ukoll gwida dwar il-koordinazzjoni u r-rappurtaġġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dr Erhard BUSEK b'dan jinħatar Koordinatur Speċjali tal-Patt ta' Stabbiltà għax-Xlokk ta' l-Ewropa ("il-Patt ta' Stabbiltà").

Artikolu 2

Il-Koordinatur Speċjali għandu jwettaq il-funzjonijiet previsti f'punt 13 tad-dokument tal-Patt ta' Stabbiltà ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

Artikolu 3

Sabiex jinkiseb l-għan imsemmi fl-Artikolu 2, il-mandat tal-Koordinatur Speċjali għandu jkun li:

(a) jippromwovi l-kisba ta' l-għanijiet tal-Patt ta' Stabbiltà, fi ħdan, u bejn il-pajjiżi individwali u fejn il-Patt ta' Stabbiltà juri li għandu valur miżjud;

[1] ĠU L 122, 24.5.2000, p. 27. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 2098/2003 (ĠU L 316, 29.11.2003, p. 1).

[2] ĠU L 331, 17.12.2005, p. 32.

(b) jippresjedi il-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa;

(ċ) iżomm kuntatt mill-qrib mal-parteċipanti kollha u Stati, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà, kif ukoll inizjattivi relevanti reġjonali u organizzazzjonijiet, bil-għan li titrawwem kooperazzjoni reġjonali u titkabbar il-proprjetà reġjonali;

(d) jikkoopera mill-viċin ma' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha sabiex jippromwovi s-sehem ta' l-Unjoni Ewropea fil-Patt ta' Stabbiltà skond il-punti 18, 19, 20 tad-dokument tal-Patt ta' Stabbiltà u jiżgura kumplimentarjetà bejn ix-xogħol tal-Patt ta' Stabbiltà u l-Proċess ta' Stabbiltà u Assoċjazzjoni;

(e) jiltaqa' perjodikament u b'mod kollettiv kif xieraq mal-Presidenti ta' l-Imwejjed ta' Ħidma, biex jiżgura koordinazzjoni strateġika ġenerali u jaġixxi bħala segretarjat tal-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa u l-istrumenti tagħha;

(f) jaħdem fuq il-bażi ta' lista, li jkun hemm qbil dwarha minn qabel u b'konsultazzjoni mal-parteċipanti fil-Patt ta' Stabbiltà, ta' azzjonijiet ta' prijorità għall-Patt ta' Stabbiltà biex ikunu implimentati matul l-2007, u jaġġusta l-metodi ta' xogħol u l-istrutturi tal-Patt ta' Stabbiltà għal bżonnijiet tat-tranżizzjoni tal-pussess reġjonali, biex tkun żgurata l-konsistenza u l-użu effiċjenti tar-riżorsi.

(g) jiffaċilita l-implimentazjoni tat-tranżizzjoni għall-pussess reġjonali skond il-konklużjonijiet tal-Mejda Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Ewropa fit-30 ta' Mejju 2006 u għal dan l-iskop jaħdem mill-qrib mal-Proċess ta' Kooperazzjoni tax-Xlokk ta' l-Ewropa u mas-Segretarju Ġenerali tiegħu meta jinħatar; għandha tingħata attenzjoni partikulari għat-twaqqif tal-kunsill ta' Kooperazzjoni Reġjonali u tas-segretarjat tal-kooperazzjoni reġjonali kif ukoll dwar ir-razzjonalizzazzjoni tat-Task Forces varji u inizjattivi tal-Patt ta' Stabbiltà.

Artikolu 4

Il-Koordinatur Speċjali għandu jikkonkludi ftehim finanzjarju mal-Kummissjoni.

Artikolu 5

L-attivitajiet tal-Koordinatur Speċjali għandhom ikunu koordinati ma' dawk tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli għall-PESK, il-President tal-Kunsill u l-Kummissjoni, notevolment fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv Informali. Fil-qasam, għandha tinżamm kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Kapijiet tal-Missjoni ta' l-Istati Membri, ir-Rappreżentanti Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ma' l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bożnja u Ħerżegovina u l-Amministrazzjoni Ċivili tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo.

Artikolu 6

Il-Koordinatur Speċjali għandu jirrapporta, kif xieraq, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Huwa għandu jkompli jinforma regolarment lill-Parlament Ewropew bl-attivitajiet tiegħu.

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

32006R1839

15.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 355/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1839/2006

tat-28 ta' Novembru 2006

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina, konformement ma' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] stabbilixxa nomenklatura għall-merkanzija, minn hawn 'il quddiem imsejħa "in-Nomenklatura Magħquda", u stabbilixxa r-rati ta' dazju konvenzjonali tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni 2006/930/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina [2], il-Kunsill approva l-Ftehim, f'isem il-Komunità, bil-ħsieb li jingħalqu n-negozjati li kienu nbdew skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 għandu għalhekk jiġi emendat u supplimentat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87, l-Anness I għandu jiġi emendat bid-dazji u supplimentat bil-volumi indikati fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness 7 tat-Taqsima III tat-Tielet Parti (kwoti tad-WTO li għandhom jinfetħu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità) għandu jiġi emendat kif ġej fir-rigward tal-Kodiċi NM 0201 30 00:

(a) id-deskrizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja tal-KE ta' 11 000 tunnellata metrika "Laħam 'ta' kwalità għolja' mingħajr għadam: 'Qatgħat taċ-ċanga speċjali jew ta' kwalità tajba miksubin minn bhejjem ta' l-ifrat li kienu jirgħu, eskluživament, ta' età bejn 22 u 24 xahar, b'żewġ sinniet permanenti ta' quddiem u li juru piż ta' qatla ħajjin mhux ogħla minn 460 kilogramm, magħruf bħala "ċanga speċjali ippakkjata", li qatgħat tagħha jistgħu jkollhom l-ittri "sc" (*special cuts*)'" għandha tiġi sostitwita minn "Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' bhejjem ta' l-ifrat frisk jew imkessaħ";

(b) Taħt "Termini u kondizzjonijiet oħra" għandu jiġi inserit it-test: "Pajjiż fornitur: Arġentina".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 (ĠU L 301, 31.10.2006, p. 1).

[2] Ara paġna 91 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, it-test li jiddeskrivi l-prodotti għandu jkun kunsidrat li ma jkollux aktar minn valur indikattiv, filwaqt li l-konċessjonijiet ikunu determinati, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet tan-NM kif ikunu jeżistu fiż-żmien ta' l-adozzjoni tar-Regolament attwali. Fejn jiġu indikati ex-kodiċi tan-NM, il-konċessjonijiet għandhom ikunu determinati mill-applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u tad-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien.

It-Tieni Parti
Skeda ta' dazji doganali

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju
0304 20 94	Qatgħat ta' ħut friżat ħlief ta' ħut ta' l-ilma ħelu	Dazju applikat aktar baxx ta' 11,4 % (1)
0303 79 98	Ħut friżat ta' l-ilma mielaħ, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut ta' l-intestatura 0304, ħlief fwied u bajd	Dazju applikat aktar baxx ta' 12,4 % (1)
Numri tat-tariffa tal-prodott 0202 20 30 0202 30 0206 29 91	Laħam ta' annimali ta' l-ifrat, friżat; kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin; mingħajr għadam Ġewwieni li jittiekel ta' annimali ta' l-ifrat, friżat; falda ħoxna u falda rqiqa. Il-laħam importat għandu jkun użat għall-ipproċessar.	Implimentat bir-Regolament (KE) Nru 267/2006
Numru tat-tariffa tal-prodott 0402 10 19	Trab tal-ħalib xkumat:	Żid 537 tunnellata metrika (*erga omnes*) fil-kwota tariffarja tal-KE
Numru tat-tariffa tal-prodott ex 0808 10 80	Tuffieħ	Żid 96 tunnellata metrika (*erga omnes*) fil-kwota tariffarja tal-KE
Numri tat-tariffa tal-prodott 1005 10 90 1005 90 00	Qamħirrun;	Implimentat bir-Regolament (KE) Nru 711/2006
Numri tat-tariffa tal-prodott 2009 11 11 2009 11 19 2009 19 11 2009 19 19 2009 29 11 2009 29 19 2009 39 11 2009 39 19 2009 49 11 2009 49 19 2009 79 11 2009 79 19 2009 80 11 2009 80 19 2009 80 34 2009 80 35 2009 80 36 2009 80 38 2009 90 11 2009 90 19 2009 90 21 2009 90 29	Meraq tal-frott	Implimentat bir-Regolament (KE) Nru 711/2006

It-Tieni Parti
Skeda ta' dazji doganali

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju
Numri tat-tariffa tal-prodott 2204 29 65 2204 29 75	Inbid	Ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 20 000 hl (*erga omnes*) fir-rata tal-kwota ta' EUR 8/hl
Numri tat-tariffa tal-prodott 2204 21 79 2204 21 80	Inbid	Ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 40 000 hl (*erga omnes*) fir-rata tal-kwota ta' EUR 10/hl
In-numru tat-tariffa tal-prodott 2205 90 10	Vermut	Ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 13 810 hl (*erga omnes*) fir-rata tal-kwota ta' EUR 7/hl

(1) Ir-rata inferjuri applikata indikata hawn fuq ghandha tiġi applikata ghal tliet snin jew sa meta l-implimentazzjoni tar-riżultati tas-Serje ta' Taħditiet ta' Doha taht l-Aġenda dwar l-Iżvilupp tilhaq il-livell tariffarju ta' hawn fuq, skond liema minnhom tiġi l-ewwel.

Id-deskrizzjoni tariffarja eżatta tal-KE-15 ghandha tapplika ghal-linji tariffarji u l-kwoti kollha ta' hawn fuq.

32006R1840

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1840/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazju definittiv ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li joriġinaw fl-Indja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 tat-13 ta' Jannar 2004 li jimponi dazju definittiv ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li joriġinaw fl-Indja [2] ("ir-Regolament oriġinali"),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA TA' QABEL

(1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, il-Kunsill impona dazju definittiv ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 6302 21 00 (kodiċi TARIC 6302 21 00 81, 6302 21 00 89), ex 6302 22 90 (kodiċi TARIC 6302 22 90 19), ex 6302 31 00 (kodiċi TARIC 6302 31 00 90) u ex 6302 32 90 (kodiċi TARIC 6302 32 90 19), li joriġinaw fl-Indja. Minħabba l-għadd kbir ta' produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat li kkoperaw fl-Indja, intgħażel kampjun b'konformità ma' l-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku u ġew imposti rati ta' dazju individwali mifruxa minn 4,4 % sa 10,4 % fuq il-kumpanniji inklużi fil-kampjun, filwaqt li l-kumpanniji l-oħra li kkoperaw imma ma ġewx inklużi fil-kampjun ingħataw rata ta' dazju ta' 7,6 %. Ġiet imposta rata ta' dazju residwu ta' 10,4 % fuq il-kumpanniji l-oħra kollha.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004 jistipula li meta kwalunkwe produttur esportatur ġdid fl-Indja jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li ma esportax lejn il-Komunità l-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) waqt il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2001 sat-30 ta' Settembru 2002) ("l-ewwel kriterju"), li ma hu relatat ma' l-ebda esportatur jew produttur fl-Indja li huwa suġġett għall-miżuri ta' kontra s-sussidji imposti minn dak ir-Regolament ("it-tieni kriterju") u li effettivament esporta lejn il-Komunità il-prodotti kkonċernati wara l-perjodu ta' l-investigazzjoni li l-miżuri huma bbażati fuqu, jew li daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinjifikanti lejn il-Komunità ("it-tielet kriterju"), allura l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi jagħti lill-produttur esportatur il-ġdid ir-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkoperaw li ma ġewx inklużi fil-kampjun, jiġifieri 7,6 %.

(3) Ir-Regolament oriġinali ġie emendat darbtejn b'Regolamenti li jemendaw, jiġifieri bir-Regolament (KE) Nru 2143/2004 [3], u r-Regolament (KE) Nru 122/2006 [4]. Iż-żewġ Regolamenti żiedu mal-lista ta' produtturi esportaturi Indjani fl-Anness ta' dan ir-Regolament l-ismijiet tal-kumpanniji li jesportaw il-prodott ikkonċernat li joriġina fl-Indja li ssodisfaw lis-servizzi tal-Kummissjoni li laħqu l-kriterji stabbiliti fir-Regolament oriġinali.

B. TALBIET TA' ESPORTATURI/PRODUTTURI ĠODDA

(4) 19-il kumpannija Indjana applikaw biex jingħataw l-istess stat tal-kumpanniji li kkoperaw fl-investigazzjoni oriġinali mhux inklużi fil-kampjun ("status ta' parteċipanti ġodda") mill-pubblikazzjoni tar-Regolament preċedenti li jemenda.

(5) Id-19-il applikant kienu:

Kumpannija applikanti	Belt
B.K.S. Textiles Private Limited	Coimbatore
Indian Arts & Crafts Syndicate (IACS)	New Delhi
Mittal International	Panipat
Esskay International	Mumbai
Opera Clothing	Mumbai
Govindji Trikamdas & Co.	Mumbai
Navnitlal Private Limited	Mumbai
Tulip Exim	Mumbai
Aarthi — A1 — Traders	Karur
Anjani Synthetics Limited	Ahmedabad
Home Concepts	New Delhi

[1] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

[2] ĠU L 12, 17.1.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 122/2006 (ĠU L 22, 26.1.2006, p. 3).

[3] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 1.

[4] ĠU L 22, 26.1.2006, p. 3.

Kumpannija applikanti	Belt
Siyaram Silk Mills Limited	Mumbai
Ramlaks Exports Pvt. Ltd.	Mumbai
Oracle Exports	Mumbai
Sellon Dynamics	Mumbai
Synthesis Home Textiles	Karur
Devtara Industries	Muradnagar
Summer India Textile Mills	Salem
Prathishta Weaving and Knitting	Coimbatore

(6) Erba' kumpanniji li talbu status ta' parteċipanti ġodda ma weġbux il-kwestjonarju maħsub biex jivverifika li ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, u t-talbiet tagħhom kellhom għalhekk jiġu miċħuda.

(7) Kumpannija waħda rritornat il-kwestjonarju darbtejn, id-darbtejn mhux mimli għal kollox u b'tagħrif kontradittorju. It-tielet kwestjonarju mibgħut lill-kumpannija ma ġiex irritornat u għalhekk hija ma kinitx kapaċi tipprova li kkonformat mal-kriterji biex tingħata l-istat ta' produttur esportatur ġdid. It-talba ta' dik il-kumpannija ġiet għalhekk miċħuda.

(8) L-14-il kumpannija li jifdal bagħtu tweġibiet għall-kwestjonarju mimlija għal kollox u għalhekk tqiesu għall-istatus ta' parteċipanti ġodda.

(9) L-evidenza miġjuba minn sitta mill-esportaturi/produtturi Indjani msemmija hawn fuq tqieset li hija biżżejjed biex tingħatalhom ir-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkoperaw mhux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 7,6 %) u għaldaqstant jiżdiedu mal-lista ta' esportaturi/produtturi fl-Anness (l-"Anness") tar-Regolament (KE) Nru 74/2004.

(10) It-tmien kumpanniji li jifdal kellhom l-applikazzjonijiet tagħhom għal stat ta' produttur esportatur ġdid miċħuda għar-raġunijiet li ġejjin:

(11) Seba' kumpanniji naqsu milli jipprovdu evidenza li esportaw il-prodott ikkonċernat wara l-perjodu ta' investigazzjoni lejn il-KE jew li kellhom obbligi kuntrattwali irrevokabbli biex jesportaw il-prodott ikkonċernat fi kwantitajiet sinjifikanti lejn il-KE.

(12) Kumpannija waħda hija relatata ma' kumpannija diġà elenkati fir-Regolament oriġinali u l-applikazzjoni tagħha għal stat ta' ġdida kienet għalhekk miċħuda peress li ma għaddietx mit-tieni kriterju msemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament oriġinali.

(13) Il-kumpanniji li ma ngħatalhomx l-istatus ta' parteċipanti ġodda ġew mgħarrfa bir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni u ngħataw l-opportunità li jwasslu l-fehmiet tagħhom bil-miktub.

(14) L-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-partijiet interessati ġew analizzati u debitament meqjusa fejn hekk kien jixraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpanniji li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-lista ta' produtturi mill-Indja elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 74/2004:

Kumpannija	Belt
Indian Arts and Crafts Syndicate	New Delhi
M/s. Opera Clothing	Mumbai
Anjani Synthetics Limited	Ahmedabad
Ramlaks Exports Pvt Ltd	Mumbai
Oracle Exports Home Textiles Pvt Ltd	Mumbai
Summer India Textile Mills (P) Ltd	Salem

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

32006D0930

15.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 355/91

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-28 ta' Novembru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea

(2006/930/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2004 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT ta' l-1994, matul il-proċess ta' adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati dwar Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina. Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDECIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina rigward il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni mal-Komunità Ewropea, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri msemmi fl-Artikolu 1 sabiex tintrabat lill-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. HEINÄLUOMA

22006A1215(01)

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni mal-Komunità Ewropea

A. *Ittra mill-Komunità Ewropea*

Brussell,

Sinjur,

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika Arġentina taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom mal-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina bl-iskop li jkunu konklużi n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 lid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994:

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE ta' 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-KE ta' 25, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-Anness ma' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE tirċievi mir-Repubblika Arġentina ittra ta' ftehim debitament esegwita, wara konsiderazzjoni mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Il-KE għandha tagħmel mill-aħjar li tista' sabiex tistabbilixxi l-miżuri implimentattivi adatti qabel l-1 ta' Ottubru 2006 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007.

F'isem
il-Komunità Ewropea

ANNESS

0304 20 96: Dazju applikat iktar baxx ta' 11,4 % għal tliet snin jew sa meta l-implimentazzjoni tar-riżultati tad-DDA tilħaq il-livell tariffarju miftiehem, skond liema minnhom jiġi l-ewwel.

0303 79 96: Dazju applikat iktar baxx ta' 12,4 % għal tliet snin jew sa meta l-implimentazzjoni tar-riżultati tad-DDA tilħaq il-livell tariffarju miftiehem, skond liema minnhom jiġi l-ewwel.

— Żid 4 003 tunnellati metriċi (*erga omnes*) f'f'kwota ta' rata tariffarja tal-KE għal "laħam ta' bhejjem ta' l-ifrat, friżat; kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin; mingħajr għadam" u "ġewwieni li jittiekel ta' bhejjem ta' l-ifrat, friżat; falda ħoxna u falda rqiqa. Il-laħam importat għandu jkun użat għall-ipproċessar" (numri tat-tariffi tal-prodotti 0202 20 30, 0202 30, 0206 29 91),

— żid 537 tunnellata metrika (*erga omnes*) fil-kwota ta' rata tariffarja tal-KE għat-trab tal-ħalib xkumat (numri tat-tariffi tal-prodotti 0402 10 19),

— żid 96 tunnellata metrika (*erga omnes*) fil-kwota ta' rata tariffarja tal-KE għat-tuffieħ (numri tat-tariffi tal-prodotti ex 0808 10 80),

— ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 242 074 tunnellata metrika (erga omnes) għall-qamħirrum (numri tat-tariffi tal-prodotti 1005 10 90, 1005 90 00) b'rata ta' kwota ta' 0 %,

— ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 7 044 tunnellata metrika (erga omnes) għall-meraq tal-frott (numri tat-tariffi tal-prodotti 2009 11 11, 2009 11 19, 2009 19 11, 2009 19 19, 2009 29 11, 2009 29 19, 2009 39 11, 2009 39 19, 2009 49 11, 2009 49 19, 2009 79 11, 2009 79 19, 2009 80 11, 2009 80 19, 2009 80 32, 2009 80 33, 2009 80 35, 2009 80 36, 2009 80 38, 2009 90 11, 2009 90 19, 2009 90 21, 2009 90 29), b'rata ta' kwota ta' 20 %,

— ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 20 000 hl (erga omnes) għall-inbid (numri tat-tariffi tal-prodotti 2204 29 65, 2204 29 75) b'rata ta' kwota ta' EUR 8/hl,

— ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 40 000 hl (erga omnes) għall-inbid (numri tat-tariffi tal-prodotti 2204 21 79, 2204 21 80) b'rata ta' kwota ta' EUR 10/hl,

— ibda kwota ta' rata tariffarja ta' 13 810 hl (erga omnes) għall-vermut (numri tat-tariffi tal-prodotti 2205 90 10) b'rata ta' kwota ta' EUR 7/hl.

Id-deskrizzjonijiet tat-tariffi eżatti tal-KE-15 għandhom japplikaw għal-linji tariffarji u l-kwoti kollha ta' hawn fuq.

— immodifika d-definizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja ta' 11 000 tunnellata metrika "Laħam 'ta' kwalità għolja' mingħajr għadam: 'Qatgħat taċ-ċanga speċjali jew ta' kwalità tajba miksubin minn bhejjem ta' l-ifrat li kienu jirgħu, esklużivament, ta' età bejn 22 u 24 xahar, b'żewġ sinniet permanenti ta' quddiem u li juru piż ta' qatla ħajjin mhux ogħla minn 460 kilogramm, magħrufa bħala "ċanga speċjali ippakkjata", li qatgħat tagħha jistgħu jkollhom l-ittri "sc" (*special cuts*)'" għal "Laħam ta' kwalità għolja mingħajr għadam ta' bhejjem ta' l-ifrat frisk jew imkessaħ", pajjiż fornitur: Arġentina.

B. *Ittra mir-Repubblika Arġentina*

Brussell,

Sinjur,

Qed issir referenza għall-ittra tiegħek li tgħid:

"Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej u r-Repubblika Arġentina taħt l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom mal-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Arġentina bl-iskop li jkunu konklużi n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 lid-WTO skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994:

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għat-territorju doganali tal-KE ta' 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE taqbel li tinkorpora fl-iskeda tagħha għall-KE ta' 25, il-konċessjonijiet li jinsabu fl-Anness ma' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-KE tirċievi mir-Repubblika Arġentina ittra ta' ftehim debitament esegwita, wara konsiderazzjoni mill-Partijiet skond il-proċeduri tagħhom stess. Il-KE għandha tagħmel mill-aħjar li tista' sabiex tistabbilixxi l-miżuri implimentattivi adatti qabel l-1 ta' Ottubru 2006 u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007."

Għandi hawnhekk l-unur li nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi.

F'isem ir-Repubblika
Arġentina



32006D0942

16.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 358/51

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Lulju 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Gujana, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika ta' Surinam, Saint Kitts u Nevis, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika ta' l-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, ir-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006 u ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005/2006

(2006/942/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-implimentazzjoni tal-Protokoll 3 dwar iz-Zokkor AKP mehmuż ma' l-Anness V għall-Ftehim ta' Partenarjat AKP-KE [1] u l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli tit-wettaq [2], skond l-Artikolu 1(2) ta' kull wieħed, fi ħdan il-qafas ta' ġestjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor.

(2) Huwa xieraq li jiġu approvati l-Ftehimiet fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u, minn naħa, l-Istati msemmija fil-Protokoll u min-naħa l-oħra, ir-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti taz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

ll-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Gujana, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika ta' Surinam, Saint Kitts u Nevis, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika ta' l-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, ir-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006 u l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006 huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-test ta' kull Ftehim huwa rispettivament espost fl-Anness I u fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 1 sabiex tintrabat il-Komunità.

[1] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3. Ftehim kif emendat l-aħħar mill-Ftehim pubblikat iffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

[2] ĠU L 190, 23.7.1975, p. 35.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 18 ta' Lulju 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

22006A1216(01)

ANNESS I

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Fiġi, ir-Repubblika ta' Gujana, ir-Repubblika tal-Côte D'Ivoire, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika ta' Surinam, Saint Kitts u Nevis, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika ta' l-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, ir-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006

A. *Ittra Nru 1*

Brussell, 21 ta' Novembru 2006

Sinjur,

Ir-rappreżentanti ta' l-Istati AKP msemmija fil-Protokoll 3 dwar iz-zokkor AKP mehmuż ma' l-Anness V tal-Ftehim ta' Shubija AKP-KE u tal-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea, ftiehmu, skond id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll imsemmi, kif ġej:

Għall-perjodu ta' konsenja mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006, il-prezzijiet garantiti msemmija fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll għandhom, għall-finijiet ta' l-intervent fis-sens ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, ikunu:

(a) għaz-zokkor mhux proċessat: EUR 52,37 għall kull 100 kilo;

(b) għaz-zokkor abjad: EUR 64,65 għall kull 100 kilo.

Dawn il-prezzijiet għandhom jirriferu għal zokkor ta' kwalità *standard* kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, mhux ippakkjat, *cif*, liberu barra mill-portijiet Ewropej tal-Komunità. L-introduzzjoni ta' dawn il-prezzijiet b'ebda mod ma tippreġudika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-prinċipji relattivi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet garantiti.

Inkun nafhulek jekk tgħarrafni bir-riċezzjoni ta' din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati AKP imsemmija hawn fuq u l-Komunità.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

F'isem il-Kunsill
ta' l-Unjoni Ewropea

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapens vägnar

B. *Ittra Nru 2*

Brussell, 21 ta' Novembru 2006

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek tal-lum li tgħid hekk:

"Ir-rappreżentanti ta' l-Istati AKP msemmija fil-Protokoll 3 dwar iz-zokkor AKP meħmuż ma' l-Anness V tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u tal-Kummissjoni f'isem il-Komunità Ewropea, ftiehmu, skond id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll imsemmi, kif ġej:

Għall-perjodu ta' konsenja mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006, il-prezzijiet garantiti msemmija fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll għandhom, għall-finijiet ta' l-intervent fis-sens ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, ikunu:

(a) għaz-zokkor mhux proċessat: EUR 52,37 għall kull 100 kilo;

(b) għaz-zokkor abjad: EUR 64,65 għall kull 100 kilo.

Dawn il-prezzijiet għandhom jirriferu għal zokkor ta' kwalità *standard* kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, mhux ippakkjat, *cif*, liberu barra mill-portijiet Ewropej tal-Komunità. L-introduzzjoni ta' dawn il-prezzijiet b'ebda mod ma tippreġudika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-prinċipji relattivi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet garantiti.

Inkun nafhulek jekk tgħarrafni bir-riċezzjoni ta' din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati AKP imsemmija hawn fuq u l-Komunità."

Għandi l-unur nikkonferma il-qbil tal-Gvernijiet ta' l-Istati AKP msemmija f'din l-ittra ma dak li ngħad iktar 'il fuq.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

F'isem il-Gvernijiet ta' l-Istati
AKP msemmija fil-Protokoll Nru 3

For the Government of Barbados

For the Government of Belize

Pour le gouvernement de la République du Congo

For the Government of the Sovereign Democratic Republic of Fiji

For the Government of the Cooperative Republic of Guyana

Pour le gouvernement de la République de Côte d'Ivoire

For the Government of Jamaica

For the Government of the Republic of Kenya

Pour le gouvernement de la République de Madagascar

For the Government of the Republic of Malawi



Pour le gouvernement de la République de Maurice

For the Government of the Republic of Mozambique



For the Government of the Republic of Suriname



For the Government of Saint Kitts and Nevis

For the Government of the Kingdom of Swaziland



For the Government of the United Republic of Tanzania

For the Government of the Republic of Trinidad and Tobago

For the Government of the Republic of Uganda

For the Government of the Republic of Zambia



For the Government of the Republic of Zimbabwe



22006A1216(02)

ANNESS II

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perjodu ta' konsenja 2005-2006

A. *Ittra Nru 1*

Brussell, 27 Ottubru 2006

Sinjur,

Ir-Rappreżentanti ta' l-Indja u tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea, ftiehmu, fi ħdan il-qafas tan-negozjati previsti fl-Artikolu 5(4) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli, kif ġej:

Għall-perjodu ta' konsenja mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006, il-prezzijiet garantiti msemmija fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll għandhom, għall-finijiet ta' l-intervent fis-sens ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, ikunu:

(a) għaz-zokkor mhux proċessat: EUR 52,37 għall kull 100 kilo;

(b) għaz-zokkor abjad: EUR 64,65 għall kull 100 kilo.

Dawn il-prezzijiet għandhom jirriferu għal zokkor ta' kwalità *standard* kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, mhux ippakkjat, *cif*, liberu barra mill-portijiet Ewropej tal-Komunità. L-introduzzjoni ta' dawn il-prezzijiet b'ebda mod ma tippreġudika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-prinċipji relattivi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet garantiti.

Inkun nafhulek jekk tgħarrafni bir-riċezzjoni ta' din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati AKP imsemmija hawn fuq u l-Komunità.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

F'isem il-Kunsill
ta' l-Unjoni Ewropea

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
On behalf of the European Community
Au nom de la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar

B. *Ittra Nru 2*

Brussell, 27 ta' Ottubru 2006

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek tal-lum li tgħid hekk:

"Ir-Rappreżentanti ta' l-Indja u tal-Kummissjoni, li taġixxi f'isem il-Komunità Ewropea, ftiehmu, fi ħdan il-qafas tan-negozjati previsti fl-Artikolu 5(4) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli, kif ġej:

Għall-perjodu ta' konsenja mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006, il-prezzijiet garantiti msemmija fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll għandhom, għall-finijiet ta' l-intervent fis-sens ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, ikunu:

(a) għaz-zokkor mhux proċessat: EUR 52,37 għall kull 100 kilo;

(b) għaz-zokkor abjad: EUR 64,65 għall kull 100 kilo.

Dawn il-prezzijiet għandhom jirriferu għal zokkor ta' kwalità *standard* kif definit fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, mhux ippakkjat, *cif*, liberu barra mill-portijiet Ewropej tal-Komunità. L-introduzzjoni ta' dawn il-prezzijiet b'ebda mod ma tippreġudika l-pożizzjonijiet rispettivi tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-prinċipji relattivi għad-determinazzjoni tal-prezzijiet garantiti.

Inkun nafhulek jekk tgħarrafni bir-riċezzjoni ta' din l-ittra u tikkonferma li din l-ittra u t-tweġiba tiegħek jikkostitwixxu Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati AKP imsemmija hawn fuq u l-Komunità."

Għandu l-unur nikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħi ma dak li ngħad iktar 'il fuq.

Nassigurak, Sinjur, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Għall-Gvern
tar-Repubblika ta' l-Indja

For the Government of the Republic of India
Por el Gobierno de la República de la India
Za vládu Indické republiky
For regeringen for Republikken Indien
Für die Regierung der Republik Indien
India Vabariigi valitsuse nimel
Για την κυβέρνηση της Δημοκρατίας της Ινδιάς
Au nom du gouvernement de la République de l'Inde
Per il governo della Repubblica dell'India
Indijas Republikas valdības vārdā
Indijos Respublikos Vyriausybės vardu
Az Indiai Köztársaság kormánya részéről
Għall-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indja
Voor de Regering van de Republiek India
W imieniu Rządu Republiki Indii
Pelo Governo da República da Índia
Za vládu Indickej republiky
Za Vlado Republike Indije
Intian tasavallan hallituksen puolesta
På Republiken Indiens regerings vägnar

32006R1870

19.12.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 360/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1870/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Każakstan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 17(1) tal-Ftehim tas-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u r-Repubblika tal-Każakstan [1], jipprevedi li l-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar għandu ikunu suġġett għal Ftehim speċifiku dwar arranġamenti kwantitattivi.

(2) Il-Ftehim li hemm bħalissa bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Każakstan fuq il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar [2], konkluż fid-19 ta' Lulju 2005, se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(3) Id-diskussjonijiet preliminari bejn il-Partijiet juru li t-tnejn bi ħsiebhom jikkonkludu Ftehim ġdid għall-2007 u s-snin ta' wara.

(4) Sakemm jiġi ffirmat u jidħol fis-seħħ il-Ftehim il-ġdid, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi għas-sena 2007.

(5) Meta wieħed iqis li l-kundizzjonijiet li wasslu għall-iffissar tal-limiti kwantitattivi għas-sena 2006 baqgħu fis-seħħ, ikun xieraq li jiġu stabbiliti limiti kwantitattivi għas-sena 2007 fuq l-istess livell bħalma kien ġara għall-2006.

(6) Huwa meħtieġ li jkun hemm il-mezzi biex jitmexxa dan ir-reġim fil-Komunità b'tali mod li titħaffef l-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid billi jkunu previsti dispożizzjonijiet kemm jista' jkun simili.

(7) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-oriġini tal-prodotti in kwistjoni tkun verifikata u li għal dan il-għan jitwaqqfu metodi xierqa ta' kooperazzjoni amministrattiva.

(8) Il-prodotti li jitpoġġew f'żona libera jew li jkunu impurtati taħt arranġamenti li jikkontrollaw l-imħażen taddwana, l-importazzjoni temporanja jew l-ipproċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospensjoni) m'għandhomx jingħaddu kontra l-limiti stabbiliti għall-prodotti in kwistjoni.

(9) L-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament titlob l-introduzzjoni ta' kriterju għal liċenzja ta' l-importazzjoni tal-Komunità biex il-prodotti in kwistjoni jkunu jistgħu jiddaħħlu f'ċirkulazzjoni libera fil-Komunità.

(10) Biex ikun żgurat li l-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, huwa meħtieġ li titwaqqaf proċedura ta' tmexxija li biha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħorġux liċenzji ta' l-importazzjoni qabel ma jkollhom konferma mill-Kummissjoni li ammonti xierqa jibqgħu disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwistjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għall-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodotti ta' l-azzar imniżżla fl-Anness I li huma ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan.

2. Il-prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu klassifikati fi gruppi tal-prodott kif stabbilit fl-Anness I.

[1] ĠU L 196, 28.7.1999, p. 3.
[2] ĠU L 232, 8.9.2005, p. 64.

3. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti mniżżla fl-Anness I għandha tkun ibbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1].

4. L-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun stabbilita skond ir-regoli li hemm fis-seħħ fil-Komunità.

Artikolu 2

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' l-azzar imniżżla fl-Anness I li huma ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan għandha tkun suġġetta għal-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V. Ir-rilaxx tal-prodotti stabbiliti fl-Anness I għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa fil-Komunità li huma ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan għandu jkun suġġett għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini, kif stipulat fl-Anness II u ta' liċenzja ta' l-importazzjoni li tinħareġ mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Biex ikun żgurat li l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji ma jkunux jeċċedu f'kull żmien il-limiti kwantitattivi sħaħ għal kull grupp tal-prodott, l-awtoritajiet kompetenti mniżżla fl-Anness IV għandhom joħorġu liċenzji ta' l-importazzjoni biss jekk ikollhom konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fil-limiti kwantitattivi għall-grupp tal-prodott relevanti tal-prodotti ta' l-azzar fejn għandu x'jaqsam il-pajjiż li jforni, li għal dawn l-importatur jew l-importaturi jkunu ssottomettew l-applikazzjonijiet tagħhom lill-awtoritajiet imsemmija.

3. L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom ikunu magħduda kontra l-limitu kwantitattiv rilevanti stabbilit fl-Anness V. Il-ġarr tal-prodotti għandu jitqies li jkun seħħ fid-data li fiha dawn ikunu tgħabbew fuq il-mezzi ta' ġarr ta' l-esportazzjoni.

Artikolu 3

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V m'għandhomx jgħoddu għall-prodotti li jkunu tpoġġew f'żona ħielsa jew f'maħżen ħieles jew li jkunu ġew importati taħt l-arranġamenti li jikkontrollaw l-imħażen tad-dwana, l-importazzjoni temporanja jew inkella l-ipproċessar 'il ġewwa (sistema ta' sospensjoni).

2. Fejn il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 wara jiġu rilaxxati għaċ-ċirkulazzjoni ħielsa, jew fl-istat mhux mibdul tagħhom jew wara x-xogħol jew l-ipproċessar, l-Artikolu 2(2) għandu jkun jgħodd u l-prodotti li jiġu rilaxxati għandhom jingħaddu kontra l-limitu kwantitattiv relevanti stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 4

1. Għall-għan biex ikun applikat l-Artikolu 2(2), qabel jinħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri mniżżla fl-Anness IV għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar l-ammonti tat-talbiet li jkollhom għal-liċenzji ta' l-importazzjoni, appoġġjati mil-liċenzji ta' l-esportazzjoni oriġinali, li huma jkunu rċevew. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tavża jekk l-ammont(i) meħtieġ(a) ta' kwantitajiet ikunux disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġika li fiha din tirċievi l-avviżi ta' l-Istati Membri ("fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

2. It-talbiet inklużi fl-avviżi lill-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk dawn jistabbilixxu b'mod ċar f'kull każ il-pajjiż esportatur, il-kowd tal-prodott ikkonċernat, l-ammonti li għandhom ikunu impurtati, in-numru tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih il-prodotti huma maħsuba li se jitpoġġew f'ċirkulazzjoni ħielsa.

3. Kemm jista' jkun possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma ma' l-awtoritajiet l-ammont sħiħ muri fit-talbiet li jkunu ġew innotifikati għal kull grupp ta' prodotti.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom javżaw lill-Kummissjoni minnufih wara li jkunu ġew mgħarrfa dwar kull kwantità li ma tintużax matul il-perjodu tal-validità tal-liċenzja ta' l-importazzjoni. Dawn il-kwantitajiet mhux użati għandhom jiġu ttrasferiti b'mod awtomatiku fil-kwantitajiet li jibqa' tal-limitu kwantitattiv sħiħ tal-Komunità għal kull grupp tal-prodott.

5. In-notifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu kkomunikati elettronikament fin-*network* integrat stabbilit għal dan il-għan, sakemm, għal raġunijiet tekniċi imperattivi, ma jkunx meħtieġ li temporanjament jintużaw mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni.

6. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu skond l-Artikoli 12 sa 16.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar kull tħassir ta' liċenzji ta' l-importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti li jkunu nħarġu diġà, f'każijiet fejn il-liċenzji ta' l-esportazzjoni li jikkorrispondu jkunu tneħħew jew ġew ikkanċellati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Każakstan. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ikunu ġew infurmati mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Każakitsan dwar it-tneħħija jew it-tħassir ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew impurtati fil-Komunità, il-kwantitajiet in kwistjoni għandhom jinqatgħu kontra l-limitu kwantitattiv rilevanti stipulat fl-Anness V.

Artikolu 5

1. Fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet li l-prodotti mniżżla fl-Anness I li jkunu ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan ikunu nġarru, għaddew minn rotot oħra jew ikunu ġew impurtati mod ieħor fil-Komunità bi ksur tal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 u li jkun hemm il-ħtieġa biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa, din għandha titlob li jsiru konsultazzjonijiet biex jintlaħaq ftehim fuq l-aġġustament meħtieġ tal-limiti kwantitattivi li jikkorrispondu li għandhom isiru.

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1758/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 1).

2. Kif appena joħroġ ir-riżultat tal-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lir-Repubblika tal-Każakstan biex tieħu l-miżuri ta' prekawzjoni meħtieġa biex ikun żgurat li l-aġġustamenti għal-limiti kwantitattivi li jkunu ġew miftiehma wara dawn il-konsultazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu.

3. Jekk il-Komunità u r-Repubblika tal-Każakstan ma jaslux għal soluzzjoni sodisfaċenti u jekk il-Kummissjoni tinnota li jkun hemm xhieda ċara ta' ksur, din għandha tnaqqas mil-limiti kwantitattivi volum ekwivalenti ta' prodotti li jkunu ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan.

Artikolu 6

1. Liċenzja ta' l-esportazzjoni (li għandha tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Każakstan) għandha tkun meħtieġa għal kull kunsinna ta' prodotti ta' l-azzar li tkun suġġetta għal-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V sal-livell ta' dawn il-limiti.

2. L-oriġinal tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni għandha tiġi ppreżentata mill-importatur biex tkun tista' tinħareġ il-liċenzja ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 7

1. Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi għandha tkun konformi mal-kampjun muri fl-Anness II u għandha tiċċertifika, *inter alia*, li l-kwantità ta' oġġetti in kwistjoni kienet inqatgħet kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għall-grupp tal-prodott ikkonċernat.

2. Kull liċenzja ta' l-esportazzjoni għandha tkopri biss wieħed mill-gruppi ta' prodotti mniżżla fl-Anness I.

Artikolu 8

L-esportazzjonijiet għandhom jinqatgħu kontra l-limiti kwantitattivi rilevanti stipulati fl-Anness V u jinġarru fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(3).

Artikolu 9

1. Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 tista' tinkludi fiha kopji żejda murija sew bħala tali. Il-liċenzja ta' esportazzjoni u l-kopji tagħhom kif ukoll iċ-ċertifikati ta' l-oriġini u l-kopji tagħhom għandhom jimtlew bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija fuq jimtlew bl-idejn, l-entrati għandhom ikunu bil-linka u b'ittri kbar.

3. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom ikollhom qies ta' 210 × 297 mm. Il-karta għandha tkun bajda tal-kitba, skond il-qies muri fuq, ma jkollhiex polpa mekkanika u tkun tiżen inqas minn 25 g/m^2. Fl-isfond ta' kull parti għandu jkun hemm stampat ix-xbieha ta' *guilloche*. Dan għandu jirrendi kwalunkwe falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi viżibbli għall-għajn.

4. Skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament l-oriġinal biss għandu jkun aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità bħala validi għall-importazzjoni.

5. Kull liċenzja ta' l-esportazzjoni jew dokument ekwivalenti għandu jkollu fuqu numru tas-serje standardizzat, kemm jekk ikun stampat jew le, li bih dan ikun jista' jiġi identifikat mill-ewwel.

6. In-numru ta' serje għandu jkun magħmul mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jkunu juru l-pajjiż li qed jesporta, kif ġej:

KZ = Repubblika tal-Każakstan

— żewġ ittri li jkunu juru l-Istat Membru tad-destinazzjoni maħsuba, kif ġej:

BE = il-Belġju
BG = il-Bulgarija
CZ = ir-Repubblika Ċeka
DK = id-Danimarka
DE = il-Ġermanja
EE = l-Estonja
EL = il-Greċja
ES = Spanja
FR = Franza
IE = l-Irlanda
IT = l-Italja
CY = Ċipru
LV = il-Latvja
LT = il-Litwanja
LU = il-Lussemburgu
HU = l-Ungerija
MT = Malta
NL = l-Olanda
AT = l-Awstrija
PL = il-Polonja
PT = il-Portugall
RO = ir-Rumanija
SI = is-Slovenja

SK = is-Slovakkja

FI = il-Finlandja

SE = l-Iżvezja

GB = ir-Renju Unit,

— numru b'figura waħda li jkun juri s-sena tal-kwota li tikkorrispondi għall-aħħar figura fis-sena in kwistjoni, eż "7" għas-sena 2007;

— numru b'żewġ figuri li jkun juri l-uffiċċju li jkun qed joħroġ il-liċenzji fil-pajjiż li jesporta;

— numru b'ħames figuri bejn 00 001 sa 99 999 li jiġi allokat għall-Istat Membru speċifiku tad-destinazzjoni.

Artikolu 10

Il-liċenzja ta' l-esportazzjoni tista' tinħareġ wara l-ġarr tal-prodotti li magħhom din ikollha x"taqsam. F'dawn il-każijiet hi għandu jkollha l-konferma maħruġa retrospettivament".

Artikolu 11

F'każ li liċenzja ta' l-esportazzjoni tinsteraq, tintilef jew tinqered, l-esportatur jista' japplika għand l-awtorità kompetenti li tkun ħarġet id-dokument biex jakkwista kopja dupplikata. Din għandha ssir fuq il-bażi tad-dokumenti ta' l-esportazzjoni li dan ikollu fil-pussess tiegħu.

Il-liċenzja dupplikata li tinħareġ b'dan il-mod għandu jkollha fuqha l-konferma "dupplikata". Hija għandu jkollha fuqha d-data tal-liċenzja oriġinali.

Artikolu 12

1. Safejn skond l-Artikolu 4 il-Kummissjoni tkun ikkonfermat li l-ammont meħtieġ ikun disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwistjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzja ta' l-importazzjoni f'mhux aktar minn ħames t'ijiem ta' xogħol wara li l-importatur ikun ippreżenta l-oriġinal tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni li tikkorrispondi. Din il-preżentazzjoni għandha ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena wara dik li fiha l-oġġetti koperti bil-liċenzja jkunu nġarru. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru, irrispettivament mill-Istat Membru muri fuq il-liċenzja ta' l-esportazzjoni, sakemm il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4, tkun ikkonfermat li l-ammont meħtieġ ikun disponibbli fil-limitu kwantitattiv in kwistjoni.

2. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom. Fuq raġuni mmotivata kif suppost mill-importatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jwessgħu l-perjodu tal-validità għal perjodu ieħor li ma jkunx jeċċedi l-erba' xhur.

3. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom jitfasslu fil-mudell stabbilit fl-Anness III u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikjarazzjoni jew it-talba li tkun saret mill-importatur biex jikseb il-liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jkun fiha:

(a) l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-esportatur;

(b) l-isem u l-indirizz sħiħ ta' l-importatur;

(ċ) id-deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti u l-kowd(s) TARIC;

(d) il-pajjiż ta' l-oriġini ta' l-oġġetti;

(e) il-pajjiż tal-kunsinna;

(f) il-grupp tal-prodott xieraq u l-kwantità għall-prodotti in kwistjoni;

(g) il-piż nett skond l-intestatura TARIC;

(h) il-valur c.i.f. tal-prodotti fil-fruntieri tal-Komunità skond l-intestatura TARIC;

(i) jekk il-prodotti kkonċernati humiex ta' sekonda kwalità jew inkella ta' kwalità inferjuri;

(j) fejn xieraq, id-dati tal-ħlas u t-twassil u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt tax-xiri;

(k) id-data u n-numru tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni;

(l) kull kowd intern użat għal għanijiet amminstrattivi;

(m) id-data u l-firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi mhumiex obbligati li jimportaw il-kwantità sħiħa koperta minn liċenzja ta' l-importazzjoni f'kunsinna waħda.

Artikolu 13

Il-validità tal-liċenzji ta' l-importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandha tiddependi mill-validità tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni u l-kwantitajiet murija fil-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Każakstan, li fuq il-bażi ta' dawn ikunu nħarġu l-liċenzji ta' l-importazzjoni.

Artikolu 14

Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri skond l-Artikolu 2(2) u bla diskriminazzjoni lejn kull importatur fil-Komunità, ikun fejn ikun il-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità, u mingħajr preġudizzju għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħrajn meħtieġa taħt ir-regoli preżenti.

Artikolu 15

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti bil-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa mir-Repubblika tal-Każakstan għal grupp partikolari tal-prodott ikunu ferm aktar mil-limitu kwantitattiv stabbilit għal dak il-grupp tal-prodott, l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu l-liċenzji fl-Istati Membri għandhom ikunu mgħarrfa minnufih biex jieqfu milli joħorġu aktar liċenzji ta' l-importazzjoni. F'dan il-każ, il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew mill-ewwel mill-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw milli joħorġu aktar liċenzji ta' l-importazzjoni għall-prodotti li jkunu ġejjin mir-Repubblika tal-Każakstan li ma jkunux koperti bil-liċenzji ta' l-esportazzjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6 sa 11.

Artikolu 16

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ tal-liċenzji ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għandhom ikunu konformi mal-mudell tal-liċenzja ta' l-importazzjoni muri fl-Anness III.

2. Il-formoli tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-estratti tagħhom għandhom ikunu f'kopji dupplikati, kopja minnhom immarkata "Kopja tal-pussessur" u jkollha n-numru 1 u tingħata lill-applikant, u l-oħra mmarkata "Kopja għall-awtorità tal-ħruġ" li jkollha fuqha n-numru 2, li din għandha tinżamm mill-awtorità li toħroġ il-liċenzja. Għal għanijiet amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali għall-formola 2.

3. Il-formoli għandhom ikunu stampati fuq karta bajda li tkun ħielsa minn kull polpa mekkanika, tajba għall-kitba u li tkun tiżen bejn 55 u 65 g/m^2. Il-qies tagħhom għandu jkun 210 × 297 mm; l-ispazju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun 4,24 mm (sitta minn wieħed ta' pulzier); il-format tal-formoli għandu jkun segwit b'mod preċiż. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenzja nfisha, għandu jkollha fl-isfond tagħha xbieha ta' *guilloche* ta' lewn aħmar li tirrendi kull falsifikazzjoni li tista' ssir b'mezzi mekkaniċi jew kimikali viżibbli għall-għajn.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu jiġu stampati minn stampaturi li jintgħażlu mill-Istat Membru li fih dawn ikunu stabbiliti. Fil-każ ta' l-aħħar, ir-referenza għall-għażla mill-Istat Membru għandha tkun tidher fuq kull formola. Kull formola għandu jkollha fuqha l-identifikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li biha jkun jista' jingħaraf l-istampatur.

5. Meta jinħarġu, il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew l-estratti għandhom jingħataw numru ta' ħruġ li jkun stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru. In-numru tal-liċenzja ta' l-importazzjoni għandu jkun avżat lill-Kummissjoni b'mod elettroniku fin-*network* integrat stabbilit taħt l-Artikolu 4.

6. Il-liċenzji u l-estratti għandhom jimtlew fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' l-Istat Membru tal-ħruġ.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti għandhom juru l-grupp tal-prodott ta' l-azzar xieraq.

8. Il-marki ta' l-aġenziji tal-ħruġ u ta' l-awtoritajiet tad-debitu għandhom ikunu applikati bl-użu ta' timbru. Madankollu, pressa ibbuzzata magħquda ma' ittri jew figuri miksuba b'perforazzjoni, jew l-istampar fuq il-liċenzja jista' jintuża minflok it-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ. L-awtoritajiet tal-ħruġ għandhom jużaw kwalunkwe metodu ta' kontra l-qerq biex il-kwantità allokata tiġi rreġistrata b'tali mod li jkun impossibbli li jitniżżlu figuri jew referenzi oħrajn.

9. Il-parti ta' wara tal-kopja Nru 1 u l-kopja Nru 2 għandu jkollha kaxxa li fiha jitniżżlu l-kwantitajiet, jew mill-awtoritajiet tad-dwana meta jkunu tlestew il-formalitajiet ta' l-importazzjoni, jew mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta jinħareġ estratt. Jekk l-ispazju maħsub għad-debiti fuq liċenzja jew estratt tagħha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħmżu paġni ta' estensjoni oħrajn li jkollhom fuqhom kaxxi li jkunu jixbhu lil dawk li jkun hemm fuq in-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u l-kopja Nru 2 tal-liċenzja jew l-estratt. L-awtoritajiet tad-debitu għandhom jittimbraw b'tali mod li nofs il-marka tat-timbru tkun fuq il-liċenzja jew l-estratt tagħha u n-nofs l-ieħor fuq il-paġna ta' estensjoni. Jekk ikun hemm aktar minn paġna waħda ta' estensjoni, marka oħra ta' timbru għandha titpoġġa bl-istess mod f'kull paġna u fil-paġna ta' qabel.

10. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni u l-estratti li jinħarġu, u t-tagħrif u l-konfermi li jitniżżlu fihom, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru għandu jkollhom l-istess effett legali f'kull Stat Membru bħad-dokumenti maħruġa, u l-entrati u l-konfermi li jkunu saru mill-awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati jistgħu, fejn ikun indispensabbli, jitolbu biex il-kontenut tal-liċenzji jew l-estratti jiġu maqluba fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 17

Fir-rigward ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-Bulgarija u fir-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2007 tal-prodotti ta' l-azzar koperti b'dan ir-Regolament, għandha tkun meħtieġa liċenzja ta' l-importazzjoni, anke jekk il-prodotti ta' l-azzar ikunu ntbagħtu qabel dik id-data. Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija qabel l-1 ta' Jannar 2007, il-liċenzja ta' importazzjoni għandha tingħata awtomatikament mingħajr limitazzjonijiet kwantitattivi meta tiġi preżentata l-polza tat-tagħbija jew jiġi preżentat dokument ta' trasport ieħor li jitqies li jkun ekwivalenti mill-uffiċċji tal-liċenzji tal-Komunità bħala prova tad-data ta' meta tkun intbagħtet il-merkanzija u wara l-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-Kummissjoni nkarigat mill-ġestjoni tal-liċenzji (SIGL). Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija fl-1 ta' Jannar jew wara dik id-data, huma għandhom ikunu suġġetti għar-regoli speċifiċi li jirregolaw il-limiti kwantitattivi kif definiti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. B'deroga, l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS I

SA Prodotti ċatti rrumblati

SA1. Kolji

7208 10 00 00
7208 25 00 00
7208 26 00 00
7208 27 00 00
7208 36 00 00
7208 37 00 10
7208 37 00 90
7208 38 00 10
7208 38 00 90
7208 39 00 10
7208 39 00 90

7211 14 00 10
7211 19 00 10

7219 11 00 00
7219 12 10 00
7219 12 90 00
7219 13 10 00
7219 13 90 00
7219 14 10 00
7219 14 90 00
7225 30 10 00
7225 30 30 10
7225 40 15 10
7225 50 20 10
7225 30 90 00

SA2. Pjanċa Tqil

7208 40 00 10
7208 51 20 10
7208 51 20 91
7208 51 20 93
7208 51 20 97
7208 51 20 98
7208 51 91 00
7208 51 98 10
7208 51 98 91

7208 51 98 99
7208 52 91 00

7208 52 10 00
7208 52 99 00

7208 53 10 00

7211 13 00 00

7225 40 12 30
7225 40 40 00
7225 40 60 00
7225 99 00 10

SA3. prodotti ċatti rrumblati oħrajn

7208 40 00 90
7208 53 90 00
7208 54 00 00
7208 90 80 10

7209 15 00 00
7209 16 10 00
7209 16 90 00
7209 17 10 00
7209 17 90 00
7209 18 10 00

7209 18 91 00

7209 18 99 00
7209 25 00 00
7209 26 10 00
7209 26 90 00
7209 27 10 00
7209 27 90 00
7209 28 10 00
7209 28 90 00
7209 90 80 10

7210 11 00 10
7210 12 20 10
7210 12 80 10
7210 20 00 10
7210 30 00 10
7210 41 00 10
7210 49 00 10
7210 50 00 10
7210 61 00 10
7210 69 00 10
7210 70 10 10
7210 70 80 10
7210 90 30 10
7210 90 40 10
7210 90 80 91

7211 14 00 90

7211 19 00 90
7211 23 20 10
7211 23 30 10
7211 23 30 91
7211 23 80 10
7211 23 80 91
7211 29 00 10
7211 90 80 10

7212 10 10 00
7212 10 90 11
7212 20 00 11

7212 30 00 11

7212 40 20 10
7212 40 20 91
7212 40 80 11
7212 50 20 11
7212 50 30 11
7212 50 40 11
7212 50 61 11
7212 50 69 11
7212 50 90 13
7212 60 00 11

7212 60 00 91

7219 21 10 00
7219 21 90 00
7219 22 10 00
7219 22 90 00
7219 23 00 00
7219 24 00 00
7219 31 00 00
7219 32 10 00
7219 32 90 00
7219 33 10 00
7219 33 90 00
7219 34 10 00
7219 34 90 00
7219 35 10 00
7219 35 90 00
7225 40 12 90
7225 40 90 00

ANNESS II

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew addebitati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ..... fi ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur fob (2)

14. ATTESTAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew iċċarġjati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..... fi …….....
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Pajjiż tad-destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ATTESTAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq oriġinaw fil-pajjiż li jidher fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F'..... fi ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawntaħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..…..... fi ……..…….. (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ANNESS III

Liċenzja ta' l-Importazzjoni tal-Komunità Ewropea

1	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja tal-Possessur		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli mill-ħruġ (isem, indirizz u numru tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, kif jgħodd (isem u indirizz sħiħ)	6. Pajjiż ta' l-oriġini (u l-kowd tal-ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż tal-kumsinna (u l-kowd tal-ġeonomenklatura)
1		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kowd TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (kif jgħodd)
13. Dettalji oħra	
14. Il-konferma ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Uri l-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 ta' din

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl waqt li tkun murija l-unità)		19. Dokument doganali (formola u numru) jew estratt Nru u data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità ta' l-attribuzzjoni
17. F'figuri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni ta' estensjoni li għandhom ikunu mehmuża ma' din.

Liċenzja ta' l-Importazzjoni tal-Komunità Ewropea

2	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja għall-awtorità tal-ħruġ		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u numru tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, kif jgħodd (isem u indirizz sħiħ)	6. Pajjiż ta' l-oriġini (u l-kowd tal-ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż tal-kunsinna (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
2		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kowd TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (kif jgħodd)
13. Dettalji oħra	
14. Il-konferma ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Uri l-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 ta' din

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl waqt li tkun murija l-unità)		19. Dokument doganali (formola u numru) jew estratt Nru u data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità ta' l-attribuzzjoni
17. F'figuri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Paġni ta' estensjoni li għandhom ikunu mehmuża ma' din.

ANNESS IV

LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES
SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ
LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER
LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN
PÄDEVATE RIIKLIKE ASUTUSTE NIMEKIRI
ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ
LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES
LISTE DES AUTORITES NATIONALES COMPETENTES
ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITA NAZIONALI
VALSTU KOMPETENTO IESTAŽU SARAKSTS
ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS
AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA
LISTA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI
LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES
LISTA WŁAŚCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH
LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES
ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV
SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV
LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA
FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER

BELGIQUE/BELGIË

Service public Fédéral Economie, P.M.E., Classes Moyennes & Energie
Administration du potentiel économique
Service Licences
Rue de Louvain 44
B-1000 Bruxelles
Fax: + 32-2-5486570

Federale Overheidsdienst Economie, K.M.O., Middenstand & Energie
Bestuur Economisch Potentieel
Dienst Vergunningen
Leuvenseweg 44
B-1000 Brussel
Fax: + 32-2-5486570

БЪЛГАРИЯ

Министерство на икономиката и енергетиката
Дирекция "Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. "Славянска" № 8
1052 София
Факс: + 35929815041
Fax: + 35929804710
+ 35929883654

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
CZ-110 15 Praha 1
Fax: + 420-22421 21 33

DANMARK

Erhvervs- og Boligstyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Vejlsøvej 29
DK-8600 Silkeborg
Fax: + 45-35-46 64 01

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle,
(BAFA)- Referat 421
Frankfurter Strasse 29-35
D-65760 Eschborn
Fax: + 49-6196 90 88 00

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
EE-15072 Tallinn
Fax: + 372-6313 660

ΕΛΛΑΣ

Υπουργείο Οικονομίας & Οικονομικών
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Fax: + 30 210 328 6094

ESPAÑA

Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Subdirección General de Comercio Exterior de Productos Industriales
Paseo de la Castellana 162
E- 28046 Madrid
Fax: + 34-91-349 38 31

FRANCE

Ministère de l'Economie des Finances et de l'Industrie
Direction Générale des Entreprises
Sous-direction des Biens de Consommation
Bureau Textile-Importations
Le Bervil, 12 rue Villiot
F-75572 Paris Cedex 12
Fax: + 33-1-53 44 91 81

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
IE-Dublin 2
Ireland
Fax: + 353-1-631 25 62

ITALIA

Ministero delle Attivita Produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America 341
I-00144 Roma
Fax: + 39-6-59 93 22 35/59 93 26 36

KYPROS

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγής/Εξαγωγής
Οδός Ανδρέα Αραούζου Αρ.6
CY-1421 Λευκωσία
Φαξ: + 357-22-37 51 20

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
LV — 1519 Rīga
Fax: + 371-728 08 82

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT- 01104 Vilnius
Fax: + 370-5-26 23 974

LUXEMBOURG

Ministère de l'Economie et du Commerce extérieur
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax: + 352-46 61 38

MAGYARORSZÁG

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85.
HU-1024 Budapest
Fax: + 36-1-336 73 02

MALTA

Servizzi ta' Kummerċ
Diviżjoni għall -Kummerċ
Lascaris
MT-Valletta CMR02
Fax: + 356-21-23 19 19

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in-en uitvoer
Postbus 30003, Engelse Kamp 2
NL-9700 RD Groningen
Nederland
Fax: + 31-50-52 32 210

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Aussenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1
A-1011 Wien
Fax: + 43-1-7 11 00/83 86

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki
Plac Trzech Krzyży 3/5
PL- 00-507 Warszawa
Fax: + 48-22-693 40 21/693 40 22

PORTUGAL

Ministério das Finanças
Direcção Geral das Alfândegas e dos Impostos
Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo, Edifício da Alfândega de Lisboa
PT- 1140-060 Lisboa
Fax: + 351-218 814 261

ROMÂNIA

Ministerul Economieişi Comerþului
Direcþia Generalã Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu, nr. 16
Bucureşti, sect. 1
Cod poştal 010036
Tel.: 0040.21.315.00.81
Fax: + 40.21.315.04.54
e-mail: clc@dce.gov.ro

SLOVENIJA

Ministrstvo za finance
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Center za TARIC in kvote
Spodnji Plavž 6c
SI-4270 Jesenice
Fax: + 386-4-297 44 72

SLOVENSKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo hospodárstva SR
Odbor licencií
Mierová 19
SK-827 15 Bratislava 212
Slovenská republika
Fax: + 421-2-43 42 39 19

SUOMI/FINLAND

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
Telekopio: + 358-20-492 28 52

Tullstyrelsen
PB 512
FI-00101 Helsingfors
Fax: + 358-20-492 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-11386 Stockholm
Fax: + 46-8-30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House — West Precinct
Billingham
UK-TS23 2NF
United Kingdom
Fax: + 44-1642-36 42 69

ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI

(tunnellati)

Prodotti	Sena 2007
SA. Prodotti ċatti	
SA1. Kolji	87 125
SA2. Pjanċa tqila	0
SA3. Prodotti ċatti oħrajn	117 875

32006R1871

19.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 360/21

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1871/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità u l-Ukrajna

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 21(1) tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri taghhom, u l-Ukrajna [1] jipprevedi li l-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar għandu jkun suġġett għal Ftehim speċifiku dwar arranġamenti kwantitattivi.

(2) Il-Ftehim kurrenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern ta' l-Ukrajna dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar, iffirmat fid-29 ta' Lulju 2005 [2], se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(3) It-taħditiet tal-bidu bejn il-Partijiet juru li t-tnejn li huma beħsiebhom jikkonkludu Ftehim ġdid għall-2007 u s-snin ta' wara.

(4) Fl-istennija tal-firma u tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi għall-2007.

(5) Ladarba l-kondizzjonijiet li wasslu sabiex jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi għall-2006 baqgħu l-istess, huwa xieraq li l-limiti għall-2007 jiġu stabbiliti fuq l-istess livell bħall-2006.

(6) Jeħtieġ li jiġu pprovduti l-mezzi sabiex jitmexxa dan ir-reġim fi ħdan il-Komunità b'tali mod li l-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid tkun tista' sseħħ billi jitfasslu kemm jista' jkun dispożizzjonijiet bħal dawn.

(7) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-oriġini tal-prodotti konċernati tkun iċċekkjata u metodi addattati ta' koperazzjoni amministrattiva jinħolqu għal dan il-għan.

(8) Prodotti mqiegħda fiż-żona ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen tad-dwana, l-importazzjoni temporanja jew l-ipproċessar attiv (sistema ta' sospensjoni) ma għandhomx jiġu attribwiti għal-limiti stabbiliti għall-prodotti konċernati.

(9) L-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament titlob id-dħul ta' rekwiżit għal liċenzja ta' importazzjoni fil-Komunità għad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti konċernati.

(10) Sabiex jiġi żgurat li dawn il-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' tmexxija li biha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħorġux awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni qabel ma tinkiseb konferma mill-Kummissjoni li l-ammonti adattati jibqgħu disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I, li joriġinaw mill-Ukrajna.

2. Il-prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu kklassifikati fi gruppi ta' prodotti kif stipulat fl-Anness I.

3. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I għandha tkun bbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM) stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [3].

4. L-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun determinata skond ir-regoli li jkun hemm fis-seħħ fil-Komunità.

[1] ĠU L 49, 19.2.1998, p. 3.
[2] ĠU L 232, 8.9.2005, p. 43.
[3] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1758/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 1).

Artikolu 2

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I li joriġinaw mill-Ukrajna għandhom ikunu suġġetti għal-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V. Il-permess għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw mill-Ukrajna għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini, dispost fl-Anness II, u ta' liċenzja ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet li għalihom jinħarġu liċenzji ta' importazzjoni f'ebda mument ma jaqbżu l-limiti kwantitattivi totali għal kull grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness IV għandhom joħorġu liċenzji ta' importazzjoni biss wara konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi għall-grupp ta' prodotti ta' l-azzar relevanti fir-rigward tal-pajjiż fornitur, li għalih importatur jew importaturi ppreżentaw applikazzjonijiet lill-awtoritajiet imsemmija.

3. L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattiv relevanti stabbilit fl-Anness V. Il-konsenja tal-prodotti għandha titqies bħallikieku twettqet fid-data li fiha tgħabbew fuq il-mezz ta' trasport ta' esportazzjoni.

Artikolu 3

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V ma għandhomx japplikaw għall-prodotti mqiegħda fiż-żona ħielsa jew fl-imħażen ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen doganali, importazzjoni temporanja jew proċessar attiv (sistema ta' sospensjoni).

2. Meta l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jiġu sussegwentement rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, kemm fi stat mhux mibdul kif ukoll wara li jkunu nħadmu jew ipproċessati, japplika l-Artikolu 2(2) u l-prodotti hekk rilaxxati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattivi relevanti stipulati fl-Anness V.

Artikolu 4

1. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(2), qabel joħorġu liċenzji ta' importazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness IV għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammont ta' talbiet għal-liċenzji ta' importazzjoni, bis-saħħa tal-liċenzji ta' esportazzjoni oriġinali, li jkunu rċevew. Immedjatament, il-Kummissjoni għandha tinnotifika jekk l-ammont(i) mitlub(a) ta' kwantitajiet huwa(huma) disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġika li fiha n-notifiki ta' l-Istati Membri jkunu waslu (fuq bażi ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk f'kull każ jistabbilixxu b'mod ċar il-pajjiż ta' esportazzjoni, il-kodiċi tal-prodott ikkonċernat, l-ammonti li jridu jiġu impurtati, in-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih huwa maħsub li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa l-prodotti.

3. Sa fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma lill-awtoritajiet l-ammont sħiħ indikat fit-talbiet innotifikati għal kull grupp ta' prodotti.

4. L-awtoritjiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni wara li jkunu ġew informati dwar xi kwantità li ma tintużax matul il-validità tal-liċenzja ta' importazzjoni. Dawn il-kwantitajiet mhux użati se jiġu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li jkun fadal tal-limiti kwantitattivi totali tal-Komunità għal kull grupp ta' prodotti.

5. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 4 għandhom ikunu kkomunikati elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat maħluq għal dan l-iskop, sakemm ma jkunx meħtieġ, għal raġunijiet tekniċi imperattivi, li temporanjament jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

6. Il-liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu b'konformità ma' l-Artikoli 12 sa 16.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull liċenzja ta' importazzjoni kkanċellata jew dokumenti ekwivalenti li diġà nħarġu f'każijiet fejn il-liċenzji ta' esportazzjoni korrispondenti jkunu ġew irtirati jew ikkanċellati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu ġew informati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna bl-irtirar jew il-kanċellazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew impurtati fil-Komunità, il-kwantitajiet konċernati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattiv relevanti stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 5

1. Fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet li xi prodotti elenkati fl-Anness 1 li oriġinaw mill-Ukrajna ġew trasbordati, inbidlitilhom ir-rotta jew impurtati diversament fil-Komunità permezz ta' l-evażjoni tal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 u li jkun hemm il-ħtieġa li jseħħu l-aġġustamenti meħtieġa, għandha titlob li jinfetħu konsultazzjonijiet sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim dwar l-aġġustament meħtieġ tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

2. Fl-istennija tar-riżultati tal-konsultazzjoinijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Ukrajna tieħu l-passi meħtieġa ta' prekawzjoni sabiex tiżgura li wara dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jitwettqu l-aġġustamenti tal-limiti kwantitattivi miftiehma.

3. F'każ li l-Komunità u l-Ukrajna jonqsu milli jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti u f'każ li l-Kummissjoni tosserva li jkun hemm prova ċara ta' evażjoni tal-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-limiti kwantitattivi volum ekwivalenti ta' prodotti li oriġinaw mill-Ukrajna.

Artikolu 6

1. Għandha tkun meħtieġa liċenzja ta' esportazzjoni (li trid tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna) fir-rigward ta' kwalunkwe konsenja ta' prodotti ta' l-azzar suġġetti għal-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V sal-livell tal-limiti msemmija.

2. L-oriġinal tal-liċenzja ta' esportazzjoni għandu jiġi preżentat mill-importatur bil-għan li tinħareġ il-liċenzja ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 7

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi għandha tikkonforma mal-mudell dispost fl-Anness II u għandha tiċċertifika, fost l-oħrajn, li l-kwantità ta' prodotti konċernati ġiet attribwita għal-limitu kwantitattiv stabbilit għall-grupp ta' prodotti kkonċernat.

2. Kull liċenzja ta' esportazzjoni għandha tkopri wieħed biss mill-gruppi ta' prodotti elenkati fl-Anness I.

Artikolu 8

L-esportazzjonijiet għandhom jiġu attribwiti għal-limiti kwantitattivi relevanti disposti fl-Anness V u trasportati fis-sens ta' l-Artikolu 2(3).

Artikolu 9

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 jista' jkollha magħha kopji addizzjonali debitament indikati bħala tali. Il-liċenzja ta' esportazzjoni u l-kopji tagħha, kif ukoll iċ-ċertifikat ta' oriġini u l-kopji tiegħu, għandhom jitfasslu bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jimtlew bl-id, l-entrati għandhom isiru bil-linka u b'ittri kbar.

3. Id-daqs tal-liċenzji ta' esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandu jkun ta' 210 x 297 mm. Il-karta għandha tkun karta bajda għall-kitba, skond il-qies imsemmi, ma jkollhiex polpa mekkanika u ma tkunx tiżen inqas minn 25 g/m^2. Kull parti għandha jkollha disinn guilloche stampat fl-isfond li jagħmel kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi apparenti għall-għajn.

4. L-oriġinal biss għandu jkun aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità bħala validu għal raġunijiet ta' importazzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Kull liċenzja ta' esportazzjoni jew dokument ekwivalenti għandhom ikollhom numru ta' serje standardizzat, kemm jekk ikun stampat kif ukoll jekk ma jkunx, li bih ikun jista' jiġi identifikat.

6. Dan in-numru tas-serje għandu jkun kompost mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jkunu juru l-pajjiż esportatur kif ġej:

UA = Ukrajna

— żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru destinatarju kif ġej:

BE = Belġju

BG = Bulgarija

CZ = Repubblika Ċeka

DK = Danimarka

DE = Ġermanja

EE. = stonja

EL = Greċja

ES = Spanja

FR = Franza

IE = Irlanda

IT = Italja

CY = Ċipru

LV = Latvja

LT = Litwanja

LU = Lussemburgu

HU = Ungerija

MT = Malta

NL = Olanda

AT = Awstrija

PL = Polonja

PT = Portugall

RO = Rumanija

SI = Slovenja

SK = Slovakkja

FI = Finlandja

SE = Żvezja

GB = Renju Unit,

— numru b'ċifra waħda li jidentifika s-sena ta' kwota li turi l-aħħar ċifra fis-sena kkonċernata, eż. "7" għas-sena 2007;

— numru b'żewġ ċifri li jidentifika l-uffiċċju tal-ħruġ tal-liċenzji fil-pajjiż ta' esportazzjoni;

— numru b'ħames ċifri li jsegwi b'mod konsekuttiv minn 00 001 sa 99 999 li jkun allokat lill-Istat Membru speċifiku ta' destinazzjoni.

Artikolu 10

Il-liċenzja ta' esportazzjoni tista' tinħareġ wara t-trasport tal-prodotti li tirriferi għaliha. F'dawn il-każijiet għandu jkollha l-kelmiet "maħruġa retrospettivament".

Artikolu 11

Fil-każ li liċenzja ta' esportazzjoni tinsteraq, tintilef jew tinqered, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu d-dokument għal duplikat abbażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tiegħu.

Il-liċenzja duplikata maħruġa b'dan il-mod għandha turi l-kelmiet "duplikata". Għandha jkollha d-data tal-liċenzja oriġinali.

Artikolu 12

1. Sa fejn il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4, tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzja ta' importazzjoni, sa massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol, minn meta l-importatur jippreżenta l-oriġinal ta' liċenzja ta' esportazzjoni korrispondenti. Din il-preżentazzjoni għandha ssehħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkunu ntbagħtu l-prodotti koperti mil-liċenzja. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru irrispettivament mill-Istat Membru indikat fil-liċenzja ta' esportazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni tkun ikkonfermat, skond l-Artikolu 4, li l-ammont mitlub ikun disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat.

2. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data ta' ħruġ tagħhom. Fuq talba motivata minn importatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jestendu t-tul ta' żmien tal-validità għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx l-erba' xhur.

3. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jitħejjew b'konformità mal-mudell dispost fl-Anness III u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur sabiex jikseb l-liċenzja ta' importazzjoni għandha jkollha:

(a) isem sħiħ u l-indirizz ta' l-esportatur;

(b) isem sħiħ u l-indirizz ta' l-importatur;

(c) id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti u l-kodiċi TARIC tagħhom;

(d) il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti;

(e) il-pajjiż destinatarju;

(f) il-grupp korrett tal-prodott u l-kwantità għall-prodotti konċernati;

(g) il-piż nett skond l-intestatura TARIC;

(h) il-valur c.i.f. tal-prodotti fil-fruntiera tal-Komunità skond l-intestatura TARIC;

(i) jekk il-prodotti konċernati humiex diġà użati jew ta' kwalità sub-standard;

(j) fejn xieraq, id-dati ta' ħlas u tal-konsenja u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt ta'xiri;

(k) id-data u n-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni;

(l) kull kodiċi intern użat għal raġunijiet amministrattivi;

(m) id-data u l-firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi m'għandhomx ikunu obbligati li jimportaw il-kwantità totali koperta minn liċenzja ta' importazzjoni f'konsenja waħda.

Artikolu 13

Il-validità tal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandha tkunu suġġetta għall-validità ta' liċenzji ta' esportazzjoni u għall-kwantitajiet indikati fil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Ukrajna li fuq il-bażi tagħhom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' importazzjoni.

Artikolu 14

Il-liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri b'konformità ma' l-Artikolu 2(2) u mingħajr diskriminazzjoni għal xi importatur fil-Komunità, irrispettivament minn fejn ikun il-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità, mingħajr ħsara għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħra meħtieġa skond ir-regoli attwali.

Artikolu 15

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-Ukrajna għal grupp ta' prodotti partikolari jaqbżu l-limitu kwantitattiv stabbilit għal dak il-grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom ikunu infurmati minnufih sabiex jissospendu l-ħruġ ulterjuri tal-liċenzji ta' importazzjoni. F'dan il-każ, għandhom immedjatament jinbdew konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw li joħroġu liċenzji ta' importazzjoni għal prodotti li joriġinaw mill-Ukrajna li ma jkunux koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6 sa 11.

Artikolu 16

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għandhom ikunu skond il-mudell tal-liċenzja ta' importazzjoni dispost fl-Anness III.

2. Il-formoli għal-liċenzji ta' importazzjoni u siltiet minnhom għandhom jsiru f'żewġ kopji, waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u ġġib in-numru 1 maħruġa lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja ta' l-awtorità ta' ħruġ" u ġġib in-numru 2, sabiex tinżamm mill-awtorità tal-ħruġ il-liċenzja. Għal raġunijiet ta' amministrazzjoni l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali mal-formola 2.

3. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda mingħajr polpa mekkanika, mħejjija għall-kitba u li tiżen bejn 55 u 65 g/m^2. Id-daqs tagħhom għandu jkun ta' 210 x 297 mm; l-ispazju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun ta' 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier); il-format tal-formoli għandu jiġi preċiżament segwit. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenzja stess, għandhom addizzjonalment ikollhom disinn guilloche stampat bl-aħmar fl-isfond sabiex jikxef kull falsifikazzjoni b'mezzi kimiċi u mekkaniċi.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu jiġu stampati wkoll minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. F'dan il-każ, ir-referenza għall-ħatra mill-Istat Membru trid tidher fuq kull formola. Kull formola għandha ġġib fuqha indikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li biha l-istampatur ikun identifikat.

5. Fil-ħin meta jinħarġu, il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew is-siltiet għandhom jingħataw numru tal-ħruġ stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru. In-numru tal-liċenzja ta' importazzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat stabbilit taħt l-Artikolu 4.

6. Il-liċenzji u s-siltiet għandhom jimtlew fil-lingwa uffiċjali, jew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali, ta' l-Istat Membru li jkun ħariġhom.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw il-grupp korrett tal-prodott ta' l-azzar.

8. Il-marki ta' l-aġenziji li joħorġu l-liċenzji u ta' l-awtoritajiet addebitanti għandhom jiġu applikati permezz ta' timbru. Madankollu, jistgħu jintużaw stampatura b'tipa mbuzzata flimkien ma' ittri jew figuri miksuba permezz ta' perforazzjoni jew stampar fuq il-liċenzja minflok t-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom jużaw kull metodu mhux falsifikabbli sabiex jirreġistraw il-kwantità allokata b'tali mod li jagħmluha impossibli li jiġu inseriti ċifri jew referenzi.

9. Fin-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 għandha tidher kaxxa li fiha jistgħu jitniżżlu l-kwantitajiet sew mill-awtoritajiet doganali meta jimtlew il-formalitajiet ta' importazzjoni kemm mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta tinħareġ silta. Jekk l-ispazju maħsub għad-debiti fuq liċenzja jew silta minnha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu paġna jew aktar li fuqha jkun hemm kaxex simili għal dawk li jidhru fuq in-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 tal-liċenzja jew tas-silta. L-awtoritajiet addebitanti għandhom jagħmlu t-timbru tagħhom sabiex nofsu jkun fuq il-liċenzja jew silta minnha u n-nofs l-ieħor ikun fuq il-paġna miżjuda. Jekk ikun hemm aktar minn paġna waħda, għandu jsir timbru ieħor bl-istess mod fuq kull paġna u l-paġna ta' qabilha.

10. Il-liċenzji ta' importazzjoni u siltiet maħruġa, u entrati u approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed għandu jkollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħad-dokumenti maħruġa, u entrati u approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jistgħu, fejn indispensabbli, jeħtieġu li l-kontenut tal-liċenzji jew is-siltiet ikun tradott fil-lingwa uffiċjali jew f'wieħed mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 17

Fir-rigward ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-Bulgarija u fir-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2007 tal-prodotti ta' l-azzar koperti b'dan ir-Regolament, għandha tkun meħtieġa liċenzja ta' l-importazzjoni, anke jekk il-prodotti ta' l-azzar ikunu ntbagħtu qabel dik id-data. Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija qabel l-1 ta' Jannar 2007, il-liċenzja ta' importazzjoni għandha tingħata awtomatikament mingħajr limitazzjonijiet kwantitattivi meta tiġi preżentata l-polza tat-tagħbija jew jiġi preżentat dokument ta' trasport ieħor li jitqies li jkun ekwivalenti mill-uffiċċji tal-liċenzji tal-Komunità bħala prova tad-data ta' meta tkun ntbagħtet il-merkanzija u wara l-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-Kummissjoni nkarigat mill-ġestjoni tal-liċenzji (SIGL). Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija fl-1 ta' Jannar jew wara dik id-data, huma għandhom ikunu suġġetti għar-regoli speċifiċi li jirregolaw il-limiti kwantitattivi kif definiti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. B'deroga, l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS I

SA Prodotti mremblin ċatt

SA1. (rombli)

7208 10 00 00
7208 25 00 00
7208 26 00 00
7208 27 00 00
7208 36 00 00
7208 37 00 10
7208 37 00 90
7208 38 00 10
7208 38 00 90
7208 39 00 10
7208 39 00 90

7211 14 00 10
7211 19 00 10

7219 11 00 00

7219 12 10 00
7219 12 90 00
7219 13 10 00
7219 13 90 00
7219 14 10 00
7219 14 90 00
7225 30 10 00
7225 30 30 10
7225 40 15 10
7225 50 20 10
7225 30 90 00

SA2. (pjanċi ħoxnin)

7208 40 00 10
7208 51 20 10
7208 51 20 91
7208 51 20 93
7208 51 20 97
7208 51 20 98
7208 51 91 00
7208 51 98 10
7208 51 98 91

7208 51 98 99
7208 52 91 00

7208 52 10 00
7208 52 99 00

7208 53 10 00

7211 13 00 00

7225 40 12 30
7225 40 40 00
7225 40 60 00
7225 99 00 10

SA3. (prodotti oħra mremblin ċatt)

7208 40 00 90
7208 53 90 00
7208 54 00 00
7208 90 80 10

7209 15 00 00
7209 16 10 00
7209 16 90 00
7209 17 10 00
7209 17 90 00
7209 18 10 00

7209 18 91 00

7209 18 99 00
7209 25 00 00
7209 26 10 00
7209 26 90 00
7209 27 10 00
7209 27 90 00
7209 28 10 00
7209 28 90 00
7209 90 80 10

7210 11 00 10
7210 12 20 10
7210 12 80 10
7210 20 00 10
7210 30 00 10
7210 41 00 10
7210 49 00 10
7210 50 00 10
7210 61 00 10
7210 69 00 10
7210 70 10 10
7210 70 80 10
7210 90 30 10
7210 90 40 10
7210 90 80 91

7211 14 00 90

7211 19 00 90
7211 23 20 10

7211 23 30 10
7211 23 30 91
7211 23 80 10
7211 23 80 91
7211 29 00 10
7211 90 80 10

7212 10 10 00
7212 10 90 11
7212 20 00 11

7212 30 00 11

7212 40 20 10
7212 40 20 91
7212 40 80 11
7212 50 20 11
7212 50 30 11
7212 50 40 11
7212 50 61 11
7212 50 69 11
7212 50 90 13
7212 60 00 11

7212 60 00 91

7219 21 10 00
7219 21 90 00
7219 22 10 00
7219 22 90 00
7219 23 00 00
7219 24 00 00
7219 31 00 00
7219 32 10 00
7219 32 90 00
7219 33 10 00
7219 33 90 00
7219 34 10 00
7219 34 90 00
7219 35 10 00
7219 35 90 00

7225 40 12 90
7225 40 90 00

SB Twal

SB1. (travi)

7207 19 80 10
7207 20 80 10

7216 31 10 00
7216 31 90 00
7216 32 11 00
7216 32 19 00
7216 32 91 00
7216 32 99 00
7216 33 10 00
7216 33 90 00

SB2. (vireg tal-wajer)

7213 10 00 00
7213 20 00 00
7213 91 10 00
7213 91 20 00
7213 91 41 00
7213 91 49 00
7213 91 70 00
7213 91 90 00

7213 99 10 00
7213 99 90 00
7221 00 10 00
7221 00 90 00
7227 10 00 00
7227 20 00 00
7227 90 10 00
7227 90 50 00
7227 90 95 00

SB3. (twal oħra)

7207 19 12 10
7207 19 12 91
7207 19 12 99
7207 20 52 00

7214 20 00 00
7214 30 00 00
7214 91 10 00
7214 91 90 00
7214 99 10 00
7214 99 31 00
7214 99 39 00
7214 99 50 00
7214 99 71 00
7214 99 79 00
7214 99 95 00

7215 90 00 10

7216 10 00 00
7216 21 00 00
7216 22 00 00
7216 40 10 00
7216 40 90 00
7216 50 10 00
7216 50 91 00
7216 50 99 00
7216 99 00 10

7218 99 20 00

7222 11 11 00
7222 11 19 00
7222 11 81 00
7222 11 89 00
7222 19 10 00
7222 19 90 00
7222 30 97 10
7222 40 10 00
7222 40 90 10

7224 90 02 89
7224 90 31 00
7224 90 38 00

7228 10 20 00
7228 20 10 10
7228 20 10 91
7228 20 91 10
7228 20 91 90
7228 30 20 00
7228 30 41 00
7228 30 49 00
7228 30 61 00
7228 30 69 00
7228 30 70 00
7228 30 89 00
7228 60 20 10
7228 60 80 10
7228 70 10 00
7228 70 90 10
7228 80 00 10
7228 80 00 90
7301 10 00 00

ANNESS II

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew attribwiti għal-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ..... fi …… (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data ta' l-imbark — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew attribwiti għal-limitu kwantitattiv stabbilit għas-sena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F'..... fi .....
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data ta' l-imbark — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..…..... fi ……..…….. (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi NM	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawntaħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..…..... fi ……..…….. (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ANNESS III

Liċenzja ta' l-Importazzjoni tal-Komunità Ewropea

1	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja tad-detentur		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, skond liema jkun jgħodd (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-konsenja (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
1		8. L-aħħar jum ta' validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Niżżel il-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, filwaqt li tniżżel l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Il-paġni ta' estensjoni għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

Liċenzja ta' importazzjoni fil-Komunità Ewropea

2	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħarġa
Kopja għall-awtorità tal-ħruġ		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u numru tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-konsenja (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
2		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Niżżel il-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, filwaqt li tniżżel l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Il-paġni ta' estensjoni għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

ANNESS IV

LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES
SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ
LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER
LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN
PÄDEVATE RIIKLIKE ASUTUSTE NIMEKIRI
ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ
LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES
LISTE DES AUTORITES NATIONALES COMPETENTES
ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITA NAZIONALI
VALSTU KOMPETENTO IESTAŽU SARAKSTS
ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS
AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA
LISTA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI
LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES
LISTA WŁAŚCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH
LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES
ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV
SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV
LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA
FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER

BELGIQUE/BELGIË

Service public Fédéral Economie, P.M.E., Classes Moyennes & Energie
Administration du potentiel économique
Service Licences
Rue de Louvain 44
B-1000 Bruxelles
Fax: + 32-2-5486570

Federale Overheidsdienst Economie, K.M.O., Middenstand & Energie
Bestuur Economisch Potentieel
Dienst Vergunningen
Leuvenseweg 44
B-1000 Brussel
Fax: + 32-2-5486570

БЪЛГАРИЯ

Министерство на икономиката и енергетиката
Дирекция "Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. "Славянска" № 8
1052 София
Факс: + 35929815041
Fax: + 35929804710
+ 35929883654

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
CZ-110 15 Praha 1
Fax: + 420-22421 21 33

DANMARK

Erhvervs- og Boligstyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Vejlsøvej 29
DK-8600 Silkeborg
Fax: + 45-35-46 64 01

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle,
(BAFA)- Referat 421
Frankfurter Strasse 29-35
D-65760 Eschborn
Fax: + 49-6196 90 88 00

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
EE-15072 Tallinn
Fax: + 372-6313 660

ΕΛΛΑΣ

Υπουργείο Οικονομίας & Οικονομικών
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Fax: + 30 210 328 6094

ESPAÑA

Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Subdirección General de Comercio Exterior de Productos Industriales
Paseo de la Castellana 162
E- 28046 Madrid
Fax: + 34-91-349 38 31

FRANCE

Ministère de l'Economie des Finances et de l'Industrie
Direction Générale des Entreprises
Sous-direction des Biens de Consommation
Bureau Textile-Importations
Le Bervil, 12 rue Villiot
F-75572 Paris Cedex 12
Fax: + 33-1-53 44 91 81

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
IE-Dublin 2
Ireland
Fax: + 353-1-631 25 62

ITALIA

Ministero delle Attivita Produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America 341
I-00144 Roma
Fax: + 39-6-59 93 22 35/59 93 26 36

KYPROS

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγής/Εξαγωγής
Οδός Ανδρέα Αραούζου Αρ.6
CY-1421 Λευκωσία
Φαξ: + 357-22-37 51 20

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
LV — 1519 Rīga
Fax: + 371-728 08 82

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT- 01104 Vilnius
Fax: + 370-5-26 23 974

LUXEMBOURG

Ministère de l'Economie et du Commerce extérieur
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax: + 352-46 61 38

MAGYARORSZÁG

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85.
HU-1024 Budapest
Fax: + 36-1-336 73 02

MALTA

Servizzi ta' Kummerċ
Diviżjoni għall-Kummerċ
Lascaris
MT-Valletta CMR02
Fax: + 356-21-23 19 19

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in-en uitvoer
Postbus 30003, Engelse Kamp 2
NL-9700 RD Groningen
Nederland
Fax: + 31-50-52 32 210

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Aussenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1
A-1011 Wien
Fax: + 43-1-7 11 00/83 86

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki
Plac Trzech Krzyży 3/5
PL- 00-507 Warszawa
Fax: + 48-22-693 40 21/693 40 22

PORTUGAL

Ministério das Finanças
Direcção Geral das Alfândegas e dos Impostos
Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo, Edifício da Alfândega de Lisboa
PT- 1140-060 Lisboa
Fax: + 351-218 814 261

ROMÂNIA

Ministerul Economieişi Comerþului
Direcþia Generalã Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu, nr. 16
Bucureşti, sect. 1
Cod poştal 010036
Tel.: 0040.21.315.00.81
Fax: + 40.21.315.04.54
e-mail: clc@dce.gov.ro

SLOVENIJA

Ministrstvo za finance
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Center za TARIC in kvote
Spodnji Plavž 6c
SI-4270 Jesenice
Fax: + 386-4-297 44 72

SLOVENSKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo hospodárstva SR
Odbor licencií
Mierová 19
SK-827 15 Bratislava 212
Slovenská republika
Fax: + 421-2-43 42 39 19

SUOMI/FINLAND

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
Telekopio: + 358-20-492 28 52

Tullstyrelsen
PB 512
FI-00101 Helsingfors
Fax: + 358-20-492 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-11386 Stockholm
Fax: + 46-8-30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House — West Precinct
Billingham
UK-TS23 2NF
United Kingdom
Fax: + 44-1642-36 42 69

ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI

(tunnellati)

Prodotti	Is-sena 2007
SA. Prodotti ċatti	
SA1. Kojls	153 750
SA2. Folji tqal	356 700
SA3. Prodotti ċatti oħra	99 425
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	30 750
SB2. Virga tal-wajer	128 125
SB3. Prodotti oħra twal	235 750

32006R1872

19.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 360/41

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1872/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar bejn il-Komunità u l-Federazzjoni Russa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 21(1) tal-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, u l-Federazzjoni Russa [1] jipprevedi li l-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar għandu jkun suġġett għal Ftehim speċifiku dwar arranġamenti kwantitattivi.

(2) Il-Ftehim kurrenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Federazzjoni Russa dwar il-kummerċ f'ċerti prodotti ta' l-azzar [2], iffirmat fit-3 ta' Novembru 2005, se jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(3) It-taħditiet tal-bidu bejn il-Partijiet juru li t-tnejn li huma beħsiebhom jikkonkludu Ftehim ġdid għall-2007 u s-snin ta' wara.

(4) Fl-istennija tal-firma u tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim il-ġdid, għandhom jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi għall-2007.

(5) Ladarba l-kundizzjonijiet li wasslu sabiex jiġu stabbiliti l-limiti kwantitattivi għall-2006 baqgħu l-istess, huwa xieraq li l-limiti għall-2007 jiġu stabbiliti fuq l-istess livell bħall-2006.

(6) Jeħtieġ li jiġu pprovduti l-mezzi sabiex jitmexxa dan ir-reġim fi ħdan il-Komunità b'tali mod li l-implimentazzjoni tal-Ftehim il-ġdid tkun tista' sseħħ billi jitfasslu kemm jista' jkun dispożizzjonijiet bħal dawn.

(7) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-oriġini tal-prodotti konċernati tkun iċċekkjata u metodi addattati ta' koperazzjoni amministrattiva jinħolqu għal dan il-għan.

(8) Prodotti mqiegħda fiż-żona ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen tad-dwana, l-importazzjoni temporanja jew l-ipproċessar attiv (sistema ta' sospensjoni) ma għandhomx jiġu attribwiti għal-limiti stabbiliti għall-prodotti konċernati.

(9) L-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament titlob id-dħul ta' rekwiżit għal liċenzja ta' importazzjoni fil-Komunità għad-dħul fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti konċernati.

(10) Sabiex jiġi żgurat li dawn il-limiti kwantitattivi ma jinqabżux, huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura ta' tmexxija li biha l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ma joħorġux awtorizzazzjonijiet ta' importazzjoni qabel ma tinkiseb konferma mill-Kummissjoni li l-ammonti adattati jibqgħu disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1 Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I, li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa.

2. Il-prodotti ta' l-azzar għandhom jiġu kklassifikati fi gruppi ta' prodotti kif stipulat fl-Anness I.

3. Il-klassifikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I għandha tkun bbażata fuq in-Nomenklatura Magħquda (NM) stabbilita mir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 [3].

4. L-oriġini tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun determinata skond ir-regoli li jkun hemm fis-seħħ fil-Komunità.

[1] ĠU L 327, 28.11.1997, p. 3.
[2] ĠU L 303, 22.11.2005, p. 39.
[3] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1758/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 1).

Artikolu 2

1. L-importazzjoni fil-Komunità tal-prodotti ta' l-azzar elenkati fl-Anness I li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu suġġetti għal-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness V. Il-permess għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tal-prodotti elenkati fl-Anness I li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa għandhom ikunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini, dispost fl-Anness II, u ta' liċenzja ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

2. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantitajiet li għalihom jinħarġu liċenzji ta' importazzjoni f'ebda mument ma jaqbżu l-limiti kwantitattivi totali għal kull grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti elenkati fl-Anness IV għandhom joħorġu liċenzji ta' importazzjoni biss wara konferma mill-Kummissjoni li jkun għad hemm kwantitajiet disponibbli fi ħdan il-limiti kwantitattivi għall-grupp ta' prodotti ta' l-azzar relevanti fir-rigward tal-pajjiż fornitur, li għalih importatur jew importaturi ppreżentaw applikazzjonijiet lill-awtoritajiet imsemmija.

3. L-importazzjonijiet awtorizzati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattiv relevanti stabbilit fl-Anness V. Il-konsenja tal-prodotti għandha titqies bħallikieku twettqet fid-data li fiha tgħabbew fuq il-mezz ta' trasport ta' esportazzjoni.

Artikolu 3

1. Il-limiti kwantitattivi msemmija fl-Anness V ma għandhomx japplikaw għall-prodotti mqiegħda fiż-żona ħielsa jew fl-imħażen ħielsa jew importati taħt l-arranġamenti li jirregolaw l-imħażen doganali, importazzjoni temporanja jew proċessar attiv (sistema ta' sospensjoni).

2. Meta l-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 jiġu sussegwentement rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, kemm fi stat mhux mibdul kif ukoll wara li jkunu nħadmu jew ipproċessati, japplika l-Artikolu 2(2) u l-prodotti hekk rilaxxati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattivi relevanti stipulati fl-Anness V.

Artikolu 4

1. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(2), qabel joħorġu liċenzji ta' importazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri elenkati fl-Anness IV għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammont ta' talbiet għal-liċenzji ta' importazzjoni, bis-saħħa tal-liċenzji ta' esportazzjoni oriġinali, li jkunu rċevew. Immedjatament, il-Kummissjoni għandha tinnotifika jekk l-ammont(i) mitlub(a) ta' kwantitajiet huwa(huma) disponibbli għall-importazzjoni fl-ordni kronoloġika li fiha n-notifiki ta' l-Istati Membri jkunu waslu (fuq bażi ta' "min ikun l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

2. It-talbiet inklużi fin-notifiki lill-Kummissjoni għandhom ikunu validi jekk f'kull każ jistabbilixxu b'mod ċar il-pajjiż ta' esportazzjoni, il-kodiċi tal-prodott ikkonċernat, l-ammonti li jridu jiġu impurtati, in-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni, is-sena tal-kwota u l-Istat Membru li fih huwa maħsub li jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa l-prodotti.

3. Sa fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni għandha tikkonferma lill-awtoritajiet l-ammont sħiħ indikat fit-talbiet innotifikati għal kull grupp ta' prodotti.

4. L-awtoritjiet kompetenti għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni wara li jkunu ġew informati dwar xi kwantità li ma tintużax matul il-validità tal-liċenzja ta' importazzjoni. Dawn il-kwantitajiet mhux użati se jiġu awtomatikament trasferiti fil-kwantitajiet li jkun fadal tal-limiti kwantitattivi totali tal-Komunità għal kull grupp ta' prodotti.

5. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 4 għandhom ikunu kkomunikati elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat maħluq għal dan l-iskop, sakemm ma jkunx meħtieġ, għal raġunijiet tekniċi imperattivi, li temporanjament jintużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni.

6. Il-liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu b'konformità ma' l-Artikoli 12 sa 16.

7. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull liċenzja ta' importazzjoni kkanċellata jew dokumenti ekwivalenti li diġà nħarġu f'każijiet fejn il-liċenzji ta' esportazzjoni korrispondenti jkunu ġew irtirati jew ikkanċellati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa. Madankollu, jekk il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jkunu ġew informati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa bl-irtirar jew il-kanċellazzjoni ta' liċenzja ta' importazzjoni wara li l-prodotti relatati jkunu ġew impurtati fil-Komunità, il-kwantitajiet konċernati għandhom jiġu attribwiti għal-limitu kwantitattiv relevanti stabbilit fl-Anness V.

Artikolu 5

1. Fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet li xi prodotti elenkati fl-Anness 1 li oriġinaw mill-Federazzjoni Russa ġew trasbordati, inbidlitilhom ir-rotta jew impurtati diversament fil-Komunità permezz ta' l-evażjoni tal-limiti kwantitattivi msemmija fl-Artikolu 2 u li jkun hemm il-ħtieġa li jseħħu l-aġġustamenti meħtieġa, għandha titlob li jinfetħu konsultazzjonijiet sabiex ikun jista' jintlaħaq ftehim dwar l-aġġustament meħtieġ tal-limiti kwantitattivi korrispondenti.

2. Fl-istennija tar-riżultati tal-konsultazzjoinijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Federazzjoni Russa tieħu l-passi meħtieġa ta' prekawzjoni sabiex tiżgura li wara dawn il-konsultazzjonijiet jistgħu jitwettqu l-aġġustamenti tal-limiti kwantitattivi miftiehma.

3. F'każ li l-Komunità u l-Federazzjoni Russa jonqsu milli jaslu għal soluzzjoni sodisfaċenti u f'każ li l-Kummissjoni tosserva li jkun hemm prova ċara ta' evażjoni tal-limiti kwantitattivi, il-Kummissjoni għandha tnaqqas l-limiti kwantitattivi volum ekwivalenti ta' prodotti li oriġinaw mill-Federazzjoni Russa.

Artikolu 6

1. Għandha tkun meħtieġa liċenzja ta' esportazzjoni (li trid tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa) fir-rigward ta' kwalunkwe konsenja ta' prodotti ta' l-azzar suġġetti għal-limiti kwantitattivi stabbiliti fl-Anness V sal-livell tal-limiti msemmija.

2. L-oriġinal tal-liċenzja ta' esportazzjoni għandu jiġi preżentat mill-importatur bil-għan li tinħareġ il-liċenzja ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12.

Artikolu 7

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni għal-limiti kwantitattivi għandha tikkonforma mal-mudell dispost fl-Anness II u għandha tiċċertifika, fost l-oħrajn, li l-kwantità ta' prodotti konċernati ġiet attribwita għal-limitu kwantitattiv stabbilit għall-grupp ta' prodotti kkonċernat.

2. Kull liċenzja ta' esportazzjoni għandha tkopri wieħed biss mill-gruppi ta' prodotti elenkati fl-Anness I.

Artikolu 8

L-esportazzjonijiet għandhom jiġu attribwiti għal-limiti kwantitattivi relevanti disposti fl-Anness V u trasportati fis-sens ta' l-Artikolu 2(3).

Artikolu 9

1. Il-liċenzja ta' esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 jista' jkollha magħha kopji addizzjonali debitament indikati bħala tali. Il-liċenzja ta' esportazzjoni u l-kopji tagħha, kif ukoll iċ-ċertifikat ta' oriġini u l-kopji tiegħu, għandhom jitfasslu bl-Ingliż.

2. Jekk id-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1 jimtlew bl-id, l-entrati għandhom isiru bil-linka u b'ittri kbar.

3. Id-daqs tal-liċenzji ta' esportazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandu jkun ta' 210 x 297 mm. Il-karta għandha tkun karta bajda għall-kitba, skond il-qies imsemmi, ma jkollhiex polpa mekkanika u ma tkunx tiżen inqas minn 25 g/m^2. Kull parti għandha jkollha disinn guilloche stampat fl-isfond li jagħmel kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi apparenti għall-għajn.

4. L-oriġinal biss għandu jkun aċċettat mill-awtoritajiet kompetenti fil-Komunità bħala validu għal raġunijiet ta' importazzjoni b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

5. Kull liċenzja ta' esportazzjoni jew dokument ekwivalenti għandhom ikollhom numru ta' serje standardizzat, kemm jekk ikun stampat kif ukoll jekk ma jkunx, li bih ikun jista' jiġi identifikat.

6. Dan in-numru tas-serje għandu jkun kompost mill-elementi li ġejjin:

— żewġ ittri li jkunu juru l-pajjiż esportatur kif ġej:

RU = Federazzjoni Russa

— żewġ ittri li jidentifikaw l-Istat Membru destinatarju kif ġej:

BE = Belġju

BG = Bulgarija

CZ = Repubblika Ċeka

DK = Danimarka

DE = Ġermanja

EE = Estonja

EL = Greċja

ES = Spanja

FR = Franza

IE = Irlanda

IT = Italja

CY = Ċipru

LV = Latvja

LT = Litwanja

LU = Lussemburgu

HU = Ungerija

MT = Malta

NL = Olanda

AT = Awstrija

PL = Polonja

PT = Portugall

RO = Rumanija

SI = Slovenja

SK = Slovakkja

FI = Finlandja

SE = Żvezja

GB = Renju Unit,

— numru b'ċifra waħda li jidentifika s-sena ta' kwota li turi l-aħħar ċifra fis-sena kkonċernata, eż. "7" għas-sena 2007;

— numru b'żewġ ċifri li jidentifika l-uffiċċju tal-ħruġ tal-liċenzji fil-pajjiż ta' esportazzjoni;

— numru b'ħames ċifri li jsegwi b'mod konsekuttiv minn 00 001 sa 99 999 li jkun allokat lill-Istat Membru speċifiku ta' destinazzjoni.

Artikolu 10

Il-liċenzja ta' esportazzjoni tista' tinħareġ wara t-trasport tal-prodotti li tirriferi għaliha. F'dawn il-każijiet għandu jkollha l-kelmiet "maħruġa retrospettivament".

Artikolu 11

Fil-każ li liċenzja ta' esportazzjoni tinsteraq, tintilef jew tinqered, l-esportatur jista' japplika għand l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu d-dokument għal duplikat abbażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tiegħu.

Il-liċenzja duplikata maħruġa b'dan il-mod għandha turi l-kelmiet "duplikata". Għandha jkollha d-data tal-liċenzja oriġinali.

Artikolu 12

1. Sa fejn il-Kummissjoni, skond l-Artikolu 4, tkun ikkonfermat li l-ammont mitlub huwa disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom joħorġu liċenzja ta' importazzjoni, sa massimu ta' ħamest ijiem tax-xogħol, minn meta l-importatur jippreżenta l-oriġinal ta' liċenzja ta' esportazzjoni korrispondenti. Din il-preżentazzjoni għandha ssehħ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara s-sena li fiha jkunu ntbagħtu l-prodotti koperti mil-liċenzja. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru irrispettivament mill-Istat Membru indikat fil-liċenzja ta' esportazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni tkun ikkonfermat, skond l-Artikolu 4, li l-ammont mitlub ikun disponibbli fi ħdan il-limitu kwantitattiv konċernat.

2. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom ikunu validi għal erba' xhur mid-data ta' ħruġ tagħhom. Fuq talba motivata minn importatur, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jestendu t-tul ta' żmien tal-validità għal perjodu ulterjuri li ma jaqbiżx l-erba' xhur.

3. Il-liċenzji ta' importazzjoni għandhom jitħejjew b'konformità mal-mudell dispost fl-Anness III u għandhom ikunu validi fit-territorju doganali kollu tal-Komunità.

4. Id-dikjarazzjoni jew talba magħmula mill-importatur sabiex jikseb l-liċenzja ta' importazzjoni għandha jkollha:

(a) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-esportatur;

(b) l-isem sħiħ u l-indirizz ta' l-importatur;

(c) id-deskrizzjoni eżatta tal-prodotti u l-kodiċi TARIC tagħhom;

(d) il-pajjiż ta' oriġini tal-prodotti;

(e) il-pajjiż destinatarju;

(f) il-grupp korrett tal-prodott u l-kwantità għall-prodotti konċernati;

(g) il-piż nett skond l-intestatura TARIC;

(h) il-valur c.i.f. tal-prodotti fil-fruntiera tal-Komunità skond l-intestatura TARIC;

(i) jekk il-prodotti konċernati humiex diġà użati jew ta' kwalità sub-standard;

(j) fejn xieraq, id-dati ta' ħlas u tal-konsenja u kopja tal-polza tat-tagħbija u tal-kuntratt ta' xiri;

(k) id-data u n-numru tal-liċenzja ta' esportazzjoni;

(l) kull kodiċi intern użat għal raġunijiet amministrattivi;

(m) id-data u l-firma ta' l-importatur.

5. L-importaturi m'għandhomx ikunu obbligati li jimportaw il-kwantità totali koperta minn liċenzja ta' importazzjoni f'konsenja waħda.

Artikolu 13

Il-validità tal-liċenzji ta' importazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandha tkunu suġġetta għall-validità ta' liċenzji ta' esportazzjoni u għall-kwantitajiet indikati fil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa li fuq il-bażi tagħhom ikunu nħarġu l-liċenzji ta' importazzjoni.

Artikolu 14

Il-liċenzji ta' importazzjoni jew dokumenti ekwivalenti għandhom jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri b'konformità ma' l-Artikolu 2(2) u mingħajr diskriminazzjoni għal xi importatur fil-Komunità, irrispettivament minn fejn ikun il-post ta' l-istabbiliment tiegħu fil-Komunità, mingħajr ħsara għall-konformità ma' kundizzjonijiet oħra meħtieġa skond ir-regoli attwali.

Artikolu 15

1. Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kwantitajiet totali koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-Federazzjoni Russa għal grupp ta' prodotti partikolari jaqbżu l-limitu kwantitattiv stabbilit għal dak il-grupp ta' prodotti, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom ikunu infurmati minnufih sabiex jissospendu l-ħruġ ulterjuri tal-liċenzji ta' importazzjoni. F'dan il-każ, għandhom immedjatament jinbdew konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jirrifjutaw li joħroġu liċenzji ta' importazzjoni għal prodotti li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa li ma jkunux koperti mil-liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 6 sa 11.

Artikolu 16

1. Il-formoli li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għall-ħruġ tal-liċenzji ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 għandhom ikunu skond il-mudell tal-liċenzja ta' importazzjoni dispost fl-Anness III.

2. Il-formoli għal-liċenzji ta' importazzjoni u siltiet minnhom għandhom jsiru f'żewġ kopji, waħda, immarkata "Kopja tad-detentur" u ġġib in-numru 1 maħruġa lill-applikant, u l-oħra, immarkata "Kopja ta' l-awtorità ta' ħruġ" u ġġib in-numru 2, sabiex tinżamm mill-awtorità tal-ħruġ il-liċenzja. Għal raġunijiet ta' amministrazzjoni l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu kopji addizzjonali mal-formola 2.

3. Il-formoli għandhom jiġu stampati fuq karta bajda mingħajr polpa mekkanika, mħejjija għall-kitba u li tiżen bejn 55 u 65 g/m^2. Id-daqs tagħhom għandu jkun ta' 210 x 297 mm; l-ispazju tat-tipa bejn il-linji għandu jkun ta' 4,24 mm (wieħed minn sitta ta' pulzier); il-format tal-formoli għandu jiġi preċiżament segwit. Iż-żewġ naħat tal-kopja Nru 1, li hija l-liċenzja stess, għandhom addizzjonalment ikollhom disinn guilloche stampat bl-aħmar fl-isfond sabiex jikxef kull falsifikazzjoni b'mezzi kimiċi u mekkaniċi.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-istampar tal-formoli. Il-formoli jistgħu jiġu stampati wkoll minn stampaturi maħtura mill-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti. F'dan il-każ, ir-referenza għall-ħatra mill-Istat Membru trid tidher fuq kull formola. Kull formola għandha ġġib fuqha indikazzjoni ta' l-isem u l-indirizz ta' l-istampatur jew marka li biha l-istampatur ikun identifikat.

5. Fil-ħin meta jinħarġu, il-liċenzji ta' l-importazzjoni jew is-siltiet għandhom jingħataw numru tal-ħruġ stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru. In-numru tal-liċenzja ta' importazzjoni għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni elettronikament fi ħdan in-netwerk integrat stabbilit taħt l-Artikolu 4.

6. Il-liċenzji u s-siltiet għandhom jimtlew fil-lingwa uffiċjali, jew f'wieħed mil-lingwi uffiċjali, ta' l-Istat Membru li jkun ħariġhom.

7. Fil-kaxxa 10 l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindikaw il-grupp korrett tal-prodott ta' l-azzar.

8. Il-marki ta' l-aġenziji li joħorġu l-liċenzji u ta' l-awtoritajiet addebitanti għandhom jiġu applikati permezz ta' timbru. Madankollu, jistgħu jintużaw stampatura b'tipa mbuzzata flimkien ma' ittri jew figuri miksuba permezz ta' perforazzjoni jew stampar fuq il-liċenzja minflok t-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ. L-awtoritajiet li joħorġu l-liċenzji għandhom jużaw kull metodu mhux falsifikabbli sabiex jirreġistraw il-kwantità allokata b'tali mod li jagħmluha impossibli li jiġu inseriti ċifri jew referenzi.

9. Fin-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 għandha tidher kaxxa li fiha jistgħu jitniżżlu l-kwantitajiet sew mill-awtoritajiet doganali meta jimtlew il-formalitajiet ta' importazzjoni kemm mill-awtoritajiet amministrattivi kompetenti meta tinħareġ silta. Jekk l-ispazju maħsub għad-debiti fuq liċenzja jew silta minnha ma jkunx biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu paġna jew aktar li fuqha jkun hemm kaxex simili għal dawk li jidhru fuq in-naħa ta' wara tal-kopja Nru 1 u tal-kopja Nru 2 tal-liċenzja jew tas-silta. L-awtoritajiet addebitanti għandhom jagħmlu t-timbru tagħhom sabiex nofsu jkun fuq il-liċenzja jew silta minnha u n-nofs l-ieħor ikun fuq il-paġna miżjuda. Jekk ikun hemm aktar minn paġna waħda, għandu jsir timbru ieħor bl-istess mod fuq kull paġna u l-paġna ta' qabilha.

10. Il-liċenzji ta' importazzjoni u siltiet maħruġa, u entrati u approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' Stat Membru wieħed għandu jkollhom l-istess effett legali f'kull wieħed mill-Istati Membri l-oħra bħad-dokumenti maħruġa, u entrati u approvazzjonijiet magħmula, mill-awtoritajiet ta' dawn l-Istati Membri.

11. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati jistgħu, fejn indispensabbli, jeħtieġu li l-kontenut tal-liċenzji jew is-siltiet ikun tradott fil-lingwa uffiċjali jew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' dak l-Istat Membru.

Artikolu 17

Fir-rigward ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-Bulgarija u fir-Rumanija mill-1 ta' Jannar 2007 tal-prodotti ta' l-azzar koperti b'dan ir-Regolament, għandha tkun meħtieġa liċenzja ta' l-importazzjoni, anke jekk il-prodotti ta' l-azzar ikunu ntbagħtu qabel dik id-data. Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija qabel l-1 ta' Jannar 2007, il-liċenzja ta' importazzjoni għandha tingħata awtomatikament mingħajr limitazzjonijiet kwantitattivi meta tiġi preżentata l-polza tat-tagħbija jew jiġi preżentat dokument ta' trasport ieħor li jitqies li jkun ekwivalenti mill-uffiċċji tal-liċenzji tal-Komunità bħala prova tad-data ta' meta tkun ntbagħtet il-merkanzija u wara l-approvazzjoni mill-uffiċċju tal-Kummissjoni nkarigat mill-ġestjoni tal-liċenzji (SIGL). Jekk il-prodotti ta' l-azzar jintbagħtu lejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija fl-1 ta' Jannar jew wara dik id-data, huma għandhom ikunu suġġetti għar-regoli speċifiċi li jirregolaw il-limiti kwantitattivi kif definiti f'dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. B'deroga, l-Artikolu 17 għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS I

Prodotti ċatti llaminati SA

SA1. Kojls

7208 10 00 00
7208 25 00 00
7208 26 00 00
7208 27 00 00
7208 36 00 00

7208 37 00 10

7208 37 00 90
7208 38 00 10
7208 38 00 90
7208 39 00 10
7208 39 00 90
7211 14 00 10
7211 19 00 10
7219 11 00 00
7219 12 10 00

7219 12 90 00
7219 13 10 00
7219 13 90 00
7219 14 10 00
7219 14 90 00

7225 30 10 00
7225 30 30 10
7225 30 90 00
7225 40 15 10

7225 50 20 10

SA2. Pjanċi Twal

7208 40 00 10

7208 51 20 10
7208 51 20 91
7208 51 20 93
7208 51 20 97
7208 51 20 98

7208 51 91 00

7208 51 98 10
7208 51 98 91
7208 51 98 99
7208 52 91 00

7208 52 10 00
7208 52 99 00

7208 53 10 00

7211 13 00 00

SA3. Prodotti oħra ċatti

7208 40 00 90
7208 53 90 00
7208 54 00 00

7208 90 80 10

7209 15 00 00

7209 16 10 00
7209 16 90 00
7209 17 10 00
7209 17 90 00

7209 18 10 00
7209 18 91 00
7209 18 99 00
7209 25 00 00
7209 26 10 00
7209 26 90 00
7209 27 10 00
7209 27 90 00

7209 28 10 00
7209 28 90 00
7209 90 80 10

7210 11 00 10
7210 12 20 10
7210 12 80 10
7210 20 00 10
7210 30 00 10

7210 41 00 10
7210 49 00 10
7210 50 00 10
7210 61 00 10
7210 69 00 10

7210 70 10 10
7210 70 80 10
7210 90 30 10
7210 90 40 10

7210 90 80 91

7211 14 00 90
7211 19 00 90
7211 23 30 91
7211 23 80 91
7211 29 00 10
7211 90 80 10
7212 10 10 00

7212 10 90 11
7212 20 00 11
7212 30 00 11
7212 40 20 10
7212 40 20 91
7212 40 80 11
7212 50 20 11
7212 50 30 11

7212 50 40 11
7212 50 61 11
7212 50 69 11
7212 50 90 13

7212 60 00 11
7212 60 00 91
7219 21 10 00

7219 21 90 00
7219 22 10 00
7219 22 90 00
7219 23 00 00

7219 24 00 00
7219 31 00 00

7219 32 10 00
7219 32 90 00

7219 33 10 00
7219 33 90 00

7219 34 10 00
7219 34 90 00
7219 35 10 00
7219 35 90 00

7225 40 12 90
7225 40 90 00

SA4. Prodotti llegati

7226 20 00 10
7226 91 20 00
7226 91 91 00

7226 91 99 00
7226 99 70 10

SA5. Folji quarto llegati

7225 40 12 30

7225 40 40 00

7225 40 60 00
7225 99 00 10

SA6. Pjanċi b'kisja u llegati li jsiru permezz ta' tisfiż tal-metall mingħajr l-użu tas-sħana

7225 50 80 00
7225 91 00 10
7225 92 00 10
7226 92 00 10

Prodotti twal SB

SB1. Travi

7207 19 80 10
7207 20 80 10

7216 31 10 00

7216 31 90 00

7216 32 11 00
7216 32 19 00
7216 32 91 00
7216 32 99 00
7216 33 10 00
7216 33 90 00

SB2. Virga tal-wajer

7213 10 00 00
7213 20 00 00
7213 91 10 00
7213 91 20 00
7213 91 41 00
7213 91 49 00
7213 91 70 00
7213 91 90 00
7213 99 10 00
7213 99 90 00

7221 00 10 00
7221 00 90 00

7227 10 00 00
7227 20 00 00
7227 90 10 00
7227 90 50 00
7227 90 95 00

SB3. Oħrajn twal

7207 19 12 10
7207 19 12 91
7207 19 12 99
7207 20 52 00

7214 20 00 00
7214 30 00 00
7214 91 10 00
7214 91 90 00
7214 99 10 00
7214 99 31 00
7214 99 39 00
7214 99 50 00
7214 99 71 00

7214 99 79 00

7214 99 95 00

7215 90 00 10

7216 10 00 00
7216 21 00 00
7216 22 00 00
7216 40 10 00
7216 40 90 00
7216 50 10 00

7216 50 91 00
7216 50 99 00
7216 99 00 10

7218 99 20 00

7222 11 11 00
7222 11 19 00
7222 11 81 00
7222 11 89 00

7222 19 10 00
7222 19 90 00
7222 30 97 10
7222 40 10 00
7222 40 90 10
7224 90 02 89

7224 90 31 00
7224 90 38 00

7228 10 20 00

7228 20 10 10
7228 20 10 91
7228 20 91 10
7228 20 91 90
7228 30 20 00
7228 30 41 00
7228 30 49 00
7228 30 61 00
7228 30 69 00
7228 30 70 00
7228 30 89 00
7228 60 20 10
7228 60 80 10
7228 70 10 00
7228 70 90 10
7228 80 00 10
7228 80 00 90

7301 10 00 00

ANNESS II

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew addebitati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għassena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ..... fi…… (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**LIĊENZJA TA' L-ESPORTAZZJONI**	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi TARIC	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew iċċarġjati kontra l-limitu kwantitattiv stabbilit għassena murija fil-kaxxa Nru 3 fir-rigward tal-Grupp tal-prodott muri fil-kaxxa Nru 4 bid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kummerċ ta' ċerti prodotti ta' l-azzar mal-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..…..... fi ……..……..
	(Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ORIĠINALI**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data ta' l-imbark — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi CN	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq oriġinaw fil-pajjiż li jidher fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F'..... fi ..... (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**KOPJA**	2. **Nru**
	3. Sena	4. Grupp tal-prodott
5. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	**ĊERTIFIKAT TA' L-ORIĠINI** (għal ċerti prodotti ta' l-azzar)	
	6. Pajjiż ta' l-oriġini	7. Il-pajjiż ta' destinazzjoni
8. Post u data tal-ġarr — mezz ta' trasport	9. Dettalji supplimentari	

10. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti — manifattur	11. Kodiċi CN	12. Kwantità (1)	13. Valur FOB (2)

14. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI

Jien, hawntaħt iffirmat, niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq joriġinaw fil-pajjiż muri fil-kaxxa Nru 6, skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Komunità Ewropea.

15. Awtorità kompetenti (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	F' ……..…..... fi……..……. (Firma) (Timbru)

(1) Uri l-piż nett (kg) u wkoll il-kwantità fl-unità preskritta fejn din tkun differenti mill-piż nett.
(2) Fil-munita tal-kuntratt tal-bejgħ.

ANNESS III

Liċenzja ta' importazzjoni fil-Komunità Ewropea

1	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħarġa
Kopja tad-detentur		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, skond liema jkun jgħodd (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kowd tal-ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-konsenja (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
1		8. L-aħħar jum tal-validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Niżżel il-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, filwaqt li tniżżel l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Il-paġni ta' estensjoni għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

Liċenzja ta' importazzjoni fil-Komunità Ewropea

2	1. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż, numru tal-VAT)	2. Numru tal-ħruġ
Kopja għall-awtorità tal-ħruġ		3. Sena
		4. Awtorità responsabbli għall-ħruġ (isem, indirizz u nru. tat-telefon)
	5. Dikjarant/rappreżentant, skond kif applikabbli (isem u indirizz sħiħ)	6. Il-pajjiż ta' l-oriġini (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
		7. Pajjiż destinatarju tal-konsenja (u l-kodiċi ta' ġeonomenklatura)
2		8. L-aħħar jum ta' validità

9. Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	10. Kodiċi TARIC
	11. Kwantità espressa fl-unità tal-kwota
	12. Sigurtà/garanzija (skond kif applikabbli)
13. Dettalji oħra	
14. Approvazzjoni ta' l-awtorità kompetenti Data: ..... (Firma) (Timbru)	

15. ATTRIBUZZJONIJIET

Niżżel il-kwantità disponibbli fil-parti 1 tal-kolonna 17 u l-kwantità attribwita fil-parti 2 tagħha

16. Kwantità netta (massa netta jew unità oħra ta' kejl, filwaqt li tniżżel l-unità)		19. Dokument tad-dwana (formola u numru) jew id-data ta' l-attribuzzjoni	20. Isem, Stat Membru, timbru u firma ta' l-awtorità attribwenti
17. F'ċifri	18. Fi kliem għall-kwantità attribwita		
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			
1.			
2.			

Il-paġni ta' estensjoni għandhom jiġu mehmuża hawnhekk.

ANNESS IV

LISTA DE LAS AUTORIDADES NACIONALES COMPETENTES
SEZNAM PŘÍSLUŠNÝCH VNITROSTÁTNÍCH ORGÁNŮ
LISTE OVER KOMPETENTE NATIONALE MYNDIGHEDER
LISTE DER ZUSTÄNDIGEN BEHÖRDEN DER MITGLIEDSTAATEN
PÄDEVATE RIIKLIKE ASUTUSTE NIMEKIRI
ΔΙΕΥΘΥΝΣΕΙΣ ΤΩΝ ΑΡΧΩΝ ΕΚΔΟΣΗΣ ΑΔΕΙΩΝ ΤΩΝ ΚΡΑΤΩΝ ΜΕΛΩΝ
LIST OF THE COMPETENT NATIONAL AUTHORITIES
LISTE DES AUTORITES NATIONALES COMPETENTES
ELENCO DELLE COMPETENTI AUTORITA NAZIONALI
VALSTU KOMPETENTO IESTAŽU SARAKSTS
ATSAKINGŲ NACIONALINIŲ INSTITUCIJŲ SĄRAŠAS
AZ ILLETÉKES NEMZETI HATÓSÁGOK LISTÁJA
LISTA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI
LIJST VAN BEVOEGDE NATIONALE INSTANTIES
LISTA WŁAŚCIWYCH ORGANÓW KRAJOWYCH
LISTA DAS AUTORIDADES NACIONAIS COMPETENTES
ZOZNAM PRÍSLUŠNÝCH ŠTÁTNYCH ORGÁNOV
SEZNAM PRISTOJNIH NACIONALNIH ORGANOV
LUETTELO TOIMIVALTAISISTA KANSALLISISTA VIRANOMAISISTA
FÖRTECKNING ÖVER BEHÖRIGA NATIONELLA MYNDIGHETER

BELGIQUE/BELGIË

Service public Fédéral Economie, P.M.E., Classes Moyennes & Energie
Administration du potentiel économique
Service Licences
Rue de Louvain 44
B-1000 Bruxelles
Fax: + 32-2-5486570

Federale Overheidsdienst Economie, K.M.O., Middenstand & Energie
Bestuur Economisch Potentieel
Dienst Vergunningen
Leuvenseweg 44
B-1000 Brussel
Fax: + 32-2-5486570

БЪЛГАРИЯ

Министерство на икономиката и енергетиката
Дирекция "Регистриране, лицензиране и контрол"
ул. "Славянска" № 8
1052 София
Факс: + 35929815041
Fax: + 35929804710
+ 35929883654

ČESKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
CZ-110 15 Praha 1
Fax: + 420-22421 21 33

DANMARK

Erhvervs- og Boligstyrelsen
Økonomi- og Erhvervsministeriet
Vejlsøvej 29
DK-8600 Silkeborg
Fax: + 45-35-46 64 01

DEUTSCHLAND

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle,
(BAFA)- Referat 421
Frankfurter Strasse 29-35
D-65760 Eschborn
Fax: + 49-6196 90 88 00

EESTI

Majandus- ja Kommunikatsiooniministeerium
Harju 11
EE-15072 Tallinn
Fax: + 372-6313 660

ΕΛΛΑΣ

Υπουργείο Οικονομίας & Οικονομικών
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Κορνάρου 1
GR-105 63 Αθήνα
Fax: + 30 210 328 6094

ESPAÑA

Ministerio de Industria, Turismo y Comercio
Secretaría General de Comercio Exterior
Subdirección General de Comercio Exterior de Productos Industriales
Paseo de la Castellana 162
E- 28046 Madrid
Fax: + 34-91-349 38 31

FRANCE

Ministère de l'Economie des Finances et de l'Industrie
Direction Générale des Entreprises
Sous-direction des Biens de Consommation
Bureau Textile-Importations
Le Bervil, 12 rue Villiot
F-75572 Paris Cedex 12
Fax: + 33-1-53 44 91 81

IRELAND

Department of Enterprise, Trade and Employment
Import/Export Licensing, Block C
Earlsfort Centre
Hatch Street
IE-Dublin 2
Ireland
Fax: + 353-1-631 25 62

ITALIA

Ministero delle Attivita Produttive
Direzione generale per la politica commerciale e per la gestione del regime degli scambi
Viale America 341
I-00144 Roma
Fax: + 39-6-59 93 22 35/59 93 26 36

KYPROS

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγής/Εξαγωγής
Οδός Ανδρέα Αραούζου Αρ.6
CY-1421 Λευκωσία
Φαξ: + 357-22-37 51 20

LATVIJA

Latvijas Republikas Ekonomikas ministrija
Brīvības iela 55
LV — 1519 Rīga
Fax: + 371-728 08 82

LIETUVA

Lietuvos Respublikos ūkio ministerija
Prekybos departamentas
Gedimino pr. 38/2
LT- 01104 Vilnius
Fax: + 370-5-26 23 974

LUXEMBOURG

Ministère de l'Economie et du Commerce extérieur
Office des licences
BP 113
L-2011 Luxembourg
Fax: + 352-46 61 38

MAGYARORSZÁG

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Margit krt. 85.
HU-1024 Budapest
Fax: + 36-1-336 73 02

MALTA

Servizzi ta' Kummerċ
Diviżjoni għall-Kummerċ
Lascaris
MT-Valletta CMR02
Fax: + 356-21-23 19 19

NEDERLAND

Belastingdienst/Douane centrale dienst voor in-en uitvoer
Postbus 30003, Engelse Kamp 2
NL-9700 RD Groningen
Nederland
Fax: + 31-50-52 32 210

ÖSTERREICH

Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Aussenwirtschaftsadministration
Abteilung C2/2
Stubenring 1
A-1011 Wien
Fax: + 43-1-7 11 00/83 86

POLSKA

Ministerstwo Gospodarki
Plac Trzech Krzyży 3/5
PL- 00-507 Warszawa
Fax: + 48-22-693 40 21/693 40 22

PORTUGAL

Ministério das Finanças
Direcção Geral das Alfândegas e dos Impostos
Especiais sobre o Consumo
Rua Terreiro do Trigo, Edifício da Alfândega de Lisboa
PT- 1140-060 Lisboa
Fax: + 351-218 814 261

ROMÂNIA

Ministerul Economieişi Comerþului
Direcþia Generalã Politici Comerciale
Str. Ion Câmpineanu, nr. 16
Bucureşti, sect. 1
Cod poştal 010036
Tel.: 0040.21.315.00.81
Fax: + 40.21.315.04.54
e-mail: clc@dce.gov.ro

SLOVENIJA

Ministrstvo za finance
Carinska uprava Republike Slovenije
Carinski urad Jesenice
Center za TARIC in kvote
Spodnji Plavž 6c
SI-4270 Jesenice
Fax: + 386-4-297 44 72

SLOVENSKÁ REPUBLIKA

Ministerstvo hospodárstva SR
Odbor licencií
Mierová 19
SK-827 15 Bratislava 212
Slovenská republika
Fax: + 421-2-43 42 39 19

SUOMI/FINLAND

Tullihallitus
PL 512
FI-00101 Helsinki
Telekopio: + 358-20-492 28 52

Tullstyrelsen
PB 512
FI-00101 Helsingfors
Fax: + 358-20-492 28 52

SVERIGE

Kommerskollegium
Box 6803
S-11386 Stockholm
Fax: + 46-8-30 67 59

UNITED KINGDOM

Department of Trade and Industry
Import Licensing Branch
Queensway House — West Precinct
Billingham
UK-TS23 2NF
United Kingdom
Fax: + 44-1642-36 42 69

ANNESS V

LIMITI KWANTITATTIVI

(tunnellati)

Prodotti	Sena 2007
SA Prodotti ċatti	
SA1. Kojls	930 975
SA2. Folji tqal	195 358
SA3. Prodotti ċatti oħra	399 485
SA4. Prodotti llegati	99 507
SA 5. Folji quarto llegati	22 047
SA 6. Pjanċi b'kisja u llegati li jsiru permezz ta' tisfif tal-metall mingħajr l-użu tas-sħana	102 597
SB. Prodotti twal	
SB1. Travi	46 072
SB2. Virga tal-wajer	176 993
SB3. Prodotti oħra twal	299 685

32006R1873

19.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 360/61

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1873/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali intitolati għal *allowances* għal xogħol bix-xift, u r-rati u l-kondizzjonijiet tagħhom

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, preżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Billi r-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 [2] jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi adattat għall-bidliet fil-bżonnijiet tax-xogħol bix-xift fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 300/76 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Il-fraži introduttiva ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) għandha tiġi mibdula b'li ġej:

"Uffiċjal

— imħallas mill-approprjazzjonijiet għar-riċerka u investiment u impjegat fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jew f'azzjoni indiretta, jew

— imħallas minn approprjazzjonijiet operattivi u impjegat f'dipartiment ta' servizzi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), f'dipartiment tas-sigurtà jew f'servizz ieħor involut fl-eżekuzzjoni ta' funzjonijiet ta' sigurtà, f'servizz ta' swiċċbord/informazzjoni tat-telefon, f'*reception desk*, f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) jew għal arranġamenti ta' koordinament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżi jew impjegat sabiex imexxi jew jissorvelja istallazzjonijiet tekniċi,

li jaħdem bix-xift fis-sens ta' l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal, għandu jkun intitolat għal *allowance* ta':".

2. L-aħħar sentenza ta' Artikolu 1(2) għandha tiħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005 (ĠU L 8, 12.1.2005, p. 1).

[2] ĠU L 38, 13.2.1976, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 860/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 26).

32006R1909

21.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 365/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1909/2006

tat-18 ta' Diċembru 2006

li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' kameras tat-televiżjoni li joriġinaw mill-Ġappun

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], ("ir-Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURI PREĊEDENTI

(1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1015/94 [2], impona dazju definittiv kontra d-*dumping* fuq importazzjonijiet ta' sistemi tal-kameras tat-televiżjoni ("TCS") li joriġinaw mill-Ġappun.

(2) F'Settembru 2000, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 [3] ikkonferma d-dazji defenittivi ta' kontra d-*dumping*, imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 (kif sussegwentament emendat) skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(3) Fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000, il-Kunsill speċifikament eskluda mill-ambitu tad-dazju ta' kontra d-*dumping*, is-sistemi tal-kameras elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament ('l-Anness'), li jirrappreżenta sistemi tal-kameras professjonali ta' livell għoli li teknikament jaqgħu fis-sens tat-tifsira tal-prodott taħt l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, iżda li ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi ta' kameras tat-televiżjoni.

(4) Il-Kummissjoni, permezz tan-notifika tad-29 ta' Settembru 2005 [4], tat bidu għal reviżjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li impona l-miżuri kontra d-*dumping* fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun.

(5) Il-Kummissjoni permezz tan-notifika tat-18 ta' Mejju 2006, bdiet proċeduri kontra d-*dumping* li jikkonċernaw l-importazzjonijet ta' ċerti sistemi ta' kameras li joriġinaw mill-Ġappun skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Ladarba l-ambitu tal-prodott ta' dawn il-proċeduri jinkludi l-prodotti suġġetti għall-miżuri tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000, il-Kummissjoni bdiet ukoll permezz ta' din in-notifika tat-18 ta' Mejju 2006, reviżjoni, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, tal-miżuri eżistenti. L-investigazzjonijiet imsemmija fil-premessi (4) u (5) għadhom għaddejjin.

B. INVESTIGAZZJONI DWAR MUDELLI GODDA TA' SISTEMI TA' KAMERAS PROFESSJONALI

1. Il-proċedura

(6) Produttur esportatur wieħed Ġappuniż, Hitachi Denshi (Europa) GmbH ("Hitachi") informa lill-Kummissjoni li kellu l-intenzjoni li jintroduċi mudell ġdid ta' sistemi tal-kameras professjonali fis-suq tal-Komunità u talab lill-Kummissjoni sabiex iżżid dan il-mudell ġdid ta' sistema tal-kameras professjonali ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk teżentah mill-ambitu tad-dazji kontra d-*dumping*.

(7) Il-Kummissjoni infurmat lill-industrija Komunitarja b'dan u tat bidu għal investigazzjoni limitata sabiex jiġi determinat jekk il-prodott ikkunsidrat jaqax fl-ambitu tad-dazji kontra d-*dumping* u jekk il-parti operattiva tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandhiex tiġi emendata skond dan.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 111, 30.4.1994, p. 106. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1754/2004 (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 1).

[3] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 913/2006 (ĠU L 169, 22.6.2006, p. 1).

[4] ĠU C 239, 29.9.2005, p. 9.

2. **Il-mudell taħt investigazzjoni**

(8) Ġiet riċevuta rikjesta għal eżenzjoni għall-mudell, li ġej, ta' sistemi ta' kameras, akkumpanjata mit-tagħrif tekniku relevanti:

Hitachi:

— Camera head V-35W.

Dan il-mudell ġie preżentat bħala mudell suċċessur tal-mudell, diġà eżentat, *camera head* V-35.

3. **Konklużjonijiet**

(9) Il-mudell *camera head* V-35W jaqa' fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Madanakollu, kif ġara bil-mudell predeċessur tiegħu, jintuża prinċipalment fl-applikazzjonijiet professjonali u ma jinbiegħx mas-sistema *triax* korrispondenti jew *adaptor* korrispondenti fis-suq tal-KE.

(10) Għalhekk, ġie konkluż li huwa jikkwalifika bħala sistema ta' kamera professjonali fis-sens ta' l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. B'riżultat ta' dan, għandu jiġi eskluż mill-ambitu tal-miżuri eżistenti kontra d-*dumping* u jiżdied ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000.

(11) Skond il-prassi stabbilita ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-mudell il-ġdid għandu jiġi eżentat mid-dazju kontra d-*dumping* mid-data li fiha s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew it-talba relevanti għall-eżenzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet kollha tal-mudell ta' kamera, li ġej, fil-11 ta' April 2006 jew wara, għandhom jiġu eżentati mid-dazju kontra d-*dumping* minn din id-data:

Hitachi:

— Camera head V-35W

4. **Tagħrif tal-partijiet interessati u konklużjonijiet**

(12) Il-Kummissjoni infurmat lill-industrija Komunitarja u lill-esportatur produttur tat-TCS bil-konklużjonijiet tagħha u tathom l-opportunità li jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom. L-ebda waħda mill-partijiet ma oġġezzjonat għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

(13) Fid-dawl ta' dak li jingħad hawn fuq, huwa propost li jiġi emendat l-Anness tar-Regolament Nru 2042/2000 kif meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 għandu jinbidel bl-Anness mehmuż hawnhekk.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-importazzjonijiet tal-mudell li ġej, prodott u esportat lejn il-Komunità mill-produttur esportatur li ġej:

Hitachi, mill-11 ta' April 2006

— Camera head V-35W.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

ANNESS

"ANNESS

Lista ta' sistemi tal-kameras professjonali li mhumiex kwalifikati bħala sistemi tal-kameras professjonali (sistemi tal-kameras tax-xandir), li huma eżentati mill-miżuri

Isem il-kumpannija	*Camera heads*	*Viewfinder*	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — *Master control unit*	*Adapters* tal-kamera
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P	RM-M7E (1)		CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE	CUU-M5AP (1)			CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 (1)
	DXC-327APK	DXF-40BCE				
	DXC-327APL	DXF-50BCE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE (1)				
	DXC-537PL	DXF-801CE (1)				
	DXC-537PH	HDVF-C30W				
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					
	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP (1)					
	DXC-D35PH (1)					
	DXC-D35PL (1)					
	DXC-D35PK (1)					
	DXC-D35WSPL (1)					
	DSR-135PL (1)					

Isem il-kumpannija	*Camera heads*	*Viewfinder*	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — *Master control unit*	*Adapters* tal-kamera
Ikegami	HC-340	VF15-21/22	MA-200/230	RCU-240	—	CA-340
	HC-300	VF-4523	MA-200A (1)	RCU-390 (1)		CA-300
	HC-230	VF15-39	MA-400 (1)	RCU-400 (1)		CA-230
	HC-240	VF15-46 (1)	CCU-37	RCU-240A		CA-390
	HC-210	VF5040 (1)	CCU-10			CA-400 (1)
	HC-390	VF5040W (1)				CA-450 (1)
	LK-33					
	HDL-30MA					
	HDL-37					
	HC-400 (1)					
	HC-400W (1)					
	HDL-37E					
	HDL-10					
	HDL-40					
	HC-500 (1)					
	HC-500W (1)					
Hitachi	SK-H5	GM-5 (A)	RU-C1 (B)	—	—	CA-Z1
	SK-H501	GM-5-R2 (A)	RU-C1 (D)			CA-Z2
	DK-7700	GM-5-R2	RU-C1			CA-Z1SJ
	DK-7700SX	GM-50	RU-C1-S5			CA-Z1SP
	HV-C10	GM-8A (1)	RU-C10 (B)			CA-Z1M
	HV-C11	GM-9 (1)	RU-C10 (C)			CA-Z1M2
	HV-C10F	GM-51 (1)	RC-C1			CA-Z1HB
	Z-ONE (L)		RC-C10			CA-C10
	Z-ONE (H)		RU-C10			CA-C10SP
	Z-ONE		RU-Z1 (B)			CA-C10SJA
	Z-ONE A (L)		RU-Z1 (C)			CA-C10M
	Z-ONE A (H)		RU-Z1			CA-C10B
	Z-ONE A (F)		RC-C11			CA-Z1A (1)
	Z-ONE A		RU-Z2			CA-Z31 (1)
	Z-ONE B (L)		RC-Z1			CA-Z32 (1)
	Z-ONE B (H)		RC-Z11			CA-ZD1 (1)
	Z-ONE B (F)		RC-Z2			CA-Z35 (1)
	Z-ONE B		RC-Z21			EA-Z35 (1)
	Z-ONE B (M)		RC-Z2A (1)			
	Z-ONE B (R)		RC-Z21A (1)			
	FP-C10 (B)		RU-Z3 (1)			
	FP-C10 (C)		RC-Z3 (1)			
	FP-C10 (D)		RU-Z35 (1)			
	FP-C10 (G)		RU-3300N (1)			
	FP-C10 (L)					
	FP-C10 (R)					
	FP-C10 (S)					
	FP-C10 (V)					
	FP-C10 (F)					
	FP-C10					
	FP-C10 A					
	FP-C10 A (A)					
	FP-C10 A (B)					
	FP-C10 A (C)					
	FP-C10 A (D)					

Isem il-kumpannija	*Camera heads*	*Viewfinder*	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — *Master control unit*	*Adapters* tal-kamera
	FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R) FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA (1) V-21 (1) V-21W (1) V-35 (1) DK-H31 (1) V-35W (1)					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A AW-E650 AW-E655 AW-E750 AW-E860L AK-HC910L AK-HC1500G	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B AW-VF80	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505 AK-HRP900 AK-HRP150	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE

Isem il-kumpannija	*Camera heads*	*Viewfinder*	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — *Master control unit*	*Adapters* tal-kamera
JVC	KY-35E KY-27ECH KY-19ECH KY-17FITECH KY-17BECH KY-F30FITE KY-F30BE KY-F560E KY-27CECH KH-100U KY-D29ECH KY-D29WECH (1)	VF-P315E VF-P550E VF-P10E VP-P115E VF-P400E VP-P550BE VF-P116E VF-P116WE (1) VF-P550WE (1)	RM-P350EG RM-P200EG RM-P300EG RM-LP80E RM-LP821E RM-LP35U RM-LP37U RM-P270EG RM-P210E	—	—	KA-35E KA-B35U KA-M35U KA-P35U KA-27E KA-20E KA-P27U KA-P20U KA-B27E KA-B20E KA-M20E KA-M27E
Olympus	MAJ-387N MAJ-387I		OTV-SX 2 OTV-S5 OTV-S6			
	Camera OTV-SX					

(*) Imsejjaħ ukoll *master set up unit* (MSU) jew master *control panel* (MCP).
(1) Mudelli eżentati bil-kondizzjoni li s-sistema *triax* korrispondenti jew it-*triax-adapter* korrispondenti ma jinbiġħux fis-suq tal-KE."

32006R1910

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1910/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' sistemi tat-telekamera li joriġinaw fil-Ġappun wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

1.1 Il-miżuri fis-seħħ

(1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1015/94 [2], impona dazju definittiv ta' l-*anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' sistemi tat-telekameras ("TCS") li joriġinaw fil-Ġappun ("l-investigazzjoni oriġinali").

(2) F'Settembru 2000, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 [3], ikkonferma d-dazji defenittivi ta' l-anti-dumping, imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 (kif sussegwentament emendat) skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

1.2 Talba għal reviżjoni

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti tal-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' sistemi tat-telekameras ("TCS") li joriġinaw mill-Ġappun [4], il-Kummissjoni rċeviet talba fit-28 ta' Ġunju 2005 sabiex tirrevedi dawn il-miżuri skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba ntbagħtet minn Grass Valley Nederland BV, produttur Komunitarju li jirrappreżenta iżjed minn 60 % tal-produzzjoni totali Komunitarja ta' TCS ("l-applikant"). Grass Valley hija l-kumpanija li rriżultat mix-xiri ta' Philips Digital Video Systems minn Thomson Multimedia, il-proprjetarja ta' Thomson Broadcast Systems. It-talba għal reviżjoni ta' l-iskadenza kienet ibbażata fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fi tkomplija jew rikorrenza ta' *dumping* u ħsara lill-industrija Komunitarja.

(5) Wara li ġie determinat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm provi bizzejjed biex tinbeda reviżjoni ta' l-iskadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet din ir-reviżjoni fid-29 ta' Settembru 2005 [5].

1.3 Investigazzjoni parallela

(6) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni bdiet proċediment ta' l-*anti-dumping* ġdid li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi tal-kameras li joriġinaw fil-Ġappun, u reviżjoni interim tal-miżuri ta' l-*anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tas-sistemi tat-telekameras li joriġinaw fil-Ġappun [6]. L-ambitu tal-proċediment *anti-dumping* il-ġdid jinkludi sistemi tat-telekameras koperti mill-miżuri fis-seħħ imsemmija fil-premessa 2. Jekk jiġi ddeterminat li jridu jiġu imposti miżuri fuq ċerti sistemi tat-telekameras li joriġinaw fil-Ġappun, u b'hekk ikopru s-sistemi tat-telekameras suġġetti għall-miżuri fir-Regolament preżenti, it-tkomplija ta' l-impożizzjoni tal-miżuri imposti mir-Regolament preżenti mhux se jibqgħu xierqa, u jkollhom jiġu emendati jew jitneħħew kif xieraq.

1.4 L-Investigazzjoni Attwali

1.4.1 *Il-Proċedura*

(7) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi esportaturi, lill-importaturi, lill-utenti kkonċernati magħrufin u lill-assoċjazzjoniet tagħhom, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi u lill-produtturi Komunitarji bil-bidu tar-reviżjoni ta' l-iskadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jwasslu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ.

---

[1] ĠU L 56, 6. 3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 111, 30.4.1994, p. 106. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1754/2004 (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 1).

[3] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1909/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 1).

[4] ĠU C 309, 15.12.2004, p. 2.

[5] ĠU C 239, 29.9.2005, p. 9.

[6] ĠU C 117, 18.5.2006, p. 8.

(8) Intbagħtu kwestjonarji lill-produttur Komunitarju applikant, żewġ produtturi Komunitarji oħra magħrufin, ħamsa u għoxrin utent, disa' produtturi tal-materja prima, u lill-ħames produtturi esportaturi magħrufa fil-Ġappun. Waslu tweġibiet minn produttur Komunitarju wieħed, produttur esportatur Ġappuniż wieħed u l-kumpanija relatata tiegħu fil-Komunità, erba' utenti/importaturi u fornitur wieħed tal-materja prima.

(9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li tqies neċessarju għall-investigazzjoni tagħha, u wettqet żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

Produttur Komunitarju:

— Grass Valley Netherlands BV, Breda (l-Olanda)

Produtturi oħra fil-Komunità

— Ikegami Electronics (Europe) GmbH — UK Branch, Sunbury on Thames (Ir-Renju Unit)

Produtturi fil-pajjiż esportatur:

— Ikegami Tsushinki Co., Ltd, Tokyo

(10) L-analiżi tiffoka l-iktar fuq id-definizzjoni standard (SD) għax SD TCS jikkostitwixxu l-maġġoranza vasta tal-prodotti suġġetta għall-miżuri. Huwa nnutat wkoll li HD TCS, b'rendiment u kwalità simili għal SD TCS b'relazzjoni S/N ta' 62 dB (għalhekk suġġetta għall-miżuri attwali), jista' jippreżenta relazzjoni S/N ta' inqas minn 55 dB, u għaldaqstant ma jkunx kopert mill-miżuri. Dan kien ikkonfermat ukoll mill-industrija Komunitarja. Parti interessata li ma kkooperatx fl-investigazzjoni preżenti, talbet li d-definizzjoni tal-prodott ta' din ir-reviżjoni tiġi allinjata ma' dik ta' l-investigazzjoni msemmija fil-premessa 6. Madankollu, ir-reviżjoni attwali ma tistax tibdel id-definizzjoni tal-prodott u hija limitata biex tiddetermina jekk il-miżuri fis-seħħ għandhomx jinżammu jew jitneħħew. Għalhekk dan l-argument kellu jiġi rrifjutat.

1.4.2 *Il-perjodu ta' l-investigazzjoni*

(11) L-investigazzjoni rigward il-probabbiltà ta' tkomplija u/jew rikorrenza ta' *dumping* u ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2004 sat-30 ta' Settembru 2005 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni" jew "l-IP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sa tmiem l-IP ("il-perjodu meqjus", il-perjodu ta' l-investigazzjoni tal-ħsara jew "IIP").

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1 Il-Prodott ikkonċernat

(12) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjonijiet oriġinali li wasslu għall-impożizzjoni tal-miżuri attwalment fis-seħħ, i.e. sistemi tat-telekameras.

(13) Kif ġie stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1015/94, TCS jistgħu jkunu magħmula minn kumbinazzjoni tal-partijiet li ġejjin, importati flimkien jew separatament:

(a) *head* tal-kamera bi tliet sensuri jew aktar (dispożittivi li jakkumpanjaw il-karika ta' 12 mm jew aktar) b'aktar minn 400 000 *pixel* kull wieħed, li jistgħu jitqabbdu ma' adapter fuq wara, u li għandha speċifikazzjonijiet b'relazzjoni tas-sinjal mal-ħoss ta' 55dB jew aktar meta jkun imqabbad b'mod normali; jew f'biċċa waħda mal-*head* tal-kamera u l-adapter flimkien f'kaxxa waħda, jew separati;

(b) *viewfinder* (djagunal ta' 38 mm jew aktar);

(ċ) stazzjon ta' bażi jew unità għall-kontroll tal-kamera (CCU) mqabbda mal-kamera b'kejbil;

(d) pannel għall-kontroll operazzjonali (OCP) għall-kontroll tal-kameras waħda waħda (jiġifieri għall-aġġustament tal-kulur, il-ftuħ tal-lenti jew ta' l-iris);

(e) pannel prinċipali għall-kontroll (MCP) jew unità ta' struttura ta' organizzazzjoni prinċipali (MSU) b'indikazzjoni tal-kamera magħżula, għall-panoramika u għall-aġġustament ta' bosta kameras 'il bogħod.

(14) Il-prodotti koperti minn din ir-reviżjoni bħalissa huma klassifikabbli fil-kodiċi tan-NM ex 8525 30 90, ex 8537 10 91, ex 8537 10 99, ex 8529 90 81, ex 8529 90 95, ex 8543 89 97, ex 8528 21 14, ex 8528 21 16 u ex 8528 21 90.

(15) Il-Prodotti mhux koperti minn dan il-proċediment huma:

(a) lentijiet;

(b) reġistratur tat-tejps tal-vidjo;

(ċ) *heads* tal-kamera b'unità għar-reġistrazzjoni fl-istess kaxxa inseparabbli;

(d) sistemi tal-kameras professjonali li ma jistgħux jintużaw għal finijiet ta' xandir;

(e) Sistemi tal-kameras professjonali elenkati fl-Anness

2.2 **Prodott simili**

(16) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjonijiet preċedenti msemmija fil-premessi (1) u (2), l-investigazzjoni attwali kkonfermat li l-prodott ikkonċernat iffabbrikat mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi u mibjugħa fis-suq Ġappuniż u fil-Komunità u l-prodott iffabbrikat u mibjugħ mill-produttur Komunitarju applikant fis-suq Komunitarju jużaw l-istess teknoloġija bażika u t-tnejn li huma jikkonformaw ma' standards industrijali applikabbli mad-dinja kollha. Dawn il-prodotti għandhom ukoll l-istess applikazzjonijiet u użu, konsegwentement għandhom karatteristiċi, fiżiċi u tekniċi simili, jistgħu jintużaw minflok xulxin u jikkompetu ma' xulxin. Għalhekk, dawn il-prodotti huma simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW RIKORRENZA TA' DUMPING**

3.1 **Rimarki preliminari**

(17) Bħal fl-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti, il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Ġappuniżi fil-proċediment preżenti kien partikolarment baxx. Produttur wieħed biss minn ħamsa kkooperaw. Mill-erba' produtturi l-oħra magħrufa mill-Kummissjoni, ħadd minnhom ma baġħat tweġiba għall-kwestjonarju għalkemm, skond il-fatti disponibbli, u b'mod partikolari d-*database* miżmuma mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("id-*database* ta' l-14(6)"), ta' l-inqas tlieta minnhom x'aktarx esportaw TCS lejn il-Komunità matul l-IP.

(18) Produttur esportatur wieħed biss ikkoopera li, madankollu, ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità. Minħabba l-livell baxx ta' kooperazzjoni, ma seta' jinġabar l-ebda tagħrif disponibbli dwar l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità matul l-IP direttament mill-produtturi esportaturi. Barra minn hekk, b'konformità mas-sejbiet preċedenti, it-tagħrif statistiku disponibbli mill-Eurostat deher li ma kienx affidabbli peress li l-kodiċi NM li l-prodott ikkonċernat huwa klassifikabbli taħtu jirreġistra wkoll importazzjonijiet ta' prodotti oħra, mingħajr ebda possibbiltà ta' distinzjoni. Għalhekk, it-tagħrif tal-Eurostat kellu jitwarrab ukoll għad-determinazzjoni ta' jekk kienx hemm importazzjonijiet ta' TCS mill-Ġappun u f'liema kwantitajiet u valuri. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi u skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni daret għall-użu tal-fatti disponibbli, i.e. it-tagħrif li jinsab fid-*database* ta' l-14(6) u t-talba għal bidu ta' reviżjoni. Fuq din il-bażi, il-volumi u l-valuri ta' TCS li joriġinaw fil-Ġappun impurtati fil-Komunità matul il-perjodu meqjus kienu l-aħjar stima.

3.2 **Dumping ta' importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni.**

(19) Minħabba l-kooperazzjoni insufficjenti/nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fil-Ġappun, u l-fatt li l-uniku produttur esportatur fil-Ġappun li kkoopera ma esportax lejn il-Komunità matul l-IP, il-Kummissjoni fit-txet tagħrif rigward it-tkomplija ta' *dumping* minn sorsi oħra, u b'mod partikolari fit-tagħrif mibgħut mill-applikant u fid-*database* ta' l-14(6), b'konformità ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(20) Id-*database* ta' l-14(6) turi li kien hemm importazzjonijiet sinjifikanti tal-prodott ikkonċernat matul l-IP, u b'mod partikolari ta' madwar 10 *heads* tat-telekameras ("TCH"), li huwa l-essenzjali u l-parti l-iżjed ta' valur ta' sistema. Ta' min ifakkar li minħabba l-ftit kooperazzjoni u l-fatt li l-uniku produttur esportatur li kkoopera ma esportax lejn il-Komunità matul l-IP, ma seta' jiġi pproċessat l-ebda kalkolu fuq il-prodott ikkonċernat.

(21) Minħabba dak li ntqal hawn fuq, u skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kellha toqgħod fuq il-fatti disponibbli, jiġifieri l-evidenza mogħtija fit-talba ta' l-applikant, li wriet li l-livell ta' *dumping* għal żewġ mudelli tal-prodott ikkonċernat wara l-ħlas tad-dazji huwa sinjifikanti, tant li għal mudell minnhom jaqbeż l-10 %.

(22) Bħala konklużjoni, jidher mill-evidenza disponibbli li hemm probabbiltà ta' tkomplija ta' prassi ta' *dumping* mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi.

3.3 **L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitneħħew**

3.3.1 *Rimarki preliminari*

(23) Produtturi dinjija ta' TCS jinsabu fil-Ġappun u fl-UE. Għalhekk, il-bejgħ madwar id-dinja maqsum bejn dawn il-produtturi. Hemm ta' l-inqas żewġ produtturi Komunitarji magħrufa, li wieħed minnhom huwa relatat ma' produtturi esportaturi Ġappuniżi, li jipproduċu għas-suq Komunitarju. Hemm ħames produtturi esportaturi Ġappuniżi, li jipproduċu u jbigħu madwar id-dinja.

(24) Ta' min ifakkar li l-miżuri ilhom fis-seħħ mill-1994. Barra minn hekk, fl-1999, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-produtturi esportaturi kienu qegħdin jassorbu l-miżuri u għalhekk iddeċidew li jżidu d-dazji *anti-dumping* tagħhom għal livelli sinjifikanti ħafna għall-produtturi esportaturi kkonċernati (sa 200,3 %). Fl-aħħar nett, fl-2000, reviżjoni ta' skadenza tal-miżuri fis-seħħ urew li l-miżuri għandhom jiġu estiżi għal perjodu ieħor ta' ħames snin minħabba l-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' *dumping* u ħsara.

3.3.2 *Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet fil-Komunità u l-pajjiż esportatur*

(25) Minħabba l-ftit kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, l-unika sorsi disponibbli ta' tagħrif għall-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat fil-Ġappun fejn id-*data* tal-bejgħ mill-uniku produttur esportatur li kkoopera (Ikegami), it-tagħrif miġbur mill-applikant u t-tagħrif fit-talba għal din l-investigazzjoni.

(26) Kif issemma fil-premessa 20 hawn fuq, it-TCH hija l-parti l-iżjed li tiswa f'sistema ta' telekamera f'termini ta' valur, u għalhekk tqieset adatta għall-istima tal-valutazzjoni bejn il-prezzijiet fil-Ġappun u l-prezzijiet fil-Komunità fuq din il-bażi.

(27) Bit-tagħrif fit-talba u bit-tagħrif miġbur matul iż-żjarat ta' verifika, jidher li l-prezzijiet iċċarġjati mill-produtturi Komunitarji fil-Komunità huma ogħla minn dawk li hemm fis-suq domestiku Ġappuniż.

(28) Madankollu, hawn fuq intwera li minkejja dan, il-kumpaniji Ġappuniżi għandhom ix-xewqa llum diġà biex jesportaw lejn il-Komunità bi prezzijiet minghajr id-dazji *anti-dumping* li huma bil-kif iżjed baxxi minn dawk li hemm fil-Komunità u fis-suq domestiku tagħhom. L-istess jista' jingħad għall-esportazzjonijiet tagħhom lejn pajjiżi terzi.

(29) Fuq din il-bażi, wieħed jista' jistenna li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, l-importazzjonijiet x'aktarx li jidħlu fil-Komunità bi prezzijiet li jkunu oġġett ta' *dumping* sinjifikanti ħafna u li jkunu inqas mill-prezzijiet Komunitarji, peress li ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jemmen li l-produtturi Ġappuniżi jimmodifikaw l-aġir fil-prezzijiet tagħhom f'dan il-każ. Barra minn hekk, il-livell ġoli tal-prezzijiet fis-suq Komunitarju jikkostitwixxi wkoll inċentiv għall-produtturi esportaturi Ġappuniżi biex idawru partijiet mill-bejgħ domestiku lejn l-UE.

(30) Fl-aħħar nett, peress li l-miżuri fis-seħħ huma ġoljin (minn 52,7 sa 200,3 %) il-produtturi esportaturi Ġappuniżi jkollhom marġini sinjifikanti ta' manuvrar fit-twaqqif tal-prezzijiet il-ġodda jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u jekk jiddeċiedu li jgħollu l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni tagħhom. Fil-każijiet kollha, kif deher qabel, kwalunkwe żieda fil-prezzijiet taħt il-miżuri eżistenti fis-seħħ ibaxxu l-prezzijiet Komunitarji.

3.3.3 *Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mill-Ġappun lejn pajjiżi terzi u l-prezzijiet fil-pajjiż esportatur*

(31) Minħabba l-ftit kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, twettqet analiżi li tirrigwarda l-prezzijiet mill-Ġappun għal pajjiżi terzi, ta' l-uniku produttur esportatur li kkoopera mqabbla mal-prezzijiet tal-prodotti mibjugħin fil-Ġappun. F'dan ir-rigward, tqieset il-maġġoranza vasta tal-bejgħ lejn pajjiżi terzi.

(32) Sabiex isir tqabbil bejn prezzijiet bħal dawn, saru aġġustamenti fejn kien hemm bżonn għal livell ta' kummerċ, trasport, assikurazzjoni, u infiq ta' kreditu. L-elementi kollha tas-sistemi, u mhux il-*heads* tal-kameras biss, ġew inklużi fit-tqabbil, peress li kien hemm tagħrif dettaljat disponibbli.

(33) It-tqabbil wera li l-kumpanija kienet qiegħda tbigħ lejn pajjiżi terzi fi prezzijiet irħas b'mod sinjifikanti minn dawk tas-suq domestiku tagħha.

(34) Bit-tagħrif disponibbli, jista' jitqies li l-kumpanija tbigħ il-prodotti tagħha lill-pajjiżi terzi bi probabbiltà kbira bi prezzijiet iddampjati (madwar 20 %). Dan jikkonferma l-evidenza *prima facie* li hemm fit-talba li l-produtturi esportaturi jbigħu bi prezzijiet iddampjati b'mod sinjifikanti f'pajjiżi terzi oħra.

(35) M'hemm l-ebda evidenza disponibbli li tindika li produtturi esportaturi Ġappuniżi oħra ma jsegwux l-istess politika fil-prezzijiet u li mhumiex ibigħu bi prezzijiet x'aktarx iddampjati f'pajjiżi terzi oħra.

(36) Fuq din il-bażi, il-konklużjoni hija li l-produtturi esportaturi Ġappuniżi biegħu għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi bi prezzijiet irħas b'mod sinjifikanti mill-prezzijiet fis-suq domestiku u li dawk il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu bi probabbiltà kbira f'livelli ddampjati matul l-IP, u ma hemm l-ebda evidenza li din il-prassi se tinbidel.

3.3.4 *Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mill-Ġappun lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fil-Komunità*

(37) Skond il-fatti disponibbli, jiġifieri t-talba u t-tagħrif mogħti mill-uniku produttur esportatur li kkoopera, il-prezzijiet li l-produtturi esportaturi jbigħu l-prodott ikkonċernat bihom f'pajjiżi terzi huma ferm iktar baxxi minn dawk li hemm fil-Komunità. Id-differenza tista' tlaħħaq il-220 % skond is-suq. Għalhekk, kieku l-miżuri kellhom jitħallew jiskadu, ikun hemm inċentiv sinjifikanti għall-produtturi esportaturi Ġappuniżi biex idawru partijiet mill-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq Komunitarju.

(38) Huwa nnutat ukoll li l-Komunità hija l-unika pajjiż fejn il-miżuri *anti-dumping* huma fis-seħħ kontra l-prodott ikkonċernat. Ma hemm l-ebda evidenza li l-produtturi jadottaw politika ta' prezzijiet differenti minn dik li jsegwu għall-esportazzjonijiet lejn pajjiż terzi jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.3.5 *Kapaċitajiet mhux użati u stokks*

(39) L-applikant sostna li, minħabba n-natura tal-prodott, il-kapaċità hija flessibbli, u li l-produtturi esportaturi Ġappuniżi jistgħu jespandu tagħhom f'perjodu taż-żmien qasir ħafna. Dan ġie kkonfermat mill-verifika fuq il-post lill-uniku produttur esportatur li kkoopera fil-Ġappun.

(40) Fil-fatt, il-proċess ta' produzzjoni għandu bżonn il-ħaddiema, imma ma jingħalaqx minn magna jew proċess ta' produzzjoni partikolari. Minħabba li l-linja tal-produzzjoni hija primarjament manwali, hija biżżejjed biex iżżid l-għadd ta' xifts u l-personal impjegat biex tiżdied il-kapaċità. L-iktar magħlaq importanti għal żieda fil-kapaċità huwa fil-fatt iż-żmien li wieħed jieħu biex iħarreġ impjegati ġodda biex jimmuntaw u jiffabbrikaw it-TCS. L-uniku magħlaq mekkaniku possibbli li jeħtieġ investiment għoli biex iżid il-produzzjoni hija l-magna li tipproduċi l-blokk ottiku. Madankollu, ma nstabet l-ebda evidenza li dan, minħabba l-livelli ta' produzzjoni attwali, kien fattur li x'aktarx jillimita ż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni possibbli. Barra minn hekk, peress li l-kumpanija ma kinitx qed tuża x-xifts possibbli kollha, il-konklużjoni hi li l-kapaċità ta' produzzjoni tista' tiżdied malajr u b'mod sinjifikanti. Apparti minn hekk, ma ntbagħtet l-ebda evidenza li l-ispiża relatata ma' żieda tal-kapaċità bħal din tkun għolja fir-rigward tal-valur tal-prodotti maħduma.

(41) Din iż-żieda tista' tkun sinjifikanti ħafna minħabba "l-biljett tad-dħul" baxx li jrid jitħallas mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi biex ibigħu kwantitajiet ikbar fil-Komunità (kanali ta' distribuzzjoni eżistenti u livell baxx ta' investiment biex tiżdied il-kapaċità).

(42) Minħabba li ntqal hawn fuq, u minħabba l-fatt li m'hemm l-ebda evidenza li turi li din il-qagħda mhix l-istess għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha, wieħed jista' jikkonkludi li hemm probabbiltà li l-kapaċità ta' produzzjoni tista' tiżdied b'mod sinjifikanti fi żmien qasir, jekk il-produtturi Ġappuniżi ikollhom għaliex jagħmlu hekk.

(43) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li hemm probabbiltà ta' importazzjonijiet akbar fil-KE jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Li ntqal hawn fuq irid jitqies fid-dawl tal-prezzijiet attraenti fil-Komunità fir-rigward ta' pajjiżi terzi kif muri hawn fuq, kanali diġà eżistenti ta' distribuzzjoni, u l-fatt li tista' ssir żieda fil-kapaċità bi spiża relattivament baxxa (taħriġ ta' ħaddiema speċjalizzati ġodda).

3.4 **Konklużjoni**

(44) Minħabba l-ispeċifiċitajiet tas-suq deskritti hawn fuq, jiġifieri li l-prezzijiet fil-Komunità huma ogħla minn dawk f'pajjiżi terzi u fis-suq domestiku Ġappuniż, hemm inċentivi b'saħħithom biex idawru partijiet mill-bejgħ lejn is-suq Komunitarju, x'aktarx bi prezzijiet baxxi biex jerġgħu jiksbu l-ishma mitlufa mis-suq. Barra minn hekk, peress li l-kapaċità ta' produzzjoni tista' tespandi malajr, huwa probabbli ħafna li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat tkompli bi kwantitajiet sinjifikanti. Peress li m'hemm l-ebda evidenza li l-produtturi esportaturi Ġappuniżi jibdlu l-aġir fil-prezzijiet sabiex iżidu l-prezzijiet jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, huwa probabbli ħafna wkoll li din iż-żieda fl-importazzjonijiet se ssir bi prezzijiet iddampjati.

(45) Fuq il-bażi ta' li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hi li hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* tal-prodott ikkonċernat mill-produtturi esportaturi Ġappuniżi jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, u għalhekk li l-miżuri fis-seħħ għandhom jinżammu.

4. **DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA**

(46) Fl-2001, Philips Digital Video Systems ("Philips DVS") ġiet akkwistata minn Thomson Multimedia, proprjetarja ta' Thomson Broadcast Systems ("TBS"), produttur Komunitarju ieħor tat-TCS, u l-entità miżżewġa Philips DVS/TBS saret Philips DVS/TBS, l-applikant.

(47) Produttur esportatur argumenta li minn ħames snin ilu, prattikament is-sistemi tat-tekekameras kollha mibjugħa mill-kumpanija relatata tiegħu fil-Komunità ġew iffabbrikati minn dik il-kumpanija fil-Komunità. Huwa argumenta wkoll li peress li din il-faċilità ta' manufatturazzjoni ma kinitx tforni biss lis-suq tal-KE imma lid-dinja kollha, kwalunkwe deċiżjoni rigward id-dazji eżistenti ta' l-*anti-dumping* x'aktarx li ma kienx jaffettwaha.

(48) Peress li dan il-produttur esportatur ma forna l-ebda tagħrif ieħor, b'mod partikolari tweġiba għall-kwestjonarji maħsuba għal produtturi Komunitarji oħra, ma kienx possibbli li tiġi investigata fid-dettall in-natura preċiża ta' l-attivitajiet tiegħu, inkluż fil-Komunità.

(49) Operatur ekonomiku ieħor li jipproduċi TCS fil-Komunità u li hu relatat ma' produttur esportatur Ġappuniż kkoopera f'din l-investigazzjoni u oppona l-miżuri attwali. Dan l-operatur ekonomiku argumenta li l-importazzjonijiet ta' TCS mill-Ġappun saru fuq bażi sporadika u sempliċiment biex jikkumplimentaw l-operazzjonijiet tagħhom fil-KE. Il-verifika fuq il-post żvelat li mudell partikolari wieħed biss kien immuntat f'dawk il-faċilitajiet Komunitarji b'partijiet li joriġinaw mill-Ġappun u l-Komunità għalkemm, fiż-żmien tal-verifika, ma kienet qed issir l-ebda produzzjoni ta' blokk ta' CCD (dispożittiv li jakkumpanja l-karika), l-iktar parti importanti ta' *head* ta' kamera. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li m'hemmx raġunijiet oħra biex issir produzzjoni ta' mudell bħal dan fil-Komunità ħlief għall-eżistenza tal-miżuri fuq it-TCS.

(50) Fi kwalunwe każ, l-investigazzjoni preżenti kkonfermat li l-applikant kien jirrappreżenta iktar minn 60 % tal-produzzjoni Komunitarja tas-sistemi tat-telekameras. Għalhekk tikkostitwixxi l-industrija Komunitarja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku u minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-industrija Komunitarja".

5. IL-QAGĦDA TAS-SUQ KOMUNITARJU

5.1 Rimarki preliminari

(51) Għar-raġunijiet imfissra fil-premessi (18) sa 0 hawn fuq, l-analiżi fir-rigward tal-qagħda fis-suq Komunitarju kienet ibbażata fuq *data* miġbura dwar *heads* tat-telekameras ("TCH").

(52) Kif intqal hawn fuq, ma kienx possibbli li tinkiseb *data* minn produttur esportatur Ġappuniż wieħed li allegatament għandu faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni fis-suq Komunitarju. Kif intqal fuq, dawk il-partijiet Ġappuniżi li effettivament esportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità ma kkooperawx. Konsegwentement, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(53) Minħabba l-fatt li d-*data* rigward il-bejgħ u l-produzzjoni kienet disponibbli minn parti interessata waħda jew tnejn biss, u minħabba s-sensittività tan-negozju ta' tagħrif bħal dan, huwa meqjus xieraq li ma jinkixfux ċifri assoluti. Għalhekk inbidlu bis-simbolu "–" u ġew provduti indiċijiet.

5.1.1 *Il-konsum fis-suq Komunitarju*

(54) Il-konsum Komunitarju apparenti ta' TCHs kien eżaminat fuq il-bażi tal-volum tal-bejgħ fil-Komunità kif provdut mill-industrija Komunitarja, il-volum tal-bejgħ ta' Ikegami Electronics (Europe) GmbH, statistiki ta' importazzjonijiet ta' TCHs mill-Ġappun miksuba mid-*database* ta' l-14(6), kif ukoll tagħrif dwar il-bejgħ provdut minn utent wieħed ta' TCS. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn produttur esportatur Ġappuniż li allegatament huwa wkoll jipproduċi TCS fil-Komunità, huwa probabbli li l-konsum Komunitarju huwa xi ftit sottovalutat għalkemm ix-xejriet ġenerali u l-konklużjonijiet li ħarġu ma jkunux alterati b'mod sinjifikanti.

Tabella 1

Il-konsum Komunitarju ta' TCHs

	2002	2003	2004	IP
Unitajiet	—	—	—	—
Indiċi	100	104	123	103

Sors: Tweġibiet ivverifikati tal-kwestjonarji u d-database ta' l-14(6).

(55) Il-konsum Komunitarju żdied bi 3 % bejn l-2002 u l-IP. Madankollu, kien hemm żieda sinjifikanti fl-2004, meta l-importazzjonijiet laħqu l-livell ogħla tagħhom. Fl-IP, il-konsum Komunitarju naqas, b'madwar 15 %, meta mqabbel ma' l-2004.

5.1.2 *Importazzjonijiet attwali mill-pajjiż ikkonċernat*

i. Il-volum ta' importazzjoni u s-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet fl-IIP

(56) Matul il-perjodu meqjus, il-volum ta' importazzjonijiet tat-TCHs mill-Ġappun baqgħu relattivament baxxi. Madankollu, huma żdiedu bi kważi għaxar darbiet bejn l-2002 u l-2004, u laħqu madwar 30 unità. Fl-IP, l-importazzjonijiet naqsu meta mqabbla ma' l-2004 imma baqgħu ogħla b'mod sinjifikanti minn dawk ta' l-2002. F'termini ġenerali, matul il-perjodu meqjus l-importazzjonijiet żdiedu bi kważi tliet darbiet. L-industrija Komunitarja argumentat li l-volum ta' importazzjonijiet kien sottovalutat peress li, fuq il-bażi tat-tagħrif dwar is-suq li kellha, konsenji fil-KE minn produtturi Ġappuniżi kienu iktar b'mod sinjifikanti minn kemm allegatament jista' jiġi prodott fil-Komunità minn dawk il-kumpaniji. Hija argumentat ukoll li l-miżuri kienu x'aktarx qegħdin jinħarbu permezz ta' importazzjonijiet ta' parts tal-kameras. Madankollu, dan it-tagħrif ipprovdut ma kienx jaqbel mas-sejbiet ta' l-investigazzjoni jiġifieri ż-żjarat ta' verifika u t-tagħrif li wasal minn utenti indipendenti. Barra minn hekk, l-iskop tar-reviżjoni preżenti mhux li tiddetermina jekk il-miżuri fis-seħħ humiex jinħarbu, għalkemm huwa rikonoxxut il-fatt li prassi ta' evażjoni jista' jkollhom impatt fuq il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja.

(57) Is-sehem mis-suq ta' l-importazzjonijiet żdiedu b'mod kostanti sa l-2004, meta laħqu l-ogħla livell tagħhom. Minkejja tnaqqis sinjifikanti fl-IP, inqas minn nofs il-livell ta' l-2004, l-importazzjonijiet xorta żiedu s-suq tagħhom matul il-perjodu meqjus.

Tabella 2

L-importazzjonijiet ta' TCHs mill-Ġappun u s-sehem mis-suq

	2002	2003	2004	IP
Volum l-Importazzjonijiet	—	—	—	—
Indiċi	100	167	1 000	300
Is-Sehem mis-Suq	—	—	—	—
Indiċi	100	161	816	291

Sors: Tweġibiet ivverifkati tal-kwestjonarji u d-database ta' l-14(6).

ii. L-evoluzzjoni tal-prezz u l-aġir tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat

(58) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni, ma kien disponibbli l-ebda tagħrif affidabbli fir-rigward tal-livelli tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet ta' TCHs. Fil-fatt, il-produtturi esportaturi Ġappuniżi għamlu l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat tagħhom esklussivament lil importaturi relatati fil-Komunità. Madankollu, il-livelli tal-prezzijiet disponibbli mid-*database* ta' l-14(6) huma prezzijiet bejn partijiet relatati u għaldaqstant ma jistgħux jitqiesu affidabbli. Dan hu partikolarment minnu meta tqis li minħabba l-miżuri fis-seħħ, il-kumpaniji jistgħu jiddeċiedu li jallokaw profitti lill-entitajiet Komunitarji.

(59) Għalhekk ma seta' jkun hemm l-ebda konklużjoni fir-rigward ta' l-evoluzzjoni tal-prezz u l-aġir tal-prezz ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat.

5.1.3 *Il-qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja*

(60) Għal ġieħ iċ-ċarezza huwa nnutat li l-industrija Komunitarja forniet tagħrif fit-tweġiba tagħha tal-kwestjonarju, fir-rigward ta' TCS u mhux TCHs biss. Dan ma tqiesx problema minħabba l-fatt li kull TCS tipikament ikollu TCH. Għalhekk, sabiex jiġu eżaminati x-xejriet, u finnuqqas ta' tagħrif iktar dettaljat fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-produtturi esportaturi Ġappuniżi fil-Komunità, il-qagħda ekonomika ta' l-industrija Komunitarja inħadmet fuq il-bażi ta' *data* dwar TCS.

i. Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni, u użu tal-kapaċità

(61) Il-produzzjoni totali ta' TCS mill-industrija Komunitarja żdiedet kemm kemm matul il-perjodu meqjus. Wara tnaqqis ta' 8 % fl-2003, il-produzzjoni żdiedet b'mod sinjifikanti fl-2004, i.e. b'madwar 35 %. Matul l-IP, madankollu, il-produzzjoni naqset b'madwar 16 % meta mqabbla ma' l-2004, ghalkemm ghal livell li xorta kienet tirrappreżenta żieda ta' 5 % meta mqabbla ma' l-2002.

Tabella 4

olum ta' produzzjoni

	2002	2003	2004	IP
Produzzjoni	—	—	—	—
Indiċi	100	92	124	105

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

(62) Il-kapaċità ta' produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja baqgħet stabbli sa l-2004. Madankollu, fl-IP seħħ tnaqqis ta' 14 % wara riorganizzazzjoni tal-kumpanija u ppermettiet lill-kumpanija taddatta l-kapaċità ta' produzzjoni tagħha ghad-domanda eżistenti. Fil-fatt, kif se jiġi deskritt hawn taħt, tnaqqis bhal dan fil-kapaċità kien akkumpanjat minn rati ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità stabbli bejn l-2004 u l-IP.

(63) Bil-produzzjoni ikbar, u l-aġġustament fil-kapaċità ta' produzzjoni, il-kapaċità ta' utilizzazzjoni żdiedet matul il-perjodu meqjus. Kollox ma' kollox, ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità segwiet xejriet simili għal dawk ta' produzzjoni b'żidiet bejn l-2002 u l-2004, u b'waqgħa kbira fl-2003. Fl-IP, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità baqgħet stabbli meta mqabbla ma' l-2004 imma xorta kienet xi 20 % iktar mil-livell ta' l-2002.

Tabella 5

Kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

	2002	2003	2004	IP
Kapaċità ta' Produzzjoni	—	—	—	—
Indiċi	100	100	100	86
Utilizzazzjoni tal-Kapaċità	—	—	—	—
Indiċi	100	92	124	122

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

ii. Il-ħażniet

(64) Il-ħażniet naqsu b'mod sinjifikanti fl-2003 (–17 %) imma żdiedu s-sena ta' wara, filwaqt li baqgħu 11 % inqas mil-livelli ta' l-2002. Iż-żieda mhux normali ta' inventarji fl-IP hija spjegata mill-fatt li l-IP spiċċa qabel it-tmiem tas-sena finanzjarja meta għadd ta' ordnijiet kienu għadhom iridu jiġu kkonsenjati.

Tabella 6

Volum ta' ħażniet

	2002	2003	2004	IP
Ħażniet	—	—	—	—
Indiċi	100	83	89	172

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

iii. Volum tal-bejgħ, prezzijiet u sehem mis-suq

(65) Il-bejgħ mill-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied b'10 % bejn l-2002 u l-2004, mingħajr, madankollu, ma jlaħħaq ma' l-espansjoni tal-konsum Komunitarju, li żdied sostanzjalment, jiġifieri bi 23 % matul l-istess perjodu. Dan wassal għal tnaqqis ġenerali tas-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja ta' iktar minn 20 punt perċentwali matul il-perjodu meqjus, għall-benefiċċju ta' l-importazzjonijiet mill-Ġappun u operaturi oħra fil-Komunità. Matul l-IP, il-bejgħ naqas meta mqabbel mal-livelli ta' l-2004, li wassal għal tnaqqis ulterjuri fis-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja.

(66) Madankollu, ta' min jinnota li ċ-ċifri u x-xejriet osservati fir-rigward tas-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli partikolarment minħabba li l-produttur l-ieħor fil-Komunità ma bagħatx iċ-ċifri tal-produzzjoni u l-bejgħ tiegħu.

(67) F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet tal-bejgħ, matul il-perjodu meqjus dawn naqsu bi 3 %, għalkemm bejn l-2002 u l-2003 kien hemm żieda ta' 7 %. Madankollu, it-tnaqqis relattivament żgħir tal-prezzijiet matul il-perjodu meqjus jaħbi bidla fit-taħlita tal-prodott, peress li l-industrija Komunitarja introduċiet prodotti ġodda b'konfigurazzjonijiet ogħla (u iżjed għaljin).

Tabella 7

Volum tal-bejgħ, prezzijiet u sehem mis-suq

	2002	2003	2004	IP
Il-volum tal-bejgħ (unitajiet)	—	—	—	—
Indiċi	100	103	110	79
Prezzijiet medji (EUR/unità)	—	—	—	—
Indiċi	100	107	98	97
Sehem mis-suq	—	—	—	—
Indiċi	100	99	89	76

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

iv. Impjiegi, produttività u pagi

(68) Matul il-perjodu meqjus, l-impjiegi naqsu (b'iktar minn 24 %) li, flimkien maż-żieda fil-produzzjoni, wasslet għal żieda sinjifikanti fil-produttività (37 %). Ta' min jinnota li t-tnaqqis fl-impjiegi kien akkumpanjat minn rikors għall-ħaddiema b'kuntratti temporanji/flessibbli, b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż fissi tal-kumpanija.

(69) Fil-fatt matul il-perjodu meqjus l-industrija Komunitarja rnexxielha tnaqqas b'mod sinjifikanti l-ispejjeż tax-xogħol tagħha (– 14 %). Minħabba f'hekk, l-industrija Komunitarja setgħet tnaqqas il-proporzjon ta' spejjeż tax-xogħol fl-ispejjeż totali tal-produzzjoni b'bosta punti perċentwali. Dan juri tentattiv ċar mill-industrija Komunitarja biex taddatta l-istruttura tal-produzzjoni tagħha u biex tnaqqas l-ispejjeż fissi tagħha.

Tabella 8

Impjiegi, produttività u pagi

	2002	2003	2004	IP
Impjiegi	—	—	—	—
Indiċi	100	102	87	76
Produttività (unitajiet għal kull impjegat)	—	—	—	—
Indiċi	100	90	142	137
Spejjeż tax-xogħol (000 EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	97	103	86

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

v. Profitti

(70) Ta' min jinnota li l-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja kienet għadha negattiva matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni ta' l-aħħar reviżjoni ta' l-iskadenza, u li wasslet għall-estensjoni tal-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ dak iż-żmien. Il-qagħda issa nqalbet u bejn l-2002 u l-2004 l-industrija Komunitarja ppreżentat livelli pożittivi ta' profittabilità.

(71) Fil-fatt, il-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja żdiedet sa l-2004, anke jekk profitti ogħla (iktar minn 10 %) ikunu normalment mistennija sabiex l-industrija tkun tista' tlaħħaq mar-rekwiżiti ta' l-iżviluppi teknoloġiċi. Għalhekk, anke fl-2003 u l-2004, is-snin bl-ogħla marġini ta' profitti, il-livelli ma kinux biżżejjed biex jiggarantixxu li l-industrija Komunitarja tkun tista' tkompli tinvesti volumi sostanzjali fi żviluppi ġodda, kif inhu mistenni f'dan is-settur.

(72) Fl-IP il-qagħda fir-rigward tal-profittabilità ddeterjorat konsiderevolment u laħqet telf sinjifikanti. Dan jista' jiġi spjegat minn żewġ fatturi: minn naħa, it-tnaqqis sinjifikanti fil-bejgħ fil-Komunità matul l-IP ħoloq żieda fl-ispejjeż fissi medji bil-konsegwenza ta' impatt negattiv fuq il-profittabilità. Min-naħa l-oħra, l-industrija Komunitarja ma setgħetx tgħaddi żieda fl-ispejjeż ta' ċerta materja prima kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali ta' l-R&D u l-bejgħ, li ħarġu minn netwerk usa' ta' uffiċċji tal-bejgħ, immirati lejn l-ġhoti ta' servizzi aħjar, lill-konsumaturi tagħha. Ta' min jinnota wkoll, kif deskritt hawn fuq fil-premessa 67, li t-tnaqqis żgħir tal-prezzijiet medji tal-bejgħ bejn l-2004 u l-IP, jaħbi bidla fit-taħlita tal-prodott, peress li l-industrija Komunitarja introduċiet prodotti ġodda b'konfigurazzjonijiet ogħla (u iżjed għaljin), iżda ma thallietx tgħolli l-prezzijiet proporzjonalment.

Tabella 9

Profittabilità

	2002	2003	2004	IP
Profittabilità (%)	—	—	—	—
Indiċi	100	176	251	– 321

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

vi. Investimenti, ritorn mill-investimenti u l-abilità li ttella' kapital

(73) L-investimenti baqgħu f'livelli għoljin għalkemm naqsu bi 13 % fl-2003. Dan ġie madankollu rkuprat is-sena ta' wara b'żieda bi kważi tliet darbiet, li ġiet minħabba r-ristrutturazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja, kif ukoll l-investimenti kbar u kontinwi fl-R&D li huma meħtieġa f'din l-industrija.

(74) Ir-ritorn mill-investimenti, espress bħala l-profitt f'perċentwali tal-valur nett deprezzat ta' l-investimenti, segwa ix-xejra fil-profittabilità deskritta hwan fuq sew.

Tabella 10

Investimenti u ritorn mill-investiment (RoI)

	2002	2003	2004	IP
Investmenti (000 EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	87	237	148
RoI	—	—	—	—
Indiċi	100	143	182	– 116

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

(75) L-industrija Komunitarja ma nstabitx li kienet qiegħda tesperjenza xi diffikultajiet biex ittella' kapital matul il-perjodu meqjus.

vii. Likwidità

(76) Il-likwidità żdiedet b'mod sinjifikanti sa l-2004 (39 %). Din ix-xejra pożittiva indikat li l-industrija kienet qed tirkupra. Ta' min jinnota li fl-2004, il-likwidità rrappreżentat biss madwar 10 % tal-bejgħ totali li sar fil-Komunità li ma jistax jitqies eċċessiv. Madankollu, matul l-IP il-likwidità kienet affettwata b'mod sinjifkanti mil-livelli negattivi ta' profittabilità.

Tabella 11

Likwidità

	2002	2003	2004	IP
Likwidità (000 EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	99	139	– 70

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

viii. Tkabbir

(77) Bejn l-2002 u l-IP, il-konsum Komunitarju żdied bi 3 %, filwaqt li l-volum tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju naqas b'21 %. L-industrija Komunitarja tilfet iżjed minn 20 punt perċentwali tas-sehem mis-suq, filwaqt li importazzjonijiet li huma oġġett ta' *dumping* u produtturi Komunitarji oħra żiedu tagħhom.

(78) Fi snin reċenti, is-suq tat-TCS kien ikkaratterizzat minn bidla minn TCS b'definizzjoni standard għal TCS b'definizzjoni għolja. Wieħed jistenna li din ix-xejra se tintensifika fil-ġejjieni. Madankollu, peress li trażmissjoni b'definizzjoni għolja għadha mhix mifruxa, għadd sinjifikanti ta' xandara, b'mod partikolari iż-żgħar u dawk reġjonali, għadhom jixtru TCS b'definizzjoni standard, miġbuda minn prezzijiet relattivament iżjed baxxi. Fil-fatt, l-industrija Komunitarja ma kinitx kapaċi tibbenefika mit-tkabbir fis-suq, kif ġie żvelat mit-telf tagħha ta' sehem mis-suq.

(79) Barra minn hekk, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' TCS b'definizzjoni standard komplew jikkostitwixxu fattur importanti għal kwalunkwe produttur ta' TCS jekk xejn għax, minħabba n-natura intensiva ta' kapital għoli ta' din l-industrija, l-ispejjeż fissi għandhom ix-xejra li jkunu naturalment għoljin. Għalhekk, tibqa' importanti li l-industrija Komunitarja tibbenefika mill-volumi ogħla tal-bejgħ offruti mill-bejgħ ta' TCS ta' definizzjoni standard, sabiex dak l-ispejjeż fissi jinfirxu.

ix. Il-kobor tal-marġini ta' dumping

(80) L-analiżi fir-rigward tal-kobor tad-*dumping* trid tqis il-fatt li hemm miżuri fis-seħħ sabiex jiġi eliminat id-*dumping* li jagħmel ħsara. Kif ġie ddeterminat hawn fuq fil-premessa 22 hawn fuq, it-tagħrif disponibbli jindika li l-produtturi esportaturi Ġappuniżi jkomplu jbiegħu lill-Komunità bi prezzijiet iddampjati. Fil-fatt, il-marġini ta' *dumping* li nstab huwa sinjifikanti u l-impatt tiegħu fuq il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja ma tistax tiġi injorata, b'mod partikolari meta tiġi assoċjata mal-volumi sinjifikanti li jistgħu jiżdiedu.

x. Irkupru mill-effetti ta' dumping *ta' l-imgħoddi*

(81) Il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja tjiebet sa ċertu punt matul il-perjodu meqjus, peress li l-estensjoni tal-miżuri fl-2000 permezz tar-reviżjoni ta' l-iskadenza preċedenti. Madankollu, l-indikaturi stabbiliti hawn fuq juru wkoll li l-industrija Komunitarja għadha fraġli u vulnerabbli.

5.1.4 *L-effetti ta' fatturi oħra fuq il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja*

i. L-attività ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja

(82) L-investigazzjoni wriet illi l-attività ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja żviluppat kif ġej:

Tabella 12

L-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja

	2002	2003	2004	IP
Volum (unità)	—	—	—	—
Indiċi	100	117	193	148
Valur (000' EUR)	—	—	—	—
Indiċi	100	126	146	93
Prezz medju (EUR/unità)	—	—	—	—
Indiċi	100	107	75	63

Sors: Tweġiba vverifikata tal-kwestjonarju.

(83) Kwantitajiet esportati mill-industrija Komunitarja kibret b'mod sinjifikanti mill-2002 sa l-2004 iżda naqset b'iktar minn 20 % fl-IP. Madankollu, il-livell tal-bejgħ matul l-IP irrappreżenta xorta madwar 50 % iktar mil-livell tal-bejgħ fil-bidu tal-perjodu meqjus. Din ix-xejra fuq kollox pożittiva kienet konkomitanti għal tnaqqis aċċentwat fil-prezzijiet, spjegata mill-kompetizzjoni qawwija bi prezzijiet estremament baxxi iffaċċjati fis-swieq ta' pajjiżi terzi (ara l-premessa 35).

(84) Fil-fatt, l-investigazzjoni wriet li l-industrija Komunitarja kienet iffaċċjata b'kompetizzjoni bi prezzijiet estremament baxxi f'pajjiżi terzi, b'mod partikolari fi swieq emerġenti bħall-Brażil u ċ-Ċina, u li sabiex tkun tista' żżomm livell sinjifikanti ta' produzzjoni u bejgħ, ġiet imġieġħla tbaxxi sostanzjalment il-prezzijiet tagħha f'pajjiżi terzi. Naturalment, dan kellu konsegwenzi negattivi fuq il-profittabilità ġenerali.

ii. Produtturi oħra fil-Komunità

(85) Fattur li jista' jispjega l-fatt li l-industrija Komunitarja għadha ma rkupratx għal kollox il-qagħda ekonomika tagħha, partikolarment meta jitqies it-telf tas-sehem mis-suq u l-livell negattiv ta' profittabilità matul l-IP, huwa t-twaqqif ta' operazzjonijiet fil-Komunità minn ċerti produtturi esportaturi Ġappuniżi li allegatament huma wkoll jipproduċu TCS biex jinbigħu fis-suq Komunitarju. Fil-fatt, produtturi oħra fil-Komunità ggwadanjaw sehem sinjifikanti mis-suq matul il-perjodu kkonċernat (ara l-premessa 65 hawn fuq). Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni minn produttur Ġappuniż li allegatament jipproduċi fil-Komunità, ma jistax jiġi eskluż li jkun xi jkun il-gwadann tas-sehem mis-suq minn dik il-kumpanija mhux se jkun ir-riżultat ta' prassi kompetittiva aħjar imma ta' trasferiment pur ta' prassi ta' *dumping* fil-Komunità permezz ta' l-immuntar tal-prodott fil-Komunità, b'hekk ixejnu l-effetti tal-miżuri.

(86) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li ta' l-inqas f'każ minnhom, l-investigazzjoni ma sabet l-ebda raġuni għal operazzjoni bħal din fil-Komunità ħlief għall-eżistenza tal-miżuri u l-bżonn li jiġu evitati (ara l-premessa 49).

5.1.5 *Il-konklużjoni dwar il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja*

(87) L-istat attwali ta' l-industrija Komunitarja għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li l-miżuri huma fis-seħħ.

(88) Il-bejgħ fis-suq Komunitarju, il-volum tal-produzzjoni u r-rata ta' l-utilizzazzjoni tal-kapaċità żdiedet b'mod sinjifikanti sa l-2004. Il-profittabilità u l-produttività tjiebu wkoll sa l-2004, filwaqt li l-ispejjez tax-xogħol tnaqqsu. Il-likwidità, ir-ritorn mill-investiment u l-ħażniet ukoll kellhom xejriet pożittivi sa l-2004.

(89) Madankollu, matul il-perjodu meqjus is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja segwa xejra negattiva, b'telf ta' iktar minn 20 punt perċentwali. Mill-2000 kien hemm żieda fl-attività ta' operaturi ekonomiċi oħra fil-Komunità li allegatament jipproduċu wkoll it-TCS. Dan, flimkien ma' importazzjonijiet mill-Ġappun bi prezzijiet iddampjati, impedixxa lill-industrija Komunitarja milli tirrifletti l-ispejjeż imġarrba mill-R&D, il-produzzjoni u l-bejgħ ta' TCS fuq il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, li wasslitha għal profittabilità negattiva fl-IP.

(90) Ir-rendiment ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja kien affettwat ukoll minn prezzijiet iddampjati f'dawk is-swieq, u ġegħluha tnaqqas b'mod sinjifikanti (b'iktar minn 30 %) il-prezzijiet medji tagħha għal pajjiż terzi bl-effetti negattivi konsegwenti fuq il-profittabilità ġenerali ta' l-industrija. Din hija indikazzjoni tajba ta' kif is-suq Komunitarju ta' TCS jista' jevolvi fin-nuqqas ta' miżuri.

(91) Kollox ma' kollox, il-konklużjoni trid tkun li l-istat ta' l-industrija ġeneralment tjiebet sa l-2004 imma ċerti indikaturi (eż il-volum tal-bejgħ fil-Komunità, il-profittabilità, ir-ritorn fuq l-investiment u l-likwidità) qalbu l-iżviluppi pożittivi tagħhom fl-IP. Għalhekk il-konklużjoni tista' tkun li l-industrija Komunitarja tinsab f'qagħda aħjar meta titqabbel ma' l-investigazzjoni tar-reviżjoni preċedenti, u dehret li hija vijabbli u kompetittiva peress li baxxiet b'mod sinjifikanti l-ispejjeż fissi u tejbet il-produttività tagħha. Madankollu, xorta ma kinitx kapaċi tirkupra għal kollox u b'hekk għadha fraġli u vulnerabbli ħafna, kif jista' joħroġ mill-evoluzzjoni ta' l-IP.

6. IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' ĦSARA

6.1 L-impatt tal-volum ipproġettat u ta' l-effetti fuq il-prezzijiet f'każ ta' tneħħija tal-miżuri fuq l-istat ta' l-industrija Komunitarja

(92) Ta' min ifakkar li fil-premessa 43 ġie konkluż li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal żieda ta' esportazzjonijiet iddampjati mill-Ġappun lejn il-Komunità.

(93) Eżami ta' l-impatt probabbli ta' iżjed importazzjonijiet bi prezz baxx fuq il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja juri li l-wasla ta' kwantitajiet sinjifikanti ta' importazzjonijiet iddampjati mill-ewwel jikkawżaw waqgħa kbira fil-prezzijiet fis-suq Komunitarju peress li l-industrija Komunitarja x'aktarx li l-ewwel tipprova żżomm sehemha mis-suq u l-livell tal-poduzzjoni tagħha, peress li jista' jiġi osservat matul il-perjodu mis-suq fir-rigward tal-bejgħ lejn pajjiżi terzi. Jekk dan iseħħ, it-telf mill-profittabilità ta' l-industrija Komunitarja jkun sinjifikanti u l-qagħda finanzjarja tagħha titmermer.

(94) Ta' min ifakkar li fis-suq tat-TCS, is-sopravivenza ta' produttur tiddependi wkoll mill-kapaċità tiegħu li jżomm il-pass ta' l-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda u għalhekk li tinvesti b'mod xieraq fl-R&D, f'faċilitajiet ta' produzzjoni avvanzati u taħriġ ta' l-impjegati. Għalhekk, hija ta' importanza vitali li l-industrija Komunitarja tilħaq ċertu livell ta' profittabilità li trid tintlaħaq ukoll billi l-prezzijiet tal-bejgħ jinżammu f'livell li jrid jintlaħaq ukoll billi jżommu l-prezz tal-bejgħ f'livell li jippermetti li jkopri dawn l-ispejjeż. Huwa ċar li f'xenarju ta' waqgħa fil-prezzijiet ikkawżata minn importazzjonijiet li x'aktarx ikunu ddampjati mill-Ġappun, l-uniku produttur Komunitarju li fadal li mhux relatat ma' produtturi esportaturi Ġappuniżi jsofri danni materjali kkawżati mill-importazzjonijiet iddampjati u bi probabbiltà kbira, minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna tal-produtturi esportaturi Ġappuniżi fuq il-bejgħ f'pajjiżi terzi, jispiċċa jfalli.

(95) Fil-fatt, skond id-*database* ta' l-14(6), il-volum ta' importazzjonijiet iddampjati żdiedu b'iktar minn tliet darbiet sa l-2004 u b'iżjed minn 50 % matul il-perjodu meqjus. Kif kien enfasizzat hawn fuq, huwa probabbli li mingħajr miżuri *anti-dumping* fis-seħħ terġa' aktar volumi jkunu kkonsenjati lis-suq Komunitarju bi prezzijiet baxxi ħafna li jkunu b'mod sinjifikanti inqas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja.

(96) Fil-fatt, jekk il-produtturi esportaturi Ġappuniżi jipprattikaw prezzijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità f'livelli simili għal dawk ipprattikati f'pajjiżi terzi, kif wieħed raġjonevolment jistenna, il-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja jkunu xi 30 % ogħla minn dawk tal-Ġappuniżi. Aġir bħal dan fil-prezzijiet, flimkien mal-kapaċità ta' l-esportaturi Ġappuniżi biex jikkonsenjaw kwantitajiet sinjifikanti fis-suq Komunitarju, bil-probabbiltà kollha jbaxxi l-prezzjiet fis-suq Komunitarju bl-impatt negattiv li jsegwi fir-rendiment ekonomiku ta' l-industrija Komunitarja.

6.2 Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara

(97) Fuq il-bażi ta' li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hija li t-tneħħija tal-miżuri, bil-probabbiltà kollha, tirriżulta fir-rikorrenza ta' ħsara materjali lill-industrija Komunitarja.

7. INTERESS IL-KOMUNITÀ

7.1 Introduzzjoni

(98) B'konformità ma' l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku ġie eżaminat jekk il-prolongazzjoni tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Komunità bħala entità sħiħa. Id-determinazzjoni ta' interess tal-Komunità ġiet ibbażata fuq stima ta' l-interessi varji kollha involuti, jiġifieri dawk ta' l-industrija Komunitarja u produtturi Komunitarji oħra, l-utenti u l-forituri tal-materja prima tal-prodott meqjus.

(99) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjonijiet ta' qabel, l-adozzjoni ta' miżuri u l-estenjsoni sussegwenti tagħhom dejjem instabet li ma tmurx kontra l-interess tal-Komunità. Barra minn hekk, l-investigazzjoni preżenti hija t-tieni reviżjoni ta' skadenza, u għalhekk tanalizza qagħda li fiha miżuri *anti-dumping* ilhom fis-seħħ mill-1994.

(100) Fuq din il-bażi ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni li teżisti l-probabbiltà ta' tkomplija u/jew rikorrenza ta' *dumping* u rikorrenza ta' ħsara, kienx hemm raġunijiet b'saħħithom li jwasslu għall-konklużjoni li mhijiex fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

7.2 L-Interessi ta' l-industrija Komunitarja

(101) L-industrija Komunitarja hija l-uniku produttur ta' TCS mhux relatat ma' produtturi esportaturi Ġappuniżi. Hija wriet bi provi li hija industrija vijabbli, kapaċi taddatta għal kondizzjonijiet fis-suq li jinbidlu. Dan kien ikkonfermat mill-isforzi tagħha biex tissemplifika l-produzzjoni, tnaqqas l-ispejjeż u żżid il-produttività, kif ukoll mill-investimenti kontinwi fil-produzzjoni ta' prodotti teknoloġikament iżjed avvanzati.

(102) It-titjib tal-qagħda ekonomika matul il-perjodu meqjus jindika li l-industrija Komunitarja rnexxiela tibbenefika mill-impożizzjoni kontinwa tal-miżuri u rritornat il-kompetizzjoni effettiva. Minkejja t-titjib fil-profittabilità tagħha, għadha trid tilħaq il-livell ta' profitt li wieħed jistenna f'dan it-tip ta' prodott teknoloġiku. Madankollu, kif deskritt hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li, mingħajr it-tkomplija tal-miżuri *anti-dumping*, il-qagħda ta' l-industrija Komunitarja sejra bil-probabbiltà kollha tiddeterjora severament, b'possibbiltà distinta li tingħalaq kif deskritt fil-premessa 93. Dan jipperikola madwar 100 impjieg marbut direttament mal-prodott ikkonċernat.

(103) Hekk ukoll, il-produzzjoni fil-Komunità ta' prodotti ta' teknoloġija għolja bħat-TCS, u b'mod partikolari l-iżviluppi fl-R&D marbuta ma' produzzjoni bħal din, għandhom effetti ta' riperkussjoni. Dan huwa l-każ partikolarment tal-blokk tas-CCD, peress li l-komponenti tagħha jintużaw ukoll għal applikazzjonijiet oħra bħal sistemi tas-sigurtà u applikazzjonijiet mediċi, industrijali u ta' telekomunikazzjonijiet. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' industrija Komunitarja li tiffabbrika TCS għandha impatt fuq l-industrija televiżiva kollha, jiġifieri mill-iżvilupp u l-fabbrikazzjoni tat-tagħmir għax-xandir sal-produzzjoni ta' settijiet tat-televixin u reġistraturi, imma din tista' wkoll taffettwa l-istandards stabbiliti għas-settur televiżiv Komunitarju. Għalhekk, huwa meqjus ukoll li jekk din l-industrija ta' teknoloġija għolja tispiċċa, se jkun hemm impatt negattiv fuq l-industrija televiżiva b'mod ġenerali.

(104) Minħabba li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni kienet illi, li jinħtieġ il-prolongament tal-miżuri eżistenti sabiex jiġu skansati l-effetti negattivi ta' l-importazzjonijiet iddampjati li jistgħu jipperikolaw l-eżistenza ta' l-industrija Komunitarja u konsegwentement ta' għadd ta' impjiegi speċjalizzati.

7.3 L-interessi tal-produtturi Komunitarji l-oħra

(105) Fir-rigward ta' l-interessi tal-produtturi Komunitarji l-oħra ta' TCS, ta' min jinnota li wieħed biss ikkoopera f'din l-investigazzjoni. Dan il-produttur, relatat ma' produttur esportatur Ġappuniż, oppona l-kontinwazzjoni tal-miżuri imma argumenta li l-eżistenza tal-miżuri tatu vantaġġ kompetittiv fir-rigward ta' produtturi esportaturi Ġappuniżi oħra li ma jixtieqx iċedi.

(106) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-allegat produttur Komunitarju l-ieħor, il-konklużjoni hija li l-produttur Komunitarju li kkoopera mhux se jkun affettwat ħażin mill-estensjoni tal-miżuri. Fil-fatt, kif ġara wara l-prolongament tal-miżuri fl-2000, l-investiment tiegħu fil-Komunità se jitrawwem bl-estensjoni tal-miżuri fis-seħħ.

7.4 L-Interessi ta' l-utenti

(107) Il-Kummissjoni baġħtet ukoll kwestjonarji lil ħamsa u għoxrin utent ta' TCS. Erba' utenti biss ikkooperaw ma' din l-investigazzjoni. Dawn l-utenti huma kumpaniji tax-xandir liċenzjati li jxandru l-programmi taġħhom stess billi jużaw it-taġħmir taġħhom stess. Huma xtraw direttament minghand il-produtturi tat-TCS, kemm jekk prodotti fil-Komunità kif ukoll jekk fil-pajjiż esportatur, u jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' l-utenti tat-TCS.

(108) Utent minnhom argumenta li ma kellu l-ebda pjan biex jixtri xi ghadd sinjifikanti ta' TCS fil-ħames snin li ġejjin u li ghalhekk ma stenna l-ebda effett fuq in-negozju tiegħu jekk il-miżuri jiġu estiżi.

(109) Utent ieħor argumenta li kellu pjanijiet li jaqleb ghal prodotti b'definizzjoni gholja u li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, dan iżid l-ghadd ta' forniturі fil-Komunità u jwassal ghal bidla fil-prezzijiet u l-innovazzjoni tal-prodott. Huwa argumenta wkoll li bidla fis-sors tal-kamera mhix realistika minħabba li t-TCS mhumiex prodotti ġeneriċi jew komodità.

(110) It-tielet utent argumenta li kien kontra t-tiġdid tal-miżuri *anti-dumping* minħabba li dawn iwasslu ghal inqas kompetizzjoni u inqas mudelli disponibbli. Barra minn hekk, huwa argumenta li m'hemmx wisq flessibilità ghall-bidla fi żmien qasir minn produttur ghal ieħor.

(111) Ir-raba' utent sostna li ma setax jipprevedi l-impatt jekk il-miżuri jinżammu.

(112) Ta' min jinnota li ta' l-inqas żewġ produtturi Ġappuniżi issa huma stabbiliti fil-Komunità u jkomplu jikkompetu ma' l-industrija Komunitarja. Fil-fatt, ċerti utenti komplew ibiġħu TCS Ġappuniżi, kemm impurtati kif ukoll prodotti fil-Komunità. Ghalhekk il-konklużjoni ma tistax tkun li l-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ eliminat ghal kollox il-kompetizzjoni bejn il-forniturі differenti tat-TCS. Huwa minnu li l-importazzjonijiet ta' TCS mill-Ġappun naqsu mill-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* imma dan huwa frott l-inkapaċità tal-produtturi esportaturi Ġappuniżi biex ibiġħu fil-Komunità bi prezzijiet mhux iddampjati.

(113) Rigward il-possibilità ghall-bdil tal-forniturі tat-TCS ta' min jinnota li l-ghan tal-miżuri *anti-dumping* mhux li jisfurzaw bidla lejn fornitur ieħor ta' TCS imma li jistabbilixxu kundizzjonijiet indaqs permezz ta' l-eliminazzjoni tal-prassi tal-kummerċ mhux ġusti. Barra minn hekk, jekk l-industrija Komunitarja tat-TCS tispiċċa minħabba t-tneħħija tal-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ, dan minghajr ebda dubju jwassal ghal tnaqqis fil-kompetizzjoni u ghal dipendenza ta' l-utenti tat-TCS Komunitarji fuq it-teknoloġija Ġappuniża. Dan l-aħħar aspett huwa partikolarment importanti peress li l-produtturi tat-TCS jistghu jkollhom rwol importanti fit-tfassil ta' l-istandards tax-xandir ghall-ġejjieni. Il-Komunità kieku tkun minghajr ebda dubju f'qagħda żvantaġġjuża jekk ma jkollhiex produttur b'saħħtu biżżejjed ta' dan il-prodott.

(114) B'konformità mas-sejbiet ta' investigazzjonijiet preċedenti, instab illi t-TCS mhumiex fattur sinjifikanti fl-ispejjeż ghall-utenti peress li, f'relazzjoni mal-produzzjoni taġħhom tal-programmi ghax-xandir, dawn kienu jammontaw biss ghal proporzjon żghir mill-ispejjeż totali taġħhom. Fil-fatt, is-sistemi tal-kameras koperti mill-miżuri *anti-dumping* jirrappreżentaw parti biss mit-taġħmir ġenerali meħtieġ minn kumpanija tax-xandir. Bl-istess mod, meta tħares lejn l-ispejjeż totali ta' kumpanija tax-xandir, u mhux biss lejn it-taġħmir, l-ispiża fuq TCS suġġetta ghal dazji *anti-dumping* tirrappreżenta proporzjon terġa' iżghar peress li hemm spejjeż aktar importanti bħall-produzzjoni tal-programm, il-personal, *overheads*, eċċ. li kienu kollha 'l fuq mis-sempliċi spiża ta' TCS.

(115) F'termini ġenerali, l-investigazzjoni kkonkludiet li l-effetti fuq l-utenti huma limitati meta mqabbla mad-daqs tal-fatturat globali tal-kumpaniji tax-xandir, jiġifieri x-xiri ta' TCS jirrappreżenta inqas minn 0.2 % tal-fatturat totali tal-kumpaniji tax-xandir. Barra minn hekk, dan iż-żmien it-tul tal-ħajja medja ta' TCS hija stmata li tkun ta' madwar seba' snin, li xi kultant tilħaq l-ghaxar snin, li jfisser li t-TCS jibqghu 'l boghod milli jkunu fattur ta' spiża rikorrenti ghall-utenti.

(116) Għalhekk, il-konklużjoni hija li peress li l-miżuri ilhom fis-seħħ għal ċertu perjodu ta' żmien u kieku jinżammu fl-istess livell, l-estensjoni tagħhom mhix se timplika deterjorament tal-qagħda ta' l-utenti. Barra minn hekk, huma jibqgħu jkollhom aċċess għat-TCS apparti dawk prodotti mill-industrija Komunitarja. Fi kwalunkwe każ, ma kien hemm l-ebda evidenza disponibbli li kwalunkwe impatt li jista' jiġi kkawżat lill-utenti jaqbeż il-bżonn li jiġu eliminati l-effetti li jxekklu l-kummerċ ta' *dumping* li jagħmel il-ħsara u l-bżonn li tiġi rritornata l-kompetizzjoni effettiva.

(117) Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li l-investigazzjoni parallela deskritta fil-premessa 6 sejra, jekk il-miżuri jkunu imposti, tirrevedi *de facto* l-miżuri fis-seħħ u taġġorna l-livell tagħhom.

7.5 **L-interessi ta' l-industrija fornitriċi**

(118) Mid-disa' forniturі ta' materja prima kkuntattjati, wieħed biss wieġeb il-kwestjonarju u qabel li jikkoopera f'din ir-reviżjoni. Din il-kumpanija tforni parti importanti tat-TCS li jindika li l-operati tagħha huma rappreżentattivi tal-forniturі tal-materja prima ta' dan il-prodott.

(119) Il-bejgħ ta' dan il-fornitur lill-industrija Komunitarja jirrappreżenta parti sinjifikanti tal-fatturat totali tal-kumpanija għal dak il-prodott. Il-kumpanija argumentat li jekk il-miżuri jiġu estiżi, il-produzzjoni tal-materja prima tibqa' għaddejja. Mill-banda l-oħra, jekk il-miżuri jitneħħew, il-kapaċità ta' mmuntar tagħha tiġi pperikolata minħabba l-inkapaċità tagħha biex tbaxxi l-prezzijiet.

(120) Għalhekk il-konklużjoni hija li l-estensjoni tal-miżuri fis-seħħ se jħallu impatt pożittiv fuq l-industrija fornitriċi ta' TCS.

7.6 **Kompetizzjoni u effetti li jxekklu l-kummerċ**

(121) Importatur, li jipproduċi wkoll it-TCS fil-Komunità, u li huwa relatat ma' produttur esportatur Ġappuniż, argumenta li irrispettivament minn jekk il-miżuri jkomplux ma kien hemm l-ebda intenzjoni li titnaqqas il-produzzjoni fil-Komunità.

(122) Għaldaqstant, il-konklużjoni hija li anke jekk il-miżuri fis-seħħ jiġġeddu, l-industrija Komunitarja tkompli tiġi kkonfrontata b'kompetizzjoni minn operaturi oħra fil-Komunità li jipproduċu u jbiegħu it-TCS. L-utenti se jkunu għalhekk jistgħu, kif setgħu s'issa, jixtru TCS ta' marka Ġappuniża.

(123) Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li jekk il-miżuri jitneħħew, hemm raġunijiet li jindikaw li s-sopravivenza ta' l-indutrija Komunitarja tista' tiġi pperikolata (ara l-premessa 94 hawn fuq). Jekk dan iseħħ, il-produzzjoni ta' TCS tiġi limitata għall-produtturi Ġappuniżi (jew il-kumpaniji relatati tagħhom), bid-dipendenza konsegwenti tal-Komunità fuq għadd terġa' iżgħar ta' produtturi.

(124) Għalhekk, il-konklużjoni hija li t-tkomplija tal-miżuri għandu jkollha effetti pożittivi fir-rigward taż-żamma tal-kompetizzjoni u l-eliminazzjoni ta' l-effetti li jxekklu l-kummerċ.

7.7. **Konklużjoni fuq l-interess Komunitarju**

(125) Fuq il-bażi ta' li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hi illi ma hemmx raġunijiet sodi biżżejjed fuq bażi ta' interess tal-Komunità kontra ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(126) Il-partijiet interessati kollha kienu informati bil-fatti u konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom hemm l-intenzjoni li jiġi rrakkomandat illi l-miżuri eżistenti jinżammu. Huma ngħataw ukoll perjodu biex iressqu rappreżentazzjonijiet wara dan it-tagħrif.

(127) Minn dak li ntqal fuq jirriżulta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, li l-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet tat-TCS, li joriġinaw mill-Ġappun għandhom jinżammu.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan qiegħed jiġi impost dazju definittiv ta' l-*anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' sistemi ta' telekamera u partijiet minnhom, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8525 30 90 (kodiċi TARIC: 8525 30 90 10), ex 8537 10 91 (kodiċi TARIC 8537 10 91 91), ex 8537 10 99 (kodiċi TARIC 8537 10 99 91), ex 8529 90 81 (kodiċi TARIC 8529 90 81 38), ex 8529 90 95 (kodiċi TARIC 8529 90 95 30), ex 8543 89 97 (kodiċi TARIC 8543 89 97 15), ex 8528 21 14 (kodiċi TARIC 8528 21 14 10), ex 8528 21 16 (kodiċi TARIC 8528 21 16 10) u ex 8528 21 90 (kodiċi TARIC 8528 21 90 10), li joriġinaw fil-Ġappun.

2. Is-sistemi ta' telekameras jistgħu jikkonsistu f'kombinazzjoni tal-partijiet li ġejjin, importati flimkien jew separatament:

(a) *head* tal-kamera bi tliet sensuri jew aktar (dispożittivi li jakkumpanjaw il-karika ta' 12 mm jew aktar) b'aktar minn 400 000 *pixel* kull wieħed, li jistgħu jitqabbdu ma' adapter fuq wara, u li għandha speċifikazzjonijiet b'relazzjoni tas-sinjal mal-ħoss ta' 55dB jew aktar meta jkun imqabbad b'mod normali; jew f'biċċa waħda mal-*head* tal-kamera u l-adapter flimkien f'kaxxa waħda, jew separati;

(b) *viewfinder* (djagunal ta' 38 mm jew aktar);

(ċ) stazzjon ta' bażi jew unità għall-kontroll tal-kamera (CCU) mqabbda mal-kamera b'kejbil

(d) pannel għall-kontroll operazzjonali (OCP) għall-kontroll tal-kameras waħda waħda (jiġifieri għall-aġġustament tal-kulur, il-ftuħ tal-lenti jew l-iris);

(e) pannel prinċipali għall-kontroll (MCP) jew unità ta' struttura ta' organizzazzjoni prinċipali (MSU) b'indikazzjoni tal-kamera magħżula, għall-panoramika u għall-aġġustament ta' bosta kameras 'il bogħod.

3. Dan id-dazju m'għandux japplika għal:

(a) lentijiet (kodiċi addizzjonali TARIC A727);

(b) reġistratur tat-tejps tal-vidjo (kodiċi addizzjonali TARIC A727);

(ċ) *heads* tal-kamera b'unità għar-reġistrazzjoni fl-istess, "kaxxa" inseparabbli (kodiċi addizzjonali TARIC A727);

(d) kameras professjonali li ma jistgħux jintużaw għal raġunijiet ta' xandir (kodiċi addizzjonali TARIC A727);

(e) kameras professjonali mniżżlin fl-Anness (kodiċi addizzjonali TARIC 8786 u 8969).

4. Meta s-sistema ta' telekameras tiġi importata bil-lenti il-valur ħieles fil-fruntiera tal-Komunità użat fl-applikazzjoni tad-dazju *anti-dumping* għandu jkun dak ta' sistemi ta' telekameras mingħajr il-lenti. Jekk dan il-valur ma jkunx speċifikat fil-fattura l-importatur irid jiddikjara l-valur tal-lenti fiż-żmien tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u għandu jressaq l-evidenza u t-tagħrif xierqa f'dak il-każ.

5. Ir-rata ta' dazju *anti-dumping* għandha tkun ta' 96,8 % tal-prezz ħieles fil-fruntiera tal-Komunità nett, qabel id-dazju (kodiċi addizzjonali TARIC: 8744) ħlief il-prodotti fabbrikati mill-kumpaniji li ġejjin li għalihom ir-rata se tkun din li ġejja:

— Ikegami Tsushinki Co. Ltd: 200,3 % (kodiċi addizzjonali TARIC: 8741),

— Sony Corporation: 108,3 % (kodiċi addizzjonali TARIC: 8742),

— Hitachi Denshi Ltd: 52,7 % (kodiċi addizzjonali TARIC: 8743).

6. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazju doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNESS

Lista ta' sistemi tal-kameras professjonali li mhumiex kwalifikati bħala sistemi tal-kameras professjonali (sistemi tal-kameras tax-xandir), li huma eżentati mill-miżuri

Isem il-kumpanija	Camera heads	Viewfinder	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — Master control unit	Adapters tal-kamera
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P	RM-M7E (1)		CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE	CUU-M5AP (1)			CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 (1)
	DXC-327APK	DXF-40BCE				
	DXC-327APL	DXF-50BCE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE (1)				
	DXC-537PL	DXF-801CE (1)				
	DXC-537PH	HDVF-C30W				
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					
	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP (1)					
	DXC-D35PH (1)					
	DXC-D35PL (1)					
	DXC-D35PK (1)					
	DXC-D35WSPL (1)					
	DSR-135PL (1)					

Isem il-kumpanija	Camera heads	Viewfinder	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — Master control unit	Adapters tal-kamera
Ikegami	HC-340	VF15-21/22	MA-200/230	RCU-240	—	CA-340
	HC-300	VF-4523	MA-200A (1)	RCU-390 (1)		CA-300
	HC-230	VF15-39	MA-400 (1)	RCU-400 (1)		CA-230
	HC-240	VF15-46 (1)	CCU-37	RCU-240A		CA-390
	HC-210	VF5040 (1)	CCU-10			CA-400 (1)
	HC-390	VF5040W (1)				CA-450 (1)
	LK-33					
	HDL-30MA					
	HDL-37					
	HC-400 (1)					
	HC-400W (1)					
	HDL-37E					
	HDL-10					
	HDL-40					
	HC-500 (1)					
	HC-500W (1)					
Hitachi	SK-H5	GM-5 (A)	RU-C1 (B)	—	—	CA-Z1
	SK-H501	GM-5-R2 (A)	RU-C1 (D)			CA-Z2
	DK-7700	GM-5-R2	RU-C1			CA-Z1SJ
	DK-7700SX	GM-50	RU-C1-S5			CA-Z1SP
	HV-C10	GM-8A (1)	RU-C10 (B)			CA-Z1M
	HV-C11	GM-9 (1)	RU-C10 (C)			CA-Z1M2
	HV-C10F	GM-51 (1)	RC-C1			CA-Z1HB
	Z-ONE (L)		RC-C10			CA-C10
	Z-ONE (H)		RU-C10			CA-C10SP
	Z-ONE		RU-Z1 (B)			CA-C10SJA
	Z-ONE A (L)		RU-Z1 (C)			CA-C10M
	Z-ONE A (H)		RU-Z1			CA-C10B
	Z-ONE A (F)		RC-C11			CA-Z1A (1)
	Z-ONE A		RU-Z2			CA-Z31 (1)
	Z-ONE B (L)		RC-Z1			CA-Z32 (1)
	Z-ONE B (H)		RC-Z11			CA-ZD1 (1)
	Z-ONE B (F)		RC-Z2			CA-Z35 (1)
	Z-ONE B		RC-Z21			EA-Z35 (1)
	Z-ONE B (M)		RC-Z2A (1)			
	Z-ONE B (R)		RC-Z21A (1)			
	FP-C10 (B)		RU-Z3 (1)			
	FP-C10 (C)		RC-Z3 (1)			
	FP-C10 (D)		RU-Z35 (1)			
	FP-C10 (G)		RU-3300N (1)			
	FP-C10 (L)					
	FP-C10 (R)					
	FP-C10 (S)					
	FP-C10 (V)					
	FP-C10 (F)					
	FP-C10					
	FP-C10 A					
	FP-C10 A (A)					
	FP-C10 A (B)					
	FP-C10 A (C)					
	FP-C10 A (D)					

Isem il-kumpanija	Camera heads	Viewfinder	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — Master control unit	Adapters tal-kamera
	FP-C10 A (F) FP-C10 A (G) FP-C10 A (H) FP-C10 A (L) FP-C10 A (R) FP-C10 A (S) FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA (1) V-21 (1) V-21W (1) V-35 (1) DK-H31 (1) V-35W (1)					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A AW-E650 AW-E655 AW-E750 AW-E860L AK-HC910L AK-HC1500G	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B AW-VF80	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505 AK-HRP900 AK-HRP150	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE

Isem il-kumpanija	Camera heads	Viewfinder	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjonali tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll — Master control unit	Adapters tal-kamera
JVC	KY-35E	VF-P315E	RM-P350EG	—	—	KA-35E
	KY-27ECH	VF-P550E	RM-P200EG			KA-B35U
	KY-19ECH	VF-P10E	RM-P300EG			KA-M35U
	KY-17FITECH	VP-P115E	RM-LP80E			KA-P35U
	KY-17BECH	VF-P400E	RM-LP821E			KA-27E
	KY-F30FITE	VP-P550BE	RM-LP35U			KA-20E
	KY-F30BE	VF-P116E	RM-LP37U			KA-P27U
	KY-F560E	VF-P116WE (1)	RM-P270EG			KA-P20U
	KY-27CECH	VF-P550WE (1)	RM-P210E			KA-B27E
	KH-100U					KA-B20E
	KY-D29ECH					KA-M20E
	KY-D29WECH (1)					KA-M27E
Olympus	MAJ-387N		OTV-SX 2			
	MAJ-387I		OTV-S5			
			OTV-S6			
	Camera OTV-SX					

(*) Imsejha wkoll master set up unit (MSU) jew master control panel (MCP).
(1) Mudelli eżentati bil-kondizzjoni li s-sistema tat-triax jew l-adapter tat-triax korrispondenti ma jinbiġhux fis-suq tal-KE.

32006R1911

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1911/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ir-"Regolament bażiku") [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Fit-23 ta' Settembru 2000 il-Kunsill impona, bir-Regolament (KE) Nru 1995/2000 [2], miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju ("UAN") li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja, mill-Ukraina u mil-Litwanja. Il-miżuri imposti fuq l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mil-Litwanja skadew wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri se tissejjaħ l-'investigazzjoni oriġinali'.

(2) Il-miżuri li japplikaw għal dawn l-importazzjonijiet kienu jikkonsistu f'dazji speċifiċi, ħlief għall-importazzjonijiet mingħand produttur li jesporta Alġerin mingħand min kien aċċettat impenn.

2. It-talba għal reviżjoni

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2005, tressqet talba għal reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti nhar is-17 ta' Diċembru 2004 [3]. Din it-talba tressqet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fabbrikanti tal-Fertilizzanti (EFMA) ('l-applikant') f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ iktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-UAN.

(4) L-applikant allega u pprovda evidenza *prima facie* suffiċjenti li hemm il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' *dumping* u ta' ħsara għall-industrija tal-Komunità fejn jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina ("il-pajjiżi kkonċernati").

(5) Wara li ddeterminat, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm evidenza suffiċjenti biex jingħata bidu għal reviżjoni ta' skadenza, nhar it-22 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni ħabbret, b'avviż tal-bidu li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [4], il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

3. L-investigazzjoni

3.1. *Il-perjodu ta' l-investigazzjoni*

(6) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005 ('il-perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni' jew l-'RIP). L-eżami tat-tendenzi li huma rilevanti għall-valutazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-2002 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ('il-perjodu meqjus').

3.2. *Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(7) Uffiċjalment il-Kummissjoni informat lill-produtturi li jesportaw, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi li jesportaw, lil min għamel l-ilment u lill-produtturi tal-Komunità bil-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità biex iressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1675/2003 (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 4).

[3] ĠU C 312, 17.12.2004, p. 5.

[4] ĠU C 233, 22.9.2005, p. 14.

(8) Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

(9) Minħabba n-numru kbir ta' produtturi tal-Komunità u ta' importaturi fil-Komunità li mhumiex relatati ma' produttur li jesporta f'wieħed mill-pajjiżi kkonċernati, tqies li jkun xieraq, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi eżaminat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni jkunx tabilħaqq meħtieġ u, jekk inhu hekk, li jintgħażel kampjun, il-partijiet ta' aktar 'il fuq intalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il ġurnata mill-bidu ta' l-investigazzjoni u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fl-avviż tal-bidu.

(10) Wara li ġiet eżaminata l-informazzjoni mressqa, u minħabba n-numru għoli ta' produtturi tal-Komunità li indikaw li kienu lesti li jikkooperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni rigward il-produtturi tal-Komunità kien meħtieġ. Minħabba l-fatt li importatur wieħed biss ipprovda l-informazzjoni mitluba fl-avviż tal-bidu u esprima r-rieda tajba tiegħu li jikkoopera aktar mas-servizzi tal-Kummissjoni, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ rigward l-importaturi.

(11) Intbagħtu kwestjonarji lill-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun u lill-produtturi magħrufa kollha li jesportaw.

(12) It-tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand l-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun u mingħand sitt produtturi li jesportaw fil-pajjiżi konċernati, kif ukoll mingħand in-negozjanti relatati tagħhom.

(13) Produttur wieħed biss fil-pajjiż analogu pprovda tweġiba kompluta għall-kwestjonarju.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għal determinazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza probabbli tad-*dumping* u tal-ħsara li tirriżulta u ta' l-interess tal-Komunità. Saru żjarat ta' verifika fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produttur li jesporta fir-Russja

— JSC Mineral and Chemical Company ("Eurochem"), Moska, ir-Russja, u ż-żewġ kumpaniji tal-manifattura relatati tagħha:

— PJSC Azot ("NAK Azot"), Novomoskovsk, ir-Russja, u

— PJSC Nevinnomyssky Azot ("Nevinka Azot"), Nevinnomyssk, ir-Russja;

(b) In-negozjant relatat ma' Eurochem

— Eurochem Trading GmbH, Zug, l-Iżvizzera — ("Eurochem Trading");

(c) In-negozjant relatat mal-produttur Ukrajn Stirol

— IBE Trading, New York, New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(d) Il-produttur fil-pajjiż analogu

— Terra Industries, Sioux City, Iowa, l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(e) Il-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun

— Achema AB, Jonava, il-Litwanja,

— Grande Paroisse SA, Paris, Franza,

— SKW Stickstoffwerke Piesteritz GmbH, Wittenberg, il-Ġermanja,

— Yara SA, Brussell, il-Belġju u il-produttur relatat tiegħu Yara Sluiskil BV, Sluiskil, l-Olanda.

3.3. *It-Teħid ta' kampjuni*

(15) 10 produtturi tal-Komunità mlew kif xieraq il-formola tat-teħid ta' kampjun sa għeluq iż-żmien u ftiehmu formalment li jikkooperaw aktar fl-investigazzjoni. Rigward dawk l-għaxar produtturi tal-Komunità, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u ta' bejgħ tal-UAN fil-Komunità li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun kienu jammontaw għal 63 % tal-produzzjoni totali ta' l-industrija tal-Komunità matul l-RIP, waqt li l-10 produtturi tal-Komunità li ssemmew aktar 'il fuq kienu jammontaw għal 75 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità matul l-RIP.

(16) Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati kienu kkonsultati dwar il-kampjun magħżul u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni għal dan.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(17) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri soluzzjoni ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju, fertilizzant likwidu li komunement jintuża fl-agrikoltura, li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati. Dan jikkonsisti f'taħlita ta' urea, ta' nitrati ta' ammonju u ta' ilma. Il-kontenut ta' nitroġenu (N) huwa l-aktar "karatteristika" sinifikanti tal-prodott, u jista' jvarja bejn 28 % u 32 %. Varjazzjoni bħal din tista' tinkiseb billi jiġi miżjud aktar jew inqas ilma mas-soluzzjoni. Il-parti l-kbira tal-UAN importati kienu ta' 32 % N, li huma l-aktar ikkonċentrati, u għalhekk irħas sabiex jintbagħtu bil-baħar. Madankollu, ikun xi jkun il-kontenut ta' nitroġenu tagħhom, is-soluzzjonijiet kollha ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju jitqies li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, u għalhekk jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' din l-investigazzjoni. Il-prodott ikkonċernat jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 80 00.

2. Il-prodott simili

(18) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni ta' reviżjoni kkonfermat li l-UAN huwa prodott ta' komodità pur, u l-kwalità u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma identiċi jkun xi jkun il-pajjiż ta' l-oriġini. Il-prodott ikkonċernat u l-prodotti manifatturati u mibjugħa mill-produtturi li jesportaw fis-suq domestiku fil-pajjiżi kkonċernati, kif ukoll dawk manifatturati u mibjugħa mill-produtturi tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u mill-produttur fil-pajjiż analogu fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu, għalhekk instab li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u essenzjalment l-istess użi, u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

1. Id-dumping ta' importi matul l-RIP

(19) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri hiex se twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza tad-*dumping*.

(20) Matul l-RIP, l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità tal-UAN li joriginaw mill-pajjiżi kkonċernati saru biss mill-Alġerija. Għalhekk, saret kalkulazzjoni tad-*dumping* sabiex jiġi eżaminat jekk għaż-żewġ produtturi li jesportaw Alġerini li kkooperaw kienx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-*dumping*. Għall-produtturi li jesportaw u li kkooperaw l-oħra fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina, l-investigazzjoni ffokat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping*.

L-Alġerija

Ġenerali

(21) L-uniċi żewġ produtturi Alġerini tal-UAN, Fertalge u Fertial, ikkooperaw fl-investigazzjoni. Dawn iż-żewġ produtturi kienu jirrappreżentaw it-totalità ta' l-esportazzjonijiet tal-UAN li joriginaw mill-Alġerija lejn il-Komunità matul l-RIP, li kienu jikkorrispondu għal 177 383 tunnellata metrika. L-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriginaw mill-Alġerija kienu jirrappreżentaw 4,8 % tal-konsum tal-Komunità li matul l-RIP kien ta' 3 694 531 tunnellata metrika. Għalhekk meta mqabbla mal-perjodu ta' l-investigazzjoni originali l-importazzjonijiet mill-Alġerija żdiedu minn 116 461 tunnellata metrika bi 52 %.

(22) Għalhekk, l-eżami tad-*dumping* ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn dawn iż-żewġ prodotturi li jesportaw li kkooperaw tqies li huwa wkoll rappreżentattiv għall-pajjiż kollu.

Il-valur normali

(23) L-ewwel ġie stabbilit, għal kull wieħed miż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw, jekk il-bejgħ domestiku totali tiegħu tal-UAN kienx rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jekk kinux jammontaw għal 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat li ġie esportat lejn il-Komunità. L-investigazzjoni wriet li ż-żewġ kumpaniji biegħu biss tip wieħed ta' UAN lill-Komunità u li dan it-tip ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku.

(24) Għalhekk, għaż-żewġ produtturi li jesportaw il-valur normali ma setax ikun ibbażat fuq il-bejgħ domestiku u kellu jinbena skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku billi ma' l-ispiża tal-manifattura tal-prodott esportat lejn il-Komunità ta' kull esportatur ġew miżjuda ammont raġonevoli għal spejjeż ta' bejgħ, spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi (SG&A) kif ukoll marġni raġonevoli ta' qligħ.

(25) Dwar l-ispiża tal-manifattura, ta' min jinnota li l-ispejjeż ta' l-enerġija, bħalma huma l-elettriku u l-gass, jirrappreżentaw proporzjon kbir mill-ispiża tal-manifattura kif ukoll proporzjon sinifikanti mill-ispiża totali tal-produzzjoni. Skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-rekords tal-partijiet ikkonċernati.

(26) L-investigazzjoni ma wriet l-ebda indikazzjoni li l-elettriku ma kienx qed jiġi rifless b'mod raġonevoli fir-rekords tal-produtturi li jesportaw. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota, fost ħwejjeġ oħra, li l-prezzijiet ta' l-elettriku li tħallsu mill-produtturi Alġerini matul l-IP kienu skond il-prezzijiet internazzjonali tas-suq, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra bħall-Kanada u n-Norveġja. Madankollu, ma setax jingħad l-istess rigward il-prezzijiet tal-gass.

(27) Fejn jikkonċernaw il-fornimenti ta' gass, fil-fatt, ġie stabbilit fuq il-bażi tad-*data* ppubblikata minn sorsi rikonoxxuti internazzjonalment li huma speċjalizzati fis-swieq ta' l-enerġija, li l-prezz li tħallas mill-produttur Alġerin kien inqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mill-Alġerija. Barra minn hekk, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fl-Alġerija kienu prezzijiet irregolati, li huma ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq li tħallsu għall-gass naturali, pereżempju fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-UE. Dawn l-erba' swieq jammontaw għal total ta' 46 % tal-konsum tal-gass fid-dinja, u l-livelli prevalenti tal-prezz domestiku f'dawn l-erbat iswieq jidher li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli. Barra minn hekk, il-prezz tal-gass li tħallas mill-kumpaniji kkonċernati kien ħafna aktar baxx mill-prezz tal-gass li tħallas mill-produtturi tal-Komunità.

(28) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq, tqies li l-prezzijiet tal-gass li tħallsu fl-Alġerija matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni ma setgħux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mad-distribuzzjoni tal-gass. Għalhekk, kif stipulat fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż tal-gass li tħallsu minn produttur wieħed li jesporta li kkoopera, Fertial, ġew aġġustati fuq il-bażi tat-tagħrif minn swieq rappreżentattivi oħrajn. Il-prezz aġġustat ġie bbażat fuq il-prezz medju tal-gass naturali likwifikat Alġerin ("LNG") matul l-IP, meta nbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Franċiża wara li tħallsu l-ispejjeż tat-tagħbija bil-baħar u tal-likwefazzjoni, għaliex dan tqies li huwa l-iktar bażi xierqa peress li din l-informazzjoni pubblika tirreferi eskluživament għall-gass ta' oriġini Alġerina. Franza, li hija kemm l-ikbar suq għall-gass Alġerin kif ukoll għandha prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, tista' titqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Il-kumpanija li kkooperat l-oħra, Fertalge, ma kinitx tuża l-gass naturali bħala materja prima, għaliex tipproduċi l-UAN min-nitrat ta' l-ammonju ("AN"), li jiġi prodott lokalment, u mill-urea. Minħabba li l-ispiża ta' l-AN prodott lokalment tirrifletti l-prezz domestiku tal-gass Alġerin li ssemma fil-premessa (27) skond dan.

(29) L-ispejjeż tal-manifattura pprovduti mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw għalhekk kienu kkalkulati mill-ġdid sabiex iqisu l-prezzijiet aġġustati tal-gass, permezz tal-prezzijiet tal-gass meta mibjugħ fil-fruntiera ta' Franza, mingħajr l-ispiża tal-ġarr bil-baħar u permezz ta' l-ispejjeż tal-likwidazzjoni. Ma' l-ispiża tal-manifattura li ġiet ikkalkulata mill-ġdid b'dan il-mod ġew miżjuda ammont raġonevoli għall-SG&A kif ukoll marġni ta' qliegħ raġonevoli, skond l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(30) L-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tax-*chapeau* ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, għaliex iż-żewġ kumpaniji li kkooperaw ma kellhomx bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andament ordinarju tan-negozju. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li ż-żewġ produtturi li kkooperaw huma l-uniċi żewġ produtturi tal-UAN fl-Alġerija. Lanqas l-Artikolu 2(6)(b) ma kien japplika, minħabba li l-ispiża tal-manifattura għall-prodotti li jappartjenu għall-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti jeħtieġ li tiġi aġġustata wkoll fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (28) ta' aktar 'il fuq. Peress li nstab li kien imposibbli li jiġi stabbilit id-daqs ta' l-aġġustament meħtieġ għall-prodotti kollha li jagħmlu parti mill-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti mibjugħa b'mod domestiku, huwa daqstant impossibbli li jiġu stabbiliti l-marġini ta' qliegħ wara tali aġġustament. Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(31) Skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew iddeterminati fuq il-bażi ta' metodu raġonevoli. Peress li s-suq domestiku Alġerin tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali huwa żgħir ħafna, l-informazzjoni kellha tinkiseb minn swieq rappreżentattivi oħrajn. F'dan ir-rigward, tqieset l-informazzjoni li hija pubblikament disponibbli li hija relatata mal-kumpaniji ewlenija li joperaw fis-settur tan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu. Instab li d-*data* korrispondenti mill-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq (l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada) għandha tkun l-iktar xierqa għall-iskop ta' l-investigazzjoni, minħabba d-disponibilità kbira ta' informazzjoni finanzjarja pubblika affidabbli u kompluta minn kumpaniji elenkati f'dan ir-reġjun tad-dinja. Barra minn hekk, is-suq ta' l-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikanti ta' bejgħ domestiku u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm mill-kumpaniji domestiċi kif ukoll minn dawk barranin. Għalhekk l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ medji u

mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) minn tliet produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq, li nstabu li kienu fost l-ikbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti, fejn jikkonċerna l-bejgħ tagħhom fl-Amerika ta' Fuq ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (il-fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produtturi tqiesu bħala rappreżentattivi għan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu (bħala medja, aktar minn 80 % tal-fatturat tas-segment tal-kumpanija/negozju), u l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ tagħhom bħala rappreżentattivi ta' l-istess tip ta' spejjeż li normalment isiru minn kumpaniji li joperaw b'suċċess f'dak is-segment ta' negozju. Il-persentaġġ għall-ispejjeż SG&A kien ta' 6,9 % tal-fatturat. Il-marġni ta' qliegħ medju kkalkulat kien ta' 9,1 % tal-fatturat. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-ammont għall-qliegħ li kien stabbilit b'dan il-mod jaqbeż il-qliegħ li normalment ikollhom il-produtturi Alġerini fuq il-bejgħ tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq Alġerin.

Il-prezz ta' l-esportazzjoni

(32) Skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li effettivament tħallas jew li jista' jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Il-paragun

(33) Il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni ġew imqabbla fuq bażi ta' qabel il-prezz tas-suq. Sabiex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saru konċessjonijiet dovuti fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezz u għall-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, ta' l-immaniġġjar, tat-tagħbija u fi spejjeż anċillari, fejn japplika u fejn kien appoġġjat minn evidenza vverifikata.

Il-marġni tad-dumping

(34) Il-marġni tad-*dumping* għal kull produttur li jesporta ġie stabbilit fuq il-bażi ta' paragun bejn valur medju u mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) u prezz ta' l-esportazzjoni medju u mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi), skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(35) L-investigazzjoni wriet li matul l-RIP seħħ id-*dumping* anki f'livell ogħla milli fl-investigazzjoni oriġinali. Il-marġnijiet tad-*dumping* espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità, ivarjaw bejn 50 % u 60 %.

2. L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet kieku l-miżuri jiġu rrevokati

2.1. *L-Alġerija*

(36) Iż-żewġ produtturi li jesportaw Alġerini li kkooperaw jirrappreżentaw it-totalità ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn dan il-pajjiż fil-Komunità. Għalhekk, l-eżami ta' jekk ikunx probabbli li d-*dumping* ikomplix jekk il-miżuri għall-Alġerija jiġu rrevokati, ġie bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn dawn iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw.

Il-kapaċità żejda

(37) Matul il-perjodu meqjus, il-produtturi Alġerini li kkooperaw irnexxielhom jirdoppjaw il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom filwaqt li żiedu l-produzzjoni tagħhom b'madwar 20 %. Għalhekk, il-kapaċità żejda tagħhom żdiedet b'mod sinifikanti għal 300 000-350 000 tunnellata metrika.

(38) Minħabba li s-suq domestiku Alġerin huwa insinifikanti u huwa probabbli li dan mhux se jinbidel fil-futur, kwalunkwe żieda fil-produzzjoni se tkun orjentata lejn l-esportazzjoni. Billi attivaw il-kapaċità żejda tagħhom, iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw setgħu jfornu 10 %-20 % tal-konsum tal-Komunità.

(39) Minħabba li matul l-RIP id-*dumping* kompla u fuq il-bażi tal-kapaċità żejda li l-produtturi Alġerini li kkooperaw irnexxielhom jibnu, huwa probabbli li jekk il-miżuri jiskadu il-volum ta' l-esportazzjonijiet Alġerini fil-Komunità se jiżdied bi prezzijiet li jkunu soġġetti għal *dumping*.

(40) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jekk il-miżuri jiġu revokati hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' esportazzjonijiet soġġetti għal *dumping*.

Il-paragun bejn il-valur normali Alġerin u l-livell tal-prezz prevalenti fil-Komunità

(41) Il-valur normali stabbilit għaż-żewġ kumpaniji eċċeda b'mod sinifikanti il-prezzijiet tas-suq tul l-RIP. Ma jistax jiġi eskluż li l-produtturi Alġerini li jesportaw ikomplu jbieġħu lill-Komunita bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, kemm jekk ikollhom iħallsu d-dazju u kemm jekk le.

2.2. *Ir-relazzjoni bejn il-valur normali mibni fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina u l-prezzijiet ta' l-esporazzjoni lejn pajjiżi terzi*

2.2.1. Il-Belarus u l-Ukraina: il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ ibbażati fuq il-pajjiż analogu

(42) Sar paragun bejn il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ tal-UAN fil-Belarus u fl-Ukraina u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li minħabba li l-Belarus jitqies bħala pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq u li l-Ukraina ma kinitx għadha meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq fiż-żmien meta ġiet iddepożitata t-talba għar-reviżjoni ta' skadenza [1], il-valur normali għal dawn iż-żewġ pajjiżi kellu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-data li nkisbet mill-produtturi f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Fl-avviż tal-bidu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu previsti bħala pajjiż analogu xieraq, peress li huma suq kompetittiv miftuħ, fejn il-produtturi jiffaċċjaw livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni minn importazzjonijiet barranin.

(43) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità sabiex jikkummentaw dwar l-għażla tal-pajjiż analogu.

(44) L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Importaturi tal-Fertilizzanti, EFIA, ippropponiet lill-Alġerija jew lir-Russja bħala għażliet aħjar, minħabba l-aċċess privileġġjat tagħhom għall-materja prima ewlenija, jiġifieri l-gass, u peress li kienu pajjiżi b'ekonomija tas-suq soġġetti għall-istess investigazzjoni. F'dan ir-rigward, ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 2(7)(a) jeħtieġ, qabel kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, pajjiż terz b'ekonomija tas-suq "xieraq". Waqt li l-aċċess għall-materja prima huwa fattur importanti fejn jikkonċerna l-għażla tal-pajjiż analogu, ta' min jinnota wkoll li l-eżistenza ta' pprezzar doppju f'relazzjoni għall-gass f'dawn iż-żewġ pajjiżi fil-fatt għamlet lil dawn iż-żewġ pajjiżi għażla mhux xierqa. Tabilħaqq, il-prezzijiet tal-gass li jiġu ċċarġjati f'dawn iż-żewġ pajjiżi lill-klijenti domestiċi tagħhom ma jirriflettux il-valur tas-suq.

(45) Uħud mill-partijiet interessati allegaw, għalkemm mingħajr ma ssostanzjaw l-affermazzjoni tagħhom, li l-proċessi tal-produzzjoni Russi u Alġerini huma aktar simili għal dawk fil-Belarus u fl-Ukraina. L-Alġerija ġiet ukoll issuġġerita bħala li għandha livell ta' produzzjoni aktar simili għall-Ukraina. F'dan ir-rigward, irid jiġi enfasizzat li l-Belarus, l-Ukraina u l-Istati Uniti ta' l-Amerika kollha għandhom produtturi għal kollox integrati vertikalment, li żgur li mhux il-każ għall-Alġerija.

(46) Produttur Ukrajn li kkoopera ppropona lill-Bulgarija jew lir-Rumanija pjuttost milli l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Madankollu, il-proposta tiegħu ma ġietx sostanzjata. Barra minn hekk, fattur importanti kontra l-Bulgarija jew ir-Rumanija huwa li s-swieq domestiċi tagħhom huma żgħar b'numru limitat ta' manifatturi, kontra l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(47) Għalhekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-Istati Uniti ta' l-Amerika kien pajjiż analogu xieraq. Diversi produtturi u assoċjazzjonijiet ta' produtturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ġew ikkuntattjati u mistiedna jikkooperaw billi jimlew kwestjonarju. Produttur wieħed fl-Istati Uniti ta' l-Amerika kkoopera b'mod sħiħ fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-kalkulazzjonijiet ġew ibbażati fuq l-informazzjoni verifikata mill-uniku produttur ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li kkoopera, li pprovda tweġiba kompluta għall-kwestjonarju.

2.2.2. Il-Belarus

Rimarki preliminari

(48) L-uniku produttur fil-Belarus li kkoopera kien l-uniku produttur li jesporta minn dak il-pajjiż, iżda fl-RIP ma kellu l-ebda bejgħ ta' esportazzjoni lejn il-Komunità.

(49) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu rrevokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produttur li jesporta lejn l-Istati Uniti li kkoopera, is-suq uniku ta' l-esportazzjoni tiegħu, kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tiegħu. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produttur li jesporta li kkoopera li ssemma fil-premessa (48).

Il-paragun

(50) Id-*data* mill-produttur li jesporta li kkoopera wriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi (l-Istati Uniti ta' l-Amerika) kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni għall-Belarus. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali, matul l-RIP, din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 10 % u 15 %. Jekk il-miżuri jiġu rrevokati, dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Il-ħażniet u l-kapaċità tal-produzzjoni, kif ukoll paragun ta' dawn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mal-livell tal-prezzijiet prevalenti fil-Komunità, qed jiġu eżaminati aktar 'l isfel.

2.2.3. L-Ukraina

Rimarki preliminari

(51) Kien hemm żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw fl-investigazzjoni, iżda ħadd minnhom ma kellu bejgħ mill-esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP. M'hemm l-ebda indikazzjoni li fl-Ukraina kien hemm aktar produtturi li jesportaw.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 2117/2005, l-Artikolu 2.

(52) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk hux probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu rrevokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produttur li jesporta lejn l-Istati Uniti li kkoopera, is-suq uniku ta' l-esportazzjoni tiegħu, kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tiegħu. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta miż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw li ssemmew fil-premessa (51).

(53) Matul l-RIP, iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw kienu jirrappreżentaw 48 % ta' l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Ukraina. Il-bqija ta' l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika li joriġinaw mill-Ukraina kienu wkoll prodotti minn wieħed mill-produtturi li kkooperaw, iżda ġew esportati min kumpanija Ukraina mhux relatata, li ma tipproduċix UAN.

Il-paragun

(54) Id-data mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw uriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni għall-Ukraina. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali, matul l-RIP, din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 20 % u 30 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati. Il-ħażniet u l-kapaċità tal-produzzjoni, kif ukoll paragun ta' dawn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mal-livell prevalenti tal-prezzijiet fil-Komunità, qed jiġu eżaminati aktar 'l isfel.

2.2.4. Ir-Russja

Rimarki preliminari

(55) Żewġ produtturi li jesportaw li jappartjenu lill-istess grupp ta' kumpaniji kkooperaw fl-investigazzjoni, iżda l-ebda produttur li jesporta ma kellu bejgħ mill-esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP.

(56) Huwa magħruf li matul l-RIP fir-Russja kien hemm produttur wieħed li ma kkooperax fl-investigazzjoni. Għal dak(dawk) il-produttur(i) li jesporta(w) li ma kkooperax(kkooperawx), ġiet analizzata l-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat u minn sorsi oħrajn. Fuq dik il-bażi nstab li l-esportazzjonijiet tal-UAN lejn il-Komunità għajr mill-produtturi li kkooperaw ukoll ma kinux jeżistu. Madankollu, għall-kumpanija li ma kkooperatx ma kien hemm l-ebda informazzjoni affidabbli dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-volumi tal-produzzjoni, dwar il-ħażniet u dwar il-bejgħ. F'dan ir-rigward, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni li tgħid il-kontra, tqies li s-sejbiet għall-kumpanija li ma kkooperatx għandhom ikunu skond dawk stabbiliti għall-kumpaniji li kkooperaw.

(57) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu revokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produtturi li jesportaw lejn swieq oħra ta' l-esportazzjoni kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tagħhom. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw li ssemmew fil-premessa (55).

Il-paragun

(58) Ġie eżaminat jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkunsidrat kinux riflessi b'mod raġjonevoli fir-reġistri tal-partijiet ikkonċernati. Rigward l-ispejjeż tal-gass instab li l-prezz domestiku tal-gass li tħallas mill-produtturi Russi kien madwar wieħed minn kull ħamsa tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fir-Russja kienu prezzijiet irregolati, li huma ferm taħt il-prezzijiet tas-suq li tħallsu fis-swieq għall-gass naturali li mhumiex irregolati. Għalhekk, skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażi, l-ispejjeż tal-gass li tħallsu mill-produtturi Russi ġew aġġustati fuq il-bażi tat-tagħrif mill-iswieq rappreżentattivi l-oħrajn. Il-prezz aġġustat kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Ġermaniża/Ċeka ("Waidhaus"), wara li tħallsu l-ispejjeż tat-trasport. Waidhaus, li huwa ċ-ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, u li huwa kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandu prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(59) Il-bini tal-valur normali sar fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura tat-tip ta' prodott esportat, wara l-aġġustament għall-ispiża tal-gass imsemmija fil-premessa (58), flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż SG&A u għall-qliegħ, skond l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(60) Fejn jirrigwarda l-Alġerija, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tax-*chapeau* ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, għaliex

il-manifatturi relatati ma kellhomx bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andament ordinarju tan-negozju. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, peress li hemm biss dawn iż-żewġ produtturi li huma soġġetti għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(6)(b) ma kienx japplika lanqas, għaliex l-ispejjeż tal-manifattura għall-prodotti li jappartjenu lill-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti wkoll jeħtieġ li jiġu aġġustati fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (58) ta' aktar 'il fuq. Peress li nstab li kien impossibbli li jiġi stabbilit id-daqs ta' l-aġġustament meħtieġ għall-prodotti kollha li jagħmlu parti mill-istess kategorija ġenerali ta' l-oġġetti mibjugħa b'mod domestiku, huwa daqstant impossibbli li jiġi stabbiliti l-marġni ta' qligħ wara tali aġġustament. Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(61) Bħal fil-każ ta' l-Alġerija u kif ġie spjegat fil-premessa (31) ta' aktar 'il fuq, l-ispejjeż SG&A u l-qligħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż SG&A u tal-qligħ medji u mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) mill-istess tliet produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq. Ta' min jinnota li l-ammont għall-qligħ li ġie stabbilit b'dan il-mod ma kienx jaqbeż il-qligħ li kellhom il-produtturi Russi fis-suq domestiku tagħhom fuq il-bejgħ tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali.

(62) Instab li l-bejgħ mill-esportazzjonijiet taż-żewġ produtturi li kkooperaw kien sar fuq il-bażi ta' ftehim aġent permezz ta' żewġ negozjanti relatati, b'wieħed jinstab fl-Iżvizzera u l-ieħor fil-Gżejjer Virgin Brittaniċi. Dan ta' l-aħħar waqaf jopera fil-bidu ta' l-2005. Il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li effettivament tħallsu jew li jistgħu jitħallsu lill-ewwel klijent indipendenti fl-Istat Uniti ta' l-Amerika, is-suq ta' l-esportazzjoni ewlieni tagħhom.

(63) Id-*data* miż-żewġ negozjanti relatati li kkooperaw uriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lil pajjiżi terzi kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni fir-Russja. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali matul l-RIP din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 2 % u 6 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu rrevokati.

2.3. *Il-kapaċità żejda fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina*

(64) Ġew eżaminati wkoll l-effetti possibbli tal-kapaċità żejda eżistenti. La r-Russja u lanqas l-Ukraina m'għandhom suq domestiku rilevanti għall-UAN. Anzi, jitqies li l-Belarus għandha suq domestiku konsiderevoli għal dan il-prodott.

(65) Matul il-perjodu meqjus l-uniku produttur tal-Belarus irnexxielu jżid il-produzzjoni tiegħu b'14 %, u matul l-RIP kien qed jipproduċi qrib il-kapaċità sħiħa. Il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul l-istess perjodu baqgħet stabbli. Dan biegħ madwar 60 % tal-produzzjoni tiegħu fis-suq domestiku, bil-bqija tiġi esportata lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Għalhekk jidher li dan il-produttur m'għandu l-ebda kapaċità tal-produzzjoni żejda li tkun disponibbli malajr.

(66) L-uniku produttur Russu li kkoopera żied il-produzzjoni tiegħu bi 78 % matul il-perjodu meqjus. Il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul l-istess perjodu baqgħet stabbli. Madankollu, skond l-informazzjoni mressqa, dan il-produttur xorta waħda għad għandu kapaċità sinifikanti disponibbli ta' madwar 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika sabiex iżid il-produzzjoni tiegħu tal-UAN, u, jekk il-miżuri jiġu revokati, jista' juża din il-kapaċità żejda sabiex iżid l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità. L-investiment li sar mill-kumpanija matul il-perjodu meqjus jissuġġerixxi żieda potenzjali oħra fil-kapaċità tal-produzzjoni. Huwa stmat li l-kapaċità ġenerali żejda Russa hija mill-inqas 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika, li tikkostitwixxi madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità. Matul il-perjodu meqjus l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi żdiedu b'79 %.

(67) Fl-istess ħin, il-bejgħ domestiku ta' l-uniku produttur Russu li kkoopera baqa' f'livell baxx, li bħala medja jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-bejgħ totali. Peress li s-suq domestiku ma jistax jassorbi ż-żieda fil-produzzjoni, huwa probabbli li kwalunkwe żieda fil-produzzjoni tiġi esportata.

(68) Fejn jikkonċerna l-Ukraina, matul il-perjodu meqjus iż-żewġ produtturi li kkooperaw irnexxielhom iżidu l-produzzjoni bi tnax-il darba. Il-kapaċità tal-produzzjoni matul l-istess perjodu żdiedet bi kważi ħames darbiet. Barra minn hekk, għandhom kapaċità żejda konsiderevoli sabiex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità f'volumi sinifikanti jekk il-miżuri jiġu revokati. Ġie stmat li l-kapaċità żejda ġenerali ta' l-Ukraina tammonta għal 700 000 sa 800 000 tunnellata metrika, li tikkostitwixxi madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità. Matul il-perjodu meqjus l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi żdiedu bi tmien darbiet.

(69) Il-bejgħ domestiku Ukrajn baqa' f'livell baxx matul il-perjodu meqjus, li bħala medja jirrappreżenta inqas minn 2 % tal-bejgħ totali. Ta' min jinnota li t-tkabbir tas-suq domestiku ma jistax jassorbi ż-żieda fil-produzzjoni, u għalhekk huwa probabbli li kwalunwe żieda fil-produzzjoni tiġi esportata.

(70) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jista' jiġi konkluż li l-produtturi li kkooperaw, ħlief għall-Belarus, għandhom kapaċità żejda sostanzjali sabiex iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati.

2.4. *Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet prevalenti fil-Komunità*

(71) Ta' min jinnota li b'mod ġenerali, matul il-IP, il-livell tal-prezzijiet prevalenti tal-produtturi tal-Komunità fil-Komunità kien iktar baxx mil-livell tal-prezzijiet medji ta' l-esportazzjonijiet tal-produtturi li jesportaw lejn il-pajjiżi terzi tul l-RIP, speċjalment lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Dan jiġi spjegat bil-fatt li l-prezzijiet tal-gass, li jikkostitwixxu aktar minn 50 % ta' l-ispejjeż tal-manifattura, u b'hekk il-prezzijiet tal-UAN, kienu ogħla fl-Istati Uniti ta' l-Amerika milli fl-Ewropa u li l-UAN innegozjaw bi prezz ogħla fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(72) Ta' min jinnota li l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala medja kienu iktar baxxi mill-valuri normali rispettivi, anke jekk il-livell tal-prezzijiet prevalenti fl-Istati Uniti kien ogħla mill-prezzijiet fil-Komunità. Għalhekk jista' jiġi konkluż li kwalunkwe bejgħ lejn is-suq tal-KE bil-wisq probabbli jkun bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*.

2.5. *L-inċentiv sabiex il-bejgħ jiġi trasferit minn swieq oħra għall-Komunità*

(73) Rigward il-Belarus, hemm suq domestiku li qed jikber malajr fejn il-produttur uniku qed ibigħ żewġ terzi tal-produzzjoni tiegħu. Meta jitqies li matul l-RIP il-prezz domestiku kien inqas minn nofs il-prezz prevalenti fil-Komunità, hemm probabbiltà li deċiżjoni ekonomika razzjonali twassal lill-produttur tal-Belarus sabiex jidderieġi mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità kwantitajiet sinifikanti li bħalissa qed jinbiegħu fis-suq domestiku bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*.

(74) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-produttur tal-Belarus li bħalissa qed jesporta t-terz li fadal lejn swieq oħra kieku jkollu vantaġġi konsiderevoli fl-ispejjeż tat-trasport meta minflok jesporta lejn il-Komunità, meta titqies il-qrubija tiegħu lejn il-fruntiera tal-Komunità meta mqabbel mas-swieq ta' l-esportazzjoni potenzjali l-oħra għall-produttur tal-Belarus bħalma huma l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Arġentina jew l-Awstralja.

(75) Fir-rigward ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, hemm probabbiltà li l-produttur tal-Belarus jidderieġi mill-ġdid partijiet sinifikanti mill-bejgħ tiegħu lejn il-Komunità bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, minħabba li hemm inċentivi ekonomiċi b'saħħithom.

Il-konklużjonijiet dwar l-imġiba probabbli ta' l-esportazzjonijiet għall-Belarus, għar-Russja u għall-Ukraina

(76) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (20), fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina, ma setax jiġi stabbilit id-*dumping* minn dawn il-pajjiżi fir-rigward ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Madankollu, kif ġie spjegat fit-taqsima 2 ta' aktar 'il fuq, l-investigazzjoni wriet li fuq il-bażi tal-kalkulazzjonijiet li saru billi ntużat id-*data* li hija relatata ma' l-esportazzjonijiet effettivi minn dawn il-pajjiżi lejn is-suq ta' l-esportazzjoni ewlieni tagħhom, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping*.

3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping

(77) Fuq il-bażi ta' l-analiżi li saret fit-Taqsimiet 1 sa 5 ta' aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż li jekk il-miżuri jiġu rrevokati, hemm probabbiltà li produzzjoni supplimentari tiġi esportata lejn il-Komunità, jew li l-bejgħ li bħalissa qed jiġi esportat lejn il-pajjiżi barra l-Komunità jew li qed jinbiegħ fis-swieq domestiċi jiġi dirett mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti. Huwa probabbli li dawn l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità se jsiru bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, b'mod partikolari sabiex jinkisbu mill-ġdid l-ishma tas-suq mitlufa fil-Komunità. Għalhekk jista' jiġi konkluż li, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, l-esportazzjonijiet tal-futur lejn il-Komunità għandhom isiru fi kwantitajiet miżjuda u bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*. Barra minn hekk, ta' min jinnota li s-swieq lil hinn mix-xtut huma soġġetti għal spejjeż ta' trasport ogħla mis-suq tal-Komunità, jiġifieri meta wieħed iqis il-bejgħ mill-pajjiżi ġirien, bħall-Belarus u l-Ukraina lill-Ewropa tal-Lvant jew lill-Alġerija għall-Ewropa ta' Isfel.

(78) Rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità li joriġinaw mill-Alġerija, minħabba li dawn għadhom qed isiru bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, u wkoll fuq il-bażi ta' l-analiżi ta' aktar 'il fuq tal-kapaċitajiet żejda u l-paragun tal-livelli tal-prezzijiet, huwa probabbli li d-*dumping* mill-Alġerija se jkompli fil-futur. Meta jitqies li l-Komunità kienet l-uniku suq ta' l-esportazzjoni għall-Alġerija matul l-RIP, huwa ferm probabbli li l-esportaturi Alġerini jidderieġu l-volumi ta' l-esportazzjoni miżjuda tagħhom prinċipalment lejn dan is-suq.

(79) Fir-rigward ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jiġi konkluż li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni (mill-Alġerija) u ta' rikorrenza (mir-Russja, mill-Belarus u mill-Ukraina) tad-*dumping*, jekk il-miżuri jiġu rrevokati.

D. IL-ĦSARA

1. Id-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

(80) Fil-Komunità, il-prodott ikkonċernat jiġi manifatturat minn 12-il produttur li l-*output* tagħhom jikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Komunità fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(81) Ta' min jinnota li kif kien ipparagunat ma' l-investigazzjoni oriġinali, il-kumpaniji "Hydro Agri" ingħataw l-isem il-ġdid "Yara". Ħames kumpaniji saru parti mill-industrija tal-Komunità minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004.

(82) Mit-12-il produttur tal-Komunità, 10 kumpaniji kkooperaw ma' l-investigazzjoni, li minnhom disa' ssemmew fit-talba għar-reviżjoni. Iż-żewġ produtturi li fadal ("produtturi Komunitarji oħrajn") baqgħu siekta. Għalhekk, l-10 produtturi li ġejjin ftiehmu li jikkooperaw:

— Achema AB (il-Litwanja),

— AMI Agrolinz Melamine International GmbH (l-Awstrija),

— DSM Agro (l-Olanda),

— Duslo AS (is-Slovakkja),

— Fertiberia SA (Spanja),

— Grande Paroisse SA (Franza),

— Lovochemie AS (ir-Repubblika Ċeka),

— Nitrogénművek Rt (l-Ungerija),

— SKW Stickstoffwerke Piesteritz GmbH (il-Ġermanja),

— Yara (l-Olanda, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit).

(83) "Peress li matul l-RIP dawn l-10 produtturi tal-Komunità kienu jammontaw għal 75 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità, għalhekk qed jitqies li l-10 produtturi tal-Komunità li ssemmew aktar 'il fuq jammontaw għal proporzjon kbir tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-prodott simili. Dawn għalhekk qed jitqies li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, u minn issa 'l quddiem se jissejħu l-'industrija tal-Komunità".

(84) Kif indikat taħt il-premessi (10), (15) u (16) t'aktar 'il fuq, ġie magħżul kampjun li jikkonsisti minn erba' kumpaniji. Il-produtturi kollha tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun ikkooperaw u bagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju qabel ma skada ż-żmien. Barra minn hekk, il-produtturi li għamlu l-ilment li baqa' u l-produtturi li appoġġjaw l-investigazzjoni pprovdew kif kien xieraq ċerta data ġenerali għall-analiżi tal-ħsara.

2. Is-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità

2.1. *Il-konsum fis-suq tal-Komunità*

(85) Il-konsum tal-Komunità apparenti ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, tal-volumi tal-bejgħ tal-produtturi l-oħra tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, u tad-data tal-Eurostat għall-importazzjonijiet kollha ta' l-UE. Meta jitqies it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, u minħabba raġunijiet ta' ċarezza u ta' konsistenza ta' l-analiżi, il-konsum ġie stabbilit fuq il-bażi tas-suq ta' l-UE-25 matul il-perjodu meqjus kollu.

(86) Bejn l-2002 u l-RIP, il-konsum tal-Komunità żdied b'mod moderat bi 8 %. Iż-żieda rreġistrata fl-2004 hija prinċipalment attribwita lill-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni fl-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Mill-2004, il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda kellhom finanzjament supplimentari disponibbli għalihom li wassal għal żieda fl-użu tal-fertilizzanti.

	2002	2003	2004	RIP
Il-konsum totali tal-KE f'tunnellati	3 425 381	3 579 487	3 740 087	3 694 532
Indiċi (2002 = 100)	100	104	109	108

2.2. *L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

2.2.1. L-akkumulazzjoni

(87) Fl-investigazzjoni oriġinali l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina ġew ivvalutati b'mod kumulattiv skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Ġie eżaminat jekk valutazzjoni kumulattiva kinitx ukoll xierqa fl-investigazzjoni attwaliattwali.

(88) F'dan ir-rigward, instab li ma kien hemm l-ebda importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina matul il-perjodu meqjus u l-ebda importazzjoni mill-Belarus u mir-Russja fl-2004 u matul l-RIP. Għalhekk, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku sabiex jiġu vvalutati b'mod kumulattiv l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn dawn il-pajjiżi ma' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Alġerija ma ġewx issodisfatti.

(89) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, tqies li l-erba' pajjiżi kollha għandhom jiġu eżaminati b'mod separat.

2.2.2. Il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati

(90) Fejn jirrigwarda t-tliet pajjiżi kkonċernati b'esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul il-perjodu meqjus, il-volumi, l-ishma tas-suq u l-prezzijiet medji skond il-pajjiż żviluppaw kif ġie stabbilit aktar 'l isfel. Il-kwantità u t-tendenzi tal-prezzijiet li ġejjin huma bbażati fuq l-Eurostat.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (tunnellati)	97 378	239 348	219 680	177 383
Is-sehem tas-suq	2,8 %	6,7 %	5,9 %	4,8 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (Euro/tunnellata)	96	99	117	131
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus (tunnellati)	101 479	44 438	—	—
Is-sehem tas-suq	3,0 %	1,2 %	—	—
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus (Euro/tunnellata)	74	64	—	—
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (tunnellati)	81 901	81 809	—	—
Is-sehem tas-suq	2,4 %	2,3 %	—	—
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (Euro/tunnellata)	64	70	—	—

(91) Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija, għalkemm naqas bi ftit mill-2003 'il quddiem, kiseb 2 punti perċentwali oħra mis-sehem tas-suq matul il-perjodu meqjus, waqt li l-prezzijiet żviluppaw b'mod pożittiv minn 96 għal 131 Euro/tunnellata metrika. Rigward il-Belarus u r-Russja, il-volumi ta' l-importazzjonijiet rispettivi tagħhom naqsu sostanzjalment u komplew jonqsu mill-2004 'il quddiem.

(92) L-investigazzjoni wriet li matul l-RIP l-importazzjonijiet mill-Alġerija ma kinux bi prezzijiet taħt il-prezzijiet normali ta' l-industrija tal-Komunità. Rigward il-pajjiżi li jifdal, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet matul l-RIP, paragun bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-pajjiżi terzi matul l-RIP u l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità ukoll ma wera l-ebda tnaqqis fil-prezzijiet taħt il-prezz normali.

2.3. *L-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra*

(93) Il-volumi ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra matul il-perjodu meqjus jintwerew fit-tabella ta' hawn taħt. Il-kwantità u t-tendenzi tal-prezzijiet li ġejjin huma wkoll ibbażati fuq l-Eurostat.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mir-Rumanija (tunnellati)	69 733	79 137	257 113	142 288
Is-sehem tas-suq	2 %	2,2 %	6,9 %	3,9 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-Rumanija (Euro/tunnellata)	94	102	112	123
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (tunnellati)	26 024	57	20	6
Is-sehem tas-suq	0,7 %	0,0 %	0,0 %	0,0 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (Euro/tunnellata)	86	289 (*)	1 101 (*)	1 664 (*)

(*) Minħabba l-kwantitajiet negliġibbli, dawn il-prezzijiet ma jistgħux jitqiesu li huma affidabbli.

94) Fil-każ tar-Rumanija, fl-2004 ġiet irreġistrata żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fejn kisbet sehem tas-suq ta' 6,9 %, li madankollu niżel għal 3,9 % matul l-RIP minkejja l-kondizzjonijiet favorevoli tas-suq tal-Komunità. Dan l-iżvilupp għandu jitqies fl-isfond taż-żieda f'daqqa ta' l-esportazzjonijiet Rumeni lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li, f'termini ta' volum, kienu jirrappreżentaw aktar minn tliet darbiet il-volumi ta' l-esportazzjonijiet Rumeni lejn il-Komunità matul l-RIP. Fir-rigward tal-prezzijiet, dawn żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu meqjus kollu u kienu ogħla b'mod konsistenti mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun fl-2004 u fl-IP. Fuq din il-bażi, mhux qed jitqies li l-produtturi li jesportaw Rumeni jistgħu jikkostitwixxu theddida ta' ħsara materjali għall-industrija tal-Komunità. L-importazzjoni mill-Istati Uniti, li fl-2002 kellha biss sehem tas-suq ta' 0,7 %, naqset b'mod drammatiku għal 6 tunnellati metriċi matul l-RIP. Din it-tendenza tirrifletti l-fatt li sat-tmiem ta' l-RIP il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ għall-KE, b'tali mod li ma kien hemm l-ebda inċentiv għall-produtturi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex jesportaw lejn il-KE.

(95) L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Importazzjoni tal-Fertilizzanti ("EFIA") argumentat li peress li l-esportazzjonijiet Rumeni għas-suq Komunitarju ma kinux ta' theddida ta' ħsara materjali għalkemm iż-żieda tagħhom fil-volum hi ogħla minn dawk ta' l-esportazzjonijiet Alġerini u l-prezzijiet tagħhom anqas minn dawk mitluba mill-esportaturi Alġerini, daqstant l-esportazzjoniiet Alġerini m'għandhomx ikunu theddida għal ħsara materjali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li tassew għall-Alġerija, kif indikat fil-premessa (92) ta' hawn fuq, li ma nstab l-ebda bejgħ bi prezz aktar baxx u l-Alġerija nstabet li ma kkaġuntat l-ebda ħsara materjali għall-industrija Komunitarja tul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-analiżi għal dak il-pajjiż, żviluppat fit-taqsima 4 ta' hawn taħt, uriet li seta' jkun hemm ripetizzjoni tal-ħsara. Min-naħa l-oħra, peress li d-doveri ta' l-anti-dumping ma kinux applikabbli għall-importazzjonijiet tal-UAN li oriġinaw mir-Rumanija, dan il-pajjiż mhux suġġett għal test ta' ripetizzjoni tad-dannu skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, l-argument ġie rrifjutat.

3. **Is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità**

(96) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċi rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw l-istat ta' l-industrija tal-Komunità.

3.1. *Rimarki preliminari*

(97) Minħabba l-fatt li ntuża t-teħid ta' kampjun fir-rigward ta' l-industrija tal-Komunità, il-ħsara ġiet ivvalutata kemm fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fuq il-livell ta' l-industrija tal-Komunità kollha (is-'C.I.' fit-tabelli mehmuża) u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fuq il-livell tal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun (l-'S.P.' fit-tabelli mehmuża).

(98) Meta jsir rikors għat-teħid ta' kampjuni, skond il-prattika stabbilita, ċerti indikaturi ta' ħsara (il-produzzjoni, il-kapaċità, il-produzzjoni, il-ħażniet, il-bejgħ, is-sehem tas-suq, it-tkabbir u l-impjiegi) jiġu analizzati għall-industrija tal-Komunità kollha kemm hi, filwaqt li dawk l-indikaturi ta' ħsara li huma relatati mar-rendiment tal-kumpaniji individwali, jiġifieri l-prezzijiet, l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-profitabilità, il-pagi, l-investimenti, il-qliegħ fuq l-investimenti, id-dħul u l-ħruġ tal-flus, l-abbiltà li jiġbru kapital ġew eżaminati fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun.

3.2. *Id-data li tirrelata ma' l-industrija tal-Komunità kollha kemm hi*

(a) Il-produzzjoni

(99) Il-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet b'5 % bejn l-2002 u l-RIP, jiġifieri minn livell ta' madwar 2,8 miljuni tunnellati metriċi fl-2002 għal livell ta' madwar 3 miljun tunnellata metrika fl-RIP. Speċifikament, il-produzzjoni naqset bi 3 % fl-2003, qabel ma żdiedet b'2 punti perċentwali fl-2004 u b'7 punti perċentwali oħra fl-RIP.

	2002	2003	2004	RIP
Il-produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	2 843 529	2 768 258	2 823 972	3 003 918
Indiċi (2002 = 100)	100	97	99	106

Sors : Dawk li ghamlu l-ilment, it-tweġibiet ghall-kwestjonarju tat-teħid ta' kampjuni u t-tweġibiet ivverifikati ghall-kwestjonarju.

(b) Il-kapaċità u r-rati ta' l-użu tal-kapaċità

(100) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet prattikament stabbli matul il-perjodu meqjus kollu. Minħabba t-tkabbir fil-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità li jirriżulta żdied, minn livell ta' 57 % fl-2002 għal livell ta' 60 % fl-RIP. Kif diġà ġie nnotat fl-investigazzjoni oriġinali, l-użu tal-kapaċità għal din it-tip ta' produzzjoni u għal dan it-tip ta' industrija jista' jiġi affettwat bil-produzzjoni ta' prodotti oħra li jistgħu jiġu prodotti bl-istess tagħmir tal-produzzjoni.

	2002	2003	2004	RIP
Il-kapaċità tal-produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	4 984 375	4 944 575	4 941 975	4 955 075
Indiċi (2002 = 100)	100	99	99	99
L-użu tal-kapaċità tas-C.I.	57 %	56 %	57 %	61 %
Indiċi (2002 = 100)	100	98	100	106

(c) Il-ħażniet

(101) Il-livell tal-ħażniet ta' l-għeluq ta' l-industrija tal-Komunità żdied progressivament matul il-perjodu meqjus kollu. Fit-tmiem tar-RIP (it-30 ta' Ġunju 2005), il-livell tal-ħażniet kien relattivament baxx, iżda dan huwa minħabba l-fatt li għal dan it-tip ta' prodott, il-livelli tal-ħażniet ikun dejjem ferm aktar baxx fis-Sajf milli fix-Xitwa, peress li l-iktar bejgħ isir fir-Rebbiegħa u fl-ewwel jiem tas-Sajf. Sa tmiem l-2004, il-livell tal-ħażniet kien 13 % ogħla milli sa tmiem l-2002.

	2002	2003	2004	RIP
Il-ħażniet ta' l-għeluq tas-C.I. (tunnellati)	276 689	291 085	313 770	159 926
Indiċi (2002 = 100)	100	105	113	58

(d) Il-volum tal-bejgħ

(102) Il-bejgħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità naqas bi 3 % bejn l-2002 u l-RIP. Dan l-iżvilupp imur kontra l-evoluzzjoni tal-konsum fis-suq tal-Komunità, li żdied bi 8 % matul l-istess perjodu (ara l-premessa (86) ta' aktar 'il fuq). Iż-żieda ġenerali fil-volumi tal-produzzjoni tiġi spjegata mir-rendiment qawwi ta' l-esportazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità matul l-istess perjodu. It-tabella ta' hawn taħt turi l-volumi ta' l-esportazzjoni tal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun, li d-destinazzjoni prinċipali tagħhom kienet is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum tal-bejgħ tal-KE tas-CI (tunnellati)	2 800 226	2 641 000	2 604 215	2 722 174
Indiċi (2002 = 100)	100	94	93	97
Il-volum tal-bejgħ tas-S.P. lill-pajjiżi terzi (tunnellati)	176 269	194 543	228 937	328 796
Indiċi (2002 = 100)	100	110	130	187

(e) Is-sehem tas-suq

(103) Is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Komunità naqas sostanzjalment bejn l-2002 u l-RIP. Speċifikament, l-industrija tal-Komunità tilfet 8 punti perċentwali tas-sehem tas-suq matul il-perjodu meqjus, waqt li l-produtturi Alġerini żiedu s-sehem tas-suq tagħhom minn 2,8 % għal 4,8 % matul l-istess perjodu.

	2002	2003	2004	RIP
Is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità	81,7 %	73,8 %	69,6 %	73,7 %
Indiċi (2002 = 100)	100	90	85	90

(f) It-tkabbir

(104) L-industrija tal-Komunità għalhekk tilfet parti sinifikanti mis-sehem tas-suq tagħha, għall-benefiċċju tal-produtturi Alġerini, Rumeni u produtturi oħra Komunitarji li kisbu sehem tas-suq matul l-istess perjodu.

(105) It-telf tas-sehem fis-suq jista' jiġi attribwit ukoll għad-deċiżjoni razzjonali magħmula mill-industrija Komunitarja biex iżżid l-esportazzjonijiet tagħha lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex tibbenefika mill-prezziiet ħafna aktar ogħla tal-UAN li jiddominaw f'dak is-suq. Madankollu, fid-dawl tal-kapaċità ta' produzzjoni żejda kbira, l-industrija Komunitarja ma tistax tibbenefika mit-tkabbir tas-suq Komunitarju li ġie osservat tul il-perjodu kkunsidrat.

(g) L-impjiegi

(106) Il-livell ta' l-impjiegi ta' l-industrija tal-Komunità żdied b'5 % bejn l-2002 u r-RIP. Din iż-żieda relattivament żgħira għandha tiġi attribwita prinċipalment lir-rendiment imtejjeb ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

	2002	2003	2004	RIP
Il-prodott ta' l-impjiegi ikkonċernat tas-C.I.	827	819	790	867
Indiċi (2002 = 100)	100	99	96	105

(h) Il-produttività

(107) Il-produttività tal-forza tax-xogħol ta' l-industrija tal-Komunità, imkejla bħala *riżultat* għal kull persuna impjegata fis-sena, baqgħet pjuttost stabbli bejn l-2002 u l-RIP.

	2002	2003	2004	RIP
Il-produttività tas-C.I. (tunnellati għal kull impjegat)	3 437	3 380	3 573	3 463
Indiċi (2002 = 100)	100	98	104	101

(i) Il-kobor tal-marġni tad-dumping

(108) Rigward l-impatt tal-kobor tal-marġni effettiv tad-*dumping* fuq l-industrija tal-Komunità, meta jitqies il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (li jammonta għal 6,7 % tas-suq Komunitarju tul il-perjodu kkunsidrat), dan l-impatt ma jistax jitqies li huwa negliġibbli, speċjalment f'suq ferm volatili f'termini ta' prezzijiet bħal dak tal-prodott ikkonċernat. Ma tista' tinġibed l-ebda konklużjoni rigward il-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina minħabba li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi kienu waqfu fl-2003.

3.3. Id-data li tirrelata mal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun

(a) Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi

(109) Il-prezz tal-bejgħ medju u nett tal-produtturi ta' l-industrija tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun żdied sostanzjalment fl-2004 u fl-RIP, b'hekk jirrifletti l-kondizzjonijiet tas-suq internazzjonali favorevoli u prevalenti tal-prodott ikkonċernat matul l-istess perjodu. Din it-tendenza li qed tikber għandha titqies flimkien ma' l-evoluzzjoni simili ta' l-ispiża tal-materja prima prinċipali, jiġifieri l-gass, kif turi t-tabella ta' hawn taħt.

	2002	2003	2004	RIP
Il-prezz ta' l-unità fis-suq tal-KE tas-S.P. (EUR/tunnellata)	85	89	109	114
Indiċi (2002 = 100)	100	105	128	134
Il-prezz tal-gas tas-S.P./MBTU (indiċjat)	100	107	111	126

(b) Il-pagi

(110) Bejn l-2002 u r-RIP, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet b'9 %, kif turi t-tabella ta' hawn taħt.

	2002	2003	2004	RIP
L-ispiża annwali tax-xogħol tas-S.P. għal kull impjegat (000 EUR)	23,4	25,4	27,0	25,6
Indiċi (2002 = 100)	100	108	115	109

(c) L-investimenti

(111) Il-fluss annwali ta' l-investimenti fil-prodott ikkonċernat li saru mill-erba' produtturi li ttieħdu bħala kampjun żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu meqjus. Dawn l-investimenti kienu jirreferu prinċipalment għas-sostituzzjoni tal-magni qodma. Dan juri l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjeb kontinwament il-produttività u l-kompetittività tagħha. Madankollu, ir-riżultati mhumiex apparenti fl-evoluzzjoni tal-produttività li baqgħet pjuttost stabbli (ara l-premessa (107) t'aktar 'il fuq) matul l-istess perjodu, li b'hekk tirrifletti d-diffikultajiet ta' l-industrija tal-Komunità sabiex iżżid l-*output* tal-produzzjoni tagħha.

	2002	2003	2004	RIP
L-investimenti netti tas-S.P. (000 EUR)	12 512	20 087	12 611	17 047
Indiċi (2002 = 100)	100	161	101	136

(d) Il-profitabilità u l-qliegħ fuq l-investimenti

(112) Il-profitabilità tal-produtturi li ttieħdu bħala kampjun turi titjib gradwali l-aktar mill-2003 lil hawn u laħqet il-livell ta' 13,8 % matul l-RIP. Fi tmiem il-perjodu meqjus, il-profitabilità laħqet l-ogħla livell tagħha fuq dan is-suq ċikliku tal-prezzijiet. Fil-fatt, għadd ta' fatturi, inklużi dawk esterni jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet tas-swieq dinjija għall-UAN u għal fertilizzanti nitroġeniċi oħra. Fatturi bħal dawn jistgħu jirriżultaw jew fi provvista supplimentari jew f'domanda mnaqqsa għal dawn il-prodotti, biex b'hekk jiġi influwenzat l-ipprezzar tal-prodott. Matul il-perjodu meqjus, minħabba l-provvista ristretta, il-prezzijiet tas-swieq dinjija telgħu 'l fuq. Madankollu fl-2002 u fl-2003, il-livelli tal-qliegħ li nstabu kienu moderati u taħt il-livelli meqjusa bħala raġonevoli mill-industrija tal-Komunità minħabba li din l-industrija b'intensità ta' kapital għolja. Il-qliegħ fuq l-investimenti (ROI), espressi bħala l-qliegħ f'persentaġġ tal-valur nett kif imniżżel fil-kotba ta' l-investiment, segwa b'mod wiesa' t-tendenza tal-profitabiltà t'aktar 'il fuq matul il-perjodu meqjus kollu.

	2002	2003	2004	RIP
Il-profitabilità tas-S.P., tal-bejgħ tal-KE lill-klijenti mhux relatati fil-KE (% tal-bejgħ nett)	8,1 %	6,0 %	12,3 %	13,8 %
Indiċi (2002 = 100)	100	74	151	170
Ir-ROI tas-S.P. (qliegħ f'% tal-valur nett kif imniżżel fil-kotba ta' l-investiment)	22 %	24 %	50 %	58 %
Indiċi (2002 = 100)	100	111	229	265

(e) Id-dħul u l-ħruġ tal-flus u l-abbiltà li jinġabar kapital

(113) Id-dħul u l-ħruġ tal-flus żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu meqjus. Dan l-iżvilupp huwa skond l-iżvilupp tal-profitabilità ġenerali matul il-perjodu meqjus.

	2002	2003	2004	RIP
Id-dħul u l-ħruġ tal-flus tas-S.P. (000 EUR)	23 532	19 625	39 767	50 823
Indiċi (2002 = 100)	100	83	169	216

(114) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda diffikultà li ltaqgħu magħha l-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun sabiex jiġbru kapital. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li peress li diversi minn dawn il-kumpaniji jiffurmaw parti minn gruppi kbar, dawn jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fil-grupp li jappartjenu għalih jew permezz ta' skemi ta' ġabra ta' flus kontanti jew permezz ta' self fi ħdan il-grupp stess li jingħata mill-kumpaniji prinċipali.

3.4. *Konklużjoni*

(115) Bejn l-2002 u r-RIP, l-indikaturi li ġejjin żviluppaw b'mod pożittiv: il-volum tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità żdied, il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità ta' l-industrija tal-Komunità żdiedu u l-profitabiltà tjiebet sostanzjalment bħall-prezzijiet. L-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi żdiedu u l-qliegħ fuq l-investiment u d-dħul u l-ħruġ tal-flus evolvew b'mod pożittiv ukoll. Il-pagi żviluppaw b'mod moderat u l-industrija tal-Komunità kompliet tinvesti.

(116) Bil-maqlub, l-indikaturi li ġejjin żviluppaw b'mod negattiv: il-volumi tal-bejgħ naqsu bi 3 % bil-maqlub ta' suq li qed jikber. Għalhekk, is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'mod sostanzjali bi 8 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus. Il-produttività baqgħet pjuttost stabbli minkejja l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjibha permezz ta' l-investimenti.

(117) B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sitwazzjoni tagħha qabel l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-UAN mill-pajjiżi kkonċernati fissena 2000. Għalhekk jidher ċar li dawn il-miżuri kellhom impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. Madankollu, ta' min jenfasizza li l-iżvilupp pożittiv ta' ċerti indikaturi jista' jiġi attribwit parzjalment ukoll għas-suq tal-prodott simili, li kien, minħabba l-provvista limitata dinjija, tassew favorevoli matul l-aħħar sentejn tal-perjodu meqjus. Barra minn hekk, l-iżvilupp pożittiv tar-rendiment ta' l-esportazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità wkoll ikkontribwixxa għall-evoluzzjoni pożittiva ġenerali ta' l-industrija tal-Komunità li sa ċertu punt tikkontrobilanċja s-sehem tas-suq fil-Komunità li qed jonqos.

(118) Qed jiġi għalhekk konkluż li s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet, meta mqabbla mal-perjodu li ġie qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, iżda għadha fraġli.

4. Il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara

4.1. *Ġenerali*

(119) Peress li m'hemm l-ebda kontinwazzjoni ta' ħsara materjali li ġiet ikkawżata mill-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kkonċernati, l-analiżi ffokat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara. F'dan ir-rigward, ġew analizzati ż-żewġ parametri prinċipali: (i) l-ispiża tal-gass fil-pajjiżi kkonċernati u l-impatt tagħha fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN u (ii) l-effett tal-volumi ta' l-esportazzjonijiet previsti mill-pajjiżi kkonċernati lejn il-Komunità fuq l-industrija tal-Komunità, meta jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

4.2. *L-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-bejgħ: Il-prezzijiet tal-gass u l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiżi kkonċernati*

(120) Il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara se tiddependi ferm fuq l-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-UAN. Minħabba li l-gass, mingħajr dubju, huwa l-aktar element ta' nefqa importanti li jirrappreżenta iktar minn 50 % ta' l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN meta jinxtara bil-prezzijiet tas-swieq dinjija, u għalhekk huwa fattur determinanti fil-prezz tal-bejgħ tal-UAN. L-ispiża tal-gass fil-produzzjoni tal-UAN tiddependi fuq l-użu ta' l-effiċjenza tal-gass u fuq il-prezz ta' l-unità. Saret analiżi ta' dawn iż-żewġ parametri fl-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN għall-industrija tal-Komunità, min-naħa waħda, u għar-Russja u għall-Alġerija, min-naħa l-oħra.

(121) Minn din l-analiżi l-ewwelnett intwera li l-effiċjenza tal-gass hija fattur importanti sabiex tiġi stabbilita l-ispiża tal-gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti. F'dan ir-rigward, instab li l-effiċjenza tal-gass ta' l-industrija tal-Komunità kienet relattivament għolja, fejn tilħaq sa 15 % ta' konsum inqas ta' gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti minn dik tal-produtturi fir-Russja u fl-Alġerija. Dan huwa r-riżultat ta' l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjeb kontinwament il-produttività u l-kompetittività tagħha permezz ta' investimenti xierqa li jeħtieġu influss kapital annwali li bejn wieħed u ieħor jammonta għal terz ta' l-assi netti totali tagħha kif imniżżla fil-kotba. Dan il-vantaġġ komparattiv għandu jkun ta' benefiċċju għall-industrija tal-Komunità u għandu jirriżulta fi spiża tal-produzzjoni aktar baxxa tal-UAN.

(122) Minkejja din l-effiċjenza, l-industrija tal-Komunità tispiċċa bi spiża ta' gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti li tkun madwar tliet darbiet ogħla minn dik tar-Russja u ta' l-Alġerija minħabba d-differenza fil-prezz tal-gass. Il-prezzijiet tal-gass baxxi b'mod artifiċjali f'dawn iż-żewġ pajjiżi jispjegaw b'mod sħiħ id-differenza. Id-differenza fil-prezzijiet konsegwenti tal-UAN f'dawn iż-żewġ pajjiżi, meta mqabbla mal-produtturi li jixtru l-gass bi prezzijiet tas-suq dinji, bħal dawk fil-Komunità, mhux probabbli li se titnaqqas fil-futur qrib. Bil-maqlub,

jekk il-mudell attwali fl-iżvilupp tal-prezzijiet tal-gass tas-suq dinji fis-snin li ġejjin jinżamm, dan id-distakk jista' jitwessa' iżjed. Fuq din il-bażi, qed jitqies li l-produtturi fir-Russja u fl-Alġerija se jkomplu jkollhom dan il-vantaġġ fl-ispiża artifiċjali, li jegħleb sew l-ispejjeż għolja tat-trasport minħabba l-piż tal-UAN. Dan jagħmel lis-suq tal-Komunità attraenti għall-produtturi anki dawk li jinstabu f'żoni mbiegħda f'dawn il-pajjiżi li jkollhom iħallsu spejjeż tat-trasport li jkunu ogħla minn 20 % tal-prezz.

(123) Fid-dawl ta' dawk il-prezzijiet baxxi tal-gass, huwa probabbli li l-produtturi li jesportaw fir-Russja u fl-Alġerija għalhekk se jkollhom il-possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk, huwa ferm probabbli li dawk l-importazzjonijiet ikunu sostanzjalment aktar baxxi mill-prezzijiet tas-CI.

(124) Rigward il-Belarus u l-Ukraina, dawn mhumiex inklużi f'din l-analiżi peress li għall-iskop ta' din l-investigazzjoni t-tnejn tqiesu bħala pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq, u għalhekk id-data tagħhom dwar l-ispiża tal-produzzjoni ma ġietx mitluba. Madankollu, ġiet akkwistata d-data speċifika dwar il-prezzijiet tal-gass f'dawn iż-żewġ pajjiżi, u l-investigazzjoni wriet li fl-RIP il-produtturi f'dawn il-pajjiżi kienu qed jiġu fornuti b'gass bi prezzijiet li kienu sostanzjalment aktar baxxi minn dawk li kienu qed jiġu ċċarġjati lill-industrija tal-Komunità. Għalhekk qed jitqies li ż-żewġ pajjiżi se jkollhom l-istess possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, u jista' jiġi konkluż ukoll li hemm probbabbiltà li dawk il-prezzijiet ikunu aktar baxxi mill-prezzijiet tas-CI.

(125) Jekk dawn il-miżuri jiskadu, il-fatt li l-esportaturi tal-Belarus, tar-Russja u ta' l-Ukraina jkollhom il-ħtieġa jistabbilixxu rwieħhom mill-ġdid fis-suq tal-Komunità u li l-esportaturi Alġerini jkollhom il-ħtieġa li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq, jista' jsostni wkoll il-probabbiltà li dawk il-produtturi jiċċarġjaw prezzijiet aktar baxxi mis-CI sabiex jiksbu mill-ġdid is-sehem tas-suq mitluf jew iwessgħu l-bażi tal-klijenti tagħhom.

(126) L-EFIA u ċerti produtturi li jesportaw argumentaw li spejjeż aktar baxxi tal-produzzjoni ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala raġuni valida biex jiġġustifikaw l-probabbiltà ta' ripetizzjoni ta' ħsara. Ġie sottomess ukoll li l-possibbiltà li jitnaqqsu l-prezzijiet ma kinetx l-istandard legali biex jiġi stabbilit jekk kienx probabbli li tiġi rripetuta l-ħsara. Barra minn hekk, l-Alġerija talbet prezzijiet ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja u l-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina ma esportaw xejn lejn il-Komunità fl-2004 u l-RIP u l-prezzijiet tagħhom lejn il-pajjiżi terzi kienu ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, li huma kkunsidrati bħala li ma jagħmlux ħsara. Din ix-xhieda se turi, skond l-EFIA, li l-produtturi li jesportaw mhumiex qegħdin jistrieħu fuq l-ispejjeż aktar baxxi tal-gass billi jiffissaw prezzijiet aktar baxxi, iżda bil-maqlub, jitolbu prezzijiet ogħla u pjuttost jippruvaw ikabbru l-marġni tal-qliegħ tagħhom.

(127) Il-ħsieb wara t-twaqqif ta' probabbiltà ta' ripetizzjoni ta' ħsara hu tabilħaqq jekk l-iskadenza tal-miżuri joħloqx kondizzjonijiet li jħeġġu r-ripetizzoni tal-ħsara. F'dan ir-rigward, fil-bidu għandu jiġu nnutat li, kif il-partijiet jagħrfu, il-produtturi li jesportaw fil-pajjiżi kkonċernati jibbenefikaw minn prezzijiet tal-gass baxxi, li joffrulhom id-diskrezzjoni li jwaqqgħu l-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja. Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ wera li l-esportazzjonijiet tagħhom tul l-RIP kienu *dumped*. Din l-imġiba tal-prezzijiet dehret fid-dawl ta' i) il-kapaċità żejda ta' esportazzjoni sinifikanti ta' l-esportaturi, u ii) l-ispejjez sostanzjalment aktar baxxi tal-produzzjoni. L-ewwel tindika l-inċentiva qawwija tagħhom sabiex isibu swieq biex ibiegħu il-produzzjoni tagħhom. It-tieni turi l-ħila tagħhom biex inaqqsu severament il-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' bejgħ tagħhom fil-volum.

(128) B'rigward għall-prezzijiet, għandu jitfakkar li tul l-aħħar sentejn tal-perjodu kkunsidrat, kondizzjoniiet tas-suq favorevoli żammew il-prezzijiet fuq livell għoli ħafna kienu x'kienu l-miżuri *anti-dumping* applikabbli. Tabilħaqq, tul dak il-perjodu, bilanċ ta' domanda għall-forniment dinji wassal għal prezzijiet għolja għall-fertilizzanti tan-nitroġenu kollha. Il-UAN hi, bħall-fertilizzanti tan-nitroġenu l-oħra, kumdità li l-prezzijiet tagħha huma influwenzati minn bosta fatturi ibda mill-prezz volatili tal-gass li għandu impatt konsiderevoli fuq il-provvista bħala l-element ta' infiq l-aktar importanti, u spiċċa fil-kondizzjonijiet tat-temp, il-livelli tal-ħażna ta' uċuħ u l-qamħ li jirriżultaw f'talba mnaqqsa jew miżjuda. B'rigward partikolari għas-suq Komunitarju, it-talba għall-fertilizzanti tan-nitroġenu hi mistennija tonqos kemmxejn fis-snin li ġejjin [1] Iż-żamma ta' tali prezzijiet għoljin tiddependi għalhekk fuq provvista limitata, li madankollu mhux probabbli, kif wera l-istħarriġ, minħabba l-kapaċità żejda ta' esportazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati u l-probabbiltà ta' direzzjoni mill-ġdid min-naħa ta' l-esportazzjonijiet tagħhom għall-pajjiżi terzi tul l-RIP, jekk il-miżuri jiskadu. Dan ix-xenarju probabbilment se jwassal lill-produtturi li jesportaw biex inaqqsu l-prezzijet tagħhom u jwaqqgħu l-prezziiet ta' l-industrija Komunitarja, sabiex jiksbu sehem fis-suq u jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom fil-volumi ta' l-esportazzjoni. Taħt tali ċirkostanzi, l-industrija Komunitarja tiġi mġiegħla jew tnaqqas il-prezzijiet tagħha għal livell qrib jew inqas mill-infiq tal-produzzjoni meta jiġi kkunsidrat il-prezz għoli miżmum tal-gass jew it-telfien ta' sehem fis-suq u b'hekk id-dħul, jew it-tnejn. Żieda fl-esportazzjoniijet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika mhix probabbli minħabba r-raġunijiet stipulati fil-premessa (135) ta' hawn taħt. Għalhekk, id-deterjorazzjoni tar-rendiment globali ta' l-industrija Komunitarja se tkun il-konsegwenza inevitabbli tar-revoka tal-miżuri.

[1] Sors: "Il-provvista u l-bilanċi ta' provvista/talba tal-fertilizzanti globali u l-materji primi: 2005-2009", A05/71b, Ġunju 2005, l-Assoċjazzjoni ta' l-Industrija tal-Fertilizzanti Internazzjonali "IFA".

(129) B'rigward għall-argument taż-żieda tal-qliegħ, għandu jiġi nnutat li dan hu msejjes fuq id-differenza pożittiva fil-prezz osservata tul il-perjodu kkonċernat bejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u dak tal-Komunità, li madankollu ma jistax jitqies bħala element ta' apprezzament għall-prezzijiet fil-ġejjieni ta' kumdità volatili ħafna bħall-UAN. Fuq din il-bażi, ġie stabbilit li hemm riskju għoli ta' ripetizzjoni ta' ħsara, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, u għalhekk l-argument ġie rrifjutat.

4.3. *L-impatt fuq l-industrija tal-Komunità tal-volumi ta' l-esportazzjonijiet previsti u l-effetti tal-prezzijiet f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati*

4.3.1. Rimarki preliminari — Il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni

(130) Il-UAN huma fertilizzanti likwidi li jfornu n-nitroġenu lill-uċuħ tar-raba'. Dawn jintużaw prinċipalment bħala fertilizzanti ta' qabel iż-żrigħ għall-uċuħ tar-raba' li jinħartu, li normalment jeħtieġu l-UAN fir-Rebbiegħa. Il-UAN għandhom potenzjal limitat li jinbidlu ma' fertilizzanti oħra tan-nitroġenu, peress li l-bdiewa jużaw tagħmir differenti sabiex japplikaw il-UAN u dawn jistgħu jiġu mħallta ma' soluzzjonijiet oħra, bħalma huma l-pestiċidi għal applikazzjoni waħda. Għalhekk, id-domanda hija kkaratterizzata mill-ogħla livelli ta' użu staġonali u hija relattivament mhux elastika.

(131) Għalkemm il-UAN ġeneralment jiġu kkonsmati staġonalment, jiġu prodotti s-sena kollha għaliex hekk ikun aktar effiċjenti milli kieku kellha titwaqqaf il-produzzjoni. Għalhekk, il-produtturi tal-Komunità jinstabu bl-aqwa inventarji matul il-Ħarifa u x-Xitwa. Huwa probabbli li importazzjonijiet kbar tal-prodott ikkonċernat bi prezzijiet imnaqqsa matul ir-Rebbiegħa u s-Sajf se jkollhom effett avvers sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità għal komodità daqstant volatili bħall-prodott ikkonċernat, li għalih il-prezzijiet jiġu ffissati kull ġimgħa.

4.3.2. L-esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

(132) Minħabba n-nuqqas ta' esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ħlief għall-Alġerija matul l-RIP, l-analiżi hija ffokata fuq il-probabbiltà li fil-futur qrib l-esportazzjonijiet li jsiru lejn pajjiżi oħra matul l-RIP jingħataw direzzjoni ġdida lejn is-suq tal-Komunità. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-UAN trid tiġi analizzata.

(133) Fir-rigward ta' l-evoluzzjoni probabbli ta' l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità, ta' min jinnota li l-importazzjonijiet tal-UAN fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li joriginaw mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina kienu soġġetti għal miżuri *anti-dumping* sakemm dawn ġew irrevokati f'April 2003. It-tabella ta' hawn taħt turi l-iżvilupp ta' l-esportazzjonijiet ta' dawn it-tliet pajjiżi lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l- Amerika sa minn l-2003:

L-esportazzjonijiet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika minn:	2003 (*)	2004	RIP (**)
Il-Belarus f'tunnellati	156 596	244 526	227 772
Ir-Russja f'tunnellati	179 993	614 395	699 100
L-Ukraina f'tunnellati	111 321	103 440	145 828
Total f'tunnellati	447 910	962 361	1 072 700

(*) iċ-ċifri jinkludu l-ewwel tliet xhur ta' l-2003, jiġifieri l-perjodu li fih il-miżuri kienu għadhom fis-seħħ.

(**) l-RIP qed jitqies għal paragun ma' l-analiżi ġenerali.

Sors: "L-Istatistika tal-Kummerċ Barrani", ippubblikat mill-Uffiċċju taċ-Ċensiment ta' l-Istati Uniti.

(134) Fuq din il-bażi, jidher li mill-2003 sa l-2004 dawn il-pajjiżi żiedu b'mod sinifikanti l-volum esportat tagħhom. Fil-każ tar-Russja, b'mod partikolari, il-volum ta' l-esportazzjonijiet tela' minn 180 elf tunnellata metrika fl-2003 għal madwar 600 elf tunnellata metrika fl-2004 li jirrappreżenta żieda ta' aktar minn tliet darbiet. Din l-istatistika tal-kummerċ turi wkoll li żieda f'daqqa u qawwija tal-volumi ta' esportazzjoni minn dawn il-pajjiżi għall-Istati Uniti ta' Amerika twaqqfet tul l-RIP, fejn iż-żieda meta mqabbla ma' l-2004 kienet inqas qawwija (11 %). L-istabbilizzazzjoni tal-volumi ta' esportazzjoni kollettivi tagħhom lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal madwar miljun tunnellata ġiet ikkonfermata mir-rendiment ta' esportazzjoni wara l-RIP ta' dawn il-pajjiżi lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(135) Fir-Rapport Finali ta' l-istħarriġ *anti-dumping* ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq l-importazzjonijiet tal-UAN mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina, ir-raġuni għal dan l-istabilizzazzjoni hi deskritta fid-dettall [1] F'dan ir-rapport, hu ddikjarat b'mod speċifiku li l-proporzjoni għoli ta' l-ispejjeż tat-trasport fuq l-art jinvolvu li s-suq għall-importazzjonijiet hu virtwalment limitat għaż-żoni ta' max-xtut u li dawn l-ispejjeż jagħmlu l-bejgħ finali tal-UAN importati għal-bosta żoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li jinkludu l-Istati ta' konsum tal-UAN fl-hekk imsejħa żona ta' "farm belt", wisq għaljin meta mqabbla mal-UAN prodott lokalment. Fi kliem ieħor, hemm limiti għad-daqs tas-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet, u ż-żoni l-aktar sinifikanti f'termini ta' konsum jibqgħu protetti mill-importazzjonijiet minħabba l-post tagħhom. Fid-dawl ta' l-istabbilizzazzjoni osservata ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina, kif dekritt fil-premessa (134) ta' hawn fuq, huwa għalhekk konkluż li s-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ma jistax jassorbi volumi ta' importazzjonijiet ħafna għola minn dawk irreġistrati fl-RIP.

[1] "Is-soluzzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju ta' l-urea mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina — Nri ta' l-Istħarriġiet 731-TA-1006, 1008, u 1009 finali, Pubblikazzjoni 3591", April 2003, U.S. Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ, p. 25, V-4, V-5.

(136) Fil-kuntest li ssemma aktar 'il fuq, u minħabba l-qrubija relattiva tas-suq tal-Komunità, jista' jiġi konkluż li huwa probabbli li l-bejgħ sinifikanti jew il-kapaċità żejda fil-pajjiżi kkonċernati, se jiġu diretti lejn is-suq tal-Komunità, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Minħabba l-livell aktar baxx ta' spejjeż tat-trasport meta mqabbel ma' l-esportazzjonijiet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tagħhom jistgħu jkunu sostanzjalment aktar baxxi minn dawk li jipprevalu fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Barra minn hekk, kif jintwera fil-premessi (50), (54) u (63) ta' aktar 'il fuq, instab li l-bejgħ fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-produtturi li jesportaw li kkooperaw sar bi prezzijiet aktar baxxi mill-valuri normali rispettivi.

4.3.3. L-impatt fuq il-kapaċitajiet żejda

L-Alġerija

(137) Ta' min ifakkar li s-suq domestiku tal-prodott ikkonċernat fl-Alġerija huwa insinifkanti u li virtwalment il-kapaċità tal-produzzjoni kollha hija orjentata lejn l-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-kapaċità żejda attwali tal-produtturi Alġerini tirrappreżenta 10-20 % tal-konsum tas-suq tal-Komunità. Il-kapaċità żejda totali attwali hija stmata li tlaħħaq madwar 300 000-350 000 tunnellata.

(138) B'mod partikolari, minħabba l-qrubija tas-suq tal-Komunità, huwa ferm probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, din il-kapaċità tal-produzzjoni żejda tintuża għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat sabiex jiġi esportat lejn il-Komunità (l-Alġerija għandha sehem tas-suq ta' 4,8 % biss). Huwa probabbli li l-volumi għolja mistennija ikunu bi prezzijiet soġġetti għal *dumping* u probabbilment jikkawżaw ħsara lill-produtturi tal-Komunità.

Il-Belarus

139) Instab li hemm suq domestiku li qed jikber malajr, fejn, matul l-RIP, l-uniku produttur biegħ żewġ terzi tal-produzzjoni tiegħu. Barra minn hekk, fl-2004 u fl-RIP ma kien hemm l-ebda esportazzjoni lejn il-Komunità, u l-esportazzjonijiet lejn s-suq ta' l-Istati Uniti naqsu minkejja n-nuqqas ta' miżuri *anti-dumping* u minkejja kondizzjonijiet favorevoli għas-suq.

(140) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, bil-wisq probabbli li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Belarus tinbidel b'mod drammatiku. Minħabba l-fatt li l-prezz domestiku kien inqas minn nofs il-prezz tas-suq prevalenti fil-Komunità matul l-RIP, deċiżjoni ekonomika razzjonali għandha twassal sabiex il-produttur tal-Belarus jidderieġi mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità kwantitajiet sinifikanti li bħalissa qed jinbiegħu fis-suq domestiku bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*. Huwa probabbli li r-riżultat ikun rikorrenza tal-ħsara kkawżata minn volumi għolja ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-Belarus.

Ir-Russja

(141) Is-suq domestiku Russu huwa relattivament żgħir meta mqabbel mal-kapaċità żejda li, kif issemma diġà fil-premessa (66) ta' aktar 'il fuq, tammonta għal 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika u li tista' tiġi sostanzjalment imkabbra jekk jiġu miżjuda l-kapaċitajiet ta' dawk li ma kkooperawx jew il-kapaċitajiet li qed jiġu użati bħalissa fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni tal-urea u tan-nitrat ta' l-ammonju, iż-żewġ fertilizzanti l-oħra tan-nitroġenu.

(142) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota wkoll li bħalissa hemm miżuri ta' ħarsien tan-negozju li ġew imposti mill-Komunità fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti fi stadju aktar kmieni tal-produzzjoni, jiġifieri l-urea u n-nitrat ta' l-ammonju solidi, mir-Russja ([1]). Rigward il-miżuri fuq l-urea, bħalissa qed issir investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza ([2]). Barra minn hekk, bħalissa qed issir investigazzjoni ta' reviżjoni temporanja, limitata għal produttur li jesporta ewlieni, rigward il-miżuri fuq in-nitrat ta' l-ammonju ([3]). Għalhekk, jiddependi mir-riżultat finali ta' dawn l-investigazzjonijiet ta' reviżjoni, hemm riskju li l-produzzjoni tiġi mċaqilqa minn dawk il-prodotti għall-UAN, li mbagħad jista' jirriżulta f'żieda supplimentari sostanzjali tal-kapaċità żejda stmata tal-produtturi Russi.

(143) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq hemm probabbiltà kbira li l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità se jerġgħu jibdew jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-volumi ta' importazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu stmati b'mod konservattiv bħala li jirrappreżentaw viċin ta' 20 % tas-suq Komunitarju, meta jitqies l-konsum f'dak is-suq(ara l-premessa (86)) kif ukoll il-kapaċitajiet żejda effettivi fir-Russja. Minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna tal-gass li qed jitħallsu mill-produtturi Russi u minħabba l-vantaġġ konsegwenti fl-ipprezzar għall-prodott ikkonċernat, huwa probabbli li importazzjonijiet bħal dawn jikkawżaw ħsara serja lill-industrija tal-Komunità.

L-Ukraina

(144) Fost il-pajjiżi kkonċernati, l-Ukraina bħalissa huwa l-pajjiż bl-ikbar kapaċità żejda li hija stmata li tvarja bejn 700 000 sa 800 000 tunnellata metrika. Il-kapaċità żejda attwaliattwali waħedha tammonta għal madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità.

([1]) L-urea: Ir-Regolament (KE) Nru 901/2001 (ĠU L 127, 8.5.2001, p. 11). In-nitrat ta' l-ammonju: Ir-Regolament (KE) Nru 658/2002 (ĠU L 102, 18.4.2002, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 945/2005 (ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1).

([2]) ĠU C 105, 4.5.2006, p. 12.

([3]) ĠU C 300, 30.11.2005, p. 8.

(145) Fin-nuqqas ta' suq domestiku sinifikanti u minħabba l-qrubija tas-suq tal-Komunità, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jiskadu, esportazzjonijiet sostanzjali se jiġu diretti lejn is-suq tal-Komunità. Kif intwera aktar 'il fuq dawn l-esportazzjonijiet probabbilment se jkunu ta' livelli soġġetti għal *dumping*, u għalhekk jikkawżaw ħsara kbira lill-industrija tal-Komunità.

4.4. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara*

(146) Minħabba l-prezzijiet baxxi b'mod artifiċjali li l-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati jħallsu għall-gass bħala materja prima bażika, u minħabba l-impatt li dan għandu fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati se jkollhom il-possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(147) Jekk il-miżuri jiskadu, il-pajjiżi kollha kkonċernati ħlief għall-Belarus għandhom kapaċità żejda li tista' tiġi diretta lejn is-suq tal-Komunità. Fir-rigward tal-Belarus, meta jitqiesu l-volumi ta' bejgħ għolja fis-suq domestiku bi prezzijiet ferm aktar baxxi minn dawk li kienu jipprevalu fis-suq tal-Komunità matul l-RIP, huwa ferm probabbli li mill-inqas parti minnhom għandhom jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità, jekk il-miżuri jiskadu. L-ispejjeż aktar baxxi tat-trasport għall-bejgħ lejn il-Komunità meta mqabbla ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika wkoll jistgħu jistimolaw l-għoti ta' direzzjoni ġdida lill-bejgħ lejn is-suq tal-Komunità. Barra minn hekk, għall-erba' pajjiżi kollha d-direzzjoni ġdida ta' parti mill-esportazzjonijiet attwali tagħhom minn pajjiżi oħra lejn il-Komunità hija probabbli jekk il-miżuri attwali jiġu revokati, kif intwera fil-Premessi (132)-(136).

(148) L-EFIA u ċerti produtturi li jesportaw issottomettew li l-preżunzjoni taċ-ċaqliq mill-produzzjoni ta' l-urea u tan-nitrat ta' l-ammonju lejn il-UAN ma jagħtix każ il-fatt ekonomiku bażiku li l-produtturi ma jistgħux sempliċiment ibiddlu l-produzzjoni mingħajr investimenti supplimentari. Barra minn hekk, iddikjaraw li l-produtturi mhumiex se jċedu prodotti li jagħmlu aktar qliegħ biss minħabba li jitneħħew il-miżuri *anti-dumping* fuq prodott li jagħmel inqas qliegħ.

(149) B'rigward għall-investimenti supplimentari meħtieġa, għandu jiġu nnutat li bosta mill-esportaturi maġġuri li jipproduċu l-fertilizzanti tan-nitroġenu huma produtturi integrati u għalhekk id-deċiżjoni fuq il-produzzjoni/esportazzjoni ta' prodott jew ieħor tiddependi partikolarment fuq il-kondizzjonijiet tas-suq. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li jħallu qliegħ, il-prodotturi se jfittxu tabilħaqq il-prodotti li jħallu l-aktar qliegħ. F'dan ir-rigward, il-miżuri *anti-dumping* għandhom seħem maġġuri fid-deċiżjoni tagħhom, peress li dan hu muri fiż-żieda sinfikanti fl-esportazzjoniiet *dumped* tal-UAN lis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tul l-2004 u l-RIP, ladarba l-miżuri ta' l-*anti-dumping* ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ġew irrevokati fl-2003. Għalhekk, deċiżjonijiet ekonomiċi sodi magħmula mill-produtturi li jesportaw sejrin probabbilment iwassluhom sabiex ibiddlu minn prodott għall-ieħor sabiex iżommu jew iżidu l-bejgħ ġenerali tagħhom tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-profitti tagħhom. Fuq din il-bażi, l-argumenti ta' hawn fuq ġew irrifjutati.

(150) Dak li ntqal aktar 'il fuq iwassal għall-konklużjoni li jekk il-miżuri jiskadu, huwa probabbli li jkun hemm esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati f'volumi sinifikanti u bi prezzijiet li jkunu orħos mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità minħabba l-ispiża tal-produzzjoni mgħawġa u artifiċjalment baxxa tagħhom. Wisq probabbli dan ikollu l-effett li jsaħħaħ it-tendenza li jitmewtu l-prezzijiet fis-suq, b'impatt negattiv mistenni fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. B'mod partikolari, dan għandu jfixkel l-irkupru finanzjarju li nkiseb fl-2004 u fl-RIP, li jwassal għal rikorrenza probabbli tal-ħsara. Fi kliem ieħor, aktar ma l-kondizzjonijiet tas-suq isiru goffi, aktar wieħed jistenna depressjoni f'daqqa tal-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati, waqt li jitqiesu d-differenza sinifikanti fl-ispiża tal-produzzjoni tagħhom kif ukoll il-kapaċità żejda tagħhom.

E. L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. Introduzzjoni

(151) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti tkunx kontra l-interess tal-Komunità kollha. Id-determinazzjoni ta' l-interess tal-Komunità kienet ibbażata fuq apprezzament ta' l-interessi differenti kollha involuti.

(152) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, tqies li l-adozzjoni tal-miżuri ma kinitx kontra l-interess tal-Komunità. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li għalhekk tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri *anti-dumping* diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri *anti-dumping* attwali.

(153) Fuq din il-bażi, kien eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* li jagħmel il-ħsara, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. **L-interess ta' l-industrija tal-Komunità**

(154) L-industrija tal-Komunità ppruvat li hija industrija strutturalment vijabbli. Dan kien ikkonfermat mill-iżvilupp pożittiv tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha li ġiet osservata wara l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fl-2000. B'mod partikolari, bejn l-2002 u l-RIP, l-industrija tal-Komunità tejbet is-sitwazzjoni tal-qliegħ tagħha.

(155) Wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli li l-industrija tal-Komunità se tkompli tibbenefika mill-miżuri imposti bħalissa u se tirkupra aktar billi ddawwar it-tendenza 'l isfel fis-sehem tas-suq u ttejjeb aktar il-profitabilità tagħha. Jekk il-miżuri ma jinżammux, huwa probabbli li se jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet soġġetti għal *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati li b'hekk tikkawża ħsara lill-industrija tal-Komunità billi tiġi eżerċitata pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ li se tipperikola s-sitwazzjoni finanzjarja pożittiva tagħha ta' bħalissa li iżda għadha fraġli.

3. **L-interess ta' l-importaturi**

(156) Kif issemma fil-premessa (10) ta' aktar 'il fuq, importatur wieħed biss indika li lest li jiġi inkluż fil-kampjun u pprovda l-informazzjoni bażika meħtieġa fil-formola tat-teħid ta' kampjuni. Madankollu, wara li ntbagħat il-kwestjonarju sħiħ lil dan l-importatur, informa lill-Kummissjoni li ma xtaqx jikkoopera aktar ma' l-investigazzjoni.

(157) Ta' min ifakkar li fl-investigazzjoni oriġinali kien instab li l-impatt ta' l-impożizzjoni tal-miżuri m'għandux ikun sinifikanti sal-punt li l-importazzjonijiet ikomplu għaddejjin għalkemm bi prezzijiet li ma jagħmlux ħsara, u li bħala regola l-importaturi ma jinnegozjawx biss fil-UAN iżda wkoll, sa punt sinifikanti, f'fertilizzanti oħra. Rigward il-preżunzjoni li l-importazzjonijiet għandhom ikomplu għaddejjin, dan ġie kkonfermat biss mill-importazzjonijiet mill-Alġerija fejn hemm impenn fis-seħħ għall-produttur wieħed li jesporta. Dan iwassal għall-konklużjoni li wħud mill-importaturi fil-fatt seta' kellhom konsegwenzi negattivi mill-impożizzjoni tal-miżuri, kif ġie indikat fil-premessa 66 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2000 [1]. Madankollu, l-investigazzjoni ma wrietx li wħud mill-importaturi kompletament waqqfu l-attivitajiet tagħhom, iżda pjuttost deher li ffokaw fuq fertilizzanti differenti kif kien previst. Għalhekk, l-impożizzjoni tal-miżuri jidher li kellha impatt ġenerali limitat fuq il-maġġoranza ta' l-importaturi/tan-negozjanti.

(158) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' l-importaturi, m'hemm l-ebda informazzjoni affidabbli disponibbli li tindika li ż-żamma tal-miżuri se jkollha effett negattiv sinifikanti fuq l-importaturi jew fuq in-negozjanti.

(159) L-EFIA ddikjarat li n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' l-importaturi ma għandhiex titqies bħala nuqqas ta' interess iżda bħala riflessjoni tal-qagħda inġusta minħabba r-riżorsi sinifikanti meħtieġa minn stħarriġ ta' l-*anti-dumping* meta mqabbla mar-riżorsi limitati tagħhom minħabba impriżi żgħar jew ta' daqs medju. Barra minn hekk, jisħqu li l-istħarriġ ma tax każ l-effett kumulattiv ta' l-għadd ta' miżuri *anti-dumping* fuq il-fertilizzanti fuq l-importaturi, u b'hekk fallew milli japplikaw analiżi ġusta ta' l-effetti fuq l-importaturi u l-bdiewa.

(160) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li għall-importaturi li jittrattaw firxa wiesgħa ta' fertilizzanti, fosthom il-UAN, hemm il-possibbiltà li jipprovdu l-fertilizzanti tan-nitroġenu differenti minn sorsi oħrajn li bħalissa mhumiex suġġetti għall-miżuri ta' l-*anti-dumping*. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li kwalunkwe impatt negattiv minħabba l-issoktar tal-miżuri fuq l-importaturi mhux se jkun raġuni li tqanqal kontra l-issoktar tal-miżuri.

4. **L-interess ta' l-utenti**

(161) L-utenti ta' l-UAN huma bdiewa fil-Komunità. Id-domanda għall-fertilizzanti tan-nitroġenu tidher li hija relattivament mhux elastika, u l-bdiewa għandhom it-tendenza li jixtru mill-irħas sors. Meta ġie eżaminat l-effett possibbli ta' l-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-utenti, fl-investigazzjoni oriġinali ġie konkluż li minħabba l-inċidenza żgħira ta' l-ispiża tal-UAN fuq il-bdiewa, ma kienx probabbli li kwalunkwe żieda f'dawn l-ispejjeż kien se jkollha effett avvers sinifikanti fuqhom. Il-fatt li l-ebda utent jew assoċjazzjoni ta' utenti ma pprovda kwalunkwe informazzjoni li tikkontradixxi s-sejba ta' hawn fuq fil-qafas ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni attwali jidher li jikkonferma li: (i) il-UAN jirrappreżentaw parti żgħira ħafna mill-ispejjeż totali tal-produzzjoni għal dawn il-bdiewa; (ii) il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa ma kellhom l-ebda effett negattiv sostanzjali fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom; u (iii) il-kontinwazzjoni tal-miżuri m'għandiex taffettwa b'mod avvers l-interessi finanzjarji ta' l-utenti.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità**

(162) Minn dak li ntqal aktar 'il fuq jiġi konkluż li m'hemm l-ebda raġuni konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* attwali.

F. **IL-MIŻURI ANTI-DUMPING**

(163) Il-partijiet kollha ġew informati bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.

[1] ĠU L 75, 24.3.2000, p. 3.

(164) Skond dak li ntqal aktar 'il fuq jirriżulta li, kif previst mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri *anti-dumping* li japplikaw għall-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina għandhom jinżammu. Ta' min ifakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazji speċifiċi, bl-eċċezzjoni ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jiġu manifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità minn kumpanija Alġerina waħda li mingħandha ġie aċċettat impenn,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju *anti-dumping* definittiv qed jiġi permezz ta' dan impost fuq l-importazzjonijiet tat-taħlitiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju jew soluzzjoni ammonjakali li jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 80 00 u li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina.

2. L-ammont ta' dazju f'euro għal kull tunnellata għandu jkun kif jintwera hawn taħt:

Il-Pajjiż	Manifattur	L-ammont ta' dazju (għal kull tunnellata metrika)	Il-kodiċi supplimentari TARIC
L-Alġerija	Il-kumpaniji kollha	EUR 6,88	A999
Il-Belarus	Il-kumpaniji kollha	EUR 17,86	—
Ir-Russja	JSC Nevinnomyssky Azot 357030 Russian Federation Stavropol region Nevinnomyssk, Nizyaev st. 1	EUR 17,80	A176
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	EUR 20,11	A999
L-Ukraina	Il-kumpaniji kollha	EUR 26,17	—

3. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun ġarrbet ħsara qabel id-dħul f'ċirklazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz fil-fatt imħallas jew li għandu jitħallas jitqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([20]), l-ammont tad-dazju *anti-dumping*, ikkalkulat fuq l-ammonti stipulati hawn fuq, għandu jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz tabilħaqq imħallas jew li għandu jitħallas.

4. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju anti-dumping definittiv m'għandux japplika għall-importazzjonijiet rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera skond l-Artikolu 2.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera taħt il-kodiċijiet supplimentari TARIC li ġejjin li jiġu prodotti u esportati direttament (jiġifieri ttrasportati u mogħnija b'fattura) mill-kumpanija imsemmija ta' hawn taħt lil kumpanija fil-Komunità li taġixxi bħala importatur għandhom jiġu eżentati mid-dazju *anti-dumping* impost mill-Artikolu 1 bil-kundizzjoni li tali mportazzjonijiet bħal dawn ikunu importati skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi supplimentari TARIC
L-Alġerija	Fertalge Industries spa 12, Chemin AEK Gadouche Hydra, Alger	A107

2. L-eżenzjoni għandha tkun kundizzjonali fuq preżentazzjoni lis-servizzi doganali relevanti ta' l-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida maħruġa mill-kumpanija li tesporta li fiha l-elementi essenzjali mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 40.

ANNESS

L-elementi li għandhom jiġu indikati fil-fattura kummerċjali msemmija fl-Artikolu 2(2):

1. Il-kodiċi supplimentari TARIC li taħtu l-merkanzija fuq il-fatturi għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fuq il-fruntieri Komunitarji (kif speċifikat fir-Regolament).

2. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, inklużi:

   — il-kodiċi NM,

   — il-kontenut tann-nitroġenu ("N") tal-prodott (f'persentaġġi),

   — il-kwantità (li għandha tingħata f'tunnellati),

3. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, li tinkludi:

   — il-prezz għal kull tunnellata,

   — it-termini tal-ħlas applikabbli,

   — it-termini tal-kunsinna applikabbli,

   — l-iskontijiet u t-tnaqqis totali.

4. L-isem ta' l-importatur li nħarġitlu l-fattura direttament mill-kumpanija.

5. L-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura tal-garanzija u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u taħt it-termini tal-garanzija offruta minn [kumpanija], u ġie aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament (KE) Nru 617/2000. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

32006D0978

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2006

dwar l-ġhoti ta' l-arranġament ta' inċentiv speċjali ġhall-iżvilupp sostenibbli u ġhal tmexxija tajba wara l-1 ta' Jannar 2007 lir-Repubblika ta' El Salvador

(2006/978/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/924/KE [2] tal-21 ta' Diċembru 2005, El Salvador ġie inkluż fil-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li jikkwalifikaw ġhall-arranġament ta' inċentiv speċjali ġhall-iżvilupp sostenibbli u ġhal tmexxija tajba, previst fir-Regolament (KE) Nru 980/2005, ġhall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2008.

(2) Skond ir-Regolament imsemmi, l-ġhoti ta' l-arranġament ta' inċentiv speċjali wara l-1 ta' Jannar 2007 lil pajjiżi ffaċċjati b'kostrizzjonijiet kostituzzjonali speċifiċi ġhar-ratifika ta' massimu ta' żewġ konvenzjonijiet mis-sittax elenkati fil-Parti A ta' l-Anness III ta' l-istess Regolament huwa suġġett ġhal deċiżjoni tal-Kunsill.

(3) Konformement ma' l-istess Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat, fid-29 ta' Novembru 2006, rapport lill-Kunsill dwar l-osservanza minn El Salvador ta' l-impenji tiegħu taħt dak ir-Regolament u pproponiet il-kontinwazzjoni ta' l-arranġament ta' inċentiv speċjali wara l-1 ta' Jannar 2007,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Ir-Repubblika ta' El Salvador ġhandha tkompli tibbenefika mill-arranġament ta' inċentiv speċjali ġhall-iżvilupp sostenibbli u ġhal tmexxija tajba previst fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 980/2005, mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2008.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Ġhall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

[2] ĠU L 337, 22.12.2005, p. 50.

32006D0979

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPM/1/2006

tal-5 ta' Diċembru 2006

li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH)

(2006/979/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/824/PESK ta' l-24 ta' Novembru 2005 dwar il-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH) [1], u, b'mod partikolari, l-Artikolu 9 (1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1) ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/824/PESK jipprovdi li l-Kunsill jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni li jaħtar Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2005 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni EUPM/2/2005 li tappunta l-Brigadier Ġenerali Vincenzo Coppola bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina [2],

(3) Din id-Deċiżjoni tiskadi fl-31 ta' Diċembru 2006.

(4) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tal-Brigadier Ġenererali Vincenzo Coppola bħala Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina għat-tul tal-missjoni.

(5) Għaldaqstant il-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina għandu jkun estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-mandat tal-Brigadier Ġenerali Vincenzo Coppola bħala Kap ta' Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bożnja u Ħerzegovina (BiH) huwa hawn estiż sal-31 ta' Diċembru 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
T. TANNER

[1] ĠU L 307, 25.11.2005, p. 55.
[2] ĠU L 335, 21.12.2005, p. 58.

32006D0980

L 365/88 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 21.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUPT/2/2006

tat-12 ta' Diċembru 2006

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo

(2006/980/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2006/304/PESK ta' l-10 ta' April 2006 dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma f'oħra possibbli fil-Kosovo [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 ta' l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK jipprovdi sabiex il-Kunsill ikun jista' jawtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jieħu d-deċiżjonijiet relevanti skond l-Artikolu 25 tat-Trattat, inkluża d-deċiżjoni, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, li jaħtar Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo).

(2) Fit-2 ta' Mejju 2006, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni EUPT/Kosovo/1/2006 li taħtar lis-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) [2].

(3) Dik id-Deċiżjoni tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006.

(4) Fil-11 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2006/304/PESK sal-31 ta' Mejju 2007.

(5) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli ppropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) sal-31 ta' Mejju 2007.

(6) Għaldaqstant, il-mandat tal-Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) għandu jiġi estiż sal-31 ta' Mejju 2007,

IDDECIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Casper Klynge bħala Kap tal-Grupp ta' Ppjanar ta' l-UE (EUPT Kosovo) fir-rigward ta' operazzjoni eventwalment possibbli ta' l-UE għall-immaniġġar ta' kriżi fil-qasam ta' l-istat tad-dritt u f'oqsma oħra possibbli fil-Kosovo huwa b'dan estiż sal-31 ta' Mejju 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Mejju 2007.

Magħmul fi Brussel, 12 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà
Il-President
T. TANNER

---

[1] ĠU L 112, 26.4.2006, p. 19. Azzjoni Konġunta kif emendata mill-Azzjoni Konġunta 2006/918/PESK (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 57).

[2] ĠU L 130, 18.5.2006, p. 42.

32006R1941

22.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 367/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1941/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku għall-2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 20 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti [2], u b'mod partikulari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jesiġi li l-Kunsill jadotta l-miżuri meħtieġa biex ikun żgurat l-aċċess għall-ilmijiet u r-riżorsi u sabiex l-attivitajiet tas-sajd jibqgħu jsiru b'mod sostenibbli, billi jitqies il-parir xjentifiku disponibbli u, b'mod partikulari, ir-rapport imħejji mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.

(2) Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, huwa obbligu tal-Kunsill li jistabbilixxi l-limiti dwar l-opportunitajiet ta' sajd skond it-tip ta' sajd jew gruppi ta' tipi ta' sajd u li jalloka dawn l-opportunitajiet lill-Istati Membri.

(3) Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni effettiva ta' l-opportunitajiet ta' sajd, għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-operazzjonijiet ta' sajd.

(4) Jeħtieġ li jkunu stabbiliti l-prinċipji kif ukoll ċerti proċeduri għall-immaniġjar tas-sajd fuq il-livell Komunitarju, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

(5) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jistabbilixxi t-tifsiriet li huma rilevanti għall-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd.

(6) Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96, għandhom ikunu identifikati l-ħażniet li huma soġġetti għall-miżuri differenti msemmija fih.

(7) L-opportunitajiet ta' sajd għandhom jintużaw skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam, u b'mod partikulari skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 ta' l-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljali dwar l-immarkar u dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd [3], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2807/83 tat-22 ta' Settembru 1983 li jistabilixxi regoli dettaljati dwar ir-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar il-qabdiet ta' ħut ta' l-Istati Membri [4], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [5], ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2244/2003 tat-18 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar is-sistemi ta' sorveljanza tal-vapuri bbażata fuq satellita [6], u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2930/86 tat-22 ta' Settembru 1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi tad-dgħajjes tas-sajd [7], ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3880/91 tas-17 ta' Diċembru 1991 dwar is-sottomissjoni ta' statistika nominali dwar il-qabda mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal ta' l-Atlantiku [8] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi fil-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound [9].

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

[2] ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3.

[3] ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.

[4] ĠU L 276, 10.10.1983, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1804/2005 (ĠU L 290, 4.11.2005, p. 10).

[5] ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 768/2005 (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

[6] ĠU L 333, 20.12.2003, p. 17.

[7] ĠU L 274, 25.9.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 3259/94 (ĠU L 339, 29.12.1994, p. 11).

[8] ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2005 (ĠU L 74, 19.3.2005, p. 5).

[9] ĠU L 349, 31.12.2005, p. 1.

(8) Sabiex jikkontribwixxu għall-konservazzjoni ta' ħażniet tal-ħut, fl-2007 għandhom jiġu implimentati ċerti miżuri supplimentari dwar il-kontroll u l-kondizzjonijiet tekniċi tas-sajd,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

AMBITU U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula l-opportunitajiet ta' sajd għas-sena 2007 għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut fil-Baħar Baltiku u l-kondizzjonijiet assoċjati li taħthom jistgħu jintużaw dawn l-opportunitajiet ta' sajd.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità (bastimenti tal-Komunità) u bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi li joperaw fil-Baħar Baltiku jew li jkunu rreġistrati fihom.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, dan ir-Regolament m'għandux japplika għal operazzjonijiet ta' sajd li jsiru biss bl-iskop ta' investigazzjonijiet xjentifiċi u li jsiru bil-permess u bl-awtorità ta' l-Istat Membru kkonċernat u li dwarhom il-Kummissjoni u l-Istat Membru li fl-ilmijiet tiegħu tkun qed issir ir-riċerka kienu infurmati bil-quddiem.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Flimkien mat-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

a) iż-żoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) huma kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 3880/91;

b) il-"Baħar Baltiku" tfisser id-Diviżjonijiet ICES IIIb, IIIċ u IIId;

ċ) "qabda totali permessa (TAC)" tfisser il-kwantità li tista' tittieħed minn kull ħażna kull sena;

d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokat lill-Komunità, Stati Membru jew pajjiż terz.

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TA' SAJD U KONDIZZJONIJIET ASSOĊJATI

Artikolu 4

Limiti tal-qbid u allokazzjonijiet

Il-limiti tal-qbid, l-allokazzjoni ta' dawk il-limiti fost l-Istati Membri, u kondizzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 huma mniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet

1. L-allokazzjoni tal-limiti tal-qbid fost l-Istati Membri kif imniżżel fl-Anness I għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

a) skambji li jsiru skond l-Artikolu20(5) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002;

b) l-allokazzjonijiet mill-ġdid li jsiru skond Artikoli 21(4), 23(1) u 32(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93;

ċ) ħatt l-art addizzjonali permess skond l-Artikolu 3 tar-Regolament(KE) Nru 847/96;

d) kwantitajiet miżmuma b'mod konformi ma' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96;

e) tnaqqis magħmul skond l-Artikolu 5 tar-Regolament(KE) Nru 847/96.

2. Għall-għan li jinżammu l-kwoti biex jiġu trasferiti għall-2008, l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jista' japplika, b'deroga minn dak ir-Regolament, għall-ħażniet kollha soġġetti għal TAC analitiku.

Artikolu 6

Kondizzjonijiet għall-qabdiet u għall-qabdiet sekondarji

1. Ħut mill-ħażniet li fuqhom hemm imposti l-limiti tal-qbid għandhom jinżammu abbord jew jinħattu biss jekk:

a) il-qabdiet ittieħdu minn bastimenti ta' Stat Membru bi kwota u dik il-kwota ma tkunx għadha ntużat kollha; jew alternattivament,

b) speċijiet oħra barra l-aringi u l-laċċa kaħla jkunu mħallta ma' speċijiet oħra, il-qabdiet ikunu saru bit-tkarkir, it-tartaruni Daniżi jew apparat simili li d-daqs tal-malji tiegħu huwa inqas minn 32mm, u l-qabdiet ma jkunux ġew magħżula abbord jew meta nħattu.

2. Il-qabdiet kollha għandhom jgħoddu fil-konfront tal-kwota jew, jekk is-sehem Komunitarju ma jkunx tqassam fost l-Istati Membri permezz tal-kwoti, fil-konfront tas-sehem Komunitarju, ħlief għall-qabdiet li jkunu saru taħt paragrafu 1(b).

3. Meta tintuża kollha l-kwota għall-aringi mogħtija lil Stat Membru, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru, u rreġistrati fil-Komunità, u li jużaw opportunitajiet ta' sajd li għalihom tapplika l-kwota rilevanti m'għandhomx iħottu l-art qabdiet li mhumiex magħżula u li fihom l-aringi.

Artikolu 7

Limiti fuq l-isforzi tas-sajd

Il-limiti fuq l-isforzi tas-sajd huma mniżżla fl-Anness II.

Artikolu 8

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll

Miżuri tranżitorji tekniċi u ta' kontroll huma mniżżla fl-Anness III.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 9

Trasmissjoni ta' data

Meta l-Istati Membri jibagħtu *data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' ħażniet maqbuda skond Artikolu 15(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, għandhom jużaw il-kodiċijiet ta' l-ħażniet imniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S. HUOVINEN

ANNESS I

Il-limiti fuq il-ħatt l-art u l-kondizzjonijiet assoċjati għall-immaniġjar minn sena għal sena tal-limiti fuq il-qabdiet applikabbli għall-bastimenti tal-Komunità f'żoni fejn jeżistu l-limiti fuq il-qabdiet skond l-ispeċi u skond iż-żona

It-tabelli li ġejjin jistipulaw it-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn speċifikat mod ieħor) skond il-ħażna, l-allokazzjoni lill-Istati Membri u l-kondizzjonijiet assoċjati għall-maniġġar tal-kwoti minn sena għal sena.

Speċi: Aringa *Clupea harengus*		**Żona:** Subdiviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31.
Finlandja	75 099	
Żvezja	16 501	
KE	91 600	
TAC	91 600	TAC analitiku Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96

Speċi: Aringa *Clupea harengus*		**Żona:** Subdiviżjonijiet 30-31 HER/3D30.; HER/3D31.
Danimarka	6 939	
Ġermanja	27 311	
Finlandja	3	
Polonja	6 441	
Żvezja	8 806	
KE	49 500	
TAC	49 500	TAC analitiku. Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Speċi: Aringa *Clupea harengus*		**Żona:** Subdiviżjonijiet 25-27, 28,2, 29 u 32 HER/3D25.; HER/3D26.; HER/3D27.; HER/3D28.; HER/3D29.; HER/3D32.
Danimarka	2 920	
Ġermanja	774	
Estonja	14 910	
Finlandja	29 105	
Latvja	3 680	
Litwanja	3 874	
Polonja	33 066	
Żvezja	44 389	
KE	132 718	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Speċi: Aringa *Clupea harengus*		**Żona:** Sottodiviżjoni 28,1 HER/03D.RG.
Estonja	17 317	
Latvja	20 183	
KE	37 500	
TAC	37 500	TAC analitiku. Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Speċijiet: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** Subdiviżjonijiet 25-32 (Ilmijiet tal-KE) COD/3D25.; COD/3D26.; COD/3D27.; COD/3D28.; COD/3D29.; COD/3D30.; COD/3D31.; COD/3D32.
Danimarka	9 374	
Ġermanja	3 729	
Estonja	913	
Finlandja	717	
Latvja	3 485	
Litwanja	2 296	
Polonja	10 794	
Żvezja	9 497	
KE	40 805 (1)	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

(1) Jekk sa 30 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill ma jkunx adotta Regolament li jistabblixxi pjan pluriennali ghall-hażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-hażniet, fl-1 ta' Lulju 2007 it-TAC u l-kwoti ghal din il-hażna ghandhom ikunu dawk imniżżla fl-Appendiċi 1 ghal dan l-Anness. Sa dik id-data kwalunkwe qabda li teċċedi l-kwoti rispettivi ta' l-Istati Membri kif stabbilit f'dak l-Appendiċi, ser tiġi skontata mill-kwoti prospettivi taghhom fl-2008.

Speċi: Merluzz *Gadus morhua*		**Żona:** Subdiviżjonijiet 22-24 (Ilmijiet tal-KE) COD/3B23.; COD/3C22.; COD/3D24.
Danimarka	11 653	
Ġermanja	5 697	
Estonja	258	
Finlandja	229	
Latvja	964	
Litwanja	625	
Polonja	3 118	
Żvezja	4 152	
KE	26 696	
TAC	26 696 (1)	TAC analitiku. Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

(1) Jekk sa 30 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill ma jkunx adotta Regolament li jistabblixxi pjan pluriennali ghall-hażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-hażniet, fl-1 ta' Lulju 2007 it-TAC u l-kwoti ghal din il-hażna ghandhom ikunu dawk imniżżla fl-Appendiċi 1 ghal dan l-Anness. Sa dik id-data kwalunke qabda li teċċedi l-kwoti rispettivi ta' l-Istati Membri kif stabbilit f'dak l-Appendiċi, ser tiġi skontata mill-kwoti prospettivi taghhom fl-2008.

Speċi: Barbun tat-tbajja' *Pleuronectes platessa*		**Żona:** IIIbcd (ilmijiet tal-KE) PLE/3B23.; PLE/3C22.; PLE/3D24.; PLE/3D25.; PLE/3D26.; PLE/3D27.; PLE/3D28.; PLE/3D29.; PLE/3D30.; PLE/3D31.; PLE/3D32.
Danimarka	2 698	
Ġermanja	300	
Żvezja	203	
Polonja	565	
KE	3 766	
TAC	Mhux rilevanti	TAC prekawzjonarju. Japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Speċi: Salamun ta' l- Atlantiku *Salmo salar*		**Żona:** IIIbcd (Ilmijiet tal-KE) ghajr is-Sottodiviżjoni 32 SAL/3B23.; SAL/3C22.; SAL/3D24.; SAL/3D25.; SAL/3D26.; SAL/3D27.; SAL/3D28.; SAL/3D29.; SAL/3D30.; SAL/3D31.
Danimarka	88 836 (1)	
Ġermanja	9 884 (1)	
Estonja	9 028 (1)	
Finlandja	110 773 (1)	
Latvja	56 504 (1)	
Litwanja	6 642 (1)	
Polonja	26 950 (1)	
Żvezja	120 080 (1)	
KE	428 697 (1)	
TAC	Mhux rilevanti (1)	TAC analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

(1) Espress fl-ghadd ta' hut individwali.

Speċi: Salamun ta' l- Atlantiku *Salmo salar*		**Żona:** Sottodiviżjoni 32 SAL/3D32.
Estonja	1 581 (1)	
Finlandja	13 838 (1)	
KE	15 419 (1)	
TAC	Mhux rilevanti (1)	TAC analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

(1) Espress fl-ghadd ta' ħut individwali.

Speċi: Laċċ ikhal *Sprattus sprattus*		**Żona:** IIIbcd (ilmijiet tal-KE) SPR/3B23.; SPR/3C22.; SPR/3D24.; SPR/3D25.; SPR/3D26.; SPR/3D27.; SPR/3D28.; SPR/3D29.; SPR/3D30.; SPR/3D31.; SPR/3D32.
Danimarka	44 833	
Ġermanja	28 403	
Estonja	52 060	
Finlandja	23 469	
Latvja	62 877	
Litwanja	22 745	
Polonja	133 435	
Żvezja	86 670	
KE	454 492	
TAC	Mhux rilevanti	TAC analitiku. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma japplikax. Japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96. Japplika l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 847/96.

Appendiċi 1 għall — Anness I

Speċijiet:	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	Subdiviżjonijiet 25-32 (Ilmijiet tal-KE) COD/3D25.; COD/3D26.; COD/3D27.; COD/3D28.; COD/3D29.; COD/3D30.; COD/3D31.; COD/3D32.
Danimarka	8 849		
Ġermanja	3 520		
Estonja	862		
Finlandja	677		
Latvja	3 290		
Litwanja	2 168		
Polonja	10 191		
Żvezja	8 965		
KE	38 522		
TAC	Mhux rilevanti		

Speċi:	Merluzz *Gadus morhua*	**Żona:**	Subdiviżjonijiet 22-24 (Ilmijiet tal-KE) COD/3B23.; COD/3C22.; COD/3D24.
Danimarka	10 537		
Ġermanja	5 152		
Estonja	234		
Finlandja	207		
Latvja	872		
Litwanja	565		
Polonja	2 819		
Żvezja	3 754		
KE	24 140		
TAC	24 140		

ANNESS II

1. **Limiti fuq l-isforzi tas-sajd**

1.1. Sajd bit-tkarkir, tartaruni jew tagħmir simili ta' malji li d-daqs tagħhom hu daqs jew akbar minn 90 mm jew b'għeżul mitfugħa fil-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti ta' malji li d-daqs tagħhom hu daqs jew akbar minn 90 mm jew b'konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet għandu jiġi pprojbit:

a) mill-1 sas-7 ta' Jannar, mill-31 ta' Marzu sa l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru fid-Subdiviżjonijiet 22-24, u

b) mill-1 sas-7 ta' Jannar, mill-5 sa l-10 ta' April, mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awissu u l-31 ta' Diċembru fis-Subdiviżjonijiet 25-27.

1.2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, is-sajd bi xbieki tat-tkarkir, tartaruni jew apparat simili li għandu malji b'daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew b'għeżula tat-tisqif tal-qiegħ, għeżula tal-mitlaq u pariti li għandhom malji b'daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar jew bil-konzijiet tal-qiegħ jew konzijiet għandhom wkoll ikunu pprojbiti:

a) 77 jum kalendarju fis-subdiviżjonijiet 22-24 barra mill-perijodu msemmi fil-punt 1.1. (a), u

b) 67 jum kalendarju fis-subdiviżjonijiet 25-27 barra mill-perijodu msemmi fil-punt 1.1. (b).

L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-ġranet imsemmija fil-punti a) u b) f'perijodi ta' mhux anqas minn ħamest ijiem.

1.3. L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mis-7 ta' Jannar 2007, jinnotifikaw lill-Kummissjoni u fuq il-websajts tagħhom jagħmlu disponibbli d-dati preċisi tal-ġranet kalendarji msemmija fil-punt 1.2 li għandhom ikunu identiċi mal-bastimenti tas-sajd li jtajjru l-bandiera ta' l-Istat Membru rispettiv.

1.4. B'deroga mill-punti 1.1 u 1.2, il-bastimenti tal-Komunità b'tul globali inqas minn 12-il metru u li jkunu qed jistadu fil-baħar territorjali għandhom ikunu permessi jżommu abbord u jħottu l-art sa massimu ta' 20 kg jew 10 % merluzz skond il-piż ħaj, liema wieħed huwa 'l għola meta jistadu bl-għeżula tat-tisqif, għeżula tal-mitlaq u/jew pariti li għandhom malji b'daqs ekwivalenti għal 110 mm jew iktar.

ANNESS III

MIŻURI TEKNIĊI TRANŻITORJI U TA' KONTROLL

1. **Restrizzjonijiet fuq is-sajd**

1.1. Kull attività ta' sajd fiż-żoni magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment il-linji rhumb mal-pożizzjonijiet li ġejjin, li għandhom jitkejlu skond is-sistema ta' koordinati WGS84, hija pprojbita mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru:

Żona 1:

— 55° 45′ N, 15° 30′ E

— 55° 45′ N, 16° 30′ E

— 55° 00′ N, 16° 30′ E

— 55° 00′ N, 16° 00′ E

— 55° 15′ N, 16° 00′ E

— 55° 15′ N, 15° 30′ E

— 55° 45′ N, 15° 30′ E

Żona 2:

— 55° 00′ N, 19° 14′ E

— 54° 48′ N, 19° 20′ E

— 54° 45′ N, 19° 19′ E

— 54° 45′ N, 18° 55′ E

— 55° 00′ N, 19° 14′ E

Żona 3:

— 56° 13′ N, 18° 27′ E

— 56° 13′ N, 19° 31′ E

— 55° 59′ N, 19° 13′ E

— 56° 03′ N, 19° 06′ E

— 56° 00′ N, 18° 51′ E

— 55° 47′ N, 18° 57′ E

— 55° 30′ N, 18° 34′ E

— 56° 13′ N, 18° 27′ E

1.2. B'deroga mill-punt 1.1, is-sajd bl-għeżula tat-tisqif, l-għeżula tal-mitlaq u pariti li għandhom malji b'daqs ekwivalenti għal 157 mm jew iktar jew bil-konzijet għandu jkun permess. Fis-sajd bil-konzijiet ma għandux jinżamm merluzz abbord.

2. **Monitoraġġ, spezzjonar u sorveljanza f'rabta ma' l-irkupru ta' l-ħażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku**

2.1. *Permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku*

2.1.1. B'deroga mill-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1627/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jniżżel ċerti dispożizzjonijiet rigward permessi speċjali tas-sajd ([1]), il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Komunità li għandhom tul globali ekwivalenti għal jew aktar minn 8 m li jġorru abbord jew jużaw kwalunkwe tagħmir b'malji b'daqs ekwivalenti għal 90 mm jew iktar għandu jkollhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku.

([1]) ĠU L 171, 6.7.1994, p. 7.

2.1.2. L-Istati Membri għandhom joħorġu l-permess speċjali għas-sajd tal-merluzz imsemmi fil-paragrafu 2.1.1. biss lill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li fl-2006 kellhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku skond il-punt 6.2.1 ta' Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 27/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistipula għall-2005 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għall-bastimenti tal-Komunità, f'ilmijiet fejn huma rekwiżiti l-limitazzjonijiet dwar il-qbid [1]. Madankollu, Stat Membru jista' joħroġ permess speċjali għas-sajd għall-merluzz għal bastiment tas-sajd tal-Komunità, li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, li m'għandux permess speċjali tas-sajd fl-2006 jekk dan jiżgura li almenu kapaċità ekwivalenti, imkejla f'kilowats (kW), tinżamm milli tistad fil-Baħar Baltiku bi kwalunkwe tagħmir imsemmi fil-punt 2.1.1.

2.1.3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jżomm lista ta' bastimenti tas-sajd li għandhom permess speċjali biex jistadu għall-merluzz fil-Baħar Baltiku u jqiegħda fuq is-sit uffiċjali ta' l-internet tiegħu biex tkun disponibbli għall-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra li jdawru l-Baħar Baltiku.

2.1.4. Il-kap ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu/tagħha, li Stat Membru ħariġlu permess speċjali għas-sajd tal-merluzz fil-Baħar Baltiku, għandu jżomm kopja ta' dan il-permess abbord il-bastiment tas-sajd.

2.2. *Ġurnali ta' abbord*

2.2.1. B'deroga mill-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li għandhom tul globali ekwivalenti għal jew akbar minn 8 m għandhom iżommu ġurnal ta' abbord dwar l-operazzjonijiet tagħhom meta vjaġġ ta' sajd jinkludi kwalunkwe parti mis-Subdiviżjonijiet 22-27 skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2.2.2. Għal bastimenti tas-sajd mgħammra bil-VMS, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw li t-tagħrif irċevut fiċ-ċentru għall-Monitoraġġ tas-sajd (FMC — Fisheries Monitoring Centre) jikkorrispondi għall-attivitajiet irreġistrati fil-ġurnal ta' abbord permezz tad-data VMS. Dawk l-ispezzjonijiet għandhom jitniżżlu f'forma li tinqara mill-kompjuter għal perijodu ta' tliet snin.

2.2.3. Kull Stat Membru għandu jżomm u jagħmel disponibbli fil-websajt uffiċjali tiegħu, id-dettalji ta' kuntatt għat-tressiq tal-ġurnali ta' abbord, id-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art u notifiki minn qabel kif speċifikat fil-punt 2.6 ta' dan l-Anness.

2.3. *Marġni ta' tolleranza fil-ġurnal ta' abbord*

2.3.1. B'deroga mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2807/83, il-marġni permess ta' tolleranza fl-estimi tal-kwantitajiet, f'kilogrammi, ta' speċi soġġetti għat-TAC li huma miżmuma abbord għandu jkunu ta' 10 % taċ-ċifra fil-ġurnal ta' abbord minbarra għal merluzz, li għalih il-marġni ta' tolleranza jkun ta' 8 %.

2.3.2. Għal qabdiet meħuda fis-Subdiviżjonijiet 22 sa 27 li jinħattu l-art imħallta, il-marġni ta' tolleranza fl-estimu tal-kwantitajiet għandha tkun ta' 10 % tal-kwantità totali li tinżamm abbord.

2.4. *Il-Monitoraġġ u l-Kontroll ta' l-Isforz tas-Sajd*

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera għandhom jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-konformità ma':

a) il-limiti fuq l-isforzi tas-sajd ipprovduti fl-Anness II, il-punti 1.1 u 1.2.

b) ir-restrizzjonijiet fuq is-sajd ipprovduti fil-punt 1 ta' dan l-Anness.

[1] ĠU L 12, 14.1.2005, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1936/2005 (ĠU L 311, 26.11.2005, p. 1).

2.5. *Id-Dħul ġewwa Żoni Speċifiċi jew il-Ħruġ Minnhom*

2.5.1. Bastiment tas-sajd jista' jibda l-attività tas-sajd tiegħu fl-ilmijiet Komunitarji kemm fis-Subdiviżjonijiet 22-24 (Żona A) kif ukoll fis-Subdiviżjoni 25-27 (Żona B) b'inqas minn 175 kg ta' merluzz abbord.

2.5.2. Meta bastiment tas-sajd joħroġ miż-Żona A, miż-Żona B jew miż-Subdiviżjoni 28-32 (Żona Ċ) b'aktar minn 175 kg ta' merluzz abbord, għandu:

a) imur direttament lejn port ġewwa ż-Żona fejn kien qed jistad u jħott il-ħut l-art, jew

b) imur direttament lejn port barra miż-Żona fejn kien qed jistad u jħott il-ħut l-art, jew

2.5.3. Meta jħalli ż-Żona fejn il-bastiment tas-sajd kien qed jistad, ix-xbieki għandhom jiġu stivati skond il-kondizzjonijiet li ġejjin sabiex ma jkunux jistgħu jintużaw faċilment:

a) xbieki, piżijiet, u rkaptu simili għandhom jitneħħew mit-twavel tax-xbieki u fili u ħbula ta' l-irmonk jew ġbid,

b) ix-xbieki mgħobbija fuq jew 'l fuq mill-gverta għandhom ikunu marbuta fis-sod ma' parti mill-istruttura ta' fuq tal-bastiment.

2.5.4. Il-punti 2.5.1, 2.5.2 u 2.5.3 m'għandhomx japplikaw għal bastimenti mgħammra bil-VMS skond l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KE) Nru 2244/2003. Madankollu, tali bastimenti għandhom jitrasmettu r-rapport tal-qbid tagħhom ta' kuljum liċ-Ċentru għall-Monitoraġġ tas-Sajd tal-bandiera ta' l-Istat Membru, previst mill-Artikolu 3(7) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, għall-inklużjoni fid-*database* kompjuterizzata tiegħu.

2.6. *Notifika minn qabel*

2.6.1. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju li ħiereġ mis-Subdiviżjoni 22-24 (Żona A), is-Subdiviżjoni 25-27 (Żona B) jew is-Subdiviżjoni 28-32 (Żona C) b'iktar minn 300 kg f'piż ħaj ta' merluzz abbord, sagħtejn qabel joħroġ miż-Żona, ghandu jinnotifika l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera b'dawn li ġejjin:

a) il-ħin u l-pożizzjoni tal-ħruġ,

b) il-kwantita totali ta' merluzz u l-piż totali ta' speċji oħra f'piż ħaj miżmuma abbord.

2.6.2. In-notifika msemmija fil-punt 2.6.1. tista' ssir ukoll minn rappreżentant f'isem il-kaptan tal-bastiment tas-sajd.

2.6.3. B'deroga mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jżomm aktar minn 300 kg f'piż ħaj ta' merluzz, għallinqas sagħtejn qabel ma jidħlu f'xi post ta' ħatt, għandu jgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn se jinħatt l-art dwar:

a) l-isem tal-post fejn ikun se jinħatt;

b) il-ħin stmat tal-wasla f'dak il-post tal-ħatt.

ċ) il-kwantita totali ta' merluzz u l-piż totali ta' speċji oħra f'piż ħaj miżmuma abbord.

2.7. *Portijiet dežinjati*

2.7.1. Meta bastiment tas-sajd iżomm iżjed minn 750 kg ta' piż ħaj ta' merluzz, dak il-merluzz jista' jiġi żbarkat esklussivament fil-portijiet magħżula.

2.7.2. Kull Stat Membru jista' jiddežinja portijiet fejn kwalunkwe kwantità ta' merluzz Baltiku li tisboq is-750 kg f'piż ħaj għandha tinħatt l-art.

2.7.3. Sas-6 ta' Jannar 2007, kull Stat Membru li stabbilixxa lista ta' portijiet dežinjati, għandu jżomm u jagħmel disponibbli lista tal-portijiet dežinjati fuq il-websajt uffiċjali tiegħu.

2.8. *L-użin tal-merluzz li jinħatt l-ewwel*

2.8.1. Il-bastimenti tas-sajd b'iktar minn 200 kg ta' merluzz f'piż ħaj abbord ma għandhomx jibdew iħottu sakemm jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-post fejn qed isir il-ħatt l-art.

2.8.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jirrikjedu li xi kwantità ta' merluzz maqbuda fil-Baħar Baltiku u li tniżżlet l-ewwel f'dak l-Istat Membru tintiżen fil-preżenza tal-kontrolluri qabel ma tinġarr f'post ieħor mill-port fejn tniżżlet l-ewwel.

2.9. *Punti ta' Riferiment għall-Ispezzjoni*

Kull Stat Membru mal-Baħar Baltiku għandu jistipula punti ta' riferiment speċifiċi għall-ispezzjoni. Dawk il-punti ta' riferiment għandhom ikunu riveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba. Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni għandhom jinbidlu progressivament sakemm jintlaħqu l-punti ta' riferiment fil-mira definiti fl-Appendiċi 1.

2.10. *Projbizzjoni fuq tranżitu u trażbord*

2.10.1. It-tranżitu f'żoni magħluqa għas-sajd tal-merluzz huwa pprojbit sakemm it-tagħmir tas-sajd abbord ikun marbut sewwa u stivat skond il-punt 2.5.3.

2.10.2. It-trasbord tal-merluzz huwa projbit.

2.11. *Trasport tal-merluzz Baltiku*

B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li għandu tul globali ekwivalenti għal tmien metri jew itwal, għandu jimla dikjarazzjoni tal-ħatt l-art meta l-ħut jiġi ttrasportat lejn post li mhux dak tal-ħatt l-art jew ta' l-importazzjoni.

Id-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art għandha takkumpanja d-dokumenti tat-trasport ipprovduti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2.12. *Sorveljanza konġunta u skambju ta' l-ispetturi*

2.12.1. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jimpenjaw ruħhom li jwettqu spezzjonijiet u attivitajiet ta' sorveljanza konġunti. L-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) għandha tikkoordina l-ippjanar u l-funzjonament ta' dawn l-attivitajiet mill-Istati Membri.

2.12.2. L-ispetturi tal-Kummissjoni jistgħu jipparteċipaw f'dawn l-ispezzjonijiet u l-attivitajiet ta' sorveljanza konġunti.

2.12.3. Għandha tiġi msejħa laqgħa ta' l-awtoritajiet ta' spezzjoni nazzjonali kompetenti mis-CFCA qabel il-15 ta' Novembru 2007 biex jiġi kkordinat il-programm ta' spezzjoni u sorveljanza konġunta għall-2008.

2.13. *Programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll fuq is-sajd tal-merluzz*

2.13.1. Programmi ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddefinixxi programm ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll għall-Baħar Baltiku skond l-Appendiċi 2.

2.13.2. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jistipula punti speċifiċi ta' riferiment skond l-Appendiċi I. Tali punti ta' riferiment għandhom jiġu riveduti perjodikament wara li ssir analiżi tar-riżultati miksuba. Il-punti ta' riferiment għall-ispezzjoni għandhom jinbidlu progressivament sakemm jintlaħqu l-punti ta' riferiment fil-mira definiti fl-Appendiċi 2.

2.13.3. Qabel il-31 ta' Jannar 2007, kull Stati Membru konċernat għandu jqiegħed fuq is-sit uffiċjali tiegħu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra li jdawru l-Baħar Baltiku, il-programm ta' azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll imsemmi fil-punt 2.14.1, flimkien ma' skeda dwar l-implimentazzjoni.

2.13.4. Il-Kummissjoni għandha ssejjaħ laqgħa tal-Kumitat tas-Sajd u l-Akkwakultura biex tevalwa l-konformità ma' u r-riżultati tal-programmi ta' l-azzjoni nazzjonali dwar il-kontroll għall-ħażniet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku.

2.14. *Programm ta' monitoraġġ speċifiku*

2.14.1. B'deroga mill-Artikolu 34ċ(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, il-programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni għall-ħażniet tal-merluzz ikkonċernati jista' jdum iktar minn tliet snin.

3. **Restrizzjonijiet fuq is-sajd għall-barbun u l-merluzz**

3.1. Iż-żamma abbord ta' l-ispeċi ta' ħut li ġejjin li huma maqbuda fiż-żoni ġeografiċi u matul il-perijodi msemmija hawn taħt għandhom jiġu pprojbiti:

Speċijiet	Żona Ġeografika	Perijodu
Barbun (*Platichthys flesus*)	Suddiviżjonijiet 26 sa 28, 29 Nofs-in-nhar ta' 59° 30′ N	il-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju
	Sottodiviżjoni 32	15 ta' Frar sal-31 ta' Mejju
Merluzz (*Psetta maxima*)	Suddiviżjonijiet 25 sa 26, 28 Nofs-in-nhar ta' 56° 50′ N	1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju

3.2. B'deroga mill-punt 3.1, meta jkun qed isir sajd bix-xbiek tat-tkarkir, b'tartaruni Daniżi u b'tagħmir simili biddaqs ta' malji daqs jew akbar minn 105 mm jew b'għeżul mitfugħa fil-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti ta' malji li d-daqs tagħhom hu daqs jew akbar minn 100 mm, qabdiet sekondarji ta' barbun u merluzz jistgħu jinżammu abbord jew jitħattu f'limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabda shiha miżmuma abbord jew jitħattu matul il-perijodi ta' projbizzjoni msemmija f'dak il-punt.

Appendiċi 1 għall — Anness III

Punti speċifiċi ta' riferiment

Għan

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punti speċifiċi ta' riferiment skond dan l-Anness.

Strateġija

2. L-ispezzjoni u s-sorveljanza ta' l-attivitajiet tas-sajd għandhom jikkonċentraw fuq bastimenti li x'aktarx jistadu għall-merluzz. Spezzjonijiet każwali tat-trasport u l-kummerċjalizzazzjoni tal-merluzz għandhom jintużaw bħala mekkaniżmu komplimentari ta' konferma biex jiċċekkja l-effettività ta' l-ispezzjoni u s-sorveljanza.

Prijoritajiet

3. Tipi differenti ta' tagħmir għandhom ikunu soġġetti għal livelli differenti ta' prijoritizzazzjoni skond il-punt sa fejn il-flotot ikunu affettwati mil-limiti fuq l-opportunitajiet tas-sajd. Minħabba f'hekk, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi prijoritajiet speċifiċi.

Teħid ta' kampjuni

4. Kull Stat Membru għandu jispeċifika u jiddeskrivi liema strateġija ta' teħid ta' kampjuni għandha tiġi applikata.

Fuq talba, il-Kummissjoni jista' jkollha aċċess għall-pjan ta' teħid ta' kampjuni li jintuża mill-Istat Membru.

Punti ta' riferiment fil-mira

5. Sat-22 ta' Jannar 2007, kull Stat Membru għandu jimplimenta l-iskedi ta' spezzjoni tiegħu filwaqt li jqis il-miri stabbiliti hawn taħt.

a) Livell ta' spezzjoni fil-portijiet

B'regola ġenerali, l-eżattezza li għandha tintlaħaq għandha tkun għallinqas ekwivalenti għal dak li jinkiseb minn metodu sempliċi każwali għat-teħid tal-kampjuni, fejn l-ispezzjonijiet għandhom ikopru 20 % tal-piż tal-merluzz li jinħatt l-art u jkopru l-postijiet kollha fejn jinħatt l-art.

b) Livell ta' spezzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni

Spezzjoni ta' 5 % tal-kwantitajiet ta' merluzz offruti għall-bejgħ bl-irkant.

ċ) Livell ta' spezzjoni fuq il-baħar

Punt ta' riferiment flessibbli: għandu jiġi stabbilit wara analiżi ddettaljata ta' l-attività tas-sajd f'kull żona. Il-punti ta' riferiment fuq il-baħar għandhom jirreferu n-numru ta' jiem ta' għassa fuq il-baħar fiż-żoni tal-ġestoni tal-merluzz, possibbilment b'punt ta' riferiment separat għal jiem ta' sorveljanza f'żoni speċifiċi.

d) Livell ta' sorveljanza mill-ajru

Punt ta' riferiment flessibbli: għandu jiġu stabbilit wara analiżi dettaljata ta' l-attività tas-sajd kondotta f'kull żona u filwaqt li jitqiesu r-riżorsi disponibbli għall-Istati Membri.

Appendiċi 2 għall — Anness III

Programmi nazzjonali ta' azzjoni ta' kontroll fuq is-sajd tal-merluzz

Programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom, fost oħrajn, jispeċifikaw dan li ġej.

1. **IL-MEZZI TAL-KONTROLL**

Riżorsi umani

1.1. L-għadd ta' spetturi fuq l-art u fuq il-baħar u l-perjodi u ż-żoni fejn se jiġu mmobilizzati.

Riżorsi tekniċi

1.2. In-numru ta' bastimenti u inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza u l-perjodi u ż-żoni fejn se jiġu mmobilizzati.

Ir-riżorsi finanzjarji

1.3. L-allokazzjoni tal-baġit għall-użu tar-riżorzi umani, il-bastimenti u l-inġenji ta' l-ajru għas-sorveljanza.

2. **REĠISTRAR U RAPPURTAR ELETTRONIKU TA' INFORMAZZJONI MARBUTA MA' ATTIVITAJIET TAS-SAJD**

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex tkun żgurata l-konformità mal-Punti 2.4., u 2.6. ta' l-Anness III.

3. **DEŻINJAZZJONI TAL-PORTIJIET**

Kull fejn rilevanti, lista tal-portijiet deżinjati għall-ħatt l-art tal-merluzz skond il-punt 2.7. ta' l-Anness III.

4. **NOTIFIKA DWAR ID-DĦUL U L-ĦRUĠ**

Deskrizzjoni tas-sistemi implimentati biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 2.5. ta' l-Anness III.

5. **KONTROLL TAL-ĦATT L-ART**

Deskrizzjoni ta' kwalunkwe faċilità jew sistema implimentata biex tiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet fil-punti 2.2., 2.3., 2.8., u 2.11. ta' l-Anness III.

6. **PROĊEDURI TA' SPEZZJONI**

Il-programmi nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll għandhom jispeċifikaw il-proċeduri li għandhom jissegwew:

a) waqt li jsiru spezzjonijiet fuq il-baħar u fl-art;

b) għall-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti deżinjati minn Stati Membri oħra bħala responsabbli għall-programm nazzjonali ta' azzjoni għall-kontroll tal-merluzz;

ċ) għas-sorveljanza u l-iskambju ta' spetturi, inkluż l-ispeċifikazzjoni tas-setgħat u l-awtorità ta' spetturi li joperaw f'ilmijiet ta' Stati Membri oħra.

32006R1942

L 367/18 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 22.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1942/2006

tat-12 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 171 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) L-Impriża Konġunta Galileo ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 876/2002 [3] biex ttemm il-fażi ta' żvilupp u thejji għall-fażijiet sussegwenti tal-programm Galileo. Skond kif jinsab il-programm Galileo bħalissa, il-fażi ta' żvilupp mhix ser tintemm qabel tmiem l-2008.

(2) L-Awtorità ta' Viġilanza Ewropea tal-GNSS (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità"), ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 [4], biex tiġġestixxi l-interessi pubbliċi relatati mal-programmi Ewropej tal-GNSS u biex taġixxi bħala l-awtorità regolatorja għall-programm matul il-fażijiet ta' preparazzjoni u operazzjoni tal-programm Galileo.

(3) L-Awtorità hija f'pożizzjoni li tieħu f'idejha l-attivitajiet kollha li qed jitwettqu bħalissa mill-Impriża Konġunta Galileo matul l-2006 u sussegwentement ittemmhom. L-estensjoni taż-żmien ta' l-Impriża Konġunta lil hinn mill-2006 jkun għaldaqstant inutli u ta' spiża żejda vis a vis l-effettività. Huwa għalhekk xieraq li l-Impriża Konġunta Galileo tiġi xolta u li, qabel dan, l-attivitajiet tagħha jiġu trasferiti għall-Awtorità qabel it-tmiem tal-fażi ta' żvilupp.

(4) Huwa wkoll xieraq li jiġu assenjati b'mod espliċitu lill-Awtorità l-kompiti fdati f'idejn l-Impriża Konġunta Galileo qabel ix-xoljiment tagħha, flimkien mal-kompitu li tattendi, fejn xieraq u li taġixxi skond deċiżjoni mill-Bord Amministrattiv ta' l-Impriża Konġunta Galileo, għall-proċedimenti involuti fix-xoljiment ta' l-Impriża Konġunta wara l-31 ta' Diċembru 2006. Huwa wkoll meħtieġ li l-Awtorità tiġi fdata bil-kompitu li twettaq ir-riċerka kollha li tkun ta' benefiċċju għall-programmi Ewropej tal-GNSS.

(5) Madankollu, it-teħid ta' kontroll tat-tmexxija tal-fażi ta' żvilupp mill-Impriża Konġunta Galileo mhux elenkat bħala wieħed mill-kompiti ta' l-Awtorità kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004, dak l-Artikolu lanqas ma jsemmi attivitajiet ta' riċerka jew ħidma li l-Awtorità tista' tintalab twettaq jew tiffinanzja tul il-fażijiet ta' żvilupp, preparazzjoni u operazzjoni tal-programm.

(6) Konsegwentement, sabiex jiġu żgurati l-kontinwità tal-programm Galileo u t-trasferiment mingħajr tfixkil ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta Galileo għall-Awtorità, l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandu jiġi emendat għaldaqstant.

(7) Barra minn hekk, għall-fini ta' konsistenza, għandu jsir provvediment biex l-Awtorità ssir il-proprjetarja tal-beni tanġibbli u intanġibbli miżmuma mill-Impriża Konġunta Galileo fil-waqt tax-xoljiment tagħha, u mhux fi tmiem il-fażi ta' żvilupp. Għandu wkoll isir provvediment biex l-Awtorità tkun il-proprjetarja tal-beni tanġibbli u intanġibbli li jiġu maħluqa jew żviluppati matul il-fażi ta' żvilupp wara x-xoljiment ta' l-Impriża Konġunta. Minbarra dan, għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-modalitajiet għat-trasferiment.

(8) Minbarra dan, sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' differenzi fl-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1321/2004, jeħtieġ ukoll li jiġi speċifikat li l-beni tanġibbli u intanġibbli maħluqa jew żviluppati mid-detentur tal-konċessjoni matul il-fażijiet ta' preparazzjoni u operazzjoni jinkludu dawk maħluqa jew żviluppati mis-sottokuntratturi tiegħu jew mill-impriżi li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħu jew mis-sottokuntratturi tagħhom. Jeħtieġ ukoll li jiġi speċifikat li l-pussess tal-beni tkopri d-drittijiet għat-trejdmark u d-drittijiet l-oħra kollha ta' proprjetà intellettwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1 [5] tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 772/2004 tas-27 ta' April 2004 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għall-kategoriji ta' ftehim dwar trasferiment ta' teknoloġijau l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' l-14 ta' Lulju 1967 li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali.

[1] Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2006 (għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1.

[4] ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

[5] ĠU L 123, 27.4.2002, p. 11.

(9) Finalment, minħabba r-rwol fundamentali ta' l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fil-konċepiment u l-iżvilupp tas-sistemi, li jimplika konsiderazzjoni u għarfien ta' l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà u s-sigurezza ta' dawk is-sistemi, l-ESA għandha tiġi rappreżentata bħala osservatur fil-Bord Amministrattiv u l-Kumitat ta' Sigurtà u Sigurezza tas-Sistema. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet simili għandhom isiru fir-rigward tar-rappreżentazzjoni tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Ġholi (SĠ/RGħ) fil-Bord Amministrattiv.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(1), għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(k) bil-għan tat-tmiem tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-programm Galileo, hija għandha tieħu f'idejha, mhux aktar tard mit-tmiem taż-żmien ta' l-Impriża Konġunta Galileo, il-kompiti assenjati lil din ta' l-aħħar mill-Artikoli 2, 3 u 4 ta' l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 (*). Hija għandha, fejn xieraq u filwaqt li taġixxi skond deċiżjoni mill-Bord Amministrattiv ta' l-Impriża Konġunta Galileo, tattendi l-proċedimenti involuti fix-xoljiment ta' l-Impriża Konġunta wara l-31 ta' Diċembru 2006;

(l) hija għandha twettaq ir-riċerka kollha li tkun ta' benefiċċju għall-iżvilupp u l-promozzjoni tal-programmi Ewropej tal-GNSS."

(*) ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1.

(2) L-Artikolu 3(1) u (2) għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. Mit-tmiem taż-żmien ta' l-Impriża Konġunta Galileo, kif msemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 876/2002 u fl-Artikolu 20 ta' l-Anness tiegħu, l-Awtorità għandha tkun il-proprjetarja tal-beni kollha tanġibbli u intanġibbli maħluqa jew żviluppati matul il-fażi kollha ta' żvilupp, inklużi dawk li jappartjenu lill-Impriża Konġunta Galileo skond l-Artikolu 6 ta' l-Anness ta' dak ir-Regolament u dawk maħluqa jew żviluppati mill-Aġenzija Spazjali Ewropea u mill-entitajiet inkarigati mill-attivitajiet għall-iżvilupp tal-programm minn din ta' l-aħħar jew mill-Impriża Konġunta Galileo.

2. L-Awtorità għandha tkun il-proprjetarja tal-beni kollha tanġibbli u intanġibbli maħluqa jew żviluppati mid-detentur tal-konċessjoni matul il-fażijiet ta' preparazzjoni u operazzjoni, inklużi dawk maħluqa jew żviluppati mis-sottokuntratturi tiegħu jew mill-impriżi li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħu jew mis-sottokuntratturi tagħhom.

3. Id-drittijiet tal-pussess għandhom jinkludu d-drittijiet kollha tal-proprjetà intellettwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 772/2004 tas-27 ta' April 2004fuq l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għall-kategoriji ta' ftehim dwar it-trasferiment ta' teknoloġija (*) kif ukoll id-drittijiet kollha ta' proprjetà skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' l-14 ta' Lulju 1967 li tistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali, u b'mod partikolari d-drittijiet għat-trejdmark.

4. Il-modalitajiet għat-trasferimenti tal-beni tanġibbli u intanġibbli li jappartjenu lill-Impriża Konġunta Galileo skond l-Artikolu 6 ta' l-Anness għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002, ser jiġu stabbiliti waqt il-proċediment tax-xoljiment kif stabbilit fl-Artikolu 21 ta' l-Anness ta' dak ir-Regolament.

5. Il-ftehim konkluż bejn l-Awtorità u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), skond l-Artikolu 3 ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 876/2002, jista' jipprevedi l-modalitajiet li għandhom jiġu eżerċitati, mill-ESA f'isem l-Awtorità, id-dritt ta' pussess mogħti lill-Awtorità mill-Paragrafu 1.

6. Il-kuntratt ta' konċessjoni jista' jipprevedi l-modalitajiet biex jiġi eżerċitat, mid-detentur tal-konċessjoni f'isem l-Awtorità, id-dritt ta' pussess mogħti lill-Awtorità mill-Paragrafu 1."

(*) ĠU L 123, 27.4.2004, p. 11.

(3) L-Artikolu 3(3) għandu jiġi numerat mill-ġdid u jsir 3(7).

(4) Fl-Artikolu 5(2), is-sub-paragrafu l-ġdid li għandu jiġi miżjud:

"Rappreżentant tas-SĠ/RGħ u rappreżentant ta' l-ESA għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord bħala osservaturi."

(5) L-Artikolu 10 (1), għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Bord Amministrattiv għandu jistabbilixxiKumitat għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Sistema. Dan għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru u wieħed għall-Kummissjoni minn fost esperti ta' sigurezza rikonoxxuti. Rappreżentant tas-SĠ/RGħ u rappreżentant ta' l-ESA għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord bħala osservaturi."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S.HUOVINEN

32006R1943

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1943/2006

tat-12 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 876/2002 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta GALILEO

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 171 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) L-Impriża Konġunta Galileo ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 876/2002 [3] tal-21 ta' Mejju 2002, għall-implimentazzjoni tal-fażi ta' żvilupp u għat-tħejjija tal-fażijiet suċċessivi tal-programm Galileo.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 876/2002 jipprovdi li l-Impriża Konġunta Galileo tkun stabbilita għal perijodu ta' erba' snin, li jikkorrispondi għall-fażi ta' żvilupp, dan il-perijodu kien inizjalment maħsub li jkopri s-snin mill-2002 sa l-2005 inklużi.

(3) Madankollu, skond kif inhu l-programm Galileo attwalment, il-fażi ta' żvilupp mhux ser tkun lesta qabel tmiem l-2008. Barra minn hekk, jidher li estensjoni ta' l-Impriża Konġunta Galileo lil hinn mill-2006 tkun inutli u għalja, billi l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS [*], stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 [4] tat-12 ta' Lulju 2004 ser tkun tista' gradwalment tieħu kontroll, matul is-sena 2006, u mbagħad ittemm l-attivitajiet kollha li attwalment qed jitwettqu mill-Impriża Konġunta Galileo.

(4) Sabiex l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS tkun tista' tieħu f'idejha l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta Galileo bl-aħjar mod, huwa madankollu mixtieq li ż-żewġ strutturi jeżistu flimkien għal ftit xhur u li l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS tkun assoċjata mill-qrib ma' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta Galileo matul dan il-perijodu.

(5) Għaldaqstant jidher raġonevoli li jkun previst li l-Impriża Konġunta Galileo tieqaf taħdem fil-31 ta' Diċembru 2006.

(6) Barra minn hekk, sabiex jiġu kkoreġuti l-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Galileo adottati bir-Regolament (KE) Nru 876/2002, li fih diversi dispożizzjonijiet skorretti jew ambigwi, dawk l-Istatuti għandhom jiġu emendati.

(7) Il-proċeduri ta' emendar rilevanti ġew segwiti skond ir-Regolament (KE) Nru 876/2002.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 876/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 876/2002 il-frażi "għal perijodu ta' erba' snin" tiġi mibdula bil-frażi "sal-31 ta' Diċembru 2006".

Artikolu 2

L-Istatuti ta' l-Impriża Konġunta Galileo annessi mar-Regolament (KE) Nru 876/2002 huma emendati kif ġej:

1) L-Artikolu 1(4) qed jiġi mibdul bit-test li ġej:

"4. Il-fondi ta' l-Impriża Konġunta għandhom jikkonsistu mill-kontribuzzjonijiet tal-membri tagħha. Jistgħu jiddaħlu assi in natura. Dawn għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-valur tagħhom u l-utilità tagħhom fit-twettieq ta' l-attivitajiet ta' l-Impriża Konġunta.

[1] Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1.

[*] GNSS: Global Navigation Satellite Systems — Sistemi Globali għan-Navigazzjoni bis-Satellita.

[4] ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

Il-membri fundaturi għandhom jissottoskrivu l-ishma tagħhom tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji sal-limitu ta' l-ammonti indikati fl-impenji rispettivi tagħhom ta' EUR 520 miljun għall-Komunità Ewropea u EUR 50 miljun għall-Aġenżija Spazjali Ewropea. Dawn jistgħu, kif meħtieġ, jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali biex jiffinanzjaw il-fażi ta' żvilupp.

Malli l-Kummissjoni tkun infurmat lill-Kunsill bir-riżultat tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti bl-appalt, il-Bord Amministrattiv għandu minnufih jistieden lill-impriżi msemmija fittieni inċiż tal-paragrafu 3(b) biex jissottoskrivu. L-impriżi huma meħtieġa li jissottoskrivu EUR 5 miljun fi żmien perjodu ta' sena. Dak l-ammont għandu jitnaqqas għal EUR 250 000 għal impriżi, li jissottoskrivu individualment jew kollettivament, li jistgħu jitqiesu bħala intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju skond it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 1996 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (*).

Il-Bord Amministrattiv għandu jiddeċiedi dwar l-ammonti ta' dawn il-kontribuzzjonijiet li għandu jiġi rilaxxat fi proporżjon mas-sehem tal-kontribuzzjoni finanzjarja sottoskritta minn kull membru. Kull membru ta' l-Impriża Konġunta li jonqos milli jħares l-impenji tiegħu dwar id-dħul ta' l-assi in natura jew li ma jirrilaxxax l-ammont dovut fil-limiti ta' żmien preskritti għandu, bħala l-ewwel pass, jiġi skwalifikat milli jivvota fil-Bord Amministrattiv u, wara sitt xhur, is-sħubija għandha titħassar sa dak iż-żmien li obbligazzjonijiet tiegħu jkunu tħarsu.

L-impenji finanzjarji ta' l-Impriża Konġunta m'għandhomx jeċċedu l-ammont ta' kontribuzzjonijiet għad-dispożizzjoni tagħha.

(*) ĠU L 107, 30.4.1996, p. 4."

2) Fl-Artikolu 8(1)(b), it-tieni sentenza qed tiġi mibdula bissentenza li ġejja:

"Kull membru ta' l-Impriża Konġunta għandu jkollu numru ta' voti b'mod proporzjonat għas-sehem tal-kontribuzzjonijiet sottoskritti minnu.";

3) L-Artikolu 20 qed jiġi mibdul bit-test li ġej:

"Artikolu 20

L-Impriża Konġunta għandha tkun stabbilita għal perijodu li jibda fit-28 ta' Mejju 2002 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2006."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
S. HUOVINEN

32006R1945

22.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 367/25

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 1945/2006

tal-11 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 li jistabbilixxi l-kategoriji ta' uffiċjali li jkunu ntitolati għal, u l-kondizzjonijiet għal, u r-rati ta', *allowances* għal xogħol regolari ta' *stand-by*

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet

Ewropej u l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet, stabbiliti fir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 [1], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005, u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 56b tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, preżentata wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Billi rr-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 [2] jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġi adattat għall-bidliet fil-bżonnijiet għal servizzi regolari ta' *stand-by* fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) L-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1) għandu jinbidel b'li ġej:

"Uffiċjali

— mħallsa mill-approprjazzjonijiet fl-estimi għal riċerka u investiment u impjegati fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka jew f'azzjoni indiretta, jew

— mħallsa minn approprjazzjonijiet fl-estimi operattivi u impjegati sabiex imexxu jew jissorveljaw istallazzjonijiet tekniċi jew impjegati f'dipartiment tas-sigurtà, f'servizz ieħor involut fl-eżekuzzjoni ta' funzjonijiet ta' sigurtà, f'dipartiment ta' servizzi tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-operazzjonijiet tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD) jew għal arranġamenti ta' koordinament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżi jew f'servizzi fejn ikun hemm il-bżonn konfermat ta' servizzi regolari ta' *stand-by* għall-eżekuzzjoni ta' kompiti fil-qafas ta' mekkaniżmu stabbilit sabiex jagħti assistenza lill-Istati Membri tul 24 siegħa kuljum,

għandhom ikunu intitolati għal *allowance* meta jkunu regolarment meħtieġa sabiex jagħmlu xogħol ta' *stand-by* skond l-Artikolu 56b tar-Regolamenti tal-Persunal."

2) L-Artikolu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 3*

F'April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill rapport dwar in-numru ta' uffiċjali u ħaddiema f'kull kategorija li jkunu rċevew l-*allowance* imsemmija f'dan ir-Regolament, b'referenza speċjali għall-każijiet fejn l-*allowance* tkun ingħatat taħt id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 1(1)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

---

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 31/2005 (ĠU L 8, 12.1.2005, p. 1).

[2] ĠU L 66, 12.3.1977, p. 1. IR-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 859/2004 (ĠU L 161, 30.4.2004, p. 23).

22006D0999

L 367/68 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 22.12.2006

DEĊIŻJONI Nru 2/2006 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI KE-TURKIJA

tas-17 ta' Ottubru 2006

li temenda l-Protokoll 1 u 2 tad-Deċiżjoni Nru 1/98 dwar ir-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli

(2006/999/KE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI KE-TURKIJA,

Waqt li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija [1],

Wara li kkunsidra l-Protokoll għall-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija [3] tal-25 ta' Frar 1998 dwar ir-reġim tal-kummerċ għall-prodotti agrikoli tistabbilixxi r-reġim preferenzjali applikabbli għall-kummerċ fi prodotti agrikoli bejn il-Komunità u t-Turkija. Il-Protokoll 1 ta' dik id-Deċiżjoni fih dettalji tar-reġim preferenzjali li għandu jiġi applikat mill-Komunità għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli li joriġinaw mit-Turkija. Il-Protokoll 2 ta' dik id-Deċiżjoni fih dettalji tar-reġim preferenzjali li għandu jiġi applikat mill-Komunità għall-importazzjoni tal-prodotti agrikoli li joriġinaw mill-Komunità.

(2) Il-Komunità u t-Turkija ("il-Partijiet") kellhom konsultazzjonijiet u ftehmu li jadattaw ir-reġim preferenzjali biex jitqies it-tkabbir riċenti tal-Komunità.

(3) L-Annessi rilevanti għall-Protokolli 1 u 2 għad-Deċiżjoni Nru 1/98 għandhom jinbidlu b'Annessi kkonsolidati ġodda li jirriflettu l-ftehim tal-Partijiet dwar l-adattazzjoni tagħhom u ċerti żviluppi tekniċi fir-rigward tal-kodiċi tariffarji.

(4) Huwa l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jiddeċiedi fuq il-firxa tat-trattament preferenzjali mogħti lil xulxin mill-Partijiet u l-arranġamenti għal dan.

(5) Id-Deċiżjoni 1/98/KE għandha għalhekk tiġi emendata għaldaqstant,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni Nru 1/98 hija b' dan emendata kif ġej:

1) L-Anness 1 għall-Protokoll 1 għandu jiġi mibdul bit-test fl-Anness I hawnekk;

2) L-Anness għall-Protokoll 2 għandu jiġi mibdul bit-test fl-Anness II hawnekk.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-ewwel jum tax-xahar wara l-ġurnata ta' l-adozzjoni tagħha.

[1] ĠU 217, 29.12.1964, p. 3687.
[2] ĠU L 293, 29.12.1972, p. 4.
[3] ĠU L 86, 20.3.1998, p. 1.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS I

"ANNESS 1

ARRANĠAMENTI APPLIKABBLI GĦALL-IMPORTAZZJONI ĠEWWA L-KOMUNITÀ TAL-PRODOTTI AGRIKOLI LI JORIĠINAW MIT-TURKIJA

Għall-għanijiet ta' dan l-Anness, it-terminu CCT ifisser ir-rati li jidhru fil-kolonna 3 tat-Tieni Parti jew it-Tielet Parti, Taqsima I ta' Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistiċi u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1].

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Dazju CCT *ad valorem*		Dazju speċifiku		
		Tnaqqis tad-dazju (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju ġewwa l-kwota (EUR/t)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju iktar mill-kwota (EUR/t)
0204	Laħam tan-ngħaġ u tal-mogħoż	100	—	0	200 (l-ekwivalenti tal-piż tal-karkassa)	
0207 25 10 0207 25 90	Laħam tad-dundjan, mhux imqatta' f'biċċiet, iffriżat			170 186	1 000	
0207 27 30 0207 27 40 0207 27 50 0207 27 60 0207 27 70	Laħam tad-dundjan, il-ġewwieni minbarra l-fwied, iffriżat			134 93 339 127 230		
0406 90 29	Kashkaval			0	2 300	671,9
0406 90 31	Ġobon minn ħalib tan-nagħaġ jew minn ħalib tal-buflu f'konteniturі bis-salmura, jew fil-fliexken tal-ġilda tan-nagaġ jew tal-ġilda tal-mogħoż					
0406 90 50	Ġobon ieħor tan-nagħaġ jew minn ħalib tal-buflu f'konteniturі bis-salmura, jew fil-fliexken tal-ġilda tan-nagaġ jew tal-ġilda tal-mogħoż					
ex 0406 90 86 ex 0406 90 87 ex 0406 90 88	Tulum Peyniri, minn ħalib tan-nagħaġ jew minn ħalib tal-buflu, fil-plastik individwali jew xi pakkettjar ieħor ta' inqas minn 10 kg					
0701 90 50	Patata ġdida, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	100	—			
0701 90	Patata, friska jew imkessħa, oħrajn	100	2 500			
0703 10 11 0703 10 19	Basal, from 15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju	100	—			
0703 10 11 0703 10 19	Basal, mis-16 ta' Mejju sa l-14 ta' Frar	100	2 000			
0703 20 00	Tewm, frisk jew imkessaħ	100	—	0	—	
0708 20 00	Fażola (*Vigna spp., Phaseolus spp.*), mill-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	100	—			
ex 0708 90 00	Veġetali oħrajn leguminużi, mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' April	100	—			
0709 30 00	Brunġiel, mill-15 ta' Jannar sat-30 ta' April	100	—			
0709 30 00	Brunġiel, mill-1 ta' Mejju sa' l-14 ta' Jannar	100	1 000			

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1758/2006 (ĠU L 335, 1.12.2006, p. 1).

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Dazju CCT *ad valorem*		Dazju speċifiku		
		Tnaqqis tad-dazju (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju ġewwa l-kwota (EUR/t)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju iktar mill-kwota (EUR/t)
ex 0709 40 00	Krafes jew *celeriac* (*Apium graveolens L., var dulce (Mill) Pers.*), mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	100	—			
0709 90 70	Zukkini (qara' bagħli żgħir), from 1 ta' Diċembru sa' l-aħħar ta' Frar	100	—			
0709 90 70	Zukkini (qara' bagħli żgħir), mill-1 ta' Marzu sat- 30 ta' Novembru	100	500			
ex 0709 90 90	Zukkini (qara' bagħli żgħir), mill-1 ta' Diċembru sa' l-aħħar ta' Frar	100	—			
ex 0709 90 90	Basal selvaġġ mill-genus *Muscari comosum*, mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Mejju	100	—			
0802 21 00 0802 22 00	Ġellewż jew filberts (*Corylus spp*)	Rata tad-dazju: 3 %	—			
0806 10 10	Għeneb frisk tal-mejda, mill-1 ta' Mejju sas-17 ta' Ġunju u mill-1 ta' Awwissu sa' l-14 ta' Novembru	100	350			
0806 10 10	Għeneb frisk tal-mejda, mill-15 ta' Novembru sat-30 ta' April u mit-18 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	100	—			
0807 11 00	Dulliegħ mill-1 ta' April sal-15 ta' Ġunju	100	—			
0807 11 00	Dulliegħ, mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Marzu	100	16 500			
0807 19 00	Dulliegħ ieħor, mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Mejju	100	—			
0809 40 05	Għajnbaqar mill-1 ta' Mejju sal-15 ta' Ġunju	100	—			
0811 10 11 0811 20 11 0811 90 19	Frawli, ffriżati Lampun, eċċ., ffriżati Frott ieħor, iffriżat	100	—	0	100	
1002 00 00	Segala			Tnaqqis skond l-Artikolu 3(4) (MFN — massimu EUR 11,68/t)		
1107 10	Malt, mhux inkaljat			Tnaqqis ta' EUR 6,57/t	—	
1107 20 00	Malt, inkaljat			Tnaqqis ta' EUR 6,57/t	—	

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Dazju CCT *ad valorem*		Dazju speċifiku		
		Tnaqqis tad-dazju (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju ġewwa l-kwota (EUR/t)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju iktar mill-kwota (EUR/t)
1509 10 10	Żejt taż-żebbuġ verġini lampanti			10 % reduction	—	
1509 10 90 [c]	Żejt taż-żebbuġ ieħor	7,5 % *ad valorem*	100	0	100	
1509 10 90	Żejt taż-żebbuġ ieħor			Tnaqqista' 10 %	—	
1509 90 00	Żejt taż-żebbuġ ieħor minbarra verġini			Tnaqqista' 5 %	—	
1510 00 10	Żejt taż-żebbuġ mhux raffinat			Tnaqqista' 10 %	—	
1510 00 90	Żejt taż-żebbuġ ieħor			Tnaqqista' 5 %	—	
2002 10	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, sħiħ jew imqatta':	100	8 900			
2002 90 11 2002 90 19	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, b'kontenut ta' materjal xott inqas minn 12 % tal-piż:					
2002 90 31 2002 90 39 2002 90 91 2002 90 99	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, b'kontenut ta' materjal xott mhux inqas minn 12 % tal-piż	100	30 000 (ekwivalenza 28/30 % kontenut ta' materja xotta)			
2007 10 10 2007 91 10 2007 91 30 2007 99 20 2007 99 31 2007 99 33 2007 99 35 2007 99 39 2007 99 55 2007 99 57	Jams, jellies, marmalades, purée u pejst	100	—	Tnaqqista' 67 %	1 750	
2007 91 30	Jams, jellies, marmalades, purée u pejst, miksuba bis-sajran, minbarra preparazzjonijiet omoġenizzati, tal-frott taċ-ċitru, b'kontenut taz-zokkor ta' iktar minn 13 % iżda mhux aktar minn 30 % fil-piż	100	—	0	100	
2007 99 39	Preparazzjonijiet oħra, b'kontenut ta' żokkor iktar minn 30 % bil-piż	100	—	0	100	
2008 30 19 2008 50 19 2008 50 51 2008 50 92 2008 50 94 2008 60 19 2008 70 19 2008 70 51 2008 80 19	Frott, ġewż u partijiet oħra ta' pjanti li jistgħu jittieklu, ppreparati jew ippreżervati mod ieħor	100	2 100			

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Dazju CCT *ad valorem*		Dazju speċifiku		
		Tnaqqis tad-dazju (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju ġewwa l-kwota (EUR/t)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)	Dazju iktar mill-kwota (EUR/t)
2009 11 11 2009 11 91 2009 19 11 2009 19 91 2009 29 11 2009 29 91 2009 39 11 2009 39 51 2009 39 91 2009 61 90 2009 69 11 2009 69 79 2009 69 90 2009 80 11 2009 80 32 2009 80 33 2009 80 35 2009 80 61 2009 80 83 2009 80 84 2009 80 86 2009 90 11 2009 90 21 2009 90 31 2009 90 71 2009 90 92 2009 90 94	Meraq tal-frott	100	—	Tnaqqista' 67 %	3 400	
2204 10	Inbid effervexxenti			0	—	
2204 21	Inbid ieħor; għeneb magħsur bil-fermentazzjoni miżmuma jew imwaqqfa biż-żieda ta' alkoħol f'kontenituri li jesgħu 2 litri jew inqas:			0	—	
2204 29	Inbid ieħor; għeneb magħsur bil-fermentazzjoni miżmuma jew imwaqqfa biż-żieda ta' alkoħol f'kontenituri li jesgħu iktar minn 2 litri			0	—	
2206 00	Xorb ieħor iffermentat; (bħala eżempju, sidru, perry, mead); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, li mhumiex speċifikati, jew inkluži band'oħra			0	—	
ex 2207	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 80 % vol jew aktar u alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kull saħħa:, obtained mill-oġġetti agrikoli mniżżla fl-Anness I għat-Trattat KE			0	—	
2209 00	Ħall u sostituti tal-ħall magħmulin minn aċtu aċetiku			0	—	

[a] Kodiċi NM li jikkorrispondu għar-Regolameent (KE) Nru 1810/2004 (ĠU L 327, 30.10.2004, p. 1).

[b] Minkejja r-regoli ta' interpretazzjoni għan-nommenklatura magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata li m'għandhiex ġlief valur indikattiv, bl-iskema preferenzjali determinata, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM. Fejn l-ex kodiċi NM huma indikati, l-iskema preferenzjali għandha tiġi determinata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni krrispondenti meħuda flimkien.

[c] Din il-konċessjoni tikkonsisti biss minn kwota tariffarja waħda ta' volum ta' 100 tunellata b' dazju fil-kwota ta' 7,5 %."

ANNESS II

"ANNESS

ARRANĠAMENTI APPLIKABBLI GĦALL-IMPORTAZZJONI ĠEWWA IT-TURKIJATAL-PRODOTTI AGRIKOLI LI JORIĠINAW MILL-KOMUNITÀ

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Tnaqqis tad-dazju MFN (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)
0102 10	Annimali ta' l-ifrat ħajjin Annimali ta' razza pura għar-razza	100	bla limitu
0102 90 29	Annimali ta' l-ifrat ħajjin, minbarra animali ta' razza pura għar-razza, ta' mhux iktar minn 80 kg fil-piż iżda mhux iktar minn 160 kg	100	2 260
ex 0102 90	Annimali ta' l-ifrat ħajjin, minbarra animali ta' razza pura għar-razza, ta' iktar minn 80 kg fil-piż iżda mhux iktar minn 160 kg	50	4 025
0202 20	Qatgħat oħra bil-għadma, ffriżati	tnaqqis ta' 50 % b'dazju massimu ta' 30 %	5 000
0202 20	Qatgħat oħra bil-għadma, ffriżati	tnaqqis ta' 30 % b'dazju massimu ta' 43 %	14 100
0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ, imnixxef jew affumikat; dqiq u pasti; mill-laħam jew mill-ġewwieni li jittieklu	52 % *ad valorem*	250
0402 10	Ħalib u krema Fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, mhux aktar minn 1,5 %	100	2 500 [c]
0402 21	Ħalib u krema Fi trab, ħbub jew forom solidi oħrajn, b'kontenut ta' xaħam, bil-piż, mhux aktar minn 1,5 % mingħajr iż-żieda ta' zokkor jew ta' xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu	100	2 500 [c]
0404	Xorrox, kemm jekk konċentrati kif le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu; prodotti magħmulin minn konstitwenti naturali tal-ħalib, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew le, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra	30 % *ad valorem*	700
0405 10 0405 20 90 0405 90	Butir u xaħmijiet u żjut oħrajn magħmulin mill-ħalib; dlik (pejst) ta' prodotti tal-ħalib	100	3 700
0406 30	Ġobon proċessat, mhux maħkuk jew trab	100	300
0406 90	Ġobon ieħor	100	2 000
ex 0406 90	Ġobon ieħor, minbarra 0406 90 29 / 31 / 50 / 86 / 87 / 88	100	1 000
0408 11 80	Isfra tal-bajd, imnixxef, oħrajn	24 % *ad valorem*	75
0601	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, corms, crowns u riżomi, reqdin, jarmu jew bil-ward; pjanti taċ-ċikwejra u għeruq ħlief dawk l-għeruq ta' titlu 1212	100	200
ex 0602 90	Pjanti oħrajn, minbarra 0602 90 91	100	3 400
0603 10	Fjuri maqtugħin, eċċ., friski	100	100
0604	Weraq, frieġħi u partijiet oħrajn ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix ħażiż u likeni, li huma oġġetti adattati għal bukketti jew għal għanijiet ornamentali friski, nixfin, miżbugħin, ibbliċjati, mimlijin jew ippreparati mod ieħor	100	100
0701 10 00	Patata taż-żerriegħa, friska jew imkessħa	100	6 000

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Tnaqqis tad-dazju MFN (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)
0709 51 00	Faqqiegħ tal-ġens *Agaricus*, frisk jew imkessaħ	7 % *ad valorem*	100
0710 22 00	Fażola, ffriżata	11,5 % *ad valorem*	100
ex 0808 10 (excl. [d] 0808 10 80 00 11 0808 10 80 00 13 0808 10 80 00 14)	Tuffieħ, frisk, minbarra l-Golden Delicious, l-iStarking u l-iStarkrimson	100	1 750
0808 20	Lanġas u sfarġel, friski	30 % *ad valorem*	500
0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk, frisk, mill-15 ta' lulju sal-31 ta' Diċembru	100	1 000
0810 90 30	Tamarind, frott ta' l-anakardju, liċċi (litchi), frott tas-siġra tal-ħobż (jack-fruit), frott tas-sapodilja, frisk	100	1 000
0810 90 40	Frott tal-passjoni, karambola u pitaħaja, frisk	100	500
0810 90 95	Frott ieħor, frisk	100	500
0811 10	Frawli, ffriżati	20 % *ad valorem*	100
0902	Te	Dazju massimu: 45 %	200
1001	Qamħ u meslin, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	100	30 000
1001 10 00	Qamħ durum, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	100	100 000
1001 90	Qamħ ieħor, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	100	200 000
1002 00 00	Segala, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	100	22 500
ex 1003 00	Xgħir, mill-1 ta' Settembru għal 31 ta' Mejju, għall-*malting*	100	49 500
1004 00 00	Ħafur, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju	50	5 000
1005 90 00	Qamħirrun, mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Mejju, minbarra ż-żerriegħa	100	53 640
1005 90 00	Qamħirrun, mill-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju, minbarra ż-żerriegħa	100	52 000
1006 30	Ross miħun jew nofsu miħun	100	28 000
1104 12 90	Ħbub tal-qamħ imqattgħin irqiq	50	100
1107	Malt, kemm jekk inkaljat jew le	100	500
1206 00 91 1206 00 99	Żerriegħa tal-ġirasol ieħor, minbarra għaż-żriegħ, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	100	1 000
1207 20 90	Żerriegħa tal-qoton, minbarra għaż-żriegħ	100	1 500
ex 1209	Żrieragħ, frott u spori, ta' kwalità użati għaż-żriegħ, minbarra 1209 10 00	100	1 050
1209 10 00	Żerriegħa tal-pitravi	100	300
1502 00	Grass ta' annimali ta' l-ifrat, nagħaġ u mogħoż	100	3 000
1507 10	Żejt tas-sojja mhux raffinat, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	100	60 000
1507 90	Żejt tas-sojja raffinat, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	50	2 000
1512 11	Żejt tal-ġirasol jew ta' l-għosfor mhux raffinat, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	100	18 400
1514 11 1514 91	Żejt tal-lift, kolza jew mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda, mhux modifikati kemikalment, li fihom 0 % b'aċtu eruċiku, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awwissu	100	10 600

Kodiċi NM [a]	Deskrizzjoni [b]	Tnaqqis tad-dazju MFN (%)	Kwota tariffarja (tunnellati metriċi piż nett)
1602 10 00	Preparazzjonijiet omoġenizzati	30 % *ad valorem*	400
1701 99	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrows kimikalment pur, f'forma solida, other than raw sugar, li ma fihx miżjudin ħwawar jew materjal biex jagħti l-kulur	tnaqqis ta' 20 % b'dazju massimu ta' 50 %	80 000
2001 90 50	Faqqiegħ, ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku	50	325
2001 90 99	Ħxejjex u frott ieħor, ippreparati jew ippreżervati bil-ħall jew b'aċtu aċetiku:		
2002 90	Tadam ippreparat jew ippreservat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, oħrajn	100	1 500
2003	Faqqiegħ u tartuf, ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku	13 % *ad valorem*	50
2005 10	Ħxejjex omoġenizzati	15 % *ad valorem*	300
2005 40	Piżelli (Pisum sativum) ippreparati jew ippreservati mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżati	100	300
2007 10	Preparazzjonijiet omoġenizzati	25 % *ad valorem*	450
2007 99 10 2007 99 33 2007 99 35 ex 2007 99 39 ex 2007 99 57 ex 2007 99 98	Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud inkella le (minbarra purée tal-ġewż)	20 % *ad valorem*	1 000
2009 11 2009 12 2009 19	Meraq tal-laringġ	15 % *ad valorem*	1 000
2009 61	Meraq ta' l-għeneb		
2009 71 2009 79	Meraq tat-tuffieħ		
2009 80 89	Meraq ta' kull frotta jew veġetali oħra singola b'kontenut ta' zokkor miżjud mhux aktar minn 30 % bil-piż		
2009 80 96	Meraq taċ-ċirasa		
2009 90 11 2009 90 19 2009 90 21 2009 90 29 2009 90 31 2009 90 39	Taħlita ta' meraq		
2204 10	Inbid effervixxenti	35 % *ad valorem*	750 hl
2209 00	Ħall u sostituti tal-ħall magħmulin minn aċtu aċetiku	100	2 500
2301	Dqiq, pasta u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn, mhumiex tajbin għal konsum uman; skart tax-xaħam ta' dam (greaves)	100	—
2304 00 00	Għalf tal-bhejjem (oilcake) u fdal oħrajn solidi, kemm jekk miħunin jew f'forma ta' gerbub kif le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żejt tas-sojja	100	—
2309 10	Ikel għal klieb jew għal qtates, ippreżentat għal bejgħ bl-imnut	100	1 400
2309 90	Preparazzjonijiet oħra ta' tip użati għal għalf ta' annimali	100	6 700

[a] Kodiċi NM li jikkorrispondu għar-Regolameent (KE) Nru 1810/2004 (ĠU L 327, 30.10.2004, p. 1).

[b] Minkejja r-Regoli ta' interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, il-kliem għad-deskrizzjoni tal-prodotti huwa kkunsidrat li għandu biss valur indikattiv, l-iskema preferenzjali tiġi ddeterminata, fi ħdan il-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM. Meta huma indikati l-kodiċi ex NM, l-iskema preferenzjali għandha tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrispondenti meħuda flimkien

[c] Dawn il-kwoti huma previsti ghall-importazzjonijiet skond l-iskema ta' l-ipproċessar passiv.

[d] Kodiċi doganali Torok."

32006D1000

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/1000/PESK

tal-11 ta' Diċembru 2006

dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK bil-ħsieb ta' kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Amerika Latina u l-Karibew

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK [1] tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief, u b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 7 tagħha, flimkien mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2001/200/PESK [2] u 2003/543/PESK [3] ikkontribwixxew għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid mhux ikkontrollat ta' armi żgħar u armamenti ħfief, li ħolqu theddida għall-paċi u s-sigurtà u naqqsu l-prospetti għal żvilupp sostenibbli, *inter alia* fl-Amerika Latina u l-Karibew, permezz taċ-Ċentru Reġjonali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Paċi, id-Diżarm u l-Iżvilupp fl-Amerika Latina u fil-Karibew (UN-LiREC) f'Lima, li jopera f'isem id-Dipartiment għall-Affarijiet tad-Diżarm (DAD) tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Mill-2001, il-kontribut finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea kien effettiv fl-iżgurar ta' korsijiet ta' taħriġ għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi u l-Membri tal-Parlament fir-reġjun u l-konsulenti tagħhom rigward il-leġislazzjoni relatata ma' l-armi tan-nar, l-iżvilupp ta' databases, kif ukoll f'attivitajiet relatati mal-qerda ta' l-armamenti u l-ġestjoni tal-ħażniet. Sabiex jikkompletaw dawn l-attivitajiet, l-UN-LiREC u d-DAD appellaw għal assistenza ulterjuri u finali mill-Unjoni Ewropea.

(3) Għaldaqstant l-Unjoni Ewropea bi ħsiebha tikkompleta l-assistenza finanzjarja tagħha għall-attivitajiet tal-UN-LiREC. Dan għandu jkun l-aħħar kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għal dawn l-attivitajiet,

[1] ĠU L 191, 19.7.2002, p. 1.
[2] ĠU L 72, 14.3.2001, p. 1.
[3] ĠU L 185, 24.7.2003, p. 59.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-Unjoni Ewropea għandha tikkompleta l-kontribuzzjoni tagħha lill-UN-LiREC għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid destabbilizzanti ta' armi żgħar u armamenti ħfief fl-Amerika Latina u l-Karibew.

2. Għall-għanijiet ta' paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea għandha tassisti lill-UN-LiREC:

a) fl-appoġġar ta' l-appartenenza nazzjonali ta' attivitajiet relatati mal-Programm ta' Azzjoni ta' l-2001 tan-Nazzjonijiet Uniti li Jimpedixxi, Jikkumbatti, u Jeqred in-Negozju Illeċitu f'Armi Żgħar u Armamenti Ħfief fl-Aspetti Kollha tiegħu.

b) fir-rabta ta' dawn l-attivitajiet ma' inizjattivi simili meħuda mill-Istati Membri; u

ċ) fl-iżvilupp ta' tagħmir ta' taħriġ għall-aħjar prattika għal reġjuni oħra fid-dinja, bħall-Afrika u x-Xlokk ta' l-Ewropa.

Deskrizzjoni dettaljata ta' l-attivitajiet tinsab fl-Anness.

3. Għandha tiġi żgurata viżibbiltà adegwata tal-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness, inkluż b'miżuri xierqa meħuda mill-UN-LiREC skond il-modalitajiet stabbiliti b'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 700 000.

2. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mad-DAD, li f'ismu qed jopera l-UN-LiREC, dwar il-kondizzjonijiet għall-użu tal-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li ser tieħu l-forma ta' għotja. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jipprovdi li l-UN-LiREC/DAD iwasslu rappurtar xieraq u jiżguraw viżibbiltà tal-kontribut finanzjarju ta' l-Unjoni Ewropea lill-proġett, xieraq għad-daqs tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni korretta tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-UE. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tiġi fdata bil-kompitu li tikkontrolla u tivvaluta l-aspetti finanzjarji ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

4. L-amministrazzjoni ta' l-ispiża ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea prevista fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għall-proċeduri u r-regoli tal-Komunità li japplikaw għall-kwistjonijiet tal-baġit, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe prefinanzjament m'għandux jibqa' l-proprjetà tal-Komunità. Din l-amministrazzjoni għandha titmexxa skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Kwadru Finanzjarju u Amministrattiv bejn il-Komunità Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti tad-29 ta' April 2003.

Artikolu 3

1. Il-Presidenza, assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Ġoli għall-PESK, għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar dan. Il-Kummissjoni għandha tkun assoċjata bis-sħiħ f'dawn il-ħidmiet u b'mod partikolari għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-aspetti finanzjarji tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapporti regolari lill-korpi rilevanti tal-Kunsill skond l-Artikolu 2(2). Din l-informazzjoni ser tkun ibbażata partikolarment fuq rapporti regolari li għandhom jiġu provduti mill-UN-LiREC/DAD taħt ir-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-Kummisjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 2(2).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha. Hija għandha tiskadi tnax-il xahar wara li jkun ġie konkluż il-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 2(2).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

ANNESS

Taħriġ ta' min iħarreġ u proġett ta' database, fażi tlieta

It-tielet u l-aħħar fażi tal-proġett UN-LiREC tikkonsisti f'żewġ settijiet ewlenin ta' attivitajiet. L-ewwel jinkludi l-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet fis-seħħ, waqt li t-tieni sett ta' attivitajiet jikkonsisti fl-applikazzjoni tax-xogħol żviluppat mill-UN-LiREC għal attivitajiet relatati mibdija fl-Ewropa b'appoġġ għall-Politika ta' l-UE fl-Ewropa tax-Xlokk u reġjuni oħra tad-dinja bħall-Afrika.

L-ewwel sett ta' Attivitajiet

1. *Taħriġ ta' min iħarreġ*

1.1 Appoġġ għal korsijiet ta' taħriġ nazzjonali dwar it-tekniki ta' investigazzjoni permezz ta' l-uffiċjali ta' l-infurzar tal-liġi mħarrġa minn qabel mill-UN-LiREC;

1.2. Appoġġ għall-iżvilupp taċ-Ċentru Reġjonali ta' Taħriġ għas-Sigurtà Pubblika maħluq mill-Brażil li jimmira biex jik-koordina attivitajiet futuri tal-korsijiet ta' taħriġ reġjonali; u

1.3 It-twettiq ta' korsijiet ta' taħriġ avvanzati dwar l-intelliġence u kooperazzjoni internazzjonali

2. *Databases relatati ma' l-Armi tan-nar*

2.1 Żviluppi ulterjuri tad-databases tas-Sistema Amministrattiva ta' l-Armi Żgħar u Armamenti Ħfief (SALSA); u

2.2 Integrazzjoni tas-SALSA f'databases oħra ta' l-awtoritajiet reġjonali ta' l-infurzar tal-liġi.

3. *Inizjattiva għal Skambju Parlamentari*

3.1 Kontinwazzjoni ta' korsijiet ta' taħriġ għall-Membri tal-Parlament reġjonali; u

3.2 Appoġġ tekniku għar-riforma tal-leġislazzjoni ta' l-armi tan-nar.

4. *Qerda ta' l-Armamenti u Ġestjoni tal-Ħażniet*

4.1 Kontinwazzjoni tal-ħidma għall-appoġġ tal-qerda ta' l-armamenti u l-ġestjoni tal-ħażniet; u

4.2 Appoġġ għal programmi ta' qerda nazzjonali.

It-tieni sett ta' attivitajiet

Rabta ta' l-attivitajiet Latino Amerikani u tal-Karibew ma' attivitajiet relatati ma' l-Ewropa u t-trasferiment ta' tagħrif u lezzjonijiet meħuda biex jiġu żgurati s-sinerġiji bejn l-Amerika Latina u l-Karibew u reġjuni oħra tad-dinja:

1. Valutazzjoni tal-leġislazzjoni Ewropea dwar l-armi tan-nar u l-promozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni ta' l-Armi biex jiġu identifikati l-lezzjonijiet meħuda għat-titjib tal-leġislazzjoni Latino Amerikana u tal-Karibew: kooperazzjoni proposta mal-Parlament Ewropew.

2. Espansjoni u adattament tas-sistema tad-database tas-SALSA biex tinkludi skambju ta' informazzjoni ma' Stati Membri sabiex ikunu ffaċilitati l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ reġjuni: kooperazzjoni proposta ma' entitajiet oħra li jaħdmu fuq il-kwistjoni ta' l-ittraffikar ta' armi tan-nar illeċiti, bħal entitajiet nazzjonali ta' l-infurzar tal-liġi u l-EUROPOL.

3. Adattament tal-materjali tal-korsijiet ta' taħriġ żviluppati mill-UN-LiREC għall-ħtiġijiet u l-opportunitajiet ta' pajjiżi f'reġjuni oħra tad-dinja sabiex isaħħu l-lezzjonijiet meħuda.

4. Valutazzjoni ta' l-istatus ta' l-implimentazzjoni u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal sinerġiji fir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvernijiet mill-Amerika Latina u l-Karibew u mill-Ewropa rigward il-kwistjoni ta' l-armi tan-nar waqt il-Laqgħat tas-Summit f'Rio de Janeiro, Madrid u l-Messiku, li notevolment jidentifikaw Dikjarazzjonijiet tas-Summit relatati ma' attivitajiet imsemmija hawn fuq.

L-attivitajiet ser jilħqu l-ogħla punt bl-implimentazzjoni ta' Post ta' Kmand Konġunt (PKK) — ċentru ta' operazzjonijiet tul ir-reġjun kollu taċ-Ċentru Reġjonali ta' Taħriġ għas-Sigurtà Pubblika fil-Brasilia, il-Brażil — biex jikkoordina taħriġ relatat ma' l-armi tan-nar u attivitajiet oħra mal-ħidma ta' xi 3 000 uffiċjal f'33 pajjiż. Sat-tmiem ta' l-2007, il-pakkett sħiħ tal-korsijiet ta' taħriġ ser jiġi trasferit mill-UN-LiREC għaċ-Ċentru Reġjonali u pajjiżi individwali oħra biex jiffaċilità l-appartenenza nazzjonali. Iċ-Ċentru Reġjonali ser iservi wkoll bħala ċentru prinċipali biex jorbot dan in-*network* ta' entitajiet ta' l-infurzar tal-liġi ma' diversi reġjuni oħra.

32006D1008

28.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 379/123

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 2006

li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu

(2006/1008/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/379/KE li timplimenta l-Artikolu 2(3) [2] tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li thassar id-Deċiżjoni 2005/930/KE, u li tistabbilixxi l-lista ta' persuni u entitajiet li għaliha japplika dak ir-Regolament.

(2) Il-Kunsill iddetermina li ċerti persuni, gruppi u entitajiet oħra jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament u għandhom għalhekk jiġu miżjuda ma' dik il-lista,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuni, gruppi u entitajiet elenkati fl-Anness I għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1461/2006 (ĠU L 272, 3.10.2006, p. 11).

[2] ĠU L 144, 31.5.2006, p. 21.

ANNESS

Il-Kunsill iddetermina li l-persuni, gruppi u entitajiet elenkati hawn taħt huma involuti f'atti terroristiċi fis-sens ta' l-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu [1], li deċiżjoni fir-rigward tagħhom ittieħdet minn awtorità nazzjonali fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni, u li dawn għandhom għalhekk jiġu inklużi fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha japplika r-Regolament (KE) 2580/2001.

I. PERSUNI

1. AKHNIKH, Ismail (magħruf ukoll bħala Suhaib; magħruf ukoll bħala Sohaib), imwieled fit-22.10.1982 f'Amsterdam (l-Olanda), Nru tal-passaport (l-Olanda) NB0322935

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. AOURAGHE, Zine Labidine (magħruf ukoll bħala Halifi Laarbi Mohamed; magħruf ukoll bħala Abed; magħruf ukoll bħala Abid; magħruf ukoll bħala Abu Ismail), imwieled fit-18.7.1978 f'Nador (il-Marokk), Nru tal-passaport (Spanja) ESPP278036

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

3. BOUGHABA, Mohamed Fahmi (magħruf ukoll bħala Mohammed Fahmi Bouraba; magħruf ukoll bħala Mohammed Fahmi Burada; magħruf ukoll bħala Abu Mosab), imwieled fis-6.12.1981 f'Al Hoceima (il-Marokk)

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

4. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu Zubair; magħruf ukoll bħala Sobiar; magħruf ukoll bħala Abu Zoubair), imwieled fit-8.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda)

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

5. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala Fouad; magħruf ukoll bħala Fzad; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben Mohammed; magħruf ukoll bħala Ben Mohand Ben Larbi; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand Ibn Larbi; magħruf ukoll bħala Abu Tahar; magħruf ukoll bħala Eggie), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

6. EL MORABIT, Mohamed, imwieled fl-24.1.1981 f'Al Hoceima (il-Marokk), il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) K789742

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

7. ETTOUMI, Youssef (magħruf ukoll bħala Youssef Toumi), imwieled fl-20.10.1977 f'Amsterdam (l-Olanda), Nru tal-karta ta' l-identità (l-Olanda) LNB4576246

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

8. HAMDI, Ahmed (magħruf ukoll bħala Abu Ibrahim), imwieled fil-5.9.1978 f'Beni Said (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) K728658

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

9. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-6.3.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l-Olanda) NE8146378

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. Il-Hofstadgroep

2. It-TAK — Teyrbazen Azadiya Kurdistan, magħruf ukoll bħala 'il-Kurdistan Freedom Falcons', 'il-Kurdistan Freedom Hawks'

---

[1] ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

32006E1011

28.12.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 379/129

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2006/1011/PESK

tal-21 ta' Diċembru 2006

li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 15 u 34 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]).

(2) Fid-29 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/380/PESK li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([2]) u l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika dik il-Pożizzjoni Komuni.

(3) Il-Kunsill iddetermina li ċerti persuni, gruppi u entitajiet addizzjonali huma involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK u li għalhekk dawn għandhom jiżdiedu ma' dik il-lista, skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet elenkati fl-Anness għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għaliha tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkollha effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
([2]) ĠU L 144, 31.5.2006, p. 25.

ANNESS

Persuni, Gruppi u Entitajiet li għandhom jiżdiedu mal-lista annessa għall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK

I. PERSUNI

1. AKHNIKH, Ismail (magħruf ukoll bħala Suhaib; magħruf ukoll bħala Sohaib), imwieled fit-22.10.1982 f'Amsterdam (l-Olanda), Nru tal-passaport (l-Olanda) NB0322935

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. AOURAGHE, Zine Labidine (magħruf ukoll bħala Halifi Laarbi Mohamed; magħruf ukoll bħala Abed; magħruf ukoll bħala Abid; magħruf ukoll bħala Abu Ismail), imwieled fit-18.7.1978 f'Nador (il-Marokk), Nru tal-passaport (Spanja) ESPP278036

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

3. BOUGHABA, Mohamed Fahmi (magħruf ukoll bħala Mohammed Fahmi Bouraba; magħruf ukoll bħala Mohammed Fahmi Burada; magħruf ukoll bħala Abu Mosab), imwieled fis-06.12.1981 f'Al Hoceima (il-Marokk)

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

4. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu Zubair; magħruf ukoll bħala Sobiar; magħruf ukoll bħala Abu Zoubair), imwieled fit-08.3.1978 f'Amsterdam (l-Olanda)

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

5. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala Fouad; magħruf ukoll bħala Fzad; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben Mohammed; magħruf ukoll bħala Ben Mohand Ben Larbi; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand Ibn Larbi; magħruf ukoll bħala Abu Tahar; magħruf ukoll bħala Eggie), imwieled fil-15.8.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

6. EL MORABIT, Mohamed, imwieled fl-24.1.1981 f'Al Hoceima (il-Marokk) Nru tal-passaport (il-Marokk) K789742

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

7. ETTOUMI, Youssef (magħruf ukoll bħala Youssef Toumi), imwieled fl-20.10.1977 f'Amsterdam (l-Olanda), Nru tal-Karta ta' l-Identita (l-Olanda) LNB4576246

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

8. HAMDI, Ahmed (magħruf ukoll bħala Abu Ibrahim), imwieled fil-05.9.1978 f'Beni Said (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) K728658

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

9. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-06.3.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l-Olanda) NE8146378

   (Membru tal-"Hofstadgroep")

II. GRUPPI U ENTITAJIET

1. Hofstadgroep

2. TAK — Teyrbazen Azadiya Kurdistan, magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"

32006R2012

L 384/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2012/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 u t-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 37(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija(hawn aktar 'il quddiem "l-Att ta' Adeżjoni 2005"), u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [1] stabbilixxa regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa.

(2) L-Artikoli 42(8) u 71d(6) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jipprojbixxu t-trasferiment ta' intitolamenti stabbiliti bl-użu tar-riżerva nazzjonali ħlief f'każijiet ta' wirt. F'każi ta' għaqdiet u firdiet huwa wkoll xieraq li l-bdiewa jitħallew iġibu intitolamenti ta' ħlas allokati mir-riżerva nazzjonali fl-ażjenda l-ġdida jew l-ażjendi l-ġodda li jinħolqu.

(3) L-esperjenza turi li għal appoġġ ta' dħul separat ir-regoli li jirregolaw l-eleġibbiltà ta' żoni agrikoli jistgħu jkunu sempliċi. Notevolment, huwa xieraq li jiġu simplifikati r-regoli applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku għal żoni agrikoli miżrugħa b'siġar taż-żebbuġ.

(4) F'Malta, maġġoranza ta' bdiewa fis-settur taċ-ċanga u l-vitella m'għandhom l-ebda art għad-dispożizzjoni tagħhom. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi speċifiċi, l-applikazzjoni tal-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 71m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 tista' toħloq diffikultajiet serji għall-iżvilupp sostenibbli tas-settur taċ-ċanga u l-vitella u piż eċċessiv fix-xogħol amministrattiv. Huwa xieraq li jiġu previsti kondizzjonijiet simplifikati għall-ħlasijiet fl-iskema ta' pagament uniku għall-bdiewa konċernati f'Malta.

(5) Attwalment, dawk l-Istati Membri fost ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakja (hawn aktar 'il quddiem "l-Istati Membri ġodda") li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja, huma eskluži mill-għajnuna Komunitarja għall-uċuħ tar-raba' enerġetiċi. Ir-reviżjoni ta' l-iskema ta' l-uċuħ tar-raba' enerġetiċi skond l-Artikolu 92 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 wriet li huwa xieraq li l-għajnuna għall-uċuħ tar-raba' enerġetiċi tiġi estiża għall-Istati Membri kollha mill-2007 u taħt l-istess kondizzjonijiet. Għalhekk l-erja massima garantita għandha tiżdied proporzjonalment, l-iskeda ta' inkrementi prevista għall-introduzzjoni ta' skemi ta' appoġġ fl-Istati Membri ġodda m'għandhiex tapplika għall-iskema ta' uċuħ tar-raba' enerġetiċi u r-regoli li jirregolaw l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandhom jiġu emendati.

(6) Sabiex jissaħħaħ ir-rwol ta' l-uċuħ tar-raba' enerġetiċi permanenti u jiġi pprovdut inċentiv biex tiżdied il-produzzjoni ta' dawn l-uċuħ tar-raba', l-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jagħtu għajnuna nazzjonali sa mhux aktar minn 50 % ta' l-ispejjeż assoċjati ma' l-istabbiliment ta' uċuħ tar-raba' permanenti għaż-żoni li kienu soġġetti għal applikazzjoni għall-għajnuna għal uċuħ tar-raba' enerġetiċi.

(7) Mill-adeżjoni 'l hawn il-produtturi tal-pitravi zokkrija u l-kannamiela fl-Istati Membri ġodda bbenefikaw minn appoġġ tal-prezz taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [2]. Għalhekk, l-għajnuna Komunitarja għall-produtturi tal-pitravi zokkrija u l-kannamiela stabbilita fil-Kapitolu 10f tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 m'għandhiex tkun soġġetta għall-applikazzjoni ta' l-iskeda ta' inkrementi prevista fl-Artikolu 143a ta' dak ir-Regolament, b'effett mill-jum ta' applikazzjoni ta' l-għajnuna għall-produtturi tal-pitravi zokkrija u l-kannamiela. Jixraq ukoll li jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din l-għajnuna u l-kalkolu tal-ħlas li għandu jingħata lill-bdiewa konċernati.

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1405/2006 (ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1).

[2] ĠU L 178, 30.6.2001, p. 1. Ir-Regolament imħassar bir-Regolament (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).

(8) L-esperjenza turi li l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja hija sistema effiċjenti u sempliċi biex jingħata appoġġ ta' dħul separat lill-bdiewa. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni huwa xieraq li l-Istati Membri ġodda jitħallew ikomplu japplikawha sa tmiem is-sena 2010. Madankollu, mhux meqjus xieraq li tiġi estiża lil hinn mill-2008 l-eżenzjoni, mogħtija lill-Istati Membri li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja, għall-obbligu ta' introduzzjoni f'konformità reċiproka tal-ħtiġiet ta' ġestjoni statutorji. Biex tiġi żgurata l-koerenza ta' ċerti miżuri ta' żvilupp rurali ma' din in-non-estensjoni, l-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 [1] għandu jieħu kont ta' dan.

(9) F'ċirkostanzi normali, il-bdiewa jistgħu jiftiehmu bejniethom dwar il-kondizzjonijiet li taħthom tiġi trasferita l-ażjenda (jew parti mill-ażjenda) li tkun ibbenefikat mill-ħlas ta' zokkor separat. Madankollu, f'każ ta' wirt, huwa xieraq li jiġi previst li l-werriet għandu jingħata l-ħlas ta' zokkor separat.

(10) L-Att ta' Adeżjoni 2005 u dan ir-Regolament jemendaw ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u dawk l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ġurnata. Fl-interess taċ-ċertezza legali, għandu jkun speċifikat l-ordni li fih dawk l-emendi għandhom jiġu applikati.

(11) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 1698/2005 għandhom jiġu emendati skond dan.

(12) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' l-Unjoni [2] emenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Minħabba żball, id-dħul taż-żejt taż-żebbuġ u l-ħops ma ħadux kont ta' l-emendi għal dak l-Anness introdotti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2183/2005 tat-22 ta' Diċembru 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 795/2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003. L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skond dan, b'effett mid-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2183/2005,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 kif emendat, inkluż bl-Att ta' Adeżjoni 2005, huwa b' dan emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 20 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b' dan li ġej:

"2. Għall-Istati Membri li qed japplikaw l-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ prevista fil-Kapitolu 10b tat-Titolu IV, is-sistema ta' identifikazzjoni għandha tinkludi sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ, magħmula minn database kompjuterizzat alfanumeriku u database kompjuterizzat ta' referenza grafika għas-siġar taż-żebbuġ u ż-żoni konċernati."

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"3. L-Istati Membri li mhux qed japplikaw l-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ prevista fil-Kapitolu 10b tat-Titolu IV jistgħu jiddeċiedu li jinkludu sistema ta' informazzjoni ġeografika għall-koltivazzjoni taż-żebbuġ kif iimsemmi fil-paragrafu 2 fis-sistema ta' identifikazzjoni ta' pakketti agrikoli."

2) it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 22(1) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"— f'każ ta' applikazzjoni għall-għajnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ prevista fil-Kapitoli 10b tat-titolu IV, jew fejn l-Istat Membru jkun qed japplika l-g]ażla msemmija fl-Artikolu 20(3), in-numru ta' siġar taż-żebbuġ u l-qagħda tagħhom fil-qasam tar-raba,"

3) l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 42(8), għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Ħlief filkaż ta' trasferiment b'wirt li seħħ jew wirt antiċipat u filkaż ta' għaqdiet jew firdiet, u b'deroga mill-Artikolu 46, l-intitolamenti stabbiliti bl-użu tar-riżerva nazzjonali m'għandhomx jiġu trasferiti għal perijodu ta' ħames snin li jibda mill-allokazzjoni tagħhom. Filkaż ta' għaqda jew firda l-bidwi/bdiewa li jmexxu l-ażjenda(i) l-ġdida/l-ġodda għandhom iżommu l-intitolamenti li kienu oriġinarjament allokati mir-riżerva nazzjonali sal-parti li jkun baqa' tal-perijodu ta' ħames snin."

[1] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1463/2006 (ĠU L 277, 9.10.2006, p. 1).

[2] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.

4) it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 44(2) għandu jinbidel b'li ġej:

"'Ettaru eliġibbli' għandha tfisser ukoll żoni ppjantati b'ħops jew li qegħdin taħt obbligu ta' mistrieħ temporanju, jew żoni taħt siġar taż-żebbuġ."

5) il-punt (a) fl-Artikolu 51 għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"(a) uċuħ tar-raba permanenti, ħlief siġar taż-żebbuġ jew ħops;"

6) l-Artikolu 56(4) għandu jiġi sostitwit b'li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati jħallsu għajnuna nazzjonali sa mhux aktar minn 50 % ta' l-ispejjeż assoċjati ma' l-istabbiliment ta' uċuħ tar-raba permanenti intenzjonati għall-produzzjoni bijo-massa fuq art imwarrba."

7) l-Artikolu 60 (1) għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"1. Fejn Stat Membru jagħmel użu mill-għażla prevista fl-Artikolu 59, il-bdiewa jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 51(b) u (ċ) u skond dan l-Artikolu, jużaw ukoll l-oqsma tar-raba ddikjarati skond l-Artikolu 44(3) għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jew fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 u tal-patata ħlief dik intenzjonata għall-manifattura tal-lamtu tal-patata li għaliha tingħata għajnuna taħt l-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament, ħlief l-uċuħ tar-raba' msemmija fl-Artikolu 51(a)."

8) l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 71d(6), għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"6. Ħlief filkaż ta' trasferiment b'wirt li seħħ jew antiċipat, ta' għaqdiet u firdiet u ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 3, u b'deroga mill-Artikolu 46, l-intitolamenti stabbiliti bl-użu tar-riżerva nazzjonali m'għandhomx jiġu trasferiti għal perijodu ta' ħames snin li jibda mill-allokazzjoni tagħhom. Filkaż ta' għaqda jew firda l-bidwi/bdiewa li jmexxu l-ażjenda(i) l-ġdida/l-ġodda għandhom iżommu l-intitolamenti li kienu oriġinarjament allokati mir-riżerva nazzjonali sal-parti li jkun baqa' tal-perijodu ta' ħames snin."

9) l-Artikolu 71g(1) għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"1. Il-bdiewa jistgħu, b'deroga mill-Artikolu 51(b) u (ċ) u skond dan l-Artikolu, jużaw ukoll oqsma tar-raba ddikjarati skond l-Artikolu 44(3) għall-produzzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jew fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 u tal-patata ħlief dik intenzjonata għall-manifattura tal-lamtu tal-patata li għaliha tingħata għajnuna taħt l-Artikolu 93 ta' dan ir-Regolament, ħlief l-uċuħ tar-raba' msemmija fl-Artikolu 51(a)."

10) fl-Artikolu 71m, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Madankollu, għal Malta, it-tieni paragrafu m'għandux japplika u d-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika mingħajr il-kondizzjoni li l-bidwi jżomm ta' l-anqas 50 % ta' l-attività agrikola li kellu qabel it-transizzjoni għall-iskema ta' pagament uniku espressa f'unitajiet ta' bhejjem."

11) fl-Artikolu 88, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"L-Artikoli 143a u 143ċ m'għandhomx japplikaw għall-għajnuna għal uċuħ tar-raba enerġetiċi fil-Komunità kif ikkostitwita fl-1 ta' Jannar 2007."

12) l-Artikolu 89(1) għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"1. Żona massima garantita ta' 2 000 000 ettaru li għaliha tista' tingħata l-għajnuna hija b'dan stabbilita."

13) jiddaħħal l-Artikolu 90a li ġej:

"Artikolu 90a

Għajnuna nazzjonali

L-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jħallsu għajnuna nazzjonali sa mhux aktar minn 50 % ta' l-ispejjeż assoċjati ma' l-istabbiliment ta' uċuħ tar-raba permanenti għaż-żoni li kienu soġġetti għal applikazzjoni għall-għajnuna għal uċuħ tar-raba' enerġetiċi."

14) l-Artikolu 110q(1) għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"1. Fl-Istati Membri li taw l-għajnuna ta' ristrutturazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għal ta' l-anqas 50 % tal-kwota taz-zokkor iffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-għajnuna Komunitarja għandha tingħata lill-produtturi tal-pitravi zokkrija u tal-kannamiela."

15) l-Artikolu 110s għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"Artikolu 110s

Ammont ta' l-għajnuna

L-għajnuna għandha tiġi espressa għal kull tunnellata ta' zokkor abjad ta' kwalità standard. L-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun daqs nofs l-ammont ottenut bid-diviżjoni ta' l-ammont tal-limitu massimu msemmi fil-punt 2 tal-punt K ta' l-Anness VII għall-Istat Membru kkonċernat għas-sena korrispondenti bit-total taz-zokkor u l-kwota tax-xropp ta' l-inulina ffissata fl-20 ta' Frar 2006 fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

L-Artikoli 143a u 143ċ m'għandhomx japplikaw għall-għajnuna lill-produtturi tal-pitravi zokkrija u tal-kannamiela."

16) l-Artikolu 143b għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"1. L-Istati Membri ġodda jistgħu jiddeċiedu sa mhux aktar tard mid-data ta' l-adeżjoni li jissostitwixxu l-ħlasijiet diretti, bl-eċċezzjoni ta' l-għajnuna għall-uċuħ tar-raba enerġetiċi stabbilita fil-Kapitolu 5 tat-Titolu IV, waqt il-perijodu ta' applikazzjoni msemmi fil-paragrafu 9, bi pagament uniku skond l-erja li għandu jiġi kkalkolat skond il-paragrafu 2."

(b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5, għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"Għall-fini ta' l-għoti ta' ħlasijiet taħt l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja, l-oqsma kollha tar-raba li jikkorrispondu għall-kriterji previsti fil-paragrafu 4, kif ukoll oqsma tar-raba' mxettla b'imsajġar b'rotazzjoni qasira (kodiċi NM ex 0602 90 41) li nżammu f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 u li huma soġġetti għal applikazzjoni għall-għajnuna għall-uċuħ tar-raba' enerġetiċi prevista fl-Artikolu 88, għandhom ikunu eliġibbli. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-oqsma kollha tar-raba' li jikkorrispondu għall-kriterji previsti fil-paragrafu 4, kif ukoll oqsma tar-raba' mxettla b'imsajġar b'rotazzjoni qasira (kodiċi NM ex 0602 90 41) li huma soġġetti għal applikazzjoni għall-għajnuna għall-uċuħ tar-raba' enerġetiċi prevista fl-Artikolu 88, għandhom ikunu eliġibbli."

(ċ) it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"Mill-1 ta' Jannar 2005 u sal-31 ta' Diċembru 2008 l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun b'għażla għall-Istati Membri ġodda sakemm dawk id-dispożizzjonijiet jirrelataw ma' ħtiġiet ta' ġestjoni statutorji. Madankollu għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3, 4, 6, 7 u 9 għandha tkun b'għażla sal-31 ta' Diċembru 2011."

(d) il-paragrafu 9 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"9. Soġġett għall-paragrafu 11, għal kwalunkwe Stat Membru ġdid l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandha tkun disponibbli għal perijodu ta' applikazzjoni sa tmiem l-2010. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija, l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja għandha tkun disponibbli għal perijodu ta' applikazzjoni sa tmiem l-2011. L-Istati Membri ġodda għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jtemmu l-applikazzjoni ta' l-iskema sa l-1 ta' Awissu ta' l-aħħar sena ta' applikazzjoni."

(e) it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 11 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"Sa tmiem il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja kif imsemmi fil-paragrafu 9, għandha tapplika r-rata ta' perċentwali mniżżla fl-Artikolu 143a. Jekk l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja tiġi estiża lil hinn minn tmiem l-2010 skond deċiżjoni li tittieħed taħt il-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ir-rata ta' perċentwali mniżżla fl-Artikolu 143a għas-sena 2010 għandha tapplika sa tmiem l-aħħar sena li fiha tkun tapplika l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja."

17) l-Artikolu 143b huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-ewwel sentenza għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 143b l-Istati Membri ġodda li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja jistgħu jiddeċiedu sat-30 ta' April 2006 li fir-rigward tas-snin 2006 sa 2010 jagħtu ħlas separat għaz-zokkor lil bdiewa eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja."

(b) il-paragrafu 3 għandu jiġi sostitwit b' dan li ġej:

"3. B'deroga mill-paragrafu 2, kull Stat Membru ġdid ikkonċernat jista' jiddeċiedi sal-31 ta' Marzu tas-sena li fir-rigward tagħha jingħata l-ħlas separat taz-zokkor u abbażi ta' kriterji oġġettivi biex għall-ħlas separat taz-zokkor jiġi applikat limitu massimu aktar baxx minn dak elenkat fil-punt K ta' l-Anness VII. Fejn is-somma ta' l-ammonti ddeterminata skond il-paragrafu 1 taqbeż il-limitu massimu deċiż mill-Istat Membru ġdid ikkonċernat, l-ammont annwali li għandu jingħata lill-bdiewa għandu jitnaqqas proporzjonalment."

(ċ) jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Filkaż ta' wirt li seħħ jew antiċipat, il-ħlas separat għaz-zokkor għandu jingħata lill-bidwi li wiret l-ażjenda, taħt il-kondizzjoni li dan il-bidwi jkun eliġibbli taħt l-iskema ta' pagament uniku skond l-erja."

18) L-Anness I għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Id-daħla għal "żejt taż-żebbuġ" għandha tiġi sostitwita b' dan li ġej:

"Żejt taż-żebbuġ	Titolu IV, Kapitolu 10b, ta' dan ir-Regolament	Għajnuna skond l-erja
	Artikolu 48a(11) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004 (ĠU L 141, 30.4.2004, p. 1)	Għal Malta u s-Slovenja fl-2006"

(b) Id-daħla għal "ħops" għandha tiġi sostitwita b' dan li ġej:

"Ħops	Titolu IV, Kapitolu 10d ta' dan ir-Regolament (***)(*****)	Għajnuna skond l-erja
	Artikolu 48a(12) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004	Għas-Slovenja fl-2006"

Artikolu 2

Is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 51(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005:

"Id-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu, għall-Bulgarija u r-Rumanija din għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 soġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija safejn id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma bbażati fuq dak it-Trattat.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007. Madankollu, l-Artikolu 1(6) għandu japplika b' effett mill-1 ta' Jannar 2005, l-Artikoli 1(14), (15), (17) u (18) għandhom japplikaw b' effett mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

32006L0138

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2006/138/KE

tad-19 ta' Diċembru 2006

li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud rigward il-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-arranġamenti għat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi ta' xandir bir-radju u bit-televiżjoni u għal ċerti servizzi pprovduti elettronikament

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 93 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) L-arranġamenti temporanji tad-Direttiva 77/388/KEE [1] għat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni u għal ċerti servizzi pprovduti b'mezzi elettroniċi ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2006 bid-Direttiva 2006/58/KE tas-27 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2002/38/KE fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għas-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni u xi servizzi forniti b'mezzi elettroniċi [2].

(2) Għadu ma kienx possibbli li jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-post fir-rigward tal-provvista tas-servizzi u dwar mekkaniżmu elettroniku aktar ġenerali. Fid-dawl tal-fatt li s-sitwazzjoni ġuridika u l-fatti li ġġustifikaw l-estensjoni sal 31 ta' Diċembru 2006 ma nbidlux u sabiex jiġi evitat il-vojt temporanju fl-arranġamenti dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud għas-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni u ċerti servizzi pprovduti elettronikament, huwa meħtieġ li dawk l-arranġamenti jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2008.

(3) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, li tikkostitwixxi riformulazzjoni tad-Direttiva 77/388/KEE, għandha għalhekk tiġi emendata kif jixraq.

(4) Fid-dawl ta' l-urġenza ta' din il-materja, sabiex tiġi evitata lakuna ġuridika, huwa imperattiv li tingħata eżenzjoni għall-perjodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-punt I(3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/112/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 56, il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

"3. Il-punti (j) u (k) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2008."

2) fl-Artikolu 57, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'li ġej:

"2. Il-paragrafu 1 għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2008."

3) fl-Artikolu 59, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'li ġej:

"2. Sal-31 ta' Diċembru 2008, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 58(b) lis-servizzi tax-xandir bir-radju u bit-televiżjoni, kif imsemmi fil-punt (j) ta' l-Artikolu 56(1), ipprovduti lil persuni mhux taxxabbli li jkunu stabbiliti fi Stat Membru, jew li jkollhom l-indirizz permanenti tagħhom jew li ġeneralment huma residenti fi Stat Membru, minn persuna taxxabbli li stabbilixxa n-negozju tiegħu barra l-Komunità jew li jkollu stabbiliment fiss hemmhekk li minnu jkunu pprovduti s-servizzi, jew li, fin-nuqqas ta' tali post ta' negozju jew stabbiliment fiss, ikollu l-indirizz permanenti tiegħu jew ġeneralment ikun residenti barra l-Komunità."

4) l-Artikolu 357 għandu jinbidel b'li ġej:

"*Artikolu 357*

Dan il-Kapitolu għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2008."

[1] Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1). Direttiva mħassra mid-Direttiva 2006/112/KE (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

[2] ĠU L 174, 28.6.2006, p. 5.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 2007. L-Istati Membri għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

32006D1012

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehim bilaterali fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti

(2006/1012/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim bilaterali sabiex testendi għal sena l-Ftehim bilaterali u l-protokolli eżistenti dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus, b'xi aġġustamenti tal-limiti kwantitattivi.

(2) Dan il-Ftehim bilaterali għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2007 sa meta jitlestew l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, suġġett għall-applikazzjoni reċiproka provviżorja mir-Repubblika tal-Belarus.

(3) Il-ftehim propost għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett għall-konklużjoni eventwalment possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa sabiex jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fi prodotti tat-tessuti.

Artikolu 2

Suġġett għar-reċiproċità, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, sa meta tinkiseb il-konklużjoni formali tiegħu mill-1 ta' Jannar 2007.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skond il-paragrafu 2.4 tal-Ftehim, il-kwota għall-2007 għandha titnaqqas għal-livelli applikabbli fl-2006;

2. Id-deċiżjoni li jiġi implimentat il-paragrafu 1 għandha tittieħed skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi [1].

[1] ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/2006 tal-11 ta' Jannar 2006 (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 8).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

22006A1229(01)

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti

A. *Ittra mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirriferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat u estiz l-aħħar mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005 (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim").

2. Fid-dawl ta' l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2006 u skond l-Artikolu 19 (1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu t-tul taż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim għandu jgħid hekk kif ġej:

"Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan. Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2007."

2.2. L-Anness II li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 ta' din l-ittra.

2.3. L-Anness għall-Protokol C li jistipula r-ristrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet *OPT* fir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 bl-Appendiċi 2 ta' din l-ittra.

2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus ta' prodotti tat-tessuti u ta' l-ilbies li joriġinaw mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti fl-2007 għal dazji doganali li ma jeċċedux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalat fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jiġux applikati dawn ir-rati, il-Komunità jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu tal-Ftehim li jifdal qabel l-iskadenza tiegħu, fuq bażi *pro rata*, il-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2006 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) qabel id-data ta' skadenza tal-Ftehim, il-ftehim u r-regoli tad-WTO għandhom japplikaw mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus mad-WTO.

4. Inkun obbligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek tat-test hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-jum li fih il-Partijiet innotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan. Sa dak il-waqt, għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2007 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Kunsill ta'l-Unjoni Ewropea

Appendiċi 1

"ANNESS II

Il-Belarus	Katego-rija	Unità	Kwota mill-1 ta' Jannar 2007
Grupp IA	1	tunnellata	1 585
	2	tunnellata	6 600
	3	tunnellata	242
Grupp IB	4	E biċċa	1 839
	5	E biċċa	1 105
	6	E biċċa	1 705
	7	E biċċa	1 377
	8	E biċċa	1 160
Grupp IIA	9	tunnellata	363
	20	tunnellata	329
	22	tunnellata	524
	23	tunnellata	255
	39	tunnellata	241
Grupp IIB	12	Elf par	5 959
	13	E biċċa	2 651
	15	E biċċa	1 726
	16	E biċċa	186
	21	E biċċa	930
	24	E biċċa	844
	26/27	E biċċa	1 117
	29	E biċċa	468
	73	E biċċa	329
	83	tunnellata	184
Grupp IIIA	33	tunnellata	387
	36	tunnellata	1 309
	37	tunnellata	463
	50	tunnellata	207
Grupp IIIB	67	tunnellata	356
	74	E biċċa	377
	90	tunnellata	208
Grupp IV	115	tunnellata	114
	117	tunnellata	2 310
	118	tunnellata	471

E biċċa: Elf biċċa"

Appendiċi 2

"ANNESS MAL-PROTOKOL C

Kategorija	Unità	Mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem
4	1 000 biċċa	5 399
5	1 000 biċċa	7 526
6	1 000 biċċa	10 037
7	1 000 biċċa	7 534
8	1 000 biċċa	2 565
12	1 000 biċċa	5 072
13	1 000 biċċa	795
15	1 000 biċċa	4 400
16	1 000 biċċa	896
21	1 000 biċċa	2 927
24	1 000 biċċa	754
26/27	1 000 biċċa	3 668
29	1 000 biċċa	1 487
73	1 000 biċċa	5 700
83	Tunnellata	757
74	1 000 biċċa	994"

B. *Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus*

Sinjur,

Għandi l-unur li ngħarraf li rċevejt l-ittra tiegħek ta' … li tgħid hekk:

"Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirriferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat u estiz l-aħħar mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005 (minn hawn 'il quddiem il-'Ftehim').

2. Fid-dawl ta' l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2006 u skond l-Artikolu 19 (1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu t-tul taż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, suġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim għandu jgħid hekk kif ġej:

'Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan. Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2007.'

2.2. L-Anness II li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 ta' din l-ittra.

2.3. L-Anness għall-Protokol C li jistipula r-ristrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet *OPT* fir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 bl-Appendiċi 2 ta' din l-ittra.

2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus ta' prodotti tat-tessuti u ta' l-ilbies li joriġinaw mill-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti fl-2007 għal dazji doganali li ma jeċċedux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalat fil-11 ta' Novembru 1999.

Fil-każ li ma jiġux applikati dawn ir-rati, il-Komunità jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu tal-Ftehim li jifdal qabel l-iskadenza tiegħu, fuq bażi *pro rata*, il-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2006 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) qabel id-data ta' skadenza tal-Ftehim, il-ftehim u r-regoli tad-WTO għandhom japplikaw mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus mad-WTO.

4. Inkun obbligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek tat-test hawn fuq. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-jum li fih il-Partijiet innotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan. Sa dak il-waqt, għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2007 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi."

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus

32006R1889

29.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 386/1

REGOLAMENT (KE) Nru 1889/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 2006

dwar l-istabbiliment ta' strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 179(1) u 181a(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta min-naħa tal-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat [1],

Billi:

(1) Qed jiġi propost qafas ġdid għall-ippjanar u għall-konsenja ta' l-għajnuna biex l-għajnuna esterna tal-Komunità ssir iktar effettiva u trasparenti. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 [2] jistabbilixxi Strument għal Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) għal għajnuna tal-Komunità lil pajjiżi kandidati u lil pajjiżi kandidati potenzjali. Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 [3] jistabbilixxi Strument Ewropew għall-Viċinat u għas-Sħubija (ENPI) li jipprovdi appoġġ dirett għall-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' l-UE. Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 [4] jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1889/2006 [4] jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrializzati u pajjiżi u territorji oħra bi dħul għoli (ICI). Ir-Regolament (KE) Nru 1717/2006 [5] jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-Istabbiltà li jipprovdi għajnuna f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' kriżi li qed titfaċċa, u theddidiet speċifiċi globali u transreġjonali. Dan ir-Regolament jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-Drittijiet tal-Bniedem madwar id-dinja (Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem) li jippermetti assistenza indipendenti mill-kunsens ta' gverijiet u awtoritiajiet pubbliċi oħra ta' pajjiżi terzi.

(2) L-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni hija msejsa fuq il-prinċipji tal-libertà, tad-demokrazija, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, u għas-supremazija tad-dritt prinċipji li huma komuni għall-Istati Membri.

(3) Il-promozzjoni, l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tikkostitwixxi għan primarju tal-politika ta' żvilupp u tal-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi tal-Komunità [6]. Impenn biex jiġu rrispettati, promossi u mħarsa l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem hija element essenzjali tar-relazzjonijiet kuntrattwali tal-Komunità ma' pajjiżi terzi [7].

(4) Dan l-istrument ta' finanzjament jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi ta' l-istqarrija dwar il-politika ta' żvilupp dwar il-"Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp" (DPS) adottat b'mod konġunt mill-Kunsill u mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2005 [8]. Id-DPS jenfasizza li "il-progress fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, fil-governanza tajba u fid-demokratizzazzjoni huwa fundamentali għat-tnaqqis tal-faqar u għall-iżvilupp sostenibbli", li b'hekk jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-Miri ta' l-Iżvilupp tal-Millennju.

(5) Id-DPS wara li reġa kkonferma li l-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet fundamentali tal-bniedem u kwistjoni ta' ġustizzja soċjali, kif ukoll iservu bħala stument biex jintlaħqu l-Miri ta' l-Iżvilupp tal-Millennju kollha, il-Programm ta' Azzjoni tal-Kajr u l- Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-forom kollha ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, dan ir-Regolament jinkludi komponent qawwi rigward is-sessi;

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006.

[2] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82.

[3] ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1.

[4] ĠU L 386, 29.12.2006, p. 1.

[5] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1.

[6] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2001 dwar l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea biex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni f'pajjiżi terzi.

[7] Komunikazzjoni tal-Kumissjoni tat-23 ta' Mejju 1995 dwar l-Inklużjoni tar-Rispett għal-Prinċipji Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem fi Ftehimiet bejn il-Komunità u Pajjiżi Terzi.

[8] ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1.

(6) Dan l-istrument ta' finanzjament jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan tal-Politika Komuni Barranija u għas-Sigurtà ta' l-Unjoni, skond l-Artikolu 11(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mmodifikat mill-Linji Gwida ta' l-UE, dwar l-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali.

(7) Il-kontribut tal-Komunità għall-iżvilupp u għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u tas-supremazija tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali huwa msejjes fil-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-Karta Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kwalunkwe strument ieħor tad-drittijiet tal-bniedem li ġie adottat fi ħdan il-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluži strumenti tad-drittijiet tal-bniedem reġjunali relevanti;

(8) Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem ma jistgħux jiġu sseparati minn xulxin. Il-libertajiet fundamentali ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni huma l-prerekwiżiti għall-pluraliżmu politiku u għall-proċess demokratiku, waqt li l-kontroll demokratiku u s-separazzjoni tal-poteri huma essenzjali biex ikunu sostnuti ġudikatura indipendenti u s-supremazija tad-dritt li min-naħa tagħhom huma meħtieġa għall-ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-bniedem.

(9) Id-drittijiet tal-bniedem jitqiesu fid-dawl ta' normi internazzjonali li huma aċċettati b'mod universali, iżda d-demokrazija għandha titqies ukoll bħala proċess, li jiżviluppa internament, li jinvolvi s-setturi kollha tas-soċjetà u firxa ta' istituzzjonijiet, b'mod partikulari l-parlamenti nazzjonali demokratiċi, li għandhom jiżguraw il-parteċipazzjoni, ir-rappreżentazzjoni, il-kapaċità ta' reazzjoni u l-obbligu ta' rendikont. Il-kompitu li tinbena u tkun sostnuta kultura ta' drittijiet tal-bniedem u li d-demokrazija ssir taħdem għaċ-ċittadini, għalkemm ferm urġenti u diffiċili f'demokraziji li qed jitfaċċaw issa, essenzjalment hija sfida kontinwa, li l-ewwel u qabel kollox tappartjeni lill-poplu tal-pajjiż ikkonċernat imma mingħajr ma jitnaqqsu l-obbligi tal-komunità internazzjonali.

(10) Sabiex il-kwistjonijiet imsemmija aktar 'il fuq jiġu indirizzati b'mod effettiv, trasparenti, f'waqtu u flessibbli lil hinn mill-iskadenza tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/1999 tad-29 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet ta' koperazzjoni għall-iżvilupp li jikkontribwixxi bil-għan ġenerali li tiġi żviluppata u konsolidata d-demokrazija u r-regola tal-liġi u bil-għan li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali [1] u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 976/1999 tad-29 ta' April 1999 li jsemmi l-ħtiġiet għall-implimentazzjoni ta' l-operazzjonijiet tal-Komunità, minbarra dawk tal-koperazzjoni ta' l-iżvilupp, li, fil-qafas tal-politika ta' koperazzjoni tal-Komunità, jikkontribwixxu għal għanijiet ġenerali li jiżviluppaw u jikkonsolidaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt u li jirrispettaw id-drittijiet umani u l-libertajiet fundamentali f'pajjiżi terzi [2], li servew bħala l-bażi legali għall-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u għd-Drittijiet tal-Bniedem u li jiskadu sal-31 ta' Diċembru 2006, huma meħtieġa riżorsi finanzjarji speċifiċi u strument ta' finanzjament speċifiku li jistgħu ikomplu jaħdmu b'mod indipendenti filwaqt li jibqgħu komplementari u jinfurzaw strumenti tal-Komunità relatati għall-għajnuna esterna, il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra [3], għall-għajnuna umanitarja.

(11) L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament hija mfassla biex tikkomplementa d-diversi għodod l-oħra għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' l-UE dwar id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw minn djalogu politiku u inizjattivi diplomatiċi għal diversi strumenti ta' kooperazzjoni finanzjarja u teknika, li jinkludu kemm programmi ġeografiċi kif ukoll dawk tematiċi. Se tikkomplementa wkoll l-interventi ta' l-Istrument għall-Istabbiltà li jkunu iktar relatati mal-kriżijiet.

(12) B'mod partikolari, minbarra u b'mod komplementari għall-miżuri miftiehma mal-pajjiżi msieħba fil-kuntest tal-kooperazzjoni segwita skond l-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Ekonomika, il-Ftehim ta' Cotonou mal-pajjiżi ACP, l-Istrument għall-Koperazzjoni mal-Pajjiżi Industrijalizzati u pajjiżi u territorji oħra bi dħul għoli u l-Istrument għall-Istabbiltà, il-Komunità tipprovdi għajnuna skond dan ir-Regolament li tindirizza kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem u ta' demokratizzazzjoni globali, reġjonali, nazzjonali u lokali, fi sħubija mas-soċjetà ċivili maħsuba biex tinfirex għat-tipi kollha ta' azzjoni soċjali minn individwi jew gruppi li huma indipendenti mill-Istat u attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-promozzjoni tad-demokrazija.

[1] ĠU L 120, 8.5.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2110/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 1).

[2] ĠU L 120, 8.5.1999, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2112/2005 (ĠU L 344, 27.12.2005, p. 23).

[3] ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3; ĠU L 385, 29.12.2004, p. 88.

(13) Barra minn hekk, filwaqt li l-istandards tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu dejjem iktar integrati fl-istrumenti ta' finanzjament għall-għajnuna esterna kollha, l-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament se jkollha rwol ieħor komplementari speċifiku minħabba n-natura globali tagħha u l-indipendenza ta' l-azzjoni tagħha mill-kunsens ta' l-awtoritajiet statali u oħrajn pubbliċi tal-pajjiżi terzi. Dan jagħmel possibbli l-koperazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar kwistjonijiet sensittivi ta' drittijiet tal-bniedem u demokrazija, inklużi d-drittijiet ta' migranti, dawk li jfittxu l-kenn u persuni imċaqalqa internament billi jipprovdi l-flessibilità biex ikun hemm reazzjoni għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu jew sabiex tiġi appoġġjata l-innovazzjoni. Dan jipprovdi wkoll kapaċità tal-Komunità li tartikula u tappoġġja għanijiet u miżuri speċifiċi fuq il-livell internazzjonali li la huma marbuta b'mod ġeografiku u lanqas relatati ma' xi kriżi u li jistgħu jeħtieġu metodu transnazzjonali jew jinvolvu operazzjonijiet kemm fi ħdan il-Komunità kif ukoll f'firxa ta' pajjiżi terzi. Tipprovdi l-qafas meħtieġ għal operazzjonijiet, bħall-appoġġ għal missjonijiet ta' osservazzjoni indipendenti ta' l-elezzjonijiet mill-UE, li jeħtieġu koerenza politika, sistema ta' ġestjoni unifikata u standards operattivi komuni.

(14) L-iżvilupp u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija skond dan ir-Regolament għandhom jinkludu l-parlamenti demokratiċi u l-kapaċità tagħhom biex jappoġġaw u javvanzaw il-proċessi ta' riforma demokratika. Għalhekk jeħtieġ li l-parlamenti nazzjonali jiġu inklużi bħala entitajiet eliġibbli għal finanzjament skond dan ir-Regolament meta dan ikun meħtieġ sabiex jinkisbu l-objettivi tiegħu, sakemm il-miżura proposta tista' tiġi finanzjata taħt strument Komunitarju għall-għajnuna esterna relatat.

(15) Il-"Linji gwida għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni operattiva bejn il-Komunità, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Istati Membri fil-qasam ta' l-għajnuna esterna" tal-21 ta' Jannar 2001 jenfasizzaw il-ħtieġa ta' koordinazzjoni mtejba ta' l-għajnuna esterna ta' l-UE fl-oqsma ta' l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni u tal-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali madwar id-dinja. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' għajnuna rispettivi tagħhom ikunu kumplimentari u koerenti, waqt li jevitaw li jirkbu fuq xulxin u d-duplikazzjoni; Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom ifittxu koordinazzjoni eqreb ma' donaturi oħra. Il-politika Komunitarja fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun kumplimentari għall-politiki segwiti mill-Istati Membri.

(16) Ir-rilevanza u l-ambitu ta' l-għajnuna tal-Komunità fil-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem titlob biex il-Kummissjoni tfittex skambji b'mod regolari u frekwenti ta' l-informazzjoni mal-Parlament Ewropew.

(17) Il-Kummissjoni teħtieġ li tikkonsulta lil rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn, kmieni kemm ikun xieraq fil-proċess ta' programmazzjoni sabiex jiġu ffaċilitati l-kontributi rispettivi tagħhom u jkun żgurat li l-attivitajiet ta' għajnuna huma komplementari għal xulxin kemm jista' jkun possibbli.

(18) Il-Komunità jeħtieġ li tkun tista' tirreaġixxi malajr għal ħtiġijiet mhux previsti u f'ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex titkabbar il-kredibilità u l-effettività ta' l-impenn tagħha għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi fejn jinqalgħu sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta. Dan jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha l-possibbiltà li tiddeċiedi dwar il-Miżuri Speċjali li mhumiex koperti mid-Dokumenti ta' Strateġija. Dan l-istrument għall-ġestjoni ta' l-għajnuna jikkorrispondi għal dawk inklużi fl-istrumenti ta' finanzjament ta' l-għanjuna esterna l-oħra.

(19) Il-Komunità għandha tkun tista' wkoll tirrispondi b'mod flessibbli u f'waqtu għall-bżonnijiet speċifiċi tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' miżuri ad hoc li mhumiex suġġetti għal sejħiet għal proposti. Barra minn hekk, l-eliġibilità ta' l-entitajiet li m'għandhomx personalità legali skond il-liġi nazzjonali applikabbli hija possibbli wkoll skond il-kundizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju.

(20) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2007-2013 li jikkostitwixxi l-ammont primarju ta' referenza għall-awtorità baġitarja, skond il-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda [1].

(21) Jeħtieġ li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju għaċ-Ċentru Inter-Universitarju Ewropew għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Demokratizzazzjoni, li jipprovdi Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni u l-Programm ta' Borża ta' Studju UE-NU, lil hinn mill-iskadenza sa l-aħħar tas-sena 2006 tad-Deċiżjoni Nru 791/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja għall-promozzjoni ta' korpi attivi f'livell Ewropew u għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ [2], li serviet bħala l-bażi legali għall-finanzjament.

(22) Il-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea jikkontribwixxu b'mod sinifikanti u b'suċċess għall-proċessi demokratiċi f'pajjiżi terzi [3]. Madankollu, l-promozzjoni tad-demokrazija testendi lil hinn ħafna mill-proċess elettorali waħdu. In-nefqa għall-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-UE għalhekk m'għandhiex tieħu ammont sproporzjonat tal-fondi totali disponibbli skond dan ir-Regolament.

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

[2] ĠU L 138, 30.4.2004, p. 31.

[3] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' April 2000 dwar l-Għajnuna u l-Osservazzjoni Elettorali ta' l-UE.

(23) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1].

(24) Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet bażiċi ta' dan ir-Regolament li jiġu stabbiliti regoli dwar Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb l-għan segwit, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

L-GĦANIJIET U L-AMBITU

Artikolu 1

L-għanijiet

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem skond liema l-Komunità għandha tipprovdi għajnuna, fi ħdan il-qafas tal-politika Komunitarja dwar il-koperazzjoni għall-iżvilupp u l-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi, b'mod konsistenti mal-politika barranija kollha kemm hi ta' l-Unjoni Ewropea, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp u għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali.

2. B'mod partikolari, għajnuna ta' din ix-xorta għandu jkollha l-għan li

(a) ittejjeb ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali u l-osservanza tagħhom, kif proklamat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali u reġjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, u tippromwovi u tikkonsolida d-demokrazija u r-riforma demokratika f'pajjiżi terzi, prinċipalment permezz ta' l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tipprovdi appoġġ u solidarjetà lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-vittmi tar-ripressjoni u ta' l-abbuż u ssaħħaħ lis-soċjetà ċivili attiva fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-promozzjoni tad-demokrazija;

(b) tappoġġa u ssaħħaħ il-qafas internazzjonali u reġjonali għall-ħarsien, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, għall-promozzjoni tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, u ssaħħaħ rwol attiv għas-soċjetà ċivili fi ħdan dawn l-oqfsa;

(c) tibni l-kunfidenza fl-affidabilità tal-proċessi elettorali u ssaħħaħha, b'mod partikulari permezz tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, u permezz ta' l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali involuti f'dawn il-proċessi.

Artikolu 2

L-ambitu

1. Wara li jitqiesu l-Artikoli 1 u 3, l-għajnuna tal-Komunità għandha tirrelata ma' l-oqsma li ġejjin:

(a) il-promozzjoni u tisħiħ tad-demokrazija parteċipatorja u rappreżentattiva, inkluża d-demokrazija parlamentari, u tal-proċessi tad-demokratizzazzjoni, prinċipalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inter alia:

i) fil-promozzjoni tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea, taċ-ċaqliq mhux imxekkel tal-persuni, tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni, inklużi l-espressjoni artistika u kulturali, ta' midja indipendenti, ta' aċċess bla xkiel għall-informazzjoni, u tal-miżuri biex jiġu miġġielda l-ostakli amministrattivi għall-eżerċitar ta' dawn il-libertajiet, inkluża l-ġlieda kontra ċ-ċensura;

ii) fit-tisħiħ ta' l-istat tad-dritt, fil-promozzjoni ta' l-indipendenza tal-ġudikatura, fit-tħeġġiġ u l-evalwazzjoni tar-riformi legali u istituzzjonali u fil-promozzjoni ta' l-aċċess għall-ġustizzja;

iii) fil-promozzjoni u t-tisħiħ tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, tat-tribunali kriminali internazzjonali ad hoc u tal-proċessi tal-ġustizzja tranżitorja u tal-mekkaniżmi ta' verità u ta' rikonċiljazzjoni;

iv) fl-appoġġ ta' riformi biex jinkisbu l-obbligi ta' rendikont u ta' sorveljanza demokratiċi effettivi u trasparenti, inkluża s-sorveljanza tas-settur tas-sigurtà u tal-ġustizzja, u fl-inkoraġġiment tal-miżuri kontra l-korruzzjoni;

v) fil-promozzjoni ta' pluraliżmu politiku u ta' rappreżentanza politika demokratika u fit-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni politika miċ-ċittadini, b'mod partikulari mill-gruppi marġinalizzati, fil-proċessi ta' riforma demokratika fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali;

vi) fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika, u fl-appoġġ ta' l-ugwaljanza ta' opportunità u l-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza politika tan-nisa;

vii) fl-appoġġ ta' miżuri li jiffaċilitaw il-konċiljazzjoni paċifika ta' l-interessi ta' gruppi, inkluż l-appoġġ għall-miżuri li jibnu l-kunfidenza f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem u mad-demokratizzazzjoni.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(b) il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kif ipproklamati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali oħrajn li jikkonċernaw id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali, prinċipalment permezz ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li inter alia huma relatati ma':

i) l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, il-prevenzjoni tat-tortura, tat-trattament ħażin u ta' forom oħra ta' trattament krudili, diżuman u degradanti u r-rijabilitazzjoni tal-vittmi tat-tortura;

ii) l-appoġġ, il-ħarsien u l-għajnuna għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, skond it-termini ta' l-Artikolu 1 tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt u r-Responsabilità ta' Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li jippromwovu u jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali li huma Universalment Rikonoxxuti;

iii) il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, u d-diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni, inklużi s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatterisitiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija f'minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

iv) id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u gruppi etniċi;

v) id-drittijiet tan-nisa kif proklamati fil-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokolli mhux obbligatorji tagħha, inklużi l-miżuri biex jiġu miġġielda l-mutilazzjoni tal-ġenitali femminili, iż-żwiġijiet sfurzati, ir-reati ta' l-unur u kwalunkwe forma oħra ta' vjolenza kontra n-nisa;

vi) id-drittijiet tat-tfal, kif proklamati fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokolli mhux obbligatorji tagħha, inklużi l-ġlieda kontra t-tħaddim, it-traffikar u l-prostituzzjoni tat-tfal, u r-reklutaġġ u l-użu ta' suldati tfal;

vii) id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità;

viii) il-promozzjoni ta' l-istandards fundamentali tax-xogħol u tar-responsabilità soċjali korporattiva;

ix) l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-monitoraġġ fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija, u fil-qasam kopert mill-paragrafu 1(a) (vii);

x) l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali tas-soċjetà ċivili involuti fil-ħarsien, fil-promozzjoni jew fid-difiża tad-drittijiet u fil-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) (vii);

(ċ) it-tisħiħ tal-qafas internazzjonali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġustizzja, ta' l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija, b'mod partikolari billi

i) ikun provdut appoġġ għal strumenti internazzjonali u reġjonali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;

ii) titrawwem koperazzjoni mis-soċjetà ċivili ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali intergovernattivi, u jiġu appoġġati l-attivitajiet tas-soċjetà ċivili mirati lejn il-promozzjoni u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti internazzjonali u reġjonali li jikkonċernaw id-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja, l-istat tad-dritt u d-demokrazija;

iii) tkun promossa l-osservanza tal-liġi umanitarja internazzjonali;

(d) il-bini tal-kunfidenza fil-proċessi elettorali demokratiċi u t-tisħiħ ta' l-affidabilità u t-trasparenza tagħhom, b'mod partikolari

i) permezz ta' l-użu tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-Unjoni Ewropea;

ii) permezz ta' miżuri oħra għall-monitoraġġ tal-proċessi elettorali;

iii) billi jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-kapaċità' ta' osservazzjoni elettorali ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livelli reġjonali u lokali, u billi jiġu appoġġati l-inizjattivi tagħhom biex jissaħħu l-parteċipazzjoni fil-proċess elettorali u s-segwitu għalih

iv) billi jiġu appoġġati l-miżuri mirati lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-Unjoni Ewropew, b'mod partikulari permezz ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

2. Il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, tad-drittijiet tat-tfal, tad-drittijiet tal-popli indiġeni, tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, u tal-prinċipji ta' l-għoti tas-setgħa, tal-parteċipazzjoni, tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni ta' gruppi vulnerabbli u ta' responsabilità għandhom jitqiesu mill-miżuri kollha ta' għajnuna msemmija f'dan ir-Regolament.

3. Il-miżuri ta' għajnuna msemmija f'dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati fit-territorju tal-pajjiżi terzi jew għandhom ikunu relatati b'mod dirett mas-sitwazzjonijiet li jinqalgħu fil-pajjiżi terzi, jew ikunu relatati b'mod dirett ma' azzjonijiet globali jew reġjonali.

Artikolu 3

Il-Komplementarjetà u l-Koerenza ta' l-Għajnuna tal-Komunità

1. L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-qafas tal-politika tal-Komunità dwar koperazzjoni għall-iżvilupp u b'mod ġenerali mal-politika barranija ta' l-Unjoni Ewropea u komplementari għal dik provduta skond strumenti relattivi tal-Komunità għal għajnuna esterna, il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra. L-għajnuna kumplementari tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun provduta biex tiġi rinforzata l-azzjoni skond strumenti relattivi ta' assistenza esterna.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-miżuri adottati skond dan ir-Regolament ikunu konsistenti mal-qafas ġenerali tal-politika strateġika tal-Komunità u b'mod partikolari ma' l-għanijiet ta' l-istrumenti t'aktar 'il fuq, kif ukoll ma' miżuri rilevanti oħrajn tal-Komunità.

3. Sabiex tiżdied l-effettività u l-konsistenza tal-miżuri ta' għajnuna tal-Komunità u ta' l-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni mill-qrib bejn l-attivitajiet tagħha stess u dawk ta' l-Istati Membri, kemm fuq il-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll fil-prattika. Il-koordinazzjoni għandha tinvolvi konsultazzjonijiet regolari u skambji frekwenti ta' l-informazzjoni rilevanti, inkluż ma donaturi oħra, matul id-diversi fażijiet taċ-ċiklu ta' l-għajnuna, b'mod partikolari fuq il-livell lokali.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u jkollha skambji regolari ta' opinjonijiet miegħu.

5. Il-Kummissjoni għandha tfittex skambji regolari ta' informazzjoni mas-soċjetà ċivili, fil-livelli kollha, inkluż f'pajjiżi terzi.

TITOLU II

L-IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 4

Il-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni

L-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament għandha tkun implimentata permezz tal-miżuri li ġejjin:

a) id-Dokumenti ta' Strateġija u r-reviżjonijiet tagħhom kif ikun xieraq;

b) il-Programmi Annwali ta' Azzjoni;

c) il-Miżuri Speċjali;

d) Miżuri ad hoc.

Artikolu 5

Id-Dokumenti ta' Strateġija u r-Reviżjonijiet

1. Id-Dokumenti ta' Strateġija għandhom jistabbilixxu l-istrateġija tal-Komunità għall-għajnuna tal-Komunità skond dan ir-Regolament, il-prijoritajiet tal-Komunità, is-sitwazzjoni internazzjonali u l-attivitajiet ta' l-imsieħba prinċipali. Huma għandhom ikunu konsistenti ma' l-iskop ġenerali, l-objettivi, il-kamp ta' applikazzjoni u l-prinċipji ta' dan ir-Regolament.

2. Id-Dokumenti ta' Strateġija għandhom jistabbilixxu l-oqsma ta' prijorità magħżula għall-finanzjament mill-Komunità, l-għanijiet speċifiċi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi tar-rendiment. Għandhom jagħtu wkoll l-allokazzjoni finanzjarja indikattiva, kemm ġenerali kif ukoll għal kull qasam ta' prijorità; din tista' tingħata fil-forma ta' medda, fejn ikun xieraq.

3. Id-Dokumenti ta' Strateġija, u kwalunkwe reviżjoni jew estensjoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2). Għandhom ikopru mhux aktar mill-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament. Id-dokumenti ta' strateġija għandhom jiġu riveduti f'nofs it-term, jew ad hoc jekk ikun meħtieġ.

4. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqsmu informazzjoni bejniethom u jikkonsultaw lil xulxin, kif ukoll lil donaturi u atturi oħrajn inklużi r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, fi stadju bikri tal-proċess ta' programmazzjoni sabiex jippromwovu l-komplementarjetà bejn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħhom.

Artikolu 6

Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni

1. Minkejja l-Artikolu 7, il-Kummissjoni għandha tadotta Programmi Annwali ta' Azzjoni bbażati fuq id-Dokumenti ta' Strateġija u r-reviżjonijiet msemmija fl-Artikolu 5.

2. Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni għadhom jispeċifikaw l-għanijiet segwiti, l-oqsma ta' intervent, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta' ġestjoni u l-ammont totali ta' finanzjament ippjanat. Huma għandhom iqisu t-tagħlim miksub mill-implimentazzjoni li diġà seħħet ta' l-assistenza Komunitarja. Għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-operazzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull operazzjoni u skeda indikattiva ta' l-implimentazzjoni. L-għanijiet għandhom ikunu miżurabbli u għandhom ikollhom punti ta' referenza marbutin biż-żmien.

3. Il-Programmi Annwali ta' Azzjoni, u kwalunkwe reviżjoni jew estensjoni tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2). F'każijiet fejn l-emendi għall-Programmi Annwali ta' Azzjoni ma jaqbżux l-20 % ta' l-ammont globali allokat lilhom, il-Kummissjoni għandha tadotta emendi ta' din ix-xorta. Hija għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 17(1).

4. F'każ li Programm Annwali ta' Azzjoni ma jkunx għadu ġie adottat, b'mod eċċezzjonali, fuq il-bażi tad-Dokumenti ta' Strateġija msemmija fl-Artikolu 5, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri li ma jkunx hemm provvediment għalihom fi Programm Annwali ta' Azzjoni, skond l-istess regoli u proċeduri bħall-Programmi Annwali ta' Azzjoni.

Artikolu 7

Il-Miżuri Speċjali

1. Minkejja l-Artikolu 5, fil-każ ta' ħtiġijiet mhux previsti u ġġustifikati kif xieraq jew ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tadotta Miżuri Speċjali li mhumiex koperti fid-Dokumenti ta' Strateġija.

2. Il-Miżuri Speċjali għandhom jispeċifikaw l-għanijiet segwiti, l-oqsma ta' attività, ir-riżultati mistennija, il-proċeduri ta' ġestjoni u l-ammont totali ta' finanzjament. Għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' l-operazzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati, indikazzjoni ta' l-ammonti allokati għal kull operazzjoni u l-iskeda indikattiva għall-implimentazzjoni tagħhom. Għandhom jinkludu definizzjoni tat-tip ta' indikaturi tar-rendimant li jridu jiġu mmonitorjati waqt l-implimentazzjoni ta' miżuri speċjali.

3. Fejn l-ispiża ta' miżuri ta' din ix-xorta hija ekwivalenti għal jew taqbeż l-EUR 3 000 000, il-Kummissjoni għandha tadottahom skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2).

4. Għal Miżuri Speċjali li jiswew inqas minn EUR 3 000 000, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-miżuri lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri bħala informazzjoni fi żmien 10 ġranet ta' xogħol mill-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha.

Artikolu 8

Il-miżuri ta' appoġġ

1. Il-finanzjament tal-Komunità skond dan ir-Regolament jista' jkopri n-nefqa assoċjata mal-preparazzjoni, ma' l-azzjoni ta' segwitu, mal-monitoraġġ, ma' l-attivitajiet ta' verifika u ta' evalwazzjoni meħtieġa b'mod dirett għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għall-kisba ta' l-għanijiet tiegħu, bħal studji, laqgħat, informazzjoni, attivitajiet li jqajmu kuxjenza, attivitajiet ta' taħriġ u ta' pubblikazzjoni, inklużi miżuri ta' taħriġ u edukattivi għal sħab mis-soċjetà ċivili, in-nefqa assoċjata ma' netwerks tal-kompjuter għall-iskambju ta' l-informazzjoni, u kwalunkwe spiża għal għajnuna amministrattiva jew teknika oħra li tkun meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm. Jista' jkopri wkoll nefqa, fejn ikun xieraq, għal azzjonijiet biex ikun enfasizzat il-karattru tal-Komunità tal-miżuri ta' għajnuna, għal attivitajiet biex ikunu spjegati l-għanijiet u r-riżultati tal-miżuri ta' għajnuna lill-pubbliku ġenerali fil-pajjiżi kkonċernati.

2. Il-finanzjament tal-Komunità għandu jkopri wkoll in-nefqa tad-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ amministrattiv meħtieġ biex ikunu ġestiti l-operazzjonijiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta Miżuri ta' Appoġġ li mhumiex koperti minn Dokumenti ta' Strateġija kif imsemmija fl-Artikolu 5 skond l-Artikolu 7(3) u (4).

Artikolu 9

Miżuri ad hoc

1. Minkejja l-Artikolu 5, il-Kummissjoni tista' talloka għotjiet żgħar fuq bażi ad hoc lil difensuri tad-drittijiet tal-bniedem biex twieġeb għal bżonnijiet urġenti ta' protezzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri bil-miżuri ad hoc li jkunu ttieħdu.

Artikolu 10

Eliġibiltà

1. Bla preġudizzju għall-Artikolu 14, il-korpi u l-atturi li ġejjin, filwaqt li joperaw fuq bażi indipendenti u responsabbli, għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament skond dan ir-Regolament għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna msemmija fl-Artikoli 6, 7 u 9:

a) organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi mingħajr qligħ, organizzazzjonijiet ibbażati fil-Komunità, u aġenziji, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr qligħ tas-settur privat, u networks tagħhom fuq il-livell lokali, nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali;

b) l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mingħajr qligħ tas-settur pubbliku, u n-netwerks fuq il-livell lokali, nazzjonali, reġjonali, u internazzjonali;

c) korpi parlamentari nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, meta dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan l-istrument u sakemm il-miżura proposta ma tistax tkun iffinanzjata skond strument relatat tal-Komunità għal għajnuna esterna;

d) l-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali;

e) il-persuni naturali meta dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Korpi jew atturi oħrajn mhux elenkati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu ffinanzjati, b'mod eċċezzjonali u f'każijiet iġġustifikati kif xieraq, sakemm dan ikun meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Il-Proċeduri ta' Ġestjoni

1. Il-miżuri ta' għajnuna ffinanzjati skond dan ir-Regolament għandhom jiġu implimentati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Gunju 2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli ghall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej [1] u kwalunkwe reviżjoni tiegħu fuq bażi ċċentralizzata jew permezz ta' ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 53(1) ta' dak ir-Regolament.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

2. Fil-każ ta' ffinanzjar konġunt u f'każijiet oħra ġġustifikati, skond l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-Kummissjoni tista', tiddeċiedi li tafda l-kompiti ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, lill-korpi msemmija fl-Artikolu 54(2)(c) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 12

L-impenji baġitarji

1. L-impenji baġitarji għandhom isiru fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni skond l-Artikoli 6, 7, 8 u 9.

2. Il-finanzjament tal-Komunità jista' jieħu waħda mill-forom legali li ġejjin, inter alia:

a) il-ftehimiet ta' għotja, id-deċiżjonijiet ta' għotja jew il-ftehimiet ta' kontribut;

b) il-ftehimiet skond l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002;

c) il-kuntratti ta' akkwist;

d) il-kuntratti ta' impjieg.

Artikolu 13

It-tipi ta' finanzjament

1. Il-finanzjament tal-Komunità jista' jieħu l-forom li ġejjin:

a) il-proġetti u l-programmi;

b) l-għotjiet biex ikunu ffinzanzjati proġetti mressqa mill-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali kif imsemmija fl-Artikolu 10(1) (d);

c) għotjiet żgħar lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif msemmija fl-Artikolu 2(1)(b)(ii) sabiex jiffinanzjaw l-miżuri ta' protezzjoni urġenti taħt l-Artikolu 9(1);

d) għotjiet għall-iffinanzjar ta' l-ispejjeż ta' l-operat ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem;

e) l-għotjiet li jappoġġjaw l-ispejjeż operattivi taċ-Ċentru Ewropew Inter-Universitarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u għad-Demokratizzazzjoni (EIUC), b'mod partikolari għall-Programm tal-Lawrja Ewropea ta' Masters fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, u l-Programm ta' Borża ta' Studju UE-NU, aċċessibbli għal kollox lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll attivitajiet oħra edukattivi, ta' taħriġ u ta' riċerka li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni;

f) il-kontributi għal fondi internazzjonali, bħal dawk ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali;

g) ir-riżorsi umani u l-materjali għall-implimentazzjoni effettiva tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni ta' l-Elezzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea;

h) il-kuntratti pubbliċi kif iddefiniti fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

2. Il-miżuri ffinanzjati skond dan ir-Regolament huma eliġibbli għal ko-finanzjament mingħand dawn li ġejjin, b'mod partikolari mingħand:

a) l-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali tagħhom, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

b) pajjiżi donaturi oħrajn, u b'mod partikolari l-aġenziji pubbliċi u parastatali tagħhom;

c) l-organizzazzjonijiet inter-governattivi internazzjonali u reġjonali;

d) il-kumpaniji, id-ditti, organizzazzjonijiet u negozji privati oħrajn, trejd unjons, federazzjonijiet tat-trejd unjons, u atturi oħra mhux Statali.

3. Fil-każ ta' ko-finanzjament parallel, il-proġett jew il-programm għandu jinqasam f'numru ta' komponenti li jistgħu ikunu identifikati b'mod ċar, li kull wieħed minnhom jiġi ffinanzjat minn imsieħba differenti li jipprovdu ko-finanzjament b'tali mod li l-użu finali tal-finanzjament jista' dejjem jiġi identifikat. Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, l-ispiża totali tal-proġett jew tal-programm għandha tinqasam bejn l-imsieħba li jipprovdu l-ko-finanzjament u r-riżorsi jiġu ppuljati b'tali mod li ma jkunx possibbli li jiġi identifikat is-sors tal-finanzjament għal kwalunkwe attività partikolari li titwettaq bħala parti mill-proġett jew mill-programm.

4. Fil-każ ta' ko-finanzjament konġunt, il-Kummissjoni tista' tirċievi u tiġġestixxi fondi f'isem il-korpi msemmija fil-paragrafu 2 (a), (b), u (c), għall-fini ta' l-l-implimentazzjoni tal-miżuri konġunti. Fondi ta' din ix-xorta għandhom jiġu trattati bħala dħul assenjat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

5. Fil-każ ta' ko-finanzjament u f'każijiet oħra ġġustifikati b'mod xieraq, il-Kummissjoni tista' tafda kompiti ta' awtorità pubblika, u b'mod partikolari kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit, lill-korpi msemmija fl-Artikolu (2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1605/2002.

6. Għajnuna mill-Komunità m'għandhiex tintuża għall-ħlas ta' taxxi, dazji jew tariffi fl-pajjiżi benefiċjarji.

Artikolu 14

Ir-regoli tal-parteċipazzjoni u r-regoli ta' l-oriġini

1. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew għal ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti fi Stat Membru tal-Komunità, f'pajjiż li qed jaderixxi jew kandidat uffiċjali kif inhu rikonoxxut mill-Komunità Ewropea jew fi Stat Membru taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa wkoll għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti f'pajjiż li qiegħed jiżviluppa, kif speċifikat mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp ta' l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD/DAC), flimkien mal-persuni naturali jew legali eliġibbli minħabba dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna l-lista tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li ġiet stabbilita mill-OECD/DAC, skond ir-reviżjonijiet regolari ta' din il-lista u tinforma l-Kunsill b'dan.

2. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' kuntratti ta' akkwist jew ta' għotjiet iffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa wkoll għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta' jew persuni legali li huma stabbiliti fi kwalunkwe pajjiż minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, fejn ġie stabbilit aċċess reċiproku għall-għajnuna esterna tagħhom. L-aċċess reċiproku għandu jingħata kulmeta pajjiż jagħti l-eliġibilità b'termini ndaqs lill-Istati Membri u lill-pajjiż riċeventi kkonċernat.

L-aċċess reċiproku għandu jiġi stabbilit permezz ta' deċiżjoni speċifika li tikkonċerna pajjiż partikolari jew grupp reġjonali ta' pajjiżi partikolari. Deċiżjoni ta' din ix-xorta għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2) u għandha tkun fis-seħħ għal perjodu minimu ta' sena.

3. Il-parteċipazzjoni fl-għotja ta' għotjiet u ta' kuntratti pubbliċi ffinanzjati skond dan ir-Regolament għandha tkun miftuħa għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 huma bla preġudizzju għall-parteċipazzjoni tal-kategoriji ta' organizzazzjonijiet eliġibbli minħabba n-natura jew il-lokalizzazzjoni fir-rigward ta' l-għanijiet ta' l-azzjoni li għandha titwettaq.

5. L-esperti jistgħu ikunu ta' kwalunkwe nazzjonalità. Dan huwa bla preġudizzju għar-rekwiżiti kwalitativi u finanzjarji stabbiliti fir-regoli dwar l-akkwisti tal-Komunità.

6. Jekk il-miżuri ffinanzjati skond dan ir-Regolament jiġu implimentati fuq bażi ċentralizzata u b'mod indirett permezz ta' delega lil korpi speċjalizzati tal-Komunità, korpi tas-settur pubbliku internazzjonali jew nazzjonali, jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku skond l-Artikolu 54(2) c) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku u ta' għotja ta' għotjiet ta' l-entità li tiġġestixxi għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali li huma ċittadini tal-pajjiżi li għandhom aċċess għall-kuntratti u għall-għotjiet tal-Komunità skond il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u ta' kwalunkwe pajjiż ieħor eliġibbli skond ir-regoli u l-proċeduri ta' l-entità li tiġġestixxi, u għall-persuni legali li huma stabbiliti f'dawk il-pajjiżi.

7. Kulmeta l-għajnuna tal-Komunità tkopri operazzjoni implimentata permezz ta' organizzazzjoni internazzjonali, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond dan l-Artikolu kif ukoll għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond ir-regoli ta' dik l-organizzazzjoni, filwaqt li tingħata attenzjoni ħalli jiġi żgurat li jingħata trattament indaqs lid-donaturi kollha. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward tal-provvisti, tal-materjali u ta' l-esperti.

8. Kulmeta l-finanzjament tal-Komunità jkopri operazzjoni li hija ko-finanzjata ma' pajjiż terz, soġġett għar-reċiproċità, jew ma' organizzazzjoni reġjonali, jew ma' Stat Membru, il-parteċipazzjoni fil-proċeduri kuntrattwali xierqa għandha tkun miftuħa għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond dan l-Artikolu, kif ukoll għall-persuni naturali u għall-persuni legali kollha li huma eliġibbli skond ir-regoli ta' pajjiż terz, organizzazzjoni reġjonali jew Stat Membru ta' din ix-xorta. L-istess regoli għandhom japplikaw fir-rigward tal-provvisti, tal-materjali u ta' l-esperti.

9. Il-provvisti u l-materjali kollha li jinxtraw skond kuntratt iffinanzjat skond dan ir-Regolament iridu joriġinaw mill-Komunità jew minn pajjiż eliġibbli kif iddefinit fil-paragrafi 1 u 2. It-terminu "oriġini" għall-fini ta' dan ir-Regolament huwa definit fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità dwar ir-regoli ta' l-oriġini għal finijiet doganali.

10. F'każijiet issostanzjati b'mod xieraq, il-Kummissjoni tistà tawtorizza l-parteċipazzjoni ta' persuni naturali u legali jew minn pajjiżi li għandhom rabtiet ekonomiċi, kummerċjali jew ġeografiċi tradizzjonali ma' pajjiżi ġirien, jew minn pajjiżi terzi oħrajn, u x-xiri u l-użu tal-provvisti u tal-materjali ta' oriġini differenti.

11. Id-derogi jistgħu jkunu ġġustifikati fuq il-bażi tan-nuqqas ta' disponibilità tal-prodotti u tas-servizzi fis-swieq tal-pajjiżi kkonċernati, għal raġunijiet ta' urġenza kbira, jew jekk ir-regoli ta' eliġibiltà għandhom jagħmlu t-twettiq ta' proġett, programm jew azzjoni impossibbli jew diffiċli immens.

12. Dawk li tefgħu l-offerti u ngħataw il-kuntratti għandhom jirrispettaw l-istandards tax-xogħol ċentrali mifthiema internazzjonalment, bħall-istandards ċentrali tax-xogħol ta' l-ILO, il-konvenzjonijiet dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u n-negozjar kollettiv, l-eliminazzjoni ta' xogħol forzat u ta' bilfors, l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-impiegi u ta' l-okkupazzjoni, u l-abolizzjoni tax-xogħol tat-tfal.

Artikolu 15

Il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Kwalunkwe ftehim jew kuntratt li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità, b'mod partikolari fir-rigward tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kwalunkwe irregolarità oħra skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/1995 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([1]), ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/1996 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ([2]), u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ([3]).

2. Il-ftehimiet u l-kuntratti għandhom jagħtu d-dritt b'mod espliċitu lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri li jkollhom is-setgħa ta' verifika, fuq il-bażi tad-dokumenti u fuq il-post, fuq il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Komunità. B'mod espliċitu, għandhom jawtorizzaw ukoll lill-Kummissjoni biex twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif provdut fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/1996.

Artikolu 16

L-evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tirrivedi b'mod regolari il-programmi tagħha, u għandha tevalwa l-effettività, il-koerenza u l-konsistenza tal-programmazzjoni, fejn xieraq permezz ta' evalwazzjonijiet esterni indipendenti, sabiex tiżgura ruħha jekk l-għanijiet intlaħqux u sabiex tkun tista' tifformula rakkomandazzjonijiet bil-għan li ttejjeb l-operazzjonijiet futuri. Għandhom jitqiesu l-proposti tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill għal evalwazzjonijiet esterni indipendenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 17(1) u lill-Parlament Ewropew bħala informazzjoni. L-Istati Membru jistgħu jitolbu diskussjoni ta' evalwazzjonijiet speċifiċi fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 17(1). Ir-riżultati għandhom jerġgħu jidħlu bħala informazzjoni fit-tfassil tal-programmi u fl-allokazzjoni tar-riżorsi.

3. Il-Kummissjoni għandha tassoċja lill-partijiet interessati kollha kif ikun xieraq fil-fażi ta' l-evalwazzjoni ta' l-għajnuna tal-Komunità provduta skond dan ir-Regolament. Għandhom jiġu mħeġġa evalwazzjonijiet konġunti ma' l-Istati Membri, ma' organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali oħrajn.

([1]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.
([3]) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

TITOLU III

ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 17

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha. Il-perjodu provdut fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' 30 ġurnata.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 18

Ir-Rapport Annwali

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna mwettqa skond dan ir-Regolament u għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati u, safejn ikun possibbli, ir-riżultati u l-impatti ewlenin ta' l-għajnuna. Ir-rapport għandu jkun parti integrali mir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp tal-Komunità Ewropea u dwar l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna esterna u mir-Rapport Annwali ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni relatata mas-sena ta' qabel dwar il-miżuri ffinanzjati, ir-riżultati ta' l-eżerċizzji ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni, l-involviment ta' l-imsieħba rilevanti, u l-implimentazzjoni ta' l-impenji u tal-ħlasijiet baġitarji, analizzati statistikament skond il-miżuri globali, reġjonali, u tal-pajjiżi, u l-oqsma ta' l-għajnuna. Huwa għandu jivvaluta r-riżultati ta' l-għajnuna, billi juża kemm jista' jkun indikaturi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu ta' l-irwol tiegħu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Pakkett finanzjarju

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-perjodu 2007-2013 għandu jkun ta' EUR 1 104 000 000. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013.

Artikolu 20

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, rapport li jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-ewwel tliet snin, jekk ikun xieraq bi proposta leġiżlattiva li tintroduċi l-modifiki meħtieġa għal dan ir-Regolament.

Artikolu 21

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

32006R1890

L 386/12 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.12.2006

REGOLAMENT (KE) Nru 1890/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 2006

li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ Komunitarju dwar l-istruttura ta' impriżi agrikoli, rigward il-qafas finanzjarju għall-perjodu 2007-2009 u l-kontribuzzjoni massima mill-Komunità għall-Bulgarija u r-Rumanija

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' l-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [2] jistipula li l-Istati Membri *għandhom* jitħallsu lura sa ammont massimu għal kull stħarriġ, bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż imġarrba.

(2) Biex jitwettaq l-istħarriġ fuq l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli, jeħtieġ finanzjament konsiderevoli mill-Istati Membri u mill-Komunità biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet ta' informazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji.

(3) Bil-ħsieb ta' l-adeżjoni tal-Bugarija u r-Rumanija u tat-twettiq ta' stħarriġ dwar l-istruttura ta' l-impriżi agrikoli f'dawn l-Istati Membri l-ġodda fl-2007, huwa xieraq li kontribuzzjoni massima Kommunitarja tiġi pprovduta għal kull stħarriġ; dan l-adattament huwa meħtieġ minħabba l-adeżjoni u ma ġiex previst fl-Att ta' l-Adeżjoni.

(4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi, għall-bqija tal-programm, *pakkett* finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlienija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura annwali baġitarja, *skond* it-tifsira tal-punt *37* tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib tal-proċedura baġitarja [3],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 571/88 huwa emendat kif ġej:

1) L-*inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda* ma' l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 14(1):

"— EUR 2 000 000 għall-Bulgarija,

— EUR 2 000 000 għar-Rumanija."

2) Fl-Artikolu 14, it-tielet, ir-raba' u l-ħames sub-paragrafu tal-paragrafu 1 *huma* mibdula b'li ġej:

"Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm, inklużi l-approprjazzjonijiet meħtieġa għat-tmexxija tal-proġett Eurofarm, għandu jiġi ffissat għal EUR 20 400 000 għall-perjodu 2007-2009.

L-approprjazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju."

[1] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006 (għada mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006.

[2] ĠU L 56, 2.3.1988, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 204/2006 (ĠU L 34, 7.2.2006, p. 3).

[3] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2006.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	J. KORKEAOJA

32006R1891(01)

L 386/14 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1891/2006

tat-18 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 6/2002 u (KE) Nru 40/94 biex jagħti effett lill-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar disinji Komunitarji [1] ħoloq is-sistema ta' disinn Komunitarju li permezz tagħha impriżi jistgħu permezz ta' sistema proċedurali jiksbu disinji Komunitarji li jingħataw protezzjoni uniformi b'sistema proċedurali waħda u jipproduċu l-effetti tagħhom fiż-żona kollha tal-Komunità.

(2) Wara tħejjijiet mibdija u mwettqa mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) bil-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri li huma membri ta' l-Unjoni ta' l-Aja, l-Istati Membri li ma humiex membri ta' l-Unjoni ta' l-Aja u l-Komunità Ewropea, il-Konferenza Diplomatika, imlaqqa' għal dak il-għan f'Ġinevra, adottat l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali tad-disinji industrijali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Att ta' Ġinevra") fit-2 ta' Lulju 1999.

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 954, il-Kunsill approva l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali [2] u awtorizza lill-President tal-Kunsill biex jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni mad-Direttur Ġenerali tal-WIPO mid-data li fiha l-Kunsill adotta l-miżuri li jinħtieġu biex jagħtu effett lill-adeżjoni tal-Komunità għall-Att ta' Ġinevra. Dan ir-Regolament fih dawk il-miżuri.

(4) Il-miżuri adatti għandhom ikunu inkorporati fir-Regolament (KE) Nru 6/2002 permezz taż-żieda ta' titolu ġdid dwar "Reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji".

(5) Ir-regoli u l-proċeduri marbuta ma' reġistrazzjonijiet internazzjonali b'deżinjazzjoni għall-Komunità, fil-prinċipju, għandhom ikunu l-istess bħar-regoli u l-proċeduri li japplikaw għall-applikazzjonijiet għal disinji Komunitarji. Skond dan il-prinċipju, reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunità għandha tkun soġġetta għall-eżami dwar ir-raġunijiet ta' għala ma tistax tiġi rreġistrata qabel tieħu l-istess effett bħal disinn Komunitarju rreġistrat. Bl-istess mod, reġistrazzjoni internazzjonali li jkollha l-istess effett bħal disinn Komunitarju rreġistrat għandha wkoll tkun soġġetta għall-istess regoli dwar l-invalidazzjoni bħal disinn Komunitarju rreġistrat.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 6/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) L-adeżjoni tal-Komunità għall-Att ta' Ġinevra se toħloq sors ġdid ta' dħul għall-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade Marks* u Disinji). Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-*trade mark* Komunitarju [3] għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 134(3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"3. Id-dħul għandu jinkludi, mingħajr ħsara għal tipi oħra ta' dħul, ħlasijiet totali mħallsin skond ir-regolamenti ta' ħlas, ħlasijiet totali mħallsin skond il-Protokoll ta' Madrid imsemmi fl-Artikolu 140 ta' dan ir-Regolament għal reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunitajiet Ewropej u ħlasijiet oħra li jsiru lill-Partijiet Kontraenti għall-Protokoll ta' Madrid, ħlasijiet totali mħallsin skond l-Att ta' Ġinevra msemmi fl-Artikolu 106ċ tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 għal reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunità Ewropea u ħlasijiet oħra magħmula lill-Partijiet Kontraenti għall-Att ta' Ġinevra, u, sa fejn huwa meħtieġ, sussidju mdaħħal taħt intestatura speċifika tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, taqsima tal-Kummissjoni.".

[1] ĠU L 3, 5.1.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

[2] Ara paġna 18 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[3] ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2005.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 6/2002 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 25(1)(d) huwa sostitwit minn dan li ġej:

"(d) jekk id-disinn Komunitarju jkun f'konflitt ma' disinn preċedenti li sar disponibbli għall-pubbliku wara d-data ta' preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni jew, jekk tintalab il-prijorità, id-data ta' prijorità tad-disinn Komunitarju, u li hi protetta minn data qabel id-data msemmija

(i) minn disinn Komunitarju rreġistrat jew applikazzjoni għal disinn bħal dan,

jew

(ii) minn dritt għal disinn irreġistrat ta' Stat Membru, jew b'applikazzjoni għal dritt bħal dan,

jew

(iii) minn dritt għal disinn irreġistrat skond l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'l-Att ta' Ġinevra', li kien approvat b'Deċiżjoni tal-Kunsill 954/2006/u li għandu effett fil-Komunità, jew b'applikazzjoni għal dritt bħal dan;"

2. It-titolu li ġej huwa mdaħħal wara t-titolu XI:

"IT-TITOLU XIa:

REĠISTRAZZJONI INTERNAZZJONALI TA' DISINJI

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 106a

L-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet

1. Jekk mhux speċifikat mod ieħor f'dan it-titolu, dan ir-Regolament u kwalunkwe Regolament li jimplimenta dan ir-Regolament adottat skond l-Artikolu 109 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għal reġistrazzjonijiet ta' disinji industrijali fir-reġistru internazzjonali miżmum mill-Uffiċċju Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (minn issa 'l quddiem imsejħa 'reġistrazzjoni internazzjonali' u 'l-Uffiċċju Internazzjonali') li jiddeżinja l-Komunità, skond l-Att ta' Ġinevra.

2. Kull dokumentazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunità fir-Reġistru Internazzjonali għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku saret fir-reġistru ta' disinji Komunitarji ta' l-Uffiċċju, u kwalunkwe pubblikazzjoni ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunità fil-Bullettin ta' l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jkollha l-istess effett daqs li kieku kienet ippubblikata fil-Bullettin ta' Disinji Komunitarji.

Taqsima 2

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 106b

Proċedura għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni internazzjonali

Applikazzjonijiet internazzjonali skond l-Artikolu 4(1) ta' l-Att ta' Ġinevra għandhom jitressqu direttament fl-Uffiċċju Internazzjonali.

Artikolu 106ċ

Ħlasijiet għad-deżinjazzjoni

Il-ħlasijiet preskritti għad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' l-Att ta' Ġinevra huma ssostitwiti minn ħlas individwali għal deżinjazzjoni.

Artikolu 106d

Effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali li jiddeżinjaw il-Komunità Ewropea

1. Reġistrazzjoni internazzjonali li tiddeżinja l-Komunità għandu, mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 10(2) ta' l-Att ta' Ġinevra, ikollha l-istess effett bħal applikazzjoni għal disinn Komunitarju rreġistrat.

2. Jekk l-ebda rifjut ma ġie nnotifikat jew jekk kwalunkwe rifjut ġie irtirat, ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinn li jiddeżinja l-Komunità għandu, mid-data msemmija fil-paragrafu 1, ikollha l-istess effett bħar-reġistrazzjoni ta' disinn bħala disinn Komunitarju rreġistrat.

3. L-Uffiċċju għandu jipprovdi informazzjoni dwar ir-reġistrazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2, skond il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament Implimentattiv.

Artikolu 106e

Rifjut

1. L-Uffiċċju għandu jikkomunika notifika ta' rifjut lill-Uffiċċju Internazzjonali mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data ta' pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali, jekk waqt li jkun qed jeżamina reġistrazzjoni internazzjonali, l-Uffiċċju jinnota li d-disinn li għalih qed tintalab protezzjoni ma jikkorrispondix mad-definizzjoni skond l-Artikolu 3(a), jew imur kontra l-politika pubblika jew il-prinċipji aċċettati ta' moralità.

In-notifika għandha ssemmi r-raġunijiet li fuqhom jissejjes ir-rifjut.

2. L-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali fil-Komunità m'għandhomx jiġu rifjutati qabel ma d-detentur jingħata l-opportunità li jirrinunzja għar-reġistrazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-Komunità jew li jressaq osservazzjonijiet.

3. Il-kondizzjonijiet għall-eżami tar-raġunijiet għal rifjut għandhom ikunu stipulati fir-Regolament Implimentattiv.

Artikolu 106f

Invalidazzjoni ta' l-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali

1. L-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali fil-Komunità jistgħu jkunu ddikjarati invalidi parzjalment jew fit-totalità tagħhom skond il-proċeduri fit-Titoli VI u VII jew b'qorti ta' disinn Komunitarju abbażi ta' kontrotalba fi proċedimenti ta' vjolazzjoni.

2. Fejn l-Uffiċċju jaf bl-invalidazzjoni, huwa għandu jinnotifika lill-Uffiċċju Internazzjonali.".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Att ta' Ġinevra jidħol fis-seħħ fir-rigward tal-Komunità Ewropea.

Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Ghall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

32006D0953

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Marzu 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/953/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju ta' l-2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità, Ftehim mar-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru, hawn aktar 'il quddiem imsemmi "il-Ftehim", skond il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet fi ftehim bilaterali eżistenti bi Ftehim Komunitarju.

(3) Il-ftehim għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju, soġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità', soġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħżel il-persuna(i) bis-setgħa li jiffirma(w) il-Ftehim f'isem il-Komunità' soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat provviżorjament mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar il-konklużjoni tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill qiegħed hawn jiġi awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Marzu 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. GORBACH

22006A1229(02)

FTEHIM

Bejn il-Komunità Ewropea u r-renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

min-naħa l-waħda, u

IR-RENJU TAL-MAROKK

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet"),

WARA LI NNUTAW li ġew konklużi ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn diversi Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li fihom disposizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea,

WARA LI NNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva fir-rigward ta' diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI NNUTAW li, taħt il-liġi tal-Komunità Ewropea, kumpanniji ta' l-ajru tal-Komunità stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għas-suq fir-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpanniji ta' l-ajru liċenzjati skond il-liġi tal-Komunità Ewropea,

WARA LI GĦARFU li d-disposizzjonijiet ta' ftehim bilaterali għas-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn Stati Membri tal-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea jridu jinġiebu f'konformità sħiħa ma' din ta' l-aħħar sabiex tiġi stabbilita bażi legali soda għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk u biex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' servizzi ta' l-ajru bħal dawn,

WARA LI NNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li żżid il-volum totali tat-traffiku bl-ajru bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li jiġi milqut il-bilanċ bejn il-kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji u l-kumpanniji ta' l-ajru tar-Renju tal-Marokk, jew li tinnegozja emendi bilaterali għad-disposizzjonijiet ta' ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku,

QABLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Disposizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" għandha tfisser Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull wieħed mill-Ftehim elenkat fl-Anness I għaċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti għal dak il-Ftehim għandhom jinftiehmu bħala li qed jirreferu għal ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull wieħed mill-Ftehim elenkat fl-Anness I għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti minn dak il-Ftehim għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għal kumpanniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru nnominati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Nomina minn Stat Membru

1. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-disposizzjonijiet korrispondenti ta' l-artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam man-nomina ta' kumpannija ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilu mir-Renju tal-Marokk, u ċ-ċaħda, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpannija ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli jirċievi nomina mingħand Stat Membru, ir-Renju tal-Marokk għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali, dment li:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru hija stabbilita, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju ta' l-Istat Membru li nnominaha u għandha Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi Komunitarja Ewropea;

(ii) il-kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru huwa eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tagħha u l-awtorità aeronawtika rilevanti hija identifikata b'mod ċar fin-nomina;

u

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru tkun proprjetà, u ser tkompli tkun proprjetà, diretta jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, ta' l-Istati Membri u/jew ta' ċittadini ta' l-Istati Membri, jew ta' Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew ta' ċittadini ta' tali Stati oħra, u tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata minn dawn l-Istati u/jew ċittadini.

3. Ir-Renju tal-Marokk jista' jiċħad, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpannija ta' l-ajru nnominata minn Stat Membru fejn:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru m'hijiex stabbilita, taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-territorju ta' l-Istat Membru li jinnomina jew m'għandhiex Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea;

(ii) ma jiġix eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tagħha, jew l-awtorità aeronawtika rilevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fin-nomina;

jew

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru ma tkunx proprjetà u ikkontrollata effettivament, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, mill-Istati Membri u/jew minn ċittadini ta' l-Istati Membri, jew minn Stati oħra elenkati fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' tali Stati oħra.

Fl-eżerċizzju tad-dritt tiegħu taħt dan il-paragrafu, ir-Renju tal-Marokk m'għandux jiddiskrimina bejn il-kumpanniji ta' l-ajru Komunitarji abbażi tan-nazzjonalità.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post d-disposizzjonijiet korrispondenti ta' l-Artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, fir-rigward tan-nomina ta' kumpannija ta' l-ajru mir-Renju tal-Marokk, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija mill-Istat Membru kkonċernat, u ċ-ċaħda, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpannija ta' l-ajru, rispettivament.

5. Malli jirċievi nomina mingħand ir-Renju tal-Marokk, Stat Membru, għandu jagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali, dment li:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru tkun stabbilita fit-territorju tar-Renju tal-Marokk u jkollha Liċenzja Operattiva valida jew kwalunkwe dokument ieħor ekwivalenti skond il-liġi tal-Marokk;

(ii) ikun eżerċitat u miżmum kontoll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru mir-Renju tal-Marokk;

u

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru tkun proprjetà, u ser tkompli tkun proprjetà, diretta jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, tar-Renju tal-Marokk u/jew ta' ċittadini tiegħu, jew ta' l-Istati Membri u/jew ta' ċittadini tagħhom, u tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata mir-Renju tal-Marokk u/jew minn ċittadini tiegħu jew mill-Istati Membru u/jew minn ċittadini tagħhom, għajr jekk il-Ftehim applikabbli elenkat fl-Anness I fih disposizzjonijiet iktar favorevoli f'dan ir-rigward.

6. L-Istat Membru kkonċernat jista' jiċħad, jirrevoka, jissospendi jew jillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpannija ta' l-ajru nnominata mir-Renju tal-Marokk fejn:

(i) il-kumpannija ta' l-ajru ma tkunx stabbilita fit-territorju tar-Renju tal-Marokk jew ma jkollhiex Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Marokk;

(ii) ma jiġix eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpannija ta' l-ajru mir-Renju tal-Marokk;

jew

(iii) il-kumpannija ta' l-ajru ma tkunx proprjetà u ikkontrollata effettivament, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, tar-Renju tal-Marokk u/jew ta' ċittadini tiegħu, jew ta' l-Istati Membri u/jew ta' ċittadini tagħhom, għajr jekk il-Ftehim applikabbli elenkat fl-Anness I fih disposizzjonijiet iktar favorevoli f'dan ir-rigward.

Artikolu 3

Drittijiet fir-rigward tal-kontroll regolatorju

1. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkumplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness II(ċ).

2. Meta Stat Membru jkun innomina kumpannija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu jkun eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tar-Renju tal-Marokk taħt id-disposizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-Ftehim bejn l-Istat Membru li jkun innomina l-kumpannija ta' l-ajru u r-Renju tal-Marokk għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-istandards tas-sigurtà minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dik il-kumpannija ta' l-ajru.

Artikolu 4

Tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

1. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkumplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness II(d).

2. Minkejja kwalunkwe disposizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-Ftehim elenkati fl-Anness II(d) ma għandu jżomm Stat Membru milli jimponi taxxi, imposti, dazji, onorarji jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' kumpannija ta' l-ajru nnominata tar-Renju tal-Marokk li topera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Tariffi

1. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkumplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness II(e).

2. It-tariffi li sejrin jiġu imposti mill-kumpannija/i ta' l-ajru nnominata/i mir-Renju tal-Marokk taħt Ftehim elenkat fl-Anness I, li fih disposizzjoni elenkata fl-Anness II(e) għal trasport kollu kemm hu fi ħdan il-Komunità Ewropea, għandhom ikunu soġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

3. It-tariffi imposti mill-kumpannija/i ta' l-ajru nnominata/i mill-Istati Membri taħt Ftehim elenkat fl-Anness I, li fih disposizzjoni elenkata fl-Anness II (e) għal trasport kollu kemm hu ġewwa l-Marokk, għandhom ikunu soġġetti għal-liġi tal-Marokk.

Artikolu 6

Annessi għall-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7

Reviżjoni jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni proviżorja

1. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għal dan il-fini jkunu tlestew.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet jaqblu li japplikaw b'mod proviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa.

3. Il-Ftehim u l-arranġamenti l-oħra bejn l-Istati Membri u r-Renju tal-Marokk li, dakinhar ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u ma jkunux se jiġu applikati b'mod proviżorju huma elenkati fl-Anness I(b). Dan il-Ftehim għandu japplika għal tali Ftehim u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni proviżorja tagħhom.

Artikolu 9

Tmiem

1. Fil-każ li Ftehim elenkat fl-Anness I jiġi mitmum, id-disposizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-Ftehim ikkonċernat jiġu mitmuma fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-Ftehim kollha elenkati fl-Anness I jiġu mitmuma, dan il-Ftehim għandu jintemm fl-istess ħin.

B'xhieda ta' dan, dawn hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi […], b'żewġ kopji, fi […] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża u Għarbija.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Għall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
För Europeiska gemenskapens vägnar

عن المجموعة الاوروبية

Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság részéről
Għar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Marokańskiego
Pelo Reino de Marrocos
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko

عن المملكة المغربية

ANNESS I

Lista tal-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehim bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, dakinhar ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati b'mod proviżorju.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-20 ta' Jannar 1958, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Belġju";

Issupplimentat mill-Iskambju ta' Noti datat l-20 ta' Jannar 1958;

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Rabat fil-11 ta' Ġunju 2002.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fit-8 ta' Mejju 1961, li fir-rigward tiegħu r-Repubblika Ċeka ddepożitat dikjarazzjoni ta' suċċessjoni, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Repubblika Ċeka".

— Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-14 ta' Novembru 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Danimarka";

Issupplimentat mill-Iskambju ta' Noti datat l-14 ta' Novembru 1977.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Marokk magħmul f'Bonn fit-12 ta' Ottubru 1961, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Ġermanja";

Emendat mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Bonn fit-12 ta' Diċembru 1991.

Emendat mill-Iskambju ta' Noti datat id-9 ta' April 1997 u s-16 ta' Frar 1998.

Emendat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Rabat fil-15 ta' Lulju 1998.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Ateni fis-6 ta' Ottubru 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Greċja";

Biex jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Ateni fis-6 ta' Ottubru 1998.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern ta' Spanja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Madrid fis-7 ta' Lulju 1970, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Spanja";

Issupplimentat l-aħħar mill-Iskambju ta' Ittri datati t-12 ta' Awwissu 2003 u l-25 ta' Awwissu 2003.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fil-25 ta' Ottubru 1957, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Franza".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Italja u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Ruma fit-8 ta' Lulju 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Italja";

Emendat mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Ruma fit-13 ta' Lulju 2000;

Emendat l-aħħar permezz ta' l-Iskambju ta' Noti datati s-17 ta' Ottubru 2001 u t-3 ta' Jannar 2002.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Varsavja fid-19 ta' Mejju 1999, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Latvja".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Bonn fil-5 ta' Lulju 1961, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Lussemburgu".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Popolari Ungeriża u r-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fil-21 ta' Marzu 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Ungerija".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fis-26 ta' Mejju 1983, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Malta".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' l-Olanda u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-20 ta' Mejju 1959, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Olanda".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern Federali ta' l-Awstrija u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fis-27 ta' Frar 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Awstrija".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fid-29 ta' Novembru 1969, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Polonja".

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Portugall u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fit-3 ta' April 1958, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Portugall";

Issupplimentat mill-Minuti magħmula f'Lisbona fid-19 ta' Diċembru 1975;

Issupplimentat l-aħħar mill-Minuti magħmula f'Lisbona fis-17 ta' Novembru 2003.

— Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-IŻvezja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-14 ta' Novembru 1977, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Żvezja";

Issupplimentat mill-Iskambju ta' Noti datat l-14 ta' Novembru 1977.

— Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Londra fit-22 ta' Ottubru 1965, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Marokk — Renju Unit";

Emendat mill-Iskambju ta' Noti datati l-10 u l-14 ta' Ottubru 1968;

Emendat mill-Minuti magħmula f'Londra fl-14 ta' Marzu 1997;

Emendat mill-Minuti magħmula f'Rabat fis-17 ta' Ottubru 1997.

(b) Ftehim dwar is-servizzi ta' l-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod proviżorju

— Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk kif mehmuż, bhala l-Anness I, għall-Memorandum ta' Ftehim magħmul fl-Aja fl-20 ta' Ġunju 2001, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Inizjalat Marokk — Olanda".

ANNESS II

Lista ta' artikoli fil-Ftehim elenkati fl-Anness I u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Nomina minn Stat Membru:

— L-Artikolu 18 tal-Ftehim Marokk — Belġju;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Marokk — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Danimarka;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Ġermanja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Greċja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Spanja;

— L-Artikolu 12 tal-Ftehim Marokk — Franza;

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Marokk — Italja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Latvja;

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Marokk — Lussemburgu;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Ungerija;

— L-Artikolu 16 tal-Ftehim Marokk — Malta;

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim inizjalat Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Awstrija;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Polonja;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Marokk — Portugall;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Żvezja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Renju Unit.

(b) Ċaħda, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet jew permessi:

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Marokk — Belġju;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Danimarka;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Ġermanja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Greċja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Spanja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Franza;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Italja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Latvja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Lussemburgu;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Marokk — Ungerija;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Malta;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim inizjalat Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Awstrija;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Marokk — Polonja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Portugall;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Żvezja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Renju Unit.

(ċ) Kontroll regolatorju:

— L-Artikolu 9a tal-Ftehim Marokk — Ġermanja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Greċja;

— L-Artikolu 5a tal-Ftehim Marokk — Italja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Marokk — Lussemburgu;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Ungerija;

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim inizjalat Marokk — Olanda.

(d) Tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni:

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk — Belġju;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Danimarka;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Ġermanja;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Marokk — Greċja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Marokk — Spanja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Franza;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Italja;

— L-Artikolu 14 tal-Ftehim Marokk — Latvja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Lussemburgu;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Marokk — Ungerija;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Malta;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim inizjalat Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Awstrija;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Polonja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk — Portugall;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Marokk — Żvezja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Marokk — Renju Unit.

(e) Tariffi għat-Trasport fi ħdan il-Komunità Ewropea:

— L-Artikolu 19 tal-Ftehim Marokk — Belġju;

— L-Artikolu 19 tal-Ftehim Marokk — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Danimarka;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Ġermanja;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Marokk — Greċja;

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Marokk — Spanja;

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim Marokk — Franza;

— L-Artikolu 20 tal-Ftehim Marokk — Italja;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Marokk — Latvja;

— L-Artikolu 20 tal-Ftehim Marokk — Lussemburgu;

— L-Artikolu 17 tal-Ftehim Marokk — Ungerija;

— L-Artikolu 19 tal-Ftehim Marokk — Malta;

— L-Artikolu 18 tal-Ftehim Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim inizjalat Marokk — Olanda;

— L-Artikolu 13 tal-Ftehim Marokk — Awstrija;

— L-Artikolu 19 tal-Ftehim Marokk — Polonja;

— L-Artikolu 18 tal-Ftehim Marokk — Portugall;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Żvezja;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Marokk — Renju Unit.

ANNESS III

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta' l-Islanda (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea)

(b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea)

(ċ) Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea)

(d) Il-Konfederazzjoni Svizzera (taħt il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera)

32006D0954

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

li tapprova l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999

(2006/954/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308, flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, u l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dan,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji tal-Komunità [1], li hu bbażat fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat, għandu l-għan li joħloq suq li jaħdem kif suppost u joffri kundizzjonijiet li huma simili għal dawk ta' suq nazzjonali. Bil-għan li jinħoloq suq ta' dan it-tip u jsir dejjem iktar suq uniku, dak ir-Regolament ħoloq is-sistema ta' disinji tal-Komunità fejn intrapriżi jistgħu permezz ta' proċedura unika jakkwistaw disinji tal-Komunità li jingħataw protezzjoni uniformi u li jipproduċu l-effetti tagħhom fiż-żona kollha tal-Komunità.

(2) Wara l-preparamenti mibdija u mwettqa mill-Organizzazzjoni Dinjija għall-Proprjetà Intellettwali (WIPO) bil-parteċipazzjoni ta' l-Istati Membri li huma membri ta' l-Unjoni ta' l-Aja, l-Istati Membri li mhumiex membri ta' l-Unjoni ta' l-Aja u l-Komunità Ewropea, il-Konferenza Diplomatika, imsejħa għal dak il-għan f'Ġinevra, adottat fit-2 ta' Lulju 1999 l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja li jikkonċerna r-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-"Att ta' Ġinevra").

(3) L-Att ta' Ġinevra ġie adottat biex jintroduċi ċerti innovazzjonijiet fis-sistema għad-depożitu internazzjonali ta' disinji industrijali previsti fl-Att ta' Londra, li kien ġie adottat fit-2 ta' Ġunju 1934, u l-Att ta' l-Aja, li kien ġie adottat fit-28 ta' Novembru 1960.

(4) L-objettivi ta' l-Att ta' Ġinevra huma li jestendu s-sistema ta' l-Aja tar-reġistrazzjoni internazzjonali għall-membri ġodda, u li jagħmlu s-sistema iktar attraenti għall-applikanti. Meta imqabbla ma' l-Att ta' Londra u l-Att ta' l-Aja, waħda mill-innovazzjonijiet ewlenin hija li organizzazzjoni intergovernattiva li żżomm uffiċċju awtorizzat biex jagħti l-protezzjoni lid-disinji b'effett fit-territorju ta' l-organizzazzjoni tista' ssir parti għall-Att ta' Ġinevra.

(5) Il-faċilità li biha organizzazzjoni intergovernattiva li għandha uffiċċju reġjonali għar-reġistrazzjoni ta' disinji tista' ssir parti għall-Att ta' Ġinevra ddaħħlet biex tħalli, b'mod partikolari, lill-Komunità taderixxi għal dak l-Att, u b'hekk, ma' l-Unjoni ta' l-Aja.

(6) L-Att ta' Ġinevra daħal fis-seħħ fit-23 ta' Diċembru 2003 u sar operattiv fl-1 ta' April 2004. Mill-1 ta' Jannar 2003, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trejdmarks u Disinji) beda jilqa' applikazzjonijiet għad-disinji tal-Komunità reġistrati, bl-ewwel data tal-preżentazzjoni tingħata fl-1 ta' April 2003.

(7) Is-sistema ta' disinn tal-Komunità u s-sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali kif stabbiliti mill-Att ta' Ġinevra huma komplementari. Is-sistema ta' disinn tal-Komunità tipprovdi għal sistema ta' reġistrazzjoni ta' disinji reġjonali kompleta u unifikata li tkopri t-territorju kollu tal-Komunità. Il-Ftehim ta' l-Aja jikkostitwixxi trattat li jiċċentralizza l-proċeduri għall-akkwist tal-protezzjoni ta' disinji fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti nnominati.

(8) Il-ħolqien ta' rabta bejn is-sistema ta' disinn tal-Komunità u s-sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali taħt l-Att ta' Ġinevra jista' jawtorizza lid-disinjaturi jakkwistaw, permezz ta' applikazzjoni internazzjonali unika l-protezzjoni għad-disinji tagħhom fil-Komunità taħt is-sistema ta' disinn tal-Komunità u fit-territorji ta' l-Att ta' Ġinevra ġewwa u barra l-Komunità.

(9) Barra minn hekk, il-ħolqien ta' rabta bejn is-sistema ta' disinn tal-Komunità u s-sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali taħt l-Att ta' Ġinevra jippromwovi żvilupp armonjuż ta' attivitajiet ekonomiċi, jelimina d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, jkun kost effiċjenti u jżid il-livell ta' integrazzjoni u l-funzjonalità tas-suq intern. Għalhekk, il-Komunità tenħtieġ li taderixxi għall-Att ta' Ġinevra biex tagħmel is-sistema ta' disinn tal-Komunità aktar attraenti.

[1] ĠU L 3, 5.1.2000, p. 1. Regolament kif emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

(10) Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tirrappreżenta l-Komunità fl-Assemblea ta' l-Unjoni ta' l-Aja wara l-adeżjoni tal-Komunità għall-Att ta' Ġinevra.

(11) Id-Deċiżjoni ma taffettwax id-dritt ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-Assemblea ta' l-Unjoni ta' l-Aja fir-rigward tad-disinji nazzjonali tagħhom.

IDDEĊIEDA KIF GEJ:

Artikolu 1

L-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' l-Aja li jikkonċerna r-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinji industrijali, adottat f'Ġinevra fit-2 ta' Lulju 1999 (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala l-Att ta' Ġinevra), huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha.

It-test ta' l-Att ta' Ġinevra huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jiddepożita l-istrument ta' adeżjoni mad-Direttur-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Proprjetà Intellettwali mid-data li fiha l-Kunsill u l-Kummissjoni jkunu adottaw il-miżuri meħtieġa għall-ħolqien ta' rabta bejn il-liġi tad-disinn tal-Komunità u l-Att ta' Ġinevra.

2. Id-dikjarazzjonijiet mehmuża ma' din id-Deċiżjoni għandhom isiru fl-istrument ta' adeżjoni.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni hija hawnhekk awtorizzata tirrappreżenta lill-Komunità Ewropea fil-laqgħat ta' l-Assemblea ta' l-Unjoni ta' l-Aja miżmuma taħt il-patroċinju ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Proprjetà Intellettwali.

2. Fuq il-kwistjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità fir-rigward tad-disinn tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tinnegozja fl-Assemblea ta' l-Unjoni ta' l-Aja f'isem il-Komunità u skond l-arranġamenti li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni li tista' tadotta l-Komunità fi ħdan l-Assemblea għandha tkun preparata mill-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill jew, jekk dan mhux possibbli, f'laqgħat li jsiru fuq il-post imlaqqgħin matul ix-xogħol fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Proprjetà Intellettwali;

(b) fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jinvolvu emendi għar-Regolament (KE) Nru 6/2002, jew għal kull att ieħor tal-Kunsill li jenħtieġ l-unanimità, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun adottata mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni;

(ċ) fir-rigward ta' deċiżjonijiet oħra li jaffettwaw il-liġi tad-disinn tal-Komunità, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun adottata mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

ANNESS

L-Att ta' Ġinevra tat-2 ta' Lulju, 1999

WERREJ

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTIVI

Artikolu 1: Espressjonijiet imqassra

Artikolu 2: L-applikabbiltà ta' Protezzjoni Oħra Mogħtija mil-Liġijiet ta' Partijiet Kontraenti u minn Ċerti Trattati Internazzjonali

KAPITOLU I

APPLIKAZZJONI INTERNAZZJONALI U REĠISTRAZZJONI INTERNAZZJONALI

Artikolu 3: Dritt għad-Depożitu ta' Applikazzjoni Internazzjonali

Artikolu 4: Proċedura għad-Depożitu ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali

Artikolu 5: Kontenut ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali

Artikolu 6: Prijorità

Artikolu 7: Ħlasijiet tan-Nomina

Artikolu 8: Korrezzjoni ta' Irregolaritajiet

Artikolu 9: Data tad-Depożitu ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali

Artikolu 10: Reġistrazzjoni Internazzjonali, Data tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali, Pubblikazzjoni u Kopji Kunfidenzjali tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali

Artikolu 11: Differiment tal-Pubblikazzjoni

Artikolu 12: Rifjut

Artikolu 13: Ħtiġiet Speċjali li Jikkonċernaw l-Unità tad-Disinn

Artikolu 14: Effetti tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali

Artikolu 15: Invalidazzjoni

Artikolu 16: Reġistrazzjoni tal-Bidliet u Kwistjonijiet Oħrajn li Jikkonċernaw ir-Reġistrazzjonijiet Internazzjonali

Artikolu 17: Terminu Inizjali u t-Tiġdid tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali u t-Tul ta' Żmien tal-Protezzjoni

Artikolu 18: Informazzjoni li Tikkonċerna Reġistrazzjonijiet Internazzjonali Ppubblikati

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Artikolu 19: Uffiċċju Komuni ta' Numru ta' Stati

Artikolu 20: Sħubija ta' l-Unjoni ta' l-Aja

Artikolu 21: Assemblea

Artikolu 22: Uffiċċju Internazzjonali

Artikolu 23: Finanzi

Artikolu 24: Regolamenti

KAPITOLU III

REVIŻJONI U EMENDI

Artikolu 25: Reviżjoni ta' Dan l-Att

Artikolu 26: Emendi ta' Ċerti Artikoli mill-Assemblea

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27: Issir Parti minn Dan l-Att
Artikolu 28: Data Effettiva tar-Ratifiki u ta' l-Adeżjonijiet
Artikolu 29: Projbizzjoni ta' Riżervi
Artikolu 30: Dikjarazzjonijiet Magħmulin mill-Partijiet Kontraenti
Artikolu 31: Applikabbiltà ta' l-Atti ta' l-1934 u ta' l-1960
Artikolu 32: Denunzja ta' Dan l-Att
Artikolu 33: Lingwi ta' Dan l-Att; L-iffirmar
Artikolu 34: Depożitarju

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTIVI

Artikolu 1

Espressjonijiet imqassra

Għall-finijiet ta' dan l-Att:

(i) "il-Ftehim ta' l-Aja" tfisser il-Ftehim ta' l-Aja li Jikkonċerna d-Depożitu Internazzjonali ta' Disinji Industrijali, li minn hawn 'il quddiem qed jingħata l-isem il-ġdid ta' Ftehim ta' l-Aja li Jikkonċerna r-Reġistrazzjoni Internazzjonali ta' Disinji Industrijali;

(ii) "dan l-Att" tfisser il-Ftehim ta' l-Aja kif stabbilit mill-Att preżenti;

(iii) "Regolamenti" tfisser ir-Regolamenti taħt dan l-Att;

(iv) "preskritt" tfisser preskritt fir-Regolamenti;

(v) "Konvenzjoni ta' Pariġi" tfisser il-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, iffirmata f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1 883, kif riveduta u emendata;

(vi) "reġistrazzjoni internazzjonali" tfisser ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' disinn industrijali li saret skond dan l-Att;

(vii) "applikazzjoni internazzjonali" tfisser applikazzjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali;

(viii) "Reġistru Internazzjonali" tfisser il-ġbir uffiċjali ta' *data* li tikkonċerna r-reġistrazzjonijiet internazzjonali miżmuma mill-Uffiċċju Internazzjonali, liema *data* dan l-Att jew dawn ir-Regolamenti jeħtieġu jew jippermettu li tkun irreġistrata, mingħajr ma jitqies il-mod kif tinżamm tali *data*;

(ix) "persuna" tfisser persuna fiżika jew entità ġuridika;

(x) "applikant" tfisser il-persuna li f'isimha tiġi depożitata applikazzjoni internazzjonali;

(xi) "detentur" tfisser il-persuna li f'isimha hija rreġistrata reġistrazzjoni internazzjonali fir-Reġistru Internazzjonali;

(xii) "organizzazzjoni intergovernattiva" tfisser organizzazzjoni intergovernattiva eliġibbli biex issir parti għal dan l-Att skond l-Artikolu 27(1)(ii);

(xiii) "Parti Kontraenti" tfisser kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni intergovernattiva parti għal dan l-Att;

(xiv) "Parti Kontraenti ta' l-applikant" tfisser il-Parti Kontraenti jew waħda mill-Partijiet Kontraenti li minnhom l-applikant jikseb id-dritt biex jiddepożita applikazzjoni internazzjonali biex jissodisfa, f'relazzjoni ma' dik il-Parti Kontraenti, mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 3; fejn hemm żewġ Partijiet Kontraenti jew aktar li minnhom l-applikant jista, skond l-Artikolu 3, jikseb id-dritt tiegħu biex iressaq applikazzjoni internazzjonali, "il-Parti Kontraenti ta' l-applikant" tfisser dik il-parti, fost dawk il-Partijiet Kontraenti, li hija indikata bhala tali fl-applikazzjoni internazzjonali;

(xv) "territorju ta' Parti Kontraenti" tfisser, fejn il-Parti Kontraenti hija Stat, it-territorju ta' dak l-Istat u, fejn il-Parti Kontraenti hija organizzazzjoni intergovernattiva, it-territorju li fih japplika t-trattat kostitwenti ta' dik l-organizzazzjoni intergovernattiva;

(xvi) "Uffiċċju" tfisser l-aġenzija inkarigata minn Parti Kontraenti bl-għoti ta' protezzjoni għad-disinji industrijali b'effett fit-territorju ta' dik il-Parti Kontraenti;

(xvii) "Uffiċċju li Jeżamina" tfisser Uffiċċju li jeżamina ex officio l-applikazzjonijiet iddepożitati għandu għall-protezzjoni ta' disinji industrijali għall-inqas biex ikun iddeterminat jekk id-disinji industrijali jissodisfawx il-kondizzjoni ta' novità;

(xviii) "nomina" tfisser talba biex reġistrazzjoni internazzjonali jkollha effett f'Parti Kontraenti; tfisser ukoll ir-reġistrazzjoni ta' dik it-talba fir-Reġistru Internazzjonali;

(xix) "Parti Kontraenti nnominata" u "Uffiċċju nnominat" tfisser il-Parti Kontraenti u l-Uffiċċju tal-Parti Kontraenti, rispettivament, li għalihom tapplika n-nomina;

(xx) "Att ta' l-1934" tfisser l-Att iffirmat f'Londra fit-2 ta' Ġunju, 1934, tal-Ftehim ta' l-Aja;

(xxi) "Att ta' l-1960" tfisser l-Att iffirmat fl-Aja fit-28 ta' Novembru 1960, tal-Ftehim ta' l-Aja;

(xxii) "Att Addizzjonali ta' l-1961" tfisser l-Att iffirmat f'Monako fit-18 ta' Novembru 1961, b'mod addizzjonali għall-Att ta' l-1934;

(xxiii) "Att Komplementari ta' l-1967" tfisser l-Att Komplementari ffirmat fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967, kif emendat, tal-Ftehim ta' l-Aja;

(xxiv) "Unjoni" tfisser l-Unjoni ta' l-Aja stabbilita mill-Ftehim ta' l-Aja tas-6 ta' Novembru 1925, u miżmuma mill-Atti ta' l-1934 u ta' l-1960, mill-Att Addizzjonali ta' l-1961, mill-Att Komplementari ta' l-1967 u minn dan l-Att;

(xxv) "Assemblea" tfisser l-Assemblea li tissemma fl-Artikolu 21(1)(a) jew kwalunkwe korp li jissostitwixxi dik l-Assemblea;

(xxvi) "Organizzazzjoni" tfisser l-Organizzazzjoni Dinjija għall-Proprjetà Intellettwali;

(xxvii) "Direttur Ġenerali" tfisser id-Direttur Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni;

(xxviii) "Uffiċċju Internazzjonali" tfisser l-Uffiċċju Internazzjonali ta' l-Organizzazzjoni;

(xxix) "strument tar-ratifika" għandha tkun interpretata bħala li tinkludi strumenti ta' aċċettazzjoni jew ta' approvazzjoni.

Artikolu 2

Applikabbiltà ta' Protezzjoni Oħra Mogħtja mil-Liġijiet tal-Partijiet Kontraenti u minn Ċerti Trattati Internazzjonali

1. [Il-Liġijiet tal-Partijiet Kontraenti u ta' Ċerti Trattati Internazzjonali] Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx jaffettwaw l-applikazzjoni ta' kwalunkwe protezzjoni aktar li tista' tingħata mil-liġi ta' Parti Kontraenti, lanqas m'għandhom jaffettwaw b'xi mod il-protezzjoni li tingħata lil xogħlijiet artistiċi u xogħlijiet ta' arti applikata minn trattati jew konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet ta' l-awtur, jew il-protezzjoni mogħtija lil disinji industrijali skond il-Ftehim dwar l-Aspetti relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet għall-Proprjetà Intellettwali anness mal-Ftehim li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

2 [L-Obbligu tal-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Pariġi] Kull Parti Kontraenti għandha tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Pariġi li jikkonċernaw id-disinji industrijali.

KAPITOLU I

APPLIKAZZJONI INTERNAZZJONALI U REĠISTRAZZJONI INTERNAZZJONALI

Artikolu 3

Dritt għad-Depożitu ta' Applikazzjoni Internazzjonali

Kwalunkwe persuna li hija ċittadina ta' Stat li huwa Parti Kontraenti jew ta' Stat li huwa membru ta' organizzazzjoni intergovernattiva li hija Parti Kontraenti, jew li għandha domiċilju, residenza abitwali jew stabbiliment industrijali jew kummerċjali li huwa reali u effettiv fit-territorju ta' Parti Kontraenti, għandu jkollha d-dritt li tiddepożita applikazzjoni internazzjonali.

Artikolu 4

Proċedura għad-Depożitu ta' Applikazzjoni Internazzjonali

1. [Depożitu Dirett jew Indirett]

(a) L-applikazzjoni internazzjonali tista' tiġi ddepożitata, skond kif jagħżel l-applikant, jew b'mod dirett ma' l-Uffiċċju Internazzjonali jew permezz ta' l-Uffiċċju tal-Parti Kontraenti ta' l-applikant.

(b) Minkejja s-subparagrafu (a), kwalunkwe Parti Kontraenti tista', permezz ta' dikjarazzjoni, tinnotifika lid-Direttur Ġenerali li l-applikazzjonijiet internazzjonali ma jistgħux jiġu ddepożitati permezz ta' l-Uffiċċju tagħha.

2. [Il-Ħlas tat-Trasmissjoni f'Każ ta' Depożitu Indirett] L-Uffiċċju ta' kwalunkwe Parti Kontraenti jista' jeħtieġ li l-applikant iħallas imposta ta' trasmissjoni, għall-benefiċċju ta' l-Uffiċċju stess, fejn għandha x'taqsam kull applikazzjoni internazzjonali li tiġi ddepożitata permezz tiegħu.

Artikolu 5

Kontenut ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali

1. [Kontenut Obbligatorju ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali] L-applikazzjoni internazzjonali għandha tkun bil-lingwa preskritta jew b'waħda mil-lingwi preskritti u għandu jkun fiha jew ikollha magħha

(i) talba għal reġistrazzjoni internazzjonali taħt dan l-Att;

(ii) id-data preskritta li tikkonċerna l-applikant;

(iii) in-numru ta' kopji ta' riproduzzjoni preskritt jew, skond kif jagħżel l-applikant, ta' għadd ta' riproduzzjonijiet differenti tad-disinn industrijali li huwa s-suġġett ta' l-applikazzjoni internazzjonali, ippreżentati bil-mod preskritt; madankollu, fejn id-disinn industrijali għandu żewġ dimensjonijiet u ssir talba biex tkun iddifferita l-pubblikazzjoni skond il-paragrafu (5), l-applikazzjoni internazzjonali tista', minflok li jkun fiha r-riproduzzjonijiet, ikollha magħha n-numru preskritt ta' kampjuni tad-disinn industrijali;

(iv) indikazzjoni tal-prodott jew tal-prodotti li jikkostitwixxu d-disinn industrijali jew li b'rabta mieġu jew magħhom ser jintuża d-disinn industrijali, kif ikun preskritt;

(v) indikazzjoni tal-Partijiet Kontraenti nnominati;

(vi) il-ħlasijiet preskritti;

(vii) kwalunkwe dettall ieħor preskritt.

2. [Kontenut Obbligatorju Addizzjonali ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali]

(a) Kwalunkwe Parti Kontraenti li l-Uffiċċju tagħha huwa Uffiċċju li Jeżamina u li l-liġi tagħha, meta ssir parti għal dan l-Att, tenħtieġ li applikazzjoni biex tingħata protezzjoni lil disinn industrijali, irid ikun fiha kwalunkwe wieħed mill-elementi speċifikati fis-subparagrafu (b) sabiex dik l-applikazzjoni tingħata data għad-depożitu skond dik il-liġi tista', permezz ta' dikjarazzjoni, tinnotifika lid-Direttur Ġenerali b'dawk l-elementi.

(b) L-elementi li jistgħu jkunu nnotifikati skond is-subparagrafu (a) huma dawn li ġejjin:

(i) indikazzjonijiet li jikkonċernaw l-identità ta' min joħloq id-disinn industrijali li huwa s-suġġett ta' dik l-applikazzjoni;

(ii) deskrizzjoni qasira tar-riproduzzjoni jew tal-karatteristiċi tad-disinn industrijali li huwa s-suġġett ta' dik l-applikazzjoni;

(iii) pretensjoni.

(ċ) Fejn l-applikazzjoni internazzjonali fiha n-nomina ta' Parti Kontraenti li għamlet notifika taħt is-subparagrafu (a), għandu jkun fiha wkoll, bil-mod preskritt, kwalunkwe element li kien is-suġġett ta' dik in-notifika.

3. [Kontenut Ieħor Possibbli ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali] L-applikazzjoni internazzjonali jista' jkun fiha jew ikollha magħha tali elementi ohrajn bħal dawk speċifikati fir-Regolamenti.

4. [Bosta Disinji Industrijali fl-Istess Applikazzjoni Internazzjonali] Bla ħsara għal tali kondizzjonijiet li jistgħu jkunu preskritti, applikazzjoni internazzjonali tista' tinkludi żewġ disinji industrijali jew aktar.

5. [Talba biex il-Pubblikazzjoni tkun Iddifferita] L-applikazzjoni internazzjonali jista' jkun fiha talba sabiex il-pubblikazzjoni tkun iddifferita.

Artikolu 6

Prijorità

1. [L-affermazzjoni tal-Prijorità]

(a) L-applikazzjoni internazzjonali jista' jkun fiha dikjarazzjoni li tafferma, skond l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, il-prijorità ta' applikazzjoni jew ta' aktar minn applikazzjoni waħda preċedenti li ġew iddepożitati fi, jew għal, kull pajjiż parti għal dik il-Konvenzjoni jew kwalunkwe Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(b) Ir-Regolamenti jistgħu jipprovdu li d-dikjarazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) tista' ssir wara li tiġi ddepożitata l-applikazzjoni internazzjonali. F'każ bħal dan, ir-Regolamenti għandhom jippreskrivu sa meta tista' ssir dikjarazzjoni bħal din.

2. [Applikazzjoni Internazzjonali li Sservi ta' Bażi għall-Affermazzjoni tal-Prijorità] Mid-data ta' meta tkun ġiet iddepożitata u jkun liema jkun id-destin sussegwenti tagħha, l-applikazzjoni internazzjonali għandha tkun ekwivalenti għal depożitu regolari skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

Artikolu 7

Ħlasijiet tan-Nomina

1. [Ħlas Preskritt tan-Nomina] Il-Ħlasijiet preskritti għandhom jinkludu, bla ħsara għall-paragrafu (2), il-ħlas tan-nomina għal kull Parti Kontraenti nnominata.

2. [Ħlas Individwali tan-Nomina] Kwalunkwe Parti Kontraenti li l-Uffiċċju tagħha huwa Uffiċċju li Jeżamina u kull Parti Kontraenti li hija organizzazzjoni intergovernattiva tista' tinnotifika lid-Direttur Ġenerali, permezz ta' dikjarazzjoni, li b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni internazzjonali li fiha hija nnominata, u b'rabta mat-tiġdid ta' kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali li tirriżulta minn tali applikazzjoni internazzjonali, il-ħlas preskritt tan-nomina li jissemma fil-paragrafu (1) għandu jiġi sostitwit bi ħlas individwali tan-Nomina, li l-ammont tiegħu għandu jiġi indikat fid-dikjarazzjoni u jista' jinbidel f'dikjarazzjonijiet ulterjuri. Dan l-ammont jista' jkun iffissat mill-Parti Kontraenti msemmija għat-terminu inizjali tal-protezzjoni u għal kull terminu ta' tiġdid jew għall-perijodu massimu ta' protezzjoni permess mill-Parti Kontraenti konċernata. Madankollu, ma jistax ikun ikbar mill-ekwivalenti ta' l-ammont li l-Uffiċċju ta' dik il-Parti Kontraenti jkun intitolat li jirċievi minghand applikant għall-għoti ta' protezzjoni għal perijodu ekwivalenti lill-istess numru ta' disinji industrijali, b'dak l-ammont jitnaqqas mit-tifdil li jirriżulta mill-proċedura internazzjonali.

3. [*Trasferiment tal-Ħlasijiet tan-Nomina*] Il-ħlasijiet tan-nomina msemmija fil-paragrafi (1) u (2) għandhom ikunu ttrasferiti mill-Uffiċċju Internazzjonali lill-Partijiet Kontraenti li għalihom saru l-ħlasijiet.

Artikolu 8

Korrezzjoni ta' Irregolaritajiet

1. [Eżami ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali] Jekk l-Uffiċċju Internazzjonali jsib li l-applikazzjoni internazzjonali, fiż-żmien li l-Uffiċċju Internazzjonali jirċiviha, ma tissodisfax il-kondizzjonijiet meħtieġa ta' dan l-Att u tar-Regolamenti, hu għandu jistieden lill-applikant biex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fil-limitu taż-żmien preskritt.

2. [Irregolaritajiet Mhux Ikkoreġuti]

(a) Bla ħsara għas-subparagrafu (b), jekk l-applikant ma jikkonformax ma' l-istedina fil-limitu taż-żmien preskritt, l-applikazzjoni internazzjonali għandha titqies li ġiet abbandunata.

(b) F'każ ta' irregolarità li għandha x'taqsam ma' l-Artikolu 5(2) jew ma' ħtieġa speċjali nnotifikata lid-Direttur Ġenerali minn Parti Kontraenti skond ir-Regolamenti, jekk l-applikant ma jikkonformax ma' l-istedina fil-limitu taż-żmien preskritt, l-applikazzjoni internazzjonali għandha titqies bħala li ma fihiex in-nomina ta' dik il-Parti Kontraenti.

Artikolu 9

Data tad-Depożitu ta' l-Applikazzjoni Internazzjonali

1. [Applikazzjoni Internazzjonali Ddepożitata Direttament] Fejn l-applikazzjoni internazzjonali tiġi ddepożitata direttament fl-Uffiċċju Internazzjonali, id-data tad-depożitu, bla ħsara għall-paragrafu (3), għandha tkun id-data li fiha l-Aġenzija Internazzjonali rċeviet l-applikazzjoni internazzjonali.

2. [Applikazzjoni Internazzjonali Ddepożitata Indirettament] Fejn l-applikazzjoni internazzjonali tiġi ddepożitata permezz ta' l-Uffiċċju tal-Parti Kontraenti ta' l-Applikant, id-data tad-depożitu għandha tkun iddeterminata kif preskritt.

3. [Applikazzjoni Internazzjonali b'Ċerti *Irregolaritajiet*] Fejn l-applikazzjoni internazzjonali, fid-data li l-Uffiċċju Internazzjonali rċeviha, ikollha irregolarità li hija preskritta bħala irregolarità li tinvolvi posponiment tad-data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni internazzjonali, id-data tad-depożitu għandha tkun id-data li fiha l-Uffiċċju Internazzjonali jirċievi l-korrezzjoni ta' tali irregolarità.

Artikolu 10 [1]

Reġistrazzjoni Internazzjonali, Data tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali, Pubblikazzjoni u Kopji Kunfidenzjali tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali

1. [Reġistrazzjoni Internazzjonali] L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jirreġistra kull disinn industrijali li huwa s-suġġett ta' applikazzjoni internazzjonali immedjatament meta hu jirċievi l-applikazzjoni internazzjonali jew, fejn jintalbu xi korrezzjonijiet skond l-Artikolu 8, immedjatament malli jirċievi l-korrezzjonijiet meħtieġa. Ir-reġistrazzjoni għandha ssir sew jekk il-pubblikazzjoni tkun iddifferita taħt l-Artikolu 11 u sew jekk le.

2. [Data tar-Reġistrazzjoni *Internazzjonali*]

(a) Bla ħsara għas-subparagrafu (b), id-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali għandha tkun id-data ta' meta tiġi ddepożitata l-applikazzjoni internazzjonali.

(b) Fejn l-applikazzjoni internazzjonali, fid-data li fiha l-Uffiċċju Internazzjonali jirċiviha, ikollha irregolarità li għandha x'taqsam ma' l-Artikolu 5(2), id-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali għandha tkun id-data li fiha l-Uffiċċju Internazzjonali jirċievi l-korrezzjoni ta' tali irregolarità jew id-data tad-depożitu ta' l-applikazzjoni internazzjonali, liema minnhom tkun l-aħħar waħda.

3. [Pubblikazzjoni]

(a) Ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandha tiġi ppubblikata mill-Uffiċċju Internazzjonali. Tali pubblikazzjoni għandha titqies fil-Partijiet Kontraenti kollha bħala pubbliċità suffiċjenti, u l-ebda pubbliċità oħra m'għandha tkun meħtieġa min-naħa tad-detentur.

(b) L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jibgħat kopja tal-pubblikazzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali lil kull Uffiċċju nnominat.

4. [Żamma tal-Kunfidenzjalità Qabel il-Pubblikazzjoni] Bla ħsara għall-paragrafu (5) u għall-Artikolu 11(4)(b), l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jżomm kunfidenzjali kull applikazzjoni internazzjonali u kull reġistrazzjoni internazzjonali sakemm ikunu ppubblikati.

5. [Kopji Kunfidenzjali]

(a) Immedjatament wara li tkun saret ir-reġistrazzjoni, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jibgħat kopja tar-reġistrazzjoni internazzjonali, flimkien ma' kwalunkwe dikjarazzjoni, dokument jew kampjun rilevanti li jkun hemm ma' l-applikazzjoni internazzjonali, lil kull Uffiċċju li nnotifika lill-Uffiċċju Internazzjonali li jixtieq jirċievi tali kopja u li ġie nnominat fl-applikazzjoni internazzjonali.

(b) Sakemm tkun ippubblikata r-reġistrazzjoni internazzjonali mill-Uffiċċju Internazzjonali, l-Uffiċċju għandu jżomm kull reġistrazzjoni internazzjonali li ntbagħtitlu kopja tagħha mill-Uffiċċju Internazzjonali bħala kunfidenzjali u jista' juża l-kopja msemmija biss għall-eżami tar-reġistrazzjoni internazzjonali u għall-applikazzjonijiet biex ikunu protetti d-disinji industrijali ddepożitati fi, jew għall-Partijiet Kontraenti li l-Uffiċċju huwa kompetenti fihom. B'mod partikolari, hu ma jistax ixandar il-kontenut ta' kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali bħal din lil kwalunkwe persuna barra mill-Uffiċċju minbarra d-detentur ta' dik ir-reġistrazzjoni internazzjonali, ħlief għall-finijiet ta' proċediment amministrattiv jew legali li jinvolvi konflitt dwar id-dritt għad-depożitu ta' l-applikazzjoni internazzjonali li fuqha hija bbażata r-reġistrazzjoni internazzjonali. F'każ ta' proċedura amministrattiva jew legali bħal din, il-kontenut tar-reġistrazzjoni internazzjonali jista' jkun żvelat biss b'mod kunfidenzjali lill-partijiet involuti fil-proċediment li għandhom ikunu marbuta li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' dak li jkun żvelat.

Artikolu 11

Differiment tal-Pubblikazzjoni

1. [Dispożizzjonijiet tal-Liġijiet tal-Partijiet Kontraenti li Jikkonċernaw Id-Differiment tal-Pubblikazzjoni]

(a) Fejn il-liġi ta' Parti Kontraenti tipprovdi għad-differiment tal-pubblikazzjoni ta' disinn industrijali għal perijodu li huwa inqas mill-perijodu preskritt, dik il-Parti Kontraenti għandha tinnotifika, permezz ta' dikjarazzjoni, lid-Direttur Ġenerali bil-perijodu ta' differiment permess.

(b) Fejn il-liġi ta' Parti Kontraenti ma tipprovdix għad-differiment tal-pubblikazzjoni ta' disinn industrijali, il-Parti Kontraenti għandha tinnotifika lid-Direttur Ġenerali b'dan permezz ta' dikjarazzjoni.

2. [Differiment tal-Pubblikazzjoni] Fejn l-applikazzjoni internazzjonali jkun fiha talba biex il-pubblikazzjoni tkun iddifferita, il-pubblikazzjoni għandha sseħħ,

(i) fejn l-ebda Parti Kontraenti nnominata fl-applikazzjoni internazzjonali m'ghamlet dikjarazzjoni skond il-paragrafu (1), fl-ġheluq tal-perijodu preskritt

jew,

(ii) fejn kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata fl-applikazzjoni internazzjonali ghamlet dikjarazzjoni skond il-paragrafu (1)(a), fl-ġheluq tal-perijodu nnotifikat f'tali dikjarazzjoni jew, fejn hemm iktar minn tali Parti Kontraenti waħda nnominata, fl-ġheluq ta' l-iqsar perijodu nnotifikat fid-dikjarazzjonijiet tagħhom.

3. [Trattament tat-Talbiet għal Differiment Fejn Differiment Mhuwiex Possibbli Taħt il-Liġi Applikabbli] Fejn intalab differiment ta' pubblikazzjoni u kwalunkwe waħda mill-Partijiet Kontraenti nnominati fl-applikazzjoni internazzjonali ghamlet dikjarazzjoni skond il-paragrafu (1)(b) li d-differiment tal-pubblikazzjoni mhux possibbli taħt il-liġi tagħha,

(i) bla ħsara għall-punt (ii), l-Aġenzija Internazzjonali għandha tinnotifika lill-applikant b'dan; jekk, fil-perijodu preskritt, l-applikant, b'avviż bil-miktub lill-Uffiċċju Internazzjonali, ma jirtirax in-nomina tal-Parti Kontraenti msemmija, l-Uffiċċju Internazzjonali m'ghandux jagħti kas tat-talba biex il-pubblikazzjoni tkun iddifferita;

[1] Meta jkun adottat l-Artikolu 10, il-Konferenza Diplomatika fehmet li xejn f'dan l-Artikolu ma jipprekludi l-aċċess ghall-applikazzjoni internazzjonali jew gharreġistrazzjoni internazzjonali mill-applikant jew mid-detentur jew mill-persuna li ghandha l-kunsens ta' l-applikant jew tad-detentur.

(ii) fejn, minflok ma jkun fiha r-riproduzzjonijiet tad-disinn industrijali, l-applikazzjoni internazzjonali jkollha magħha kampjuni tad-disinn industrijali, l-Uffiċċju Industrijali m'għandux jagħti kas tannomina tal-Parti Kontraenti msemmija u għandu jinnotifika lill-applikant b'dan.

4. [Talba għal Pubblikazzjoni Aktar Bikrija jew għal Aċċess Speċjali għar-Reġistrazzjoni Internazzjonali]

(a) Fi kwalunkwe żmien matul il-perijodu ta' differiment applikabbli skond il-paragrafu (2), id-detentur jista' jitlob il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe disinn industrijali jew tagħhom kollha li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali, li f'dan il-każ il-perijodu ta' differiment fejn għandu x'jaqsam dan id-disinn jew dawn id-disinji industrijali għandu jitqies li għalaq fid-data li fiha l-Uffiċċju Internazzjonali jirċievi tali talba.

(b) Id-detentur jista' wkoll, fi kwalunkwe żmien matul il-perijodu ta' differiment applikabbli skond il-paragrafu (2), jitlob lill-Uffiċċju Internazzjonali biex jipprovdi lil parti terza speċifikata mid-detentur silta minn, jew li jingħata permess biex din il-parti jkollha aċċess għal kwalunkwe disinn industrijali jew għad-disinji industrijali kollha li huwa/huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

5. [Rinunzja u Limitazzjoni]

(a) Jekk, fi kwalunkwe żmien matul il-perijodu ta' differiment applikabbli skond il-paragrafu (2), id-detentur jirrinunzja għar-reġistrazzjoni internazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu l-Partijiet Kontraenti nnominati kollha, id-disinn jew id-disinji industrijali li huwa/huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali m'għandux/m'għandhomx ikun/u ppubblikat/i.

(b) Jekk, fi kwalunkwe żmien tal-perijodu ta' differiment applikabbli skond il-paragrafu (2), id-detentur jillimita r-reġistrazzjoni internazzjonali, fejn għandhom x'jaqsmu l-Partijiet Kontraenti nnominati kollha, għal disinn industrijali wieħed jew għal ftit mid-disinji industrijali li huwa/huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali, id-disinn industrijali l-ieħor jew id-disinji industrijali l-oħrajn li huwa/huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali m'għandux/m'għandhomx ikun/u ppubblikat/i.

6. [Pubblikazzjoni u Forniment tar-Riproduzzjonijiet]

(a) Fl-ġheluq ta' kwalunkwe perijodu ta' differiment applikabbli skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, l-Uffiċċju Internazzjonali, bla ħsara għall-ħlas tal-ħlasijiet preskritti, għandu jippubblika r-reġistrazzjoni internazzjonali. Jekk tali ħlasijiet ma jsirux kif preskritt, ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandha titħassar u l-pubblikazzjoni m'għandhiex issir.

(b) Fejn l-applikazzjoni internazzjonali jkollha magħha kampjun wieħed jew aktar tad-disinn industrijali skond l-Artikolu 5(1)(iii), id-detentur għandu jippreżenta in-numru ta' kopji preskritti ta' riproduzzjoni ta' kull disinn industrijali li huwa s-suġġett ta' dik l-applikazzjoni lill-Uffiċċju Internazzjonali fit-terminu perentorju preskritt. Sakemm id-detentur ma jagħmilx dan, ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandha titħassar u l-pubblikazzjoni m'għandhiex issir.

Artikolu 12

Rifjut

1. [Dritt tar-Rifjut] L-Uffiċċju ta' kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata jista', fejn ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet ta' l-għoti ta' protezzjoni skond il-liġi ta' dik il-Parti Kontraenti fejn għandu x'jaqsam kwalunkwe disinn industrijali jew id-disinji industrijali kollha li huwa/huma s-suġġett ta' reġistrazzjoni internazzjonali, jirrifjuta l-effetti, b'mod parzjali jew b'mod sħiħ, tar-reġistrazzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Parti Kontraenti msemmija, bil-kondizzjoni li l-ebda Uffiċċju ma jista' jirrifjuta l-effetti, b'mod parzjali jew b'mod sħiħ, ta' kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali minħabba li r-rekwiżiti relatati mal-forma jew mal-kontenut ta' l-applikazzjoni internazzjonali li huma pprovduti f'dan l-Att jew fir-Regolamenti jew huma addizzjonali għal, jew differenti minn, dawk ir-rekwiżiti ma kinux sodisfatti skond il-liġi tal-Parti Kontraenti kkonċernata.

2. [Notifika tar-Rifjut]

(a) Ir-rifjut ta' l-effetti ta' reġistrazzjoni internazzjonali għandu jiġi kkomunikat mill-Uffiċċju lill-Uffiċċju Internazzjonali f'notifika ta' rifjut fil-perijodu preskritt.

(b) Kwalunkwe notifika ta' rifjut għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat ir-rifjut.

3. [Trasmissjoni tan-Notifika tar-Rifjut;Rimedji]

(a) L-Uffiċċju Internazzjonali għandu, mingħajr dewmien, jittrasmetti kopja tan-notifika tar-rifjut lid-detentur.

(b) Id-detentur għandu jgawdi l-istess rimedji daqs li kieku kwalunkwe disinn industrijali li huwa s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali kien is-suġġett ta' applikazzjoni biex tingħata protezzjoni skond il-liġi applikabbli għall-Uffiċċju li kkomunika r-rifjut. Tali rimedji għandhom mill-inqas jikkonsistu fil-possibbiltà li jkun eżaminat mill-ġdid jew issir reviżjoni tar-rifjut jew isir appell kontra r-rifjut.

4. [1] [Irtirar tar-Rifjut] Kwalunkwe rifjut jista' jiġi rtirat, b'mod parzjali jew b'mod sħiħ, fi kwalunkwe ħin mill-Uffiċċju li kkomunikah.

Artikolu 13

Ħtiġiet Speċjali li Jikkonċernaw l-Unità tad-Disinn

1. [Notifika tal-Ħtiġiet Speċjali] Kwalunkwe Parti Kontraenti li l-liġi tagħha, meta ssir parti għal dan l-Att, tenħtieġ li d-disinji li huma s-suġġett ta' l-istess applikazzjoni jikkonformaw ma' rekwiżit ta' l-unità tad-disinn, l-unità tal-produzzjoni jew l-unità ta' l-użu, jew li huma parti mill-istess sett jew kompożizzjoni ta' oġġetti, jew li disinn indipendenti u distint wieħed biss jista' jkun ikklejmjat f'applikazzjoni waħda, tista' tinnotifika lid-Direttur Ġenerali b'dan permezz ta' dikjarazzjoni. Madankollu, l-ebda tali dikjarazzjoni m'għandha taffettwa d-dritt ta' applikant li jinkludi żewġ disinji industrijali jew aktar f'applikazzjoni internazzjonali skond l-Artikolu 5(4), anki jekk l-applikazzjoni tinnomina lill-Parti Kontraenti li għamlet id-dikjarazzjoni.

[1] Meta jkun adottat l-Artikolu 12(4), l-Artikolu 14(2)(b) u r-Regola 18(4), il-Konferenza Diplomatika fehmet li l-irtirar ta' rifjut minn Uffiċċju li kkomunika notifika ta' rifjut jista' jieħu l-forma ta' dikjarazzjoni li tgħid li l-Uffiċċju kkonċernat iddeċieda li jaċċetta l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali fejn għandhom x'jaqsmu d-disinji industrijali, jew uħud minnhom, li għalihom kienet tirrelata n-notifika ta' rifjut. Kien ukoll mifhum li Uffiċċju, fil-perijodu permess biex tkun ikkomunikata notifika ta' rifjut, jista' jibgħat dikjarazzjoni li tgħid li hu ddeċieda li jaċċetta l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali anki fejn ma ikkomunikax tali notifika ta' rifjut.

2. [Effett tad-Dikjarazzjoni] Kwalunkwe tali dikjarazzjoni għandha tagħti l-opportunità lill-Uffiċċju tal-Parti Kontraenti li għamilha biex jirrifjuta l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali skond l-Artikolu 12(1) sakemm issehħ konformità mar-rekwiżit innotifikat minn dik il-Parti Kontraenti.

3. [Ħlasijiet Ulterjuri Pagabbli Meta Tinqasam ir-Reġistrazzjoni] Fejn, wara notifika ta' rifjut skond il-paragrafu (2), reġistrazzjoni internazzjonali tinqasam quddiem l-Uffiċċju kkonċernat biex tingħeleb ir-raġuni tar-rifjut kif iddikjarata fin-notifika, dak l-Uffiċċju għandu jkollu d-dritt jitlob ħlas fir-rigward ta' kull applikazzjoni internazzjonali addizzjonali li kien ikun meħtieġ sabiex tkun evitata dik ir-raġuni tar-rifjut.

Artikolu 14

Effetti tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali

1. [Effett bħala Applikazzjoni Skond il-Liġi Applikabbli] Mid-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali, ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandu jkollha mill-inqas l-istess effett f'kull Parti Kontraenti nnominata bħala applikazzjoni li ġiet iddepożitata b'mod regolari biex tingħata protezzjoni għad-disinn industrijali skond il-liġi ta' dik il-Parti Kontraenti.

2. [Effett bħala *Għoti ta' Protezzjoni Skond il-Liġi Applikabbli*]

(a) F'kull Parti Kontraenti nnominata fejn l-Uffiċċju tagħha ma ikkomunikax rifjut skond l-Artikolu 12, ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandu jkollha l-istess effett bħal għoti ta' protezzjoni għad-disinn industrijali skond il-liġi ta' dik il-Parti Kontraenti, sa mhux aktar tard mid-data ta' l-għeluq tal-perijodu li matulu l-Uffiċċju jista' jikkomunika rifjut jew, fejn Parti Kontraenti għamlet dikjarazzjoni korrispondenti skond ir-Regolamenti, sa mhux aktar tard miż-żmien speċifikat f'dik id-dikjarazzjoni.

(b) [1]Fejn l-Uffiċċju ta' Parti Kontraenti nnominata kkomunika rifjut u sussegwentement, b'mod parzjali jew b'mod shiħ, irtira dak ir-rifjut, ir-reġistrazzjoni internazzjonali, sal-punt li jkun irtirat dak ir-rifjut, għandu jkollha l-istess effett f'dik il-Parti Kontraenti bħal għoti ta' protezzjoni għad-disinn industrijali skond il-liġi tal-Parti Kontraenti msemmija sa mhux aktar tard mid-data ta' meta ġie rtirat ir-rifjut.

(ċ) L-effett mogħti lir-reġistrazzjoni internazzjonali skond dan il-paragrafu għandu japplika għad-disinn industrijali jew għad-disinji industrijali li huwa/huma s-suġġett ta' dik ir-reġistrazzjoni kif waslu mill-Uffiċċju Internazzjonali għand l-Uffiċċju nnominat jew, fejn applikabbli, kif emendat fil-proċedura f'dak l-Uffiċċju.

3. [Dikjarazzjoni li Tikkonċerna l-Effett tan-Nomina tal-Parti Kontraenti ta' l-Applikant]

(a) Kwalunkwe Parti Kontraenti li l-Uffiċċju tagħha huwa Uffiċċju li Jeżamina tista' tinnotifika lid-Direttur Ġenerali, permezz ta' dikjarazzjoni li, fejn hija l-Parti Kontraenti ta' l-Applikant, in-nomina ta' dik il-Parti Kontraenti f'reġistrazzjoni internazzjonali m'għandu jkollha l-ebda effett.

(b) Fejn Parti Kontraenti li tkun għamlet id-dikjarazzjoni msemmija fis-subparagrafu (a) hija indikata f'applikazzjoni internazzjonali kemm bħala l-Parti Kontraenti ta' l-applikant kif ukoll bħala l-Parti Kontraenti nnominata, l-Uffiċċju Internazzjonali m'għandux jagħti kas tan-nomina ta' dik il-Parti Kontraenti.

Artikolu 15

Invalidazzjoni

1. [Ħtieġa ta' l-Opportunità għad-Difiża] L-invalidazzjoni ta' l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali, b'mod parzjali jew b'mod shiħ, mill-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti nnominata, fit-territorju ta' dik il-Parti Kontraenti, ma tistax tkun ippronunzjata mingħajr ma d-detentur, fi żmien xieraq, jingħata l-opportunità li jiddefendi d-drittijiet tiegħu.

2. [Notifika ta' l-Invalidazzjoni] L-Uffiċċju tal-Parti Kontraenti li fit-territorju tiegħu ġew invalidati l-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali għandu, fejn ikun jaf bl-invalidazzjoni, jinnotifika lill-Uffiċċju Internazzjonali b'dan.

Artikolu 16

Reġistrazzjoni tal-Bidliet u Affarijiet Oħrajn Li Jikkonċernaw ir-Reġistrazzjonijiet Internazzjonali

1. [Reġistrazzjoni tal-Bidliet u Affarijiet Oħrajn] Kif preskritt, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jirreġistra fir-Reġistru Internazzjonali

(i) kwalunkwe bidla fis-sjieda tar-reġistrazzjoni internazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata jew tal-Partijiet Kontraenti nnominati kollha u fir-rigward ta' kwalunkwe disinn industrijali jew id-disinji industrijali kollha li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali, sakemm is-sid il-ġdid għandu d-dritt li jiddepożita applikazzjoni internazzjonali skond l-Artikolu 3,

(ii) kwalunkwe bidla fl-isem jew fl-indirizz tad-detentur,

(iii) il-ħatra ta' rappreżentant għall-applikant jew għad-detentur u kwalunkwe fatt rilevanti ieħor li jikkonċerna tali rappreżentant,

(iv) kwalunkwe rinunzja, mid-detentur, għar-reġistrazzjoni internazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata jew tal-Partijiet Kontraenti nnominati kollha,

(v) kwalunkwe limitazzjoni, mid-detentur, tar-reġistrazzjoni internazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata jew tal-Partijiet Kontraenti nnominati kollha, għal disinn industrijali jew ftit mid-disinji industrijali li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali,

(vi) kwalunkwe invalidazzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti ta' Parti Kontraenti nnominata, ta' l-effetti, fit-territorju ta' dik il-Parti Kontraenti, tar-reġistrazzjoni internazzjonali fir-rigward ta' kwalunkwe disinn industrijali jew tad-disinji industrijali kollha li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali,

(vii) kwalunkwe fatt rilevanti ieħor, identifikat fir-Regolamenti, li jikkonċerna d-drittijiet fi kwalunkwe disinn industrijali jew fid-disinji industrijali kollha li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

[1] Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna fl-Artikolu 12(4).

2. [Effett tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru Internazzjonali] Kwalunkwe reġistrazzjoni li tissemma fil-punti (i), (ii), (iv), (v), (vi) u (vii) tal-paragrafu (1) għandu jkollha l-istess effett daqslikieku saret fir-Reġistru ta' l-Uffiċċju ta' kull Parti Kontraenti kkonċernata, ħlief li Parti Kontraenti tista' tinnotifika lid-Direttur Ġenerali, permezz ta' dikjarazzjoni, li reġistrazzjoni li tissemma' fil-punt (i) tal-paragrafu (1) m'għandux ikollha dak l-effett f'dik il-Parti Kontraenti sakemm l-Uffiċċju ta' dik il-Parti Kontraenti ma jkunx irċieva d-dikjarazzjonijiet jew id-dokumenti speċifikati f'dik id-dikjarazzjoni.

3. [Ħlasijiet] Kwalunkwe reġistrazzjoni li ssir skond il-paragrafu (1) tista' tkun soġġetta għall-pagament ta' ħlasijiet.

4 [Pubblikazzjoni] L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jippubblika avviż li jikkonċerna kwalunkwe reġistrazzjoni li ssir skond il-paragrafu (1). Hu għandu jibgħat kopja tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż lill-Uffiċċju ta' kull Parti Kontraenti kkonċernata.

Artikolu 17

Terminu Inizjali u Tiġdid tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali u t-Tul ta' Żmien tal-Protezzjoni

1. [Terminu Inizjali tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali] Ir-reġistrazzjoni internazzjonali għandha ssir għal terminu inizjali ta' ħames snin li jibdew jgħoddu mid-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

2. [Tiġdid tar-Reġistrazzjoni Internazzjonali] Ir-reġistrazzjoni internazzjonali tista' tiġġedded għal termini addizzjonali ta' ħames snin, skond il-proċedura preskritta u bla ħsara għall-pagament tal-ħlasijiet preskritti.

3. [Tul ta' Żmien *tal-Protezzjoni fil-Partijiet Kontraenti Nnominati*]

(a) Sakemm ir-reġistrazzjoni internazzjonali tiġġedded, u bla ħsara għas-subparagrafu (b), it-tul ta' żmien tal-protezzjoni, f'kull Parti Kontraenti nnominata, għandu jkun ta' 15-il sena li jibdew jgħoddu mid-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

(b) Fejn il-liġi ta' Parti Kontraenti nnominata tipprovdi għal tul ta' żmien tal-protezzjoni ta' aktar minn 15-il sena għal disinn industrijali li jkun ingħata protezzjoni skond il-liġi, bil-kondizzjoni li r-reġistrazzjoni internazzjonali tiġġedded, it-tul ta' żmien tal-protezzjoni għandu jkun l-istess bħal dak previst fil-liġi ta' dik il-Parti Kontraenti.

(ċ) Kull Parti Kontraenti għandha tinnotifika lid-Direttur Ġenerali, permezz ta' dikjarazzjoni, bit-tul ta' żmien massimu ta' protezzjoni previst fil-liġi tagħha.

4. [Possibbiltà ta' Tiġdid Limitat] It-tiġdid tar-reġistrazzjoni internazzjonali jista' jsir għal kwalunkwe Parti Kontraenti nnominata jew għall-Partijiet Kontraenti nnominati kollha u għal kwalunkwe disinn industrijali jew għad-disinji industrijali kollha li huma s-suġġett tar-reġistrazzjoni internazzjonali.

5. [Reġistrazzjoni *u Pubblikazzjoni tat-Tiġdid*] L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jirreġistra t-tiġdid fir-Reġistru Internazzjonali u jippubblika avviż b'din l-informazzjoni. Hu ghandu jibgħat kopja tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż lill-Uffiċċju ta' kull Parti Kontraenti kkonċernata.

Artikolu 18

Informazzjoni li Tikkonċerna r-Reġistrazzjonijiet Internazzjonali Ppubblikati

1. [Aċċess għall-Informazzjoni] Wara li jsir il-ħlas preskritt, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jipprovdi lil kwalunkwe persuna li tapplika għalihom, siltiet mir-Reġistru Internazzjonali, jew informazzjoni li tikkonċerna l-kontenut tar-Reġistru Internazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali ppubblikata.

2. [Eżenzjoni mil-Legalizzazzjoni] Is-siltiet mir-Reġistru Internazzjonali pprovduti mill-Aġenzija Internazzjonali għandhom ikunu eżenti minn kwalunkwe kondizzjoni meħtieġa ta' legalizzazzjoni f'kull Parti Kontraenti.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI

Artikolu 19

Uffiċċju Komuni ta' Numru ta' Stati

1. [Notifika ta' Uffiċċju Komuni] Jekk numru ta' Stati li biħsiebhom isiru parti għal dan l-Att għaqqdu, jew jekk numru ta' Stati li huma parti għal dan l-Att jaqblu li jgħaqqdu, l- leġislazzjoni domestika tagħhom dwar id-disinji industrijali, huma jistgħu jinnotifikaw lid-Direttur Ġenerali

(i) li Uffiċċju komuni għandu jissostitwixxi l-Uffiċċju nazzjonali ta' kull wieħed minnhom,

u

(ii) li t-territorji rispettivi kollha li għalihom tapplika l-leġislazzjoni unifikata għandhom jitqiesu bħala Parti Kontraenti unika għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 1, 3 sa 18 u 31 ta' dan l-Att.

2. [Żmien li fih Trid Issir in-Notifika] In-notifika li tissemma fil-paragrafu (1) ghandha ssir,

(i) fil-każ ta' Stati li biħsiebhom isiru parti għal dan l-Att, fil-ħin tad-depożitu ta' l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 27(2);

(ii) fil-każ ta' Stati li huma parti għal dan l-Att, fi kwalunkwe żmien wara li tkun ġiet effettwata l-ghaqda tal-leġislazzjoni domestika tagħhom.

3. [Data tad-Dħul b'Effett tan-Notifika] In-notifika li tissemma' fil-paragrafi (1) u (2) ghandu jkollha effett,

(i) fil-każ ta' Stati li biħsiebhom isiru parti ghal dan l-Att, fiż-żmien li tali Stati jintrabtu b'dan l-Att;

(ii) fil-każ ta' Stati li huma parti ghal dan l-Att, tliet xhur wara d-data tal-komunikazzjoni ta' dan mid-Direttur Ġenerali lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn jew fi kwalunkwe data oħra, aktar tard, indikata fin-notifika.

Artikolu 20

Sħubija fl-Unjoni ta' l-Aja

Il-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu membri ta' l-istess Unjoni bħall-Istati li huma parti għall-Att ta' l-1934 jew għall-Att ta' l-1960.

Artikolu 21

Assemblea

1. [Kompożizzjoni]

(a) Il-Partijiet Kontraenti għandhom ikunu membri ta' l-istess Assemblea bħall-Istati marbuta bl-Artikolu 2 ta' l-Att Komplementari ta' l-1967.

(b) Kull membru ta' l-Assemblea għandu jkun irrappreżentat fl-Assemblea minn delegat wieħed, li jista' jkun assistit minn delegati supplenti, konsulenti u esperti, u kull delegat jista' jirrappreżenta Parti Kontraenti waħda biss.

(ċ) Il-Membri ta' l-Unjoni li mhumiex membri ta' l-Assemblea għandhom jitħallew jattendu għal-laqgħat ta' l-Assemblea bħala osservaturi.

2. [Kompiti]

(a) L-Assemblea għandha

(i) tittratta l-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw iż-żamma u l-iżvilupp ta' l-Unjoni u l-implimentazzjoni ta' dan l-Att;

(ii) teżerċita tali drittijiet u twettaq tali kompiti kif inhuma speċifikament mogħtija jew assenjati lilha skond dan l-Att jew skond l-Att Komplementari ta' l-1967;

(iii) tagħti direzzjonijiet lid-Direttur Ġenerali li jikkonċernaw il-preparamenti għall-konferenzi ta' reviżjoni u tiddeċiedi dwar il-konvokazzjoni ta' kwalunkwe tali konferenza;

(iv) temenda r-Regolamenti;

(v) tirrevedi u tapprova r-rapporti u l-attivitajiet tad-Direttur Ġenerali li jikkonċernaw l-Unjoni, u tagħti lid-Direttur Ġenerali l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa li jikkonċernaw kwistjonijiet li huma fil-kompetenza ta' l-Unjoni;

(vi) tiddetermina l-programm u tadotta l-baġit bjennali ta' l-Unjoni, u tapprova l-kontijiet finali tagħha;

(vii) tadotta r-regolamenti finanzjarji ta' l-Unjoni;

(viii) tistabbilixxi tali kumitati u gruppi ta' ħidma kif tqis li huwa xieraq biex jinkisbu l-objettivi ta' l-Unjoni;

(ix) bla ħsara għall-paragrafu (1) (ċ), tiddetermina liema Stati, organizzazzjonijiet intergovernattivi u organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom jitħallew jattendu għal-laqgħat tagħha bħala osservaturi;

(x) tieħu kwalunkwe azzjoni oħra xierqa biex tilħaq dejjem aktar l-objettivi ta' l-Unjoni u twettaq kwalunkwe funzjoni oħra kif inhu xieraq skond dan l-Att.

(b) Fejn għandhom x'jaqsmu l-kwistjonijiet li huma wkoll ta' interess għal Unjonijiet oħrajn amministrati mill-Organizzazzjoni, l-Assemblea għandha tieħu d-deċiżjonijiet tagħha wara li tkun semgħet il-parir tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni ta' l-Organizzazzjoni.

3. [Kworum]

(a) Nofs il-membri ta' l-Assemblea li huma Stati u li għandhom id-dritt li jivvutaw dwar kwistjoni partikolari għandhom jikkostitwixxu kworum għall-finijiet tal-vot dwar dik il-kwistjoni.

(b) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (a), jekk, fi kwalunkwe sessjoni, in-numru tal-membri ta' l-Assemblea li huma Stati, għandhom id-dritt li jivvutaw dwar kwistjoni partikolari u huma rrappreżentati huwa inqas min-nofs imma daqs jew iktar minn terz tal-membri ta' l-Assemblea li huma Stati u għandhom id-dritt li jivvutaw dwar dik il-kwistjoni, l-Assemblea tista' tieħu deċiżjonijiet imma, bl-eċċezzjoni tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-proċedura tagħha stess, id-deċiżjonijiet kollha ta' din ix-xorta għandhom jidħlu b'effett biss jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti iktar tard. L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jikkomunika d-deċiżjonijiet msemmija lill-membri ta' l-Assemblea li huma Stati, li għandhom id-dritt li jivvutaw fuq il-kwistjoni msemmija u li ma kinux irrappreżentati u għandha tistedinhom biex jesprimu bil-kitba l-vot jew l-astensjoni tagħhom fi żmien tliet xhur mid-data tal-komunikazzjoni. Jekk, fl-għeluq ta' dan il-perijodu, in-numru ta' tali membri li jkunu esprimew il-vot jew l-astensjoni tagħhom b'dan il-mod jilħaq in-numru tal-membri li kienu nieqsa biex jintlaħaq il-kworum fis-sessjoni nfisha, tali deċiżjonijiet għandhom jidħlu b'effett sakemm, fl-istess ħin, għadha teżisti l-maġġoranza meħtieġa.

4. [Teħid tad-Deċiżjonijiet fl-Assemblea]

(a) L-Assemblea għandha tagħmel ħiltha biex tieħu d-deċiżjonijiet tagħha b'kunsens.

(b) Fejn deċiżjoni ma tistax tintlaħaq b'kunsens, il-kwistjoni li qed tkun diskussa għandha tiġi deċiża permezz ta' votazzjoni. F'każ bħal dan,

(i) kull Parti Kontraenti li hija Stat għandu jkollha vot wieħed u għandha tivvota f'isimha biss,

u

(ii) kwalunkwe Parti Kontraenti li hija organizzazzjoni intergovernattiva tista' tivvota, minflok l-Istati Membri tagħha, b'numru ta' voti li huwa daqs in-numru ta' l-Istati Membri tagħha li huma parti għal dan l-Att, u l-ebda organizzazzjoni intergovernattiva bħal din m'għandha tipparteċipa fil-votazzjoni jekk kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tagħha jeżerċita d-dritt tiegħu li jivvota, u *vice versa*.

(ċ) Dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw biss lill-Istati li huma marbutin bl-Artikolu 2 ta' l-Att Komplementari ta' l-1967, il-Partijiet Kontraenti li mhumiex marbutin bl-Artikolu msemmi m'għandux ikollhom id-dritt li jivvutaw, filwaqt li f'affarijiet li jikkonċernaw biss lill-Partijiet Kontraenti, dawn ta' l-aħħar biss għandu jkollhom id-dritt li jivvutaw.

5. [Maġġoranzi]

(a) Bla ħsara għall-Artikoli 24(2) u 26(2), id-deċiżjonijiet ta' l-Assemblea għandhom jeħtieġu żewġ terzi tal-voti espressi.

(b) L-astensjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala voti.

6. [Sessjonijiet]

(a) L-Assemblea għandha tiltaqa' darba kull tieni sena kalendarja f'sessjoni ordinarja permezz ta' konvokazzjoni mid-Direttur Ġenerali u, fin-nuqqas ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, matul l-istess perijodu u fl-istess post bħall-Assemblea Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni.

(b) L-Assemblea għandha tiltaqa' f'sessjoni straordinarja permezz ta' konvokazzjoni mid-Direttur Ġenerali, jew fuq it-talba ta' kwart tal-membri ta' l-Assemblea jew fuq l-inizjattiva tad-Direttur Ġenerali nnifsu.

(ċ) L-aġenda ta' kull sessjoni għandha tiġi mħejjija mid-Direttur Ġenerali.

7. [Regoli ta' Proċedura] L-Assemblea għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha stess.

Artikolu 22

Uffiċċju Internazzjonali

1. [Kompiti Amministrattivi]

(a) Ir-Reġistrazzjoni internazzjonali u d-dmirijiet relatati, kif ukoll il-kompiti amministrattivi l-oħrajn kollha li jikkonċernaw l-Unjoni, għandhom jitwettqu mill-Uffiċċju Internazzjonali.

(b) B'mod partikolari, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jħejji l-laqgħat u jipprovdi s-segretarjat ta' l-Assemblea u ta' dawn il-kumitati ta' esperti u gruppi ta' ħidma kif jista' jiġi stabbilit mill-Assemblea.

(2) [Direttur Ġenerali] Id-Direttur Ġenerali għandu jkun il-kap esekuttiv ta' l-Unjoni u għandu jirrappreżenta lill-Unjoni.

(3) [Laqgħat Għajr is-Sessjonijiet ta' l-Assemblea] Id-Direttur Ġenerali għandu jsejjaħ kwalunkwe kumitat u grupp ta' ħidma stabbilit mill-Assemblea u l-laqgħat l-oħrajn kollha li jittrattaw kwistjonijiet li jikkonċernaw l-Unjoni.

(4) [Rwol ta' l-Uffiċċju Internazzjonali fl-Assemblea u f'Laqgħat Oħrajn]

(a) Id-Direttur Ġenerali u l-persuni nnominati mid-Direttur Ġenerali għandhom jipparteċipaw, mingħajr id-dritt li jivvutaw, fil-laqgħat kollha ta' l-Assemblea, tal-kumitati u tal-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Assemblea, u fi kwalunkwe laqgħa oħra msejħa mid-Direttur Ġenerali taħt il-patroċinju ta' l-Unjoni.

(b) Id-Direttur Ġenerali jew membru tal-persunal innominat mid-Direttur Ġenerali għandu jkun is-segretarju *ex officio* ta' l-Assemblea, u tal-kumitati, tal-gruppi ta' ħidma u tal-laqgħat l-oħrajn msemmija fis-subparagrafu (a).

(5) [Konferenzi]

(a) Skond id-direzzjonijiet ta' l-Assemblea, l-Uffiċċju Internazzjonali għandu jagħmel il-preparamenti għal kwalunkwe konferenza ta' reviżjoni.

(b) L-Uffiċċju Internazzjonali jista' jikkonsulta ma' organizzazzjonijiet intergovernattivi u ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi kemm dawk internazzjonali kif ukoll dawk nazzjonali, dwar il-preparamenti imsemmijin.

(ċ) Id-Direttur Ġenerali u l-persuni nnominati mid-Direttur Ġenerali għandhom jipparteċipaw fid-diskussjonijiet waqt konferenzi ta' reviżjoni, mingħajr ma jkollhom id-dritt li jivvutaw.

(6) [Kompiti Oħrajn] L-Uffiċċju Internazzjonali għandu jwettaq kull kompitu ieħor assenjat lilu b'rabta ma' dan l-Att.

Artikolu 23

Finanzi

(1) *[Baġit]*

(a) L-Unjoni għandu jkollha baġit.

(b) Il-baġit ta' l-Unjoni għandu jinkludi d-dħul u l-infiq li għandhom x'jaqsmu ma' l-Unjoni u l-kontribuzzjoni tagħha għall-baġit ta' l-infiq komuni għall-Unjonijiet amministrati mill-Organizzazzjoni.

(ċ) L-infiq li mhux attribwit eskluživament lill-Unjoni iżda wkoll lil Unjoni waħda jew aktar amministrata/i mill-Organizzazzjoni għandu jitqies bħala nfiq komuni għall-Unjonijiet. Is-sehem ta' l-Unjoni f'infiq komuni bħal dan għandu jkun proporzjonali għall-interess li l-Unjoni għandha fih.

(2) [Koordinazzjoni mal-Baġits ta' Unjonijiet Oħra] Il-baġit ta' l-Unjoni għandu jkun stabbilit bl-attenzjoni xierqa għall-ħtiġiet ta' koordinazzjoni mal-baġits ta' l-Unjonijiet l-oħrajn li huma amministrati mill-Organizzazzjoni.

(3) [Sorsi ta' Finanzjament tal-Baġit] Il-baġit ta' l-Unjoni għandu jkun iffinanzjat mis-sorsi li ġejjin:

(i) il-ħlasijiet relatati mar-reġistrazzjonijiet internazzjonali;

(ii) it-taxxi dovuti għal servizzi oħrajn mogħtija mill-Uffiċċju Internazzjonali fejn għandha x'taqsam l-Unjoni;

(iii) il-bejgħ ta', jew drittijiet ta' l-awtur fuq, pubblikazzjonijiet ta' l-Uffiċċju Internazzjonali li jikkonċernaw l-Unjoni;

(iv) id-donazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet f'testmenti dwar proprjetà personali u s-sovvenzjonijiet;

(v) il-kirjiet, l-interessi u dħul differenti ieħor.

(4) [Iffissar tal-Ħlasijiet u tat-Taxxi; Il-Livell tal-Baġit]

(a) L-ammonti tal-ħlasijiet msemmija fil-paragrafu (3)(i) għandhom ikunu ffissati mill-Assemblea fuq il-proposta tad-Direttur Ġenerali. It-taxxi msemmija fil-paragrafu 3(ii) għandhom ikunu stabbiliti mid-Direttur Ġenerali u għandhom ikunu applikati b'mod provviżorju, dejjem jekk ikunu approvati mill-Assemblea fis-sessjoni ta' wara.

(b) L-ammonti tal-ħlasijiet li jissemmew fil-paragrafu (3)(i) għandhom ikunu ffissati b'tali mod li d-dħul ta' l-Unjoni mill-ħlasijiet u minn sorsi oħrajn għandhom ikunu mill-inqas biżżejjed biex ikopru l-infiq kollu ta' l-Uffiċċju Internazzjonali li jikkonċerna l-Unjoni.

(ċ) Jekk il-baġit ma jiġix adottat qabel il-bidu ta' perijodu finanzjarju ġdid, hu għandu jkun fuq l-istess livell tal-baġit tas-sena ta' qabel, kif previst fir-regolamenti finanzjarji.

(5) [Fond tal-Kapital li Jiċċirkola] L-Unjoni għandu jkollha fond tal-kapital li Jiċċirkola li għandu jkun magħmul mill-introjti żejda u, jekk tali introjti żejda ma jkunux biżżejjed, minn pagament uniku magħmul minn kull membru ta' l-Unjoni. Jekk il-fond isir insuffiċjenti, l-Assemblea għandha tiddeċiedi li żżidu. Il-proporzjon u t-termini tal-pagament għandhom ikunu ffissati mill-Assemblea fuq il-proposta tad-Direttur Ġenerali.

(6) [Self bil-Quddiem mill-Istat Ospitanti]

(a) Fil-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali konkluż ma' l-Istat li l-Organizzazzjoni għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fuq it-territorju tiegħu, għandu jkun provdut li, kull meta l-fond tal-kapital li jiċċirkola jkun insuffiċjenti, tali Stat għandu jagħti self bil-quddiem. L-ammont ta' dak is-self bil-quddiem u l-kondizzjonijiet li jridu jkunu sodisfatti biex jingħata għandhom ikunu s-suġġett ta' ftehim separati, f'kull każ, bejn tali Stat u l-Organizzazzjoni.

(b) L-Istat li jissemma fis-subparagrafu (a) u l-Organizzazzjoni għandhom kull wieħed ikollu d-dritt li jiddenunzja l-obbligu li jingħata self bil-quddiem, permezz ta' notifika bil-miktub. Id-denunzja għandha tidħol b'effett tliet snin wara li tintemm is-sena li fiha ġiet notifikata.

(7) [Verifika tal-Kontijiet] Il-verifika tal-kontijiet għandha titwettaq minn Stat wieħed jew aktar li huwa membru ta' l-Unjoni jew minn awdituri esterni, kif previst fir-regolamenti finanzjarji. Għandhom ikunu nnominati, bil-qbil tagħhom, mill-Assemblea.

Artikolu 24

Regolamenti

(1) [*Suġġett*] Ir-Regolamenti għandhom jirregolaw id-dettalji ta' l-implimentazzjoni ta' dan l-Att. B'mod partikolari, huma għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw

(i) kwistjonijiet li dan l-Att jipprovdi b'mod espliċitu biex ikunu preskritti;

(ii) aktar dettalji li jikkonċernaw, jew kwalunkwe dettall utli fl-implimentazzjoni ta', dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(iii) kwalunkwe ħtieġa, kwistjoni jew proċedura amministrattiva.

(2) [Emendar ta' Ċerti Dispożizzjonijiet tar-Regolamenti]

(a) Ir-Regolamenti jistgħu jispeċifikaw li ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti jistgħu jkunu emendati biss permezz ta' vot unanimu jew biss permezz ta' maġġoranza ta' erba' voti minn ħamsa.

(b) Jeħtieġ li jkun hemm vot unanimu biex il-ħtieġa ta' vot unanimu jew maġġoranza ta' erba' voti minn ħamsa ma tibqax tapplika fil-futur biex tkun emendata dispożizzjoni tar-Regolamenti.

(ċ) Jeħtieġ li jkun hemm maġġoranza ta' erba' voti minn ħamsa sabiex il-ħtieġa ta' vot unanimu jew maġġoranza ta' erba' voti minn ħamsa tibqa' tapplika fil-futur biex tkun emendata dispożizzjoni tar-Regolamenti.

(3) [*Konflitt Bejn Dan l-Att u r-Regolamenti*] Fil-każ ta' konflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u dawk tar-Regolamenti, ta' l-ewwel għandhom jirbħu.

KAPITOLU III

REVIŻJONI U EMENDI

Artikolu 25

Reviżjoni ta' Dan l-Att

(1) [Konferenzi ta' Reviżjoni] Dan l-Att jista' jkun rivedut permezz ta' konferenza tal-Partijiet Kontraenti.

(2) [Reviżjoni jew Emendar ta' Ċerti Artikoli] L-Artikoli 21, 22, 23 u 26 jistgħu jkunu emendati jew permezz ta' konferenza ta' reviżjoni jew inkella mill-Assemblea skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 26.

Artikolu 26

Emendar ta' Ċerti Artikoli mill-Assemblea

(1) [Proposti għall-Emendar]

(a) Il-proposti biex l-Assemblea temenda l-Artikoli 21, 22, 23 u dan l-Artikolu jistgħu jinbdew minn kwalunkwe Parti Kontraenti jew mid-Direttur Ġenerali.

(b) Tali proposti għandhom ikunu kkomunikati mid-Direttur Ġenerali lill-Partijiet Kontraenti mill-inqas sitt xhur qabel ma jitqiesu mill-Assemblea.

(2) [Maġġoranzi] L-adozzjoni ta' kwalunkwe emenda għall-Artikoli msemmija fil-paragrafu (1) għandha tinħtieġ maġġoranza ta' tliet kwarti, ħlief li l-adozzjoni ta' kwalunkwe emenda għall-Artikolu 21 jew tal-paragrafu preżenti għandha tinħtieġ maġġoranza ta' erba' voti minn ħamsa.

(3) [Dħul fis-Seħħ]

(a) Ħlief fejn japplika s-subparagrafu (b), kwalunkwe emenda għall-Artikoli msemmija fil-paragrafu (1) imwettqa skond il-proċessi kostituzzjonali rispettivi tagħhom, għandha tidħol fis-seħħ xahar wara li n-notifiki ta' aċċettazzjoni bil-miktub jaslu għand id-Direttur Ġenerali mingħand tliet kwarti ta' dawk il-Partijiet Kontraenti li, fiż-żmien li ġiet adottata l-emenda, kienu membri ta' l-Assemblea u kellhom id-dritt li jivvutaw fuq dik l-emenda.

(b) Kwalunkwe emenda għall-Artikolu 21(3) jew (4) jew għal dan is-subparagrafu m'għandhiex tidħol fis-seħħ jekk, fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha mill-Assemblea, kwalunkwe Parti Kontraenti tinnotifika lid-Direttur Ġenerali li ma taċċettax tali emenda.

(ċ) Kwalunkwe emenda li tidħol fis-seħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandha torbot lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet intergovernattivi kollha li huma Partijiet Kontraenti fiż-żmien li l-emenda tidħol fis-seħħ, jew li jsiru Partijiet Kontraenti aktar tard.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 27

Parti għal Dan l-Att

(1) [*Eliġibbiltà*] Bla ħsara għall-paragrafi (2) u (3) u għall-Artikolu 28,

(i) kwalunkwe Stat membru ta' l-Organizzazzjoni jista' jiffirma u jsir parti għal dan l-Att;

(ii) kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva li għandha Uffiċċju fejn tista' tinkiseb il-protezzjoni tad-disinji industrijali b'effett fit-territorju li fih japplika t-trattat kostituzzjonali ta' l-organizzazzjoni intergovernattiva tista' tiffirma u ssir parti għal dan l-Att, sakemm għall-inqas wieħed mill-Istati li huma membri ta' l-organizzazzjoni intergovernattiva huwa membru ta' l-Organizzazzjoni u sakemm tali Uffiċċju mhuwiex is-suġġett ta' notifika skond l-Artikolu 19.

(2) [Ratifika jew Adeżjoni] Kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni intergovernattiva msemmi/ja fil-paragrafu (1) j/tista' j/tiddepożita

(i) strument ta' ratifika jekk iffirma/t dan l-Att,

jew

(ii) strument ta' l-adeżjoni jekk ma ffirma(t)x dan l-Att.

(3) [Data Effettiva tad-Depożitu]

(a) Bla ħsara għas-subparagrafi (b) sa (d), id-data effettiva tad-depożitu ta' strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni għandha tkun id-data li fiha ġie ddepożitat l-istrument.

(b) Id-data effettiva tad-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika jew ta' adeżjoni ta' kwalunkwe Stat fejn il-protezzjoni tad-disinji industrijali tista' tinkiseb biss mill-Uffiċċju miżmum minn organizzazzjoni intergovernattiva li tagħha huwa membru dak l-Istat għandha tkun id-data li fiha jiġi ddepożitat l-istrument ta' dik l-organizzazzjoni intergovernattiva jekk dik id-data hija aktar tard mid-data li fiha ġie ddepożitat l-istrument ta' l-Istat msemmi.

(ċ) Id-data effettiva tad-depożitu ta' kwalunkwe strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni li fih jew għandu mieġħu n-notifika msemmija fl-Artikolu 19 għandha tkun id-data li fiha jiġi ddepożitat l-aħħar wieħed mill-istrumenti ta' l-Istati li huma membri tal-grupp ta' Stati li jkunu għamlu n-notifika msemmija.

(d) Kwalunkwe strument ta' ratifika jew ta' adeżjoni ta' Stat jista' jkun fih jew ikollu mieġħu dikjarazzjoni fejn issir kondizzjoni biex jitqies bħala ddepożitat li l-istrument ta' Stat ieħor jew organizzazzjoni intergovernattiva oħra, jew l-istrumenti ta' żewġ Stati oħrajn, jew l-istrumenti ta' Stat ieħor u organizzazzjoni intergovernattiva oħra, speċifikat/i bl-isem u eliġibbli biex isiru parti għal dan l-Att, jiġi jew jiġu ddepożitat/i wkoll. L-istrument li fih jew li għandu mieġħu tali dikjarazzjoni għandu jitqies bħala li ġie ddepożitat dakinhar li ntlaħqet il-kondizzjoni indikata fid-dikjarazzjoni. Madanakollu, meta strument speċifikat fid-dikjarazzjoni nfisha fih, jew għandu mieġħu, dikjarazzjoni tat-tip imsemmi, dak l-istrument għandu jitqies bħala ddepożitat dakinhar li ntlaħqet il-kondizzjoni speċifikata fid-dikjarazzjoni ta' l-aħħar.

(e) Kwalunkwe dikjarazzjoni li ssir skond il-paragrafu (d) tista' tkun irtirata, fl-intier tagħha jew b'mod parzjali, fi kwalunkwe ħin. Kwalunkwe irtirar għandu jsir effettiv fid-data li fiha d-Direttur Ġenerali jirċievi n-notifika ta' l-irtirar.

Artikolu 28

Data Effettiva tar-Ratifika u ta' l-Adeżjonijiet

(1) [Strumenti li Jridu Jitqiesu] Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-istrumenti ta' ratifika jew adeżjoni li huma ddepożitati mill-Istati jew mill-organizzazzjonijiet intergovernattivi msemmija fl-Artikolu 27(1) u li għandhom data effettiva skond l-Artikolu 27(3) biss għandhom jitqiesu.

(2) [Dħul fis-Seħħ ta' Dan l-Att] Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ tliet xhur wara li sitt Stati jkunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tagħhom, sakemm, skond l-aktar statistiċi annwali reċenti miġbura mill-Uffiċċju Internazzjonali, mill-inqas tlieta minn dawk l-Istati jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) ġew depożitati mill-inqas 3,000 applikazzjoni għall-protezzjoni ta' disinji industrijali fl-Istat jew għall-Istat ikkonċernat,

jew

(ii) ġew depożitati mill-inqas 1,000 applikazzjoni għall-protezzjoni ta' disinji industrijali fl-Istat jew għall-Istat ikkonċernat mir-residenti ta' Stati għajr għal dak l-Istat.

(3) [Dħul fis-Seħħ tar-Ratifiki u ta' l-Adeżjonijiet]

(a) Kwalunkwe Stat jew organizzazzjoni intergovernattiva li ddepożita/t l-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tiegħu/tagħha tliet xhur jew aktar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandu/ha jintrabat/tintrabat b'dan l-Att fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(b) Kwalunkwe Stat ieħor jew organizzazzjoni intergovernattiva oħra għandu/ha j/tintrabat b'dan l-Att tliet xhur wara d-data li fiha ddepożita/t l-istrumenti ta' ratifika jew ta' adeżjoni tiegħu/tagħha jew fi kwalunkwe data oħra aktar tard indikata f'dak l-istrument.

Artikolu 29

Projbizzjoni ta' Riżervi

M'hi permessa l-ebda riżerva għal dan l-Att.

Artikolu 30

Dikjarazzjonijiet Magħmula mill-Partijiet Kontraenti

(1) [*Żmien li Matulu Jistgħu Jsiru d-Dikjarazzjonijiet*] Tista'ssir kwalunkwe dikjarazzjoni skond l-Artikoli 4(1)(b), 5(2)(a), 7(2), 11(1), 13(1), 14(3), 16(2) jew 17(3)(ċ)

(i) fiż-żmien tad-depożitu ta' strument li jissemma fl-Artikolu 27(2), f'liema każ għandu jsir effettiv fid-data li fiha l-Istat jew l-organizzazzjoni intergovernattiva wara li jkun għamel/għamlet id-dikjarazzjoni j/tintrabat b'dan l-Att,

jew

(ii) wara d-depożitu ta' strument li jissemma fl-Artikolu 27(2), f'liema każ għandu jsir effettiv tliet xhur wara d-data li jirċevih id-Direttur Ġenerali jew fi kwalunkwe data li tiġi aktar tard indikata fid-dikjarazzjoni imma għandha tapplika biss fejn għandha x'taqsam kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali li d-data tar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħha hija l-istess bħad-data effettiva tad-dikjarazzjoni jew hija iktar tard minnha.

(2) [Dikjarazzjonijiet mill-Istati li Għandhom Uffiċċju Komuni] Minkejja l-paragrafu (1), kwalunkwe dikjarazzjoni li tissemma f'dak il-paragrafu li saret minn Stat li, ma' Stat ieħor jew ma' Stati oħrajn, innotifika lid-Direttur Ġenerali skond l-Artikolu 19(1) bis-sostituzzjoni ta' Uffiċċju komuni minflok l-Uffiċċji nazzjonali tagħhom għandha ssir effettiva biss jekk dak l-Istat l-ieħor jew dawk l-Istati l-oħrajn jagħmel jew jagħmlu dikjarazzjoni korrispondenti jew dikjarazzjonijiet korrispondenti.

(3) [Irtirar tad-Dikjarazzjonijiet] Kwalunkwe dikjarazzjoni li tissemma fil-paragrafu (1) tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe żmien permezz ta' notifika indirizzata lid-Direttur Ġenerali. Tali irtirar għandu jidħol b'effett tliet xhur wara d-data li fiha d-Direttur Ġenerali jkun irċieva n-notifika jew fi kwalunkwe data li tiġi iktar tard indikata fin-notifika. Fil-każ ta' dikjarazzjoni li ssir skond l-Artikolu 7(2), l-irtirar m'għandux jaffettwa l-applikazzjonijiet internazzjonali li ġew iddepożitati qabel id-dħul b'effett ta' l-irtirar msemmi

Artikolu 31

Applikabbiltà ta' l-Atti ta' l-1934 u ta' l-1960

(1) [*Relazzjonijiet Bejn l-Istati li huma Parti Kemm għal Dan l-Att kif ukoll għall-Atti ta' l-1934 jew ta' l-1960*] Dan l-Att waħdu għandu jkun applikabbli fejn għandhom x'jaqsmu r-relazzjonijiet reċiproċi ta' l-Istati li huma parti kemm għal dan l-Att kif ukoll għall-Att ta' l-1934 jew għall-Att ta' l-1960. Mandankollu, tali Stati, fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, għandhom japplikaw l-Att ta' l-1934 jew l-Att ta' l-1960, skond il-każ, għad-disinji industrijali ddepożitati fl-Uffiċċju Internazzjonali qabel id-data li fiha dan l-Att isir applikabbli fir-rigward tar-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom.

(2) *[Relazzjonijiet Bejn l-Istati li huma Parti Kemm għal Dan l-Att kif ukoll għall-Atti ta' l-1934 jew ta' l-1960 u l-Istati li huma Parti għall-Atti ta' l-1934 jew ta' l-1960 Mingħajr ma Huma Parti għal Dan l-Att]*

(a) Kwalunkwe Stat li huwa parti kemm għal dan l-Att kif ukoll għall-Att ta' l-1934 għandu jibqa' japplika l-Att ta' l-1934 fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Istati li huma parti għall-Att ta' l-1934 mingħajr m'huma parti għall-Att ta' l-1960 jew għal dan l-Att.

(b) Kwalunkwe Stat li huwa parti kemm għal dan l-Att kif ukoll għall-Att ta' l-1960 għandu jibqa' japplika l-Att ta' l-1960 fir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Istati li huma parti għall-Att ta' l-1960 mingħajr m'huma parti għal dan l-Att.

Artikolu 32

Denunzja ta' Dan l-Att

(1) [*Notifika*] Kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tiddenunzja dan l-Att permezz ta' notifika indirizzata lid-Direttur Ġenerali.

(2) [*Data Effettiva*] Id-denunzja għandu jkollha effett sena wara d-data li fiha d-Direttur Ġenerali jkun irċieva n-notifika jew fi kwalunkwe data li tiġi aktar tard indikata fin-notifika. M'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni ta' dan l-Att għal kwalunkwe applikazzjoni internazzjonali pendenti u kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali fis-seħħ fejn għandha x'taqsam id-denunzja ta' Parti Kontraenti fiż-żmien li tidħol b'effett id-denunzja.

Artikolu 33

Lingwi ta' Dan l-Att; Iffirmar

(1) *[Testi Oriġinali; Testi Uffiċjali]*

(a) Dan l-Att għandu jkun iffirmat f'oriġinal uniku bl-Ingliż, bl-Għarbi, biċ-Ċiniż, bil-Franċiż, bir-Russu u bl-Ispanjol, bit-testi kollha jkunu awtentiċi b'mod ugwali.

(b) It-testi uffiċjali għandhom ikunu stabbiliti mid-Direttur Ġenerali, wara konsultazzjoni mal-Gvernijiet interessati, f'tali lingwi oħrajn kif tista' tagħżel l-Assemblea.

(2) [*Terminu Perentorju għall-Iffirmar*] Dan l-Att għandu jibqa' miftuħ għall-iffirmar fil-kwartieri ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għal sena wara l-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 34

Depożitarju

Id-Direttur Ġenerali għandu jkun id-depożitarju ta' dan l-Att.

DIKJARAZZJONI

Dwar il-preżentazzjoni diretta

Il-President tal-Kunsill, meta jiddepożita dan l-istrument ta' adeżjoni mad-Direttur-Ġenerali tad-WIPO, għandu jehmeż ma' l-istrument ta' l-adeżjoni d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Il-Komunità Ewropea tiddikjara li l-applikazzjonijiet internazzjonali ma jistgħux jiġu ppreżentati permezz ta' l-Uffiċċju tagħha."

DIKJARAZZJONI

dwar is-sistema ta' ħlas individwali

Il-President tal-Kunsill, meta jiddepożita dan l-istrument ta' adeżjoni mad-Direttur-Ġenerali tad-WIPO, għandu jehmeż ma' l-istrument ta' l-adeżjoni d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Il-Komunità Ewropea tiddikjara li, b'konnessjoni ma' kull applikazzjoni internazzjonali li fiha hija nominata, u b'konnessjoni mat-tiġdid ta' kwalunkwe reġistrazzjoni internazzjonali li tirriżulta minn tali applikazzjoni internazzjonali, il-ħlas tan-nomina preskritt imsemmi fl-Artikolu 7 (1) ta' l-Att ta' Ġinevra għandu jiġi sostitwit bi ħlas ta' nomina individwali, li l-ammont tiegħu għandu jkun:

— EUR 62 għal kull disinn fl-istadju ta' l-applikazzjoni internazzjonali;

— EUR 31 għal kull disinn fl-istadju tad-tiġdid."

DIKJARAZZJONI

dwar it-tul ta' żmien ta' protezzjoni fil-Komunità Ewropea

Il-President tal-Kunsill, meta jiddepożita dan l-istrument ta' adeżjoni mad-Direttur-Ġenerali tad-WIPO, għandu jehmeż ma' l-istrument ta' l-adeżjoni d-dikjarazzjoni li ġejja:

"Il-Komunità Ewropea tiddikjara li t-tul ta' żmien massimu ta' protezzjoni previst mil-liġi tagħha huwa ta' 25 sena."

32006D0955

L 386/44 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tar-reġim lingwistiku

(2006/955/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 64 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Konformement mal-proċedura prevista fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 245 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 160 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2006,

Billi bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika tar-Rumanija, il-Bulgaru u r-Rumen ser isiru lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u jkun xieraq li dawn il-lingwi jiġu inklużi fost il-lingwi proċedurali stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Ewwel Artikolu

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta' Ġunju 1991 (ĠU L 176, 4.7.1991, p. 7. Rettifika fil-ĠU L 383, 29.12.1992, p. 117), hekk kif emendati fil-21 ta' Frar 1995 (ĠU L 44, 28.2.1995, p. 61), fil-11 ta' Marzu 1997 (ĠU L 103, 9.4.1997, p. 1. Rettifika fil-ĠU L 351, 23.12.1997, p. 72), fis-16 ta' Mejju 2000, (ĠU L 122, 24.5.2000, p. 43), fit-28 ta' Novembru 2000 (ĠU L 322, 19.12.2000, p. 1), fit-3 ta'April 2001 (ĠU L 119, 27.4.2001, p. 1), fis-17 ta' Settembru 2002 (ĠU L 272, 10.10.2002, p. 24. Rettifika fil-ĠU L 281, 19.10.2002, p. 24), fit-8 ta'April 2003 (ĠU L 147, 14.6.2003, p. 17), fid-19 ta' April 2004 (ĠU L 132, 29.4.2004, p. 2), fl-20 ta' April 2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 107), fit-12 ta' Lulju 2005 (ĠU L 203, 4.8.2005, p. 19) u fit-18 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 288, 29.10.2005, p. 51), huma b'dan emendati kif ġej:

L-Artikolu 29 (1) għandu jiġi sostitwit bit-test segwenti:

"1. Il-lingwi tal-kawża huma l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Eston, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż u l-Iżvediż."

It-tieni Artikolu

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

It-testi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat previst fil-paragrafu preċedenti.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

32006D0956

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fir-rigward tar-reġim lingwistiku

(2006/956/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 64 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Konformement mal-proċedura prevista fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 245 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 160 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2006,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2006,

Billi bl-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Repubblika tar-Rumanija, il-Bulgaru u r-Rumen ser isiru lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u jkun xieraq li dawn il-lingwi jiġu inklużi fost il-lingwi proċedurali stabbiliti mir-Regoli tal-Proċedura,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

L-Ewwel Artikolu

Ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-2 ta' Mejju 1991 (ĠU L 136, 30.5.1991, p. 1), emendati fil-15 ta' Settembru 1994 (ĠU L 249, 24.9.1994, p. 17), fis-17 ta' Frar 1995 (ĠU L 44, 28.2.1995, p. 64), fis-6 ta' Lulju 1995, (ĠU L 172, 22.7.1995, p. 3), fit-12 ta' Marzu 1997 (ĠU L 103, 19.4.1997, p. 6. Rettifika fil-ĠU L 351, 23.12.1997, p. 72), fis-17 ta' Mejju 1999 (ĠU L 135, 29.5.1999, p. 92), fis-6 ta' Diċembru 2000 (ĠU L 322, 19.12.2000, p. 4), fil-21 ta' Mejju 2003 (ĠU L 147, 14.6.2003, p. 22), fid-19 ta' April 2004 (ĠU L 132, 29.4.2004, p. 3), fil-21 ta' April 2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 108) u fit-12 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 298, 15.11.2005, p. 1) huma b'dan emendati kif ġej:

L-Artikolu 35(1) għandu jiġi sostitwit bit-test segwenti:

"1. Il-lingwi tal-kawża huma l-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Eston, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, it-Taljan, l-Ungeriż u l-Iżvediż.".

It-tieni Artikolu

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

It-testi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti fil-lingwa Bulgara u fil-lingwa Rumena jiġu adottati wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat previst fil-paragrafu preċedenti.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006,

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

32006D0957

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, ta' emenda tal-Konvenżjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

(2006/957/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2), u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni NU/KEE dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus) timmira li tagħti d-drittijiet pubbliċi u timponi fuq il-Partijiet u l-awtoritajiet pubbliċi obbligi dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali.

(2) Il-Komunità Ewropea, skond it-Trattat, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu, għandha kompetenza, flimkien ma' l-Istati Membri tagħha, sabiex tidħol fi ftehim internazzjonali li jikkontribwixxu għat-twettiq ta' l-objettivi elenkati fl-Artikolu 174(1) tat-Trattat u li timplementa l-obbligi li jirriżultaw.

(3) Il-Komunità ffirmat il-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fit-30 ta' Ottubru 2001. Il-Komunità approvat il-Konvenzjoni fis-17 ta' Frar 2005, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE [1].

(4) It-tieni laqgħa tal-Partijiet, imlaqqa' f'Mejju 2005, adottat emenda għall-Konvenzjoni ta' Aarhus sabiex l-obbligi imposti fuq il-Partijiet isiru iktar speċifiċi fir-rigward tal-parteċipazzjoni pubblika fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament (OMĠ). Il-liġi relevanti tal-Komunità li tirregola l-OMĠ, u b'mod partikolari d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament [2] u r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikati ġenetikament [3], tinkorpora dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-OMĠ, f'konsistenza ma' l-emenda tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

(5) L-emenda għall-Konvenzjoni ta' Aarhus infetħet għar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni mill-Partijiet mis-27 ta' Settembru 2005. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jippermettu d-depożitar, kemm jista' jkun simultanjament, ta' l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni.

(6) L-emenda għall-Konvenzjoni ta' Aarhus għandha tiġi approvata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-emenda għall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-organiżmi modifikati ġenetikament hija b'dan approvata f'isem il-Komunità.

It-test ta' l-emenda għall-Konvenzjoni ta' Aarhus huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1.

[2] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24).

[3] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

Artikolu 2

1. B'dan, il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiddepożitaw l-istrument ta' approvazzjoni ta' l-emenda mas-Segretarju-Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, skond l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

2. Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri li huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiddepożitaw malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2008, l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta' l-emenda.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

ANNESS

Emenda lill-konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali

Artikolu 6, paragrafu 11

Għat-test eżistenti, ibdel:

"11. Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 3, paragrafu 5, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għad-deċiżjonijiet rigward jekk ikunx permess ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament.".

Artikolu 6 bis

Wara l-artikolu 6, daħħal artikolu ġdid li jaqra:

"*Artikolu 6 bis*

Il-parteċipazzjoni pubblika fid-deċiżjonijiet dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament

1. Skond il-modalitajiet stabbiliti fl-anness I bis, kull Parti għandha tipprovdi għall-informazzjoni effikaċi u minn kmieni u l-parteċipazzjoni pubblika qabel tieħu deċiżjonijiet rigward jekk ikunx permess ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent u t-tqegħid fis-suq ta' organiżmi modifikati ġenetikament.

2. Ir-rekwiżiti magħmula mill-Partijiet skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu għandhom ikunu komplementari u ta' appoġġ reċiproku għad-dispożizzjonijiet tal-qafas nazzjonali tagħhom dwar il-bijosikurezza, b'mod konsistenti ma' l-objettivi tal-Protokoll ta' Kartaġena dwar il-Bijosikurezza.".

Anness I bis

Wara l-anness I, daħħal anness ġdid li jaqra:

"*Anness I bis*

Modalitajiet imsemmija fl-artikolu 6 bis

1. Kull Parti għandha tistipola, fil-qafas regolatorju tagħha, arranġamenti għal informazzjoni effikaċi u l-parteċipazzjoni pubblika għad-deċiżjonijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 bis, li għandhom jinkludu perijodu ta' żmien raġonevoli, sabiex il-pubbliku jingħata opportunità xierqa sabiex jesprimi opinjoni dwar tali deċiżjonijiet proposti.

2. Jekk ikun xieraq, Parti tista' tipprovdi, fil-qafas regolatorju tagħha, għal eċċezzjonijiet fil-proċedura tal-parteċipazzjoni pubblika stabbilita f'dan l-anness:

   (a) Fil-każ tar-rilaxx intenzjonat ta' organiżmu modifikat ġenetikament (OĠM) fl-ambjent għal kwalunkwe skop għajr it-tqegħid fis-suq tiegħu, jekk:

      (i) Tali rilaxx taħt kondizzjonijiet bijoġeografiċi komparabbli diġà ġie approvat fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Parti kkonċernata;

      u

      (ii) Tkun inkisbet minn qabel, esperjenza biżżejjed bir-rilaxx ta' l-OĠM in kwistjoni f'ekosistemi komparabbli.

(b) Fil-każ tat-tqegħid fis-suq ta' OĠM, jekk:

(i) Diġà kien approvat fi ħdan il-qafas regolatorju tal-Parti kkonċernata;

jew

(ii) Huwa maħsub għar-riċerka jew għall-kollezzjoni ta' kulturi.

3. Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni applikabbli dwar il-kunfidenzjalità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 4, kull Parti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, b'mod adegwat, fil-ħin u effikaċi, sommarju tan-notifiki introdotti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent jew għat-tqegħid fis-suq ta' OĠM fit-territorju tagħha, kif ukoll ir-rapport ta' valutazzjoni, fejn disponibbli, u skond il-qafas nazzjonali tagħha dwar il-bijosikurezza.

4. Fl-ebda każ il-Partijiet m'għandhom jikkunsidraw l-informazzjoni li ġejja bħala kunfidenzjali:

(a) Deskrizzjoni ġenerali ta' l-organiżmu jew l-organiżmi modifikati ġenetikament ikkonċernati, l-isem u l-indirizz ta' l-applikant għall-awtorizzazzjoni tar-rilaxx intenzjonat, l-użi maħsuba u, jekk xieraq, il-post tar-rilaxx.

(b) Il-metodi u l-pjanijiet għall-monitoraġġ ta' l-organiżmu jew l-organiżmi modifikati ġenetikament ikkonċernati u għal reazzjoni ta' emerġenza.

(ċ) Il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali.

5. Kull Parti għandha tiżgura trasparenza fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tipprovdi aċċess għall-informazzjoni proċedurali relevanti lill-pubbliku. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, per eżempju:

(i) In-natura tad-deċiżjonijiet possibbli.

(ii) L-awtorità pubblika responsabbli għat-teħid tad-deċiżjoni.

(iii) L-arranġamenti għall-parteċipazzjoni pubblika stabbiliti skond il-paragrafu 1.

(iv) Indikazzjoni ta' l-awtorità pubblika li mingħandha tkun tista' tinkiseb informazzjoni relevanti.

(v) Indikazzjoni ta' l-awtorità pubblika fejn jistgħu jitressqu kummenti u ta' l-iskeda taż-żmien għat-trasmissjoni tal-kummenti.

6. Id-dispożizzjonijiet magħmula skond il-paragrafu 1 għandhom jippermettu lill-pubbliku jressaq kwalunkwe kumment, analiżi jew opinjoni li jikkunsidra relevanti għar-rilaxx intenzjonat propost, inkluż it-tqegħid fis-suq, bi kwalunkwe mod xieraq.

7. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha sabiex tiżgura li, meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar jekk għandux ikun permess ir-rilaxx intenzjonat ta' OĠM fl-ambjent, inkluż it-tqegħid fis-suq, ir-riżultati tal-proċedura tal-parteċipazzjoni pubblika organizzata skond il-paragrafu 1 ikunu kkunsidrati kif dovut.

8. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li meta tittieħed deċiżjoni suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-anness minn awtorità pubblika, it-test tad-deċiżjoni għandu jsir disponibbli għall-pubbliku flimkien mar-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata.".

32006D0958

L 386/50 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera

(2006/958/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera.

(2) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuz ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jittrażmettu, f'isem il-Komunità Ewropea, in-nota diplomatika prevista fl-Artikolu 2 tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

J. KORKEAOJA

22006A1229(03)

FTEHIM

Li jirrivedi l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità

IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI ŻVIZZERA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet",

Wara li kkonkludew Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità

(minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim");

BILLI l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002;

BILLI jeħtieġ li jiġi ssimplifikat il-funzjonament tal-Ftehim;

BILLI l-Ftehim fl-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 jirriferi għall-korpi, elenkati fl-Anness 1, għall-istima tal-konformità;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 2 jirriferi għal definizzjonijiet stipulati fl-edizzjoni ta' l-1996 tal-Gwida 2 ta' l-ISO/IEC u fl-edizzjoni ta' l-1993 ta' l-istandard Ewropew EN 45020;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 4 jirrestriġi l-applikazzjoni tal-Ftehim għal prodotti li joriġinaw fil-Partijiet konformement mar-regoli ta' oriġini mhux preferenzjali;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 6 jirriferi għall-proċeduri stipulati fl-Artikolu 11;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 8 jirriferi għall-President tal-Kumitat;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 9 jirriferi għal xogħol ta' koordinament u tqabbil bejn il-korpi għall-istima ta' konformità rikonoxxuti taħt il-Ftehim;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 10 jistabbilixxi Kumitat li jiddeċiedi dwar l-inklużjoni tal-korpi għall-istima ta' konformità fl-Anness 1 u dwar it-tneħħija tagħhom mill-Anness 1;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 11 jistabbilixxi proċedura dwar l-inklużjoni tal-korpi għall-istima ta' konformità fl-Anness 1 u dwar it-tneħħija tagħhom mill-Anness 1;

BILLI l-Ftehim fl-Artikolu 12 jistabbilixxi obbligazzjonijiet għall-iskambju ta' informazzjoni;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jittieħed kont tat-tibdil li sar fl-Artikolu 11 tal-Ftehim, il-kliem "korpi għall-istima ta' konformità elenkati fl-Anness 1" għandu jitħassar u jinbidel b'referenza għall-"korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità" fl-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex tiġi evitata l-ħtieġa li timmodifika l-Ftehim meta jsir tibdil fid-definizzjonijiet fil-gwidi ISO/IEC relevanti, ir-referenza għal edizzjonijiet speċifiċi ta' dawn il-gwidi għandha titħassar mill-Artikolu 2 u tinbidel b'referenza ġenerali għad-definizzjonijiet stabbiliti bl-ISO u l-IEC;

WARA LI KKUNSIDRAW li billi r-referenza għad-definizzjonijiet stipulati fl-istandards Ewropej 45020 (edizzjoni 1993) mhix aktar valida, ir-referenza għandha titħassar mill-Artikolu 2;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet, u sabiex jiġi ssimplifikat il-funzjonament tal-Ftehim, għandha titħassar mill-Artikolu 4 r-restrizzjoni li jiġi applikat il-Ftehim għal prodotti li joriġinaw fil-Partijiet;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi ssimplifikat il-Ftehim, għandhom jitħassru ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni mad-dispożizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Artikolu 11;

WARA LI KKUNSIDRAW li peress li l-Kumitat huwa ko-presedut mill-Partijiet, għandha titħassar mill-Artikolu 8 r-referenza għall-President tal-Kumitat;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ bejn il-Partijiet, u sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-funzjonament tal-Ftehim, għandu jiġi inkluż fl-Artikolu 8 l-obbligu li jintwerew sospensjonijiet, li jkunu possibbli, ta' korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità fil-lista tal-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi faċilitat il-funzjonament tal-Ftehim, għandha tiġi inkluża fl-Artikolu 9 l-ħtieġa li l-awtoritajiet tal-ħatra jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jiżguraw li l-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità jikkoperaw b'mod xieraq;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi ssimplifikat il-funzjonament tal-Ftehim, għandha tiġi inkluża fl-Artikolu 10 l-ħtieġa li l-Kumitat jieħu deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent jew l-irtirar ta' rikonoxximent tal-korpi għall-istima ta' konformità għandha tkun limitata għall-każijiet li ġew ikkontestati mill-Parti l-oħra;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex jiġi simplifikat il-funzjonament tal-Ftehim, għandha tiġi stabbilita fl-Artikolu 11 proċedura aktar sempliċi għar-rikonoxximent, l-irtirar ta' rikonoxximent, il-modifika ta' l-kamp ta' operazzjoni u s-sospensjoni tal-korpi għall-istima ta' konformità;

WARA LI KKUNSIDRAW li sabiex tiżdied it-trasparenza, għandu jiżdied fl-Artikolu 12 l-obbligu ta' notifika bil-miktub ta' xi tibdil marbut mad-dispożizzjonijiet relevanti leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kif ukoll ma' awtoritajiet li jaħtru u awtoritajiet kompetenti;

FTIEHMU LI JIRRIVEDU L-FTEHIM KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Reviżjonijiet lill-Ftehim

1. L-Artikolu 1 huwa rivedut kif ġej:

(i) Fil-paragrafu 1, "il-korpi elenkati fl-Anness 1" tinbidel bi "korpi rikonoxxuti konformement mal-proċeduri ta' dan il-Ftehim" (minn hawn 'il quddiem "korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità").

(ii) Fil-paragrafu 2, "il-korpi elenkati fl-Anness 1" tinbidel bi "korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità.".

2. L-Artikolu 2(2) jinbidel b'dan li ġej:

"Id-definizzjonijiet stabbiliti mill-ISO u l-IEC jistgħu jintużaw sabiex tiġi stabbilita t-tifsira tat-termini ġenerali marbuta ma' l-istima ta' konformità li jinsabu f'dan il-Ftehim.".

3. L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Oriġini

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw għal prodotti koperti minn dan il-Ftehim tkun xi tkun l-oriġini tagħhom.".

4. L-Artikolu 5 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità

Il-Partijiet b'dan jaqblu li l-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 11 jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-istima tal-konformità.".

5. L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Awtoritajiet tal-ħatra

1. Il-Partijiet b'dan jintrabtu li jiżguraw li l-awtoritajiet tal-ħatra għandhom is-setgħa meħtieġa u l-kompetenza sabiex jaħtru korpi għall-istima ta' konformità jew li jirtiraw in-nomina, jissospendu jew ineħħu s-sospensjoni ta' korpi għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom.

2. Għall-ħatra tal-korpi għall-istima ta' konformità, l-awtoritajiet tal-ħatra għandhom iħarsu l-prinċipji ġenerali tal-ħatra kif stabbiliti fl-Anness 2, suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-taqsima IV rispettiva fl-Anness 1. Dawn l-awtoritajiet tal-ħatra għandhom iħarsu l-istess prinċipji meta jirtiraw ħatra, jissospendu jew ineħħu sospensjoni.".

6. L-Artikolu 7 huwa rivedut kif ġej:

Fil-paragrafu 1, "il-korpi għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom elenkati fl-Anness 1" tinbidel bi "korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom".

7. L-Artikolu 8 huwa rivedut kif ġej:

(i) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, "elenkati fl-Anness 1" tinbidel bi "ta' korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità".

(ii) Fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, it-test "u l-President tal-Kumitat" jitħassar.

(iii) Fil-paragrafu 4, sentenza ġdida: "Sospensjoni bħal din għandha tiġi indikata fil-lista komuni tal-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità msemmija fl-Anness 1." tiżdied wara l-ewwel sentenza.

8. L-Artikolu 9 huwa rivedut kif ġej:

(i) Fil-paragrafu 2, "korpi għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom elenkati fl-Anness 1" tinbidel bi "korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom".

(ii) Fil-paragrafu 3, "Il-korpi għall-istima ta' konformità mniżżla fl-Anness 1" tinbidel bi "Il-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità", u s-sentenza li ġejja tiżdied wara l-ewwel sentenza: "L-awtoritajiet li jaħtru għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jiżguraw li l-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità jikkoperaw b'mod xieraq.".

9. L-Artikolu 10, paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull kwistjoni marbuta ma' dan il-Ftehim. B'mod partikolari għandu r-responsabbiltà ta':

(a) tfassil ta' proċedura sabiex jitwettqu l-kontrolli previsti fl-Artikolu 7;

(b) tfassil ta' proċedura sabiex jitwettqu l-kontrolli previsti fl-Artikolu 8;

(ċ) deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent ta' korpi għall-istima ta' konformità kkontestati kif previsti fl-Artikolu 8;

(d) deċiżjoni dwar l-irtirar ta' rikonoxximent ta' korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità kkontestati skond l-Artikolu 8;

(e) eżami ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi nnotifikati minn xi Parti lil oħra konformement ma' l-Artikolu 12 għall-istima tar-riperkussjonijiet fuq il-Ftehim u għall-emenda tat-taqsimiet xierqa fl-Anness 1.".

10. L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Rikonoxximent, irtirar ta' rikonoxximent, modifika tal-kamp ta' operazzjoni, u sospensjoni tal-korpi għall-istima ta' konformità

1. Il-proċedura li ġejja għandha tapplika għar-rikonoxximent tal-korpi għall-istima ta' konformità fir-rigward tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli relevanti ta' l-Anness 1:

(a) Parti li tixtieq ir-rikonoxximent ta' xi korp għall-istima ta' konformità għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-proposta tagħha, għal dan il-għan, filwaqt li tehmez it-tagħrif xieraq mat-talba tagħha;

(b) Jekk il-Parti l-oħra taqbel mal-proposta jew ma jkollha ebda oġġezzjoni sa 60 jum minn notifika tal-proposta, il-korp għall-istima ta' konformità għandha titqies bħala korp rikonoxxut għall-istima ta' konformità skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 5;

(ċ) Jekk il-Parti l-oħra jkollha xi oġġezzjonijiet bil-miktub sa perjodu ta' 60 jum, l-Artikolu 8 għandu japplika.

2. Parti tista' tirtira jew tissospendi r-rikonoxximent jew tneħħi s-sospensjoni tar-rikonoxximent ta' korp għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha. Il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub, flimkien mad-data ta' din id-deċiżjoni. L-irtirar, is-sospensjoni, jew it-tneħħija tas-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ f'din id-data. Dan l-irtirar jew din is-sospensjoni għandhom jiġu indikati fil-lista komuni tal-korpi rikonoxxuti għall-istima ta' konformità msemmija fl-Anness 1.

3. Parti tista' tipproponi li l-firxa ta' attività ta' korp rikonoxxut għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha tiġi emendata. Għat-twessigħ u t-tnaqqis tal-kamp ta' operazzjoni għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 11 (1) u 11(2) rispettivament.

4. Parti tista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tikkontesta l-kompetenza teknika ta' korp rikonoxxut għall-istima ta' konformità fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra. F'każ bħal dan, għandu japplika l-Artikolu 8.

5. Rapporti, ċertifikati, timbri ta' awtorizzazzjoni u konformità maħruġa minn korp għall-istima ta' konformità wara d-data li fiha r-rikonoxximent tagħha ġie irtirat jew sospiż jistgħu ma jkollhomx ir-rikonoxximent tal-Partijiet. Rapporti, ċertifikati, timbri ta' awtorizzazzjoni u konformità maħruġa minn korp għall-istima ta' konformità qabel id-data li fiha r-rikonoxximent tagħha ġie irtirat għandhom jibqgħu jkollhom ir-rikonoxximent tal-Partijiet sakemm l-awtorità responsabbli tal-ħatra ma tillimitax jew thassarx il-validità tagħhom. Il-Parti li fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħha tkun qed taħdem l-awtorità responsabbli tal-ħatra għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar xi tibdil bħal dan li għandu x'jaqsam mal-limitazzjoni jew il-kanċellazzjoni ta' validità.".

11. L-Artikolu 12 huwa rivedut kif ġej:

(i) Fil-paragrafu 2, "bil-miktub" għandha tiżdied wara "u għandha tinnotifika"

(ii) Il-paragrafu 2a jidħol wara il-paragrafu 2: "Kull Parti għandha tinnotifika t-tibdil lill-awtoritajiet tal-ħatra u lill-awtoritajiet kompetenti lill-Parti l-oħra bil-miktub.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet konformement mal-proċeduri tagħhom stess. Għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu skambjaw noti diplomatiċi li jikkonfermaw it-tlestija tal-proċeduri tagħhom rispettivi għall-adozzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Lingwi

1. Dan il-Ftehim huwa mfassal f'żewġ oriġinali bid-Daniż, bl-Ingliż, bl-Olandiż, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bit-Taljan, bil-Portugiż, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, b'kull test ugwalment awtentiku.

2. Dan il-Ftehim u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' l-istima ta' konformità sejrin jiġu tradotti kemm jista' jkun malajr għaċ-Ċek, għall-Eston, għall-Ungeriż, għal-Latvjan, għal-Litwan, għall-Malti, għall-Pollakk, għas-Slovakk u għas-Sloven. Il-Kumitat huwa mogħti s-setgħa japprova dawn il-verżjonijiet lingwistiċi. Meta jiġu approvati, il-verżjonijiet f'dawn il-lingwi għandhom ukoll ikunu awtentiċi, bl-istess mod bħal-lingwi msemmija fil-paragrafu 1.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji sottoskritti, debitament awtorizzati, iffirmaw dan il-Ftehim

32006D0959

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Diċembru 2006

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/959/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mar-Renju tal-Marokk biex ikun stabbilit Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni.

(2) Il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, innegozjat Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni mar-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati.

(3) Il-Ftehim ġie inizjalat fil-Marrakex fl-14 ta' Diċembru 2005.

(4) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju mill-Komunità u l-Istati Membri.

(5) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti arranġamenti proċedurali għall-parteċipazzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 22 tal-Ftehim u fil-proċeduri ta' arbitraġġ previsti fl-Artikolu 23 tal-Ftehim, kif ukoll biex jiġu implimentati ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim, inklużi dawk li jikkonċernaw l-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, l-għoti u r-revoka ta' drittijiet tat-traffiku, kif ukoll ċerti kwistjonijiet ta' sikurezza u sigurtà,

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Firma u Applikazzjoni provviżorja

1. L-iffirmar tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, minn issa 'l quddiem "il-Ftehim", huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim.

2. Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) awtorizzata/i biex t/jiffirma/w il-Ftehim f'isem il-Komunitá, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

3. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jiġi applikat skond l-Artikolu 30(1) tiegħu.

4. It-test tal-Ftehim huwa mehmuz ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kumitat Konġunt

1. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom ikunu rappreżentati fil-Kumitat Konġunt stabbilit taħt l-Artikolu 22 tal-Ftehim minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri.

2. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità u mill-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward ta' l-emenda ta' l-Annessi għall-Ftehim minbarra l-Anness I (*Servizzi Miftiehma u Rotot Speċifikati*) u l-Anness IV (*Dispożizzjonijiet Transitorji*), u kwalunkwe kwistjoni li taqa' taħt l-Artikoli 7 jew 8 tal-Ftehim għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali ta' Rappreżentanti ta' l-Istati Membri maħtura mill-Kunsill.

3. Għal deċiżjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza Komunitarja, il-pożizzjoni tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

4. Għal deċiżjonijiet oħra tal-Kumitat Konġunt rigward kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri, il-pożizzjoni li għandha tiġi ppreżentata għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità, fuq proposta mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri.

5. Il-pożizzjoni tal-Komunità u ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tiġi preżentata mill-Kummissjoni, ħlief f'oqsma li jaqgħu esklussivament fi ħdan il-kompetenza ta' l-Istati Membri, f' liema każ għandha tiġi preżentata mill-Presidenza tal-Kunsill jew mill-Kummissjoni, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk.

Artikolu 3

Arbitraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta l-Komunità u l-Istati Membri fi proċeduri ta' arbitraġġ taħt l-Artikolu 23 tal-Ftehim.

2. Deċiżjoni li tiġi limitata, sospiża jew revokata l-applikazzjoni tad-drittijiet jew il-privileġġi skond l-Artikolu 23(6) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

3. Kwalunkwe azzjoni xierqa oħra li tkun trid tittieħed taħt l-Artikolu 23 tal-Ftehim dwar kwistjonijiet ta' kompetenza Komunitarja għandha tiġi deċiża mill-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' Kumitat Speċjali ta' Rappreżentanti ta' l-Istati Membri li jinħatru mill-Kunsill.

Artikolu 4

Miżuri ta' salvagwardja

1. Deċiżjoni biex jittieħdu miżuri ta' salvagwardja skond l-Artikolu 24 tal-Ftehim għandha tittieħed, mill-Kummissjoni fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba li ssir minn Stat Membru, li għandha tiġi megħjuna minn Kumitat Speċjali ta' Rappreżentanti ta' l-Istati Membri maħtur mill-Kunsill.

2. Fejn Stat Membru jitlob lill-Kummissjoni biex tapplika miżuri ta' salvagwardja, dan għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, b'sostenn għat-talba tiegħu, bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun ġustifikata. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar tali talba fi żmien xahar jew, f'każijiet ta' urġenza, fi żmien 10 ijiem ta' xogħol, u tinforma lill-Kunsill u lill-Istati Membri bid-deċiżjoni tagħha. Kwalunkwe Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem ta' xogħol min-notifika tagħha. Il-Kunsill jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mir-riferiment. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata.

Artikolu 5

Informazzjoni lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom minnnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet ta' trasportatur bl-ajru tal-Marokk li huma adottaw taħt l-Artikoli 3 jew 4 tal-Ftehim.

2. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe talbiet jew notifiki magħmula jew irċevuti taħt l-Artikolu 14 tal-Ftehim.

3. L-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe talbiet jew notifiki magħmula jew irċevuti taħt l-Artikolu 15 tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

22006A1229(04)

FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU

dwar l-avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-istati Membri tagħha minn naħa waħda u r-renju tal-Marokk min-naħa l-oħra

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Il-partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala l-"Istati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "il-Komunità",

min-naħa l-waħda, u

IR-RENJU TAL-MAROKK, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "il-Marokk",

min-naħa l-oħra,

XEWQANA li jippromwovu sistema ta' avjazzjoni internazzjonali bbażata fuq kompetizzjoni ġusta fost trasportaturi bl-ajru b'interferenza u regolazzjoni governattiva minima;

XEWQANA li jiffaċilitaw l-espansjoni ta' l-opportunitajiet tat-trasport internazzjonali bl-ajru, inkluż permezz ta' l-iżvilupp ta' networks ta' trasport bl-ajru biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-passiġġieri u tan-negozjanti li jibagħtu u jirċievu l-merkanzija għal servizzi tat-trasport bl-ajru konvenjenti;

XEWQANA li jagħmluha possibbli għat-trasportaturi bl-ajru li joffru lill-pubbliku li jivvjaġġa u li jibgħat u jirċievi l-merkanzija prezzijiet u servizzi kompetittivi fi swieq miftuħa;

XEWQANA li jkun hemm s-setturi kollha ta' l-industrija tat-trasport bl-ajru, inklużi l-ħaddiema tat-trasportaturi bl-ajru, li jibbenifikaw fi ftehim liberalizzat;

XEWQANA li jiżguraw l-ogħla grad ta' sikurezza u sigurtà fit-trasport internazzjonali bl-ajru u jaffermaw mill-ġdid t-tħassib serju tagħhom dwar atti jew theddid kontra s-sigurtà ta' l-inġenji ta' l-ajru, li jipperikolaw is-sikurezza ta' persuni jew proprjetà, li jaffettwaw ħażin l-operat tat-trasport bl-ajru u li jheddu l-kunfidenza pubblika fis-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili;

WAQT li jinnotaw il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, miftuħa għall-iffirmar f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944;

XEWQANA li jiżguraw kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni għat-trasportaturi bl-ajru;

JAGĦRFU li s-sussidji tal-gvern jistgħu jaffettwaw ħażin il-kompetizzjoni tat-trasportaturi bl-ajru u jistgħu jipperikolaw l-għanijiet bażiċi ta' dan il-Ftehim;

JAFFERMAW l-importanza li jħarsu l-ambjent fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika internazzjonali dwar l-avjazzjoni u jagħrfu d-drittijiet ta' l-Istati sovrani li jieħdu miżuri xierqa għal dan il-għan;

JINNOTAW l-importanza li jipproteġu l-konsumaturi, inklużi l-protezzjonijiet kontemplati bil-Konvenzjoni għall-Unifikazzjoni ta' Ċerti Regoli għat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru, li saret f'Montreal fit-28 ta' Mejju 1999, sakemm iż-żewġ Partijiet huma parti għal din il-Konvenzjoni;

BIL-ĦSIEB li jibnu fuq il-qafas tal-ftehim eżistenti tat-trasport bl-ajru bil-għan li jinfetaħ l-aċċess għas-swieq u li jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-konsumaturi, it-trasportaturi bl-ajru, ix-xogħol u l-komunitajiet fuq iż-żewġ naħat;

JIKKUNSIDRAW li ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa u l-Marokk minn naħa l-oħra jista' jikkostitwixxi referenza fir-relazzjonijiet ta' l-avjazzjoni Ewro-Mediterranji sabiex jiġu promossi bis-sħiħ il-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni f'dan is-settur ekonomiku kruċjali;

JINNOTAW li tali ftehim għandu l-objettiv li jkun applikat b'mod progressiv iżda integrali, u li mekkaniżmu adegwat jista' jiżgura armonizzazzjoni aktar mill-qrib mal-leġiżlazzjoni Komunitarja,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jingħadx mod ieħor, it-terminu:

1) it-termini "servizz miftiehem" u "rotta speċifikata" ifissru trasport internazzjonali bl-ajru skond l-Artikolu 2 u l-Anness 1 għal dan il-Ftehim;

2) "Ftehim" ifisser dan il-Ftehim, l-Annessi tiegħu, u kwalunkwe emendi għal dan;

3) "Trasport bl-Ajru" ifisser il-ġarr b'inġenji ta' l-ajru ta' passiġġieri, bagalji, merkanzija u posta, b'mod separat jew ikkombinat, disponibbli lill-pubbliku bi ħlas jew b'kiri, li, biex ikun evitat dubju, għandu jinkludi trasport bl-ajru skedat jew mhux skedat (charter), kif ukoll servizzi sħaħ tal-merkanzija;

4) "Ftehim ta' Assoċjazzjoni" ifisser il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li sar fi Brussel fis-26 ta' Frar 1996;

5) "Liċenzja tal-Komunità għall-Operat" tfisser liċenzja għall-operat fir-rigward tat-trasportaturi bl-ajru stabbiliti fil-Komunità Ewropea mogħtija u miżmuma skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar il-liċenzjar ta' air carriers.

6) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, miftuħa għall-iffirmar f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u tinkludi:

a) kwalunkwe emenda li daħlet fis-seħħ taħt l-Artikolu 94(a) tal-Konvenzjoni u li ġiet ratifikata kemm mill-Marokk kif ukoll mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea,

u

b) kwalunkwe Anness jew kwalunkwe emenda għalih adottati taħt l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni, kemm-il darba dan l-Anness jew din l-emenda huma effettivi fi kwalunkwe żmien kemm għall-Marokk kif ukoll għall-Istat Membru jew l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea skond kif inhu rilevanti għall-kwistjoni konċernata;

7) "Nefqa Sħiħa" tfisser in-nefqa biex jingħata s-servizz b'żieda ta' ħlas raġonevoli għall-ispejjeż amministrattivi u fejn ikun rilevanti kwalunkwe ħlas applikabbli li jkollu l-għan li jirrifletti n-nefqa ambjentali u li jkun applikat mingħajr distinzjoni marbuta man-nazzjonalità;

8) "Partijiet Kontraenti" ifissru, min-naħa l-waħda, il-Komunità jew l-Istati Membri, jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond is-setgħat rispettivi tagħhom, u, min-naħa l-oħra, il-Marokk;

9) "Ċittadini": kwalunkwe persuna jew entità li jkollha nazzjonalità Marokkina għall-Parti tal-Marokk, jew nazzjonalità ta' Stat Membru għall-Parti Ewropea, kemm-il darba, f'każ ta' entità ġuridika, din tkun il-ħin kollu taħt il-kontroll effettiv, kemm direttament jew b'parteċipazzjoni maġġoritarja, ta' persuni jew entitajiet li jkollhom nazzjonalità Marokkina għall-Parti tal-Marokk, jew persuni jew entitajiet li jkollhom nazzjonalità ta' Stat Membru jew ta' wieħed mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness V għall-Parti Ewropea;

10) "Sussidji": kwalunkwe għajnuna finanzjarja mogħtija mill-awtoritajiet jew minn organizzazzjoni reġjonali jew minn xi organizzazzjoni pubblika oħra, jiġifieri meta:

a) prattika ta' gvern jew ta' korp reġjonali jew ta' organizzazzjoni pubblika oħra tkun tinvolvi t-trasferiment dirett ta' fondi bħalma huma għotjiet, self jew infużjoni ta' ishma, trasferiment dirett potenzjali ta' fondi lill-kumpannija jew it-teħid ta' obbligi ta' kumpannija bħalma huma l-garanziji fuq is-self;

b) id-dħul ta' gvern jew ta' entità reġjonali jew ta' organizzazzjoni pubblika oħra li suppost irid jitħallas jintesa jew jibqa' ma jinġabarx;

ċ) korp governattiv jew reġjonali jew organizzazzjoni pubblika oħra li tipprovdi oġġetti jew servizzi għajr l-infrastruttura ġenerali, jew li tixtri oġġetti jew servizzi;

jew

d) korp governattiv jew reġjonali jew organizzazzjoni pubblika oħra li tagħmel pagamenti lil mekkaniżmu ta' fondi jew tinkariga jew tippermetti korp privat iwettaq tip wieħed ta' funzjonijiet jew aktar murija taħt ([…]a), ([…]b) u ([…]c) li normalment isiru mill-gvern u li, fil-prattika, fl-ebda sens reali ma jkunu differenti mill-prattiki li normalment isegwu gvernijiet;

u fejn b'hekk jingħata benefiċċju.

11) "Trasport Internazzjonali bl-Ajru" ifisser it-trasport bl-ajru li jgħaddi mill-ispazju ta' l-arja fuq it-territorju ta' iktar minn stat wieħed;

12) "Prezz" ifisser it-tariffi applikati mit-trasportaturi bl-ajru jew mill-aġenti tagħhom għall-ġarr bl-ajru ta' passiġġieri, bagalji u/jew merkanizja (barra l-posta); inkluż, fejn applikabbli, it-trasport bl-art jew bil-baħar flimkien mat-trasport internazzjonali bl-ajru u l-kondizzjonijiet li l-applikazzjoni tagħhom tkun soġġetta għalihom;

13) "Ħlas mill-utent" ifisser ħlas impost fuq linji ta' l-ajru għall-forniment ta' faċilitajiet jew servizzi ta' l-ajruport, ta' l-ambjent ta' l-ajruport, ta' navigazzjoni bl-ajru, jew ta' sigurta ta' l-avjazzjoni inkluż servizzi u faċilitajiet relatati;

14) "SESAR" ifisser l-implimentazzjoni teknika ta' l-Ajru Uniku Ewropew li tipprovdi **riċerka** koordinata, sinkronizzata, żvilupp u użu sinkronizzat tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda tas-sistemi ta' l-immaniġġar tat-traffiku bl-ajru;

15) "Territorju" ifisser, għar-Renju tal-Marokk, l-artijiet (il-medda ewlenija ta' l-art u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali taħt is-sovranità jew ġurisdizzjoni tiegħu, u, għall-Komunità Ewropea, l-artijiet (il-medda ewlenija u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u l-baħar territorjali li fihom jiġi applikat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat u kwalunkwe strument suċċessiv; l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għall-ajruport ta' Ġibiltà hija mifhuma li hi bla preġudizzju għall-pożizzjonijet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit fir-rigward tal-kwistjoni dwar is-sovranità dwar it-territorju fejn jinstab l-ajruport; u għas-sospensjoni kontinwa ta' l-Ajruport ta' Ġibiltà mill-miżuri ta' l-Avjazzjoni ta' l-UE eżistenti mit-18 ta' Settembru 2006 bejn l-Istati Membri skond it-termini tad-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà miftiehma f'Kordoba fit-18 ta' Settembru 2006;

u

16) "awtoritajiet kompetenti'" tfisser l-aġenziji jew korpi pubbliċi msemmija fl-Anness III. Kull modifika tal-liġi nazzjonali dwar l-istatut ta' l-awtoritajiet kompetenti għandha tkun notifikata mill-parti kontraenti konċernata lill-parti kontraenti l-oħra.

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI

Artikolu 2

Drittijiet tat-Traffiku

1. Kull Parti tikkonċedi lill-Parti l-oħra, ħlief fejn speċifikat mod ieħor fl-Anness 1 id-drittijiet li ġejjin għall-kondotta tat-trasport internazzjonali bl-ajru mit-trasportaturi ta' l-ajru tal-Parti l-oħra:

a) id-dritt li jtiru tul it-territorju tagħha mingħajr inżul;

b) id-dritt li jagħmlu waqfiet fit-territorju tagħha għal kwalunkwe għan għajr dak li jgħabbu jew iniżżlu passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta fit-trasport ta' l-ajru (għanijiet mhux ta' traffiku);

ċ) waqt li jkun qed isir servizz miftiehem fuq rotta speċifikata, id-dritt li jsiru waqfiet fit-territorju tagħha bil-għan li jitgħabba jew jitnizzel -traffiku internazzjonali ta' passiġġieri, ta' merkanzija u/jew posta, b'mod separat jew b'mod ikkombinat;

u

d) id-drittijiet li huma speċifikati mod ieħor f'dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jitqies li qed jagħti lit-trasportaturi ta' l-ajru:

a) tal-Marokk id-dritt li jgħabbu abbord, fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru tal-Komunità Ewropea, passiġġieri, bagalji, merkanzija, u/jew posta li jinġarru bi ħlas lejn punt ta' destinazzjoni ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea;

b) tal-Komunità Ewropea id-dritt li jgħabbu abbord, fit-territorju tal-Marokk, passiġġieri, bagalji, merkanzija, u/jew posta biex jinġarru bi ħlas lejn punt ta' destinazzjoni ieħor fit-territorju tal-Marokk.

Artikolu 3

Awtorizzazzjoni

Meta jirċievu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' l-operat minn trasportatur bl-ajru ta' Parti waħda, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra għandhom jagħtu l-awtorizzazzjonijiet xierqa bl-inqas dewmien proċedurali possibbli, bil-kondizzjoni li:

a) għal trasportatur bl-ajru tal-Marokk:

— it-trasportatur bl-ajru jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu u, jekk ikun hemm, l-uffiċċju reġistrat tiegħu fil-Marokk, u jkun irċieva l-liċenzja tiegħu, u kwalunkwe dokument ieħor li jikkorrispondi skond il-liġi tar-Renju tal-Marokk;

— il-Marokk jeżerċita u jżomm kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru;

u

— it-trasportatur bl-ajru jkun u jibqa', direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, tal-Marokk u/jew ta' ċittadini tal-Marokk u li dan ikun dejjem kontrollat b'mod effettiv mill-Marokk u/jew minn ċittadini tal-Marokk, jew ikun u jibqa', direttament jew b'maġġoranza ta' ishma ta' l-Istati Membri u/jew ta' ċittadini ta' l-Istati Membri, u li dan ikun kontrollat b'mod effettiv mill-Istati Membri jew minn ċittadini ta' Stati Membri;

b) għal trasportatur bl-ajru tal-Komunità Ewropea:

— it-trasportatur bl-ajru jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu u, jekk ikun hemm, l-uffiċċju reġistrat tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u li jkun irċieva l-Liċenzja ta' l-Operat tal-Komunità;

u

— il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru jkun eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru tal-Komunità Ewropea li jkun responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u tkun identifikata b'mod ċar l-Awtorità Aeronawtika rilevanti;

— it-trasportatur bl-ajru jkun u jibqa', direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, ta' l-Istati Membri u/jew ta' ċittadini ta' l-Istati Membri, jew ta' l-Istati l-oħra elenkati fl-Anness V, u/jew ta' ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;

ċ) it-trasportatur bl-ajru jissodisfa l-kondizzjonijiet preskritti taħt il-liġijiet u r-regolamenti li normalment ikunu applikati mill-awtorita kompetenti għall-operat tat-Trasport Internazzjonali bl-Ajru;

u

d) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 (Sikurezza ta' l-Avjazzjoni) u fl-Artikolu 15 (Is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni) qed jiġu miżmuma u amministrati.

Artikolu 4

Revoka ta' l-Awtorizzazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti jistgħu jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet ta' l-operat jew inkella jissospendu jew jillimitaw l-operat ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra fejn:

a) għal trasportatur bl-ajru tal-Marokk:

— it-trasportatur bl-ajru ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk ikun hemm, l-uffiċċju reġistrat tiegħu fil-Marokk, jew ma jkunx irċieva l-liċenzja ta' l-operat u kwalunkwe dokument ieħor li jikkorrispondi skond il-liġi applikabbli tal-Marokk;

— il-Marokk ma jkunx qed jeżerċita jew iżomm kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur bl-ajru;

jew

— it-trasportatur bl-ajru ma jkunx proprjetà ta' u kontrollat b'mod effettiv, direttament jew b'maġġornaza ta' ishma, mill-Marokk u/jew minn ċittadini tal-Marokk jew mill-Istati Membri u/jew minn ċittadini ta' l-Istati Membri;

b) għal trasportatur bl-ajru tal-Komunità Ewropea:

— it-trasportatur bl-ajru ma għandux il-post prinċipali tan-negozju tiegħu jew, jekk hemm, l-uffiċċju reġistrat tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jew ma jkunx irċieva Liċenzja ta' l-Operat tal-Komunità;

— kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur bl-ajru ma jkunx eżerċitat u miżmum mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu jew l-awtorità aeronawtika kompetenti ma tkunx ġiet identifikata b'mod ċar;

jew

— it-trasportatur bl-ajru ma jkunx proprjetà ta' u ma jkunx kontrollat b'mod effettiv, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, mill-Istati Membri u/jew minn ċittadini ta' l-Istati Membri, jew mill-Istati l-oħra elenkati fl-Anness V, u/jew minn ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;

ċ) it-trasportatur bl-ajru jkun naqas milli jikkonforma mal-liġijiet u r-regolamenti msemmija fl-Artikolu 6 (Applikazzjoni tal-Liġijiet) ta' dan il-Ftehim;

jew

d) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 (Sikurezza ta' l-Avjazzjoni) u fl-Artikolu 15 (Sigurtà ta' l-Avjazzjoni) ma jkunux qed jinżammu jew jiġu amministrati.

2. Sakemm azzjoni immedjata ma tkunx essenzjali biex jiġi evitat nuqqas ta' konformità mas-subparagrafi 1(ċ) u (d), id-drittijiet stabbiliti b'dan l-Artikolu għandhom ikunu eżerċitati biss wara li tkun saret konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra.

Artikolu 5

L-Investiment

Il -maġġoranza ta' l-ishma jew il-kontroll effettiv ta' trasportatur bl-ajru tal-Marokk minn Stat Membru jew ċittadini tiegħu, jew ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità Ewropea mill-Marokk jew ċittadini tiegħu, huwa suġġett għal deċiżjoni preliminari tal-Kumitat Konġunt stabbilit b'dan il-Ftehim.

Din id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kondizzjonijiet assoċjati ma' l-operat tas-servizzi miftiehma taħt dan il-Ftehim u mas-servizzi ta' bejn il-pajjiżi terzi u l-Partijiet Kontraenti. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22, il-paragrafu 9 ta' dan il-Ftehim ma japplikawx għal dan it-tip ta' deċiżjonijiet.

Artikolu 6

Konformità ma' liġijiet u regolamenti

1. Meta ajruplan jidħol fi ħdan jew iħalli t-territorju ta' Parti waħda, it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra jridu josservaw il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli dak it-territorju relatati mad-dħul fi jew it-tluq ta' ajruplan mit-territorju tiegħu ta' l-inġenju ta' l-ajru impenjat fit-trasport internazzjonali bl-ajru, jew ma' l-operat u n-navigazzjoni ta' l-inġenju ta' l-ajru.

2. Meta ajruplan jidħol, ikun fi ħdan, jew iħalli t-territorju ta' Parti waħda, il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli dak it-territorju relatati mad-dħul fi jew mat-tluq ta' passiġġieri, ekwipaġġ jew merkanzija fuq inġenju ta' l-ajru mit-territorju tagħha (inklużi regolamenti relatati mad-dħul, ma' l-awtorizzazzjoni, ma' l-immigrazzjoni, mal-passaporti, mad-dwana u l-kwarantina jew, fil-każ ta' posta, mar-regolamenti postali) għandhom ikunu osservati minn, jew f'isem ta', tali passiġġieri, ekwipaġġ jew merkanzija tat-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra.

Artikolu 7

Kompetizzjoni

Fi ħdan l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II ("Kompetizzjoni u Dispożizzjonijiet Ekonomiċi Oħra") tat-Titolu IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ħlief fejn ikun hemm regoli aktar speċifiċi f'dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Is-Sussidji

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-sussidji pubbliċi għat-trasportaturi bl-ajru ifixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni billi jiffavorixxu ċerti intrapriżi fil-forniment ta' servizzi ta' trasport bl-ajru, li dawn jipperikolaw l-objettivi bażiċi tal-Ftehim u li dawn mhumiex kompatibbli mal-prinċipju ta' żona ta' avjazzjoni miftuħa.

2. Meta jkun meqjus essenzjali li jingħataw sussidji pubbliċi lil trasportatur bl-ajru jew lil trasportaturi bl-ajru taħt dan il-Ftehim sabiex jinkiseb objettiv leġittimu, tali sussidji għandhom ikunu proporzjonati ma' l-objettiv, trasparenti u għandhom jitfasslu biex inaqqsu, kemm jista' jkun, l-impatt negattiv tagħhom fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra. Il-Parti li bi ħsieba tagħti kwalunkwe tali sussidju għandha tinforma lill-Parti l-oħra dwar l-intenzjoni tagħha li tagħti tali sussidju u l-konsistenza tagħha mal-kriterji stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. Jekk Parti waħda temmen li sussidju provdut mill-Parti l-oħra, jew, skond il-każ, minn korp pubbliku jew governattiv ta' pajjiż għajr tal-Partijiet, ma jkunx konsistenti mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, hija tista' titlob laqgħa tal-Kumitat Konġunt, kif previst fl-Artikolu 22 biex tkun ikkunsidrata l-kwistjoni u jkunu żviluppati reazzjonijiet xierqa għat-tħassib li jinstab li jkunu leġittimi.

4. Meta l-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsolvi l-kwistjoni, il-Partijiet iżommu l-possibiltà li japplikaw il-miżuri rispettivi tagħhom kontra s-sussidju.

5. Dispożizzjonijiet fl-Artikolu preżenti huma mingħajr preġudizzju għal-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet fir-rigward tas-servizzi essenzjali bl-ajru u ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku fit-territorji tal-Partijiet.

Artikolu 9

Opportunitajiet Kummerċjali

1. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu uffiċċji fit-territorju tal-Parti l-oħra għall-promozzjoni u l-bejgħ tat-Trasport bl-Ajru u attivitajiet relatati.

2. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti huma intitolati, skond il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti l-oħra dwar id-dħul, ir-residenza, u l-impjieg, li jġibu u jżommu fit-territorju tal-Parti l-oħra persunal maniġerjali, tal-bejgħ, tekniku, ta' l-operat, u persunal ieħor speċjalizzat li huma meħtieġa biex jappoġġaw l-forniment tat-Trasport bl-Ajru.

3. a) Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (b) ta' hawn taħt, fejn jikkonċerna l-groundhandling kull trasportatur bl-ajru għandu fit-territorju tal-Parti l-oħra:

i) id-dritt li jwettaq il-groundhandling tiegħu stess ("self-handling") jew, jekk ikun irid;

ii) id-dritt li jagħżel minn fost forniturі kompetituri li jipprovdu servizzi ta' groundhandling kompluti jew parzjali fejn tali forniturі jingħataw aċċess għas-suq abbażi ta' liġijiet u regolamenti ta' kull Parti, u fejn tali forniturі jkunu preżenti fis-suq.

b) Għall-kategoriji ta' servizzi ta' *groundhandling* li ġejjin jiġifieri l-immaniġġar tal-bagalji, l-immaniġġar fuq ir-rampa, l-immaniġġar tal-fjuwil u ż-żejt, l-immaniġġar tal-merkanzija u tal-posta fir-rigward ta' l-immaniġġar fiżiku tal-merkanzija u tal-posta bejn it-terminal ta' l-ajru u l-inġenju ta' l-ajru, id-drittjiet taħt (i) u (ii) fis-subparagrafu (a) ta' hawn fuq għandhom ikunu soġġetti biss għal-limiti speċifiċi skond il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti l-oħra. Fejn tali limiti ma jippermettux self-handling u fejn ma jkun hemm l-ebda kompetizzjoni effettiva bejn il-forniturі li jipprovdu servizzi ta' groundhandling, tali servizzi kollha għandhom ikunu disponibbli għat-trasportaturi bl-ajru kollha fuq bażi kemm ugwali u adegwat; prezzijiet ta' tali servizzi ma għandhomx jeċċedu n-Nefqa Sħiħa tagħhom inkluż qligħ raġonevoli fuq l-assi, wara deprezzament.

4. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti jistgħu jwettqu servizzi ta' bejgħ ta' Trasport bl-Ajru fit-territorju tal-Parti l-oħra direttament u/jew, fid-diskrezzjoni tat-trasportatur bl-ajru, permezz ta' l-aġenti tal-bejgħ tiegħu jew intermedjarji oħra maħtura mit-trasportatur bl-ajru. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt li jbigħ tali servizzi ta' trasport, u kwalunkwe persuna għandha tkun libera li tixtri tali servizzi ta' trasport, fil-munita ta' dak it-territorju jew f'muniti b'kambju ħieles.

5. Kull trasportatur bl-ajru għandu jkollu d-dritt li jikkonverti u jitrasferixxi d-dħul lokali mit-territorju tal-Parti l-oħra lejn it-territorju tiegħu stess u, fuq talba, id-dħul lokali lejn il-pajjiż jew il-pajjiżi li jagħżel huwa stess, ħlief meta dan ma jkunx inkonsistenti mal-liġi jew mar-regolament li japplikaw b'mod ġenerali. Il-konverżjoni u t-trasferiment għandhom ikunu awtorizzati minnufih mingħajr restrizzjoni jew tassazzjoni ta' dak, bir-rata ta' kambju applikabbli għat-transazzjonijiet u trasferimenti kurrenti fid-data ta' meta t-trasportatur ikun jagħmel l-applikazzjoni inizjalighat-trasferiment.

6. It-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti għandhom ikunu awtorizzati li jħallsu għall-ispejjeż lokali, inkluż ix-xiri ta' fjuwil, fit-territorju tal-Parti l-oħra bil-munita lokali. Fid-diskrezzjoni tagħhom, it-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti jistgħu jħallsu tali spejjeż fit-territorju tal-Parti l-oħra f'muniti b'kambju ħieles skond ir-regolamenti lokali dwar il-munita.

7. Fl-operat jew fil-forniment ta' servizzi taħt il-Ftehim, kwalunkwe trasportatur bl-ajru ta' Parti jista' jidħolf'arranġamenti ta' bejgħ kooperattiv, bħalma huma ftehim ta' spazju magħluq (blocked space agreements) jew arranġamenti ta' qsim ta' kodiċi, ma':

a) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet;

u

b) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi bl-ajru ta' pajjiż terz;

u

ċ) kwalunkwe trasportaturi ta' fuq l-art jew marittimi;

sakemm (i) il-parteċipanti kollha f'tali arranġamenti jkollhom l-awtorità xierqa u (ii) l-arranġamenti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-sigurtà u l-kompetizzjoni li normalment ikunu applikati għal tali arranġamenti. Fir-rigward tal-bejgħ tat-trasport ta' passiġġieri li jinvolvi l-qsim ta' kodiċi, ix-xerrej għandu jkun infurmat waqt il-bejgħ, jew fi kwalunkwe każ qabel ma dan jitla' abbord, dwar liema forniturі tat-trasport ikunu se joperaw kull parti tas-servizz.

8. a) Fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri, il-forniturі tat-trasport fuq is-superfiċje m'għandhomx ikunu soġġetti għal-liġijiet u għar-regolamenti li jirregolaw it-trasport bl-ajru abbażi biss li tali trasport fuq is-superfiċje jkun qed jingħata minn trasportatur bl-ajru taħt ismu stess. Forniturі tat-trasport fuq is-superfiċje għandhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk jidħlux f'arranġamenti kooperattivi. Meta jiddeċiedu fuq kwalunkwe arranġament partikolari, forniturі tat-trasport fuq is-superfiċje jistgħu jikkunsidraw, fost affarijet oħra, l-interessi tal-konsumatur u l-limiti tekniċi, ekonomiċi, ta' spazju u ta' kapaċità.

b) Barra minn dan, u minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, trasportaturi bl-ajru u forniturі indiretti tat-trasport tal-merkanzija tal-Partijiet għandhom ikunu awtorizzati, mingħajr restrizzjoni, biex fejn jikkonċerna t-Trasport Internazzjonali bl-Ajru jużaw kwalunkwe trasport fuq is-superfiċje għall-merkanzija lejn jew minn kwalunkwe punt fit-territorji tal-Marokk u tal-Komunità Ewropea, jew f'pajjiżi terzi, inkluż trasport lejn u mill-ajruporti kollha b'faċilitajiet doganali, u inkluż, fejn applikabbli, id-dritt[ijiet] li tinġarr merkanzija taħt il-kontroll tad--dwana taħt il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. Tali merkanzija, kemm jekk tinġarr bil-baħar jew bl-ajru, għandu jkollha aċċess għall-ipproċessar u għall-faċilitajiet doganali ta' ajruport. Trasportaturi bl-ajru jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport fuq is-superfiċje tagħhom stess jew li jipprovduh permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi fuq is-superfiċje oħrajn, inkluż trasport fuq is-superfiċje li jsir minn trasportaturi bl-ajru oħrajn u minn forniturі indiretti tal-ġarr tal-merkanzija bl-ajru. Tali servizzi intermodali ta' ġarr ta' merkanzija jistgħu jiġu offruti għal prezz wieħed li jinkludi t-trasport bl-ajru u dak bil-baħar konġunt, sakemm dawk li jibagħtu u jirċievu l-merkanzija ma jkunux żgwidati dwar il-fatti li jikkonċernaw tali trasport.

Artikolu 10

Dazji u Ħlasijiet tad-Dwana

1. Meta jasal fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet, l-ajruplan li jitħaddem mit-trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra għat-trasport internazzjonali bl-ajru, it-tagħmir regolari tiegħu, il-fjuwil, il-lubrikanti, il-provvisti tekniċi konsumibbli, it-tagħmir ta' fuq l-art, il-partijiet (inklużi magni), il-provvisti ta' fuq l-ajruplan (inklużi iżda mhux limitati għal oġġetti bħal ikel, xorb u likuri, tabakk u prodotti oħrajn li jkunu maħsuba biex jinbiegħu lill- jew jintużaw mill-passiġġieri fi kwantitajiet limitati waqt it-titjira), u oġġetti oħra maħsuba jew użati biss b'rabta ma' l-operat jew it-tiswija ta' l-ajruplan li jkun f'ħidma ta' trasport internazzjonali bl-ajru, għandhom ikunu eżentati, fuq bażi reċiproka, mir-restrizzjonijiet kollha ta' l-importazzjoni, mit-taxxi fuq il-proprjetà u mid-dazji kapitali, mid-dazji tad-dwana, mit-taxxi tas-sisa, u minn miżati u ħlasijiet oħrajn li (a) huma imposti mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali jew mill-Komunità Ewropea, u li (b) mhumiex ibbażati fuq in-nefqa tas-servizzi pprovduti, bil-kondizzjoni li dak it-tagħmir u dawk il-provvisti jibqgħu abbord l-ajruplan.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżentati wkoll, fuq bażi reċiproka, mit-taxxi, mis-sisa, mid-dazji, mill-miżati u mill-ħlasijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief għal ħlasijiet ibbażati fuq il-prezz tas-servizz provdut:

a) il-provvisti ta' fuq l-ajruplan li jidħlu jew li jkunu fornuti fit-territorju ta' Parti u li jitilgħu abbord biex jintużaw f'limiti raġonevoli fuq l-ajruplan, li jkun sejjer, tat-trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li huwa impenjat fi trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw matul parti mill-vjaġġ li jkun se jsir fit-territorju tal-Parti li fiha dawn jittellgħu abbord;

b) it-tagħmir ta' fuq l-art u l-partijiet (inklużi magni) li jidħlu fit-territorju ta' Parti għat-tiswija, għall-manutenzjoni jew għaż-żamma ta' ajruplan ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li jintuża għal trasport internazzjonali bl-ajru;

ċ) il-lubrikanti u l-provvisti tekniċi konsumibbli li jidħlu fi jew li jkunu fornuti fit-territorju ta' Parti biex jintużaw fl-ajruplan ta' trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li jkun impenjat fi trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw matul parti mill-vjaġġ li jkun se jsir fit-territorju tal-Parti li fiha dawn jittellgħu abbord; u

d) materjal stampat, kif kontemplat bil-leġislazzjoni tad-dwana ta' kull Parti, li jidħol jew li jkun fornut fit-territorju ta' Parti waħda u li jintuża abbord l-ajruplan, li jkun sejjer, tat-trasportatur bl-ajru tal-Parti l-oħra li jkun impenjat fi trasport internazzjonali bl-ajru, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw f'parti mill-vjaġġ li jkun se jsir fit-territorju tal-Parti li fiha dawn jittellgħu abbord;

u

e) tagħmir tas-sikurezza u tas-sigurtà biex jintuża fl-ajruporti jew fit-terminali tal-merkanzija.

3. Dan il-Ftehim ma jeżentix fjuwil fornit minn Parti għal trasportaturi bl-arju fit-territorju tiegħu minn taxxi, sisa, dazji, miżati u ħlasijiet simili għal dawk imsemmija fil-paragrafu 1. Waqt li jkunu deħlin, fi ħdan, jew ħerġin mit-territorju ta' Parti waħda, it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra għandhom jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu li għandhom x'jaqsmu mal-bejgħ, il-forniment, u l-użu ta' fjuwil ta' ajruplan.

4. It-tagħmir u l-provvisti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu meħtieġa jibqgħu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll ta' l-awtoritajiet xierqa.

5. L-eżenzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom ikunu disponibbli wkoll fejn it-trasportaturi bl-ajru ta' Parti waħda jkunu daħlu f'kuntratt ma' trasportatur bl-ajru ieħor, li wkoll ikun qed igawdi minn tali eżenzjonijiet mill-Parti l-oħra, għas-self jew it-trasferiment fit-territorju tal-Parti l-oħra ta' l-oġġetti speċifikati fil-paragrafi 1 u 2.

6. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf Parti minnhom milli timponi taxxi, sisa, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq oġġetti mibjugħa lill-passiġġieri, għajr għall-konsum abbord, matul parti mis-servizz bl-ajru bejn żewġ punti ta' destinazzjoni fi ħdan it-territorju tagħha stess li fihom l-imbarkazzjoni u l-iżbark huma awtorizzati.

Artikolu 11

Ħlasijiet fuq l-Utent

1. Parti ma tistax timponi jew tippermetti li jkunu imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra taxxi fuq l-utent li jkunu ogħla minn dawk imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru tagħha stess li joperaw servizzi internazzjonali bl-ajru simili.

2. Ħlasijiet miżjuda jew ġodda għandhom isiru biss wara li tkun saret konsultazzjoni adegwata bejn l-awtoritajiet kompetenti li jiċċarġjaw il-ħlasijiet u t-trasportaturi bl-ajru ta' kull Parti. L-utenti għandhom jingħataw avviż raġonevoli dwar kwalunkwe proposti għall-bidliet f'dawn il-ħlasijiet ta' l-utent biex huma jkunu jistgħu jesprimu l-fehma tagħhom qabel ma l-ħlasijiet jidħlu fis-seħħ. Il-Partijiet għandhom ukoll iħeġġu l-iskambju ta' din l-informazzjoni skond kif ikun meħtieġ sabiex ikun hemm valutazzjoni eżatta dwar ir-raġonevolezza ta', il-ġustifikazzjoni għal u t-tqassim tal-ħlasijiet skond il-prinċipji ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 12

Ipprezzar

Il-prezzijiet għas-servizzi tat-trasport bl-ajru li jsiru skond dan il-Ftehim għandhom ikunu stabbiliti b'mod ħieles u m'għandhomx ikunu suġġetti għall-approvazzjoni, iżda dawn jistgħu jintalbu biex jiġu ffajljati għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Il-prezzijiet li jiġu ċċarġjati għat-trasport fil-Komunità Ewropea kollha għandhom ikunu soġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 13

L-Istatistika

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti għandhom ifornu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra, meta dawn jagħmlu talba, l-informazzjoni u l-istatistika relatata mat-traffiku li jsir mit-trasportaturi bl-ajru awtorizzati minn Parti waħda dwar is-servizzi miftiehma lejn jew mit-territorju tal-Parti l-oħra. Dawn iridu jkunu fl-istess forma ta' kif kienu tħejjew u ġew sottomessi mit-trasportaturi bl-ajru awtorizzati lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom. Kwalunkwe *data* ta' statistika addizzjonali relatata mat-traffiku li l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti waħda jistgħu jitolbu mill-awtoritajiet tal-Parti l-oħra għandha tkun soġġetta għal diskussjonijiet fil-Kumitat Konġunt, fuq talba minn kwalunkwe Parti.

TITOLU II

KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

Artikolu 14

Is-Sikurezza ta' l-avjazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni dwar is-sikurezza ta' l-avjazzjoni tal-Komunità Ewropea li hija speċifikata fl-Anness VI. A, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt.

2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li fejn ajruplan reġistrat f'Parti waħda jkun suspettat li mhux konformi ma' l-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza ta' l-avjazzjoni stabbiliti skond il-Konvenzjoni u li jinżel f'ajruporti miftuħa għat-traffiku internazzjonali ta' l-ajru fit-territorju tal-Parti l-oħra, dan għandu jkun soġġett għall-ispezzjonijiet tar-rampa li jsiru abbord jew madwar l-ajruplan mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra. Dawn l-ispezzjonijiet isiru biex ikunu verifikati kemm il-validità tad-dokumenti ta' l-ajruplan u ta' l-ekwipaġġ tiegħu kif ukoll il-kondizzjonijiet viżibbli ta' l-ajruplan u tat-tagħmir tiegħu.

3. Fi kwalunkwe żmien kull Parti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet dwar l-istandards tas-sikurezza miżmuma mill-Parti l-oħra.

4. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jiġi interpretat li qed jillimita l-awtorità ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti milli dawn jieħdu l-miżuri kollha xierqa u immedjati kull meta jkunu ċerti li ajruplan, prodott jew operat jista':

a) jonqos milli jilħaq l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fil-leġislazzjoni speċifikata fl-Anness VI. A, skond liema jkun applikabbli, jew

b) iwassal għal tħassib serju — stabbilit bl-ispezzjoni msemmija fil-paragrafu 2 — li l-ajruplan jew l-operat ta' l-ajruplan ma jkunx konformi ma' l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fil-leġislazzjoni speċifikata fl-Anness 6.A, skond liema jkun applikabbli,

jew

ċ) iwassal għal tħassib serju li jkun hemm nuqqas ta' żamma u ta' amministrazzjoni effettiva ta' l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fil-leġislazzjoni speċifikata fl-Anness 6.A, skond liema jkun applikabbli.

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti waħda jieħdu azzjoni skond il-paragrafu 4, dawn għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra dwar it-teħid ta' dik l-azzjoni u jagħtu r-raġunijiet għal dan.

6. Meta l-miżuri meħuda bl-applikazzjoni tal-paragrafu 4 ma jissoktawx anke jekk il-bażi biex dawn jittieħdu ma tkunx għadha teżisti, kwalunkwe Parti tista' tirreferi din il-materja lill-Kumitat Konġunt.

Artikolu 15

Is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

1. Minħabba li l-assigurazzjoni tas-sikurezza għall-ajruplani ċivili, għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ tagħhom hija prerekwiżit fundamentali għall-operat tas-servizzi internazzjonali bl-ajru, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi reċiproċi tagħhom li jipprovdu għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali (u partikolarment l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Konvenzjoni dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra li Jsiru Abbord l-Ajruplani, iffirmata f'Tokjo fl-14 ta' Settembru 1963, il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Ħtif Illegali ta' Ajruplani, iffirmata fl-Aja fis-16 ta' Diċembru 1970, il-Konvenzjoni għat-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ċivili, iffirmata f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971 u l-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza fl-Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988 u l-Konvenzjoni dwar l-Immarkar ta' Bombi tal-Plastik għal Ghanijiet ta' Skoperta, iffimata f'Montreal fl-1 ta' Marzu 1991, bil-kondizzjoni li ż-żewġ Partijiet kontraenti jkunu firmatarji għal dawn il-konvenzjonijiet kif ukoll għall-konvenzjonijiet u l-protokolli l-oħra kollha li jikkonċernaw is-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili u li tagħhom iż-żewġ Partijiet ikunu membri).

2. Fuq talba, il-Partijiet għandhom jipprovdu l-għajnuna kollha meħtieġa lil xulxin biex ikunu evitati atti ta' ħtif illegali ta' ajruplani ċivili u atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dawn l-ajruplani, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru, u kwalunkwe theddida oħra li jista' jkun hemm għas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili.

3. Fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom, il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità ma' l-Istandards tas-sikurezza ta' l-avjazzjoni u, sakemm din tkun applikata minnhom, mal-Prattika Rakkomandata stabbilita mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili u li tidher bħala Annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ta' sigurta jkunu applikabbli għall-Partijiet. Iż-żewġ Partijiet għandhom jitolbu lill-operaturi ta' l-ajruplani tar-reġistru tagħhom, lill-operaturi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom jew ir-residenza permanenti fit-territorju tagħhom, u lill-operaturi ta' l-ajruporti fit-territorju tagħhom, biex jaġixxu f'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni.

4. Kull Parti għandha tiżgura li fit-territorju tagħha jittieħdu miżuri effettivi biex ikunu mħarsa l-ajruplani, biex ikunu eżaminati l-passiġġieri u l-oġġetti li dawn iġorru magħhom, u biex isiru l-verifiki xierqa fuq l-ekwipaġġ, il-merkanzija (inklużi l-bagalji li jkun hemm fl-istiva) u l-provvisti ta' l-ajruplan qabel ma u waqt li dawn jitilgħu jew jitgħabbew abbord. Kull Parti għandha tiżgura wkoll li dawk il-miżuri jkunu aġġustati għal każijiet fejn jista' jkun hemm livell ogħla ta' theddid. Kull Parti taqbel li t-trasportaturi bl-ajru tagħha jistgħu jkunu mitluba josservaw id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni msemmija fil-paragrafu (3) li jkunu meħtieġa mill-Parti l-oħra għad-dħul fi, għat-tluq minn, jew waqt li ajruplan ikun fit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra. Kull meta ssir talba minn Parti biex jittieħdu miżuri speċjali raġonevoli ta' sigurtà li jkunu jilqgħu għal theddida partikolari, il-Parti l-oħra għandha taġixxi b'mod pożittiv.

5. Meta jiġri inċident jew meta jkun hemm theddida ta' inċident ta' ħtif illegali ta' ajruplan ċivili jew atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dak l-ajruplan, tal-passiġġieri u ta' l-ekwipaġġ tiegħu, ta' l-ajruporti jew tal-faċilitajiet tan-navigazzjoni fl-ajru, il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin billi jiffaċilitaw il-komunikazzjonijiet u miżuri xierqa oħra bl-għan li jtemmu malajr u bla periklu tali inċident jew it-theddida ta' tali inċident.

6. Meta Parti jkollha raġunijiet biżżejjed biex temmen li l-Parti l-oħra ma tkunx segwiet id-dispożizzjonijiet tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ta' dan l-Artikolu, dik il-Parti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet immedjati mal-Parti l-oħra.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 (Ir-Revoka ta' l-Awtorizzazzjonijiet) ta' dan il-Ftehim, in-nuqqas li jintlaħaq ftehim sodisfaċenti fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data ta' din it-talba, għandu jwassal biex l-awtorizzazzjoni ta' l-operat jew il-permessi tekniċi tat-trasportaturi bl-ajru taż-żewġ Partijiet jiġu rtirati, revokati, limitati jew li fuqhom jiġu imposti ċerti kondizzjonijiet.

8. F'każ ta' theddida immedjata jew straordinarja, Parti tista' tieħu azzjoni interim qabel ma jiskadi l-perijodu ta' ħmistax (15)-il ġurnata.

9. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed skond il-paragrafu 7 ta' hawn fuq għandha titwaqqaf hekk kif il-Parti l-oħra tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 16

L-immanigjar tat-Traffiku ta' l-Ajru

1. Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni speċifikata fl-Anness VI.B, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti hawn taħt.

2. Il-Partijiet jintrabtu bl-ogħla grad ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru, bil-ħsieb li jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għall-Marokk sabiex isaħħu l-istandards preżenti tas-sikurezza u l-effiċjenza ġenerali għall-istandards ġenerali tat-traffiku ta' l-ajru fl-Ewropa, sabiex jisfruttaw il-kapaċitajiet u sabiex inaqqsu d-dewmien.

3. Bil-ħsieb li jħaffu l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-Ajru Uniku Ewropew fit-territorji tagħhom:

a) il-Marokk għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jaġġusta l-istrutturi istituzzjonali tiegħu ta' l-immaniġġar tat-traffiku ta' l-ajru għall-Ajru Uniku Ewropew, partikolarment billi jistabbilixxi korpi nazzjonali rilevanti ta' sorveljanza li jkunu għall-inqas joperaw b'mod indipendenti mill-forniturі tas-servizz ta' navigazzjoni bl-ajru;

u

b) il-Komunità Ewropea għandha ssieħeb lill-Marokk ma' l-inizjattivi rilevanti ta' l-operat fl-oqsma tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, ta' l-ispazju ta' l-arja u ta' l-interoperabilità li joriġinaw mill-Ajru Uniku Ewropew, partikolarment permezz ta' l-involviment bikri ta' l-isforzi tal-Marokk biex jistabbilixxi taqsimiet funzjonali ta' spazju ta' l-arja, jew permezz tal-koordinazzjoni xierqa tas-SESAR.

Artikolu 17

L-Ambjent

1. Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità li tikkonċerna t-trasport bl-ajru speċifikata fl-Anness VI.Ċ.

2. Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jitqies li qed jillimita l-awtorità ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti biex dawn jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jevitaw jew inkella jindirizzaw l-impatti ambjentali tat-trasport internazzjonali bl-ajru li jkun sar taħt dan il-Ftehim, bil-kondizzjoni li dawn il-miżuri jkunu applikati mingħajr distinzjoni ta' nazzjonalità.

Artikolu 18

Il-Ħarsien tal-Konsumatur

Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità li tikkonċerna t-trasport bl-ajru speċifikata fl-Anness VI.D.

Artikolu 19

Sistemi ta' Riservazzjoni kompjuterizzata

Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità li tikkonċerna t-trasport bl-ajru speċifikata fl-Anness VI.E.

Artikolu 20

Aspetti Soċjali

Il-Partijiet għandhom jaġixxu b'konformità mal-leġislazzjoni tal-Komunità li tikkonċerna t-trasport bl-ajru speċifikata fl-Anness VI.F.

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

Artikolu 21

Interpretazzjoni u Infurzar

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ikunu ġenerali jew partikolari, sabiex jiżguraw li r-rabtiet li joriġinaw minn dan il-Ftehim ikunu milħuqa. L-istess Partijiet għandhom jevitaw kwalunkwe miżuri li jipperikolaw b'xi mod il-ksib ta' l-objettivi ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti għandha tkun responsabbli, fit-territorju tagħha stess, biex tinforza b'mod xieraq dan il-Ftehim u, partikolarment, ir-regolamenti u d-direttivi relatati mat-trasport bl-ajru li huma elenkati fl-Anness VI.

3. Kull Parti għandha tagħti lill-Parti l-oħra l-informazzjoni u l-għajnuna kollha meħtieġa fil-każ ta' investigazzjonijiet dwar ksur possibbli ta' regolamenti li dik il-Parti l-oħra tkun qed twettaq taħt il-kompetenzi rispettivi tagħha, kif previst f'dan il-Ftehim.

4. Kull meta l-Partijiet jaġixxu taħt is-setgħat mogħtija lilhom b'dan il-Ftehim fuq materji li jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra u li jkunu jikkonċernaw lill-awtoritajiet jew lill-intrapriżi tal-Parti l-oħra, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti l-oħra għandhom ikunu informati sew u mogħtija l-opportunità biex jikkummentaw qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

Artikolu 22

Kumitat Konġunt

1. Hawnhekk qed jiġi stabbilit kumitat li huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat Konġunt), li għandu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dan il-Ftehim u għandu jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dan il-għan, dan għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim.

2. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu adottati b'mod konġunt u jkunu jorbtu lill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom iqegħduhom fis-seħħ skond ir-regoli proprji tagħhom.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' hekk kif u meta jkun meħtieġ u mill-inqas darba fis-sena. Kull Parti tista' tagħmel talba biex issir laqgħa.

4. Parti tista' wkoll tagħmel talba biex jiltaqa' l-Kumitat Konġunt biex ifittex soluzzjoni għal kwalunkwe kwistjoni li tkun tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Din il-laqgħa għandha tibda fl-eqreb data possibbli, iżda sa mhux aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha tkun riċevuta t-talba, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.

5. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom ipartu l-informazzjoni u, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, iwettqu l-konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

7. Jekk, skond waħda mill-Partijiet, deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ma tkunx implimentata kif xieraq mill-Parti l-oħra, ta' l-ewwel tista' titlob li l-kwistjoni tiġi diskussa mill-Kumitat Konġunt. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jkunx jista' jsolvi l-kwistjoni fi żmien xahrejn minn mindu tkun saret it-talba, il-Parti li tkun għamlet it-talba tista' tieħu miżuri temporanji ta' salvagwardja adatti skond l-Artikolu 24.

8. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom juru d-data ta' implimentazzjoni tagħhom mill-Partijiet u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tikkonċerna lill-operaturi ekonomiċi.

9. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, jekk il-Kumitat Konġunt ma jiħux deċiżjoni fuq kwistjoni li tkun ġiet referuta lilu fi żmien sitt xhur mid-data tat-talba, il-Partijiet jistgħu jieħdu miżuri temporanji ta' salvagwardja adatti skond l-Artikolu 24.

10. Il-Kumitat Konġunt għandu jistħarreġ kwistjonijiet relatati ma' investimenti bilaterali ta' parteċipazzjoni maġġoritarja jew ma' bidliet fil-kontroll effettiv tat-trasportaturi bl-ajru tal-Partijiet.

11. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa wkoll il-kooperazzjoni billi:

a) ikattar skambji ta' livell espert dwar inizjattivi u żviluppi leġislattivi jew regolatorji ġodda, inkluż fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà, ta' l-ambjent, ta' l-infrastruttura ta' l-avjazzjoni (inklużi slots) u tal-ħarsien tal-konsumatur;

b) jeżamina regolarment l-effetti soċjali tal-Ftehim waqt li jkun qed jiġi implimentat, l-aktar fil-qasam ta' l-impjiegi, u jiżviluppa reazzjonijiet adatti għal problemi li jinstab li huma leġittimi;

u

ċ) iqis oqsma potenzjali għall-iżvilupp ulterjuri ta' dan il-Ftehim, inkluż ir-rakkomandazzjoni ta' emendi għall-Ftehim.

Artikolu 23

Riżoluzzjoni ta' Kwistjoni u Arbitraġġ

1. Kull Parti tista' tirreferi kwalunkwe kwistjoni lill-Kumitat Konġunt dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, li ma tkunx ġiet solvuta skond l-Artikolu 22. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit taħt il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandu jaġixxi bħala Kumitat Konġunt.

2. Il-Kumitat Konġunt jista' jirrisolvi l-kwistjoni permezz ta' deċiżjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. Jekk ma jkunx possibbli li l-kwistjoni tissolva skond il-paragrafu 2, il-kwistjoni għandha, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, titressaq quddiem bord ta' arbitraġġ li jkun magħmul minn tliet arbitri skond il-proċedura stabbilita hawn taħt:

a) kull Parti għandha taħtar arbitru fi żmien sittin (60) jum mid-data li fiha l-qorti ta' l-arbitraġġ indirizzata mill-Parti l-oħra b'mezzi diplomatiċi tkun irċeviet in-notifika għat-talba ta' l-arbitraġġ; it-tielet arbitru għandu jiġi maħtur miż-żewġ arbitri l-oħra fi żmien sittin (60) jum addizzjonali. Jekk waħda mill-Partijiet ma tkunx ħatret arbitru fiż-żmien miftiehem, jew jekk it-tielet arbitru ma jinħatarx fiż-żmien miftiehem, kull Parti tista' titlob lill-President tal-Kunsill ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili biex jaħtar arbitru jew arbitri, skond liema jkun applikabbli;

b) it-tielet arbitru li jinħatar taħt it-termini tal-paragrafu a) ta' hawn fuq għandu jkun ċittadin ta' Stat terz u għandu jaġixxi bħala l-President tal-qorti ta' l-arbitraġġ;

ċ) il-qorti ta' l-arbitraġġ għandha taqbel dwar ir-regoli ta' proċedura tagħha;

u

d) soġġett għad-deċiżjoni finali tal-qorti ta' l-arbitraġġ, l-ispejjeż inizjali ta' l-arbitraġġ għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

5. Kwalunkwe deċiżjoni proviżorja jew finali tal-qorti ta' l-arbitraġġ għandha torbot lill-Partijiet.

6. Jekk waħda mill-Partijiet ma taġixxix skond id-deċiżjoni tal-qorti ta' l-arbitraġġ meħuda skond it-termini ta' dan l-Artikolu fi żmien tletin (30) jum min-notifika tad-deċiżjoni msemmija fuq, il-Parti l-oħra tista', sakemm idum għaddej dan in-nuqqas, tillimita, tissospendi jew tirrevoka d-drittijiet jew il-privileġġi li din tkun tat taħt it-termini ta' dan il-Ftehim lill-Parti li tkun qed tonqos.

Artikolu 24

Miżuri ta' salvagwardja

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex iwettqu l-obbligi tagħhom taħt dan il-Ftehim. Huma għandhom jaraw li l-objettivi stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Jekk waħda mill-Partijiet tqis li l-Parti l-oħra naqset milli twettaq obbligu taħt dan il-Ftehim, hija tista' tieħu miżuri xierqa. Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu limitati, fir-rigward ta' l-ambitu u ż-żmien tagħhom, għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex titrangħa s-sitwazzjoni jew sabiex jinżamm il-bilanċ ta' dan il-Ftehim. Għandha tingħata prijorità għal dawk il-miżuri li jfixklu l-inqas it-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

3. Kwalunwe Parti li tkun qed tikkonsidra li tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tavża lill-Partijiet l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt u għandha tforni l-informazzjoni rilevanti kollha.

4. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw minnufih lill-Kumitat Konġunt bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(d), l-Artikolu 4(d) u l-Artikoli 14 u 15, il-Parti konċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data tan-notifika taħt il-paragrafu 3, sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni taħt il-paragrafu 4 ma tkunx intemmet qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien dikjarat.

6. Il-Parti konċernata għandha, mingħajr dewmien, tavża lill-Kumitat Konġunt dwar il-miżuri meħuda u għandha tforni l-informazzjoni rilevanti kollha.

7. Kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet taħt it-termini ta' l-Artikolu preżenti għandha tiġi sospiża hekk kif il-Parti li jkollha t-tort tkun tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 25

Estensjoni Ġeografika tal-Ftehim

Il-Partijiet, għalkemm jirrikonoxxu n-natura bilaterali ta' dan il-Ftehim, jinnotaw li huwa jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sħubija Ewro-Mediterranja maħsuba fid-dikjarazzjoni ta' Barċellona tat-28 ta' Novembru 1995. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jwettqu djalogu kontinwu biex jiżguraw il-koerenza ta' dan il-Ftehim mal-proċess ta' Barċellona, u partikolarment fir-rigward tal-possibbiltà li b'mod reċiproku jiftiehmu dwar emendi biex jittieħdu f'kont ftehimiet simili dwar it-trasport bl-ajru.

Artikolu 26

Relazzjoni ma' Ftehim Oħrajn

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieħdu post id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali li jeżistu bejn il-Marokk u l-Istati Membri. Madankollu, id-drittijiet tat-traffiku eżistenti li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet bilaterali u li mhumiex koperti taħt dan il-Ftehim, jistgħu jkomplu jiġu eżerċitati, bil-kondizzjoni li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u ċ-ċittadini tagħhom.

2. Jekk il-Partijiet isiru firmatarji ta' xi ftehim multilaterali, jew japprovaw deċiżjoni adottata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili jew minn xi organizzazzjoni internazzjonali oħra li tindirizza materji koperti b'dan il-Ftehim, dawn għandhom jikkonsultaw fil-Kumitat Konġunt biex ikun stabbilit jekk dan il-Ftehim għandux jiġi rivedut ħalli jiġu kkunsidrati dawn l-iżviluppi.

3. Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni miż-żewġ Partijiet biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili tista' tagħmel fil-futur. Il-Partijiet m'għandhomx jikkwotaw dan il-Ftehim, jew xi parti minnu, bħala l-bażi biex fl-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili jopponu strateġiji politiċi alternattivi dwar kwalunkwe materja koperta b'dan il-Ftehim.

Artikolu 27

L-Emendi

1. Jekk waħda mill-Partijiet tkun tixtieq tirrevedi d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, din għandha tavża b'dan lill-Kumitat Konġunt. L-emenda miftiehma għal dan il-Ftehim għandha tidħol fis-seħħ wara li jkunu tlestew il-proċeduri interni rispettivi.

2. Il-Kumitat Konġunt jista', fuq proposta li ssir minn waħda mill-Partijiet u skond dan l-Artikolu, jiddeċiedi li jimmodifika l-Annessi għal dan il-Ftehim.

3. Dan il-Ftehim għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti, soġġett għall-konformità mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, li tadotta b'mod unilaterali leġislazzjoni ġdida jew li temenda l-leġislazzjoni eżistenti tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew ta' qasam assoċjat li jissemma' fl-Anness VI, b'rabta mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Hekk kif il-leġislazzjoni l-ġdida tkun qed titfassal minn waħda mill-Partijiet, din għandha tinforma u tikkonsulta kemm jista' jkun mill-qrib lill-Parti l-oħra. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet jista' jsir skambju preliminari ta' ideat fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

5. Hekk kif Parti tkun adottat leġislazzjoni ġdida jew emenda għal-leġislazzjoni tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru jew f'qasam assoċjat li jissemma' fl-Anness VI, din għandha tinforma lill-Parti l-oħra sa mhux aktar tard minn tletin jum wara l-adozzjoni tagħha. Fuq talba ta' kwalunkwe Parti, il-Kumitat Konġunt għandu, fi żmien sittin jum mit-talba, iwettaq skambju ta' ideat fuq l-implikazzjonijiet li din il-leġislazzjoni jew l-emenda l-ġdida jista' jkollha fuq it-tħaddim xieraq ta' dan il-Ftehim.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu:

a) jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-Anness VI ta' dan il-Ftehim biex jintegra fih, jekk ikun meħtieġ fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-leġislazzjoni jew l-emenda l-ġdida konċernata;

b) jadotta deċiżjoni li biha l-leġislazzjoni l-ġdida jew l-emenda konċernata għandha titqies bħala li hija skond dan il-Ftehim;

jew

ċ) jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura oħra, li għandha tkun adottata fi ħdan perijodu raġonevoli ta' żmien, biex ikun salvagwardjat it-tħaddim xieraq ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 28

Tmiem

1. Dan il-Ftehim huwa konkluż għal żmien mhux limitat.

2. Kull waħda mill-Partijiet tista', f'kull żmien, tibgħat avviż bil-miktub b'mezzi diplomatiċi lill-Parti l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm dan il-Ftehim. Dan l-avviż għandu jintbagħat b'mod simultanju lill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili. Dan il-Ftehim għandu jintemm tnax-il xahar wara li l-Parti l-oħra tkun irċeviet l-avviż, sakemm l-avviż tat-terminazzjoni ma jiġix irtirat qabel ma jintemm dan il-perijodu.

3. Dan il-Ftehim għandu jieqaf milli jibqa' fis-seħħ jew għandu jkun sospiż jekk il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ma jibqax fis-seħħ jew jekk jiġi sospiż rispettivament.

Artikolu 29

Reġistrazzjoni ma' l-ICAO u s-Segretarjat tan-NU

Dan il-Ftehim u l-emendi kollha għalih għandhom ikunu reġistrati ma' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili u mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 30

Dħul fis-Seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat proviżorjament, f'konformità mal-liġijiet domestiċi tal-Partijiet, mid-data tal-firma.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data tan-nota ta' l-aħħar fi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-Partijiet li tikkonferma li l-proċeduri neċessarji kollha għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew kompletati. Għal finijiet ta' dan l-iskambju, ir-Renju tal-Marokk għandu jippreżenta lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea n-nota diplomatika tiegħu lill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jippreżenta lir-Renju tal-Marokk in-nota diplomatika mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Din in-nota diplomatika mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandha tinkludi komunikazzjonijiet minn kull Stat Membru li jikkonfermaw li l-proċeduri neċessarji tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew kompletati.

BĦALA XHIEDA TA' DAN il-firmatarji t'hawn taħt, waqt li huma awtorizzati kif xieraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussel, fit-tnax ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta, f'żewġ kopji, bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża, Taljana, Ungeriża, u Għarbija, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Pour le Royaume de Belgique
Voor het Koninkrijk België
Für das Königreich Belgien

Za Českou republiku

På Kongeriget Danmarks vegne

Für die Bundesrepublik Deutschland

Eesti Vabariigi nimel

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Por el Reino de España

Pour la République française

Thar cheann Na hÉireann
For Ireland

Per la Repubblica italiana

Για την Κυπριακή Δημοκρατία

Latvijas Republikas vārdā

Lietuvos Respublikos vardu

Pour le Grand-Duché de Luxembourg

A Magyar Köztársaság részéről

Ġhar-Repubblika ta' Malta

Voor het Koninkrijk der Nederlanden

Für die Republik Österreich

W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej

Pela República Portuguesa

Za Republiko Slovenijo

Za Slovenskú republiku

Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland

För Konungariket Sverige

For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
az Európai Közösség részéről
Ġhall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar

Por el Reino de Marruecos
Za Marocké království
For Kongeriget Marokko
Für das Königreich Marokko
Maroko Kuningriigi nimel
Για το Βασίλειο του Μαρόκου
For the Kingdom of Morocco
Pour le Royaume du Maroc
Per il Regno del Marocco
Marokas Karalistes vārdā
Maroko Karalystės vardu
A Marokkói Királyság részéről
Ġhar-Renju tal-Marokk
Voor het Koninkrijk Marokko
W imieniu Królestwa Marokańskiego
Pelo Reino de Marrocos
Za Marocké kráľovstvo
Za Kraljevino Maroko
Marokon kuningaskunnan puolesta
För Konungariket Marocko

عن المملكة المغربية

ANNESS I

SERVIZZI MIFTIEHMA U ROTOT SPEĊIFIKATI

1. Dan l-Anness huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji elenkati fl-Anness IV ta' dan il-Ftehim.

2. Kull Parti tagħti lit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra d-drittijiet biex dawn joperaw servizzi bl-ajru fuq ir-rotot speċifikati hawn taħt:

   a) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità Ewropea:

      Punti ta' destinazzjoni fil-Komunità Ewropea — punt ta' destinazzjoni wieħed jew aktar fil-Marokk — punti ta' destinazzjoni lil hinn,

   b) għat-trasportaturi bl-ajru tal-Marokk:

      Punti ta' destinazzjoni fil-Marokk — punt ta' destinazzjoni wieħed jew aktar fil-Komunità Ewropea,

3. It-trasportaturi bl-ajru tal-Marokk huma awtorizzati li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku mniżżla fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim bejn iktar minn punt ta' destinazzjoni wieħed li jkun jinstab fit-territorju tal-Komunità, bil-kondizzjoni li dawn is-servizzi joriġinaw jew jintemmu fit-territorju tal-Marokk.

   It-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità huma awtorizzati li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku mniżżla fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim bejn il-Marokk u punti ta' destinazzjoni li jkunu jinstabu lil hinn, bil-kondizzjoni li dawn is-servizzi joriġinaw jew jintemmu fit-territorju tal-Komunità u li, fir-rigward tas-servizzi tal-passiġġieri, dawn il-punti ta' destinazzjoni jkunu jinstabu fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

   It-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità Ewropea huma awtorizzati, għas-servizzi lejn il-/ mill-Marokk, li jservu aktar minn punt ta' destinazzjoni wieħed fuq l-istess servizz (ko-terminalizzazzjoni) u li jeżerċitaw id-dritt li jieqfu bejn dawn il-punti ta' destinazzjoni.

   Il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat huma: l-Alġerija, l-Armenja, l-Awtorità Palestinjana, l-Ażerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina. Il-punti ta' destinazzjoni li jinstabu fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jistgħu jintużaw ukoll bħala punti ta' destinazzjoni intermedji.

4. Ir-rotot speċifikati jistgħu jkunu operati fiż-żewġ direzzjonijiet. Kull punt tar-rotot speċifikati, kemm jekk ikun intermedju jew lil hinn, jista', skond id-diskrezzjoni ta' kull intrapriża, ikun eskluż minn uħud jew anke mis-servizzi kollha, bil-kondizzjoni li għat-trasportaturi bl-ajru tal-Marokk is-servizz ikun joriġina jew jintemm fit-territorju tal-Marokk, jew li għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità Ewropea dan ikun joriġina jew jintemm fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

5. Kull Parti għandha tippermetti lil kull trasportatur bl-ajru li jistabbilixxi l-frekwenza u l-kapaċità tat-trasport internazzjonali bl-ajru li dan ikun joffri. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq konsiderazzjonijiet kummerċjali li jkun hemm fis-suq. B'mod konsistenti ma' dan id-dritt, l-ebda Parti m'għandha tillimita b'mod unilaterali l-volum tat-traffiku, il-frekwenza jew ir-regolarità tas-servizz, jew it-tip jew tipi ta' ajruplani li jitħaddmu mit-trasportaturi bl-ajru tal-Parti l-oħra, ħlief għal raġunijiet ta' dwana, tekniċi, ta' l-operat, ambjentali jew tal-ħarsien tas-saħħa.

6. Fil-punti tar-rotot speċifikati kollha, kull trasportatur bl-ajru jista' jwettaq ħidmiet ta' trasport internazzjonali bl-ajru mingħajr limitu fir-rigward ta' bdil fit-tip ta' l-ajruplan li dan ikun qed jopera.

7. Biex ikunu sfruttati d-drittijiet previsti f'dan il-Ftehim, il-kiri ta'ajruplan bl-ekwipaġġ (wet-leasing) ta' linja ta' l-ajru ta' pajjiż terz minn trasportatur bl-ajru Marokkin jew ta' ajruplan ta' linja ta' l-ajru ta' pajjiż terz għajr dawk imsemmija fl-Anness V minn trasportatur bl-ajru tal-Komunità Ewropea, għandu jkun wieħed eċċezzjonali jew li jissodisfa ħtiġijiet temporanji. Dan għandu jkollu l-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtorità li tkun ħarġet il-liċenzja lit-trasportatur bl-ajru li qed jikri kif ukoll ta' l-awtorità kompetenti tal-Parti l-oħra.

ANNESS II

FTEHIM BILATERALI BEJN IL-MAROKK U L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

Kif previst fl-Artikolu 26 ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali li ġejjin dwar it-trasport bl-ajru bejn il-Marokk u l-Istati Membri għandhom ikunu sostitwiti b'dan il-Ftehim:

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-20 ta' Jannar 1958;

Issuplementat bl-Iskambju ta' Noti ta' l-20 ta' Jannar 1958;

Emendat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim li sar f'Rabat fil-11 ta' Ġunju 2002;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Soċjalista taċ-Ċekoslovakkja u l-Marokk, magħmul f'Rabat fit-8 ta' Mejju 1961, li fir-rigward tiegħu r-Repubblika Ċeka iddepożitat dikjarazzjoni ta' suċċessjoni;

— Il-Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-14 ta' Novembru 1977;

Issupplimentat mill-Iskambju ta' Noti datat l-14 ta' Novembru 1977;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Renju tal-Marokk magħmul f'Bonn fit-12 ta' Ottubru 1961;

— Il-Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul fir-Rabat fl-10 ta' Mejju 1999;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim li sar f'Ateni fis-6 ta' Ottubru 1998;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern ta' Spanja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Madrid fis-7 ta' Lulju 1970;

Issupplimentat l-aħħar bl-Iskambju ta' Ittri datati t-12 ta' Awissu 2003 u l-25 ta' Awissu 2003;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fil-25 ta' Ottubru 1957;

— Emendat bl-Iskambju ta' Ittri datat it-22 ta' Marzu 1961;

— Emendat bil-Minuti Miftiehma datati t-2 u l-5 ta' Diċembru 1968;

— Emendat bil-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet tas-17 u tat-18 ta' Mejju 1976;

— Emendat bil-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet datat il-15 ta' Marzu 1977;

Emendat l-aħħar bil-Memorandum ta' Konsultazzjonijiet tat-22-23 ta' Marzu 1984 u bl-Iskambju ta' Ittri ta' l-14 ta' Marzu 1984;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk, magħmul f'Ruma fit-8 ta' Lulju 1967;

Emendat bil-Memorandum ta' Ftehim li sar f'Ruma fit-13 ta' Lulju 2000;

Emendat l-aħħar bl-Iskambju ta' Noti datat is-17 ta' Ottubru 2001 u t-3 ta' Jannar 2002;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Varsavja fid-19 ta' Mejju 1999;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Bonn fil-5 ta' Lulju 1961;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Popolari ta' l-Ungerija u r-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fil-21 ta' Marzu 1967;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fis-26 ta' Mejju 1983;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Maestà Tagħha r-Reġina ta' l-Olanda u l-Gvern tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-20 ta' Mejju 1959;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern Federali ta' l-Awstrija u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fis-27 ta' Frar 2002;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fid-29 ta' Novembru 1969;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Portugall u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fit-3 ta' April 1958;

Issuplemmentat bil-Minuti li ttieħdu f'Lisbona fid-19 ta' Diċembru 1975;

Issupplimentat l-aħħar bil-Minuti li ttieħdu f'Lisbona fis-17 ta' Novembru 2003;

— Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Rabat fl-14 ta' Novembru 1977;

Issupplimentat mill-Iskambju ta' Noti datat l-14 ta' Novembru 1977;

— Il-Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk magħmul f'Londra fit-22 ta' Ottubru 1965;

Emendat bil-Iskambju ta' Noti datat l-10 u l-14 ta' Ottubru 1968;

Emendat bil-Minuti magħmula f'Londra fl-14 ta' Marzu 1997;

Emendat l-aħħar bil-Minuti li ttieħdu f'Rabat fis-17 ta' Ottubru 1997;

— Ftehim dwar is-servizzi bl-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati b'mod proviżorju,

— Il-Ftehim dwar is-Servizzi bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk kif mehmuż, bħala l-Anness 1, mal-Memorandum ta' Ftehim magħmul fl-Aja fl-20 ta' Ġunju 2001.

ANNESS III

PROĊEDURI BIEX JITĦADDMU L-AWTORIZZAZZJONIJIET U L-PERMESSI TEKNIĊI: L-AWTORITAJIET KOMPETENTI

1. Il-Komunità Ewropea

Il-Ġermanja:

Luftfahrt-Bundesamt
Il-Ministeru Federali tat-Trasport, Bini u Affarijiet Urbani

L-Awstrija:

L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru Federali tat-Trasport, l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

Il-Belġju:

Id-Direttorat Ġenerali tat-Trasport bl-Ajru
L-Uffiċċju Federali għall-Mobilità u t-Trasport

Ċipru:

Id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru tal-Komunikazzjonijiet u x-Xogħlijiet

Id-Danimarka:

L-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Spanja:

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru tal-Promozzjonijiet

Il-Ġermanja:

L-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Il-Finlandja:

L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Franza:

Id-Direttorat Ġenerali għall-Avjazzjoni Ċivili (DĠAĊ)
Il-Ministeru tat-Trasport

Il-Greċja:

L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili Ellenika
Il-Ministeru tat-Trasport u l-Komunikazzjonijiet

L-Ungerija:

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru ta' l-Ekonomija u t-Trasport

L-Irlanda:

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Id-Dipartiment tat-Trasport

L-Italja:

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili (ENAC)

Il-Latvja:

L-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru tat-Trasport

Il-Litwanja:

L-Amministrazzjoni ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Il-Lussemburgu:

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Malta:

Id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili

L-Olanda:

Il-Ministeru tat-Trasport, ix-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Immaniġġar ta' l-Ilma: Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili u t-Trasport tal-Merkanzija
L-Ispettorat tat-Trasport u l-Immaniġġar ta' l-Ilma

Il-Polonja:

L-Uffiċċju ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Il-Portugall:

L-Istitut Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili (INAC)
Il-Ministeru għat-Tagħmir, l-Ippjanar u l-Amministrazzjoni tat-Territorji

Ir-Repubblika Ċeka:

Id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili
L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili

Ir-Renju Unit:

Id-Direttorat ta' l-Avjazzjoni
Id-Dipartiment għat-Trasport (DfT)

Ir-Repubblika Slovakka:

Id-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru tat-Trasport, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet

Is-Slovenja:

Id-Direttorat Ġenerali ta' l-Avjazzjoni Ċivili
Il-Ministeru tat-Trasport

L-Isvezja:

L-Awtorità ta' l-Avjazzjoni Ċivili

2. Ir-Renju tal-Marokk

Id-Direttorat ta' l-Ajronawtika Ċivili
Il-Ministeru tat-Tagħmir u t-Trasport

ANNESS IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

1. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni mill-Parti Marokkina tad-dispożizzjonijiet kollha tal-leġislazzjoni tal-Komunità dwar it-trasport bl-ajru, indikati fl-Anness VI, għandhom ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni li għandha ssir taħt ir-responsabbiltà tal-Komunità Ewropea u li għandha tiġi vvalidata mill-Kumitat Konġunt. Din id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi adottata sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

2. Sal-mument ta' l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, is-servizzi miftiehma u r-rotot speċifikati fl-Anness 1, m'għandhomx jinkludu d-dritt għat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità Ewropea li jtiru fil-Marokk u jinżlu f'punti ta' destinazzjoni lil hinn u viċe versa u, id-dritt għat-trasportaturi bl-ajru Marokkini li jtiru minn parti tal-Komunità Ewropea biex ikunu jistgħu jinżlu f'post ieħor tal-Komunità Ewropea u viċe versa. Madankollu, id-drittijiet kollha tat-traffiku tal-hamest libertà mogħtija minn wieħed mill-ftehimiet bilaterali ta' bejn il-Marokk u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, elenkati fl-Anness II, għandhom ikomplu jiġu eżerċitati sakemm ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità.

ANNESS V

LISTA TA' STATI OĦRA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3 U 4 TA' DAN IL-FTEHIM

1. Ir-Repubblika ta' l-Islanda (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)

2. Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)

3. Ir-Renju tan-Norveġja (taħt il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea)

4. Il-Konfederazzjoni Svizzera (taħt il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera)

ANNESS VI

REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Id-"*Dispożizzjonijiet applikabbli*" ta' l-atti li ġejjin għandhom ikunu applikabbli skond il-Ftehim sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness jew fl-Anness IV dwar id-Dispożizzjonijiet Tranżitorji. Fejn meħtieġ, minn hawn 'il quddiem qed ikunu stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali:

A. IS-SIKUREZZA TA' L-AVJAZZJONI

NB: Il-kondizzjonijiet preċiżi fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-Marokk bħala osservatur fl-EASA jeħtieġ li jkunu diskussi fi stadju aktar tard.

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili

kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2176/96 tat-13 ta' Novembru 1996 li jemenda għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni 1069/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill 3922/91

— Ir-Regolament tal-Kunsill 2871/2000 tat-28 ta' Diċembru 2000 li jadatta għall-progress xjentifiku u tekniku r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 3922/91

— Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas- Sikurezza ta' l-Avjazzjoni Ewropea

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10, 12 sa 13 bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 8(2), it-tieni sentenza, l-Annessi I, II u III

Fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12 "Stati Membri" għandha tinqara "Stati Membri tal-KE".

Nru 94/56/KE

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/56 tal-21 ta' Novembru 1994 li tistabbilixxi l-prinċipji fondamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti u inċidenti ta' avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12

Nru 1592/2002

Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija tas- Sikurezza ta' l-Avjazzjoni Ewropea

kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1643/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1592/2002

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jadatta l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 57, l-Annessi I u II

Nru 2003/42

Id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar rapporti ta' okkorrenza fl-avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I u II

Nru 1702/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati mill-lat ta' *airworthiness* u u ambjent, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4 u l-Anness

Nru 2042/2003

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar il- *airworthiness* kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV

Nru 104/2004

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 104/2004 tat-22 ta' Jannar 2004 li jniżżel ir-regoli dwar l-organizzazzjoni u l-komposizzjoni tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Aġenzija tas- Sikurezza ta' l-Avjazzjoni Ewropea

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 7 u l-Anness

B. L-IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU TA' L-AJRU

Nru 93/65

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/65 tad-19 ta' Lulju 1993 dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għall-prokura ta' tagħmir u sistemi ta' l-immaniġġjar tat-traffiku ta' l-ajru

kif emendat bi

— Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/15 tal-25 ta' Marzu 1997 li tadotta l-istandards Eurocontrol u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE dwar id-definizzjoni u l-użu ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kompatibbli għall-prokura ta' tagħmir u sistemi għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni 2082/2000 tas-6 ta' Settembru 2000 li jadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/15/KE, li tadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 980/2002 ta' l-4 ta' Ġunju 2002 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2082/2000 li jadotta n-normi ta' l-Eurocontrol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 9, l-Annessi I u II

Ir-referenza għad-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE għandha titħassar mill-20 ta' Ottubru 2005.

Nru 2082/2000

Ir-Regolament tal-Kummissjoni 2082/2000 tas-6 ta' Settembru 2000 li jadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/15/KE, li tadotta l-istandards ta' l-Eurocontrol u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/65/KEE

kif emendat bi

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 980/2002 ta' l-4 ta' Ġunju 2002 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2082/2000, li jadotta n-normi ta' l-Eurocontrol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 3, l-Annessi I sa III

Nru 549/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 549/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien ta' l-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 4, 6, u 9 sa 14.

Nru 550/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 550/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19

Nru 551/2004

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 551/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' l-ispazju ta' l-arja fl-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament ta' l-ispazju ta' l-arja)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11

Nru 552/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-xibka Ewropea ta' l-Immaniggjar ta' Traffiku ta' l-Ajru (Ir-Regolament ta' l-interoperabilità)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 12

Ċ. L-AMBJENT

Nru 89/629

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/629 ta' l-4 ta' Diċembru 1989 dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjoni ta' ħsejjes minn ajruplani ċivili jet subsoniċi.

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8

Nru 92/14

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/14 tat-2 ta' Marzu 1992 fuq il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

kif emendat bi:

— id-Direttiva tal-Kunsill 98/20/KE tat-30 ta' Marzu 1998 li temenda d-Direttiva 92/14/KEE

— id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/28/KE tal-21 ta' April 1999 li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 991/2001 tal-21 ta' Mejju 2001 li jemenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 11 u l-Anness

Nru 2002/30

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/30/KE tas-26 ta' Marzu 2002 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet tal-ħoss fl-ajruporti tal-Komunità

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 15, l-Annessi I u II

Nru 2002/49

Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16, l-Annessi I sa IV

D. IL-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

Nru 90/314

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/314 tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10

Nru 92/59

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/59 tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar is- sikurezza ġenerali tal-prodott

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19

Nru 93/13

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/13 tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 10 u l-Anness

Nru 95/46

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46 ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' persuni fejn jikkonċerna l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-*data*

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 34

Nru 2027/97

Ir-Regolament tal-Kunsill 2027/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbilità ta' trasportaturi bl-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti

kif emendat bi:

— Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 889/2002 tat-13 ta' Mejju 2002 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/97

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8

Nru 261/2004

Ir-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 17

E. SISTEMI TA' RISERVAZZJONI KOMPJUTERIZZATA

Nru 2299/1989

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2299/89 ta' l-24 ta' Lulju 1989 dwar kodiċi ta' kondotta għal sistemi ta' riservazzjoni kompjuterizzata

kif emendat bi:

— ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3089/93 tad-29 ta' Ottubru 1993 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2299/89

— ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 323/1999 tat-8 ta' Frar 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2299/89

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 22 u l-Anness

F. ASPETTI SOĊJALI

Nru 1989/391

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis- sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 16, u 18-19

Nru 2003/88

Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti ta' l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 19, 21 sa 24 u 26 sa 29

Nru 2000/79

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79 tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji ta' l-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji ta' l-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportaturi bl-Arju (IACA)

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 5

G. LEĠISLAZZJONI OĦRA

Nru 91/670

Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/670 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-aċċettazzjoni reċiproka ta' liċenzji tal-personal għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet fl-avjazzjoni ċivili

Dispożizzjonijiet applikabbli: l-Artikoli 1 sa 8 u l-Anness

32006F0960

DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2006/960/ĠAI

tat-18 ta' Diċembru 2006

dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 30(1)(a) u (b) u 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Renju ta' l-Iżvezja,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Wieħed mill-objettivi prinċipali ta' l-Unjoni Ewropea hu li tipprovdi ċ-ċittadini tagħha b'livell għoli ta' sigurtà f'żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

(2) Dak l-objettiv għandu jintlaħaq billi tiġi prevenuta u miġġielda l-kriminalità permezz ta' koperazzjoni aktar stretta bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri, waqt li jiġu rispettati l-prinċipji u r-regoli relatati mad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt li fuqhom l-Unjoni hi mibnija u li huma komuni fl-Istati Membri.

(3) L-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* dwar il-kriminalità u attivitajiet kriminali hu l-bażi għall-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-Unjoni li jservi l-objettiv ġenerali li tiġi mtejba s-sigurtà taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

(4) L-aċċess opportun għal informazzjoni u *intelligence* preċiżi u aġġornati hu element kruċjali għall-possibbiltà ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi li jiskopru, jipprevjenu u jinvestigaw b'suċċess reati jew attività kriminali, b'mod partikolari f'żona fejn il-kontrolli tal-fruntieri interni ġew aboliti. Billi l-attivitajiet tal-kriminali jiġu mwettqa b'mod klandestin, jeħtieġ li jiġu kkontrollati, u jeħtieġ li l-informazzjoni relatata magħhom tiġi skambjata partikolarment fil-pront.

(5) Hu importanti li l-possibbiltajiet għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi li jiksbu informazzjoni u *intelligence* dwar kriminalità serja u atti terroristiċi minn Stati Membri oħra jiġu kkunsidrati orizzontalment u mhux f'termini ta' differenzi fir-rigward ta' tipi ta' kriminalità jew diviżjoni ta' kompetenzi bejn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi jew awtoritajiet ġudizzjarji.

(6) Attwalment, l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* effettiv u fil-pront bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi hu mfixkel serjament minn proċeduri formali, strutturi amministrattivi u ostakoli legali stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri; tali stat ta' affarijiet hu inaċċettabbli għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u dan għalhekk jitlob sigurtà akbar u infurzar tal-liġi aktar effiċjenti waqt li jiġu mħarsa d-drittijiet tal-bniedem.

(7) Jeħtieġ li l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jitolbu u jiksbu informazzjoni u *intelligence* minn Stati Membri oħrajn fi stadji differenti ta' investigazzjoni, mill-fażi ta' ġbir ta' *intelligence* dwar reati kriminali għall-fażi ta' investigazzjoni kriminali. Is-sistemi ta' l-Istati Membri huma differenti f'dak ir-rispett, iżda din id-Deċiżjoni Kwadru mhix maħsuba sabiex tbiddel dawn is-sistemi. Madanakollu, hija tfittex, fir-rigward ta' ċerta tip ta' informazzjoni u *intelligence*, li tiżgura li l-iskambju ta' ċerta informazzjoni vitali għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi isir fil-pront fi ħdan l-Unjoni.

(8) In-nuqqas ta' qafas legali komuni għall-iskambju effettiv u fil-pront ta' informazzjoni u *intelligence* bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri hu defiċjenza li trid tiġi rimedjata; il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għalhekk iqis li jeħtieġ li jiġi adottat strument legalment obbligatorju dwar is-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence*. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma ghandhiex taffettwa strumenti eżistenti jew futuri li jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi jew li jiffaċilitaw il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence*, bħall-Konvenzjoni tat-18 ta' Diċembru 1997 imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka u Koperazzjoni bejn Amministrazzjonijiet Doganali [1].

(9) Fir-rigward ta' l-iskambju ta' l-informazzjoni, din id-Deċiżjoni Kwadru hi mingħajr preġudizzju għall-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali, għas-suċċess ta' xi investigazzjoni attwali jew għas-sigurtà ta' l-individwi, jew għall-attivitajiet speċifiċi ta' *intelligence* fil-qasam tas-sigurtà ta' l-Istat.

[1] ĠU C 24, 23.1.1998, p. 2.

(10) Huwa importanti li jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni fuq firxa l-aktar wiesgħa possibbli, b'mod partikolari fir-rigward ta' reati marbuta direttament jew indirettament mal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u b'mod li ma jnaqqasx mil-livell ta' koperazzjoni meħtieġ bejn l-Istati Membri taħt arranġamenti eżistenti.

(11) L-interess komuni ta' l-Istati Membri li jiġġieldu l-kriminalità ta' natura transkonfinali għandu jikseb il-bilanċ xieraq bejn koperazzjoni ta' l-infurzar rapidu u effiċjenti tal-liġi u prinċipji u regoli miftehma dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet individwali.

(12) Fid-Dikjarazzjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu kif adottata mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Marzu 2004, il-Kunsill Ewropew ta istruzzjonijiet lill-Kunsill sabiex jeżamina l-miżuri għas-simplifikazzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* bejn l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri.

(13) Fir-rigward ta' l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni Kwadru tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li jaqa' taħt il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([1]). Il-proċeduri stabbiliti f'dak il-Ftehim ġew segwiti fir-rigward ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

(14) Fir-rigward ta' l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni Kwadru tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(H) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien ma' l-Artikolu 4(1) ([2]) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim ([3]), u ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI KWADRU:

TITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

1. L-objettiv ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hu li tistabbilixxi r-regoli li taħthom l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri jistgħu b'mod effettiv u fil-pront jiskambjaw informazzjoni u *intelligence* eżistenti sabiex jitwettqu investigazzjonijiet kriminali jew operazzjonijiet ta' *intelligence* kriminali.

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkun mingħajr preġudizzju għal ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u għall-istrumenti ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-assistenza legali reċiproka jew ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw materji kriminali, inkluża kwalunkwe kondizzjoni magħmula minn pajjiżi terzi dwar l-użu ta' l-informazzjoni ladarba tkun ingħatat.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru tkopri l-informazzjoni u/jew *intelligence* kollha kif definiti fl-Artikolu 2(d). Ma timponi l-ebda obbligu min-naħa ta' l-Istati Membri sabiex jiġbru u jaħżnu informazzjoni u *intelligence* bl-iskop li jiġu mogħtija lill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi kompetenti ta' Stati Membri oħra.

4. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma timponi l-ebda obbligu min-naħa ta' l-Istati Membri li jipprovdu informazzjoni u *intelligence* sabiex jiġu użati quddiem awtorità ġudizzjarja bħala prova, u lanqas ma tagħti d-dritt li tali informazzjoni jew *intelligence* jiġu użati għal dak l-għan. Fejn Stat Membru jkun kiseb informazzjoni jew *intelligence* skond din id-Deċiżjoni Kwadru u jkun jixtieq jużahom bħala prova quddiem awtorità ġudizzjarja, hu għandu jikseb il-kunsens ta' l-Istat Membru li pprovda l-informazzjoni jew l-*intelligence*, fejn meħtieġ taħt il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li pprovda l-informazzjoni jew l-*intelligence*, permezz ta' l-użu ta' strumenti li jirrigwardaw il-koperazzjoni ġudizzjarja fis-seħħ bejn l-Istati Membri. Tali kunsens mhux meħtieġ fejn l-Istat Membru mitlub ikun diġà ta l-kunsens tiegħu għall-użu ta' l-informazzjoni jew *intelligence* bħala prova fil-mument tat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni jew *intelligence*.

5. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma timponi l-ebda obbligu li tinkiseb xi informazzjoni jew *intelligence* permezz ta' miżuri koerċitivi, definiti skond il-liġi nazzjonali, fl-Istat Membru li jirċievi t-talba għall-informazzjoni jew *intelligence*.

([1]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([2]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.
([3]) ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26.

6. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun permess minn u skond il-liġi nazzjonali tagħhom, jipprovdu informazzjoni jew *intelligence* miksuba preċedentament permezz ta' miżuri koerċitivi.

7. Din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u prinċipji legali fundamentali kif affermati fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u kwalunkwe obbligu li jaqa' fuq awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi f'dan ir-rigward ma għandux jiġi affettwat.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru:

(a) "awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi": pulizija nazzjonali, awtorità doganali jew awtorità oħra, li tkun awtorizzata mil-liġi nazzjonali li tiskopri, tipprevjeni u tinvestiga reati jew attivitajiet kriminali u li teżerċita awtorità u tieħu miżuri koerċitivi fil-kuntest ta' tali attivitajiet. L-aġenziji jew unitajiet li jittrattaw speċjalment kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali m'humiex koperti mill-kunċett ta' l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi. Sat-18 ta' Diċembru 2007, kull Stat Membru għandu jistqarr f'dikjarazzjoni ddepożitata għand is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtoritajiet huma koperti mill-kunċett ta' "awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi". Tali dikjarazzjoni tista' tiġi mmodifikata fi kwalunkwe mument.

(b) "investigazzjoni kriminali": stadju proċedurali li fi ħdanu jittieħdu miżuri minn awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji, inklużi prosekuturi pubbliċi, sabiex jiġu stabbiliti u identifikati fatti, persuni suspettati u ċirkostanzi fir-rigward ta' att kriminali konkret identifikat jew aktar;

(ċ) "operazzjoni ta' *intelligence*": stadju proċedurali, li jkun għadu ma laħaqx l-istadju ta' investigazzjoni kriminali, li fi ħdanu awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ikollha s-setgħa bil-liġi nazzjonali li tiġbor, tipproċessa u tanalizza informazzjoni dwar reati jew attivitajiet kriminali bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk ġewx imwettqa atti kriminali konkreti jew jekk jistgħux jitwettqu atti kriminali konkreti fil-futur;

(d) "informazzjoni u/jew *intelligence*":

(i) kwalunkwe tip ta' informazzjoni jew *data* li tkun miżmuma minn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi;

u

(ii) kwalunkwe tip ta' informazzjoni jew *data* li tinżamm minn awtoritajiet pubbliċi jew entitajiet privati u li tkun disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi mingħajr ma jittieħdu miżuri koerċitivi skond l-Artikolu 1(5).

(e) "reati msemmija fl-Artikolu 2(2) [1] tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI"): reati taħt il-liġi nazzjonali li jikkorrispondu jew huma ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dik id-dispożizzjoni.

TITOLU II

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI U INTELLIGENCE

Artikolu 3

Provvista ta' informazzjoni u intelligence

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni u l-*intelligence* jistgħu jiġu provduti lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħra skond din id-Deċiżjoni Kwadru.

2. L-informazzjoni u l-*intelligence* għandhom jiġu provduti fuq it-talba ta' l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi, li taġixxi skond is-setgħat mogħtija lilha mil-liġi nazzjonali, li tkun qed tmexxi investigazzjoni kriminali jew operazzjoni ta' *intelligence* dwar reati kriminali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex jiġu provduti informazzjoni u *intelligence* lil awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħra, jiġu applikati kondizzjonijiet mhux aktar stretti minn dawk applikabbli fil-livell nazzjonali sabiex jiġu provduti u mitluba informazzjoni u *intelligence*. B'mod partikolari, Stat Membru ma għandux jissuġġetta l-iskambju, mill-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi tiegħu ma' awtorità ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor, ta' informazzjoni jew *intelligence* li fi proċedura interna jista' jkun hemm aċċess għalihom mill-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi li saritilha t-talba mingħajr ftehim jew awtorizzazzjoni ġudizzjarji, għal tali ftehim jew awtorizzazzjoni.

4. Fejn l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba jistgħu, taħt il-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru mitlub, jinkisbu mill-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi li saritilha t-talba wara ftehim jew awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja biss, l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi li saritilha t-talba għandha tkun obbligata titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti għal ftehim jew awtorizzazzjoni sabiex ikollha aċċess u tagħmel skambju ta' l-informazzjoni mitluba. L-awtorità kompetenti ġudizzjarja ta' l-Istat Membru mitlub għandha tapplika l-istess regoli għad-deċiżjoni tagħha, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(1) u (2), kif isir f'każ purament intern.

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

5. Fejn l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba nkisbu minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz u jkunu suġġetti għall-prinċipju ta' l-ispeċjalità, it-trasmissjoni tagħhom lill-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru ieħor tista' sseħħ biss bil-kunsens ta' l-Istat Membru jew pajjiż terz li pprovda l-informazzjoni jew l-*intelligence*.

Artikolu 4

Limiti ta' żmien għall-provvista ta' informazzjoni u intelligence

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom stabbiliti l-proċeduri sabiex ikunu jistgħu jirrispondu fi żmien tmien sigħat għal talbiet urġenti għal informazzjoni u *intelligence* rigward ir-reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI, meta l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba tkun miżmuma f'*database* direttament aċċessibbli minn awtorità ta' l-infurzar tal-liġi.

2. Jekk l-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li ġiet mitluba ma tistax twieġeb fit-tmien sigħat, hi għandha tagħti r-raġunijet għal dak fil-formola disposta fl-Anness A. Fejn il-provvista ta' l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba fi żmien il-perjodu ta' tmien sigħat tkun ta' piż sproporzjonat fuq l-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li ġiet mitluba, din tista' tipposponi l-provvista ta' l-informazzjoni jew l-*intelligence*. F'dak il-każ l-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li ġiet mitluba għandha tinforma immedjatament lill-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li tkun qed tagħmel talba dwar dan il-posponiment u għandha tipprovdi l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard minn fi żmien tlitt ijiem. L-użu magħmul mid-dispożizzjonijiet taħt dan il-paragrafu għandu jiġi rivedut sad-19 ta' Diċembru 2009..

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal każijiet mhux urġenti, it-talbiet għal informazzjoni u *intelligence* dwar ir-reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI għandhom jiġu mwieġba fi żmien ġimgħa jekk l-informazzjoni jew l-*intelligence* tkun miżmuma f'*database* direttament aċċessibbli għall-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi. Jekk l-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li ġiet mitluba ma tistax twieġeb fi żmien ġimgħa, hi għandha tagħti r-raġunijet għal dak fil-formola disposta fl-Anness A.

4. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni mitluba tiġi kkomunikata lill-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li tagħmel it-talba fi żmien 14-il jum. Jekk l-awtorità ta' l-infurzar tal-liġi li ġiet mitluba ma tistax twieġeb fi żmien 14-il ġurnata, hi għandha tagħti r-raġunijet għal dak fil-formola li tidher fl-Anness A.

Artikolu 5

Talbiet għal informazzjoni u intelligence

1. L-informazzjoni u *intelligence* jistgħu jiġu mitluba sabiex jiġi skopert, prevenut jew investigat reat fejn hemm raġunijiet fattwali sabiex wieħed jemmen li l-informazzjoni jew l-*intelligence* relevanti huma disponibbli fi Stat Membru ieħor. It-talba għandha turi dawk ir-raġunijiet fattwali u tispjega l-iskop għaliex l-informazzjoni u l-*intelligence* qegħdin jiġu mitluba u r-rabta bejn l-iskop u l-persuna li tkun is-suġġett ta' l-informazzjoni u l-intelligemce.

2. L-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi li tagħmel it-talba għandha toqgħod lura milli titlob iżjed informazzjoni jew *intelligence* jew milli tistabbilixxi termini ta' żmien iktar stretti milli jkun meħtieġ għall-iskop tat-talba.

3. It-talbiet għal informazzjoni jew *intelligence* għandhom ikollhom mill-inqas l-informazzjoni disposta fl-Anness B.

Artikolu 6

Mezzi ta' komunikazzjoni u lingwa

1. L-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* taħt din id-Deċiżjoni Kwadru jista' jseħħ permezz ta' kwalunkwe mezz għall-koperazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi internazzjonali eżistenti. Il-lingwa użata għat-talba u l-iskambju ta' l-informazzjoni għandha tkun dik applikabbli għall-mezz użat. Meta jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom skond l-Artikolu 2(a), l-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill id-dettalji tal-kuntatti fejn iridu jintbagħtu t-talbiet f'każijiet ta' urġenza. Dawn id-dettalji jistgħu jiġu modifikati fi kwalunkwe mument. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jikkomunika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni d-dikjarazzjonijiet riċevuti.

2. L-informazzjoni jew l-*intelligence* għandhom ukoll jiġu skambjati ma' l-Europol skond il-Konvenzjoni bbażata fuq l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (il-Konvenzjoni Europol) [1] u ma' l-Eurojust skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI li tistabbilixxi l-Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja [2], sa fejn l-iskambju jkun jirreferi għal reat jew attività kriminali fl-ambitu tal-mandat tagħhom.

---

[1] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 2. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar mill-Protokoll imfassal abbażi ta' l-Artikolu 43(1) tal-Konvenzjoni Europol (ĠU C 2, 6.1.2004, p. 3).

[2] ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2003/659/ĠAI (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 44).

Artikolu 7

L-iskambju spontanju ta' informazzjoni u intelligence

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandha, mingħajr il-ħtieġa ta' talba minn qabel, tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħra konċernati informazzjoni u *intelligence* f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet fattwali sabiex wieħed jemmen li l-informazzjoni u l-*intelligence* jistgħu jgħinu fl-iskoperta, fil-prevenzjoni jew fl-investigazzjoni ta' reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI. Il-modalitajiet kif isir tali skambju spontanju għandhom ikunu regolati mil-liġi nazzjonali ta' l-Istati Membri li jkunu qed jipprovdu l-informazzjoni.

2. Il-provvista ta' informazzjoni u *intelligence* għandha tkun limitata għal dak li hu meqjus relevanti u meħtieġ għall-iskoperta, prevenzjoni jew investigazzjoni b'suċċess tar-reat jew attività kriminali in kwistjoni.

Artikolu 8

Protezzjoni ta' data

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-regoli stabbiliti dwar il-protezzjoni tad-*data* previsti għal meta jiġu użati l-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) ikunu applikati wkoll fi ħdan il-proċedura dwar l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* previst minn din id-Deċiżjoni Kwadru.

2. L-użu ta' informazzjoni u *intelligence* li jkunu ġew skambjati direttament jew bilateralment taħt din id-Deċiżjoni Kwadru għandu jkun *suġġett* għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* ta' l-Istat Membru riċeventi, meta l-informazzjoni u l-*intelligence* ikunu *suġġetti* għall-istess regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* bħallikieku dawn ikunu nġabru mill-Istat Membru riċeventi. Id-*data* personali ppro ċessata fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tkun protetta skond il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 dwar il-Protezzjoni ta' l-Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, u, għal dawk l-Istati Membri li rratifikawh, il-Protokoll Addizzjonali tat-8 ta' Novembru 2001 għal dik il-Konvenzjoni, dwar l-Awtoritajiet ta' Sorveljanza u Flussi Transkonfinali ta' *Data*. Il-prinċipji tar-Rakkomandazzjoni Nru R(87) 15 tal-Kunsill ta' l-Ewropa li Tirregola l-Użu ta' *Data* Personali fis-Settur tal-Pulizija għandhom jiġu kkunsidrati wkoll meta l-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi jittrattaw *data* personali miksuba taħt din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. L-informazzjoni u l-*intelligence* provduti taħt din id-Deċiżjoni Kwadru jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istat Membru li jkunu ġew provduti lilu għall-għanijiet biss li għalihom ikunu ngħataw skond din id-Deċiżjioni Kwadru jew sabiex tiġi prevenuta theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika; l-ipproċessar għal għanijiet oħra huwa permess biss bl-awtorizzazzjoni minn qabel ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel il-komunikazzjoni u *suġġett* għal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru riċeventi. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata sa fejn tkun tippermetti l-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru li jkun qed jagħmel il-komunikazzjoni.

4. Meta tipprovdi informazzjoni u *intelligence* skond din id-Deċiżjoni Kwadru, l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi li tkun qed tipprovdihom tista' skond il-liġi nazzjonali tagħha timponi kondizzjonijiet dwar l-użu ta' informazzjoni u *intelligence* mill-awtorità kompetenti ta' l-infurzar riċeventi. Jistgħu jiġu imposti kondizzjonijiet ukoll dwar ir-rappurtar tar-riżultat ta' l-investigazzjoni kriminali jew ta' operazzjoni ta' *intelligence* dwar reati kriminali li fir-rigward tagħha sar l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence*. L-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi riċeventi għandha tkun marbuta minn tali kondizzjonijiet, ħlief fil-każ speċifiku fejn il-liġi nazzjonali tistabbilixxi li r-restrizzjonijiet dwar l-użu jiġu rinunzjati għall-awtoritajiet ġudizzjarji, korpi leġiżlattivi jew kwalunkwe korp ieħor indipendenti stabbilit taħt il-liġi u mogħti r-responsabbiltà li jagħmel superviżjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi. F'tali każijiet, l-informazzjoni u l-intellligence jistgħu jintużaw biss wara konsultazzjoni minn qabel ma' l-Istat Membru li jkun qed jikkomunika, u li l-interessi u l-opinjoni tiegħu jridu jiġu kemm jista' jkun ikkunsidrati. L-Istat Membru riċeventi jista', f'każijiet speċifiċi, jiġi mitlub mill-Istat Membru li jkun qed jikkomunika sabiex jagħti informazzjoni dwar l-użu u l-ipproċessar ulterjuri ta' l-informazzjoni u l-*intelligence* trasmessi.

Artikolu 9

Kunfidenzjalità

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandhom iqisu b'mod xieraq, f'kull każ speċifiku ta' skambju ta' informazzjoni jew *intelligence*, il-ħtiġijiet ta' segretezza ta' l-investigazzjoni. Għal dak l-għan l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandhom, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' kull informazzjoni u *intelligence* provduti determinati bħala kunfidenzjali.

Artikolu 10

Raġunijiet għar-rifjut ta' informazzjoni jew intelligence

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(3), awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi tista' tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni jew *intelligence* biss jekk ikun hemm raġunijiet fattwali sabiex tassumi li l-provvista ta' l-informazzjoni jew *intelligence*:

(a) tagħmel ħsara lill-interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali ta' l-Istat Membru mitlub;

jew

(b) tpoġġi fil-periklu s-suċċess ta' investigazzjoni attwali jew operazzjoni ta' *intelligence* dwar reati kriminali jew is-sigurtà ta' individwi;

jew

(ċ) tkun b'mod ċar sproporzjonata jew irrelevanti fir-rigward ta' l-għanijiet li għalihom tkun ġiet mitluba.

2. Fejn it-talba tikkonċerna reat punibbli b'terminu ta' priġunerija ta' sena jew inqas taħt il-liġi ta' l-Istat Membru mitlub, l-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi tista' tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni jew l-*intelligence* mitluba.

3. L-awtorità kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandha tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni jew *intelligence* jekk l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ma tkunx awtorizzat l-aċċess għal u l-iskambju ta' l-informazzjoni mitluba skond l-Artikolu 3(4).

TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru qabel id-19 ta' Diċembru 2006.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġijiet nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom taħt din id-Deċiżjoni Kwadru. Abbażi ta' dan u ta' informazzjoni oħra provduta mill-Istati Membri fuq talba, il-Kummissjoni għandha, qabel id-19 ta' Diċembru 2006, tippreżenta rapport lill-Kunsill dwar l-operat ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-Kunsill għandu, qabel id-19 ta' Diċembru 2006, jivvaluta safejn l-Istati Membri kkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

Artikolu 12

Relazzjoni ma' strumenti oħra

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 39(1) ([1]), (2) u (3) u ta' l-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, safejn huma relatati ma' l-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* bl-għan tat-twettiq ta' investigazzjonijiet kriminali jew operazzjonijiet ta' *intelligence* dwar reati kriminali kif previst minn din id-Deċiżjoni Kwadru, huma b'dan sostitwiti bid-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

2. Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tas-16 ta' Diċembru 1998 dwar il-koperazzjoni transkonfinali tal-pulizija fil-qasam tal-prevenzjoni u l-iskopertà ta' reati kriminali (SCH/Com-ex(98) 51 rev 3) ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tat-28 ta' April 1999 dwar it-titjib tal-koperazzjoni tal-pulizija fil-prevenzjoni u l-iskopertà ta' reati kriminali (SCH/Com-ex (99) 18) ([3]) huma b'dan imħassra.

3. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta din id-Deċiżjoni Kwadru tiġi adottata sakemm tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi u jgħinu sabiex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw iktar il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

4. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu jew idaħħlu fis-seħħ ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara li din id-Deċiżjoni Kwadru tkun daħlet fis-seħħ sa fejn tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Kwadru jiġu estiżi u jgħinu sabiex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw iktar il-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni u *intelligence* li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

5. Il-ftehim u arranġamenti msemmija fil-paragrafi 3 u 4 fl-ebda każ ma jistgħu jaffetwaw ir-relazzjonijiet ma' l-Istati Membri li mhumiex partijiet għalihom.

([1]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1160/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 22.7.2005, p. 18).

([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 407.

([3]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 421.

6. L-Istati Membri għandhom, mhux aktar tard mid-19 ta' Diċembru 2006, jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-ftehim u l-arranġamenti eżistenti msemmija fil-paragrafu 3 li huma jkunu jixtiequ jkomplu japplikaw.

7. L-Istati Membri għandhom ukoll jinnotifikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim jew arranġament kif imsemmi fil-paragrafu 4, fi żmien tliet xhur mill-iffirmar tagħhom jew, għal dawk l-istrumenti li kienu diġà ġew iffirmati qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru, sad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-E. ENESTAM

ANNESS A

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI TAĦT ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2006/960/ĠAI FORMOLA LI GĦANDHA TINTUŻA MILL-ISTAT MEMBRU MITLUB F'KAŻ TA' TRASMISSJONI/DEWMIEN/RIFJUT TA' INFORMAZZJONI

Din il-formola għandha tintuża għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni u/jew *intelligence* mitluba, sabiex l-awtorità li tagħmel it-talba tiġi informata bl-impossibbiltà li jintlaħaq it-terminu perentorju normali, bin-neċessità li tiġi preżentata t-talba lil awtorità ġudizzjarja għal awtorizzazzjoni, jew bir-rifjut li tiġi trasmessa l-informazzjoni.

Din il-formola tista' tintuża aktar minn darba matul il-proċedura (eż. jekk it-talba ikollha l-ewwel tiġi preżentata lil awtorità ġudizzjarja u iktar tard jinstab li l-eżekuzzjoni tat-talba għandha tiġi rifjutata).

Awtorità mitluba (isem, indirizz, telefon, fax, e-mail, Stat Membru)	
Dettalji ta' l-aġent inkarigat (dettall mhux obbligatorju):	
Numru ta' referenza ta' din ir-risposta	
Data u numru ta' referenza tat-tweġiba preċedenti	
Bi tweġiba lill-awtorità, li ġejja, li tagħmel it-talba	
Data u ħin tat-talba	
Numru ta' referenza tat-talba	

Limitu ta' żmien normali taħt l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI		
Ir-reat jaqa' taħt l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI u l-informazzjoni jew intelligence mitluba hija miżmuma f'database aċċessibbli direttament minn awtorità ta' l-infurzar tal-liġi fl-Istat Membru mitlub	Urġenza mitluba	➔ ❑ 8 sigħat
	Urġenza mhix mitluba	➔ ❑ Ġimgħa
Każijiet oħrajn		➔ ❑ 14-il jum

Informazzjoni trasmessa taħt id-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI: informazzjoni u intelligence provduti
1. Użu ta' informazzjoni jew intelligence trasmessa ❑ tista' tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom kienet provduta jew għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika; ❑ hija awtorizzata wkoll għal finijiet oħrajn, suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin (dettall mhux obbligatorju)
2. Affidabbiltà tas-sors ❑ Affidabbli ❑ Fil-parti l-kbira affidabbli ❑ Mhux affidabbli ❑ Ma jistax jiġi valutat
3. Eżattezza ta' l-informazzjoni jew intelligence ❑ Ċerta ❑ Stabbilita mis-sors ❑ Minn kliem ħaddieħor-konfermata ❑ Minn kliem ħaddieħor-mhix konfermata

4. Ir-riżultat ta' l-investigazzjoni ta' reati kriminali jew ta' l-operazzjoni ta' intelligence dwar reati kriminali li fihom sar l-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi rappurtat lill-awtorità ta' trasmissjoni

❑ Le
❑ Iva

5. F'każ ta' skambju spontanju, ir-raġunijiet għaliex jiġi huwa kredibbli li l-informazzjoni jew intelligence tista' tgħin fl-iskoperta, fil-prevenzjoni jew fl-investigazzjoni ta' reati msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI:

DEWMIEN — Mhuwiex possibli li tingħata risposta fil-limitu taż-żmien applikabbli taħt l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI

Din l-informazzjoni jew intelligence ma tistax tingħata fil-limitu taż-żmien mogħti minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

X'aktarx li hija tingħata fi żmien:

❑ Ġurnata ❑ Jumejn ❑ Tlitt ijiem
❑ ġimgħat
❑ Xahar

❑ L-awtorizzazzjoni ta' awtorità ġudizzjarja kompetenti ġiet mitluba.
Il-proċedura li twassal għall-għoti/għar-rifjut ta' l-awtorizzazzjoni hija mistennija li ddum ... ġimgħat

RIFJUT — L-informazzjoni jew intelligence:
□ ma setgħatx tingħata u tintalab fil-livell nazzjonali; jew
□ ma tistax tiġi provduta, minħabba f'waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

A — Raġuni relatata ma' kontroll ġudizzjarju li timpedixxi t-trasmissjoni jew teħtieġ l-użu ta' assistenza legali reċiproka

❑ l-awtorità ġudizzjarja kompetenti ma awtorizzatx l-aċċess u l-iskambju ta' l-informazzjoni jew intelligence

❑ l-informazzjoni jew l-intelligence mitluba kienet miksuba preċedentement permezz ta' miżuri koerċitivi u l-provvista tagħha mhijiex permessa taħt il-liġi nazzjonali

❑ l-informazzjoni jew l-intelligence mhijiex miżmuma

- minn awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi; jew
- minn awtoritajiet pubbliċi jew minn entitajiet privati b'mod li jagħmilha disponibbli għall-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi mingħajr ma jittieħdu miżuri koerċitivi

❑ B — Il-provvista ta' l-informazzjoni jew intelligence mitluba tagħmel ħsara lil interessi essenzjali ta' sigurtà nazzjonali jew tipperikola s-suċċess ta' investigazzjoni kurrenti jew operazzjoni ta' intelligence dwar reati kriminali jew is-sigurtà ta' individwi jew tkun b'mod ċar sproporzjonata jew irrelevanti rigward l-għanijiet li għalihom intalbet.

F'każ li jintużaw A jew B, ipprovdi, jekk ikun meqjus meħtieġ, informazzjoni addizzjonali jew raġunijiet għar-rifjut (dettall mhux obbligatorju):

❑ D — L-awtorità mitluba tiddeċiedi li tirrifjuta l-eżekuzzjoni għaliex it-talba tikkonċerna, skond il-liġi ta' l-Istat Membru mitlub, ir-reat li ġej (in-natura tar-reat u l-kwalifika ġuridika tiegħu għandhom jiġu speċifikati) ..... li huwa punibbli bi priġunerija għal żmien sena jew anqas

❑ E — L-informazzjoni jew intelligence mitluba mhix disponibbli

❑ F — L-informazzjoni jew intelligence mitluba nkisbet minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz u hija suġġetta għall-prinċipju ta' l-ispeċjalità u dak l-Istat Membru jew pajjiż terz ma tax il-kunsens tiegħu għat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni jew intelligence.

ANNESS B

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI TAĦT ID-DEĊIŻJONI KWADRU TAL-KUNSILL 2006/960/ĠAI FORMOLA TA' TALBA GĦAL INFORMAZZJONI U INTELLIGENCE LI GĦANDHA TINTUŻA MILL-ISTAT MEMBRU LI JAGĦMEL IT-TAL

Din il-formola għandha tintuża meta ssir talba għal informazzjoni u *intelligence* taħt id-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI.

I — Informazzjoni amministrattiva

L-awtorità li tagħmel it-talba (isem, indirizz, telefon, fax, e-mail, Stat Membru):	
Dettalji ta' l-aġent inkarigat (mhux obbligatorji):	
Lill-Istat Membru li ġej:	
Data u ħin ta' din it-talba:	
Numru ta' referenza ta' din it-talba:	

Talbiet preċedenti				
❑ Din hija l-ewwel talba dwar dan il-każ				
❑ Din it-talba ssegwi talbiet preċedenti fl-istess każ				
Talba jew talbiet preċedenti			Risposta jew risposti	
	Data	Numru ta' referenza (fl-Istat Membru li jagħmel it-talba)	Data	Numru ta' referenza (fl-Istat Membru mitlub)
1.				
2.				
3.				
4.				

Jekk it-talba tintbagħat lil aktar minn awtorità waħda fl-Istat Membru mitlub, ispeċifika kull wieħed mill-kanali użati:	
❑ Uffiċjal ta' Kollegament ta' l-Europol/ENU	❑ Għall-informazzjoni ❑ Għal eżekuzzjoni
❑ Interpol NCB	❑ Għall-informazzjoni ❑ Għal eżekuzzjoni
❑ Sirene	❑ Għall-informazzjoni ❑ Għal eżekuzzjoni
❑ Uffiċjal ta' Kollegament	❑ Għall-informazzjoni ❑ Għal eżekuzzjoni
❑ Oħrajn (ispeċifika):	❑ Għall-informazzjoni ❑ Għal eżekuzzjoni
Jekk l-istess talba tintbagħat lil Stati Membri oħra, ispeċifika l-Istati Membri l-oħra u l-kanal użat (dettall mhux obbligatorju)	

II — Limiti ta' żmien

Nota ta' tfakkir: limiti ta' żmien taħt l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI

A — Ir-reat jaqa' taħt l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI

u

l-informazzjoni jew intelligence mitluba hija miżmuma f database aċċessibbli direttament minn awtorità ta' l-infurzar tal-liġi

→ It-talba hija urġenti → Limitu ta' żmien: 8 sigħat bil-possibbiltà ta' posponiment

→ It-talba mhix urġenti → Limitu ta' żmien: Ġimgħa

B — Każijiet oħrajn: limitu ta' żmien: 14-il jum

☐ **L-urġenza HIJA mitluba**
☐ **L-urġenza MHIX mitluba**
Raġunijiet għal urġenza (p.eż.: is-suspettati qegħdin jinżammu taħt kustodja, il-każ jeħtieġ li jitressaq quddiem il-Qorti qabel data speċifika):
L-informazzjoni jew intelligence mitluba

Tip ta' reat(i) jew attività(jiet) kriminali taħt investigazzjoni
Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq (twettqu) ir-reat(i), inklużi l-ħin, il-post u l-livell ta' parteċipazzjoni fir-reat(i) mill-persuna li hija s-suġġett tat-talba għal informazzjoni jew intelligence:

In-natura tar-reat(i)

A — Applikazzjoni ta' l-Artikolu 4(1) jew 4(3) tad-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI

A.1. Ir-reat huwa punibbli bi priġunerija għal żmien massimu ta' mill-inqas tliet snin fl-Istat Membru li jagħmel it-talba

U

A.2. Ir-reat huwa wieħed (jew aktar) minn dawn li ġejjin:

- ❑ Parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali
- ❑ Terroriżmu
- ❑ Traffikar ta' bnedmin
- ❑ Sfruttament sesswali ta' tfal u pornografija bi tfal
- ❑ Traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi
- ❑ Traffikar illeċitu ta' armi, munizzjonijiet u splussivi
- ❑ Korruzzjoni
- ❑ Frodi b'egħmil qarrieqi, inkluż dak li jolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej skond it-tifsira tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej
- ❑ Serq organizzat jew bl-użu ta' armi.
- ❑ It-traffikar illeċitu ta' beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri ta' l-arti
- ❑ Frodi b'egħmil qarrieqi - każijiet oħra ta' qligħ b'qerq
- ❑ Racketeering u estorsjoni
- ❑ Falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti
- ❑ Falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom
- ❑ Falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament
- ❑ Traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u promoturi tat-tkabbir (growth promoters) oħrajn
- ❑ Laundering tar-rikavati minn reati kriminali
- ❑ Falsifikazzjoni ta' munita, inkluż l-euro
- ❑ Reati konnessi ma' l-informatika
- ❑ Reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-perikolu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-perikolu li jinqerdu
- ❑ Faċilitazzjoni ta' dħul u residenza mhux awtorizzati
- ❑ Omiċidju, offiża gravi fuq il-persuna
- ❑ Kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani
- ❑ Sabotaġġ
- ❑ Razziżmu u ksenofobija
- ❑ Traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjuattivi
- ❑ Traffikar ta' vetturi misruqin
- ❑ Stupru
- ❑ Ħruq volontarju
- ❑ Reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali
- ❑ Ħtif illegali ta' inġenji ta' l-ajru/ta' bastimenti
- ❑ Ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi

→ Ir-reat għalhekk jaqa' taħt l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI → l-Artikolu 4(1) (każijiet urġenti) u 4(3) (każijiet mhux urġenti) tad-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI huma għalhekk applikabbli fir-rigward tat-termini perentorji sabiex tingħata tweġiba għal din it-talba

Jew

❑ B — Ir-reat(i) mhux/mhumiex kopert(i) taħt A.
F'dan il-każ, deskrizzjoni tar-reat(i):

L-għan li għalih qed tiġi mitluba l-informazzjoni jew l-intelligence

Il-konnessjoni bejn l-għan li għalih tintalab l-informazzjoni jew l-intelligence u l-persuna li hija s-suġġett ta' l-informazzjoni jew l-intelligence

L-identità jew identitajiet (sa fejn hu magħruf) tal-persuna(i) li hija/huma s-suġġett(i) prinċipali ta' l-investigazzjoni kriminali jew ta' l-operazzjoni ta' intelligence dwar reati kriminali li fuqhom hija bbażata t-talba għall-informazzjoni jew intelligence

Ir-raġunijiet li jagħmlu kredibbli li l-informazzjoni jew l-intelligence tinsab fl-Istat Membru mitlub

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' informazzjoni kontenuta f'din it-talba għal għanijiet diversi minn dawk li għalihom ġiet provduta jew għall-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika

- ❑ użu permess
- ❑ użu permess, iżda ssemmix lil min ipprovda l-informazzjoni
- ❑ tużax mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' min ipprovda l-informazzjoni
- ❑ tużax

32006D1004

30.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 410/187

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, rispettivament, li jistabbilixxu proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni

(2006/1004/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, rispettivament, li jistabbilixxu proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni ġew innegozjati u għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, rispettivament, li jistabbilixxu proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni huma b'dan approvati f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim u ta' l-Annessi huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità u sabiex jittrażmettu, f'isem il-Komunità, in-nota prevista fl-Artikolu 16 tal-Ftehim [1].

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim sejra tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat tal-Kunsill.

22006A1230(08)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità",

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Bulgarija",

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet Kontraenti",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1,

WARA LI KKUNSIDRAW il-proċedura ta' informazzjoni dwar ir-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni applikata fi ħdan il-Komunità Ewropea ([2]),

META JITQIES l-impenn tal-Partijiet Kontraenti sabiex jippromwovu relazzjonijiet ekonomiċi armonjużi bejniethom,

META TITQIES il-koperazzjoni li għaddejja bejn il-Partijiet Kontraenti fil-qasam tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ u l-ftehim komuni milħuq fi ħdan il-qafas ta' dik il-koperazzjoni sabiex tiġi estiża din il-proċedura ta' informazzjoni dwar ir-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni li ġiet applikata fil-Komunità għall-Bulgarija,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-fini ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "prodott": kwalunkwe prodott manifatturat b'mod industrijali u kwalunkwe prodott agrikolu, inklużi l-prodotti tal-ħut;

2) "servizz": kwalunkwe servizz tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, fis-sens ta' kwalunkwe servizz li normalment jiġi provdut għal remunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali tar-riċevitur tas-servizzi.

   Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

   — "mill-bogħod": tfisser li s-servizz huwa provdut mingħajr ma jkunu preżenti fl-istess ħin il-partijiet,

   — "b'mezzi elettroniċi": tfisser li s-servizz jintbagħat inizjalment u jiġi riċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u ż-żamma tad-*data*, u trażmess, imwassal u riċevut kompletament b'wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra,

   — "fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi": tfisser li s-servizz huwa provdut permezz tat-trażmissjoni tad-*data* fuq talba individwali.

   Hemm disposta fl-Anness I lista indikattiva tas-servizzi li mhumiex koperti minn din id-definizzjoni.

   Dan il-ftehim m'għandux japplika għal:

   — servizzi ta' xandir tar-radju,

   — servizzi ta' xandir tat-televiżjoni koperti mill-punt (a) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/552/KEE ([3]).

3) "speċifikazzjoni teknika": speċifikazzjoni inkluża f'dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott bħal-livelli tal-kwalità, ir-rendiment, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi r-rekwiżiti applikabbli għall-prodott fir-rigward ta' l-isem li bih jinbiegħ il-prodott, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi tat-testijiet, l-ippakkjar, l-immarkar jew l-ittikkettar u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

([1]) ĠU L 358, 31.12.1994, p. 3.

([2]) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

([3]) Id-Direttiva 89/552/KEE tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 1).

Din id-definizzjoni tkopri wkoll il-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni li ntużaw fir-rigward tal-prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 38(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, tal-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali, u tal-prodotti mediċinali kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE ([1]), kif ukoll il-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni relatati ma' prodotti oħra, fejn dawn għandhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom.

4) "rekwiżiti oħra": rekwiżit, għajr għal speċifikazzjoni teknika, impost fuq prodott sabiex jipproteġi, b'mod partikolari, lill-konsumaturi jew lill-ambjent, u li jaffettwa liċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wara li jkun tqiegħed fis-suq, bħall-kundizzjonijiet ta' l-użu, tar-riċiklaġġ, ta' l-użu mill-ġdid jew tar-rimi, fejn kundizzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura tal-prodott jew tat-tqegħid fis-suq tiegħu;

5) "regola dwar is-servizzi": rekwiżit ta' natura ġenerali relatat mal-bidu u ma' l-issuktar ta' l-attivitajiet ta' servizz fi ħdan it-tifsira tal-punt 2, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw lill-fornitur tas-servizz, lis-servizzi u lir-riċevitur tas-servizzi, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe regola li mhix immirata speċifikament għas-servizzi definiti fih.

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli relatati ma' kwistjonijiet li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni, definiti bħala "servizzi li l-provvista tagħhom tikkonsisti b'mod sħiħ jew b'mod parzjali fit-trażmissjoni u fir-rotta tas-sinjali fuq netwerk ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' proċessi ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni, bl-eċċezzjoni tax-xandir tar-radju u tat-televiżjoni" ([2]).

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli relatati ma' kwistjonijiet li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif inhuma elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II għal dan il-ftehim.

Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 11, dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli li ddaħħlu fis-seħħ minn jew għal swieq irregolati fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE ([3]) jew minn jew għal swieq jew korpi oħrajn li jwettqu funzjonijiet ta' ikklerjar jew ta' pagament għal dawk is-swieq.

Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

— regola għandha titqies li hija speċifikament immirata għas-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni fejn, wara li tqiesu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u l-parti operattiva tagħha, l-għan u l-oġġett speċifiku tad-dispożizzjonijiet individwali tagħha kollha jew ta' wħud minnhom ikun li jiġu rregolati servizzi ta' dan it-tip b'mod espliċitu u mmirat,

— regola m'għandhiex titqies li hija speċifikament immirata għas-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni jekk taffettwa servizzi ta' dan it-tip b'mod impliċitu jew inċidentali biss.

6) "regolament tekniku": speċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, *de jure* jew *de facto*, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, tal-provvista ta' servizz, ta' l-istabbiliment ta' operatur ta' servizz jew l-użu f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri", jew f'parti kbira minnu, jew fil-Bulgarija jew f'parti kbira minnha, kif ukoll liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew tal-Bulgarija, ħlief dawk provduti fl-Artikolu 12, li jipprojbixxu l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott jew li jiprojbixxu l-provvista jew l-użu ta' servizz, jew l-istabbiliment ta' fornitur tas-servizz.

Ir-regolamenti tekniċi *de facto* jinkludu:

— liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru jew tal-Bulgarija li jirreferu jew għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew għal rekwiżiti oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, jew għal kodiċijiet professjonali jew kodiċijiet ta' prattika li min-naħa tagħhom jirreferu għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew għal rekwiżiti oħra jew għal regoli dwar is-servizzi, li konformità magħhom tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità ma' l-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija aktar 'il fuq,

— ftehim volontarji li għalihom hija parti kontraenti awtorità pubblika u li jipprovdu, fl-interess ġenerali, għall-konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ma' rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi, esklużi -speċifikazzjonijiet ta' l-offerti għax-xiri pubbliku,

— speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar servizzi li huma konnessi ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jinkoraġixxu l-konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar servizzi ta' dan it-tip; speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi konnessi mas-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali mhumiex inklużi.

([1]) Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/27/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 34).

([2]) Din id-definizzjoni hija applikabbli permezz tad-Direttiva 98/48/KE li tagħmel referenza għad-Direttiva 90/387/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar l-istabbiliment tas-suq intern għas-servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' l-implimentazzjoni tal-provvista ta' netwerk miftuħ (ĠU L 192, 24.7.1990, p. 1). Id-Direttiva ta' l-aħħar ġiet revokata mid-Direttiva 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 3). Madankollu, id-definizzjoni ta' "servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni" li tinsab fid-Direttiva 90/387/KEE għandha tinżamm għall-finijiet tad-Direttiva 98/48/KE.

([3]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2006/31/KE (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60).

Dan jinkludi regolamenti tekniċi imposti mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri u li jidhru f'lista [1] mfassla mill-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Kummissjoni") fil-qafas tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE. Il-Bulgarija għandha tfassal lista ta' dan it-tip u tgħaddiha lill-Kummissjoni fl-ewwel ġurnata ta' l-ewwel xhar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Biex tiġi emendata din il-lista għandha tintuża l-istess proċedura.

7) "abbozz ta' regolament tekniku": it-test ta' speċifikazzjoni teknika jew rekwiżit ieħor jew ta' regola dwar is-servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi, ifformulat bl-għan li jiddaħħal fis-seħħ jew li fl-aħħar mill-aħħar jiddaħħal fis-seħħ bħala regolament tekniku, bit-test ikun fi stadju ta' preparazzjoni fejn ikunu għadhom jistgħu jsiru emendi sostanzjali.

Artikolu 2

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għal dawk il-miżuri li l-Istati Membri jqisu li jkunu meħtieġa skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew li l-Bulgarija tqis li jkunu meħtieġ għall-protezzjoni tal-persuni, b'mod partikolari tal-ħaddiema, meta jintużaw il-prodotti, sakemm miżuri ta' dan it-tip ma jaffettwawx lill-prodotti.

Artikolu 3

1. Suġġett għall-Artikolu 12, il-Komunità għandha tinnotifika lill-Bulgarija bl-abbozz tar-regolamenti tekniċi notifikati lilha mill-Istati Membri tagħha. Fejn dawn ir-regolamenti tekniċi sempliċement jittrasponu t-test sħiħ ta' standard internazzjonali jew Ewropew, l-informazzjoni dwar l-istandard rilevanti għandha tkun biżżejjed. Għandha wkoll tħalli li l-Bulgarija jkollha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jagħmlu d-dħul fis-seħħ ta' regolament tekniku ta' dan it-tip meħtieġ, fejn dawn ma jkunux diġà ġew iċċarati fl-abbozz.

2. Suġġett għall-Artikolu 12, il-Bulgarija bl-istess mod għandha tinnotifika lill-Komunità bl-abbozz tar-regolamenti tekniċi tagħha. Fejn dawn ir-regolamenti tekniċi sempliċement jittrasponu t-test sħiħ ta' standard internazzjonali jew Ewropew, l-informazzjoni dwar l-istandard rilevanti għandha tkun biżżejjed. Għandha wkoll tħalli li l-Komunità jkollha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jagħmlu d-dħul fis-seħħ ta' regolament tekniku ta' dan it-tip meħtieġ, fejn dawn ma jkunux diġà ġew iċċarati fl-abbozz.

Artikolu 4

Test sħiħ ta' l-abbozz tar-regolament tekniku notifikat għandu jkun disponibbli fil-lingwa oriġinali kif ukoll fi traduzzjoni sħiħa f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

1. Fejn ikun xieraq, u sakemm ma jkunx diġà ntbagħat b'komunikazzjoni minn qabel, test sħiħ fil-lingwa oriġinali tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji bażiċi prinċipalment u direttament ikkonċernati għandu wkoll ikun ikkomunikat fl-istess ħin, jekk l-għarfien ta' test ta' dan it-tip ikun meħtieġ sabiex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet ta' l-abbozz tar-regolament tekniku notifikat.

2. Fejn, b'mod partikolari, l-abbozz ifittex li jillimita t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika, ta' preparazzjoni jew ta' prodott minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika jew ta' protezzjoni tal-konsumaturi jew ta' l-ambjent, l-Istati Membri u l-Bulgarija għandhom ukoll jgħaddu jew sommarju jew ir-referenzi tad-*data* kollha rilevanti relatata mas-sustanza konċernata, mal-preparazzjoni konċernata jew mal-prodott ikkonċernat u mas-sostituti magħrufa u disponibbli, fejn informazzjoni ta' din it-tip tista' tkun disponibbli, u jikkomunikaw l-effetti antiċipati tal-miżura fuq is-saħħa pubblika u fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u ta' l-ambjent, flimkien ma' analiżi tar-riskju mwettqa kif inhu xieraq skond il-prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanzi kimiċi kif imsemmija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KEE) Nru. 793/93 [2] fil-każ ta' sustanza eżistenti jew fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 67/548/KEE [3], fil-każ ta' sustanza ġdida.

Artikolu 6

L-Istati Membri u l-Bulgarija għandhom jerġgħu jikkomunikaw l-abbozz bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jekk jagħmlu bidliet fl-abbozz li jkollhom l-effett li jbiddlu l-ambitu tiegħu b'mod sinifikanti, fejn iqassru l-programm oriġinarjament previst għall-implimentazzjoni, iżidu l-ispeċifikazzjonijiet jew ir-rekwiżiti, jew jagħmlu lil dawn ta' l-aħħar aktar restrittivi. It-trażmissjoni ta' dawn il-komunikazzjonijiet għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

Artikolu 7

Kull Parti Kontraenti tista' titlob aktar informazzjoni dwar abbozz ta' regolament tekniku notifikat skond dan il-ftehim.

Artikolu 8

1. Il-Komunità u l-Bulgarija jistgħu jagħmlu kummenti dwar l-abbozzi tar-regolamenti tekniċi kkomunikati. Il-kummenti tal-Bulgarija għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni u l-kummenti tal-Komunità għandhom jiġu mgħoddija mill-Kummissjoni lill-Bulgarija.

2. L-Istati Membri u l-Bulgarija għandhom iqisu kemm jista' jkun possibbli kummenti ta' dan it-tip fil-preparazzjoni sussegwenti tar-regolament tekniku.

3. Fir-rigward ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' rekwiżiti oħra jew regoli dwar servizzi msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1, il-kummenti tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jikkonċernaw biss aspetti li jistgħu jfixklu l-kummerċ jew, fir-rigward tar-regoli dwar is-servizzi, il-moviment ħieles tas-servizzi jew il-libertà ta' l-istabbiliment ta' operaturi tas-servizzi u mhux l-aspetti fiskali jew finanzjarji tal-miżura.

---

[1] ĠU C 23, 27.1.2000, p. 3.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1). Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, 30.4.2004, p. 1).

4. Meta jkun invokat perjodu ta' pawsa ta' sitt xhur skond ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Bulgarija b'dan.

Artikolu 9

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u tal-Bulgarija għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' l-abbozz ta' regolamenti tekniċi notifikati għal tliet xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-test ta' l-abbozz tar-regolament.

Artikolu 10

Il-perjodu ta' pawsa msemmi fl-Artikolu 9 m'għandux japplika f'dawk il-każijiet fejn:

— għal raġunijiet urġenti, li jkunu r-riżultat ta' ċirkostanzi serji u imprevedibbli relatati mal-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sigurtà pubblika, mal-protezzjoni ta' l-annimali jew mal-preżervazzjoni tal-pjanti u, għar-regoli dwar is-servizzi, ukoll għall-politika pubblika, notevolment il-protezzjoni tal-minorenni, l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jipprepparaw regolamenti tekniċi fi żmien qasir ħafna sabiex idaħħluhom fis-seħħ u jintroduċuhom immedjatament mingħajr ma tkun possibbli l-ebda konsultazzjoni jew

— għal raġunijiet urġenti li jkunu r-riżultat ta' ċirkostanzi serji relatati mal-protezzjoni tas-sigurtà u ta' l-integrità tas-sistema finanzjarja, notevolment il-protezzjoni tad-depożitaturi, ta' l-investituri u tal-persuni assigurati, l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jdaħħlu fis-seħħ u jimplimentaw regoli dwar is-servizzi finanzjarji immedjatament.

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-urġenza tal-miżuri meħuda. Il-ġustifikazzjoni għall-miżuri urġenti għandha tkun iddettaljata u spjegata b'mod ċar b'enfasi partikolari fuq l-imprevedibbiltà u s-serjetà tal-periklu ffaċċjat mill-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll il-ħtieġa assoluta għal azzjoni immedjata sabiex jiġi rrimedjat.

Artikolu 11

1. It-test finali fil-lingwa oriġinali tar-regolament tekniku għandu wkoll jiġi kkomunikat.

2. L-arranġamenti amministrattivi għan-notifiki msemmija hawn fuq huma disposti fl-Anness III.

Artikolu 12

1. L-Artikoli 3 sa 10 m'għandhomx japplikaw għal dawk il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u tal-Bulgarija jew għal Ftehim volontarji li permezz tagħhom l-Istati Membri jew il-Bulgarija:

— safejn l-Istati Membri huma konċernati, jikkonformaw ma' atti tal-Komunità li jorbtu li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi, u safejn hija konċernata l-Bulgarija jittrasponu f'liġi nazzjonali atti tal-Komunità li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi,

— safejn l-Istati Membri huma konċernati, jissodisfaw l-obbligi li ġejjin minn Ftehim internazzjonali li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew regoli dwar is-servizzi komuni fil-Komunità,

— safejn hija konċernata l-Bulgarija, jissodisfaw l-obbligi li ġejjin minn Ftehim internazzjonali li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew regoli dwar is-servizzi komuni fil-Bulgarija u fil-Komunità,

— jagħmlu użu minn klawżoli ta' salvagwardja provduti f'atti tal-Komunità li jorbtu,

— japplikaw l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2001/95/KE [1],

— jirrestriġġu lilhom infushom għall-implimentazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,

— jirrestriġġu lilhom infushom għall-emenda ta' regolament tekniku fi ħdan it-tifsira tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1, skond talba tal-Kummissjoni, bl-għan li jitneħħa ostaklu għall-kummerċ jew, fil-każ tar-regoli dwar is-servizzi, għall-moviment liberu tas-servizzi jew għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' l-operaturi tas-servizzi.

2. L-Artikoli 9 u 10 m'għandhomx japplikaw għal-liġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u tal-Bulgarija li jipprojbixxu l-manifattura sakemm dawn ma jfixklux il-moviment liberu tal-prodotti.

3. L-Artikoli 9 u 10 m'għandhomx japplikaw għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għar-rekwiżiti oħra jew għar-regoli dwar servizzi msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1.

Artikolu 13

L-informazzjoni provduta skond dan il-Ftehim għandha titqies bħala kunfidenzjali meta ssir talba sabiex titqies b'dan il-mod. Madankollu, kemm il-Komunità kif ukoll il-Bulgarija, sakemm jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, jistgħu jikkonsultaw lil persuni naturali jew legali, inklużi persuni fis-settur privat, għal opinjoni esperta.

Artikolu 14

1. Il-Partijiet Kontraenti, fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni stabbilita bejn l-esperti tal-Komunità u tal-Bulgarija fil-qasam tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ, għandu jkollhom konsultazzjonijiet regolari kemm sabiex ikun żgurat il-funzjonament sodisfaċenti tal-proċedura stabbilita f'dan il-Ftehim kif ukoll sabiex jiskambjaw opinijonijiet dwar il-kummenti li ġew sottomessi minn kwalunkwe Parti Kontraenti dwar abbozz ta' regolament tekniku notifikat skond dan il-Ftehim. Barra minn hekk, b'kunsens komuni, il-Partijiet Kontraenti jista' jkollhom laqgħat *ad hoc* addizzjonali sabiex jittrattaw każijiet speċifiċi ta' interess partikolari għal kwalunkwe Parti Kontraenti.

2. Il-Bulgarija għandha taħtar espert sabiex jirrapreżentaha fil-laqgħat tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, fil-parti li tikkonċerna s-"servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni" u r-"regolamenti tekniċi". L-espert irid ikun membru tas-servizzi tal-gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija. L-espert m'għandux ikollu d-dritt li jivvota.

[1] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 011, 15.1.2002, p. 4).

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma, fil-ħin, lill-espert bid-dati tal-laqgħat, u bil-punti fl-aġenda tal-Kumitat. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni rilevanti lill-espert.

4. Fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, il-Kumitat jista' jiltaqa' mingħajr ma jkun preżenti l-espert li jirrapreżenta lir-Repubblika tal-Bulgarija. F'dak il-każ il-Bulgarija għandha tiġi informata.

Artikolu 15

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji fejn huwa applikat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija.

Artikolu 16

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xhar wara d-data li fiha l-Partijiet Kontraenti jkunu skambjaw Noti li jikkonfermaw li l-proċeduri rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ġew ikkompletati.

Artikolu 17

Dan il-Ftehim għandu jiskadi fid-data ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija ma' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 18

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bis-Slovakk, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bil-Bulgaru, b'kull test ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea

Għar-Repubblika tal-Bulgarija

ANNESS I

Lista indikattiva tas-servizzi li mhumiex koperti mit-tieni subparagrafu tal-punt 2 ta' l-Artikolu 1

1. Is-servizzi li mhumiex provduti "mill-bogħod"

Is-servizzi provduti fil-preżenza fiżika tal-fornitur u tar-riċevitur, anki jekk ikunu jinvolvu l-użu ta' apparati elettroniċi:

(a) eżamijiet mediċi jew trattament fi klinika ta' tabib billi jintuża tagħmir elettroniku fejn il-pazjent ikun fiżikament preżenti;

(b) konsultazzjoni ta' katalogu elettroniku f'ħanut bil-klijent fil-post;

(ċ) prenotazzjoni ta' biljetti ta' l-ajru f'aġenzija ta' l-ivvjaġġar fil-preżenza fiżika tal-klijent permezz ta' netwerk ta' kompjuters;

(d) logħob elettroniku disponibbli f'sala ta' logħob elettroniku (*video-arcade*) fejn il-klijent ikun fiżikament preżenti.

2. Is-servizzi li mhumiex provduti "b'mezzi elettroniċi"

Is-servizzi li jkollhom kontenut materjali anki jekk ikunu provduti permezz ta' apparati elettroniċi:

(a) magni awtomatiċi li jqassmu flus kontanti jew biljetti (karti tal-flus, biljetti tal-ferrovija);

(b) aċċess għal netwerks ta' toroq, żoni ta' parkeġġ ta' karozzi, eċċ., li jitolbu ħlas għall-użu, anki jekk ikun hemm apparati elettroniċi fid-daħla/fil-ħruġ li jikkontrollaw l-aċċess u/jew jiżguraw li jingħata l-ħlas korrett.

Servizzi off-*line*: distribuzzjoni ta' CD roms jew ta' softwer fuq disketti.

Servizzi li mhumiex provduti permezz ta' sistemi ta' pproċessar elettroniku/inventarju:

(a) servizzi ta' telefonija bil-leħen;

(b) servizzi ta' *telefax*/*telex*;

(ċ) servizzi provduti permezz ta' telefonija bil-leħen jew bil-*fax*;

(d) konsultazzjoni ta' tabib bit-telefon/*telefax*;

(e) konsultazzjoni ta' avukat bit-telefon/*telefax*;

(f) tqegħid fis-suq dirett bit-telefon/*telefax*.

3. Servizzi li mhumiex provduti "fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi"

Is-servizzi provduti bit-trażmissjoni tad-*data* mingħajr talba individwali għar-riċezzjoni fl-istess ħin minn numru mhux limitat ta' riċevituri individwali (trażmissjoni minn punt wieħed għal diversi punti):

(a) servizzi ta' xandir tat-televiżjoni (inklużi servizzi ta' kważi vidjo meta jintalab (*near-video on-demand*)), koperti mill-punt (a) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/552/KEE;

(b) servizzi ta' xandir tar-radju;

(ċ) *teletext* (fuq it-televiżjoni).

ANNESS II

Lista indikattiva tas-servizzi finanzjarji koperti mit-tielet subparagrafu tal-punt 5 ta' l-Artikolu 1

— Servizzi ta' investiment

— Operazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni

— Servizzi bankarji

— Operazzjonijiet relatati mal-fondi tal-pensjonijiet

— Servizzi relatati ma' negozjar fil-*futures* jew fl-*options*

Servizzi ta' dan it-tip jinkludu b'mod partikolari:

(a) servizzi ta' investiment imsemmija fl-Anness għad-Direttiva 2004/39/KE; servizzi ta' l-intrapriżi ta' investiment kollettiv,

(b) servizzi koperti minn attivitajiet soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku msemmi fl-Anness għad-Direttiva 2006/48/KE ([1]);

(ċ) operazzjonijiet koperti minn attivitajiet ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni msemmija:

— fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 73/239/KEE ([2]),

— fid-Direttiva 64/225/KEE ([3]),

— fid-Direttiva 92/49/KEE ([4]) u fid-Direttiva 2002/83/KE ([5]).

([1]) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (formulazzjoni mill-ġdid) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

([2]) L-Ewwel Direttiva 73/239/KEE tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 64/225/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jkunu pprovduti servizzi fir-rigward tar-riassigurazzjoni u tar-retroċessjoni (ĠU 56, 4.4.1964, p. 878/64). Direttiva kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1973.

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE.

([5]) Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE.

ANNESS III

Skond l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim, il-komunikazzjonijiet b'mezzi elettroniċi li ġejjin huma meqjusa meħtieġa:

1) riċevuti ta' notifika. Dawn jistgħu jiġu kkomunikati qabel jew flimkien mat-trażmissjoni tat-test sħiħ;

2) it-test sħiħ ta' l-abbozz notifikat;

3) għarfien li t-test ta' l-abbozz wasal, li jkun fih *inter alia*, id-data ta' skadenza rilevanti tal-perjodu ta' pawsa;

4) messaġġi li jitolbu informazzjoni supplimentari;

5) risposti li jitolbu informazzjoni supplimentari;

6) kummenti;

7) talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

8) risposti għal talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

9) talbiet għal testi finali;

10) informazzjoni li ssejjaħ perjodu ta' pawsa ta' sitt xhur.

Il-komunikazzjonijiet li ġejjin, għal issa, jistgħu jiġu trażmessi bil-*fax*, madankollu l-mezzi elettroniċi huma preferibbli:

11) testi legali jew dispożizzjonijiet regolatorji bażiċi;

12) it-test finali.

L-arranġamenti amministrattivi dwar il-komunikazzjonijiet għandhom jiġu miftiehma b'mod konġunt mill-Partijiet Kontraenti.

22006A1230(09)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija li jistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Komunità"

minn naħa waħda, u

R-RUMANIJA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet Kontraenti",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim ta' l-Ewropa li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Rumanija, min-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAW il-proċedura ta' informazzjoni dwar ir-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni li ġiet applikata fi ħdan il-Komunità Ewropea ([2]),

META JITQIES l-impenn tal-Partijiet Kontraenti sabiex jippromwovu relazzjonijiet ekonomiċi armonjużi bejniethom,

META TITQIES il-koperazzjoni li għaddejja bejn il-Partijiet Kontraenti fil-qasam tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ u l-ftehim komuni milħuq fi ħdan il-qafas ta' dik il-koperazzjoni sabiex tiġi estiża din il-proċedura ta' informazzjoni dwar ir-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni li ġiet applikata fil-Komunità għar-Rumanija,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-fini ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "prodott": kwalunkwe prodott manifatturat b'mod industrijali u kwalunkwe prodott agrikolu, inklużi l-prodotti tal-ħut;

2) "servizz": kwalunkwe servizz tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, fis-sens ta' kwalunkwe servizz normalment provdut għal remunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi.

   Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

   — "mill-bogħod": tfisser li s-servizz huwa provdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti fl-istess ħin,

   — "b'mezzi elettroniċi": tfisser li s-servizz jintbagħat inizjalment u jiġi riċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża l-kompressjoni diġitali) u ż-żamma tad-*data*, u trażmess, imwassal u riċevut kompletament b'wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra,

   — "fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi": tfisser li s-servizz huwa provdut permezz tat-trażmissjoni tad-data fuq talba individwali.

   Hemm disposta fl-Anness I lista indikattiva tas-servizzi li mhumiex koperti minn din id-definizzjoni.

   Dan il-Ftehim m'għandux japplika għal:

   — servizzi ta' xandir tar-radju,

   — servizzi ta' xandir tat-televiżjoni koperti mill-punt (a) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/552/KEE ([3]).

3) "speċifikazzjoni teknika": speċifikazzjoni inkluża f'dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi meħtieġa minn prodott bħal-livelli ta' kwalità, ir-rendiment, is-sigurtà jew id-dimensjonijiet, inklużi r-rekwiżiti applikabbli għall-prodott fir-rigward ta' l-isem li bih jinbiegħ il-prodott, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi tat-testijiet, l-ippakkjar, l-immarkar jew l-ittikkettar u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

([1]) ĠU L 357, 31.12.1994, p. 2

([2]) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18).

([3]) Id-Direttiva 89/552/KEE tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60).

Din id-definizzjoni tkopri wkoll il-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni li jintużaw fir-rigward tal-prodotti agrikoli msemmija fl-Artikolu 38(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, tal-prodotti maħsuba għall-konsum mill-bniedem u mill-annimali, u tal-prodotti mediċinali kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2001/83/KE [1], kif ukoll il-metodi u l-proċessi ta' produzzjoni relatati ma' prodotti oħra, fejn dawn għandhom effett fuq il-karatteristiċi tagħhom.

4) "rekwiżiti oħra": rekwiżit, għajr għal speċifikazzjoni teknika, impost fuq prodott sabiex jipproteġi, b'mod partikolari, lill-konsumaturi jew lill-ambjent, u li jaffettwa ċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu wara li jkun tqiegħed fis-suq, bħall-kundizzjonijiet ta' l-użu, tar-riċiklaġġ, ta' l-użu mill-ġdid jew tar-rimi, fejn kundizzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jinfluwenzaw b'mod sinifikanti l-kompożizzjoni jew in-natura tal-prodott jew it-tqegħid fis-suq tiegħu;

5) "regola dwar is-servizzi": rekwiżit ta' natura ġenerali relatat mal-bidu u ma' l-issuktar ta' attivitajiet ta' servizz fi ħdan it-tifsira tal-punt 2, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw lill-fornitur tas-servizz, lis-servizzi u lir-riċevitur tas-servizzi, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe regola li mhix immirata speċifikament għas-servizzi ddefiniti fih.

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli relatati ma' kwistjonijiet li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni, iddefiniti bħala "servizzi li l-provvista tagħhom tikkonsisti b'mod shiħ jew b'mod parzjali fit-trażmissjoni u fir-rotta tas-sinjali fuq netwerk ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' proċessi ta' mezzi ta' telekomunikazzjoni, bl-eċċezzjoni taxxandir tar-radju u tat-televiżjoni" [2].

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli relatati ma' kwistjonijiet li huma koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, kif inhuma elenkati b'mod mhux eżawrjenti fl-Anness II għal dan il-Ftehim.

Bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 11, dan il-Ftehim m'għandux japplika għar-regoli li ddaħħlu fis-seħħ minn jew għal swieq irregolati fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE [3] jew minn jew għal swieq jew korpi oħrajn li jwettqu funzjonijiet ta' kklerjar jew ta' pagament għal dawn is-swieq.

Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni:

— regola għandha titqies li hija speċifikament immirata għas-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni fejn, wara li tqiesu d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u l-parti operattiva tagħha, l-għan u l-oġġett speċifiku tad-dispożizzjonijiet individwali tagħha kollha jew ta' wħud minnhom ikun li jiġu rregolati servizzi ta' dan it-tip b'mod espliċitu u mmirat,

— regola m'għandhiex titqies li hija speċifikament immirata għas-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni jekk taffettwa servizzi ta' dan it-tip b'mod impliċitu jew inċidentali biss.

6) "regolament tekniku": speċifikazzjonijiet tekniċi u rekwiżiti oħra jew regoli dwar servizzi, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti, li l-osservanza tagħhom hija obbligatorja, *de jure* jew *de facto*, fil-każ tat-tqegħid fis-suq, tal-provvista ta' servizz, ta' l-istabbiliment ta' operatur ta' servizz jew ta' l-użu f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istati Membri", jew fir-Rumanija jew f'parti kbira minnha, kif ukoll liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew tar-Rumanija, ħlief dawk provduti fl-Artikolu 12, li jipprojbixxu l-manifattura, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' prodott jew li jiprojbixxu l-provvista jew l-użu ta' servizz, jew l-istabbiliment ta' fornitur tas-servizz.

Ir-regolamenti tekniċi *de facto* jinkludu:

— liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi ta' Stat Membru jew tar-Rumanija li jirreferu jew għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew għal rekwiżiti oħra jew għal regoli dwar servizzi, jew għal kodiċijiet professjonali jew kodiċijiet ta' prattika li min-naħa tagħhom jirreferu għal speċifikazzjonijiet tekniċi jew għal rekwiżiti oħra jew għal regoli dwar -servizzi, li konformità magħhom tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità ma' l-obbligi imposti mil-liġijiet, mir-regolamenti jew mid-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija aktar 'il fuq,

— Ftehim volontarji li għalihom hija parti kontraenti awtorità pubblika u li jipprovdu, fl-interess ġenerali, għall-konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ma' rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi, bl-esklużjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet ta' offerti għax-xiri pubbliku,

— speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi li huma konnessi ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jinkoraġixxu l-konformità ma' speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi ta' dan it-tip; speċifikazzjonijiet tekniċi jew rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi konnessi mas-sistemi tas-sigurtà soċjali nazzjonali mhumiex inklużi.

[1] Id-Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/27/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 34).

[2] Din id-definizzjoni hija applikabbli permezz tad-Direttiva 98/48/KE li tagħmel referenza għad-Direttiva 90/387/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar l-istabbiliment tas-suq intern għas-servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni permezz ta' l-implimentazzjoni tal-provvista ta' netwerk miftuħ. (ĠU L 192, 24.7.1990, p. 1). Id-Direttiva ta' l-aħħar ġiet revokata mid-Direttiva 2002/21/KE dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 3). Madankollu, id-definizzjoni ta' "servizzi tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni" li tinsab fid-Direttiva 90/387/KEE għandha tinżamm għall-finijiet tad-Direttiva 98/48/KE.

[3] Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1). Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2006/31/KE (ĠU L 114, 27.4.2006, p. 60).

Dan jinkludi regolamenti tekniċi imposti mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri u li jidhru f'lista [1] mfassla mill-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Kummissjoni") fil-qafas tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE. Ir-Rumanija għandha tfassal lista ta' dan it-tip u tgħaddiha lill-Kummissjoni fl-ewwel ġurnata ta' l-ewwel xhar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Biex tiġi emendata din il-lista għandha tintuża l-istess proċedura.

7) "abbozz ta' regolament tekniku": it-test ta' speċifikazzjoni teknika jew rekwiżit ieħor jew ta' regola dwar is-servizzi, inklużi dispożizzjonijiet amministrattivi, ifformulat bl-għan li jiddaħħal fis-seħħ jew li fl-aħħar mill-aħħar jiddaħħal fis-seħħ bħala regolament tekniku, bit-test ikun fi stadju ta' preparazzjoni fejn ikunu għadhom jistgħu jsiru emendi sostanzjali.

Artikolu 2

Dan il-Ftehim m'għandux japplika għal dawk il-miżuri li l-Istati Membri jqisu li jkunu meħtieġa skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew li r-Rumanija tqis li jkunu meħtieġa għall-protezzjoni tal-persuni, b'mod partikolari tal-ħaddiema, meta jintużaw il-prodotti, sakemm miżuri ta' dan it-tip ma jaffettwawx lill-prodotti.

Artikolu 3

1. Suġġett għall-Artikolu 12, il-Komunità għandha tinnotifika lir-Rumanija bl-abbozzi tar-regolamenti tekniċi notifikati lilha mill-Istati Membri tagħha. Fejn dawn ir-regolamenti tekniċi sempliċement jittrasponu t-test sħiħ ta' standard internazzjonali jew Ewropew, l-informazzjoni dwar l-istandard rilevanti għandha tkun biżżejjed. Għandha wkoll tħalli li r-Rumanija jkollha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jagħmlu d-dħul fis-seħħ ta' regolament tekniku ta' dan it-tip meħtieġ, fejn dawn ma jkunux diġà ġew iċċarati fl-abbozz.

2. Suġġett għall-Artikolu 12, ir-Rumanija għandha bl-istess mod tinnotifika lill-Komunità Ewropea bl-abbozzi tar-regolamenti tekniċi tagħha. Fejn dawn ir-regolamenti tekniċi sempliċement jittrasponu t-test sħiħ ta' standard internazzjonali jew Ewropew, l-informazzjoni dwar l-istandard rilevanti għandha tkun biżżejjed. Għandha wkoll tħalli li l-Komunità jkollha dikjarazzjoni tar-raġunijiet li jagħmlu d-dħul fis-seħħ ta' regolament tekniku ta' dan it-tip meħtieġ, fejn dawn ma jkunux diġà ġew iċċarati fl-abbozz.

Artikolu 4

Test sħiħ ta' l-abbozz tar-regolament tekniku notifikat għandu jkun disponibbli fil-lingwa oriġinali kif ukoll fi traduzzjoni sħiħa f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjonià Ewropea.

Artikolu 5

1. Fejn ikun xieraq, u sakemm ma jkunx diġà ntbagħat b'komunikazzjoni preċedenti, test sħiħ fil-lingwa oriġinali tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolatorji bażiċi prinċipalment u direttament ikkonċernati għandu wkoll ikun ikkomunikati fl-istess ħin, jekk l-għarfien ta' test ta' dan it-tip ikun meħtieġ sabiex jiġu vvalutati l-implikazzjonijiet ta' l-abbozz tar-regolament tekniku notifikat.

2. Fejn, b'mod partikolari, l-abbozz ifittex li jillimita t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika, ta' preparazzjoni jew ta' prodott minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika jew ta' protezzjoni tal-konsumaturi jew ta' l-ambjent, l-Istati Membri u r-Rumanija għandhom ukoll jgħaddu jew sommarju jew ir-referenzi tad-*data* kollha rilevanti relatata mas-sustanza, mal-preparazzjoni jew mal-prodott ikkonċernat u mas-sostituti magħrufa u disponibbli, fejn informazzjoni ta' dan it-tip tista' tkun disponibbli, u jikkomunikaw l-effetti antiċipati tal-miżura fuq is-saħħa pubblika u fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u ta' l-ambjent, flimkien ma' analiżi tar-riskju mwettqa kif inhu xieraq skond il-prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi kif imsemmija fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 [2] fil-każ ta' sustanza eżistenti jew fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 67/548/KEE [3], fil-każ ta' sustanza ġdida.

Artikolu 6

L-Istati Membri u r-Rumanija għandhom jerġgħu jikkomunikaw l-abbozz fil-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jekk jagħmlu bidliet fl-abbozz li jkollhom l-effett li jbiddlu l-ambitu tiegħu b'mod sinifikanti, fejn iqassru l-programm previst oriġinarjament għall-implimentazzjoni, iżidu speċifikazzjonijiet jew rekwiżiti, jew jagħmlu lil dawn ta' l-aħħar aktar restrittivi. It-trażmissjoni ta' dawn il-komunikazzjonijiet għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3.

Artikolu 7

Kull Parti Kontraenti tista' titlob aktar informazzjoni dwar abbozz ta' regolament tekniku notifikat skond dan il-Ftehim.

Artikolu 8

1. Il-Komunità u r-Rumanija jistgħu jagħmlu kummenti dwar l-abbozzi tar-regolamenti tekniċi kkomunikati. Il-kummenti tar-Rumanija għandhom jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni u l-kummenti tal-Komunità għandhom jiġu mgħoddija mill-Kummissjoni lir-Rumanija.

2. L-Istati Membri u r-Rumanija għandhom iqisu kemm jista' jkun possibbli kummenti ta' dan it-tip fil-preparazzjoni sussegwenti tar-regolament tekniku.

3. Fir-rigward ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' rekwiżiti oħra jew regoli dwar is-servizzi msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1, il-kummenti tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jikkonċernaw biss aspetti li jistgħu jfixklu l-kummerċ jew, fir-rigward tar-regoli dwar is-servizzi, il-moviment liberu tas-servizzi jew il-libertà ta' l-istabbiliment ta' operaturi tas-servizzi u mhux l-aspetti fiskali jew finanzjarji tal-miżura.

[1] ĠU C 23, 27.1.2000, p. 3.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti (ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1).

[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi (ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, 30.4.2004, p. 1).

4. Meta jkun invokat perjodu ta' pawsa ta' sitt xhur skond ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni għandha tinforma lir-Rumanija b'dan.

Artikolu 9

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u tar-Rumanija għandhom jipposponu l-adozzjoni ta' l-abbozz tar-regolamenti tekniċi notifikati għal tliet xhur mid-data li fiha l-Kummissjoni tirċievi t-test ta' l-abbozz tar-regolament.

Artikolu 10

Il-perjodu ta' pawsa msemmi fl-Artikolu 9 m'għandux japplika f'dawk il-każijiet fejn:

— għal raġunijiet urġenti, li jkunu r-riżultat ta' ċirkostanzi serji u imprevedibbli relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà pubblika, mal-protezzjoni ta' l-annimali jew mal-preservazzjoni tal-pjanti u, għar-regoli dwar is-servizzi, ukoll għall-politika pubblika, notevolment il-protezzjoni tal-minorenni, l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jip-preparaw regolamenti tekniċi fi żmien qasir ħafna sabiex idaħħluhom fis-seħħ u jintroduċuhom immedjatament min-ħajr ma tkun possibbli l-ebda konsultazzjoni jew

— għal raġunijiet urġenti li jkunu r-riżultat ta' ċirkostanzi serji relatati mal-protezzjoni tas-sikurezza u ta' l-integrità tas-sistema finanzjarja, notevolment il-protezzjoni tad-depożitaturi, ta' l-investituri u tal-persuni assigurati, l-awtoritajiet kompetenti jkunu obbligati li jdaħħlu fis-seħħ u jimplimentaw regoli dwar is-servizzi finanzjarji immedjatament.

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw l-urġenza tal-miżuri meħuda. Il-ġustifikazzjoni għall-miżuri urġenti għandha tkun iddettaljata u spjegata b'mod ċar b'enfasi partikolari fuq l-imprevedibbiltà u s-serjetà tal-periklu ffaċċjat mill-awtoritajiet konċernati kif ukoll il-ħtieġa assoluta għal azzjoni immedjata sabiex jiġi rrimedjat.

Artikolu 11

1. It-test finali fil-lingwa oriġinali tar-regolament tekniku għandu wkoll jiġi kkomunikat.

2. L-arranġamenti amministrattivi għan-notifiki imsemmija hawn fuq huma disposti fl-Anness III.

Artikolu 12

1. L-Artikoli 3 sa 10 m'għandhomx japplikaw għal dawk il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u tar-Rumanija jew għal Ftehim volontarji li permezz tagħhom l-Istati Membri jew ir-Rumanija:

— safejn l-Istati Membri huma konċernati jikkonformaw ma' atti tal-Komunità li jorbtu li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi, u safejn hija konċernata r-Rumanija jittrasponu f'liġi nazzjonali atti tal-Komunità li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi,

— safejn l-Istati Membri huma konċernati, jissodisfaw l-obbligi li ġejjin minn Ftehim internazzjonali li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi komuni fil-Komunità,

— safejn hija konċernata r-Rumanija, jissodisfaw l-obbligi li ġejjin minn Ftehim internazzjonali li jirriżultaw fl-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi jew ta' regoli dwar is-servizzi komuni fir-Rumanija u fil-Komunità,

— jagħmlu użu minn klawżoli ta' salvagwardja provduti f'atti tal-Komunità li jorbtu,

— japplikaw l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2001/95/KE [1],

— jirrestriġu lilhom infushom għall-implimentazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,

— jirrestriġu lilhom infushom għall-emenda ta' regolament tekniku fi ħdan it-tifsira tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1, skond talba tal-Kummissjoni, bl-għan li jitneħħa ostaklu għall-kummerċ jew, fil-każ tar-regoli dwar is-servizzi, għall-moviment liberu tas-servizzi jew għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' l-operaturi tas-servizzi.

2. L-Artikoli 9 u 10 m'għandhomx japplikaw għal-liġijiet, għar-regolamenti u għad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u tar-Rumanija li jipprojbixxu l-manifattura sakemm dawn ma jfixklux il-moviment liberu tal-prodotti.

3. L-Artikoli 9 u 10 m'għandhomx japplikaw għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew għar-rekwiżiti oħra jew għar-regoli dwar is-servizzi msemmija fit-tielet inċiż tat-tieni subparagrafu tal-punt 6 ta' l-Artikolu 1.

Artikolu 13

L-informazzjoni provduta skond dan il-ftehim għandha titqies bħala kunfidenzjali meta ssir talba sabiex titqies b'dan il-mod. Madankollu, kemm il-Komunità kif ukoll ir-Rumanija, sakemm jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, jistgħu jikkonsultaw lil persuni naturali jew legali, inklużi persuni fis-settur privat, għal opinjoni esperta.

Artikolu 14

1. Il-Partijiet Kontraenti, fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni stabbilita bejn l-esperti tal-Komunità u tar-Rumanija fil-qasam tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ, għandu jkollhom konsultazzjonijiet regolari kemm sabiex ikun żgurat il-funzjonament sodisfaċenti tal-proċedura stabbilita f'dan il-Ftehim kif ukoll sabiex jiskambjaw l-opinjonijiet dwar il-kummenti li jkunu ġew sottomessi minn kwalunkwe Parti Kontraenti dwar abbozz ta' regolament tekniku notifikat skond dan il-Ftehim. Barra minn hekk, b'kunsens komuni, il-Partijiet Kontraenti jista' jkollhom laqgħat *ad hoc* addizzjonali sabiex jittrattaw każijiet speċifiċi ta' interess partikolari għal kwalunkwe Parti Kontraenti.

2. Ir-Rumanija għandha taħtar espert sabiex jirrapreżentaha fil-laqgħat tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE, fil-parti li tikkonċerna s-"servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni" u r-"regolamenti tekniċi". L-espert irid ikun membru tas-servizzi tal-gvern tar-Rumanija. L-espert m'għandux ikollu d-dritt li jivvota.

[1] Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 011, 15.1.2002, p. 4).

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma, fil-ħin, lill-espert biddati tal-laqgħat u bil-punti fuq l-aġenda tal-Kumitat. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-informazzjoni rilevanti lill-espert.

4. Fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, il-Kumitat jista' jiltaqa' mingħajr ma jkun preżenti l-espert li jirrapreżenta lir-Rumanija. F'dak il-każ ir-Rumanija għandha tiġi informata.

Artikolu 15

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom huwa applikat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u fil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tar-Rumanija.

Artikolu 16

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xhar wara d-data li fiha l-Partijiet Kontraenti jkunu skambjaw Noti li jikkonfermaw li l-proċeduri rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu ġew ikkompletati.

Artikolu 17

Dan il-Ftehim għandu jiskadi fid-data ta' l-adeżjoni tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 18

Dan il-Ftehim huwa mfassal duplikatament biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, fil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Sloven, bis-Slovakk, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bir-Rumen, b'kull test ugwalment awtentiku.

Għall-Komunità Ewropea *Għar-Rumanija*

ANNESS I

Lista indikattiva tas-servizzi li mhumiex koperti mit-tieni subparagrafu tal-punt 2 ta' l-Artikolu 1

1. *Is-servizzi li mhumiex provduti "mill-bogħod"*

Is-servizzi provduti fil-preżenza fiżika tal-fornitur u tar-riċevitur, anki jekk ikunu jinvolvu l-użu ta' apparati elettroniċi:

(a) eżamijiet mediċi jew trattament fi klinika ta' tabib billi jintuża tagħmir elettroniku fejn il-pazjent ikun fiżikament preżenti;

(b) konsultazzjoni ta' katalogu elettroniku f'ħanut bil-klijent fil-post;

(ċ) prenotazzjoni ta' biljetti ta' l-ajru f'aġenzija ta' l-ivvjaġġar fil-preżenza fiżika tal-klijent permezz ta' netwerk ta' kompjuters;

(d) logħob elettroniku disponibbli f'sala tal-logħob elettroniku (*video-arcade*) fejn il-klijent ikun fiżikament preżenti.

2. *Is-servizzi li mhumiex provduti "b'mezzi elettroniċi"*

Is-servizzi li jkollhom kontenut materjali anki jekk ikunu provduti permezz ta' apparati elettroniċi:

(a) magni awtomatiċi li jqassmu flus kontanti jew biljetti (karti tal-flus, biljetti tal-ferrovija);

(b) aċċess għal netwerks ta' toroq, żoni ta' parkeġġ tal-karozzi, eċċ., li jitolbu ħlas għall-użu, anki jekk ikun hemm apparati elettroniċi fid-daħla/fil-ħruġ li jikkontrollaw l-aċċess u/jew jiżguraw li jingħata l-ħlas korrett.

Servizzi *off-line*: distribuzzjoni ta' CD roms jew ta' softwer fuq disketti.

Servizzi li mhumiex provduti permezz ta' sistemi ta' pproċessar elettroniku/inventarju:

(a) servizzi ta' telefonija bil-leħen;

(b) servizzi ta' *telefax*/*telex*;

(ċ) servizzi provduti permezz ta' telefonija bil-leħen jew bil-*fax*;

(d) konsultazzjoni ta' tabib bit-telefon/*telefax*;

(e) konsultazzjoni ta' avukat bit-telefon/*telefax*;

(f) tqegħid fis-suq dirett bit-telefon/*telefax*.

3. *Servizzi li mhumiex provduti "fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi"*

Servizzi provduti bit-trażmissjoni tad-*data* mingħajr talba individwali għar-riċezzjoni fl-istess ħin minn numru mhux limitat ta' riċevituri individwali (trażmissjoni minn punt wieħed għal diversi punti):

(a) servizzi ta' xandir tat-televiżjoni (inklużi servizzi ta' kważi vidjo meta jintalab (*near-video on-demand*)), koperti mill-punt (a) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/552/KEE;

(b) servizzi ta' xandir tar-radju;

(ċ) *teletext* (fuq it-televiżjoni).

ANNESS II

Lista indikattiva tas-servizzi finanzjarji koperti mit-tielet subparagrafu tal-punt 5 ta' Artikolu 1

— Servizzi ta' investiment

— Operazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni

— Servizzi bankarji

— Operazzjonijiet relatati mal-fondi tal-pensjonijiet

— Servizzi relatati ma' negozjar fil-*futures* jew fl-*options*

Servizzi ta' dan it-tip jinkludu, b'mod partikolari:

(a) servizzi ta' investiment imsemmija fl-Anness għad-Direttiva 2004/39/KE; servizzi ta' intrapriżi ta' investiment kollettiv,

(b) servizzi koperti minn attivitajiet soġġetti għar-rikonoxximent reċiproku msemmija fl-Anness għad-Direttiva 2006/48/KE ([1]),

(ċ) operazzjonijiet koperti minn attivitajiet ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni msemmija:

— fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 73/239/KEE ([2]),

— fid-Direttiva 64/225/KEE ([3]),

— fid-Direttiva 92/49/KEE ([4]) u fid-Direttiva 2002/83/KE ([5]).

([1]) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (formulazzjoni mill-ġdid) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

([2]) L-Ewwel Direttiva 73/239/KEE tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 64/225/KEE tal-25 ta' Frar 1964 dwar it-tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jkunu pprovduti servizzi fir-rigward tar-riassigurazzjoni u tar-retroċessjoni (ĠU 56, 4.4.1964, p. 878/64). Direttiva kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1973.

([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE.

([5]) Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja (ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1). Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2005/68/KE.

ANNESS III

Skond l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim, il-komunikazzjonijiet b'mezzi elettroniċi li ġejjin jitqiesu meħtieġa:

1) riċevuti ta' notifika. Dawn jistgħu jiġu kkomunikati qabel jew flimkien mat-trażmissjoni tat-test sħiħ;

2) it-test sħiħ ta' l-abbozz notifikat;

3) għarfien li t-test ta' l-abbozz wasal, li jkun fih *inter alia*, id-data ta' skadenza rilevanti tal-perjodu ta' pawsa;

4) messaġġi li jitolbu informazzjoni supplimentari;

5) risposti li jitolbu informazzjoni supplimentari;

6) kummenti;

7) talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

8) risposti għal talbiet għal laqgħat *ad hoc*;

9) talbiet għal testi finali;

10) informazzjoni li ssejjaħ perjodu ta' pawsa ta' sitt xhur.

Il-komunikazzjonijiet li ġejjin, għal issa, jistgħu jiġu trażmessi bil-*fax*, madankollu l-mezzi elettroniċi huma preferibbli:

11) testi legali jew dispożizzjonijiet regolatorji bażiċi;

12) it-test finali.

L-arranġamenti amministrattivi dwar il-komunikazzjonijiet għandhom jiġu miftiehma b'mod konġunt mill-Partijiet Kontraenti.

32006R1988

30.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 411/1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2006/1007/ĠAI

tal-21 ta' Diċembru 2006

li temenda d-Deċiżjoni Nru 2001/886/ĠAI dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1)(a) u (b), l-Artikolu 31(1)(a) u (b) u l-Artikolu 34(2)(ċ) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) [1] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/886/ĠAI [2] jikkostitwixxu l-bażi leġislattiva meħtieġa li tippermetti l-inklużjoni fil-baġit ta' l-Unjoni Ewropea l-approprjazzjonijiet finanzjarji meħtieġa għall-iżvilupp tas-SIS II u għall-eżekuzzjoni ta' dik il-parti tal-baġit. Kemm id-Deċiżjoni Nru 2001/886/ĠAI kif ukoll ir-Regolament (KE) Nru 2424/2001 jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2006.

(2) L-iżvilupp tas-SIS II ser jieħu aktar fit-tul milli maħsub inizjalment u dan jeħtieġ id-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet finanzjarji wara l-31 ta' Diċembru 2006.

(3) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' validità tad-Deċiżjoni Nru 2001/886/ĠAI sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta dak il-baġit wara l-2006 sabiex tlesti l-proġett ta' żvilupp tas-SIS II inkluż l-istabbiliment ta' l-istruttura tal-komunikazzjoni.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 jiddikjaraw li għall-fażi ta' żvilupp tas-SIS II l-unità ċentrali tas-SIS II għandha tkun Franza u l-unità ċentrali ta' riserva għandha tkun fl-Awstrija suġġett għal ċerti arranġamenti li jkunu meħtieġa qabel ma s-sit isir operattiv. Il-ġestjoni operattiva u r-responsabbiltà għall-koperazzjoni mal-Kummissjoni għal dan is-sit għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' Franza u ta' l-Awstrija rispettivament.

(5) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi mogħti lill-Kummissjoni l-kompitu tal-preparazzjoni ta' l-integrazzjoni teknika fis-SIS II, b'mod partikolari ta' l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004.

(6) Id-Deċiżjoni 2001/886/ĠAI għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(7) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni fil-futur ta' l-istrumenti leġislattivi għall-istabbiliment, funzjonament u użu tas-SIS II.

(8) Manque traduction

(9) Ir-Renju Unit qiegħed jipparteċipa f'din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat tal-Komunità Ewropea u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000, dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jipparteċipaw f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [3].

[1] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
[2] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
[3] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

(10) L-Irlanda qiegħda tipparteċipa f'din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikoli 5(1) u 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tipparteċipa f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen ([1]).

(11) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([2]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(12) Fir-rigward ta' l-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE ([3]) dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2001/886/ĠAI hija b'dan emendata kif ġej:

1) għandha tiżdied is-sentenza li ġejja ma' l-Artikolu 2:

"L-iżvilupp jinkludi l-preparazzjoni ta' l-integrazzjoni teknika fis-SIS II, b'mod partikolari ta' l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004.";

2) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4A*

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabblità tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tas-SIS II, l-unità ċentrali tas-SIS II għandha tkun fi Strasbourg (Franza) u l-unità ċentrali ta' riserva f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija) matul l-iżilupp tas-sistema.

2. Franza u l-Awstrija għandhom jipprovdu l-infrastruttura u l-mezzi xierqa sabiex jospitaw l-unità ċentrali u l-unità ċentrali ta' riserva tas-SIS II rispettivament matul l-iżvilupp tas-sistema.

3. L-awtorità nazzjonali li tkun responsabbli mill-infrastruttura u l-mezzi msemmija fil-paragrafu 2 tista' tirċievi għotja mill-Komunità għat-tħejjija u l-manutenzjoni tas-sit jew għall-fornitura ta' servizzi oħra meħtieġa sabiex tkun ospitata s-SIS II matul l-iżvilupp tagħha.";

3) fl-Artikolu 7, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([3]) ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.

32006R1989

L 411/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1989/2006

tal-21 ta' Diċembru 2006

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 56 ta' l-Att ta' Adeżjoni, fejn atti li jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jeħtieġu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa mhumiex previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-atti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, sakemm ma tkunx il-Kummissjoni li tkun adottat l-att oriġinali.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [3] jiddefinixxi r-regoli ġenerali li jirregolaw l-għajnuna tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Fond ta' Koeżjoni u l-objettivi tagħhom. Skond l-Artikolu 53, l-Anness III ta' dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-limiti massimi applikabbli għar-rati ta' ko-finanzjament fil-programmi operattivi, mill-Istati Membri u skond l-objettiv, abbażi ta' kriterji oġġettivi. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jiġi adattat sabiex jieħu in konsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(3) Jeħtieġ li jkun żgurat li kwalunkwe adattament tekniku għal-leġiżlazzjoni li tirregola l-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ikun adottat minnufih biex jippermetti lill-Bulgarija u lir-Rumanija li jressqu dokumenti ta' programmazzjoni mid-data ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 huwa b'dan mibdul bit-test fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ biss suġġett għal u fid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

---

[1] ĠU L 157, 21.6.2005, p. 11.
[2] ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203.
[3] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

ANNESS

"ANNESS III

Il-limiti massimi applikabbli għar-rati ta' ko-finanzjament

(imsemmija fl-Artikolu 53)

Kriterji	Stati Membri	Il-FEŻR u l-FES Perċentwali tan-nefqa eliġibbli	Il-Fond ta' Koeżjoni Perċentwali tan-nefqa eliġibbli
(1) L-Istati Membri li l-PGD medju per capita tagħhom għall-perjodu 2001-2003 kien inqas minn 85 % tal-medja ta' l-UE 25 tul l-istess perjodu	Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Solvenja, is-Slovakkja	85 % għall-objettivi ta' Konverġenza u ta' 'Kompetittività Reġjonali u Impjiegi'	85 %
(2) L-Istati Membri għajr dawk taħt (1) eliġibbli għar-reġim transizzjonali tal-Fond ta' Koeżjoni fl-1 ta' Jannar 2007	Spanja	80 % għall-objettiv ta' Konverġenza u r-reġjuni ta' dħul gradwali taħt l-objettivi tal-Kompetittività Reġjonali u Impjiegi 50 % għall-objettivi ta' Kompetittività Reġjonali u Impjiegi barra r-reġjuni ta' dħul gradwali	85 %
(3) L-Istati Membri għajr dawk imsemmija taħt (1) u (2)	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit	75 % għall-objettiv ta' Konverġenza	—
(4) L-Istati Membri għajr dawk imsemmija taħt (1) u (2)	Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit	50 % għall-objettiv ta' Kompetittività Reġjonali u Impjiegi	—
(5) Ir-reġjuni l-aktar estremi imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat li jibbenefikaw mill-allokazzjoni addizzjonali għal dawn ir-reġjuni prevista fil-paragrafu 20 ta' l-Anness II	Spanja, Franza u l-Portugall	50 %	—
(6) Ir-reġjuni l-aktar estremi imsemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat	Spanja, Franza u l-Portugall	85 % taħt l-objettivi ta' Konverġenza u ta' Kompetittività Reġjonali u Impjiegi	—"

32006R1990

L 411/10 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.12.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1990/2006

tal-21 ta' Diċembru 2006

dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja għall-Att ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja "Programm Ignalina"

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Att ta' l-adeżjoni ta' l-2003, u b'mod partikolari l-Artikoli 56 tiegħu u l-Protokoll Nru 4 għalih,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] (hawn aktar 'il quddiem "ir-Regolament Finanzjarju"),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2342/2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju [2],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea intrabtet li tkompli tipprovdi assistenza addizzjonali tal-Komunità Ewropea adegwata għall-isforz tal-Litwanja għad-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina wara l-adeżjoni tal-Litwanja ma' l-Unjoni għall-perijodu sa l-2006 u lil hinn. Dan l-impenn sar formalment fil-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja, kif anness għall-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

(2) Konxja ta' din l-espressjoni ta' solidarjetà min-naħa ta' l-Unjoni, il-Litwanja intrabtet li tagħlaq l-Unita 1 ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina qabel l-2005 u l-Unità 2 sal-31 ta' Diċembru 2009 u li sussegwentement tiddiżattiva dawn l-unitajiet. Programm ta' assistenza b'baġit ta' EUR 285 miljun ġie stabbilit biex ikopri l-perijodu 2004-2006.

(3) Id-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina b'żewġ reatturi tat-tip MW RBMK 1 500 li ntwirtu minn dik li qabel kient l-Unjoni Sovjetika hija mingħajr preċedent u tirrappreżenta piż finanzjarju eċċezzjonali għal-Litwanja li mhuwiex proporzjonat mad-daqs u s-saħħa ekonomika tal-pajjiż. Din id-diżattivazzjoni ser tkompli lil hinn mill-Perspettivi Finanzjarji attwali tal-Komunità.

(4) Il-Protokoll Nru 4 jgħid li l-Programm Ignalina għall-2004-2006 ser jitkompla mingħajr waqfien u estiż lil hinn mill-2006 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 56 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003; u dan il-programm estiż ser ikun ibbażat fuq l-istess elementi u prinċipji bħall-programm 2004-2006.

(5) Jeħtieġ għalhekk li jiġu adottati r-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-assistenza Komunitarja addizzjonali għall-perijodu 2007-2013 sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi ta' l-għeluq u d-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina.

(6) Il-Prokoll Nru 4 jgħid li għall-perijodu tal-Perspettivi Finanzjarji li jmiss, l-approprjazzjonijiet medji ġenerali taħt il-Programm Ignalina estiż għandhom ikunu adatti. L-ipprogrammar ta' dawn ir-riżorsi ser ikun ibbażat fuq il-ħtiġijiet attwali ta' ħlas u l-kapaċità ta' assorbiment.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

[2] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

(7) Il-Protokoll Nru 4 jipprevedi rotot ta' implimentazzjoni differenti sabiex l-assistenza tissodisfa l-ġhanijiet imsemmija hawn fuq, inkluż il-forniment dirett ta' assistenza lil-Litwanja permezz ta' Korp Amministrattiv Nazzjonali, akkreditat ġhal deċentralizzazzjoni kompleta, taħt liema ġew implimentati l-programmi annwali ġhall-perijodu 2004-2006. B'konsegwenza, il-Litwanja ġhandha struttura ta' implimentazzjoni nazzjonali adatta bil-ġhan li jiġu implimentati l-miżuri taħt il-Protokoll Nru 4 permezz ta' aġenzija nazzjonali konformi mad-delegazzjoni ta' kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit taħt l-Artikoli 53(2) u 54(2)(ċ) tar-Regolament Finanzjarju.

(8) Fondi internazzjonali ġhad-diżattivazzjoni amministrati mill-Bank Ewropew ġhar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) ilhom jeżistu ġhal numru ta' snin. B'mod partikolari permezz tal-programm Phare, il-Komunità hija l-kontributur ewlieni ġhal dawn il-fondi.

(9) B'konsegwenza, ġhandha tiġi prevista kontribuzzjoni mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea ġhall-iffinanzjar tad-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina matul il-perijodu mill-2007 sa l-2013.

(10) L-assistenza finanzjarja tista' tkompli tkun disponibbli bħala kontribuzzjoni Komunitarja ġhall-Fond Internazzjonali ta' Sostenn ġhad-Diżattivazzjoni ta' Ignalina amministrat mill-EBRD.

(11) Il-Programm Ignalina jinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ ġhall-persunal ta' l-impjant biex iżomm livell ġholi ta' sigurtà operattiva fl-Impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-perijodi ta' qabel l-ġheluq u waqt id-diżattivazzjoni ta' l-unitajiet reatturi.

(12) Il-kompiti ta' l-EBRD jinkludu l-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi allokati lill-programmi ġhad-diżattivazzjoni ta' l-impjanti ta' l-enerġija nukleari u l-monitoraġġ ta' l-amministrazzjoni finanzjarja ta' dawn il-programmi sabiex ikun ottimizzat l-użu tal-flus pubbliċi. Barra minn hekk l-EBRD iwettaq il-kompiti tal-baġit fdati lilu mill-Kummissjoni f'konformità mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu 53(7) tar-Regolament Finanzjarju.

(13) Id-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina ser titwettaq f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-ambjent, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar il-valutazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [1].

(14) Huwa inkluż f'dan ir-Regolament ammont finanzjarju ta' referenza, fis-sens tal-punt 38 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda [2], ġhat-tul taż-żmien kollu tal-programm, mingħajr preġudizzju ġhas-setgħat ta' l-awtorità baġitarja kif definita fit-Trattat.

(15) Il-miżuri meħtieġa ġhall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ġhandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri ġhall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni [3],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati ġhall-implimentazzjoni matul il-perijodu 2007-2013 tal-Protokoll Nru 4 dwar l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-Litwanja, anness ġhall-Att ta' l-adeżjoni 2003.

Dawn ir-regoli ġhandhom jiżguraw li l-Programm Ignalina ser jitkompla mingħajr waqfien u estiż, skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 4.

Artikolu 2

Il-Programm Ignalina ġhandu jkopri, *inter alia*, miżuri ġhall-appoġġ tad-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina mingħajr id-deterjorazzjoni tas-sigurtà nukleari, miżuri ġhall-appoġġ ta' l-awtoritajiet tas-sigurtà nukleari fil-valutazzjoni tas-sigurtà u l-liċenzjar ta' proġetti ta' diżattivazzjoni, miżuri ġhat-titjib ambjentali f'konformità ma' l-acquis u ġhall-immodernizzar tal-kapaċità ta' produzzjoni konvenzjoni sabiex tiġi sostitwita l-kapaċità ta' produzzjoni taż-żewġ reatturi fl-impjant Ignalina u miżuri oħra li jirriżultaw mid-deċiżjoni li jingħalaq u jiġi diżattivat dan l-impjant u li jikkontribwixxu ġhar-ristrutturar meħtieġ, it-titjib ta' l-ambjent u l-immodernizzar tas-setturi tal-produzzjoni, it-trasmissjoni u d-distribuzzjoni ta' l-enerġija fil-Litwanja kif ukoll ġhat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista u l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-Litwanja.

Il-Programm Ignalina ġhandu jinkludi wkoll miżuri ta' appoġġ ġhall-persunal ta' l-impjant biex iżomm livell ġholi ta' sigurtà operattiva fl-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina fil-perijodi ta' qabel l-ġheluq u waqt id-diżattivazzjoni ta' l-unitajiet reatturi.

[1] ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

[2] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

[3] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Programm Ignalina prevista fl-Artikolu 2 għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 837 miljun bil-prezzijiet attwali [1].

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. L-ammont ta' l-approprjazzjonijiet allokati għall-Programm Ignalina jista' jiġi rivedut matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 sabiex jittieħed kont tal-progress li sar bl-implimentazzjoni tal-programm u jiġi żgurat li l-ipprogrammar u l-allokazzjoni tar-riżorsi jkunu bbażati fuq ħtiġijiet attwali ta' ħlas u l-kapaċità ta' assorbiment.

Artikolu 4

Il-kontribut taħt il-Programm Ignalina jista', għal ċerti miżuri, jammonta għal sa 100 % tan-nefqa totali. Għandu jsir kull sforz biex titkompla l-prattika ta' ko-finanzjar stabbilita taħt l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni u l-assistenza mogħtija matul il-perijodu 2004-2006 għall-isforz tal-Litwanja għad-diżattivazzjoni kif ukoll biex tiġbed lejha ko-finanzjar minn sorsi oħra, skond ma jkun il-każ.

Artikolu 5

1. Il-miżuri taħt il-programm Ignalina għandhom jiġu deċiżi u implimentati skond id-dispożizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 53(2) u 54(2)(ċ) tar-Regolament Finanzjarju.

2. L-assistenza finanzjarja għall-miżuri taħt il-Programm Ignalina, jew partijiet minnha, tista' tkun disponibbli bħala kontribuzzjoni Komunitarja għal-Fond Internazzjonali ta' Sostenn għad-Diżattivazzjoni ta' Ignalina, amministrat mill-EBRD.

3. Il-miżuri u l-assistenza finanzjarja taħt il-programm Ignalina għandhom jiġu approvati skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Artikolu 6

1. L-għajnuna pubblika minn sorsi nazzjonali, Komunitarji u internazzjonali għal:

— titjib ambjentali f'konformità ma' l-acquis u miżuri għall-immodernizzar ta' l-impjant ta' l-enerġija termali Elektrenai fil-Litwanja bħala s-sostituzzjoni prinċipali għall-kapaċità ta' produzzjoni taż-żewġ reatturi fl-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina; u

— diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija Ignalina

għandha tkun kompatibbli mar-regoli dwar is-suq intern, kif definiti fit-Trattat.

2. L-għajnuna pubblika minn sorsi nazzjonali, Komunitarji u internazzjonali b'appoġġ għall-isforzi tal-Litwanja biex tindirizza l-konsegwenzi ta' l-għeluq u tad-diżattivazzjoni ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari Ignalina tista', fuq bażi ta' każ b'każ, tkun ikkunsidrata kompattibbli mar-regoli tat-Trattat fir-rigward tas-suq intern, b'mod partikolari l-għajnuna pubblika għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija.

Artikolu 7

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 4, il-klawżola ta' salvagwardja msemmija fl-Artikolu 37 ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003 għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012 jekk il-provvista ta' l-enerġija tkun maqtugħa fil-Litwanja.

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni tista' tagħmel verifika ta' l-użu magħmul mill-assistenza mwettqa direttament mill-persunal tagħha stess jew minn kwalunkwe korp barrani kwalifikat ieħor ta' l-għażla tagħha. Dawn il-verifiki jistgħu jitwettqu matul il-perijodu kollu tal-ftehim u għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ. Fejn xieraq, is-sejbiet tal-verifika jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni.

2. Il-persunal tal-Kummissjoni u persunal barrani awtorizzat mill-Kummissjoni għandu jkollu d-dritt ta' aċċess adatt, b'mod partikolari għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għall-informazzjoni kollha, inkluża informazzjoni f'format elettronika, meħtieġa sabiex jitwettqu dawn il-verifiki.

Il-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkollha l-istess drittijiet bħall-Kummissjoni, speċjalment fir-rigward ta' aċċess.

Barra minn hekk, sabiex jiġu mħarsa l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra frodi u irregolaritajiet oħra, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' twettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post taħt dan il-programm f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra [2].

[1] Jiġifieri EUR 743 miljun bil-prezzijiet ta' l-2004.

[2] ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

3. Għall-azzjoni Komunitarja ffinanzjata taħt dan ir-Regolament, it-terminu irregolarità fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea [1] għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku li jkollu, jew li jista' jkollu l-effett li tippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew baġits amministrati minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra f'isem il-Komunitajiet Ewropej.

4. Il-ftehim bejn il-Komunità u l-EBRD dwar li l-fondi Komunitarji jitqieġħdu għad-dispożizzjoni tal-Fond Internazzjonali għas-Sostenn tad-Diżattivazzjoni ta' Ignalina għandhom jipprevedu miżuri adatti għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità kontra frodi, korruzzjoni u rregolaritajiet oħra u sabiex il-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri jkunu jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirrapporta f'intervalli regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Għandha twettaq reviżjoni ta' nofs it-term, kif previst fl-Artikolu 3.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

32006D1006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra

(2006/1006/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(2) flimkien ma' l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, innegozjaw Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd li lis-sajjieda Komunitarji jipprovdilhom opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra fiż-żona ekonomika esklussiva tal-Groenlandja.

(2) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd ġdid ġie inizjalat fit-2 ta' Ġunju 2006.

(3) Il-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea, fuq naħa, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern lokali tal-Groenlandja, fuq l-oħra [1], huwa rrevokat mill-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd il-ġdid.

(4) Minħabba l-iskadenza fil-31 ta' Diċembru 2006 tar-raba' Protokoll li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet relatati mas-sajd previsti fil-Ftehim dwar is-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Groenlandja, kif modifikat mill-Protokoll konkluż bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1245/2004 [2], u sabiex tiġi evitata kwalunkwe interruzzjoni ta' l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji għar-riżorsi tas-sajd taż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Groenlandja, iż-żewġ partijiet inizjalaw Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jipprevedi l-applikazzjoni provizorja tal-Ftehim ta' Sħubija għas-Sajd il-ġdid mill-1 ta' Jannar 2007. Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, huwa imperattiv li tingħata eċċezzjoni għall-perijodu ta' sitt ġimgħat imsemmi fil-paragrafu I (3) tal-Protokoll dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej.

(5) Huwa fl-interess tal-Komunità li l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri jiġi approvat.

(6) Il-metodu għall-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi definit.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, b'dan huwa approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 29, 1.2.1985, p. 9.

[2] ĠU L 237, 8.7.2004, p. 1.

Artikolu 2

L-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd, inklużi l-liċenzji miksuba taħt il-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1, għandhom jitwettqu skond l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [1].

Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu taħt dan il-Ftehim għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kwantitajiet ta' kull ħażna maqbuda fiż-żona tas-sajd tal-Groenlandja f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 fuq il-monitoraġġ tal-qabdiet maqbuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi u fuq il-baħar miftuħ [2].

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim permezz ta' skambju ta' ittri biex jorbtu lill-Komunità.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill,
Il-President
J. KORKEAOJA

---

[1] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

[2] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

22006A1230(07)

FTEHIM

fil-forma ta' skambju ta' ittri rigward l-applikazzjoni provviżorja tal-ftehim ta' sħubija fis-sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-gvern tad-Danimarka u l-Gvern awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra

A. *L-Ittra tal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja*

Brussell,

Sinjur,

B'referenza għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, inizjalat fit-2 ta' Ġunju 2006, inkluż il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribut finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012, għandu l-unur ngħarrfek ili l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja lest japplika l-Ftehim provviżorjament mill-11 ta' Jannar 2007, fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tiegħu skond l-Artikolu 16 tiegħu, sakemm il-Komunità Ewropea tkun disposta tagħmel l-istess.

Dan bl-intendiment li l-ewwel pagament tal-kontribut finanzjarju, stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Protokoll, għandu jitħallas qabel it-30 ta' Ġunju 2007.

Nibqa' nafhulek jekk tikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea ma' din l-applikazzjoni provviżorja.

Dejjem tiegħek

Għall-Gvern tad-Danimarka
u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja.

FTEHIM TA' SĦUBIJA FIS-SAJD BEJN

Il-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern awtonomu tal-Groenlandja min-naħa l-oħra

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn il-quddiem "il-Komunità", u

IL-GVERN TAD-DANIMARKA U L-GVERN AWTONOMU TAL-GROENLANDJA, minn hawn 'il quddiem "Groenlandja",

Minn hawn 'il quddiem"il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll dwar l-arranġament speċjali applikabbli għal Groenlandja

JIRRIKONOXXU li l-Komunità Ewropea u Groenlandja jixtiequ jsaħħu r-rabtiet ta' bejniethom u jistabbilixxu sħubija u kooperazzjoni li tapoġġa, tikkomplementa u testendi r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni stabbiliti bejniethom fl-imgħoddi,

JIFTAKRU d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea,

JIKKUNSIDRAW ir-rikonoxximent min-naħa tal-Kunsill, fi Frar 2003, tal-ħtieġa li jitwessgħu u jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea u Groenlandja, fil-qies ta' l-importanza tas-sajd u l-ħtieġa għal riformi strutturali u orjentati lejn is-settur fil-Groenlandja, abbażi ta' sħubija komprensiva għall-iżvilupp sostenibbli,

JIKKUNSIDRAW id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-27 ta' Ġunju 2006 mill-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja u l-Gvern tad-Danimarka min-naħa l-oħra dwar sħubija bejn il-Komunità Ewropea u Groenlandja

JIFTAKRU d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Komunità Ewropea min-naħa l-waħda u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra

JIFTAKRU li l-istatus tal-Groenlandja, li hija fl-istess waqt awtonoma u parti integrali minn wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità;

IQISU r-relazzjoni globali bejn il-Komunità u Groenlandja, u x-xewqa reċiproka tagħhom li jissuktaw dik ir-relazzjoni,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar rigward il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' ħażniet transżonali tal-ħut u ta' ħażniet ta' ħut migratorju ħafna,

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti permezz tal-Kodiċi ta' mġiba għas-sajd responsabbli adottat fil-Konferenza tal-FAO fl-1995,

DETERMINATI li jikkooperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, biex jilħqu l-issuktar tas-sajd responsabbli biex jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar,

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tieħu s-sura ta' inizjattivi u miżuri li, sew jekk jittieħdu flimkien u sew jekk jittieħdu separatament, ikunu kumplementari, konsistenti mal-politika u jiżguraw sinerġija fl-isforzi,

BIL-ĦSIEB, għal dawn il-finijiet, li jibdew djalogu bil-għan li jtejbu l-politika settorjali tas-sajd fil-Groenlandja u jidentifikaw il-mezzi adegwati biex jiżguraw li din il-politika tiġi implimenata effikaċement, u li l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili jkunu involuti fil-proċess,

XEWQANA li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet li jiggvernaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Komunità fl-ibħra taż-żona ekonomika esklussiva tal-Groenlandja u l-appoġġ tal-Komunità għall-ilħiq ta' l-isskutar tas-sajd responsabbli f'dawk l-ilmijiet,

DETERMINATI li jfittxu kooperazzjoni ekonomika eqreb fl-industrija tas-sajd u fl-attivitajiet relatati, permezz tat-twaqqif u l-iżvilupp ta' impriżi konġunti li jinvolvu kumpaniji miż-żewġ Partijiet, u l-promozzjoni ta' impriżi konġunti temporanji,

B'DAN QED JAQBLU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-ambitu u l-għanijiet

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jiggvernaw:

— il-kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fis-settur tas-sajd, bil-għan li jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali sostenibbli, inkluż l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tal-Groenlandja;

— il-kundizzjonijiet li jiggvernaw l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għaż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Groenlandja (minn hawn 'il quddiem "iż-ŻEE tal-Groenlandja");

— l-arranġamenti għar-regolazzjoni tas-sajd minn bastimenti Komunitarji fiż-ŻEE tal-Groenlandja bil-għan li jiġi żgurat li jitħarsu r-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għalihom, li l-miżuri għall-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' l-ħażniet tal-ħut ikunu effikaċi, u li ma jitħalliex isir sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;

— is-sħubijiet bejn kumpaniji bil-għan li jiġu żviluppati attivitajiet ekonomiċi fis-settur tas-sajd u attivitajiet relatati, fl-interess komuni.

Artikolu 2

Id-definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-Protokoll u l-Anness:

(a) "L-awtoritajiet tal-Groenlandja" tfisser il-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja;

(b) "L-awtoritajiet tal-Komunità" tfisser il-Kummissjoni Ewropea;

(ċ) "Bastiment tal-Komunità" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u jkun irreġistrat fil-Komunità;

(d) "impriża konġunta" tfisser kwalunkwe kumpanija rregolata mil-liġi tal-Groenlandja u li jkun fiha wieħed jew iktar minn wieħed minn fost is-sidien tal-bastimenti tal-Komunità u sieħeb jew sħab minn Groenlandja, li jkollha l-għan li tistad fiż-ŻEE tal-Groenlandja, u possibbilment tisfrutta l-kwoti tas-sajd tal-Groenlandja, minn fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Groenlandja, bil-ħsieb tal-forniment prijoritarju tas-suq Komunitarju;

(e) "impriżi konġunti temporanji" tfisser kwalunkwe assoċjazzjoni bbażata fuq ftehim kuntrattwali għal tul ta' żmien limitat bejn sidien tal-bastimenti tal-Komunità u persuni fiżiċi jew ġuridiċi fil-Groenlandja, bil-għan li b'mod konġunt jistadu u jisfruttaw il-kwoti tas-sajd tal-Groenlandja minn fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea, u li jaqsmu l-profitti, l-ispejjeż jew it-telf ta' l-attività ekonomika mwettqa, bil-ħsieb tal-forniment prijoritarju tas-suq Komunitarju;

(f) "Kumitat Konġunt" tfisser kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u tal-Groenlandja, li l-funzjonijiet tiegħu huma deskritti fl-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Il-prinċipji sottostanti l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet b'dan qed jintrabtu li jiżguraw l-issuktar tas-sajd responsabbli fiż-ŻEE tal-Groenlandja abbażi tal-prinċipju tal-ħelsien mid-diskriminazzjoni bejn il-flotot tas-sajd differenti f'dawk l-ilmijiet, bla ħsara għall-protokoll.

2. Groenlandja sejra tissokta l-ippjanar ta' politika settorjali tas-sajd u tmexxi l-implimentazzjoni tagħha permezz ta' programmi annwali u multijannwali, fid-dawl ta' miri miftiehma bi qbil komuni bejn il-Partijiet. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom ikomplu d-djalogu ta' politika dwar ir-riformi meħtieġa. L-awtoritajiet tal-Groenlandja b'dan jimpenjaw irwieħhom li jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Komunità meta jiġu adottati miżuri sinifikanti f'dan il-qasam.

3. Fuq talba ta' Parti minnhom, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll fit-twettiq, sew konġuntement kif ukoll unilateralment, ta' evalwazzjonijiet ta' miżuri, programmi u azzjonijiet implimentati abbażi ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet b'dan qed jintrabtu li jiżguraw li dan il-Ftehim jiġi implimentat skond il-prinċipji ta' treġija ekonomika u soċjali tajba.

Artikolu 4

Il-kooperazzjoni xjentifika

1. Matul il-perjodu kopert minn dan il-Ftehim, il-Komunità u Groenlandja għandhom jimmonitorjaw l-evoluzzjoni tar-riżorsi fiż-ŻEE tal-Groenlandja; kumitat xjentifiku konġunt għandu jagħmel rapport, fuq talba tal-Kumitat Konġunt, abbażi ta' kwalunkwe termini ta' referenza stabbiliti minn dak il-Kumitat.

2. Fuq il-bażi ta' l-aqwa pariri xjentifiċi, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin fi ħdan il-Kumitat Konġunt, u sussegwentement Groenlandja għandha tadotta l-miżuri ta' ġestjoni u konservazzjoni li jidhrilha li jkunu meħtieġa biex tilħaq il-miri tal-Politika tas-Sajd tal-Groenlandja.

3. Il-Partijiet b'dan qed jintrabtu li jikkonsultaw wieħed lill-ieħor, jew direttament jew inkella fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati, biex jiżguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi ħajja fiż-ŻEE tal-Groenlandja, u li jikkooperaw fir-riċerka xjentifika rilevanti.

Artikolu 5

L-Aċċess għaż-żoni tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja

1. Groenlandja b'dan qed tintrabat li tawtorizza bastimenti tal-Komunità biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tagħha skond dan il-Ftehim, inkluż il-Protokoll u l-Anness tiegħu. L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom joħorġu liċenzji, maħruġa skond il-Protokoll, lil bastimenti ddeżinjati min-naħa tal-Komunità, skond l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skond il-Protokoll.

2. L-opportunitajiet tas-sajd li Groenlandja tagħtihom lill-Komunità taħt dan il-Ftehim jistgħu jittieħdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera tan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faroe u li jkunu rreġistrati hemmhekk, safejn dan ikun ta' ħtieġa għall-funzjonament tajjeb tal-ftehimiet tas-sajd konklużi ma' dawk il-Partijiet mill-Komunità. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet tal-Groenlandja qed jintrabtu li jawtorizzaw bastimenti li jtajru l-bandiera tan-Norveġja, l-Iżlanda u l-Gżejjer Faroe u li jkunu rreġistrati hemmhekk, biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tagħha.

3. L-attivitajiet tas-sajd koperti b'dan il-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fil-Groenlandja. L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom ifittxu li jiksbu l-kummenti ta' l-awtoritajiet tal-Komunità dwar kwalunkwe emenda għal dik il-leġiżlazzjoni qabel ma tidħol fis-seħħ, ħlief jekk l-għan tal-leġiżlazzjoni jkun tali li jiġġustifika b'mod dovut id-dħul fis-seħħ tagħha b'urġenza, bla kwalunkwe dewmien li jista' jiġi kkawżat minn konsultazzjoni ta' dan it-tip ma' l-awtoritajiet tal-Komunità. L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet tal-Komunità, bil-quddiem u fiż-żmien dovut, bi kwalunkwe emenda lil dik il-leġiżlazzjoni.

4. Groenlandja għandha tassumi responsabbiltà għall-applikazzjoni effikaċi tal-provvedimenti tal-Protokoll dwar il-monitoraġġ tas-sajd. Il-bastimenti tal-Komunità għandhom jikkooperaw ma' l-awtoritajiet tal-Groenlandja li għandhom ir-responsabbiltà li jwettqu dak il-monitoraġġ.

5. Il-Komunità b'dan qed tintrabat li tieħu l-passi kollha xierqa li jkunu meħtieġa biex tiżgura li l-bastimenti tagħha jikkonformaw ma' dan il-Ftehim u mal-leġiżlazzjoni li tirregola s-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja.

Artikolu 6

Il-liċenzji

1. Il-bastimenti tal-Komunità jistgħu jistadu fiż-ŻEE tal-Groenlandja biss jekk ikollhom liċenzja valida tas-sajd maħruġa taħt dan il-Ftehim.

2. Il-proċedura għall-ksib ta' liċenzja tas-sajd, it-taxxi applikabbli u l-metodu ta' ħlas li jrid jintuża mis-sidien tal-vapuri għandhom ikunu dawk stipulati fl-Anness tal-Protokoll.

3. Il-Partijiet kontraenti għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tajba ta' dawn il-proċeduri u l-kundizzjonijiet permezz ta' kooperazzjoni amministrattiva adegwata bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

Artikolu 7

Il-kontribut finanzjarju

1. Il-Komunità għandha tagħti lil Groenlandja kontribut finanzjarju skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Protokoll u l-Anness. Dan il-kontribut waħdieni għandu jkun magħmul minn żewġ elementi relatati, jiġifieri:

(a) kontribut finanzjarju għall-aċċess ta' bastimenti tal-Komunità għaż-żoni tas-sajd tal-Groenlandja, u

(b) l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità biex jintlaħaq l-issuktar tas-sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja.

2. Il-ġestjoni tal-komponent tal-kontribut finanzjarju msemmi fil-punt (b) ta' paragrafu 1 għandha tkun f'idejn l-awtoritajiet tal-Groenlandja, fid-dawl ta' l-għanijiet identifikati bi qbil komuni bejn il-Partijiet skond il-Protokoll, li jrid jintlaħaq fil-kuntest tal-Politika tas-Sajd tal-Groenlandja u programm annwali u multijannwali għall-implimentazzjoni tagħha.

3. Il-kontribut finanzjarju mogħti mill-Komunità għandu jithallas f'ammonti annwali f'konformità mal-Protokoll. Suġġett għal dan il-Ftehim u l-Protokoll, il-kontribut finanzjarju jista' jitbiddel bħala konsegwenza ta':

(a) ċirkustanzi eċċezzjonali, għajr il-fenomeni naturali, li jżommu milli jitwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja;

(b) tnaqqis fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lil bastimenti tal-Komunità, wara qbil reċiproku bejn il-Partijiet, għall-finijiet tal-ġestjoni ta' l-ħażniet ikkonċernati, fejn dan jitqies li jkun meħtieġ għall-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi abbażi ta' l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

(c) prijorità speċjali lill-Komunità dwar l-aċċess għal opportunitajiet addizzjonali tal-qbid lil hinn minn dawk stabbiliti fil-Protokoll għal dan il-Ftehim, ipprovdut bi qbil komuni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt, meta l-aqwa parir xjentifiku disponibbli jindika li l-istat tar-riżorsi jkun jippermeti dan;

(d) evalwazzjoni mill-ġdid tal-kundizzjonijiet ta' l-appoġġ finanzjarju mill-Komunità għall-implimentazzjoni ta' Politika tas-Sajd tal-Groenlandja, fejn din tkun iġġustifikata mir-riżultati tal-programmazzjoni annwali u multiannwali osservati miż-żewġ Partijiet;

(e) is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skond l-Artikolu 13.

Artikolu 8

Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni fost l-operaturi ekonomiċi u fis-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni ekonomika, kummerċjali, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u setturi relatati. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jikkoordinaw il-miżuri differenti li jkunu jistgħu jittieħdu għal dan il-għan.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni dwar metodi u tagħmir tas-sajd u tal-priservazzjoni, u dwar l-ipproċessar industrijali tal-prodotti tas-sajd.

3. B'mod partikolari, il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' impriżi konġunti temporanji u impriżi konġunti, fl-interess reċiproku tagħhom u skond il-leġiżlazzjonijiet tagħhom.

Artikolu 9

Is-sajd sperimentali

Il-Partjiet għandhom iġibu 'l quddiem it-twettiq ta' sajd sperimentali fiż-ŻEE tal-Groenlandja. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw is-sajd sperimentali flimkien, skond id-dettalji stabbiliti fl-Anness tal-Protokoll.

Artikolu 10

Il-Kumitat Konġunt

1. Għandu jitwaqqaf Kumitat Konġunt biex jaqdi bħala forum għall-Partijiet għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u għall-iżgurar ta' l-implimentazzjoni tiegħu.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jwettaq il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) jissorvelja t-twettiq, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim, u partikolarment id-definizzjoni ta' l-programmazzjoni annwali u multijannwali msemmija fl-Artikolu 7(2), flimkien ma' l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tagħha;

(b) jipprovdi l-kuntatt meħtieġ għal kwistjonjiet ta' interess komuni marbuta mas-sajd;

(ċ) jaġixxi bħala forum għar-rikonċiljazzjoni u s-soluzzjoni amikevoli ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim;

(d) jirrevedi u jinnegozja, fejn dan ikun ta' ħtieġa, il-livell ta' l-opportunitajiet tas-sajd eżistenti u ġodda għall-ħażniet rilevanti fiż-ŻEE tal-Groenlandja, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, l-approċċ prekawzjonarju u l-ħtiġijiet ta' l-industrija tas-sajd tal-Groenlandja, u konsegwentement l-opportunitajiet tas-sajd aċċessibbli għall-Komunità u, fejn dan ikun f'loku, il-kontribut finanzjarju msemmi fil-Protokoll;

(e) jevalwa l-ħtieġa għal-istabbiliment ta' pjanijiet għall-irkupru u l-ġestjoni fit-tul tal-ħażniet taħt dan il-Ftehim, sabiex jiġi żgurat l-isfruttament sostenibbli ta' l-ħażniet u jinżamm f'livelli sostenibbli l-impatt ta' l-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar.

(f) jissorvelja l-applikazzjonijiet għat-twaqqif ta' impriżi konġunti temporanji u impriżi temporanji skond it-termini ta' dan il-Ftehim, u partikolarment jevalwa l-proġetti mressqa mill-Partijiet għat-twaqqif ta' impriżi konġunti temporanji u impriżi konġunti skond il-kriterji stipulati fl-Anness tal-Protokoll ta' dan il-Ftehim, u jirrevedi l-attivitajiet ta' bastimenti ta' impriżi konġunti temporanji u impriżi konġunti li jkunu qed joperaw fiż-ŻEE tal-Groenlandja;

(g) jiddeterminaw, każ b'każ, l-ispeċijiet, il-kundizzjonijiet u l-parametri rilevanti li jirrigwardaw is-sajd sperimentali;

(h) jiftiehem dwar miżuri amministrattivi rigward l-aċċess ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità għaż-ŻEE u r-riżorsi tal-Groenlandja, inklużi l-liċenzji, il-moviment ta' bastimenti tas-sajd tal-Komunità u r-rappurtar tal-qabdiet.

(i) jiftiehem dwar il-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità biex jintlaħaq l-issuktar tas-sajd responsabbli u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja;

(j) jevalwa t-termini ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità għall-implimentazzjoni ta' Politika tas-Sajd tal-Groenlandja, fejn din tkun iġġustifikata mir-riżultati tal-programmazzjoni annwali u multijannwali osservati miż-żewġ Partijiet;

(k) jaqdi kwalunkwe funzjoni oħra li l-Partijiet jiddeċiedu dwarha bi qbil komuni.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' talanqas darba fis-sena, b'alternanza fil-Komunità u fil-Groenlandja, u għandu jkun ippresedut mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Għandu jagħmel laqgħa speċjali fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Artikolu 11

Iż-żona ġeografika li għaliha japplika l-Ftehim

Dan il-Ftehim għandu japplika, min-naħa l-waħda, għat-territorji li fih japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, skond il-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Groenlandja u ż-ŻEE tal-Groenlandja.

Artikolu 12

It-tul u t-terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu japplika għal sitt snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu; għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu addizzjonali ta' sitt snin, sakemm ma tingħatax notifika ta' terminazzjoni f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat minn kwalunkwe Parti, partikolarment fl-eventwalità ta' ċirkustanzi gravi bħalma huma deterjorament fil-qagħda ta' l-ħażniet ikkonċernati, jew inkella n-nuqqas ta' l-osservanza ta' l-obbligi min-naħa ta' xi waħda mill-Partijiet rigward il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat.

3. Jekk il-Ftehim jiġi tterminat għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Parti kkonċernata għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tirtira mill-Ftehim, talanqas sitt xhur qabel id-data li fiha jiskadi l-perjodu inizjali jew kwalunkwe perjodu addizzjonali. Fil-każ li l-Ftehim jiġi tterminat għal kwalunkwe raġuni oħra, il-perjodu ta' preavviż għandu jkun disa' xhur.

Artikolu 13

Is-sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża bl-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet, jekk, fil-fehma ta' din il-Parti, l-obbligi ta' dan il-Ftehim ikunu nkisru gravement mill-Parti l-oħra. Sospensjoni ta' dan it-tip għandha tobbliga lill-Parti kkonċernata li tavża bil-miktub l-intenzjoni tagħha talanqas tliet xhur qabel id-data li fiha jkun għandha sseħħ is-sospensjoni. Mal-wasla ta' dan il-preavviż, il-Partijiet għandhom jibdew konsultazzjonijiet bil-għan li jsolvu d-differenzi ta' bejniethom b'mod amikevoli.

2. Il-ħlas tal-kontribut finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 u l-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jitnaqqsu proporzjonatament, skond kemm iddum is-sospensjoni.

Artikolu 14

Il-Protokoll u l-Anness u l-appendiċijiet tagħhom għandhom jifformaw parti integrali ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 15

Ir-revoka

Il-Ftehim dwar is-Sajd ta' l-1 ta' Frar 1985 bejn il-Komunità Ewropea u Groenlandja rigward is-sajd fl-ibħra tal-Groenlandja b'dan huwa rrevokat u ssostitwit minn dan il-Ftehim.

Artikolu 16

Il-lingwa u d-dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, imfassal f'żewġ kopji biċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Ispanjol, l-Iżvediż, il-Latvijan, il-Litwanjan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, l-Olandiż, is-Slovakk, is-Sloven, it-Taljan u l-Ungeriż, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiċi, għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin li l-proċeduri tagħhom ta' adozzjoni jkunu ġew mitmuma.

Hecho en Bruselas, el veintiuno de diciembre de dos mil seis.

V Bruselu dne dvacátého prvního prosince dva tisíce šest.

Udfærdiget i Bruxelles den enogtyvende december to tusind og seks.

Geschehen zu Brüssel am einundzwanzigsten Dezember zweitausendsechs.

Kahe tuhande kuuenda aasta detsembrikuu kahekümne esimesel päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι μία Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες έξι.

Done at Brussels on the twenty-first day of December in the year two thousand and six.

Fait à Bruxelles, le vingt et un décembre deux mille six.

Fatto a Bruxelles, addì ventuno dicembre duemilasei.

Briselē, divtūkstoš sestā gada divdesmit pirmajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai šeštų metų gruodžio dvidešimt pirmą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kettőezer-hatodik év december huszonegyedik napján.

Magħmul fi Brussel, fil-wieħed u għoxrin jum ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta.

Gedaan te Brussel, de eenentwintigste december tweeduizend zes.

Sporządzono w Brukseli, dnia dwudziestego pierwszego grudnia roku dwa tysiące szóstego.

Feito em Bruxelas, em vinte e um de Dezembro de dois mil e seis.

V Bruseli dňa dvadsiateho prvého decembra dvetisícšesť.

V Bruslju, enaindvajsetega decembra leta dva tisoč šest.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäensimmäisenä päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakuusi.

Som skedde i Bryssel den tjugoförsta december tjugohundrasex.

Por la Comunidad Europea
Za Evropské společenství
For Det Europæiske Fællesskab
Für die Europäische Gemeinschaft
Euroopa Ühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα
For the European Community
Pour la Communauté européenne
Per la Comunità europea
Eiropas Kopienas vārdā
Europos bendrijos vardu
Az Európai Közösség részéről
Ghall-Komunità Ewropea
Voor de Europese Gemeenschap
W imieniu Wspólnoty Europejskiej
Pela Comunidade Europeia
Za Európske spoločenstvo
Za Evropsko skupnost
Euroopan yhteisön puolesta
På Europeiska gemenskapens vägnar

Por el Gobierno de Dinamarca
Za vládu Dánska
For den danske regering
Für die Regierung Dänemarks
Taani valitsuse ja nimel
Για την Κυβέρνηση της Δανίας
For the Government of Denmark
Pour le gouvernement du Danemark
Per il governo della Danimarca
Dānijas valdības vārdā
Danijos Vyriausybės vardu
Dánia kormánya részéről
Ghall-Gvern tad-Danimarka
Voor de Regering van Denemarken
W imieniu rządu Danii
Pelo Governo da Dinamarca
Za vládu Dánska
Za vlado Danske
Tanskan hallituksen puolesta
På Danmarks regerings vägnar



Por el Gobierno local de Groenlandia
Za místní vládu Grónska
For det grønlandske landsstyre
Für die örtliche Regierung Grönlands
Gröönimaa kohaliku valitsuse nimel
Για την Τοπική Κυβέρνηση της Γροιλανδίας
For the Home Rule Government of Greenland
Pour le gouvernement local du Groenland
Per il governo locale della Groenlandia
Grenlandes pašvaldības vārdā
Grenlandijos vietinės Vyriausybės vardu
Grönland Önkormányzata részéről
Ghall-Gvern Lokali tal-Groenlandja
Voor de Plaatselijke Regering van Groenland
W imieniu Rządu Lokalnego Grenlandii
Pelo Governo local da Gronelândia
Za miestnu vládu Grónska
Za lokalno vlado Grenlandije
Grönlannin maakuntahallituksen puolesta
På Grönlands lokala regerings vagnar



PROTOKOLL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribut finanzjarju li dwarhom jipprovdi l-ftehim ta' sħubija fis-sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra

Artikolu 1

Il-perjodu ta' applikazzjoni u l-opportunitajiet tas-sajd

1. Għal perjodu ta' sitt snin, mill-1 ta' Jannar 2007, l-awtoritajiet tal-Groenlandja jawtorizzaw bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jwettqu attivitajiet tas-sajd sal-livell ta' l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness, u dawk stabbiliti skond il-paragrafu 2.

Il-livelli ta' l-oppportunitajiet tas-sajd stipulati fil-Kapitolu I ta' l-Anness jistgħu jiġu riveduti mill-Kumitat Konġunt.

2. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2007 u ta' kull sena sussegwenti, il-Kumitat Konġunt għandu jiftiehem dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet elenkati fil-Kapitolu I ta' l-Anness għas-sena ta' wara, bil-qies ta' l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, l-approċċ prekawzjonarju u l-ħtiġijiet ta' l-industrija tas-sajd, u b'mod partikolari l-kwantitajiet stipulati fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

Fil-każ li l-Kumitat Konġunt jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd f'livell aktar baxx minn dak stipulat fil-Kapitolu I ta' l-Anness, Groenlandja għandha tikkumpensa lill-Komunità fis-snin ta' wara permezz ta' opportunitajiet tas-sajd korrispondenti, jew inkella permezz ta' opportunitajiet tas-sajd oħra fl-istess sena.

Jekk il-Partijiet ma jaqblu dwar l-ebda kumpens, jiġu aġġustati proporzjonalment l-arranġamenti finanzjarji, inklużi l-parametri għall-kalkolu tal-valur, imsemmija fl-Artikolu 2(1) ta-Protokoll.

3. Il-kwota għall-gambli fil-Groenlandja tal-Lvant tista' tinqabad f'żoni tal-Punent tal-Groenlandja, bil-kundizzjoni li l-arranġamenti għall-kwoti ta' trasferiment bejn is-sidien tal-bastimenti minn Groenlandja u mill-Komunità Ewropea jkunu ġew stabbiliti bejn kumpanija u oħra. L-awtoritajiet tal-Groenlandja jintrabtu li jiffaċilitaw arranġamenti ta' dan it-tip. It-trasferiment ta' kwoti jista' jsir biss fi ħdan massimu ta' 2 000 tunnellata kull sena fiż-żoni tal-Punent tal-Groenlandja. Is-sajd li jsir mill-bastimenti tal-Komunità għandu jsir taħt l-istess kundizzjonijiet soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' Kapitolu III ta' l-Anness kif stipulati fil-liċenzja maħruġa lil sid il-bastiment tal-Groenlandja.

4. L-awtorizzazzjonijiet għas-sajd sperimentali għandhom isiru disponibbli għal perjodu bi prova ta' massimu ta' sitt xhur kull darba, f'konformità ma' l-Anness.

5. Meta l-Partijiet jikkonkludu li l-kampanji sperimentali jkunu kisbu riżultati pożittivi, l-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom jallokaw 50 % ta' l-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet il-ġodda lill-flotta tal-Komunità, sa tmiem dan il-Protokoll, flimkien ma' żieda korrispondenti f'dik il-parti tal-kumpens finanzjarju li tissemma fl-Artikolu 2.

6. Groenlandja għandha toffri lill-Komunità opportunitajiet addizzjonali tal-qbid. Jekk il-Komunità taċċetta t-tali offerta, kompletament jew parzjalment, il-kontribut finanzjarju msemmi fl-Artikolu 2(1) għandu jiżdied proporzjonalment. Il-proċedura li għandha tiġi segwita rigward l-allokazzjoni ta' opportunitajiet addizzjonali tal-qbid hija stipulata fl-Anness ma' dan il-Protokoll.

7. Il-kwantitajiet minimi għaż-żamma ta' attivitajiet tas-sajd fil-Groenlandja b'dan qed jiġu stabbiliti fil-livelli li ġejjin għal kull sena:

Speċi (tunnellati)	Ħażna tal-Punent (NAFO 0/1)	Ħażna tal-Lvant (ICES XIV/V)
Snowcrab	4 000	
Merluzz	30 000 (1)	
Redfish	2 500	5 000
Ħalibatt tal-Groenlandja	4 700	4 000
Gambli	25 000	1 500

(1) Jistgħu jiġi mistada mill-Punent jew mil-Lvant.

8. Groenlandja ma għandhiex toħroġ liċenzji lil bastimenti tal-Komunità għajr taħt dan il-Protokoll.

Artikolu 2

Il-kontribut finanzjarju — il-metodi tal-ħlas

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll, il-kontribut finanzjarju tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 7 ta' dan il-Ftehim għandu jkun EUR 85 843 464 (1). Ma' dan għandha tiżdied riserva finanzjarja ta' EUR 9 240 000, li minnha jsir pagament skond il-metodu mfisser fil-paragrafu 3 aktar 'l isfel, għall-kwantitajiet tal-merluzz u *capelin* li effettivament ikunu tqieġħdu għad-dispożizzjoni tal-Groenlandja b'żieda ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness ma' dan il-Protokoll.

(1) Flimkien ma' dan l-ammont jiżdiedu r-riżorsi li ġejjin:
— L-ammont tal-ħlasijiet dovuti min-naħa tas-sidien tal-bastimenti skond il-punt 3 tal-Kapitolu II ta' l-Anness, imħallsa direttament lil Greenland, stmat li hu madwar EUR 2 000 000 fis-sena.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 1(2), (5) u (6) ta' dan il-Protokoll. L-ammont totali tal-kontribut finanzjarju mħallas mill-Komunità Ewropea ma għandux jaqbeż id-doppju ta' l-ammont indikat fl-Artikolu 2(1).

3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 1(2), (5) u (6) ta' dan il-Protokoll, il-Komunità għandha tħallas il-kontribut finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 hawn fuq fil-forma ta' somma annwali bir-rata ta' EUR 14 307 244 matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. F'dak li jirrigwarda l-merluzz u l-*capelin*, kull sena Groenlandja għandha tinnotifika lill-awtoritajiet tal-Komunità dwar kwalunkwe kwantità ta' merluzz u *capelin* li jkunu saru disponibbli għall-qbid lil hinn mill-kwantitajiet stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness ta' dan il-Protokoll. Għal dawk il-kwantitajiet addizzjonali, il-Komunità għandha tħallas 17,5 % tal-valur ta' l-ewwel ħatt l-art bir-rata ta' EUR 1 800 għal kull tunnellata ta' merluzz u EUR 100 għal kull tunnellata ta' *capelin*, bit-tnaqqis tal-ħlasijiet magħmula minn sidien il-bastimenti, sa massimu ta' EUR 1 540 000 fis-sena, li jkopri ż-żewġ speċijiet. Kwalunkwe parti ta' din ir-riserva finanzjarja li ma tintużax f'sena partikolari tista' tingħadda biex tħallas lil Groenlandja għal kwantitajiet addizzjonali ta' merluzz u *capelin* li jsiru disponibbli għall-qbid fis-sentejn ta' wara.

4. Il-Komunità għandha tħallas is-somma annwali tal-kontribut finanzjarju sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007 fl-ewwel sena, u mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu tas-snin ta' wara, u s-somma annwali tar-riserva finanzjarja għall-merluzz u l-*capelin* sa l-istess dati, jew mill-aktar fis possibbli warajhom, wara li tkun saret in-notifika tad-disponibbiltà tal-kwantitajiet ikkonċernati.

5. Suġġetti għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet tal-Groenlandja għandu jkollhom diskrezzjoni kompleta dwar l-użu li jsir mill-kontribut finanzjarju u mir-riserva finanzjarja, ħlief għall-ammonti annwali ta' EUR 500 000 u EUR 100 000, li rispettivament għandhom jiġu allokati għall-operat ta' l-Istitut dwar ir-Riżorsi Naturali tal-Groenlandja u għat-taħriġ ta' l-uffiċjali tas-sajd, u fl-2007 ammont ta' EUR 186 022 li għandu jintuża għal studji dwar pjan għall-ġestjoni tal-merluzz.

6. Il-kontribut finanzjarju għandu jitħallas f'kont tat-Teżor Pubbliku li jinfetaħ għand istituzzjoni finanzjarja li jispeċifikawha l-awtoritajiet tal-Groenlandja.

Artikolu 3

Is-sospensjoni u r-reviżjoni tal-kontribut finanzjarju għal raġunijiet ta' force majeure

1. Meta ċirkustanzi serji, għajr il-fenomeni naturali, ma jħallux li jsiru l-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja, il-Komunità Ewropea tista' tissospendi l-pagament tal-kontribut finanzjarju li dwaru jipprovdi l-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll, wara konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ partijiet, fejn dan ikun possibbli, u bil-kundizzjoni li l-Komunità tkun ħallset għal kollox kwalunkwe somom dovuti fil-waqt tas-sospensjoni.

2. Il-pagament tal-kontribut finanzjarju għandu jerġà jissokta malli l-partijiet, bi qbil komuni wara konsultazzjonijiet, jikkonkludu li ma jkunux għadhom hemm iċ-ċirkustanzi li kienu żammew milli jsiru l-attivitajiet tas-sajd.

3. Il-validità tal-liċenzji mogħtija lill-bastimenti tal-Komunità taħt l-Artikolu 5 tal-Ftehim għandha tiġi estiża b'perjodu li jkun daqs dak li matulu kienu sospiżi l-attivitajiet tas-sajd.

Artikolu 4

L-appoġġ għall-ilħiq ta' l-issuktar tas-sajd responsabbli fiż-ŻEE tal-Groenlandja

1. Kull sena, is-somma ta' EUR 3 261 449 (fl-2007, b'eċezzjoni, EUR 3 224 244) mill-kontribut finanzjarju msemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll għandu jiġi allokat għat-titjib u l-implimentazzjoni ta' politika settorjali tal-Groenlandja dwar is-sajd, bil-għan li jintlaħaq l-issuktar tas-sajd responsabbli fiż-ŻEE tal-Groenlandja. Dan il-kontribut għandu jiġi ġestit fid-dawl tal-miri li jkunu ġew identifikati bi qbil komuni bejn iż-żewġ partijiet, u tal-programmazzjoni annwali u multijannwali biex dawn jintlaħqu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, hekk kif jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll u mhux aktar tard minn tliet xhur wara dik id-data, il-Kumitat Konġunt għandu jiftiehem dwar programm settorjali multijannwali u dwar regoli dettaljati ta' l-implimentazzjoni li jkopru, b'mod partikolari:

(a) linji ta' gwida annwali u multijannwali għall-użu tal-parti tal-kontribut finanzjarju li tissemma fil-paragrafu 1;

(b) il-miri, sew annwali kif ukoll multijannwali, li għandhom jintlaħqu bil-għan li jintlaħaq l-issuktar, matul iż-żmien, tas-sajd responsabbli u sostenibbli, bil-qies tal-prijoritajiet espressi min-naħa tal-Groenlandja fil-politika nazzjonali tagħha dwar is-sajd u f'politiki relatati ma' l-issuktar tas-sajd responsabbli u sostenibbli jew li jkollhom impatt fuqu.

(ċ) il-kriterji u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tar-riżultati milħuqa kull sena.

3. Kwalunkwe emenda proposta għall-programm settorjali multijannwali jeħtiġilha l-qbil taż-żewġ partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

4. Kull sena, Groenlandja għandha talloka l-parti tal-kontribut finanzjarju li tissemma fil-paragrafu 1 bil-għan ta' l-implimentazzjoni tal-programm multijannwali. Għall-ewwel sena ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll, dik l-allokazzjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Komunità fl-istess ħin li ssir in-notifika għas-sena ta' wara. Għal kull sena sussegwenti, Groenlandja għandha tinnotifika lill-Komunità bl-allokazzjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

5. Meta l-evalwazzjoni annwali tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm settorjali multijannwali tiġġustifika li dan isir, il-Komunità Ewropea, bl-approvazzjoni tal-Kumitat Konġunt, tista' titlob li tinbidel l-applikazzjoni tal-kontribut finanzjarju msemmi fl-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 5

Nuqqasijiet ta' qbil Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll

1. Kwalunkwe nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll jew l-applikazzjoni tiegħu għandu jkun is-suġġett ta' konsultazzjonijiet bejn il-partijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt, f'laqgħa speċjali jekk meħtieġ.

2. Mingħar ħsara għall-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, l-applikazzjoni tal-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' parti waħda, jekk din il-parti tkun tal-fehma li l-parti l-oħra tkun wettqet ksur gravi ta' l-obbligi ta' dan il-protokoll, u jekk il-konsultazzjonijiet li jkunu saru fi ħdan il-Kumitat Konġunt skond il-paragrafu 1 ma jkunux irriżultaw f' soluzzjoni amikevoli.

3. Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll għandha tobbliga lill-parti kkonċernata li tinnotifika l-intenzjoni tagħha bil-miktub talanqas tliet xhur qabel id-data li fiha tkun għandha sseħħ is-sospensjoni.

4. Fl-eventwalità ta' sospenjoni, il-partijiet għandhom ikomplu jikkonsultaw ma' xulxin bil-għan li tinstab soluzzjoni amikevoli għan-nuqqas ta' qbil tagħhom. Fejn soluzzjoni bħal din tinstab, għandha tissokta l-applikazzjoni tal-Protokoll u s-somma tal-kontribut finanzjarju u l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jitnaqqsu proporzjonalment u *pro rata temporis* skond il-perjodu li matulu kienet sospiża l-applikazzjoni tal-Protokoll.

Artikolu 6

Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll minħabba n-nuqqas ta' pagament

Jekk il-Komunità tonqos milli tagħmel il-pagamenti li dwarhom jipprovdi l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża b'dawn il-kundizzjonijiet:

(a) L-awtoritajiet kompetenti tal-Groenlandja għandhom jinnotifikaw lil dawk tal-Komunità dwar in-nuqqas ta' pagament. Dawn ta' l-aħħar għandhom jagħmlu l-verifiki meħtieġa, u jekk dan ikun neċessarju, jibagħtu l-pagament sa mhux aktar tard minn 30 jum tax-xogħol mid-data tal-wasla tan-notifika.

(b) Jekk ma jsir l-ebda pagament, u jekk dan in-nuqqas ta' pagament ma jiġix ġustifikat adegwatament fi żmien il-perjodu msemi fil-punt (a) hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Groenlandja għandhom ikunu intitolati li jissospendu l-applikazzjoni tal-Protokoll. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Komunità b'dan.

(ċ) L-applikazzjoni tal-Protokoll għandha tissokta malli jsir il-pagament ikkonċernat.

Artikolu 7

Ir-reviżjoni ta' nofs il-perjodu

Jekk waħda mill-Partijiet matul l-2009 titlob hekk, l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 1, 2 u 4 ta' dan il-protokoll għandha tiġi riveduta qabel l-1 ta' Diċembru ta' dik is-sena. F'dik l-okkażjoni, il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li jemendaw dan il-Protokoll, partikolarment rigward il-kwoti indikattivi stipulati fil-Kapitolu I ta' l-Anness ta' dan il-Protokoll, kif ukoll l-arranġamenti finanzjarji u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4.

Artikolu 8

Id-dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll, flimkien ma' l-Anness tiegħu, għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

ANNESS

Il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tal-komunità fiż-Żee tal-groenlandja

KAPITOLU I

OPPORTUNITAJIET INDIKATTIVI TAS-SAJD GĦALL-2007-2012 U L-QBID INĊIDENTALI

1. **Il-livell ta' l-opportunitajiet tas-sajd awtorizzati minn Groenlandja:**

Speċi	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Merluzz (NAFO 0/1) (1)	1 000	3 500	3 500	3 500	3 500	3 500
Pelagic redfish (ICES XIV/V) (2)	10 838	8 000	8 000	8 000	8 000	8 000
Ħalibatt tal-Groenlandja (NAFO 0/1) — fin-Nofsinhar ta' 68°	2 500	2 500	2 500	2 500	2 500	2 500
Ħalibatt tal-Groenlandja (ICES XIV/V) (3)	7 500	7 500	7 500	7 500	7 500	7 500
Gambli (NAFO 0/1)	4 000	4 000	4 000	4 000	4 000	4 000
Gambli (ICES XIV/V)	7 000	7 000	7 000	7 000	7 000	7 000
Ħalibatt ta' l-Atlantiku (NAFO 0/1)	200	200	200	200	200	200
Ħalibatt ta' l-Atlantiku (ICES XIV/V) (4)	1 200	1 200	1 200	1 200	1 200	1 200
Capelin (ICES XIV/V)	55 000 (5)	55 000 (5)	55 000 (5)	55 000 (5)	55 000 (5)	55 000 (5)
Snowcrab (NAFO 0/1)	500	500	500	500	500	500
Qabdiet inċidentali (NAFO 0/1) (6)	2 600	2 300	2 300	2 300	2 300	2 300

(1) Jekk l-istokk jirkupra, il-Komunità tista' tistad sa pm tunnellata, b'żieda korrispondenti fil-parti tal-kontribut finazjarju msemmi fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll. Il-kwota għall-2007 tista' tinqabad biss mill-1 ta' Ġunju. Il-qbid jista' jsir sew fil-Lvant jew fil-Punent.

(2) Il-qbid jista' jsir fil-Lvant jew fil-Punent. Is-sajd għandu jsir bit-tkarkir pelaġiku.

(3) Din iċ-ċifra tista' tiġi riveduta fid-dawl tal-ftehim bejn il-pajjiżi kostali dwar l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd. Is-sajd għandu jiġi ġestit permezz ta' limitazzjoni ta' l-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jkunu qed jistadu fl-istess waqt.

(4) 1 000 tunnellata għandhom jinqabdu minn mhux aktar minn 6 bastimenti tal-Komunità li jistadu bil-konzijiet demersali għall-qbid tal-ħalibatt ta' l-Atlantiku u l-ispeċijiet assoċjati. Il-kundizzjonjiet għas-sajd bil-konzijiet demersali għandhom jiġu miftiehma fil-qafas tal-Kumitat Konġunt.

(5) Meta l-qbid jista' jsir, il-Komunità tista' tistad sa mhux aktar minn 7,7 % tal-QTP (Qabda Totali Permissibbli) tal-*capelin* għall-istaġun li jdum mill-20 ta' Ġunju sat-30 ta' April tas-sena ta' wara, b'żieda korrispondenti f'dik il-parti tal-kumpens finanzjarju li tissemma fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll.

(6) Il-qbid inċidentali huwa definit bħala kwalunkwe qabda ta' speċijiet li mhumiex koperti mill-ispeċi(jiet) ta' mira tal-bastiment murija fil-liċenzja. Il-kompożizzjoni tal-qabdiet inċidentali għandha tiġi riveduta kull sena fil-qafas tal-Kumitat Konġunt. Il-qbid jista' jsir fil-Lvant jew fil-Punent.

2. **Il-limiti tal-qbid inċidentali**

Il-bastimenti tal-Komunità li jkunu qed jistadu fiż-ŻEE tal-Groenlandja għandhom josservaw ir-regoli applikabbli dwar il-qbid inċidentali, sew għall-ispeċijiet irregolati kif ukoll għal dawk li mhumiex. Barra minn hekk, fiż-ŻEE tal-Groenlandja mhuwiex permess li jintremew l-ispeċijiet irregolati.

Il-qbid inċidentali huwa definit bħala kwalunkwe qabda ta' speċijiet li mhumiex koperti mill-ispeċi(jiet) ta' mira tal-bastiment murija fil-liċenzja.

Il-kwantitajiet massimi li jistgħu jinqabdu bħala qabdiet inċidentali jiġu awtorizzati mal-ħruġ tal-liċenzja għall-ispeċi(jiet) tal-mira. Il-kwantità massima ta' kull speċi rregolata li tista' tinqabad bħala qabda inċidentali tiġi indikata fil-liċenzja li tinħareġ.

Il-qabdiet inċidentali ta' l-ispeċijiet irregolati jingħaddu b'referenza għar-riserva tal-qbid inċidentali allokata bħala parti mill-opportunitajiet tas-sajd ta' l-ispeċijiet rilevanti allokati lill-Komunità. Il-qabdiet inċidentali ta' l-ispeċijiet mhux irregolati jingħaddu b'referenza għar-riserva allokata lill-Komunità tal-qbid inċidentali ta' l-ispeċijiet mhux irregolati.

Ma jsir l-ebda ħlas għal liċenzja għall-qbid inċidentali. Madankollu, fil-każ li bastiment tas-sajd tal-Komunità jaqbeż il-kwantità massima awtorizzata tal-qbid inċidentali ta' speċijiet irregolati, tiġi imposta penali li tammonta għal tliet darbiet il-ħlas normali tal-liċenzja għal dik l-ispeċi fuq il-kwantità lil hinn mill-qbid inċidentali massimu permess.

KAPITOLU II

L-APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĠENZJI U L-ĦRUĠ TAGĦHOM

1. Huma biss il-bastimenti eliġibbli li jistgħu jingħataw liċenzja biex jistadu fl-ibħra taż-ŻEE tal-Groenlandja.

2. Biex bastiment ikun eliġibbli, la s-sid, la l-kaptan u lanqas il-bastiment innifsu ma jridu jkunu pprojbiti milli jistadu fiż-ŻEE tal-Groenlandja. Jeħtiġilhom ikunu f'qagħda regolari ma' l-awtoritajiet tal-Groenlandja, f'li jkunu qdew l-obbligi kollha preċedenti tagħhom li jirriżultaw mill-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-Groenlandja jew fiż-ŻEE tal-Groenlandja skond il-ftehimiet tas-sajd konklużi mal-Komunità.

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tas-sajd u l-formalitajiet tal-ħruġ imsemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Ftehim huma stipulati fl-arranġamenti amministrattivi fl-Appendiċi 1.

KAPITOLU III

IŻ-ŻONI TAS-SAJD

Is-sajd għandu jsir fi ħdan iż-żoni tas-sajd kif definiti bħala ż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Groenlandja, kif jipprovdi r-Regolament Nru 1020 tal-15 ta' Ottubru 2004 f'konformità mad-Digriet Irjali Nru 1005 tal-15 ta' Ottubru 2004 dwar id-Dħul fis-Seħħ ta' Att dwar Żoni Ekonomiċi Esklussivi għal Groenlandja li jdaħħal fis-seħħ l-Att Nru 411 tat-22 ta' Mejju 1996 dwar iż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi.

Is-sajd għandu jsir talanqas 12-il mil nawtiku lil hinn mil-linja ta' bażi skond § 7 Sezzjoni 2 ta' l-Att Nru 18 tal-31 ta' Ottubru 1996 dwar is-Sajd maħruġa mil-*Landsting* tal-Groenlandja kif emendata l-aħħar mill-Att tal-*Landsting* Nru 28 tat-18 ta' Diċembru 2003, sakemm mhux espressament ipprovdut mod ieħor.

Il-linji ta' bażi huma ddefiniti skond id-Digriet Irjali Nru 1004 tal-15 ta' Ottubru 2004 dwar Emenda tad-Digriet Irjali dwar id-Delimitazzjoni ta' l-Ilmijiet Territorjali tal-Groenlandja.

KAPITOLU IV

OPPORTUNITAJIET ADDIZZJONALI TAS-SAJD

L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom joffru lill-awtoritajiet tal-Komunità kwalunkwe opportunitajiet addizzjonali tas-sajd kif imsemmija fl-Artikolu 7 tal-Ftehim, skond l-Artikolu 1(6) tal-Protokoll.

L-awtoritajiet tal-Komunità għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet tal-Groenlandja bir-reazzjoni tagħhom għall-offerta sa mhux aktar tard minn 6 ġimgħat wara l-wasla ta' l-offerta. Jekk l-awtoritajiet tal-Komunità jew ma jilqgħux l-offerta jew inkella ma jirreaġixxux fi żmien 6 ġimgħat, l-awtoritajiet tal-Groenlandja ikunu liberi li joffru opportunitajiet addizzjonali tas-sajd lil partijiet oħra.

KAPITOLU V

L-ARRANĠAMENTI GĦAR-RAPPURTAR TAL-QBID, IL-MIŻURI TEKNIĊI GĦALL-KONSERVAZZJONI U L-ISKEMA TA' L-OSSERVATURI

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jiġu pprovduti b'ġabra tal-partijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Groenlandja, bl-Ingliż, dwar il-kundizzjonijiet għar-rappurtar tal-qbid, il-miżuri tekniċi għall-konservazzjoni u l-iskema ta' l-osservaturi.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom iżommu abbord reġistru li fih iniżżlu l-attivitajiet tagħhom skond ir-regoli tal-liġi tal-Groenlandja.

3. L-attivitajiet tas-sajd għandhom isiru f'konformità mal-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni kif stipulati fil-liġi tal-Groenlandja.

4. Kwalunkwe attività tas-sajd fiż-ŻEE tal-Groenlandja hija suġġetta għall-iskema ta' l-osservaturi skond il-liġi tal-Groenlandja. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għandhom jikkooperaw ma' l-awtoritajiet tal-Groenlandja għall-finijiet ta' l-imbark ta' osservaturi fil-portijiet magħżula mill-awtoritajiet tal-Groenlandja.

KAPITOLU VI

VMS

Il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-VMS huma stipulati fl-Appendiċi 2.

KAPITOLU VII

IMPRIŻI KONĠUNTI TEMPORANJI

Il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess għar-riżorsi min-naħa ta' l-impriżi konġunti temporanji huma stipulati fl-Appendiċi 3.

KAPITOLU VIII

IS-SAJD SPERIMENTALI

Il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw is-Sajd Sperimentali huma stipulati fl-Appendiċi 4.

KAPITOLU IX

IL-MONITORAĠĠ

Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkostataw li l-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità jkun kiser il-liġi tal-Groenlandja, mill-iktar fis għandha tintbagħat notifika ta' dan lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istat Membru tal-bandiera. In-notifika għandu jkun fiha tagħrif dwar isem il-bastiment, in-numru tar-reġistru, l-identifikatur tar-radju (*call sign*), flimkien ma' ismijiet is-sidien u l-kaptan tal-bastiment. Barra minn hekk, in-notifika għandu jkun fiha deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li jkunu wasslu għall-ksur, u tispeċifika kwalunkwe sanzjoni li tkun ġiet applikata.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-awtoritajiet tal-Groenlandja lista ta' l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll aġġornamenti regolari ta' din il-lista.

Appendiċijiet

1. L-Arranġament Amministrattiv dwar il-liċenzji. Il-Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd min-naħa ta' bastimenti tal-Komunità fiż-ŻEE tal-Groenlandja.

2. Il-Kundizzjonijiet dwar kwistjonjiet li jirrigwardaw is-Sorveljanza tal-Bastimenti tas-Sajd permezz tas-Satelliti.

3. Il-Kundizzjonijiet dwar l-Impriżi Konġunti Temporanji.

4. Id-Dettalji ta' l-implimentazzjoni għas-sajd sperimentali.

Appendiċi 1

ARRANĠAMENT AMMINISTRATTIV DWAR IL-LIĊENZJI BEJN IL-KUMMISSJONI EWROPEA, IL-GVERN TAD-DANIMARKA U L-GVERN AWTONOMU TAL-GROENLANDJA

Il-Kundizzjonijiet għat-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd min-naħa ta' bastimenti tal-Komunità fiż-ŻEE tal-Groenlandja

A. L-applikazzjoni għal-liċenzja u l-formalitajiet tal-ħruġ tagħha

1. Is-sidien tal-bastimenti tal-Komunità li jkunu interessati jużaw l-opportunitajiet tas-sajd skond dan il-ftehim, jew inkella l-aġenti tagħhom, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel dik tas-sajd, bi trażmissjoni elettronika għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali b'lista tal-bastimenti kkonċernati, li jkun fiha t-tagħrif li jidher fil-formola ta' applikazzjoni annessa. L-awtoritajiet tal-Komunità għandhom minnufih jibagħtu dawn il-listi lill-awtoritajiet tal-Groenlandja. Kwalunkwe tibdila għandha tiġi nnotifikata bil-quddiem, skond din il-proċedura.

   Is-sidien tal-bastimenti tal-Komunità jew l-aġenti tagħhom għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet tal-Komunità, permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu jew tletin jum qabel il-bidu tal-vjaġġ tas-sajd, applikazzjoni għal kull bastiment li jkollu x-xewqa jistad skond dan il-Ftehim. L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli pprovduti għal dak il-għan min-naħa tal-Groenlandja, li eżempji tagħhom huma annessi. Kull applikazzjoni għal liċenzja għandu jkollha magħha prova tal-ħlas għall-perjodu tal-validita tal-liċenzja. Il-ħlas għandu jinkludi l-ħlasijiet nazzjonali u lokali kollha marbuta ma' l-aċċess għall-attivitajiet tas-sajd, kif ukoll dawk imposti mill-banek għat-trasferimenti tal-flus. Jekk bastiment ma jkunx ħallas il-ħlas għat-trasferiment bankarju, ikun jeħtieġlu jħallas dan l-ammont ma' l-applikazzjoni li jkun imiss għal liċenzja ta' dan il-bastiment, u dan ikun prerekwiżit għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida. L-awtoritajiet tal-Groenlandja sejrin jimponu ħlas amministrattiv ta' wieħed fil-mija tal-ħlas għal-liċenzja.

   Il-bastimenti tal-Komunità li jkunu ta' l-istess sid jew aġent jistgħu jissottomettu applikazzjoni kollettiva għal-liċenzji, sakemm dawn il-bastimenti kollha jkunu jtajru l-bandiera ta' l-istess Stat Membru wieħed. Kull liċenzja li tinħareġ taħt applikazzjoni kollettiva għandha tindika l-kwantità totali ta' l-ispeċi li għaliha jkun sar il-ħlas tal-liċenzja, u għandu jkun fiha n-notament "il-kwantità massima li għandha tinqasam bejn il-bastimenti … (l-ismijiet tal-bastimenti kollha elenkati fl-applikazzjoni kollettiva)".

   Applikazzjoni kollettiva jeħtiġilha jkollha magħha pjan tas-sajda, li jagħti l-kwantità ta' mira għal kull bastiment. Kwalunkwe tibdila fil-pjan tas-sajda, talanqas 3 ijiem qabel ma ssir, għandha tiġi kkomunikata lill-awtoritajiet tal-Groenlandja, flimkien ma' kopja lill-Kummisjsoni Ewropea u l-awtoritajiet nazzjonali.

   L-awtoritajiet tal-Komunità għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet tal-Groenlandja l-applikazzjoni (kollettiva) għal liċenzja/i ta' kull bastiment li jkun jixtieq jistad skond dan il-Ftehim.

   L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom id-dritt li jissospendu liċenzja eżistenti jew li ma joħorġux liċenzja ġdida, jekk bastiment tal-Komunità ma jkunx osserva r-rekwiżiti dwar it-trażmissjoni lill-awtoritajiet tal-Groenlandja tal-paġni rilevanti tar-reġistru ta' abbord u d-dikjarazzjonijiet tal-ħatt l-art, skond l-arranġamenti dwar ir-rappurtar tal-qbid.

2. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-Arranġament Amministrattiv, l-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet tal-bank li jkun għandhom jintużaw biex isiru l-ħlasijiet.

3. Il-liċenzji għandhom jinħarġu għal bastimenti speċifiċi u ma jkunux trasferibbli, suġġett għad-dispożizzjonjiet tal-paragrafu 4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità massima li hija awtorizzata għall-qbid u ż-żamma abbord. Emenda għal kwalunkwe kwantità massima indikata fil-liċenzja/i għandha tkun suġġetta għal applikazzjoni ġdida. Meta bastiment inċidentalment jisboq kwalunkwe kwantità massima indikata fil-liċenzja tiegħu, għandu jħallas għall-kwantità li biha jkun eċċeda l-kwantità massima indikata fil-liċenzja tiegħu. Ma tinħareġ l-ebda liċenzja ġdida għal dak il-bastiment sakemm ma jkunux saru l-ħlasijiet kollha li jikkorrispondu għall-kwantitajiet eċċessivi. Il-ħlas jiġi kkalkulat skond Parti B 2, u wara jiġi ttriplikat.

4. Madankollu, f'każ ta' *force majeure* u fuq talba tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, il-liċenzja ta' bastiment tista' tiġi ssostitwita minn liċenzja ġdida għal bastiment ieħor b'karatteristiċi li jixbhu lil dawk ta' l-ewwel bastiment. Il-liċenzja l-ġdida għandha tindika:

   — id-data tal-ħruġ,

   — il-fatt li tkun qed tikkanċella u tissostitwixxi l-liċenzja tal-bastiment preċedenti.

5. L-Awtorità tas-Sajd tal-Groenlandja għandha tittrażmetti l-liċenzja lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fi żmien 15-il jum mill-wasla ta' l-applikazzjoni.

6. Il-liċenzja oriġinali jew kopja tagħha jeħtiġilhom jinżammu abbord f'kull waqt, u jiġu ppreżentati fi kwalunkwe waqt talba ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Groenlandja.

B. Il-validità tal-Liċenzji u l-Ħlas

1. Il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ sa tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun inħarġet il-liċenzja. Għandhom jinħarġu fi żmien 15-il jum tax-xogħol mill-wasla ta' l-applikazzjoni, wara li jkun sar il-ħlas rekwiżit għal-liċenzja għal kull sena u kull bastiment.

F'dak li jirrigwarda s-sajd għal-*capelin*, il-liċenzji jinħarġu mill-20 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru u mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April.

Jekk leġiżlazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi l-possibbiltajiet tas-sajd għal sena partikolari għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità f'ilmijiet fejn ikunu rekwiżiti l-limitazzjonijiet tal-qbid, ma tkunx għadha ġiet adottata sal-bidu tas-sena tas-sajd, il-bastimenti tas-sajd tal-Komuità li kienu awtorizzati jistadu fil-31 ta' Diċembru tas-sena tas-sajd ta' qabel ikunu jistgħu jissuktaw l-attivitajiet tagħhom bl-istess liċenzja għas-sena li għaliha ma tkunx ġiet adottata l-leġiżlazzjoni, sakemm jippermetti l-parir xjentifiku. Użu proviżorju ta' 1/12 tal-kwota fix-xahar sejjer ikun permess, sakemm isir il-ħlas tal-liċenzja applikabbli għall-kwota. Il-kwota proviżorja tista' tiġi aġġustata f'relazzjoni mal-parir xjentifiku u l-kundizzjonjiet speċifiċi tas-sajd.

2. Il-ħlas tal-liċenzja għandu jkun 5 % tal-prezz konvertit, li jiġi kif ġej:

Speċijiet	Prezz ghal kull tunnellata tal-piż ħaj
Merluzz	1 800
Redfish	1 053
Ħalibatt tal-Groenlandja	2 571
Gambli	1 600
Ħalibatt ta' l-Atlantiku (1)	4 348
Capelin	100
Snowcrab	2 410

(1) Il-ħalibatt ta' l-Atlantiku u l-ispeċijiet assoċjati: EUR 3 000.

3. Il-ħlasijiet tal-liċenzji huma kif ġej:

Speċijiet	EUR it-tunnellata
Merluzz	90
Redfish	53
Ħalibatt tal-Groenlandja	129
Gambli	80
Ħalibatt ta' l-Atlantiku (1)	217
Capelin	5
Snowcrab	120

(1) Il-ħlas tal-liċenzja ghall-ħalibatt ta' l-Atlantiku u l-ipeċijiet assoċjati: EUR 150 it-tunnellata.

Il-pagament totali għal-liċenzja (il-kwantità massima awtorizzata għas-sajd immultiplikata bil-prezz għal kull tunnellata) sejjer jinkludi ħlas għall-amministrazzjoni tal-Groenlandja ta' wieħed fil-mija tal-ħlas tal-liċenzja.

Jekk ma tinqabadx il-kwantità massima awtorizzata, il-ħlas korrispondenti għal din il-kwantità massima awtorizzata ma jitħallasx lura lil sid il-bastiment.

FORMOLA TA' APPLIKAZZJONI GĦAL LIĊENZJA TAS-SAJD FIŻ-ŻEE TAL-GROENLANDJA

1.	Nazzjonalità	
2.	Isem il-bastiment	
3.	Numru tar-Reġistru tal-Flotta tal-Komunità	
4.	Ittri u numru esterni ta' l-identifikazzjoni	
5.	Il-port ta' reġistrazzjoni	
6.	L-identifikatur tar-radju (*call sign*)	
7.	Numru ta' l-*Inmarsat* (telefown, *telex*, *email*) ([1])	
8.	Sena tal-kostruzzjoni	
9.	Tip ta' bastiment	
10.	Tip ta' tagħmir tas-sajd	
11.	Speċi ta' mira + Kwantità	
12.	Żona tas-sajd (ICES/NAFO)	
13.	Perjodu għal liċenzja	
14.	Sidien, Indirizz, Telefown, *Telex*, *Email*	
15.	Operatur tal-bastiment	
16.	Isem il-Kaptan	
17.	L-għadd ta' membri ta' l-ekwipaġġ	
18.	Il-qawwa tal-Magna (kW)	
19.	It-tul (L.O.A.)	
20.	Tunnaġġ gross	
21.	Rappreżentant fil-Groenlandja L-isem u l-indirizz	
22.	L-indirizz li fih għandha tintbagħat il-liċenzja, Fax	Il-Kummissjoni Ewropea-Direttorat-Ġenerali għas-Sajd, Rue de la Loi 200, B-1049 Brussel, Fax (+32-2) 296 23 38

([1]) Din l-informazzjoni tista' titressaq ġaladarba l-applikazzjoni tkun ġiet approvata.

Appendiċi 2

KUNDIZZJONIJIET DWAR KWISTJONJIET LI JIRRIGWARDAW IS-SORVELJANZA TAL-BASTIMENTI TAS-SAJD PERMEZZ TAS-SATELLITI

1. It-traċċar permezz tas-satelliti għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd ta' kull Parti meta jkunu qed joperaw fl-ilmijiet tal-Parti l-oħra.

   Il-bastimenti tas-sajd sejrin ikunu ssorveljati miċ-Ċentru għall-Monitoraġġ tas-Sajd (FMC) ta' l-Istat tal-bandiera tagħhom meta jkunu qed joperaw fl-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra.

2. Għall-finijiet tat-traċċar permezz tas-satelliti, il-Partijiet għandhom jiskambjaw koordinati konsistenti tal-latitudni u l-lonġitudni ta' l-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dawn il-koordinati għandhom ikunu bla preġudizzju għar-rivendikazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Partijiet. It-tagħrif għandu jiġi kkomunikat f'forma kkompjuterizzata, bħalma huma l-gradi deċimali fid-*datum* WGS-84.

3. It-tagħmir u s-softwer tas-Sistema għall-Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) għandhom ikunu mħarsa kontra t-tbagħbis, jiġifieri ma jippermettux it-tidħil jew il-produzzjoni ta' pożizzjonijiet foloz, u ma jkunux jistgħu jiġu kkontrollati manwalment. Is-sistema għandha tkun għal kollox awtomatika, u operattiva f'kull waqt, ikunu xi jkunu l-kundizzjonijiet ambjentali. Għandu jkun ipprojbit li teqred it-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti, li tagħmillu l-ħsara, li ġġibu f'qagħda li ma jistax jaħdem jew li tbagħbas fih mod ieħor.

   B'mod partikolari, il-kaptani għandhom jiżguraw li:

   — id-*data* ma jinbidlu bl-ebda mod;

   — l-antenna/i konnessa/i mat-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti ma jkollhom l-ebda tip ta' ingombru;

   — il-provvista ta' l-enerġija tat-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti ma jiġi interrot bl-ebda mod; kif ukoll

   — it-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti ma jitneħħiex minn fuq il-bastiment.

   Għandu jkun ipprojbit li bastiment tas-sajd tal-Komunità jidħol fiż-ŻEE tal-Groenlandja mingħajr tagħmir operattiv tat-traċċar permezz tas-satelliti. L-awtoritajiet tal-Groenlandja huma intitolati jissospendu, b'effett immedjat, il-liċenzja ta' bastiment tas-sajd tal-Komunità li jidħol fiż-ŻEE tal-Groenlandja mingħajr tagħmir operattiv tat-traċċar permezz tas-satelliti. L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom minnufih javżaw il-bastiment ikkonċernat. L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istat Membru tal-bandiera bis-sospensjoni tal-liċenzja.

4. It-tagħmir għat-traċċar permezz tas-satelliti għandu jkollu marġni ta' żball fil-pożizzjoni ta' anqas minn 500 metru, b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %.

5. Meta bastiment li jkun suġġett għat-traċċar permezz tas-satelliti jidħol f'ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra, jew inkella joħroġ minn dawk l-ibħra, l-Istat tal-bandiera għandu jittrażmetti lill-FMC rilevanti tal-Parti l-oħra messaġġ ta' Ħruġ jew Dħul, kif deskritti fl-Anness. Dawn il-messaġġi għandhom jiġu trażmessi minnufih, u jkunu abbażi tas-sorveljanza preċedenti ta' kull siegħa. Il-frekwenza tas-sorveljanza ta' bastiment li jkun fl-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra min-naħa ta' l-FMC ta' l-Istat tal-bandiera għandha tkun ta' darba fis-siegħa, jew aktar ta' spiss jekk il-Partijiet ikunu jridu hekk.

6. Meta bastiment ikun daħal fl-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra, l-FMC ta' l-Istat tal-bandiera għandu minnufih u talanqas kull saghtejn jikkomunika lill-FMC rilevanti tal-Parti l-oħra l-aħħar messaġġ ta' pożizzjonament mill-bastiment. Dawn il-messaġġi sejrin jiġu identifikati bħala messaġġi ta' Pożizzjonament kif deskritt fl-Anness.

7. Għandu jkun ipprojbit li bastiment jitfi t-tagħmir tiegħu tat-traċċar permezz tas-satelliti waqt li jopera fl-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra.

   Meta t-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti jkun ittrażmetta messaġġi ta' kull siegħa bl-istess pożizzjoni ġeografika għal aktar minn 4 sigħat, jista' jintbagħat messaġġ ta' pożizzjonament li jkun fih il-kodiċi ta' l-attività "ANC", kif deskritt fl-Anness. Messaġġi ta' pożizzjonament ta' dan it-tip jistgħu jintbagħtu bi frekwenza ta' darba kull 12-il siegħa. Fi żmien anqas minn siegħa minn meta tinbidel il-pożizzjoni, tissokta l-frekwenza tar-rappurtar ta' darba fis-siegħa.

8. Il-messaġġi skond il-paragrafi 5, 6 u 7 għandhom ikunu f'forma kkompjuterizzata, jużaw l-X 25 jew protokolli sikuri oħra, suġġett għall-ftehim minn qabel bejn l-FMCs rilevanti.

   Malli n-NEAFC jiddeċiedi dwar sostitut, l-HTTPS jew protokolli sikuri oħara jieħdu l-post ta' l-X 25.

9. Jekk ikun hemm ħsara teknika fit-tagħmir tat-traċċar permezz tas-satelliti li jkun hemm abbord il-bastiment, jew jekk dan ma jibqax jaħdem, il-kaptan tal-bastiment għandu, mingħajr dewmien, jikkomunika l-informazzjoni skond il-paragrafu 7 lill-FMC ta' l-Istat tal-bandiera tiegħu. Talanqas rapport tal-pożizzjonament kull erba' sigħat għandu jkun biżżejjed f'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm il-bastiment jibqa' fl-ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra. L-FMC ta' l-Istat tal-bandiera jew il-bastimenti għandhom minnufih jgħaddu t-tali messaġġi lill-FMC tal-Parti l-oħra.

Dan it-tagħmir difettuż għandu jitranġa jew jinbidel qabel ma l-bastiment jibda vjaġġ ġdid tas-sajd.

Jistgħu jsiru eżenzjonijiet fejn ikun evidenti li t-tagħmir ma jkunx jista' jitranġa jew jinbidel, għal raġunijiet li fuqhom il-kaptan jew is-sid tal-bastiment ma jkollhom l-ebda kontroll.

10. L-FMC ta' l-Istat tal-Bandiera għandu jissorvelja l-pożizzjonament tal-bastimenti tiegħu meta jkunu fl-ilmijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra. L-informazzjoni għandha tingħadda mingħajr dewmien lill-FMC tal-Parti l-oħra, fl-eventwalità li jinstab li l-pożizzjonament tal-bastimenti ma jkunx qed jaħdem kif kien miftiehem.

11. Jekk FMC jiskopri li l-Parti l-oħra ma tkunx qed tikkomunika l-informazzjoni skond il-paragrafi 5, 6 u 7, il-Parti l-oħra għandha tiġi nnotifikata minnufih.

Il-messaġġi maħżuna għandhom jiġu trażmessi hekk kif il-komunikazzjoni elettronika tkun reġgħet ġiet stabbilita bejn l-FMCs rilevanti.

Disturbi tal-komunikazzjoni bejn l-FMCs ma għandhomx jaffettwaw l-operat tal-bastimenti.

12. Id-*data* tal-pożizzjonament li jkunu ġew ikkomunikati lill-Parti l-oħra skond dan il-Ftehim ma għandhom taħt l-ebda ċirkostanza jiġu mikxufa lill-awtoritajiet, għajr lil dawk tal-kontroll u l-monitoraġġ, b'tali mod li minnhom tkun tista' tinstilet l-identifikazzjoni ta' bastiment individwali.

13. L-FMCs tal-Komunità Ewropea għandhom ikunu l-FMC ta' l-Istat tal-bandiera f'dak li jirrigwarda t-trażmissjoni tal-messaġġi u r-rapporti skond il-paragrafi 5, 6 u 7 min-naħa tal-Komunità Ewropea lil Groenlandja. Għall-finijiet tal-komunikazzjoni ta' tali rapporti u messaġġi min-naħa tal-Groenlandja lill-Komunità Ewropea, l-FMC tal-Komunità Ewropea għandu jkun l-FMC ta' l-Istat Membru tal-bandiera li l-bastiment ikun qed jopera jew ikun opera f'ilmijietu. L-FMC tal-Groenlandja huwa stabbilit fl-unità ta' kontroll tad-Direttorat tas-Sajd (L-awtoritajiet tal-Kontroll tal-Liċenzji tas-Sajd tal-Groenlandja) f'Nuuk.

14. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw it-tagħrif rigward l-indirizzi u l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni elettronika bejn l-FMCs tagħhom, skond il-paragrafi 5, 6 u 7. Din l-informazzjoni għandha tinkludi, sakemm ikunu disponibbli, ismijiet, numri tat-telefown u indirizzi tal-posta elettronika li jistgħu jkunu ta' siwi għall-komunikazzjoni ġenerali bejn l-FMCs.

15. Jekk bastiment, kif identifikat fil-paragrafu 1, li jtajjar il-bandiera ta' waħda mill-Partijiet, jiġi osservat li qiegħed fil-ġurisdizzjoni tal-Parti l-oħra filwaqt li qiegħed jistad jew bl-intenzjoni li jistad, mingħajr tagħmir operattiv tat-traċċar permezz tas-satelliti abbord u mingħajr kommunikazzjoni ta' messaġġi mal-Parti l-oħra, dan il-bastiment jista' jiġi ordnat jitlaq mill-ilmijiet ta' dik il-Parti. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu proċeduri rigward l-iskambju ta' l-informazzjoni sabiex jistabbilixxu l-qagħda fattwali li tkun qed tikkawża t-tali nuqqas ta' messaġġi. Dan l-iskambju jeħtieġ li jfittex li jipprevjeni l-esklużjoni inġusta tal-bastiment.

16. In-nuqqas ripetut tar-rispett tal-miżuri pprovduti hawnhekk jista' jitqies bħala ksur gravi.

17. Il-Partijiet għandhom jirrevedu dawn il-Kundizzjonijiet skond ma jkun f'loku.

Il-komunikazzjoni ta' messaġġi tal-VMS lill-FMC tal-Parti l-oħra

1) Messaġġ ta' "DĦUL"

Elelement tad-*data*	Każella Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti destinatarja, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO
Mingħand	FR	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti trażmittenti, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO

Elelement tad-*data*	Każella Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet:
Numru tar-reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru serjali tar-reġistrazzjoni fis-sena rilevanti
Data tar-reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin it-trażmissjoni
Tip ta' messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "ENT"
L-identifikatur tar-radju (*call sign*)	RC	M	Dettall tal-bastiment; l-identifikatur internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Referenza interna Numru	IR	M	Dettall tal-bastiment; Numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi Alfa-3 ISO tal-pajjiż tal-bandiera segwit minn numru
Numru estern tar-reġistru	XR	O	Dettall tal-bastiment; in-numru fuq ġenb il-bastiment
Latitudni	LT	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-pożizzjoni ± 99,999 (WGS-84)
Longitudni	LG	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-pożizzjoni ± 999,999 (WGS-84)
Veloċità	SP	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-veloċità tal-bastiment f'għaxriet ta' mili nawtiċi fis-sieġħa
Kors	CO	M	Dettall tal-pożizzjoni; Il-kors tal-bastiment fuq skala ta' 360°
Data	DA	M	Dettall tal-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	M	Dettall tal-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

2) Messaġġ/rapport ta' "POŻIZZJONI"

Elelement tad-*data*	Każella Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti destinatarja, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO
Minghand	FR	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti trażmittenti, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO
Numru tar-reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru serjali tar-reġistrazzjoni fis-sena rilevanti
Data tar-reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin it-trażmissjoni
Tip ta' messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "POS" ([1])
L-identifikatur tar-radju (*call sign*)	RC	M	Dettall tal-bastiment; l-identifikatur internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Referenza interna Numru	IR	M	Dettall tal-bastiment; Numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi Alfa-3 ISO tal-pajjiż tal-bandiera segwit minn numru
Numru estern tar-reġistru	XR	O	Dettall tal-bastiment; in-numru fuq ġenb il-bastiment
Latitudni	LT	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-pożizzjoni ± 99,999 (WGS-84)
Longitudni	LG	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-pożizzjoni ± 999,999 (WGS-84)
Attività	AC	O ([2])	Dettall tal-pożizzjoni; "ANC" jindika qagħda ta' rappurtar imnaqqas
Veloċità	SP	M	Dettall tal-pożizzjoni; il-veloċità tal-bastiment f'għaxriet ta' mili nawtiċi fis-sieġħa
Kors	CO	M	Dettall tal-pożizzjoni; Il-kors tal-bastiment fuq skala ta' 360°

Elelement tad-*data*	Każella Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet:
Data	DA	M	Dettall tal-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	M	Dettall tal-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

(1) It-tip ta' messaġġ għandu jkun "MAN" ġhal rapporti kkomunikati minn bastimenti b'taġhmir difettuż tat-traċċar permezz tas-satelliti.

(2) Applikabbli biss jekk il-bastiment ikun qed jittrażmetti messaġġi POS bi frekwenza mnaqqsa.

3) Messaġġ ta' "ĦRUĠ"

Elelement tad-*data*	Każella Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	M	Dettall tas-sistema; jindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	AD	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti destinatarja, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO
Minġħand	FR	M	Dettall tal-messaġġ; il-Parti trażmittenti, kodiċi tal-pajjiż Alfa-3 ISO
Numru tar-reġistrazzjoni	RN	O	Dettall tal-messaġġ; in-numru serjali tar-reġistrazzjoni fissena rilevanti
Data tar-reġistrazzjoni	RD	O	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-reġistrazzjoni	RT	O	Dettall tal-messaġġ; ħin it-trażmissjoni
Tip ta' messaġġ	TM	M	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "EXI"
L-identifikatur tar-radju (*call sign*)	RC	M	Dettall tal-bastiment; l-identifikatur internazzjonali tar-radju tal-bastiment
Referenza interna Numru	IR	M	Dettall tal-bastiment; Numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi Alfa-3 ISO tal-pajjiż tal-bandiera segwit minn numru
Numru estern tar-reġistru	XR	O	Dettall tal-bastiment; in-numru fuq ġenb il-bastiment
Data	DA	M	Dettall tal-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	TI	M	Dettall tal-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem ir-reġistrazzjoni	ER	M	Dettall tas-sistema; jindika tmiem ir-reġistrazzjoni

4) Dettalji tal-format

Kull messaġġ fi trażmissjoni tad-*data* ġhandu jkollu l-istruttura li ġejja:

— żewġ linji mxengla (//) u l-karattri "SR" jindikaw il-bidu tal-messaġġ,

— żewġ linji mxengla (//) u kodiċi ta' każella (*field code*) jindikaw il-bidu ta' element tad-*data*,

— linja mxengla (/) tifred każella mid-*data*,

— pari ta' *data* huma mifruḍin minn spazju,

— Il-karattri "ER" u żewġ linji mxengla (//) jindikaw tmiem ir-reġistrazzjoni.

Il-każelli kollha f'dan l-Anness huma fil-Format ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana, kif deskritt fi *"The NEAFC Scheme of Control and Enforcement"*.

Appendiċi 3

IL-METODI U L-KRITERJI GĦALL-EVALWAZZJONI TA' L-IMPRIŻI KONĠUNTI TEMPORANJI U L-IMPRIŻI KONĠUNTI

1. Il-Partijiet għandhom jaqsmu bejniethom it-tagħrif dwar il-proġetti li jiġu ppreżentati għall-ħolqien ta' impriżi konġunti temporanji u impriżi konġunti skond l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-proġetti għandhom jiġu ppreżentati lill-Komunità permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

3. Il-Komunità għandha tissottometti lill-Kumitat Konġunt lista ta' proġetti li jirrigwardaw l-impriżi konġunti temporanji u l-impriżi konġunti. Il-Kumitat Konġunt għandu jevalwa l-proġetti, *inter alia* skond il-kriterji li ġejjin:

   (a) teknoloġija adegwata għall-attivitajiet tas-sajd proposti;

   (b) l-ispeċi(jiet) tal-mira u ż-żoni tas-sajd;

   (ċ) l-età tal-bastiment;

   (d) fil-każ ta' l-impriżi konġunti temporanji, it-tul totali taż-żmien u dak ta' l-attivitajiet tas-sajd;

   (e) l-esperjenza preċedenti tas-sid tal-bastiment tal-Komunità u ta' kwalunkwe sieħeb minn Groenlandja fis-settur tas-sajd.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu joħroġ opinjoni fuq il-proġetti, wara l-evalwazzjoni fil-punt 3.

5. Fil-każ ta' l-impriżi konġunti temporanji, ġaladarba l-proġetti jkunu rċevew opinjoni favorevoli mingħand il-Kumitat Konġunt, l-Awtorità tal-Groenlandja għandha toħroġ l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji tas-sajd meħtieġa.

IL-KUNDIZZJONIJIET RIGWARD L-AĊĊESS GĦAR-RIŻORSI MIN-NAĦA TA' L-IMPRIŻI KONĠUNTI TEMPORANJI FIL-GROENLANDJA

1. Il-Liċenzji

   Il-liċenzji tas-sajd li għandhom jinħarġu mill-Groenlandja għandu jkollhom l-istess tul ta' validità daqs it-tul ta' l-impriżi konġunti temporanji. Is-sajd għandu jsir skond kwoti allokati mill-Awtorità tal-Groenlandja.

2. Is-sostituzzjoni tal-bastimenti

   Bastiment tal-Komunità li jkun qiegħed jistad taħt impriża konġunta temporanja jista', biss għal raġunijiet dovutement iġġustifikati u bil-qbil tal-Partijiet, jiġi sostitwit minn bastiment ieħor tal-Komunità ta' kapaċità u bi speċifikazzjonijiet tekniċi ekwivalenti.

3. It-tagħmir

   Il-bastimenti li jkunu taħt impriżi konġunti temporanji għandhom josservaw ir-regoli u r-regolamenti applikabbli fil-Groenlandja rigward it-tagħmir, liema regoli u regolamenti għandhom jiġu applikati mingħajr diskriminazzjoni bejn il-bastimenti tal-Groenlandja u dawk tal-Komunità.

Appendiċi 4

ID-DETTALJI TA' L-IMPLIMENTAZZJONI GĦAS-SAJD SPERIMENTALI.

Rigward is-sajd sperimentali, il-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiddeċiedu flimkien dwar l-operaturi tal-Komunità Ewropea, l-aħjar żmien, kif ukoll l-arranġamenti għall-implimentazzjoni. Sabiex jiffaċilita l-ħidma ta' esplorazzjoni min-naħa tal-bastimenti, il-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja (permezz ta' l-Istitut dwar ir-Riżorsi Naturali tal-Groenlandja) għandu jipprovdi l-informazzjoni eżistenti xjentifika u t-tagħrif bażiku ta' xorta oħra.

L-industrija tas-sajd tal-Groenlandja għandha tkun assoċjata mill-qrib (il-koordinamet u d-djalogu dwar l-arranġamenti għas-sajd sperimentali).

It-tul tal-kampanji: massimu ta' sitt xhur u minimu ta' tliet xhur, sakemm ma jinbidlux minn partijiet fil-ftehim.

L-għażla tal-kandidati għall-implimentazzjoni tal-kampanji sperimentali:

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkomunika t-talbiet għal-liċenzji għas-sajd sperimentali lill-awtoritajiet tal-Groenlandja. Fajl tekniku li jispeċifika:

— Il-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment;

— il-livell ta' l-esperjenza fiż-żona tas-sajd tal-fizzjali tal-bastiment;

— il-proposta għall-parametri tekniċi tal-kampanja (it-tul, it-tagħmir, ir-reġjuni ta' esplorazzjoni, eċċ.)

Jekk iqis li dan ikun ta' ħtieġa, il-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja għandu jorganizza djalogu tekniku bejn l-amministrazzjonijiet tal-Groenlandja u l-awtoritajiet tal-Komunità u s-sidien tal-bastimenti kkonċernati.

Qabel il-bidu tal-kampanja, is-sidien tal-bastimenti għandhom jissottomettu lill-awtoritajiet tal-Groenlandja u lill-Kummissjoni Ewropea:

— dikjarazzjoni tal-qabdiet li diġà jkunu abbord;

— il-karatteristiċi tekniċi tat-tagħmir tas-sajd li għandu jintuża fil-kampanja;

— assigurazzjoni tal-konformità tagħhom mar-Regolamenti tas-sajd tal-Groenlandja;

Matul il-kampanja ta' tbaħħir, sidien il-bastimenti kkonċernati għandhom:

— jipprovdu lill-Istitut dwar ir-Riżorsi Naturali tal-Groenlandja, l-awtoritajiet tal-Groenlandja u l-Kummissjoni Ewropea rapport ta' kull ġimgħa dwar il-qabdiet ta' kuljum u dwar kull sajda, inkluża d-deskrizzjoni tal-parametri tekniċi tal-kampanja (il-pożizzjoni, il-fond, id-data u l-ħin, il-qabdiet u osservazzjonijiet jew kummenti oħra);

— jikkomunikaw il-pożizzjoni, il-veloċità u d-direzzjoni tal-bastiment permezz tal-VMS;

— jiżguraw il-preżenza abbord ta' osservatur xjentifiku tal-Groenlandja jew ta' osservatur magħżul mill-awtoritajiet tal-Groenlandja. Ir-rwol ta' l-osservatur sejjer ikun li jiġbor l-informazzjoni xjentifika mill-qabdiet li jsiru, kif ukoll li jieħu l-kampjuni mill-qabdiet. L-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala fizzjal tal-bastiment, u sid il-bastiment għandu jkopri l-ispejjeż ta' l-osservatur kemm idum abbord il-bastiment. Id-deċiżjoni dwar iż-żmien li jdum abbord l-osservatur, it-tul tal-mawra tiegħu u l-port ta' l-imbark u l-iżbark tiegħu tittieħed bi qbil ma' l-awtoritajiet tal-Groenlandja. Sakemm il-partijiet ma jaqblux bil-maqlub, il-bastiment qatt ma jiġi obbligat jidħol il-port aktar minn darba kull xahrejn.

— jissottomettu l-bastimenti għall-ispezzjoni mal-ħruġ miż-ŻEE tal-Groenlandja, jekk l-awtoritajiet tal-Groenlandja jitolbu hekk;

— jiżguraw li jikkonformaw mar-Regolamenti tas-sajd tal-Groenlandja.

Il-qabdiet li jkunu konsistenti mal-kampanja sperimentali u li jkunu nkisbu matulha jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment.

Il-qabdiet li jkunu konsistenti mal-kampanja sperimentali għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet tal-Groenlandja qabel il-bidu ta' kull kampanja, u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-kaptan(i) tal-bastiment(i) (i)kkonċernat(i).

L-awtoritajiet tal-Groenlandja għandhom jinnominaw persuna ta' kuntatt li tkun responsabbli għat-trattament ta' kwalunkwe problema mhux prevista li tkun tista' ttellef l-iżvilupp tas-sajd sperimentali.

L-awtoritajiet tal-Groenlandja, qabel il-bidu ta' kull kampanja, għandhom jippreżentaw id-dettalji u l-kundizzjonijiet tal-kampanji tas-sajd sperimentali, skond l-Artikoli 9 u 10 tal-Ftehim, u skond il-liġi tal-Groenlandja.

B. *L-Ittra tal-Komunità Ewropea*

Brussell,

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid kif ġej:

"B'referenza għall-Ftehim ta' Sħubija fis-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa l-waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja, min-naħa l-oħra, inizjalat fit-2 ta' Ġunju 2006, inkluż il-Protokoll u l-Annessi tiegħu, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribut finanzjarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012, għandu l-unur ngħarrfek ili l-Gvern Awtonomu tal-Groenlandja lest japplika l-Ftehim provviżorjament mill-1 ta' Jannar 2007, fl-istennija tad-dħul fis-seħħ tiegħu skond l-Artikolu 16 tiegħu, kemmildarba l-Komunità Ewropea disposta tagħmel l-istess.

Dan bl-intendiment li l-ewwel pagament tal-kontribut finanzjarju, stabbilit fl-Artikolu 2 tal-Protokoll, għandu jitħallas qabel it-30 ta' Ġunju 2007.

Nibqa' nafhulek jekk tikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea ma' din l-applikazzjoni provviżorja."

Għandi l-unur li nikkonferma l-qbil tal-Komunità Ewropea għal din l-applikazzjoni proviżorja.

Dejjem tiegħek

F'isem il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

32006D1007

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1007/2006

tal-21 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2424/2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Di ċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) [1] u r-Regolament (KE) Nru 2424/2001 [2] jikkostitwixxu l-bażi leġislattiva meħtieġa li tippermetti l-inklużjoni fil-baġit ta' l-Unjoni Ewropea l-approprjazzjonijiet finanzjarji meħtieġa għall-iżvilupp tas-SIS II u għall-eżekuzzjoni ta' dik il-parti tal-baġit. Kemm ir-Regolament (KE) Nru 2424/2001 kif ukoll id-Deċiżjoni 2001/886/ĠAI jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2006.

(2) L-iżvilupp tas-SIS II ser jieħu aktar fit-tul milli maħsub inizjalment u dan jeħtieġ id-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet finanzjarji wara l-31 ta' Diċembru 2006.

(3) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' validità tar-Regolament (KE) Nru 2424/2001 sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timplimenta dak il-baġit wara l-2006 sabiex tlesti l-proġett ta' żvilupp tas-SIS II inkluż l-istabbiliment ta' l-istruttura tal-komunikazzjoni.

(4) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 jiddikjaraw li għall-fażi ta' żvilupp tas-SIS II l-unità ċentrali tas-SIS II għandha tkun Franza u l-unità ċentrali ta' riserva għandha tkun fl-Awstrija suġġett għal ċerti arranġamenti li jkunu meħtieġa qabel ma s-sit isir operattiv. Il-ġestjoni operattiva u r-responsabbiltà għall-koperazzjoni mal-Kummissjoni għal dan is-sit għandhom ikunu r-responsabbiltà ta' Franza u ta' l-Awstrija rispettivament.

(5) Huwa meħtieġ li jiġi mogħti lill-Kummissjoni l-kompitu tal-preparazzjoni ta' l-integrazzjoni teknika fis-SIS II, b'mod partikolari ta' l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2424/2001 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(7) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni fil-futur ta' l-istrumenti leġislattivi għall-istabbiliment, il-funzjonament u l-użu tas-SIS II.

(8) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi, f'perjodu ta' sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jekk hijiex sejra timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha. Dan ir-Regolament u l-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tiegħu huma mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għall-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit fl-*acquis* ta' Schengen definiti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u Irlanda ta' Fuq sabiex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [3].

(9) L-Irlanda qiegħda tipparteċipa fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikoli 5(1) u 6(2) tad-Deċizjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tad-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba ta' l-Irlanda sabiex tiehu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen [4].

[1] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
[2] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
[3] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[4] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.

(10) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu taħt il-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE [1] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(11) Fir-rigward ta' l-Iżvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 2004/860/KE [2], dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċertu dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2424/2001 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) Għandha tiżdied is-sentenza li ġejja ma' l-Artikolu 2:

"L-iżvilupp jinkludi l-preparazzjoni ta' l-integrazzjoni teknika fis-SIS II, b'mod partikolari ta' l-Istati Membri li ngħaqdu ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004.";

2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4A*

1. Mingħajr preġudizzju għar-responsabblità tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tas-SIS II, l-unità ċentrali tas-SIS II għandha tkun fi Strasbourg (Franza) u l-unità ċentrali ta' riserva f'Sankt Johann im Pongau (l-Awstrija) matul l-iżilupp tas-sistema.

2. Franza u l-Awstrija għandhom jipprovdu l-infrastruttura u l-mezzi xierqa sabiex jospitaw l-unità ċentrali u l-unità ċentrali ta' riserva tas-SIS II rispettivament matul l-iżvilupp tas-sistema.

3. L-awtorità nazzjonali li tkun responsabbli mill-infrastruttura u l-mezzi msemmija fil-paragrafu 2 tista' tirċievi għotja mill-Komunità għat-tħejjija u l-manutenzjoni tas-sit jew għall-fornitura ta' servizzi oħra meħtieġa sabiex tkun ospitata s-SIS II matul l-iżvilupp tagħha."

3) Fl-Artikolu 7, it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[2] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.

32006R2027

30.12.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 414/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2027/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu flimkien mal-paragrafu 2, u ma' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3, ta' l-Artikolu 300,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1] /Wara li kkonsulta mal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Komunità u r-Repubblika ta' Kap Verde nnegozjaw u inizjalaw Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd li jippermetti lis-sajjieda tal-Komunità biex jistadu fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità tar-Repubblika ta' Kap Verde.

(2) Huwa kunsiljabbli li jiġi approvat il-Ftehim imsemmi.

(3) Huwa importanti li jiġi definit il-mod li bih jitqassmu l-opportunitajiet ta' sajd bejn l-Istati Membri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde huwa approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' dan ir-Regolament.

[1] Opinjoni mgħotija fit-30 ta' Novembru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 2

L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti bil-Protokoll tal-Ftehim huma mqassma bejn l-Istati Membri skond it-tabella li ġejja:

Il-kategorija tas-sajd	It-tip ta' bastiment	L-Istat Membru	Il-liċenzji jew il-kwota
Is-sajd għat-tonn	Skejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ	Spanja	41
		Portugall	7
Is-sajd għat-tonn	Bastimenti għall-qbid tat-tonn bit-tartarun bil-friża abbord	Spanja	12
		Franza	13
Is-sajd għat-tonn	Bastimenti għall-qbid tat-tonn bil-konz	Spanja	7
		Franza	4

Jekk it-talbiet għal-liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jużawx l-opportunitajiet kollha ta' sajd stabbiliti bil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra talbiet għal-liċenzji minn kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fil-qafas ta' dan il-Ftehim jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' kull qabda li tkun saret fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde skond il-modalitajiet stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 500/2001 ta' l-14 ta' Marzu 2001 dwar it-twaqqif tal-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 dwar il-monitoraġġ tal-qabdiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ibħra tal-pajjiżi terzi u f'baħar miftuħ [2].

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat il-Komunità.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [3].

[2] ĠU L 73, 15.3.2001, p. 8.

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Mill-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

22006A1230(04)

FTEHIM

ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

IR-REPUBBLIKA TA' KAP VERDE, minn hawn 'il quddiem imsejħa "Kap Verde",

u

minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet",

WARA LI KKUNSIDRAW ir-relazzjonijiet stretti ta' koperazzjoni bejn il-Komunità u Kap Verde, b'mod partikolari fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Cotonou, kif ukoll ix-xewqa komuni tagħhom li jintensifikaw dawn ir-relazzjonijiet,

WARA LI KKUNSIDRAW ix-xewqa taż-żewġ Partijiet li jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tagħha tas-sajd permezz tal-koperazzjoni,

Filwaqt li qiesu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni n-Nazzjonijiet Unititan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-liġi tal-baħar,

WARA LI GĦARFU li Kap Verde jeżerċita d-drittijiet tiegħu tas-sovranità u tal-ġurisdizzjoni fiż-żona li testendi sa 200 mil nawtiku mil-linji tal-bażi skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-liġi tal-baħar,

DETERMINATI li japplikaw id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku minn hawn 'il quddiem imsejħa "ICCAT"

KONXJI mill-importanza tal-prinċipji stabbiliti mill-Kodiċi ta' l-imġiba għal sajd responsabbli adottat waqt il-konferenza ta' l-FAO fl-1995,

IDDETERMINATI li jikkoperaw, fl-interess reċiproku tagħhom, biex ikun hemm sajd responsabbli li jassigura l-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi marittimi bijoloġiċi fuq żmien twil,

KONVINTI li din il-koperazzjoni għandha tiġi bbażata fuq il-komplementarjetà ta' l-inizjattivi u l-azzjonijiet li jsiru kemm b'mod konġunt kif ukoll minn kull waħda mill-Partijiet waqt li jiġu assigurati l-koerenza tal-politika u s-sinerġija ta' l-isforzi,

DEĊIŻI, għal dawn il-finijiet, li joħolqu djalogu fuq il-politika settorjali tas-sajd adottata mill-Gvern ta' Kap Verde, li jgħaddu għall-identifikazzjoni tal-mezzi xierqa sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effikaċi ta' din il-politika kif ukoll biex l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili jiddaħħlu fil-proċedura,

XEWQANA li jistabbilixxu l-modalitajiet u l-kondizzjonijiet li jikkontrollaw l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti Komunitarji fl-ibħra ta' Kap Verde, u dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' l-appoġġ mill-Komunità sabiex isir sajd responsabbli f'dawn l-istess ibħra,

DEĊIŻI li jidħlu f'koperazzjoni ekonomika iktar stretta fil-qasam ta' l-industrija tas-sajd u ta' l-attivitajiet marbuta magħha, permezz tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' kumpanniji konġunti li fihom ikun hemm intrapriżi miż-żewġ Partijiet,

JIFTIEHMU DWAR DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-għan

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-prinċipji, ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw:

— il-koperazzjoni ekonomika, finanzjarja, teknika u xjentifika fil-qasam tas-sajd sabiex isir sajd responsabbli fl-ibħra ta' Kap Verde li jassigura l-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi tas-sajd fuq żmien twil u sabiex is-settur tas-sajd f'Kap Verde jiżviluppa;

— il-kondizzjonijiet ta' l-aċċess tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ibħra ta' Kap Verde;

— il-koperazzjoni dwar il-modalitajiet tal-monitoraġġ tas-sajd fl-ibħra ta' Kap Verde sabiex jiġu assigurati l-ħarsien tal-kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-effikaċità tal-miżuri ta' konservazzjoni u tal-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat;

— is-sħubija bejn l-intrapriżi bil-għan li jiżviluppaw, fl-interess komuni tagħhom, attivitajiet ekonomiċi li jaqgħu taħt il-qasam tas-sajd u attivitajiet li jorbtu miegħu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-termini li ġejjin ifissru:

a) "awtoritajiet ta' Kap Verde", il-Gvern ta' Kap Verde;

b) "awtoritajiet komunitarji", il-Kummissjoni Ewropea;

ċ) "ibħra ta' Kap Verde", l-ibħra li jaqgħu, għal dak li għandu x'jaqsam mas-sajd, taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' Kap Verde;

d) "bastiment tas-sajd", kull bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi ħajjin tal-baħar

e) "bastiment Komunitarju", bastiment tas-sajd li jtajjar bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità u rreġistrat fil-Komunità;

f) "kumpannija konġunta", kumpannija kummerċjali kkostitwita f'Kap Verde minn armaturi jew intrapriżi nazzjonali tal-Partijiet għall-eżerċizzju ta' attivitajiet tas-sajd jew attivitajiet konnessi miegħu;

g) "kummissjoni konġunta", kummissjoni magħmula minn rappreżentanti tal-Komunità u ta' Kap Verde li l-karigi tagħha huma mniżżla fid-dettall fl-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim.

h) "trasbord", trasferiment magħmul fil-port jew fuq il-baħar tal-qabdiet, jew ta' parti minnhom, minn bastiment tas-sajd għal ieħor

i) "armatur", kull persuna ġuridikament responsabbli mill-bastiment tas-sajd li tmexxi u tikkontrolla

j) "baħrin AKP", kull baħri li ġej minn pajjiż mhux Ewropew li ffirma l-Ftehim ta' Cotonou. Għalhekk, baħri minn Kap Verde hu baħri AKP

Artikolu 3

Il-Prinċipji u l-għanijiet li jwasslu għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim

1. Il-Partijiet jintrabtu li jippromwovu sajd responsabbli fl-ibħra ta' Kap Verde skond il-prinċipji ddefiniti mill-Kodiċi ta' l-Imġiba għal Sajd Responsabbli (CCPR) ta' l-FAO u l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jkunu f'dawn l-ibħra.

2. Il-Partijiet jikkoperaw sabiex jassiguraw il-kontinwità tar-riżultati ta' l-eżekuzzjoni ta' politika settorjali tas-sajd adottata mill-Gvern ta' Kap Verde u jibdew djalogu politiku dwar ir-riformi meħtieġa. Huma jikkonsultaw lil xulxin sabiex jadottaw il-miżuri eventwali f'dan il-qasam.

3. Il-Partijiet jikkoperaw ukoll fit-twettiq ta' l-evalwazzjonijiet tal-miżuri, fil-programmi u l-azzjonijiet implimentati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet se jiġu analizzati mill-Kummissjoni konġunta stabbilita bl-Artikolu 9.

4. Il-Partijiet jintrabtu li jassiguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim skond il-prinċipji ta' tmexxija ekonomika u soċjali tajba waqt li jitħares l-istat tar-riżorsi tas-sajd.

5. L-impjieg ta' baħrin minn Kap Verde u/jew AKP abbord il-bastimenti Komunitarji hu kkontrollat mid-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol, li tapplika bis-sħiħ fil-qafas tal-kuntratti korrispondenti u tal-kondizzjonijiet ġenerali tax-xogħol. Huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' l-ġharfien effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv tal-ħaddiema u tal-qerda tad-diskriminazzjoni għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-impjieg u l-professjoni.

Artikolu 4

Il-koperazzjoni fil-qasam xjentifiku

1. Sakemm idum japplika l-Ftehim, il-Komunità u Kap Verde se jagħmlu l-aħjar tagħhom biex isegwu l-iżvilupp ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde;

2. Iż-żewġ Partijiet, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet u ta' riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku (ICCAT) u fid-dawl ta' l-aqwa opinjonijiet xjentifiċi disponibbli, jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kummissjoni konġunta stabbilita bl-Artikolu 9 jew, jekk ikun il-każ, fi ħdan laqgħa xjentifika. B'konsultazzjoni mal-Komunità, Kap Verde jista' jadotta miżuri bil-ħsieb ta' ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd fuq żmien twil.

3. Il-Partijiet jintrabtu li jikkonsultaw lil xulxin, direttament jew fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti, bil-għan li jassiguraw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi fl-Atlantiku u li jikkoperaw fil-qafas tar-riċerki xjentifiċi li jorbtu magħhom.

Artikolu 5

L-Aċċess tal-Bastimenti Komunitarji għaż-Żoni tas-Sajd fl-Ibħra ta' Kap Verde

1. Kap Verde jobbliga ruħu li jawtorizza lil bastimenti Komunitarji biex jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tiegħu skond dan il-Ftehim, inklużi l-Protokoll u l-Anness.

2. L-attivitajiet tas-sajd li huma t-tema ta' dan il-Ftehim huma suġġetti għal-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Kap Verde. L-awtoritajiet ta' Kap Verde jinnotifikaw lill-Komunità b'kull emenda fil-leġiżlazzjoni msemmija kif ukoll b'kull leġiżlazzjoni oħra li jista' jkollha impatt fuq il-leġiżlazzjonijiet tas-sajd.

3. Kap Verde jintrabat li jkun responsabbli dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikazzjoni effettiva tal-miżuri dwar il-monitoraġġ tas-sajd stabbiliti bil-Protokoll. Il-bastimenti Komunitarji jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde għat-twettiq ta' dan il-monitoraġġ.

4. Il-Komunità tinrabat li tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tassigura li l-bastimenti tagħha jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kif ukoll il-leġiżlazzjoni li tikkontrolla s-sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Kap Verde.

Artikolu 6

Il-liċenzji

1. Il-bastimenti Komunitarji ma jistgħux jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde ħlief jekk ikollhom liċenzja tas-sajd maħruġa fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

2. Il-proċedura li tippermetti l-kisba ta' liċenzja tas-sajd għal bastiment, it-taxxi li japplikaw u l-mod tal-ħlas mill-armatur huma ddefiniti fl-Anness tal-Protokoll.

Artikolu 7

Il-kumpens finanzjarju

1. Il-Komunità tagħti kumpens finanzjarju lil Kap Verde skond it-termini u l-kondizzjonijiet iddefiniti fil-Protokoll u fl-Annessi. Dan il-kumpens uniku hu ddefinit fuq il-bażi ta' żewġ komponenti relattivi, rispettivament,

a) għall-aċċess tal-bastimenti Komunitarji għaż-żoni tas-sajd ta' Kap Verde, u

b) għall-appoġġ finanzjarju tal-Komunità għall-promozzjoni ta' sajd responsabbli u għall-użu fuq żmien twil tar-riżorsi tas-sajd fl-ibħra ta' Kap Verde.

2. Il-komponent tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq hu ddeterminat u ġestit skond l-identifikazzjoni miż-żewġ Partijiet ta' ftehim komuni u skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-Protokoll, skond l-għanijiet li għandhom jitwettqu fil-qafas tal-politika settorjali tas-sajd f'Kap Verde u skond programmar annwali u multiannwali li jorbot ma' l-implimentazzjoni tagħha.

3. Il-kumpens finanzjarju mogħti mill-Komunità jitħallas kull sena skond il-modalitajiet stabbiliti bil-Protokoll u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u tal-Protokoll dwar il-modifika eventwali ta' l-ammont tiegħu minħabba:

a) avvenimenti mhux normali, li m'humiex fenomeni naturali, li jipprojbixxu l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet tas-sajd fl-ibħra ta' Kap Verde;

b) tnaqqis, bi qbil, ta' l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji b'applikazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni ta' l-istokkijiet ikkonċernati meqjusa meħtieġa għall-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi fuq żmien twil skond l-aqwa opinjoni xjentifika disponibbli;

ċ) żieda, bi qbil bejn il-Partijiet, fl-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji jekk, skond l-aqwa opinjoni xjentifika disponibbli, l-istat tar-riżorsi jippermetti dan;

d) evalwazzjoni mill-ġdid tal-kondizzjonijiet ta' l-appoġġ finanzjarju komunitarju għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali tas-sajd f'Kap Verde meta r-riżultati tal-programmar annwali u multiannwali kkonstatati mill-Partijiet jiġġustifikaw dan;

e) terminazzjoni ta' dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.

f) sospensjoni ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13.

Artikolu 8

Il-promozzjoni tal-koperazzjoni fil-livell ta' l-operaturi ekonomiċi u s-soċjetà ċivili

1. Il-Partijiet iħeġġu l-koperazzjoni ekonomika, xjentifika u teknika fis-settur tas-sajd u s-setturi relatati miegħu. Huma jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkoordinaw l-azzjonijiet differenti possibbli f'dan ir-rigward.

2. Il-Partijiet iħeġġu l-iskambju ta' l-informazzjoni dwar it-tekniki u l-inġenji tas-sajd, il-metodi ta' konservazzjoni u l-proċeduri industrijali ta' l-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd.

3. Il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom biex joħolqu l-kondizzjonijiet xierqa għall-promozzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-intrapriżi tal-Partijiet fil-qasam tekniku, dak ekonomiku u kummerċjali waqt li jiffavorixxu l-ħolqien ta' ambjent favorevoli għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investimenti.

4. Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jimplimentaw pjan ta' azzjoni bejn l-operaturi ta' Kap Verde u dawk tal-Komunità bil-għan li jiżviluppaw l-iżbarki lokali ta' bastimenti Komunitarji.

5. Il-Partijiet iħeġġu, b'mod partikolari, il-ħolqien ta' kumpanniji konġunti li jkollhom interess reċiproku waqt li jħarsu b'mod sistematiku l-leġiżlazzjoni ta' Kap Verde u l-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ.

Artikolu 9

Il-Kummissjoni Konġunta

1. B'dan qed titwaqqaf kummissjoni konġunta inkarigata mill-kontroll ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni Konġunta teżerċita l-funzjonijiet li ġejjin:

a) tikkontrolla l-eżekuzzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim u b'mod partikolari d-definizzjoni u l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-programmar annwali u multiannwali previst fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 7;

b) tassigura r-rabta meħtieġa għall-kwistjonijet ta' interess komuni fir-rigward tas-sajd;

ċ) isservi ta' forum biex tirregola, b'mod amikevoli, it-tilwim li jista' jinqala' minħabba l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim;

d) terġa' tevalwa, jekk ikun il-każ, il-livell ta' l-opportunitajiet ta' sajd u, għalhekk, tal-kumpens finanzjarju;

e) kull funzjoni oħra li l-Partijiet, bi qbil, jiddeċiedu li jattribwixxulha.

2. Il-Kummissjoni Konġunta tiltaqa' mill-inqas darba f'sena, darba f'Kap Verde u d-darba ta' wara fil-Komunità, taħt il-presidenza tal-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa. Hi tiltaqa' f'sessjoni straordinarja fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

Artikolu 10

Iż-żona ġeografika applikabbli

Dan il-Ftehim japplika, min-naħa l-waħda, fit-territorji fejn japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti bit-Trattat imsemmi, u min-naħa l-oħra, fit-territorju ta' Kap Verde.

Artikolu 11

It-tul tal-Ftehim

Dan il-Ftehim japplika għal 5 snin minn meta jidħol fis-seħħ; huwa jista' jiġġedded kull perjodu supplimentari ta' 5 snin, sakemm ma jiġix itterminat skond l-Artikolu 12.

Artikolu 12

It-terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim jista' jiġi tterminat minn waħda mill-Partijiet f'każ ta' avvenimenti mhux normali relattivi, fost oħrajn, għad-degradazzjoni ta' l-istokkijiet ikkonċernati, għall-konstatazzjoni ta' tnaqqis fil-livell ta' l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lill-bastimenti Komunitarji jew għan-nuqqas ta' ħarsien tal-weġħdiet sottoskritti mill-Partijiet fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat u mhux irregolat.

2. Il-Parti interessata tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tittermina l-Ftehim mill-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza ta' l-ewwel perjodu jew ta' kull perjodu supplimentari.

3. Meta tintbagħat in-notifika msemmija fil-paragrafu preċedenti, il-Partijiet jibdew il-konsultazzjonijiet.

4. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 għassena li fiha t-terminazzjoni tidħol fis-seħħ jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*.

Artikolu 13

Is-sospensjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet f'każ ta' tilwim gravi firrigward ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fih. Din is-sospensjoni hija suġġetta għan-notifika bil-miktub mill-Parti interessata mill-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ. Malli jirċievu din in-notifika, il-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jsolvu t-tilwim tagħhom b'mod amikevoli.

2. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis* skond it-tul ta' żmien tas-sospensjoni.

Artikolu 14

Il-Protokoll u l-Anness

Il-Protokoll u l-Anness jifformaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 15

Dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali

L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li joperaw fl-ibħra ta' Kap Verde huma kkontrollati mil-leġiżlazzjoni li tapplika f'Kap Verde, ħlief jekk il-Ftehim u dan il-Protokoll flimkien ma' l-Anness u l-Appendiċi tiegħu jipprevedu mod ieħor.

Artikolu 16

Tħassir

Dan il-Ftehim iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim tas-sajd bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar is-sajd 'il barra minn Kap Verde li daħal fis-seħħ fl-24 ta' Lulju 1990.

Artikolu 17

Id-dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim, imfassal f'żewġ oriġinali bil-Ġermaniż, bl-Ingliż, bid-Daniż, bl-Ispanjol, bl-Eston, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Iżvediż u biċ-Ċek, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku, jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop.

22006A1230(05)

PROTOKOLL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju msemmija fil-ftehim ta' sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar is-sajd 'il barra minn Kap Verde għall-perjodu bejn l-1 ta' settembru 2006 u l-31 ta' awwissu 2011

Artikolu 1

Il-perjodu ta' applikazzjoni u l-opportunitajiet ta' sajd

1. Mill-1 ta' Settembru 2006 u għal perjodu ta' 5 snin, l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija taħt l-Artikolu 5 tal-Ftehim huma stabbiliti kif ġej:

L-ispeċijiet migratorji ħafna (l-ispeċijiet elenkati fl-Anness 1 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1982)

— il-bastimenti għall-qbid tat-tonn bit-tartarun bil-friża abbord: 25 bastiment,

— il-bastimenti għall-qbid tat-tonn bil-konz: 11-il bastiment,

— l-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ: 48 bastiment.

2. Il-paragrafu 1 japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dan il-Protokoll.

3. Il-bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità Ewropea ma jistgħux jeżerċitaw attivitajiet ta' sajd fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde ħlief jekk ikollhom liċenzja tas-sajd maħruġa fil-qafas ta' dan il-Protokoll u skond il-modalitajiet deskritti fl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 2

Kumpens finanzjarju — Il-modalitajiet tal-ħlas

1. Il-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7 tal-Ftehim hu magħmul, min-naħa l-waħda għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, minn ammont annwali ta' EUR 325 000 li huma ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 5 000 t fis-sena, u min-naħa l-oħra minn ammont speċifiku ta' EUR 60 000 fis-sena, maħsub għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi meħuda fil-qafas tal-politika settorjali tas-sajd ta' Kap Verde. Dan l-ammont speċifiku jifforma parti integrali mill-kumpens finanzjarju uniku ddefinit fl-Artikolu 7 tal-Ftehim.

2. Il-paragrafu 1 japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4, 5 u 7 ta' dan il-Protokoll.

3. Is-somma ta' l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1, jiġifieri EUR 385 000, titħallas kull sena mill-Komunità matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

4. Jekk il-kwantità globali tal-qabdiet li jsiru mill-bastimenti Komunitarji fl-ibħra ta' Kap Verde taqbeż il-5 000 tunnellata fis-sena, l-ammont ta' EUR 325 000 tal-kumpens finanzjarju se jiżdied b' EUR 65 għal kull tunnellata żejda li tinqabad. Madankollu, l-ammont totali annwali mħallas mill-Komunità ma jistax jaqbeż id-doppju ta' l-ammont indikat fil-paragrafu 1 (EUR 650 000). Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jaqbżu l-kwantitajiet li jikkorrispondu għad-doppju ta' l-ammont totali annwali, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dan il-limitu jitħallas is-sena ta' wara.

5. Il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 isir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2006 għall-ewwel sena u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2007, 2008, 2009 u 2010 għas-snin ta' wara.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, l-għoti ta' dan il-kumpens jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva ta' l-awtoritajiet ta' Kap Verde.

7. Il-kumpens finanzjarju jitħallas f'kont uniku tat-Teżor Pubbliku miftuħ għand istituzzjoni finanzjarja magħżula mill-awtoritajiet ta' Kap Verde.

Artikolu 3

Il-Koperazzjoni għal sajd responsabbli — Laqgħa xjentifika

1. Iż-żewġ Partijiet jimpenjaw irwieħhom li jippromwovu sajd responsabbli fl-ibħra ta' Kap Verde skond il-prinċipji tal-Kodiċi ta' l-Imġiba għal sajd responsabbli (CCPR) ta' l-FAO u l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni bejn il-flotot differenti li jkunu f'dawn l-ibħra.

2. Sakemm idum dan il-Protokoll, il-Komunità u l-awtoritajiet ta' Kap Verde se jagħmlu l-aħjar tagħhom biex isegwu l-iżvilupp ta' l-istat tar-riżorsi fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde;

3. Skond l-Artikolu 4 tal-Ftehim, il-Partijiet, fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet u tar-riżoluzzjonijiet adottati fi ħdan il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn (ICCAT) u fid-dawl ta' l-aqwa opinjonijiet xjentifiċi disponibbli jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kummissjoni konġunta stabbilita bl-Artikolu 9 tal-Ftehim, jekk ikun il-każ wara laqgħa xjentifika. B'konsultazzjoni mal-Komunità, Kap Verde jista' jadotta miżuri bil-ħsieb ta' ġestjoni fuq żmien twil tar-riżorsi tas-sajd li jaffettwaw l-attivitajiet tal-bastimenti Komunitarji.

Artikolu 4

Reviżjoni ta' l-opportunitajiet ta' sajd bi qbil reċiproku

1. L-opportunitajiet ta' sajd imsemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiżdiedu bi qbil sakemm, skond il-konklużjonijiet tal-laqgħa xjentifika msemmija fil-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 3, din iż-żieda ma tkunx ta' ħsara għall-ġestjoni fuq żmien twil tar-riżorsi ta' Kap Verde. F'każ bħal dan, il-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 jiżdied proporzjonalment u *pro rata temporis*. Madankollu, l-ammont totali tal-kumpens finanzjarju mħallas mill-Komunità Ewropea ma jistax jaqbeż id-doppju ta' l-ammont indikat fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2. Meta l-kwantitajiet maqbuda mill-bastimenti Komunitarji jaqbżu d-doppju tal-kwantitajiet li jikkorrispondu għall-ammont totali annwali rivedut, l-ammont dovut għall-kwantità li taqbeż dan il-limitu jitħallas is-sena ta' wara.

2. Min-naħa l-oħra, fil-każ li l-Partijiet jiftiehmu dwar l-adozzjoni ta' tnaqqis ta' l-opportunitajiet ta' sajd imsemmija fl-Artikolu 1, il-kumpens finanzjarju jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis*.

3. It-tqassim ta' l-opportunitajiet ta' sajd bejn kategoriji differenti ta' bastimenti jista' wkoll ikun suġġett għal reviżjoni bi qbil bejn iż-żewġ Partijiet u b'ħarsien ta' kull rakkomandazzjoni eventwali tal-laqgħa xjentifika msemmija fl-Artikolu 3 fir-rigward tal-ġestjoni ta' l-istokkijiet li jistgħu jkunu affetwati minn dan it-tqassim mill-ġdid. Il-Partijiet jiftiehmu dwar l-aġġustament korrispondenti tal-kumpens finanzjarju jekk it-tqassim mill-ġdid ta' l-opportunitajiet ta' sajd jiġġustifika dan.

Artikolu 5

Opportunitajiet ġodda ta' sajd

1. Fil-każ li l-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jkunu interessati f'attivitajiet ta' sajd li ma jkunux indikati fl-Artikolu 1, il-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin qabel ma eventwalment tingħata l-awtorizzazzjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet ta' Kap Verde. Jekk ikun il-każ, il-Partijiet jiftiehmu dwar il-kondizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-opportunitajiet ġodda ta' sajd u, jekk ikun meħtieġ, jemendaw dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu.

2. Il-Partijiet għandhom iħeġġu s-sajd sperimentali, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ispeċijiet li jgħixu fil-fond ta' l-ibħra ta' Kap Verde. Għalhekk, u fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, huma jikkonsultaw lil xulxin u għal kull każ jiddeterminaw l-ispeċijiet, il-kondizzjonijiet u parametri oħra xierqa.

Il-Partijiet se jwettqu s-sajd sperimentali skond il-parametri li huma se jaqblu dwarhom, jekk ikun il-każ, f'dispożizzjoni amministrattiva. Għandu jintlaħaq qbil dwar l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd sperimentali għal perjodu massimu ta' 6 xhur.

Fil-każ li l-Partijiet iqisu li l-kampanji sperimentali jkunu taw riżultati pożittivi, il-Gvern ta' Kap Verde jista' jagħti opportunitajiet ta' sajd għall-ispeċijiet il-ġodda lill-flotta tal-Komunità sa l-iskadenza tal-Protokoll attwali. Għalhekk, il-kumpens finanzjarju msemmi fl-Artikolu 2.1 tal-Protokoll attwali jiżdied.

Artikolu 6

Is-sospensjoni u r-reviżjoni tal-ħlas tal-kumpens finanzjarju minħabba forza maġġuri

1. Fil-każ ta' ċirkostanzi mhux normali, minbarra l-fenomeni naturali, li jipprojbixxu l-eżerċizzju ta' l-attivitajiet ta' sajd fiż-Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' Kap Verde, il-ħlas tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 jista' jiġi sospiż mill-Komunità Ewropea wara konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ Partijiet f'terminu ta' xahrejn wara t-talba ta' waħda miż-żewġ Partijiet u bil-kondizzjoni li l-Komunità Ewropea tkun ħallset kull ammont dovut meta ssir is-sospensjoni.

2. Il-kumpens finanzjarju jerġa' jibda jitħallas malli l-Partijiet jikkonstataw, bi qbil wara li jsiru l-konsultazzjonijiet, li ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-waqfien ta' l-attivitajiet ta' sajd inbidlu u/jew li s-sitwazzjoni tista' tippermetti li jerġgħu lura għall-attivitajiet ta' sajd.

3. Il-validità tal-liċenzji mogħtija lill-bastimenti Komunitarji skond l-Artikolu 6 tal-Ftehim tiġi pprolungata għal tul ta' żmien daqs il-perjodu ta' sospensjoni ta' l-attivitajiet ta' sajd.

Artikolu 7

Il-promozzjoni ta' sajd responsabbli fl-ibħra ta' Kap Verde

1. Tmenin fil-mija (80 %) ta' l-ammont totali tal-kumpens finanzjarju stabbilit bl-Artikolu 2 jikkontribwixxu kull sena għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi għall-promozzjoni ta' sajd responsabbli u fuq żmien twil fil-qafas tal-politika settorjali tas-sajd iddefinita mill-Gvern ta' Kap Verde.

Il-ġestjoni ta' l-ammont korrispondenti minn Kap Verde hija bbażata fuq l-identifikazzjoni miż-żewġ Partijiet, bi qbil, ta' l-għanijiet li għandhom jitwettqu u tal-programmar annwali u multiannwali li jorbot magħhom.

2. Sabiex jiġu implimentati l-miżuri tal-paragrafu 1 hawn fuq, il-Komunità u Kap Verde jiftiehmu fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta stabbilita bl-Artikolu 9 tal-Ftehim, malli l-Protokoll jidħol fis-seħħ u sa mhux aktar tard mit-tliet xhur wara d-dħul ta' dan il-Protokoll fis-seħħ, dwar Programm Settorjali Multi-annwali u l-modalitajiet ta' l-applikazzjoni tiegħu, li jinkludi b'mod partikolari:

(a) il-linji ta' gwida fuq bażi annwali u multiannwali li fuqhom il-persentaġġ tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 hawn fuq u ta' l-ammonti speċifiċi tiegħu għall-inizjattivi li għandhom isiru fl-2007 ikun se jintuża.

(b) l-għanijiet li għandhom jintlaħqu fuq bażi annwali u multiannwali sabiex fl-aħħar ikunu jistgħu jaslu għall-promozzjoni ta' sajd responsabbli u fuq żmien twil waqt li jitqiesu l-prijoritajiet espressi minn Kap Verde fi ħdan il-politika nazzjonali tas-sajd jew ta' politika oħra li għandha rabta jew impatt fuq il-promozzjoni ta' sajd responsabbli u fuq żmien twil;

(ċ) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jintużaw sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-riżultati miksuba, fuq bażi annwali.

3. Kull emenda proposta fil-Programm Settorjali Multiannwali jew fl-użu ta' l-ammonti speċifiċi għall-inizjattivi li għandhom isiru fl-2007 għandha tkun approvata miż-żewġ Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni konġunta.

4. Kull sena, Kap Verde jiddeċiedi l-koeffiċjent tal-parti li tikkorrispondi għall-persentaġġ imsemmi fil-paragrafu 1 sabiex jiġi implimentat il-Programm multiannwali. Fir-rigward ta' l-ewwel sena tal-validità tal-Protokoll, dan il-koeffiċjent għandu jkun ikkomunikat lill-Komunità malli l-Programm Settorjali multiannwali jiġi approvat fil-Kummissjoni Konġunta. Għal kull sena segwenti, dan il-koeffiċjent jiġi kkomunikat minn Kap Verde lill-Komunità sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju tas-sena tal-Protokoll preċedenti.

5. Fil-każ li l-evalwazzjoni annwali tar-riżultati ta' l-implimentazzjoni tal-Programm Settorjali Multiannwali tiġġustifika dan, il-Komunità Ewropea se tkun tista' titlob li jerġa' jsir aġġustament tal-kumpens finanzjarju msemmi fil-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll biex tadatta l-ammont effettiv tal-fondi mogħtija għall-implimentazzjoni tal-Programm ma' dawn ir-riżultati.

Artikolu 8

It-tilwim — is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll

1. Kull tilwim bejn il-Partijiet fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u fir-rigward ta' l-applikazzjoni tagħhom għandu jkun is-suġġett ta' konsultazzjoni bejn il-Partijiet fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta stabbilita bl-Artikolu 9 tal-Ftehim, jekk ikun meħtieġ, imlaqqgħa f'sessjoni straordinarja.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9, l-applikazzjoni tal-Protokoll tista' tiġi sospiża fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet meta t-tilwim li jpoġġi ż-żewġ Partijiet f'oppożizzjoni jitqies gravi u meta l-konsultazzjonijiet li jsiru fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta skond il-paragrafu 1 ma jkunux ippermettew tmiem b'mod amikevoli.

3. Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll hija suġġetta għan-notifika bil-miktub mill-Parti interessata mill-inqas tliet xhur qabel id-data li fiha din is-sospensjoni tidħol fis-seħħ.

4. F'każ ta' sospensjoni, il-Partijiet ikomplu jikkonsultaw lil xulxin bil-għan li jsibu soluzzjoni amikevoli għat-tilwim li jkun qed jifridhom. Meta tinstab soluzzjoni, il-Protokoll jerġa' jibda japplika u l-ammont tal-kumpens finanzjarju jitnaqqas proporzjonalment u *pro rata temporis* skond it-tul ta' żmien li fih l-applikazzjoni tal-Protokoll tkun ġiet sospiża.

Artikolu 9

Is-sospensjoni ta' l-applikazzjoni tal-Protokoll minħabba nuqqas ta' ħlas

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, fil-każ li l-Komunità tonqos milli tagħmel il-ħlas imsemmi fl-Artikolu 2, l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll tista' tiġi sospiża bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) L-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde jibagħtu notifika lill-Kummissjoni Ewropea dwar in-nuqqas ta' ħlas. Din tgħaddi għall-verifiki xierqa u, jekk ikun meħtieġ, għall-ħlas f'terminu massimu ta' 60 jum ta' xogħol mid-data ta' l-irċevuta tan-notifika.

b) Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' ġustifikazzjoni xierqa għan-nuqqas ta' ħlas fit-terminu stabbilit bil-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, l-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde għandhom id-dritt li jissospendu l-applikazzjoni tal-Protokoll. Huma jinformaw lill-Kummissjoni Ewropea b'dan mill-ewwel.

ċ) Il-Protokoll jerġa' jibda japplika malli jsir il-ħlas ikkonċernat.

Artikolu 10

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali

L-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li joperaw fl-ibħra ta' Kap Verde fil-qafas ta' dan il-Protokoll huma gvernati mil-leġiżlazzjoni li tapplika f'Kap Verde, ħlief jekk il-Ftehim u dan il-Protokoll flimkien ma' l-Anness u l-Appendiċi tiegħu jiddisponu dwar dan mod ieħor.

Artikolu 11

Klawsola ta' reviżjoni

Il-Partijiet jistgħu jirrivedu d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll, ta' l-Anness u ta' l-Appendiċi u, jekk ikun il-każ, jemendawhom f'nofs it-terminu.

Artikolu 12

Tħassir

L-Anness tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar is-sajd 'il barra minn Kap Verde huwa mħassar u sostitwit bl-Anness ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li ġew kompletati l-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop.

2. Huma għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Settembru 2006.

ANNESS

IL-KONDIZZJONIJIET GĦALL-EŻERĊIZZJU TAS-SAJD FIŻ-ŻONA TAS-SAJD TA' KAP VERDE MILL-BASTIMENTI KOMUNITARJI

KAPITOLU I

IL-FORMALITAJIET LI JAPPLIKAW GĦAT-TALBA U GĦALL-ĦRUĠ TAL-LIĊENZJI

Sezzjoni 1

Il-ħruġ tal-liċenzji

1. Il-bastimenti eliġibbli biss jistgħu jiksbu liċenzja tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde fil-qafas tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju msemmija fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar is-sajd 'il barra minn Kap Verde għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2006 u l-31 ta' Awwissu 2011.

2. Sabiex bastiment ikun eliġibbli, l-armatur, il-kaptan u l-bastiment innifsu ma jridux ikunu pprojbiti milli jwettqu attivitajiet ta' sajd f'Kap Verde. Huma jridu jkunu f'sitwazzjoni regolari fil-konfront ta' l-amministrazzjoni ta' Kap Verde, fis-sens li jridu jkunu wettqu l-obbligi preċedenti kollha marbuta ma' l-attivitajiet tagħhom ta' sajd f'Kap Verde fil-qafas tal-Ftehim ta' sajd konkluż mal-Komunità.

3. Kull bastiment Komunitarju li jitlob liċenzja tas-sajd jista' jiġi rrappreżentat minn aġent marittimu li jgħix f'Kap Verde. L-isem u l-indirizz ta' dan ir-rappreżentant għalhekk jissemmew fit-talba għal-liċenzja. Madankollu, kull bastiment li jitlob liċenzja tas-sajd li jaħseb għall-iżbark jew it-trasbord f'port ta' Kap Verde għandu jiġi rrappreżentat minn aġent marittimu li jgħix f'Kap Verde.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Komunità jippreżentaw talba, mill-inqas 15-il jum qabel id-data tal-bidu tal-validità mitluba, lill-Ministeru inkarigat mis-sajd f'Kap Verde għal kull bastiment li jixtieq jistad fil-qafas ta' dan il-Ftehim.

5. It-talbiet jiġu ppreżentati lill-Ministeru inkarigat mis-sajd skond il-formoli li l-mudell tagħhom jidher fl-Appendiċi I.

6. Kull talba għal-liċenzja għandha tkun akkompanjata mid-dokumenti li ġejjin:

   — il-prova tal-ħlas tal-miżata għall-perjodu tal-validità tagħha.

   — ritratt reċenti bil-kulur tal-bastiment mill-ġenb fl-istat attwali tiegħu għal kull talba li ssir għall-ewwel darba fil-qafas ta' dan il-Protokoll. Ir-ritratt ma jridx ikun iżgħar minn 15-il ċm b'10 ċm.

   — kull dokument jew ċertifikat ieħor meħtieġ skond id-dispożizzjonijiet partikolari li japplikaw għat-tip ta' bastiment skond dan il-Protokoll.

7. Il-miżata titħallas fil-kont indikat mill-awtoritajiet ta' Kap Verde skond il-paragrafu 6 ta' l-Artikolu 2 tal-Protokoll.

8. Il-miżati jinkludu t-taxxi nazzjonali u lokali kollha. Madankollu, it-taxxi tal-port, it-taxxi tat-trasbord u l-ispejjeż għall-ġhoti ta' servizzi m'humiex inklużi fil-ħlas ta' din il-miżata.

9. Il-liċenzji għall-bastimenti kollha jingħataw lill-armaturi jew lir-rappreżentanti tagħhom permezz tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej f'Kap Verde f'terminu ta'15-il jum wara l-irċevuta tad-dokumentazzjoni kollha msemmija fil-punt 6 hawn fuq mill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde.

10. Fil-każ li meta tkun se tiġi ffirmata l-liċenzja l-uffiċċji tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jkunu magħluqin, din tista', jekk ikun il-każ, tingħadda direttament lill-aġent tal-bastiment u tingħata kopja lid-Delegazzjoni.

11. Il-liċenzja tinħareġ f'isem bastiment partikolari u m'hijiex trasferibbli.

12. Madankollu, fuq talba tal-Komunità Ewropea u f'każ ta' forza maġġuri ppruvata, il-liċenzja ta' bastiment tiġi sostitwita b'liċenzja ġdida f'isem bastiment ieħor ta' l-istess kategorija mingħajr ma jkollha titħallas miżata oħra. F'dan il-każ, il-kalkolu tal-livell tal-qabdiet iqis it-total tal-qabdiet kollha taż-żewġ bastimenti biex jiġi ddeterminat ħlas addizzjonali eventwali.

13. L-armatur, jew ir-rappreżentant, tal-bastiment li jkun se jiġi sostitwit jgħaddi l-liċenzja annullata lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde permezz tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

14. Id-data li fiha l-liċenzja l-ġdida ssir valida hija dik meta l-armatur jagħti lura l-liċenzja annullata lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde. Id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Kap Verde tiġi informata bit-trasferiment tal-liċenzja.

15. Il-liċenzja għandha dejjem tinżamm abbord. Madankollu, malli tiġi riċevuta n-notifika tal-ħlas bil-quddiem indirizzata mill-Kummissjoni Ewropea lill-awtoritajiet ta' Kap Verde, il-bastiment jinkiteb fuq lista tal-bastimenti awtorizzati biex jistadu, li tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet ta' Kap Verde inkarigati mill-monitoraġġ tas-sajd. Kopja tal-lista msemmija tista' tinkiseb permezz ta' faks sakemm tiġi riċevuta l-liċenzja nfisha; din il-kopja tinżamm abbord.

Sezzjoni 2

Il-kondizzjonijiet għal-liċenzja — il-miżati u l-ħlas bil-quddiem

1. Il-liċenzji huma validi għal sena. Huma jistgħu jiġġeddu.

2. Il-miżata stabbilita hija ta' EUR 35 għal kull tunnellata maqbuda fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde għall-bastimenti għall-qbid tat-tonn bit-tartarun u għall-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ u għal EUR 25 għal kull tunnellata maqbdua fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde għall-bastimenti għall-qbid tat-tonn bil-konz.

3. Il-liċenzji jinħarġu wara li jitħallsu s-somom stabbiliti li ġejjin lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti:

— EUR 3 950 għal kull bastiment għall-qbid tat-tonn bit-tartarun (li EUR 100 minnhom imorru għall-finanzjament tal-programm ta' l-osservaturi), li huma ekwivalenti għall-miżati dovuti għal 110 tunnellata ta' speċijiet migratorji ħafna u speċijiet assoċjati magħhom maqbuda kull sena;

— EUR 2 900 għal kull skuna li tistad bil-konz tal-wiċċ (li EUR 100 minnhom imorru għall-finanzjament tal-programm ta' l-osservaturi), li huma ekwivalenti għall-miżati dovuti għal 80 tunnellata ta' speċijiet migratorji ħafna u speċijiet assoċjati magħhom maqbuda kull sena;

— EUR 500 għal kull bastiment għall-qbid tat-tonn bil-konz (li EUR 100 minnhom imorru għall-finanzjament tal-programm ta' l-osservaturi), li huma ekwivalenti għall-miżati dovuti għal 16-il tunnellata ta' speċijiet migratorji ħafna u speċijiet assoċjati magħhom maqbuda kull sena;

4. Ir-rendikont finali tal-miżati dovuti għas-sena n jiġi deċiż mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju tas-sena n+1 fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet magħmula minn kull armatur u kkonfermati mill-istituti xjentifiċi kompetenti għall-verifika ta' l-informazzjoni dwar il-qabdiet fl-Istati Membri, bħall-IRD (Institut de Recherche pour le Développement), l-IEO (Instituto Español de Oceanografía) u l-IPIMAR (Instituto de Investigação das Pescas e do Mar) u għall-INDP (l'Instituto Nacional de Desenvolvimento das Pescas du Cap Vert) permezz tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

5. Dan il-kont jiġi kkomunikat fl-istess ħin lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde u lill-armaturi għall-verifika u l-approvazzjoni. L-awtoritajiet ta' Kap Verde jistgħu joġġezzjonaw għall-kont bil-miktub u bir-raġunijiet xierqa f'terminu ta' 30 jum mid-data ta' meta jkun ġie lilhom mogħti. Jekk ma jintlaħaqx qbil, il-każ jitressaq quddiem il-Kummissjoni Konġunta. Jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni fit-terminu stabbilit, il-kont jiġi aċċettat.

6. Kull ħlas addizzjonali eventwali se jsir mill-armaturi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Kap Verde sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara fil-kont imsemmi fil-paragrafu 7 tas-Sezzjoni 1 ta' dan il-Kapitolu.

7. Madankollu, jekk il-kont finali jkun inqas mill-ammont tal-ħlas bil-quddiem imsemmi fil-punt 3 ta' din is-sezzjoni, l-armatur ma jkunx jista' jieħu lura s-somma korrispondenti li jibqa'.

KAPITOLU II

IŻ-ŻONI TAS-SAJD

1. Il-bastimenti Komunitarji se jkunu jistgħu jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom tas-sajd fiż-żoni li ġejjin:

— 'il barra mit-12-il mil nawtiku mil-linji tal-baži

KAPITOLU III

IR-REĠIM TA' DIKJARAZZJONI TAL-QABDIET

1. It-tul ta' żmien tal-vjaġġ ta' bastiment Komunitarju għall-finijiet ta' dan l-Anness huwa ddefinit kif ġej:

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn daħla u ħarġa miż-żona tas-sajd ta' Kap Verde;

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn daħla fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde u trasbord;

— jew il-perjodu li jgħaddi bejn daħla fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde u żbark f'Kap Verde;

2. Il-bastimenti kollha awtorizzati biex jistadu fl-ibħra ta' Kap Verde fil-qafas tal-Ftehim għandhom jikkomunikaw il-qabdiet tagħhom lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde sabiex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkontrollaw il-kwantitajiet maqbuda li jiġu vvalidati mill-istituti xjentifiċi kompetenti skond il-proċedura msemmija fil-punt 4 tas-sezzjoni 2 tal-Kapitolu I ta' dan l-Anness. Il-modalitajiet ta' komunikazzjoni tal-qabdiet huma dawn li ġejjin:

2.1 Matul perjodu ta' sena li fih il-liċenzja tkun valida fis-sens tal-paragrafu 1 tas-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu I ta' dan l-Anness, id-dikjarazzjonijiet jinkludu l-qabdiet li jkunu saru mill-bastiment waqt kull vjaġġ. Id-dikjarazzjonijiet oriġinali fuq mezz fiżiku jiġu kkomunikati lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde fit-30 jum ta' wara t-tmiem ta' l-aħħar vjaġġ li jkun sar matul il-perjodu msemmi. Fl-istess ħin jintbagħtu kopji b'mod elettroniku jew permezz ta' faks lill-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u lill-Ministeru inkarigat mis-sajd ta' Kap Verde.

2.2 Il-bastimenti jiddikjaraw il-qabdiet tagħhom permezz tal-formola li tikkorrispondi għall-ġurnal ta' abbord li l-mudell tagħha qiegħed fl-Appendiċi 2. Għall-perjodi li fihom il-bastiment ma jkunx daħal fl-ibħra ta' (Stat), huwa mitlub li jimtela l-ġurnal ta' abbord bir-referenza "Barra ż-ŻEE ta' Kap Verde".

2.3 Il-formoli għandhom jimtlew b'mod ċar u b'ittri kapitali u jiġu ffirmati mill-kaptan tal-bastiment jew mir-rappreżentant legali tiegħu.

3. F'każ li ma jitħarsux id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Gvern ta' Kap Verde jirriżerva d-dritt li jissospendi l-liċenzja tal-bastiment li wettaq in-nuqqas sakemm titlesta l-formalità u tiġi applikata piena, stabbilita bir-Regolament fis-seħħ f'Kap Verde, lill-armatur tal-bastiment. L-Istat Membru ta' reġistrazzjoni u l-Kummissjoni Ewropea jiġu informati b'dan.

KAPITOLU IV

L-IŻBARK

Iż-żewġ Partijiet jikkoperaw sabiex itejbu l-opportunitajiet ta' trasbord u ta' żbark fil-portijiet ta' Kap Verde.

1. L-Iżbarki:

Il-bastimenti tat-tonn tal-Komunità li jiżbarkaw b'mod volontarju f'port ta' Kap Verde jibbenefikaw minn tnaqqis fil-miżata ta' EUR 5 għal kull tunnellata żbarkata fuq l-ammont indikat fil-paragrafu 2 tas-sezzjoni 2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness.

Jingħata tnaqqis supplimentari ta' EUR 5 fil-każ ta' bejgħ tal-prodotti tas-sajd lil fabbrika ta' l-ipproċessar f'Kap Verde.

Dan il-mekkaniżmu se japplika, għal kull bastiment Komunitarju, sa massimu ta' 50 % tal-kont finali tal-qabdiet (hekk kif iddefinit fil-Kapitolu III ta' l-Anness) mill-ewwel sena ta' dan il-Protokoll.

2. Il-modalitajiet ta' l-applikazzjoni tal-kontroll tat-tunnellati żbarkati jew trasbordati se jkunu ddefiniti waqt l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta.

3. L-evalwazzjoni:

Il-livell ta' l-inċentivi finanzjarji kif ukoll il-persentaġġ massimu tal-kont finali tal-qabdiet se jiġu aġġustati fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta skond l-impatt soċjo-ekonomiku maħluq mill-iżbarki li jkunu saru matul is-sena kkonċernata.

KAPITOLU V

L-IMBARK TAL-BAĦRIN

1. L-armaturi tal-bastimenti għall-qbid tat-tonn u ta' l-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ se jieħdu ħsieb li jħaddmu baħrin li ġejjin mill-pajjiżi AKP, inkluż minn Kap Verde, taħt il-kondizzjonijiet u bil-limiti li ġejjin:

— għall-flotta tal-bastimenti għall-qbid tat-tonn bit-tartarun, mill-inqas sitt baħrin AKP jiġu imbarkati matul il-kampanja tas-sajd għat-tonn fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde,

— għall-flotta tal-bastimenti għall-qbid tat-tonn bil-konz, mill-inqas tliet baħrin AKP jiġu imbarkati matul il-kampanja tas-sajd għat-tonn fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde,

— għall-flotta ta' l-iskejjen li jistadu bil-konz tal-wiċċ, mill-inqas erba' baħrin AKP jiġu imbarkati matul il-kampanja tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde.

2. L-armaturi jimpenjaw ruħhom biex jimbarkaw baħrin supplimentari minn Kap Verde.

3. L-armaturi jagħżlu b'mod liberu l-baħrin li jkunu se jimbarkaw fuq il-bastimenti tagħhom fost dawk imsemmija f'listi ppreżentati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Pajjiżi AKP ikkonċernati, inkluż minn Kap Verde.

4. Fil-każ li jissejħu xi awżiljarji minn Kap Verde, skond il-punt 1 ta' dan l-Artikolu, l-armatur jew ir-rappreżentant tiegħu jgħaddu lill-awtorità kompetenti ta' Kap Verde l-ismijiet tal-baħrin minn Kap Verde li jkunu imbarkati abbord il-bastiment ikkonċernat u ssir referenza għall-iskrizzjoni tagħhom fil-lista ta' l-ekwipaġġ.

5. Id-Dikjarazzjoni ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq ix-xogħol tapplika b'mod sħiħ ghall-baħrin imbarkati fuq bastimenti Komunitarji. Huwa l-każ b'mod partikolari tal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' l-ġħarfien effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv tal-ħaddiema u tal-qerda tad-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjieg u l-professjoni.

6. Il-kuntratti tax-xogħol ta' baħrin minn Kap Verde, skond il-punt 1 ta' dan l-Artikolu, li tingħata kopja tagħhom lill-firmatarji, huma stabbiliti bejn ir-rappreżentant(i) ta' l-armaturi u l-baħrin u/jew it-trejdjunjins tagħhom jew ir-rappreżentanti tagħhom b'rabta ma' l-awtorità marittima ta' Kap Verde. Dawn il-kuntratti se jiggarantixxu lill-baħrin il-benefiċċju tar-reġim tas-sigurtà soċjali li japplika ghalihom, li jinkludi assigurazzjoni fuq il-mewt, mard jew inċidenti.

7. L-armaturi huma responsabbli ghas-salarju tal-baħrin. Dan ghandu jiġi stabbilit qabel ma jingħataw il-liċenzji bi qbil bejn l-armaturi jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-awtoritajiet tal-pajjiż AKP ikkonċernat. Madankollu, il-kondizzjonijiet tar-remunerazzjoni tal-baħrin lokali ma jistgħux ikunu anqas minn dawk li japplikaw ghall-ekwipaġġi ta' Kap Verde u f'kull każ mhux anqas mir-regoli ta' l-ILO.

8. Kull baħri impjegat mill-bastimenti Komunitarji ghandu jippreżenta ruħu lill-kaptan tal-bastiment maħtur lejlet id-data proposta ghall-imbark tiegħu. Jekk il-baħri ma jkunx preżenti fid-data u l-ħin previsti ghall-imbark, l-armatur jiġi awtomatikament rilaxxjat mill-obbligu li jimbarka lil dan il-baħri.

9. Madankollu, f'każ li l-baħrin tal-pajjiżi AKP ma jiġux imbarkati għal raġunijiet differenti minn dawk stipulati fil-punt preċedenti, l-armaturi tal-bastimenti Komunitarji kkonċernati huma mitluba jħallsu, għal kull jum ta' vjaġġ fl-ibħra tal-pajjiż AKP ikkonċernt, somma stabbilita minn qabel ta' EUR 20 kuljum. Il-ħlas ta' din is-somma għandu jsir sa mhux aktar tard mit-termini stabbiliti fil-punt I.2.6 ta' dan l-Anness.

10. Din is-somma tiġi użata għat-taħriġ tal-baħrin-sajjieda lokali u titħallas fil-kont indikat mill-awtoritajiet tal-pajjiż AKP ikkonċernat.

KAPITOLU VI

IL-MIŻURI TEKNIĊI

Il-bastimenti josservaw il-miżuri u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-ICCAT għar-reġjun għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-inġenji tas-sajd, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom u kull miżura teknika oħra li tapplika għall-attivitajiet tas-sajd tagħhom.

KAPITOLU VII

L-OSSERVATURI

1. Il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fl-ibħra ta' Kap Verde fil-qafas tal-Ftehim jimbarkaw osservaturi magħżula mill-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd kompetenti (RFO) taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti li ġejjin.

1.1 Fuq talba tal-RFO, il-bastimenti Komunitarji jimbarkaw magħhom osservatur magħżul minn din l-organizzazzjoni li jkollu l-missjoni li jivverifika l-qabdiet li jkunu saru b'mod speċjali fl-ibħra ta' Kap Verde.

1.2 L-RFO kompetenti tistabbilixxi l-lista tal-bastimenti magħżula biex jimbarkaw osservatur kif ukoll il-lista ta' l-osservaturi magħżula biex jiġu imbarkati. Dawn il-listi jiġu aġġornati. Dawn jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea hekk kif jiġu stabbiliti u mbagħad kull tliet xhur fir-rigward ta' l-aġġornament eventwali tagħhom.

1.3 L-RFO kompetenti tikkomunika lill-armaturi kkonċernati jew lir-rappreżentanti tagħhom l-isem ta' l-osservatur magħżul biex jimbarka fuq il-bastiment meta dawn jingħataw il-liċenzja jew sa mhux aktar tard minn 15-il jum qabel id-data prevista għall-imbark ta' l-osservatur.

2. L-osservatur jibqa' fuq il-bastiment għal vjaġġ wieħed. Madankollu, fuq talba espliċita tal-RFO kompetenti, dan l-imbark jista' jkopri aktar minn vjaġġ wieħed skond it-tul medju tal-vjaġġi previsti għal bastiment partikolari. Din it-talba ssir mill-RFO kompetenti waqt il-komunikazzjoni ta' l-isem ta' l-osservatur magħżul biex jimbarka fuq il-bastiment ikkonċernat.

3. Il-kondizzjonijiet ta' l-imbark ta' l-osservatur huma ddefiniti bi qbil bejn l-armatur jew ir-rappreżentant tiegħu u l-RFO kompetenti.

4. L-imbark ta' l-osservatur isir fil-port magħżul mill-armatur fil-bidu ta' l-ewwel vjaġġ fl-ibħra tas-sajd ta' Kap Verde skond in-notifika tal-lista tal-bastimenti magħżula.

5. L-armaturi kkonċernati jikkomunikaw f'terminu ta' ġimagħtejn u b'avviż ta' għaxart ijiem minn qabel id-dati u l-portijiet tas-subreġjun stabbiliti għall-imbark ta' l-osservaturi.

6. Fil-każ li l-osservatur jiġi imbarkat f'pajjiż barra s-subreġjun, l-ispejjeż tal-vjaġġ ta' l-osservatur jitħallsu mill-armatur. Jekk bastiment li jkollu abbord osservatur reġjonali joħroġ barra miż-żona tas-sajd reġjonali, għandha tittieħed kull miżura biex jiġi ggarantit li l-osservatur jittieħed lura f'pajjiżu malajr kemm jista' jkun u l-ispejjeż jitħallsu mill-armatur.

7. Fil-każ li l-osservatur ma jkunx fuq il-post u fil-ħin miftiehma sa tnax-il siegħa wara, l-armatur awtomatikament ma jibqax obbligat li jimbarka lil dan l-osservatur.

8. L-osservatur jitqies bħala uffiċjal abbord. Hu jaqdi dawn id-dmirijiet:

8.1 josserva l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti;

8.2 jivverifika l-pożizzjoni tal-bastimenti involuti f'operazzjonijiet ta' sajd;

8.3 iwettaq operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni bijoloġiċi fil-qafas ta' programmi xjentifiċi;

8.4 jelenka l-inġenji tas-sajd li jintużaw;

8.5 jivverifika l-informazzjoni dwar il-qabdiet li jkunu saru fl-ibħra tas-sajd ta' Kap Verde li tidher fuq il-ġurnal ta' abbord;

8.6 jivverifika l-persentaġġi tal-qabdiet addizzjonali u jagħmel stima tal-volum ta' speċijiet ta' ħut għall-kummerċ li jkunu se jintremew;

8.7 jikkomunika bi kwalunkwe mezz xieraq (bir-radju, permezz ta' faks jew elettronikament) l-informazzjoni dwar is-sajd, inkluż il-volum tal-qabdiet prinċipali u addizzjonali li jkunu abbord, darba fil-ġimgħa meta l-bastiment ikun qed jopera fl-ibħra ta' Kap Verde.

9. Il-kaptan jieħu l-miżuri kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu sabiex jassigura s-sikurezza fiżika u morali ta' l-osservatur fl-eżerċizzju tal-karigi tiegħu.

10. L-osservatur jista' jagħmel użu mill-faċilitajiet kollha meħtieġa biex jeżerċita l-karigi tiegħu. Il-kaptan jagħtih aċċess għall-mezzi ta' komunikazzjoni meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kompiti tiegħu, għad-dokumenti marbuta direttament ma' l-attivitajiet tas-sajd tal-bastiment, li jinkludu b'mod partikolari l-ġurnal ta' abbord u l-ġurnal ta' navigazzjoni, kif ukoll għall-partijiet tal-bastiment meħtieġa sabiex ikun jista' jwettaq il-kompiti tiegħu aktar faċilment.

11. Waqt li jkun fuq il-bastiment, l-osservatur:

11.1 jieħu l-miżuri xierqa kollha sabiex il-kondizzjonijiet ta' l-imbark tiegħu kif ukoll il-preżenza tiegħu fuq il-bastiment ma jwaqqfux u lanqas ifixklu l-operazzjonijiet ta' sajd;

11.2 iħares l-assi u t-tagħmir li jkunu fuq il-bastiment kif ukoll il-kunfidenzjalità ta' kull dokument li jkun proprjetà tal-bastiment imsemmi.

12. Fi tmiem il-perjodu ta' l-osservazzjoni u qabel ma jitlaq minn fuq il-bastiment, l-osservatur jagħmel rapport ta' l-attivitajiet li jintbagħat lill-RFO kompetenti u li tingħata kopja tiegħu lill-kaptan tal-bastiment.

13. L-armatur huwa responsabbli mill-ispejjeż tas-soġġorn u ta' l-ikel ta' l-osservaturi taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għall-uffiċjali. Dan isir skond il-possibilitajiet prattiċi tal-bastiment.

14. Is-salarju u l-ispejjeż tas-sigurtà soċjali ta' l-osservatur jitħallsu mill-RFO kompetenti.

15. Iż-żewġ Partijiet se jikkonsultaw malajr kemm jista' jkun lill-pajjiżi terzi kkonċernati dwar id-definizzjoni ta' sistema ta' osservaturi reġjonali u l-għażla ta' l-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd kompetenti. Sakemm tiġi implimentata sistema ta' osservaturi reġjonali, il-bastimenti awtorizzati biex jistadu fl-ibħra ta' Kap Verde fil-qafas tal-Ftehim se jimbarkaw, flok l-osservaturi reġjonali, osservaturi magħżula mill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde skond ir-regoli stabbiliti hawn fuq.

KAPITOLU VIII

IL-MONITORAĠĠ

1. Il-Komunità Ewropea żżomm lista aġġornata tal-bastimenti li nħarġitilhom liċenzja tas-sajd skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. Din il-lista tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet ta' Kap Verde inkarigati mill-monitoraġġ tas-sajd malli tiġi stabbilita u kull meta tiġi sussegwentement aġġornata.

2. Id-dħul u l-ħruġ miż-żona:

2.1 Il-bastimenti Komunitarji jinnotifikaw, mill-inqas 3 sigħat minn qabel, lill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde inkarigati mill-monitoraġġ tas-sajd bl-intenzjoni tagħhom li jidħlu jew joħorġu miż-żona tas-sajd ta' Kap Verde. Huma jiddikjaraw ukoll il-kwantitajiet globali u l-speċijiet abbord.

2.2 Waqt in-notifika tal-ħruġ tiegħu, kull bastiment Komunitarju jikkomunika wkoll il-pożizzjoni tiegħu. Dawn il-komunikazzjonijiet se jsiru l-ewwel bil-faks, u, fin-nuqqas ta' dan, għall-bastimenti mhux mgħammrin bil-faks, bir-radju u bl-*e-mail*.

2.3 Bastiment li jinqabad jistad mingħajr ma jkun avża lill-awtorità kompetenti ta' Kap Verde jitqies bħala bastiment li kiser il-liġi.

2.4 Jingħataw ukoll in-numri tal-faks u tat-telefon kif ukoll l-indirizz ta' l-email meta tingħata l-liċenzja tas-sajd.

3. Il-proċeduri tal-monitoraġġ

3.1 Il-kaptani tal-bastimenti Komunitarji li jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd fl-ibħra tas-sajd ta' Kap Verde jippermettu u jiffaċilitaw l-imbark u t-twettiq tad-dmirijiet ta' kull uffiċjal ta' Kap Verde inkarigat mill-ispezzjoni u l-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd.

3.2. Il-preżenza ta' dawn l-uffiċjali abbord m'għandiex taqbeż iż-żmien meħtieġ għat-twettiq tal-kompitu tagħhom.

3.3. Fl-aħħar ta' kull spezzjoni u monitoraġġ, jingħata ċertifikat lill-Kaptan tal-bastiment.

4. Il-monitoraġġ bis-satellita

4.1 Il-bastimenti kollha tal-Komunità li jistadu fil-qafas ta' dan il-Ftehim se jkunu mmonitorjati permezz tas-satellita skond il-miżuri li se jiġu adottati waqt l-ewwel sena tal-Protokoll. Dawn il-miżuri se jidħlu fis-seħħ fl-għaxar jum wara n-notifika mill-Gvern ta' Kap Verde lid-Delegazzjoni tal-Komunità Ewropea f'Kap Verde dwar il-bidu tal-ħidma ta' l-organizzazzjoni inkarigata mill-monitoraġġ tal-bastimenti tas-sajd ta' Kap Verde bis-satellita.

5. L-ispezzjoni u l-monitoraġġ

5.1 L-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde jinformaw lill-Istat ta' reġistrazzjoni u lill-Kummissjoni Ewropea, f'terminu massimu ta' 24 siegħa, b'kull spezzjoni u monitoraġġ u b'kull applikazzjoni ta' sanzjoni fuq bastiment Komunitarju, li jkun daħal fl-ibħra tas-sajd ta' Kap Verde.

5.2 L-Istat ta' reġistrazzjoni u l-Kummissjoni Ewropea jirċievu fl-istess ħin rapport qasir dwar iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li wasslu għal din l-ispezzjoni u għall-monitoraġġ.

6. Il-minuti ta' l-ispezzjoni u l-monitoraġġ

6.1 Il-kaptan tal-bastiment, wara li jinkiteb ir-rapport mill-awtorità kompetenti ta' Kap Verde, għandu jiffirma dan id-dokument.

6.2 Dan l-iffirmar ma jippreġudikax id-drittijiet u l-mezzi ta' difiża li l-kaptan jista' jippreżenta biex iwieġeb għall-infrazzjoni li jkun akkużat biha.

6.3 Il-kaptan għandu jieħu l-bastiment tiegħu fil-port indikat mill-awtoritajiet ta' Kap Verde. Fil-każijiet ta' infrazzjoni minuri, l-awtorità kompetenti ta' Kap Verde tista' tawtorizza 'l-bastiment spezzjonat u kkontrollat biex ikompli l-attivitajiet tiegħu tas-sajd.

7. Laqgħa ta' konsultazzjoni f'każ ta' spezzjoni u monitoraġġ

7.1 Qabel ma jiġi kkunsidrat it-teħid ta' miżuri eventwali fil-konfront tal-kaptan jew ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment jew ta' kull azzjoni fil-konfront tal-merkanzija u tat-tagħmir tal-bastiment, ħlief dawk intenzjonati għall-konservazzjoni tal-provi relattivi għall-infrazzjoni li tkun allegata, issir laqgħa ta' konsultazzjoni, sa mhux aktar minn jum tax-xogħol wara li tkun waslet l-informazzjoni msemmija hawn fuq, bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde, bil-parteċipazzjoni eventwali ta' rappreżentant ta' l-Istat Membru kkonċernat.

7.2 Matul din il-laqgħa ta' konsultazzjoni, il-Partijiet jagħmlu skambju bejniethom ta' kull dokument jew informazzjoni utli li jkunu jistgħu jgħinu biex jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi tal-fatti kkonstatati. L-armatur, jew ir-rappreżentant tiegħu, jiġi informat bir-riżultat ta' din il-laqgħa ta' konsultazzjoni kif ukoll bil-miżuri kollha li jistgħu joħorġu mill-ispezzjoni u l-monitoraġġ.

8. Regolament għall-ispezzjoni u l-monitoraġġ

8.1. Qabel kull proċedura ġudizzjarja, l-infrazzjoni allegata għandha tipprova tiġi rregolata permezz ta' proċedura bonarja. Din il-proċedura tispiċċa sa mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara t-tlugħ abbord għall-ispezzjoni u l-monitoraġġ.

8.2. F'każ ta' proċedura bonarja, l-ammont tal-multa applikata jiġi ddeterminat skond ir-regolamentazzjoni ta' Kap Verde.

8.3. F'każ li l-kwistjoni ma tkunx setgħet tiġi rregolata permezz ta' proċedura bonarja u li din titressaq quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti, l-armatur jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde f'ammont li jiġi ffissat meta jitqiesu l-ispejjeż li l-ispezzjoni u l-monitoraġġ tal-bastiment iġibu magħhom kif ukoll l-ammont tal-multi u tal-kumpens li jistgħu jeħlu dawk responsabbli mill-infrazzjoni.

8.4. Il-garanzija bankarja tkun irrevokabbli qabel ma tintemm il-proċedura ġudizzjarja. Hija tiġi rrevokata malli l-proċedura tintemm mingħajr kundanna. Bl-istess mod, f'każ li l-kundanna twassal għal multa anqas mill-garanzija ddepożitata, id-differenza tiġi rilaxxjata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde.

8.5. Il-bastiment jinħeles u l-ekwipaġġ tiegħu jitħalla jitlaq mill-port:

— jew malli jitwettqu l-obbligi li joħorġu mill-proċedura ta' tranżazzjoni;

— jew malli tiġi ddepożitata l-garanzija bankarja msemmija fil-punt 8.3. hawn fuq jew malli tiġi aċċettata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde, sakemm tintemm il-proċedura ġudizzjarja.

9. It-trasbord

9.1 Kull bastiment Komunitarju li jixtieq jagħmel trasbord tal-qabdiet fl-ibħra ta' Kap Verde għandu jagħmel dan fil-portijiet ta' Kap Verde.

9.2. L-armaturi ta' dawn il-bastimenti għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde bl-informazzjoni li ġejja, mill-anqas jumejn tax-xogħol minn qabel:

— l-isem tal-bastimenti tas-sajd li għandhom jittrasbordaw;

— l-isem tal-bastiment tal-merkanzija;

— it-tunnellaġġ għal kull speċi li għandha tiġi ttrasbordata;

— il-jum tat-trasbord;

— iċ-ċertifikat tas-sanità tal-bastiment li se jagħmel it-trasbord.

9.3. It-trasbord jitqies bħala ħruġ miż-żona tas-sajd ta' Kap Verde. Il-bastimenti għandhom għalhekk jagħtu d-dikjarazzjonijiet tal-qabdiet lill-awtoritajiet kompetenti ta' Kap Verde u jinnotifikawhom bl-intenzjoni tagħhom, jiġifieri jew li jkomplu jistadu jew li joħorġu miż-żona tas-sajd ta' Kap Verde.

9.4. Kull operazzjoni ta' trasbord tal-qabdiet li mhix imsemmija fil-punti ta' hawn fuq hija pprojbita fiż-żona tas-sajd ta' Kap Verde. Kull min jikser din id-dispożizzjoni jista' jeħel is-sanzjonijiet stabbiliti bir-regolamentazzjoni fis-seħħ ta' Kap Verde.

10. Il-kaptani tal-bastimenti Komunitarji li huma involuti f'operazzjonijiet ta' żbark jew ta' trasbord f'port ta' Kap Verde jippermettu u jiffaċilitaw il-monitoraġġ ta' dawn l-operazzjonijiet mill-ispetturi ta' Kap Verde. Fit-tmiem ta' kull spezzjoni u kull monitoraġġ fil-port, jingħata ċertifikat lill-kaptan tal-bastiment.

L-appendiċi

1. Il-formola għat-talba tal-liċenzja

2. Il-ġurnal ta' abbord ICCAT

3. Il-pożizzjoni eżatta taż-żona tas-sajd ta' Kap Verde (għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet ta' Kap Verde qabel ma l-Ftehim u l-Protokoll VMS jidħlu fis-seħħ)

Appendiċi 1

Il-ministeru tas-sajd

Talba għal-liċenzja għall-bastimenti barranin tas-sajd industrijali:

1. Isem ta' l-armatur:
2. Indirizz ta' l-armatur:
3. Isem tar-rappreżentant jew ta' l-aġent lokali ta' l-armatur:
4. Indirizz tar-rappreżentant jew ta' l-aġent lokali ta' l-armatur:
5. Isem tal-kaptan:
6. Isem tal-bastiment:
7. Numru ta' reġistrazzjoni:
8. Data u post tal-kostruzzjoni:
9. Pajjiż ta' reġistrazzjoni:
10. Port ta' reġistrazzjoni:
11. Port ta' manutenzjoni:
12. Tul (h.t.):
13. Wisa':
14. Tunnellaġġ gross:
15. Tunnellaġġ nett:
16. Kobor ta' l-istiva:
17. Kobor tal-friża:
18. Tip u saħħa tal-magna:
19. Inġenji tas-sajd:
20. Numru ta' baħrin:
21. Sistema ta' komunikazzjoni:
22. *Call-sign* tar-radju:
23. Sinjali li jagħmluh rikonoxxibbli:
24. Operazzjonijiet ta' sajd li għandu jiżviluppa:
25. Post ta' l-iżbark tal-qabdiet:
26. Żoni tas-sajd:
27. Speċijiet li għandhom jinqabdu:
28. Tul ta' żmien tal-validità:
29. Kondizzjonijiet speċjali:
30. Attivitajiet oħra li jaqgħu taħt l-awtorità ta' Kap Verde:

Opinjoni tad-Direzzjoni Ġenerali tas-sajd:

Osservazzjonijiet tal-Ministeru tas-sajd, ta' l-agrikoltura u tal-ħajja rurali:

Appendiċi 2

ĠURNAL TA' ABBORD TA' *ICCAT* GĦAS-SAJD TAT-TONN

Isem tal-bastiment:	Tunnellaġġ gross:		Xahar	Jum	Sena	Port	
Pajjiż ta' reġistrazzjoni:	Kobor — (TM):	TLUQ tal-bastiment:					Konz
Numru ta' reġistrazzjoni:	Kaptan:						Lixka ħajja
Armatur:	Numru ta' membri fl-ekwipaġġ:						Parit
Indirizz:	Data tar-rapport:						Skuna
.....		RITORN tal-bastiment:					Outros (Oħrajn)
	(Kittieb tar-rapport):	Numru ta' jiem fuq il-baħar :		Numru ta' jiem ta' sajd: ..... Numru ta' rkiekel:		Nru. tal-ħarġa ħas-sajd:	

Data		Settur		T° ta' l-ilma fil-wiċċ (°Ċ)	Prova ħas-sajd Numru ta' snanar użati	Capturas (Qabdiet)																						Isco usado na pesca (Lixka wżata ħas-sajd)			
Xahar	Jum	Latitudni T/N	Lonġitudni L/P			Tonn aħmar *Thunnus thynnus jew maccoyi*		Tonn b'pinen sofor *Thunnus albacares*		(Tonn b'ħajnejn kbar) *Thunnus obesus*		(Alonga) *Thunnus alalunga*		(Pixxispad) *Xiphias gladius*		(Marlin irrigat) (Marlin abjad) *Tetraptunus audax jew albidus*		(Marlin iswed) *Makaira indica*		(Marlin) *Istiophorus albicane jew platypterus*		Listao *Katsuwonus pelamis*		(Qabdiet imħallta)		Total tal-ġurnata (piż f'kg biss)		Balaou	Klamar	Lixka ħajja	(Oħrajn)
						Nru.	Piż f'kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg	Nru.	kg				
Kwantitajiet żbarkati (f'kg)																															

Rimarki

1 — Użu folja kull xahar u linja kuljum.

2 — Wara kull ħarġa, għaddi kopja tal-ġurnal lill-korrispondent tiegħek jew lil ICCAT, Calle Corazón de María, 8, 28002 Madrid. Spanja.

3 — B' "jum", wieħed jifhem il-jum li fih il-konz tpoġġa fil-post.

4 — Is-settur tas-sajd jagħżel il-pożizzjoni tal-bastiment. Ikteb il-ħin fl-eqreb minuta u l-grad tal-latitudni u l-lonġitudni. Ara li tindika T/N u L/P.

5 — L-aħħar linja (Kwantitajiet żbarkati) għandha timtela biss fl-aħħar tal-ħarġa għas-sajd. Jeħtieġ li jiġi indikat il-piż reali fil-mument ta' l-iżbark.

6 — L-informazzjoni kollha inkluża hawnhekk se tibqa' strettament kunfidenzjali.

Appendiċi 3

Protokoll (VMS)

Li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ permezz tas-satellita tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità li jistadu fiż-ŻEE ta' Kap Verde

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll jikkompletaw il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju msemmija fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Kap Verde dwar is-sajd 'il barra minn Kap Verde għall-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2006 u l-31 ta' Awwissu 2011, u japplikaw skond il-punt 4.1. tal-"Kapitolu VII — Il-Monitoraġġ" ta' l-Anness tiegħu.

2. Il-bastimenti kollha tas-sajd li jkunu itwal minn 15-il metru fl-itwal parti tagħhom, li jistadu fil-qafas tal-Ftehim tas-sajd KE/Kap Verde, se jkunu mmonitorjati permezz tas-satellita meta jkunu fiż-ŻEE ta' Kap Verde.

   — L-awtoritajiet ta' Kap Verde jikkomunikaw lill-Parti Komunitarja l-pożizzjonijiet taż-żoni tas-sajd (latitudni u lonġitudni) taż-ŻEE ta' Kap Verde sabiex il-bastimenti jkunu mmonitorjati permezz tas-satellita.

   — L-awtoritajiet ta' Kap Verde se jgħaddu l-informazzjoni taħt forma informatika fi gradi deċimali (WGS 84).

3. Il-Partijiet jipproċedu billi jiskambjaw l-informazzjoni dwar l-indirizzi X.25 u l-ispeċifikazzjonijiet użati fil-komunikazzjoni elettronika bejn iċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tagħhom skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 5 u 7. Din l-informazzjoni se tinkludi, safejn ikun possibbli, l-ismijiet, in-numri tat-telefon, tat-teleks u tal-faks u l-indirizzi elettroniċi (*Internet* jew X.400) li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni ġenerali bejn iċ-Ċentri tal-Monitoraġġ.

4. Il-pożizzjoni tal-bastiment tiġi ddeterminata b'marġini ta' żball inqas minn 500 m u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %.

5. Meta bastiment li jkun qed jistad fil-qafas tal-Ftehim u li jkun immonitorjat permezz tas-satellita skond il-leġiżlazzjoni tal-Komunità jidħol fiż-ŻEE ta' Kap Verde, ir-rapporti tal-pożizzjoni sussegwenti jiġu kkomunikati mill-ewwel miċ-Ċentru tal-Monitoraġġ ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni liċ-Ċentru tas-Sorveljanza tas-Sajd ta' Kap Verde (FMĊ) kultant ħin f'perjodi massimi ta' 3 sigħat. Dawn il-messaġġi jiġu identifikati bħala Rapporti tal-Pożizzjoni.

6. Il-messaġġi previsti fil-punt 5 jintbagħtu b'mezz elettroniku fil-format X.25 jew kull Protokoll ieħor ta' sigurtà. Dawn il-messaġġi jiġu kkomunikati mill-ewwel skond il-format tat-tabella II.

7. F'każ li l-apparat ta' monitoraġġ permanenti permezz tas-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd ikollu ħsara teknika jew jieqaf jaħdem, il-kaptan ta' dan il-bastiment jgħaddi l-informazzjoni prevista fil-punt 5 meta suppost liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni u lill-FMC ta' Kap Verde permezz ta' faks. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ikun meħtieġ li jintbagħat Rapport tal-Pożizzjoni globali kull 9 sigħat. Dan ir-rapport ta' pożizzjoni globali se jinkludi r-rapporti tal-pożizzjoni ħekk kif irreġistrati mill-Kaptan tal-bastiment fuq 3 sigħat skond il-kondizzjonijiet previsti fil-punt 5.

   Iċ-Ċentru tal-Monitoraġġ ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni jibgħat dawn il-messaġġi lill-FMC ta' Kap Verde. It-tagħmir difettuż jissewwa jew jiġi sostitwit f'terminu massimu ta' xahar. Ladarba jgħaddi dan it-terminu, il-bastiment ikkonċernat ikollu joħroġ miż-ŻEE ta' Kap Verde.

8. Iċ-Ċentri tal-Monitoraġġ ta' l-Istati ta' reġistrazzjoni se jimmonitorjaw il-movimenti tal-bastimenti tagħhom fl-ibħra ta' Kap Verde. Fil-każ li l-monitoraġġ tal-bastimenti ma jsirx skond il-kondizzjonijiet stabbiliti, l-FMC ta' Kap Verde jiġi informat b'dan mill-ewwel, malli ssir il-konstatazzjoni, u l-proċedura prevista fil-punt 7 tiġi applikata.

9. Jekk l-FMC ta' Kap Verde jiddeċiedi li l-Istat ta' reġistrazzjoni ma jikkomunikax l-informazzjoni prevista fil-punt 5, is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea jiġu informati b'dan mill-ewwel.

10. L-informazzjoni ta' monitoraġġ ikkomunikata lill-Parti l-oħra, skond dawn il-miżuri, se tkun utilizzata mill-awtoritajiet ta' Kap Verde esklussivament għall-monitoraġġ tal-flotta tal-Komunità li tkun qed tistad fil-qafas tal-Ftehim tas-sajd KE/Kap Verde. Din l-informazzjoni ma tkun tista' fl-ebda każ tiġi kkomunikata lil Partijiet oħra.

11. Il-komponenti tas-softwer u t-tagħmir fiżiku tas-sistema ta' monitoraġġ permezz tas-satellita għandhom ikunu affidabbli u m'għandhom jippermettu l-ebda falsifikazzjoni tal-pożizzjonijiet u lanqas m'għandhom ikunu jistgħu jitħaddmu manwalment.

Is-sistema għandha tkun kollha awtomatika u kapaċi topera dejjem u indipendentement mill-kondizzjonijiet ambjentali u klimatiċi. Huwa pprojbit li wieħed jeqred, jagħmel ħsara, iwaqqaf jew jinterferixxi mas-sistema ta' monitoraġġ permezz tas-satellita.

Il-kaptani tal-bastimenti se jassiguraw li:

— l-informazzjoni ma tiġix mibdula

— l-antenna jew l-antenni marbuta mat-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma jiġux ostakolati

— l-alimentazzjoni elettrika tat-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma tiġix interrotta

— it-tagħmir tal-monitoraġġ permezz tas-satellita ma jiġix żarmat.

12. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw, jekk jintalbu jagħmlu dan, ta' l-informazzjoni dwar it-tagħmir użat għall-monitoraġġ permezz tas-satellita sabiex jivverifikaw li t-tagħmir kollu huwa kompletament kompatibbli ma' l-eżiġenzi tal-Parti l-oħra għall-finijiet ta' dawn il-miżuri.

13. Kull tilwim dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri huwa s-suġġett ta' konsultazzjoni bejn il-Partijiet fil-qafas tal-Kummissjoni Konġunta stabbilita bl-Artikolu 9 tal-Ftehim.

14. Il-Partijiet jaqblu li jirrivedu, jekk ikun meħtieġ, dawn il-miżuri.

IL-KOMUNIKAZZJONI TAL-MESSAĠĠI VMS LIL KAP VERDE

RAPPORT TA' POŻIZZJONI

Informazzjoni	Kodiċi	Obbligatorju/ Fakultattiv	Osservazzjonijiet
Bidu tar-reġistrazzjoni	SR	O	Informazzjoni dwar is-sistema — tindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Destinatarju	AD	O	Informazzjoni dwar il-messaġġ — destinatarju. Kodiċi ISO Alpha 3 tal-pajjiż
Speditur	FR	O	Informazzjoni dwar il-messaġġ — speditur. Kodiċi ISO Alpha 3 tal-pajjiż
Stat ta' reġistrazzjoni	FS	F	
Tip ta' messaġġ	TM	O	Informazzjoni dwar il-messaġġ — tip ta' messaġġ "POS"
Call-sign bir-radju	RC	O	Informazzjoni dwar il-bastiment — *call-sign* internazzjonali bir-radju tal-bastiment
Numru ta' referenza intern għall-Parti Kontraenti	IR	F	Informazzjoni dwar il-bastiment — numru uniku tal-Parti Kontraenti (kodiċi ISO-3 ta' l-Istat ta' reġistrazzjoni segwit b'numru)
Numru ta' reġistrazzjoni estern	XR	O	Informazzjoni dwar il-bastiment — numru li jidher fuq il-ġenb tal-bastiment
Latitudni	LA	O	Informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — pożizzjoni fi gradi u minuti T/N DDMM (WGS-84)
Lonġitudni	LO	O	Informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — pożizzjoni fi gradi u minuti L/P DDDMM (WGS-84)
Direzzjoni	CO	O	Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360°
Veloċità	SP	O	Veloċità tal-bastiment f'għaxriet ta' mili nawtiċi
Data	DA	O	Informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — data ta' reġistrazzjoni tal-pożizzjoni TUC (AAAAMMJJ)
Ħin	TI	O	Informazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — ħin ta' reġistrazzjoni tal-pożizzjoni TUC (HHMM)
Tmiem tar-reġistrazzjoni	ER	O	Informazzjoni dwar is-sistema — turi t-tmiem tar-reġistrazzjoni

Sett ta' karattri: ISO 8859.1

It-trasmissjoni ta' l-informazzjoni hija strutturata kif ġej:

— żewġ linji oblikwi (//) u kodiċi jimmarkaw il-bidu tat-trasmissjoni,

— linja oblikwa waħda (/) timmarka l-firda bejn il-kodiċi u l-informazzjoni.

L-informazzjoni fakultattiva għandha tiddaħħal bejn il-bidu u t-tmiem tar-reġistrazzjoni.

IL-LIMITI TAŻ-ŻEE TA' KAP VERDE

IL-KOORDINATI TAŻ-ŻEE

IL-KOORDINATI TA' L-FMC TA' KAP VERDE

Isem ta' l-FMC:

Tel. SSN:

Faks SSN:

Email SSN:

Tel. DSPG:

Faks DSPG:

Indirizz X25 =

32006D1015

L 414/84 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 30.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2006

dwar il-firma u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Malażja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

(2006/1015/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mal-Gvern tal-Malażja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Malażja dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' l-imsemmi Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Sa meta jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 9(2) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

22006A1230(06)

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Malażja dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minnnaħa waħda, u

IL-GVERN TAL-MALAŻJA (minn hawn 'il quddiem Malażja)

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Partijiet")

GĦARFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet għal servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Malażja, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità sħiħa ma' din sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Malażja u biex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi ta' l-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea t-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għar-rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li skond il-liġi tal-Komunità Ewropea, it-trasportaturi ta' l-ajru ma jistgħux, fil-prinċipju, jikkonkludu ftehimiet li jkollhom imnejn jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u li l-għan jew l-effett tagħhom ikun il-prevenzjoni, ir-restrizjoni jew id-distorzjoni tal-kompetizzjoni,

FILWAQT LI JAGĦRFU li, fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru konklużi bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Malażja li (i) jeżiġu jew jiffavorixxu l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki konċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti; jew (ii) isaħħu l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika konċertata bħal dawn; jew (iii) jiddelegaw lil trasportaturi bl-ajru jew lil operaturi ekonomiċi privati oħra r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi bl-ajru fuq ir-rotot relevanti jistgħu jagħmlu ineffettivi r-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi,

INNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Malażja, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tal-Malażja, jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu ta' ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar id-drittijiet tat-traffiku.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness I liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim jinftiehmu li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness I għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim jinftiehmu bħala li qed jirreferu għat-trasportaturi ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru dożinjati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2

Id-Dożinjazzjoni minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dożinjazzjoni tat-trasportaturi ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u permessi tiegħu mogħtija mill-Malażja, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tat-trasportaturi ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi dożinjazzjoni mingħand Stat Membru, il-Malażja għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi meħtieġa bl-anqas dewmien proċedurali, ipprovdut li:

(i) it-trasportatur ta' l-ajru ikun stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru li qed jiddożinja taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li għandu Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea;

(ii) kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru jkun imħaddem u miżmum mill-Istat Membru responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' l-Operaturi ta' l-Ajru tiegħu u l-awtorità aeronawtika relevanti tkun identifikata b'mod ċar fid-dożinjazzjoni; kif ukoll

(iii) il-post prinċipali tan-negozju tal-kumpanija ta' l-ajru jkun fl-Istat Membru mingħand min tkun irċeviet il-Liċenzja Operattiva valida; kif ukoll

(iv) it-trasportatur ta' l-ajru jkun proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, u jkun ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-istati l-oħra elenkati fl-Anness III u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-istati l-oħra.

3. Il-Malażja tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru minn Stat Membru fejn:

(i) it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun qed jiddożinjah taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollux Liċenzja Operattiva valida skond il-liġi tal-Komunità Ewropea; jew

(ii) ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tiegħu, jew l-awtorità aeronawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-dożinjazzjoni; jew

(iii) it-trasportatur ta' l-ajru ma jkunx proprjetà, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, jew ma jkunx ikkontrollat effettivament mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, u/jew mill-Istati l-oħra elenkati fl-Anness III u/jew miċ-ċittadini ta' Stati oħra bħal dawn; jew

(iv) it-trasportatur ta' l-ajru ikun diġà awtorizzat li jopera fl-ambitu ta' ftehim bilaterali bejn il-Malażja u xi Stat membru ieħor u l-Malażja turi li, billi jeżerċita d-drittijiet fuq it-traffiku fl-ambitu ta' dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, dan ikun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor; jew

(v) il-kumpanija ta' l-ajru ddożinjata jkollha Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru maħruġ minn Stat Membru u ma jkunx hemm ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn il-Malażja u dak l-Istat Membru, u dak l-Istat Membru jkun ċaħad id-drittijiet tat-traffiku lill-kumpanija ta' l-ajru ddożinjata mill-Malażja;

Waqt li qed teżerċita d-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, il-Malażja m'għandhiex tiddiskrimina bejn it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji fuq il-bażi ta' nazzjonalità.

Artikolu 3

Is-sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(c).

2. Fejn Stat Membru (l-ewwel Stat Membru) iddożinja trasportatur ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa eżerċitat u miżmum mit-tieni Stat Membru, id-drittijiet tal-Malażja taħt id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-ewwel Stat Membru li ddożinja t-trasportatur ta' l-ajru u l-Malażja għandu japplika b'mod ugwali fir-rispett ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew il-manteniment ta' l-istandards tas-sikurezza minn dak it-tieni Stat Membru u b'rispett ta' l-awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' dak it-trasportatur ta' l-ajru.

Artikolu 4

It-tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkomplimentaw il-provożjonijiet li jikkorrispondu fl-artikoli elenkati fl-Anness II(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness II(d) m'għandu jżomm Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' trasportatur ta' l-ajru dożinjat mill-Malażja li jopera bejn punt fit-territorju ta' Stat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5

Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jikkomplimentaw il-provożjonijiet li jikkorrispondu fl-artikoli elenkati fl-Anness II(e).

2. It-tariffi li jiġu imposti mill-kumpanija/i ta' l-ajru dożinjata/i permezz ta' ftehim elenkat fl-Anness I li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness II(e) għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 6

Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kull dispożizzjoni għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness I m'għandu (1) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn intrapriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki mifthema li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kull ftehim, deċiżjoni jew prattika miftehma bħal dawn; jew (iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għatteħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestriġu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I li huma inkompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jiġu applikati.

Artikolu 7

Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim ser jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 8

Reviżjonijiet jew emendi

Il-Partijiet jistgħu, f'kull waqt, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu ġew kompluti.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Partijiet qablu biex japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u l-Malażja li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ma kinux daħlu fis-seħħ u li mhumiex qed jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness I(b). Dan il-Ftehim għandu japplika għal kull Ftehim u arranġament ta' dan it-tip mad-dħul fis-seħħ jew applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Artikolu 10

Tmiem

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness I jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim elenkat fl-Anness I konċernat għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness I jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi […] b'żewġ kopji, fi […] jum ta' […, …] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża, Żvediża u dik Bahasa Melayu.

Għall-Komunità Ewropea *Għall-Gvern tal-Malażja*

ANNESS I

Lista ta' ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

a) Ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Malażja u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati provvižorjament

— Ftehim bejn il-Gvern Federali Awstrijakk u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fit-22 ta' Novembru 1976, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Awstrija" fl-Anness II;

Immodifikat minn Memorandum ta' Ftehim iffirmat fi Vjenna fit-23 ta' Awwissu 1990;

Immodifikat l-aħħar minn Nota Verbali magħmula f'Kuala Lumpur fl-14 ta' Settembru 1994;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fis-26 ta' Frar 1974, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Belġju" fl-Anness II;

Immodifikat l-aħħar bil-Minuti Maqbula magħmula fi Brussell fil-25 ta' Lulju 1978;

Immodifikat l-aħħar bil-Minuti Maqbula magħmula f'Kuala Lumpur fl-14 ta' Ottubru 1993;

— Ftehim bejn ir-Repubblika Soċjalista Ċekaslovakka u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat fi Praga fit-2 ta' Mejju 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Repubblika Ċeka" fl-Anness II;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim li sar fi Praga fit-2 ta' Mejju 1973;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Ottubru 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Danimarka" fl-Anness II;

— Abbozz ta' Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tad-Danimarka u l-Gvern tal-Malażja, inizjalat fl-1997 u 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz ta' Ftehim Malażja — Danimarka" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fis-6 ta' Novembru 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Finlandja" fl-Anness II;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim li sar f'Kuala Lumpur fil-15 ta' Settembru 1997;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tal-Malażja dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Kuala Lumpur fit-22 ta' Mejju 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Franza" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fit-23 ta' Lulju 1968, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Ġermanja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fis-19 ta' Frar 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Ungerija" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern ta' l-Irlanda u l-Gvern tal-Malażja dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Shannon fis-17 ta' Frar 1992, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Irlanda" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tal-Malażja u l-Gvern ta' l-Italja dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Kuala Lumpur fit-23 ta' Marzu 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Italja" fl-Anness II;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim Kunfidenzjali li sar f'Ruma fit-30 ta' Novembru 1994;

Immodifikat mill-Memorandum ta' Ftehim Kunfidenzjali magħmul f'Kuala Lumpur fit-18 ta' Lulju 1997;

Immodifikat mill-*Agreed Record* ta' diskussjonijiet bejn il-Malażja u l-Italja magħmul f'Ruma fit-18 ta' Mejju 2005;

Immodifikat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Londra fit-18 ta' Lulju 2006;

— Ftehim bejn il-Gvern tal-Malażja u l-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu dwar is-servizzi bl-ajru, inizjalat f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Lulju 2002, bħala ż-Żjieda II tal-Memorandum ta' Ftehim Kunfidenzjali u kien iffirmat f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Lulju 2002; minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Lussemburgu" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat fil-Malażja fit-12 ta' Ottubru 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Malta" fl-Anness II;

Li għandu jinqara flimkien mal-Memorandum ta' Ftehim li sar f'Valletta fit-28 ta' Frar 1984;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fil-15 ta' Diċembru 1966, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Olanda" fl-Anness II;

Immodifikat minn Skambju ta' Noti fil-25 ta' Marzu 1988;

Immodifikat mill-Memorandum Kunfidenzjali tat-23 ta' Ottubru 1991;

Immodifikat minn Skambju ta' Noti magħmul f'Kuala Lumpur fl-10 ta' Mejju 1993;

Immodifikat l-aħħar mill-Memorandum ta' Ftehim Kunfidenzjali mehmuż bħala Appendiċi A għal Minuti Maqbula magħmula f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Settembru 1995;

Immodifikat l-aħħar minn Skambju ta' Noti magħmul f'Kuala Lumpur fit-23 ta' Mejju 1996;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Popolari tal-Polonja u l-Gvern tal-Malażja dwar it-trasport ċivili bl-ajru, iffirmat f'Kuala Lumpur fl-24 ta' Marzu 1975, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Polonja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tal-Malażja u r-Repubblika Portugiża dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, inizjalat u ġie mehmuż bħala Żjieda II għall-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Mejju 1998, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Portugall" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Ljubljana fit-28 ta' Ottubru 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Slovenja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern ta' Spanja u l-Gvern tal-Malażja dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Kuala Lumpur fit-23 ta' Marzu 1993, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Spanja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Kuala Lumpur fid-19 ta' Ottubru 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Żvezja" fl-Anness II;

— Abbozz ta' Ftehim dwar is-Servizzi ta' l-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Iżvezja u l-Gvern tal-Malażja, inizjalat fl-1997 u 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Abbozz ta' Ftehim Malażja — Żvezja" fl-Anness II;

— Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tal-Malażja dwar is-servizzi bl-ajru bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom, iffirmat f'Londra fl-24 ta' Mejju 1973, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Malażja — Renju Unit" fl-Anness II;

Immodifikat minn Skambju ta' Noti magħmul f'Kuala Lumpur fl-14 ta' Settembru 1993;

Immodifikat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim magħmul f'Londra fit-18 ta' Jannar 2006;

b) Ftehimiet dwar is-servizzi bl-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn il-Malażja u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati provviżorjament

— Abbozz ta' Memorandum ta' Ftehim mehmuż bħala Appendiċi 1 fl-*Agreed Record* magħmul f'Kuala Lumpur fil-15 ta' Diċembru 2004, li jimmodifika l-Ftehim Malażja-Renju Unit.

ANNESS II

Lista ta' artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I u msemmija fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Ftehim

(a) Deżinjazzjoni minn Stat Membru:

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Awstrija;

— L-Artikolu 2 tal-Ftehim Malażja — Belġju;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu II tal-Ftehim Malażja — Danimarka;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Franza;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Ġermanja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Malażja — Finlandja;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Ungerija;

— L-Artikolu 3 (1-2) tal-Ftehim Malażja — Irlanda;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Italja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Malażja — Malta;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Olanda;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Malażja — Polonja;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Portugall;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Slovenja;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Malażja — Spanja;

— L-Artikolu II tal-Ftehim Malażja — Żvezja;

— L-Artikolu 3 (1-3) tal-Ftehim Malażja — Renju Unit;

(b) Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi:

— L-Artikolu 3 (4-7) tal-Ftehim Malażja — Awstrija;

— L-Artikolu 3 tal-Ftehim Malażja — Belġju;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu III tal-Ftehim Malażja — Danimarka;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Finlandja;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Franza;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Ġermanja;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Ungerija;

— L-Artikolu 3 (3-6) tal-Ftehim Malażja — Irlanda;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Malażja — Italja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Malta;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Olanda;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Polonja;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Portugall;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Slovenja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Spanja;

— L-Artikolu III tal-Ftehim Malażja — Żvezja;

— L-Artikolu 3 (4-6) tal-Ftehim Malażja — Renju Unit;

(c) Is-sikurezza:

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Belġju;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Malażja — Ungerija;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Malażja — Italja;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Malażja — Lussemburgu;

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Malażja — Portugall;

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Malażja — Spanja;

— L-Artikolu 9A tal-Ftehim Malażja — Renju Unit;

(d) It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni:

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Awstrija;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Belġju;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu IV tal-Ftehim Malażja — Danimarka;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Malażja — Finlandja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Franza;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Ġermanja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Ungerija;

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Malażja — Irlanda;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Malażja — Italja;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Malażja — Lussemburgu;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Malażja — Malta;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Olanda;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Malażja — Polonja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Portugall;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Slovenja;

— L-Artikolu 5 tal-Ftehim Malażja — Spanja;

— L-Artikolu IV tal-Ftehim Malażja — Żvezja;

— L-Artikolu 6 ta' l-Abbozz tal-Ftehim Awstralja — Żvezja;

— L-Artikolu 4 tal-Ftehim Malażja — Renju Unit;

(e) Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea:

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Awstrija;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Malażja — Belġju;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Repubblika Ċeka;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Malażja — Finlandja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Franza;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Ġermanja;

— L-Artikolu VII tal-Ftehim Malażja — Danimarka;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Spanja;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Malażja — Ungerija;

— L-Artikolu 6 tal-Ftehim Malażja — Irlanda;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Malażja — Italja;

— L-Artikolu 11 tal-Ftehim Malażja — Lussemburgu;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Malażja — Malta;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Olanda;

— L-Artikolu 10 tal-Ftehim Malażja — Polonja;

— L-Artikolu 9 tal-Ftehim Malażja — Portugall;

— L-Artikolu 8 tal-Ftehim Malażja — Slovenja;

— L-Artikolu VII tal-Ftehim Malażja — Żvezja;

— L-Artikolu 7 tal-Ftehim Malażja — Renju Unit.

ANNESS III

Lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda (skond il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) Il-Prinċipat ta' Liechtenstein (skond il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) Ir-Renju tan-Norveġja (skond il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) IIl-Konfederazzjoni Żvizzera (skond il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera).

32006D1016

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Diċembru 2006

li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità

(2006/1016/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Mill-1963 'l hawn il-Bank Ewropew ta' l-Investiment (il-"BEI") wettaq operazzjonijiet barra mill-Komunità b'sostenn għal-linji politiċi esterni tal-Komunità.

(2) Il-parti l-kbira minn dawk l-operazzjonijiet twettqu fuq it-talba tal-Kunsill u bbenefikaw minn garanzija baġitarja Komunitarja li ġiet amministrata mill-Kummissjoni. L-iktar reċentement, il-garanzija Komunitarja ġiet stabbilita għall-perjodu 2000-2007 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerika Latina u l-Asja u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel) [2] u permezz tad-Deċiżjonijiet 2001/777/KE [3] u 2005/48/KE [4] għal azzjonijiet ta' self reġjonalment speċifiċi.

(3) Bil-ħsieb li tiġi sostnuta l-azzjoni esterna ta' l-UE mingħajr ma jintlaqat il-mertu ta' kreditu tal-BEI, il-BEI għandu jkun offrut garanzija baġitarja Komunitarja għall-operazzjonijiet imwettqa barra mill-Komunità. Il-BEI għandu jkun inkoraġġut sabiex iżid l-operazzjonijiet tiegħu barra mill-Komunità mingħajr ma jirrikorri għall-garanzija Komunitarja, b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u fil-Mediterran kif ukoll f'pajjiżi ta' grad ta' investiment f'reġjuni oħra, filwaqt li n-natura tal-kopertura tal-garanzija Komunitarja għandha tkun iċċarata bħala waħda li tkopri riskji ta' natura politika jew sovrana.

(4) Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri t-telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti eliġibbli ta' investiment tal-BEI li twettqu f'pajjiżi koperti mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni [5] (l-"IPA"), l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija [6] (l-"ENPI") u l-Istrument ta' Koperazzjoni għall-Iżvilupp (id-"DC"), fejn il-finanzjament jew garanzija ngħataw skond ftehim iffirmat li la skada u lanqas ġie kkanċellat (l-"Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI").

(5) Huwa meħtieġ li l-ammonti koperti mill-Garanzija Komunitarja taħt din id-Deċiżjoni jirrappreżentaw limiti għall-finanzjament mill-BEI taħt il-garanzija Komunitarja. M'għandhomx jikkostitwixxu miri li l-BEI għandu neċessarjament jilħaq.

(6) Il-linji politiċi dwar ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE ġew riveduti u mwessa' fl-aħħar snin. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni kif stabbilita fid-Dokument ta' Strateġija tat-Tkabbir ta' l-2005 tal-Kummissjoni għall-Politika Ewropea dwar il-Viċinat, kif stabbilita fid-Dokument ta' Strateġija tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004, għas-sħubiji mġedda ma' l-Amerika Latina u max-Xlokk ta' l-Asja u għas-Sħubija Strateġika ta' l-UE mar-Russja, maċ-Ċina u ma' l-Indja.

(7) Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni ta' l-UE ser ikunu sostnuti wkoll mill-istrumenti finanzjarji l-ġodda, jiġifieri, l-IPA, l-ENPI, id-DCI u l-Istrument għall-Istabbiltà [7].

(8) Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ikunu konsistenti mal-linji politiċi esterni ta' l-UE, inklużi l-objettivi reġjonali speċifiċi. Permezz ta' koerenza ġenerali ma' l-azzjonijiet ta' l-UE, il-finanzjament tal-BEI għandu jkun komplementari għal-linji politiċi, programmi u strumenti ta' l-assistenza Komunitarja korrispondenti fir-reġjuni differenti. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li l-protezzjoni ta' l-ambjent u s-sigurta ta' l-enerġija ta' l-Istati Membri jiffurmaw parti mill-objettivi ta' finanzjament tal-BEI fir-reġjuni eliġibbli kollha. Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iseħħu f'pajjiżi li jikkonformaw ma' kondizzjonijiet xierqa li jkunu konsistenti ma' ftehim ta' l-UE ta' livell għoli dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi.

[1] Opinjoni tat-30 ta' Novembru 2006 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/174/KE (ĠU L 62, 3.3.2006, p. 26).

[3] ĠU L 292, 9.11.2001, p. 41.

[4] ĠU L 21, 25.1.2005, p. 11.

[5] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 82).

[6] Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

[7] Regolament (KE) Nru 1717/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 1).

(9) Id-djalogu dwar l-orjentazzjoni ta' linji politiċi bejn il-Kummissjoni u l-BEI, kif ukoll l-ippjanar strateġiku u l-koerenza bejn il-finanzjament mill-BEI u l-Kummissjoni, għandhom jissaħħu. Il-konnessjoni bejn l-attivitajiet tal-BEI barra mill-Komunità u l-linji politiċi ta' l-UE għandha tissaħħaħ permezz ta' koperazzjoni mtejba bejn il-BEI u l-Kummissjoni fil-livell ċentrali, kif ukoll fil-livell lokali. Tali koordinazzjoni msaħħa għandha tinkludi, *inter alia*, konsultazzjoni reċiproka bikrija fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' politika, ta' preparazzjoni ta' dokumenti ta' importanza reċiproka u ta' proġetti fi stat ta' tfassil. Ser tkun ta' importanza partikolari l-konsultazzjoni bikrija dwar id-dokumenti ta' programmazzjoni strateġika ppreparati mill-Kummissjoni jew mill-BEI sabiex is-sinerġiji bejn l-attivitajiet tal-BEI u tal-Kummissjoni jiġu massimizzati u jitkejjel il-progress lejn l-objettivi relevanti tal-politika ta' l-UE.

(10) Fir-rigward tal-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-finanzjament tal-BEI f'dawk il-pajjiżi għandu jirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti fis-Sħubiji għall-Adeżjoni u dawk Ewropej, fil-ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u fin-negozjati ma' l-UE. L-attenzjoni ffokata fuq l-azzjoni ta' l-UE fil-Balkani tal-Punent għandha tkompli tiġi trasposta progressivament minn sostenn għar-rikostruzzjoni għal sostenn ta' qabel l-adeżjoni. F'dan il-kuntest, l-attività tal-BEI għandha tfittex ukoll li tinkoraġġixxi l-aspett tal-bini ta' l-istituzzjonijiet, fejn dan ikun relevanti, f'koperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra (l-"IFI") attivi fir-reġjun. Matul il-perjodu 2007-2013, il-finanzjament lill-pajjiżi kandidati (il-Kroazja, it-Turkija u r-Repubblika *ex*-Jugoslava tal-Maċedonja) għandu jseħħ dejjem aktar taħt il-Faċilità ta' Qabel l-Adeżjoni li saret disponibbli mill-BEI, li għandha tiġi estiża maż-żmien sabiex tkopri l-pajjiżi kandidati potenzjali fil-Balkani tal-Punent skond il-progress tal-proċess ta' l-adeżjoni tagħhom.

(11) Fir-rigward ta' pajjiżi koperti mill-ENIP, l-BEI għandu jkompli u jikkonsolida l-attivitajiet tiegħu fir-reġjun Mediterran billi jsaħħaħ il-fokus tiegħu fuq l-iżvilupp tas-settur privat. F'dan ir-rigward, il-koperazzjoni mill-pajjiżi msieħba għall-iffaċilitar ta' l-iżvilupp fis-settur privat u l-inkoraġġiment tar-riforma strutturali, b'mod partikolari r-riforma fis-settur finanzjarju, hi meħtieġa, kif ukoll miżuri oħrajn għall-iffaċilitar l-attivitajiet tal-BEI, b'mod partikolari sabiex jiġi żgurat li l-BEI ikun jista' jiħroġ bonds fis-swieq lokali. Rigward l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja, il-BEI għandu jsaħħaħ l-attivitajiet tiegħu fil-pajjiżi kkonċernati b'mod konformi mal-kondizzjonalità xierqa konsistenti mal-ftehim ta' l-UE fuq livell għoli mal-pajjiż in kwistjoni dwar aspetti politiċi u makro-ekonomiċi. F'dan ir-reġjun, il-BEI għandu jiffinanzja proġetti ta' interess sinifikattiv għall-UE fl-infrastruttura tat-trasport, ta' l-enerġija, tal-mezzi ta' telekomunikazzjoni u ta' l-ambjent. Għandha tingħata prijorità lil proġetti fuq l-assi ewlenin estiżi tan-Netwerk Trans Ewropew, proġetti b'implikazzjonijiet transkonfinali għal Stat Membru wieħed jew aktar u proġetti prinċipali li jiffavorixxu l-integrazzjoni reġjonali permezz ta' konnettività akbar. Fis-settur ambjentali, fir-Russja l-BEI għandu jagħti prijorità partikolari lill-proġetti fi ħdan il-qafas tas-Sħubija Ambjentali tad-Dimensjoni tat-Tramuntana. Fis-settur ta' l-enerġija, huma ta' importanza partikolari l-proġetti strateġiċi għall-provvista ta' l-enerġija u għat-transport ta' l-enerġija. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'dan ir-reġjun għandhom jitwettqu f'koperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ("l-EBRD"), b'mod partikolari skond it-termini li jridu jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.

(12) Il-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi Asjatiċi u ta' l-Amerika Latina ser ikun progressivament allinjat ma' l-istrateġija ta' koperazzjoni ta' l-UE f'dawk ir-reġjuni u ser ikun komplementari għall-istrumenti ffinanzjati minn riżorsi baġitarji tal-Komunità. Il-BEI għandu jagħmel ħiltu sabiex jespandi progressivament l-attivitajiet tiegħu fuq numru akbar ta' pajjiżi f'dawk ir-reġjuni, inkluż fil-pajjiżi l-inqas prosperi. Bħala appoġġ għall-objettivi ta' l-UE, l-finanzjament tal-BEI fil-pajjiżi Asjatiċi u ta' l-Amerika Latina għandu jiffoka fuq is-sostenibbiltà ambjentali (inkluża l-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima) u l-proġetti dwar is-sigurtà ta' l-enerġija, kif ukoll is-sostenn kontinwu lill-preżenza ta' l-UE fl-Asja u l-Amerika Latina permezz ta' Investiment Barrani Dirett, u t-trasferiment ta' teknoloġija u ta' kapaċitajiet. B'kont meħud tal-kost-effiċjenza, il-BEI għandu jkun jista' jaħdem ukoll direttament ma' kumpanniji lokali, b'mod partikolari fil-qasam tas-sostenibbiltà ambjentali u s-sigurtà ta' l-enerġija. Ir-reviżjoni ta' nofs it-term ser teżamina mill-ġdid l-objettivi tal-finanzjament tal-BEI fl-Asja u l-Amerika Latina.

(13) Huwa kunsiljabbli li fl-Asja Ċentrali, il-BEI jiffoka fuq il-proġetti prinċipali tal-provvista ta' l-enerġija u tat-trasport ta' l-enerġija b'implikazzjonijiet transkonfinali. Huwa kunsiljabbli li l-finanzjament tal-BEI fl-Asja Ċentrali jitwettaq f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-EBRD, b'mod partikolari skond it-termini li għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-EBRD.

(14) Sabiex jiġu komplementati l-attivitajiet tal-BEI taħt il-Ftehim ta' Kotonù għall-pajjiżi tal-AKP, l-Afrika t'Isfel, huwa kunsiljabbli li l-BEI jiffoka fuq proġetti ta' infrastruttura ta' interess pubbliku (inklużi infrastruttura muniċipali, provvista ta' l-enerġija u ta' l-ilma) u fuq is-sostenn lis-settur privat, inklużi l-SMEs. L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni ekonomika taħt il-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali u għall-Iżvilupp bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel ser tippromwovi aktar l-attivitajiet tal-BEI f'dan ir-reġjun.

(15) Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-koerenza tas-sostenn globali ta' l-UE fir-reġjuni kkonċernati, huwa kunsiljabbli li jiġu esplorati opportunitajiet sabiex il-finanzjament tal-BEI jiġi kombinat mar-riżorsi baġitarji ta' l-UE kif xieraq, fil-forma ta' sostenn għall-għotjiet, ta' kapital ta' riskju u ta' sussidju għar-rati ta' l-imgħax, flimkien ma' assistenza teknika għall-preparazzjoni, l-implimentazzjoni jew it-titjib ta' proġetti jew tisħiħ tal-qafas legali u regolatorju, permezz ta' l-IPA, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabbiltà u, għall-Afrika t'Isfel, id-DCI.

(16) Il-BEI diġà jikkopera mill-qrib ma' l-IFI u ma' istituzzjonijiet bilaterali Ewropej. Din il-koperazzjoni hija ggwidata minn Memoranda ta' Ftehim speċifiċi għarreġjuni, li għandhom jiġu approvati mill-korpi regolatorji tal-BEI. Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra mill-UE li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu sabiex itejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-koperazzjoni ma' l-IFI u ma' l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej fejn ikun relevanti, inkluż, fejn xieraq, koperazzjoni dwar il-kondizzjonalità tassettur, użu akbar tal-ko-finanzjament u parteċipazzjoni ma' IFI oħra f'inizjattivi globali, bħal dwak li jippromwovu l-koordinazzjoni u l-effiċjenza ta' l-għajnuna.

(17) Huwa meħtieġ li r-rappurtar mill-BEI u mill-Kummissjoni dwar l-Operazzjonijijet ta' Finanzjament tal-BEI jissaħħaħ. Abbażi ta' l-informazzjoni li tasal mingħand il-BEI, il-Kummissjoni għandha tirrapporta, fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa taħt din id-Deċiżjoni. Huwa meħtieġ li r-rapport, b'mod partikolari, jinkludi taqsima dwar valur miżjud skond il-linji politiċi ta' l-UE, u taqsima dwar il-koperazzjoni mal-Kummissjoni, IFI oħra u donaturi bilaterali, inkluż dwar ko-finanzjament.

(18) Huwa meħtieġ li l-garanzija Komunitarja stabbilita permezz ta' din id-Deċiżjoni tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iffirmati matul perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013. Sabiex ikunu jistgħu jwieżnu l-iżviluppi matul l-ewwel nofs ta' dak il-perjodu, huwa meħtieġ li l-BEI u l-Kummissjoni jippreparaw reviżjoni ta' nofs it-term tad-Deċiżjoni. Huwa meħtieġ li din ir-reviżjoni b'mod partikolari tinkludi evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha jkunu speċifikati fl-Anness II.

(19) Huwa meħtieġ li l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ikomplu jiġu ġestiti skond ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi miżuri adegwati ta' kontroll, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri relevanti li jikkonċernaw il-Qorti ta' l-Awdituri u l-OLAF.

(20) Huwa meħtieġ li l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna (il-"Fond ta' Garanzija"), stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994, ikompli jipprovdi riserva ta' likwidità għall-baġit Komunitarju kontra t-telf minn Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI [1].

[1] ĠU L 293, 12.11.1994, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2273/2004 (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 28).

(21) Huwa meħtieġ li l-BEI jipprepara, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm pluriennali indikattiv tal-volum ta' firem ta' Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI, sabiex jiġi żgurat pjan baġitarju adegwat għall-approvviġjonament tal-Fond ta' Garanzija. Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tieħu kont ta' dan il-pjan fil-programmazzjoni baġitarja regolari tagħha trasmessa lill-awtorità baġitarja,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Garanzija u limiti massimi

1. Il-Komunità għandha tagħti lill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (il-"BEI") garanzija globali (il-"garanzija Komunitarja") fir-rigward ta' ħlasijiet li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu, fir-rigward ta' self u ta' garanziji għal self għal proġetti ta' investiment tal-BEI eliġibbli mwettqa fil-pajjiżi koperti minn din id-Deċiżjoni, fejn il-finanzjament jew il-garanzija għasself imsemmi ngħataw skond ftehim iffirmat li la skada u lanqas ma ġie mħassar (l-"Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI") u ngħataw skond ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess u b'sostenn għall-objettivi relevanti tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-garanzija Komunitarja għandha tiġi ristretta għal 65 % ta' l-ammont aggregat tal-krediti mogħtija u tal-garanziji pprovduti taħt l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI, bit-tnaqqis ta' l-ammonti rrimborsati, flimkien mas-somom relatati kollha.

3. Il-limitu massimu ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI tul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 6, bit-tnaqqis ta' l-ammonti kkanċellati, m'għandux jeċċedi EUR 27 800 miljun. Dan il-limitu massimu għandu jitqassam f'żewġ partijiet:

(a) limitu bażiku ta' ammont massimu fiss ta' EUR 25 800 miljun, inkluża d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu definita fil-paragrafu 4, sabiex ikopri l-perjodu kollu msemmi fil-paragrafu 6;

(b) mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 miljun L-attivazzjoni kompleta jew parzjali ta' dan l-ammont fakultattiv u d-distribuzzjoni reġjonali tiegħu ser tiġi deċiża mill-Kunsill skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat. Id-deċiżjoni ser tkun ibbażata fuq ir-riżultat tar-reviżjoni ta' nofs it-term imniżżla fl-Artikolu 9.

4. Il-limitu bażiku msemmi fil-paragrafu 3(a) għandu jitqassam fil-limiti reġjonali li jorbtu li ġejjin:

(a) Pajjiżi ta' Qabel l-Adeżjoni: EUR 8 700 miljun;

(b) Pajjiżi tal-Viċinat u tas-Sħubija: EUR 12 400 miljun;

mqassam fis-sub-limiti indikattivi li ġejjin:

(i) il-Mediterran: EUR 8 700 miljun

(ii) l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja: EUR 3 700 miljun

(ċ) L-Asja u l-Amerika Latina: EUR 3 800 miljun;

mqassam fis-sub-limiti indikattivi li ġejjin:

(i) l-Amerika Latina: EUR 2 800 miljun

(ii) l-Asja: EUR 1 000 miljun

(d) Ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel: EUR 900 miljun.

5. Fil-limiti reġjonali, il-korpi governattivi tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jiġi allokat ammont ta' sa 10 % tal-limiti reġjonali bejn is-sub-limiti.

6. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI iffirmati matul il-perjodu li jibda fl-1 ta' Frar 2007 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2013.

7. Jekk, ma' l-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 6, il-Kunsill ma jkunx adotta deċiżjoni li tagħti Garanzija Komunitarja ġdida lill-BEI għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tiegħu barra mill-Komunità, dak il-perjodu għandu awtomatikament jiġi estiż b'sitt xhur.

Artikolu 2

Pajjiżi koperti

1. Il-lista ta' pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI taħt garanzija Komunitarja hija stabbilita fl-Anness I.

2. Għall-pajjiżi elenkati fl-Anness I u mmarkati bi "*" u għal pajjiżi mhux elenkati fl-Anness I, l-eliġibbiltà ta' tali pajjiż għall-finanzjament mill-BEI taħt granzija Komunitarja għandha tiġi deċiża mill-Kunsill fuq bażi ta' każ b'każ skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat.

3. Il-garanzija Komunitarja għandha tkopri biss l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa f'pajjiżi li kkonkludew ftehim kwadru mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali taħt liema tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom jitwettqu.

4. Fil-każ ta' ħassib serju dwar is-sitwazzjoni politika jew ekonomika f'pajjiż speċifiku, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jissospendi finanzjament ġdid tal-BEI taħt garanzija Komunitarja f''dak il-pajjiż konformement mal-proċedura prevista fl-Artikolu 181a(2) tat-Trattat.

5. Il-garanzija Komunitarja m'għandhiex tkopri l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI f'pajjiż speċifiku, meta l-ftehim li jikkonċerna tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ġie ffirmat wara l-adeżjoni ta' dak il-pajjiż ma' l-UE.

Artikolu 3

Konsistenza mal-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea

1. Il-konsistenza ta' l-azzjonijiet esterni tal-BEI ma' l-objettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea għandha tissaħħaħ bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji tal-finanzjament tal-BEI u r-riżorsi baġitarji ta' l-Unjoni Ewropea, speċjalment permezz ta' djalogu regolari u sistematiku u konsultazzjoni bikrija dwar:

(a) dokumenti strateġiċi ppreparati mill-Kummissjoni, bħal dokumenti ta' strateġija skond il-pajjiż u skond ir-reġjun, pjanijiet ta' azzjoni u dokumenti ta' qabel l-adeżjoni;

(b) id-dokumenti ta' ppjanar strateġiku u l-proġetti li qed jitħejjew tal-BEI;

(ċ) aspetti oħra ta' politika u operattivi.

2. Il-koperazzjoni għandha titwettaq fuq bażi reġjonalment differenzjata, fejn jitqiesu r-rwol tal-BEI kif ukoll il-linji politiċi ta' l-Unjoni Ewropea f'kull reġjun.

3. Operazzjoni ta' Finanzjament tal-BEI ma tiġix inkluża taħt il-kopertura tal-garanzija Komunitarja f'każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva dwar tali operazzjoni fi ħdan il-qafas tal-proċedura prevista fl-Artikolu 21 ta' l-Istatuti tal-BEI.

4. Il-konsistenza ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ma' l-objettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea għandha tkun monitorjata skond l-Artikolu 6.

Artikolu 4

Koperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali oħra

1. L-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI għandhom jitwettqu dejjem aktar, fejn ikun xieraq, f'koperazzjoni bejn u/jew permezz ta' ko-finanzjament mill-BEI u mill-IFI l-oħra, jew l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej, sabiex jiġu massimizzati sinerġiji, koperazzjoni u effiċjenza u sabiex jiġi żgurat qsim raġonevoli tar-riskji u kondizzjonalità koerenti tal-proġett u tas-settur.

2. Din il-koperazzjoni għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinazzjoni, mwettqa speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-IFI u l-istituzzjonijiet bilaterali Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti.

3. Il-koperazzjoni ma' l-IFI u donaturi oħra għandha tiġi vvalutata fir-reviżjoni ta' nofs it-term stabbilita fl-Artikolu 9.

Artikolu 5

Kopertura u termini tal-Garanzija Komunitarja

1. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI konklużi ma' Stat jew garantiti minn Stat, u għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament l-oħra tal-BEI konklużi ma' l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ma' intrapriżi pubbliċi jew istituzzjonijiet tal-gvern u/jew ikkontrollati mill-gvern, fejn tali Operazzjonijiet ta' Finanzjament oħra tal-BEI ikollhom valutazzjoni adegwata tar-riskju tal-kreditu tal-BEI b'kont meħud tas-sitwazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-pajjiż ikkonċernat, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu (il-"Garanzija Komprensiva").

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u ta' l-Artikolu 6(4), il-kunċett ta' Stat jinkludi x-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, kif rappreżentati mill-Awtorità Palestinjana, u l-Kosovo, kif rappreżentat mill-Missjoni ta' Amministrazzjoni Interim tan-NU.

2. Għall-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI diversi minn dawk indikati fil-paragrafu 1, il-garanzija Komunitarja għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jkunux saru lill-BEI, iżda li jkunu dovuti lilu, fejn in-nuqqas ta' ħlas ġie kkawżat mir-realizzazzjoni ta' wieħed mir-riskji politiċi li ġejjin (il-"Garanzija tar-Riskju Politiku"):

(a) non-trasferiment tal-munita;

(b) esproprjazzjoni;

(ċ) gwerra jew irvell ċivili;

(d) ċaħda ta' ġustizzja konsegwentement għal xi ksur ta' kuntratt.

Artikolu 6

Rappurtar u kontabbiltà

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa skond din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni ta' l-impatt u l-effikaċja ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI fil-livell ta' proġett, settur, pajjiż u dak reġjonali kif ukoll tal-kontribut ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, b'kont meħud ta' l-objettivi operattivi tal-BEI. Huwa għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-grad ta' koperazzjoni bejn il-BEI u l-Kummissjoni u bejn il-BEI u donaturi bilaterali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI imwettqa taħt din id-Deċiżjoni u dwar il-kisba ta' l-objettivi tal-politika esterna ta' l-Unjoni Ewropea, inkluża l-koperazzjoni ma' IFI oħra.

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'*data* ta' statistika, finanzjarja u ta' kontabbiltà dwar kull waħda mill-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI skond kif ikun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati d-dmirijiet tagħha ta' rappurtar jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-ammonti pendenti ta' l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI.

4. Għall-finijiet tal-kontabbiltà u tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar ir-riskji koperti mill-Garanzija Komprensiva, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'informazzjoni tal-BEI dwar il-valutazzjoni tar-riskji u dwar gradazzjoni li tikkonċerna l-Operazzjonijiet ta' Finanzjament tal-BEI ma' min jissellef jew ma' obbligaturi garantiti diversi minn Stati.

5. Il-BEI għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 bi spejjeż tiegħu.

Artikolu 7

Irkupru tal-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni

1. Jekk il-Kummissjoni tagħmel xi ħlas taħt il-garanzija Komunitarja, il-BEI għandu, għan-nom ta' u f'isem il-Kummissjoni, ifittex l-irkupru tal-pretensjonijiet għall-ammonti mħallsa.

2. Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati ma' l-irkupru tal-pretensjonijiet sa mhux aktar tard mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 8.

Artikolu 8

Ftehim ta' garanzija

Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati mal-garanzija Komunitarja.

Artikolu 9

Reviżjoni tad-Deċiżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew rapport ta' nofs it-term dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 akkumpanjat, skond il-każ, permezz ta' proposta għall-emendament tiegħu, li tirriferi għal evalwazzjoni esterna li t-termini ta' referenza tagħha huma speċifikati fl-Anness II ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sal-31 ta' Lulju 2013.

Artikolu 10

Applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNESS I

Reġjuni u pajjiżi koperti mill-Artikolu 1

A. PAJJIŻI TA' QABEL L-ADEŻJONI

(1) Pajjiżi kandidati

Il-Kroazja, it-Turkija, Dik li qabel Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

(2) Pajjiżi kandidati potenzjali

L-Albanija, il-Bosnja u Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, il-Kosovo skond ir-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

B. PAJJIŻI TAL-VIĊINAT U TA' SĦUBIJA

(1) Il-Mediterran

L-Alġerija, l-Eġittu, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Libja*, il-Marokk, is-Sirja, it-Tunežija.

(2) L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu t'Isfel u r-Russja

L-Ewropa tal-Lvant: il-Moldova, l-Ukraina, il-Belarus*;

Il-Kawkasu t'Isfel: l-Ażerbajġan*, il-Ġeorġja, l-Armenja*

Ir-Russja: ir-Russja.

Ċ. L-ASJA U L-AMERIKA LATINA

(1) L-Amerika Latina

L-Arġentina, il-Bolivja, il-Brażil, iċ-Ċilì, il-Kolumbja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Messiku, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Paragwaj, il-Perù, l-Urugwaj, il-Venezwela.

(2) L-Asja

L-Asja (mingħajr l-Asja Ċentrali):

L-Afganistan*, il-Bangaladexx, il-Bhutan*, il-Kambodja*, iċ-Ċina (inklużi Ħong Kong u r-Reġjuni Amministrattivi Speċjali tal-Makaw), l-Indja, l-Indonežja, l-Iraq*, il-Korea t'Isfel, il-Laos, il-Malasja, il-Maldive, il-Mongolja, in-Nepal, il-Pakistan, il-Filippini, Singapor, is-Sri Lanka, it-Tajwan*, it-Tajlandja, il-Vjetnam, il-Jemen.

L-Asja Ċentrali:

Il-Każakistan*, il-Krigiżtan*, it-Taġikistan*, it-Turkmenistan*, l-Użbekistan*.

D. L-AFRIKA T'ISFEL

L-Afrika t'Isfel

ANNESS II

Reviżjoni ta' nofs it-term u termini ta' referenza għall-evalwazzjoni tal-mandat estern tal-BEI

Reviżjoni ta' nofs it-term

Sa l-2010 ser issir reviżjoni sostantiva ta' nofs it-term tal-finanzjament estern tal-BEI. Din ir-reviżjoni, li ser tkun infurmata bis-sħiħ minn evalwazzjoni esterna indipendenti li għandha tintbagħat lill-Kunsill, ser tipprovdi l-bażi għal deċiżjoni mill-Istati Membri u safejn jinħareġ mandat fakultattiv li jżid self possibbli fil-perjodu wara l-2010 f'tieni stadju, jekk għandhomx isiru emendi oħra għall-mandat, u kif jiġi żgurat valur miżjud u effiċjenza massimi fl-operazzjonijiet tal-BEI. Il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-reviżjoni ta' nofs it-term sa sat-30 ta' Ġunju 2010, bħala l-bażi għal kwalunkwe proposta għall-emendar tal-mandat. Il-Kunsill ser jiddeċiedi kif meħtieġ wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

Il-qafas ta' l-evalwazzjoni

Din ser tinkludi:

a. evalwazzjoni ta' l-attivitajiet ta' finanzjament estern tal-BEI. Partijiet mill-evalwazzjoni sejrin isiru f'koperazzjoni mad-dipartimenti ta' l-evalwazzjoni tal-BEI u tal-Kummissjoni;

b. valutazzjoni ta' l-impatt aktar ġenerali tas-self estern tal-BEI dwar interazzjoni ma' IFI oħrajn u sorsi oħra ta' finanzjament.

L-evalwazzjoni ser tiġi sorveljata u amministrata minn kumitat ta' tmexxija, li jinkludi diversi "persuni għorrief" maħtura mill-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI, rappreżentanti tal-BEI u tal-Kummissjoni. Il-kumitat ta' tmexxija ser ikun ippresjedut minn tali "persuna għarfa". Huwa ser isejjaħ laqgħa sa mhux aktar tard mill-ewwel semestru ta' l-2008.

Il-kumitat ta' tmexxija ser jiġi appoġġat mid-dipartimenti ta' l-evalwazzjoni tal-BEI u tal-Kummissjoni u minn esperti esterni. Dawn l-esperti esterni sejrin jintgħażlu permezz ta' proċess ta' sejħiet għal offerti tal-Kummissjoni. Il-kumitat ta' tmexxija ser jiġi kkonsultat dwar it-termini ta' referenza u dwar il-kriterji għall-għażla ta' l-esperti esterni. L-ispejjeż għall-esperti esterni imbagħad sejrin jitħallsu mill-Kummissjoni u ser jiġu koperti mill-linja baġitarja ddedikata għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija.

Ir-rapport finali ta' evalwazzjoni ppreżentat mill-kumitat ta' tmexxija ser jagħmel konklużjonijiet ċari, ibbażati fuq l-informazzjoni miġbura, sabiex ikun hemm bażi għad-deċiżjoni tar-reviżjoni ta' nofs it-term dwar jekk għandhux jiġi rilaxxat l-porzjon fakultattiv għall-bqija tat-term tal-mandat u dwar id-distribuzzjoni reġjonali ta' kwalunkwe finanzjament addizjonali.

L-ambitu ta' l-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni ser tkopri l-mandati preċedenti (2000-2006) u l-ewwel snin tal-mandat 2007-2013 sa nofs l-2009. Hija ser teżamina volumi ta' finanzjament u nfiq għall-proġetti skond il-pajjiż kif ukoll assistenza teknika u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskji. B'kunsiderazzjoni ta' l-effetti fil-livell ta' proġett, settur, dak reġjonali u ta' pajjiż, l-evalwazzjoni ser tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq:

a. l-evalwazzjoni approfondita tar-relevanza, il-prestazzjoni (effikaċja, effiċjenza u sostenibbiltà) ta' l-operazzjonijiet tal-BEI kontra l-objettivi reġjonali speċifiċi kif oriġinarjament stipulat fi ħdan il-linji politiċi esterni relevanti ta' l-UE kif ukoll tal-valur miżjud tagħhom (din għandha titwettaq f'assoċjazzjoni ma' l-unità ta' evalwazzjoni tal-BEI u s-servizzi tal-Kummissjoni);

b. il-valutazzjoni tal-konsistenza mal-linji politiċi esterni u l-istrateġiji relevanti ta' l-UE u ta' l-addizzjonalità u l-valur miżjud ta' l-operazzjonijiet tal-BEI fl-ewwel snin tal-mandat 2007-2013 fil-qafas ta' l-objettivi reġjonali speċifiċi fil-mandat 2007-2013 u ta' l-indikaturi korrispondenti ta' prestazzjoni li sejrin jiġu stabbiliti mill-BEI (li ser issir f'assoċjazzjoni ma' l-unità tal-BEI ta' evalwazzjoni u mas-servizzi tal-Kummissjoni).

F'dan il-valutazzjonijiet, l-operazzjonijiet tal-BEI ta' valur miżjud ser jiġu mkejla kontra tlitt elementi: l-appoġġ ta' l-objettivi tal-politika ta' l-UE, il-kwalità tal-proġetti stess u s-sorsi alternattivi ta' finanzjament:

a. analiżi tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-benefiċjarji, il-kapaċità ta' assorbiment tagħhom u d-disponibbiltà ta' sorsi oħra ta' finanzjament privat jew pubbliku għall-istrumenti relevanti;

b. il-valutazzjoni tal-koperazzjoni u l-koerenza ta' azzjonijiet bejn il-BEI u l-Kummissjoni;

ċ. il-valutazzjoni tal-koperazzjoni u s-sinerġiji bejn il-BEI u istituzzjonijiet u aġenziji finanzjarji internazzjonali u bilaterali.

NOTA LILL-QARREJJA

Din l-edizzjoni speċjali qed tirripproduci l-verżjoni Maltija ta' l-Atti ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali bejn l-ewwel ta' Ottubru 2006 u l-wieħed u tletin ta' Diċembru 2006.